IL-KATEKIŻMU
TAL-KNISJA KATTOLIKA

kkk 1-36.OK (r).indd 1 5/23/2014 11:01:26 AM

Fil-qoxra

Il-“logo” tal-qoxra juri partikolaritajiet ta’ lapida fuq qabar Nisrani ta’ tmiem it-tielet seklu, fil-katakombi ta’ Domitilla (Ruma). Id-dehra ta’ ħajja fil-kampanja, ta’ oriġini pagana, ittieħdet mill-Insara bħala simbolu tal-mistrieħ u l-hena li r-ruħ tal-mejjet tgawdi fil-ħajja ta’ dejjem.

Ix-xbieha hija wkoll dehra sħiħa ta’ x’inhu l-Katekiżmu: Kristu r-Ragħaj it-Tajjeb li bl-awtorità tiegħu (il-ħatar), imexxi u jħares lil dawk li jemmnu fih (in-nagħaġ), jiġbidhom lejh bil-ħlewwa tas-sinfonija tal-verità (il-flawt), u jmiddhom għad-dell tas-“siġra tal-ħajja”, is-salib tiegħu, li bih kisbilna s-salvazzjoni u fetħilna s-sema.

Nihil obstat quoad versionem
die 22ª februarii 2014
sac. John A. Berry, sac. Hector Scerri, Cens. theol.

Imprimatur
Florianae, die 12ª martii 2014
✠ Mario Grech, Praeses Conf. Episc. Melitensis

Libreria Editrice Vaticana omnia sibi vindicat iura. Sine eiusdem licentia scripto data nemini liceat hunc Catechismum denuo imprimere aut in aliam linguam vertere.

Għas-siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa, intużat ir-Raba’ Edizzjoni tal-Bibbja, miġjuba bil-Malti mill-ilsna oriġinali (il-Lhudi u l-Grieg) mill-Għaqda Biblika Maltija, 2011. Ħajr lill-Għaqda Biblika Maltija.

© Editio typica – Drittijiet miżmuma 1997
Libreria Editrice Vaticana, Città del Vaticano.
© Verżjoni bil-Malti – Drittijiet miżmuma 1993, 2014
Arċidjoċesi ta’ Malta

Stampat mill-ġdid 2014
Traduzzjoni (1992) mill-oriġinal Franċiż – Mons. Ġużeppi Lupi (1914-2000)
Reviżjoni tat-test (2013) bl-għajnuna tal-Editio typica (Latina) u tat-traduzzjoni Taljana u dik Ingliża – Dun Hector Scerri u Dun John A. Berry.

Produzzjoni: Kurja tal-Arċisqof, Floriana, Malta
Mitbugħ: Asiapacificoffset – Hong Kong
ISBN 978-99932-49-53-5

WERREJ ĠENERALI

Kostituzzjoni Appostolika “Fidei Depositum” 27
Daħla 39
I. Il-ħajja tal-bniedem: li jagħraf u jħobb lil Alla 39
II. Ix-xandir tal-fidi: il-katekeżi 40
III. L-għan ta’ dan il-Katekiżmu: għal min hu 42
IV. L-istruttura tal-Katekiżmu 43
V. Tagħrif prattiku dwar l-użu ta’ dan il-Katekiżmu 44
VI. L-adattazzjonijiet meħtieġa 45
Fuq kollox: l-imħabba 46

L-EWWEL PARTI
L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

L-EWWEL SEZZJONI: “JIENA NEMMEN” – “AĦNA NEMMNU”

L-EWWEL KAPITLU: IL-BNIEDEM JISTA’ JASAL BIEX IKUN JAF ’L ALLA 51

I. Ix-xewqa ta’ Alla 51
II. It-triqat li jwasslu għall-għarfien ta’ Alla 53
III. L-għarfien ta’ Alla skont il-Knisja 55
IV. Kif titkellem dwar Alla? 56
Fil-qosor 57

IT-TIENI KAPITLU: ALLA JILTAQA’ MAL-BNIEDEM 59

L-ewwel artiklu: Ir-Rivelazzjoni ta’ Alla 59

I. Alla jirrivela “l-pjan kollu mħabba tiegħu” 59
II. Il-passi tar-Rivelazzjoni 60
Sa mill-bidu Alla għarraf lilu nnifsu, 60 – Il-patt ma’ Noè, 61 – Alla jagħżel ’l Abraham, 62 – Alla jsawwar ’l Iżrael bħala l-poplu tiegħu, 63.

kkk 1-36.OK (r).indd 2-3 5/23/2014 11:01:26 AM

III. Kristu Ġesù – "Il-Medjatur u l-milja tar-Rivelazzjoni kollha" 64
Alla qal kollox fil-Verb tiegħu, 64 – Mhux se jkun hemm aktar Rivelazzjoni, 65
Fil-qosor 65

It-tieni artiklu: Kif titwassal ir-Rivelazzjoni ta' Alla 66

I. It-Tradizzjoni Appostolika 67
Il-predikazzjoni appostolika, 67 – titkompla minn dawk li ġew wara l-Appostli, 67
II. Ir-relazzjoni bejn it-Tradizzjoni u l-Iskrittura 68
Għajn waħda komuni, 68 – ... żewġ suriet distinti ta' trażmissjoni, 69 – Tradizzjoni appostolika u tradizzjonijiet ekkleżjali, 69.
III. L-interpretazzjoni tal-wirt tal-fidi 70
Il-wirt tal-fidi fdat lill-Knisja fil-milja kollha tagħha, 70 – Il-Maġisteru tal-Knisja, 70 – Id-dommi tal-fidi, 71 – Is-sens sopranaturali tal-fidi, 72 – L-iżvilupp fl-għarfien tal-fidi, 72.
Fil-qosor 73

It-tielet artiklu: L-Iskrittura Mqaddsa 74

I. Kristu: il-Kelma waħdanija tal-Iskrittura Mqaddsa 74
II. L-ispirazzjoni u l-verità tal-Iskrittura Mqaddsa 75
III. L-Ispirtu s-Santu, interpretu tal-Iskrittura 77
Is-sens tal-Iskrittura, 78
IV. Il-Kanoni tal-Iskrittura 80
It-Testment il-Qadim, 81 – It-Testment il-Ġdid, 82 – L-għaqda tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid, 83
V. L-Iskrittura Mqaddsa fil-ħajja tal-Knisja 84
Fil-qosor 85

It-tielet kapitlu: It-tweġiba tal-bniedem lil Alla 87

L-ewwel artiklu: Jien nemmen 87

I L-ubbidjenza tal-fidi 87
Abraham, "Missier dawk kollha li jemmnu", 88 – Marija: "hienja dik li emmnet", 89
II. "Jien naf f'min emmint" (*2 Tim* 1,12) 89
Temmen f'Alla wieħed, 89 – Temmen f'Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla, 90 – Temmen fl-Ispirtu s-Santu, 90.
III. Il-karatteristiċi tal-fidi 90
Il-fidi hi grazzja, 90 – Il-fidi hi att tal-bniedem, 91 – Il-fidi u l-għarfien, 92 – Il-libertà tal-fidi, 94 – Il-ħtieġa tal-fidi, 94 – il-perseveranza fil-fidi, 95 – Il-fidi: bidu tal-ħajja ta' dejjem, 95.

It-tieni artiklu: Aħna nemmnu 96

I. "Ħares, Mulej, lejn il-fidi tal-Knisja tiegħek" 97
II. Il-lingwaġġ tal-fidi 98
III. Fidi waħda 98
Fil-qosor 100
Il-Kredu 102

IT-TIENI SEZZJONI:
L-ISTQARRIJA TAL-FIDI NISRANIJA

Is-Simboli tal-fidi 107

L-ewwel kapitlu: Jiena nemmen f'Alla l-Missier 113

L-ewwel artiklu: "Jiena nemmen f'Alla l-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art" 113

L-ewwel paragrafu: Jiena nemmen f'Alla 113

I. "Jiena nemmen f'Alla wieħed" 114
II. Alla jirrivela ismu 115
Alla l-ħaj, 115 – "Jien li jien", 116 – "Alla ta' tjieba u ħniena", 117 – Alla biss HU, 118
III. Alla, "Dak li hu", hu Verità u Mħabba 118
Alla hu Verità, 119 – Alla hu Mħabba, 120
IV. Sa fejn tasal il-fidi f'Alla Wieħed 121
Fil-qosor 122

It-tieni paragrafu: Il-Missier 123

I. "Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" 123
II. Ir-Rivelazzjoni ta' Alla bħala Trinità 124
Il-Missier irrivelat mill-Iben, 124 – Il-Missier u l-Iben irrivelati mill-Ispirtu, 126
III. It-Trinità Qaddisa fid-duttrina tal-fidi 128
Il-formazzjoni tad-domma tat-Trinità, 128 – Id-domma tat-Trinità Qaddisa, 129
IV. L-opri ta' Alla u l-missjonijiet trinitarji 131
Fil-qosor 133

It-tielet paragrafu: Alla li jista' kollox 135
"Hu jagħmel kull ma jogħġbu" (*Salm* 115,3), 135 – "Int tħenn għal kulħadd għax tista' kollox" (*Ġherf* 11,23), 135 – Il-misteru li xi kultant Alla jidher li ma jista' jagħmel xejn, 136
Fil-qosor 137

kkk 1-36.OK (r).indd 4-5 5/23/2014 11:01:26 AM

Ir-raba' paragrafu: Il-Ħallieq 138

I. Il-katekeżi dwar il-ħolqien 139
II. Il-ħolqien: għemil tat-Trinità Qaddisa 141
III. "Id-dinja nħalqet għall-glorja ta' Alla" 142
IV. Il-misteru tal-ħolqien 143
Alla joħloq b'għerf u mħabba, 143 – Alla joħloq "mix-xejn", 144 – Alla joħloq dinja tajba u b'ordni sħiħ, 145 – Alla hu 'l fuq mill-ħolqien iżda hu preżenti fih, 146 – Alla jżomm sħiħ il-ħolqien, 146.
V. Alla jtemm il-pjan tiegħu: Il-Providenza ta' Alla 147
Il-Providenza u l-kawżi sekondarji, 148 – Il-providenza u l-iskandlu tal-ħażen, 149

Fil-qosor 152

Il-ħames paragrafu: Is-sema u l-art 153

I. L-anġli 154
L-eżistenza tal-anġli – verità tal-fidi, 154 – Min huma?, 154 – Kristu "mal-anġli kollha tiegħu", 155 – L-anġli fil-ħajja tal-Knisja, 156
II. Id-dinja li tidher 157
Fil-qosor 160

Is-sitt paragrafu: Il-bniedem 161

I. Maħluq "xbihet Alla" 161
II. "Wieħed bir-ruħ u l-ġisem" 164
III. "Raġel u mara ħalaqhom" 166
L-ugwaljanza u d-differenza li ried Alla, 166 – "Huma għal xulxin" – "għaqda tat-tnejn", 166
IV. Il-bniedem fil-ġenna tal-art 167
Fil-qosor 169

Is-seba' paragrafu: il-waqgħa 169

I. Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja 170
Ir-realtà tad-dnub, 170 – Id-dnub tan-nisel: verità essenzjali tal-fidi, 171 – Kif naqraw il-ġrajja tal-waqgħa, 172
II. Il-waqgħa tal-anġli 172
III. Id-dnub tan-nisel 174
Il-prova tal-libertà, 174 – L-ewwel dnub tal-bniedem, 174 – Il-konsegwenzi tad-dnub ta' Adam għall-familja kollha tal-bnedmin, 176 – Taqbida iebsa, 178
IV. "Ma ħallejtux taħt is-setgħa tal-mewt" 179
Fil-qosor 181

It-tieni kapitlu: "Nemmen f'Ġesù Kristu, Ibnu wieħed, Sidna" 183
Il-Bxara t-Tajba: Alla bagħat lil Ibnu, 183 – "Inxandar ... l-għana ta' Kristu, għana li ebda moħħ ma jista' jifhmu" (*Ef* 3,8), 184 – Il-qalba tal-katekeżi: Kristu, 184

It-tieni artiklu: "U f'Ġesù Kristu, Ibnu wieħed, Sidna" 186

I. Ġesù 186
II. Kristu 188
III. Iben waħdieni ta' Alla 190
IV. Mulej 192
Fil-qosor 193

It-tielet artiklu: "Kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija Verġni" 194

L-ewwel paragrafu: L-Iben ta' Alla sar bniedem 194

I. Għaliex l-Iben ta' Alla sar bniedem? 194
II. L-Inkarnazzjoni 196
III. Veru Alla u veru bniedem 197
IV. Kif huwa bniedem l-Iben ta' Alla? 200
Ir-ruħ u l-intelliġenza ta' Kristu bħala bniedem, 201 – Ir-rieda umana ta' Kristu, 202 – Il-ġisem veru ta' Kristu, 202 – Il-qalb tal-Verb magħmul bniedem, 203

Fil-qosor 203

It-tieni paragrafu: "Kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni" 204

I. Kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu 204
II. ... twieled minn Marija Verġni 205
Il-predestinazzjoni ta' Marija, 205 – Imnissla bla tebgħa, 206 – "Ħa jsir minni skont kelmtek ...", 208 – Il-maternità divina ta' Marija, 208 – Il-verġinità ta' Marija, 209 – Marija "dejjem verġni", 210 – Il-maternità verġinali ta' Marija fil-pjan ta' Alla, 211

Fil-qosor 213

It-tielet paragrafu: Il-misteri tal-ħajja ta' Kristu 213

I. Il-ħajja kollha ta' Kristu hi misteru 214
Il-karatteristiċi komuni tal-misteri ta' Ġesù, 215 – Ix-xirka tagħna fil-misteri ta' Ġesù, 216

kkk 1-36.OK (r).indd 6-7 5/23/2014 11:01:26 AM

II. Il-misteri tat-tfulija u tal-ħajja moħbija taʼ Ġesù 217
It-tħejjija, 217 – Il-misteru tal-Milied, 218 – Il-misteri tat-tfulija taʼ Ġesù, 219 – Il-misteri tal-ħajja moħbija taʼ Ġesù, 221

III. Il-misteri tal-ħajja pubblika taʼ Ġesù 222
Il-magħmudija taʼ Ġesù, 222 – It-tiġrib taʼ Ġesù, 224 – "Is-Saltna taʼ Alla hi fil-qrib", 225 – It-tħabbira tas-Saltna taʼ Alla, 226 – Is-sinjali tas-Saltna taʼ Alla, 227 – "L-imfietaħ tas-Saltna", 228 – Esperjenza tat-tgawdija tas-Saltna li għad trid tiġi fil-milja tagħha: it-Trasfigurazzjoni, 229 – It-tlugħ lejn Ġerusalemm, 231 – Id-daħla messjanika taʼ Ġesù fʼĠerusalemm, 232

Fil-qosor 233

Ir-rabaʼ artiklu: Ġesù Kristu "bata taħt Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh" 235

L-ewwel paragrafu: Ġesù u Iżrael 235

I. Ġesù u l-Liġi 237
II. Ġesù u t-Tempju 239
III. Ġesù u l-fidi taʼ Iżrael fʼAlla Wieħed u Salvatur 240
Fil-qosor 242

It-tieni paragrafu: Ġesù jmut fuq is-salib 242

I. Il-proċess taʼ Ġesù 242
Firdiet fost l-awtoritajiet Lhud dwar Ġesù, 242 – Il-Lhud mʼhumiex ilkoll flimkien responsabbli tal-mewt taʼ Ġesù, 243 – Il-miḍinbin kollha huma awturi tal-Passjoni taʼ Kristu, 244

II. Il-mewt feddejja taʼ Kristu fil-pjan taʼ Alla għas-salvazzjoni 245
"Ġesù ġie mogħti skont il-pjan taʼ Alla mfassal minn qabel", 245 – "Miet minħabba dnubietna skont l-Iskrittura", 246 – "Alla għamlu dnub għalina", 246 – Alla ħa l-inizjattiva tal-imħabba għall-fidwa taʼ kulħadd, 247

III. Kristu offra lilu nnifsu lill-Missier għal dnubietna 248
Il-ħajja kollha taʼ Kristu hija offerta lill-Missier, 248 – "Il-Ħaruf li jneħħi d-dnub tad-dinja", 249 – Ġesù jħaddan bil-qalb kollha l-imħabba feddejja tal-Missier, 249 – Fl-aħħar Ikla Ġesù jantiċipa l-offerta ħielsa taʼ ħajtu, 250 – L-agunija fil-Ġetsemani, 250 – Il-mewt taʼ Kristu hi s-sagrifiċċju waħdieni u definittiv, 251 – Ġesù jissostitwixxi d-diżubbidjenza tagħna bl-ubbidjenza tiegħu, 252 – Fuq is-salib Ġesù temm is-sagrifiċċju tiegħu, 252 – Is-sehem tagħna fis-sagrifiċċju taʼ Kristu, 253

Fil-qosor 254

It-tielet paragrafu: Ġesù Kristu ġie midfun 254
Kristu fil-qabar bʼġismu, 255 – "Ma ħallix il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir", 256 – "Midfunin maʼ Kristu", 256

Fil-qosor 257

Il-ħames artiklu: Ġesù Kristu "niżel bejn l-imwiet, fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet" 257

L-ewwel paragrafu: Kristu niżel bejn l-imwiet 258

Fil-qosor 260

It-tieni paragrafu: Fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet 260

I. Ġrajja storika u traxxendenti 260
Il-qabar vojt, 261 – Id-dehriet tal-Irxoxt, 261 – L-istat tal-umanità taʼ Kristu mqajjem mill-mewt, 263 – Il-Qawmien mill-imwiet hu fatt traxxendenti, 264.

II. Il-qawmien mill-imwiet: opra tat-Trinità 265
III. Is-sens u l-valur salvifiku tal-qawmien mill-imwiet 266
Fil-qosor 268

Is-sitt artiklu: Ġesù "telaʼ fis-smewwiet, qiegħed in-naħa tal-lemin taʼ Alla l-Missier li jistaʼ kollox" 268

Fil-qosor 271

Is-sebaʼ artiklu: "Minn hemm għandu jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin" 271

I. Jerġaʼ jiġi fil-glorja 271
Kristu ġa qiegħed isaltan permezz tal-Knisja ... , 271 – ... Huwa u jistenna li kollox ikun imqiegħed taħtu, 272 – Il-miġja taʼ Kristu fil-glorja, tama taʼ Iżrael, 273 – L-aħħar prova tal-Knisja, 274

II. Biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin 275
Fil-qosor 276

It-tielet kapitlu: Nemmen fl-Ispirtu s-Santu 277

It-tmien artiklu: "Jiena nemmen fl-Ispirtu s-Santu" 279

I. Il-ħidma flimkien tal-Iben u tal-Ispirtu 280

kkk 1-36.OK (r).indd 8-9 5/23/2014 11:01:26 AM

II. L-isem tal-Ispirtu s-Santu: kif jissejjaħ, u x'inhuma s-simboli tiegħu 281

L-isem propju tal-Ispirtu s-Santu, 281 – Kif jissejjaħ l-Ispirtu s-Santu, 281 – Is-simboli tal-Ispirtu s-Santu, 282

III. L-Ispirtu u l-Kelma ta' Alla fi żmien il-wegħdiet 285

Fil-ħolqien, 285 – L-Ispirtu tal-wegħdiet, 286 – Fit-teofaniji u fil-Liġi, 286 – Fis-Saltna u fl-Eżilju, 287 – L-istennija tal-Messija u tal-Ispirtu tiegħu, 288

IV. L-Ispirtu ta' Kristu fil-milja taż-żminijiet 290

Ġwanni, prekursur, profeta u għammied, 290 – "Ifraħ, mimlija bil-grazzja", 291 – Kristu Ġesù, 292

V. L-Ispirtu u l-Knisja fl-aħħar żminijiet 294

Għid il-Ħamsin, 294 – L-Ispirtu s-Santu: Don ta' Alla, 294 – L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja, 295

Fil-qosor 297

Id-disa' artiklu: "Nemmen fil-Knisja Mqaddsa Kattolika" 298

L-ewwel paragrafu: Il-Knisja fil-pjan ta' Alla 299

I. L-ismijiet u x-xbihat tal-Knisja 299

Is-simboli tal-Knisja, 300

II. Bidu, twaqqif u missjoni tal-Knisja 301

Pjan li ħareġ minn qalb il-Missier, 302 – Il-Knisja: xbihetha mill-bidu tad-dinja, 302 – Il-Knisja: imħejjija fil-Patt il-Qadim, 303 – Il-Knisja: imwaqqfa minn Kristu Ġesù, 304 – Il-Knisja: irrivelata mill-Ispirtu s-Santu, 305 – Il-Knisja: tikseb il-milja tagħha fil-glorja, 306.

III. Il-misteru tal-Knisja 307

Il-Knisja: viżibbli u spiritwali fl-istess ħin, 307 – Il-Knisja: misteru tal-għaqda tal-bnedmin ma' Alla, 308 – Il-Knisja: Sagrament universali ta' salvazzjoni, 309

Fil-qosor 310

It-tieni paragrafu: Il-Knisja: Poplu ta' Alla, Ġisem ta' Kristu, Tempju tal-Ispirtu s-Santu 311

I. Il-Knisja: Poplu ta' Alla 311

Il-karatteristiċi tal-Poplu ta' Alla, 312 – Poplu saċerdotali, profetiku u regali, 313

II. Il-Knisja: Ġisem ta' Kristu 314

Il-Knisja hi f'għaqda ma' Ġesù, 314 – "Ġisem wieħed", 315 – "Ta' dan il-Ġisem, Kristu hu r-Ras", 316 – Il-Knisja hi l-għarusa ta' Kristu, 317

III. Il-Knisja: it-Tempju tal-Ispirtu s-Santu 318

Il-kariżmi, 320

Fil-qosor 321

It-tielet paragrafu: Il-Knisja hi waħda, qaddisa, kattolika u appostolika 322

I. Il-Knisja hi Waħda 323

"Il-misteru qaddis tal-għaqda tal-Knisja", 323 – L-għaqda miġruħa, 325 – It-triq lejn l-għaqda, 327

II. Il-Knisja hi Qaddisa 328

III. Il-Knisja hi Kattolika 331

X'jiġifieri "kattolika"?, 331 – Kull Knisja partikulari hi "kattolika", 332 – Min hu fil-Knisja kattolika?, 334 – Il-Knisja u dawk li mhumiex Insara, 335 – "Barra l-Knisja m'hemmx salvazzjoni", 337 – Il-missjoni: esiġenza tal-kattoliċità tal-Knisja, 338

IV. Il-Knisja hi Appostolika 342

Il-missjoni tal-Appostli, 342 – L-Isqfijiet suċċessuri tal-Appostli, 343 – L-appostolat, 344

Fil-qosor 345

Ir-raba' paragrafu: Dawk li jemmnu fi Kristu: ġerarkija, lajċi, ħajja kkonsagrata 347

I. Il-kostituzzjoni ġerarkika tal-Knisja 348

Għalfejn hu meħtieġ il-ministeru ekkleżjali?, 348 – Il-Kulleġġ Episkopali u r-ras tiegħu l-Papa, 350 – L-Uffiċċju tat-tagħlim, 353 – L-Uffiċċju tat-tqaddis, 354 – L-Uffiċċju tat-tmexxija, 355

II. L-Insara lajċi 356

Il-vokazzjoni tal-lajċi, 356 – Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni saċerdotali ta' Kristu, 358 – Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni profetika ta' Kristu, 358 – Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni regali ta' Kristu, 360

III. Il-ħajja kkonsagrata 361

Kunsilli evanġeliċi, ħajja kkonsagrata, 362 – Siġra kbira b'ħafna friegħi, 362 – Il-ħajja tal-eremiti, 363 – Il-verġni u r-romol ikkonsagrati, 364 – Il-ħajja reliġjuża, 365 – L-istituti sekulari, 366 – Is-soċjetajiet ta' ħajja appostolika, 366 – Konsagrazzjoni u missjoni: it-tħabbira tas-Sultan li għandu jiġi, 367

Fil-qosor 368

Il-ħames paragrafu: Ix-Xirka tal-qaddisin 370

I. Ix-xirka fil-ġid spiritwali 371

II. Ix-xirka tal-Knisja tas-sema u tal-art 373

Fil-qosor 375

Is-sitt paragrafu: Marija, Omm Kristu, Omm il-Knisja 376

I. Il-maternità ta' Marija għall-Knisja 376

Magħquda ħaġa waħda ma' Binha ... 376 – ... ukoll fit-tlugħ tagħha fis-sema ... 377 – ... hi Ommna fl-ordni tal-grazzja, 378

kkk 1-36.OK (r).indd 10-11 5/23/2014 11:01:26 AM

II. Il-Kult tal-Verġni Marija 379
III. Marija: l-ikona eskatoloġika tal-Knisja 380
Fil-qosor 381

L-għaxar artiklu: "Nemmen fil-maħfra tad-dnubiet" 381

I. Magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet 382
II. Is-setgħa tal-imfietaħ 383
Fil-qosor 385

Il-ħdax-il artiklu: "Nemmen fil-qawma mill-imwiet" 385

I. Il-qawmien ta' Kristu u l-qawmien tagħna 387
Rivelazzjoni progressiva tal-qawmien mill-imwiet, 387 – Kif jirxoxtaw il-mejtin?, 388 – Nirxuxtaw ma' Kristu, 390
II. Immutu fi Kristu Ġesù 391
Il-mewt, 391 – It-tifsir tal-mewt nisranija, 392
Fil-qosor 395

It-tnax-il artiklu: "Nemmen fil-ħajja ta' dejjem" 396

I. Il-ġudizzju partikulari.. 396
II. Is-sema 397
III. It-tisfija tal-aħħar jew il-purgatorju 399
IV. L-infern 401
V. Il-ġudizzju tal-aħħar 403
VI. It-tama ta' smewwiet ġodda u art ġdida 405
Fil-qosor 407
"Ammen" 410

IT-TIENI PARTI
IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-MISTERU NISRANI

Għalfejn il-liturġija?, 415 – Xi tfisser il-Kelma "liturġija"?, 416 – Il-liturġija bħala għajn ta' ħajja, 417 – Talb u liturġija, 417 – Katekeżi u liturġija, 418

L-EWWEL SEZZJONI:
L-EKONOMIJA SAGRAMENTALI 421

L-EWWEL KAPITLU: IL-MISTERU TAL-GĦID FI ŻMIEN IL-KNISJA 423

L-ewwel artiklu: Il-Liturġija: ħidma tat-Trinità Qaddisa 423

I. Il-Missier: Bidu u tmiem tal-Liturġija 423
II. Il-ħidma ta' Kristu fil-Liturġija 425
Kristu gglorifikat ..., 425 – ... sa mill-Knisja tal-Appostli ..., 426 – ... hu preżenti fil-liturġija f'din id-dinja ..., 426 – ... li hu tiswib fil-Liturġija tas-sema, 427
III. L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja fil-Liturġija 428
L-Ispirtu s-Santu jħejji biex Kristu jiġi milqugħ, 428 – L-Ispirtu s-Santu jfakkar il-misteru ta' Kristu, 431 – L-Ispirtu s-Santu jagħmel preżenti l-misteru ta' Kristu issa u f'dan il-waqt, 432 – L-għaqda fl-Ispirtu s-Santu, 433
Fil-qosor 434

It-tieni artiklu: Il-misteru tal-Għid fis-sagramenti tal-Knisja 435

I. Is-sagramenti ta' Kristu 435
II. Is-sagramenti tal-Knisja 436
III. Is-sagramenti tal-fidi 438
IV. Is-sagramenti ta' salvazzjoni 439
V. Is-sagramenti tal-ħajja ta' dejjem 441
Fil-qosor 441

IT-TIENI KAPITLU: IĊ-ĊELEBRAZZJONI SAGRAMENTALI TAL-MISTERU TAL-GĦID 443

L-ewwel artiklu: Iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Knisja 444

I. Min jiċċelebra? 444
Iċ-ċelebranti tal-liturġija tas-sema, 444 – Iċ-ċelebranti tal-liturġija sagramentali, 445
II. Kif tiċċelebra? 447
Sinjali u simboli, 447 – Kliem u azzjoni, 449 – Kant u mużika, 450 – Ix-xbihat imqaddsa, 451
III. Meta niċċelebraw? 453
Iż-żmien liturġiku, 453 – Jum il-Mulej, 455 – Is-sena liturġika, 456 – Il-Propju tal-qaddisin fis-sena liturġika, 457 – Il-Liturġija tas-Siġħat, 458.
IV. Fejn tiċċelebra? 459
Fil-qosor 462

kkk 1-36.OK (r).indd 12-13 5/23/2014 11:01:27 AM

It-tieni artiklu: Suriet differenti tal-liturġija u misteru wieħed 465
Tradizzjonijiet liturġiċi u l-universalità tal-Knisja, 465 – Liturġija u kulturi, 466

Fil-qosor 467

IT-TIENI SEZZJONI: IS-SEBA' SAGRAMENTI TAL-KNISJA

L-EWWEL KAPITLU: IS-SAGRAMENTI TAD-DĦUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA 471

L-ewwel artiklu: Is-sagrament tal-Magħmudija 471

I. Kif jissejjaħ dan is-sagrament? 472
II. Il-Magħmudija fil-Pjan tas-salvazzjoni 473
Xbihat il-Magħmudija fi żmien il-Patt il-Qadim, 473 – Il-Magħmudija ta' Ġesù, 474 – Il-Magħmudija fil-Knisja, 475
III. Kif jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija? 477
Id-dħul fil-ħajja nisranija, 477 – Il-mistagoġija taċ-ċelebrazzjoni, 478
IV. Min jista' jitgħammed? 481
Il-Magħmudija tal-kbar (adulti), 481 – Il-Magħmudija tat-trabi, 482 – Fidi u Magħmudija, 483
V. Min jista' jgħammed? 484
VI. Il-ħtieġa tal-Magħmudija 484
VII. Il-grazzja tal-Magħmudija 486
Għall-maħfra tad-dnubiet ..., 486 – Ħolqien ġdid, 487 – Imdaħħlin fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu, 488 – Ir-rabta sagramentali tal-għaqda tal-Insara, 489 – Siġill spiritwali li ma jitħassar qatt ..., 489

Fil-qosor 490

It-tieni artiklu: Is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof jew Konfermazzjoni 493

I. Il-Konfermazzjoni fil-Pjan tas-salvazzjoni 493
Żewġ tradizzjonijiet: il-Lvant u l-Punent, 495
II. Is-sinjali u r-rit tal-Konfermazzjoni 496
Iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni, 497
III. L-effetti tal-Konfermazzjoni 499
IV. Min jista' jirċievi dan is-sagrament? 501
V. Il-Ministru tal-Konfermazzjoni 503

Fil-qosor 504

It-tielet artiklu: Is-sagrament tal-Ewkaristija 506

I. L-Ewkaristija: għajn u quċċata tal-ħajja Nisranija 506
II. Kif jissejjaħ dan is-sagrament? 507
III. L-Ewkaristija fil-Pjan tas-salvazzjoni 509
Ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, 509 – L-istituzzjoni tal-Ewkaristija, 511 – "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi", 512
IV. Iċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-Ewkaristija 513
Il-Quddiesa tul iż-żminijiet, 513 – Kif tiżvolġi ċ-ċelebrazzjoni, 515
V. Is-sagrifiċċju sagramentali: radd ta' ħajr, tifkira, preżenza 518
Ir-radd ta' ħajr u t-tifħir lill-Missier, 519 – It-tifkira sagrifikali ta' Kristu u tal-Ġisem tiegħu, il-Knisja, 519 – Il-preżenza ta' Kristu bil-qawwa tal-Kelma u tal-Ispirtu s-Santu, 523
VI. L-ikla tal-Għid 527
"Ħudu u kulu lkoll": it-Tqarbin, 528 – Il-frott tat-Tqarbin, 530
VII. L-Ewkaristija: "Rahan tal-ħajja ta' dejjem" 534

Fil-qosor 536

IT-TIENI KAPITLU: IS-SAGRAMENTI TAL-FEJQAN 539

Ir-raba' artiklu: Is-sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni 539

I. Kif jissejjaħ dan is-sagrament? 540
II. Għalfejn sagrament ta' Rikonċiljazzjoni wara l-Magħmudija? 541
III. Il-konverżjoni tal-imgħammdin 542
IV. Il-penitenza fir-ruħ 543
V. Il-ħafna suriet ta' penitenza fil-ħajja Nisranija 545
VI. Is-sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni 546
Alla biss jaħfer id-dnubiet, 546 – Rikonċiljazzjoni mal-Knisja, 547 – Is-sagrament tal-maħfra, 548
VII. L-għemejjel tal-penitent 550
Is-sogħba, 550 – Il-qrara, 551 – It-tewba, 553
VIII. Il-ministru tas-sagrament 554
IX. L-effetti ta' dan is-sagrament 556
X. L-indulġenzi 558
X'inhi l-indulġenza?, 558 – Il-pieni tad-dnub, 558 – Fix-xirka tal-qaddisin, 559 – Tikseb l-indulġenza ta' Alla permezz tal-Knisja, 560

kkk 1-36.OK (r).indd 14-15 5/23/2014 11:01:27 AM

XI. Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Penitenza 560
Fil-qosor 562

Il-ħames artiklu: Id-Dilka tal-Morda 565

I. Is-sisien tas-sagrament fil-Pjan tas-salvazzjoni 565
Il-mard fil-ħajja tal-bniedem, 565 – Il-marid quddiem Alla, 565 – Kristu t-tabib, 566 – "Fejqu l-morda ...", 567 – Is-Sagrament tal-morda, 569
II. Min jista' jirċievi u min jista' jamministra dan is-sagrament? 570
F'każ ta' mard gravi ..., 570 – "... sejħu l-presbiteri tal-Knisja", 570
III. Kif jiġi ċċelebrat dan is-sagrament?. 571
IV. X'tagħmel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament? 572
V. Il-vjatku, l-aħħar sagrament tan-Nisrani 573
Fil-qosor 574

It-tielet kapitlu: Is-sagramenti tal-qadi tax-xirka .. 576

Is-sitt artiklu: Is-Sagrament tal-Ordni 577

I. Għaliex jissejjaħ sagrament tal-Ordni? 577
II. Is-sagrament tal-Ordni Sagri fil-Pjan tas-salvazzjoni 578
Is-saċerdozju fil-Patt il-Qadim, 578 – Is-saċerdozju waħdieni ta' Kristu, 580 – Żewġ suriet ta' parteċipazzjoni fis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu, 581 – "In persona Christi capitis ...", 582 – "F'isem il-Knisja kollha", 583
III. It-Tliet gradi tas-Sagrament tal-Ordni Sagri 584
L-Ordinazzjoni episkopali: il-milja tas-sagrament tal-Ordni, 585 – L-Ordinazzjoni tal-presbiteri: kooperaturi tal-Isqfijiet, 587 – L-Ordinazzjoni tad-djakni: "għall-qadi", 590
IV. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament 591
V. Min jista' jagħti dan is-sagrament?..... 592
VI. Min jista' jirċievi dan is-sagrament? 593
VII. X'jagħmel is-Sagrament tal-Ordni? 595
Karattru li ma jitħassar qatt, 595 – Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, 596
Fil-qosor 598

Is-seba' artiklu: Is-Sagrament taż-Żwieġ 601

I. Iż-Żwieġ fil-pjan ta' Alla 601
Iż-Żwieġ fl-ordni tal-ħolqien, 601 – Iż-Żwieġ f'qagħda ta' dnub, 603 – Iż-Żwieġ taħt il-pedagoġija tal-Liġi, 604 – Iż-Żwieġ fil-Mulej, 605 – Il-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet, 607
II. Iċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ 608
III. Il-kunsens taż-Żwieġ 609
Iż-żwiġijiet imħallta u disparità tal-kult, 612
IV. L-effetti tas-sagrament taż-Żwieġ 613
Ir-rabta taż-żwieġ, 613 – Il-grazzja tas-sagrament taż-Żwieġ, 614
V. Dak li tagħti u dak li titlob l-imħabba fiż-Żwieġ 615
L-unità u l-indissolubiltà taż-Żwieġ, 616 – Il-fedeltà u l-imħabba fiż-Żwieġ, 617 – Il-ftuħ għall-ħajja, 619
VI. Il-Knisja tad-dar 620
Fil-qosor 622

Ir-raba' kapitlu:
Iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi l-oħra 625

L-ewwel artiklu: Is-Sagramentali 625

Il-karatteristiċi tas-sagramentali, 625 – Il-ħafna suriet tas-sagramentali, 626 – Reliġjożità popolari, 627
Fil-qosor 629

It-tieni artiklu: Il-Funerali Nsara 629

I. L-aħħar Għid tan-Nisrani 630
II. Iċ-ċelebrazzjoni tal-funerali 630

IT-TIELET PARTI
IL-ĦAJJA FI KRISTU

L-EWWEL SEZZJONI:
IL-VOKAZZJONI TAL-BNIEDEM: IL-ĦAJJA FL-ISPIRTU

L-ewwel kapitlu: Id-dinjità tal-persuna umana 645

L-ewwel artiklu: Il-bniedem, xbieha ta' Alla 645
Fil-qosor 648

It-tieni artiklu: Il-vokazzjoni tagħna għall-hena 649

I. Il-beatitudnijiet 649

kkk 1-36.OK (r).indd 16-17 5/23/2014 11:01:27 AM

II. Ix-xewqa tal-hena 650
III. L-hena Nisrani 650
Fil-qosor 652

It-tielet artiklu: Il-libertà tal-bniedem 653

I. Libertà u responsabiltà 654
II. Il-libertà tal-bniedem fil-Pjan tas-Salvazzjoni 655
Fil-qosor 657

Ir-raba' artiklu: Il-moralità tal-għemil tal-bniedem 658

I. L-għejun tal-moralità 658
II. Għemil tajjeb u għemil ħażin 660
Fil-qosor 661

Il-ħames artiklu: Il-moralità tal-passjonijiet tal-bniedem 661

I. Il-passjonijiet 662
II. Passjonijiet u ħajja morali 663
Fil-qosor 664

Is-sitt artiklu: Il-kuxjenza morali 664

I. Il-ġudizzju tal-kuxjenza 665
II. Il-formazzjoni tal-kuxjenza 667
III. L-għażliet tal-kuxjenza 668
IV. Ġudizzju żbaljat 669
Fil-qosor 670

Is-seba' artiklu: Il-virtujiet 671

I. Il-virtujiet tal-bniedem 672
Id-distinzjoni bejn il-virtujiet kardinali, 672 – Il-virtujiet u l-grazzja, 675
II. Il-virtujiet teologali 675
Il-fidi, 676 – It-tama, 677 – L-imħabba, 679
III. Id-doni u l-frott tal-Ispirtu s-Santu 681
Fil-qosor 682

It-tmien artiklu: Id-dnub 684

I. Il-ħniena u d-dnub 684
II. X'inhu d-dnub 685
III. Il-ħafna suriet tad-dnub 686
IV. Il-gravità tad-dnub: dnub mejjet u dnub venjal 687
V. It-tkattir tad-dnubiet 690
Fil-qosor 691

IT-TIENI KAPITLU: IL-KOMUNITÀ TAL-BNEDMIN 693

L-ewwel artiklu: Il-persuna u s-soċjetà 693

I. Il-karattru komunitarju tal-vokazzjoni tal-bniedem 693
II. Il-konverżjoni u s-soċjetà 696
Fil-qosor 698

It-tieni artiklu: It-tisħib fil-ħajja soċjali 699

I. L-awtorità 699
II. Il-ġid komuni (ta' kulħadd) 701
III. Responsabiltà u parteċipazzjoni 703
Fil-qosor 705

It-tielet artiklu: Il-ġustizzja soċjali 706

I. Ir-rispett tal-persuna umana 707
II. Ugwaljanzi u differenzi bejn il-bnedmin 708
III. Is-solidarjetà bejn il-bnedmin 710
Fil-qosor 711

IT-TIELET KAPITLU: IS-SALVAZZJONI TA' ALLA: IL-LIĠI U L-GRAZZJA 713

L-ewwel artiklu: Il-liġi morali 713

I. Il-liġi morali naturali 714
II. Il-liġi l-qadima 717
III. Il-liġi l-ġdida jew il-liġi evanġelika 719
Fil-qosor 723

It-tieni artiklu: Grazzja u ġustifikazzjoni 725

I. Il-ġustifikazzjoni 725

kkk 1-36.OK (r).indd 18-19 5/23/2014 11:01:27 AM

II. Il-grazzja 728
III. Il-mertu 731
IV. Il-qdusija Nisranija 734
Fil-qosor 735

It-tielet artiklu: Il-Knisja, Omm u Għalliema 738

I. Il-ħajja morali u l-Maġisteru tal-Knisja 738
II. Il-preċetti tal-Knisja 741
III. Ħajja morali u xhieda missjunarja 742
Fil-qosor 743
L-għaxar kmandamenti 745

IT-TIENI SEZZJONI: L-GĦAXAR KMANDAMENTI

"Mgħallem, x'għandi nagħmel tajjeb?", 751 – Id-Dekalogu fl-Iskrittura, 752 – Id-Dekalogu u t-Tradizzjoni tal-Knisja, 755 – L-għaqda tad-Dekalogu, 756 – Id-Dekalogu u l-liġi naturali, 757 – L-obbligi tad-Dekalogu, 758 – "Mingħajr ma tistgħu tagħmlu xejn", 758

Fil-qosor 758

L-EWWEL KAPITLU: "ĦOBB IL-MULEJ ALLA TIEGĦEK, B'QALBEK KOLLHA, B'RUĦEK KOLLHA U BIL-QAWWA TIEGĦEK KOLLHA" 760

L-ewwel artiklu: L-ewwel kmandament 760

I. "Tadura l-Mulej Alla tiegħek u lilu biss taqdi" 761
Il-Fidi, 762 – It-Tama, 763 – L-Imħabba, 764

II. "Lilu biss taqdi" 764
L-adorazzjoni, 765 – It-talb, 765 – Is-sagrifiċċju, 765 – Wegħdiet u voti, 766 – Id-dmir soċjali tar-reliġjon u d-dritt għal-libertà reliġjuża, 767

III. "Ma jkollokx Alla ieħor għajri" 770
Is-superstizzjoni, 770 – L-idolatrija, 770 – Teħbir u seħer, 772 – L-irreliġjon, 773 – L-ateiżmu, 774 – L-anjostiċiżmu, 776

IV. "Tagħmilx għalik xbihat minquxa ..." 776
Fil-qosor 778

It-tieni artiklu: It-tieni kmandament 779

I. Isem il-Mulej hu qaddis 779
II. L-isem ta' Alla msemmi fil-batal 781
III. L-isem Nisrani 783

Fil-qosor 784

It-tielet artiklu: It-tielet kmandament 785

I. Jum is-Sibt 786
II. Jum il-Mulej 787
Jum il-qawmien mill-imwiet: il-ħolqien il-ġdid, 787 – Il-Ħadd: il-milja tas-Sibt, 787 – L-Ewkaristija f'Jum il-Ħadd, 788 – L-obbligu tal-Ħadd, 790 – Jum ta' grazzja u ta' mistrieħ mix-xogħol, 791

Fil-qosor 792

IT-TIENI KAPITLU: "ĦOBB 'IL GĦAJREK BĦALEK INNIFSEK" ... 794

Ir-raba' artiklu: Ir-raba' kmandament 794

I. Il-familja fil-Pjan ta' Alla 796
In-natura tal-familja, 796 – Il-familja nisranija, 797

II. Il-familja u s-soċjetà 798
III. Id-dmirijiet tal-membri tal-familja 800
Id-dmirijiet tat-tfal, 800 – Dmirijiet tal-ġenituri, 802
IV. Il-familja u s-Saltna 806
V. L-awtoritajiet fis-soċjetà ċivili 806
Dmirijiet tal-awtoritajiet ċivili, 807 – Dmirijiet taċ-ċittadini, 808 – Il-komunità politika u l-Knisja, 810

Fil-qosor 811

Il-ħames artiklu: Il-ħames kmandament 813

I. Ir-rispett għall-ħajja tal-bniedem 813
Ix-xhieda tal-Istorja sagra, 813 – Difiża leġittima, 814 – L-omiċidju volontarju, 816 – L-abort, 817 – L-ewtanasja, 820 – Is-suwiċidju, 821

II. Ir-rispett għad-dinjità tal-persuna 822
Ir-rispett għar-ruħ ta' ħaddieħor: l-iskandlu, 822 – Ir-rispett għas-saħħa, 823 – Ir-rispett tal-persuna umana u r-riċerka xjentifika, 824 – Ir-rispett għas-shuhija tal-ġisem, 825 – Ir-rispett għall-mejtin, 826

III. Il-ħarsien tal-paċi 827
Il-paċi, 827 – Nevitaw il-gwerra, 829

Fil-qosor 832

Is-sitt artiklu: Is-sitt kmandament 835

I. "Raġel u mara ħalaqhom ..." 835

kkk 1-36.OK (r).indd 20-21 5/23/2014 11:01:27 AM

II. Il-vokazzjoni għall-kastità 837
L-integrità tal-persuna, 837 – Is-sħuħija u l-għotja tiegħek innifsek, 839 – Is-suriet diversi tal-kastità, 840 – Id-dnubiet kontra l-kastità, 841 – Kastità u omosesswalità, 843
III. L-imħabba tal-miżżewġin 844
Il-fedeltà tal-miżżewġin, 845 – Il-frott taż-żwieġ, 846 – Id-don ...tal-ulied, 849
IV. L-offiżi kontra d-dinjità taż-żwieġ 851
Id-divorzju, 852 – Offiżi oħra kontra d-dinjità taż-żwieġ, 853
Fil-qosor 855

Is-seba' artiklu: Is-seba' kmandament 857

I. Il-ġid tad-dinja li hu għal kulħadd u l-propjetà privata tal-ġid 857
II. Ir-rispett tal-persuna u ta' ġidha 858
Ir-rispett għall-ġid ta' ħaddieħor, 859 – Ir-rispett għas-sħuħija tal-ħolqien, 861
III. Id-duttrina soċjali tal-Knisja 862
IV. L-attività ekonomika u l-ġustizzja soċjali 865
V. Ġustizzja u solidarjetà bejn in-nazzjonijiet 868
VI. L-imħabba għall-foqra 871
Fil-qosor 874

It-tmien artiklu: It-tmien kmandament 876

I. Tgħix fil-verità 877
II. "Ix-xhieda għall-verità" 878
III. In-nuqqasijiet kontra l-verità 880
IV. Ir-rispett għall-verità 883
V. L-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali 885
VI. Verità, ġmiel u arti sagra 886
Fil-qosor 888

Id-disa' artiklu: Id-disa' kmandament 890

I. Is-safa tal-qalb 891
II. It-taqbida għas-safa 892
Fil-qosor 895

L-għaxar artiklu: L-għaxar kmandament 896

I. Id-diżordni ta' kull ġibda 896
II. Ix-xewqat tal-ispirtu 899
III. Il-faqar tal-qalb 899
IV. "Irrid nara 'l Alla" 901
Fil-qosor 902

IR-RABA' PARTI
IT-TALB NISRANI

L-EWWEL SEZZJONI: IT-TALB FIL-ĦAJJA NISRANIJA

X'inhu t-talb 909
It-talb bħala don ta' Alla, 909 – It-talb bħala patt, 910 – It-talb bħala xirka, 911

L-ewwel kapitlu: Ir-rivelazzjoni tat-talb 912

L-istedina universali għat-talb 912

L-ewwel artiklu: It-talb fit-Testment il-Qadim 913
Il-ħolqien: għajn tat-talb, 913 – Il-wegħda u t-talba tal-fidi, 913 – Mosè u t-talba ta' medjazzjoni, 915 – David u t-talb tas-sultan, 916 – Elija, il-profeti, u l-konverżjoni tal-qalb, 917 – Is-Salmi, it-talba tal-ġemgħa, 919
Fil-qosor 921

It-tieni artiklu: Fil-milja taż-żminijiet 922
Ġesù jitlob, 922 – Ġesù jgħallimna nitolbu, 926 – Ġesù jisma' t-talb tagħna, 928 – It-talba tal-Verġni Marija, 929
Fil-qosor 930

It-tielet artiklu: Fiż-żmien tal-Knisja 931

I. Il-barka u l-adorazzjoni 932
II. It-talb biex naqilgħu xi ħaġa 933
III. It-talba ta' intercessjoni 934
IV. It-talba ta' radd il-ħajr 935
V. It-talb ta' tifħir 936
Fil-qosor 937

It-tieni kapitlu: It-tradizzjoni tat-talb 939

L-ewwel artiklu: Mill-għejun tat-talb 939
Il-kelma ta' Alla, 940 – Il-liturġija tal-Knisja, 940 – Il-virtujiet teologali, 941 – "Illum", 942

kkk 1-36.OK (r).indd 22-23 5/23/2014 11:01:27 AM

Fil-qosor 943

It-tieni artiklu: Il-mixja tat-talb 943

It-talb lill-Missier, 943 – It-talb lil Ġesù, 944 – "Spirtu s-Santu, ejja", 945 – F'għaqda mal-Imqaddsa Omm Alla, 946

Fil-qosor 949

It-tielet artiklu: Persuni li jmexxuna fit-talb 949

Sħaba ta' xhieda, 949 – Qaddejja tat-talb, 950 – Postijiet adatti għat-talb, 952

Fil-qosor 953

IT-TIELET KAPITLU: IL-ĦAJJA TAT-TALB 955

L-ewwel artiklu: Is-suriet tat-talb 956

I. It-talb bil-fomm 956
II. Il-meditazzjoni 957
III. It-talb kontemplattiv 958

Fil-qosor 962

It-tieni artiklu: It-taqbida tat-talb 963

I. Diffikultajiet għat-talb 963
II. Is-sahra umli tal-qalb 964

Quddiem id-diffikultajiet tat-talb, 964 – Quddiem it-tentazzjonijiet fit-talb, 966

III. Il-fiduċja ta' wlied 966

Għaliex ingergru li ma niġux mismugħin?, 967 – Kif jista' jkun effikaċi t-talb tagħna?, 968

IV. Nibqgħu sħaħ fl-imħabba 969
It-talba tas-siegħa ta' Ġesù 970

Fil-qosor 972

IT-TIENI SEZZJONI:
IT-TALBA TAL-MULEJ: "MISSIERNA"

L-ewwel artiklu: "Ġabra fil-qosor tal-Evanġelju kollu" 978

I. Fil-qalba tal-Iskrittura 978
II. "It-Talba tal-Mulej".. 979
III. It-talba tal-Knisja 980

Fil-qosor 982

It-tieni artiklu: "Missierna li inti fis-smewwiet" 983

I. "Bil-fiduċja kollha ejjew nersqu lejn il-Mulej" 983
II. "Missier!" 984
III. "Missierna" 987
IV. "Li inti fis-smewwiet" 989

Fil-qosor 990

It-tielet artiklu: Is-seba' talbiet 991

I. "Jitqaddes ismek" 992
II. "Tiġi saltnatek" 995
III. "Ikun dak li trid int kif fis-sema hekkda fl-art" 997
IV. "Ħobżna ta' kuljum agħtina llum" 1000
V. "Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina" 1003

"Aħfrilna dnubietna ...", 1004 – "... bħalma naħfru lil min hu ħati għalina", 1004

VI. "Iddaħħalniex fit-tiġrib" 1006
VII. "Eħlisna mid-deni" 1008
Id-dossoloġija tal-aħħar 1010
Fil-qosor 1011

Indiċi tar-riferenzi 1017
Indiċi tematiku 1081

ABBREVJAZZJONIJIET

DEC *Decrees of the Ecumenical Councils*, Norman P. Tanner, ed., Vol. I, Sheed & Ward u Georgetown University Press, Londra u Washington DC, 1990.

DS Henricus Denzinger – Adolfus Schönmetzer, ed., *Enchiridion Symbolorum definitionum et declarationum de rebus fidei et morum*, 36 edizzjoni, Herder, Barċellona, Freiburg im Breisgau u Ruma, 1976 = Heinrich Denzinger – Peter Hünermann, ed., *Enchiridion Symbolorum definitionum et declarationum de rebus fidei et morum*, 43 edizzjoni: *Compendium of Creeds, Definitions and Declarations on Matters of Faith and Morals*, Ignatius Press, San Francisco, 2012.

Ibid. *Ibidem*, l-istess (bħan-nota ta' qabilha).

PG *Patrologia Graeca* (*Patrologiae Graecae Cursus Completus*), ippubblikata minn Jacques-Paul Migne, 161 volum, Imprimerie Catholique, Pariġi, 1857-1866.

PL *Patrologia Latina* (*Patrologiae Latinae Cursus Completus*), ippubblikata minn Jacques-Paul Migne, 217-il volum, Imprimerie Catholique, Pariġi, 1844-1855.

kkk 1-36.OK (r).indd 24-25 5/23/2014 11:01:27 AM

IL-KOTBA MQADDSA

Apok	Apokalissi
Atti	Atti tal-Appostli
Bar	Baruk
Dan	Danjel
Dewt	Dewteronomju
Ef	Efesin
Esd	Esdra
Est	Ester
Eż	Eżodu
Eżek	Eżekjel
Fil	Filippin
Filem	Filemon
Ġak	Ġakbu
Gal	Galatin
Ġen	Ġenesi
Ġer	Ġeremija
Ġob	Ġob
Ġoel	Ġoel
Ġona	Ġona
Ġoż	Ġożwè
Ġud	Ġuditta
Ġuda	Ġuda
Ġw	Ġwanni
1 Ġw	1 Ġwanni
2 Ġw	2 Ġwanni
3 Ġw	3 Ġwanni
Għab	Għabdija
Għam	Għamos
Għan	Għanja tal-Għanjiet
Għerf	Għerf
Ħab	Ħabakkuk
Ħag	Ħaggaj
Hos	Hosegħa
Is	Isaija
Koħ	Koħelet
Kol	Kolossin
1 Kor	1 Korintin
2 Kor	2 Korintin
1 Kron	1 Kronaki
2 Kron	2 Kronaki
Lam	Lamentazzjonijiet
Lev	Levitiku
Lh	Lhud
Lq	Luqa
1 Mak	1 Makkabej
2 Mak	2 Makkabej
Mal	Malakija
Mħal	Mħallfin
Mik	Mikea
Mk	Mark
Mt	Mattew
Naħ	Naħum
Neħ	Neħemija
Num	Numri
1 Piet	1 Pietru
2 Piet	2 Pietru
Prov	Proverbji
Rum	Rumani
Rut	Rut
Salm	Salmi
1 Sam	1 Samwel
2 Sam	2 Samwel
Sir	Bin Sirak
1 Slat	1 Slaten
2 Slat	2 Slaten
Sof	Sofonija
1 Tess	1 Tessalonkin
2 Tess	2 Tessalonkin
1 Tim	1 Timotju
2 Tim	2 Timotju
Tit	Titu
Tob	Tobit
Żak	Żakkarija



IL-KOSTITUZZJONI APPOSTOLIKA

FIDEI DEPOSITUM

għall-pubblikazzjoni tal-

KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA

mħejji wara

L-KONĊILJU EKUMENIKU VATIKAN II

kkk 1-36.OK (r).indd 26-27 5/23/2014 11:01:28 AM

ĠWANNI PAWLU II
ISQOF QADDEJ TAL-QADDEJJA TA' ALLA
B'TIFKIRA GĦAL DEJJEM

Lill-Kardinali, Arċisqfijiet, Isqfijiet, Saċerdoti, Djakni u lill-Membri kollha tal-Poplu ta' Alla.

I. Daħla

IL-ĦARSIEN TAD-DEPOŻITU TAL-FIDI hi l-missjoni li l-Mulej ried jafda lill-Knisja tiegħu, missjoni li l-Knisja qdiet tul iż-żminijiet kollha. Il-Konċilju Vatikan II li beda tletin sena ilu meta kien Papa Ġwanni XXIII, kellu l-ħsieb u l-għan li juri x'inhi l-missjoni appostolika u pastorali tal-Knisja u jwassal il-bnedmin kollha li jfittxu u jilqgħu l-imħabba ta' Kristu, li tisboq kull għerf (ara *Ef* 3,19) billi ddawwalhom bid-dawl tal-Evanġelju.

Il-Papa Ġwanni XXIII ried li l-Konċilju jara kif iħares aħjar id-depożitu tal-fidi Nisranija u jurih b'mod li jkunu jistgħu jilqgħuh aħjar kemm il-fidili ta' Kristu u kemm il-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Il-Konċilju ma kellux l-ewwel jikkundanna t-tagħlim żbaljat ta' żminijietna, imma kellu qabel xejn juri l-qawwa u l-ġmiel tad-duttrina tal-fidi. "Imdawla mid-dija ta' dan il-Konċilju – qal il-Papa – il-Knisja ... tistagħna b'għana spiritwali u, hija u tikseb qawwiet ġodda, tħares bla biża'

kkk 1-36.OK (r).indd 28-29 5/23/2014 11:01:28 AM

lejn il-ġejjieni ... Dmirkom ... hu li timpenjaw ruħkom b'rieda sħiħa u bla biża' għal dik il-ħidma li żmienna qiegħed jitlob biex hekk tkompli sejra 'l quddiem il-mixja li l-Knisja ilha tagħmel għal kważi għoxrin seklu".[1]

Bl-għajnuna ta' Alla l-isqfijiet fil-Konċilju, tul erba' snin ta' ħidma, ħejjew ġabra tassew tal-għaġeb ta' tagħlim, ta' duttrina u ta' direttivi pastorali u li huma offrew lill-Knisja kollha. Kemm ir-rgħajja tal-erwieħ u kemm l-Insara kollha f'din il-ġabra għandhom isibu "dak it-tiġdid fil-ħsieb u fl-għemil, fl-imġiba u fil-qawwa morali tagħhom ta' ferħ u ta' tama, li ried il-Konċilju".[2]

Il-Konċilju, wara li ntemm, baqa' jispira l-ħajja kollha tal-Knisja. Fl-1985 jien stajt ngħid: "Għalija – li kelli l-grazzja speċjali li nieħu sehem fil-Konċilju u ngħin attivament biex jimxi 'l quddiem – il-Konċilju Vatikan dejjem u b'mod partikulari tul iż-żmien li ili Papa, mexxieni f'kull ħidma pastorali tiegħi, bil-ħsieb u bl-impenn li nara li jseħħ bil-fatti kulma kien jitlob f'kull knisja u fil-Knisja kollha. Jeħtieġ li mmorru dejjem għal din il-għajn".[3]

B'dan il-ħsieb, fil-25 ta' Jannar 1985 sejjaħt Assemblea Straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, fl-okkażjoni tal-għoxrin sena mill-għeluq tal-Konċilju; l-iskop ta' din l-assemblea kien iċ-ċelebrazzjoni tal-grazzji kollha u tal-frott spiritwali tal-Konċilju Vatikan II, bil-ħsieb li nagħrfu aktar fil-fond it-tagħlim tiegħu ħalli nilqgħuh aħjar, nagħrfuh aktar, u npoġġuh fil-prattika.

[1] San Ġwanni XXIII, Diskors fil-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II (11 ta' Ottubru 1962).

[2] Pawlu VI, Omelija fis-Solennità tat-Tnissil bla Tebgħa ta' Marija u l-għeluq tal-Konċilju Vatikan II (8 ta' Diċembru 1965).

[3] San Ġwanni Pawlu II, Omelija waqt Quddiesa fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl (25 ta' Jannar 1985) 7.

Dakinhar l-isqfijiet tas-Sinodu kienu qalu: "Hemm xewqa kbira fost kulħadd ta' Katekiżmu jew ġabra tad-duttrina Nisranija kollha, kemm dwar il-fidi u kemm dwar l-imġiba, li jservi ta' riferenza għall-katekiżmi u l-ġabriet tad-duttrina Nisranija li jsiru f'ħafna postijiet. Id-duttrina trid tiġi ppreżentata b'mod li tkun biblika u liturġika, tagħti d-duttrina vera u fl-istess waqt adatta għall-ħajja tal-Insara tal-lum".[4] Wara li ntemm is-Sinodu, din ix-xewqa għamiltha tiegħi għaliex ħassejtha "twieġeb għall-ħtieġa vera, sew tal-Knisja universali u sew tal-Knejjes partikulari".[5] Kif ma nroddux ħajr lill-Mulej f'dan il-jum li fih nistgħu noffru lill-Knisja kollha *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* dan il-ktieb "biex iservi ta' riferenza" għall-katekeżi mġedda mill-għejun ħajja tal-fidi!

Wara t-tiġdid tal-Liturġija, wara l-Kodiċi l-ġdid tal-Knisja Latina u l-Kanoni mġedda tal-Knejjes Kattoliċi tal-Lvant, issa għandna wkoll dan il-Katekiżmu li għandu jagħti kontribut tassew importanti għat-tiġdid tal-ħajja kollha tal-Knisja li l-Konċilju Vatikan II ried u ta bidu għaliha.

2. It-tħejjija tal-Katekiżmu u l-ispirtu li bih tħejja

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika hu frott ta' kollaborazzjoni wiesgħa ħafna: tħejja tul sitt snin ta' ħidma kbira li saret bi spirtu ta' ħeġġa liema bħalha u b'attenzjoni miftuħa għad-dinja ta' llum.

[4] Rapport tal-aħħar tas-Sinodu Straordinarju (7 ta' Diċembru 1985), II B a, n. 4: *Enchiridion Vaticanum,* vol. 9, p. 1758, n. 1797.

[5] San Ġwanni Pawlu II, Diskors f'għeluq is-Sinodu Straordinarju (7 ta' Diċembru 1985), n. 6.

kkk 1-36.OK (r).indd 30-31 5/23/2014 11:01:28 AM

Fl-1986 waqqaft Kummissjoni ta' tnax-il kardinal u isqof, taħt il-presidenza tal-Kardinal Joseph Ratzinger, biex tħejji proġett għall-Katekiżmu li ried is-Sinodu. Flimkien mal-Kummissjoni kien hemm kumitat ta' redazzjoni magħmul minn seba' isqfijiet djoċesani, esperti fit-teoloġija u l-katekeżi.

Il-Kummissjoni li kellha tagħti direttivi u tgħasses fuq ix-xogħol li kien qed isir, segwiet b'attenzjoni kbira x-xogħol kollu ta' redazzjoni li kien qiegħed isir u għarblet sewwa, wieħed wara l-ieħor, id-disa' abbozzi tal-Katekiżmu li ħejja l-Kumitat tar-redazzjoni; dan il-kumitat tgħabba bir-responsabiltà li kull darba jikteb it-test, u jagħmel fih it-tibdiliet mitluba mill-Kummissjoni u jgħarbel sewwa l-osservazzjonijiet ta' għadd kbir ta' teoloġi, eseġeti, katekisti, u fuq kulħadd, tal-isqfijiet tad-dinja kollha, biex it-test jitjieb dejjem aktar.

Fil-Kumitat, kien hemm bdil ta' opinjonijiet li ħalla l-frott u li wassal biex ikun hemm test aktar għani, unit u omoġenju. Dwar il-proġett saru konsultazzjonijiet mal-isqfijiet Kattoliċi kollha, mal-Konferenzi Episkopali u mas-Sinodi tagħhom, u mal-Istituti tat-Teoloġija u tal-Kateketika. Nistgħu ngħidu li l-proġett intlaqa' tajjeb mill-isqfijiet. Nistgħu ngħidu wkoll li dan il-Katekiżmu hu frott tal-kollaborazzjoni tal-isqfijiet kollha tal-Knisja Kattolika li aċċettaw is-sehem tagħhom ta' responsabiltà f'inizjattiva li tolqot l-istess ħajja tal-Knisja. Dan lili jimlini bil-ferħ, għaliex il-qbil ta' tant ilħna flimkien hu dak li nistgħu nsejħulu s-"sinfonija" tal-fidi. Dan il-Katekiżmu b'dan il-mod juri li hu xhieda tal-kolleġġjalità tal-Episkopat u tal-kattoliċità tal-Knisja.

3. It-tqassim tal-materjal

Il-Katekiżmu jrid jagħti bil-fedeltà kollha u b'mod organiku t-tagħlim tal-Iskrittura, tat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja u tal-

Maġisteru awtentiku, flimkien mal-wirt spiritwali ta' Missirijiet il-Knisja u tal-Qaddisin biex jiftiehem aħjar il-misteru tal-Knisja u tissaħħaħ il-fidi tal-Poplu ta' Alla. Irid iqis b'liema mod l-Ispirtu s-Santu għen il-Knisja tul iż-żminijiet fl-iżvilupp tad-duttrina Nisranija. Irid ukoll jgħin biex il-fidi titfa' dawl fuq qagħdiet ġodda u problemi li fl-imgħoddi ma kinux jeżistu.

Fil-Katekiżmu għalhekk insibu ħwejjeġ ġodda u ħwejjeġ qodma (ara *Mt* 13,52) għaliex il-fidi tibqa' dejjem u hi fl-istess ħin għajn ta' dwal dejjem ġodda.

Minħabba f'dan, *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* minn naħa żamm l-ordni "antik" tradizzjonali tal-Katekiżmu ta' San Piju V, billi żamm l-erba' taqsimiet tradizzjonali: *il-Kredu, il-Liturġija* bis-sagramenti fl-ewwel post, *l-imġiba Nisranija* bit-tagħlim dwar il-kmandamenti, u fl-aħħar nett *it-talb Nisrani.* Iżda t-tagħlim f'dawn l-erba' taqsimiet hu ppreżentat f'sura "ġdida" biex iwieġeb għal ħafna mistoqsijiet ta' żminijietna.

L-erba' taqsimiet huma marbutin bejniethom: il-misteru Nisrani jitwemmen (l-ewwel taqsima); jiġi ċċelebrat u mogħti lilna fil-Liturġija (it-tieni taqsima); idawwal u jwettaq lil ulied Alla fl-imġiba kollha tagħhom (it-tielet taqsima); hu l-pedament tat-talb li bħala espressjoni privileġġjata tiegħu għandu l-Missierna, talba li fiha tiġbor is-suppliki tagħna, it-tifħir tagħna u l-interċessjonijiet tagħna (ir-raba' taqsima).

L-istess Liturġija hi talba, l-istqarrija tal-fidi għandha l-post xieraq tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-kult. Il-grazzja, frott tas-sagramenti, hi l-kundizzjoni meħtieġa tal-imġiba Nisranija, kif it-tisħib fil-Liturġija tal-Knisja jitlob li jkun hemm il-fidi. Jekk il-fidi ma tidhirx fl-għemil, hi fidi mejta (ara *Ġak* 2,14-16), u ma tagħtix frott għall-ħajja ta' dejjem.

kkk 1-36.OK (r).indd 32-33 5/23/2014 11:01:28 AM

Il-qari tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jurina l-għaqda li hemm fil-misteru ta' Alla, u fil-Pjan tiegħu ta' Salvazzjoni, u li fiċ-ċentru ta' kollox hemm Ġesù Kristu, l-Iben Waħdieni ta' Alla, mibgħut mill-Missier, li sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Mqaddsa Marija bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, biex ikun il-Feddej tagħna. Mejjet u rxoxt hu dejjem preżenti fil-Knisja tiegħu, b'mod speċjali fis-sagramenti tal-fidi; huwa l-għajn tal-fidi, mudell tal-imġiba Nisranija u Mgħallem tat-talb tagħna.

4. Il-valur duttrinali tal-Katekiżmu

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika li jien approvajt nhar il-25 ta' Ġunju 1992 u li llum qed nordna li jiġi ppubblikat bl-awtorità Appostolika tiegħi, hu espożizzjoni tal-fidi tal-Knisja u tad-duttrina Kattolika, skont ix-xhieda u fid-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa, tat-Tradizzjoni Appostolika u tal-Maġisteru tal-Knisja u bħala regola żgura għat-tagħlim tal-fidi. Jalla jservi għat-tiġdid li għalih l-Ispirtu s-Santu bla heda jsejjaħ il-Knisja ta' Alla, il-Ġisem ta' Kristu, mixja lejn id-dawl bla ebda dell tas-Saltna ta' dejjem!

L-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* huma servizz li s-suċċessur ta' San Pietru qiegħed jagħti lill-Knisja Kattolika u lill-Knejjes partikulari kollha u li huma fis-sliem u x-xirka mas-Sede Appostolika ta' Ruma: hu qadi biex isaħħaħ u jwettaq il-fidi tad-dixxipli kollha tal-Mulej Ġesù (ara *Lq* 22,32) u biex iqawwi dejjem aktar ir-rabtiet tal-għaqda fl-istess fidi Appostolika.

Nitlob għalhekk lir-Rgħajja tal-Knisja u lill-fidili kollha biex jilqgħu dan il-Katekiżmu bi spirtu ta' xirka u jużawh

kontinwament huma u jaqdu l-missjoni tagħhom ħa jxandru l-fidi u jistiednu għall-ħajja skont l-Evanġelju. Dan il-Katekiżmu qed jingħatalhom biex ikollhom f'idejhom ktieb li fih isibu b'mod żgur u awtentiku t-tagħlim tad-duttrina Kattolika, u b'mod partikulari għajnuna għat-tħejjija tal-Katekiżmu ta' kull post. Qed jingħata wkoll lill-fidili kollha li jridu u jixtiequ jkunu jafu aktar fil-fond l-għana bla qies tas-Salvazzjoni (ara *Ef* 3,8). Irid jgħin l-isforzi ekumeniċi li qed isiru, sforzi mqanqlin minn xewqa qaddisa għall-għaqda tal-Insara kollha, għax juri b'mod eżatt x'inhi l-fidi Kattolika u kemm kollox fiha hu f'armonija sħiħa. *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* fl-aħħar nett qed jiġi mogħti lil kull bniedem li jitlobna "l-għala" tat-tama tagħna (ara *1 Pt* 3,15) u jrid ikun jaf x'temmen il-Knisja Kattolika.

Dan il-Katekiżmu ma jridx jieħu l-post tal-Katekiżmi partikulari maħruġin bl-approvazzjoni tal-isqfijiet djoċesani jew tal-Konferenzi Episkopali speċjalment dawk li kellhom l-approvazzjoni tas-Santa Sede. L-għan tal-Katekiżmu hu dak li jħajjar u jgħin biex jitħejjew Katekiżmi partikulari ġodda, li jqisu sewwa l-kundizzjonijiet u l-kulturi ta' kull post, waqt li jħarsu sewwa l-għaqda fil-fidi u l-fedeltà għad-duttrina Kattolika.

5. Għeluq

F'għeluq dan id-dokument li bih qed nippreżenta *Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* nitlob lill-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Verb magħmul bniedem, u Omm il-Knisja, biex, bl-interċessjoni qawwija tagħha, twettaq l-impenn kateketiku tal-Knisja kollha f'kull livell, f'dan iż-żmien li fih hi msejħa biex tagħti sforz ġdid għall-evanġelizzazzjoni. Jalla d-dawl tal-fidi vera jeħles il-ġens kollu tal-bnedmin mill-

kkk 1-36.OK (r).indd 34-35 5/23/2014 11:01:28 AM

injoranza u mill-jasar tad-dnub biex jasal għal dak il-ħelsien li tassew jistħoqqlu dan l-isem (ara *Ġw* 8,32): dak il-ħelsien tal-ħajja fi Kristu taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu, hawn fid-dinja u fis-Saltna tas-sema fil-milja tal-hena tad-dehra ta' Alla wiċċ imb wiċċ (ara *1 Kor* 13,12; *2 Kor* 5,6-8)!

Illum, 11 ta' Ottubru 1992, fit-tletin anniversarju mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II, fl-erbatax-il sena tal-Pontifikat tiegħi.

Ioannes Paulus pp II

kkk 37-46 latest.OK (r).indd 37 5/16/2014 11:00:27 AM

Daħla

*"*Missier ... din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru, u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt" (*Ġw* 17,3), *"*Alla, is-salvatur tagħna, ... irid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità" (1 *Tim* 2, 3-4). *"*Imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi" (*Atti* 4,12), ħlief l-isem ta' Ġesù.

I. Il-ħajja tal-bniedem: li jagħraf u jħobb lil Alla

1 Alla, ta' perfezzjoni bla qies u hieni fih innifsu, bi pjan ta' tjieba bla tarf, minn rajh ħalaq il-bniedem, biex jagħtih sehem fil-ħajja hienja tiegħu. Hu għalhekk li, f'kull żmien u kullimkien, jersaq lejn il-bniedem. Isejjaħlu, u jgħinu jfittxu, jagħrfu u jħobbu bil-ħila kollha tiegħu. Isejjaħ lill-bnedmin li d-dnub xerred u fired minn xulxin biex jiġborhom fil-familja tiegħu, il-Knisja. Dan jagħmlu b'Ibnu li bagħat bħala Feddej u Salvatur fil-milja taż-żminijiet. Fih u bih isejjaħ lill-bnedmin biex, fl-Ispirtu s-Santu, isiru wlied adottivi tiegħu u għalhekk werrieta tal-ħajja hienja tiegħu.

2 Biex din is-sejħa tasal fl-art kollha, Kristu bagħat l-Appostli li kien għażel u tahom ordni li jħabbru l-Evanġelju: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (*Mt* 28,19-

kkk 37-46 latest.OK (r).indd 38-39 5/16/2014 11:00:27 AM

20). Bis-saħħa ta' din il-missjoni, l-Appostli "marru jippritkaw kullimkien; il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha" (*Mk* 16,20).

3 Dawk li bl-għajnuna ta' Alla laqgħu s-sejħa ta' Kristu u wieġbu minn rajhom għaliha, ġew imbagħad immexxija huma wkoll mill-imħabba ta' Kristu biex iħabbru kullimkien fid-dinja l-Bxara t-Tajba. Dan it-teżor li wasal mingħand l-Appostli ġie mħares bil-fedeltà kollha mis-suċċessuri tagħhom. Il-fidili kollha ta' Kristu huma msejħin biex iwasslu dan it-teżor minn ġenerazzjoni għall-oħra, huma u jħabbru l-fidi, jgħixuha flimkien bħall-aħwa, u jiċċelebrawha fil-liturġija u fit-talb (ara *Atti* 2,42).

II. Ix-xandir tal-fidi: il-katekeżi

4 Minn kmieni ħafna fiż-żmien, bdew jissejħu *katekeżi* l-isforzi kollha li jsiru fil-Knisja ħa jagħmlu dixxipli, ħalli l-bnedmin isibu l-għajnuna li jeħtieġu biex jemmnu li Ġesù hu l-Iben ta' Alla, ħalli, bil-fidi, ikollhom il-ħajja f'ismu, u jiġu mrawmin u mgħallmin f'din il-ħajja u hekk jibnu l-Ġisem ta' Kristu.[1]

5 "Il-katekeżi *hi edukazzjoni fil-fidi* tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-kbar, u b'mod speċjali tħaddan it-tagħlim tad-duttrina Nisranija, mogħti b'mod organiku u sistematiku, bil-għan li jwassal għall-milja tal-ħajja Nisranija".[2]

6 Il-katekeżi hi dwar għadd ta' elementi tal-missjoni pastorali tal-Knisja, li għandhom aspett kateketiku, li jħejju

[1] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (1979), 1; 2.

[2] *Ibid*., 18.

l-katekeżi jew joħorġu minnha, iżda mhijiex l-istess ħaġa bħalhom. Dawn l-elementi huma: l-ewwel tħabbira tal-Evanġelju jew il-predikazzjoni missjunarja ħa tqanqal il-fidi; it-tfittix ta' raġunijiet għaliex wieħed għandu jemmen; l-esperjenza ta' ħajja Nisranija; iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti; l-għaqda mal-komunità ekkleżjali; ix-xhieda appostolika u missjunarja.[3]

7 "Il-katekeżi għandha rabta intima mal-ħajja kollha tal-Knisja. Jiddependu essenzjalment mill-katekeżi mhux biss l-estensjoni ġeografika tal-Knisja u t-tkattir tal-għadd ta' dawk li jemmnu, imma wkoll, u wisq aktar, jiddependi mill-katekeżi kemm il-Knisja tikber minn ġewwa u kemm taqbel mal-pjan ta' Alla".[4]

8 Iż-żminijiet ta' tiġdid fil-Knisja huma wkoll żminijiet qawwija ta' katekeżi. Hekk naraw, fl-aqwa żmien ta' Missirijiet il-Knisja, isqfijiet qaddisa jiddedikaw għall-katekeżi, parti importanti ħafna tal-ministeru tagħhom. Kien żmien San Ċirillu ta' Ġerusalemm u San Ġwann Grisostmu, San Ambroġ u Santu Wistin, u tant Missirijiet oħra: il-kitbiet kateketiċi tagħhom għadhom sal-lum eżempji mill-aqwa ta' katekeżi.

9 Il-ministeru tal-katekeżi kiseb qawwa dejjem aktar ġdida mill-Konċilji. F'dan, il-Konċilju ta' Trento ta eżempju ta' min jisħaq fuqu: bil-kostituzzjonijiet u d-digrieti tiegħu qiegħed il-katekeżi fl-ewwel post; ta bidu għall-*Katekiżmu Ruman* li għadu jissejjaħ il-Katekiżmu tal-Konċilju ta' Trento u huwa opra mill-aqwa ta' ġabra fil-qosor tad-duttrina Nisranija kollha; qajjem fil-Knisja organizzazzjoni tassew tal-għaġeb tal-katekeżi; wassal għall-pubblikazzjoni ta' għadd mhux żgħir ta' katekiżmi, ħidma ta' isqfijiet qaddisa u ta' teoloġi, bħalma huma San Pietru Kanisju, San Karlu Borromeo, San Turibju ta' Mongrovejo u San Robertu Bellarmino.

10 Madankollu mhijiex xi ħaġa tal-għaġeb illi, bħala effett tal-Konċilju Vatikan II (li l-Papa Pawlu VI qiesu bħala l-katekiżmu kbir taż-żmien tal-lum), mill-ġdid qed tiġbed attenzjoni l-katekeżi tal-Knisja. Id-*Direttorju*

[3] Ara *ibid*.

[4] *Ibid*., 13.

kkk 37-46 latest.OK (r).indd 40-41 5/16/2014 11:00:27 AM

Ġenerali tal-Katekeżi tas-sena 1971, il-laqgħat tas-Sinodu tal-Isqfijiet dwar l-evanġelizzazzjoni (1974) u l-katekeżi (1977), l-eżortazzjonijiet appostoliċi marbutin magħhom, *Evangelii nuntiandi* (1975), u *Catechesi tradendae* (1979), huma xhieda ta' dan. Is-sessjoni straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet fl-1985 talbet li jitħejja "Katekiżmu jew ġabra tad-duttrina Nisranija kollha, kemm dwar il-fidi u kemm dwar il-morali"[5] (rapport tal-aħħar, IIB a 4). Il-Papa Ġwanni Pawlu II għamel tiegħu din ix-xewqa tas-Sinodu tal-Isqfijiet u stqarr li "din ix-xewqa twieġeb sewwa għall-ħtiġiet veri tal-Knisja universali u tal-Knejjes lokali".[6] Għamel minn kollox biex isseħħ din ix-xewqa tal-Isqfijiet tas-Sinodu.

III. L-għan ta' dan il-Katekiżmu: għal min hu

11 Dan il-Katekiżmu għandu bħala għan li jagħti espożizzjoni organika u sintetika ta' dak li hu essenzjali u fondamentali fid-duttrina Kattolika sew dwar il-fidi u sew dwar il-morali, fid-dawl tal-Konċilju Vatikan II u tat-Tradizzjoni kollha tal-Knisja. L-għejun ewlenin huma l-Kotba Mqaddsa, Missirijiet il-Knisja, il-Liturġija u l-Maġisteru tal-Knisja. Dan il-Katekiżmu jrid iservi "ta' riferenza għall-katekiżmi u għall-ġabriet tad-duttrina Nisranija li jsiru f'ħafna postijiet".[7]

12 Dan il-Katekiżmu hu l-aktar għal dawk responsabbli tal-katekeżi: l-ewwel nett għall-isqfijiet, bħala għalliema tal-fidi u rgħajja tal-Knisja. Qed jiġi mogħti lilhom bħala strument f'idejhom ħa jaqdu d-dmir tagħhom li jgħallmu l-Poplu ta' Alla. Permezz tal-isqfijiet, dan il-Katekiżmu se jasal għand dawk li jiktbu l-katekiżmi, lis-saċerdoti, lill-katekisti. Ikun ktieb ta' qari siewi għall-Insara l-oħra kollha.

[5] Sinodu Straordinarju tal-Isqfijiet 1985, Rapport tal-aħħar, II B a, n. 4.

[6] San Ġwanni Pawlu II, Diskors lis-Sinodu Straordinarju tal-Isqfijiet (7 ta' Diċembru 1985).

[7] Sinodu Straordinarju tal-Isqfijiet, 1985, Rapport tal-aħħar, II B a, n. 4.

IV. L-istruttura tal-Katekiżmu

13 L-istruttura ta' dan il-Katekiżmu hi mibnija fuq dik it-tradizzjoni kateketika kbira li tqiegħed il-katekeżi fuq erba' "pilastri": l-istqarrija tal-fidi fil-Magħmudija (il-Kredu jew simbolu); is-Sagramenti tal-fidi; il-ħajja tal-fidi (il-kmandamenti); u t-talba ta' min jemmen (il-"Missierna").

L-EWWEL PARTI: *L-ISTQARRIJA TAL-FIDI*

14 Dawk li bil-fidi tagħhom u bil-Magħmudija huma ta' Kristu, għandhom jistqarru l-fidi li fiha tgħammdu quddiem il-bnedmin kollha (ara *Mt* 10,32; *Rum* 10,9). Għalhekk il-Katekiżmu l-ewwel juri fiex tikkonsisti r-Rivelazzjoni li permezz tagħha Alla jkellem u jingħata lill-bniedem, u l-fidi li biha l-bniedem iwieġeb lil Alla (l-ewwel sezzjoni). Is-Simbolu tal-fidi (jew il-Kredu) jiġbor fih id-doni li ngħataw lill-bniedem minn Alla bħala Awtur ta' kull ġid, bħala Feddej, u bħala Dak li jqaddes il-bniedem: it-"tliet kapitli" tal-Magħmudija tagħna – il-fidi f'Alla wieħed: il-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art; Ġesù Kristu, Ibnu Sidna u Salvatur tagħna; u l-Ispirtu s-Santu, fil-Knisja Mqaddsa (it-tieni sezzjoni).

IT-TIENI PARTI: *IS-SAGRAMENTI TAL-FIDI*

15 It-tieni parti tal-Katekiżmu turi kif is-salvazzjoni li seħħet darba għal dejjem permezz ta' Kristu Ġesù u tal-Ispirtu s-Santu, isseħħ bl-għemil imqaddes tal-Liturġija tal-Knisja (l-ewwel sezzjoni), u b'mod partikulari permezz tas-seba' Sagramenti (it-tieni sezzjoni).

kkk 37-46 latest.OK (r).indd 42-43 5/16/2014 11:00:28 AM

IT-TIELET PARTI: *IL-ĦAJJA TAL-FIDI*

16 It-tielet parti tal-Katekiżmu turi liema hu l-għan aħħari tal-bniedem, maħluq fuq is-sura tax-xbieha ta' Alla: l-hena u t-triqat li jwasslu għall-hena: hena li tinkiseb b'għemil rett u ħieles, megħjun mil-Liġi u l-grazzja ta' Alla (l-ewwel sezzjoni); b'għemil li jħares il-kmandament tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, imfisser fl-għaxar kmandamenti ta' Alla (it-tieni sezzjoni).

IR-RABA' PARTI: *IT-TALB FIL-ĦAJJA TAL-FIDI*

17 L-aħħar parti tal-Katekiżmu hi dwar it-tifsir u l-importanza tat-talb fil-ħajja ta' min jemmen (l-ewwel sezzjoni). Tilħaq il-qofol tagħha b'kummentarju qasir tas-seba' talbiet tat-Talba li għallimna l-Mulej (it-tieni sezzjoni). Fl-aħħar mill-aħħar, f'dawn is-seba' talbiet insibu miġbur il-ġid kollu li għandna nittamaw u li l-Missier tagħna tas-sema jrid jagħtina.

V. Tagħrif prattiku dwar l-użu ta' dan il-Katekiżmu

18 Dan il-Katekiżmu ġie maħsub bħala *espożizzjoni organika* tal-fidi Kattolika kollha. Għalhekk wieħed irid jaqrah bħala ħaġa sħiħa. Il-ħafna riferenzi li hemm fit-test u l-werrej analitiku fl-aħħar tal-volum, jgħinu biex wieħed jara r-rabta ta' kull tema mal-fidi kollha kemm hi.

19 Spiss, kliem il-Kotba Mqaddsa mhux ċitat litteralment, imma ssir biss riferenza għalih (bil-kelma *ara*). Għal għarfien aktar fil-fond ta' dawn is-siltiet, wieħed irid ifittixhom direttament. Dawn ir-riferenzi bibliċi huma strument ta' ħidma għall-katekeżi.

20 Meta, xi drabi, jintużaw *tipi iżgħar*, dan ifisser li l-osservazzjonijiet huma ta' karattru storiku, apoloġetiku, jew espożizzjonijiet dottrinali li jkomplu jfissru l-ħaġa.

21 *Ir-riferenzi* b'tipi minn kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, minn dokumenti liturġiċi, minn dokumenti tal-Maġisteru, jew minn kitbiet aġjografiċi, għandhom l-għan li jkattru u jagħnu l-espożizzjoni tad-duttrina. Spiss dawn it-testi ntgħażlu biex jintużaw direttament fil-katekeżi.

22 Wara kull artiklu, li jiġbor fih tema sħiħa, hemm għadd ta' testi *fil-qosor* li jiġbru f'għadd ta' formoli dak kollu li hu essenzjali fit-tagħlim li jingħata fl-artiklu. Dawn it-testi *fil-qosor* għandhom bħala skop li jagħtu suġġerimenti għall-katekeżi lokali biex fuqhom jitħejjew formuli sintetiċi, li wieħed jista' jitgħallem malajr bl-amment.

VI. L-adattazzjonijiet meħtieġa

23 Dan il-Katekiżmu jinsisti l-aktar fuq espożizzjoni tad-duttrina: irid jgħin biex ikun hemm għarfien aktar fil-fond tal-fidi, u għalhekk ifittex li jwassal din il-fidi għall-kobor sħiħ tagħha, biex trabbi l-għeruq tagħha fil-ħajja ta' dak li jkun u tiddi fix-xhieda li jagħti.[8]

24 Minħabba dan l-għan proprju tiegħu, dan il-Katekiżmu mhux se jfittex jadatta l-espożizzjoni tad-duttrina u l-metodi tal-katekeżi għall-kulturi, għall-etajiet, għall-maturità spiritwali, għal sitwazzjonijiet soċjali u ekkleżjali ta' dawk li għalihom issir il-katekeżi. Dawn l-adattamenti huma meħtieġa fil-katekiżmi li jridu jiġu adattati, u wisq aktar fil-katekiżmi għat-tagħlim tal-fidili:

[8] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (1979), 20-22; 25.

kkk 37-46 latest.OK (r).indd 44-45 5/16/2014 11:00:28 AM

> Min jgħallem irid isir "kollox ma' kulħadd" (*1 Kor* 9,22) biex jirbaħ lil kulħadd għal Ġesù Kristu ... Fuq kollox, ma għandux jaħseb li sura waħda ta' erwieħ ġiet fdata lilu u li għalhekk jista' jgħallem u jsawwar bl-istess mod il-fidili kollha fit-tjieba vera, bl-istess metodu wieħed, dejjem l-istess! Għandu jkun jaf li xi wħud huma f'Ġesù Kristu qishom trabi għadhom jitwieldu, oħrajn qishom adolexxenti, u oħrajn, fl-aħħar nett, qishom adulti fl-aħjar tagħhom ... Dawk li huma msejħin għall-ministeru tal-predikazzjoni, għandhom, huma u jwasslu t-tagħlim tal-misteri tal-fidi u r-regoli tal-imġiba, jadattaw kliemhom għall-ispirtu u l-intelliġenza ta' dawk li jkunu jisimgħuhom.[9]

Fuq kollox: l-Imħabba

25 Nagħlqu din il-preżentazzjoni ta' dan il-Katekiżmu, billi nfakkru l-prinċipju pastorali li ħabbar il-*Katekiżmu Ruman:*

> L-għan kollu tad-duttrina u tat-tagħlim irid ikun l-imħabba li ma tintemm qatt. Fil-fatt wieħed jista' jfisser dak li għandna nemmnu, nittamaw u nagħmlu, iżda fuq kollox irid dejjem juri l-imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu, biex kull bniedem jifhem li kull għemil ta' virtù kollha kemm hi Nisranija ma għandux bidu ieħor ħlief l-imħabba u ebda tmiem ieħor ħlief l-imħabba.[10]

[9] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), Introduzzjoni, 11.

[10] *Ibid*., Introduzzjoni, 10.

L-EWWEL PARTI

L-ISTQARRIJA TAL-FIDI

kkk 47-58 latest.OK (r).indd 47 5/16/2014 1:50:24 PM

L-EWWEL SEZZJONI

“JIENA NEMMEN” – “AĦNA NEMMNU”

kkk 47-58 latest.OK (r).indd 48-49 5/16/2014 1:50:24 PM

26 Meta niġu biex nistqarru l-fidi tagħna nibdew billi ngħidu: “Jiena nemmen” jew “Aħna nemmnu”. Għalhekk qabel nuru x’inhi l-fidi tal-Knisja li nistqarru fil-Kredu, niċċelebraw fil-Liturġija, ngħixu bil-ħarsien tal-kmandamenti u bit-talb, aħna rridu nistaqsu lilna nfusna x’jiġifieri “temmen”. Il-fidi hi t-tweġiba tal-bniedem lil Alla li juri lilu nnifsu u jingħata lill-bniedem, waqt li fl-istess ħin idawwal b’dija tal-għaġeb lill-bniedem huwa u jfittex xi tfisser fl-aħħar mill-aħħar ħajtu. Naraw l-ewwel x’inhu dak li l-bniedem qiegħed ifittex (*l-ewwel Kapitlu*), u mbagħad naraw x’inhi r-Rivelazzjoni ta’ Alla, rivelazzjoni li biha Alla juri lilu nnifsu lill-bniedem (*it-tieni Kapitlu*), u fl-aħħar it-tweġiba tal-fidi (*it-tielet Kapitlu*).

L-EWWEL KAPITLU

IL-BNIEDEM JISTA’ JASAL BIEX IKUN JAF ’L ALLA

I. Ix-xewqa ta’ Alla

27 Ix-xewqa ta’ Alla hi mnaqqxa f’qalb il-bniedem, għax il-bniedem inħalaq minn Alla u għal Alla; Alla ma jieqaf qatt jiġbed il-bniedem lejh, u f’Alla biss il-bniedem isib il-verità u l-hena li qatt ma jieqaf ifittex: 355; 1701 1718

> L-ogħla aspett tad-dinjità tal-bniedem hi s-sejħa tal-bniedem għal xirka ma’ Alla. L-istedina ta’ Alla lill-bniedem biex jitkellem miegħu tibda mal-ħolqien tal-bniedem, għaliex il-bniedem jeżisti għax Alla ħalqu b’imħabba u, għax iħobbu, ma jieqaf qatt iżommu ħaj; u l-bniedem ma jgħixx ħajja sħiħa skont il-verità jekk, minn rajh, b’mod ħieles, ma jagħrafx din l-imħabba u jintelaq kollu kemm hu f’idejn min ħalqu.[1]

28 Il-bnedmin, fil-ġrajja tagħhom, sal-lum, b’ħafna manjieri, fissru t-tfittix tagħhom ta’ Alla permezz tat-twemmin u l-imġiba reliġjuża tagħhom (talb, sagrifiċċji, kult, meditazzjonijiet u l-bqija). Minkejja li dawn mhux dejjem ifissru l-istess ħaġa, huma hekk universali, li nistgħu ngħidu li l-bniedem huwa *esseri reliġjuż:* 843; 2566 2095 - 2109

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 19.

kkk 47-58 latest.OK (r).indd 50-51 5/16/2014 1:50:24 PM

> [Alla] minn bniedem wieħed għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex jgħammru fuq wiċċ l-art kollha, u qassmilhom bil-qjies iż-żminijiet u t-truf tal-art fejn għandhom jgħammru; u dan għamlu biex huma jfittxu lil Alla u forsi jħossuh b'idejhom u jsibuh; u tassew, hu mhuwiex 'il bogħod minn kull wieħed minna. Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna (*Atti* 17,26-28).

29 Iżda din "ir-rabta intima u vitali tal-bniedem ma' Alla"[2] tista' tintesa, ma tiġix magħrufa, u wkoll tkun imwarrba
2123-2128 espliċitament mill-bniedem. Qagħdiet bħal dawn jista' jkollhom bidu mhux l-istess:[3] jew bi protesta qawwija kontra d-deni kollu li hawn fid-dinja, jew minħabba l-injoranza jew l-indifferenza reliġjuża, jew minħabba l-ġibda tad-dinja u l-għana kollu tagħha (ara *Mt* 13,22), jew minħabba l-eżempji ħżiena li jagħtu dawk li jemmnu, jew minħabba kurrenti ta' fehmiet kontra r-reliġjon, jew, fl-aħħar nett, minħabba
398 l-qagħda tal-midneb li, għax jibża', jistaħba minn Alla (ara *Ġen* 3,8-10), jew jaħrab quddiem is-sejħa tiegħu (ara *Ġona* 1,3).

30 "Tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu l-Mulej" (*Salm* 105,3). Jekk il-bniedem jasal biex jinsa u jiċħad lil Alla, Alla ma
2567 jieqaf qatt isejjaħ lil kull bniedem biex ifittxu ħa jgħix u jsib
845 il-ġid. Iżda t-tfittix ta' Alla jitlob mill-bniedem l-isforz kollu tal-
368 intelliġenza u r-rieda tajba tiegħu, "qalb retta", flimkien max-xhieda ta' oħrajn li jgħallmuh ifittex lil Alla.

> Kbir int, Mulej, u ta' min ifaħħrek ħafna: int ta' qawwa kbira u bla tarf id-dehen tiegħek. U jrid ifaħħrek il-bniedem, din in-nitfa mill-ħolqien tiegħek, il-bniedem li jġorr madwaru ħajtu li tmut, li jġorr madwaru x-xhieda ta' dnubu u x-xhieda li inti tieqaf lill-kburin. Imma jrid ifaħħrek il-bniedem, din in-nitfa mill-ħolqien tiegħek. Inti nnifsek tqanqlu biex jitgħaxxaq ifaħħrek, għax int għamiltna għalik, u qalbna ma ssibx kwiet qabel ma tistrieħ fik.[4]

[2] *Ibid.*

[3] Ara *ibid*., 19-21.

II. It-triqat li jwasslu għall-għarfien ta' Alla

31 Il-bniedem, maħluq xbieha ta' Alla, imsejjaħ biex jagħraf u jħobb lil Alla, meta jiġi biex ifittex lil Alla, isib li hemm xi "triqat" li jwassluh għall-għarfien ta' Alla. Dawn it-"triqat" jissejħu "provi tal-eżistenza ta' Alla," provi mhux fis-sens tal-provi li jitolbu x-xjenzi naturali, imma provi fis-sens ta' "argumenti konverġenti u konvinċenti" li jwasslu biex wieħed ikun tassew ċert mill-ħaġa.

Dawn it-"triqat" li bihom nersqu lejn Alla għandhom il-bidu tagħhom fil-ħolqien: id-dinja materjali u l-persuna umana.

32 *Id-dinja:* Meta nqisu l-bidla li kollox jgħaddi minnha 54; 337 fil-bidu tal-eżistenza u wara wkoll, meta naraw kif kull ħaġa tiżviluppa, u kif kollox fid-dinja għandu l-bidu u t-tmiem tiegħu, meta nqisu l-ordni li hawn fid-dinja u l-ġmiel tad-dinja, nistgħu naslu biex nagħrfu lil Alla bħala l-bidu u t-tmiem tal-univers kollu.

> Dwar il-pagani San Pawl jgħid: "Dak li wieħed jista' jagħraf minn Alla kien, iva, irrivelat lilhom: Alla stess urihulhom. Il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinità tiegħu, huma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq". (*Rum* 1,19-20; ara *Atti* 14,15.17; 17,27-28; *Għerf* 13,1-9).
>
> U Santu Wistin: "Staqsi 'l-ġmiel tal-art, staqsi 'l-ġmiel tal-baħar, staqsi 'l-ġmiel tal-arja li tespandi u tinxtered, staqsi 'l-ġmiel tas-sema ... staqsi 'l kull ħaġa li teżisti. Kollha jweġbuk: Ara, aħna lkoll

[4] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet,* 1, 1, 1: PL 32, 659-661: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet,* Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 5.

kkk 47-58 latest.OK (r).indd 52-53 5/16/2014 1:50:24 PM

sbieħ. Il-ġmiel tagħhom huwa stqarrija (*confessio*). Dan il-ġmiel li jinbidel, min seta' jagħmlu jekk mhux il-Ġmiel (*Pulcher*) fih innifsu, li ma jitbiddel qatt?"[5]

2500 33 *Il-bniedem*: għax hu miftuħ għall-verità u għall-ġmiel, għas-sens li għandu ta' dak li hu moralment tajjeb, bil-
1730; 1776 libertà u b'leħen il-kuxjenza tiegħu, bil-ħerqa tiegħu għal dak li hu infinit u għall-hena, il-bniedem jasal biex jistaqsi lilu nnifsu dwar l-eżistenza ta' Alla. F'dan kollu jara sinjali
1703 tar-ruħ spiritwali tiegħu. "Żerriegħa tal-ħajja ta' dejjem li jġorr fih innifsu u li mhijiex u ma tistax tkun xi ħaġa materjali",[6]
366 ruħu ma jistax ikollha l-bidu tagħha jekk mhux minn Alla biss.

34 Id-dinja u l-bniedem jixhdu li ma għandhomx fihom infushom la l-ewwel bidu tagħhom u lanqas it-tmiem aħħari tagħhom, imma jiġuhom minn Dak li hu fih innifsu bla bidu u bla tmiem. B'hekk, minn dawn "it-triqat" diversi, il-bniedem jista' jasal għall-għarfien tal-eżistenza ta' realtà li hi l-ewwel
199 bidu u t-tmiem aħħari ta' kollox, realtà "li kulħadd isejjaħ Alla".[7]

35 Il-fakultajiet li għandu l-bniedem jagħmluh kapaċi
50 jagħraf l-eżistenza ta' Alla personali. Iżda biex il-bniedem ikun jista' jkollu relazzjoni ta' intimità ma' Alla, Alla ried juri lilu nnifsu lill-bniedem u jagħti lill-bniedem il-grazzja li jkun jista' jilqa' din ir-Rivelazzjoni fil-fidi. Madankollu, il-provi tal-
159 eżistenza ta' Alla jistgħu jħejju għall-fidi u jgħinu biex wieħed jara li l-fidi mhijiex kontra r-raġuni tal-bniedem.

[5] Santu Wistin, *Omelija* 241, 2: PL 38, 1134.

[6] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 18; ara 14.

[7] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* I, 2, 3.

III. L-għarfien ta' Alla skont il-Knisja

36 "Ommna l-Knisja Mqaddsa żżomm u tgħallem li Alla, bidu u tmiem ta' kollox, jista' jkun magħruf b'mod żgur bid-dawl naturali tar-raġuni tal-bniedem permezz tal-ħlejjaq".[8] Mingħajr din il-ħila, il-bniedem ma jistax jilqa' r-rivelazzjoni ta' Alla. Il-bniedem għandu din il-ħila, għax maħluq "xbieha 355 ta' Alla" (ara *Ġen* 1,27).

37 Iżda minħabba l-kundizzjoni storika li fiha jinsab, il-bniedem isib ħafna diffikultajiet biex jagħraf 'l Alla bid-dawl 1960 biss tar-raġuni tiegħu:

> Għalhekk ir-raġuni tal-bniedem biss bil-ħila naturali tagħha u bid-dawl tagħha tista' tasal għal għarfien veru u żgur ta' Alla personali wieħed, li jħares u jmexxi d-dinja bil-providenza tiegħu; tista' tasal ukoll biex tagħraf il-liġi naturali li l-Ħallieq qiegħed fi qlubna; madankollu hemm ħafna xi jfixkel ir-raġuni biex tagħmel użu tajjeb mis-setgħat naturali tagħha hekk li jħallu l-frott mixtieq. Il-veritajiet dwar Alla u dwar il-bniedem u Alla huma veritajiet għal kollox superjuri għal kull ma jaqa' taħt is-sensi tagħna, u meta niġu biex dawn il-veritajiet ngħixuhom fil-ħajja kollha tagħna u nagħmluhom, jitolbu minna li niċċaħħdu minna nfusna u nagħtu lilna nfusna lilhom. L-intelliġenza tal-bniedem, biex tikseb dawn il-veritajiet, tiltaqa' ma' ħafna diffikultajiet kemm min-naħa tas-sensi u tal-immaġinazzjoni u kemm min-naħa tax-xewqat ħżiena, frott id-dnub tan-nisel. U għalhekk jiġri li f'din il-ħaġa l-bniedem malajr jikkonvinċi ruħu li xi affarijiet huma foloz, jew għallinqas mhux żguri, għax ma jridhomx ikunu veri. [9]

38 Hu għalhekk li l-bniedem jeħtieġlu jiġi mdawwal mir-rivelazzjoni ta' Alla, mhux biss dwar dak li hu 'l fuq mill-intelliġenza tiegħu, imma wkoll dwar dawk "il-veritajiet 2036

[8] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 2: DS 3004; ara DS 3026; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 6.

[9] Piju XII, Enċiklika *Humani generis* (1950): DS 3875.

kkk 47-58 latest.OK (r).indd 54-55 5/16/2014 1:50:25 PM

reliġjuži u morali li, minnhom infushom, jistgħu jkunu magħrufin mir-raġuni tal-bniedem, biex, fil-qagħda li fiha jinsab il-bniedem illum, ikun jista' jasal biex isir jafhom bla ebda taħbit, u jkun żgur għal kollox minnhom u ħieles minn kull żball".[10]

IV. Kif titkellem dwar Alla?

39 Il-Knisja, meta tiddefendi l-ħila tar-raġuni tal-bniedem li tasal biex tagħraf lil Alla, tkun qiegħda turi l-fiduċja tagħha
851 li tista' titkellem dwar Alla lill-bnedmin kollha u mal-bnedmin kollha. Fuq din il-konvinzjoni, il-Knisja tibni d-djalogu tagħha mar-reliġjonijiet l-oħra, mal-filosofija u max-xjenzi, u ma' dawk ukoll li ma jemmnux jew jiċħdu lil Alla.

40 L-għarfien tagħna ta' Alla hu limitat, u hekk ukoll hu limitat il-kliem tagħna dwar Alla. Ma nistgħux nitkellmu dwar Alla jekk ma nitilqux mill-ħlejjaq tiegħu u nitkellmu skont il-mod limitat tagħna l-bnedmin kif nifhmu u naħsbu.

41 Il-ħlejjaq kollha għandhom xi sura tax-xbieha ta' Alla, u b'mod speċjali għandu dan il-bniedem maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla. Il-ħafna perfezzjonijiet tal-ħlejjaq (il-verità,
213 it-tjieba, il-ġmiel tagħhom) huma rifless tal-perfezzjoni bla qies ta' Alla. Għalhekk nistgħu naslu biex nitkellmu dwar
219 Alla, jekk nitilqu mill-perfezzjonijiet tal-ħlejjaq tiegħu, "għax fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq, jingħaraf, bħal fi xbieha, dak li jagħmilhom" (*Għerf* 13,5).

[10] *Ibid*., 3876; ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 2: DS 3005; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 6; San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* I, 1, 1.

42 Alla hu 'l fuq mill-ħlejjaq kollha. Għalhekk irridu 212; 300
kontinwament insaffu kliemna minn dak kollu li hu limitat, tixbih, imperfett, biex ma nħalltux 'l Alla "li ma nistgħux infissruh bil-kliem, u lanqas nistgħu nifhmuh, narawh u nagħrfuh",[11] mal-fehmiet tagħna l-bnedmin. Il-kliem tagħna 370
ta' bnedmin li aħna, jibqa' dejjem 'l isfel ħafna mill-Misteru ta' Alla.

43 Aħna u nitkellmu b'dan il-mod dwar Alla, kliemna jkun, iva, kliem ta' bnedmin, iżda jilħaq tassew 'l Alla nnifsu, għalkemm mingħajr ma jkun jista' jfissru fis-sempliċità bla qies tiegħu. Fl-aħħar mill-aħħar, irridu niftakru li "bejn il-ħallieq u l-ħliqa tiegħu wieħed ma jistax jintebaħ li hemm tant xebh li ma jintebaħx ukoll li n-nuqqas ta' xebh hu wisq aqwa",[12] u li "aħna ma nistgħux naslu biex nifhmu dwar Alla 206
dak li hu, imma biss nifhmu dak li mhux, u x'inhi l-qagħda tal-esseri l-oħra fir-relazzjoni tagħhom miegħu".[13]

Fil-qosor

44 *Il-bniedem min-natura tiegħu u bil-vokazzjoni tiegħu hu esseri reliġjuż. Ġej minn Alla u sejjer għand Alla, il-bniedem ma jgħixx ħajja li tixraq għal kollox il-bniedem, ħajja umana sħiħa, jekk ma jgħixx minn rajh, b'mod għal kollox ħieles, ir-rabta tiegħu ma' Alla.*

45 *Il-bniedem hu maħluq biex jgħix f'xirka ma' Alla, li fih isib il-hena tiegħu. "Meta ningħaqad miegħek kollni*

[11] *Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu*, anafora.

[12] Konċilju Lateran IV, Kap 2. *Dwar l-iżball tal-Abbati Ġwakkin de Fiore* (1215): DS 806.

[13] San Tumas ta' Aquino, *Summa contra gentiles,* 1, 30.

kkk 47-58 latest.OK (r).indd 56-57 5/16/2014 1:50:25 PM

kemm jien, qatt iżjed ma jkolli taħbit u niket u ħajti tkun ħajja kollha mimlija bik".[14]

46 *Il-bniedem, meta jisma' x'jgħidulu l-ħlejjaq u x'jgħidlu leħen il-kuxjenza tiegħu, jista' jasal biex ikun żgur dwar l-eżistenza ta' Alla, bidu u tmiem ta' kollox.*

47 *Il-Knisja tgħallem li Alla hu wieħed u veru, Ħallieq u Sid tagħna, u aħna nistgħu nagħrfuh b'mod żgur permezz tal-għemejjel tiegħu, bid-dawl naturali tar-raġuni tagħna l-bnedmin.*[15]

48 *Nistgħu nitkellmu tassew dwar Alla, jekk nitilqu mill-ħafna perfezzjonijiet tal-ħlejjaq tiegħu, xbihat ta' Alla ta' perfezzjoni bla qies, għalkemm kliemna hu limitat u ma jasal qatt biex ifisser għal kollox il-misteru.*

49 *"Il-ħliqa mingħajr il-Ħallieq tagħha tintemm fix-xejn".*[16] *Hu għalhekk li min jemmen jaf li hu mmexxi mill-imħabba ta' Kristu biex iwassal id-dawl ta' Alla l-ħaj lil dawk li ma jafuhx jew jiċħduh.*

[14] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet,* 10, 28, 39: PL 32, 795: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 301.

[15] Ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), Dwar ir-Rivelazzjoni, kan. 2: DS 3026.

[16] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 36.

IT-TIENI KAPITLU

ALLA JILTAQA' MAL-BNIEDEM

50 Bir-raġuni naturali tiegħu, il-bniedem jista' żgur jagħraf 'l Alla permezz tal-ħlejjaq tiegħu. Iżda hemm ordni ta' għarfien ieħor, li l-bniedem bl-ebda mod ma jista' jasal għalih bil-forzi tiegħu biss, jiġifieri l-ordni tar-Rivelazzjoni Divina.[1] B'deċiżjoni kollha kemm hi ħielsa, Alla juri lilu nnifsu lill-bniedem. Dan jagħmlu billi juri x'inhu l-misteru tiegħu, il-pjan kollu mħabba mfassal qabel kull żmien fi Kristu, favur il-bnedmin kollha. Wera l-pjan fil-milja kollha tiegħu, meta bagħtilna 'l Ibnu l-Maħbub, Sidna Ġesù Kristu, u l-Ispirtu s-Santu. 36 1066

L-ewwel artiklu

IR-RIVELAZZJONI TA' ALLA

I. Alla jirrivela "l-pjan kollu mħabba tiegħu"

51 "Fl-għerf u t-tjieba tiegħu Alla għoġbu juri lilu nnifsu personalment u jgħarraf il-misteru tar-rieda tiegħu, li bih il- 2823

[1] Ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 4: DS 3015.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 59 5/16/2014 11:07:30 AM

bnedmin, b'Ġesù Kristu, il-Verb magħmul bniedem, ikollhom
1996 id-dħul għand il-Missier, fl-Ispirtu s-Santu u jissieħbu fin-natura ta' Alla".[2]

52 Alla, li jgħammar "f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh" (*1 Tim* 6,16), irid jagħti l-istess ħajja divina lill-bnedmin li hu ħalaq minn rajh, biex, f'Ibnu l-waħdieni, jagħmilhom ulied adottivi tiegħu (ara *Ef* 1,4-5). Huwa u juri lilu nnifsu, Alla ried jagħti lill-bnedmin il-ħila li jweġbuh, jagħrfuh u jħobbuh wisq aktar milli kieku kellhom joqogħdu fuq il-ħila tagħhom stess.

1953 53 Il-pjan ta' Alla tar-rivelazzjoni seħħ fl-istess ħin "bl-għemil u bil-kliem, marbutin bejniethom b'rabta sħiħa,
1950 u jfissru 'l xulxin".[3] Il-pjan għandu "pedagoġija divina" partikulari: Alla juri lilu nnifsu ftit ftit lill-bniedem, iħejjih pass wara l-ieħor biex jilqa' r-Rivelazzjoni sopranaturali li hu stess jirrivelalu u li tilħaq il-milja tagħha fil-Persuna u l-missjoni tal-Verb magħmul bniedem, Ġesù Kristu.

> San Irinew ta' Lyon jitkellem kemm-il darba dwar din il-pedagoġija divina bħala għemil li bih Alla u l-bniedem jidraw 'il xulxin: "Il-Verb ta' Alla għammar fil-bniedem u sar Bin il-bniedem biex idarri l-bniedem jagħraf 'l Alla u biex Alla jidra jgħammar fil-bniedem skont ir-rieda tal-Missier".[4]

II. Il-passi tar-Rivelazzjoni

SA MILL-BIDU, ALLA GĦARRAF LILU NNIFSU

54 "Alla, li ħalaq u jżomm kollox permezz tal-Verb,
32 jagħti bla heda lill-bnedmin xhieda tiegħu fil-ħlejjaq kollha;

[2] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 2.
[3] *Ibid*.
[4] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji,* 3, 20, 2; ara p. eż. 3,17, 1; 4, 12, 4; 4, 21, 3.

u għax ried jiftaħ triq ta' salvazzjoni tas-sema, sa mill-bidu
wera lilu nnifsu lill-ewwel ġenituri tagħna".[5] Stedinhom għal 374
xirka intima miegħu billi żejjinhom bi grazzja u ġustizzja kollhom dija.

55 Din ir-Rivelazzjoni ma waqfitx mad-dnub tal-ewwel 397
ġenituri tagħna. Alla, "wara l-waqgħa tagħhom, wegħedhom 401
il-fidwa, qawwielhom qalbhom bit-tama tas-salvazzjoni; baqa' dejjem jieħu ħsieb il-familja kollha tal-bnedmin, biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li jfittxu s-salvazzjoni u jipperseveraw sal-aħħar fl-għemil it-tajjeb".[6]

> U meta ma qagħadx għar-rieda tiegħek u tilef il-ħbiberija miegħek, int ma tlaqtux fil-jasar tal-mewt ... Kemm-il darba minn rajk dħalt f'patt mal-bnedmin.[7] 761

IL-PATT MA' NOÈ

56 Meta l-għaqda tal-familja kollha tal-bnedmin ġiet 401
fix-xejn bid-dnub, Alla fittex l-ewwel li jsalva l-bnedmin billi jilħaq kull wieħed mill-gruppi li fihom inqasmu. Il-Patt ma' Noè wara d-dulluvju (ara *Ġen* 9,9) juri skont liema prinċipji 1219
Alla ġab ruħu man-"nazzjonijiet", jiġifieri mal-bnedmin imqassmin skont l-art tagħhom, "kull wieħed skont ilsienu, u skont il-familji tagħhom bi ġnushom" (*Ġen* 10,5; ara 10,20-31).

57 Dan l-ordni, kożmiku, soċjali u reliġjuż fl-istess ħin, tal-kotra kollha tal-ġnus (ara *Atti* 17, 26-27), kellu jrażżan is-suppervja tal-umanità li, mwaqqgħa fid-dnub u fil-ħażen imgħaddsa (ara *Għerf* 10,5), riedet bil-ħila tagħha biss

[5] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 3.
[6] *Ibid.*
[7] *Missal Ruman*, Talba Ewkaristika IV.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 60-61 5/16/2014 11:07:30 AM

iġġib l-għaqda tagħha b'manjieri bħal dawk ta' Babel (ara *Ġen* 11,4-6). Iżda minħabba d-dnub (ara *Rum* 1, 18-25), il-politeiżmu flimkien mal-idolatrija tan-nazzjon u tal-mexxej tagħha, kienu bla heda jheddu b'perversjoni pagana din l-Ekonomija proviżorja ta' Alla.

674 58 Il-patt ma' Noè jibqa' sakemm jibqa' żmien il-ġnus (ara *Lq* 21,24) sakemm jitħabbar l-Evanġelju ma' kullimkien. L-Iskrittura tagħti ġieħ lil xi persuni kbar tan-"nazzjonijiet", bħal "Abel il-Ġust", il-qassis-sultan Melkisedek (ara *Ġen* 14,18), xbieha ta' Kristu (ara *Lh* 7,3), u t-tliet ġusti "Noè, Danjel u Ġob" (*Eżek* 14,14). B'dan il-mod l-Iskrittura turina għal liema grad għoli ta' qdusija setgħu jaslu dawk li
2569 għexu skont il-Patt ma' Noè, huma u jistennew li Kristu "jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin" (*Ġw* 11, 52).

Alla jagħżel 'l Abraham

59 Biex jiġbor l-umanità mxerrda, Alla għażel 'l
145; 2570 Abram u sejjaħlu biex jitlaq minn artu, minn art twelidu, minn dar missieru (ara *Ġen* 12,1) biex jagħmel minnu Abraham, jiġifieri "missier ta' kotra kbira ta' ġnus" (*Ġen* 17,5)*:* "Jitbierku fik il-ġnus kollha tal-art" *(Ġen* 12,3 LXX; ara *Gal* 3,8).

760 60 Il-poplu li tnissel minn Abraham ikun dak li fih tinżamm bla mittiefsa l-wegħda magħmula lill-patrijarki, il-poplu magħżul (ara *Rum* 11,28) imsejjaħ biex iħejji, xi
762; 781 darba, il-ġemgħa tal-ulied kollha ta' Alla fl-għaqda tal-Knisja (ara *Ġw* 11,52; 10,16); il-fergħa li fuqha jitlaqqmu l-pagani li jibdew jemmnu (ara *Rum* 11,17-18. 24).

61 Il-patrijarki u l-profeti u l-persunaġġi l-oħra tal-Patt il-Qadim kienu u jibqgħu dejjem mogħtija ġieħ bħala qaddisin fit-tradizzjonijiet liturġiċi kollha tal-Knisja.

Alla jsawwar 'l iżrael bħala l-poplu tiegħu

62 Wara l-patrijarki, Alla sawwar lil Iżrael bħala l-poplu tiegħu, meta ħelsu mill-jasar tal-Eġittu. Għamel miegħu l-Patt tas-Sinaj u, permezz ta' Mosè, tah il-Liġi, biex jagħrfu 2060; 2574
u jaqdih bħala Alla wieħed, ħaj u veru, Missier li jipprovdi, u 1961
mħallef ġust, u biex jistenna s-Salvatur imwiegħed[8].

63 Iżrael hu l-poplu saċerdotali ta' Alla, (ara *Eż* 19,6), 204; 2801
dak li jġib "isem il-Mulej" (*Dewt* 28,10). Hu l-poplu "li lilu 839
qabel kulħadd waslet il-Kelma ta' Alla",[9] il-poplu "tal-aħwa l-kbar" fil-fidi ta' Abraham.[10]

64 Bil-profeti Alla jsawwar il-poplu tiegħu fit-tama tas- 711
salvazzjoni, fl-istennija ta' Patt ġdid u għal dejjem mal-
bnedmin kollha (ara *Is* 2,2-4), Patt li jinkiteb fi qlubhom (ara 1965
Ġer 31,31-34; *Lh* 10,16). Il-profeti ħabbru fidwa mill-qiegħ tal-Poplu ta' Alla: it-tisfija mill-infedeltajiet kollha tagħhom (ara *Eżek* 36), salvazzjoni li tħaddan in-nazzjonijiet kollha (ara *Is* 49, 5-6; 53,11).

L-aktar li jkollhom din it-tama jkunu l-foqra u ċ-ċkejknin tal-Mulej (ara *Sof* 2,3). In-nisa qaddisa bħal Sara, Rebekka,

[8] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 3.

[9] *Missal Ruman,* Azzjoni Liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira: Talba universali VI.

[10] Ara San Ġwanni Pawlu II, Diskors fis-Sinagoga waqt il-laqgħa mal-Komunità Lhudija f'Ruma (13 ta' April 1986), 4.

Rakel, Mirjam, Debora, Anna, Ġuditta u Ester żammew
489 ħajja f'Iżrael din it-tama ta' salvazzjoni. Marija hi xbieha perfetta ta' dan (ara *Lq* 1,38).

III. Kristu Ġesù: "Il-Medjatur u l-milja tar-Rivelazzjoni kollha"[11]

Alla qal kollox fil-Verb tiegħu

65 "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dan l-aħħar żmien huwa kellimna permezz ta' Ibnu" (*Lh* 1,1-2). Kristu,
102 l-Iben ta' Alla magħmul bniedem hu l-Kelma waħda, perfetta u definittiva tal-Missier. Fi Kristu, il-Missier qal kollox, u mhux se jkun hemm Kelma oħra barra minnha. San Ġwann tas-Salib, wara tant oħrajn ifissirha b'mod tassew imdawwal, huwa u jikkummenta *Lh* 1,1-2:

> Miż-żmien li tana 'l Ibnu, li hu l-Kelma (il-Verb) tiegħu, Alla ma għandux xi Kelma oħra x'jagħtina. Qalilna kollox f'waqt wieħed, f'daqqa waħda f'din il-Kelma waħda ... għax dak li qal, biċċa biċċa
> 516 lill-profeti, qalu kollu f'Ibnu, huwa u jagħtina kollox li hu Ibnu. Araw għaliex issa, jekk xi ħadd irid jistaqsih xi ħaġa jew jixtieq mingħandu xi dehra jew xi rivelazzjoni, mhux biss ikun jagħmel xi bluha, imma jkun ukoll joffendi lil Alla, għax ma jkunx qed jitfa'
> 2717 ħarstu biss fuq Kristu, imma jkun ifittex xi ħaġ'oħra, jew xi ħaġa ġdida.[12]

[11] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 2.

[12] San Ġwann tas-Salib, *Telgħa tal-Għolja tal-Karmelu,* 2, 22: *Liturġija tas-Sigħat,* it-Tnejn tat-tieni ġimgħa tal-Avvent, Uffiċċju tal-Qari, Lezzjoni II. Ara *Kollox għal Alla waħdu. L-Ewwel Volum tal-Kitba ta' San Ġwann tas-Salib,* Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 2000, 167.

Mhux se jkun hemm aktar rivelazzjoni

66 "Il-Patt il-Ġdid hu definittiv u għal dejjem, għalhekk iż-żmien tal-Ekonomija Nisranija qatt mhu se jgħaddi, u m'għandniex nistennew ebda rivelazzjoni pubblika ġdida f'dan iż-żmien qabel id-dehra glorjuża ta' Sidna Ġesù Kristu"[13]. Iżda, għalkemm ir-Rivelazzjoni ntemmet, għad ma ħariġx beraħ għal kollox kulma fiha; hi l-fidi Nisranija li trid tifhem u tara, bil-mod il-mod tul iż-żminijiet, kulma fiha 94 r-Rivelazzjoni.

67 Tul iż-żminijiet kien hemm rivelazzjonijiet, hekk imsejħa "privati" u xi wħud minnhom ġew magħrufa mill-awtorità tal-Knisja iżda dawn 84 mhumiex parti mid-depożitu tal-fidi. L-għan tagħhom mhux li "jtejbu" ir-Rivelazzjoni definittiva ta' Kristu, imma li jgħinu biex wieħed jgħixha b'mod sħiħ f'xi żmien tal-istorja tal-bniedem. Il-fidili, immexxijin mill-Maġisteru tal- 93 Knisja, jafu jagħżlu, bis-sens tagħhom (*sensus fidelium*), u jilqgħu dak li f'dawn ir-rivelazzjonijiet ikun sejħa vera ta' Kristu jew tal-Qaddisin tiegħu lill-Knisja.

Il-fidi nisranija ma tistax taċċetta xi "rivelazzjonijiet" li jippretendu li jgħaddu jew jikkoreġu r-Rivelazzjoni li tagħha l-qofol hu Kristu. Hu l-każ ta' xi reliġjonijiet mhux Insara, u wkoll ta' xi setet ta' żmienna li jibbażaw ruħhom fuq "rivelazzjonijiet" bħal dawn.

Fil-qosor

68 *Alla, b'imħabba, wera lilu nnifsu u ngħata lill-bnedmin. B'hekk jagħti tweġiba definittiva u sħiħa għall-problemi li l-bniedem għandu dwar is-sens u l-għan ta' ħajtu.*

69 *Alla rrivela lilu nnifsu lill-bniedem, billi pass pass urieh il-misteru tiegħu bl-għemil u bil-kliem.*

[13] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 4.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 64-65 5/16/2014 11:07:30 AM

70 *Lil hinn mix-xhieda li jagħti tiegħu nnifsu fil-ħlejjaq, Alla wera lilu nnifsu stess lill-ewwel ġenituri tagħna. Kellimhom, u wara li waqgħu fid-dnub, wegħedhom is-salvazzjoni* (ara *Ġen* 3,15) *u offrielhom il-Patt miegħu.*

71 *Alla għamel ma' Noè patt għal dejjem bejnu u bejn il-ħlejjaq ħajjin kollha* (ara *Ġen* 9,16). *Dan il-Patt idum kemm iddum id-dinja.*

72 *Alla għażel lil Abraham u għamel Patt miegħu u ma' nislu. Sawwar il-poplu tiegħu u wrieh il-liġi tiegħu permezz ta' Mosè. Bil-profeti ħejjieh biex jilqa' s-salvazzjoni li hi għall-familja kollha tal-bnedmin.*

73 *Alla rrivela lilu nnifsu b'mod sħiħ meta bagħat lil Ibnu stess, u fih waqqaf Patt li jibqa' għal dejjem. Hu l-aħħar Kelma tal-Missier, hekk li mhux se jkun hemm Rivelazzjoni oħra warajh.*

It-tieni artiklu

KIF TITWASSAL IR-RIVELAZZJONI TA' ALLA

74 Alla "irid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex
851 jagħrfu l-verità" (*1 Tim* 2,4), jiġifieri dik ta' Kristu Ġesù (ara *Ġw* 14,6). Jeħtieġ mela li Kristu jitħabbar lill-popli kollha u lill-bnedmin kollha biex b'hekk ir-Rivelazzjoni tasal sa truf l-art.

> Alla, fit-tjubija tiegħu, ħa ħsieb biex din ir-Rivelazzjoni, mogħtija għas-salvazzjoni tan-nazzjonijiet kollha, tibqa' dejjem sħiħa u bla mittiefsa, u tasal lill-ġenerazzjonijiet kollha.[14]

[14] *Ibid*., 7.

I. It-Tradizzjoni Appostolika

75. "Il-Mulej Ġesù, li fih ir-Rivelazzjoni kollha ta' Alla l-Għoli laħqet il-qofol tagħha, meta temmha hu stess u ħabbar b'fommu l-Evanġelju, imwiegħed qabel mill-profeti, 171
ikkmanda lill-Appostli tiegħu biex iħabbruh lil kulħadd bħala l-għajn tal-verità kollha tas-salvazzjoni u bħala regola sħiħa ta' mġiba tajba, huma u jqassmu d-doni ta' Alla".[15]

Il-predikazzjoni appostolika ...

76 Ix-xandir tal-Evanġelju, skont l-ordni tal-Mulej, seħħ f'żewġ manjieri:

— *bil-fomm*: "mill-Appostli li, bil-predikazzjoni tagħhom bil-fomm, wasslu, permezz ta' eżempji u ta' istituzzjonijiet, kemm dak li tgħallmu minn fomm Kristu huma u jgħixu miegħu u jaraw għemilu, u kemm dak li nebbaħhom bih l-Ispirtu s-Santu";[16]

— *bil-Kitba*: "mill-istess Appostli u min-nies ta' madwarhom, li, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, ħallew miktuba l-Bxara t-Tajba tas-Salvazzjoni".[17]

... titkompla minn dawk li ġew wara l-Appostli

77 "Biex l-Evanġelju jibqa' dejjem bla mittiefes u ħaj fil-Knisja, l-Appostli ħallew bħala suċċessuri tagħhom lill- 861
isqfijiet, u ħallewlhom l-istess dmir tagħhom li jgħallmu",[18]

[15] *Ibid.*
[16] *Ibid.*
[17] *Ibid.*
[18] *Ibid.*

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 66-67 5/16/2014 11:07:30 AM

Fil-fatt, “il-predikazzjoni tal-Appostli, li b’mod speċjali, tinsab imfissra fil-kotba ispirati, kellha tinżamm sħiħa sal-aħħar taż-żmien permezz ta’ suċċessjoni li ma tiġi nieqsa qatt”.[19]

174 78 Din it-trasmissjoni ħajja, imwettqa mill-Ispirtu s-Santu, tissejjaħ Tradizzjoni biex tingħażel mill-Iskrittura Mqaddsa, għalkemm għandha rabta liema bħalha magħha.
1124 Bit-Tradizzjoni, “il-Knisja, fid-duttrina tagħha fil-ħajja u fil-kult tagħha tkompli tul iż-żminijiet u twassal lil kull ġenerazzjoni dak kollu li hija hi u dak kollu li temmen”.[20] “It-tagħlim ta’ Missirijiet il-Knisja jixhed il-preżenza ħajja ta’ din it-
2651 Tradizzjoni, u l-għana kollu tagħha jissawwab fil-ħajja u l-ħidma tal-Knisja li temmen u titlob”.[21]

79 B’hekk ir-Rivelazzjoni li l-Missier għamel tiegħu nnifsu bil-Verb tiegħu fl-Ispirtu s-Santu tibqa’ fil-Knisja u tibqa’ taħdem fiha: “Alla, li tkellem fl-imgħoddi, ma jieqaf qatt jitkellem mal-Għarusa ta’ Ibnu l-għażiż, u l-Ispirtu s-Santu, li bih il-Kelma ħajja tal-Evanġelju tidwi fil-Knisja, u biha fid-dinja kollha, iwassal lil dawk kollha li jemmnu għall-Verità sħiħa u jagħmel li l-Kelma ta’ Kristu tgħammar kotrana fihom”.[22]

II. Ir-relazzjoni bejn it-Tradizzjoni u l-Iskrittura

Għajn waħda komuni ...

80 “It-Tradizzjoni u l-Iskrittura huma f’rabta u jikkomunikaw mill-qrib bejniethom. It-tnejn ħerġin mill-

[19] *Ibid.,* 8.
[20] *Ibid.*
[21] *Ibid.*
[22] *Ibid.*

istess għajn divina, u b’xi mod jingħaqdu ħaġa waħda u għandhom l-istess għan”.[23] Kemm it-Tradizzjoni u kemm l-Iskrittura jagħmlu preżenti fil-Knisja, b’mod li jagħti kotra ta’ frott, il-Misteru ta’ Kristu, li wiegħed li se jibqa’ ma’ dawk li huma tiegħu għal dejjem “sal-aħħar taż-żmien” (*Mt* 28,20).

... żewġ suriet distinti ta’ trażmissjoni

81 *“L-Iskrittura Mqaddsa* hi l-Kelma ta’ Alla miktuba bl-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu”.

“It-Tradizzjoni Mqaddsa mbagħad tgħaddi l-Kelma 113
ta’ Alla, fdata lill-Appostli minn Kristu l-Mulej u mill-Ispirtu s-Santu, u twassalha sħiħa u bla mittiefsa lis-suċċessuri tagħhom, biex, imdawlin mill-Ispirtu tal-Verità, huma u jippritkawha, iħarsuha, ifissruha u jxandruha kullimkien bil-fedeltà kollha”.[24]

82 Minn dan jiġi li l-Knisja, li lilha ġiet fdata t-trasmissjoni u l-interpretazzjoni tar-Rivelazzjoni, “ma tiksibx iċ-ċertezza tagħha dwar kulma ġie rrivelat mill-Iskrittura Mqaddsa biss. Għalhekk kemm it-Tradizzjoni u kemm l-Iskrittura Mqaddsa għandhom jiġu milqugħin u miqjuma bl-istess sentimenti ta’ tjieba u ta’ qima”.[25]

Tradizzjoni appostolika u tradizzjonijiet ekkleżjali

83 It-Tradizzjoni li dwarha qed nitkellmu hi dik li ġejja mill-Appostli u twassal dak li huma ħadu mit-tagħlim u l-eżempju ta’ Ġesù, u dak li

[23] *Ibid.*, 9.
[24] *Ibid.*
[25] *Ibid.*

tgħallmu permezz tal-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt l-ewwel ġenerazzjoni tal-Insara ma kellhiex it-Testment il-Ġdid miktub, u l-istess Testment il-Ġdid hu xhieda tal-proċess tat-Tradizzjoni ħajja.

1202; 2041 2684 Iridu jingħażlu mit-Tradizzjoni, it-"tradizzjonijiet" teoloġiċi, dixxiplinarji, liturġiċi u devozzjonali li nibtu tul iż-żminijiet fil-Knejjes lokali. Huma suriet partikulari li fihom it-Tradizzjoni l-kbira tiġi mfissra b'mod adatt skont iż-żminijiet u l-postijiet li jkunu. Hu fid-dawl tat-Tradizzjoni Appostolika li dawn it-tradizzjonijiet jistgħu jinżammu, jinbidlu jew jitwarrbu, ukoll taħt it-tmexxija tal-Maġisteru tal-Knisja.

III. L-interpretazzjoni tal-wirt tal-fidi

Il-wirt tal-fidi fdat lill-Knisja fil-milja kollha tagħha

857; 871 84 "It-teżor imqaddes" (ara *1 Tim* 6,20; 2 *Tim* 1,12-14) tal-fidi *(depositum fidei)* li jinsab fit-Tradizzjoni u fl-Iskrittura Mqaddsa ġie fdat mill-Appostli lill-Knisja fil-milja kollha tagħha. "Il-poplu qaddis ta' Alla kollu, huwa u jintrabat ma' dan il-wirt, flimkien mar-Rgħajja tiegħu, jibqa' dejjem sħiħ fit-tagħlim tal-Appostli, fl-għaqda bejn kulħadd, fil-qsim tal-2033 ħobż u fit-talb, hekk li fil-ħarsien, fil-ħajja u fl-istqarrija tal-fidi li twasslitlu, ikun hemm, bejn l-Isqfijiet u l-fidili, għaqda fl-ispirtu tassew singulari".[26]

Il-Maġisteru tal-Knisja

888-892 2032-2040 85 "Id-dmir tat-tifsir b'mod awtentiku tal-Kelma ta' Alla, miktuba jew trasmessa ġie fdat biss lill-Maġisteru ħaj tal-Knisja",[27] jiġifieri lill-isqfijiet li huma f'xirka mas-suċċessur ta' San Pietru, l-Isqof ta' Ruma.

[26] *Ibid*., 10.
[27] *Ibid.*

86 "Għalhekk dan il-Maġisteru mhux aqwa mill-Kelma ta' Alla imma hu għall-qadi tagħha, billi jgħallem dak biss li ġie trasmess, għaliex b'ordni ta' Alla u bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, irid jisma' din il-Kelma bi tjieba, iħarisha bi qdusija 688 u jfissirha b'fedeltà sħiħa, u minn dan id-depożitu waħdieni tal-fidi irid jieħu dak kollu li jipproponi biex jitwemmen bħala rivelat minn Alla".[28]

87 Il-fidili li jiftakru fi kliem Kristu lill-Appostli: "Min jisma' 1548 lilkom, ikun jisma' lili" (*Lq* 10,16),[29] jilqgħu bil-ħlewwa kollha 2037 t-tagħlim u d-direttivi li r-Rgħajja tagħhom jagħtuhom b'ħafna manjieri.

Id-dommi tal-fidi

888-892 2032-2040 88 Il-Maġisteru tal-Knisja jħaddem għal kollox l-awtorità li għandu minn Kristu, meta jiddefinixxi xi dommi, jiġifieri meta jipproponi b'sura li torbot il-poplu Nisrani b'rabta ta' fidi li ma jistax jerġa' lura minnha, xi veritajiet li jinsabu fir-Rivelazzjoni jew meta wkoll jipproponi b'mod definittiv xi veritajiet li għandhom rabta neċessarja magħhom.

2625 89 Hemm rabta organika bejn il-ħajja spiritwali tagħna u d-dommi. Dawn huma dwal fil-mixi tal-fidi tagħna, li jdawluh u jiżgurawh. Min-naħa l-oħra, jekk ħajjitna hi fis-sewwa, kemm il-fehma tagħna u kemm qalbna jkunu miftuħin biex jilqgħu d-dawl tad-dommi tal-fidi (ara *Ġw* 8,31-32).

90 Ir-rabtiet bejniethom u l-koerenza tad-dommi nistgħu

[28] *Ibid.*
[29] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 20.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 70-71 5/16/2014 11:07:31 AM

114 nsibuhom fir-Rivelazzjoni kollha kemm hi tal-Misteru ta'
158; 234 Kristu.[30] "Hemm ordni jew 'ġerarkija' fil-veritajiet tad-duttrina Kattolika, għax ir-rabta ta' kull verità mal-pedament tal-fidi Nisranija mhijiex l-istess".[31]

Is-sens sopranaturali tal-fidi

91 L-Insara kollha għandhom sehem fl-għarfien u fit-
737 trasmissjoni tal-verità rivelata. Huma rċevew l-unzjoni tal-Ispirtu s-Santu li jgħallimhom (ara *1 Ġw* 2,20.27) u jwassalhom għall-verità kollha (ara *Ġw* 16,13).

92 "Ix-xirka tal-Insara ... ma tistax titqarraq fil-fidi, u dan
785 turih permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi li għandu l-poplu kollu ta' Alla, meta l-fidili kollha, 'mill-Isqfijiet sal-anqas wieħed fost il-lajċi', juru li jaqblu lkoll flimkien f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u mal-morali".[32]

93 "Permezz ta' dan is-sens tal-fidi, imqanqal u msaħħaħ mill-Ispirtu tal-Verità, il-poplu kollu ta' Alla, immexxi mill-
889 Maġisteru Mqaddes, ... jintrabat għal dejjem mal-fidi mogħtija darba lill-qaddisin, jifhimha aktar fil-fond, ifissirha kif jixraq u jgħixha aktar f'ħajtu".[33]

L-iżvilupp fl-għarfien tal-fidi

94 Bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, fil-ħajja tal-Knisja jista'

[30] Ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 4: DS 3016: "nexus mysteriorum"; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 25.

[31] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 11.

[32] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 12.

[33] *Ibid.*

jikber kemm l-għarfien tar-realtajiet kif ukoll tal-kliem tal-wirt 66
tal-fidi:

– "bil-kontemplazzjoni u l-istudju ta' dawk kollha li jemmnu 2651
huma u jaħsbu fuqhom bejnhom u bejn ruħhom";[34] b'mod partikulari "ir-riċerka teoloġika twassal għall-għarfien aktar fil-fond tal-verità rivelata".[35]

– "bl-għarfien profond tal-veritajiet spiritwali li jkollhom 2038; 2518
dawk li jemmnu",[36] "l-Iskrittura Mqaddsa tikber ma' min jaqraha".[37]

– "bil-predikazzjoni ta' dawk li, mas-suċċessjoni episkopali, jirċievu wkoll kariżma ċerta tal-verità".[38]

95 "Hi mela ħaġa ċara li t-Tradizzjoni Mqaddsa, l-Iskrittura Mqaddsa u l-Maġisteru tal-Knisja b'dispożizzjoni ta' Alla ta' għerf liema bħalu, huma hekk marbuta u mseħbin ma' xulxin, li waħda ma tistax tkun mingħajr l-oħrajn, u lkoll flimkien, kull waħda bil-mod tagħha, bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, jagħtu sehemhom biex tassew isseħħ is-salvazzjoni tal-erwieħ".[39]

Fil-qosor

96 *Dak li Kristu ried jafda lill-Appostli, dawn, bil-predikazzjoni u l-kitba tagħhom, imnebbħin mill-*

[34] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1964), 8.

[35] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 62; ara 44; Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 23-24; Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 4.

[36] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 8.

[37] San Girgor il-Kbir, *Omelija dwar il-Ktieb ta' Eżekjel* 1, 7, 8: PL 76, 843D.

[38] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 8.

[39] *Ibid.*, 10.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 72-73 5/16/2014 11:07:31 AM

Ispirtu s-Santu, għaddewh lill-ġenerazzjonijiet kollha sa ma jerġa' jiġi Kristu fil-glorja.

97 *"It-Tradizzjoni Mqaddsa u l-Iskrittura Mqaddsa jikkostitwixxu depożitu qaddis waħdieni tal-Kelma ta' Alla"*[40], *u fih, qisu f'mera, il-Knisja, fil-mixi tagħha, tikkontempla 'l Alla, bidu tal-għana kollu tagħha.*

98 *"Fid-duttrina tagħha, fil-ħajja u fil-kult tagħha, il-Knisja tkompli tul iż-żminijiet u twassal lil kull ġenerazzjoni dak kollu li hija hi u dak kollu li temmen".*[41]

99 *Bis-sens sopranaturali tal-fidi, il-Poplu ta' Alla kollu kemm hu ma jieqaf qatt jilqa' d-don tar-Rivelazzjoni ta' Alla, jidħol fiha dejjem aktar fil-fond, u jgħixha dejjem aktar.*

100 *Id-dmir tal-interpretazzjoni b'mod awtentiku tal-Kelma ta' Alla ġie fdat biss lill-Maġisteru tal-Knisja, lill-Papa u lill-Isqfijiet f'xirka miegħu.*

It-tielet artiklu

L-ISKRITTURA MQADDSA

I. Kristu: il-Kelma waħdanija tal-Iskrittura Mqaddsa

101 Biex jgħarraf lilu nnifsu lill-bnedmin, fit-tjieba tiegħu, Alla niżel għal-livell tagħhom biex kellimhom bi kliemhom stess: "Fil-fatt, kliem Alla, mitkellem bi lsien il-bniedem ħa sura ta' kelmet il-bniedem, kif il-Verb tal-Missier ta'

[40] *Ibid.*
[41] *Ibid.*, 8.

dejjem, meta ħa l-ġisem dgħajjef tagħna, sar jixbah lilna l-bnedmin".[42]

102 Permezz tal-kliem kollu tal-Iskrittura Mqaddsa, Alla ma qalx ħlief Kelma waħda, il-Verb waħdieni tiegħu li fih wera lilu nnifsu kollu kemm hu (ara *Lh* 1,1-3): 65; 2763

> Ftakru li hi dejjem l-istess kelma waħda ta' Alla li tinqara fil-Kotba Mqaddsa kollha, hu l-istess Verb li jitlissen minn fomm il-Kittieba Mqaddsa kollha, hu l-istess Verb li fil-bidu kien Alla ma' Alla, u ma jeħtieġx sillabi għaliex hu mhuwiex suġġett għaż-żmien.[43] 426 - 429

103 Minħabba f'hekk, il-Knisja dejjem ħarset b'rispett il-Kotba Mqaddsa, kif tqim l-istess Ġisem il-Mulej. Qatt ma tieqaf tagħti lill-fidili kollha l-Ħobż tal-ħajja li tieħu mill-mejda tal-Kelma ta' Alla u minn dik tal-Ġisem ta' Kristu.[44] 1100; 1184 1378

104 Fl-Iskrittura Mqaddsa l-Knisja ssib bla heda l-manteniment u l-qawwa tagħha,[45] għax ma tilqax l-Iskrittura bħala biss kelma tal-bniedem, imma tilqagħha bħala dak li tassew hi, il-Kelma ta' Alla (ara *1 Tess* 2,13). Fil-Kotba Mqaddsa, il-Missier tas-sema, bit-tjieba kollha tiegħu, jiġi quddiem uliedu u joqgħod jitħaddet magħhom".[46]

II. L-ispirazzjoni u l-verità tal-Iskrittura Mqaddsa

105 *Alla hu l-awtur tal-Iskrittura Mqaddsa.* "Il-verità rivelata minn Alla li tinsab ippreżentata fil-Kotba tal-Iskrittura Mqaddsa, inkitbet taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu.

[42] *Ibid.*, 13.
[43] Santu Wistin, *Taħdita dwar Salm* 103, 4, 1: PL 37, 1378.
[44] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 21.
[45] Ara *ibid.*, 24.
[46] *Ibid.*, 21.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 74-75 5/16/2014 11:07:31 AM

Ommna l-Knisja Mqaddsa b'fidi ġejja mill-Appostli tqis bħala Kotba Mqaddsa u kanoniċi l-kotba kollha tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid bil-partijiet tagħhom kollha għaliex, miktuba taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, għandhom 'l Alla bħala awtur tagħhom u ngħataw lill-istess Knisja bħala kitba ta' Alla".[47]

106 Alla nebbaħ il-bnedmin li kitbu l-Kotba Mqaddsa. "Biex jinkitbu l-Kotba Mqaddsa, Alla għażel uħud u nqeda bihom bl-użu sħiħ tal-fakultajiet u l-mezzi tagħhom, hekk li, huwa u jaħdem fihom u bihom, huma jniżżlu bil-miktub bħala veri awturi dak kollu u dak biss li kien jaqbel marrieda tiegħu".[48]

107 Il-Kotba ispirati jgħallmu l-verità. "Kulma qalu l-awturi ispirati jew aġjografi, għandna nqisuh bħallikieku qalu
702 l-Ispirtu s-Santu, u għalhekk għandna ngħidu wkoll li l-kotba tal-Iskrittura Mqaddsa jgħallmu b'mod żgur, bil-fedeltà kollha u bla żball il-veritajiet li Alla ried jitniżżlu fil-Kotba Mqaddsa għas-salvazzjoni tagħna".[49]

108 Iżda l-fidi Nisranija mhijiex "xi reliġjon tal-ktieb". Il-Kristjaneżmu huwa r-reliġjon tal-"Kelma" ta' Alla, kelma li "mhijiex xi kelma miktuba u mbikkma, iżda l-Kelma (il-Verb) magħmula bniedem u ħajja".[50] Biex il-Kotba Mqaddsa ma jibqgħux ittra mejta, jeħtieġ li Kristu, il-Kelma ta' dejjem ta' Alla l-ħaj, permezz tal-Ispirtu s-Santu, jiftħilna moħħna biex nifhmu l-Iskrittura (ara *Lq* 24,45).

[47] *Ibid*., 11.
[48] *Ibid*.
[49] *Ibid*.
[50] San Bernard ta' Clairvaux, *Omelija* 4 *dwar it-Tħabbira tal-Mulej,* 11: PL 183, 86B.

III. L-Ispirtu s-Santu, interpretu tal-Iskrittura

109 Fl-Iskrittura Mqaddsa, Alla jkellem lill-bniedem kif jitkellmu l-bnedmin. Biex ninterpretaw tajjeb l-Iskrittura jeħtieġ għalhekk noqogħdu attenti għal dak li l-bnedmin li kitbu l-Kotba Mqaddsa riedu verament jgħidu, u għal dak li Alla ried tassew jurina bi kliemhom.[51]

110 Biex naraw x'kienet *l-intenzjoni tal-kittieba mqaddsa* rridu nqisu l-kundizzjonijiet ta' żmienhom u l-kultura tagħhom, il-"ġeneri litterarji" li kienu jintużaw dak iż-żmien, il-mod kif in-nies fi żmienhom kienu jħossu, jitkellmu u jirrakkontaw. Dan għaliex "il-verità wieħed jipproponiha u jesprimiha b'mod differenti b'testi li huma storiċi jew profetiċi jew poetiċi jew saħansitra ta' ġeneri oħra ta' espressjoni".[52]

111 Iżda, għax l-Iskrittura Mqaddsa hi ispirata, hemm prinċipju ieħor ta' interpretazzjoni vera, mhux inqas importanti minn dak ta' qablu, prinċipju li mingħajru l-Iskrittura tibqa' kitba mejta. "L-Iskrittura Mqaddsa rridu naqrawha u ninterpretawha fid-dawl tal-istess Spirtu, li permezz tiegħu nkitbet".[53]

Il-Konċilju Vatikan II jsemmi *tliet kriterji* għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura Mqaddsa, skont l-Ispirtu li nebbaħha:[54]

112 1. *Trid tingħata attenzjoni kbira għal dak li hemm fl-Iskrittura Mqaddsa u għall-unità tagħha.* Huma kemm 128
huma differenti minn xulxin il-kotba li jiffurmaw l-Iskrittura

[51] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 12.
[52] *Ibid.*
[53] *Ibid.*
[54] Ara *ibid*.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 76-77 5/16/2014 11:07:31 AM

Mqaddsa, l-Iskrittura hi ħaġa waħda għax wieħed hu l-pjan
368 ta' Alla, li tiegħu Kristu hu ċ-ċentru u l-qalb, li nfetħet wara l-Qawmien ta' Kristu (ara *Lq* 24,25-27.44-46).

> Qalb (ara *Salm* 22,15) Kristu turina l-Iskrittura Mqaddsa, li biha nsiru nafu l-qalb ta' Kristu. Din il-qalb kienet magħluqa qabel il-Passjoni għax l-Iskrittura ma kinitx ċara. Iżda l-Iskrittura nfetħet wara l-Passjoni, għax dawk li issa qegħdin jifhmuha, qed iqisu u jagħrfu b'liema mod il-profeziji għandhom jiġu mfissra.[55]

81 113 2. *L-Iskrittura trid tinqara fit-"Tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha".* Skont prinċipju ta' Missirijiet il-Knisja, "l-Iskrittura Mqaddsa hi qabel kollox miktuba f'qalb il-Knisja aktar milli fid-dokumenti fejn hi miktuba".[56] Dan għaliex il-Knisja, fit-Tradizzjoni tagħha, iżżomm it-tifkira ħajja tal-Kelma ta' Alla, skont is-sens spiritwali li l-Ispirtu s-Santu jagħti bi grazzja lill-Knisja.[57]

114 3. *Trid tingħata attenzjoni għall-"analoġija tal-fidi"*
90 (ara *Rum* 12,6). B'"analoġija tal-fidi" nifhmu r-rabta liema bħalha tal-veritajiet tal-fidi bejniethom u mal-pjan kollu tar-Rivelazzjoni.

Is-sens tal-Iskrittura

115 Skont tradizzjoni antika, nistgħu niddistingwu żewġ *sensi* ta' l-Iskrittura, is-sens letterali u s-sens spiritwali; dan imbagħad jinqasam fis-sens allegoriku, morali u anagoġiku. Il-qbil sħiħ bejniethom ta' dawn l-erba' sensi jiżgura l-għana kollu tal-qari ħaj tal-Iskrittura fil-Knisja.

[55] San Tumas ta' Aquino, *Tifsir ta' Salm* 21, 11.

[56] "Sacra Scriptura principalius est in corde Ecclesiae quam in materialibus instrumentis scripta".

[57] "....secundum spiritualem sensum quem Spiritus donat Ecclesiae"; Oriġene, *Omelija* 5 *dwar il-Levitiku*, 5: PG 12, 454D.

116 *Is-sens letterali.* Hu s-sens imfisser mill-kliem tal-Iskrittura u 110 - 114
jingħaraf permezz tal-eseġeżi li ssir skont ir-regoli tal-interpretazzjoni ġusta. Is-sensi kollha tal-Iskrittura għandhom is-sisien tagħhom fis-sens letterarju.[58]

117 *Is-sens spiritwali.* Għaliex wieħed hu l-pjan ta' Alla, mhux biss il- 1101
kliem tal-Iskrittura, imma wkoll ir-realtajiet u l-ġrajjiet li dwarhom titkellem jistgħu jkunu sinjali.

1. Is-sens *allegoriku.* Nistgħu nifhmu aktar fil-fond tal-ġrajjiet jekk nagħrfu t-tifsir tagħhom fi Kristu; hekk, il-mogħdija mill-Baħar l-Aħmar hi sinjal tar-rebħa ta' Kristu u b'hekk tal-Magħmudija (ara *1 Kor* 10, 2).

2. Is-sens *morali.* Il-ġrajjiet li ssemmi l-Iskrittura għandhom iwassluna biex nagħmlu għemil li jkun ġust u sewwa. Inkitbu bi twiddiba għalina" (*1 Kor* 10,11; ara *Lh* 3,1 – 4,11).

3. Is-sens *anagoġiku.* Nistgħu naraw ir-realtajiet u l-ġrajjiet fit-tifsir dejjiemi tagħhom huma u jmexxuna (bil-Grieg "anagoge") lejn is-sema pajjiżna. Hekk il-Knisja fuq l-art hi sinjal ta' Ġerusalemm tas-sema (ara *Apok* 21,1 – 22,5).

118 Żewġ versi taż-żminijiet tan-nofs jiġbru fil-qosor it-tifsir ta' dawn l-erba' sensi:

> Littera gesta docet, quid credas allegoria,
> moralis quid agas, quo tendas anagogia.[59]
>
> Bil-Malti: L-ittra tgħallmek x'ġara, x'temmen l-allegorija,
> Il-morali x'għandek tagħmel, fejn sejjer l-anagoġija.

119 "Hu dmir l-eseġeti, li jħabirku, skont dawn ir-regoli, ħa jidħlu aktar 'il ġewwa, u jfissru aktar fil-fond is-sens tal-

[58] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* I,1,10 ad 1: "Omnes sensus (sacrae Scripturae) fundentur super unum, scilicet litteralem".

[59] Silta normalment attribwita lil Wistin ta' Daċja, *Rotulus pugillaris* (Ġabra ta' tagħrif utli u neċessarju li Patri Dumnikan kellu jkun jaf qabel ma jibda l-predikazzjoni = Kompendju ta' Teoloġija), 1; ed. A. Walz: *Angelicum* 6 (1929) 256.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 78-79 5/16/2014 11:07:31 AM

Iskrittura Mqaddsa, biex bl-istudji tagħhom, li b'xi mod ikunu
94 studji ta' tħejjija, il-ġudizzju tal-Knisja jimmatura dejjem aktar. Dak kollu li għandu x'jaqsam mal-mod kif tiġi interpretata l-Iskrittura, fl-aħħar mill-aħħar jaqa' taħt il-ġudizzju tal-Knisja, li b'ministeru u mandat minn Alla għandha tħares il-Kelma ta' Alla u tfissirha".[60]

113 Jien ma kontx nemmen l-Evanġelju kieku ma wasslitnix għal dan l-awtorità tal-Knisja Kattolika.[61]

IV. Il-Kanoni tal-Iskrittura

120 Kienet it-Tradizzjoni Appostolika li wasslet il-Knisja biex tagħraf liema kitbiet kellhom jidħlu fil-lista tal-Kotba Mqaddsa.[62] Din il-lista sħiħa tissejjaħ "Kanoni" tal-Iskrittura. Tgħodd 46 kitba (45 jekk inqisu Ġeremija u Lamentazzjonijiet ktieb wieħed) tat-Testment il-Qadim, u 27 tat-Testment il-Ġdid.[63]

Ġenesi, Eżodu, Levitiku, Numri, Dewteronomju, Ġożwè, Mħallfin, Rut, iż-żewġ kotba ta' Samwel, iż-żewġ kotba tas-Slaten, iż-żewġ kotba tal-Kronaki, Esdra u Neħemija, Tobit, Ġuditta, Ester, iż-żewġ kotba tal-Makkabej, Ġob, Salmi, Proverbji, Koħelet, Il-Għanja tal-Għanjiet, Għerf, Bin Sirak, Isaija, Ġeremija, Lamentazzjonijiet, Baruk, Eżekjel, Danjel, Ħosegħa, Ġoel, Għamos, Għabdija, Ġona, Mikea, Naħum, Ħabbakuk, Sofonija, Ħaggaj, Żakkarija, Malakija – għat-Testment il-Qadim.

[60] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 12.

[61] Santu Wistin, *Kontra l-Ittra tal-Manikej li jsejħulha s-'Sisien'*, 5,6: PL 42, 176: "Ego vero Evangelio non crederem, nisi me Catholicae Ecclesiae commoveret auctoritas".

[62] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 8.

[63] Ara Konċilju ta' Ruma, *Id-Digriet ta' Damasu* (382): DS 179; Konċilju ta' Firenze, *Bolla tal-Għaqda mal-Insara Kopti tal-Etjopja* (1442): DS 1334-1336; Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Kotba Mqaddsa u t-Tradizzjoni* (1546): DS 1501-1504.

L-Evanġelji ta' San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann, l-Atti tal-Appostli, l-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani, l-Ewwel u t-Tieni Ittra lill-Korintin, lill-Galatin, lill-Efesin, lill-Filippin, lill-Kolossin, l-Ewwel u t-Tieni Ittra lit-Tessalonkin, l-Ewwel u t-Tieni Ittra lil Timotju, lil Titu, lil Filemon, l-Ittra lil-Lhud, l-Ittra ta' San Ġakbu, l-Ewwel u t-Tieni Ittra ta' San Pietru, it-tliet Ittri ta' San Ġwann, l-Ittra ta' San Ġuda, l-Apokalissi – għat-Testment il-Ġdid.

It-Testment il-Qadim

121 It-Testment il-Qadim huwa parti tal-Iskrittura 1093
Mqaddsa u ma jistax jitħalla barra. Il-kotba tat-Testment il-Qadim huma ispirati minn Alla u għandhom siwi li jibqa' għal dejjem[64] għaliex il-Patt il-Qadim qatt ma ġie mħassar.

122 "L-Ekonomija tat-Testment il-Qadim kellha 702; 763
prinċipalment l-għan li tħejji l-miġja ta' Kristu, is-Salvatur tad-dinja ... Għalkemm fihom hemm ukoll dak li mhux perfett u dak li kien għal xi żmien biss," il-Kotba tat-Testment il-Qadim huma xhieda tal-pedagoġija divina 708
kollha tal-imħabba salvifika ta' Alla: "Fihom insibu tagħlim mill-aktar għoli dwar Alla, għerf tassew ta' ġid dwar il-ħajja tal-bniedem, teżor tassew għażiż ta' talb; fl- 2568
aħħarnett fihom hemm moħbi l-misteru tas-salvazzjoni tagħna".[65]

123 L-Insara jagħtu ġieħ lit-Testment il-Qadim bħala vera Kelma ta' Alla. Il-Knisja dejjem warrbet bil-qawwa kollha l-idea li twarrab it-Testment il-Qadim bl-iskuża li bit-Testment il-Ġdid għadda żmienu (Marċjoniżmu).

[64] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 14.

[65] *Ibid.*, 15.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 80-81 5/16/2014 11:07:31 AM

It-Testment il-Ġdid

124 "Il-Kelma ta' Alla, li hi qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' kull min jemmen, narawha u turina l-qawwa tagħha b'mod tassew singulari fil-kitba tat-Testment il-Ġdid".[66] Dawn il-kitbiet wasslulna l-verità definittiva tar-Rivelazzjoni ta' Alla. Iċ-ċentru ta' dawn il-kitbiet hu Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem, l-għemil tiegħu, it-tagħlim tiegħu, il-passjoni u l-glorifikazzjoni tiegħu, u l-bidu wkoll tal-Knisja bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.[67]

515 125 L-*Evanġelji* huma l-qalba tal-Iskrittura kollha "għax huma l-aqwa xhieda tal-ħajja u t-tagħlim tal-Verb magħmul bniedem, il-Feddej tagħna".[68]

126 Fil-formazzjoni tal-Evanġelji nistgħu niddistingwu tliet stadji:

1. *Il-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù.* Il-Knisja bla tlaqliq issostni l-istoriċità tal-erba' Evanġelji, u "żżomm bil-qawwa kollha li dawn jgħaddulna fedelment, dak kollu li Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla, tul ħajtu fost il-bnedmin, tassew għamel u għallem għas-salvazzjoni ta' dejjem tal-bnedmin, sa ma ttieħed is-sema."

76 2. *It-tradizzjoni bil-fomm (orali).* "Dak li l-Mulej għamel u għallem, l-Appostli wara t-tlugħ tiegħu fis-sema għaddewh lil dawk li kienu jisimgħuhom b'dak l-għarfien aktar fil-fond ta' kollox li huma stess kisbu, mgħallmin mill-ġrajjiet glorjużi ta' Kristu u mdawlin mill-Ispirtu tal-Verità."

76 3. *L-Evanġelji miktuba.* "L-awturi Mqaddsa mbagħad kitbu l-erba' Evanġelji billi għażlu xi ftit minn dak kollu li kien qiegħed jingħad bil-fomm jew kien ġa nkiteb, u xi ftit ieħor qaluh fil-qosor jew fissruh skont il-qagħda tal-Knejjes, waqt li żammew is-sura ta' tħabbira, hekk li dwar Ġesù, dejjem wasslulna kollox bil-verità u s-sinċerità kollha".[69]

[66] *Ibid*., 17.
[67] Ara *ibid*., 20
[68] *Ibid*., 18.
[69] *Ibid*.,19.

127 L-Evanġelju, miktub minn erba' evanġelisti, għandu post uniku fil-Knisja, u dan jixhduh il-ġieħ li jintwera lilu 1154
fil-Liturġija u l-ġibda liema bħalha li dejjem ħakem fuq il-qaddisin:

> Ma hemmx tagħlim li jista' jkun aħjar, aktar għażiż u aktar sabiħ mill-kitba tal-Evanġelju. Araw u żommu dak li l-Mulej u l-Imgħallem tagħna, Kristu, għallimna bi kliemu u wettaq b'għemilu.[70]

> "Imma, fuq kollox, huwa l-Evanġelju li jżommni mehdija fl- 2705
> orazzjoni tiegħi; fih insib dak kollu li huwa meħtieġ għall-imsejkna ruħ ċkejkna tiegħi. Dejjem nikxef fih xi dwal ġodda, tifsiriet moħbija u misterjuži ... [71]

L-għaqda tat-Testment il-Qadim u tat-Testment il-Ġdid

128 Il-Knisja sa minn żmien l-Appostli (ara *1 Kor* 10,6.11; *Lh* 10,1; *1 Piet* 3,21), u mbagħad, fit-Tradizzjoni tagħha, dejjem uriet ċar li wieħed hu l-pjan ta' Alla, fiż-żewġ Testmenti, u dan permezz tat-*tipoloġija.* Din fl-għemil ta' 1094
Alla ta' żmien il-Patt il-Qadim tara tħabbira minn qabel ta' 489
dak li Alla għamel fil-milja taż-żminijiet fil-Persuna ta' Ibnu magħmul bniedem.

129 L-Insara mela jaqraw it-Testment il-Qadim fid-dawl ta' Kristu mejjet u rxoxt. Dan il-qari tipoloġiku juri li dak li hemm 651
fit-Testment il-Qadim ma jintemm qatt. Dan ma għandux inessina li t-Testment il-Qadim għandu s-siwi proprju tiegħu ta' Rivelazzjoni kif tenna l-Mulej tagħna stess (ara *Mk* 12,29- 2055

[70] Santa Ċesarja ż-żgħira, *Lil Santa Rikilda u lil Santa Radegonda,* Sources Chrétiennes, Vol. 345, 480.
[71] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ.* L-Ewwel Manuskritt (A) iddedikat lil Madre Anjeże ta' Ġesù, 83 (wara): *Santa Tereża tal-Bambin Ġesù Tgħallimna. Storja ta' Ruħ,* Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 1995, 234.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 82-83 5/16/2014 11:07:32 AM

31). Madankollu, it-Testment il-Ġdid ukoll jitlob li jinqara fid-dawl tat-Testment il-Qadim. Il-katekeżi Nisranija tal-ewwel żminijiet dejjem irrikorriet għalih (ara *1 Kor* 5,6-8; 10,1-11).
1968 Skont qawl antik, it-Testment il-Ġdid hu moħbi fil-Qadim, waqt li l-Qadim jinkixef fil-Ġdid. "Novum in Vetere latet et in Novo Vetus patet".[72]

130 It-tipoloġija turi d-dinamiżmu lejn it-tmiem tal-pjan ta' Alla meta "Alla jkun kollox f'kollox" (*1 Kor* 15,28). Hekk is-sejħa tal-patrijarki u l-ħruġ mill-Eġittu, biex insemmu eżempju, ma jitilfux is-siwi proprju tagħhom fil-pjan ta' Alla, għax fil-fatt huma fl-istess ħin stadji intermedji tal-pjan.

V. L-Iskrittura Mqaddsa fil-ħajja tal-Knisja

131 "Hemm tant qawwa u saħħa fil-kelma ta' Alla, li żżomm u tqawwi l-Knisja, issaħħaħ ulied il-Knisja fil-fidi tagħhom, tmantni lil ruħhom, u hi nixxiegħa safja li ma tintemm qatt fil-ħajja spiritwali tagħhom".[73] "Jeħtieġ li l-bieb tal-Iskrittura Mqaddsa jkun miftuħ beraħ għall-Insara".[74]

94 132 "L-istudju tal-Iskrittura Mqaddsa għandu jkun qisu r-ruħ tat-teoloġija. Il-ministeru tal-Kelma wkoll, jiġifieri l-predikazzjoni pastorali, il-katekeżi u t-tagħlim Nisrani kollu, fejn l-omelija liturġika għandu jkollha post privileġġjat, jitmantna tajjeb bl-istudju tal-Iskrittura u jikseb qawwa qaddisa".[75]

[72] Santu Wistin, *Kwistjonijiet dwar il-Ħeptatewku,* 2, 73; PL 34, 623; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 16.
[73] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 21.
[74] *Ibid*., 22.
[75] *Ibid*., 24.

133 Il-Knisja "tħeġġeġ bil-qawwa kollha u tinsisti mal- 2653
Insara kollha biex bil-qari ta' spiss tal-Kotba Mqaddsa jagħrfu 'lil Kristu Ġesù' (*Fil* 3,8). Fil-fatt, "Min ma jafx il-Kotba 1792
Mqaddsa ma jafx lil Kristu" (S. Ġlormu).[76]

Fil-qosor

134 *L-Iskrittura kollha hi ktieb wieħed u dan il-ktieb wieħed hu Kristu "għax l-Iskrittura kollha ta' Alla titkellem fuq Kristu, u l-Iskrittura kollha ta' Alla sseħħ fi Kristu".*[77]

135 *"Il-Kotba Mqaddsa fihom il-Kelma ta' Alla, u għax huma ispirati huma tassew il-Kelma ta' Alla".*[78]

136 *Alla hu l-awtur tal-Iskrittura Mqaddsa għax nebbaħ in-nies li kitbuha, ħadem fihom u bihom. Hu jiżgura wkoll li l-kitbiet tagħhom jgħallmu bla żball il-verità tas-salvazzjoni.*[79]

137 *L-interpretazzjoni tal-Iskrittura ispirata titlob qabel xejn attenzjoni għal dak li Alla ried jirrivela għas-salvazzjoni tagħna permezz tal-kittieba Mqaddsa. "Dak li jiġi mill-Ispirtu ma jiftihemx sħiħ mingħajr il-ħidma tal-Ispirtu".*[80]

138 *Il-Knisja tilqa' u tagħti ġieħ bħala ispirati s-46 ktieb tat-Testment il-Qadim u s-27 tat-Testment il-Ġdid.*

[76] *Ibid*., 25: San Ġlormu, *Tifsir dwar il-Ktieb ta' Isaija,* prologu: PL 24, 17B.
[77] Ugo ta' San Vittore, *Dwar l-Arka ta' Noé*, 2, 8: PL 176, 642; ara *ibid*., 2,9: PL 176, 642-643.
[78] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 24.
[79] Ara *ibid*., 11.
[80] Oriġene, *Omelija* 4 *dwar il-Ktieb tal-Eżodu*, 5.

kkk 59-86 latest.OK (r).indd 84-85 5/16/2014 11:07:32 AM

139 *L-erba' Evanġelji għandhom post ċentrali għax Kristu Ġesù hu ċ-ċentru tagħhom.*

140 *L-unità taż-żewġ Testmenti ġejja mir-rabta tal-pjan ta' Alla u r-Rivelazzjoni tiegħu. It-Testment il-Qadim iħejji l-Ġdid, waqt li dan itemm il-Qadim; iż-żewġ Testmenti jdawlu 'l xulxin; it-tnejn huma tassew il-Kelma ta' Alla.*

141 "*Il-Knisja dejjem tat ġieħ lill-Iskrittura Mqaddsa, kif tqim l-istess Ġisem ta' Kristu";*[81] *kemm l-Iskrittura u kemm il-Ġisem ta' Kristu jmantnu u jmexxu l-ħajja Nisranija kollha. "Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek u dawl fil-mogħdija tiegħi"* (*Salm* 119, 105; ara *Is* 50,4).

[81] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 21.

IT-TIELET KAPITLU

IT-TWEĠIBA TAL-BNIEDEM LIL ALLA

142 *Bir-rivelazzjoni tiegħu* "Alla li ma jidhirx, fil-kobor bla qies ta' mħabbtu jkellem lill-bnedmin qishom ħbiebu u jitħaddet magħhom biex jistedinhom jidħlu u jilqagħhom f'xirka miegħu".[1] It-tweġiba xierqa għal din l-istedina hi l-fidi. 1102

143 *Bil-fidi* l-bniedem iħalli għal kollox f'idejn Alla l-intelliġenza u r-rieda tiegħu u, b'ruħu u ġismu jagħti l-kunsens tiegħu lil Alla, awtur tar-rivelazzjoni.[2] L-Iskrittura ssejjaħ "ubbidjenza tal-fidi" din it-tweġiba tal-bniedem lil Alla, li jirrevela lilu nnifsu (ara *Rum* 1,5; 16,26). 2087

L-ewwel artiklu

JIEN NEMMEN 1814-1816

I. L-ubbidjenza tal-fidi

144 Tobdi (mil-Latin "ob-audire") fil-fidi ifisser toqgħod minn rajk b'mod ħieles għall-kelma li tisma', għax il-verità

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 2.
[2] Ara *ibid*., 5.

tagħha hi garantita minn Alla, il-Verità fih innifsu. Ta' din l-ubbidjenza Abraham hu mudell li tagħtina l-Iskrittura Mqaddsa. Fil-Verġni Marija din l-ubbidjenza seħħet b'mod l-iktar perfett.

Abraham, "missier dawk kollha li jemmnu"

145 L-Ittra lil-Lhud, fil-ġieħ kbir li tagħti lill-fidi ta' missirijietna, tinsisti b'mod partikulari fuq il-fidi ta' Abraham. 59; 2570 "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham *jobdi* s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer" (*Lh* 11,8; ara *Ġen* 12,1-4). Kienet il-fidi li wasslitu biex jgħix bħal barrani u frustier fl-Art Imwiegħda (ara *Ġen* 23,4). Kienet il-fidi li ġiegħlet lil Sara tilqa' l-fatt li kellha tnissel 489 iben il-wegħda. U fl-aħħar nett, kienet il-fidi li wasslet lil Abraham biex joffri b'sagrifiċċju lil ibnu l-waħdieni (ara *Lh* 11, 17).

1819 146 B'hekk Abraham wera x'inhi d-definizzjoni tal-fidi mogħtija mill-Ittra lil-Lhud: "Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx" (*Lh* 11,1). "Abraham emmen lil Alla u kien magħdud lilu b'ġustizzja" (*Rum* 4,3; ara *Ġen* 15,6). Imsaħħaħ "fil-fidi" (*Lh* 4,20), Abraham sar "il-missier ta' dawk kollha li jemmnu" (*Rum* 4,11.18; ara *Ġen* 15,5).

147 It-Testment il-Qadim għandu għana ta' xhieda dwar 839 din il-fidi. L-Ittra lil-Lhud ixxandar it-tifħir tal-fidi eżemplari tax-xjuħ tal-imgħoddi "li rċevew xhieda tajba" biha (ara *Lh* 11, 2.39). Iżda "Alla rafa' xi ħaġa aħjar għalina": il-grazzja li nemmnu f'Ibnu Ġesù "li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" (*Lh* 11,40; 12,2).

Marija: "Hienja dik li emmnet"

148 Il-Verġni Marija għexet b'mod l-aktar perfett 494; 2617 l-ubbidjenza tal-fidi. Bil-fidi, Marija laqgħet it-tħabbira u l-wegħda li wasslilha l-anġlu Gabrijel, għax emmnet li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir" (*Lq* 1,37; ara *Ġw* 18,14) u aċċettat dak li qalilha l-anġlu: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek" (*Lq* 1,38). Eliżabetta ssellmilha: "Hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej" *(Lq* 1,45). Hu minħabba din il-fidi li kull nisel isejħilha hienja 506 (ara *Lq* 1,48).

149 Tul ħajjitha kollha, sal-aħħar prova li ġarrbet (ara *Lq* 2,35), meta Ġesù binha kien qed imut fuq is-salib, il-fidi tagħha qatt ma ġiet nieqsa. Marija qatt ma waqfet li temmen 969 li l-kelma tal-Mulej "dejjem isseħħ". U għalhekk il-Knisja 507; 829 tagħti valur f'Marija lis-sħuħija l-aktar safja tal-fidi.

II. "Jien naf f'min emmint" (2 *Tim* 1,12)

Temmen f'Alla wieħed

150 Il-fidi hi qabel xejn *rabta personali* tal-bniedem *ma' Alla,* u fl-istess ħin ukoll ħaġa waħda mal-*aċċettazzjoni ħielsa tal-verità kollha rrivelata minn Alla.* Bħala rabta ma' Alla u aċċettazzjoni tal-verità rrivelata minnu, il-fidi Nisranija mhijiex l-istess bħat-twemmin f'xi bniedem. Hi ħaġa xierqa u sewwa li wieħed jafda ruħu għal kollox f'Alla u jemmen bis-sħiħ kulma jgħid. Iżda tkun ħaġa fiergħa u qarrieqa 222 tqiegħed fidi bħal din f'xi ħliqa (ara *Ġer* 17,5-6; *Salm* 40,5; 146,3-4).

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 88-89 5/16/2014 11:09:48 AM

Temmen f'Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla

151 Għan-Nisrani, li temmen f'Alla, ma jinfiridx milli temmen ukoll f'Dak li bagħat, Ibnu l-għażiż li fih sab il-għaxqa tiegħu (ara *Mk* 1,11); Alla qalilna nisimgħu lilu, lil Ibnu (ara *Mk* 9,7). Il-Mulej stess qal lid-dixxipli tiegħu: "Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll" (*Ġw* 14,1). Nemmen f'Ġesù Kristu għax
424 hu wkoll Alla, il-Verb magħmul bniedem: "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier" (*Ġw* 1,18). Għax "ra lill-Missier" (*Ġw* 6,46) hu biss jagħraf il-Missier, u jista' jgħarrfu lil min irid hu (ara *Mt* 11,27).

Temmen fl-Ispirtu s-Santu

152 Ħadd ma jista' jemmen f'Ġesù Kristu jekk ma jkollux
243; 683 sehem mill-Ispirtu s-Santu li juri lill-bnedmin min hu Ġesù Kristu. Għaliex "ħadd ma jista' jgħid 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" (*1 Kor* 12,3). "L-Ispirtu jgħarbel kollox, sa fil-qiegħ ta' Alla ... ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu ta' Alla" (*1 Kor* 2,10-11). Alla biss jagħraf 'l Alla kollu kemm hu. Aħna nemmnu fl-Ispirtu s-Santu għax hu Alla.

232 *Il-Knisja qatt ma tieqaf tistqarr il-fidi tagħha f'Alla, f'Alla wieħed, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*

III. Il-karatteristiċi tal-fidi

Il-fidi hi grazzja

153 Meta San Pietru stqarr li Ġesù hu l-Messija, l-Iben
552 Alla l-ħaj, Ġesù qallu: "Mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet" (*Mt* 16,17; ara

Gal 1,15; *Mt* 11,25). Il-fidi hi don ta' Alla, virtù sopranaturali 1814
msawba fina minnu. "Biex jistqarr din il-fidi l-bniedem għandu bżonn il-grazzja ta' Alla, li tkompli tgħinu fl-istqarrija tal-fidi (grazzja li tħarsek u grazzja li tassistik), flimkien 1996
ma' għajnuna interna mill-Ispirtu s-Santu; li jmiss qalb il-bniedem u jdawwarha lejn Alla, jiftaħ għajnejn ir-ruħ u jagħti 2606
lil kulħadd li jilqa' bil-ħlewwa l-verità u jemminha".[3]

Il-fidi hi att tal-bniedem

154 Ma jistax ikun li wieħed jemmen mingħajr il-grazzja u l-għajnuna fir-ruħ mill-Ispirtu s-Santu. Iżda mhux inqas veru li t-twemmin hu att li hu tassew uman. Mhux kontra l-libertà umana u lanqas kontra l-intelliġenza tiegħu li l-bniedem 1749
jafda f'Alla u jħaddan il-veritajiet li Alla jirrivelalu. Fl-istess relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom, mhijiex xi ħaġa kontra d-dinjità tagħhom ta' bnedmin li jemmnu dak li jgħidulhom nies oħra fuqhom infushom u fuq il-fehmiet tagħhom u jafdaw fil-wegħdiet li jagħmlulhom (bħal meta jiġri, biex insemmu eżempju, fiż-żwieġ bejn raġel u mara) biex ikunu xirka bejniethom. Imbagħad, hi ħaġa wisq anqas kontra d-dinjità tagħna jekk "bil-fidi nilqgħu dak li jirrivelalna Alla u 2126
noqogħdu għal kollox għalih bl-intelliġenza u r-rieda kollha tagħna"[4], u hekk nidħlu f'xirka intima miegħu.

155 Fil-fidi, l-intelliġenza u r-rieda tal-bniedem jaħdmu flimkien mal-grazzja ta' Alla. "It-twemmin hu għemil tal- 2008
intellett li jaċċetta l-verità ta' Alla b'ordni tar-rieda, imqanqla mill-grazzja ta' Alla: ("Credere est actus intellectus

[3] *Ibid.*
[4] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 3: DS, 3008.

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 90-91 5/16/2014 11:09:48 AM

assentientis veritati divinae ex imperio voluntatis a Deo motae per gratiam").[5]

Il-fidi u l-għarfien

156 *Il-motiv* li jġiegħel 'il wieħed jemmen mhux il-fatt li l-veritajiet rivelati jidhru bħala veri u jistgħu jiftiehmu fid-dawl tar-raġuni naturali tagħna. Aħna nemmnu "fuq l-awtorità ta' Alla li jirrivelalna l-veritajiet tiegħu u li la jista' jqarraq u lanqas jitqarraq.[6] Iżda biex il-qima tal-fidi tagħna tkun taqbel mar-raġuni, Alla ried li, mal-għajnuna interna tal-Ispirtu, ikun hemm provi esterni tar-Rivelazzjoni".[7] B'dan il-mod il-mirakli ta' Kristu u tal-qaddisin (ara *Mk* 16, 20; *Lh* 2,4), il-profeziji, il-qdusija tal-Knisja, il-fatt li dejjem aktar qiegħda tinxtered fid-dinja u tiżdied fil-għadd u l-fatt li qatt ma se tiġi nieqsa, "huma sinjali żguri tar-Rivelazzjoni Divina, sinjali adatti għall-intelliġenza ta' kulħadd" u "motivi ta' kredibiltà" li juru illi l-aċċettazzjoni tal-fidi "bl-ebda mod ma hu aġir fl-għama tal-ispirtu".[8]

157 Il-fidi hi *ċerta,* aktar ċerta minn kulma jagħraf u jaf il-bniedem, għax hi mibnija fuq l-istess Kelma ta' Alla, li ma jistax iqarraq. Tabilħaqq, il-veritajiet rivelati jistgħu jidhru moħbija għar-raġuni u l-esperjenza umana, iżda "iċ-ċertezza li jagħti d-dawl ta' Alla hi wisq aqwa miċ-ċertezza li

[5] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* II-II, 2, 9; ara Konċilju Vatikan I: Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 3: DS 3010.

[6] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 3: DS 3008.

[7] *Ibid*.: DS 3009.

[8] *Ibid*.: DS 3008-3010.

tagħti r-raġuni naturali".[9] "Għaxart elef diffikultà ma jagħmlux dubju wieħed".[10]

158 "Il-fidi *tfittex li tifhem";*[11] hi fin-natura tal-fidi li min jemmen ikun imxennaq li jagħraf aktar 'il Dak li fih jemmen u jifhem aħjar dak li rrivela; għarfien aktar fil-fond minn naħa jwassal għall-fidi akbar, dejjem aktar imkebbsa bl-imħabba. Il-grazzja tal-fidi tiftaħ "l-għajnejn tal-qalb" (*Ef* 1,18) għal għarfien ħaj ta' kulma fiha r-Rivelazzjoni, jiġifieri tal-pjan ta' Alla kollu kemm hu u tal-misteri tal-fidi, tar-rabta bejniethom u ma' Kristu, iċ-ċentru tal-Misteru li ġie rrivelat. Issa, "l-Ispirtu s-Santu, biex ikun hemm għarfien aktar fil-fond tar-Rivelazzjoni, bid-doni tiegħu, ma jiqafx jagħmel il-fidi aktar perfetta".[12] Hekk, skont dak li jgħid Santu Wistin, "Jien nemmen biex nifhem, u nifhem biex nemmen aħjar".[13]

159 *Fidi u xjenza.* "Għalkemm il-fidi hi aqwa mir-raġuni, ma jista' qatt ikun hemm nuqqas ta' qbil bejniethom: għax hu l-istess Alla li jirrivela l-misteri u jsawwab il-fidi u qiegħed id-dawl tar-raġuni fl-ispirtu tal-bniedem. Alla ma jistax jiċħad lilu nnifsu, u ma jista' qatt ikun hemm kontradizzjoni f'dak li hu veru".[14] "Hu għalhekk li r-riċerka metodika fl-oqsma kollha tal-għerf, jekk issir b'mod verament xjentifiku u timxi skont normi morali, qatt ma se tkun tassew kontra l-fidi: għax kemm ir-realtajiet profani u kemm ir-realtajiet tal-fidi, it-tnejn ġejjin minn Alla. Anzi min iħabrek, b'perseveranza u umiltà biex jagħraf kulma hu moħbi f'kull ħaġa, dan ukoll,

[9] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* II-II, 171, 5, 3.

[10] Beatu John Henry Newman, *L-Apoloġija,* kapitlu 5.

[11] San Anselmu ta' Canterbury, *Proslogion,* prooem.: PL 153, 225A.

[12] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 5.

[13] Santu Wistin, *Omelija* 43, 7, 9: PL 38, 258.

[14] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 4: DS 3017.

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 92-93 5/16/2014 11:09:48 AM

mingħajr ma jintebaħ, ikun qiegħed jitmexxa minn id Alla, li jżomm sħiħa kull ħaġa u jagħmilha dak li hi”.[15]

Il-libertà tal-fidi

160 Biex tkun umana, “it-tweġiba tal-fidi mogħtija mill-bniedem lil Alla trid issir b’rieda ħielsa; għalhekk ħadd
1738; 2106 ma jista’ jiġi mġiegħel iħaddan il-fidi jekk ma jridx. Min-natura tiegħu stess, l-att tal-fidi hu voluntarju”.[16] “Alla, iva, isejjaħ lill-bnedmin biex jaqduh fl-ispirtu u l-verità; u jekk din is-sejħa tobbligahom fil-kuxjenza, ma tisforzahom bl-ebda mod ... Dan deher fi grad mill-aktar għoli fi Kristu Ġesù”.[17] Fil-fatt Kristu stieden lin-nies biex jemmnu u jikkonvertu, iżda qatt ma ġiegħel lil ħadd. “Ta xhieda għall-verità; iżda ma riedx jimponiha bil-forza fuq dawk li kienu jmeruh. Is-saltna tiegħu ... tikber bil-qawwa tal-imħabba li
616 biha Kristu, merfugħ fuq is-salib, jiġbed il-bnedmin kollha lejh”.[18]

Il-ħtieġa tal-fidi

432 161 Biex niksbu s-salvazzjoni, irridu nemmnu f’Ġesù
1257 Kristu u f’Dak li bagħtu għas-salvazzjoni tagħna (ara *Mk* 16,16; *Ġw* 3,36; 6,40 u l-bqija). “Għax ‘mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla’ (*Lh* 11,6) u ma jistax jasal għall-kundizzjoni ta’ wlied Alla; ebda bniedem

[15] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 36.

[16] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 10; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 748 §2.

[17] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 11.

[18] *Ibid*.

ma jista’ jkun ġustifikat mingħajr il-fidi u ebda bniedem ma jista’ jikseb il-ħajja ta’ dejjem jekk ma jżommx ‘sħiħ sal- 846
aħħar fiha’ ”.[19]

Il-perseveranza fil-fidi

162 Il-fidi hi don li Alla ta b’xejn lill-bnedmin. Dan id-don ta’ siwi bla qies nistgħu nitilfuh; dwar dan San Pawl iwissi 2089
lil Timotju: “Idħol bil-qawwa għat-taqbida t-tajba, b’fidi u b’kuxjenza tajba. Xi wħud, għax warrbu l-kuxjenza, tfarrku fil-fidi” (*1 Tim* 1, 18-19). Biex ngħixu, nikbru u nibqgħu sħaħ fil-fidi sal-aħħar, irridu mmantnuha bil-Kelma ta’ Alla; irridu 1037; 2016
nitolbu l-Mulej ikattarhielna (ara *Mk* 9,24; *Lq* 17,5; 22,32); trid “taħdem permezz tal-imħabba” (*Gal* 5,6; ara *Ġak* 2,14- 2573; 2849
26), trid tkun megħjuna mit-tama (ara *Rum* 15,13), u trid ikollha l-għeruq tagħha fil-fidi tal-Knisja.

Il-fidi: bidu tal-ħajja ta’ dejjem

163 Bil-fidi naslu biex ingawdu qisu minn qabel l-hena u d-dawl tal-viżjoni beatifika, l-għan tal-mixi tagħna hawn fid- 1088
dinja. Imbagħad naraw ’l Alla “wiċċ imb wiċċ” (*1 Kor* 13,12), “kif inhu” (*1 Ġw* 3,2). Il-fidi għalhekk hi ġa l-bidu tal-ħajja ta’ dejjem:

> Issa li qed nikkontemplaw il-barkiet tal-fidi qisu f’mera, qisu ġa għandna dawk il-ħwejjeġ tal-għaġeb li l-fidi tiżgurana li xi darba għad ingawduhom.[20]

[19] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 3: DS 3012; ara Konċilju ta’ Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 8: DS 1532.

[20] San Basilju l-Kbir, *Il-Ktieb dwar l-Ispirtu s-Santu,* 15, 36: PG 32, 132; ara San Tumas ta’ Aquino, *Summa theologiae* II-II, 4,1.

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 94-95 5/16/2014 11:09:48 AM

164 Iżda, issa, “aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni” (*2 Kor* 5,7) u nagħrfu ’l Alla “bħallikieku f’mera, imċajpar ... biċċa” (*1 Kor* 13,12). Kollha dija minħabba f’Dak li fih temmen, il-fidi spiss ngħixuha fid-dlam. Il-fidi
2846 tista’ tgħaddi minn prova. Id-dinja li fiha ngħixu spiss tidher
309 bogħod ħafna minn dak li tiżgurana dwarha l-fidi: id-deni u
1502; 1006 t-tbatija, l-inġustizzji u l-mewt li nġarrbu qishom kontra dak li tgħidilna l-Bxara t-Tajba; jistgħu jfixklu l-fidi u jsiru ta’ tiġrib għaliha.

165 Għalhekk ikollna nduru lejn *ix-xhieda tal-fidi:* Abraham li emmen “meta ma kellu ebda tama, ittama u
2719 emmen” (*Rum* 4,18); il-Verġni Marija, fil-“mixi tagħha tal-fidi”[21] waslet sal-“lejl tal-fidi”[22] meta ssieħbet fit-tbatijiet ta’ Binha u fil-lejl tal-qabar tiegħu; u tant u tant xhieda oħra tal-fidi: “Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta’ xhieda, ejjew inwarrbu minnha kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b’qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna; inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna” (*Lh* 12,1-2).

It-tieni artiklu

AĦNA NEMMNU

166 Il-fidi hi att personali: hi t-tweġiba ħielsa tal-bniedem
875 għall-inizjattiva ta’ Alla li jirrivela lilu nnifsu. Iżda l-fidi mhijiex xi att iżolat. Ħadd ma jista’ jemmen waħdu kif ħadd ma jista’ jgħix waħdu. Ħadd ma ta l-fidi lilu nnifsu, kif ħadd ma ta ħajtu

[21] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* (1964), 58.

[22] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris Mater* (1987), 18.

lilu nnifsu. Min jemmen jirċievi l-fidi mingħand ħaddieħor, u jrid jgħaddiha lill-oħrajn. L-imħabba tagħna għal Ġesù u għall-bnedmin ħutna ġġegħelna nitkellmu mal-oħrajn fuq il-fidi tagħna. Kull wieħed li jemmen qisu ħolqa fil-katina kbira ta’ dawk li jemmnu. Jien ma nistax nemmen jekk ma nkunx megħjun mill-fidi tal-oħrajn, u bil-fidi tiegħi nagħti sehmi biex ngħin il-fidi tal-oħrajn.

167 “Jiena nemmen” (Kredu tal-Appostli): hi l-fidi tal-Knisja li jistqarr personalment kull min jemmen, prinċipalment 1124
fil-Magħmudija tiegħu. “Aħna nemmnu”: (Kredu ta’ Nicea-Kostantinopli, skont il-verżjoni Griega). Hi l-fidi tal-Knisja kif stqarrewha l-isqfijiet f’Konċilju u, b’mod aktar ġenerali, kif tistqarrha l-ġemgħa liturġika ta’ dawk li jemmnu. “Jiena 2040
nemmen”: hi l-Knisja Ommna wkoll li twieġeb bil-fidi tagħha lil Alla u tgħallimna ngħidu: “Jiena nemmen”, “Aħna nemmnu”.

I. “Ħares, Mulej, lejn il-fidi tal-Knisja tiegħek”

168 Hi l-Knisja li temmen l-ewwel, u hekk twassal, tmantni u ssaħħaħ il-fidi tiegħi. Hi l-Knisja li l-ewwel tistqarr, kullimkien, il-Mulej (“Mad-dinja kollha l-Knisja Mqaddsa tistqarr fik”[23], inkantaw fit-“Te Deum”), u, magħha u fiha, aħna miġbudin u mmexxija biex nistqarru aħna wkoll: “Jiena nemmen”, “Aħna nemmnu”. Hu permezz tal-Knisja 1253
li nirċievu l-fidi u l-ħajja ġdida fi Kristu bil-Magħmudija. Fir-*Ritwal Ruman* il-ministru tal-Magħmudija jistaqsi lill-katekumenu: “X’titlob int mill-Knisja ta’ Alla?” u hu jwieġeb: “Il-fidi”. “U x’tagħtik il-fidi?” “Il-ħajja ta’ dejjem”.

[23] “Te per orbem terrarum Sancta confitetur Ecclesia”.

169 Is-salvazzjoni tiġina mingħand Alla waħdu; iżda billi aħna nirċievu l-ħajja tal-fidi permezz tal-Knisja, din hi ommna: "Aħna nemmnu fil-Knisja bħala l-omm tat-twelid ġdid tagħna, u mhux bħallikieku kienet l-awtur tas-salvazzjoni tagħna".[24] Għax hi ommna, hi wkoll l-għalliema tagħna fil-fidi.

II. Il-lingwaġġ tal-fidi

170 Aħna ma nemmnux f'xi formoli ta' kliem imma nemmnu fir-realtajiet imfissra minn dawn il-formoli ta' kliem u li l-fidi twassalna biex b'xi mod "immissu b'idejna". "L-att (tal-fidi) ta' min jemmen ma jiqafx bil-kliem li jħabbru imma fir-realtà (li titħabbar)".[25] Iżda aħna nersqu lejn dawn ir-realtajiet bl-għajnuna tal-formoli tal-fidi. Dawn il-formoli jgħinuna nfissru l-fidi u ngħadduha lill-oħrajn, niċċelebrawha fil-ġemgħat tagħna, nagħmluha tagħna u ngħixuha dejjem aktar.

171 Il-Knisja hi "kolonna u pedament tal-verità" (*1 Tim* 3,15), u tħares bil-fedeltà kollha "il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin" (*Ġuda* 3). Hi tħares it-tifkira ta' kliem Kristu, hi li twassal minn nisel għal nisel l-istqarrija tal-fidi tal-Appostli. Bħal omm li tgħallem 'l uliedha jitkellmu, u jifhmu u jwieġbu, il-Knisja Ommna tgħallimna l-lingwaġġ tal-fidi biex twassalna għall-għarfien u l-ħajja tal-fidi.

III. Fidi waħda

172 Tul il-mijiet tas-snin permezz ta' tant ilsna, kulturi,

[24] Fawstu ta' Riez, *Dwar l-Ispirtu s-Santu,* 1, 2: PL 62, 11.
[25] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* II-II, 1, 2, 2.

popli u nazzjonijiet, il-Knisja ma tieqaf qatt tistqarr fidi waħda, li rċeviet mingħand Mulej wieħed, mgħoddija b'Magħmudija waħda, bl-għeruq fil-konvinzjoni li l-bnedmin kollha għandhom biss Alla wieħed u Missier wieħed *(ara Ef 4,4-6).* San Irenew ta' Lyons, xhud ta' din il-fidi, jistqarr:

173 "Tabilħaqq, il-Knisja, għalkemm imxerrda mad-dinja kollha sa truf l-art, wara li laqgħet il-fidi mingħand l-Appostli u d-dixxipli tagħhom ... tħares b'għożża t-tħabbira u din il-fidi, qisha tgħammar f'dar waħda; temminhom bl-istess mod qisha għandha ruħ waħda u qalb waħda; ixxandarhom, tgħallimhom u tgħaddihom b'leħen wieħed, qisha għandha fomm wieħed".[26]

174 "Għax, għalkemm l-ilsna fid-dinja mhumiex l-istess, il-kontenut tat-Tradizzjoni hu wieħed u l-istess. U l-Knejjes li twaqqfu fil-Ġermanja, la jemmnu mod ieħor u lanqas għandhom Tradizzjoni oħra, u lanqas dawk li hemm fl-Iberja u li hemm fost iċ-Ċelti, u lanqas dawk li hemm fil-Lvant, fl-Eġittu, fil-Libja, u lanqas dawk li jinsabu f'nofs id-dinja ...".[27] "Il-messaġġ tal-Knisja hu għalhekk veru u sod għaliex hu juri lid-dinja kollha triq waħda ta' salvazzjoni".[28]

175 "Din il-fidi, li rċevejna mingħand il-Knisja, ngħożżuha bil-għaqal kollu, qisha ġarra tajba li fiha tqiegħed xi ħaġa tassew għażiża, li, bl-Ispirtu ta' Alla, dejjem tibqa' żagħżugħa, u tagħmel żagħżugħa wkoll il-ġarra li fiha tinsab".[29]

[26] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji,* 1, 10, 1-2: PG 7, 549-552.
[27] *Ibid.*: PG 7, 552-553.
[28] *Ibid.*, 5, 20, 1: PG 7, 1177.
[29] *Ibid.*, 3, 24, 1: PG 7, 966.

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 98-99 5/16/2014 11:09:48 AM

Fil-qosor

176 *Bil-fidi l-bniedem kollu kemm hu jintrabat personalment ma' Alla li jirrivela lilu nnifsu. Il-fidi trid li l-bniedem jilqa' bl-intelliġenza u r-rieda kollha tiegħu r-rivelazzjoni li Alla għamillu tiegħu nnifsu b'għemilu u bi kliemu.*

177 *"Li temmen", għalhekk, għandha żewġ tifsiriet: kemm lill-persuna u kemm lill-verità; temmen lill-verità għax għandek fiduċja fil-persuna li tagħti xhieda għaliha.*

178 *Ma għandniex nemmnu ħlief 'l Alla, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*

179 *Il-fidi hi don sopranaturali ta' Alla. Biex jemmen, il-bniedem jeħtieġ għajnuna interjuri (fir-ruħ) mill-Ispirtu s-Santu.*

180 "*Li temmen" huwa att uman, konxju u ħieles li jaqbel mad-dinjità tal-persuna umana.*

181 "*Li temmen" hu att ekkleżjali. Il-fidi tal-Knisja tiġi qabel il-fidi tagħna, tnissilha, tgħinha u tmantniha. Il-Knisja hi Omm dawk kollha li jemmnu. "Ħadd ma jista' jkollu 'l Alla bħala Missier jekk ma jkollux il-Knisja bħala Omm".*[30]

182 "*Aħna nemmnu kulma hemm fil-Kelma ta' Alla, miktuba jew mgħoddija lilna, u li l-Knisja tgħidilna nemmnu bħala rivelata minn Alla".*[31]

[30] San Ċiprijanu, *Dwar l-Għaqda tal-Knisja Kattolika,* 6: PL 4, 519.
[31] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 20.

183 *Il-fidi hi meħtieġa għas-salvazzjoni. Il-Mulej stess jistqarr dan: "Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat"* (*Mk* 16,16).

184 *"Il-fidi ddewwaqna minn qabel l-għarfien li jagħmilna hienja fil-ħajja li ġejja".*[32]

[32] San Tumas ta' Aquino, *Ġabra tat-teoloġija,* 1, 2.

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 100-101 5/16/2014 11:09:48 AM

Il-Kredu

Il-Kredu tal-Appostli	Il-Kredu ta' Nicea-Kostantinopli
Jiena nemmen f'Alla il-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art.	Jiena nemmen f'Alla Wieħed, il-Missier li jista' kollox li ħalaq is-sema u l-art, dak kollu li jidher u ma jidhirx.
U f'Ġesù Kristu, Ibnu wieħed, Sidna,	U f'Mulej wieħed, Ġesù Kristu, Iben waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien: Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier, u bih sar kollox. Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall- fidwa tagħna, u ħa l-ġisem
li kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu u twieled minn Marija Verġni,	bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni u sar bniedem.
bata taħt Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh, niżel bejn l-imwiet*,	Sallbuh għalina, bata taħt Ponzju Pilatu, miet u difnuh

* *Il-Konferenza Episkopali Maltija, fl-Assemblea Plenarja tagħha tal-20 ta' Awwissu 2013, approvat il-kliem* ***niżel bejn l-imwiet*** *biex jissostitwixxi* ***niżel fil-limbu****.*

fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet,	u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet, skont il-Kotba Mqaddsa,
tela' fis-smewwiet u qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier li jista' kollox,	tela' s-sema u qagħad fuq il-lemin tal-Missier.
minn hemm għandu jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin.	U għandu jerġa' jiġi bil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.
Nemmen fl-Ispirtu s-Santu,	U fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja, li ġej mill-Missier u mill-Iben, li hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u ma' l-Iben, hu li tkellem b'fomm il-profeti.
il-Knisja Mqaddsa Kattolika, ix-xirka tal-qaddisin,	U fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika, appostolika.
il-maħfra tad-dnubiet, il-qawma mill-imwiet, il-ħajja ta' dejjem.	Nistqarr magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet. U nistenna l-qawma mill-imwiet u l-ħajja taż-żmien li ġej.
Ammen.	Ammen.

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 102-103 5/16/2014 11:09:49 AM

kkk 87-104 latest.OK (r).indd 104 5/16/2014 11:09:49 AM

IT-TIENI SEZZJONI

L-ISTQARRIJA TAL-FIDI NISRANIJA

kkk 105-112 latest.OK (r).indd 105 5/16/2014 11:11:43 AM

IS-SIMBOLI TAL-FIDI

185 Min jgħid "Jiena nemmen" ikun jgħid "Jiena nintrabat ma' dak li *aħna* nemmnu". Ix-xirka fil-fidi teħtieġ lingwaġġ komuni dwar il-fidi, diskors li jkun regola għal kulħadd u jgħaqqad lil kulħadd fl-istess stqarrija tal-fidi. 171; 949

186 Sa mill-bidu l-Knisja tal-Appostli fissret u xandret il-fidi tagħha f'formoli qsar u normattivi għal kulħadd (ara *Rum* 10,9; *1 Kor* 15, 3-5; u l-bqija). Iżda, minn kmieni ħafna, il-Knisja riedet ukoll tiġbor fil-qosor dak li hu essenzjali fil-fidi tagħha, b'mod organiku u artikulat, l-aktar għall-kandidati għall-Magħmudija:

> Dawn il-ġabriet tal-fidi ma sarux skont l-opinjoni tan-nies, imma mill-Iskrittura kollha nġabar dak li hu l-aktar importanti biex jingħata tagħlim sħiħ u waħdieni tal-fidi. U kif is-siġra tal-mustarda f'żerriegħa mill-iżgħar għandha l-ħafna friegħi tagħha, hekk is-simbolu tal-fidi jiġbor fi ftit kliem kulma nafu dwar it-tjieba vera li hemm fit-Testment il-Qadim u fit-Testment il-Ġdid.[1]

187 Dawn il-ġabriet fil-qosor tal-veritajiet tal-fidi jissejħu "stqarrijiet tal-fidi", għaliex jiġbru fil-qosor il-fidi li jistqarru l-Insara. Jissejħu "Kredu" għaliex ġeneralment jibdew bil-kelma "Jiena nemmen" *(Credo* bil-Latin). U jissejħu wkoll "Simboli tal-fidi".

---

[1] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Katekeżi,* 5, 12: PG 33, 521-524.

kkk 105-112 latest.OK (r).indd 106-107 5/16/2014 11:11:43 AM

188 Il-kelma Griega "symbolon" tfisser nofs ħaġa maqsuma (siġill, biex insemmu eżempju) li tiġi pprežentata bħala sinjal għall-għarfien ta' dak li jkun. Iż-żewġ biċċiet li jingħaqdu sewwa ma' xulxin huma prova tal-identità ta' dak li jkollu għandu s-"symbolon". Is-"Simbolu tal-fidi" mela hu sinjal li bih jingħarfu minn xulxin dawk li jemmnu, hu sinjal tax-xirka ta' bejniethom. "Symbolon" aktar tard beda jfisser ġabra, kollezzjoni, summarju. Is-"Simbolu tal-fidi" hu ġabra tal-veritajiet ewlenin tal-fidi, u għalhekk il-katekeżi tagħmel l-ewwel riferenza fundamentali tagħha għas-simbolu tal-fidi, għall-Kredu.

1237 189 L-ewwel "stqarrija tal-fidi" ssir fil-Magħmudija. Is-
232 "Simbolu tal-fidi" hu l-ewwel nett Simbolu *battežimali.* Għax il-Magħmudija tingħata "fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" (*Mt* 28,19), il-veritajiet tal-fidi li tagħhom issir l-istqarrija fil-Magħmudija huma mqassmin f'artikoli li jitkellmu dwar it-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa.

190 Għalhekk is-Simbolu għandu tliet taqsimiet: jibda billi jsemmi l-Ewwel Persuna tat-Trinità Qaddisa u l-għemil tal-għaġeb tal-ħolqien; imbagħad isemmi t-Tieni Persuna Divina u l-misteru tal-Fidwa tal-bniedem; u fl-aħħar isemmi t-Tielet Persuna Divina, "għajn u bidu tat-tqaddis tagħna".[2] Dawn huma "it-tliet kapitli tas-siġill (battežimali) tagħna".[3]

191 "Dawn it-tliet taqsimiet huma magħżulin minn xulxin, iżda hemm rabta bejniethom. Skont paragun spiss użat minn Missirijiet il-Knisja, insejħulhom *artikoli.* Kif il-membri ta' ġisimna jintgħażlu mill-artikolazzjonijiet tagħhom, hekk f'din l-istqarrija tal-fidi, kulma rridu nemmnu, distintament u separatament bir-raġun kollu u sewwa, insejħulu artikolu".[4]

[2] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 1, 3.

[3] San Irinew, *Turija tal-Predikazzjoni Appostolika,* 100.

[4] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 1, 4.

Skont tradizzjoni antika, li ġa jsemmiha San Ambroġ, hi drawwa li jingħaddu *tnax-il* artikolu tal-Kredu, biex l-għadd tal-Appostli jkun simbolu tal-milja tal-fidi tal-Appostli.[5]

192 Ħafna kienu s-simboli jew stqarrijiet tal-fidi tul iż-żminijiet, skont il-ħtiġijiet ta' kull żmien: is-simboli tal-Knejjes appostoliċi tal-ewwel żminijiet[6], is-Simbolu "Quicumque" imsejjaħ Simbolu ta' San Atanasju[7]; l-istqarrijiet tal-fidi ta' xi Konċilji (Toledo, Lateran, Lyons, Trento)[8], jew ta' xi papiet, bħalma huma "il-fidi ta' Damasu" *(fides Damasi)*[9] jew "il-Kredu tal-Poplu ta' Alla" ta' Pawlu VI (1968)[10].

193 Ebda wieħed mis-Simboli li dehru tul il-ħajja kollha tal-Knisja ma għandu jitqies li spiċċa żmienu u ma jiswiex aktar. Huma ta' għajnuna għaliex illum naraw x'inhi l-fidi ta' dejjem u nifhmuha aktar fil-fond permezz tal-ħafna ġabriet tagħha fil-qosor li saru tul iż-żminijiet.

Fost is-Simboli tal-fidi hemm tnejn li għandhom post partikulari fil-ħajja tal-Knisja:

194 *Is-Simbolu tal-Appostli,* hekk imsejjaħ għax hu meqjus bir-raġun kollu bħala ġabra fidila fil-qosor tal-fidi tal-Appostli. Hu s-Simbolu battežimali antik tal-Knisja ta' Ruma.

[5] Ara San Ambroġ, *Tifsir tal-Kredu,* 8: PL 17, 1196.

[6] Ara DS 1-64.

[7] Ara *ibid*., 75-76.

[8] Konċilju ta' Toledo XI (675): DS 525-541; Konċilju Lateran IV (1215): DS 800-802; Konċilju ta' Lyons II (1274): DS 851-861; Piju IV, Professjoni tal-Fidi tal-Konċilju ta' Trento (1564). Il-*Professio Fidei* Tridentina tat-13 ta' Novembru 1564, magħrufa wkoll bħala l-Kredu ta' Piju IV, tinsab fil-Bolla *Iniunctum nobis (Ikkmandat lilna)* tal-istess Papa: DS 1862-1870.

[9] *Il-Kredu ta' San Damasu*: ara DS 71-72.

[10] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968).

kkk 105-112 latest.OK (r).indd 108-109 5/16/2014 11:11:43 AM

L-awtorità kbira tiegħu ġejja minn dan il-fatt: "Hu s-Simbolu li żżomm il-Knisja ta' Ruma, dik li fiha San Pietru, l-ewwel fost l-Appostli, waqqaf il-katedra tiegħu, u fejn wassal il-fidi ta' kulħadd".[11]

242; 245 195 *Is-Simbolu hekk imsejjaħ ta' Nicea-Kostantinopli*
465 għandu awtorità kbira għax ħareġ mill-ewwel żewġ Konċilji Ekumeniċi (325 u 381). Għadu sa llum is-simbolu komuni tal-Knejjes kbar kollha tal-Lvant u tal-Punent.

196 It-tifsir tagħna tal-fidi se jimxi fuq is-*Simbolu tal-Appostli* għaliex hu, biex ngħidu hekk, "l-eqdem Katekiżmu Ruman". Iżda dan it-tifsir se jkollu kontinwament referenzi għas-*Simbolu ta' Nicea-Kostantinopli,* li hu spiss aktar espliċitu u aktar dettaljat.

197 Kif għamilna f'jum il-Magħmudija tagħna, meta ħajjitna kollha ġiet fdata għal "dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalna biex nemmnu fuqu" (ara *Rum* 6,17), ejjew nilqgħu
1064 issa wkoll is-Simbolu tal-fidi tagħna, li tagħti l-ħajja. Meta ngħidu l-Kredu bil-fidi, nidħlu f'xirka ma' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u nkunu nidħlu wkoll f'xirka mal-Knisja kollha li twasslilna l-fidi u li fi ħdanha aħna nemmnu:

1274 Dan is-simbolu hu s-siġill spiritwali, hu l-meditazzjoni ta' qalbna u ħarsien dejjem qrib. Hu, żgur, it-teżor ta' ruħna.[12]

[11] San Ambroġ, *Tifsir tal-Kredu,* 7: PL 17, 1196.
[12] *Ibid*., 1: PL 17, 1193.

L-EWWEL KAPITLU

JIENA NEMMEN F'ALLA L-MISSIER

198 L-istqarrija tal-fidi tagħna tibda minn *Alla* għax Alla hu "l-Ewwel u ... l-Aħħar" (*Is* 44,6), il-Bidu u t-Tmiem ta' kollox. Il-Kredu jibda b'Alla *l-Missier,* għax il-Missier hu l-Ewwel Persuna divina tat-Trinità Qaddisa; il-Kredu tagħna jibda bil-ħolqien tas-sema u l-art, għax il-ħolqien hu l-bidu u l-pedament tal-għemejjel kollha ta' Alla.

L-ewwel artiklu

"JIENA NEMMEN F'ALLA L-MISSIER LI JISTA' KOLLOX LI ĦALAQ IS-SEMA U L-ART"

L-ewwel paragrafu

JIENA NEMMEN F'ALLA

199 "Jiena nemmen f'Alla": Dan l-ewwel kliem tal-istqarrija tal-fidi hu wkoll l-aktar fondamentali. Il-Kredu kollu jitkellem dwar Alla, u jekk isemmi l-bniedem u d-dinja, isemmihom b'relazzjoni ma' Alla. L-artikoli kollha tal-Kredu jiddependu mill-ewwel wieħed, kif il-Kmandamenti jitfissru fl-ewwel 2083

wieħed. L-artikoli l-oħra jgħinuna nifhmu aħjar lil Alla, kif irrivela ruħu pass pass lill-bnedmin. “Il-fidili l-ewwel ħaġa li jistqarru hi li jemmnu f’Alla”.[1]

I. “Jiena nemmen f’Alla wieħed”

200 B’dan il-kliem jibda s-Simbolu ta’ Nicea-Kostantinopli. L-istqarrija li Alla hu wieħed, għandha l-għeruq tagħha fir-
2085 Rivelazzjoni li għamel Alla fi żmien il-Patt il-Qadim u li ma tistax tinfired mill-istqarrija li Alla jeżisti, stqarrija li hi wkoll fondamentali. Alla hu Wieħed: m’hemmx ħlief Alla wieħed. “Il-fidi Nisranija tistqarr li hemm Alla wieħed, fin-natura, fis-sustanza u fl-essenza tiegħu”.[2]

201 Lil Iżrael, li hu għażel, Alla rrivela lilu nnifsu bħala
2083 l-Uniku: “Isma’, o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b’qalbek kollha, b’ruħek kollha u b’saħħtek kollha” (*Dewt* 6,4-5). Permezz tal-profeti, Alla sejjaħ lil Iżrael u lin-nazzjonijiet kollha biex iduru lejh, li hu Uniku: “Duru lejja mill-ġdid, truf kollha tal-art, u intom tkunu salvi! Għax jien hu Alla, u ma hemm ħadd ħliefi! ... Għax quddiemi kull irkoppa tiltewa, bija jaħlef kull ilsien; għalija għad jgħidu: ‘Fil-Mulej waħdu hemm il-ħaqq u l-qawwa’” (*Is* 45,22-24; ara *Fil* 2, 10-11).

202 Ġesù nnifsu jistqarr li Alla “wieħed hu l-Mulej” u li għandna nħobbuh b’qalbna kollha, b’ruħna kollha, b’moħħna kollu, u bil-qawwa tagħna kollha (ara *Mk* 12, 29-
446 30). Fl-istess ħin jagħtina x’nifhmu li hu wkoll “il-Mulej” (ara

[1] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta’ Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 2, 2.

[2] *Ibid*.

Mk 12, 35-37). L-istqarrija li “Kristu hu l-Mulej” hi l-istqarrija propja tal-fidi Nisranija. Din l-istqarrija ma tmurx kontra l-fidi f’Alla wieħed. It-twemmin fl-Ispirtu s-Santu, “il-Mulej li jagħti 152
l-ħajja”, ma jġib ebda firda f’Alla wieħed:

> Aħna nemmnu bil-qawwa kollha u nistqarru b’sempliċità li wieħed u waħdu hu l-veru Alla, bla qies u bla tibdil, ma jingħarafx, jista’ 42
> kollox u tal-għaġeb, Missier, Iben u Spirtu s-Santu: tliet Persuni, iżda essenza waħda, sustanza waħda jiġifieri natura għal kollox sempliċi.[3]

II. Alla jirrivela ismu

203 Alla rrivela lilu nnifsu lill-poplu tiegħu Iżrael billi għarrafhom Ismu. L-isem ifisser l-essenza, l-identità tal- 2143
persuna u s-sens ta’ ħajjitha. Alla għandu isem: mhuwiex xi qawwa bla isem, anonima. Tagħti ismek, ifisser tkun magħruf mill-oħrajn; u b’xi mod tagħti lilek innifsek ħalli n-nies ikunu jistgħu jersqu lejk, ħalli tkun dejjem aktar magħruf intimament, ħalli jkunu jistgħu jsejħulek, personalment.

204 Alla rrivela lilu nnifsu lill-poplu tiegħu ftit ftit, taħt ismijiet diversi, iżda hi r-rivelazzjoni tal-isem ta’ Alla 63
magħmulha lil Mosè waqt it-teofanija tal-għollieq jaqbad bin-nar, fil-bidu tal-Eżodu u tal-Patt tas-Sinaj, li dehret bħala r-rivelazzjoni fundamentali għall-Patt il-Qadim u għall-Patt il-Ġdid.

Alla l-Ħaj

205 Alla sejjaħ lil Mosè min-nofs l-għollieq jaqbad bin- 2575

[3] Konċilju Lateran IV, *Definizzjoni Kontra l-Albiġiżi u l-Katari* (1215): DS 800.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 114-115 5/16/2014 11:13:33 AM

nar mingħajr ma jintemm. Alla jgħid lil Mosè: "Jien hu Alla ta' missirijietek: Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb" (*Eż* 3,6). Alla hu Alla ta' missirijietna, Dak li sejjaħ u mexxa lill-patrijarki fil-mixi tagħhom. Hu Alla fidil u ħanin li jiftakar fihom u fil-wegħdiet tiegħu; ġej biex jeħles nisilhom mill-jasar. Hu Alla li, 'l hemm mill-ispazju u ż-żmien, jista' u
268 jrid jagħmel dan u se juża s-setgħa kollha tiegħu biex iseħħ dan il-pjan.

"Jien li jien"

> Mosè reġa' wieġeb [lil Alla]: "Ara, jiena mmur għand ulied Iżrael u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom', u huma jistaqsuni, 'X'jismu?', Jien x'ngħidilhom?" Alla wieġbu: "Jien li Jien". U kompla jgħidlu: "Hekk għidilhom lil ulied Iżrael, 'Jiena-Hu bagħatni għandkom' ... Dan ikun ismi għal dejjem, u dan l-isem ifakkarkom fija minn nisel għal nisel" (*Eż* 3, 13-15).

206 Huwa u juri l-Isem misterjuż tiegħu (Jahweh), "Jien dak li hu", jew "Jien dak li Jien", jew ukoll "Jien li Jien", Alla qal min hu u b'liema isem għandu jissejjaħ. Dan l-Isem ta' Alla hu misterjuż kif Alla nnifsu hu misteru. Hu fl-istess ħin Isem rivelat u kważi ċaħda ta' isem, u hekk ifisser mill-aħjar
43 lil Alla bħala Dak li hu, għal kollox 'il fuq minn dak kollu li nistgħu nifhmu u ngħidu: hu "Alla moħbi" (*Is* 45,15), Ismu hu tal-għaġeb (ara *Mħal* 13,18) u hu Alla li resaq qrib il-bnedmin.

207 Huwa u jirrivela Ismu, Alla rrivela wkoll il-fedeltà tiegħu li hi minn dejjem u għal dejjem, kemm għall-imgħoddi ("Jien hu Alla ta' missirijietek", *Eż* 3,6) u kemm għall-ġejjieni ("Jiena nkun miegħek", *Eż* 3,12). Huwa u jgħid li Ismu hu "Dak li Jien", Alla juri lilu nnifsu bħala Dak li hu dejjem hemm, qrib il-poplu tiegħu, biex isalvah.

208 Quddiem il-preżenza misterjuża ta' Alla li tiġbdu, il-bniedem jintebaħ biċ-ċokon tiegħu; quddiem l-għollieq jaqbad Mosè neħħa l-qorq u għatta wiċċu (ara *Eż* 3, 5-6) 724
għax kien qiegħed iħares lejn Alla l-Qaddis. Quddiem il-glorja ta' Alla, tliet darbiet Qaddis, Isaija qal: "Jaħasra għalija! Mitluf jien! Bniedem b'xufftejh imniġġsa jien!" *(Is* 6,5). Quddiem is-sinjali divini li għamel Ġesù, San Pietru 448
qal: "Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jien raġel midneb!" (*Lq* 5,8). Iżda għax Alla qaddis, jista' jaħfer lill-bniedem li jistqarr ruħu midneb quddiemu: "Le, ma nħaddimx il-korla mħeġġa 388
tiegħi; ... għax Alla jien, u mhux bniedem, jien f'nofsok il-Qaddis" (*Hos* 11,9). L-istess jgħid l-Appostlu San Ġwann: "Quddiem Alla nserrħu l-kuxjenza tagħna, jekk il-kuxjenza ċċanfarna; għax Alla hu aqwa mill-kuxjenza tagħna, u hu jaf kollox" (*1 Ġw* 3,19-20).

209 B'rispett għall-qdusija ta' Alla, il-poplu ta' Iżrael ma kienx isemmi l-Isem ta' Alla. Waqt il-qari tal-Iskrittura Mqaddsa flok l-Isem rivelat ta' Alla kienu jgħidu "Mulej" ("Adonai", bil-Grieg "Kyrios"). B'dan it-titlu ta' Mulej titħabbar 446
id-divinità ta' Kristu: "Ġesù hu l-Mulej".

"Alla ta' tjieba u ħniena"

210 Wara d-dnub ta' Iżrael li warrab lil Alla biex iqim l-għoġol tad-deheb (ara *Eż* 32), Alla ta widen għat-talba ta' interċessjoni li għamel Mosè u aċċetta li jimxi f'nofs poplu 2116; 2577
infidil, u hekk wera mħabbtu (ara *Eż* 33,12-17). Lil Mosè li talbu jara l-glorja tiegħu, Alla wieġbu: "Jiena ngħaddi tjubiti kollha minn quddiemek, u ngħajjat l-isem tiegħi 'Jaħweh' quddiemek" *(Eż* 33,18-19). U l-Mulej għadda quddiem Mosè u għajjat: "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u jħenn; tqil biex jagħdab, u kbir fit-tjieba u l-fedeltà" (*Eż* 34,6). Mosè mbagħad jistqarr li l-Mulej hu Alla li jaħfer (ara *Eż* 34,9).

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 116-117 5/16/2014 11:13:33 AM

211 L-isem ta' Alla "Jien hu" jew "Huwa hu" ifisser il-fedeltà ta' Alla li minkejja d-dnub tal-bnedmin u l-kastig li ħaqqhom, "iħares it-tjieba tiegħu għal elf ġenerazzjoni" (ara *Eż* 34,7). Alla juri lilu nnifsu bħala "għani fil-ħniena" (*Ef* 2,4) tant li jasal biex jagħti 'l Ibnu stess, u Ġesù, huwa u jagħti
604 ħajtu biex jeħlisna mid-dnub, juri li hu wkoll iġib l-Isem ta' Alla: "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, imbagħad tagħrfu li jiena hu" (*Ġw* 8,28).

Alla biss HU

212 Matul iż-żminijiet, il-fidi ta' Iżrael setgħet turi u tagħraf fil-fond l-għana kollu li hemm fir-rivelazzjoni tal-Isem ta' Alla.
42 Alla huwa uniku, ma hemmx allat oħra ħliefu (ara *Is* 44,6). Hu 'l fuq għal kollox mid-dinja u l-ġrajja tagħha. Hu li għamel is-sema u l-art: "huma jgħaddu, imma int tibqa'; bħal libsa huma lkoll jiqdiemu ... imma int li int tibqa'; bla tmiem huma
469; 2086 s-snin tiegħek" (*Salm* 102, 27-28). Fih "ma hemm ebda tibdil u anqas dell ta' tidwir" (*Ġak* 1,17). Alla hu "Dak li hu", minn dejjem u għal dejjem u hekk jibqa' dejjem fidil fih innifsu u fil-wegħdiet tiegħu.

213 Ir-rivelazzjoni tal-Isem tal-għaġeb "Jien dak li jien" fiha l-verità li Alla biss HU. Hu f'dan is-sens li t-traduzzjoni tas-Sebgħin, u warajha t-Tradizzjoni tal-Knisja, fehmu l-Isem ta' Alla; Alla hu l-milja tal-Esseri u ta' kull perfezzjoni, bla
41 bidu u bla tmiem. Waqt li l-ħlejjaq kollha rċevew mingħandu kulma huma u kulma għandhom, Hu biss hu l-esseri tiegħu nnifsu u Hu minnu nnifsu dak kollu li hu.

III. Alla, "Dak li hu", hu Verità u Mħabba

214 Alla, "Dak li hu", wera lilu nnifsu lil Iżrael bħala "kbir

fit-tjieba u l-fedeltà" (*Eż* 34,6). Dawn iż-żewġ kelmiet juru fil-qosor l-għana kollu tal-Isem ta' Alla. Fl-għemil kollu tiegħu Alla juri l-ħlewwa tiegħu, it-tjieba tiegħu, il-grazzja tiegħu, l-imħabba tiegħu, u juri wkoll il-lealtà tiegħu, il-qawwa tal-qalb kostanti tiegħu, il-fedeltà tiegħu, il-verità tiegħu. 1062
"Inroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedeltà tiegħek (*Salm* 138,2; ara *Salm* 85,11). Hu l-Verità għax "Alla hu dawl u ebda dlam ma hemm fih" (*1 Ġw* 1,5); Alla hu Mħabba kif jgħallem l-Appostlu San Ġwann (ara *1 Ġw* 4,8).

Alla hu Verità

215 "Is-sewwa tiegħek il-qofol ta' kelmtek; għal dejjem 2465
id-digrieti tal-ġustizzja tiegħek" (*Salm* 119, 160). "U issa, Sidi Mulej, int Alla, il-kelma tiegħek hi sewwa" (*2 Sam* 7,28); għalhekk il-wegħdiet ta' Alla dejjem iseħħu (ara *Dewt* 7,9). Alla hu l-Verità fih innifsu, kliemu ma jqarraqx. Għalhekk 1063; 156
nistgħu nafdaw b'fiduċja sħiħa fil-verità u fil-fedeltà ta' Kelmtu f'kollox. Il-bidu tad-dnub u tal-waqgħa tal-bniedem kien il-gidba tat-tentatur li wasslet il-bniedem jiddubita mill- 397
Kelma ta' Alla, mit-tjieba u l-fedeltà tiegħu.

216 Il-verità ta' Alla hi l-għerf tiegħu li jikkmanda l-ordni 295
tal-ħolqien u jmexxi d-dinja (ara *Għerf* 13,1-9). Alla, li waħdu ħalaq is-sema u l-art (ara *Salm* 115,15) hu biss jista' jagħti
għarfien veru ta' kull ħaġa maħluqa fir-relazzjoni tagħha 32
miegħu (ara *Għerf* 7,17-21).

217 Alla hu veru wkoll meta jirrivela lilu nnifsu. It-tagħlim li jiġi mingħand Alla hu "tagħlim is-sewwa" (*Mal* 2,6). Meta ġie biex jibgħat 'l Ibnu fid-dinja, bagħtu biex jixhed "għall-Verità" 851
(*Ġw* 18,37). "Nafu ... li l-Iben ta' Alla ġie u tana d-dehen biex nagħrfu 'l Alla l-veru" (*1 Ġw* 5,20; ara *Ġw* 17,3). 2466

ALLA HU MĦABBA

218 Iżrael, tul il-ġrajja tiegħu, seta' jintebaħ li kien hemm biss raġuni waħda għaliex Alla ried jirrivela ruħu lilu u jagħżlu minn fost il-popli kollha ħa jkun il-poplu tiegħu: l-imħabba gratuwita tiegħu (ara *Dewt* 4,37; 7,8; 10,15). U Iżrael kellu jifhem, permezz tal-profeti, li kien ukoll għall-imħabba li Alla qatt ma waqaf li jsalvahom (ara *Is* 43,1-7) u jaħfrilhom l-infedeltajiet tagħhom u dnubiethom (ara *Hos* 2).

219 L-imħabba ta' Alla għal Iżrael nistgħu nxebbhuha mal-imħabba ta' missier għal ibnu (ara *Hos* 11,1). Din l-imħabba hi aqwa minn dik ta' omm għal uliedha (ara *Is* 49,14-15). Alla jħobb il-Poplu tiegħu aktar milli għarus iħobb il-maħbuba tiegħu (ara *Is* 62,4-5); din l-imħabba tegħleb l-agħar infedeltajiet (ara *Eżek* 16; *Hos* 11); tasal għall-għoti tad-don l-aktar għażiż: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni" (*Ġw* 3,16).

220 L-imħabba ta' Alla hi "ta' dejjem" (*Is* 54,8) "Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx" (*Is* 54,10). "Bi mħabba ta' dejjem ħabbejtek, għalhekk il-ħlewwa tiegħi rfajt għalik" (*Ġer* 31,3).

221 Iżda San Ġwann imur aktar 'il bogħod meta jistqarr: "Alla hu Mħabba" (*Ġw* 4,8.16). L-Esseri stess ta' Alla hu Mħabba. Meta bagħat fil-milja taż-żminijiet l-Iben il-waħdieni tiegħu, u l-Ispirtu tal-Imħabba, Alla rrivela l-misteru l-aktar moħbi tiegħu (ara *1 Kor* 2,7-16; *Ef* 3,9-12). Hu fih nnifsu minn dejjem ta' dejjem huwa relazzjoni ta' mħabba: Missier, Iben u Spirtu s-Santu, u ddestinana li jkollna sehem fiha.

IV. Sa fejn tasal il-fidi f'Alla Wieħed

222 It-twemmin f'Alla Wieħed, u li tħobbu b'kulma int, għandhom konsegwenzi tassew kbar għal ħajjitna kollha.

223 *Ifisser tagħraf il-kobor u s-setgħa ta' Alla.* "Alla hu hekk kbir li anqas nifhmuh" (*Ġob* 36,26). Hu għalhekk li Alla għandu jkun dak "li jiġi moqdi l-ewwel".[4]

224 *Ifisser tgħix bi spirtu ta' radd il-ħajr.* Jekk Alla hu Alla Wieħed, kulma aħna u kulma għandna ġejjin minnu: "X'għandek li ma ngħatalikx?" (*1 Kor* 4,7). "Xi nrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi?" (*Salm* 116,12).

225 *Ifisser l-għarfien tal-għaqda u d-dinjità vera tal-bnedmin kollha.* Ilkoll ġew maħluqin "fuq is-sura u x-xbieha" (*Ġen* 1,26) ta' Alla.

226 *Ifisser l-użu tajjeb ta' kull ħaġa maħluqa.* Il-fidi f'Alla Wieħed twassalna biex nużaw kull ħaġa li mhijiex Alla skont il-qies li bih tressaqna lejn Alla, u nitbiegħdu minnha skont il-qies li bih tbegħedna minn Alla (ara *Mt* 5,29-30; 16,24; 19,23-24).

> Mulej tiegħi u Alla tiegħi, ħudli kulma jbegħedni minnek.
> Mulej tiegħi u Alla tiegħi agħtini kulma jressaqni lejk.
> Mulej tiegħi u Alla tiegħi, ħollni minni nnifsi biex ningħata lilek kollni kemm jien.[5]

227 *Ifisser tafda f'Alla f'kull ċirkustanza,* fit-tiġrib ukoll. Talba ta' Santa Tereża ta' Ġesù dan tfissru b'mod tassew tal-għaġeb:

[4] Mill-kliem ta' Santa Ġovanna d'Arco waqt il-proċess li wassal għall-kundanna tagħha.

[5] San Nikola van der Flüe, Talba.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 120-121 5/16/2014 11:13:33 AM

La tħalli xejn iħawdek,
la tħalli xejn ibeżżgħek.
Kollox jgħaddi,
Alla biss ma jinbidilx.
Bis-sabar kollox jinkiseb.
2830 Min għandu 'l Alla
xejn ma jonqsu.
1723 Alla waħdu huwa biżżejjed.[6]

Fil-qosor

228 *"Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu ..."* (*Dewt* 6,4; ara *Mk* 12,29). *"Hu meħtieġ li Dak li hu l-Aqwa u l-Ogħla jkun Uniku, jiġifieri ma jkunx hemm ieħor daqsu ... Jekk Alla mhux Wieħed, mhux Alla".*[7]

229 *Il-fidi f'Alla twassalna biex induru lejh biss bħala Dak li hu l-ewwel bidu tagħna u t-tmiem aħħari tagħna u li ma nippreferixxu 'l ħadd ħliefu jew indaħħlu 'l xi ħadd floku.*

230 *Alla, meta jirrivela lilu nnifsu, jibqa' misteru lil hinn mill-kliem. "Jekk tifhmu, ma jkunx Alla".*[8]

231 *Alla li fih nemmnu wera lilu nnifsu bħala* Dak li hu: *għarraf lilu nnifsu bħala Dak li hu "kbir fit-tjieba u l-fedeltà"* (*Eż* 34,6). *L-Esseri tiegħu stess hi Verità u Mħabba.*

[6] Santa Tereża ta' Ġesù, "Siwi tas-Sabar" (Poeżija), fi *Il-Kitba ta' Santa Tereża ta' Ġesù*, IV, Pubblikazzjoni Karmelitana Terežjana, Malta 1993, 141.

[7] Tertulljanu, *Kontra Marċjone,* 1,3,5: PL 2, 274.

[8] Santu Wistin, *Omelija* 52, 6, 16; PL 38, 360.

It-tieni paragrafu

IL-MISSIER

I. "Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu"

232 L-Insara jitgħammdu "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u 189
tal-Ispirtu s-Santu" (*Mt* 28,19). Iwieġbu: "Nemmen" għat-tliet 1223
mistoqsijiet li jsirulhom ħa jistqarru l-fidi tagħhom fil-Missier, fl-Iben u fl-Ispirtu s-Santu. "Il-fidi tal-Insara kollha għandha bħala pedament il-fidi fit-Trinità".[9]

233 L-Insara jitgħammdu "f'isem" il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu u mhux "fl-ismijiet" tagħhom[10] għaliex ma hemmx ħlief Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox u Ibnu l-waħdieni u l-Ispirtu s-Santu: it-Trinità Qaddisa.

234 Il-misteru tat-Trinità Qaddisa hu l-misteru ewlieni tal-
fidi u tal-ħajja Nisranija. Hu l-misteru ta' Alla fih innifsu. Hu 2157
għalhekk il-bidu tal-misteri l-oħra kollha tal-fidi, hu d-dawl li jdawwalhom. Hu t-tagħlim l-aktar fondamentali u essenzjali tal-"ġerarkija tal-veritajiet" tal-fidi.[11] "Il-ġrajja kollha tas- 90
salvazzjoni mhijiex ħlief il-ġrajja tat-triq u tal-mezzi li bihom Alla Wieħed u Veru: il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, wera lilu nnifsu lill-bnedmin, u wara li reġgħu lura minn 1449
dnubiethom, ħabbibhom mill-ġdid u għaqqadhom miegħu".[12]

[9] "Fides omnium Christianorum in Trinitate consistit": San Ċesarju ta' Arles, *Tifsir tal-Kredu* (*Omelija* 9): CCL 103, 47.

[10] Ara Viġilju, *Stqarrija tal-Fidi* (552): DS 415.

[11] Kongregazzjoni għall-Kleru, *Direttorju Ġenerali tal-Katekeżi* (1997), 43.

[12] *Ibid*., 47.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 122-123 5/16/2014 11:13:33 AM

235 F'dan il-paragrafu nuru fil-qosor (I) b'liema mod ġie rrivelat il-misteru tat-Trinità Qaddisa, (II) kif il-Knisja fformulat id-duttrina tal-fidi dwar dan il-misteru u fl-aħħar, (III) kif, bil-missjonijiet divini tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, Alla l-Missier wassal għat-tmiem "il-pjan tiegħu kollu tjieba" tal-ħolqien, tal-fidwa u tal-qdusija.

1066 236 Missirijiet il-Knisja jagħmlu għażla bejn "Theologia" u "Oikonomia". Bl-ewwel kelma fissru l-misteru tal-ħajja intima ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni, bit-tieni kelma fissru l-għemil kollu ta' Alla li bih juri lilu nnifsu u jagħtina l-ħajja tiegħu. Hu permezz tal-"Oikonomia" li ġiet irrivelata lilna 259 t-"Theologia"; iżda min-naħa l-oħra, hi t-"Theologia" li turina fid-dawl kollu tagħha l-"Oikonomia". L-għemejjel ta' Alla juru dak li hu fih innifsu; u min-naħa l-oħra, il-misteru tal-Esseri intimu tiegħu jagħti d-dawl għall-għarfien tal-għemejjel kollha tiegħu. Hekk jiġri wkoll analoġikament fost il-bnedmin. Persuna turi ruħha f'għemilha, u aħna aktar ma nagħrfu aħjar il-persuna, nifhmu aktar aħjar għemilha.

237 It-Trinità hi misteru tal-fidi fis-sens strett tal-kelma, wieħed mill-"misteri moħbija f'Alla, li ma setgħux ikunu magħrufin kieku ma ġewx rivelati minn Alla".[13] Alla, iva, ħalla 50 xi sinjali ta' dan il-misteru fil-ħolqien u fir-Rivelazzjoni tul it-Testment il-Qadim. Iżda l-intimità tal-Esseri tiegħu bħala Trinità Qaddisa hu misteru li ma tilħqux ir-raġuni waħedha u lanqas kienet tilħqu l-fidi ta' Iżrael qabel l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u l-missjoni tal-Ispirtu s-Santu.

II. Ir-Rivelazzjoni ta' Alla bħala Trinità

Il-Missier irrivelat mill-Iben

238 Ħafna reliġjonijiet isejħu 'l Alla "Missier". Alla spiss hu meqjus bħala "missier l-allat u l-bnedmin". F'Iżrael Alla

[13] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 4: DS 3015.

hu msejjaħ "Missier" għax ħalaq id-dinja (ara *Dewt* 32,6; *Mal* 2,10). Alla hu wisq aktar Missier minħabba l-Patt u l-għoti tal-Liġi lil Iżrael, ibnu l-kbir (ara *Eż* 4,22). Hu msejjaħ ukoll Missier is-sultan ta' Iżrael (ara *2 Sam* 7,14). B'mod speċjali wkoll "Missier il-foqra", l-iltiema u r-romol li huma taħt il- 2443 ħarsien kollu mħabba tiegħu (ara *Salm* 68,6).

239 Kliem il-fidi li bih insejħu lil Alla "Missier" juri prinċipalment żewġ aspetti: Alla hu l-bidu ta' kollox u awtorità 'l fuq minn kollox, traxxendenti; Alla hu fl-istess ħin ukoll tjieba u ħerqa kollha mħabba għal uliedu kollha. Din il-ħlewwa ta' missier li juri Alla, tista' tiġi mfissra wkoll bi xbieha tal-omm (ara *Is* 66,13; *Salm* 131,2), li turi aktar l-immanenza ta' Alla u l-intimità li hemm bejn Alla u l-ħlejjaq tiegħu. B'hekk kliem il-fidi jinbena fuq l-esperjenza umana tal-ġenituri li b'xi mod huma l-ewwel rappreżentanti ta' Alla għall-bniedem. Imma din l-esperjenza tgħidilna wkoll kemm huma dgħajfa l-ġenituri tal-bnedmin u għalhekk jistgħu jħassru d-dehra tal-paternità u l-maternità. Jaqbel għalhekk li niftakru li Alla hu 'l fuq minn kull għażla bejn sess u ieħor. Alla la hu raġel u lanqas mara, imma hu Alla. Hu 370 wkoll 'il fuq mill-missier u l-omm tal-bnedmin, mill-paternità u l-maternità 2779 tal-bnedmin (ara *Salm* 27,10), għalkemm hu l-bidu u l-qies tagħhom (ara *Ef* 3,14; *Is* 49,15): ebda persuna ma hi missier daqs kemm hu Alla.

240 Ġesù rrivela lil Alla bħala "Missier" f'tifsir li qatt ma 2780 nstema' bħalu: Alla huwa Missier mhux biss għax hu Ħallieq, imma hu minn dejjem ta' dejjem Missier f'relazzjoni ma' 441-445 Ibnu l-waħdieni, li min-naħa tiegħu hu Iben minn dejjem ta' dejjem biss f'relazzjoni ma' Missieru: "Ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu" (*Mt* 11,27).

241 Hu għalhekk li l-Appostli stqarrew lil Ġesù bħala il-Verb li fil-bidu kien ma' Alla, u hu Alla (ara *Ġw* 1,1), bħala "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (*Kol* 1,15), bħala "id-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tal-essenza tiegħu" (*Lh* 1,3).

242 Warajhom, il-Knisja mxiet fuq it-tradizzjoni tal-Appostli u stqarret fis-sena 325, fl-ewwel Konċilju Ekumeniku f'Nicea, li l-Iben ta' Alla kien "tal-istess natura" tal-Missier, 465

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 124-125 5/16/2014 11:13:33 AM

jiġifieri Alla wieħed miegħu. It-tieni Konċilju Ekumeniku li sar f'Kostantinopli fis-sena 381 żamm din l-espressjoni fil-formulazzjoni li ta lill-Kredu ta' Nicea u stqarr "l-Iben Waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel mhux magħmul, natura waħda mal-Missier".[14]

Il-Missier u l-Iben irrivelati mill-Ispirtu

243 Qabel l-Għid, Ġesù ħabbar li se jintbagħat "Paraklitu (Difensur) ieħor", l-Ispirtu s-Santu. F'ħidma sa mill-ħolqien (ara *Ġen* 1,2), kien ġa "tkellem b'fomm il-profeti",[15] u issa se jkun mad-dixxipli u fihom (ara *Ġw* 14,17) biex jgħallimhom (ara *Ġw* 14,26) u jwassalhom "għall-verità kollha" (*Ġw* 16,13). B'hekk l-Ispirtu s-Santu jiġi rrivelat bħala Persuna Divina oħra, f'relazzjoni ma' Ġesù u mal-Missier.

244 Il-bidu sa minn dejjem tal-Ispirtu s-Santu jidher fil-missjoni tiegħu fiż-żmien. L-Ispirtu s-Santu ntbagħat lill-Appostli u lill-Knisja kemm mill-Missier f'isem l-Iben, u kemm mill-Iben personalment, meta reġa' lura għand il-Missier (ara *Ġw* 14,26; 15,26; 16,14). Il-miġja tal-persuna tal-Ispirtu s-Santu wara l-glorifikazzjoni ta' Ġesù (ara *Ġw* 7,39) turi fil-milja kollha tiegħu l-Misteru tat-Trinità Qaddisa.

245 Il-fidi tal-Appostli dwar l-Ispirtu stqarrha t-tieni Konċilju Ekumeniku fis-sena 381 f'Kostantinopli: "Nemmnu fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja, li ġej mill-Missier".[16] B'dan, il-Knisja għarfet li l-Missier hu "l-għajn u l-bidu tad-divinità

[14] *Kredu ta' Nicea u Kostantinopli*: DS 150.
[15] *Ibid*.
[16] *Ibid*.

kollha".[17] L-oriġini minn dejjem ta' dejjem tal-Ispirtu s-Santu mhijiex madankollu mingħajr rabta ma' dik tal-Iben: "Nemmen li l-Ispirtu s-Santu, li hu t-Tielet Persuna tat-Trinità, hu Alla wieħed u l-istess mal-Missier u l-Iben, tal-istess sustanza u tal-istess natura ... Iżda ma jingħadx li hu biss l-Ispirtu tal-Missier, imma li fl-istess waqt hu l-Ispirtu tal-Missier u tal-Iben".[18] Il-Kredu tal-Konċilju ta' Kostantinopli jistqarr: "Hu meqjum u mwieġeġ flimkien mal-Missier u mal-Iben".[19]

246 It-tradizzjoni Latina tal-Kredu tistqarr li l-Ispirtu "ġej mill-Missier u *mill-Iben (Filioque)*" . Il-Konċilju ta' Firenze, fl-1438, qal b'mod l-aktar ċar: "L-Ispirtu s-Santu għandu l-essenza u l-esseri tiegħu mill-Missier u mill-Iben flimkien, u ġej sa minn dejjem mill-wieħed u mill-ieħor qisu minn prinċipju wieħed u minn spirazzjoni waħda ... U għaliex dak kollu li hu tal-Missier, barra l-esseri tiegħu ta' Missier, il-Missier stess tah lill-Ibnu l-waħdieni meta nisslu, l-Iben ħa minn dejjem mingħand il-Missier, kif l-Ispirtu s-Santu ġej ukoll mill-Iben".[20]

247 Il-kelma *Filioque* ma kinitx fil-Kredu li tiegħu saret l-istqarrija fis-sena 381 f'Kostantinopli. Iżda l-Papa San Ljun stqarrha dommatikament fis-sena 447[21] u bena l-isqtarrija tiegħu fuq tradizzjoni antika Latina u Lixandrina, qabel stess ma Ruma kienet taf bil-Kredu tas-sena 381 li rċevietu fis-sena 451 fil-Konċilju ta' Kalċedonja. L-użu ta' din il-formula fil-Kredu bdiet dieħla ftit ftit fil-Liturġija Latina (bejn it-tmien seklu u l-ħdax-il seklu). Id-dħul tal-kelma *Filioque* fis-Simbolu ta' Nicea-Kostantinopli li sar fil-Liturġija Latina, madankollu għadu llum ukoll raġuni ta' tilwim tal-Knejjes Ortodossi.

[17] Konċilju ta' Toledo VI, *Dwar it-Trinità u l-Iben ta' Alla, il-Feddej Inkarnat* (638): DS 490.
[18] Konċilju ta' Toledo XI, *Kredu* (675): DS 527.
[19] *Kredu ta' Nicea u Kostantinopli*: DS 150.
[20] Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Griegi* (1439): DS 1300-1301.
[21] Ara San Ljun il-Kbir, Ittra *Quam laudabiliter* lill-Isqof Turibju ta' Astorga (447): DS 284.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 126-127 5/16/2014 11:13:33 AM

248 It-tradizzjoni orjentali trid tfisser qabel kollox li l-Missier fir-relazzjoni mal-Ispirtu s-Santu hu l-ewwel bidu. Din it-tradizzjoni meta tistqarr l-Ispirtu bħala "ġej mill-Missier" (*Ġw* 15,26), tkun tgħid li l-Ispirtu *ġej mill*-Missier *permezz* tal-Iben.[22] It-tradizzjoni tal-punent qabel kollox trid tfisser ix-xirka fin-natura tal-Missier u tal-Iben, meta tgħid li l-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier u mill-Iben *(Filioque)*. Dan tgħidu b'mod leġittimu u raġjonevoli"[23] għax l-ordni minn dejjem ta' dejjem tal-Persuni Divini fix-xirka tagħhom f'natura waħda, ifisser li l-Missier hu l-ewwel bidu tal-Ispirtu għax hu "bidu mingħajr bidu"[24] imma wkoll għax hu Missier l-Iben waħdieni, u hu miegħu "il-bidu wieħed li minnu ġej l-Ispirtu s-Santu".[25] Din il-komplimentarjetà leġittima, jekk wieħed ma jħarraxhiex mhux se tolqot l-identità tal-fidi fir-realtà tal-misteru li nistqarru lkoll l-istess.

III. It-Trinità Qaddisa fid-duttrina tal-fidi

Il-formazzjoni tad-domma tat-Trinità

249 Il-verità rivelata tat-Trinità Qaddisa kienet sa mill-
683 bidu fl-għerq tal-fidi ħajja tal-Knisja, l-aktar permezz tal-
189 Magħmudija. Hi mtennija fir-regola tal-fidi batteżimali u fformulata fil-predikazzjoni, il-katekeżi u t-talb tal-Knisja. Xi formulazzjonijiet ta' dan il-Misteru ġa nsibuhom fil-kitbiet ta' żmien l-Appostli, bħalma hi din it-tislima, li ttieħdet imbagħad mil-Liturġija ewkaristika: "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll" (*2 Kor* 13,13; ara *1 Kor* 12,4-6; *Ef* 4, 4-6).

250 Tul l-ewwel sekli, il-Knisja fittxet tifformula
l-fidi fit-Trinità b'mod li jinftiehem aħjar, kemm biex tifhem
94 aktar fil-fond il-fidi tagħha u kemm biex tħarisha kontra

[22] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 2.
[23] Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Griegi* (1439): DS 1302.
[24] Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Ġakobiti* (1442): DS 1331.
[25] Konċilju ta' Lyons II, *Kostituzzjoni dwar it-Trinità u l-fidi Kattolika* (1274): DS 850.

fehmiet qarrieqa li kienu jgħawġuha. Din kienet il-ħidma tal-Konċilji tal-ewwel żminijiet, megħjuna mill-ħidma teoloġika ta' Missirijiet il-Knisja, u mwettqa mis-sens tal-fidi tal-poplu Nisrani.

251 Biex tifformula d-domma tat-Trinità, il-Knisja kellha tiżviluppa terminoloġija propja bl-għajnuna ta' nozzjonijiet meħudin mill-filosofija: "sustanza", "persuna" jew "ipostasi", "relazzjoni", u l-bqija. Meta għamlet dan, il-Knisja ma kenitx qiegħda tissottometti l-fidi għall-għerf tal-bniedem, imma tat tifsir ġdid li ma kellhomx qabel lil dawn in-nozzjonijiet, li ġew issa msejħa biex ifissru misteru bla tarf, "ħafna 'l fuq minn dak kollu li nistgħu 170 naħsbu bħala bnedmin".[26]

252 Il-Knisja tuża l-kelma "sustanza" (u xi kultant flokha tuża l-kelma "essenza" jew il-kelma "natura") biex tfisser l-esseri ta' (Dak li hu) Alla wieħed, tuża l-kelma "persuna" jew "ipostasi" biex tfisser il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu fl-għażla tassew tagħhom minn xulxin, u tuża l-kelma "relazzjoni" biex tfisser li d-distinzjoni jew l-għażla bejniethom tiġi mill-mod kif huma għal xulxin.

Id-domma tat-Trinità Qaddisa

253 *It-Trinità hi waħda.* Ma nistqarrux tliet allat, imma Alla wieħed fi Tliet Persuni: "It-Trinità Konsustanzjali".[27] Il- 2789
Persuni divini ma jaqsmux bejniethom in-natura waħda ta' Alla, imma kull waħda mill-Persuni hi Alla kollu kemm hu: "Il-Missier hu dak l-istess li hu l-Iben, l-Iben dak l-istess li hu 590
l-Missier, il-Missier u l-Iben dak l-istess li hu l-Ispirtu s-Santu, jiġifieri Alla wieħed fin-natura tiegħu".[28] "Kull waħda mit-Tliet

[26] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 2.
[27] Konċilju ta' Kostantinopli II, *Kundanni tat-Tliet Kapitli* (553), 1: DS 421.
[28] Konċilju ta' Toledo XI, *Kredu* (675): DS 530.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 128-129 5/16/2014 11:13:34 AM

Persuni hi din ir-realtà, jiġifieri huma sustanza, essenza jew natura waħda divina".[29]

254 *Il-Persuni divini huma tassew magħżulin minn xulxin.* "Alla hu wieħed, iżda mhux waħdu, solitarju".[30] "Il-Missier", "l-Iben", "l-Ispirtu s-Santu" mhumiex biss ismijiet li jfissru
468; 689 suriet jew modalitajiet tal-esseri ta' Alla, għaliex huma tassew magħżulin minn xulxin: "Dak li hu l-Iben mhux il-Missier u dak li hu l-Missier mhux l-Iben, u dak li hu l-Ispirtu s-Santu mhuwiex dak li hu l-Missier jew l-Iben".[31] Huma magħżulin minn xulxin mill-mod tal-bidu tagħhom: "Hu l-Missier li jnissel, hu l-Iben li jitnissel, u hu l-Ispirtu s-Santu li jiġi".[32] *Alla wieħed hu Trinità.*

255 *Il-Persuni divini huma relattivi għal xulxin.* L-għażla tassew tat-Tliet Persuni minn xulxin ma taqsamx lil Alla wieħed fi tlieta, għaliex l-għażla tat-Tliet Persuni bejniethom
240 tiġi biss mir-relazzjonijiet tat-Tliet Persuni ma' xulxin: "Fl-ismijiet relattivi tat-Tliet Persuni, il-Missier jissejjaħ hekk b'relazzjoni mal-Iben u l-Iben b'relazzjoni mal-Missier, u l-Ispirtu s-Santu b'relazzjoni mat-tnejn; meta nitkellmu dwar dawn ir-relazzjonijiet ngħidu li l-Persuni huma Tlieta, imma nemmnu li huma natura jew sustanza waħda".[33] "Kollox hu wieħed (fihom) fejn ma hemmx relazzjoni kontra oħra".[34] "Għax kollox hu wieħed fihom, il-Missier hu kollu fl-Iben, kollu fl-Ispirtu s-Santu; l-Iben hu kollu fil-Missier, kollu fl-

[29] Konċilju Lateran IV, Kap 2, *Dwar l-iżball tal-Abbati Ġwakkin de Fiore* (1215): DS 804.
[30] *Il-Kredu ta' San Damasu*: DS 71.
[31] Konċilju ta' Toledo XI, *Kredu* (675): DS 530.
[32] Konċilju Lateran IV, Kap 2, *Dwar l-iżball tal-Abbati Ġwakkin de Fiore* (1215): DS 804.
[33] Konċilju ta' Toledo XI, *Kredu* (675): DS 528.
[34] Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Ġakobiti* (1442): DS 1330.

Ispirtu s-Santu; l-Ispirtu s-Santu hu kollu fil-Missier, kollu fl-Iben".[35]

256 Lill-katekumeni ta' Kostantinopli San Girgor Nazjanzenu, imsejjaħ ukoll "it-Teologu", fdalhom din l-istqarrija fil-qosor tal-fidi fit-Trinità: 236; 684

> Qabel kollox ħarsuli dan il-ġid li qed nafdalkom, li għalih qed ngħix 84
> u nitqabad, li bih nixtieq immut, li jagħtini niflaħ id-deni kollu u nistmerr kull pjaċir: jiġifieri l-istqarrija tal-fidi fil-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Illum qed nafdahulkom. Hu b'din l-istqarrija li jien dalwaqt se nniżżilkom fl-ilma u nerfagħkom minnu. Nagħtihielkom b'sieħba u patruna li tħariskom tul ħajjitkom kollha. Nagħtikom Alla wieħed, Setgħa waħda, Alla wieħed fi Tliet Persuni, Tlieta magħżulin minn xulxin, Divinità mingħajr naturi jew sustanzi mhux indaqs, mingħajr xi żieda li tkabbar jew nuqqas li jċekken ... Hi l-unità infinita ta' Tliet infiniti: Kull persuna hi kollha kemm hi Alla ... It-tliet persuni flimkien huma Alla. Ma nkunx għadni bdejt naħseb fuq it-Trinità meta nsib ruħi maħtuf mill-Misteru ta' Alla wieħed.[36]

IV. L-opri ta' Alla u l-missjonijiet trinitarji

257 "Alla wieħed tliet Persuni; dawl qaddis li jdawwal kollox!"[37] Alla hu l-hena ta' dejjem, ħajja li tibqa' għal dejjem, dawl li ma jintemm qatt. Alla hu mħabba: Missier, 221
Iben u Spirtu s-Santu. Alla minn rajh, b'mod ħieles, irid jagħti s-sebħ tal-ħajja hienja tiegħu. Dan huwa il-pjan kollu 758
mħabba (ara *Ef* 1,9), li Alla ħejja qabel il-ħolqien tad-dinja b'Ibnu l-Maħbub, "iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (*Ef* 1,5), nieħdu "is-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu" (*Rum* 8,29) permezz tal-Ispirtu

[35] *Ibid.*: DS 1331.
[36] San Girgor Nazjanzenu, *Diskors* 40,41: PG 36, 417.
[37] *Liturġija tas-Sigħat,* Innu tat-II Għasar tal-Ħdud tat-II u r-IV ġimgħa (*O lux beata Trinitas*).

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 130-131 5/16/2014 11:13:34 AM

li jagħmel minna "ulied adottivi" (*Rum* 8,15). Dan il-pjan huwa "grazzja [li] tahielna qabel iż-żmien tal-eternità" (*2 Tim* 1,9-10), ġejja direttament mill-imħabba tat-Trinità. Turi ruħha fl-opra tal-ħolqien, fil-ġrajja kollha tas-salvazzjoni
292 wara l-waqgħa, fil-missjoni tal-Iben u fil-missjoni tal-Ispirtu,
850 u tkompli fil-missjoni tal-Knisja.[38]

258 L-Ekonomija kollha ta' Alla hi opra tat-Tliet Persuni flimkien. Għax fit-Trinità m'hemmx ħlief natura waħda: it-Trinità m'għandhiex ħlief l-istess ħidma waħda.[39] "Il-Missier,
686 l-Iben u l-Ispirtu s-Santu mhumiex tliet prinċipji tal-ħolqien, imma prinċipju jew bidu wieħed".[40] Iżda kull Persuna divina twettaq il-ħidma tagħhom ilkoll skont dak li hi personalment. Għalhekk il-Knisja tistqarr, mat-Testment il-Ġdid (ara *1 Kor* 8,6), "Alla hu Missier li minnu ġej kollox, Mulej Ġesù li permezz tiegħu sar kollox, u Spirtu s-Santu li fih hemm kollox".[41] Huma l-missjoni divina tal-Inkarnazzjoni tal-Iben, u l-missjoni divina tad-don tal-Ispirtu s-Santu li juru dak li huma l-Persuni divini.

259 L-Ekonomija kollha ta' Alla, ħidma fl-istess ħin
236 komuni u personali tal-Persuni divini, turina kemm dak li hu ta' kull Persuna divina u kemm dak li hu tan-natura waħda tagħhom. Il-ħajja Nisranija kollha wkoll hi xirka ma' kull waħda mill-Persuni divini, mingħajr ma tifridhom b'ebda mod minn xulxin. Kull min jagħti glorja lill-Missier, jagħtiha bl-Iben u fl-Ispirtu s-Santu; min jimxi wara Kristu, jagħmel dan għax jiġbdu l-Missier (ara *Ġw* 6,44) u jmexxih l-Ispirtu (ara *Rum* 8,14).

[38] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 2-9.

[39] Ara Konċilju ta' Kostantinopli II, *Kundanni tat-Tliet Kapitli* (553), 1: DS 421.

[40] Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Ġakobiti* (1442): DS 1331.

[41] Konċilju ta' Kostantinopli II, *Kundanni tat-Tliet Kapitli* (553): DS 421.

260 L-għan aħħari tal-Ekonomija kollha ta' Alla hu d-dħul tal-ħlejjaq kollha fl-għaqda perfetta tat-Trinità Qaddisa 1050; 1721
(ara *Ġw* 17, 21-23). Minn issa aħna msejħa biex it-Trinità Qaddisa tgħammar fina: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares 1997
kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu" (*Ġw* 14,23):

> O Alla tiegħi, Trinità li nqim, għinni ninsa għal kollox lili nnifsi biex ngħammar fik, fis-sod u fis-sliem qisha ruħi ġa qiegħda fl-eternità; jalla xejn ma jkun jista' jtellifli s-sliem jew iġegħelni nitbiegħed minnek, o Alla tiegħi li fik ma hemmx tibdil, iżda kull minuta teħodni aktar 'il ġewwa fil-fond tal-Misteru tiegħek! Agħti s-sliem lil ruħi. Agħmilha l-ġenna tiegħek, l-għamara għażiża tiegħek u l-post tal-mistrieħ tiegħek. Jalla ma nħallik qatt waħdek, imma nkun hemm jien, kollni kemm jien, dejjem nishar fil-fidi tiegħi, dejjem inqimek, 2565
> dejjem mogħtija għall-ħidma ħallieqa tiegħek.[42]

Fil-qosor

261 *Il-misteru tat-Trinità Qaddisa hu l-misteru ewlieni tal-fidi u l-ħajja Nisranija. Alla biss jista' jgħarrafna dan il-misteru huwa u juri lilu nnifsu bħala Missier, Iben u Spirtu s-Santu.*

262 *L-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla tirrivela li Alla hu l-Missier ta' dejjem u minn dejjem, u li l-Iben hu l-istess natura tal-Missier, jiġifieri li hu fih u miegħu l-istess Alla wieħed.*

263 *Il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu, mibgħut mill-Missier f'isem l-Iben* (ara *Ġw* 14,26) *u mill-Iben "mingħand il-Missier"* (*Ġw* 15,26), *jirrivela li hu magħhom l-istess*

[42] Talba tal-Beata Eliżabetta tat-Trinità.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 132-133 5/16/2014 11:13:34 AM

Alla wieħed. "Hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben".[43]

264 *"L-Ispirtu s-Santu ġej mill-Missier għax hu l-ewwel bidu, u ġej mill-Missier u mill-Iben f'xirka flimkien, minħabba d-don minn dejjem ta' dejjem tal-Missier lill-Iben".*[44]

265 *Bil-grazzja tal-Magħmudija "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu", aħna msejħin biex nissieħbu fil-ħajja tat-Trinità Qaddisa, hawn fid-dinja fid-dalma tal-fidi, u wara l-mewt, fid-dawl ta' dejjem.*[45]

266 "*Din hi l-fidi Kattolika li nqimu Alla wieħed fi Tliet Persuni. Tliet Persuni f'Alla wieħed, mingħajr ma nħawdu ma' xulxin il-Persuni u lanqas naqsmu n-natura divina: waħda hi l-Persuna tal-Missier, waħda dik tal-Iben, u waħda dik tal-Ispirtu s-Santu, iżda l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma Alla wieħed, indaqs fil-glorja u setgħa waħda għal dejjem ta' dejjem".*[46]

267 *It-Tliet Persuni mhumiex magħżulin minn xulxin f'dak li huma, u lanqas f'dak li jagħmlu. Iżda fil-ħidma waħda ta' Alla, kull Persuna turi dak li hu propju tagħha fit-Trinità, l-aktar fil-missjoni divina tal-Inkarnazzjoni tal-Iben u fil-missjoni divina tad-don tal-Ispirtu s-Santu.*

[43] *Kredu ta' Niċea u Kostantinopli*: DS 150.
[44] Santu Wistin, *Dwar it-Trinità*, 15, 26, 47: PL 42, 1095.
[45] Ara Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 9.
[46] *Is-Simbolu "Quicumque"*: DS 75.

It-tielet paragrafu

ALLA LI JISTA' KOLLOX

268 Mill-attributi kollha ta' Alla, fil-Kredu tissemma biss is-setgħa bla tarf ta' Alla: din l-istqarrija hi ta' importanza kbira għal ħajjitna. Nemmnu li din is-setgħa ta' Alla hi *universali,* għax Alla ħalaq kollox (ara *Ġen* 1,1; *Ġw* 1,3), imexxi kollox u jista' kollox; hi setgħa *kollha mħabba,* għax Alla Missierna (ara *Mt* 6,9); hi setgħa misterjuża għax il-fidi biss tista' tagħrafha meta "tidher fejn hemm id-dgħajjef" (*2 Kor* 12,9; ara *1 Kor* 1,18). 222

"Hu jagħmel kulma jogħġbu" (Salm 115,3)

269 L-Iskrittura Mqaddsa ta' spiss tistqarr is-setgħa *universali* ta' Alla. Jissejjaħ "il-Qawwi ta' Ġakobb" (*Ġen* 49,24; *Is* 1,24; u l-bqija), "il-Mulej tal-eżerċti", "il-Mulej Setgħan u Qawwi" *(Salm 24, 8-10).* Jekk Alla jista' kollox "fis-smewwiet u fuq l-art" (*Salm* 135,6) dan għaliex hu ħalaqhom. Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir (ara *Ġer* 32,17; *Lq* 1,37) u b'għemilu jagħmel kulma jogħġbu (ara *Ġer* 27,5); hu sid l-univers kollu u tah ordni li jiddependi għal kollox minnu u joqgħod għar-rieda tiegħu; hu l-Imgħallem tal-istorja: imexxi l-qlub u l-ġrajjiet kif jogħġob lilu (ara *Est* 4,17b; *Prov* 21, 1; *Tob* 13,2): "Int dejjem għandek setgħa kbira, u min jista' jeħodha kontra s-setgħa ta' driegħek?" (*Għerf* 11,21). 303

"Int tħenn għal kulħadd għax tista' kollox" (Għerf 11, 23)

270 Alla hu l-*Missier* li jista' kollox. Il-paternità u s-setgħa tiegħu idawlu 'l xulxin. Hu juri s-setgħa kollha tiegħu ta' Missier bil-mod kif jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tagħna *(ara Mt* 2777

6,32); bl-adozzjoni ta' wlied li jagħtina ("Inkun għalikom Missier, u intom tkunu għalija wlied, subien u bniet, jgħid il-Mulej, li jista' kollox": *2 Kor* 6,18); u fl-aħħar nett bil-ħniena bla qies tiegħu, għax hu juri s-setgħa tiegħu fil-qofol tagħha
1441 meta minn rajh jaħfer id-dnubiet.

271 Is-setgħa ta' Alla li jista' kollox bl-ebda mod ma hi arbitrarja: "F'Alla, is-setgħa u l-essenza, ir-rieda u l-intelliġenza, l-għerf u l-ġustizzja, huma kollha l-istess, hekk li xejn ma' jista' jkun hemm fis-setgħa tiegħu li ma jistax ikun fir-rieda ġusta tiegħu jew fl-għerf tal-intelliġenza tiegħu".[47]

Il-misteru li xi kultant Alla jidher li ma jista' jagħmel xejn

272 Il-fidi f'Alla l-Missier, li jista' kollox, tista' tgħaddi minn
309 prova minħabba t-tiġrib tad-deni u tat-tbatija. Xi kultant Alla
412 jidher assenti u ma jista' jagħmel xejn biex iwaqqaf id-deni. Issa, Alla l-Missier irrivela s-setgħa tiegħu bla qies b'mod
609 l-aktar *misterjuż* meta Ibnu minn rajh ċekken u xejjen lilu nnifsu u mbagħad qam mill-imwiet, u hekk rebaħ kull deni. B'dan il-mod Kristu msallab hu "il-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla. Għax il-bluha ta' Alla hija għarfa aktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta' Alla hija aqwa mill-bnedmin" (*1 Kor* 1,24-
648 25). Hu fil-qawmien mill-imwiet u fil-glorifikazzjoni ta' Kristu li l-Missier wera "l-qawwa kbira tiegħu" u għarraf "x'inhu l-kobor bla qies tas-setgħa tiegħu fina li emminna" (*Ef* 1,19-22).

273 Bil-fidi biss nistgħu nagħrfu t-triqat misterjużi tas-setgħa bla qies ta' Alla. Din il-fidi tifraħ bid-dgħufija tagħha

[47] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* I, 25, 5, 1.

biex tiġbed fuqha s-setgħa ta' Kristu (ara *2 Kor* 12,9; *Fil* 4,13). Il-Verġni Marija hi l-ogħla eżempju ta' din il-fidi; hi li 148
emmnet li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir" (*Lq* 1,37) u li faħħret lill-Mulej: "Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: qaddis hu l-isem tiegħu" (*Lq* 1,49).

274 "Ma hemm ebda ħaġa li tiswa biex twettaq il-fidi u t-tama tagħna, milli nżommu sewwa fil-fehma tagħna li 1814; 1817
ma hemm xejn li ma jistax isir minn Alla; imbagħad kulma jeħtiġilna nemmnu, għalkemm kbir u tal-għaġeb, u 'l fuq mill-ordni tan-natura, ir-raġuni tagħna l-bnedmin malajr taċċettah, wara li tkun għarfet 'l Alla li jista' kollox".[48]

Fil-qosor

275 *Ma' Ġob, il-bniedem ġust, nistqarru: "Jien naf li inti tista' kollox, u ebda ħsieb minn tiegħek ma jfixkluh"* (*Ġob* 42,2).

276 *Il-Knisja, b'fedeltà sħiħa lejn l-Iskrittura, spiss titlob 'l "Alla ta' dejjem li jista' kollox" ("Omnipotens sempiterne Deus ... ") u temmen bil-qawwa kollha li "għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir"* (*Ġen* 18,14; *Lq* 1,37; *Mt* 19,26).

277 *Alla juri s-setgħa kollha tiegħu huwa u jreġġagħna lura minn dnubietna u bil-grazzja tiegħu jerġa' jħabbibna miegħu ("O Alla, int tagħtina l-aqwa xhieda tas-setgħa tiegħek bla tarf billi taħfrilna u tħenn għalina ...").*[49]

[48] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 2, 13.

[49] "Deus, qui omnipotentiam Tuam parcendo maxime et miserando manifestas", (*Missal Ruman*, kolletta tas-26 Ħadd tas-Sena).

278 *Jekk ma nemmnux li l-imħabba ta' Alla tista' kollox, kif nistgħu nemmnu li l-Missier seta' jaħlaqna, l-Iben jifdina, u l-Ispirtu s-Santu jqaddisna?*

Ir-raba' paragrafu

IL-ĦALLIEQ

279 "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" (*Ġen* 1,1). L-Iskrittura tibda b'dan il-kliem tassew solenni. L-istqarrija tal-fidi tieħu dan il-kliem biex tipprofessa li Alla li jista' kollox, hu dak "li ħalaq is-sema u l-art", "dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx". Nitkellmu l-ewwel fuq il-ħallieq, imbagħad fuq il-ħolqien u fl-aħħar fuq il-waqgħa fid-dnub li biex minnu jsalvana, ġie Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla.

288 280 Il-ħolqien hu l-pedament tal-"pjan kollu ta' Alla għas-salvazzjoni", "il-bidu tal-ġrajja tas-salvazzjoni",[50] li tilħaq il-qofol tagħha fi Kristu. Min-naħa l-oħra, il-Misteru ta' Kristu jdawwal b'mod tassew ċar il-misteru tal-ħolqien: juri għaliex "fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" (*Ġen* 1,1): mill-bidu Alla
1043 kellu fi ħsiebu s-sebħ ta' ħolqien ġdid fi Kristu (ara *Rum* 8,18-23).

1095 281 Hu għalhekk li l-qari tal-Vġili tal-Għid, li tiċċelebra l-ħolqien ġdid fi Kristu, jibda bit-tħabbira tal-ħolqien; hekk ukoll, fil-Liturġija Biżantina t-tħabbira tal-ħolqien hi dejjem l-ewwel lezzjoni tal-Vġejjel tal-festi kbar tal-Mulej. Skont ix-xhieda tal-antiki, it-tħejjija tal-katekumeni għall-Magħmudija kienet tibda wkoll bil-ġrajja tal-ħolqien.[51]

[50] Kongregazzjoni għall-Kleru, *Direttorju Ġenerali tal-Katekeżi* (1997), 51.

[51] Ara Eteria, *Pellegrinaġġ fil-postijiet il-qaddisa,* 46: PLS 1, 1047; Santu Wistin, *Kif tgħallem il-Katekiżmu lil min għadu jibda,* 3,5: PL 40, 256.

I. Il-katekeżi dwar il-ħolqien

282 Il-katekeżi dwar il-ħolqien għandha importanza mill-ikbar. Hi dwar is-sisien stess tal-ħajja tal-bniedem u tal-ħajja Nisranija, għax turi ċar x'inhi t-tweġiba tal-fidi Nisranija għall-mistoqsija li l-bnedmin ta' kull żmien jagħmlu lilhom infushom: "Aħna mnejn ġejjin?" "Fejn sejrin?" "X'inhu l-bidu tagħna?" "X'inhu t-tmiem tagħna?" "Minn fejn ġej u fejn sejjer kulma hawn?" Iż-żewġ problemi, il-problema tal-bidu u dik tat-tmiem ma jinfirdux minn xulxin. Huma deċiżjonijiet li jiddeterminaw is-sens kollu u d-direzzjoni ta' ħajjitna u ta' 1730 għemilna.

283 Il-problema tal-bidu tad-dinja u tal-bniedem kien is-suġġett ta' ħafna riċerki xjentifiċi li għanu b'mod tassew tal-għaġeb it-tagħrif tagħna 159 dwar iż-żmien u l-kobor tal-univers, dwar kif żviluppat il-ħajja, dwar id-dehra tal-bniedem fid-dinja. Dawn l-iskoperti jistednuna biex dejjem aktar nistagħġbu bil-kobor tal-Ħallieq, inroddulu ħajr għall-għemil kollu tiegħu, u 341 għall-intelliġenza u l-għerf li ta lill-għorrief u lil dawk dedikati għar-riċerka. Ma' Salamun dawn jistgħu jgħidu: "Hu li tani tagħrif bla qerq ta' kulma hawn, li nagħraf kif inhi d-dinja u l-qawwa tal-elementi tagħha; ... għax għallimhomli l-għerf, li għamel kollox" (*Għerf* 7, 17-21).

284 L-interess kbir f'din ir-riċerka hu mkebbes sewwa minn problema oħra, li hi 'l fuq mill-qasam propju tax-xjenzi naturali. Il-problema hi mhux biss li nkunu nafu meta u kif materjalment beda l-univers, lanqas meta deher il-bniedem fid-dinja, imma l-problema hi li nkunu nafu xi jfisser dan il-bidu: jekk sarx kumbinazzjoni, jekk kienx xi pjan bla ebda ħsieb, jew xi ħaġa li bilfors kellha ssir minn rajha, jew sarx minn Esseri traxxendenti 'l fuq minn kollox, intelliġenti u kollu tjieba, li jissejjaħ Alla. U jekk id-dinja hi għemil l-għerf u t-tjieba ta' Alla, għaliex hawn il-ħażen u d-deni? Dan minn fejn ġej? Min hu responsabbli għalih? Hemm xi ħelsien minnu?

285 Sa mill-bidu l-fidi Nisranija ħabbtet wiċċha ma' tweġib li ma jaqbilx mat-tweġib tagħha għall-problema tal-bidu ta' kollox. Hekk insibu fir-reliġjonijiet u l-kulturi tal-imgħoddi mbiegħed, ħafna miti dwar dan il-bidu. Xi filosofi qalu li kollox hu Alla, li d-dinja hi Alla, jew li l-iżvilupp u l-kobor tad-dinja hu l-iżvilupp u l-kobor ta' Alla (pantejiżmu); oħrajn qalu li d-dinja ħarġet bilfors minn Alla, faret minn din in-nixxiegħa li hu Alla, u terġa' lura lejha; 295 oħrajn imbagħad waslu biex jgħidu li hemm żewġ prinċipji eterni, it-Tajjeb

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 138-139 5/16/2014 11:13:34 AM

u l-Ħażin, id-Dawl u d-Dlam, fi ġlieda dejjem sejra bejniethom (dualiżmu, manikejiżmu); skont xi wħud minn dawn il-fehmiet, id-dinja (almenu d-dinja materjali) hi ħażina, frott ta' waqgħa, u għalhekk trid titwarrab jew wieħed irid jintrefa' 'l fuq minnha (gnosis); oħrajn jgħidu li d-dinja ħalaqha Alla, imma bħala arluġġar, li wara li jagħmel arloġġ jitilqu waħdu għal kollox bla ma jimpurtah xejn iżjed minnu (deiżmu); oħrajn fl-aħħar nett ma jammettux bidu traxxendenti tad-dinja, imma jgħidu li hi żvilupp biss ta' materja li kienet minn dejjem (materjaliżmu). Dawn it-tentattivi kollha huma xhieda kemm il-problema tal-bidu tad-dinja hi mxerrda ma' kullimkien. Huwa stħarriġ propju tal-bniedem.

286 Bl-intelliġenza tiegħu l-bniedem jista' jsib tweġiba għall-problema tal-bidu tad-dinja. L-eżistenza ta' Alla l-ħallieq tista' tingħaraf żgur mill-għemil tiegħu bid-dawl tar-raġuni tal-bniedem,[52] ukoll jekk dan l-għarfien hu spiss imdallam u mgħawweġ mill-iżball. Hu għalhekk li l-fidi twettaq u ddawwal ir-raġuni biex tifhem sewwa din il-verità: "Permezz tal-fidi aħna nemmnu li d-dinja nħolqot bil-Kelma ta' Alla, hekk li minn dak li ma jidhirx sar dak li jidher" (*Lh* 11,3).

287 Il-verità tal-ħolqien hi tant importanti għall-ħajja tal-bniedem li Alla, fit-tjieba tiegħu, ried jirrivela lill-poplu tiegħu dak li jkun ta' ġid li jagħraf dwar din il-verità. Barra mit-tagħrif naturali li l-bniedem jista' jkollu tal-Ħallieq (ara *Atti* 17, 24-29; *Rum* 1,19-20), Alla ftit ftit irrivela lil Iżrael il-misteru tal-ħolqien. Alla li għażel il-patrijarki, li ħareġ lil Iżrael mill-Eġittu, li ħalqu u sawru wara li għażlu (ara *Is* 43,1), irrivela lilu nnifsu bħala dak li tiegħu huma l-popli kollha tal-art, id-dinja kollha, bħala dak "li għamel is-sema u l-art" (*Salm* 115,15; 124,8; 134,3).

288 B'dan il-mod ir-rivelazzjoni tal-ħolqien ma tistax tinfired mir-rivelazzjoni u mit-twettiq tal-Patt bejn Alla Wieħed

[52] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 2, 1: DS 3026.

u l-Poplu tiegħu. Il-ħolqien jintwera bħala l-ewwel pass lejn dan il-Patt, bħala l-ewwel xhieda universali tal-imħabba ta' Alla li jista' kollox (ara *Ġen* 15,5; *Ġer* 33, 19-26). B'hekk, il-verità tal-ħolqien titfisser b'qawwa dejjem akbar fit-tħabbir tal-profeti (ara *Is* 44,24), fit-talb tas-Salmi (ara *Salm* 104) u fil-Liturġija, u fil-ħsieb dwar l-għerf (ara *Prov* 8,22-31) tal-Poplu magħżul ta' Alla.

289 Fost il-kliem kollu tal-Iskrittura Mqaddsa fuq il-ħolqien, l-ewwel tliet kapitli tal-Ġenesi għandhom post għalihom. Fl-aspett letterarju tagħhom dawn il-kapitli setgħu ġew minn għejun diversi. Il-kittieba ispirati qegħduhom fil-bidu tal-Iskrittura biex, bil-kliem solenni tagħhom, ifissru l-veritajiet tal-ħolqien, il-bidu u t-tmiem tiegħu f'Alla, l-ordni u t-tjieba tiegħu, il-vokazzjoni tal-bniedem, u fl-aħħar nett id-dramm tad-dnub u t-tama tas-salvazzjoni. Meta jinqraw fid-dawl ta' Kristu, b'rabta sħiħa mal-Iskrittura kollha u mat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja, dan il-kliem jibqa' l-għajn ewlenija għall-katekeżi dwar il-misteri tal-"bidu": ħolqien, waqgħa, wegħda ta' salvazzjoni.

II. Il-ħolqien: għemil tat-Trinità Qaddisa

290 "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art" (*Ġen* 1,1): b'dawn l-ewwel kelmiet tal-Iskrittura jingħadu tliet affarijiet: Alla ta' dejjem ta bidu lil dak kollu li hu barra minnu, hu biss il-Ħallieq (il-verb "toħloq", bil-Lhudi *bara*, għandu dejjem Alla bħala suġġett). Kulma jeżisti (imfisser bil-kliem "is-sema u l-art") jiddependi minn min tah l-eżistenza.

291 "Fil-bidu kien il-Verb ... u l-Verb kien Alla ... Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru" (*Ġw* 1,1-3). It-Testment il-Ġdid jurina li Alla ħalaq kollox bil-Verb etern tiegħu, b'Ibnu

l-għażiż. “Fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art ... Kollox
331 bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm” (*Kol* 1,16-17). Il-fidi tal-Knisja tistqarr ukoll il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-ħolqien: hu “l-Ispirtu li jagħti
703 l-ħajja”,[53] “Spirtu ħallieq”,[54] “Għajn ta’ kull ġid”.[55]

292 Mogħti ħjiel tagħha fit-Testment il-Qadim (ara *Salm* 33,6; 104,30; *Ġen* 1,2-3) u rrivelata fil-Patt il-Ġdid, il-ħidma tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu fil-ħolqien, ħidma li bl-ebda mod ma tinfired minn dik tal-Missier, hi mtennija b’mod l-aktar ċar fir-regola tal-fidi tal-Knisja: “M’hemmx ħlief Alla wieħed ... hu l-Missier Alla li għamel u ħalaq kollox, u ordna kollox. Għamel kollox *bih innifsu,* jiġifieri bil-Verb u l-Għerf tiegħu”,[56] “bl-Iben u l-Ispirtu” li qishom kienu “idejh”.[57] Il-ħolqien hu
699; 257 għemil flimkien tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa.

III. “Id-dinja nħalqet għall-glorja ta’ Alla”

293 Hi verità fundamentali li l-Iskrittura u t-Tradizzjoni ma jieqfu qatt jgħallmu u jiċċelebraw: “Id-dinja nħalqet
337; 344 għall-glorja ta’ Alla”.[58] Alla ħalaq kollox, ifissrilna San Bonaventura, “mhux biex ikattar il-glorja tiegħu, imma biex juri l-glorja tiegħu u biex jagħtiha”.[59] Alla ma għandux raġuni biex joħloq ħlief l-imħabba u t-tjieba tiegħu: “il-ħlejjaq

[53] *Kredu ta’ Niċea u Kostantinopli*: DS 150.
[54] *Liturġija tas-sigħat,* Innu “Veni Creator Spiritus”.
[55] Liturġija Biżantina, Troparju tal-Għasar ta’ Għid il-Ħamsin.
[56] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji,* 2, 30, 9: PG 7, 822.
[57] *Ibid*., 4, 20, 1: PG 7, 1032.
[58] Konċilju Vatikan I; Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 5: DS 3025.
[59] “Non propter gloriam augendam, sed propter gloriam manifestandam et propter gloriam communicandam.” San Bonaventura, *Dwar il-Kotba tas-Sentenzi,* II, 1, 2, 2, 1.

ħarġu meta fetaħ idu bil-muftieħ tal-imħabba”.[60] U l-Konċilju 1361
Vatikan I ifisser dan:

> Alla wieħed u veru, fit-tjieba tiegħu u bil-qawwa tas-setgħa bla 759
> qies tiegħu, mhux biex ikattar l-hena tiegħu, mhux biex jikseb imma biex juri l-perfezzjoni tiegħu permezz tal-ġid li jagħti lill-ħlejjaq tiegħu, bi pjan mill-aktar ħieles, sa mill-bidu taż-żmien ħalaq mix-xejn, kemm ħlejjaq spiritwali u kemm ħlejjaq korporali.[61]

294 Hi l-glorja ta’ Alla li sseħħ b’din il-manifestazzjoni u 2809
din il-komunikazzjoni tat-tjieba tiegħu: għalhekk inħalqet id-dinja. Li nkunu għalih “ulied adottivi permezz ta’ Ġesù Kristu; hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu, *għat-tifħir tal-glorja* tal-grazzja tiegħu” (*Ef* 1,5-6). “Hu glorja ta’ Alla l-bniedem ħaj u hi l-viżjoni ta’ Alla l-ħajja tal-bniedem. Jekk ir-rivelazzjoni 1722
ta’ Alla permezz tal-ħolqien kienet biżżejjed biex tagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha tal-art, kemm aktar ir-rivelazzjoni tal-Missier permezz tal-Verb tagħti l-ħajja lil dawk li jaraw ’l Alla”.[62] L-għan aħħari tal-ħolqien hu “Alla, li ħalaq kollox biex ‘ikun kollox f’kollox’ ” (*1 Kor* 15, 28), u hekk fl-istess waqt jikseb il-glorja tiegħu u l-hena tagħna”.[63] 1992

IV. Il-misteru tal-ħolqien

Alla joħloq b’għerf u mħabba

295 Aħna nemmnu li Alla ħalaq id-dinja bil-għerf tiegħu (ara *Għerf* 9,9). Id-dinja ma saritx għax kellha ssir bilfors minnha nnifisha, jew għax hekk kien id-destin bla raġuni

[60] “Aperta manu clave amoris creaturae prodierunt”. San Tumas ta’ Aquino, *Dwar il-Kotba tas-Sentenzi,* II, Prologu.
[61] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 1: DS 3002.
[62] San Irinew, *Kontra l-ereżiji,* 4, 20, 7: PG 7, 1037.
[63] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 2.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 142-143 5/16/2014 11:13:34 AM

tagħha, jew għax saret b'kumbinazzjoni, bl-addoċċ u bla ħsieb. Aħna nemmnu li d-dinja saret bir-rieda ħielsa ta' 216; 1951 Alla li ried isieħeb il-ħlejjaq tiegħu fl-esseri, l-għerf u t-tjieba tiegħu: "Għax int ħlaqt il-ħlejjaq kollha, u huma kienu u nħolqu bir-rieda tiegħek" (*Apok* 4,11). "Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej! Kollha bil-għerf għamilthom" (*Salm* 104,24). "Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kulma għamel" (*Salm* 145,9).

Alla joħloq "mix-xejn"

296 Aħna nemmnu li Alla biex joħloq ma kienx jeħtieġ ebda ħaġa li kienet teżisti qabel u lanqas ebda għajnuna.[64] Il-ħolqien lanqas ma hu emanazzjoni li kellha bilfors toħroġ min-natura ta' Alla.[65] Alla joħloq "mix-xejn" b'mod 285 ħieles: [66]

> Kienet tkun xi ħaġa straordinarja kieku Alla ħareġ id-dinja minn materja li kienet ġa teżisti? Bniedem tas-sengħa, meta jingħatalu xi materjal jagħmel bih dak li jrid, waqt li s-setgħa ta' Alla tidher propju meta mix-xejn jagħmel dal li jrid.[67]

338 297 Il-fidi tal-ħolqien "mix-xejn" insibuha fl-Iskrittura bħala verità mimlija wegħdiet u tamiet. B'dan il-mod omm is-seba' aħwa ħeġġithom għall-martirju:

> "Jien ma nafx kif feġġejtu f'ġufi, ma kontx jien li tajtkom in-nifs u l-ħajja, lanqas ma kont jien li għaqqadtilkom il-bċejjeċ ta' ġisimkom.

[64] Ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 1: DS 3022.

[65] Ara *ibid*., kan. 1-4: DS 3023-3024.

[66] Konċilju Lateran IV, *Definizzjoni Kontra l-Albiġiżi u l-Katari* (1215): DS 800; Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), kan 5: DS 3025.

[67] San Teofilu ta' Antjokja, *Trattat lil Awtoliku,* 2,4: PG 6, 1052.

> Il-ħallieq tad-dinja, li sawwar in-nisel tal-bniedem u fassal il-bidu ta' kollox għad iroddilkom lura n-nifs u l-ħajja fil-ħniena tiegħu, bħalma issa ma intom tqisu xejn lilkom infuskom, minħabba l-liġijiet tiegħu ... Ibni, ħares lejn is-sema u l-art, u ara kulma fihom. Kun af li mix-xejn għamilhom Alla; hekk ukoll sar il-ġens tal-bniedem" *(2 Mak* 7,22-23.28).

298 Għax Alla seta' joħloq mix-xejn, jista', 1375 bl-Ispirtu s-Santu, jagħti l-ħajja tar-ruħ lill-midinbin huwa u joħloq fihom qalb safja (ara *Salm* 51,12), u l-ħajja tal-ġisem lill-mejtin bil-qawmien mill-imwiet, hu "li jagħti l-ħajja lill-mejtin, u li jsejjaħ fl-eżistenza lil dak 992 li ma jeżistix" (*Rum* 4,17). U jekk, bil-Kelma tiegħu, seta' jagħmel id-dawl jiddi fid-dlam (ara *Ġen* 1,3), jista' wkoll jagħti d-dawl tal-fidi lil dawk li ma għandhomx fidi (ara *2 Kor* 4,6).

Alla joħloq dinja tajba u b'ordni sħiħ

299 Għaliex Alla joħloq bl-għerf, il-ħolqien kollu hu mqassam tajjeb: "Int ordnajt kollox bil-qies, bl-għadd u bl- 339 użin" (*Għerf* 11,20). L-univers maħluq bil-Verb u għall-Verb ta' dejjem, "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (*Kol* 1,15) ġie ddestinat, fdat lill-bniedem, xbieha ta' Alla (ara *Ġen* 1,26), imsejjaħ biex ikollu relazzjoni personali ma' Alla. L-intelliġenza tagħna, li għandha sehem mid-dawl tal-Intellett divin, tista' tifhem dak li Alla jgħidilna permezz tal- 41; 1147 ħolqien tiegħu (ara *Salm* 19,2-5), imma mhux mingħajr sforz kbir ħafna u bi spirtu ta' umiltà u ta' rispett lejn il-Ħallieq u l-għemil tiegħu (ara *Ġob* 42,3). Il-ħolqien, li ġie mit-tjieba ta' Alla, għandu sehem f'din it-tjieba: "U ra Alla li kien tajjeb, ... tajjeb ħafna" (*Ġen* 1,4.10.12.18.21.31). Għax Alla ried li l-ħolqien ikun qisu don mogħti lill-bniedem, qisu 358 wirt iddestinat għalih u fdat lilu. Il-Knisja, kemm-il darba,

2415 kellha tiddefendi t-tjieba tal-ħolqien, tad-dinja materjali wkoll.[68]

Alla hu 'l fuq mill-ħolqien iżda hu preżenti fih

42 300 Alla hu wisq aktar kbir mill-għemejjel kollha tiegħu: 223 "Int qegħidt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet" (*Salm* 8,2); "bla tarf il-kobor tiegħu" (*Salm* 145,3). Iżda għax Alla hu ħallieq setgħan u ħieles, l-ewwel bidu ta' kulma jeżisti, hu preżenti ġewwa l-ħlejjaq kollha tiegħu: "aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna" (*Atti* 17,28). Skont kliem Santu Wistin, hu "aktar 'il ġewwa minn dak li hu l-iżjed ġewwieni ġo fija, u ogħla minn dak li hu l-ogħla fija".[69]

Alla jżomm sħiħ il-ħolqien

301 Wara l-ħolqien, Alla ma telaqx il-ħlejjaq b'rajhom f'idejhom. Ma jagħtihomx biss l-esseri u l-eżistenza, 1951 iżda jżommhom f'kull mument tal-eżistenza tagħhom, u jagħtihom ukoll li jaġixxu u jwassalhom għat-tmiem tagħhom. 396 L-għarfien ta' din id-dipendenza sħiħa tal-ħlejjaq mill-Ħallieq hu bidu ta' għerf u ta' ħelsien, ta' hena u ta' fiduċja:

> "Għax int tħobb il-ħlejjaq kollha, u xejn ma tistmell minn kulma għamilt; li kien hemm xi ħaġa li stajt tobgħodha, int ma kontx tagħmilha. Kif setgħet tibqa' xi ħaġa fid-dinja, kieku int ma ridthiex? Jew kif setgħet iżżomm, kieku int ma sejjaħtilhiex? Imma int, o Sid li tħobb kulma jgħix, lil kulħadd tagħder, għax kollox huwa tiegħek" (*Għerf* 11, 24-26).

[68] Ara San Ljun il-Kbir, Ittra *Quam laudabiliter* lill-Isqof Turibju ta' Astorga (447): DS 286; Konċilju ta' Braga I, *Kundanni, l-aktar kontra l-Prixxiljanisti* (561), 5-13: DS 455-463; Konċilju Lateran IV, *Definizzjoni kontra l-Albiġiżi u l-Katari* (1215): DS 800; Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Ġakobiti* (1442): DS 1333; Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 1: DS 3002.

[69] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet,* 3, 6, 11: PL 32, 688: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 64.

V. Alla jtemm il-pjan tiegħu: Il-Providenza ta' Alla

302 Il-ħolqien għandu t-tjieba u l-perfezzjoni propji tiegħu, iżda l-ħolqien ma ħarigx kollu mitmum għal kollox minn idejn Alla. Inħalaq "f'qagħda ta' mixi 'l quddiem" *(in statu viae)* lejn il-perfezzjoni tal-aħħar li għad trid isseħħ, perfezzjoni li għaliha Alla iddestina l-ħolqien kollu. Aħna nsejħu providenza ta' Alla d-dispożizzjonijiet kollha li bihom Alla jmexxi l-ħolqien lejn din il-perfezzjoni:

> Alla jħares u jmexxi bil-providenza tiegħu kulma ħalaq, billi "jinfirex minn tarf sa tarf tal-art bil-qawwa u jmexxi kollox bil-ħlewwa" (*Għerf* 8,1). Għaliex "xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla" (*Lh* 4,13), dak kollu wkoll li għad isir mill-għemil ħieles tal-ħlejjaq.[70]

303 Ix-xhieda tal-Iskrittura hi unanimi. Il-ħerqa tal-providenza ta' Alla hi *konkreta* u *immedjata;* Alla jieħu ħsieb kollox mill-iċken ħwejjeġ sal-ġrajjiet kbar tad-dinja u tal-istorja. Bil-qawwa kollha l-Kotba Mqaddsa jsemmu s-setgħa assoluta ta' Alla fuq il-ġrajjiet kollha: "Fis-smewwiet hu Alla tagħna; hu jagħmel kulma jogħġbu" (*Salm* 115,3); u għal 269 Kristu jingħad: "jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ" (*Apok* 3,7). "Wieħed jista' jfassal ħafna ħsibijiet, imma dak li jseħħ hu l-ħsieb tal-Mulej" (*Prov* 19, 21).

304 Hekk naraw l-Ispirtu s-Santu, l-awtur prinċipali tal-Iskrittura Mqaddsa, spiss jgħid li xi għemil hu għemil ta' Alla, mingħajr ma jgħid min hu l-kawża sekondarja tal-għemil. Dan mhuwiex "sura ta' diskors" primittiv, imma mod mill-aktar għoli li juri l-primat ta' Alla u s-setgħa assoluta tiegħu

[70] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 1: DS 3003.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 146-147 5/16/2014 11:13:35 AM

fuq l-istorja u d-dinja (ara *Is* 10,5-15; 45, 5-7; *Dewt* 32,39; *Sir* 11,14) u hekk
2568 irawwem il-fiduċja fih. It-talb tas-Salmi hu l-aqwa skola ta' din il-fiduċja (ara *Salm* 22; 32; 35; 103; 138; u l-bqija).

2115 305 Ġesù jitlob minna li nintelqu bħal tfal f'idejn il-providenza tal-Missier tas-sema, li jieħu ħsieb sal-iċken ħtiġijiet ta' wliedu: "Toqogħdux tinkwetaw ruħkom u tgħidu, 'X'se nieklu?' jew 'X'se nixorbu?' ... Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu teħtiġuh. Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll" (*Mt* 6,31-33; ara 10, 29-31).

Il-providenza u l-kawżi sekondarji

306 Alla hu l-Imgħallem setgħan tal-pjan tiegħu. Iżda
1884 biex dan il-pjan iseħħ jinqeda wkoll bis-sehem tal-ħlejjaq. Dan mhux sinjal ta' dgħufija, imma sinjal tal-kobor u tat-tjieba ta' Alla li jista' kollox. Għaliex Alla lill-ħlejjaq tiegħu ma jagħtihomx biss li jkunu, imma jagħtihom ukoll
1951 id-dinjità li jagħmlu għemil huma wkoll, li jkunu l-kawża u l-bidu ta' xulxin u hekk jagħtu sehemhom ħa jseħħ il-pjan ta' Alla.

106 307 Lill-bnedmin, Alla jagħtihom li jkunu jistgħu jkollhom
373 ukoll sehem ħieles fil-providenza tiegħu billi jafdalhom ir-responsabiltà li "jaħkmu" u jsaltnu fuq l-art (ara *Ġen* 1,26-
1954 28). Alla jagħti wkoll lill-bnedmin li jkunu kawżi intelliġenti
2427 u ħielsa biex itemmu l-opra tal-ħolqien, bi qbil sħiħ mal-ġid tagħhom u ma' dak tal-oħrajn. Il-bnedmin li spiss jagħtu sehemhom ħa sseħħ ir-rieda ta' Alla mingħajr ma jkunu jafu, jistgħu b'rieda sħiħa jissieħbu fil-pjan ta' Alla b'għemilhom,
2738 bit-talb tagħhom u bit-tbatijiet tagħhom ukoll (ara *Kol* 1,24). B'dan il-mod ikunu għal kollox "ħaddiema ma' Alla" (*1 Kor*
618; 1505 3,9; 1 *Tess* 3,2) u ħaddiema fis-Saltna tiegħu (ara *Kol* 4, 11).

308 Din hi l-verità li ma tistax tinfired mill-fidi f'Alla l-ħallieq. Alla jaħdem f'kulma jagħmlu l-ħlejjaq tiegħu. Hu l-kawża prinċipali li taħdem fil-kawżi sekondarji u bihom: "Alla hu li jaħdem fikom u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu" (*Fil* 2,13; ara *1 Kor* 12,6). Din il-verità mhux tnaqqas, imma tgħolli d-dinjità tal-ħlejjaq. Dawn, maħluqin mix-xejn bis-setgħa, l-għerf u t-tjieba ta' Alla, 970
ma jistgħu jagħmlu xejn jekk jinqatgħu mill-bidu tagħhom għax "il-ħlejjaq mingħajr il-ħallieq jiġu fix-xejn";[71] wisq inqas jistgħu jilħqu l-għan aħħari tagħhom mingħajr l-għajnuna tal-grazzja (ara *Mt* 19,26; *Ġw* 15,5; *Fil* 4,13).

Il-providenza u l-iskandlu tal-ħażen

309 Jekk Alla l-Missier li jista' kollox ħalaq dinja tajba u f'qagħda sewwa, jieħu ħsieb il-ħlejjaq kollha tiegħu, għax jeżisti l-ħażen? Ebda tweġiba ta' malajr ma hi biżżejjed 164; 385
għal din il-problema li tant tagħfas fuqna u li ma nistgħux neħilsu minnha, tant tnikkitna daqskemm hi misterjuża. Hi l-fidi Nisranija kollha kemm hi li tagħti tweġiba għal din il-problema: it-tjieba tal-ħolqien, it-traġedja tad-dnub, l-imħabba kollha sabar ta' Alla li jersaq lejn il-bnedmin bil-pattijiet tiegħu, bl-Inkarnazzjoni ta' Ibnu, bid-don tal-Ispirtu, bil-ġemgħa tal-Knisja, bil-qawwa tas-sagramenti, bis-sejħa għall-ħajja ta' hena li l-ħlejjaq ħielsa huma msejħin minn qabel biex jaċċettawha, iżda li jistgħu wkoll minn qabel iċaħħdu lilhom infushom minnha, permezz ta' misteru tassew tal-biża'. *Ma hemmx aspett wieħed tal-messaġġ Nisrani li mhux parti mit-tweġiba għall-problema* 2805
tal-ħażen.

[71] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 36.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 148-149 5/16/2014 11:13:35 AM

412 310 Imma għaliex Alla ma ħalaqx dinja hekk perfetta li fiha ma setax ikun hemm il-ħażen? Bis-setgħa bla qies tiegħu, Alla seta' dejjem joħloq xi ħaġa aħjar.[72] Iżda fl-għerf u t-tjieba bla qies tiegħu, Alla b'mod ħieles ried joħloq dinja
1042-1050 "f'qagħda ta' mixi" lejn perfezzjoni aħħarija. Dan il-mixi 'l quddiem, fil-pjan ta' Alla, jitlob li mad-dehra ta' xi ħlejjaq,
342 jgħibu ħlejjaq oħra, li ma' dak li hu aktar perfett ikun hemm ukoll dak inqas perfett, li mal-bini tan-natura jkun hemm ukoll it-tiġrif. Flimkien mal-ġid fiżiku hemm ukoll għalhekk *il-ħażen fiżiku* sakemm il-ħolqien ma jilħaqx il-perfezzjoni tiegħu.[73]

311 L-anġli u l-bnedmin, ħlejjaq intelliġenti u ħielsa,
396 iridu jimxu lejn id-destin aħħari tagħhom b'għażla ħielsa u mħabba preferenzjali. Jistgħu għalhekk jitilfu t-triq. Fil-fatt,
1849 dinbu. Hu b'dan il-mod li *d-deni morali* (il-ħażen), wisq aktar gravi mid-deni fiżiku, daħal fid-dinja. Alla bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament ma hu l-kawża tad-deni morali.[74] Iżda Alla jippermettih għax jirrispetta l-libertà tal-ħlejjaq u, b'mod misterjuż jagħraf joħroġ minnu l-ġid:

> Għax Alla li jista' kollox ... u li hu ta' tjieba bla qies ma kienx se jħalli qatt li jkun hemm xi deni fl-għemejjel tiegħu kieku ma kienx hekk setgħan u tajjeb li joħroġ il-ġid mid-deni nnifsu.[75]

312 Hekk, biż-żmien, wieħed jista' jara li Alla, fil-providenza setgħana tiegħu, jista' joħroġ għadd kbir ta' effetti tajba mill-ħażen, ukoll minn dak magħmul mill-ħlejjaq tiegħu. "Mhux intom bgħattuni hawn", qal Ġużeppi lil ħutu,

[72] Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* I, 25, 6.
[73] San Tumas ta' Aquino, *Summa contra gentiles,* 3,71.
[74] Ara Santu Wistin, *Dwar ir-rieda ħielsa*, 1, 1, 1: PL 32, 1221-1223; San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* I-II, 79, 1.
[75] Santu Wistin, *Ġabra ta' tagħlim dwar il-fidi, it-tama u l-imħabba*, 3, 11: PL 40, 236.

"imma Alla; ... intom ġibtuli fuqi d-deni, Alla bidlu fil-ġid, biex iżomm ħajja kotra ta' ġnus" (*Ġen* 45, 8; 50, 20; ara *Tob* 2, 12-18 Vulg.) L-akbar deni morali li qatt sar, kien iċ-ċaħda u l-qtil tal-Iben ta' Alla, li seħħ bid-dnubiet tal-bnedmin kollha. 598-600 Alla, għax kotrot fuq li kotrot il-grazzja (ara *Rum* 5, 20), ħareġ minnu l-akbar ġid: il-glorifikazzjoni ta' Kristu u l-Fidwa 1994 tagħna. Id-deni b'hekk mhu se jsir qatt ġid.

313 "Aħna nafu li Alla ma' dawk li jħobbuh ... f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" (*Rum* 8,28). Ix-xhieda kostanti tal-qaddisin iwettqu din il-verità: 227

> Santa Katarina ta' Siena, lil "dawk li kienu jiskandalizzaw ruħhom u jeħduha kontra dak li kien jiġrilhom", kienet tgħidilhom: "Kollox jiġi mill-imħabba, kollox hu għas-salvazzjoni tal-bniedem, Alla xejn ma jagħmel ħlief għal dan il-għan". [76]
>
> U San Tumas More, ftit qabel il-martirju tiegħu, farraġ lil bintu: "Ma jiġri xejn li ma jkunx iridu Alla. Issa kulma jrid hu, ħażin kemm narawh ħażin aħna, hu madankollu dak li hu l-aħjar għalina".[77]
>
> U Ġuljana ta' Norwich: "Bil-grazzja ta' Alla tgħallimt li jaqbilli li nżomm sħiħ fil-fidi, u nemmen b'mod mhux anqas sħiħ li kull ħaġa se tiġi tajba" ("Thou shalt see thyself that all manner of thing shall be well").[78]

314 Aħna nemmnu bil-qawwa kollha li Alla hu Sid id-dinja u Sid tal-istorja. Iżda t-triqat tal-Providenza tiegħu spiss 1040 mhumiex magħrufin minna. Biss fit-tmiem ta' kollox ma nibqgħux nagħrfu biċċa, imma naraw 'l Alla "wiċċ imb wiċċ" (*1 Kor* 13, 12), u jkunu għal kollox magħrufin minna t-triqat li minnhom ukoll, permezz tat-traġedji tad-deni u tad-dnub, Alla jkun wassal il-ħolqien tiegħu sal-mistrieħ tas-*Sabbat*

[76] Santa Katarina ta' Siena, *Djalogu dwar il-Providenza ta' Alla,* 4, 138.
[77] San Tumas More, Ittra miktuba fil-ħabs lil bintu Margaret Roper: ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari tat-22 ta' Ġunju.
[78] Ġuljana ta' Norwich, *Rivelazzjoni tal-Imħabba Divina*, 32.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 150-151 5/16/2014 11:13:35 AM

2550 (Sibt) (ara *Ġen* 2,2) definittiv: hu għal dan il-għan li Alla ħalaq is-sema u l-art.

Fil-qosor

315 *Fil-ħolqien tad-dinja u tal-bniedem Alla qiegħed l-ewwel xhieda, u xhieda universali tal-imħabba setgħana tiegħu u tal-għerf tiegħu, l-ewwel tħabbira tal-"pjan tiegħu kollu mħabba", li jilħaq il-milja tiegħu fit-twelid ġdid fi Kristu.*

316 *Għalkemm l-opra tal-ħolqien hi b'mod partikulari attribwita lill-Missier, hi verità tal-fidi wkoll li l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma l-bidu waħdieni u indiviżibbli tal-ħolqien.*

317 *Alla waħdu ħalaq l-univers, b'mod ħieles, direttament, mingħajr għajnuna ta' ħadd.*

318 *Ebda ħlejqa ma għandha s-setgħa bla qies meħtieġa biex "toħloq" fit-tifsir veru tal-kelma, jiġifieri tagħmel u tagħti li jkun dak li qabel bl-ebda mod ma kien (isejjaħ għall-eżistenza mix-xejn, "ex nihilo").*[79]

319 *Alla ħalaq id-dinja biex juri u jagħti l-glorja tiegħu. Din hi l-glorja li għaliha Alla ħalaq il-ħlejjaq: li jkollhom sehem fil-verità, fit-tjieba u fil-ġmiel ta' Alla.*

320 *Alla ħalaq l-univers u qiegħed iżommu bil-Verb tiegħu, Ibnu "li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu"* (*Lh* 1,3) *u bl-Ispirtu ħallieq tiegħu li jagħti l-ħajja.*

[79] Ara Sagra Kongregazzjoni għall-Istudji, Digriet tas-27 ta' Lulju 1914, *Teżijiet approvati tal-Filosofija Tomistika*: DS 3624.

321 *Il-providenza ta' Alla hi d-dispożizzjonijiet li bihom Alla, b'għerf u mħabba, iwassal il-ħlejjaq kollha għall-għan aħħari tagħhom.*

322 *Kristu jistedinna biex nintelqu bħala wlied f'idejn il-Providenza tal-Missier tagħna tas-sema (ara Mt* 6,26-34*), u l-appostlu San Pietru jtenni: "Ixħtu fuqu l-ħsibijiet kollha tagħkom għax hu jaħseb fikom" (1 Piet* 5,7; ara *Salm* 55,23).

323 *Il-providenza ta' Alla taħdem ukoll bil-ħidma tal-ħlejjaq. Alla lill-bnedmin jagħtihom li b'mod ħieles jissieħbu fil-pjanijiet tiegħu.*

324 *Li Alla jippermetti d-deni fiżiku u d-deni morali hu misteru li Alla dawwal b'Ibnu Ġesù Kristu, li miet u rxoxta biex jirbaħ id-deni. Il-fidi tiżgurana li Alla ma kienx jippermetti d-deni kieku ma kienx jista' joħroġ il-ġid mid-deni stess, minn triqat li nagħrfuhom sewwa biss fil-ħajja ta' dejjem.*

Il-ħames paragrafu

IS-SEMA U L-ART

325 Il-Kredu tal-Appostli jistqarr li Alla "ħalaq is-sema u l-art", u l-Kredu ta' Nicea-Kostantinopli jiċċara u jżid " ... dak kollu li jidher u ma jidhirx".

326 Fl-Iskrittura Mqaddsa, l-espressjoni "sema u art" 290
tfisser dak kollu li jeżisti, il-ħolqien kollu. Tgħidilna wkoll bir-
rabta li hemm fi ħdan il-ħolqien, rabta li biha fl-istess waqt
is-sema u l-art jingħaqdu u jingħażlu minn xulxin: "L-art" hi
d-dinja tal-bnedmin (ara *Salm* 115, 16). "Is-sema" jew "is- 1023; 2794
smewwiet" jistgħu jfissru l-firxa tas-sema (ara *Salm* 19, 2),
iżda jistgħu jfissru wkoll "il-post" proprju ta' Alla, Missierna

"li hu fis-smewwiet" (*Mt* 5,16; ara *Salm* 115,16) u, għalhekk, ifissru wkoll is-"sema" li hi l-glorja eskatoloġika, tat-tmiem ta' kollox. Fl-aħħar nett il-kelma "sema" tfisser "il-post" tal-ħlejjaq spiritwali tal-anġli li huma madwar Alla.

327 L-istqarrija tal-fidi tar-raba' Konċilju tal-Lateran tgħid
296 li "Alla, f'daqqa, sa mill-bidu taż-żmien, ħalaq mix-xejn kemm il-ħlejjaq spiritwali, kif ukoll il-ħlejjaq korporali, jiġifieri l-anġli u d-dinja ta' fuq l-art, u fl-aħħar il-bniedem li għandu mit-tnejn, għax hu ruħ u ġisem".[80]

I. L-anġli

L-eżistenza tal-anġli: verità tal-fidi

328 L-eżistenza ta' ħlejjaq spiritwali, mingħajr ġisem,
150 li l-Iskrittura Mqaddsa s-soltu ssejjaħ anġli, hi verità tal-fidi. Ix-xhieda tal-Iskrittura hi ċara daqs kemm hi unanimi t-Tradizzjoni.

Min huma?

329 Dwarhom Santu Wistin jgħid: "Anġlu hu isem ta' uffiċċju u mhux ta' xi natura. Jekk trid taf l-isem ta' din in-natura, l-isem hu spirtu; jekk trid taf x'inhu l-uffiċċju u d-dmir ta' dan l-ispirtu, l-uffiċċju hu ta' anġlu: hu spirtu f'dak li hu, u anġlu f'dak li jagħmel".[81] Min-natura kollha tagħhom, l-anġli huma *qaddejja* u messaġġiera ta' Alla. Għaliex "dejjem jaraw

[80] Konċilju Lateran IV, *Definizzjoni kontra l-Albiġiżi u l-Katari* (1215): DS 800; ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 1: DS 3002 u Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 8.

[81] Santu Wistin, *Taħdita dwar is-Salm* 103, 1, 15: PL 37, 1348-1349.

wiċċ Missieri li hu fis-smewwiet" (*Mt* 18,10) huma jagħmlu "l-ordni tiegħu, malli jisimgħu l-kelma tiegħu" (*Salm* 103,20).

330 Bħala ħlejjaq kollha kemm huma *spiritwali*, għandhom intelliġenza u rieda: huma ħlejjaq personali[82] u immortali (ara *Lq* 20,36). Huma jgħaddu fil-perfezzjoni l-ħlejjaq kollha li jidhru. Dan tixhdu d-dija tal-glorja tagħhom (ara *Dan* 10,9-12).

Kristu "mal-anġli kollha tiegħu"

331 Kristu hu ċ-ċentru tad-dinja tal-anġli. Huma l-anġli tiegħu: "Meta jiġi Bin il-Bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu ..." (*Mt* 25,31) Huma tiegħu għax maħluqin 291
bih u għalih: "Għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat. Kollox bih u għalih kien maħluq" (*Kol* 1,16). Huma wisq aktar tiegħu għax għamilhom ħabbara tal-pjan tiegħu ta' salvazzjoni: "Mhumiex huma wkoll spirti qaddejja, mibgħutin biex jaqdu lil dawk li għandhom jiksbu s-salvazzjoni?" (*Lh* 1,14).

332 Huma hemm, sa mill-ħolqien (ara *Ġob* 38,7 fejn l-anġli jissejħu "ulied Alla") u tul il-ġrajja tas-salvazzjoni, li ħabbruha mill-bogħod u mill-qrib u qdew il-pjan ta' Alla ħa jseħħ: għalqu l-bieb tal-ġenna tal-art (ara *Ġen* 3,24), ħarsu 'l Lot (ara *Ġen* 19), salvaw 'il Ħagar u 'l binha (ara *Ġen* 21,17), żammew id Abraham (ara *Ġen* 22,11), il-liġi ngħatat bil-qadi tagħhom (ara *Atti* 7,53), mexxew il-poplu ta' Alla (ara *Eż* 23,20-23), ħabbru twelid (ara *Mħal* 13) u sejħiet (ara *Mħal* 6,11-24; *Is* 6,6), għenu 'l profeti (ara *1 Sl* 19,5), biex insemmu xi eżempji. U fl-aħħar kien l-anġlu Gabrijel li

[82] Ara Piju XII, Enċiklika *Humani generis* (1950): DS 3891.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 154-155 5/16/2014 11:13:35 AM

ħabbar it-twelid tal-Prekursur u dak ta' Ġesù stess (ara *Lq* 1,11.26).

333 Mill-Inkarnazzjoni sat-Tlugħ fis-sema l-ħajja tal-Verb magħmul bniedem hi mdawra bl-adorazzjoni u l-qadi tal-anġli. Alla, "hu u jdaħħal 'l Ibnu l-Kbir fid-dinja, jgħid ukoll: 559 'Ħa jqimuh l-anġli kollha ta' Alla'" (*Lh* 1,6). L-għanja ta' tifħir li lissnu l-anġli fit-twelid ta' Kristu ma waqfet qatt mit-tifħir tal-Knisja: "Glorja lil Alla ... " (*Lq* 2,14). Ħarsu t-tfulija ta' Ġesù (ara *Mt* 1,20; 2,13.19), qdew lil Ġesù fid-deżert (ara *Mk* 1,13; *Mt* 4,11), farrġuh fl-agunija (ara *Lq* 22,43), setgħu jeħilsuh minn idejn l-għedewwa tiegħu (ara *Mt* 26,53) kif qabel ħelsu lil Iżrael (ara *2 Mak* 10,29-30; 11,8). Huma wkoll l-anġli li "jevanġelizzaw" (ara *Lq* 2,10) huma u jħabbru l-Bxara t-Tajba tal-Inkarnazzjoni (ara *Lq* 2,8-14) u tal-Qawmien mill-Imwiet (ara *Mk* 16,5-7) ta' Kristu. U hemm ikunu meta Kristu jerġa' jiġi, wara li jkunu ħabbru t-tieni miġja tiegħu (ara *Atti* 1,10- 11), biex ikunu qaddejja tal-ġudizzju tiegħu (ara *Mt* 13, 41; 24,31; *Lq* 12,8-9).

L-anġli fil-ħajja tal-Knisja

334 Minn dan jiġi li l-ħajja kollha tal-Knisja tikseb ġid mill-għajnuna misterjuża u setgħana tal-anġli (ara *Atti* 5,18-20; 8, 26-29; 10,3-8; 12,6-11; 27,23-25).

1138 335 Fil-liturġija tagħha, il-Knisja tissieħeb mal-anġli biex tqim 'l Alla tliet darbiet qaddis.[83] Hija titlob l-għajnuna tagħhom (fil-liturġija tal-funerali: "Ħa jwassluk l-anġli fis-sema", u wkoll fil-"Kerubikon" tal-Liturġija Biżantina: "Ġej ir-Re tar-Rejiet ... "), u tiċċelebra b'mod partikulari t-tifkira ta' xi anġli (San Mikiel, San Gabrijel, San Rafel, l-anġli kustodji).

[83] *Missal Ruman*, Talba Ewkaristika: "Qaddis, qaddis, qaddis".

336 Mit-tnissil tagħha (ara *Mt* 18,10) sal-mewt (ara *Lq* 16,22*)* il-ħajja tal-bniedem hija mħarsa minnhom (ara *Salm* 1020 34,8; 91,10-13) u bit-talb tagħhom (ara *Ġob* 33,23-24; *Żak* 1,12; *Tob* 12,12). "Kull Nisrani għandu ħdejh anġlu bħala protettur u ragħaj tiegħu ħa jwasslu għall-ħajja".[84] Minn hawn fuq l-art, il-ħajja Nisranija għandha sehem, bil-fidi, fix-xirka hienja tal-anġli u tal-bnedmin magħqudin ma' Alla.

II. Id-dinja li tidher

337 Hu Alla li ħalaq id-dinja li tidher bl-għana kollu 290 tagħha, bid-diversitajiet u l-ordni tagħha. L-Iskrittura tippreżentalna simbolikament il-ħidma tal-Ħallieq bħala sitt ijiem "ta' xogħol" ta' Alla li jintemmu bil-"mistrieħ" fis-seba' jum (ara *Ġen* 1,1 – 2,4). L-Iskrittura, meta titkellem fuq il-ħolqien, tgħallimna veritajiet rivelati minn Alla għas-salvazzjoni tagħna,[85] veritajiet li jħalluna "nagħrfu fil-fond in-natura tal-ħolqien, is-siwi tiegħu, u l-ordni tiegħu, li hu 293 l-glorja ta' Alla".[86]

338 *Ma hemm xejn li ma għandux l-eżistenza tiegħu mingħand Alla l-Ħallieq.* Id-dinja bdiet meta bil-Kelma ta' Alla ħarġet mix-xejn: kulma jeżisti, in-natura kollha, il-ġrajja 297 kollha tal-bniedem, għandhom l-għeruq tagħhom f'dan il-fatt tal-bidu: hu dan il-fatt tal-bidu stess li bih saret id-dinja u beda ż-żmien.[87]

339 *Kull ħlejqa għandha t-tjieba u l-perfezzjoni propja* 2501

[84] San Bażilju l-Kbir, *Kontra Ewnomju*, 3,1: PG 29, 656B.

[85] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 11.

[86] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 36.

[87] Ara Santu Wistin, *Dwar il-Ktieb tal-Ġenesi kontra l-Manikej*, 1, 2, 4: PL 36, 175.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 156-157 5/16/2014 11:13:35 AM

tagħha. Għal kull xogħol tas-"sitt ijiem" ingħad: "U ra Alla li kien tajjeb". "Il-ħwejjeġ kollha għaliex huma maħluqin, għandhom l-istabbiltà tagħhom, il-verità, it-tjieba propja tagħhom, il-liġijiet u l-ordni tagħhom".[88] Il-ħlejjaq kollha ta' kull xorta li Alla riedhom skont is-sura propja tagħhom, jirriflettu, kull waħda, skont il-manjiera tagħha, raġġ tal-għerf u t-tjieba bla qies ta' Alla. Hu għalhekk li l-bniedem hu fid-dmir li jirrispetta t-tjieba propja ta' kull ħaġa maħluqa, biex jevita li juża b'mod diżordinat il-ħlejjaq, ħaġa li hi ta' stmerrija ta' Alla u ġġib konsegwenzi mill-agħar għall-bnedmin u għall-ambjent tagħhom.

340 *Alla ried li l-ħlejjaq ikunu jiddependu minn xulxin.* Ix-xemx u l-qamar, iċ-ċedru u l-iċken fjura, l-ajkla u l-għasfur tal-bejt: il-ħafna diversitajiet ta' ħlejjaq, ebda waħda daqs l-oħra, juru li ebda ħaġa maħluqa ma hi biżżejjed għaliha nfisha, u l-ħlejjaq kollha jeżistu biss għax jiddependu minn xulxin, biex jgħinu 'l xulxin ħa jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom, f'qadi lil xulxin.

341 *Il-ġmiel tal-univers.* L-ordni u l-armonija li naraw fid-dinja maħluqa ġejjin mid-diversità tal-ħlejjaq u mir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Il-bniedem dan l-ordni ntebaħ bih, bil-mod il-mod, bħala liġijiet tan-natura, liġijiet li jgħaġġbu lill-għorrief. Il-ġmiel tal-ħolqien hu rifless tal-ġmiel bla qies tal-Ħallieq. Għandu joħloq rispett fil-bniedem u jwasslu biex joqgħod għalih bl-intelliġenza u r-rieda tiegħu.

342 *Il-ġerarkija tal-ħlejjaq* hi mfissra mill-ordni li bih sar ix-xogħol tas-"sitt ijiem": minn dak li hu inqas perfett għal dak li hu aktar perfett. Alla jħobb il-ħlejjaq tiegħu kollha (ara *Salm* 145,9), jieħu ħsieb kull waħda, imqar tal-għasfur tal-bejt.

[88] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 36.

Iżda Ġesù qal: "Intom aktar minn ħafna għasafar tal-bejt tiswew" (*Lq* 12, 7), jew ukoll: "Kemm jiswa bniedem aktar min-nagħġa!" (*Mt* 12,12).

343 *Il-bniedem hu fil-quċċata* tal-ħolqien. Il-kliem ispirat tal-Iskrittura dan jurih għax jagħżel b'mod ċar il-ħolqien tal-bniedem minn dak tal-ħlejjaq l-oħra (ara *Ġen* 1,26).

344 Hemm *solidarjetà bejn il-ħlejjaq kollha* għax kollha għandhom Ħallieq wieħed u kollha nħalqu għall-glorja tiegħu:

> Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha,
> u l-aktar id-dawl sfiq ta' oħtna x-xemx
> li twelled il-jum ġdid, u bl-isfa dija
> turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx ...
>
> Mulej, ħa tkun imfaħħar f'ħuna l-ilma
> irżin u safi wisq, meħtieġ qatigħ ...
>
> U f'oħtna l-art, Mulej, ħa tkun imfaħħar;
> aħna nqisuha wkoll b'ommna ħanina
> la hi minn ħdanha trodd, biex aħna ngħixu,
> ħxejjex, ilwien ta' ward, u l-frotta bnina ...
>
> Ejjew infaħħru lill-Mulej u Sidna
> u niżżuh ħajr, għal dejjem inberkuh;
> bla xejn kburija f'qalbna, b'qima kbira
> ninxteħtu lkoll f'riġlejh sabiex naqduh.[89]

345 *Is-Sibt – it-tmiem tal-opri tas-"sitt ijiem".* L-Iskrittura Mqaddsa tgħid "fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel" u "hekk intemmu s-sema u l-art", u Alla "waqaf fis-seba' jum mix-xogħol", u qaddes u bierek dan

[89] San Franġisk ta' Assisi, *Għanja tal-Ħlejjaq.* Din hi t-traduzzjoni Maltija li nsibu f'din il-pubblikazzjoni: *Fonti għall-ħajja ta' San Franġisk ta' Assisi. Il-Kitbiet ta' San Franġisk; Fonti Medjevali tal-Ħajja ta' San Franġisk*, I, Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri, Edizzjoni TAU 2005, 32-33.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 158-159 5/16/2014 11:13:35 AM

il-jum (*Ġen* 2,1-3). Dan il-kliem ispirat hu għani b'tagħlim għas-salvazzjoni.

2169 346 Fil-ħolqien Alla għamel pedament u liġijiet li jibqgħu ma jinbidlux (ara *Lh* 4,3-4) u li min jemmen jista' jafda fihom u jkunu għalih sinjal u rahan tal-fedeltà tal-Patt ta' ħbiberija ma' Alla li ma jinkiser qatt (ara *Ġer* 31,35-37; 33,19-26). Min-naħa tiegħu l-bniedem irid jibqa' fidil għal dan il-pedament u jħares il-liġijiet li l-Ħallieq naqqax fih.

1145-1152 347 Il-ħolqien sar bil-ħsieb tas-Sibt u għalhekk bil-ħsieb tal-kult u l-qima ta' Alla. Il-kult hu minqux fl-ordni tal-ħolqien (ara *Ġen* 1,14). "Operi Dei nihil praeponatur" – "Xejn ma għandu jiġi qabel ix-xogħol ta' Alla", tgħid ir-Regola ta' San Benedittu (43,3), u hekk turi liema għandu jkun l-ordni fit-tħassib tal-bniedem.

348 Is-Sibt hu fil-qalba tal-liġi ta' Iżrael. Il-ħarsien tal-kmandamenti
2172 jwieġeb għall-għerf u r-rieda ta' Alla, imfissra fix-xogħol tal-ħolqien.

2174 349 *It-tmien jum.* Iżda għalina, il-jum il-ġdid ġa sebaħ: jum il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Fis-seba' jum intemm
1046 l-ewwel ħolqien. Fit-tmien jum jibda l-ħolqien ġdid. Hekk ix-xogħol tal-ħolqien jilħaq il-qofol tiegħu fil-ħidma aktar kbira tal-fidwa. L-ewwel ħolqien isib it-tifsir u l-qofol tiegħu fil-ħolqien ġdid fi Kristu, u d-dija tiegħu hi aqwa u akbar minn dik tal-ewwel ħolqien.[90]

Fil-qosor

350 *L-anġli huma ħlejjaq spiritwali li bla heda jigglorifikaw 'l Alla u jaqdu l-pjanijiet tiegħu ta' salvazzjoni mal-ħlejjaq l-oħra: "huma jagħtu sehemhom għall-ġid tagħna kollu" – "Ad omnia bona nostra cooperantur angeli".*[91]

[90] Ara *Missal Ruman,* Vġili tal-Għid: il-kolletta ta' wara l-ewwel qari.

[91] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* I, 114, 3, 3.

351 *L-anġli huma madwar Kristu sidhom. Jaqduh b'mod partikulari biex isseħħ il-missjoni tiegħu fost il-bnedmin.*

352 *Il-Knisja tagħti ġieħ lill-anġli li jgħinuha fil-mixi tagħha f'din id-dinja, u jħarsu kull bniedem.*

353 *Alla ried li jkun hemm diversità fost il-ħlejjaq tiegħu u kull waħda mill-ħlejjaq ikollha t-tjieba propja tagħha, ir-rabta tagħha mal-ħlejjaq l-oħra, u l-ordni tagħha. Hu ried li l-ħlejjaq materjali kollha jkunu għall-ġid tal-bnedmin. Il-bniedem, u l-ħolqien kollu permezz tal-bniedem, għandu bħala għan aħħari tiegħu l-glorja ta' Alla.*

354 *Ir-rispett tal-liġijiet li hemm minquxa fil-ħolqien, u tar-relazzjonijiet li joħorġu mill-istess natura ta' kull ħaġa, hu għajn ta' għerf u pedament tal-morali.*

Is-Sitt Paragrafu

IL-BNIEDEM

355 "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihetu, fuq xbihet Alla 1700
ħalqu, raġel u mara ħalaqhom" (*Ġen* 1,27). "Il-bniedem 343
għandu post għalih fil-ħolqien: (I) hu maħluq "xbihet Alla"; (II) fin-natura tiegħu jgħaqqad flimkien id-dinja materjali u d-dinja spiritwali; (III) hu maħluq "raġel u mara"; (IV) Alla riedu b'ħabibu.

I. Maħluq "xbihet Alla"

356 Fost il-ħlejjaq kollha li naraw, il-bniedem biss

1703; 2258 “għandu l-ħila jagħraf u jħobb lil min ħalqu”[92]; “huwa l-unika ħliqa li Alla riedha għaliha nnifisha”[93]; hu biss ġie msejjaħ biex, bl-għarfien u l-imħabba tiegħu, ikollu sehem mill-ħajja
225 ta’ Alla. Għalhekk ħalqu Alla, u din hi r-raġuni fundamentali tad-dinjità tiegħu:

> “Għaliex, min ġiegħlek tgħolli l-bniedem għal din id-dinjità hekk kbira? Żgur xejn ħlief l-imħabba bla qies li biha rajt fik innifsek il-bniedem li ħlaqt u
295 ssaħħart b’imħabba għalih, u għax ħabbejtu tajtu natura kapaċi dduq il-ġid bla qies tiegħek”.[94]

357 Għaliex hu xbieha ta’ Alla, il-bniedem għandu d-dinjità
1935 ta’ *persuna:* mhuwiex biss xi ħaġa, imma xi ħadd. Għandu l-ħila li jkun jaf, li jkollu xi ħaġa tiegħu, li jingħata minn rajh
1877 b’mod ħieles, u jkun f’xirka ma’ persuni oħra, u, permezz tal-grazzja, hu msejjaħ biex jidħol f’patt mal-Ħallieq tiegħu, jagħtih tweġiba ta’ fidi u ta’ mħabba li ħadd ma jista’ jagħtih floku.

299 358 Alla ħalaq kollox għall-bniedem,[95] iżda l-bniedem
901 inħoloq biex jaqdi u jħobb lil Alla u biex joffrilu lura l-ħolqien kollu.

> Min hu dan li se jibda jkun imdawwar minn tant attenzjoni? Hu l-bniedem, figura ħajja, kbira u tal-għaġeb, aktar għażiż għal għajnejn Alla mill-ħolqien kollu: hu l-bniedem, li għalih hemm is-sema u l-art u l-baħar u l-ħolqien kollu, u Alla tant ra importanti s-salvazzjoni tiegħu li lanqas lil Ibnu l-waħdieni stess ma ħafirha minħabba fih. Għax Alla qatt ma waqaf mit-tħejjijiet tiegħu biex itella’ ħdejh il-bniedem u jqiegħdu fuq lemintu.[96]

[92] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965) , 12.
[93] *Ibid*., 24.
[94] Santa Katarina ta’ Siena, *Djalogu dwar il-Providenza ta’ Alla* 4, 13; ara *Liturġija tas-Sigħat,* Uffiċċju tal-Qari tad-19-il Ħadd tas-Sena.
[95] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 12; 24; 39.
[96] San Ġwann Griżostmu, *Omelija dwar il-Ktieb tal-Ġenesi*, 2, 1: PG 54, 587D-588A.

359 “Fil-fatt, hu fil-misteru tal-Verb magħmul bniedem li 1701
jiddawwal tassew il-Misteru tal-bniedem”.[97]

> Żewġ bnedmin kienu, jgħallimna l-Appostlu San Pawl li taw il-bidu lir-razza tal-bnedmin, Adam u Kristu ... L-ewwel bniedem, 388; 411
> Adam, jgħidilna, sar ruħ ħajja, l-aħħar wieħed hu spirtu li jagħti l-ħajja. L-ewwel bniedem issawwar minn dan l-aħħar bniedem, mingħandu ħa l-eżistenza u l-ħajja biex jgħix ... Dan l-aħħar wieħed hu t-tieni Adam li qiegħed ix-xbieha tiegħu fl-aħħar Adam meta sawru. U biex ma jintilifx dak li hu sawwar xbieha tiegħu, ħa s-sura tiegħu u ssejjaħ bniedem bħalu. Mela hemm l-ewwel Adam, u t-tieni Adam: l-ewwel wieħed kellu bidu, it-tieni wieħed m’għandux tmiem. U dan l-aħħar wieħed hu wkoll l-ewwel tassew, kif jgħid hu stess: “Jien l-Ewwel u l-Aħħar”.[98]

360 *Il-ġens tal-bnedmin hu wieħed,* għax għandu bidu 225; 404
wieħed: “Minn bniedem wieħed [Alla] għamel il-ġens kollu 775; 831
tal-bnedmin” (*Atti* 17,26; ara *Tob* 8,6). 842

> Dehra tal-għaġeb iġġegħelna nikkontemplaw il-ġens tal-bnedmin, fil-bidu wieħed tiegħu f’Alla ... ; fin-natura waħda tiegħu magħmula minn ġisem materjali u ruħ spiritwali; fl-għan aħħari wieħed tiegħu u fil-missjoni tiegħu fid-dinja; fl-għamara waħda tiegħu fuq l-art, li minnha, bi dritt tan-natura, il-bnedmin kollha jistgħu jieħdu l-ġid kollu li jeħtieġu għall-għajxien u għall-iżvilupp ta’ ħajjithom; fl-għan sopranaturali wieħed tiegħu: Alla nnifsu, li lejh ilkoll irridu niġibdu; fl-għaqda tal-mezzi meħtieġa biex jilħaq dan il-għan ... ; fil-fidwa waħda tiegħu, li Kristu ... kiseb għal kulħadd”.[99]

361 “Din il-liġi tas-solidarjetà tal-bnedmin u tal- 1939
imħabba”,[100] mingħajr ma twarrab l-għana tal-varjetà tal-persuni, tal-kulturi u tal-popli, tiżgurana li l-bnedmin kollha huma verament aħwa.

[97] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 22.
[98] San Pietru Krisologu, *Omelija* 117, 1-2: PL 52, 520B; ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari tas-Sibt tad-29 Ġimgħa.
[99] Piju XII, Enċiklika *Summi Pontificatus* (1939), 3; ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Nostra aetate* (1965), 1.
[100] Piju XII, Enċiklika *Summi Pontificatus* (1939), 3.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 162-163 5/16/2014 11:13:36 AM

II. "Wieħed bir-ruħ u l-ġisem"

362 Il-bniedem maħluq xbieha ta' Alla, hu fl-istess ħin
1146; 2332 esseri korporali u spiritwali. Ir-rakkont bibliku jfisser dan bi kliem simboliku, u jasal biex jgħid li "Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu f'imnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja" (*Ġen* 2,7). Il-bniedem sħiħ mela *riedu* Alla.

363 Spiss il-kelma *ruħ* fl-Iskrittura Mqaddsa tfisser il-
1703 *ħajja* tal-bniedem (ara *Mt* 16, 25-26; *Ġw* 15,13) jew inkella l-persuna sħiħa tal-bniedem (ara *Atti* 2,41). Imma tfisser ukoll dak li hu l-aktar intimu fil-bniedem (ara *Mt* 26,38; *Ġw* 12,27), l-aktar ta' siwi fih (ara *Mt* 10,28; 2 *Mak* 6,30), dak li bih hu, b'mod l-aktar partikulari, xbieha ta' Alla: "ruħ" tfisser l-*għajn spiritwali* fil-bniedem.

1004 364 Il-*ġisem* tal-bniedem għandu sehem mid-dinjità tax-"xbieha ta' Alla": hu ġisem tal-bniedem propja għax jingħata l-ħajja minn ruħ spiritwali, u hi l-persuna tal-bniedem kollha kemm hi, li hi destinata biex, fil-Ġisem ta' Kristu, issir Tempju tal-Ispirtu (ara *1 Kor* 6,19-20; 15,44-45).

> Il-bniedem, esseri wieħed iżda magħmul minn ruħ u ġisem, minħabba l-kundizzjoni korporali tiegħu, jiġbor fih innifsu l-elementi tad-dinja materjali, li fih jaslu għall-quċċata tagħhom, u jistgħu bil-libertà kollha jfaħħru lil min ħalaqhom. Mhux permess
> 2289 għalhekk għall-bniedem imaqdar il-ħajja tal-ġisem, imma għandu jqisu bħala ħaġa tajba li jistħoqqilha kull ġieħ, għax ġisem il-bniedem ġie maħluq minn Alla u għad jirxoxta fl-aħħar jum.[101]

365 L-għaqda tar-ruħ u l-ġisem tal-bniedem hi hekk kbira li wieħed għandu jqis ir-ruħ bħala l-"forma" tal-ġisem,[102] jiġifieri li hu minħabba r-ruħ spiritwali li l-ġisem, magħmul

[101] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 14.
[102] Ara Konċilju ta' Vienne, Kostituzzjoni *Il-Fidi Kattolika* (1312): DS 902.

mill-materja, hu ġisem ta' bniedem, ġisem ħaj; l-ispirtu u l-materja tal-bniedem mhumiex żewġ naturi magħqudin flimkien, imma l-għaqda tal-ispirtu u l-materja fil-bniedem tagħmel natura waħda.

366 Il-Knisja tgħallem li kull ruħ spiritwali hi maħluqa immedjatament minn Alla[103] — ma "jagħmluhiex" il-ġenituri — hi immortali[104]; ma tintemmx meta tinfired mill-ġisem fil- 1005; 997
mewt, u għad tingħaqad mill-ġdid mal-ġisem fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar taż-żmien.

367 Xi kultant niltaqgħu ma' distinzjoni bejn ruħ u spirtu. Hekk San Pawl jitlob biex Alla jżommna "sħaħ bla mittiefsa fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem" (*1 Tess* 5,23). Il-Knisja tgħallem 2083
li din id-distinzjoni ma taqsamx b'xi mod ir-ruħ fi tnejn.[105] "Spirtu" ifisser li l-bniedem mill-ħolqien tiegħu hu destinat għall-ħajja sopranaturali[106] u li ruħu tista' tintrefa' bi grazzja għal xirka ma' Alla.[107]

368 It-tradizzjoni spiritwali tal-Knisja tisħaq ukoll dwar il- 478; 582
qalb, fis-sens bibliku tal-"intimità tal-fond" tal-bniedem (fil- 1431; 1764
ġewwieni, "f'qalbhom": *Ġer* 31,33) fejn hu jagħmel l-għażla 2517; 2562
tiegħu dwar Alla: jaċċettah jew jirrifjutah (ara *Dewt* 6,5; 29,3; 2843
Is 29,13; *Eżek* 36,26; *Mt* 6,21; *Lq* 8,15; *Rum,* 5, 5).

[103] Ara Piju XII, Enċiklika *Humani generis* (1950): DS 3896; Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 8.
[104] Ara Konċilju Lateran V, Bolla *Apostolici regiminis* fuq id-duttrina dwar ir-ruħ umana (1513): DS 1440.
[105] Ara Konċilju Kostantinopli IV, Kan. 11: *Dwar l-unicità tar-ruħ umana* (870): DS 657.
[106] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 2: DS 3005; Konċilju Vatikan II: Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 22.
[107] Ara Piju XII, Enċiklika *Humani generis* (1950): DS 3891.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 164-165 5/16/2014 11:13:36 AM

2331-2336 ## III. "Raġel u mara ħalaqhom"

L-ugwaljanza u d-differenza li ried Alla

369 Ir-raġel u l-mara *nħolqu,* jiġifieri *riedhom* Alla, perfettament indaqs kemm bħala persuni u kemm bħala raġel u mara. "Tkun raġel", "tkun mara" hi realtà tajba li riedha Alla; u r-raġel u l-mara għandhom dinjità li ma tista' tintilef qatt, mogħtija lilhom direttament minn Alla li ħalaqhom (ara *Ġen* 2,7.22). Ir-raġel u l-mara huma, bl-istess dinjità, "xbieha ta' Alla". Ir-raġel għax "hu raġel", u l-mara għax "hi mara" jirriflettu l-għerf u t-tjieba ta' min ħalaqhom.

42; 239 370 Alla bl-ebda mod ma hu xbieha tal-bniedem, la hu raġel u lanqas mara. Hu spirtu li fih ma jistax ikun hemm distinzjoni bejn sess u ieħor. Iżda l-"perfezzjonijiet" tar-raġel u tal-mara jirriflettu xi ħaġa mill-perfezzjoni bla qies ta' Alla: il-"perfezzjonijiet" ta' omm (ara *Is* 49,14-15; 66,13; *Salm* 131,2-3) u dawk ta' missier u għarus (ara *Hos* 11,1-4; *Ġer* 3,4-19).

"Huma għal xulxin": "għaqda tat-tnejn"

1605 371 Maħluqin *flimkien,* ir-raġel u l-mara Alla riedhom ikunu *għal* xulxin. Il-Kelma ta' Alla dan iġġegħelna nifhmuh minn għadd ta' siltiet: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih" (*Ġen* 2,18). Ebda wieħed mill-annimali ma seta' jkun "għajnuna tgħodd għalih" (ara *Ġen* 2, 19-20), għall-bniedem. Il-mara li Alla "sawwar" minn kustilja ta' Adam, meta ġibhielu quddiemu, ġegħlitu joħroġ minn fommu għajta ta' stagħġib, ta' mħabba u ta' għaqda: "Din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi" (*Ġen* 2,23). Ir-raġel sab li l-mara hi bħal "jien" ieħor tal-istess umanità.

372 Ir-raġel u l-mara huma magħmulin "għal xulxin", mhux għax Alla għamilhom "żewġ nofsijiet" jew għamilhom "mhux sħaħ": ħalaqhom biex ikunu xirka ta' persuni, li fiha waħda tkun ta' "għajnuna" għall-oħra, għax huma fl-istess ħin indaqs bħala persuni ("għadma minn għadmi" ...) u komplimentarji għal xulxin bħala raġel u mara.[108] Fiż-żwieġ, Alla jgħaqqadhom flimkien b'mod li jagħmlu "ġisem wieħed" (*Ġen* 2,24) u hekk jittrasmettu l-ħajja. "Nisslu u oktru, u imlew l-art" (*Ġen* 1,28). Huma u jwasslu l-ħajja lil dawk li jitnisslu minnhom, ir-raġel u l-mara, bħala miżżewġin u ġenituri, jissieħbu b'mod m'hemmx ieħor bħalu fil-ħidma tal-Ħallieq.[109] 1652; 2366

373 Fil-ħsieb ta' Alla, ir-raġel u l-mara huma msejħin biex jaħkmu l-art (ara *Ġen* 1,28) bħala "amministraturi" f'isem Alla. Din il-ħakma ma għandhiex tkun arbitrarja u qerrieda. F'xebh mal-Ħallieq li jħobb "il-ħlejjaq kollha" (*Għerf* 11, 24), ir-raġel u l-mara huma msejħin biex jissieħbu mal-providenza ta' Alla favur il-ħlejjaq l-oħra. Minn hawn, ir-responsabiltà tal-bnedmin għad-dinja li Alla fdalhom f'idejhom. 307; 2415

IV. Il-bniedem fil-ġenna tal-art

374 L-ewwel bniedem mhux biss ġie maħluq tajjeb, imma wkoll tqiegħed f'qagħda ta' ħbiberija ma' min ħalqu u f'qagħda ta' armonija miegħu nnifsu u mal-ħolqien madwaru, qagħda u armonija li xejn ma kien se jgħaddihom ħlief il-ħolqien ġdid fi Kristu. 54

375 Il-Knisja hija u tfisser b'mod awtentiku s-simboliżmu tal-lingwaġġ tal-Iskrittura fid-dawl tat-Testment il-Ġdid u tat-Tradizzjoni, tgħallem li l-ewwel ġenituri tagħna, Adam

[108] Ara San Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Mulieris Dignitatem* (1988), 7.

[109] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 50.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 166-167 5/16/2014 11:13:36 AM

u Eva, tqiegħdu fi stat ta' "qdusija u ġustizzja tal-bidu".[110]
1997 Din il-grazzja tal-qdusija oriġinali kienet "sehem fil-ħajja ta' Alla".[111]

376 Din il-grazzja kienet tinxtered fid-dimensjonijiet kollha tal-ħajja tal-bniedem u hekk kellhom il-faraġ tagħha. Sakemm dam f'qagħda ta' intimità ma' Alla, il-bniedem ma
1008 kellux imut (ara *Ġen* 2,17; 3,19) u lanqas ibati (ara *Ġen*
1502 3,16). L-armonija tal-persuna tal-bniedem fiha nnifisha, l-armonija bejn ir-raġel u l-mara (ara *Ġen* 2,25), u l-armonija bejn l-ewwel raġel u mara u l-ħolqien kollu – dan kollu jissejjaħ stat ta' "ġustizzja tal-bidu".

377 Il-"ħakma" tad-dinja li Alla ta lill-bniedem, fil-bidu seħħet qabelxejn fil-bniedem stess li kellu l-*ħakma fuqu nnifsu.* Il-bniedem kien kollu kemm hu sħiħ u ordnat fih
2514 innifsu, għaliex kien ħieles mit-tliet ġibdiet (ara *1 Ġw* 2,16): il-ħajra li twassal biex ifittex il-pjaċiri tal-ġisem, ir-regħba tal-ġid tad-dinja u l-ebusija ta' rasu kontra dak li tgħidlu r-raġuni.

2415 378 Alla qiegħed il-bniedem fil-ġnien li ħawwel, bħala
2427 sinjal tal-familjarità tal-bniedem ma' Alla (ara *Ġen* 2,8): jgħix fih biex "jaħdmu u jħarsu" (*Ġen* 2,15); ix-xogħol mhuwiex xi kastig (ara *Ġen* 3,17-19), imma t-tisħib tar-raġel u l-mara ma' Alla għat-titjib tad-dinja li tidher.

379 Hi din l-armonija kollha tal-ġustizzja oriġinali, imħejjija għall-bniedem fil-pjan ta' Alla, li l-ewwel ġenituri tagħna tilfu bid-dnub.

[110] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel*, kan. 1 (1546): DS 1511.
[111] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 2.

Fil-qosor

380 *"Ħlaqt il-bniedem xbieha tiegħek, o Alla, fdajtlu f'idejh id-dinja kollha biex jieħu ħsiebha ħalli jaqdi lilek waħdek, ħallieq tiegħu, u jsaltan fuq il-ħlejjaq kollha".*[112]

381 *Il-bniedem hu ddestinat minn qabel li jġib ix-xbieha tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem, "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx"* (*Kol* 1,15), *biex Kristu jkun il-kbir fost ħafna aħwa* (ara *Ef* 1,3-6; *Rum* 8,29).

382 *Il-bniedem hu "wieħed bir-ruħ u l-ġisem".*[113] *Id-duttrina tal-fidi tgħallem li r-ruħ spiritwali u immortali tal-bniedem hi maħluqa direttament minn Alla.*

383 *Alla ma ħalaqx il-bniedem waħdu: sa mill-bidu "raġel u mara ħalaqhom"* (*Ġen* 1,27); *l-għaqda tagħhom hi l-ewwel sura ta' xirka bejn persuni.*[114]

384 *Ir-rivelazzjoni għarrfitna bl-istat ta' qdusija u ġustizzja tal-bidu li fih ir-raġel u l-mara kienu jgħixu qabel id-dnub; mill-ħbiberija tagħhom ma' Alla kien ifur l-hena tal-ħajja tagħhom fil-ġenna tal-art.*

Is-seba' paragrafu

IL-WAQGĦA

385 Alla hu tjieba bla qies u kulma għamel hu kollu tajjeb. Iżda ebda persuna ma teħles li tgħaddi mill-esperjenza

[112] *Missal Ruman,* Talba Ewkaristika IV.
[113] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 14.
[114] *Ibid.*, 12.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 168-169 5/16/2014 11:13:36 AM

tat-tbatija, mid-diżgrazzji tan-natura – li jidhru qishom marbutin mal-limitazzjonijiet propji tal-ħlejjaq – u fuq kollox ebda persuna ma tista' teħles mill-problema tal-ħażen.
309 Minn fejn jiġi l-ħażen? "Bqajt infittex mnejn hu ġej il-ħażen, imma għalxejn," jgħid Santu Wistin,[115] u fit-tfittix tiegħu ma sabx triq li minnha joħroġ ħlief fil-konverżjoni tiegħu lejn Alla l-ħaj. Għaliex "il-misteru tal-ħażen" (*2 Tess* 2,7) jiftiehem biss fid-dawl tal-"misteru tar-reliġjon" *(1 Tim* 3,16).
457 Ir-rivelazzjoni tal-imħabba ta' Alla fi Kristu wriet fl-istess ħin kemm hu mifrux il-ħażen u kemm kotrot il-grazzja (ara
1848 *Rum* 5,20). Aħna għalhekk irridu nersqu lejn il-problema
539 tal-bidu tal-ħażen billi nħarsu bl-għajnejn tal-fidi lejn Dak li, waħdu, rebaħ id-deni (ara *Lq* 11,21-22; *Ġw* 16,11; *1 Ġw* 3,8).

I. Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja

Ir-realtà tad-dnub

386 Id-dnub jinsab fil-grajja tal-bniedem: ikun kollu għalxejn jekk din ir-realtà misterjuża ninjorawha jew insejħulha b'xi isem ieħor. Biex wieħed jasal biex jifhem
1847 x'inhu d-dnub, irid l-ewwel jagħraf *ir-rabta kbira li hemm bejn Alla u l-bniedem,* għaliex jekk wieħed ma jqisx din ir-rabta, il-ħażen tad-dnub ma jinkixifx fl-identità vera tiegħu, dik taċ-ċaħda ta' Alla, ta' qagħda kontra Alla, qagħda li ma tieqaf qatt tagħfas fuq il-ħajja tal-bniedem u l-ġrajja tiegħu.

[115] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 7, 7, 11: PL 32, 739: "Quaerebam, unde malum et non erat exitus": ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 178.

387 Ir-realtà tad-dnub, u b'mod partikulari r-realtà tad-dnub tal-bidu, tidher tassew dik li hi biss fid-dawl tar-Rivelazzjoni ta' Alla. Mingħajr it-tagħrif li din ir-Rivelazzjoni tagħtina dwar Alla ma nistgħux nagħrfu sewwa x'inhu 1848
d-dnub, u tiġina t-tentazzjoni li nfissruh sempliċement bħala xi difett tagħna aħna u nikbru, xi dgħufija psikoloġika, xi żball, xi effett li bilfors kellu joħroġ minn strutturi soċjali mhux adatti biżżejjed, u l-bqija. Mill-għarfien biss tal-pjan ta' Alla għall-bniedem naslu biex nifhmu li d-dnub hu abbuż tal-libertà li Alla ta lill-persuni li hu ħalaq biex ikunu jistgħu jħobbuh u jħobbu lil xulxin. 1739

Id-dnub tan-nisel: verità essenzjali tal-fidi

388 Ir-Rivelazzjoni, tul iż-żmien li kienet issir, iċċarat ukoll 431
ir-realtà tad-dnub. Għalkemm il-Poplu ta' Alla tat-Testment il-Qadim b'xi mod kien jaf x'kienet il-qagħda tal-bniedem fid-dawl tal-ġrajja tal-waqgħa fil-Ġenesi, qatt ma seta' jagħraf 208
it-tifsir sħiħ ta' din il-ġrajja, li deher biss fid-dawl tal-mewt u l-Qawmien mill-imwiet ta' Ġesù Kristu (ara *Rum* 5,12-21). 359
Irridu nagħrfu 'l Kristu bħala għajn tal-grazzja biex nagħrfu 'l Adam bħala għajn tad-dnub. Hu l-Ispirtu Paraklitu, mibgħut minn Kristu rxoxt, li ġie biex "juri lid-dinja li għandha żball 729
dwar id-dnub" (*Ġw* 16,8), huwa u jirrivelalna lil Dak li tad-dinja hu l-Feddej.

389 Id-duttrina tad-dnub tan-nisel hi qisha l-"maqlub" tal-Bxara t-Tajba li Ġesù hu s-Salvatur tal-bnedmin kollha, 422
li kollha jeħtieġu s-salvazzjoni, u li s-salvazzjoni qiegħda tiġi offruta lil kulħadd bis-saħħa ta' Kristu. Il-Knisja, li għandha l-ħsieb ta' Kristu (ara *1 Kor* 2,16), taf sewwa li ħadd ma jista' joqgħod iġib fix-xejn ir-rivelazzjoni tad-dnub tan-nisel mingħajr ma jhedded il-Misteru ta' Kristu.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 170-171 5/16/2014 11:13:36 AM

Kif naqraw il-ġrajja tal-waqgħa

289 390 Ir-rakkont tal-waqgħa (*Ġen* 3) jingħad b'diskors mimli immaġinazzjoni, imma jsemmi ġrajja tal-bidu, fatt li seħħ *fil-bidu tal-ġrajja tal-bniedem.*[116] Ir-Rivelazzjoni tiżgurana biċ-ċertezza tal-fidi li l-ġrajja kollha tal-bniedem għandha fuqha l-marka tal-ħtija tal-bidu, ħtija li twettqet b'mod għal kollox ħieles mill-ewwel ġenituri tagħna.[117]

II. Il-waqgħa tal-anġli

391 L-għażla ta' diżubbidejnza li għamlu l-ewwel ġenituri tagħna kellha warajha leħen qarrieq, kontra Alla (ara *Ġen* 3,1-5) li, għall-għira, waqqagħhom fil-mewt (ara *Għerf* 2,24).
2538 L-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja f'dan il-leħen jaraw leħen ta' anġlu li waqa', imsejjaħ Xitan jew Demonju (ara *Ġw* 8,44; *Apok* 12,9). Il-Knisja tgħallem li dan qabel kien anġlu tajjeb, maħluq minn Alla. "Ix-Xitan u x-xjaten l-oħra ġew maħluqin minn Alla tajbin fin-natura tagħhom, iżda kienu huma stess li saru ħżiena".[118]

1850 392 L-Iskrittura titkellem dwar *dnub* tal-anġli (ara *2 Piet* 2,4). Din il-"waqgħa" kienet għażla ħielsa ta' dawn l-ispirti maħluqa li *ċaħdu* 'l Alla u s-Saltna tiegħu b'mod radikali u b'mod li ma setgħux jerġgħu lura minnha. Insibu rifless ta'

[116] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 13.

[117] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel,* kan. 3 (1546): DS 1513; Piju XII: Enċiklika *Humani generis* (1950): DS 3897; Pawlu VI, Diskors lill-parteċipanti waqt Simpożju dwar id-dnub tan-nisel (11 ta' Lulju 1966).

[118] Konċilju Lateran IV, *Definizzjoni kontra l-Albiġiżi u l-Katari* (1215): DS 800: "Diabolus et alii daemones a Deo quidem natura creati sunt boni, sed ipsi per se facti sunt mali".

dan l-irvell kontra Alla fil-kliem ta' dak li ġarrab lill-ewwel ġenituri tagħna: "Issiru bħal allat" (*Ġen* 3,5). Ix-Xitan "dineb sa mill-bidu" (*1 Ġw* 3,8), hu "missier il-gideb" (*Ġw* 8,44). 2482

393 Id-dnub tal-anġli ma jistax jinħafer, mhux minħabba xi nuqqas tal-ħniena bla qies ta' Alla, imma għaliex l-għażla 1033-1037
tagħhom saret b'mod li ma setgħux jerġgħu lura minnha. "Ma hemmx sogħba għalihom wara l-waqgħa, kif ma hemmx sogħba għall-bnedmin wara l-mewt".[119] 1022

394 L-Iskrittura tixhdilna x'influwenza ħażina għandu dak li Ġesù sejjaħlu "qattiel sa mill-bidu" (*Ġw* 8,44), u li pprova wkoll idawwar lil Ġesù mill-missjoni li fdalu l-Missier 538-540
(ara *Mt* 4,11). "Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kulma għamel ix-Xitan" (*1 Ġw* 3,8). Minn kull ma għamel 550
ix-Xitan, minħabba l-konsegwenzi li ġieb, l-agħar kien il-qerq giddieb li bih wassal lill-bniedem biex jikser l-ordni 2846-2849
ta' Alla.

395 Iżda l-qawwa tax-Xitan mhijiex bla qies. Hu biss 309
ħliqa. Setgħani għax spirtu pur, imma dejjem ħliqa; ma jistax iwaqqaf il-bini tas-Saltna ta' Alla. Jagħmel x'jagħmel ix-Xitan fid-dinja b'mibegħda għal Alla u għas-Saltna tiegħu fi Kristu Ġesù, u kbar kemm huma kbar il-ħsarat li tagħmel 1673
il-ħidma tiegħu – ħsarat ta' natura spiritwali u, indirettament, ta' natura fiżika wkoll – lil kull bniedem u lis-soċjetà, il-ħidma 412
tiegħu tippermettiha l-providenza ta' Alla, li bil-qawwa u bil-ħlewwa tmexxi l-istorja tal-bniedem u tad-dinja. Hu misteru kbir li Alla jippermetti l-ħidma tax-xitan, iżda "aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ... f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid 2850-2854
tagħhom" (*Rum* 8,28).

[119] San Ġwann Damaxxenu, *Dwar il-Vera Fidi*, 2, 4: PG 94, 877C.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 172-173 5/16/2014 11:13:36 AM

III. Id-dnub tan-nisel

Il-prova tal-libertà

1730 396 Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu u riedu ħabib
311 tiegħu. Ħliqa spiritwali, il-bniedem ma jistax jgħix din il-ħbiberija jekk mhux billi joqgħod b'mod ħieles għal kulma jrid Alla minnu. Din tfisser il-projbizzjoni magħmula lill-bniedem biex ma jikolx mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, "għax dakinhar li tiekol minnha żgur li tmut" (*Ġen* 2,17). "Is-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin" (*Ġen* 2,17) turina simbolikament liema huma l-limiti li 'l hemm minnhom il-bniedem ma jistax imur. Il-bniedem, billi hu ħliqa, għandu jagħraf dawn il-limiti u jirrispettahom bil-fiduċja kollha. Il-
301 bniedem jiddependi minn Alla li ħalqu, u jrid joqgħod għal-liġijiet tal-ħolqien u għan-normi morali li jirregolaw l-użu tal-libertà.

L-ewwel dnub tal-bniedem

1707; 2541 397 Il-bniedem, imġarrab mix-xitan, ħalla tintemm f'qalbu l-fiduċja li kellu fil-Ħallieq tiegħu (ara *Ġen* 3,1-11), abbuża mil-libertà tiegħu, u *ma obdiex* il-kmandament ta' Alla (ara *Rum* 5,19). Dan kien l-ewwel dnub tal-bniedem. Kull dnub, li ġie wara, hu att ta'
1850; 215 diżubbidjenza lejn Alla u nuqqas ta' fiduċja fit-tjieba tiegħu.

398 Bid-dnub tiegħu, il-bniedem *ippreferixxa* lilu nnifsu
2084 għal Alla, u għalhekk stmerr lil Alla, għażel lilu nnifsu flok Alla, flok dak li kienet titlob minnu l-qagħda tiegħu ta' maħluq, u għalhekk ukoll flok il-ġid propju tiegħu. Imqiegħed (kostitwit) fi stat ta' qdusija, il-bniedem kien destinat li jkun għal kollox
2113 "divinizzat" minn Alla fil-glorja. Imqarraq mix-Xitan, ried "isir

bħal allat" (ara *Ġen* 3,5), iżda "mingħajr Alla, qabel Alla, u mhux skont Alla".[120]

399 L-Iskrittura turina x'kienu l-konsegwenzi traġiċi ta' din l-ewwel diżubbidjenza. Adam u Eva minnufih tilfu l-grazzja tal-qdusija tal-bidu (ara *Rum* 3,23). Beżgħu minn Alla (ara *Ġen* 3,9-10), li tiegħu kienu fasslu xbieha qarrieqa, dik ta' Alla għajjur għall-prerogattivi tiegħu (ara *Ġen* 3,5).

400 L-armonija li fiha kienu jgħixu, li tathielhom il-grazzja tal-ġustizzja tal-bidu, inqerdet; il-ħakma tal-fakultajiet spiritwali tar-ruħ fuq il-ġisem tkissret (ara *Ġen* 3,7); l-għaqda 1607
tar-raġel u l-mara bdiet iġġarrab tensjonijiet (ara *Ġen* 3,11-13), u r-relazzjonijiet bejniethom indarbu minn xewqat 2514
ħżiena u minn spirtu ta' ħakma (ara *Ġen* 3,16). Inkisret ukoll l-armonija li kien hemm mal-ħolqien: il-ħolqien li jidher sar barrani għall-bniedem u għadu tiegħu (ara *Ġen* 3,17.19). Minħabba l-bniedem, il-ħolqien kollu "jinsab taħt il-frugħa" (*Rum* 8,20). U fl-aħħar nett seħħ l-effett tad-diżubbidjenza, imħabbra espliċitament minn qabel: il-bniedem jerġa' lura 602
lejn l-art għax minnha ġie meħud (ara *Ġen* 3,19). *Il-mewt* 1008
daħlet fil-ġrajja tal-bniedem (ara *Rum* 5,12).

401 Wara dan l-ewwel dnub, kien hemm "invażjoni" sħiħa ta' dnub li xtered mad-dinja: il-qtil ta' Abel minn Kajjin ħuh 1865; 2259
(ara *Ġen* 4,3-15); l-art kollha tħassret minħabba d-dnub (ara *Ġen* 6,5.12; *Rum* 1,18-32); fil-ġrajja ta' Iżrael id-dnub kien jidher ta' spiss, l-aktar bħala nuqqas ta' fedeltà lejn Alla tal-Patt, jew bħala ksur tal-Liġi ta' Mosè; u wkoll wara l-Fidwa ta' Kristu, fost l-Insara, id-dnub juri ruħu taħt ħafna suriet (ara *1 Kor* 1-6; *Apok* 2-3). L-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-

[120] San Massimu l-Konfessur, *Ktieb dwar Ħwejjeġ Ambigwi*: PG 91, 1156C.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 174-175 5/16/2014 11:13:36 AM

1739 Knisja ma jieqfu qatt ifakkru li *d-dnub* jinsab u *hu mxerred fil-ġrajja kollha kemm hi* tal-bniedem:

> Dak li nsiru nafu bih mir-Rivelazzjoni ta' Alla, jaqbel mal-esperjenza tagħna. Għax il-bniedem, jekk iħares f'qalbu, għandu jintebaħ li hu miġbud ukoll lejn il-ħażen, u mgħaddas f'tant suriet ta' deni, li żgur ma jistgħux jiġu mill-Ħallieq tajjeb tiegħu. Spiss il-bniedem ma jkunx irid jagħraf lil Alla bħala l-bidu tiegħu, u hekk jikser ukoll l-ordni li jmexxih lejn l-għan aħħari tiegħu, u fl-istess ħin ukoll iħarbat kull relazzjoni kemm miegħu nnifsu u kemm mal-bnedmin l-oħra u mal-ħlejjaq kollha.[121]

Il-konsegwenzi tad-dnub ta' Adam għall-familja kollha tal-bnedmin

402 Il-bnedmin kollha huma mdaħħla fid-dnub ta' Adam. Jgħid San Pawl: "Bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin" (*Rum* 5,19). "Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu ... " (*Rum* 5,12). Kontra l-universalità tad-dnub
430; 605 u tal-mewt, l-Appostlu jqiegħed l-universalità tas-salvazzjoni fi Kristu: "Kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja" (*Rum* 5,18).

403 Wara San Pawl, il-Knisja dejjem għallmet li l-miżerja
2606 kbira li tagħfas fuq il-bnedmin u l-ġibda tagħhom lejn il-ħażen u lejn il-mewt ma jiftehmux mingħajr ir-rabta tagħhom mad-dnub ta' Adam u mal-fatt li hu għaddielna dnub li bih

[121] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 13.

nitwieldu u li hu "l-mewt tar-ruħ".[122] Għaliex din hi verità żgura tal-fidi, il-Knisja tagħti l-Magħmudija għall-maħfra tad- 1250
dnubiet ukoll lit-trabi li ma għamlux dnubiet pesonali.[123]

404 B'liema mod id-dnub ta' Adam sar id-dnub ta' dawk kollha li tnisslu minnu? Il-ġens kollu tal-bnedmin hu f'Adam "qisu ġisem wieħed fi bniedem wieħed".[124] Minħabba din 360
"l-għaqda tal-ġens tal-bnedmin", il-bnedmin kollha huma mdaħħla fid-dnub ta' Adam, kif kollha huma mdaħħla fil-ġustizzja ta' Kristu. Madankollu kif id-dnub tan-nisel jgħaddi 50
fil-bnedmin kollha hu misteru li qatt ma nistgħu naslu biex nifhmuh għal kollox. Imma nafu mir-Rivelazzjoni li Adam kien irċieva l-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu mhux għalih waħdu, imma għan-natura kollha tal-bnedmin; meta ċedew għat-tentazzjoni, Adam u Eva għamlu *dnub personali,* iżda dan id-dnub tagħhom affettwa *n-natura tal-bniedem,* li huma jgħaddu lil kull min jitnissel minnhom *f'qagħda mwaqqgħa.*[125] Hu dnub li jgħaddi u jinxtered fil-familja kollha tal-bnedmin, jiġifieri tingħata natura umana mċaħħda mill-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu. Hu għalhekk li d-dnub tan-nisel hu msejjaħ "dnub", f'sens analoġiku, għaliex hu dnub li "ittieħed" u mhux dnub li "sar", hu stat mhux għemil.

405 Għalkemm kull bniedem jitwieled bid-dnub tan-nisel,[126] f'ebda persuna mnissla minn Adam id-dnub tan-nisel hu xi ħtija personali. Hu ċ-ċaħda tal-qdusija u tal-ġustizzja tal-bidu, iżda n-natura tal-bniedem ma ġietx imħassra

[122] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel*, kan. 2 (1546): DS 1512.
[123] *Ibid*., 1514.
[124] San Tumas ta' Aquino, *Dibattiti dwar il-Ħażen*, 4, 1.
[125] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel*, kan. 1-2 (1546): DS 1511-1512.
[126] Ara *ibid*., 1513.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 176-177 5/16/2014 11:13:36 AM

għal kollox: ġiet midruba fis-setgħat naturali propji tagħha, waqgħet taħt il-ħakma tal-injoranza, tat-tbatija u tas-setgħa tal-mewt, u tal-ġibda lejn id-dnub (din il-ġibda lejn il-ħażin tissejjaħ "konkupixxenza"). Il-Magħmudija, hija u tagħtina l-ħajja tal-grazzja fi Kristu, tneħħi d-dnub tan-nisel u treġġa' lura l-bniedem lejn Alla; iżda jibqgħu fina l-konsegwenzi tad-dnub tan-nisel fin-natura mdgħajfa u miġbuda lejn il-ħażin, u jistednuna niġġieldu t-taqbida spiritwali.

406 It-tagħlim tal-Knisja dwar kif jintiret id-dnub tan-nisel ġie mfisser b'mod preċiż l-aktar fis-seklu ħamsa, b'mod partikulari meta Santu Wistin ħaseb ħafna fuq il-problema tad-dnub tan-nisel ħa jeħodha kontra l-Pelaġjaniżmu, u fis-seklu sittax kontra r-Riforma Protestanti. Pelaġju kien tal-fehma li l-bniedem jista' jgħix ħajja moralment tajba bil-qawwa naturali tar-rieda ħielsa tiegħu mingħajr il-ħtieġa tal-grazzja ta' Alla; u għalhekk naqqas ħafna l-influwenza tad-dnub ta' Adam; qal li Adam bid-dnub tiegħu tana biss eżempju ħażin. L-ewwel Protestanti, għall-kuntrarju, għallmu li l-bniedem tħassar għal kollox u l-libertà tiegħu nqerdet mid-dnub tan-nisel; huma qiesu li huma l-istess ħaġa d-dnub li jiret kull bniedem u l-ġibda lejn il-ħażen ("concupiscentia") li qatt ma tista' tingħeleb. Il-Knisja b'mod speċjali tkellmet dwar dak li tgħidilna r-Rivelazzjoni fuq id-dnub tan-nisel fit-tieni Konċilju ta' Orange fis-sena 529[127] u fil-Konċilju ta' Trento.[128]

Taqbida iebsa

407 It-tagħlim fuq id-dnub tan-nisel – marbut mat-tagħlim fuq il-Fidwa li seħħet bi Kristu – juri ċar x'inhi u jagħraf sewwa l-qagħda tal-bniedem u l-imġiba tiegħu fid-dinja. Bid-dnub tal-ewwel ġenituri tagħna, ix-Xitan kiseb ċerta ħakma fuq il-bniedem, għalkemm il-bniedem baqa' ħieles. Id-dnub tan-nisel ġab miegħu "jasar taħt is-setgħa ta' dak li għandu

[127] Ara Konċilju ta' Orange II, *Kanoni dwar id-Dnub tan-Nisel* (529): DS 371-372.

[128] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel* (1546), kan. 1: DS 1510-1516.

f'idu s-saltna tal-mewt, jiġifieri x-Xitan"[129] (ara *Lh* 2,14). Nagħmlu żbalji kbar fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-politika, tal-ħidma soċjali,[130] u tal-imġiba morali jekk ma nammettux li l-bniedem għandu natura midruba u miġbuda lejn il-ħażen.

408 Il-konsegwenzi tad-dnub tan-nisel u d-dnubiet personali kollha tal-bnedmin jagħtu lid-dinja kollha kemm hi qagħda ta' dnub, li nistgħu nfissru bi kliem San Ġwann: "id-dnub tad-dinja" (*Ġw* 1,29). Dan il-kliem ifisser ukoll l-influwenza ħażina li jħallu fuq in-nies il-qagħdiet komunitarji u l-istrutturi soċjali li huma frott dnubiet il-bnedmin.[131]

409 Din il-qagħda drammatika tad-dinja li "kollha qiegħda taħt idejn il-Ħażin" (*1 Ġw* 5,19; ara *1 Piet* 5,8), tagħmel il-ħajja tal-bniedem taqbida waħda:

> Tul il-ġrajja kollha tal-bniedem niltaqgħu dejjem ma' ġlieda kiefra kontra s-setgħat tad-dlamijiet li bdiet fil-bidu u tibqa' sejra sal-aħħar jum – u dan qalulna l-Mulej. Impenjat f'din it-taqbida, il-bniedem irid jiġġieled bla heda biex jintrabat ma' dak li hu tajjeb; u mhux mingħajr sforzi kbar, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, jirnexxilu jikseb l-għaqda fih innifsu.[132]

IV. "Ma ħallejtux taħt is-setgħa tal-mewt"

410 Wara l-waqgħa, il-bniedem ma ġiex abbandunat minn Alla. Għall-kuntrarju, Alla sejjaħlu (ara *Ġen* 3,9) u

[129] *Ibid*., 1511.

[130] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 25.

[131] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et paenitentia* (1984), 16.

[132] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 37.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 178-179 5/16/2014 11:13:37 AM

b'mod misterjuż ħabbarlu rebħa fuq id-deni u l-irfigħ tiegħu mill-waqgħa (ara *Ġen* 3,15). Din is-silta tal-Ġenesi ssejħet "Protoevanġelju", għax fiha hemm l-ewwel tħabbira tal-
675 Messija-Feddej, tal-ġlieda bejn is-serp u l-Mara u r-rebħa fl-aħħar ta' nisilha.

359; 615 411 It-tradizzjoni Nisranija, f'din is-silta, tara tħabbira ta' "Adam ġdid" (ara *1 Kor* 15,21-22.45) li, "billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (*Fil* 2,8) patta fuq li patta għad-diżubbidjenza ta' Adam (ara *Rum* 5,19-20). Imbagħad, ħafna Missirijiet u Dutturi tal-Knisja, fil-Mara mħabbra fil-"Protoevanġelju", raw lil omm Kristu, Marija, bħala "Eva ġdida". Kienet dik li, l-ewwel waħda u b'mod singulari, kisbet ġid mir-rebħa fuq id-dnub li kiseb Kristu: ġiet meħlusa
491 minn kull tinġis tad-dnub tan-nisel[133] u tul ħajjitha kollha fid-dinja, bi grazzja speċjali ta' Alla, ma għamlet ebda sura ta' dnub.[134]

310; 395 412 Iżda *għaliex Alla ma żammx l-ewwel bniedem milli jidneb?* San Ljun il-Kbir iwieġeb: "Il-grazzja tal-għaġeb ta' Kristu tatna ġid wisq aqwa minn dak li l-għira tax-Xitan ħaditilna".[135] U San Tumas ta' Aquino: "Ma hemm xejn li jista' jmur kontra l-fatt li n-natura tal-bniedem ġiet destinata
272 għal sejħa aktar għolja wara d-dnub. Alla jippermetti d-deni biex minnu joħroġ ġid akbar. Għalhekk San Pawl jgħid: 'Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja' (*Rum* 5,20), u
1994 fl-'Exsultet', waqt il-Vġili tal-Għid, jitkanta: 'Xi ħtija hienja kienet, ladarba stħoqqilha Feddej kbir bħal dan!'" [136]

[133] Ara Beatu Piju IX, Bolla *Ineffabilis Deus* (1854): DS 2803.

[134] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni*, kan. 23 (1547): DS 1573.

[135] San Ljun il-Kbir, *Omelija* 73, 4: PL 54, 396.

[136] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* III, 1, 3, 3.

Fil-qosor

413 *"Il-mewt mhux Alla għamilha; u anqas togħġbu l-qerda tal-ħajjin ... Bl-għira tax-Xitan daħlet il-mewt fid-dinja"* (*Għerf* 1,13; 2,24).

414 *Ix-Xitan u x-xjaten l-oħra huma anġli li waqgħu għax, b'mod ħieles, ċaħdu li jaqdu 'l Alla u l-pjan tiegħu. L-għażla tagħhom kontra Alla kienet definittiva. Huma jfittxu jsieħbu l-bniedem magħhom kontra Alla.*

415 *"Il-bniedem, imqiegħed minn Alla f'qagħda ta' qdusija, imqarraq mix-xitan, sa mill-bidu tal-ġrajja tiegħu, abbuża mil-libertà tiegħu, u ħadha kontra Alla u ried jilħaq il-fini tiegħu mingħajr Alla".*[137]

416 *Bid-dnub tiegħu, Adam, bħala l-ewwel bniedem, tilef il-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu li rċieva mingħand Alla, mhux biss għalih innifsu, imma għall-bnedmin kollha.*

417 *Adam u Eva, lil dawk kollha li tnisslu minnhom, għaddewlhom natura midruba mill-ewwel dnub tagħhom, u għalhekk nieqsa mill-qdusija u l-ġustizzja tal-bidu. Dan in-nuqqas jissejjaħ "dnub tan-nisel".*

418 *Minħabba d-dnub tan-nisel in-natura tal-bniedem ġiet imdgħajfa fis-setgħat naturali tagħha, waqgħet taħt il-ħakma tal-injoranza u tat-tbatija u taħt is-setgħa tal-mewt u għandha ġibda lejn id-dnub (din il-ġibda tissejjaħ "konkupixxenza").*

[137] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 13.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 180-181 5/16/2014 11:13:37 AM

419 *"Aħna nżommu, mal-Konċilju ta' Trento, li d-dnub tannisel nirtuh flimkien man-natura tagħna ta' bnedmin, "mhux b'imitazzjoni" imma bi "propagazzjoni", u għalhekk hu "propju ta' kull wieħed minna".*[138]

420 *Ir-rebħa fuq id-dnub li kiseb Kristu tatna ġid wisq aqwa minn dak li ħadilna d-dnub: "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja"* (*Rum* 5,20).

421 *"L-Insara jemmnu li d-dinja twaqqfet u qed tinżamm mill-imħabba tal-Ħallieq; waqgħet, iva, fil-jasar tad-dnub, iżda ġiet meħlusa minn Kristu msallab u rxoxt li farrak is-setgħa tal-ħażen".*[139]

[138] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 16.

[139] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 2.

kkk 113-182 latest.OK (r).indd 182 5/16/2014 11:13:37 AM

IT-TIENI KAPITLU

"NEMMEN F'ĠESÙ KRISTU, IBNU WIEĦED, SIDNA"

Il-Bxara t-Tajba: Alla bagħat lil Ibnu

422 "Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, 389
imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (*Gal* 4,4-5). Din hi "il-Bxara t-Tajba (l-Evanġelju) ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla" (*Mk* 1,1): Alla żar lill-poplu tiegħu (ara *Lq* 1,68) u temm il-wegħdiet magħmulin lil Abraham u lil nislu (ara *Lq* 2763
1,55) u Alla għamel dan b'mod li ħadd ma kien jistenna: bagħat 'l Ibnu l-għażiż (ara *Mk* 1,11).

423 Aħna nemmnu u nistqarru li Ġesù ta' Nazaret, imwieled Lhudi minn bint Iżrael, f'Betlehem, fi żmien is-Sultan Erodi l-Kbir u l-Imperatur Ċesri Awgustu; kellu s-sengħa ta' mastrudaxxa, miet imsallab f'Ġerusalemm, taħt il-Prokuratur Ponzju Pilatu, fi żmien is-saltna tal-Imperatur Tiberju – hu l-Iben etern ta' Alla magħmul bniedem li "ġie mingħand Alla" (*Ġw* 13,3), "niżel mis-sema" (*Ġw* 3,13; 6,33), "sar bniedem" (*1 Ġw* 4,2), għax "il-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità ... Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja" (*Ġw* 1,14.16).

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 183 5/16/2014 11:15:24 AM

683 424 Immexxija mill-grazzja tal-Ispirtu s-Santu u miġbudin mill-Missier, aħna nemmnu u nistqarru dwar Ġesù: “Inti
552 l-Messija, Bin Alla l-ħaj” (*Mt* 16,16). Hu fuq il-blata ta’ din il-fidi, li stqarr San Pietru, li Kristu bena l-Knisja tiegħu (ara *Mt* 16,18).[1]

“Inxandar ... l-għana ta’ Kristu, għana li ebda mohħ ma jista’ jifhmu” (*Ef* 3,8)

425 Ix-xandir tal-fidi Nisranija hi l-ewwel nett it-tħabbira ta’ Ġesù Kristu, li trid twassal għall-fidi fih. Sa mill-bidu, l-ewwel dixxipli kienu mkebbsin bix-xewqa li jħabbru ’l Kristu: “Aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna” (*Atti*
850; 858 4,20). U stiednu l-bnedmin ta’ kull żmien biex jidħlu fil-hena tax-xirka ma’ Kristu:

> Dak li aħna smajna, li rajna b’għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna, jiġifieri l-Verb tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom. Għax il-ħajja dehret u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin inxandrulkom il-ħajja ta’ dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna. Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma’ Ibnu Ġesù Kristu. U qegħdin niktbu dan biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ (*1 Ġw* 1,1-4).

Il-qalba tal-katekeżi: Kristu

1698 426 “Fil-qalba tal-katekeżi nsibu essenzjalment Persuna, dik ta’ Ġesù ta’ Nazaret, l-Iben Waħdieni tal-Missier ... li bata u miet għalina, li qam mill-imwiet u issa qiegħed magħna għal dejjem ... Tikkatekizza ... jiġifieri turi fil-Persuna ta’ Kristu l-pjan ta’ dejjem ta’ Alla. Tipprova tifhem it-tifsir tal-

[1] San Ljun il-Kbir, *Omelija* 4, 3: PL 54, 151; *Omelija* 51, 1: PL 54, 309B; *Omelija* 62, 2: PL 54, 350-351; *Omelija* 83, 3: PL 54, 432A.

ġesti u tal-kliem ta’ Kristu, tifhem is-sinjali li għamel”.[2] L-għan tal-katekeżi: “Tixxierek ma’ Ġesù Kristu: hu biss 513
jista’ jwassal għall-imħabba tal-Missier fl-Ispirtu s-Santu u jagħtina sehem mill-ħajja tat-Trinità Qaddisa”.[3] 260

427 “Fil-katekeżi hu Kristu, il-Verb magħmul bniedem u 2145
Bin Alla, li jiġi mgħallem – il-bqija kollu li jingħad, jingħad b’riferenza għalih: u Kristu biss hu dak li jgħallem; ħaddieħor jgħallem għax isemma’ l-Kelma ta’ Kristu, għax iħalli ’l Kristu jgħallem b’fommu ... Kull katekista għandu jkun jista’ 876
jgħid għalih stess il-kliem misterjuż ta’ Kristu: ‘It-tagħlim tiegħi mhuwiex tiegħi, imma ta’ dak li bagħatni’ (*Ġw* 7,16)”.[4]

428 Min hu msejjaħ biex jevanġelizza dwar Kristu irid l-ewwel nett ifittex “il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi”; irid jaċċetta “li nitlef kollox ... biex nirbaħ lil Kristu u nkun ninsab fih” u “nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt, biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet” (*Fil* 3,8-11).

429 Hu dan l-għarfien kollu mħabba ta’ Kristu li jqanqal ix- 851
xewqa għat-tħabbir, għall-“evanġelizzazzjoni” biex iwassal lill-oħrajn għall-“Iva” tal-fidi f’Ġesù Kristu. Iżda fl-istess ħin tinħass il-ħtieġa li din il-fidi tkun magħrufa dejjem aktar u aħjar. Biex jintlaħaq dan il-għan, skont l-ordni tas-Simbolu tal-fidi se nfissru l-ewwel it-titoli ewlenin ta’ Ġesù: Kristu, Iben ta’ Alla, Mulej (artiklu 2). Is-Simbolu mbagħad jistqarr il-misteri ewlenin tal-ħajja ta’ Kristu: għalhekk se nitkellmu dwar il-misteru tal-Inkarnazzjoni (artiklu 3), dwar dak tal-

[2] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae*, (1979), 5.
[3] *Ibid.*
[4] *Ibid.*, 6.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 184-185 5/16/2014 11:15:24 AM

Għid (artikli 4 u 5), u fl-aħħar dwar dak tal-glorifikazzjoni ta' Kristu (artikli 6 u 7).

It-tieni artiklu

"U F'ĠESÙ KRISTU, IBNU WIEĦED, SIDNA"

I. Ġesù

210 430 *Ġesù* bil-Lhudi jfisser "Alla jsalva". Dakinhar tat-Tħabbira, l-anġlu Gabrijel tah isem proprju, Ġesù, isem li fl-istess ħin kien ifisser l-identità tiegħu u l-missjoni tiegħu (ara *Lq* 1,31). Għaliex "Alla biss jista' jaħfer id-dnubiet" (ara *Mk* 2,7), hu Alla li, f'Ġesù, Ibnu minn dejjem ta' dejjem u li
402 sar bniedem, "isalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (*Mt* 1,21). B'dan il-mod, Alla, f'Ġesù, jiġbor il-ġrajja kollha tas-salvazzjoni favur il-bnedmin.

431 Fil-ġrajja tas-salvazzjoni, Alla ma ħelisx biss lil Iżrael minn "dar il-jasar" (*Dewt* 5,6), meta ħarġu mill-Eġittu.
1441; 1850 Salvah ukoll minn dnubu. Id-dnub hu dejjem offiża li ssir lil
388 Alla (ara *Salm* 51,6), u hu biss jista' jaħfru (ara *Salm* 51,11). Hu għalhekk li Iżrael, li beda jintebaħ dejjem aktar kif id-dnub hu mxerred ma' kullimkien, għaraf li ma setax ifittex is-salvazzjoni jekk mhux filli jsejjaħ l-isem ta' Alla-Feddej (ara *Salm* 79,9).

589; 2666 432 L-isem ta' Ġesù jfisser li l-istess isem ta' Alla jinsab fil-Persuna ta' Ibnu (ara *Atti* 5,4; *3 Ġw* 7), sar bniedem biex jeħles il-bnedmin kollha darba għal dejjem minn
389 dnubiethom. Hu l-isem ta' Alla biss li jagħti s-salvazzjoni (ara *Ġw* 3,18; *Atti* 2,21), u issa jista' jissejjaħ minn kulħadd

għax Ġesù ingħaqad mal-bnedmin kollha bl-inkarnazzjoni (ara *Rum* 10, 6-13) hekk li "mkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu 161 salvi" (*Atti* 4,12; ara *Atti* 9,14; *Ġak* 2,7).

433 L-isem ta' Alla-Feddej kien jissemma' darba biss fis-sena mill-qassis il-kbir għall-espjazzjoni tad-dnubiet ta' Iżrael, meta kien iroxx fuq l-għatu ta' fuq l-arka tax-xhieda miktuba fil-post l-aktar Qaddis id-demm tas-sagrifiċċju (ara 615 *Lev* 16,15-16; *Sir* 50,20; *Lh* 9,7). L-għatu ta' fuq l-arka, jew propizjatorju, kien juri l-preżenza ta' Alla fost il-poplu (ara *Eż* 25,22; *Lev* 16,2; *Num* 7,89; *Lh* 9,5). Meta San Pawl għal Ġesù qal li "Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet" (*Rum* 3,25) ried ifisser li, permezz ta' Ibnu magħmul bniedem, kien Alla "li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu" (ara *2 Kor* 5,19).

434 Il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet igglorifika l-isem ta' Alla-Feddej (ara *Ġw* 12,28) għax issa hu l-isem ta' Ġesù li 2812 juri fil-milja kollha tagħha l-qawwa, għolja fuq li għolja, tal-"Isem li hu fuq kull isem" (*Fil* 2,9-10). L-ispirti ħżiena jibżgħu mill-isem ta' Ġesù (ara Atti 16,16-18; 19,13-16), u f'isem Ġesù d-dixxipli tiegħu għamlu l-mirakli (ara *Mk* 16,17), għax kulma kienu jitolbu lill-Missier f'isem Ġesù, il-Missier kien 2614 jagħtihulhom (ara *Ġw* 15,16).

435 L-isem ta' Ġesù hu fil-qalba tat-talb Nisrani. It-talbiet 2667-2668 liturġiċi kollha jagħlqu bil-formula *b'Ibnek Ġesù Kristu Sidna* ... U l-"Ave Maria" tilħaq il-quċċata tagħha bil-kliem "u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù". U t-talba tal-qalb 2676 tal-orjentali, magħrufa bħala "Talba lil Ġesù" tgħid: "Ġesù Kristu, Iben Alla, Mulej, ħenn għalija l-midneb". Ħafna Nsara jmutu huma u jtennu b'fommhom, bħal Santa Ġovanna d'Arco, kelma waħda biss: "Ġesù!"

II. Kristu

436 *Kristu* hi traduzzjoni bil-Grieg tal-kelma Lhudija
690; 695 "Messija", li tfisser "midluk". Il-kelma saret l-isem propju ta' Ġesù għax dan temm perfettament il-missjoni, imfissra b'ismu, fdata lilu minn Alla. F'Iżrael kienu jiġu midlukin f'isem Alla dawk li kienu jiġu kkonsagrati lilu għal xi missjoni ġejja minnu. Kienu slaten (ara *1 Sam* 9,16; 10,1.12.13; *1 Slat* 1,39), qassisin (ara *Eż* 29,7; *Lev* 8,12) u rarament profeti (ara *1 Slat* 19,16). Dan kellu jkun il-każ speċjali tal-Messija, mibgħut minn Alla biex iwaqqaf is-Saltna darba għal dejjem (ara *Salm* 2,2; *Atti* 4,26-27). Il-Messija kellu jiġi midluk mill-Ispirtu s-Santu (ara *Is* 11,2) biex ikun fl-istess waqt sultan u qassis (ara *Żak* 4,14; 6,13), imma wkoll profeta (ara *Is* 61,1; *Lq* 4,61-21). Kristu temm it-tama
711-716 messjanika ta' Iżrael bil-missjoni tiegħu ta' qassis, profeta
783 u sultan.

486; 525 437 L-anġlu ħabbar lir-rgħajja t-twelid ta' Ġesù bħala t-twelid tal-Messija mwiegħed lil Iżrael: "Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej" (*Lq* 2,11). Sa mill-bidu hu dak li il-Missier ikkonsagrah u bagħtu fid-dinja (ara *Ġw* 10,36), li tnissel bħala "qaddis" (*Lq* 1,35) fil-ġuf safi tal-Verġni Marija. Alla sejjaħ lil Ġużeppi biex jieħu lil Marija għandu b'martu għax "dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" (*Mt* 1,20), biex Ġesù "li jsejħulu Kristu" jitwieled minnha, mart Ġużeppi min-nisel messjaniku ta' David (*Mt* 1,16; ara *Rum* 1,3; *2 Tim* 2,8; *Apok* 22,16).

727 438 Il-konsagrazzjoni messjanika ta' Ġesù turi x'kienet il-missjoni divina tiegħu. "Wara kollox ismu stess hekk ifisser, għax l-isem Kristu jiġbor fih, lil Dak li ta d-dilka, lill-Midluk u lid-Dilka nnifisha li biha ġie midluk. Dak li ta d-dilka hu l-Missier, il-Midluk hu l-Iben li rċieva d-dilka fl-Ispirtu s-Santu

li hu d-Dilka nnifisha".[5] Il-konsagrazzjoni messjanika ta' Kristu, li kienet minn dejjem, ġiet irrivelata fiż-żmien li Ġesù kien fid-dinja, meta ġie mgħammed minn Ġwanni u Alla 535
kkonsagrah "bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa" (*Atti* 10,38) "biex hu jkun mgħarraf lil Iżrael" (*Ġw* 1,31) bħala l-Messija. Kliemu u għemilu jagħmluh magħruf bħala l-"Qaddis ta' Alla" (*Mk* 1,24; *Ġw* 6,69; *Atti* 3,14).

439 Ħafna Lhud u xi pagani, li kellhom sehem fit-tama 528-529
tal-Lhud, f'Ġesù raw il-karatteristiċi fundamentali ta' "bin David" messjaniku, imwiegħed minn Alla lil Iżrael (ara *Mt* 547
2,2; 9,27; 12,23; 15,22; 20,30; 21,9.15). Ġesù aċċetta t-titolu ta' Messija għax kellu dritt għalih (ara *Ġw* 4,25-26; 11,27), iżda mhux mingħajr riżervi, għaliex dan it-titolu, parti min-nies ta' żmien Ġesù kienu jifhmuh b'mod uman wisq (ara *Mt* 22,41-46): essenzjalment b'tifsira politika (ara *Ġw* 6,15; *Lq* 24,21).

440 Ġesù laqa' l-istqarrija tal-fidi ta' San Pietru li 552
għarfu bħala l-Messija tiegħu, huwa u jħabbar il-passjoni ta' Bin il-Bniedem li ma kellhiex iddum ma sseħħ (ara *Mt* 16,16-23). Hu wera t-tifsir veru tas-Saltna messjanika kemm fl-identità traxxendenti ta' Bin il-Bniedem "li niżel mis-sema" (*Ġw* 3,13; ara *Ġw* 6,62; *Dan* 7,13), u kemm fil-missjoni tiegħu għall-fidwa tad-dinja bħall-Qaddej li jbati: "Bin il-Bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (*Mt* 20,28; ara *Is* 53,10-12). Hu għalhekk li t-tifsir veru tas-Saltna tiegħu deher minn fuq 550; 445
l-għoli tas-Salib (ara *Ġw* 19,19-22; *Lq* 23,39-43). Kien biss wara l-Qawmien mill-imwiet li s-Saltna messjanika ta' Kristu setgħet titħabbar minn San Pietru quddiem il-poplu ta' Alla:

[5] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 3, 18, 3: PG 7, 934.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 188-189 5/16/2014 11:15:25 AM

"Mela ħa jkun jaf fiż-żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija" (*Atti* 2,36).

III. Iben waħdieni ta' Alla

441 It-titolu ta' *Bin Alla,* fit-Testment il-Qadim, kien jingħata lill-anġli (ara *Dewt* [LXX] 32,8; *Ġob* 1,6), lill-poplu magħżul ta' Alla (ara *Eż* 4,22; *Hos* 11,1; *Ġer* 3,19; *Sir* 36,11; *Għerf* 18,13), lil ulied Iżrael (ara *Dewt* 14,1; *Hos* 2,1) u lis-slaten tagħhom (ara *2 Sam* 7,14; *Salm* 82,6). Dak iż-żmien kien ifisser l-adozzjoni ta' wlied li Alla biha waqqaf relazzjonijiet ta' intimità partikulari mal-bniedem li hu ħalaq. Meta s-Sultan-Messija mwiegħed jissejjaħ "Bin Alla" (ara *1 Kron* 17,13; *Salm* 2,7) ma kienx ta' bilfors ifisser, skont is-sens letterali ta' dawn is-siltiet, li kellu jkun 'il fuq mill-bnedmin. Dawk li sejħu lil Ġesù bħala l-Messija ta' Iżrael (ara *Mt* 27,54), forsi ma ridux jgħidu aktar minn hekk (ara *Lq* 23,47).

442 Iżda dan ma nistgħux ngħiduh għal San Pietru meta stqarr li Ġesù hu "l-Messija, Bin Alla l-ħaj" (*Mt* 16,16), għax Ġesù għall-istqarrija tiegħu wieġbu b'mod l-aktar solenni:
552 "Mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan *(din ir-rivelazzjoni),* imma *Missieri* li hu fis-smewwiet" (*Mt* 16,17). Bl-istess mod, San Pawl huwa u jsemmi l-konverżjoni tiegħu fit-triq ta' Damasku, jgħid: "Meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus ... " (*Gal* 1,15-16). "U malajr beda jxandar lil Ġesù fis-sinagogi u jgħid li dan hu l-Iben ta' Alla" (*Atti* 9,20). Dan kien mill-bidu ċ-ċentru tal-fidi
424 tal-Appostli (ara *Ġw* 20,31) li stqarrha l-ewwel San Pietru bħala l-pedament tal-Knisja (ara *Mt* 16,18).

443 Jekk San Pietru seta' jagħraf il-karattru traxxendenti ta' Ġesù l-Messija bħala Bin Alla, dan ġara għaliex Ġesù stess tah li jifhem dan b'mod l-aktar ċar. Quddiem is-Sanhedrin, Ġesù lil dawk li kien jixluh: "Inti mela l-Iben ta' Alla?", wieġeb: "Intom stess qegħdin tgħiduh; iva, jien" (*Lq* 22,70; *Mt* 26,64; *Mk* 14,61-62). Ħafna qabel kien sejjaħ lilu nnifsu "l-Iben" li jagħraf lill-Missier (ara *Mt* 11,27; 21,37-38), differenti mill-"qaddejja" li Alla qabel kien jibgħat lill-poplu tiegħu (ara *Mt* 21,34-36), aqwa mill-istess anġli (ara *Mt* 24,36). Iddistingwa l-filjazzjoni tiegħu minn dik tad-dixxipli għax qatt ma qal "Missierna" (ara *Mt* 5,48; 6,8; 2786
7,21; *Lq* 11,13) ħlief meta kkmandahom: "Mela itolbu hekk: Missierna" (*Mt* 6,9), u insista fuq din id-distinzjoni: "Missieri u Missierkom" (*Ġw* 20,17).

444 L-Evanġelji jsemmu żewġ mumenti solenni, il- 536; 554
Magħmudija u t-Trasfigurazzjoni ta' Kristu, meta nstema' leħen il-Missier isejjaħlu "Ibni l-għażiż" (ara *Mt* 3,17; 17,5). Ġesù stess isejjaħ lilu nnifsu "Iben waħdieni ta' Alla" (ara *Ġw* 3,16) u hekk juri li kien Iben minn dejjem ta' dejjem (ara *Ġw* 10,36). Irid li t-twemmin ikun "fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla" (*Ġw* 3,18). Din l-istqarrija Nisranija narawha ġa fil-kliem taċ-ċenturjun quddiem Ġesù msallab: "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla" (*Mk* 15,39). Fil-fatt, hu fil-misteru tal-Għid biss, li dak li jemmen jista' jagħti lit-titolu: "Bin Alla" it-tifsir sħiħ tiegħu.

445 Wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, il-filjazzjoni 653
divina tiegħu dehret fil-qawwa kollha tagħha fl-umanità glorifikata tiegħu: "skont l-Ispirtu s-Santu, ġie rrivelat bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet" (*Rum* 1,4; ara *Atti* 13,33). L-Appostli setgħu għalhekk jistqarru: "Aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità" (*Ġw* 1,14).

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 190-191 5/16/2014 11:15:25 AM

IV. Mulej

446 Fit-traduzzjoni Griega tal-kotba tat-Testment il-Qadim, l-isem hekk għoli li bih Alla wera lilu nnifsu lil Mosè (ara *Es* 3,14), JAĦWEH, ġie mfisser bil-kelma *Kyrios* (Mulej). Il-kelma *Mulej* minn dak iż-żmien bdiet tintuża tista' tgħid dejjem għall-istess Alla ta' Iżrael. Hu f'dan is-sens li
209 t-Testment il-Ġdid juża din il-kelma "Mulej", u jużaha mhux biss għal Alla l-Missier, imma wkoll – u din hi l-ħaġa ġdida – għal Ġesù, li għalhekk hu wkoll Alla (ara *1 Kor* 2,8).

447 Ġesù nnifsu jużah għalih dan it-titolu, b'mod mistur, fid-diskussjoni tiegħu mal-Fariżej dwar it-tifsir tas-Salm 110 (ara *Mt* 22,41-46; ara wkoll *Atti* 2,34-36; *Lh* 1,13), imma b'mod ċar, esplicitament, meta jkellem lill-Appostli (ara *Ġw* 13,13). Tul il-ħajja pubblika kollha tiegħu, is-setgħa tiegħu
548 fuq in-natura, fuq il-mard, fuq ix-xjaten, fuq il-mewt u d-dnub huma xhieda tas-setgħa tiegħu divina.

448 Ta' spiss, fl-Evanġelji, xi nies isejħu lil Ġesù "Mulej". It-titlu juri r-rispett u l-fiduċja li bihom kienu jersqu lejn Ġesù dawk li kienu jistennew minnu għajnuna u fejqan (ara *Mt*
208; 683 8,2; 14,30; 15,22; u l-bqija). Imnebbħa bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, din is-sejħa "Mulej" hi stqarrija tal-Misteru divin ta' Ġesù (ara *Lq* 1,43; 2,11). Fil-laqgħa ma' Kristu mqajjem mill-imwiet, it-titlu jinbidel f'espressjoni ta' adorazzjoni: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" (*Ġw* 20,28). U hekk jieħu t-tifsira
641 ta' mħabba u mħabba kbira, tifsira li hi propja tat-tradizzjoni Nisranija: "Il-Mulej dan! (Hu l-Mulej!)" (*Ġw* 21,7).

449 L-ewwel stqarrijiet tal-fidi tal-Knisja, huma u jsejħu lil Ġesù bit-titlu divin ta' Mulej, sa mill-bidu (ara *Atti* 2,34-36), għarfu li s-setgħa, il-ġieħ u l-glorja li kienu jistħoqqu lil Alla
461 l-Missier kienu wkoll jixirqu lil Ġesù (ara *Rum* 9,5; *Tit* 2,13; *Apok* 5,13) għax "kellu n-natura ta' Alla" (*Fil* 2,6) u għax il-

Missier wera din is-setgħa ta' Ġesù meta qajmu mill-imwiet 653
u għollieh għall-glorja tiegħu (ara *Rum* 10,9; *1 Kor* 12,3; *Fil* 2, 9-11).

450 Sa mill-bidu tal-istorja Nisranija, kull meta ntqal li 668 - 672
Ġesù jsaltan fuq id-dinja u fuq ġrajjietha (ara *Apok* 11,15), dan kien ifisser ukoll li l-bniedem ma għandux jissottometti għal kollox, b'mod assolut, il-libertà personali tiegħu lil xi 2242
setgħa ta' din id-dinja, imma għandu jissottomettiha biss lil Alla l-Missier u lill-Mulej Ġesù Kristu: Ċesri mhuwiex "il-Mulej" (ara *Mk* 12,17; *Atti* 5,29). "Il-Knisja temmen ... li l-muftieħ, iċ-ċentru u l-għan aħħari tal-ġrajja kollha tal-bniedem jinsabu fis-Sid u l-Imgħallem tagħha".[6]

451 It-talb Nisrani jingħaraf mit-titlu "Mulej", kemm jekk 2664-2665
hu stedina għat-talb: "il-Mulej magħkom", kemm jekk hi għeluq tat-talba: "B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna", u kemm jekk hi l-għajta mimlija tama u fiduċja: "Maran ata" ("Il-Mulej ġej") 2817
jew "Marana-ta" ("Ejja, Mulej!") (*1 Kor* 16,22). "Hekk ikun. Ejja, Mulej Ġesù!" (*Apok* 22,20).

Fil-qosor

452 *L-isem ta'* "*Ġesù" jfisser "Alla jsalva". L-iben li twieled mill-Verġni Marija ssemma "Ġesù" għax kellu "jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom"* (*Mt* 1,21): "*għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi"* (*Atti* 4,12).

453 *L-isem ta'* "*Kristu" jfisser "Midluk", "Messija". Ġesù*

[6] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 10; ara 45.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 192-193 5/16/2014 11:15:25 AM

hu Kristu għax "Alla ikkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa" (*Atti* 10,38). *Hu "dak li għandu jiġi"* (*Lq* 7,19), "*it-tama ta' Iżrael"* (*Atti* 28, 20).

454 *L-isem ta' "Bin Alla" jfisser ir-relazzjoni waħdanija minn dejjem ta' dejjem bejn Ġesù Kristu u Missieru. Hu l-Iben il-waħdieni tal-Missier* (*ara Ġw* 1,14.18; 3,16.18) *u hu nnifsu Alla* (*ara Ġw* 1,1). *Biex wieħed ikun Nisrani irid bilfors jemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla* (*ara Atti* 8,37; *1 Ġw* 2,23).

455 *L-isem ta' "Mulej" juri s-setgħa ta' Alla. Meta wieħed jistqarr jew isejjaħ lil Ġesù Mulej, ikun jemmen li Ġesù hu Alla. "Ħadd ma jista' jgħid 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu"* (*1 Kor* 12,3).

It-tielet artiklu

"KIEN IKKONĊEPUT MILL-ISPIRTU S-SANTU U TWIELED MINN MARIJA VERĠNI"

L-ewwel paragrafu

L-IBEN TA' ALLA SAR BNIEDEM

I. Għaliex l-Iben ta' Alla sar bniedem?

456 Mal-Kredu ta' Nicea-Kostantinopli aħna nistqarru "Niżel mis-smewwiet *għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna.* U ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem".[7]

457 Il-Verb sar bniedem *biex isalvana u jħabbibna mill-ġdid ma' Alla*: "għax Alla ħabbna u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna" (*1 Ġw* 4,10). "Il-Missier bagħat lil Ibnu, is-salvatur tad-dinja" (*1 Ġw* 4,14). "Deher biex ineħħi d-dnubiet" (*1 Ġw* 3,5). 607

> Marida, in-natura tagħna kienet titlob fejqan; imwaqqgħa, kienet titlob li tintrefa'; mejta, kienet titlob li jingħatalha l-qawmien mill-imwiet. Tlifna l-ġid li kellna, issa jeħtieġ li nerġgħu niksbuh. Magħluqin fid-dlamijiet, jeħtieġ li joħorġuna għad-dawl; marbutin bil-ktajjen, nistennew feddej; fil-ħabs, nistennew l-għajnuna; ilsiera, nistennew min jeħlisna. Dawn ir-raġunijiet kollha, tgħid, kienu neqsin minn xi importanza? Ma kellhomx iqanqlu 'l Alla biex jiċċekken san-natura tagħna l-bnedmin biex iżurna, ladarba l-bnedmin kienu f'qagħda hekk miżera u hekk ħażina?[8] 385

458 Il-Verb sar bniedem *biex hekk aħna nagħrfu l-imħabba ta' Alla*: "B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih" (*1 Ġw* 4,9). "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (*Ġw* 3,16). 219

459 Il-Verb sar bniedem *biex ikun għalina eżempju ta' qdusija:* "Ħudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni ..." (*Mt* 11,29). "Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi" *(Ġw* 14,6). U l-Missier fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni ordna: "Isimgħu lilu" (*Mk* 9,7; ara *Dewt* 6,4-5). Fil-fatt hu għalina eżempju tal-Beatitudni u r-regola tal-Liġi l-ġdida: "li tħobbu 520; 823 2012 1717; 1965

[7] DS 150.

[8] San Girgor ta' Nissa, *Diskors Kateketiku* 15, 3: PG 45, 48B.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 194-195 5/16/2014 11:15:25 AM

lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (*Ġw* 15,12). Din l-imħabba tissopponi l-offerta effettiva tagħna nfusna fil-mixi wara l-Mulej (ara *Mk* 8,34).

1265; 1391 460 Il-Verb sar bniedem *biex inkunu nistgħu nissieħbu "fin-natura ta' Alla"* (*2 Piet* 1,4). "Din hi r-raġuni għaliex il-Verb sar bniedem u Bin Alla sar Bin il-bniedem: biex il-bniedem isir Bin Alla billi jixxierek mal-Verb u hekk jikseb il-filjazzjoni divina".[9] "L-Iben ta' Alla sar bniedem biex lilna
1988 jagħmilna allat".[10] "L-Iben waħdieni ta' Alla ried li jseħibna fin-natura tiegħu ta' Alla u għalhekk ħa n-natura tagħna biex hu, magħmul bniedem, jagħmel allat lill-bnedmin".[11]

II. L-Inkarnazzjoni

653; 661 449 461 Il-Knisja tieħu kliem San Ġwann ("Il-Verb sar bniedem": *Ġw* 1,14) u ssejjaħ "Inkarnazzjoni" il-fatt li l-Iben ta' Alla ħa n-natura tagħna l-bnedmin biex biha jtemm is-salvazzjoni tagħna. F'innu, li jsemmi San Pawl, il-Knisja tkanta l-Misteru tal-Inkarnazzjoni:

> Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù: hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' Isir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minna barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib (*Fil* 2,5-8).[12]

[9] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji,* 3, 19, 1: PG 7, 939.

[10] San Atanasju ta' Lixandra, *Dwar l-Inkarnazzjoni*, 54, 3: PG 25, 192B.

[11] San Tumas ta' Aquino, *Xogħol fil-qosor* 57 *dwar il-Festa tal-Ġisem ta' Kristu*, 1: "Unigenitus ... Dei Filius, suae divinitatis volens nos esse partecipes, naturam nostram assumpsit, ut homines deos faceret factus homo".

[12] Ara *Liturġija tas-Sigħat*, Kantiku tal-Ewwel Għasar tal-Ħadd.

462 L-Ittra lil-Lhud titkellem ukoll dwar dan il-misteru:

> Għalhekk Kristu meta daħal fid-dinja, qal: "Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija; vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx. Jien imbagħad għedt: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek'" (*Lh* 10,5-7, li jikkwota s-Salm [LXX] 40, 7-9).

463 Il-fidi fl-Inkarnazzjoni tassew tal-Iben ta' Alla hi sinjal li jagħżel il-fidi Nisranija minn twemmin ieħor. "L-Ispirtu ta' 90
Alla tagħrfuh b'dan: kull spirtu, li jistqarr li Ġesù Kristu sar bniedem, hu minn Alla" (*1 Ġw* 4,2). Din kienet il-konvinzjoni hienja tal-Knisja sa mill-bidu tagħha, meta kienet tkanta: "Kbir hu l-misteru tar-reliġjon tagħna: Hu deher fil-ġisem" (*1 Tim* 3,16).

III. Veru Alla u veru bniedem

464 Il-fatt waħdieni u kollu kemm hu singulari tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla ma jfissirx li Ġesù Kristu hu biċċa Alla u biċċa bniedem, jew li Ġesù Kristu hu taħlita konfuża tad-divin u tal-uman, tan-natura ta' Alla u tan-natura tal-bniedem. Sar bniedem tassew u baqa' Alla tassew. Ġesù Kristu hu veru Alla u veru bniedem. Il-Knisja kellha tiddefendi u tiċċara din il-verità tal-fidi tul l-ewwel mijiet tas- 88
snin tagħha kontra ereżiji li kienu qegħdin jiffalsifikawha.

465 L-ewwel ereżiji aktar milli d-divinità ta' Kristu ċaħdu l-umanità vera tiegħu (doċetiżmu njostiku). Sa minn żmien l-Appostli, il-fidi Nisranija kienet tinsisti fuq l-inkarnazzjoni vera tal-Iben ta' Alla, "li ġie fil-ġisem ta' bniedem" (ara *1 Ġw* 4,2-3; *2 Ġw* 7). Iżda mbagħad sa mit-tielet seklu 'l quddiem il-Knisja kellha tgħid kontra Pawlu ta' Samosata, f'Konċilju li ltaqa' f'Antijokja, li Ġesù Kristu hu Bin Alla min-natura tiegħu stess u mhux għax kellu l-adozzjoni. L-ewwel Konċilju Ekumeniku ta' Nicea fis-sena 325 stqarr fil-Kredu tiegħu li

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 196-197 5/16/2014 11:15:25 AM

l-Iben ta' Alla hu "imnissel, mhux magħmul, ħaġa waħda (bil-Grieg 'homousios')[13] mal-Missier" u kkundanna lil Arju li
242 kien jgħid illi "l-Iben ta' Alla ħareġ mix-xejn",[14] u li "ma kienx ħaġa waħda mal-Missier".[15]

466 L-ereżija Nestorjana rat fi Kristu persuna umana li ngħaqdet mal-persuna divina tal-Iben ta' Alla. Quddiem din l-ereżija, San Ċirillu ta' Lixandra u t-tielet Konċilju Ekumeniku li tlaqqa' f'Efesu fis-sena 431 stqarru li "meta l-Verb għaqqad mal-Persuna tiegħu ġisem ħaj mogħti l-ħajja minn ruħ imżejna bir-raġuni, sar bniedem".[16] In-natura umana ta' Kristu hi tal-Persuna divina tal-Iben ta' Alla li ħadha u għamilha tiegħu sa mit-tnissil tiegħu bħala bniedem. Minħabba f'hekk il-Konċilju ta' Efesu fl-431 ipproklama li Marija saret verament Omm Alla għaliex nisslet bħala
495 bniedem fil-ġuf tagħha lill-Iben ta' Alla: "Omm Alla, mhux għaliex il-Verb ta' Alla ħa mingħandha n-natura tiegħu ta' Alla, imma għaliex mingħandha ħa l-ġisem imqaddes tiegħu b'ruħ imżejna bir-raġuni, u dan il-ġisem għaqqdu miegħu fil-Persuna Divina tiegħu u għalhekk ngħidu li l-Verb sar bniedem".[17]

467 Il-Monofiżiti kienu jistqarru li n-natura umana ma baqgħetx li kienet fi Kristu għax ġiet magħquda mal-Persuna Divina tiegħu ta' l-Iben t'Alla. Quddiem din l-ereżija, ir-raba' Konċilju Ekumeniku f'Kalċedonja fl-451 stqarr:

> Fuq il-passi tal-Missirijiet Imqaddsa, aħna lkoll ngħallmu u nistqarru Iben, waħdieni u mhux mibdul, Sidna Ġesù Kristu, il-

[13] Konċilju ta' Nicea I, *Kredu* (325): DS 125.
[14] Konċilju ta' Nicea I, *Ittra Sinodali lill-Eġizzjani* (325): DS 130.
[15] Konċilju ta' Nicea I, *Kredu* (325): DS 126.
[16] Konċilju ta' Efesu, *It-Tieni Ittra ta' San Ċirillu ta' Lixandra lil Nestorju* (431): DS 250.
[17] *Ibid*.: DS 251.

> Mulej perfett bħala Alla u perfett bħala bniedem, veru Alla u veru bniedem, magħmul minn ruħ imżejna bir-raġuni u minn ġisem, natura waħda mal-Missier fid-divinità tiegħu, natura waħda magħna fl-umanità tiegħu, "bħalna f'kollox minbarra fid-dnub" (*Lh* 4,15), imnissel mill-Missier qabel kull żmien bħala Alla, u, f'dawn l-aħħar żminijiet imwieled għalina u għall-fidwa tagħna mill-Verġni Marija, Omm Alla bħala bniedem.
>
> Jeħtieġ li nagħrfu 'l Kristu, wieħed u mhux mibdul, Mulej, Iben waħdieni, li b'żewġ naturi, mingħajr ma tħalltu bejniethom, mingħajr ma nbiddlu, mingħajr ma nqasmu, mingħajr diviżjoni, mingħajr separazzjoni. Id-differenza bejn iż-żewġ naturi bl-ebda mod ma ġiet fix-xejn meta ngħaqdu flimkien fi Kristu, anzi l-propjetajiet ta' kull natura ġew imħarsa u ġew magħquda flimkien f'persuna waħda u f'ipostasi waħda.[18]

468 Wara l-Konċilju ta' Kalċedonja kien hemm xi wħud li n-natura umana ta' Kristu tawha sura ta' persuna. Kontra dawn, il-ħames Konċilju Ekumeniku li tlaqqa' f'Kostantinopli fis-sena 553, stqarr dwar Kristu: "Ma hemmx ħlief ipostasi (jew Persuna) waħda, li hi Sidna Ġesù Kristu, *wieħed mit-Trinità*".[19] Kulma hemm fl-umanità ta' Kristu għandu jiġi 254
attribwit lill-Persuna Divina tiegħu bħala suġġett propju (ara dak li ntqal mill-Konċilju ta' Efesu),[20] mhux il-mirakli biss, imma wkoll it-tbatijiet[21] u l-istess mewt: "Dak li ġie msallab 616
fil-ġisem, Sidna Ġesù Kristu, hu veru Alla, il-Mulej tal-glorja, u wieħed mit-Trinità Qaddisa".[22]

469 B'hekk il-Knisja tistqarr li Ġesù hu fl-istess waqt veru Alla u veru bniedem. Hu verament l-Iben ta' Alla li sar bniedem, sar ħuna, u dan mingħajr ma waqaf li jkun Alla 212
Sidna:

[18] Konċilju ta' Kalċedonja, *Simbolu* (451): DS 301-302.
[19] Konċilju ta' Kostantinopli II, Sessjoni VIII, kan. 4 (553): DS 424.
[20] Konċilju ta' Efesu, *Il-Kundanni ta' San Ċirillu ta' Lixandra* (431), 4: DS 255.
[21] Ara Konċilju ta' Kostantinopli II, Sessjoni VIII, kan. 3 (553): DS 423.
[22] *Ibid*., kan. 10: DS 432.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 198-199 5/16/2014 11:15:25 AM

> "Hu baqa' dak li kien minn dejjem, u ħa s-sura tagħna, li ma kellux" – "Id quod fuit remansit, et quod non erat assumpsit",[23] tkanta l-Liturġija Rumana. U l-Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu xxandar hija u tkanta: "O Iben waħdieni (*monogenes*) u Verb ta' Alla, inti li ma tmut qatt għoġbok tieħu ġisem għas-salvazzjoni tagħna mill-Qaddisa Marija Omm Alla u dejjem Verġni Marija, u mingħajr ebda tibdil sirt bniedem u ġejt imsallab. O Kristu Alla, li bil-mewt tiegħek qridt il-mewt, inti li int wieħed mit-Trinità Qaddisa, imsebbaħ mal-Missier u mal-Ispirtu, salvana!"[24]

IV. Kif huwa bniedem l-Iben ta' Alla?

470 Għaliex fl-għaqda misterjuża tal-Inkarnazzjoni "in-natura ta' bniedem ittieħdet u mhux inxtorbot",[25] il-Knisja tul iż-żminijiet kellha tistqarr li Kristu kellu ruħ tassew ta' bniedem, bil-ħidmiet kollha tal-intelliġenza u tar-rieda, u ġisem tassew ta' bniedem. Iżda fl-istess ħin, il-Knisja kellha wkoll kull darba tfakkar li n-natura umana ta' Kristu kienet tappartjeni bħala propja lill-Persuna Divina tal-Iben ta' Alla, li ħadha għalih. Kulma Kristu hu u dak li għamel fiha juri li
516 hu "wieħed mit-Trinità". L-Iben ta' Alla jagħti lill-umanità li
626 rċieva l-mod personali tiegħu li bih jeżisti fit-Trinità. B'hekk kemm fir-ruħ tiegħu u kemm fil-ġisem tiegħu Kristu juri bħala bniedem l-imġiba divina tat-Trinità (ara *Ġw* 14, 9-10).

> L-Iben ta' Alla ... ħadem b'idejn ta' bniedem, ħaseb b'fehma ta'
2599 bniedem, aġixxa b'rieda ta' bniedem, ħabb b'qalb ta' bniedem. Imwieled mill-Verġni Marija sar tassew wieħed minna, jixbahna f'kollox, barra mid-dnub.[26]

[23] *Liturġija tas-Sigħat*, Antifona ta' Tifħir ta' Sbiħ il-Jum fl-1 ta' Jannar, ara San Ljun il-Kbir, *Omelija* 21, 2-3: PL 54, 192A.

[24] *Liturġija tas-Sigħat Biżantina,* Troparju "O Monogenes".

[25] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 22.

[26] *Ibid.*

Ir-ruħ u l-intelliġenza ta' Kristu bħala bniedem

471 Apollinare ta' Laodikija kien jgħid li fi Kristu l-Verb ħa l-post tar-ruħ jew tal-ispirtu. Kontra dan l-iżball, il-Knisja stqarret li l-Iben Etern ta' Alla ħa wkoll ruħ ta' bniedem, 363
imżejna bir-raġuni.[27]

472 Din ir-ruħ ta' bniedem li l-Iben ta' Alla ħa għalih kienet tassew tikseb l-intelliġenza kif jiksbuha l-bnedmin. Din l-intelliġenza minnha nnifisha ma setgħetx tkun illimitata: ir-ruħ umana ta' Kristu kienet tikseb it-tagħrif fil-kundizzjonijiet storiċi taż-żmien u tal-imkien li fihom għex. Hu għalhekk li l-Iben ta' Alla meta sar bniedem seta' jaċċetta li "jikber fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja" (*Lq* 2,52) u li jsir jaf dak li bħala bniedem seta' jkun jaf bih b'esperjenza (ara *Mk* 6,38; *Mk* 8,27; *Ġw* 11,34; u l-bqija). Dan kollu jaqbel mal-fatt li minn rajh ried jiċċekken u jieħu "in-natura ta' lsir" (*Fil* 2,7).

473 Iżda fl-istess waqt, din l-intelliġenza verament umana tal-Iben ta' Alla kienet turi l-ħajja divina tal-Persuna tiegħu.[28] "In-natura umana tal-Iben ta' Alla, *mhux minnha nnifisha imma permezz tal-għaqda tagħha mal-Verb,* kienet taf u wriet fiha nnifisha kulma kien jixraq lil Alla".[29] 240
L-ewwel nett hemm l-għarfien intimu u immedjat li l-Iben ta' Alla magħmul bniedem kellu ta' Missieru (ara *Mk* 14,36; *Mt* 11,27; *Ġw* 1,18; 8,55; u l-bqija). Fl-għarfien tiegħu bħala bniedem, l-Iben ta' Alla wera wkoll li kellu s-setgħa divina li jidħol fil-fond tal-qlub tal-bnedmin u jagħraf il-ħsibijiet moħbija tagħhom (ara *Mk* 2,8; *Ġw* 2,25; 6,61; u l-bqija).

[27] Ara Damasu I, *Ittra lill-Isqfijiet tal-Lvant*: DS 149.

[28] Ara San Girgor il-Kbir, *Ittra* 10, 39, lill-Patrijarka Ewloġju ta' Lixandra, *Sicut aqua* (600): DS 475.

[29] San Massimu l-Konfessur, *Kwistjonijiet u Dubji,* 66: PG 90, 840A.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 200-201 5/16/2014 11:15:26 AM

474 U permezz tal-għaqda mal-Għerf ta' Alla fil-persuna tal-Verb magħmul bniedem, l-intelliġenza umana ta' Kristu kienet tgawdi l-għarfien, fil-milja kollha tiegħu, tal-pjan etern ta' Alla, il-pjan li Kristu ġie fid-dinja biex jgħarrafhulna (ara *Mk* 8,31; 9,31; 10,33-34; 14,18-20.26-30). Dak li dwar dan il-pjan Ġesù jgħid li ma jafux (ara *Mk* 13,32), drabi oħra jgħid li ma kellux il-missjoni li jirrivelah (ara *Atti* 1,7).

Ir-rieda umana ta' Kristu

475 Bl-istess mod, il-Knisja fis-sitt Konċilju Ekumeniku (it-tielet Konċilju ta' Kostantinopli fis-sena 681) stqarret li Kristu għandu kemm rieda divina u kemm rieda umana, u ħidma naturali divina u ħidma naturali umana: mhumiex kontra xulxin, imma jaħdmu flimkien, hekk li l-Verb magħmul bniedem ried bħala bniedem, f'att ta' ubbidjenza lejn il-Missier, dak li bħala Alla iddeċieda flimkien mal-Missier u l-Ispirtu s-Santu għas-salvazzjoni tagħna.[30] Ir-rieda umana ta' Kristu "timxi wara r-rieda divina tiegħu mingħajr ma teqfilha jew tmur kontra tagħha, imma billi tkun subordinata għar-rieda setgħana tiegħu ta' Alla".[31]

2008
2824

Il-ġisem veru ta' Kristu

476 Għaliex il-Verb sar bniedem u ħa tassew natura ta' bniedem, il-ġisem ta' Kristu kien limitat.[32] Minħabba f'hekk, il-wiċċ uman ta' Ġesù jista' "jitpinġa" (ara *Gal* 3,1). Fis-seba'

1159-1162

[30] Ara Konċilju ta' Kostantinopli III, *Definizzjoni dwar iż-żewġ ridiet u ħidmiet fi Kristu* (681): DS 556-559.

[31] *Ibid*., DS 556.

[32] Ara Konċilju ta' Lateran (649); kan. 4: DS 504.

Konċilju Ekumeniku,[33] il-Knisja għarfet bħala ħaġa leġittima li jkun hemm xbihat ta' Kristu.

2129-2132

477 Iżda, fl-istess waqt, il-Knisja dejjem għarfet li, fil-Ġisem ta' Ġesù, "Alla li ma nistgħux narawh, rajnieh fostna".[34] Fil-fatt, il-partikularitajiet individwali tal-Ġisem ta' Kristu kienu juru l-Persuna Divina tal-Iben ta' Alla: dan għamel tiegħu s-sura tal-Ġisem tiegħu ta' bniedem tant li mpinġi fuq xbieha mqaddsa, jista' jingħata ġieħ għaliex min jemmen u jagħti ġieħ lix-xbieha, "iqim fiha l-Persuna mpinġija fiha".[35]

Il-qalb tal-Verb magħmul bniedem

478 Ġesù għarafna u ħabbna lkoll wieħed wieħed, tul ħajtu kollha u, fl-agunija u l-passjoni tiegħu, offra lilu nnifsu għal kull wieħed minna: "L-Iben ta' Alla ... ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (*Gal* 2,20). Ħabbna lkoll b'qalb ta' bniedem. Għalhekk il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù minfuda minn dnubietna u għas-salvazzjoni tagħna (ara *Ġw* 19,34) "titqies sinjal u simbolu mill-aqwa ... ta' dik l-imħabba li biha l-Feddej divin bla heda jħobb il-Missier ta' dejjem u l-bnedmin kollha".[36]

487
368
2669
766

Fil-qosor

479 *Fiż-żmien magħżul minn Alla, l-Iben waħdieni tal-Missier, il-Kelma ta' dejjem, jiġifieri l-Verb u x-xbieha*

[33] Konċilju ta' Nicea II, *Definizzjoni dwar ix-Xbihat Sagri* (787), kan 4: DS 600-603.

[34] *Missal Ruman*, Prefazju tal-Milied II.

[35] Konċilju ta' Nicea II, *Definizzjoni dwar ix-Xbihat Sagri* (787): DS 601.

[36] Piju XII, Enċiklika *Haurietis aquas* (1956): DS 3924; ara wkoll l-Enċiklika *Mystici corporis* (1943): DS 3812.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 202-203 5/16/2014 11:15:26 AM

tal-essenza tal-Missier, sar bniedem: mingħajr ma tilef in-natura tiegħu ta' Alla, ħa wkoll in-natura ta' bniedem.

480 *Ġesù Kristu hu veru Alla u veru bniedem, fl-għaqda tal-Persuna tiegħu Divina; għalhekk hu l-Medjatur waħdieni bejn Alla u l-bnedmin.*

481 *Ġesù għandu żewġ naturi, in-natura divina u n-natura umana, mhux imħalltin ma' xulxin, imma magħqudin flimkien fil-Persuna waħda tal-Iben ta' Alla.*

482 *Kristu, għax hu veru Alla u veru bniedem, għandu intelliġenza u rieda ta' bniedem fi qbil perfett u sottomess għall-intelliġenza u r-rieda tiegħu ta' Alla, li għandu flimkien mal-Missier u l-Ispirtu s-Santu.*

483 *L-inkarnazzjoni hi għalhekk il-misteru tal-għaqda tal-għaġeb tan-natura ta' Alla man-natura tal-bniedem fil-Persuna waħda tal-Verb.*

It-tieni paragrafu

"KIEN IKKONĊEPUT MILL-ISPIRTU S-SANTU, TWIELED MINN MARIJA VERĠNI"

I. Kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu ...

484 It-tħabbira li saret lil Marija tat bidu għall-"milja taż-żmien" (*Gal* 4,4), jiġifieri għaż-żmien li fih kellhom iseħħu l-wegħdiet u t-tħejjijiet kollha. Marija ġiet mistiedna biex
461 tnissel lil Dak li fih kellha tgħammar "il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" (*Kol* 2,9). It-tweġiba ta' Alla għall-mistoqsija: "Kif

ikun dan ladarba jiena verġni?" ingħatat bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek" (*Lq* 1,35). 721

485 Il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu hi dejjem marbuta ma' dik tal-Iben u ħaġa waħda magħha (ara *Ġw* 16,14-15). L-Ispirtu s-Santu jintbagħat biex iqaddes il-ġuf tal-Verġni Marija u jagħtiha li tnissel bil-qawwa tiegħu ta' Alla; l-Ispirtu s-Santu li hu "il-Mulej li jagħti l-ħajja", jagħtiha li tnissel l-Iben 689; 723 etern tal-Missier b'ġisem meħud minnha.

486 L-Iben waħdieni tal-Missier imnissel bħala bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija hu "Kristu", jiġifieri dak li rċieva d-dilka mill-Ispirtu s-Santu (ara *Mt* 1,20; *Lq* 1,35) sa mill- 437 bidu tal-eżistenza tiegħu bħala bniedem, għalkemm din il-manifestazzjoni bdiet tidher ftit ftit: lir-rgħajja (ara *Lq* 2,8-20), lill-maġi (ara *Mt* 2,1-12), lil Ġwanni l-Battista (ara *Ġw* 1,31-34), lid-dixxipli (ara *Ġw* 2,11). Il-ħajja kollha ta' Ġesù Kristu wriet kif "Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa" (*Atti* 10,38).

II. ... twieled minn Marija Verġni

487 Dak li l-fidi Kattolika temmen dwar Marija hu mibni 963 fuq dak li temmen dwar Kristu, iżda dak li tgħallem dwar Marija jiċċara l-fidi tagħha fi Kristu.

Il-predestinazzjoni ta' Marija

488 "Alla bagħat lil Ibnu" (*Gal* 4,4), iżda biex iħejjilu ġisem (ara *Lh* 10,5) ried il-kooperazzjoni ħielsa ta' ħliqa. Għalhekk, sa mill-eternità, Alla għażel, biex tkun Omm Ibnu, waħda minn ulied Iżrael, tfajla Lhudija minn Nazaret tal-

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 204-205 5/16/2014 11:15:26 AM

Galilija, "xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija" (*Lq* 1,26-27).

> Il-Missier ta' kull ħniena ried li qabel l-Inkarnazzjoni, dik li ġiet predestinata biex tkun Omm taċċetta dan biex, kif kienet mara li tat sehem biex tiġi l-mewt, hekk tkun mara li tagħti sehemha biex tiġi l-ħajja.[37]

722 489 Tul iż-żmien kollu tal-Patt il-Qadim, il-missjoni ta' Marija *tħejjiet* minn dik ta' nisa qaddisa. Fil-bidu hemm
410 Eva: minkejja d-diżubbidjenza tagħha saritilha l-wegħda li nisilha kien se joħroġ rebbieħ fuq il-Ħażin (ara *Ġen* 3,15), u tkun omm il-ħajjin kollha (ara *Ġen* 3,20). Bis-saħħa ta' din
145 il-wegħda, Sara nisslet iben għalkemm imdaħħla fiż-żmien (ara *Ġen* 18,10-14; 21,1-2). Kontra kull tama tal-bnedmin, Alla jagħżel lid-dgħajfa u lil dawk bla setgħa tad-dinja (ara *1 Kor* 1,27) biex juri li hu jżomm kelmtu: Anna, omm Samwel
64 (ara *1 Sam* 1), Debora, Rut, Ġuditta, Ester, u ħafna nisa oħra. "Marija hi l-ewwel waħda fost iċ-ċkejknin u l-foqra tal-Mulej li minnu bil-fiduċja kollha jistennew is-salvazzjoni u jiksbuha. Magħha, ma' din il-Bint għolja ta' Sijon, wara stennija twila ħa sseħħ il-wegħda, intemmu ż-żminijiet u twaqqfet sura ġdida ta' ħajja".[38]

Imnissla bla tebgħa

490 Marija, biex tkun Omm il-Feddej, "ġiet imżejna minn Alla b'doni jixirqu lill-uffiċċju għoli tagħha".[39] L-anġlu
2676; 2853 Ġabrijel, fit-tħabbira tiegħu, sellmilha "mimlija bil-grazzja" (*Lq* 1,28). Infatti, biex tkun tista' tilqa' bil-fidi b'mod ħieles

[37] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 56; ara 61.
[38] *Ibid*., 55.
[39] *Ibid*., 56.

it-tħabbira tas-sejħa tagħha, kien jeħtieġ li tkun kollha kemm 2001
hi mgħejjuna mill-grazzja ta' Alla.

491 Tul iż-żminijiet il-Knisja ntebħet li Marija, "mimlija bil-grazzja" minn Alla (*Lq* 1,28), ġiet mifdija sa mit-tnissil 411
tagħha. Hu dan li tistqarr id-domma tat-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija, ipproklamata fl-1854 mill-Papa Piju IX:

> L-Imqaddsa Verġni Marija, sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, bi grazzja u favur singulari ta' Alla li jista' kollox, f'ġieħ il-merti magħrufin minn qabel ta' Ġesù Kristu, is-Salvatur tal-bnedmin kollha, kienet għal kollox meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel.[40]

492 Din "il-qdusija singulari tassew tal-għaġeb" li biha Marija "kienet imżejna sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha"[41] ġietha kollha kemm hi minn Kristu: "ġiet mifdija b'mod tal-għaġeb f'ġieħ il-merti ta' Binha".[42] Aktar minn 2011
kull persuna oħra maħluqa, il-Missier berikha "b'kull xorta 1077
ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu" (*Ef* 1,3). Għażilha "fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja" biex tkun "qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba" (*Ef* 1,4).

493 Missirijiet il-Knisja tal-Lvant isejħu 'l Omm Alla "Panaghia" – dik li hi kollha kemm hi qaddisa; u jagħtuha ġieħ bħala "dik li kienet ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub għax qisha magħġuna mill-Ispirtu s-Santu u magħmulha ħolqien ġdid".[43] Bil-grazzja ta' Alla, Marija baqgħet ħielsa minn kull dnub personali tul ħajjitha kollha.

[40] Beatu Piju IX, Bolla *Ineffabilis Deus* (1854): DS 2803.
[41] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 56.
[42] *Ibid*., 53.
[43] *Ibid*., 56.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 206-207 5/16/2014 11:15:26 AM

"Ħa jsir minni skont kelmtek ... "

2617 494 Mat-tħabbira li se tnissel "Bin l-Għoli" bla ma tagħraf raġel, imma bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu (ara *Lq* 1,28-37),
148 Marija wieġbet bl-"ubbidjenza tal-fidi" (*Rum* 1,5) żgura li għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir: "Ara jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont kelmtek" (*Lq* 1,37-38). Hekk, hija u tagħti l-kunsens tagħha għall-Kelma ta' Alla, saret omm Ġesù,
968 u, mhux imxekkla minn ebda dnub, b'qalbha kollha ħaddnet ir-rieda ta' Alla għas-salvazzjoni u tat ruħha kollha kemm hi għall-Persuna u l-ħidma ta' Binha biex taħtu u miegħu, bil-grazzja ta' Alla, li jista' kollox, taqdi l-misteru tas-salvazzjoni.[44]

> Kif jgħid San Irinew: "bl-ubbidjenza tagħha, saret kawża ta' salvazzjoni għaliha stess u għall-ġens kollu tal-bnedmin". Miegħu, mhux ftit mill-Missirijiet tal-imgħoddi qalu ... "L-għoqda tad-diżubbidjenza ta' Eva nħallet bl-ubbidjenza ta' Marija: dak li rabtet il-Verġni Eva bin-nuqqas ta' fidi tagħha, ħallitu l-Verġni Marija bil-
726 fidi tagħha"; huma u jqabblu lil Marija ma' Eva, isejħu 'l Marija "Omm il-ħajjin kollha" u spiss jgħidu: "permezz ta' Eva l-mewt, u permezz ta' Marija l-ħajja".[45]

Il-maternità divina ta' Marija

495 Imsejħa fl-Evanġelju "Omm Ġesù" (*Ġw* 2,1; 19,25; ara *Mt* 13,55), Marija stess tat it-twelid lil Binha, ġiet imsejħa "Omm Sidi" *(Lq* 1,43), b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu. Dak li ġie kkonċeput bħala bniedem mill-Ispirtu s-Santu u sar tassew Bin Marija skont il-ġisem, mhux ħlief l-Iben etern
466; 2677 tal-Missier, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. Il-Knisja tistqarr li Marija hi tassew *Omm Alla* ["Theotokos"].[46]

[44] *Ibid*., 56.

[45] Ara San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 3, 22, 4: PG 7, 959A.

[46] Ara Konċilju ta' Efesu, *It-Tieni Ittra ta' San Ċirillu ta' Lixandra lil Nestorju* (431): DS 251.

Il-verġinità ta' Marija

496 Sa mill-ewwel formulazzjonijiet tal-fidi[47], il-Knisja stqarret li Ġesù tnissel biss bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu fil-ġuf tal-Verġni Marija, waqt li fl-istess ħin tennew li t-tnissil sar fil-ġisem. Ġesù tnissel "mill-Ispirtu mingħajr is-sehem tar-raġel".[48] Missirijiet il-Knisja jaraw fit-tnissil verġinali ta' Ġesù, sinjal li hu tassew Bin Alla li ġie fid-dinja b'ġisem bħal tagħna:

> Hekk San Injazju ta' Antjokja, fil-bidu tat-tieni seklu: "Intom żguri fuq li żguri dwar Sidna li hu tassew min-nisel ta' David skont il-ġisem" (ara *Rum* 1,3), Iben Alla bir-rieda u l-qawwa ta' Alla (ara *Ġw* 1,13), hu mwieled tassew minn Verġni ... kien tassew imsallab fil-ġisem għalina taħt Ponzju Pilatu ... tassew bata għalina kif tassew qam mill-imwiet".[49]

497 Ir-rakkonti tal-Evanġelju (ara *Mt* 1,18-25; *Lq* 1,26-38) iqisu t-tnissil verġinali bħala għemil divin li jisboq kull intelliġenza u kull setgħa umana (ara *Lq* 1,34): "Dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" qal l-anġlu lil Ġużeppi dwar Marija, l-għarusa tiegħu (*Mt* 1,20). F'dan, il-Knisja qiegħda tara sseħħ il-wegħda ta' Alla mħabbra mill-profeta Iżaija: "Ara x-xebba tnissel u jkollha iben" (*Is* 7,14, skont it-traduzzjoni Griega ta' *Mt* 1,23).

498 Xi kultant niltaqgħu ma' tħassib dwar is-skiet tal-Evanġelju ta' San Mark u tal-Ittri tat-Testment il-Ġdid dwar it-tnissil verġinali ta' Ġesù minn Marija. Kien hemm ukoll min staqsa jekk din hijiex xi leġġenda jew xi arranġament teoloġiku nieqes minn pretensjonijiet storiċi, ħsieb teoloġiku mibni fuq fatt li ma seħħ qatt. Għal dan kollu nwieġbu: il-fidi fit-tnissil

[47] Ara DS 10-64.

[48] Konċilju Lateran, kan. 3 (649): DS 503: "Absque semine ex Spiritu Sancto".

[49] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Smirna,* 1-2.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 208-209 5/16/2014 11:15:26 AM

verġinali ta' Ġesù kellha min kien kuntrarju għaliha, min waqqagħha għaċ-
ċajt u ż-żebliħ, min ma fehemhiex fost dawk li ma jemmnux, kemm Lhud
u kemm pagani[50]: it-tnissil verġinali ma ġiex ispirat mill-mitoloġija pagana
jew kien ġie adattat għall-fehmiet ta' dak iż-żmien. It-tifsir tal-fatt jinsab biss
90 fil-fidi li tarah "bħala ħolqa li torbot il-misteri ma' xulxin"[51], il-misteri kollha ta'
Kristu, mill-Inkarnazzjoni sal-Għid. San Injazju ta' Antjokja hu xhud ta' din
ir-rabta: "Il-prinċep ta' din id-dinja ma kienx jaf bil-verġinità ta' Marija, bit-
2717 tnissil ta' Binha, u wkoll bil-mewt tal-Mulej: tliet misteri tal-għaġeb li seħħew
fis-skiet ta' Alla" [52] (ara *1 Kor* 2,8).

Marija "dejjem verġni"

499 Il-Knisja, hija u tidħol aktar fil-fond fil-fidi tagħha dwar il-maternità verġinali waslet biex tistqarr li Marija kienet verġni tassew u baqgħet dejjem verġni,[53] ukoll meta tat it-twelid lill-Iben ta' Alla magħmul bniedem.[54] Fil-fatt, it-twelid ta' Ġesù "ma naqqasx imma qaddes l-integrità verġinali ta' ommu" – xbubitha baqgħet bla mittiefsa.[55] Il-Liturġija tal-Knisja tiċċelebra l-Verġni Marija bħala l-"Aeiparthenos" – "dejjem Verġni".[56]

500 Xi kultant dwar dan issib min jgħid li l-Iskrittura ssemmi l-aħwa

[50] Ara San Ġustinu, *Djalogu ma' Trifone l-Lhudi*, 99, 7: PG 6, 708-709; Oriġene, *Kontra Ċelsu*, 1, 32: PG 8, 720-724; *ibid*., 1, 69: PG 8, 788-789; *et alia*.

[51] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 4: DS 3016.

[52] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Efesin*, 19, 1.

[53] Ara Konċilju ta' Kostantinopli II, kan. 6 (553): DS 427.

[54] Ara San Ljun il-Kbir, *Ittra lil Flavjanu*: DS 291; 294; Pelaġju I, Ittra *Humani generis* lir-Re Kildebert I (557): DS 442; Konċilju tal-Lateran, kan. 3 (649): DS 503; Konċilju ta' Toledo XVI, *Kredu*: DS 571; Pawlu IV, Kostituzzjoni *Cum quorumdam hominum: kontra s-setta tal-Unitarji* (1555): DS 1880.

[55] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 57.

[56] Ara *ibid*., 52.

bniet u subien ta' Ġesù (ara *Mk* 3,31-35; 6,3; *1 Kor* 9,5; *Gal* 1,19). Il-Knisja dejjem fehmet li dawn is-siltiet mhux qegħdin isemmu wlied oħra tal-Verġni Marija: fil-fatt Ġakbu u Ġużeppi, "ħut Ġesù" (*Mt* 13,55) huma wlied ta' ċerta Marija, waħda mid-dixxipli ta' Kristu (ara *Mt* 27,56), li hi msejħa – u dan għandu tifsira qawwija "Marija l-oħra" (*Mt* 28,1). Dawn l-aħwa huma qraba ta' Ġesù, skont espressjoni komuni fit-Testment il-Qadim (ara *Ġen* 13,8; 14,16; 29,15; u l-bqija).

501 Ġesù hu l-Iben waħdieni ta' Marija. Iżda l-maternità 969
spiritwali ta' Marija (ara *Ġw* 19,26-27; *Apok* 12,17) tħaddan
il-bnedmin kollha li hu ġie biex isalva. Hi jkollha Iben li Alla
għamel "li jkun il-kbir fost ħafna aħwa" (*Rum* 8,29), jiġifieri
fost dawk kollha li jemmnu, li għat-twelid u t-trawwim 970
tagħhom Marija tagħti s-sehem bl-imħabba tagħha ta'
omm".[57]

Il-maternità verġinali ta' Marija fil-pjan ta' Alla

502 Il-ħarsa tal-fidi tista' ssib, b'rabta ma' kulma hemm 90
fir-Rivelazzjoni, ir-raġunijiet misterjużi għaliex Alla, fil-pjan
tiegħu tas-salvazzjoni ried li Ibnu jitwieled minn Verġni.
Dawn ir-raġunijiet għandhom x'jaqsmu sewwa kemm mal-
Persuna u l-missjoni ta' Kristu għas-salvazzjoni u kemm
mal-fatt li din il-missjoni laqgħetha Marija għall-bnedmin
kollha.

503 Il-Verġinità ta' Marija turi l-inizjattiva assoluta ta' Alla fl- 422
Inkarnazzjoni: Ġesù ma għandux ħlief lil Alla bħala Missier (ara *Lq* 2, 48-
49). "In-natura umana li ħa qatt ma firditu mill-Missier ... Iben naturali tal-
Missier bħala Alla, iben naturali ta' omm bħala bniedem, imma propjament
Iben il-Missier fiż-żewġ naturi".[58]

[57] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 63.

[58] Konċilju ta' Friuli, *Kredu* (796 / 797): DS 619.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 210-211 5/16/2014 11:15:26 AM

504 Ġesù tnissel mill-Ispirtu s-Santu fil-ġuf tal-Verġni Marija għax hu *Adam il-ġdid* (ara *1 Kor* 15,45) li jagħti bidu għall-ħolqien
359 ġdid. "L-ewwel bniedem, mit-trab, hu tal-art, it-tieni bniedem mis-sema" (*1 Kor* 15,47). L-umanità ta' Kristu, sa mit-tnissil tagħha, hi mimlija bl-Ispirtu s-Santu għax Alla "ma tahx l-Ispirtu s-Santu bil-kejl" (ara *Ġw* 3,34). Hu mill-"milja tiegħu", ta' Dak li hu r-Ras tal-umanità mifdija (ara *Kol* 1,18), li "aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja" (*Ġw* 1, 16).

505 Ġesù, Adam il-ġdid, bit-tnissil verġinali tiegħu, ta bidu
1265 għat-*twelid ġdid* bil-fidi tal-ulied adottivi fl-Ispirtu s-Santu. "Kif ikun dan?" (*Lq* 1,34; ara *Ġw* 3,9). Is-sehem fil-ħajja ta' Alla ma jiġix "mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla" (*Ġw* 1,13). Il-mod kif tiġi milqugħa din il-ħajja hu verġinali, għax tingħata kollha kemm hi lill-bniedem mill-Ispirtu bħala don. Is-sens ta' għerusija li għandha s-sejħa tal-bniedem f'relazzjoni ma' Alla (ara *2 Kor* 11,2) isseħħ b'mod l-aktar perfett fil-maternità verġinali ta' Marija.

148; 1814 506 Marija hi Verġni għaliex il-verġinità tagħha hi *s-sinjal tal-fidi tagħha* "li ebda dubju ma jista' jħassarha",[59] u tal-għotja sħiħa tagħha lir-rieda ta' Alla biss (ara *1 Kor* 7, 34-35). Hi l-fidi tagħha li tagħmilha omm il-Feddej. Marija hi aktar hienja minħabba l-fidi fi Kristu milli minħabba t-tnissil tal-ġisem ta' Kristu" – "beatior ergo Maria percipiendo fidem Christi quam concipiendo carnem Christi".[60]

507 Marija hi fl-istess ħin Verġni u Omm, għax hi x-xbieha tal-Knisja
967 u b'mod l-aktar perfett turi x'inhi l-Knisja.[61] Il-Knisja ... permezz tal-Kelma ta' Alla, milqugħa b'fedeltà, issir hi wkoll omm, għax bil-predikazzjoni u l-Magħmudija tagħti ħajja ġdida u bla tmiem lill-ulied, imnissla mill-Ispirtu s-Santu u mwielda minn Alla. Hi wkoll verġni għax ħarset sħiħa u safja l-fidi
149 li tat lill-Għarus tagħha".[62]

[59] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 63.

[60] Santu Wistin, *Dwar il-Verġinità Mqaddsa*, PL 40, 398.

[61] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 63.

[62] *Ibid*., 64.

Fil-qosor

508 *Min-nisel Eva, Alla għażel il-Verġni Marija biex tkun Omm Ibnu. "Mimlija bil-grazzja" hi "l-aqwa u l-ogħla frott tal-fidwa[63]; sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, kienet għal kollox ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel u baqgħet ħielsa minn kull dnub personali tul ħajjitha kollha.*

509 *Marija hi tassew "Omm Alla" għax hi Omm l-Iben etern ta' Alla magħmul bniedem, li hu wkoll Alla.*

510 *Marija "baqgħet Verġni fit-tnissil ta' Binha, Verġni fit-twelid ta' Binha, Verġni meta kienet iġġorru fil-ġuf tagħha, Verġni meta kienet tisqih minn ħdanha, Verġni dejjem"[64]: Kollha kemm hi, bl-eżistenza kollha tagħha, hi "il-qaddejja tal-Mulej"* (*Lq* 1,38).

511 *Il-Verġni Marija "issieħbet fis-salvazzjoni tal-bnedmin kollha b'fidi ħielsa u bl-ubbidjenza tagħha".[65] Hi qalet l-"iva tagħha, f'isem in-natura umana kollha".[66] Bl-ubbidjenza tagħha saret Eva ġdida, omm il-ħajjin kollha.*

It-tielet paragrafu

IL-MISTERI TAL-ĦAJJA TA' KRISTU

512 Il-Kredu, dwar il-ħajja ta' Kristu jsemmi biss il-Misteri tal-Inkarnazzjoni (tnissil u twelid) u tal-Għid (passjoni, tislib,

[63] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 103.

[64] Santu Wistin, *Omelija* 186, 1: PL 38, 999.

[65] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 56.

[66] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* III, 30, 1.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 212-213 5/16/2014 11:15:26 AM

mewt, difna, inżul bejn l-imwiet, qawmien mill-imwiet, tlugħ fis-sema). Il-Kredu ma jsemmi xejn, espliċitament, dwar il-Misteri tal-ħajja moħbija u tal-ħajja pubblika ta' Ġesù, iżda l-artikli tal-fidi dwar l-Inkarnazzjoni u l-Għid ta' Ġesù
1163 jdawlu l-ħajja *kollha* ta' Kristu fuq l-art. "Dak kollu li Ġesù kien għamel u għallem minn mindu beda sal-jum li fih kien meħud fis-sena" (*Atti* 1,1-2) irridu nħarsu lejh fid-dawl tal-Misteri tal-Milied u tal-Għid.

426; 561 513 Il-katekeżi, skont iċ-ċirkustanzi, tiżviluppa l-għana kollu tal-Misteri ta' Ġesù. Hawn biżżejjed insemmu xi elementi komuni li nsibuhom (I) fil-Misteri kollha tal-ħajja ta' Kristu, biex imbagħad naraw fuq fuq (II) il-Misteri ewlenin tal-ħajja moħbija u (III) tal-ħajja pubblika ta' Ġesù.

I. Il-ħajja kollha ta' Kristu hi misteru

514 Ħafna affarijiet dwar Ġesù li żgur jinteressaw il-kurżità tal-bnedmin, ma jissemmewx fl-Evanġelju. Ftit li xejn jingħad dwar il-ħajja ta' Ġesù f'Nazaret u parti kbira wkoll mill-ħajja pubblika tiegħu ma tissemma xejn (ara *Ġw* 20,30). Dak li nkiteb fl-Evanġelju nkiteb "sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija, l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu" (*Ġw* 20,31).

126 515 L-Evanġelji nkitbu min-nies li kienu minn tal-ewwel li kellhom il-fidi (ara *Mk* 1,1; *Ġw* 21,24) u li riedu jaqsmuha mal-oħrajn. Għax għarfu bil-fidi min kien Ġesù, setgħu juru u jwasslu lill-oħrajn is-sinjali tal-Misteru ta' Kristu fil-ħajja kollha tiegħu fuq l-art. Mill-fsieqi ta' twelidu (ara *Lq* 2,7) sal-ħall tal-passjoni (ara *Mt* 27,48) u l-liżar tal-Qawmien mill-imwiet (ara *Ġw* 20,7), kollox fil-ħajja ta' Kristu hu sinjal tal-Misteru tiegħu. Permezz tal-ġesti, tal-mirakli u tal-kliem

tiegħu wera li "fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" (*Kol* 2,9). Hekk l-umanità tiegħu dehret bħala "sagrament", jiġifieri sinjal u strument tad-divinità tiegħu u 609; 774
tas-salvazzjoni li ġieb: dak li kien jidher f'ħajtu fuq l-art kien iwassal għall-Misteru li ma jidhirx tal-filjazzjoni divina tiegħu 477
u tal-missjoni tiegħu għas-salvazzjoni.

Il-karatteristiċi komuni tal-misteri ta' Ġesù

516 Il-ħajja kollha ta' Ġesù hi r-*Rivelazzjoni* tal-Missier: 65
kliemu u għemilu, is-skiet tiegħu u t-tbatijiet tiegħu, kif kien jgħix u jitkellem. Ġesù seta' jgħid: "Min ra lili ra lill-Missier" (*Ġw* 14,9) u l-Missier qal: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu" (*Lq* 9,35). Sidna sar bniedem biex jagħmel ir-rieda tal-Missier (ara *Lh* 10,5-7); l-iċken karatteristiċi tal-Misteri tiegħu juruna "l-imħabba ta' Alla fina" (*1 Ġw* 2708
4,9).

517 Il-ħajja kollha ta' Ġesù hi Misteru tal-*Fidwa:* il-Fidwa 606
tiġina qabel xejn mid-demm tas-salib (ara *Ef* 1,7; *Kol* 1,13-14; *1 Piet* 1,18-19), iżda dan il-Misteru narawh jaħdem fil- 1115
ħajja kollha ta' Kristu: fl-Inkarnazzjoni tiegħu li biha ftaqar biex bil-faqar tiegħu nistagħnew aħna (ara *2 Kor* 8,9); fil-ħajja moħbija tiegħu meta bl-ubbidjenza tiegħu (ara *Lq* 2,51) patta għad-diżubbidjenza tagħna; f'kelmtu li tnaddaf lil min jisimgħu (ara *Ġw* 15,3); fil-fejqan u l-eżorċiżmi tiegħu li minħabba fihom "rafa' fuqu d-dgħufija tagħna, u tgħabba bil-mard tagħna" (*Mt* 8,17; ara *Is* 53,4); fil-Qawmien tiegħu mill-imwiet li bih iġġustifikana (ara *Rum* 4,25).

518 Il-ħajja kollha ta' Kristu hi Misteru ta' *bidu ġdid* jew 668; 2748
rikapitulazzjoni. Kulma Ġesù għamel, qal u bata kellu bħala għan li jreġġa' l-bniedem imwaqqa' għas-sejħa tiegħu tal-bidu.

> Meta inkarna u sar bniedem (Ġesù) ta bidu ġdid fih innifsu lill-ġrajja twila tal-bnedmin u ġabarha kollha fih fil-qosor ħa jagħtina s-salvazzjoni, hekk li dak li konna tlifna f'Adam ... jiġifieri li nkunu sura u xbieha ta' Alla, niksbuh mill-ġdid fi Kristu Ġesù.[67] Hu għalhekk li Kristu għadda mill-etajiet kollha tal-ħajja biex hekk jagħti lill-bnedmin kollha x-xirka ma' Alla.[68]

Ix-xirka tagħna fil-misteri ta' Ġesù

793 519 L-għana kollu ta' Kristu "hu għal kull bniedem u hu
602 l-ġid ta' kull wieħed".[69] Kristu ma għexx ħajtu għalih innifsu imma *għalina,* mill-Inkarnazzjoni "għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna"[70], sal-mewt tiegħu "minħabba dnubietna" (*1 Kor* 15,3) u sal-qawmien tiegħu mill-imwiet "għall-ġustifikazzjoni tagħna" (*Rum* 4,25). U issa wkoll hu "id-Difensur [tagħna] quddiem il-Missier" (*1 Ġw* 2,1), "ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol" (*Lh* 7,25) għalina. B'dak
1085 kollu li minnu għadda u b'dak kollu li bata għalina darba għal dejjem, jibqa' dejjem "jidher għalina quddiem Alla" (*Lh* 9,24).

459 520 Tul ħajtu kollha, Ġesù juri ruħu ta' eżempju
359 għalina (ara *Rum* 15,5; Fil 2,5). Hu "il-bniedem perfett"[71]
2607 li jistedinna nsiru dixxipli tiegħu u nimxu warajh: meta ċekken lilu nnifsu tana eżempju biex nagħmlu bħalu (ara *Ġw* 13,15); bit-talb tiegħu, jiġbidna għat-talb (ara *Lq* 11,1); bil-faqar tiegħu jistedinna nilqgħu b'mod ħieles iċ-ċaħda ta' kollox u l-persekuzzjonijiet (ara *Mt* 5,11 12).

[67] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 3, 18, 1: PG 7, 932.
[68] *Ibid*., 3, 18, 7: PG 7, 937; ara *ibid*., 2, 22, 4: PG 7, 784.
[69] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptor hominis* (1979), 11.
[70] *Il-Kredu ta' Nicea u Kostantinopli*: DS 150.
[71] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 38.

521 Dak kollu li minnu għadda Kristu jwassalna biex inkunu nistgħu *ngħixu fih u hu jgħix fina.* "Bl-Inkarnazzjoni 2715
tiegħu, l-Iben ta' Alla b'xi mod għaqqad lilu nnifsu ma' kull 1391
bniedem".[72] Aħna msejħin biex ma nagħmlu xejn jekk mhux miegħu; dak li għadda minnu f'ġismu għalina, dak li għex f'ġismu għalina u b'eżempju għalina, għaddieh lilna bħala membri ta' Ġismu.

> Irridu nkomplu u ntemmu fina l-qagħdiet u l-misteri ta' Ġesù u nitolbuh spiss biex itemmhom fina u fil-Knisja kollha tiegħu ... Dan għaliex l-Iben ta' Alla għandu ħsieb jagħmel li aħna u l-Knisja kollha jkollna sehem f'dawn il-Misteri, u jwassalhom u jkomplihom fina u fil-Knisja kollha tiegħu permezz tal-grazzji li jrid jagħti u permezz tal-effetti li jġib fina. U dawn il-Misteri b'dawn il-mezzi irid itemmhom fina.[73]

II. Il-misteri tat-tfulija u tal-ħajja moħbija ta' Ġesù

It-tħejjija

522 Il-miġja tal-Iben ta' Alla fuq l-art hi ġrajja hekk kbira li Alla ried iħejjiha tul iż-żminijiet. Ir-riti u s-sagrifiċċji, il-figuri u 711; 762
s-simboli tal-"Ewwel Patt" (ara *Lh* 9,15) kollox kellu jwassal għal Kristu; dan ħabbru b'fomm il-profeti li kienu jiġu wieħed wara l-ieħor f'Iżrael. Qajjem ukoll fi qlub il-pagani stennija misterjuża għal din il-miġja.

523 *San Ġwann Battista* hu l-prekursur immedjat tal- 712-720
Mulej (ara *Atti* 13,24), mibgħut biex iħejjilu t-triq (ara *Mt* 3,3). "Profeta tal-aktar Għoli" (*Lq* 1,76), jgħaddi l-profeti l-oħra

[72] *Ibid*., 22.
[73] San Ġwann Eudes, *Trattat dwar is-Saltna ta' Ġesù*, 3, 4: ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari tal-Ġimgha tat-33 ġimgħa.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 216-217 5/16/2014 11:15:27 AM

kollha (ara *Lq* 7,26); hu l-aħħar wieħed fost il-profeti (ara *Mt* 11,13), jagħti bidu għall-Evanġelju (ara *Atti* 1,22; *Lq* 16,16), isellem lill-miġja ta' Kristu sa minn ġuf ommu (ara *Lq* 1,41) u jifraħ għax hu "ħabib tal-għarus" (*Ġw* 3,29) li hu jsejjaħ "il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (*Ġw* 1,29). Ġwanni mar qabel Ġesù "mimli bl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija" (*Lq* 1,17), u ta xhieda għalih bil-predikazzjoni, bil-magħmudija għall-konverżjoni u fl-aħħar nett bil-martirju (ara *Mk* 6,17-29).

1171 524 Il-Knisja, hija u tiċċelebra kull sena *l-Liturġija tal-Avvent* iġġedded illum din l-istennija tal-Messija: l-Insara huma u jissieħbu fit-tħejjija twila għall-ewwel miġja tal-Feddej, iġeddu x-xewqa kbira tagħhom għat-tieni miġja (ara *Apok* 22,17). Biċ-ċelebrazzjoni tat-twelid u tal-martirju tal-Prekursur, il-Knisja tingħaqad max-xewqa tiegħu: "Jeħtieġ jikber hu u niċkien jien" (*Ġw* 3,30).

Il-misteru tal-Milied

525 Ġesù twieled fiċ-ċokon ta' stalla minn familja fqira (ara *Lq* 2,6-7): rgħajja sempliċi jkunu l-ewwel xhieda ta'
437 dan. Hu fil-faqar li tidher il-glorja tas-sema (ara *Lq* 2,8-20).
2443 Il-Knisja ma tieqaf qatt tkanta l-glorja ta' dak il-lejl:

> Illum il-Verġni tat l-Etern lid-dinja,
> u l-art tat għar lill-Għoli li hu fuq kollox u fuq kulħadd.
> Ifaħħruh l-anġli u r-rgħajja,
> jersqu lejh il-maġi mmexxijin minn kewkba,
> għax Int twelidt għalina,
> tfajjel ċkejken, Alla ta' dejjem.[74]

526 "Issir bħat-tfal iż-żgħar" quddiem Alla – dan hu

[74] Kontakion ta' San Romanu l-Melodi.

meħtieġ biex tidħol fis-Saltna (ara *Mt* 18,3-4); għal dan il-għan trid tiċċekken (ara *Mt* 23,12), issir żgħir; anzi, wisq aktar jeħtieġ titwieled mill-ġdid (ara *Ġw* 3,7) titwieled minn Alla (ara *Ġw* 1,13) biex issir wieħed minn "ulied Alla" (*Ġw* 1,12). Il-Misteru tal-Milied iseħħ fina meta Kristu "jissawwar" fina (*Gal* 4,19). Il-Milied hu l-misteru ta' din il-bidla tal-għaġeb":

> "X'bidla tal-għaġeb! Il-ħallieq tal-bnedmin ħa ġisem ħaj u twieled minn Marija Verġni: sar bniedem bħalna biex jagħtina sehem fin-natura tiegħu ta' Alla".[75] 460

Il-misteri tat-tfulija ta' Ġesù

527 *Iċ-ċirkonċiżjoni* ta' Ġesù, fit-tmien jum wara t-twelid tiegħu (ara *Lq* 2,21) hi sinjal li hu ġie magħdud man-nisel ta' Abraham, mal-poplu tal-Patt, sinjal li hu qagħad għal-Liġi 580
(ara *Gal* 4,4) u ġie destinat għall-kult ta' Iżrael, li fih hu jieħu sehem tul ħajtu kollha. Dan is-sinjal iħabbar "iċ-ċirkonċiżjoni 1214
ta' Kristu" li hi l-Magħmudija (ara *Kol* 2,11-13).

528 *L-Epifanija* hi l-manifestazzjoni ta' Ġesù bħala 439
l-Messija ta' Iżrael, Iben Alla u Feddej tad-dinja. Flimkien mal-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan u t-tieġ ta' Kana,[76] il-Knisja tiċċelebra l-adorazzjoni ta' Ġesù mill-"maġi" li ġew mil-Lvant (ara *Mt* 2,1). F'dawn il-"maġi", rappreżentanti tar-reliġjonijiet pagani ta' madwar il-Lhudija, l-Evanġelju jara l-ewwel frott tan-nazzjonijiet li jilqgħu l-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni permezz tal-Inkarnazzjoni. Il-wasla tal-maġi f'Ġerusalemm biex iqimu "dak li twieled sultan tal-Lhud"

[75] *Liturġija tas-Sigħat*, Solennità tal-Verġni Omm Alla Marija, Antifona tal-Kantiku ta' Marija tal-I u t-II Għasar.

[76] Ara *Liturġija tas-Sigħat*, Solennità tal-Epifanija, Antifona tat-II Għasar.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 218-219 5/16/2014 11:15:27 AM

(*Mt* 2,2) turi li kienu qed ifittxu f'Lżrael, fid-dawl messjaniku tal-kewkba ta' David (ara *Num* 24,17; *Apok* 22,16), dak li kien se jkun is-Sultan tal-ġnus (ara *Num* 24,17-19). Il-miġja tagħhom tfisser li l-pagani ma jistgħux isibu 'l Ġesù u jaduraw l-Iben ta' Alla u l-Feddej tad-dinja jekk ma jdurux lejn il-Lhud (ara *Ġw* 4,22) biex ikollhom minn għandhom
711-716 il-wegħda tal-Messija kif tinsab fit-Testment il-Qadim (ara *Mt* 2,4-6). L-Epifanija turi li "il-kotra l-kbira tal-pagani dieħla
122 fil-familja tal-patrijarki"[77] u tikseb "id-dinjità sħiħa" ta' nisel Abraham.[78]

583 529 *Il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju* (ara *Lq* 2,22-29) turi li bħala l-ewwel imwieled hu tal-Mulej (ara *Eż* 13,12-13). Ma' Xmun u Anna, dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Iżrael imorru għal-*laqgħa* mal-Feddej (hekk issejjaħ
439 din il-ġrajja t-tradizzjoni Biżantina). Ġesù jingħaraf bħala l-Messija mistenni, "dawl biex idawwal il-ġnus" u "glorja tal-poplu ta' Iżrael", iżda wkoll "sinjal li jmeruh". Is-sejf ta' niket imħabbar lil Marija hu tħabbira ta' offerta oħra, perfetta u
614 waħdanija, tal-offerta tas-salib li jagħti s-salvazzjoni, li Alla "ħejja għall-popli kollha".

530 *Il-ħarba fl-Eġittu* u l-istraġi tal-innoċenti (ara *Mt* 2,13-18) juru l-oppożizzjoni bejn id-dawl u d-dlamijiet: "ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx" (*Ġw* 1,11). Il-ħajja kollha ta' Kristu
574 se tkun taħt is-sinjal tal-persekuzzjoni. Dawk li huma tiegħu jaqsmu dan miegħu (ara *Ġw* 15,20). It-tluq mill-Eġittu (ara *Mt* 2,15) jfakkar l-Eżodu (ara *Hos* 11,1) u juri 'l Ġesù bħala l-ħellies definittiv.

[77] San Ljun il-Kbir, *Omelija* 33, 3: PL 54, 242; ara *Liturġija tas-Sigħat,* Uffiċċju tal-Qari tal-Epifanija.

[78] Ara *Missal Ruman*, Vġili tal-Għid, il-kolletta ta' wara t-tielet lezzjoni.

Il-misteri tal-ħajja moħbija ta' Ġesù

531 Tul parti kbira minn ħajtu, Ġesù qasam mal-kotra l-kbira tal-bnedmin il-qagħda ta' ħajjithom: ħajja ta' kuljum li tidher nieqsa minn kulma jista' jagħmilha kbira f'għajnejn in-
nies, ħajja ta' xogħol tal-id, ħajja reliġjuża Lhudija fil-ħarsien 2427
tal-Liġi ta' Alla (ara *Gal* 4,4), ħajja f'komunità. Minn dan kollu kulma kien rivelat lilna hu li Ġesù kien "jobdi" 'l-ġenituri tiegħu, u kien "jikber fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" (*Lq* 2,51-52).

532 Is-sottomissjoni ta' Ġesù lejn ommu u lejn il-missier legali tiegħu twettaq ir-raba' kmandament fil-perfezzjoni 2214-2220
tiegħu. Hi xbieha taż-żmien tal-ubbidjenza tal-Iben għar-rieda tal-Missier tas-sema. Is-sottomissjoni ta' Ġesù, jum wara l-ieħor, għar-rieda ta' Ġużeppi u ta' Marija tħabbar u turi minn qabel is-sottomissjoni tiegħu waqt it-talb fl-Ort: 612
"Tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi ..." (*Lq* 22,42). L-ubbidjenza ta' Ġesù, jum wara jum, tul il-ħajja moħbija tat bidu għat-twaqqif ġdid ta' dak li d-diżubbidjenza ta' Adam kienet ġarrfet (ara *Rum* 5,19).

533 Il-ħajja moħbija f'Nazaret tħalli 'l kull bniedem jissieħeb ma' Ġesù fit-triqat ordinarji tal-ħajja ta' kuljum:

> Id-dar ta' Nazaret hija skola, skola fejn wieħed jitgħallem jagħraf il-ħajja ta' Kristu, skola tal-Evanġelju ... U l-ewwel nett hawn nitgħallmu s-siwi tas-*skiet*. Mhux li konna nġeddu fina l-ħsieb dwar 2717
> kemm hu għażiż is-skiet, dik il-ġabra hekk tal-għaġeb u meħtieġa għar-ruħ ... Nitgħallmu wkoll hawnhekk kif għandha tkun l-imġiba tagħna fil-*ħajja tad-dar*. Għax id-dar ta' Nazaret tfissrilna tajjeb 2204
> x'inhi l-familja fix-xirka tagħha ta' għożża, fis-sbuħija kbira u mdawla tagħha, fir-rabta qaddisa u sħiħa tagħha ... U fl-aħħar nett hawn insibu tagħlim kbir fuq *ix-xogħol*. O dar ta' Nazaret, dar ta' bin il-mastrudaxxa, kemm nixtiequ hawn nitgħallmu u nfaħħru l-liġi iebsa imma feddejja tax-xogħol tal-bniedem ... Irridu fl-aħħar nett minn hawn insellmu lill-ħaddiema

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 220-221 5/16/2014 11:15:27 AM

2427 tad-dinja kollha u nistednuhom iħarsu lejn il-mudell kbir tagħhom, ħuhom divin.[79]

583 534 *Is-sejba ta' Ġesù fit-Tempju* (ara *Lq* 2,41-52) hu
2599 l-uniku fatt li jikser is-skiet tal-Evanġelji dwar is-snin moħbija ta' Ġesù: Ġesù jħallina naraw ftit il-Misteru tal-konsagrazzjoni sħiħa tiegħu għall-missjoni li kienet ġejja mill-fatt li hu Bin Alla. "Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" (*Lq* 2,49): Marija u Ġużeppi
964 dan il-kliem "ma fehmuhx", imma laqgħuh bil-fidi, u Marija "kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha" (*Lq* 2,51), tul is-snin kollha li fihom Ġesù kien moħbi fis-skiet ta' ħajja ordinarja.

III. Il-misteri tal-ħajja pubblika ta' Ġesù

Il-magħmudija ta' Ġesù

535 Il-bidu (ara *Lq* 3,23) tal-ħajja pubblika ta' Ġesù seħħ bil-magħmudija tiegħu minn Ġwanni fil-Ġordan (ara
719-720 *Atti* 1,22). San Ġwann xandar "magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet" (*Lq* 3,3). Folla ta' midinbin, pubblikani u suldati (ara *Lq* 3,10-14), Fariżej u Sadduċej (ara *Mk* 3,7) u nisa tat-triq (ara *Mt* 21,32) marru jitgħammdu minnu. U "deher Ġesù". Il-Battista beda jaħsibha, iżda Ġesù insista: irċieva l-magħmudija. U
701 l-Ispirtu s-Santu f'sura ta' ħamiema niżel fuq Ġesù, u leħen mis-sema xandar: "Dan hu Ibni l-għażiż" (*Mt* 3,13-17). Hi l-manifestazzjoni ("Epifanija") ta' Ġesù bħala Messija ta'
438 Iżrael u Bin Alla.

[79] Pawlu VI, Diskors f'Nazaret (5 ta' Jannar 1964): ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari fil-festa tal-Familja Mqaddsa.

536 Il-magħmudija ta' Ġesù hi, fiha nnifisha, l-aċċettazzjoni u l-bidu tal-missjoni tal-Qaddej li jbati. Iħalli lilu nnifsu jingħadd mal-midinbin (ara *Is* 53,12); hu ġa 606
"l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja" (*Ġw* 1,29); ġa jgħix minn qabel "il-magħmudija" tal-mewt imdemma tiegħu (ara 1224
Mk 10,38; *Lq* 12,50). Ġa ġie biex itemm "is-sewwa kollu" (*Mt* 3,15), jiġifieri se joqgħod f'kollox għar-rieda tal-Missier: għall-imħabba jaċċetta l-magħmudija tal-mewt għall-maħfra ta' dnubietna (ara *Mt* 26,39).

Għal din l-aċċettazzjoni jwieġeb leħen il-Missier li 444
qiegħed l-għożża kollha tiegħu f'Ibnu (ara *Lq* 3,22; *Is* 42,1). Il-milja tal-Ispirtu li Ġesù kellu sa mit-tnissil 727
tiegħu, jiġi "joqgħod" fuqu (*Ġw* 1,32-33; ara *Is* 11,2). Ikun għajn tal-Ispirtu għall-umanità kollha. Fil-magħmudija 739
tiegħu, "is-smewwiet infetħu" (*Mt* 3,16), is-smewwiet li kienu ngħalqu bid-dnub ta' Adam; l-ilmijiet tqaddsu bl-inżul fihom ta' Ġesù u tal-Ispirtu s-Santu, preludju tal-ħolqien ġdid.

537 Bil-Magħmudija, in-Nisrani jixxebbah sagra- 1262
mentalment ma' Ġesù, u fil-Magħmudija tiegħu għex minn qabel il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet: in-Nisrani għandu jidħol f'dan il-misteru tal-għarfien taċ-ċokon u x-xejn tiegħu u tal-indiema, jinżel fl-ilma ma' Ġesù, biex miegħu jerġa' joħroġ minnu, jitwieled mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, u fl-Iben, isir iben adottiv tal-Missier u jgħix "ħajja ġdida" (*Rum* 6,4).

> Nindifnu ma' Kristu fil-Magħmudija biex nirxoxtaw miegħu, ninżlu 628
> miegħu biex itellagħna hu, nitilgħu miegħu biex inkunu glorifikati miegħu.[80]

[80] San Girgor Nazjanzenu, *Diskors* 40,9: PG 36, 369B.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 222-223 5/16/2014 11:15:27 AM

> Kulma seħħ fi Kristu jurina li wara l-ħasil bl-ilma l-Ispirtu jiġi għal fuqna mis-sema, u adottati mil-Leħen tal-Missier, insiru wlied Alla.[81]

It-tiġrib ta' Ġesù

538 L-Evanġelji jitkellmu dwar żmien li fih Ġesù kien waħdu fid-deżert, minnufih wara li tgħammed minn Ġwanni. "Meħud mill-Ispirtu" fid-deżert, dam erbgħin jum sajjem; għex mal-bhejjem selvaġġi u kienu jaqduh l-anġli (ara *Mk* 1,12-13). Meta għadda dan iż-żmien, ix-Xitan ġarrbu tliet darbiet biex jipprova jbiddillu l-imġiba filjali tiegħu lejn il-Missier: Ġesù jbiegħed minnu dan it-tiġrib li kien jiġbor fih it-tiġrib ta' Adam fil-ġenna u ta' Iżrael fid-deżert, u x-Xitan telaq minn ħdejh "sa ma jasal il-waqt" (*Lq* 4,13).

539 L-Evanġelisti juruna x'kien it-tifsir għas-salvazzjoni ta' dan il-fatt misterjuż. Ġesù hu Adam il-ġdid, li baqa' fidil fejn l-ewwel Adam kien ċeda għat-tentazzjoni. Ġesù wassal għall-perfezzjoni sħiħa il-vokazzjoni ta' Iżrael: kontra l-imġiba ta' dawk li darba ġarrbu 'l Alla għal erbgħin sena fid-deżert (ara *Salm* 95,10), Kristu juri ruħu bħala l-Qaddej ta' Alla li jobdi f'kollox ir-rieda ta' Alla. F'dan, Ġesù jirbaħ lix-Xitan: rabat "il-wieħed qawwi" biex jeħodlu l-priża (*Mk* 3,27). Ir-rebħa ta' Ġesù fuq ix-Xitan fid-deżert hi tħabbira tar-rebħa tal-passjoni, l-ogħla att ta' ubbidjenza tal-imħabba tiegħu ta' Iben għall-Missier.

2119 540 It-tiġrib ta' Ġesù juri l-mod kif l-Iben ta' Alla hu l-Messija, kontra dak li ssuġġerielu x-xitan u li n-nies (ara *Mt* 16,21-23) xtaquh li jkun. Hu għalhekk li

[81] San Ilarju ta' Poiters, *Dwar l-Evanġelju ta' Mattew*, 2, 5: PL 9, 927.

Kristu rebaħ ix-xitan *għalina.* "Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub" (*Lh* 4,15). Il-Knisja kull sena, bl-erbgħin jum *tar-Randan*, tingħaqad mal-misteru ta' Ġesù fid-deżert. 519; 2849 1438

"Is-Saltna ta' Alla hi fil-qrib"

541 "Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar il-Bxara t-Tajba ta' Alla u jgħid: 'Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju'" (*Mk* 1,14-15). "Biex itemm ir-rieda tal-Missier, Ġesù ta bidu għas-Saltna tas-sema fuq l-art".[82] Issa r-rieda tal-Missier hi li "jgħolli l-bnedmin ħa jkollhom sehem fil-ħajja ta' Alla".[83] Dan jagħmlu billi jiġma' l-bnedmin madwar Ibnu Ġesù Kristu. Din il-ġemgħa hija l-Knisja, li fuq l-art hi "iż-żerriegħa u l-bidu tas-Saltna ta' Alla".[84] 2816 763 669; 768 865

542 Kristu hu fil-qalba tal-ġemgħa tal-bnedmin fi ħdan "il-familja ta' Alla". Isejħilhom madwaru bil-Kelma tiegħu, bis-sinjali li juru s-Saltna ta' Alla, u bil-missjoni tad-dixxipli. U l-miġja tas-Saltna tiegħu sseħħ l-aktar fil-Misteru kbir tal-Għid: il-mewt tiegħu fuq is-salib u l-Qawmien mill-imwiet. "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja" (*Ġw* 12,32). Il-bnedmin kollha huma msejħin għal din l-għaqda ma' Kristu.[85] 2233 789

[82] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 3.
[83] *Ibid*., 2.
[84] *Ibid*., 5.
[85] Ara *ibid*., 3.

It-tħabbira tas-Saltna ta' Alla

543 *Il-bnedmin kollha* huma msejħin biex jidħlu fis-Saltna. Imħabbra l-ewwel lil ulied Iżrael (ara *Mt* 10,5-7), din is-Saltna Messjanika trid tiġbor fiha l-bnedmin tal-ġnus
764 kollha (ara *Mt* 8,11; 28,19). Biex wieħed jidħol fiha jrid jilqa' l-Kelma ta' Ġesù:

> Il-Kelma ta' Alla tixbah żerriegħa li tinżera' f'għalqa; dawk li jilqgħuha bil-fidi u ngħaqdu mal-merħla żgħira ta' Kristu, ikunu laqgħu l-istess Saltna; imbagħad iż-żerriegħa bis-saħħa tagħha stess tinbet u tikber sa jum il-ħsad.[86]

709 544 Is-Saltna hi *tal-foqra u taċ-ċkejknin,* jiġifieri ta' dawk
2443 li jilqgħuha b'qalb imċekkna u umli. Ġesù ntbagħat biex iwassal "il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin" (*Lq* 4,18; ara 7,22).
2546 Isejħilhom hienja għax "tagħhom hi s-Saltna tas-smewwiet" (*Mt* 5,3); hu liċ-"ċkejknin" li l-Missier għoġbu jgħarraf il-ħwejjeġ moħbija lil min għandu l-għerf u d-dehen (ara *Mt* 11,25). Ġesù għex l-istess ħajja tal-foqra mill-maxtura sas-salib; kien jaf x'inhu l-ġuħ (ara *Mk* 2,23-26; *Mt* 21,18), l-għatx (ara *Ġw* 4,6-7; 19,28) u l-faqar (ara *Lq* 9,58). Wisq aktar: iqis ruħu wieħed mill-foqra ta' kull xorta, u poġġa bħala kundizzjoni għad-dħul fis-Saltna tiegħu mħabba ħabrieka lejn il-foqra (ara *Mt* 25,31-46).

1443 545 Ġesù jistieden lill-*midinbin* għall-mejda tas-Saltna: "Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin" (*Mk* 2,17; ara *1*
588 *Tim* 1,15). Jistedinhom għall-konverżjoni li mingħajrha ma
1846 jistgħux jidħlu fis-Saltna, iżda jurihom bil-kliem u bl-għemil
1439 il-ħniena bla qies ta' Missieru għalihom (ara *Lq* 15,11-32) u l-ferħ kbir fis-sema "għal midneb wieħed li jindem" (*Lq* 15,7). L-ogħla prova ta' din l-imħabba tkun is-sagrifiċċju ta' ħajtu "għall-maħfra tad-dnubiet" (*Mt* 26,28).

[86] *Ibid*., 5.

546 Ġesù jsejjaħ għad-dħul fis-Saltna permezz tal- 2613
parabboli, element tipiku tat-tagħlim tiegħu (ara *Mk* 4,33-34). Bil-parabboli jistieden għall-festa tat-tieġ tas-Saltna (ara *Mt* 22,1-14), iżda jitlob ukoll għażla radikali: biex tinkiseb is-Saltna, hu meħtieġ li wieħed jinqata' minn kollox (ara *Mt* 13,44-45); il-kliem mhuwiex biżżejjed, huma meħtieġa l-għemejjel (ara *Mt* 21,28-32). Il-parabboli qishom mirja għall-bniedem: il-Kelma jilqagħha qisha taqa' f'art moxa jew f'art tajba (ara *Mt* 13,3-9)? X'jagħmel bit-talenti li ngħatawlu (ara *Mt* 25,14-30)? Ġesù u l-preżenza tas-Saltna ta' Alla fid-dinja huma moħbijin fil-qalba tal-parabboli. Jeħtieġ tidħol fis-Saltna, jiġifieri ssir dixxiplu ta' Kristu biex tagħraf "il- 542
misteri tas-Saltna tas-Smewwiet" (*Mt* 13,11). Għal dawk li jinsabu "barra", kollox jibqa' bla tifsir (ara *Mt* 13,10-15; *Mk* 4,11).

Is-sinjali tas-Saltna ta' Alla

547 Ġesù jsieħeb ma' kliemu għadd kbir ta' 670
"mirakli, għeġubijiet u sinjali" (ara *Atti* 2,22), li juru li s-Saltna tinsab fih. Huma xhieda li hu l-Messija mħabbar (ara *Lq* 7, 439
18-23).

548 Is-sinjali li għamel Ġesù huma xhieda li l-Missier bagħtu (ara *Ġw* 5,36; 10,25). Jistiednu għat-twemmin fih 156
(ara *Ġw* 10,38). Lil dawk li jersqu lejh bil-fidi, jagħtihom dak li jitolbu (ara *Mk* 5,25-34; 10,52; u l-bqija). Imbagħad il-mirakli jsaħħu l-fidi f'Dak li jagħmel għemil il-Missier: jixhdu 2616
li hu Bin Alla (ara *Ġw* 10,31-38). Iżda, il-mirakli jistgħu 574
jkunu wkoll okkażjoni ta' tfixkil (ara *Mt* 11,6). Ma kellhomx jissodisfaw il-kurżità tan-nies u lanqas ix-xewqat tagħhom għall-ħwejjeġ maġiċi. Minkejja l-mirakli tassew ċari tiegħu, Ġesù ġie mwarrab minn xi wħud (ara *Ġw* 11,47-48); anzi 447
xlewh li kien jinqeda bix-xjaten (ara *Mk* 3,22).

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 226-227 5/16/2014 11:15:27 AM

549 Huwa u jeħles xi nies mid-deni tad-dinja bħalma hu l-ġuħ (ara *Ġw* 6, 5-15), l-inġustizzja (ara *Lq* 19,8), il-mard u
1503 l-mewt (ara *Mt* 11,5), Ġesù kien jagħmel sinjali messjaniċi; iżda hu ma ġiex biex ineħħi d-deni kollu li hawn fuq l-art (ara *Lq* 12,13-14; *Ġw* 18,36), imma biex jeħles lill-bnedmin
440 mill-jasar l-aktar kiefer, dak tad-dnub (ara *Ġw* 8, 34-36), li jxekkel il-vokazzjoni tagħhom ta' wlied Alla, u hu l-bidu tas-suriet kollha tal-jasar tal-bniedem.

394 550 Il-miġja tas-Saltna ta' Alla hi l-qerda tas-Saltna tax-Xitan (ara *Mt* 12,26): "Jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-
1673 Saltna ta' Alla" (*Mt* 12,28). ***L-eżorċiżmi*** ta' Ġesù kienu jeħilsu lill-bnedmin mis-setgħa tax-Xitan (ara *Lq* 8, 26-39). Jantiċipaw ir-rebħa kbira ta' Ġesù fuq "il-Prinċep ta' din id-
440; 2816 dinja" (*Ġw* 12,31). Hu bis-salib ta' Kristu li s-Saltna ta' Alla titwaqqaf darba għal dejjem: Alla saltan "minn fuq l-għuda tas-salib".[87]

"L-imfietaħ tas-Saltna"

858 551 Sa mill-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù għażel tnax biex ikunu miegħu u jissieħbu fil-missjoni tiegħu (ara *Mk* 3,13-19): tahom sehem mill-awtorità tiegħu, u "bagħathom ixandru s-Saltna ta' Alla u jfejqu l-morda" (*Lq*
765 9,2). Jibqgħu dejjem imseħbin mas-Saltna ta' Kristu, għax bihom hu jmexxi l-Knisja.

> Bħalma Missieri ħejja saltna għalija, hekk ukoll jien inħejji għalikom, biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda miegħi f'saltnati, u toqogħdu fuq tronijiet biex tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael (*Lq* 22,29-30).

[87] Venanzju Fortunatu, l-Innu *Is-Sinjal tas-Salib* (*Vexilla Regis*): "Regnavit a ligno Deus".

552 Fil-Kulleġġ tat-Tnax, Xmun Pietru għandu l-ewwel 880
post (ara *Mk* 3,16; 9,2; *Lq* 24,34; *1 Kor* 15,5). Ġesù fdalu 153
missjoni unika. B'rivelazzjoni mill-Missier, San Pietru kien stqarr: "Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj!" Il-Mulej imbagħad 442
qallu: "Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex" (*Mt* 16,18). Kristu, "il-ġebla ħajja" (*1 Piet* 2,4) jiżgura lill-Knisja tiegħu, mibnija fuq Pietru, ir-rebħa fuq is-setgħat tal-mewt. Pietru minħabba l-fidi li stqarr, jibqa' l-blata sħiħa tal-Knisja. Ikollu l-missjoni 424
li jħares din il-fidi biex qatt ma tiġi nieqsa u li jwettaq lil ħutu fiha (ara *Lq* 22,32).

553 Ġesù ried jafda awtorità speċifika lil San Pietru. 881
"Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kulma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet" (*Mt* 16,19). Is-"setgħa tal-imfietaħ" tfisser l-awtorità li tmexxi d-dar ta' Alla li hi l-Knisja. Ġesù, "ir-Ragħaj it-tajjeb" (*Ġw* 10,11) wettaq din is-setgħa wara l-qawmien mill-imwiet: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi" (*Ġw* 21, 1445
15-17). Is-setgħa li "tħoll u torbot" tfisser l-awtorità li taħfer id-dnubiet, tagħti ġudizzju dwar duttrina u tieħu deċiżjonijiet dixxiplinarji fil-Knisja. Ġesù ried jafda din l-awtorità lill-Knisja permezz tal-ministeru tal-Appostli (ara *Mt* 18,18) u b'mod partikulari, permezz tal-ministeru ta' San Pietru, li lilu waħdu 641; 881
ngħataw espliċitament l-imfietaħ tas-Saltna.

Esperjenza tat-tgawdija tas-Saltna li għad trid tiġi fil-milja tagħha: it-Trasfigurazzjoni

554 Mill-jum li fih San Pietru stqarr li Ġesù hu l-Messija, Bin Alla l-ħaj, l-Imgħallem "beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna" ... "joqtluh, u fit-tielet jum iqum" (*Mt* 16,21-23); l-oħrajn ma fehmuha

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 228-229 5/16/2014 11:15:28 AM

xejn (ara *Mt* 17,23; *Lq* 9,45). U f'dawn iċ-ċirkostanzi nsibu l-episodju misterjuż tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù (ara *Mt* 17, 1-8 u siltiet oħra tal-Evanġelju; *2 Piet* 1,16-18) fuq muntanja
697; 2600 għolja quddiem tliet xhieda magħżula, Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Wiċċ Ġesù u Ibiesu dehru jiddu bħax-xemx. Mosè u Elija dehru "jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm" (*Lq* 9,31). Sħaba tgħattihom u jinstema'
444 leħen mis-sema jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu" (*Lq* 9,35).

555 Għal mument, Ġesù juri l-glorja divina tiegħu, u hekk iwettaq l-istqarrija ta' San Pietru. Juri wkoll li biex "jidħol fil-glorja tiegħu" (*Lq* 24,26) kellu jgħaddi mis-salib f'Ġerusalemm.
2576; 2583 Mosè u Elija kienu raw il-glorja ta' Alla fuq il-muntanja, il-Liġi u l-Profeti kienu ħabbru t-tbatijiet tal-Messija (ara *Lq* 24,27). Il-passjoni ta' Ġesù riedha l-Missier; l-Iben ġieb ruħu ta' Qaddej ta' Alla (ara *Is* 42,1). Is-sħaba turi l-preżenza tal-Ispirtu
257 s-Santu: "Dehret it-Trinità kollha: il-Missier fil-leħen, l-Iben fil-bniedem, l-Ispirtu s-Santu fi sħaba tiddi":[88]

> Int tbiddilt fuq il-muntanja u d-dixxipli tiegħek, sa fejn setgħu, ikkontemplaw il-glorja tiegħek, O Kristu Alla, biex meta jarawk imsallab jifhmu li int minn rajk ridt issofri l-passjoni tiegħek, u li huma kellhom iħabbru lid-dinja li int tassew id-dija tal-Missier.[89]

556 Fil-bidu tal-ħajja pubblika: il-Magħmudija; ftit qabel tal-Għid tiegħu: it-Trasfigurazzjoni. Bil-Magħmudija ta' Ġesù, "tħabbar il-misteru tat-twelid ġdid": il-Magħmudija tagħna; it-Trasfigurazzjoni "hi sinjal tat-twelid għall-ħajja ta' dejjem":

[88] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* III, 45, 4, 2: "Tota Trinitas apparuit: Pater in voce, Filius in homine, Spiritus in nube clara".

[89] *Liturġija Bižantina*, Kontakion tal-festa tat-Trasfigurazzjoni.

il-qawmien tagħna mill-imwiet.[90] U minn issa aħna nissieħbu fil-qawmien tal-Mulej permezz tal-Ispirtu s-Santu li jaħdem 1003
fis-sagrament tal-Ġisem ta' Kristu. It-Trasfigurazzjoni tagħtina nduqu minn qabel it-tieni miġja glorjuża ta' Kristu li "għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu" (*Fil* 3,21). Imma tfakkarna wkoll li "jeħtiġilna nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla" (*Atti* 14,22).

> Dan San Pietru kien għadu ma fehmux meta wera x-xewqa li jibqa' jgħix ma' Kristu fuq il-muntanja (ara *Lq* 9,33). Dan refagħhulek, Pietru, għal wara l-mewt. Issa hu stess jgħidlek: Inżel biex tbati fuq l-art, biex taqdi fuq l-art, tkun mistmerr, imsallab fuq l-art. Il-Ħajja niżlet biex tiġi maqtula; il-Ħobż niżel biex ibati l-ġuħ; it-Triq niżlet biex tegħja bil-mixi; l-Għajn niżlet biex tbati l-għatx: u int ma tridx tbati?[91]

It-tlugħ lejn Ġerusalemm

557 Ġesù, "meta qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja, b'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm" (*Lq* 9,51; ara *Ġw* 13,1). B'din id-deċiżjoni wera li kien sejjer Ġerusalemm lest biex imut hemm. Tliet darbiet kien ħabbar il-Passjoni u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet (ara *Mk* 8,31-33; 9,31-32; 10,32-34). Huwa u sejjer lejn Ġerusalemm qal li "ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm" (*Lq* 13,33).

558 Ġesù jfakkar il-martirju tal-profeti li nqatlu f'Ġerusalemm (ara *Mt* 23,37a). Iżda ma jiqafx isejjaħ lil Ġerusalemm biex tinġabar madwaru: "Kemm-il darba

[90] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* III, 45, 4, 2: "Declaratum fuit mysterium primae regenerationis (in baptismate Christi) ... (et transfiguratio) est sacramentum secundae regenerationis".

[91] Santu Wistin, *Omelija* 78, 6: PL 38, 492-493.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 230-231 5/16/2014 11:15:28 AM

ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha, u int ma ridtx!" (*Mt* 23,37b). Meta Ġerusalemm dehret quddiemu, hu beka fuqha u reġa' tenna x-xewqa ta' qalbu: "Mhux li għaraft imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik! Imma issa! Dan hu moħbi minn għajnejk!" (*Lq* 19,41-42).

Id-daħla messjanika ta' Ġesù f'Ġerusalemm

559 Kif se tilqa' Ġerusalemm il-Messija tagħha? Qabel, Ġesù dejjem żamm ruħu 'l bogħod mit-tentattivi kollha tannies biex jagħmluh sultan (ara *Ġw* 6,15), imma issa hu stess jagħżel il-mument u jħejji kollox ħaġa ħaġa għad-daħla messjanika tiegħu fil-belt ta' "David missieru" (*Lq* 1,32; ara *Mt* 21,1-11). Isellmulu bħala Bin David, bħala dak li jġib is-salvazzjoni (*Hosanna* jiġifieri "mela salvana", "agħtina s-salvazzjoni"). Issa, "is-Sultan tal-glorja" (*Salm* 24,7-10) dieħel fil-belt "riekeb fuq ħmar" (*Żak* 9,9); ma jirbaħx għalih lil Bint Sijon, xbieha tal-Knisja tiegħu, la bil-qerq u lanqas bil-vjolenza, imma bl-umiltà li tagħti xhieda għall-Verità (ara *Ġw* 18,37). Hu għalhekk li s-sudditi tas-Saltna tiegħu dakinhar huma t-tfal (ara *Mt* 21,15-16; *Salm* 8,3) u "il-foqra
333 tal-Mulej", u jsellmulu kif l-anġli ħabbruh lir-rgħajja (ara *Lq* 19,38; 2,14). L-għajta tagħhom: "Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!" (*Salm* 118,26) itenniha l-Knisja fis-*Sanctus* tal-
1352 Liturġija ewkaristika hija u tagħti bidu għat-tifkira tal-Għid tal-Mulej.

560 *Id-dħul ta' Kristu f'Ġerusalemm* juri li waslet is-
550; 2816 Saltna li s-Sultan-Messija kien se jwaqqaf bl-Għid tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet. Hi b'din iċ-ċelebrazzjoni,
1169 nhar Ħadd il-Palm, li l-Liturġija tal-Knisja tagħti bidu għall-Ġimgħa Mqaddsa.

Fil-qosor

561 *"Il-ħajja kollha ta' Kristu hi tagħlim kontinwu: is-skiet tiegħu, il-mirakli tiegħu, il-ġesti tiegħu, it-talb tiegħu, l-imħabba tiegħu għall-bniedem, l-imħabba speċjali tiegħu għaċ-ċkejknin u għall-foqra, l-aċċettazzjoni tas-sagrifiċċju sħiħ tiegħu fuq is-salib għall-fidwa taddinja, il-qawmien tiegħu mill-imwiet jagħmlu sseħħ il-Kelma tiegħu u jwasslu għat-tmiem tagħha r-Rivelazzjoni".*[92]

562 *Id-dixxipli għandhom ifittxu li jkunu dejjem aktar bħal Kristu, sakemm Kristu jissawwar fihom* (ara *Gal* 4,19). *"Dan għaliex ġejna mdaħħlin fil-Misteri ta' ħajtu, sirna nixbhuh u sseħibna fil-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet, u għad insaltnu miegħu".*[93]

563 *Kemm jekk aħna bħal rgħajja jew bħal maġi, ma nistgħux niltaqgħu ma' Alla hawn fuq l-art mingħajr ma ninżlu għarkopptejna quddiem il-maxtura ta' Betlehem, biex nadurawh moħbi fid-dgħufija ta' tarbija.*

564 *Bl-ubbidjenza tiegħu għal Marija u Ġużeppi u bil-ħidma umli tiegħu għal tant snin f'Nazaret, Ġesù jagħtina eżempju tal-qdusija tal-ħajja ta' kuljum fil-familja u fuq ix-xogħol.*

565 *Sa mill-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu, fil-Magħmudija tiegħu, Ġesù hu l-"Qaddej", ikkonsagrat kollu kemm*

---

92 San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (1979), 9.

93 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 7.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 232-233 5/16/2014 11:15:28 AM

hu għax-xogħol tal-fidwa, li sseħħ bil-"magħmudija" tal-passjoni tiegħu.

566 *It-tiġrib fid-dežert jurina lil Ġesù, Messija umli li joħroġ rebbieħ fuq ix-xitan, għaliex marbut għal kollox mal-pjan tas-salvazzjoni li ried il-Missier.*

567 *Is-Saltna tas-smewwiet bdieha Kristu fuq l-art. "Iddiet għal għajnejn il-bnedmin bil-kliem, fl-għemil u fil-preżenza ta' Kristu".*[94] *Il-Knisja hi ż-żerriegħa u l-bidu tas-Saltna. L-imfietaħ tagħha huma fdati lil San Pietru.*

568 *It-Trasfigurazzjoni ta' Kristu riedet issaħħaħ il-fidi tal-Appostli qabel ma seħħet il-passjoni: it-telgħa fuq "muntanja għolja" tħejji t-tlugħ tal-Kalvarju. Kristu, ir-Ras tal-Knisja, juri dak li hemm f'Ġismu u li jiddi fis-sagramenti: "it-tama tal-glorja"* (*Kol* 1,27).[95]

569 *Ġesù tela' għax ried f'Ġerusalemm, għalkemm kien jaf li hemm kellu jmut b'mewta kiefra minħabba oppożizzjoni kbira min-naħa tal-midinbin* (*ara Lh* 12,3).

570 *Id-dħul ta' Ġesù f'Ġerusalemm juri l-miġja tas-Saltna li s-Sultan-Messija, milqugħ f'beltu mit-tfal u minn dawk ta' qalb umli, se jwaqqaf bl-Għid tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet.*

[94] *Ibid*., 5.

[95] San Ljun il-Kbir, *Omelija* 51, 3: PL 54, 310C.

Ir-raba' artiklu

ĠESÙ KRISTU "BATA TAĦT PONZJU PILATU, SALLBUH, MIET U DIFNUH"

571 Il-Misteru tal-Għid tas-Salib u tal-Qawmien mill-imwiet ta' Kristu hu fil-qalba tal-Bxara t-Tajba li l-Appostli, u l-Knisja warajhom, kellhom ixandru lid-dinja. Il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni seħħ "darba għal dejjem" (*Lh* 9, 26) bil-mewt li fdietna ta' Ibnu Ġesù Kristu. 1067

572 Il-Knisja tħares bil-fedeltà kollha "it-tifsir ta' kulma hemm fl-Iskrittura" li ta Ġesù stess kemm qabel u kemm wara l-Għid tiegħu: "U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" (*Lq* 24, 26-27. 44-45). It-tbatijiet ta' Ġesù ħadu s-sura storika tagħhom għaliex kien "miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba" (*Mk* 8,31) li tawh "f'idejn il-pagani biex jiddieħku bih, u jagħtuh is-swat u jsallbuh" (*Mt* 20,19). 599

573 Il-fidi tista' għalhekk tgħarbel iċ-ċirkostanzi tal-mewt ta' Ġesù, ċirkostanzi li l-Evanġelji wasslulna bil-fedeltà kollha[96] u ġew imdawlin minn għejun storiċi oħra, u hekk tifhem aħjar xi tfisser il-Fidwa. 158

L-ewwel paragrafu

ĠESÙ U IŻRAEL

574 Mill-bidu tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù, xi Fariżej u xi Erodjani, flimkien ma' xi qassisin u xi kittieba, ftiehmu 530

[96] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 19.

bejniethom kif jeqirduh (ara *Mk* 3,6). Għal xi għemejjel tiegħu (it-tkeċċija tax-xjaten, ara *Mt* 12,24; il-maħfra tad-dnubiet, ara *Mark* 2,7; il-fejqan f'jum is-Sibt, ara *Mk* 3,1-6; l-interpretazzjoni oriġinali tal-preċetti tas-safa fil-Liġi, ara *Mk* 7,14-23; il-familjarità mal-pubblikani u l-midinbin magħrufa, ara *Mk* 2,14-17) xi wħud, li kellhom fehmiet ħżiena qalu li
591 kellu fih xitan (ara *Mk* 3,22; *Ġw* 18,48; 10,20). Xlewh li kien midgħi (ara *Mk* 2,7; *Ġw* 5,18; 10,33), li kien profeta qarrieq (ara *Ġw* 7,12. 52), delitti reliġjużi li l-Liġi kienet tikkastiga bil-mewt bi tħaġġir (ara *Ġw* 8,59; 10,31).

575 Ħafna mela mill-għemejjel u mill-kliem ta' Ġesù kienu "sinjal li jmeruh" (*Lq* 2,34) għall-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm, għal dawk li l-Evanġelju ta' San Ġwann spiss isejjaħ "il-Lhud" (ara *Ġw* 1,19; 2,18; 5,10; 7,13; 9,22; 18,12; 19,38; 20,19), wisq aktar milli għall-poplu kollu ta' Alla (ara *Ġw* 7,48-49). Iżda r-relazzjonijiet ta' Kristu mal-Fariżej ma kinux biss ta' kuntrast u ta' polemika. Kienu Fariżej li wissewh bil-periklu li kien qiegħed jheddu (ara *Lq* 13,31). Ġesù faħħar lil xi wħud minnhom, bħall-kittieb ta' *Mk* 12,34, u kemm-il darba kiel għand il-Fariżej (ara *Lq* 7,36; 14,1). Ġesù
993 wettaq xi tagħlim li kien iħaddan dan il-grupp reliġjuż ewlieni tal-poplu ta' Alla: il-qawmien mill-imwiet (ara *Mt* 22,23-34; *Lq* 20,39), is-suriet tat-tjieba tagħhom (il-karità, is-sawm u t-talb, ara *Mt* 6,18), u d-drawwa tagħhom li jsejħu lil Alla bħala Missier, u l-karattru ewlieni tal-kmandament tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu (ara *Mk* 12,28-34).

576 F'għajnejn ħafna f'Iżrael, Ġesù kien jidher li hu kontra l-istituzzjonijiet essenzjali tal-Poplu magħżul ta' Alla:

– L-ubbidjenza għal-Liġi fis-sħuħija kollha tal-preċetti miktuba u, għall-Fariżej, tal-interpretazzjoni tat-tradizzjonijiet li kienu jitwasslu bil-fomm.

– Iċ-ċentralità tat-Tempju ta' Ġerusalemm bħala l-post qaddis fejn Alla jgħammar b'mod privileġġjat.

– Il-fidi f'Alla wieħed, li mill-glorja tiegħu ebda bniedem ma jista' jkollu sehem.

I. Ġesù u l-Liġi

577 Ġesù ta twissija mill-aktar solenni fil-bidu tad-Diskors 1965
tal-muntanja meta fisser il-Liġi mogħtija minn Alla fis-Sinaj fi żmien il-Patt il-Qadim, fid-dawl tal-grazzja tal-Patt il-Ġdid:

> Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-milja tagħhom. Tassew ngħidilkom, li sa ma jkunu għaddew is-sema u l-art anqas l-iżgħar ittra jew tikka waħda mil-Liġi ma titneħħa sa ma jkun seħħ 1967
> kollox. Jekk mela xi ħadd iġib fix-xejn wieħed mill-iżgħar minn dawn il-kmandamenti u jgħallem lin-nies biex jagħmlu l-istess dan jissejjaħ l-iżgħar fis-Saltna tas-Smewwiet. Imma min iħarishom u jgħallimhom, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-Smewwiet (*Mt* 5,17-19).

578 Ġesù, il-Messija ta' Iżrael, għalhekk l-ikbar wieħed fis- 1953
Saltna tas-Smewwiet, kellu jwassal il-Liġi għall-perfezzjoni tagħha huwa u jħarisha fis-sħuħija kollha tagħha, sal-iżgħar wieħed mill-kmandamenti, skont kliemu stess. U hu biss ukoll li seta' jagħmel dan b'mod l-aktar perfett (ara *Ġw* 8,46). Il-Lhud, kif stqarru huma stess, qatt ma setgħu jħarsu l-Liġi fis-sħuħija kollha tagħha, perfettament, mingħajr ma jiksru l-iżgħar kmandament (ara *Ġw* 7,19; *Atti* 13, 38-41; 15,10). Hu għalhekk li kull sena fil-festa tat-Tpattija, ulied Iżrael jitolbu lil Alla maħfra għal kull darba li kisru l-Liġi. Fil-fatt, il-Liġi hi ħaġa waħda u, kif ifakkarna San Ġakbu, "min il-Liġi jħarisha kollha imma jiksirha f'ħaġa waħda biss, ikun ħati ta' kollox" (*Ġak* 2,10; *Gal* 3,10; 5,3).

579 Dan il-prinċipju tal-ħarsien tal-Liġi fis-sħuħija kollha tagħha, mhux biss fl-ittra imma wkoll fl-ispirtu tagħha, kien għażiż ħafna għall-Fariżej. Huma u jfissruha għal Iżrael wasslu ħafna Lhud fi żmien Kristu għal żelu reliġjuż esaġerat (ara *Rum* 10,2). Dan iż-żelu, kemm-il darba ma jispiċċax każistika "ta' wiċċ b'ieħor" (ara *Mt* 15,3-7; *Lq* 11,39-54), seta' biss iħejji l-Poplu għall-intervent mhux mistenni ta' Alla permezz tal-ħarsien perfett tal-Liġi minn dak li hu waħdu l-Ġust minflok il-midinbin kollha (ara *Is* 53,11; *Lh* 9,15).

580 Leġiżlatur divin biss, imwieled taħt il-Liġi fil-persuna

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 236-237 5/16/2014 11:15:28 AM

tal-Iben ta' Alla (ara *Gal* 4,4), seta' jwassal il-Liġi għall-
527 perfezzjoni sħiħa tagħha. F'Ġesù, il-Liġi ma dehritx aktar minquxa fuq twavel tal-ġebel, imma "fil-fond tal-qalb" (ara *Ġer* 31,33) tal-Qaddej li, għax "iġib il-ġustizzja fis-sewwa" (*Is* 42,3) sar "Patt tal-poplu" (*Is* 42,6). Ġesù wassal il-Liġi għall-perfezzjoni billi ġieb fuqu "is-saħta tal-Liġi" (*Gal* 3,13), li fiha jaqgħu dawk li "ma joqogħdux għall-ħwejjeġ kollha li hemm imniżżla fil-Liġi" (*Gal* 3,10), għaliex il-mewt ta' Kristu seħħet "għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-patt ta' qabel" (*Lh* 9,15).

581 Ġesù deher bħala "rabbi" għal għajnejn il-Lhud u l-mexxejja reliġjużi tagħhom (ara *Ġw* 11,28; 3,2; *Mt* 22,23-24.34-36). Spiss id-diskussjonijiet tiegħu kienu skont kif ir-rabbini kienu jinterpretaw il-Liġi (ara *Mt* 12,5; 9,12; *Mk* 2,23-27; *Lq* 6,6-9; *Ġw* 7,22-23). Iżda fl-istess ħin, Ġesù ma setax ma jurtax l-għorrief fil-Liġi għax għalih ma kienx biżżejjed li jagħti
2054 l-interpretazzjoni tiegħu bħalma kienu jagħmlu huma: "kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba tagħhom" (*Mt* 7,29). Fih, hi l-istess Kelma li nstemgħet fuq il-muntanja Sinaj biex tagħti lil Mosè l-Liġi miktuba, li issa nstemgħet mill-ġdid fuq il-muntanja tal-Beatitudnijiet (ara *Mt* 5,1). Hi, il-Kelma, ma tħassarx il-Liġi, iżda twettaqha billi b'mod divin, tagħtiha interpretazzjoni definittiva: "Smajtu wkoll x'intqal lin-nies ta' dari ... Imma jiena ngħidilkom" *(Mt* 5,33-34). Bl-istess awtorità divina jwarrab xi "tradizzjonijiet tal-bnedmin" *(Mk* 7,8), tal-Fariżej li kienu jġibu "fix-xejn il-kelma ta' Alla" (*Mk* 7,13).

582 Ġesù mar aktar 'il hemm u wassal il-Liġi għall-perfezzjoni wkoll dwar is-safa tal-ikel, hekk importanti fil-ħajja ta' kuljum tal-Lhud, billi wera x'kien it-tifsir "pedagoġiku" tal-Liġi dwar l-ikel (ara *Gal* 3,24): taha interpretazzjoni divina: "Xejn ma jista' jtebba' lill-bniedem minn dak li jidħol ġo fih minn barra ... B'hekk wera li l-ikel kollu hu safi ... Dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtebba' l-bniedem. Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena" (*Mk* 7,18-21). Huwa u
368 jagħti b'awtorità divina, interpretazzjoni definittiva tal-Liġi, Ġesù sab ruħu
548 f'konfront ma' xi għorrief tal-Liġi li ma ridux jaċċettaw l-interpretazzjoni tiegħu, minkejja li kienet imwettqa minn sinjali divini li ssieħbu magħha (ara *Ġw* 5,36; 10,25.37-38; 12,37). Dan jgħodd b'mod partikulari għall-ħarsien
2173 tas-Sibt, Ġesù jfakkar, u dan spiss kien jagħmlu b'argumenti tar-rabbini (ara *Mk* 2,25-27; *Ġw* 7,22-24), li l-mistrieħ tas-Sibt ma jinkisirx bil-qadi lil Alla (ara *Mt* 12,5; *Num* 28,9) jew lill-proxxmu *(*ara *Lq* 13,15-16; 14,3-4), qadi li kien jagħmel huwa u jfejjaq.

II. Ġesù u t-Tempju

583 Ġesù, bħall-profeti li ġew qablu, wera rispett kbir ħafna għat-Tempju ta' Ġerusalemm. Ġie ppreżentat fih 529
minn Ġużeppi u Marija erbgħin jum wara li twieled (ara *Lq* 534
2,22-39). Ta' tnax-il sena ried jibqa' fit-Tempju biex ifakkar lill-ġenituri tiegħu li hu kellu jkun f'dak li hu ta' Missieru (ara *Lq* 2,46-49). Kull sena kien jitla' almenu għall-festa tal-Għid tul iż-żmien tal-ħajja moħbija tiegħu (ara *Lq* 2,41); l-istess ministeru pubbliku tiegħu kien imqassam skont il-pellegrinaġġi tiegħu lejn Ġerusalemm għall-festi kbar tal-Lhud (ara *Ġw* 2,13-14; 5,1.14; 7,1.10.14; 8,2; 10,22-23).

584 Ġesù kien jitla' fit-Tempju bħala l-post privileġġjat għal-laqgħa ma' Alla. Għalih it-Tempju kien l-għamara tal- 2599
Missier, dar tat-talb, u jeħodha kontra dawk li għamlu suq fil-bitħa ta' barra (ara *Mt* 21,13). Jekk keċċa l-bejjiegħa mit-Tempju dan għamlu b'imħabba għajjura għall-Missier: 'Dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!' Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura, 'Il-ħeġġa għal darek fnietni'" (*Ġw* 2,16-17). Wara l-Qawmien mill-imwiet l-Appostli baqgħu juru rispett reliġjuż lejn it-Tempju (ara *Atti* 2,46; 3,1; 5,20-21; u l-bqija).

585 Iżda lejlet il-passjoni, Ġesù ħabbar it-tiġrif ta' dan il-bini sabiħ li minnu ma kinitx se tibqa' ġebla fuq ġebla (ara *Mt* 24,1-2). Hawn għandna tħabbira ta' sinjal tal-aħħar żminijiet li se jibdew propju bl-Għid tiegħu (ara *Mt* 24,3; Lq 13,35). Iżda din il-profezija ġiet imfissra ħażin minn xhieda qarrieqa waqt li kien qed jiġi mistoqsi quddiem il-qassis il-kbir (ara *Mt* 14,57-58), u nqdew b'dil-profezija biex jinġurjawh waqt li kien imsallab fuq is-salib (ara *Mt* 27, 39-40).

586 Tant ma kienx kontra t-Tempju (ara *Mt* 8,4; 23,21; *Lq* 17,14; *Ġw* 4,22) fejn xandar il-qofol tat-tagħlim tiegħu

(ara *Ġw* 18,20), li Ġesù ried iħallas it-taxxa tat-Tempju u f'dan sieħeb miegħu lil San Pietru (ara *Mt* 17,24-27), li kien qiegħed bħala pedament tal-Knisja tiegħu li kellha tiġi (ara *Mt* 16,18). U wisq aktar, hu identifika ruħu mat-Tempju meta wera lilu nnifsu bħala l-għamara definittiva ta' Alla fost il-
797 bnedmin (ara *Ġw* 2,21; *Mt* 12,6). U għalhekk il-mewt tiegħu fil-ġisem (ara *Ġw* 2,18-22), kellha tħabbar il-qerda tat-Tempju u turi l-bidu ta' żmien ġdid fil-ġrajja tas-salvazzjoni: "Jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja [naduraw] il-
1179 Missier, anqas f'Ġerusalemm" (*Ġw* 4,21; ara *Ġw* 4,23-24; *Mt* 27,51; *Lh* 9,11; *Apok* 21,22).

III. Ġesù u l-fidi ta' Iżrael f'Alla Wieħed u Salvatur

587 Jekk il-Liġi u t-Tempju ta' Ġerusalemm setgħu kienu okkażjoni għal Ġesù biex "imeruh" (ara *Lq* 2,34), għall-awtoritajiet reliġjużi tal-Lhud, kienet il-ħidma tiegħu għall-fidwa tad-dnubiet, ħidma kollha kemm hi ta' Alla, li kienet tassew vera ġebla li fixklithom (ara *Lq* 20,17-18; *Salm* 118,22).

588 Ġesù skandalizza lill-Fariżej għax kien jiekol mal-pubblikani u l-midinbin (ara *Lq* 5,30) bl-istess familjarità li biha kien jiekol magħhom (ara *Lq* 7,36; 11,37; 14,1). Kontra
545 dawk fosthom "li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn" (*Lq* 18,9; ara *Ġw* 7,49; 9,34), Ġesù qal: "Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema" (*Lq* 5,32). U mar aktar 'il bogħod meta ħabbar quddiem il-Fariżej li, għax id-dnub hu mxerred ma' kullimkien (ara *Ġw* 8,33-36), dawk li jaħsbu li ma jeħtiġux is-salvazzjoni, huma għomja għalihom stess.

589 L-imġiba kollha ħniena ta' Ġesù mal-midinbin u li hu identifikaha mal-imġiba ta' Alla nnifsu magħhom (ara *Mt*

9,13; *Hos* 6,6) kienet ta' tfixkil għal bosta min-nies ta' żmienu. Wasal biex iġegħelhom jifhmu illi huwa u jiekol mal-midinbin (ara *Lq* 15,1-2), kien b'hekk qiegħed idaħħalhom għall-ikla messjanika (ara *Lq* 15, 23-32). Iżda, b'mod partikulari, hu ġieb f'dilemma u ma kinux jafu x'jaqbdu jagħmlu l-awtoritajiet reluġjużi ta' Iżrael, meta ħafer id-dnubiet. Għax, kif qalu sewwa fit-taħwida li fiha sabu ruħhom: "Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?" (*Mk* 2,7). Meta ħafer id-dnubiet, 431; 1441
Ġesù, għal xi nies, jew kien jidgħi, għax kien bniedem u għamel lilu nnifsu daqs Alla (ara *Ġw* 5,18; 10,33), jew kien veru dak li kien qiegħed jgħid għax fil-Persuna tiegħu kien hemm u kien jidher l-Isem ta' Alla (ara *Ġw* 17,6.26). 432

590 L-identità divina tal-Persuna ta' Ġesù biss, tiġġustifika esiġenza assoluta bħal din: "Min mhuwiex miegħi, huwa kontra tiegħi" (*Mt* 12,30); hekk ukoll għax kien Alla seta' jgħid li fih hemm min hu "aqwa minn Ġona, ... aqwa minn Salamun" (*Mt* 12,41-42); "aqwa mit-Tempju" (*Mt* 12,6); seta' jfakkar li David sejjaħ lill-Messija Sidu (ara *Mk* 12,36-37) u seta' qal: "Qabel ma kien Abraham, jiena hu" (*Ġw* 8,58); u wkoll: "Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda" (*Ġw* 10,30). 253

591 Ġesù talab lill-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm biex jemmnu fih minħabba l-għemejjel ta' Missieru li kien qiegħed jagħmel (ara *Ġw* 10,36-38). Iżda biex jagħmlu att ta' fidi bħal dan, kellhom jgħaddu minn mewt misterjuża tagħhom infushom biex "jitwieldu mill-ġdid mis-sema" (ara *Ġw* 3,7) bl-għajnuna mill-grazzja ta' Alla (ara *Ġw* 6,44). 526
Ħtieġa bħal din ta' konverżjoni wara li seħħu b'mod tal-għaġeb il-wegħdiet kollha (ara *Is* 53,1), twassalna biex nifhmu l-iżball traġiku tas-Sanhedrin li qies lil Ġesù ħati talmewt bħala midgħi (ara *Mk* 3,6; *Mt* 26,64-66). Il-membri tas-Sanhedrin żbaljaw ilkoll għax kollha wrew "injoranza" (ara 574
Lq 23,34; *Atti* 3,17-18), ebusija tal-qalb (ara *Mk* 3,5; *Rum* 11,25) u nuqqas ta' fidi (ara *Rum* 11,20).

Fil-qosor

592 *Ġesù ma neħħiex il-Liġi tas-Sinaj, iżda wassalha għall-perfezzjoni* (*ara Mt* 5,17-19) *hekk sħiħa* (*ara Ġw* 8,46) *li wera t-tifsir sħiħ tagħha* (*ara Mt* 5,33) *u patta għall-ħtijiet kollha li saru kontriha* (*ara Lh* 9,15).

593 *Kristu wera rispett lejn it-Tempju għax kien jitla' għall-festi tal-Lhud meta dawn kienu jmorru pellegrinaġġ lejn it-Tempju; u ħabb b'imħabba għajjura din l-għamara ta' Alla mal-bnedmin. It-Tempju hu xbieha tal-Misteru tiegħu. Jekk ħabbar it-tiġrif tat-Tempju, b'dan kien qed iħabbar il-mewt tiegħu u l-bidu ta' żmien ġdid fil-ġrajja tas-salvazzjoni, fejn Ġismu se jkun Tempju tassew għal dejjem.*

594 *Ġesù wettaq xi għemil bħalma hi l-maħfra tad-dnubiet, li bih wera li hu nnifsu kien Alla s-Salvatur* (*ara Ġw* 5,16-18). *Xi Lhud, li, għax ma għarfux lil Alla li sar bniedem* (*ara Ġw* 1,14), *raw f'Ġesù "bniedem" li għamel lilu nnifsu "Alla"* (*Ġw* 10,33), *ikkundannawh bħala midgħi.*

It-tieni paragrafu

ĠESÙ JMUT FUQ IS-SALIB

I. Il-proċess ta' Ġesù

Firdiet fost l-awtoritajiet Lhud dwar Ġesù

595 Fost l-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm mhux biss kien hemm il-Fariżew Nikodemu (*ara Ġw* 7,50) u Ġużeppi minn Arimatija, li kienu dixxipli tal-Mulej bil-moħbi (*ara Ġw* 19,38-39), imma kien hemm ukoll minn

żmien qabel nuqqas ta' ftehim dwar Ġesù (*ara Ġw* 9,16-17; 10,19-21), tant li lejlet il-passjoni stess San Ġwann seta' jgħid għalihom li ħafna minnhom emmnu wkoll, għalkemm dan jgħidu b'mod mhux perfett (*ara Ġw* 12,42). Din mhijiex xi ħaġa tal-għaġeb, meta nqisu li l-għada ta' Għid il-Ħamsin "kotra kbira ta' qassisin kienu joqogħdu għall-fidi" (*Atti* 6,7) u li "xi wħud min-naħa tal-Fariżej ... kienu emmnu" (*Atti* 15,5) tant li San Ġakbu seta' jgħid lil San Pawl: "Qiegħed tara, ħi, kemm eluf ta' Lhud emmnu? U dawn kollha għadhom imħeġġa għal-Liġi" (*Atti* 21,20).

596 L-awtoritajiet reliġjużi ta' Ġerusalemm ma kinux jaqblu bejniethom dwar kif kellhom iġibu ruħhom ma' Ġesù (*ara Ġw* 9,16; 10,19). Il-Fariżej heddu bi skomunika lil min imur wara Ġesù (*ara Ġw* 9,22). Lil dawk li kienu mbeżżgħin għax "kulħadd jemmen fih, u jiġu r-Rumani, u jeqirdulna kemm it-Tempju u kemm il-ġens tagħna" (*Ġw* 11,48), il-qassis il-kbir Kajfa pproponielhom dik li fiha nnifisha kienet profezija: "Jaqblilkom jekk imut bniedem wieħed għall-poplu u mhux jinqered il-ġens kollu" (*Ġw* 11,50). 1753
Is-Sanhedrin iddeċieda li Ġesù "ħaqqu l-mewt" (*Mt* 26,66) bħala midgħi; imma għax ma kellhomx setgħa joqtlu lil ħadd (*ara Ġw* 18,31), taw 'il Ġesù lir-Rumani u xlewh bħala xewwiex politiku (*ara Lq* 23,2) u hekk għamluh daqs Barabba, mixli b'rewwixta (*ara Lq* 23,19). Il-qassisin il-kbar inqdew ukoll b'theddid politiku biex iġiegħlu 'l Pilatu jikkundanna 'l Ġesù għall-mewt (*ara Ġw* 19,12.15.21).

Il-Lhud mhumiex ilkoll flimkien responsabbli għall-mewt ta' Ġesù

597 Meta nqisu kemm hi komplessa l-ġrajja storika tal-proċess ta' Ġesù kif jidher fl-Evanġelju, u meta nqisu x'kien id-dnub personali ta' kull min kellu x'jaqsam mal-proċess (Ġuda, is-Sanhedrin, Pilatu) li Alla biss jafu, ma nistgħux ngħabbu bir-responsabbiltà tal-mewt ta' Ġesù n-nies kollha ta' Ġerusalemm, minkejja l-għajjat ta' folla ta' nies imxewxa (*ara Mk* 15,11), u minkejja ċ-ċanfir għal kulħadd li nsibu f'kull stedina għall-konverżjoni li saret wara Għid il-Ħamsin (*ara Atti* 2,23.36; 3,13-14; 4,10; 5,30; 7,52; 10,39; 13,27-28; *1 Tess* 2,14-15). Ġesù stess ħafrilhom fuq is-salib (*ara Lq* 23,34) u Pietru warajh semma l-injoranza (*ara Atti* 3,17) tal- 1735
Lhud ta' Ġerusalemm u tal-istess kapijiet tagħhom. Wisq anqas ma għandna nqisu għajta tal-poplu: "Demmu fuqna

u fuq uliedna" (*Mt* 27,25), għajta li kienet biss formula ta' ratifika (ara *Atti* 5,28; 18,6), biex ngħabbu r-responsabiltà talmewt ta' Kristu lil-Lhud kollha ta' kull żmien u ta' kullimkien:

> Dan qalet ukoll il-Knisja fil-Konċilju Vatikan II: "B'dak li sar fil-
> passjoni ma jistgħux jiġu mixlija bla ebda distinzjoni l-Lhud kollha
> 839 li għexu dak iż-żmien, u lanqas il-Lhud ta' kull żmien ... Il-Lhud ma
> għandhomx jitqiesu bħala mistmerra jew misħuta minn Alla, qisu
> dan jgħiduh il-Kotba Mqaddsa".[97]

Il-midinbin kollha huma awturi tal-Passjoni ta' Kristu

598 Il-Knisja, fil-Maġisteru tal-fidi tagħha u fix-xhieda tal-qaddisin tagħha qatt ma nsiet li "il-midinbin stess huma l-awturi u l-istrumenti tat-tbatijiet kollha li ġarrab il-Feddej divin"[98] (ara *Lh* 12,3). Hija u tqis li dnubietna jolqtu 'l Kristu nnifsu (ara *Mt* 25,45; *Atti* 9,4-5), il-Knisja ma toqgħodx taħsibha biex tgħabbi lill-Insara bl-akbar responsabiltà għall-passjoni ta' Ġesù, dik ir-responsabiltà li l-Insara spiss għabbew biha lil-Lhud biss:

> 1851 Għandna nqisu ħatja ta' dan il-fatt tal-biża' dawk li kontinwament
> jaqgħu fi dnubiethom. Huma l-ħtijiet tagħna li ġiegħlu lil Sidna
> Ġesù Kristu jġarrab it-tbatija tas-salib, u hi ħaġa żgura li dawk li
> qegħdin jgħixu fil-fond tad-diżordni u tal-ħażen, bl-istess imġiba
> tagħhom "qed isallbu lill-Iben ta' Alla u jwaqqgħuh għat-tmaqdir"
> (*Lh* 6,6). U rridu nammettu, li l-ħtija tagħna f'dan il-każ hi akbar
> minn dik tal-Lhud għax huma, skont ix-xhieda tal-Appostlu San
> Pawl "kieku għarfuh qatt ma kienu se jsallbu l-Mulej tal-glorja" (*1
> Kor* 2,8). Aħna, għall-kuntrarju, ngħidu li nagħrfuh u meta niċħduh
> b'għemilna, aħna b'xi mod inkunu mmiddu fuqu l-idejn qattiela
> tagħna.[99]

[97] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Nostrae aetate* (1965), 4.

[98] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 5, 11.

[99] *Ibid.*

> U saħansitra x-xjaten ma kenux huma li sallbuh, imma kont int
> li flimkien magħhom sallabtu u għadek issallbu meta titgħaxxaq
> bil-vizzji u d-dnubiet.[100]

II. Il-mewt feddejja ta' Kristu fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni

"Ġesù ġie mogħti skont il-pjan ta' Alla mfassal minn qabel"

599 Il-mewt vjolenti ta' Kristu ma ġratx b'kumbinazzjoni għax iltaqgħu ħażin flimkien għadd ta' ċirkostanzi. Il-mewt ta' Kristu hi parti mill-misteru tal-pjan ta' Alla, kif San Pietru 517
fisser lil-Lhud ta' Ġerusalemm fl-ewwel diskors tiegħu nhar Għid il-Ħamsin: "Alla [telaqulhom f'idejhom] skont l-għerf u l-pjan li fassal minn qabel" (*Atti* 2,23). Dan il-kliem tal-Iskrittura ma jfissirx li dawk li ttradew lil Ġesù (ara *Atti* 3,13) kienu biss esekuturi passivi ta' xenarju mħejji minn qabel minn Alla.

600 Il-mumenti kollha ta' kull żmien jinsabu quddiem Alla huma u jsiru. Hu fassal il-pjan etern tiegħu tal-"predestinazzjoni", u daħħal fih it-tweġiba ħielsa ta' kull bniedem għall-grazzja tiegħu: "Għax, tabilħaqq, f'din il-belt, Erodi u Ponzju Pilatu ngħaqdu flimkien mal-pagani u n-nies ta' Iżrael kontra l-qaddej tiegħek Ġesù (ara *Salm* 2,1-2), li int ikkonsagrajt, biex jagħmlu dak kollu li, bil-qawwa u r-rieda tiegħek, iddestinajt minn qabel li kellu jsir" (*Atti* 4,27-28). Alla ppermetta li jsir dak l-għemil li kien ħiereġ mill-għama 312

[100] San Franġisk ta' Assisi, *Twissijiet*, 5, 3: *Fonti għall-ħajja ta' San Franġisk ta' Assisi. Il-Kitbiet ta' San Franġisk ta' Assisi; Fonti Medjevali tal-ħajja ta' San Franġisk*, I, Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri, Edizzjoni TAU, 25.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 244-245 5/16/2014 11:15:29 AM

tagħhom (ara *Mt* 26,54; *Ġw* 18,36; 19,11) biex iseħħ il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni (ara *Atti* 3,17-18).

"Miet minħabba dnubietna skont l-Iskrittura"

601 Dan il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni bil-mewt tal-"Qaddej ġust" (ara *Is* 53,11; *Atti* 3,14) ġie mħabbar minn qabel fl-Iskrittura bħala misteru ta' fidwa universali, jiġifieri ta' fidwa li teħles il-bnedmin kollha mill-jasar tad-dnub (ara *Is* 53,11-12; *Ġw* 8,34-36). San Pawl, fi stqarrija ta' fidi jgħid li kien "tgħallem" li "Kristu miet minħabba dnubietna, *skont l-Iskrittura"* (*1 Kor* 15,3; ara wkoll *Atti* 3,18; 7,52; 13,29; 652 26,22-23). Il-mewt ta' Kristu għall-fidwa tagħna temmet b'mod partikulari l-profezija tal-Qaddej li jbati (ara *Is* 53,7-713 8 u *Atti* 8,32-35). Ġesù nnifsu wera s-sens ta' ħajtu u ta' mewtu fid-dawl tal-Qaddej li jbati (ara *Mt* 20,28). Wara l-qawmien mill-imwiet, ta din l-interpretazzjoni tal-Iskrittura lid-dixxipli ta' Għemmaws (ara *Lq* 24,25-27) u mbagħad lill-istess Appostli (ara *Lq* 24,44-45).

"Alla għamlu dnub għalina"

602 San Pietru għalhekk seta' jfisser b'dan il-mod il-fidi tal-Appostli fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni: "Intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom ... bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa. Hu kien ippredestinat sa minn qabel ma saret id-dinja, imma deher fl-aħħar taż-żminijiet minħabba fikom" (*1 Piet* 1,18-20). Id-dnubiet tal-bnedmin, 400 li saru wara d-dnub tan-nisel ġew ikkastigati bil-mewt (ara *Rum* 5,12; *1 Kor* 15,56). Meta bagħat lil Ibnu stess fis-sura ta' lsir (ara *Fil* 2,7), fis-sura ta' umanità mwaqqgħa u

mogħtija għall-mewt minħabba d-dnub (ara *Rum* 8,3), "dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex 519 aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla" (*2 Kor* 5,21).

603 Ġesù ma ġarrabx kundanna bħallikieku hu stess għamel id-dnub (ara *Ġw* 8,46). Imma fl-imħabba fejjieda li għaqqditu dejjem mal-Missier (ara *Ġw* 8,29), hu għaqqadna miegħu, aħna li konna mifrudin minn Alla minħabba d-dnub, tant li fuq is-salib seta' jgħid: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" (*Mk* 15,34; *Salm* 22,1). Għaliex riedu jkun ħaġa waħda magħna midinbin, Alla "anqas lil Ibnu 2572 stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll," (*Rum* 8,32) biex aħna nitħabbu "miegħu bis-saħħa tal-mewt ta' Ibnu" (*Rum* 5,10).

Alla ħa l-inizjattiva tal-imħabba għall-fidwa ta' kulħadd

604 Meta Alla ta lil Ibnu minħabba dnubietna, hu wera 211 li l-pjan tiegħu għalina kien pjan ta' mħabba u tjieba, qabel 2009 stess kull mertu tagħna. "U hawn qiegħda l-imħabba; 1825 mhux għax aħna ħabbejna lil Alla, imma għax ħabbna hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna" (*1 Ġw* 4,10; ara 4,19). "Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin" (*Rum* 5,8).

605 Din l-imħabba li minnha ħadd ma ġie mwarrab, Ġesù fakkarha fi tmiem il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa: "Hekk ukoll, anqas Missierkom li hu fis-smewwiet ma jrid li jintilef wieħed minn dawn iż-żgħar" (*Mt* 18,14). Hu jtenni li ġie "biex jagħti ħajtu b'fidwa *għall-kotra"* (*Mt* 20,28); din l-aħħar kelma mhijiex restrittiva imma tagħmel kuntrast bejn il-kotra kollha tal-bnedmin minn naħa, u l-persuna waħdanija tal-Feddej 402

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 246-247 5/16/2014 11:15:29 AM

li joffri lilu nnifsu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, minnaħa l-oħra (ara *Rum* 5, 18-19). Il-Knisja, wara l-Appostli
634; 2793 (ara *2 Kor* 5,15; *1 Ġw* 2,2), tgħallem li Kristu miet għall-bnedmin kollha bla ebda eċċezzjoni: "Ma hemmx, ma kienx hemm, u lanqas ma jkun hemm xi bniedem, li għalih Kristu ma batiex".[101]

III. Kristu offra lilu nnifsu lill-Missier għal dnubietna

Il-ħajja kollha ta' Kristu hija offerta lill-Missier

517 606 L-Iben ta' Alla li niżel mis-sema mhux biex jagħmel ir-rieda tiegħu, imma r-rieda tal-Missier li bagħtu (ara *Ġw* 6,38), "meta daħal fid-dinja qal: '... Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla' ... Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem" (*Lh* 10,5-10). Mill-ewwel mument tal-Inkarnazzjoni tiegħu, l-Iben ħaddan il-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla fil-missjoni tiegħu tal-fidwa: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu" (*Ġw* 4,34). Is-sagrifiċċju ta' Ġesù
536 għad-dnubiet tad-dinja kollha (ara *1 Ġw* 2,2) juri l-għaqda tiegħu ta' mħabba mal-Missier: "Iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti" (*Ġw* 10,17). Jeħtieġ li "d-dinja tagħraf li jiena nħobb lill-Missier u li nagħmel kif ordnali l-Missier" (*Ġw* 14,31).

607 Din ix-xewqa li jagħmel tiegħu l-pjan ta' mħabba fejjieda ta' Missieru mliet il-ħajja kollha ta' Ġesù (ara *Lq*
457 12,50; 22,15; *Mt* 16,21-23), għaliex il-Passjoni li biha fdiena

[101] Konċilju ta' Quiercy, *Dwar l-għażla ħielsa tal-bnedmin u l-predestinazzjoni*, kan. 4 (853): DS 624.

kienet ir-raġuni għaliex hu sar bniedem. "U x'naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa" (*Ġw* 12,27). "Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux?" *(Ġw* 18,11). U mill-ġdid fuq is-salib, qabel ma kollox kien mitmum (*Ġw* 19,30), qal: "Għandi l-għatx!" (*Ġw* 19,28).

"Il-Ħaruf li jneħħi d-dnub tad-dinja"

608 Wara li aċċetta li jgħammed lil Ġesù flimkien mal- 523
midinbin (ara *Lq* 3,21; *Mt* 3,14-15), San Ġwann Battista ra u wera f'Ġesù "il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja" (*Ġw* 1,29; ara *Ġw* 1,36). B'hekk juri li Ġesù hu fl-istess ħin il-Qaddej li jbati, li jħalli lil min jieħdu għall-qatla bla ma jiftaħ fommu (ara *Is* 53,7; *Ġer* 11,19), mgħobbi bid-dnubiet tal-kotra (ara *Is* 53,12), u l-ħaruf tal-Għid simbolu tal-fidwa ta' Iżrael fi żmien l-ewwel Għid (ara *Eż* 12,3-14; ara *Ġw* 19,36; *1 Kor* 5,7). Il-ħajja kollha ta' Kristu turi x'kienet 517
il-missjoni tiegħu: "biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (*Mk* 10,45).

Ġesù jħaddan bil-qalb kollha l-imħabba feddejja tal-Missier

609 Huwa u jilqa' fil-qalb tiegħu ta' bniedem l-imħabba tal- 478
Missier għall-bnedmin kollha, Ġesù "ħabbhom għall-aħħar" (*Ġw* 13,1), għax "ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu" (*Ġw* 15,13). Hekk fit-tbatija u l-mewt, in-natura tiegħu ta' bniedem saret strument ħieles 515
u perfett tal-imħabba ta' Alla li trid s-salvazzjoni tal-bnedmin kollha (ara *Lh* 2,10.17-18; 4,15; 5,7-9). Fil-fatt, Ġesù minn rajh aċċetta l-passjoni u l-mewt għall-imħabba ta' Missieru u 272; 539
tal-bnedmin kollha, li l-Missier ried isalva: "Ħadd ma [jeħodli ħajti], iżda jien nagħtiha minn rajja" (*Ġw* 10,18). Minn hawn

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 248-249 5/16/2014 11:15:29 AM

tiġi l-libertà setgħana tal-Iben ta' Alla meta mar minn rajh lejn il-mewt (ara *Ġw* 18,4-6; *Mt* 26,53).

Fl-aħħar ikla Ġesù jantiċipa l-offerta ħielsa ta' ħajtu

610 Ġesù fisser b'mod l-aktar għoli l-offerta minn rajh f'ikla li għamel mat-tnax-il Appostlu (ara *Mt* 26,20), "fil-lejl li
766 fih kien ittradut" (*1 Kor* 11,23). Lejlet il-Passjoni, meta kien għadu ħieles, Ġesù b'din l-Aħħar Ikla mal-Appostli għamel
1337 it-tifkira tal-offerta ħielsa tiegħu lill-Missier (ara *1 Kor* 5,7) għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha: "Dan hu ġismi *li jingħata* għalikom" (*Lq* 22,19). "Dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li *jixxerred* għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (*Mt* 26,28).

1364 611 L-Ewkaristija li waqqaf dak il-ħin hi t-"tifkira" (*1 Kor* 11,25) tas-sagrifiċċju tiegħu, Ġesù jdaħħal l-Appostli fl-offerta tiegħu u jitlobhom ikomplu jagħmluha sal-aħħar taż-żmien (ara *Lq* 22,19). U hekk Ġesù għamel l-Appostli
1341; 1566 qassisin tal-Patt il-Ġdid: "Minħabba fihom nagħti ħajti biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità" (*Ġw* 17,19).[102]

L-agunija fil-Ġetsemani

612 Il-kalċi tal-Patt il-Ġdid li Ġesù jantiċipa fl-Aħħar Ikla huwa u joffri lilu nnifsu (ara *Lq* 22,20), jilqgħu mbagħad minn idejn il-Missier waqt l-agunija fil-Ġetsemani (ara
532; 2600 *Mt* 26,42) billi "obda sal-mewt" (*Fil* 2,8; ara *Lh* 5,7-8).

[102] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrifiċċju l-aktar qaddis tal-Quddiesa*, kan. 2 (1562): DS 1752; *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Ordni*, kan. 1 (1563): DS 1764.

Ġesù talab: "Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi ... " (*Mt* 26,39). Juri b'hekk il-kruha li l-mewt tirrappreżenta għan-natura tiegħu ta' bniedem, li, bħan-natura tagħna, hi destinata għall-ħajja ta' dejjem; barra dan, in-natura ta' Kristu bħala bniedem, mhux bħan-natura tagħna, hi għal kollox ħielsa mid-dnub (ara *Lh* 4,15), li jġib il-mewt (ara *Rum* 5,12); iżda fuq kollox ġiet magħquda mal-Persuna Divina tal-"Awtur tal-ħajja" (*Atti* 3,15), tal-"ħaj" (*Apok* 1,18; ara *Ġw* 1,4; 5,26). Huwa u jaċċetta bir-rieda tiegħu ta' bniedem li sseħħ ir-rieda tal-Missier (ara *Mt* 26,42), hu nnifsu jaċċetta l-mewt għax hi 1009
għall-fidwa u "tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib" (*1 Piet* 2,24).

Il-mewt ta' Kristu hi s-sagrifiċċju waħdieni u definittiv

613 Il-mewt ta' Kristu hi fl-istess ħin *is-sagrifiċċju tal-* 1366
Għid li jwassal għat-tmiem, darba għal dejjem, il-fidwa tal-bnedmin kollha (ara *1 Kor* 5,7; *Ġw* 8,34-36) bil-"Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (*Ġw* 1,29; ara *1 Piet* 1,19) 2009
u s-*sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid* (ara *1 Kor* 11,25) li jerġa' jdaħħal il-bniedem f'xirka ma' Alla (ara *Eż* 24,8), huwa u jħabbu miegħu bid-"demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (*Mt* 26,28; ara *Lev* 16,15-16).

614 Dan is-sagrifiċċju ta' Kristu huwa uniku, itemm u 529; 1330
jgħaddi s-sagrifiċċji kollha (ara *Lh* 10,10). Hu qabel xejn don ta' Alla l-Missier innifsu; hu l-Missier li jagħti 'l Ibnu biex iħabbibna miegħu (ara *1 Ġw* 4,10). Hu fl-istess ħin ukoll 2100
l-offerta tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem li, minn rajh u għall-imħabba (ara *Ġw* 15,13), joffri ħajtu (ara *Ġw* 10,17-18) lill-Missier bl-Ispirtu s-Santu (ara *Lh* 9,14) biex ipatti għad-diżubbidjenza tagħna.

Ġesù jissostitwixxi d-diżubbidjenza tagħna bl-ubbidjenza tiegħu

1850 615 "Kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll b'ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti" (*Rum* 5,19). Bl-ubbidjenza tiegħu sal-mewt, Ġesù wassal għall-perfezzjoni l-ħidma tal-Qaddej li jbati
433 flok ħaddieħor, li "joffri ruħu b'*sagrifiċċju ta' riparazzjoni*", meta tgħabba bid-dnub tal-kotra, "neħħa l-ħtijiet tal-kotra u ndaħal għall-midinbin" (*Is* 53,10-12). Ġesù
411 patta għad-dnubiet tagħna u ta ħlas xieraq lill-Missier għal dnubietna.[103]

Fuq is-salib Ġesù temm is-sagrifiċċju tiegħu

616 Hu l-fatt li Ġesù ħabbna għall-aħħar (ara *Ġw* 13,1) li jagħti valur ta' fidwa u ta' riparazzjoni, ta' tpattija u ta' ħlas xieraq lis-sagrifiċċju ta' Kristu. Fl-offerta ta' ħajtu,
478 għarafna lkoll u ħabbna lkoll (ara *Gal* 2,20; *Ef* 5,2.25). "L-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu dan: li wieħed miet għal kulħadd, mela kulħadd miet" (*2 Kor* 5,14). Ebda bniedem, l-anqas l-ikbar qaddis, ma seta' jitgħabba bid-dnubiet tal-bnedmin kollha u joffri lilu
468 nnifsu b'sagrifiċċju għal kulħadd. L-eżistenza fi Kristu tal-Persuna Divina tal-Iben, li fl-istess waqt, tisboq, tħaddan
519 il-bnedmin kollha, u tagħmel minnu r-Ras tal-umanità kollha, tagħmel possibbli s-sagrifiċċju tiegħu ta' fidwa *għal kulħadd.*

1992 617 "Bil-passjoni mqaddsa tiegħu fuq l-għuda tas-salib

[103] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 7: DS 1529.

kisbilna l-ġustifikazzjoni"[104], jgħallem il-Konċilju ta' Trento huwa u juri sewwa l-karattru waħdieni tas-sagrifiċċju ta' Kristu bħala "awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem" (*Lh* 5,9). Il-Knisja tagħti ġieħ lis-salib hija u tkanta: "Sliem għalik, o 1235
Salib, tama tagħna!"[105]

Is-sehem tagħna fis-sagrifiċċju ta' Kristu

618 Is-salib hu s-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu, "għax ... wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem" (*1 Tim* 2,5). Fil-Persuna tiegħu ta' Alla, "b'xi mod ingħaqad ma' kull bniedem"[106], u joffri l-possibiltà "lill-bnedmin kollha, b'mod li Alla biss jaf kif, li jkunu jistgħu jissieħbu fil-misteru tal-Għid"[107]. Hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu biex jieħdu s-salib u jimxu warajh 1368; 1460
(ara *Mt* 16,24), għaliex hu bata għalina u ħallielna eżempju biex nimxu fuq il-passi tiegħu (ara *1 Piet* 2,21). Infatti ried isieħeb fis-sagrifiċċju tiegħu għall-fidwa lil dawk stess li 307; 2100
kienu se jkunu minn tal-ewwel li jgawduha (ara *Mk* 10,39; *Ġw* 21,18-19; *Kol* 1,24). Dan seħħ l-aktar għal Ommu, li kienet imsieħba intimament miegħu wisq aktar minn 964
ħaddieħor fil-misteru tat-tbatija tiegħu għall-fidwa tagħna (ara *Lq* 2,35).

Barra mis-salib m'hemmx sellum ieħor li bih nilħqu s-sema.[108]

[104] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 1: DS 1529 "sua sanctissima passione in ligno crucis nobis iustificationem meruit".

[105] *Liturġija tas-Sigħat,* Innu tal-Għasar tal-Ġimgħa Mqaddsa, *Vexilla Regis*: "O crux, ave, spes unica".

[106] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 22.

[107] *Ibid*.

[108] P. Hansen, *Il-Ħajja tal-għaġeb ta' Swor Roża ta' Santa Marija minn Lima*, Ruma 1664, 137.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 252-253 5/16/2014 11:15:29 AM

Fil-qosor

619 *"Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura"* (*1 Kor* 15,3).

620 *Is-salvazzjoni tagħna ħarġet mill-inizjattiva tal-imħabba ta' Alla għalina għax "ħabbna hu, u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna"* (*1 Ġw* 4,10). *"Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu"* (*2 Kor* 5,19).

621 *Ġesù offra minn rajh lilu nnifsu għas-salvazzjoni tagħna. Dan id-don fissru u wettqu minn qabel fl-Aħħar Ikla: "Dan hu Ġismi li jingħata għalikom"* (*Lq* 22,19).

622 *F'dan tikkonsisti l-fidwa ta' Kristu: ġie biex "jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra"* (*Mt* 20,28), *jiġifieri "ħabb lil tiegħu ... għall-aħħar"* (*Ġw* 13,1) *biex ikunu mifdija mill-ħajja fiergħa li ħadu mingħand missirijiethom* (ara *1 Piet* 1,18).

623 *Bl-ubbidjenza kollha mħabba lejn Missieru "sal-mewt tas-salib"* (*Fil* 2,8), *Ġesù temm il-missjoni riparatriċi* (ara *Is* 53,10) *tal-Qaddej li jbati, li jiġġustifika l-kotra u jitgħabba bil-ħażen tagħhom hu stess* (ara *Is* 53,11; *Rum* 5,19).

It-tielet paragrafu

ĠESÙ KRISTU ĠIE MIDFUN

624 "Għall-grazzja ta' Alla, il-mewt li daq tkun għall-ġid ta' kulħadd" (*Lh* 2,9). Fil-pjan tiegħu tas-salvazzjoni, Alla ried li Ibnu mhux biss imut għall-dnubietna (ara *1 Kor* 15,3),

imma riedu wkoll "iduq il-mewt", jiġifieri jagħraf il-qagħda tal-mewt, il-qagħda tal-firda tar-ruħ mill-ġisem, mill-mument tal-aħħar nifs tiegħu fuq is-salib sal-mument tal-qawmien mill-imwiet. Din il-qagħda ta' Kristu mejjet hi l-Misteru tad-difna fil-qabar u tal-inżul tiegħu bejn l-imwiet. Hu l-Misteru tas-Sibt imqaddes tal-Għid meta Kristu midfun fil-qabar (ara *Ġw* 19,42) iħabbar il-mistrieħ kbir tas-Sibt ta' Alla (ara *Lh* 4,7-9), wara li tintemm (ara *Ġw* 19,30) is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha u jkun hemm is-sliem fis-sema u l-art (ara *Kol* 1,18-20). 362; 1005 349

Kristu fil-qabar b'ġismu

625 Il-qagħda ta' Ġesù fil-qabar torbot sewwa l-istat ta' tbatija ta' Kristu qabel l-Għid mal-istat glorjuż tiegħu ta' issa bħala Rxoxt. Hu l-istess persuna tal-"Ħaj" li jista' jgħid: "Jien kont mejjet, u ara, jien issa ħaj għal dejjem ta' dejjem" (*Apok* 1,18).

> Alla (l-Iben) ma żammx il-mewt milli tifred ir-ruħ mill-ġisem, skont l-ordni meħtieġ tan-natura, imma issa reġa' għaqqadhom flimkien bil-Qawmien mill-imwiet, biex *ikun hu stess fil-Persuna tiegħu l-imkien fejn jiltaqgħu l-mewt u l-ħajja* billi ma jħallix ikompli sejjer fih it-taħsir tan-natura li ġġib il-mewt u b'hekk ikun hu l-għajn tal-għaqda flimkien taż-żewġ elementi li nfirdu minn xulxin.[109]

626 Billi hu l-"Awtur tal-ħajja" li ġie maqtul (*Atti* 3,15) hu wkoll l-istess li qam mill-imwiet (ara *Lq* 24, 5-6), kien jeħtieġ li l-Persuna Divina tal-Iben ta' Alla tkompli tgħaqqad magħha r-ruħ u l-ġisem mifrudin minn xulxin bil-mewt: 475; 650

> Il-fatt li bil-mewt ta' Kristu r-ruħ infirdet mill-ġisem, ma jfissirx li l-Persuna waħda ta' Kristu sabet ruħha maqsuma f'żewġ persuni: għaliex il-ġisem u r-ruħ ta' Kristu kellhom l-istess relazzjoni mal-

[109] San Girgor ta' Nissa, *Diskors Kateketiku*, 16, 9: PG 45, 52B.

> Persuna tal-Verb sa mill-bidu; u fil-mewt, għalkemm mifrudin minn xulxin, baqgħu bl-istess relazzjoni mal-Persuna waħda tal-Verb.[110]

"Ma tħallix il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir"

1009 627 Il-mewt ta' Kristu kienet mewt tassew għax temmet il-ħajja tiegħu fuq l-art bħala bniedem. Iżda minħabba
1683 l-għaqda li l-Persuna tal-Iben żammet mal-ġisem, il-mewt ma kinitx l-istess bħalma hi l-mewt tal-bnedmin kollha, għax ma setax ikun li l-mewt iżżommu taħt is-setgħa tagħha (*Atti* 2,24) u għalhekk "il-qawwa ta' Alla ħarset il-Ġisem ta' Kristu minn kull taħsir".[111] Għal Kristu nistgħu ngħidu fl-istess ħin: "qaċċtuh mill-art tal-ħajjin" (*Is* 53,8) u "Ġismi wkoll jistrieħ fit-tama, għax inti ma titlaqx fl-imwiet lil ruħi, u ma tħallix il-Qaddis tiegħek jara t-taħsir" (*Atti* 2,26-27). Il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet fit-tielet jum (*1 Kor* 15,4; *Lq* 24,46) kien is-sinjal ta' dan, għax it-taħsir kien meqjus li jibda jidher marraba' jum.

"Midfunin ma' Kristu"

537 628 Il-Magħmudija, li s-sinjal sħiħ u oriġinali tagħha hi l-immersjoni, tfisser b'mod l-aktar effikaċi l-inżul fil-qabar flimkien ma' Kristu tan-Nisrani, li jmut għad-dnub biex jgħix ħajja ġdida. "Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-
1214 magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (*Rum* 6,4; ara *Kol* 2,12; *Ef* 5,26).

[110] San Ġwann Damaxxenu, *Dwar il-Vera Fidi*, 3, 27: PG 94, 1098A.
[111] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, III, 51, 3.

Fil-qosor

629 *Ġesù daq il-mewt b'riżq il-bnedmin kollha* (*ara Lh* 2,9), *Hu verament l-Iben ta' Alla magħmul bniedem li miet u ġie midfun.*

630 *Tul iż-żmien li Kristu kien fil-qabar, il-Persuna Divina tiegħu baqgħet tgħaqqad magħha ruħu u ġismu, għalkemm mifrudin minn xulxin bil-mewt. Hu għalhekk li Ġisem Kristu mejjet "ma ġarrabx it-taħsir"* (*Atti* 13,37).

Il-ħames artiklu

ĠESÙ KRISTU "NIŻEL BEJN L-IMWIET, FIT-TIELET JUM QAM MINN BEJN L-IMWIET"[112]

631 Ġesù "niżel ... fl-inħawi l-aktar t'isfel tal-art ... Dak li niżel huwa dak li tela'" (*Ef* 4,9-10). Il-Kredu tal-Appostli fl-istess artiklu tal-fidi jistqarr l-inżul ta' Kristu bejn l-imwiet u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet fit-tielet jum, għaliex fl-Għid tiegħu, mill-fond tal-mewt, huwa fawwar il-ħajja:

> Kristu Ibnek
> meta qam mill-imwiet
> xerred id-dawl u s-sliem fuq il-bnedmin kollha
> u issa jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.[113]

[112] Il-Konferenza Episkopali Maltija, fl-Assemblea Plenarja tagħha tal-20 ta' Awwissu 2013, approvat il-kliem *niżel bejn l-imwiet* biex jissostitwixxi *niżel fil-limbu*.
[113] *Missal Ruman*, Vġili tal-Għid: *Tħabbira tal-Għid.*

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 256-257 5/16/2014 11:15:30 AM

L-ewwel paragrafu

KRISTU NIŻEL BEJN L-IMWIET

632 It-Testment il-Ġdid spiss jgħid li Ġesù qam "mill-imwiet" (*Atti* 3,15; *Rum* 8,11; *1 Kor* 15,20): dan il-kliem jissoponi li Ġesù qabel irxoxta kien f'post l-imwiet (ara *Lh* 13,20). Dan hu l-ewwel tifsir li l-predikazzjoni tal-Appostli tat għall-inżul ta' Ġesù bejn l-imwiet. Ġesù ra l-mewt bħalma jarawha l-bnedmin kollha, u ssieħeb magħhom b'ruħu f'art il-mejtin. Imma niżel hemm bħala Salvatur, biex iħabbar il-Bxara t-Tajba lill-erwieħ li kienu magħluqa hemm (ara *1 Piet* 3, 18-19).

633 Art l-imwiet fejn niżel Kristu mejjet l-Iskrittura ssejħilha "qiegħ l-art", "post il-mejtin" "l-inħawi l-aktar t'isfel tal-art" (ara *Fil* 2,10; *Atti* 2,24; *Apok* 1,18; Ef 4,9). Il-Lhud kienu jsejħulu "Xeol" u l-Griegi "Hades", (bil-Malti "l-imwiet"), għaliex dawk kollha li kienu jinsabu hemm ma kinux jaraw 'l Alla (ara *Salm* 6,6; 88,11-13). Din kienet il-qagħda tal-mejtin kollha, tajbin u ħżiena, huma u jistennew il-Feddej (ara *Salm* 89,49; *1 Sam* 28,19; *Eż* 32,17-32), għalkemm dan ma jfissirx li kellhom l-istess xorti. Kif jurina Ġesù bil-parabbola tal-fqajjar Lazzru li ġie milqugħ fi "ħdan Abraham" (*Lq* 16,22-26), "huma propju l-erwieħ qaddisa li kienu jistennew fi ħdan Abraham dak li kellu jeħlishom, li Ġesù ħeles meta niżel
1033 f'art il-mejtin".[114] Ġesù ma niżilx fl-imwiet biex jeħles lid-dannati[115], lanqas biex jeqred l-infern tad-dannati[116], imma

[114] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 6, 3.

[115] Ara Konċilju ta' Ruma, *Dwar l-Inżul ta' Kristu fl-Imwiet* (745): DS 587.

[116] Ara Benedittu XII, Ktejjeb *Cum dudum*, dwar xi żbalji tal-Insara Armeni (1341), 18: DS 1011; Klement VI, Ittra *Super quibusdam* lill-Catholicos tal-Armeni dwar xi żbalji dottrinali (1351), 13: DS 1077.

biex jeħles il-ġusti li għexu qabel il-miġja tiegħu fid-dinja[117] (ara *Mt* 27,52-53).

634 "L-Evanġelju kien imxandar lill-mejtin ukoll ... " (*1 Piet* 4,6). Bl-inżul fl-art l-imwiet seħħet it-tħabbira tal-Evanġelju tas-salvazzjoni fil-milja kollha tagħha. Hi l-aħħar fażi tal-missjoni messjanika ta' Ġesù, fażi qasira fiż-żmien iżda tassew wiesgħa fit-tifsir għax il-ħidma tal-fidwa tilħaq il-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kullimkien: dawk kollha 605
li salvaw ħadu sehem mill-Fidwa.

635 Kristu meta niżel fil-qiegħ tal-mewt (ara *Mt* 12,24; *Rum* 10,7; *Ef* 4,9) niżel biex "il-mejtin jisimgħu l-leħen tal-Iben ta' Alla, u dawk li jisimgħuh jgħixu" (*Ġw* 5,25). Ġesù, l-"Awtur tal-ħajja" (*Atti* 3,15), "b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri x-Xitan, u jeħles 'il dawk kollha li, minħabba fil-biża' tal-mewt, kienu mjassrin għal għomorhom kollu" (*Lh* 2,14-15). Issa Kristu rxoxt għandu "l-imfietaħ tal-Mewt u ta' Post il-Mejtin" (*Apok* 1,18) u "fl-isem ta' Ġesù jinżlu għarkopptejhom – fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art – il-ħlejjaq kollha" (*Fil* 2,10).

> Illum fid-dinja waqa' skiet kbir; skiet kbir, imbagħad solitudni; skiet kbir għax is-sultan raqad; l-art twerwret u siktet għaliex Alla magħmul bniedem raqad u qajjem lil dawk li kienu ilhom ħafna reqdin ... Hu mar ifittex l-ewwel missier tagħna, li kien qisu n-nagħġa l-mitlufa. Iva, ried iżur lil dawk li kienu fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt; iva Alla, u Ibnu, mar iħoll l-irbit tat-tbatija lil Adam l-imjassar u lil Eva l-imjassra ... Jiena hu Alla tiegħek li minħabba fik sirt ibnek. Stenbaħ li int rieqed għax jien ma għamiltekx biex tibqa' marbut f'art l-imwiet. Qum mill-imwiet; jiena l-ħajja tal-mejtin.[118]

[117] Ara Konċilju ta' Toledo IV, *Kapitlu* 1: *Stqarrija dwar it-Trinità u dwar Ġesù Kristu* (633): DS 485.

[118] Omelija antika fuq is-Sibt qaddis tal-Għid: PG 43, 440. 452. 461; ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari, Sibt il-Għid.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 258-259 5/16/2014 11:15:30 AM

Fil-qosor

636 *Bil-kliem "Ġesù niżel bejn l-imwiet", il-Kredu jistqarr li Ġesù tassew miet u li, bil-mewt tiegħu għalina, rebaħ il-mewt u x-Xitan "li kellu l-mewt f'idejh"* (*Lh* 2,14).

637 *Kristu mejjet, b'ruħu magħquda mal-Persuna Divina tiegħu, niżel f'art l-imwiet. Fetaħ bwieb is-sema għall-ġusti li kienu marru qablu.*

It-tieni paragrafu

FIT-TIELET JUM QAM MINN BEJN L-IMWIET

638 "Nagħtukom l-aħbar, li l-wegħda, li Alla kien għamel lil missirijietna, temmha għalina, li aħna wliedhom, billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet" (*Atti* 13,32-33). Il-Qawmien
90 ta' Kristu mill-imwiet huwa l-qofol tal-fidi tagħna fi Kristu; l-ewwel komunitajiet Insara emmnuha u għexuha bħala verità fiċ-ċentru ta' twemminhom, it-Tradizzjoni għaddietha tul iż-żminijiet bħala verità fundamentali; id-dokumenti tat-Testment il-Ġdid iffissawha; u ġiet imxandra bħala parti
651; 991 essenzjali tal-Misteru tal-Għid flimkien mas-Salib:

> Kristu qam mill-imwiet. Bil-mewt tiegħu rebaħ il-mewt u ta l-ħajja lill-mejtin.[119]

I. Ġrajja storika u traxxendenti

639 Il-Misteru tal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet hu fatt reali għax Kristu rxoxt deher u d-dehriet tiegħu ġew

[119] *Liturġija Bižantina*, Troparju tal-Għid.

magħrufa storikament kif jixhed it-Testment il-Ġdid. San Pawl ġa seta' jikteb lill-Korintin qrib is-sena 56: "Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura. U deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax" (*1 Kor* 15,3-4). L-Appostlu hawn jitkellem dwar it-*Tradizzjoni ħajja tal-Qawmien mill-imwiet* li kien tgħallem wara l-konverżjoni tiegħu qrib il-bibien ta' Damasku (ara *Atti* 9,3-18).

Il-qabar vojt

640 "L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj? Mhuwiex hawn, imma qam" (*Lq* 24,5-6). Fil-kwadru tal-ġrajja tal-Għid l-ewwel fatt li niltaqgħu miegħu hu l-qabar vojt. Waħdu mhuwiex prova diretta. Il-fatt li l-ġisem ta' Kristu ma kienx fil-qabar jista' jiġi mfisser mod ieħor (ara *Ġw* 20,13; *Mt* 28,11-15); minkejja dan, il-qabar vojt hu sinjal essenzjali għal kulħadd. Is-sejba tal-qabar vojt kien l-ewwel pass għad-dixxipli biex jagħrfu l-fatt tal-Qawmien mill-imwiet. L-ewwel kienu xi nisa qaddisa (ara *Lq* 24,3.22-23), imbagħad San Pietru (ara *Lq* 24,12). "Id-dixxiplu ... li kien iħobb Ġesù" (*Ġw* 20,2) jgħid li meta daħal fil-qabar vojt u sab "il-faxex tal-għażel imqiegħda hemm" (*Ġw* 20,6), "ra, u emmen" (ara *Ġw* 20,8). Dan iġegħelna naħsbu li San Ġwann, minn kif sab il-qabar vojt (ara *Ġw* 20,5-7), fehem li l-fatt li l-ġisem ta' Ġesù ma kienx fil-qabar ma seħħx b'xi għemil ta' bniedem, 999
u fehem ukoll li Ġesù ma reġax lura għall-ħajja ta' qabel fuq l-art kif kien ġara fil-każ ta' Lazzru (ara *Ġw* 11,44).

Id-dehriet tal-Irxoxt

641 Marija ta' Magdala u n-nisa l-qaddisa li marru bil-

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 260-261 5/16/2014 11:15:30 AM

fwejjaħ biex jidilku ġisem Ġesù (ara *Mk* 16,1; *Lq* 24,1) midfun bl-għaġla l-Ġimgħa filgħaxija għax kien wasal jum is-Sibt (ara *Ġw* 19,31.42), kienu l-ewwel nies li ltaqgħu mal-lrxoxt (ara *Mt* 28,9-10; *Ġw* 20,11-18). B'hekk kienu n-nisa l-ewwel ħabbara tal-Qawmien ta' Ġesù mill-imwiet lill-Appostli stess (*Lq* 24,9-10). Lil dawn imbagħad deher Ġesù: l-ewwel lil San Pietru, imbagħad lit-Tnax (ara *1 Kor* 15,5).
553 San Pietru msejjaħ biex iwettaq fil-fidi lil ħutu (ara *Lq* 22,31-32) ra 'l Kristu rxoxt qabel l-oħrajn u hi fuq ix-xhieda tiegħu li
448 l-ġemgħa qalet: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!" (*Lq* 24,34).

642 Kulma ġara f'dawk il-jiem tal-Għid impenja lil kull wieħed mill-Appostli – b'mod partikulari lil Pietru – fil-
659; 881 bini taż-żmien il-ġdid li beda nhar l-Għid filgħodu. Bħala xhieda ta' Kristu Rxoxt huma jibqgħu l-pedament tal-Knisja tiegħu. Il-fidi tal-ewwel komunità ta' dawk li emmnu hi mibnija fuq ix-xhieda ta' bnedmin veri, li l-Insara kienu jafuhom, u li ħafna minnhom kienu għadhom jgħixu fosthom. Dawn "ix-xhieda tal-Qawmien ta' Kristu mill-
860 imwiet" (ara *Atti* 1,22) huma, Pietru u t-Tnax qabel kulħadd; iżda mhux huma biss. Pawlu jsemmi għadd ta' aktar minn ħames mitt aħwa li Kristu dehrilhom flimkien darba biss, imbagħad deher lil Ġakbu u lill-Appostli kollha (ara *1 Kor* 15,4-8).

643 Quddiem dawn ix-xhieda ma jistax ikun li l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet jiġi mfisser bħala fatt 'il fuq mill-ordni fiżiku u li ma jingħarafx bħala fatt storiku. Dan jiġi mill-fatt li d-dixxipli għaddew mill-prova radikali tal-Passjoni u tal-Mewt fuq is-salib tal-Imgħallem tagħhom imħabbrin lilhom minn qabel (ara *Lq* 22,31-32). Imriegħda bil-kbir kif kienu, xi wħud mid-dixxipli ma emmnux minnufih il-bxara tal-Qawmien mill-Imwiet. L-Evanġelji, aktar milli juruna komunità milquta minn eżaltazzjoni mistika, jippreżentawlna lid-dixxipli bħala nies qalbhom maqtugħa "b'ħarsa ta' niket" (*Lq* 24,17) u mbeżżgħin (ara *Ġw* 20,19). Hu għalhekk li ma emmnux linnisa meta dawn reġgħu lura mill-qabar u kliemhom "stħajluh thewdin" (*Lq* 24,11; ara *Mk* 16,11.13). Meta Ġesù deher lill-Ħdax nhar l-Għid filgħaxija,

"ċanfarhom talli kienu nieqsa mill-fidi u hekk rashom iebsa li ma emmnux lil dawk li kienu rawh wara li qam mill-mewt" (*Mk* 16,14).

644 U wkoll bir-realtà ta' Kristu Rxoxt quddiemhom, id-dixxipli baqgħu jiddubitaw (ara *Lq* 24,38): tant kienu jaraw li l-ħaġa ma setgħetx tkun, ħasbu li qed jaraw xi spirtu (ara *Lq* 24,39). "Fil-ferħ tagħhom kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba" (*Lq* 24,41). Tumas għadda mill-istess prova tad-dubju (ara *Ġw* 20,24-27) u wara l-aħħar dehra ta' Ġesù fil-Galilija li jsemmilna Mattew, "xi wħud iddubitaw" (*Mt* 28,17). Għalhekk hi bla bażi l-ipotesi li l-ġrajja tal-qawmien mill-imwiet hi "prodott" tal-fidi (jew tal-kredulità) tal-Appostli, anzi, għall-kuntrarju, il-fidi tagħhom fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet ġiethom mill-esperjenza diretta li kellhom tar-realtà ta' Kristu Rxoxt, bil-ħidma tal-grazzja ta' Alla.

L-istat tal-umanità ta' Kristu mqajjem mill-mewt

645 Ġesù rxoxt kellu għadd ta' kuntatti diretti mad-dixxipli: messewh (ara *Lq* 24,39; *Ġw* 20,27) u kiel magħhom (ara *Lq* 24,30.41-43; *Ġw* 21,9.13-15). Stedinhom biex jaraw li ma kienx xi spirtu (ara *Lq* 24,39), anzi stedinhom l-aktar 999
biex jaraw li l-ġisem irxoxtat li bih deher quddiemhom kien l-istess ġisem li ġie msawwat u msallab, għax kien għad kellu l-marki tal-passjoni (ara *Lq* 24,40; *Ġw* 20,20-27). Dan il-ġisem veru u reali, fl-istess waqt għandu l-kwalitajiet ġodda ta' ġisem glorjuż: ma jinsabx fl-ispazju u fiż-żmien imma jista' jidher kif inhu, fejn u kif irid (ara *Mt* 28,9.16-17; *Lq* 24,15.36; *Ġw* 20,14.19.26; 21,4) għax l-umanità tiegħu ma tistax tinżamm aktar fuq l-art u hi biss taħt is-setgħa divina tal-Missier (ara *Ġw* 20,17). Għalhekk ukoll, Ġesù Rxoxt għandu s-setgħa kollha li jidher kif irid, bħala l-ġardinar (ara *Ġw* 20,14-15) jew "taħt sura oħra" (*Mk* 16,12) li mhijiex bħal dik li biha kienu mdorrijin id-dixxipli, u dan biex iqanqlilhom il-fidi tagħhom (ara *Ġw* 20,14.16; 21,4.7).

646 Bil-qawmien mill-imwiet, Ġesù ma reġax lura għas-sura tal-ħajja fuq l-art, kif kienu l-qawmien mill-imwiet li seħħu qabel l-Għid: bint Ġajru, iż-żagħżugħ ta' Najm,

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 262-263 5/16/2014 11:15:30 AM

Lazzru. Dawn kienu mirakli u dawk, imqajmin mill-mewt,
934 bil-qawwa ta' Ġesù, reġgħu lura għall-ħajja "ordinarja" fid-
549 dinja. F'xi mument kellhom jerġgħu jmutu. Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet hi ħaġa essenzjalment differenti. Fil-Ġisem irxuxtat tiegħu, Ġesù, bil-Qawmien mill-imwiet, jgħaddi minn stat ta' mewt għal stat ta' ħajja 'l hemm mill-ispazju u ż-żmien. Il-Ġisem ta' Ġesù fil-Qawmien mill-imwiet hu mimli bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, hu msieħeb fil-ħajja ta' Alla fi stat ta' glorja hekk li San Pawl jista' jgħid għal Kristu li hu "bniedem tas-sema" (ara *1 Kor* 15,35-50).

Il-Qawmien mill-imwiet hu fatt traxxendenti

647 "Hieni tassew dan il-lejl – tkanta l-Knisja fit-tħabbira tal-Għid – li hu waħdu jaf is-siegħa u l-waqt tal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet".[120] Fil-fatt ebda bniedem ma ra l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet u ebda Evanġelista ma ddeskrivieh. Ħadd ma jista' jgħid kif seħħ fiżikament
1000 il-Qawmien mill-imwiet; wisq anqas ma jista' jfisser l-essenza interna ta' dan il-Qawmien, il-mogħdija għal ħajja oħra, li s-sensi tagħna ma jintebħux biha. Il-Qawmien mill-imwiet hu fatt storiku, ippruvat mill-qabar vojt u mil-laqgħat tassew tal-Appostli ma' Kristu Rxoxt, iżda jibqa' dejjem fil-qalba tal-misteru tal-fidi f'dak li hu 'l fuq mill-istorja u jissuperaha. Hu għalhekk li Kristu Rxoxt ma deherx lid-dinja (ara *Ġw* 14,22) imma lid-dixxipli, "lil dawk li kienu jitilgħu miegħu mill-Galilija lejn Ġerusalemm u li issa huma xhieda tiegħu quddiem il-poplu" (*Atti* 13, 31).

[120] *Missal Ruman*, Vġili tal-Għid: *Tħabbira tal-Għid*.

II. Il-qawmien mill-imwiet: opra tat-Trinità

648 Il-qawmien mill-imwiet ta' Kristu nemmnuh għaliex 258
hu att traxxendenti ta' Alla nnifsu fil-ħolqien u fl-istorja. Fil- 989
Qawmien mill-imwiet, it-Tliet Persuni tat-Trinità jagħmlu ħidma flimkien u juru l-karatteristika propja tagħhom. Il-Qawmien mill-imwiet sar bis-setgħa tal-Missier li "qajjem" (ara *Atti* 2,24) 'il Kristu, Ibnu, u b'dan il-mod daħħal fit- 663
Trinità b'manjiera mill-aktar perfetta l-umanità – permezz 445
ta' Ġisem Kristu. Ġesù ġie rivelat b'mod definittiv "skont l-Ispirtu s-Santu ... bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet" (*Rum* 1,4). San Pawl jinsisti fuq il-manifestazzjoni tal-qawwa ta' 272
Alla (ara *Rum* 6,4; 2 *Kor* 13,4; *Fil* 3,10; *Ef* 1,19-22; *Lh* 7,16) bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li ta l-ħajja lill-umanità mejta ta' Ġesù u sejħilha għall-istat glorjuż ta' Mulej.

649 L-Iben iqajjem lilu nnifsu mill-imwiet bis-saħħa tal-qawwa tiegħu ta' Alla. Ġesù jħabbar li Bin il-bniedem kellu jbati ħafna, imut u jirxoxta (ara *Mk* 8,31; 9,9.31; 10,34). Band'oħra jgħid ċar u tond: "Jien nagħti ħajti biex nerġa' neħodha ... Għandi s-setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha" (*Ġw* 10,17-18). "Aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet" (*1 Tess* 4,14).

650 Missirijiet il-Knisja kkontemplaw il-Qawmien mill-Imwiet billi telqu mill-Persuna Divina ta' Kristu li baqgħet 626
magħquda ma' ruħu u ma' ġismu, għalkemm mifrudin minn xulxin bil-mewt. "Għax in-natura divina hi waħda u tibqa' preżenti f'kull wieħed miż-żewġ elementi tan-natura tal-bniedem, dawn jerġgħu jingħaqdu flimkien. Hekk il-mewt isseħħ bil-firda taż-żewġ elementi tan-natura tal-bniedem, ir-ruħ u l-ġisem, u l-Qawmien mill-

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 264-265 5/16/2014 11:15:30 AM

Imwiet iseħħ bl-għaqda mill-ġdid ta' dawn iż-żewġ elementi mifrudin".[121]

III. Is-sens u l-valur salvifiku tal-qawmien mill-imwiet

651 "Jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom" (*1 Kor* 15,14). Il-qawmien mill-imwiet, qabel xejn, iwettaq kulma Kristu stess għamel u għallem. Il-veritajiet kollha, dawk ukoll li moħħ il-bniedem ma jasalx għalihom, isibu l-ġustifikazzjoni tagħhom fi Kristu, għax Kristu, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, ta l-prova definittiva li kien wiegħed, l-awtorità tiegħu ta' Alla.

652 Il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet hu *t-twettiq tal-wegħdiet* kollha tat-Testment il-Qadim (ara *Lq* 24,26-27.44-48) u tal-wegħdiet tal-istess Ġesù, tul ħajtu fid-dinja (ara *Mt* 28,6; *Mk* 16,7; *Lq* 24,6-7). Il-kelma "skont l-Iskrittura" (ara *1 Kor* 15,3-4)[122] turi li l-qawmien ta' Kristu temm kulma tħabbar.

653 Il-verità li *Kristu hu veru Alla* twettqet bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Hu kien qal: "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-Bniedem, imbagħad tagħrfu li Jiena hu" (*Ġw* 8,28). Il-qawmien mill-imwiet tal-Imsallab juri kemm kien veru kliemu: "Jiena hu", l-Iben ta' Alla u Alla nnifsu. San Pawl seta' jgħid lil-

[121] San Girgor ta' Nissa, *Diskors dwar il-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet*, 1: PG 46, 617B; ara wkoll *Liġijiet tal-Knisja tal-bidu*: DS 325; Anastasju II, Ittra lil Lawrenz, Isqof fl-Illirja (497): DS 359; San Ormisda, Ittra lill-Imperatur Ġustinu (521): DS 369; Konċilju ta' Toledo XI, *Kredu*: DS 539.

[122] Ara wkoll *Il-Kredu ta' Nicea u Kostantinopli*: DS 150.

Lhud: "Il-wegħda li Alla kien għamel lil missirijietna, temmha għalina, li aħna wliedhom, billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet, kif hemm miktub fit-tieni Salm: 'Ibni int, jien illum nissiltek'" (*Atti* 13,32-33; ara *Salm* 2,7). Il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet għandu rabta liema bħalha mal-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla. Il-misteru tal-Inkarnazzjoni seħħ fil-milja kollha tiegħu fil-qawmien mill-imwiet skont il-pjan ta' dejjem ta' Alla.

654 Il-Misteru tal-Għid għandu żewġ aspetti: bil-mewt tiegħu l-Mulej ħelisna mid-dnub, bil-qawmien tiegħu mill-imwiet fetħilna t-triq għall-ħajja ġdida. Din l-ewwel nett hi l-*ġustifikazzjoni* li tpoġġina mill-ġdid fil-grazzja ma' Alla (ara *Rum* 4,25) biex "kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (*Rum* 6,4). Din il-ħajja ġdida tikkonsisti fir-rebħa fuq il-mewt tad-dnub u fit-tisħib mill-ġdid fil-grazzja (ara *Ef* 2,4-5; *1 Piet* 1,3). Wettqet l-*adozzjoni ta' wlied* għax biha l-bnedmin isiru aħwa ma' Kristu, kif Ġesù stess sejjaħ lid-dixxipli tiegħu wara li qam mill-imwiet: "Morru wasslu l-aħbar lil ħuti" (*Mt* 28,10; *Ġw* 20,17). Aħwa mhux għax għandhom l-istess natura, imma aħwa b'don tal-grazzja, għaliex din l-adozzjoni ta' wlied iġġib tisħib tassew fil-ħajja tal-Iben il-waħdieni ta' Alla, li dehret fil-milja kollha tagħha fil-Qawmien tiegħu mill-imwiet.

655 Fl-aħħar nett, il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet – Kristu Rxoxt innifsu – hu l-bidu u l-għajn tal-*qawmien tagħna mill-imwiet li għad irid iseħħ:* "Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu ... Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu" (*1 Kor* 15,20-22). Kristu Rxoxt jgħix f'qalb il-fidili tiegħu, huma u jistennew iseħħ il-qawmien tagħhom mill-imwiet. Fi Kristu, l-Insara jduqu "l-qawwa taż-żmien li għad irid jiġi" (*Lh* 6,5) u ħajjithom inħbiet minn Kristu fil-

ħajja ta' Alla (ara *Kol* 3,1-3) "biex dawk li jgħixu ma jgħixux aktar għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom" (*2 Kor* 5,15).

Fil-qosor

656 *Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet hi dwar fatt storiku li tiegħu kienu xhieda d-dixxipli li tassew iltaqgħu ma' Kristu rxoxt u, fl-istess ħin, dwar fatt misterjuż 'il fuq minn kulma l-moħħ tal-bniedem jista' jifhem għaliex bil-qawmien mill-imwiet l-umanità ta' Kristu daħlet fil-glorja ta' Alla.*

657 *Il-qabar vojt u l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, minnhom infushom ifissru li Ġisem Kristu nħeles mill-irbit tal-mewt u tat-taħsir bil-qawwa ta' Alla u ħejjew id-dixxipli għal-laqgħa tagħhom mal-Mulej.*

658 *Kristu, "il-kbir li qam mill-imwiet"* (*Kol* 1,18) *hu l-bidu tal-qawmien tagħna mill-imwiet, minn issa permezz tal-ġustifikazzjoni ta' ruħna* (*ara Rum* 6,4), *aktar tard permezz tal-ħajja ġdida li jkollu l-ġisem tagħna* (*ara Rum* 8,11).

Is-sitt artiklu

ĠESÙ "TELA' FIS-SMEWWIET, QIEGĦED IN-NAĦA TAL-LEMIN TA' ALLA L-MISSIER LI JISTA' KOLLOX"

659 "Hekk il-Mulej Ġesù, wara li kellimhom, kien imtella' fis-sema u qagħad in-naħa tal-lemin ta' Alla" (*Mk* 16,19). Il-Ġisem ta' Kristu kien igglorifikat sa mill-ewwel mument

tal-qawmien mill-imwiet, kif juru l-propjetajiet ġodda u sopranaturali li bihom Ġismu kien issa mżejjen għal dejjem (ara *Lq* 24,31; *Ġw* 20,19.26). Iżda tul l-erbgħin jum li fihom kien jiekol u jixrob familjarment mad-dixxipli (ara *Atti* 10,41) u jgħallimhom fuq is-Saltna (ara *Atti* 1,3), il-glorja tiegħu kienet għadha moħbija taħt l-aspetti tal-ħajja ordinarja tal-bniedem (ara *Mk* 16,12; *Lq* 24,15; *Ġw* 20,14-15;21,4). L-aħħar dehra ta' Ġesù tintemm bid-dħul darba għal dejjem tal-umanità tiegħu fil-glorja ta' Alla, li tagħha s-sħaba (ara *Atti* 1,9; ara wkoll *Lq* 9,34-35; *Eż* 13,22) u s-sema (ara *Lq* 24,51) kienu s-simbolu: issa qiegħed fis-sema fin-naħa tal-lemin ta' Alla (ara *Mk* 16,19; *Atti* 2,33; 7,56; ara wkoll *Salm* 110,1). Hi f'din is-sura kollha kemm hi eċċezzjonali u unika li biha Kristu wera ruħu lil San Pawl qisu twieled "mormi qabel il-waqt" (*1 Kor* 15,8), fl-aħħar dehra li għamlitu Appostlu (ara *1 Kor* 9,1; *Gal* 1,16).

660 Is-sura moħbija tal-glorja tal-Irxoxt tul dan iż-żmien dehret fil-kelma misterjuża li qal lil Marija ta' Magdala: "Għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom" (*Ġw* 20,17). Dan il-kliem juri d-differenza bejn il-glorja ta' Kristu mtella' fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier. Il-fatt storiku u fl-istess ħin traxxendenti tat-Tlugħ fis-sema juri l-passaġġ minn glorja għall-glorja.

661 Dan l-aħħar pass jibqa' marbut b'rabta liema bħalha mal-ewwel pass, jiġifieri mal-inżul tiegħu mis-sema li seħħ fl-Inkarnazzjoni. Biss, dak li "ħareġ mingħand il-Missier" seta' jerġa' "lura għand il-Missier": Kristu (ara *Ġw* 16,28). "Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-Bniedem, li niżel mis-sema" (*Ġw* 3,13; ara *Ef* 4,8-10). In-natura tal-bniedem, imħollija waħedha, ma għandhiex dħul fid-dar tal-Missier (ara *Ġw* 14,2), għall-ħajja u l-hena ta' Alla. Kristu biss jista' jiftaħ għall-bniedem dan il-bieb, "biex aħna, il-membri

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 268-269 5/16/2014 11:15:30 AM

tiegħu, inqawwu qalbna li aħna wkoll għad immorru warajh fejn mar qabilna hu, ir-Ras u l-bidu tagħna”.[123]

662 “Meta nintrefa’ ’l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja” (*Ġw* 12,32). L-irfigħ ta’ Kristu fuq is-salib ifisser u jħabbar it-tlugħ fis-sema. Dan kien il-bidu. Ġesù, il-Qassis waħdieni tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem, “ma daħalx f’santwarju magħmul b’idejn il-bnedmin ... imma daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla” (*Lh* 9,24). Kristu fis-sema jaqdi dejjem is-saċerdozju tiegħu għal “dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa’ għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom” (*Lh* 7,25). Bħala “l-qassis il-kbir tal-ġid li digà ġie” (*Lh* 9,11), hu ċ-ċentru u ċ-ċelebrant ewlieni tal-Liturġija li tqim il-Missier fis-smewwiet (ara *Apok* 4,6-11).

663 Kristu issa *qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier.* “Bil-kelmiet fil-lemin tal-Missier, aħna nifhmu dik il-glorja u dak il-ġieħ tad-Divinità, fejn Dak li bħala Bin Alla kien ġa jeżisti qabel kull żmien u b’natura waħda mal-Missier, wara li ħa l-ġisem u dan ġie gglorifikat, issa qiegħed fil-lemin ukoll bin-natura umana”.[124]

664 Il-qagħda fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier tfisser il-bidu tas-saltna tal-Messija, u tfisser li seħħet id-dehra tal-profeta Danjel dwar Bin il-Bniedem: “Tawh ħakma, ġieħ u saltna, biex lilu jaqdi kull ġens, u poplu, u lsien. Ħakmietu ħakma għal dejjem li ma tgħaddix, u saltnatu li ma tinqeridx” (*Dan* 7,14). Minn dan il-waqt, l-Appostli saru xhieda tas-“Saltna li ma jkollhiex tmiem”.[125]

[123] *Missal Ruman*, Prefazju I ta’ Lapsi.
[124] San Ġwann Damaxxenu, *Dwar il-Vera Fidi*, 4, 2: PG 94, 1104D.
[125] *Kredu ta’ Nicea-Kostantinopli*: DS 150.

Fil-qosor

665 *It-Tlugħ ta’ Kristu fis-sema hu d-dħul definittiv tal-umanità ta’ Ġesù fis-saltna ta’ Alla fis-sema, minn fejn għad jerġa’ jiġi* (*ara Atti* 1,11), *iżda għalissa din l-umanità hi moħbija għal għajnejn il-bnedmin* (*ara Kol* 3,3).

666 *Ġesù Kristu, ir-Ras tal-Knisja, mar qabilna fis-saltna glorjuża tal-Missier biex aħna, il-membri tal-ġisem tiegħu, ngħixu fit-tama li darba għad inkunu għal dejjem miegħu.*

667 *Ġesù Kristu, issa li daħal darba għal dejjem fis-santwarju tas-sema, jidħol dejjem għalina bħala medjatur tagħna u jiżgurana li l-Ispirtu s-Santu jibqa’ dejjem jissawwab fina.*

Is-seba’ artiklu

“MINN HEMM GĦANDU JIĠI BIEX JAGĦMEL ĦAQQ MILL-ĦAJJIN U MILL-MEJTIN”

I. Jerġa’ jiġi fil-glorja

KRISTU ĠA QIEGĦED ISALTAN PERMEZZ TAL-KNISJA ...

668 “Kristu għalhekk miet u rxoxta, biex ikun Sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-mejtin” (*Rum* 14,9). It-tlugħ ta’ Kristu fis-sema jfisser is-sehem tiegħu, bħala bniedem, fis-setgħa u l-awtorità ta’ Alla nnifsu. Ġesù Kristu hu l-Mulej: għandu kull setgħa fis-sema u fl-art. Hu “’l fuq minn kull Saltna u Setgħa, minn kull Qawwa u Ħakma”, għax il-Missier “qiegħed kollox taħt riġlejh” (*Ef* 1,20-22). Kristu hu Sid il-ħolqien kollu (ara *Ef* 4,10; *1 Kor* 15,24.27-28) u l-istorja kollha. Fih, il-ġrajja

tal-bniedem, dik ukoll tal-ħolqien kollu, "tinġabar" (*Ef* 1,10) u
518 tikseb il-milja traxxendentali tagħha.

792 669 Bħala Mulej, Kristu hu r-Ras tal-Knisja li hi Ġismu
1088 (ara *Ef* 1,22). Imtella' fis-sema u gglorifikat, issa li temm għal kollox il-missjoni tiegħu, Kristu baqa' fid-dinja fil-Knisja tiegħu. Il-Fidwa hi l-bidu tal-awtorità li Kristu, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, għandu fuq il-Knisja (ara *Ef* 4,11-13). "Is-
541 Saltna ta' Kristu ġa tinsab b'mod misterjuż"[126] fil-Knisja, li hi "żerriegħa u bidu ta' din is-Saltna fuq l-art".[127]

670 Wara t-tlugħ tal-Mulej fis-sema, il-pjan ta' Alla wasal fit-twettiq tiegħu. "Waslet l-aħħar siegħa" (*1 Ġw* 2,18; ara *1*
1042 *Piet* 4,7). "Ġa waslu għalina l-aħħar żminijiet u t-tiġdid tad-dinja seħħ u ma jitreġġax lura, u b'xi mod dan it-tiġdid ġa qed jinħass minn qabel f'din id-dinja, għax il-Knisja ġa minn
825 din id-dinja hi mogħnija bi qdusija vera, għalkemm mhux perfetta".[128] Is-Saltna ta' Kristu ġa qiegħda turi li tinsab fid-
547 dinja bil-mirakli (ara *Mt* 16,17-18) li jsieħbu x-xandir tagħha mill-Knisja (ara *Mk* 16,20).

... Huwa u jistenna li kollox ikun imqiegħed taħtu

671 Is-Saltna ta' Kristu, għalkemm ġa tinsab fil-Knisja tiegħu, għad ma tinsabx "b'qawwa u glorja kbira" (*Lq* 21,27; ara *Mt* 25,31): dan iseħħ bil-miġja tas-Sultan fid-dinja. Din is-Saltna għadha mhedda mis-setgħat tal-ħażen (ara *2 Tess* 2,7), għalkemm dawn ġa ntrebħu fl-għerq tagħhom bl-
1043 Għid ta' Kristu. Sakemm kollox ma jkunx imqiegħed taħtu

[126] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 3.
[127] *Ibid.*
[128] *Ibid*., 48.

(ara *1 Kor* 15,28), "sakemm ma jkunx hemm smewwiet ġodda u art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja, il-Knisja 769; 773
fil-mixi tagħha, fis-sagramenti u l-istituzzjonijiet tagħha, li huma ta' dan iż-żmien, għandha s-sura ta' dan iż-żmien li jgħaddi u tinsab fost il-ħlejjaq li għadhom jitniehdu bl-uġigħ tal-ħlas, jistennew id-dehra ta' wlied Alla".[129] L-Insara għalhekk jitolbu, l-aktar fl-Ewkaristija (ara *1 Kor* 11,26), biex 1043; 2046
iħaffu l-miġja mill-ġdid ta' Kristu (ara 2 *Piet* 3,11-12) huma u jgħidulu: "Ejja Mulej!" (*1 Kor* 16,22; *Apok* 22,17.20). 2817

672 Qabel tela' s-sema, Kristu qal li ma kenitx waslet is-siegħa li titwaqqaf is-Saltna glorjuża tal-Messija mistennija minn Iżrael (ara *Atti* 1,6-7), saltna li, skont il-profeti (ara *Is* 11,1-9) kellha ġġib tassew il-ġustizzja, l-imħabba u s-sliem. Iż-żmien ta' issa, skont il-Mulej, hu ż-żmien tal-Ispirtu u tax- 732
xhieda (ara *Atti* 1,8), imma hu wkoll żmien li għadu mġarrab mit-"taħbit" (*1 Kor* 7,26) u mill-ħażen (ara *Ef* 5,16) li minnu mhijiex meħlusa lanqas il-Knisja (ara *1 Piet* 4,17), ħażen li għad jagħti bidu għat-taqbida tal-aħħar jiem (ara *1 Ġw* 2,18; 4,3; *1 Tim* 4,1). Hu żmien li fih irridu nistennew u nishru (ara 2612
Mt 25,1.13; *Mk* 13,33-37).

Il-miġja ta' Kristu fil-glorja, tama ta' Iżrael

673 Wara t-tlugħ fis-sema ta' Kristu, il-miġja tiegħu fil-glorja hi dalwaqt (ara *Apok* 22,20), ukoll jekk mhux biċċa tagħna li nkunu nafu "l-waqt u ż-żmien li l-Missier għażel 1040; 1048
bis-setgħa tiegħu" (*Atti* 1,7; ara *Mk* 13,32). Dan il-fatt eskatoloġiku jista' jseħħ minn mument għall-ieħor (ara *Mt* 24,44; *1 Tess* 5,21), ukoll jekk hu "miżmum", kemm hu u kemm il-prova tal-aħħar li tiġi qablu (ara *2 Tess* 2,3-12).

[129] *Ibid.*

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 272-273 5/16/2014 11:15:31 AM

674 Il-miġja tal-Messija fil-glorja hi miżmuma f'kull mument tal-istorja (ara *Rum* 11,31) sa ma l-Mulej jingħaraf minn "Iżrael kollu" (*Rum* 11,26; *Mt* 23,39) li fuq il-biċċa l-kbira tiegħu waqgħet "l-ebusija tal-qalb" (*Rum* 11,25) "għax ma emmnux" (*Rum* 11,20) f'Ġesù. Dan qalu San Pietru lil-Lhud nhar Għid il-Ħamsin: "Indmu, mela, u erġgħu lura minn dnubietkom biex jinħafrulkom. Hekk jiġu żminijiet ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibgħatilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li għalissa għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid kollu li fl-imgħoddi semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa tiegħu" (*Atti* 3,19-21) u San Pawl itenni kliemu: "Jekk it-tkeċċija tagħhom ġiebet il-ħbiberija tad-dinja ma' Alla, l-ilqugħ tagħhom mill-ġdid x'ikun ifisser, jekk mhux
840 ħajja mill-imwiet?" (*Rum* 11,15). Id-dħul tal-milja tal-Lhud
58 (ara *Rum* 11,12) fis-salvazzjoni tal-Messija wara "il-milja tal-pagani" (*Rum* 11,25; ara *Lq* 21,24) iwassal biex għall-Poplu ta' Alla "isseħħ il-milja ta' Kristu" (*Ef* 4,13) fejn Alla jkun "kollox f'kollox" (*1 Kor* 15,28).

L-aħħar prova tal-Knisja

769 675 Qabel il-miġja ta' Kristu, il-Knisja trid tgħaddi mill-prova tal-aħħar li ġġarrab il-fidi ta' ħafna minn dawk li jemmnu (ara *Lq* 18,8; *Mt* 24,12). Il-persekuzzjoni li hi dejjem imsieħba mal-Knisja fil-mixi tagħha fid-dinja (ara *Lq* 21,12; *Ġw* 15,19-20) tikxef "il-misteru tal-ħażen" u turih bħala qerq reliġjuż li jagħti soluzzjoni taparsi lill-bnedmin bħala premju tal-apostasija tagħhom, taċ-ċaħda tagħhom tas-sewwa. L-ogħla qerq reliġjuż hu dak tal-Antikrist, jiġifieri ta' dak li hu messjaniżmu taparsi fejn il-bniedem jigglorifika lilu nnifsu flok jigglorifika 'l Alla u l-Messija tiegħu li ġie fostna bħala Alla magħmul bniedem (ara *2 Tess* 2,4-12; *1 Tess* 5,2-3; *2 Ġw* 7; *1 Ġw* 2,18.22).

676 Dan il-qerq tal-Antikrist ġa juri ruħu fid-dinja kull darba li jkun hemm xi ħadd li jippretendi li t-tama messjanika jagħmilha sseħħ f'din id-dinja, meta tista' sseħħ biss barra din id-dinja permezz tal-ġudizzju tal-aħħar, il-ġudizzju eskatoloġiku: il-Knisja tirrifjuta wkoll dik il-fehma inqas qarrieqa tas-Saltna li hi magħrufa bħala millenariżmu[130], l-aktar fis-sura politika ta' messjaniżmu, "għal kollox qarrieq fih innifsu".[131] 2425

677 Il-Knisja ma tidħolx fil-glorja tas-Saltna, jekk mhux 1340
permezz ta' dan l-aħħar Għid li bih timxi wara Sidha fil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja (ara *Apok* 19,1-9). Is-Saltna mhux se sseħħ fl-aħħar b'xi trijonf storiku tal-Knisja (ara *Apok* 13,8) li jiġi wara rebħiet dejjem akbar, imma bir-rebħa ta' Alla fuq il-qilla tal-ħażen (ara *Apok* 20, 7-10), meta Alla mis-sema jniżżel l-Għarusa tiegħu (ara *Apok* 21,2-4). It- 2853
trijonf ta' Alla fuq il-qilla tal-ħażen ikollu s-sura tal-ġudizzju tal-aħħar (ara *Apok* 20,12), wara t-taqlib kosmiku tal-aħħar ta' din id-dinja li tgħaddi (ara *2 Piet* 3,12-13).

II. Biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin 1038-1041

678 Wara li ħabbruh il-profeti (ara *Dan* 7,10; *Ġoel* 3-4; *Mal* 3,19*)* u wara li ħabbru San Ġwann Battista, Ġesù, fil-predikazzjoni tiegħu, ħabbar hu wkoll il-ġudizzju tal-aħħar 1470
jum. Imbagħad toħroġ fid-dawl l-imġiba ta' kull wieħed (ara *Mk* 12,38-40) u jinkixfu l-ħsibijiet l-aktar moħbija tal-qlub (ara *Lq* 12,1-3; *Ġw* 3,20-21; *Rum* 2,16; *1 Kor* 4,5). Imbagħad jiġi kkundannat in-nuqqas ta' fidi, il-ħtija tal-istmerrija tal-grazzja offerta minn Alla (ara *Mt* 11,20-24; 12,41-42). L-imġiba mal-

[130] Sant'Uffizzju, *Digriet dwar il-Millenariżmu* (1944): DS 3839.

[131] Ara Piju XI, Enċiklika *Divini Redemptoris* (1937) li tikkundanna "l-misticiżmu qarrieq" tal-falsifikazzjoni tal-fidwa tal-umli; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 20-21.

kkk 183-276 latest.OK (r).indd 274-275 5/16/2014 11:15:31 AM

proxxmu turi jekk ġietx milqugħa jew imwarrba l-grazzja u l-imħabba ta' Alla (ara *Mt* 5,22; 7,1-5). Fl-aħħar jum, Ġesù, jgħid: "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (*Mt* 25,40).

679 Kristu hu Sid il-ħajja ta' dejjem. Hu għandu d-dritt kollu li jagħmel ħaqq darba għal dejjem mill-għemejjel u l-qlub tal-bnedmin għax hu l-Feddej tad-dinja. "Kiseb" dan id-dritt permezz tas-salib tiegħu. Il-Missier ukoll "ħalla f'idejn l-Iben biex jagħmel il-ħaqq kollu hu" *(Ġw* 5,22; ara *Ġw* 5,27; *Mt* 25,31; *Atti* 10,42; 17,31; *2 Tim* 4,1). Issa, l-Iben ma ġiex biex jagħmel ħaqq, imma biex isalva (ara *Ġw* 3,17) u biex jagħti l-ħajja li hemm fih (ara *Ġw* 5,26). Kull wieħed li rrifjuta
1021 l-grazzja ta' din il-ħajja li hi fi Kristu, jagħmel hu stess ħaqq minnu nnifsu (ara *Ġw* 3,18; 12,48) u jieħu skont għemilu (ara *1 Kor* 3,12-15); jista' għalhekk jibgħat lilu nnifsu għall-kundanna ta' dejjem għax iċċaħħad mill-Ispirtu tal-imħabba (ara *Mt* 12,32; *Lh* 6,4-6; 10,26-31).

Fil-qosor

680 *Kristu l-Mulej ġa qiegħed isaltan permezz tal-Knisja, iżda l-ħwejjeġ kollha tad-dinja għadhom mhumiex taħtu. It-trijonf tas-Saltna ta' Kristu ma jseħħx qabel ma s-setgħat tal-ħażen jagħmlu l-aħħar theddida tagħhom.*

681 *F'jum il-ħaqq, fl-aħħar tad-dinja, Kristu jiġi fil-glorja biex isseħħ ir-rebħa sħiħa tat-tajjeb fuq il-ħażin, li bħall-qamħ u s-sikrana, ikunu kibru flimkien tul iż-żminijiet.*

682 *Kristu meta jiġi fil-glorja fl-aħħar taż-żminijiet biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, jikxef il-ħsibijiet moħbija tal-qlub u jagħti lil kull wieħed skont ma jkun għamel u skont kemm ikun laqa' jew stmerr il-grazzja.*

IT-TIELET KAPITLU

NEMMEN FL-ISPIRTU S-SANTU

683 "Ħadd ma jista' jgħid: 'Ġesù hu l-Mulej' jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu" (*1 Kor* 12,3). "Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: 'Abba! Missier!'" (*Gal* 4,6). Dan l-għarfien tal-fidi hu possibbli biss fl-Ispirtu s-Santu. Biex tkun hemm ma' Kristu, qabel xejn irid ikun nefaħ fuqek l-Ispirtu s-Santu. Hu jiġi quddiemna u jqanqal fina l-fidi. Hekk ukoll mill-Magħmudija tagħna, l-ewwel sagrament tal-fidi, tiġi l-ħajja, li l-bidu tagħha hu fil-Missier, tingħatalna fl-Iben, u tiġi mwassla fil-Knisja lil kull wieħed minna, intimament u personalment, mill-Ispirtu s-Santu. 424; 2670 152

> Il-Magħmudija tagħtina l-grazzja tat-twelid ġdid f'Alla l-Missier permezz ta' Ibnu fl-Ispirtu s-Santu. Għax dawk li għandhom l-Ispirtu ta' Alla jitwasslu għand il-Verb, jiġifieri għand l-Iben: imma hu l-Iben li jippreżentahom lill-Missier u l-Missier jagħtihom in-nuqqas ta' taħsir. Mela, mingħajr l-Ispirtu ma jistax ikun li tara l-Iben ta' Alla, u mingħajr l-Iben ħadd ma jista' jersaq lejn il-Missier, għax l-għarfien tal-Missier hu l-Iben u l-għarfien tal-Iben ta' Alla jseħħ bl-Ispirtu s-Santu.[1] 249

684 L-Ispirtu s-Santu, bil-grazzja tiegħu, hu l-ewwel wieħed li jqajjem fina l-fidi li jagħtina l-ħajja ġdida li hi din: nagħrfu l-Missier u lil dak li bagħat, Ġesù Kristu (ara *Ġw* 17,3).

---

[1] San Irinew, *Turija tal-Predikazzjoni Appostolika*, 7.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 277 5/16/2014 11:17:29 AM

236 Iżda l-Ispirtu s-Santu hu l-aħħar wieħed mit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa li ġie rrivelat. San Girgor Nazjanzenu, it-"Teologu", jgħid li dan il-progress tar-rivelazzjoni tal-misteru tat-Trinità sar permezz tal-pedagoġija tal-"kondixxendenza" ta' Alla (li jinżel għal-livell tal-bniedem):

> It-Testment il-Qadim ħabbar b'mod ċar lill-Missier, u lill-Iben b'mod mhux ċar. It-Testment il-Ġdid wera b'mod ċar lill-Iben, u tana biss ħjiel li l-Ispirtu s-Santu hu wkoll Alla. Issa l-Ispirtu s-Santu jinsab fostna u qiegħed jurina lilu nnifsu b'mod aktar ċar. Ma kinitx ħaġa sewwa, meta d-divinità tal-Missier ma kinitx għadha magħrufa, li tixxandar bid-dieher id-divinità tal-Iben, u sakemm id-divinità tal-Iben ma kinitx għadha milqugħa, iżżid ukoll il-piż tal-Ispirtu, biex nużaw espressjoni ftit azzardata żżejjed ... Hu permezz ta' mixi 'l quddiem "minn glorja għal glorja" li d-dawl tat-Trinità jiddi b'dija dejjem aktar qawwija.[2]

685 Temmen fl-Ispirtu s-Santu jfisser, mela, tistqarr li l-Ispirtu s-Santu hu wieħed mit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa, natura waħda mal-Missier u mal-Iben, "li hu meqjum
236 u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben".[3] Hu għalhekk li fit-"teoloġija" trinitarja hemm il-kwistjoni tal-misteru divin tal-Ispirtu s-Santu. Hawn għalhekk il-konsiderazzjoni dwar l-Ispirtu s-Santu se tkun biss fl-"Ekonomija" divina.

258 686 L-Ispirtu s-Santu hu mill-bidu sat-tmiem flimkien mal-Missier u mal-Iben fil-ħidma ħa jseħħ il-pjan għas-salvazzjoni tagħna. Imma hu biss "fl-aħħar żminijiet", mibnija bl-Inkarnazzjoni tal-Iben għas-salvazzjoni tagħna, li l-Ispirtu s-Santu ġie rrivelat u mogħti, magħruf u milqugħ bħala Persuna. Il-Pjan ta' Alla li seħħ fi Kristu, "il-kbir fost ħafna aħwa" u r-Ras tal-ħolqien ġdid, seta' jseħħ fi ħdan il-familja kollha tal-bnedmin bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu: il-Knisja, ix-

[2] San Girgor Nazjanzenu, *Taħdita* 31 (Teoloġika 5), 26: PG 36, 161-164.
[3] *Kredu ta' Nicea u Kostantinopli*: DS 150.

xirka tal-qaddisin, il-maħfra tad-dnubiet, il-qawmien mill-imwiet, il-ħajja ta' dejjem.

It-tmien artiklu

"JIENA NEMMEN FL-ISPIRTU S-SANTU"

687 "Ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu 243
ta' Alla" (*1 Kor* 2,11). Issa l-Ispirtu ta' Alla li jgħarrafna dak li hemm f'Alla, għarrafna bi Kristu, il-Verb ta' Alla, il-Kelma ħajja ta' Alla, iżda ma għarrafna xejn dwaru nnifsu. L-Ispirtu, "li tkellem b'fomm il-profeti", semmgħalna l-Kelma tal-Missier. Imma lilu, l-Ispirtu, ma smajnieh qatt. Aħna ma nafuhx jekk mhux fil-moviment li fih jirrivela l-Verb u jħejjina biex nilqgħuh fil-fidi. L-Ispirtu tal-Verità, li "uriena" 'l Kristu "ma jgħid xejn minn tiegħu" (*Ġw* 16,13). Dan il-ħabi, proprju ta' Alla, jgħinna nifhmu għaliex "id-dinja ma tistax tirċevih [lill-Ispirtu], għax hija la tarah u lanqas tagħrfu" (*Ġw* 14,17), waqt li dawk li jemmnu fi Kristu jagħrfuh għax jgħammar fihom.

688 Il-Knisja, xirka ħajja fil-fidi tal-Appostli, li hi twassal minn żmien għall-ieħor, hi l-post fejn nagħrfu l-Ispirtu s-Santu:

- fil-Kotba Mqaddsa, ispirati minnu;
- fit-Tradizzjoni, li tagħha Missirijiet il-Knisja huma dejjem ix-xhieda għaż-żminijiet kollha;
- fil-Maġisteru tal-Knisja, li huwa jgħin;
- fil-Liturġija tas-Sagramenti, permezz tal-kliem u s-simboli: biha l-Ispirtu s-Santu jdaħħalna f'għaqda ma' Kristu;

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 278-279 5/16/2014 11:17:29 AM

— fit-talb, fejn jidħol għalina;
— fil-kariżmi u l-ministeri li bihom tinbena l-Knisja;
— fis-sinjali tal-ħajja appostolika u missjunarja;
— fix-xhieda tal-qaddisin fejn l-Ispirtu juri l-qdusija tiegħu u jkompli l-ħidma tas-salvazzjoni.

I. Il-ħidma flimkien tal-Iben u tal-Ispirtu

689 Dak li l-Missier bagħat fi qlubna, l-Ispirtu ta' Ibnu (ara *Gal* 4,6) hu tassew Alla. Ta' natura waħda mal-Missier u mal-Iben, ma jistax ikun mifrud minnhom, kemm fil-ħajja tat-Trinità fiha nnifisha u kemm fl-għoti tal-imħabba għad-dinja. Iżda waqt li tadura t-Trinità, li tagħti l-ħajja, li hi ta' natura waħda u mhux maqsuma, il-fidi tal-Knisja tistqarr ukoll li fit-Trinità hemm Tliet Persuni distinti. Meta l-Missier jibgħat il-Verb tiegħu, jibgħat ukoll dejjem l-Ispirtu tiegħu: missjoni flimkien li fiha l-Iben u l-Ispirtu, għalkemm magħżulin minn xulxin, mhumiex mifrudin. Iva, hu Kristu li jidher għax hu x-xbieha tidher tal-Missier li ma jidhirx, imma hu l-Ispirtu s-Santu li jirrivelah.

690 Ġesù hu l-Kristu, "il-midluk", għax hu l-Ispirtu s-Santu li tah l-Unzjoni – id-Dilka – u kulma jsir mill-Inkarnazzjoni 'l quddiem joħroġ mill-milja tal-Ispirtu (ara *Ġw* 3,34). Meta fl-aħħar Kristu jkun igglorifikat (ara *Ġw* 7,39) ikun jista' hu wkoll, mal-Missier, jibgħat l-Ispirtu fuq dawk li jemmnu fih: jagħtihom il-Glorja tiegħu (ara *Ġw* 16,14). Il-missjoni flimkien tibqa' mbagħad sejra fl-ulied adottivi tal-Missier fil-Ġisem ta' Ibnu: il-missjoni tal-Ispirtu ta' adozzjoni tkun dik li jgħaqqadhom ma' Kristu u jagħmilhom jgħixu fih.

> Il-kelma unzjoni tagħti x'jifhem ... li m'hemm ebda firda bejn l-Iben u l-Ispirtu. Fil-fatt kif bejn il-ġilda tal-ġisem u ż-żejt midluk, la r-raġuni u l-anqas is-sensazzjoni ma jagħrfu li hemm x'jifridhom, hekk ukoll hu immedjat il-kuntatt tal-Iben mal-Ispirtu s-Santu; b'konsegwenza ta' hekk, dak li ser jidħol f'kuntatt mal-Iben permezz tal-fidi, irid bilfors l-ewwel jidħol f'kuntatt maż-żejt. L-ebda parti, fil-fatt, ma hi nieqsa mill-Ispirtu s-Santu. Dan hu għaliex l-istqarrija ta' dawk li jirċievu d-dilka li Kristu hu s-Sid ta' kollox, għalhekk titwettaq fl-Ispirtu s-Santu, la darba l-Ispirtu jiġi mit-trufijiet kollha biex jiltaqa' ma' dawk li jinġibdu permezz tal-fidi[4].

II. L-isem tal-Ispirtu s-Santu: kif jissejjaħ, u x'inhuma s-simboli tiegħu

L-isem proprju tal-Ispirtu s-Santu

691 "L-Ispirtu s-Santu": dan hu l-isem proprju ta' Dak li nqimu u ta' Dak li lilu nagħtu ġieħ flimkien mal-Missier u mal-Iben. Dan l-isem il-Knisja rċevietu mingħand il-Mulej u tistqarru fil-Magħmudija tal-ulied ġodda tagħha (ara *Mt* 28,19).

> Il-kelma "Spirtu" hu traduzzjoni tat-terminu Lhudi *Ruah* li, fis-sens ewlieni tiegħu jfisser nifs, arja, riħ. Ġesù bir-raġun juża x-xbieha sensibbli tar-riħ biex ifiehem lil Nikodemu r-realtà traxxendentali ġdida, Dak li hu personalment in-Nifs ta' Alla, l-Ispirtu Divin (*Ġw* 3,5-8). Min-naħa l-oħra, "Spirtu" u "Qaddis" huma attributi divini użati wkoll għat-Tliet Persuni Qaddisa. Iżda meta ż-żewġ kelmiet huma magħquda flimkien, l-Iskrittura, il-Liturġija u l-lingwaġġ teoloġiku jifhmu, il-Persuna ta' kobor bla qies tal-Ispirtu s-Santu, mingħajr il-periklu li dan is-sens jitħallat ma' dak ta' meta jintużaw it-termini "Spirtu" u Qaddis" għalihom waħedhom.

Kif jissejjaħ l-Ispirtu s-Santu

692 Ġesù, meta ħabbar u wiegħed il-miġja tal-Ispirtu s-Santu sejjaħlu "Paraklitu", letteralment "wieħed li jissejjaħ

[4] San Girgor ta' Nissa, *Dwar l-Ispirtu s-Santu*, 16: PG 45, 1321A-B.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 280-281 5/16/2014 11:17:29 AM

ħdejn xi ħadd", *ad-vocatum* – difensur (*Ġw* 14,16.26; 15,26; 16,7). "Paraklitu" hu ġeneralment tradott bil-kelma
1433 "Konsolatur". Ġesù hu l-ewwel konsolatur tagħna (ara *1 Ġw* 2,1). Il-Mulej innifsu jsejjaħ l-Ispirtu s-Santu "l-Ispirtu tal-Verità" *(Ġw* 16,13).

693 Barra l-isem propju tal-Ispirtu s-Santu, isem li l-iktar li jintuża fl-Atti tal-Appostli u fl-Ittri, f'San Pawl insibu dawn l-ismijiet: l-Ispirtu li kien imwiegħed (*Ef* 1,13; *Gal* 3,14); l-Ispirtu ta' adozzjoni (*Rum* 8,15; *Gal* 4,6); l-Ispirtu ta' Kristu (*Rum* 8,9); l-Ispirtu tal-Mulej (*2 Kor* 3,17); l-Ispirtu ta' Alla (*Rum* 8,9.14; 15,19; *1 Kor* 6,11; 7,40) u f'San Pietru, l-Ispirtu tal-glorja (*1 Piet* 4,14).

Is-simboli tal-Ispirtu s-Santu

1218 694 *L-ilma.* Is-simboliżmu tal-ilma jfisser il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija, għax, wara l-invokazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, l-ilma jsir sinjal sagramentali effikaċi tat-twelid ġdid, sinjal li jfisser u jġib it-twelid ġdid; kif it-tħejjija tal-ewwel twelid tagħna saret fl-ilma, hekk l-ilma tal-Magħmudija jfisser tassew li t-twelid tagħna għall-ħajja ta' Alla jingħatalna fl-Ispirtu s-Santu. Imgħammdin "fi Spirtu wieħed", aħna "lkoll xrobna minn Spirtu wieħed" (*1 Kor* 12,13). L-Ispirtu mela hu wkoll personalment l-Ilma ħaj li ħareġ minn Kristu msallab (ara *Ġw* 19,34; *1* Ġw 5,8) bħal minn għajn, u li
2652 tnixxi fina sal-ħajja ta' dejjem (ara *Ġw* 4,10-14; 7,38; *Eż* 17,1-6; *Is* 55,1; *Żak* 14,8; *1 Kor* 10,4; *Apok* 21,6; 22,17).

1293 695 *L-unzjoni.* Is-simboliżmu tal-unzjoni jew tad-dilka biż-żejt hu marbut mat-tifsir tal-Ispirtu s-Santu, li sar is-sinonimu tiegħu (ara *1 Ġw* 2,20.27; *2 Kor* 1,21). Fir-riti għad-dħul fil-ħajja Nisranija, l-unzjoni hi s-sinjal sagramentali tal-Griżma jew Konfermazzjoni, li l-Knejjes tal-Lvant isejħu bir-raġun kollu "Chrismatio" jiġifieri unzjoni jew dlik bil-"chrisma" (żejt imħallat bil-balzmu). Iżda biex naraw il-qawwa kollha tal-unzjoni li saret
436 mill-Ispirtu s-Santu, dik ta' Ġesù. Kristu ("Messija" bil-Lhudi) ifisser "midluk" mill-Ispirtu ta' Alla. Kien hemm oħrajn li fil-Patt il-Qadim ħadu l-unzjoni tal-Mulej (ara *Eż* 30,22-32), is-sultan David b'mod speċjali (ara *1 Sam* 16,13). Iżda Ġesù hu l-"midluk" ta' Alla b'mod li ma hemmx ieħor bħalu: in-natura ta' bniedem li ħa l-Iben "ħadet l-unzjoni sħiħa" mill-Ispirtu s-Santu. Ġesù ġie kostitwit "Kristu" mill-Ispirtu s-Santu (ara *Lq* 4,18-19; *Is* 61,1). Il-

Verġni Marija nisslet fil-ġuf tagħha lil Kristu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li permezz tal-anġlu ħabbru bħala Kristu sa mit-twelid tiegħu (ara *Lq* 2,11), u li qanqal lil Xmun biex imur fit-Tempju ħa jara 'l Kristu tal-Mulej (ara *Lq* 2,26-27); hu l-Ispirtu s-Santu li jimla 'l Kristu (ara *Lq* 4,1) u minnu toħroġ il-qawwa ta' Kristu meta jfejjaq u jagħti s-salvazzjoni (ara *Lq* 6,19; 8,46). 1504
Imbagħad kostitwit kollu kemm hu "Kristu" fin-natura tiegħu ta' bniedem rebbieħ fuq il-mewt (ara *Atti* 2,36), Ġesù jsawwab bil-kotra l-Ispirtu s-Santu sakemm "il-qaddisin", fl-għaqda tagħhom mal-umanità tal-Iben ta' Alla, isiru "raġel magħmul ... U hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" (*Ef* 4,13): "Kristu sħiħ", skont kif jgħid Santu Wistin. 794

696 *In-nar.* Kif l-ilma jfisser it-twelid u l-frott tal-ħajja li jagħti l-Ispirtu s-Santu, hekk in-nar huwa simbolu tal-qawwa tal-għemil tal-Ispirtu s-Santu 1127
għat-tiġdid. Il-profeta Elija li "qam qisu ħuġġieġa ... u kelmtu kienet taqbad bħal torċa" (*Sir* 48,1), bit-talb tiegħu niżżel nar mis-sema fuq is-sagrifiċċju tal-għolja tal-Karmel (ara *1 Sl* 18,38-39), xbieha tan-nar tal-Ispirtu s-Santu 2586
li jbiddel kulma jmiss. San Ġwann Battista li jimxi quddiem il-Mulej, "mimli bl-ispirtu u l-qawwa ta' Elija" (*Lq* 1,17), iħabbar lil Kristu bħala dak li "jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar" (*Lq* 3,16), dak l-Ispirtu li dwaru 718
Ġesù jgħid: "Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!" (*Lq* 12,49). Hu f'sura ta' ilsna "qishom tan-nar" li l-Ispirtu s-Santu niżel fuq id-dixxipli filgħodu nhar Għid il-Ħamsin u mliehom bih (ara *Atti* 2,3-4). It-tradizzjoni spiritwali tieħu dan is-simboliżmu tan-nar bħala wieħed mill-aktar li jfissru l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.[5] "Ixxekklux l-Ispirtu" (*1 Tess* 5,19).

697 *Is-sħaba u d-dawl.*Dawn iż-żewġ simboli mhumiex mifrudin minn xulxin fil-manifestazzjonijiet ta' Alla fit-Testment il-Qadim, sħaba, xi kultant tant imdallma, xi kultant kollha dija, turi lil Alla l-ħaj u salvatur, waqt li taħbi l-glorja tiegħu li l-moħħ tal-bniedem ma jistax jagħraf: ma' Mosè fuq l-għolja tas-Sinaj (ara *Eż* 33,9-10), u tul il-mixi fid-dežert (ara *Eż* 40, 36-38; *1 Kor* 10,1-2); ma' Salamun fid-dedikazzjoni tat-Tempju (ara *1 Sl* 8, 10-12). Dawn ix-xbihat seħħu bi Kristu fl-Ispirtu s-Santu. Hu l-Ispirtu s-Santu li jiġi fuq il-Verġni Marija u jixħet fuqha "id-dell tiegħu" biex tnissel fil-ġuf tagħha lil 484
binha Ġesù (*Lq* 1,35). Fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni, hu l-Ispirtu s-Santu 554
li "jiġi fi sħaba u jieħu taħt id-dell tiegħu" lil Ġesù, lil Mosè, lil Elija, lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni, "u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: 'Dan hu Ibni l-maħtur; lilu isimgħu'" (*Lq* 9, 34-35). U fl-aħħarnett hija l-istess sħaba li ħadet minn quddiem għajnejn id-dixxipli lil Ġesù dakinhar li tela' fis-sema (ara *Atti* 1,9) u li għad turi lill-Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu fil-jum tat-tieni 659
miġja tiegħu (ara *Lq* 21,27).

[5] Ara San Ġwann tas-Salib, *Fjamma ta' Mħabba ħajja.*

1295-1296 698 *Is-siġill* hu simbolu qrib dak tal-unzjoni. Fil-fatt huwa Kristu li "Alla l-Missier immarka bis-siġill tiegħu" (*Ġw* 6,27) u huwa fi Kristu li l-Missier jimmarkana bis-siġill tiegħu (ara *2 Kor* 1,22; *Ef* 1,13; 4,30). Għaliex is-siġill juri l-effett li ma jitħassar qatt tal-Unzjoni tal-Ispirtu s-Santu fis-sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma jew Konfermazzjoni u tal-Ordni Sagri, ix-xbieha tas-siġill ("sphragis") ġiet użata minn xi tradizzjonijiet teoloġiċi biex tfisser il-"karattru" li ma jitħassar qatt li jagħtu dawn it-tliet sagramenti, li ma jistgħux jingħataw ħlief darba biss.

292 699 *L-id*. Bit-tqegħid tal-idejn, Ġesù fejjaq il-morda (ara *Mk* 6,5; 8,23) u bierek it-tfal ċkejknin (ara *Mk* 10,16). F'ismu l-Appostli għamlu l-istess (ara *Mk* 16,18; *Atti* 5,12; 14,3). U wisq aktar, l-Ispirtu s-Santu ngħata bit-
1288 tqegħid ta' idejn l-Appostli (ara *Atti* 8,17-19; 13,3; 19,6). L-Ittra lil-Lhud issemmi t-tqegħid tal-idejn fost "l-artikli fundamentali" tat-tagħlim tagħha
1300; 1573 (ara *Lh* 6,2). Dan is-sinjal tat-tiswib tas-setgħa tal-Ispirtu s-Santu, il-Knisja
1668 żammitu fl-epiklesi sagramentali kollha.

700 *Is-saba'*. Hu bis-saħħa (bis-saba') ta' Alla li Ġesù ikeċċi x-xjaten (ara *Lq* 11,20). Jekk il-Liġi ta' Alla nkitbet fuq it-twavel tal-ġebel "bis-saba'
2056 ta' Alla" (*Eż* 31,18), "l-ittra ta' Kristu" fdata f'idejn l-Appostli hi miktuba "bl-Ispirtu ta' Alla l-ħaj; mhux fuq it-twavel tal-ġebel, iżda fuq it-twavel tal-laħam [tal-qalb]" (*2 Kor* 3,3). Fl-innu "Veni Creator Spiritus", l-Ispirtu s-Santu hu msejjaħ "digitus paternae dexterae"[6].

1219 701 *Il-ħamiema*. Meta ntemm id-dulluvju (li minnu ħareġ is-simboliżmu tiegħu marbut mal-Magħmudija), il-ħamiema li tajjar Noè, reġgħet lura b'werqa friska taż-żebbuġ f'munqarha, sinjal li l-art setgħet titgħammar mill-ġdid (ara *Ġen* 8,8-12). Meta Kristu ħareġ mill-ilma wara l-Magħmudija
535 tiegħu, l-Ispirtu s-Santu, f'sura ta' ħamiema, niżel u baqa' fuqu (ara *Mt* 3,16, u s-siltiet l-oħra tal-Evanġelji li jsemmu l-Magħmudija tal-Mulej). L-Ispirtu jinżel u jibqa' fil-qlub imsoffija tal-imgħammdin. F'xi knejjes, l-Ewkaristija tinżamm f'kaxxa tal-metall sura ta' ħamiema (il-*columbarium),* imdendla fuq l-artal. Is-simbolu tal-ħamiema biex jitfisser l-Ispirtu s-Santu hi tradizzjonali fl-ikonografija Nisranija.

[6] *Liturġija tas-Sigħat*, Solennità ta' Pentekoste, Innu tal-I u t-II Għasar. Fil-verżjoni aktar riċenti tal-istess innu, insibu l-kliem: "dextrae Dei Tu digitus". Bil-Malti l-vers ġie tradott: "Int turi l-qawwa ta' Alla", u hu magħruf hekk fost il-poplu ta' dawn il-gżejjer.

III. L-Ispirtu u l-Kelma ta' Alla fi żmien il-wegħdiet

702 Mill-bidu sal-"milja taż-żmien" *(Gal 4,4)* il-missjoni flimkien tal-Verb u tal-Ispirtu tal-Missier baqgħet *moħbija,* għalkemm kienet titwettaq. L-Ispirtu ta' Alla ħejja żmien 122
il-Messija, u t-tnejn, l-Iben u l-Ispirtu, mingħajr ma kienu għadhom irrivelati għal kollox, kienu ġa mwiegħda sabiex ikunu mistennija, u milqugħin malli jidhru. Hu għalhekk li, waqt li l-Knisja tkun taqra t-Testment il-Qadim (ara *2 Kor* 3,14), hi tistħarreġ (ara *Ġw* 5,39.46) biex tara x'inhu dak li l-Ispirtu s-Santu, "li tkellem b'fomm il-profeti"[7] irid jgħidilna 107
dwar Kristu.

> Bi "profeti", il-fidi tal-Knisja hawn tifhem dawk kollha li l-Ispirtu 243
> s-Santu nebbaħ biex iħabbru b'mod ħaj u biex jiktbu l-Kotba Mqaddsa, kemm tat-Testment il-Qadim u kemm tat-Testment il-Ġdid. It-tradizzjoni Lhudija tagħżel hekk: il-Liġi (l-ewwel ħames kotba jew il-Pentatewku), il-Profeti (il-kotba storiċi u profetiċi) u l-Kitbiet (l-aktar dawk sapjenzali, u b'mod partikulari s-Salmi, ara *Lq* 24,44).

Fil-Ħolqien

703 Il-Kelma ta' Alla u l-Ispirtu tiegħu huma fil-bidu tal- 292
eżistenza u tal-ħajja tal-ħlejjaq kollha (ara *Salm* 33,6; 104,30; *Ġen* 1,2; 2,7; *Koh* 3,20-21; *Eżek* 37,10).

> L-Ispirtu s-Santu jixraqlu li jsaltan, iqaddes u jagħti l-ħajja lill-
> ħolqien kollu, għaliex hu Alla tal-istess natura tal-Missier u tal-
> Iben ... Hu għandu s-setgħa fuq il-ħajja, għaliex hu Alla u għalhekk
> iħares il-ħolqien fil-Missier permezz tal-Iben.[8] 291

704 Il-bniedem, Alla b'idejh stess (jiġifieri bl-Iben u bl-Ispirtu s-Santu) sawru ... u fassallu ġismu fuq is-sura

[7] *Kredu ta' Nicea u Kostantinopli*: DS 150.

[8] *Liturġija tas-Sigħat Biżantina*, Troparju tal-Matutin tal-Ħdud tat-tieni mod.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 284-285 5/16/2014 11:17:30 AM

356 u x-xbieha tiegħu, biex dak li jidher ukoll ikollu s-sura ta' Alla.[9]

L-Ispirtu tal-wegħdiet

410 705 Imħassar mid-dnub u mill-mewt, il-bniedem għadu skont "ix-xbieha ta' Alla", skont ix-xbieha tal-Iben, iżda imċaħħad "mill-glorja ta' Alla" (*Rum* 3,23), imċaħħad minn dan ix-"xebh". Il-Wegħda magħmula lil Abraham tagħti bidu lill-Pjan tas-salvazzjoni, li meta jasal fit-tmiem tiegħu, l-Iben
2809 stess jagħmel tiegħu x-"xbieha" (ara *Ġw* 1,14; *Fil* 2,7) u mill-ġdid jagħtiha x-"xebh" mal-Missier, huwa u jagħtiha mill-ġdid il-Glorja, l-Ispirtu, "li jagħti l-ħajja".

60 706 Kontra kull tama tal-bniedem, Alla wiegħed lil Abraham nisel, bħala frott tal-fidi u tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu (ara *Ġen* 18,1-15; *Lq* 1,26-38.54-55; *Ġw* 1,12-13; *Rum* 4,16-21). F'nislu jitbierku l-ġnus kollha tal-art (ara *Ġen* 12,3). Dan in-nisel hu Kristu (ara *Gal* 3,16) li fih it-tiswib tal-Ispirtu s-Santu jiġbor "f'ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin" (*Ġw* 11,52). Marbut b'ħalfa (ara *Lq* 1,73), Alla wiegħed li jagħti b'don 'l Ibnu l-għażiż (ara *Ġen* 22,17-19, *Rum* 8,32; *Ġw* 3,16) u li jagħti "l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed; li hu rahan ... tal-fidwa sħiħa tal-Poplu li Alla kiseb għalih" (*Ef* 1,13-14; ara *Gal* 3,14).

Fit-teofaniji u fil-Liġi

707 It-teofaniji (manifestazzjonijiet ta' Alla) idawlu

[9] San Irinew, *Turija tal-Predikazzjoni Appostolika*, 11.

t-triq tal-Wegħda, mill-Patrijarki sa Mosè u minn Ġożwè sad-dehriet li taw bidu għall-missjoni tal-profeti l-kbar. It-tradizzjoni Nisranija dejjem għarfet li f'dawn it-Teofaniji l-Verb ta' Alla ried li jidher u jinstema', rivelat u "moħbi" fl-istess waqt fis-sħaba tal-Ispirtu s-Santu.

708 Din il-pedagoġija (tmexxija) ta' Alla tidher b'mod 1961-1964
speċjali fid-don tal-Liġi (ara *Eż* 19-20; *Dewt* 1-11; 29-30). Alla ta l-Liġi biex bħala "pedagogu" (mexxej ta' tifel) tmexxi 122
l-poplu tiegħu lejn Kristu (ara *Gal* 3,24). Iżda għax il-Liġi ma setgħetx issalva lill-bniedem imċaħħad mix-"xebh" ma' Alla, u serviet biex jingħaraf id-dnub (ara *Rum* 3,20), fil-bniedem tqanqlet ix-xewqa tal-Ispirtu s-Santu. Jixhdu dan it-tnehid 2585
tas-Salmi.

Fis-Saltna u fl-Eżilju

709 Il-Liġi, sinjal tal-Wegħda u tal-Patt, kellha tmexxi qalb il-Poplu li ħareġ mill-fidi ta' Abraham u l-istituzzjonijiet tiegħu: "Jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi ... Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis" (*Eż* 19,5-6; ara *1 Piet* 2,9). Iżda, wara David, Iżrael waqa' fit-tentazzjoni li jkun saltna bħall-ġnus l-oħra. Iżda s-saltna, li dwarha saru l-wegħdiet lil David (ara *2 Sam* 2579
7; *Salm* 89; *Lq* 1,32-33) hi opra tal-Ispirtu s-Santu; hi saltna 544
tal-fqar fl-Ispirtu.

710 Il-Liġi ntesiet u l-fedeltà lejn il-Patt ġiet fix-xejn, u dan wassal għall-mewt: dan hu l-eżilju, li deher qisu li l-wegħdiet spiċċaw fix-xejn iżda fil-fatt l-eżilju kien il-fedeltà misterjuża ta' Alla li jsalva u bidu ta' tiġdid imwiegħed, imma bidu skont l-Ispirtu. Kien jeħtieġ li l-Poplu ta' Alla jbati biex jissaffa (ara *Lq* 24,26). L-eżilju ġa juri d-dell tas-salib fil-Pjan ta' Alla, u

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 286-287 5/16/2014 11:17:30 AM

l-"fdal" tal-fqajrin li jerġgħu lura hu wieħed mix-xbihat l-aktar ċari tal-Knisja.

L-istennija tal-Messija u tal-Ispirtu tiegħu

711 "Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida" (*Is* 43,19). Il-
64; 522 profeziji jaqbdu żewġ triqat, waħda lejn il-Messija mistenni, l-oħra lejn it-tħabbira ta' Spirtu ġdid, u t-tnejn jiltaqgħu fil-"fdal" ċkejken, fl-umli tal-art (ara *Sof* 2,3), li jistennew bit-tama "il-faraġ ta' Iżrael" u "il-fidwa ta' Ġerusalemm" (*Lq* 2,25.38).

> Aktar 'il fuq rajna li Ġesù temm il-profeziji kollha dwaru. Hawn insemmu biss dawk il-profeziji li juru aktar ċar ir-relazzjoni tal-Messija mal-Ispirtu tiegħu.

439 712 L-ewwel tagħrif li juri d-dehra tal-*Messija* mistenni jibda jidher fil-Ktieb tal-Għimmanu-El (ara *Is* 6-12) (meta "Isaija ... ra l-glorja" tal-Mulej: *Ġw* 12,41), b'mod partikulari f'*Is* 11,1-2.

> Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse,
> għad tinbet rimja minn għeruqu:
> fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,
> l-ispirtu tal-għerf u d-dehen,
> l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa,
> l-ispirtu tal-għerf u l-biża' tal-Mulej.

713 It-tagħrif dwar il-Messija nsibuh l-aktar fl-għana tal-Qaddej (*Is* 42, 1-9; ara *Mt* 12, 18-21; *Ġw* 1,32-34; imbagħad *Is* 49,1-6; ara *Mt* 3,17; *Lq* 2,32; u fl-aħħar nett *Is* 50,4-10
601 u 52,13 – 53,12). Dan l-għana jħabbar it-tifsir tal-Passjoni ta' Ġesù u juri kif se jibgħat l-Ispirtu s-Santu biex jagħti ħajja lill-kotra: dan Ġesù għamlu mhux minn barra, imma billi ħa n-"natura ta' Isir" (*Fil* 2,7), in-natura tagħna. Ħa fuqu l-mewt tagħna, biex ikun jista' jagħtina l-Ispirtu tiegħu tal-ħajja.

714 Għalhekk Ġesù beda jħabbar il-Bxara t-Tajba billi għamel tiegħu din is-silta ta' Isaija (*Lq* 4,18-19; ara *Is* 61,1-2).

> L-Ispirtu tal-Mulej fuqi,
> għax hu kkonsagrani.
> Bagħatni nħabbar il-ħelsien lill-imjassrin,
> inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin,
> u d-dawl mill-ġdid lill-għomja,
> irrodd il-ħelsien lill-maħqurin
> u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.

715 Is-siltiet profetiċi li jsemmu direttament il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu huma orakli li bihom Alla jkellem lill-qalb tal-Poplu bi kliem il-Wegħda, kliem "kollu mħabba u 214
fedeltà" (ara *Eżek* 11,19; 36,25-28; 37,1-14; *Ġer* 31,31-34; *Ġoel* 3,1-5). San Pietru jħabbar li kliem Ġoel seħħ nhar Għid il-Ħamsin filgħodu (ara *Atti* 2,17-21). Skont dawn il-wegħdiet, fl-"aħħar żminijiet" l-Ispirtu tal-Mulej iġedded qlub il-bnedmin u jonqox fi qlubhom Liġi ġdida: jiġbor 1965
u jħabbeb flimkien il-ġnus imxerrda u mifruda; iġedded il-ħolqien tal-bidu u Alla jgħammar fis-sliem fost il-bnedmin.

716 Il-Poplu tal-"fqajrin", tal-umli (ara *Sof* 2,3; *Salm* 22,27; 34,3; *Is* 49,13; 61,1; u l-bqija) u ta' qalbhom ħelwa, li joqogħdu kollhom kemm huma għall-pjan misterjuż ta' Alla tagħhom, dawk li jistennew ġustizzja, mhux mill-bnedmin, imma mingħand Alla: lil dawn, fl-aħħar mill-aħħar, kellha tħejji l-missjoni moħbija tal-Ispirtu s-Santu tul iż-żmien tal-Wegħdiet, biex tħejji għall-miġja ta' Kristu. Hu dan l-atteġġjament tal-qalb tagħhom 368
imsaffija u mdawla mill-Ispirtu li jfissru s-Salmi. F'dawn il-fqajrin, l-Ispirtu jlesti għall-Mulej "poplu mħejji sewwa" (*Lq* 1,17).

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 288-289 5/16/2014 11:17:30 AM

IV. L-Ispirtu ta' Kristu fil-milja taż-żminijiet

Ġwanni, prekursur, profeta u għammied

523 717 "Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni" (*Ġw* 1,6); kien mimli "bi spirtu qaddis sa minn ġuf ommu" (*Lq* 1,15.41) permezz ta' Kristu stess li l-Verġni Marija kienet nisslet fil-ġuf tagħha bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Iż-"żjara" ta' Marija lil Eliżabetta saret hekk żjara ta' Alla lill-poplu tiegħu (ara *Lq* 1,68).

718 Ġwanni hu Elija li għandu jiġi (ara *Mt* 17,10-13).
696 In-nar tal-Ispirtu jgħammar fih u jġiegħlu "jiġri (bħala 'prekursur') quddiem il-Mulej li ġej". Bi Ġwanni, il-Prekursur, l-Ispirtu s-Santu, "ilesti poplu mħejji sewwa [għall-Mulej]" (*Lq* 1,17).

719 Ġwanni hu "iżjed minn profeta" (*Lq* 7,26). Fih l-Ispirtu s-Santu ma jkomplix "jitkellem b'fomm il-profeti". Ġwanni jagħlaq iċ-ċiklu tal-profeti mibdi minn Elija (ara *Mt* 11,13-14).
2684 Iħabbar li kien qorob sewwa l-faraġ ta' Iżrael, hu "leħen" il-faraġ ta' Iżrael li għandu jiġi (*Ġw* 1,23; ara *Is* 40,1-3). Kif kellu jagħmel l-Ispirtu tal-verità, Ġwanni ġie "bħala xhud biex jixhed għad-dawl" *(Ġw* 1,7; ara *Ġw* 15,26; 5,33). Fi Ġwanni, l-Ispirtu jwassal għat-tmiem dak li kienu jfittxu l-profeti u dak li l-anġli stess "jixtiequ [jifhmu] sewwa" (*1 Piet* 1,10-12): "'Fuq min tara l-Ispirtu nieżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu'. Dan rajtu b'għajnejja, u għalhekk xhedt,
536 'Dan hu l-Iben ta' Alla ... Araw il-Ħaruf ta' Alla'" (*Ġw* 1,33-36).

720 Fl-aħħar, fi Ġwanni l-Battista, l-Ispirtu s-Santu, ta bidu, billi ħabbru minn qabel, għal dak kollu li għamel
535 ma' Kristu u fi Kristu: jagħti mill-ġdid lill-bniedem ix-"xebh" ma' Alla. Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet magħmudija ta' ndiema, il-magħmudija bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu tkun il-magħmudija ta' twelid ġdid *(*ara *Ġw* 3,5).

"Ifraħ, mimlija bil-grazzja"

721 Marija, l-Omm qaddisa ta' Alla u dejjem Verġni, hi l-aqwa opra tal-missjoni tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu fil-milja taż-żminijiet. Għall-ewwel darba fil-Pjan tas-salvazzjoni, il-Missier sab, għax ħejjieha l-Ispirtu s-Santu, *għamara* fejn 484
Ibnu u l-Ispirtu s-Santu setgħu jgħammru fost il-bnedmin. Hu f'dan is-sens li t-Tradizzjoni tal-Knisja taqra b'riferenza għal Marija l-isbaħ siltiet dwar l-Għerf (ara *Prov* 8,1 – 9,6; *Sir* 24). Il-Liturġija fil-kant tagħha turi lil Marija bħala "Tron tal-Għerf".

Fiha bdew jidhru "l-għeġubijiet ta' Alla" li l-Ispirtu kien se jagħmel fi Kristu u fil-Knisja.

722 L-Ispirtu s-Santu *ħejja* lil Marija bil-grazzja tiegħu. 489
Kien jaqbel li tkun "mimlija bil-grazzja" omm ta' Dak li "fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" (*Kol* 2,9). Hu biss bil-qawwa tal-grazzja li Marija tnisslet ħielsa minn kull dnub, bħala l-iċken fost il-ħlejjaq kollha, u l-aqwa waħda biex tilqa' fiha d-Don tal-għaġeb ta' Dak li jista' kollox. Bir-raġun kollu għalhekk l-Anġlu Gabrijel sellmilha bħala "Bint Sijon": "Ifraħ" (ara *Sof* 3,14; *Żak* 2,14). Hu r-radd ta' 2676
ħajr tal-Poplu kollu ta' Alla, u għalhekk tal-Knisja, li Marija twassal lill-Missier fl-Ispirtu s-Santu bil-kantiku tagħha (ara *Lq* 1,46-55) meta kienet iġġorr f'ġufha Bin il-Missier etern.

723 F'Marija l-Ispirtu s-Santu *jagħmel li jseħħ* il-Pjan kollu tjieba tal-Missier. Bl-Ispirtu s-Santu, il-Verġni Marija tnissel u 485
tagħti t-twelid lill-Iben ta' Alla. Il-verġinità tagħha tagħti frott 506
li ma hemmx ieħor bħalu bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u tal-fidi (ara *Lq* 1,26-38; *Rum* 4,18-21; *Gal* 4,26-28).

724 F'Marija, l-Ispirtu s-Santu *juri* lil Bin il-Missier li sar Bin il-Verġni. Hi l-għollieq jaqbad tat-Teofanija (jew 208

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 290-291 5/16/2014 11:17:30 AM

manifestazzjoni ta' Alla) li kellha tkun darba għal dejjem:
2619 mimlija bl-Ispirtu s-Santu turi l-Verb fiċ-ċokon tiegħu bħala bniedem, u huma lill-fqajrin (ara *Lq* 1,15-19) u lill-ewwel rappreżentanti tal-ġnus (ara *Mt* 2,11) li turih.

725 Fl-aħħar nett, hu permezz ta' Marija li l-Ispirtu s-Santu
963 jibda *jgħaqqad* ma' Kristu lill-bnedmin "li jogħġbu lilu" (*Lq* 2,14), u ċ-ċkejknin huma dejjem l-ewwel nies li jilqgħuh: ir-rgħajja, il-maġi, Xmun u Anna, l-għarajjes ta' Kana, l-ewwel dixxipli.

726 Fi tmiem din il-missjoni tal-Ispirtu, Marija ssir il-
494; 2618 "Mara", Eva ġdida "omm il-ħajjin", Omm "Kristu sħiħ" (ara *Ġw* 19,25-27). Hu hekk li hi tinsab mat-Tnax, "ilkoll qalb waħda ... jitolbu flimkien" (*Atti* 1,14), mas-sebħ tal-"aħħar żminijiet", li għalihom l-Ispirtu s-Santu jagħti bidu nhar Għid il-Ħamsin filgħodu bil-manifestazzjoni tal-Knisja.

Kristu Ġesù

438 727 Il-missjoni kollha tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu fil-milja
695 taż-żminijiet tinsab fil-fatt li l-Iben irċieva d-Dilka tal-Ispirtu
536 tal-Missier sa mill-Inkarnazzjoni tiegħu. Ġesù hu Kristu, il-Messija.

It-tieni kapitlu kollu tal-Kredu rridu naqrawh f'dan id-dawl. Il-ħidma kollha ta' Kristu hi l-missjoni flimkien tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Hawn se nsemmu biss dak li għandu x'jaqsam mal-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu li għamel Ġesù u mad-don tal-Ispirtu s-Santu mogħti mill-Mulej glorifikat.

728 Ġesù ma weriex għal kollox l-Ispirtu s-Santu

qabel ma kien hu stess gglorifikat bil-mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet. Minkejja dan, urieh ftit ftit, fit-tagħlim tiegħu lill-folol ukoll, meta ħabbrilhom li Ġismu kellu jsir ikel għad-dinja (ara *Ġw* 6,27.51.62-63). Ħabbru wkoll mhux ċar lil Nikodemu (ara *Ġw* 3,5-8), lis-Samaritana (ara *Ġw* 4,10.14.23-24) u lil dawk li marru għall-festa tal-Għerejjex (ara *Ġw* 7,37-39). Lid-dixxipli kellimhom bil-miftuħ dwar l-Ispirtu s-Santu meta tkellem fuq it-talb (ara *Lq* 11,13) u fuq 2615 ix-xhieda li kellhom jagħtu *(*ara *Mt* 10,19-20).

729 Kien biss meta waslet is-Siegħa li fiha kellu jkun igglorifikat li Ġesù wieġħed il-miġja tal-Ispirtu s-Santu, għax il-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet kienu se jwettqu l-weġħdiet magħmula lil missirijiethom (ara *Ġw* 14,16-17.26; 15,26; 16,7-15; 17,26): l-Ispirtu tal-verità, id-Difensur l-ieħor, jingħata mill-Missier fuq talba ta' Ġesù: jibagħtu l-Missier f'isem Ġesù; Ġesù jibagħtu mingħand il-Missier għax joħroġ mill-Missier. L-Ispirtu s-Santu jiġi, aħna nagħrfuh, ikun dejjem magħna, jibqa' magħna; jgħallimna kollox u jfakkarna kulma qalilna Kristu u jixhed għalih; imexxina lejn il-verità kollha u jagħti glorja lil Kristu. Lid-dinja juriha li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju. 388;1433

730 Fl-aħħar tiġi s-siegħa ta' Ġesù (ara *Ġw* 13,1; 17,1): Ġesù jerfi l-ispirtu tiegħu f'idejn il-Missier (ara *Lq* 23,46; *Ġw* 19,30) filwaqt li bil-mewt tiegħu jirbaħ il-mewt b'mod li "imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier" (*Rum* 6,4) *jagħti* minnufih l-Ispirtu s-Santu huwa u "jonfoħ" fuq id-dixxipli (ara *Ġw* 20,22). Minn dik is-siegħa 'l quddiem, il-missjoni ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu ssir 850 il-missjoni tal-Knisja: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom" (*Ġw* 20,21; ara *Mt* 28,19; *Lq* 24,47-48; *Atti* 1,8).

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 292-293 5/16/2014 11:17:30 AM

V. L-Ispirtu u l-Knisja fl-aħħar żminijiet

Għid il-Ħamsin

2623 731 F'jum Għid il-Ħamsin (fi tmiem is-seba' ġimgħat tal-Għid), l-Għid tal-Mulej jasal fit-tmiem tiegħu bil-miġja
767 tal-Ispirtu s-Santu li juri ruħu, jingħata u jitwassal bħala
1302 Persuna Divina: mill-milja tiegħu, Kristu, il-Mulej isawwab bil-kotra l-Ispirtu (ara *Atti* 2,33-36).

244 732 F'dan il-jum, tiġi rrivelata għal kollox it-Trinità Qaddisa. Minn dan il-jum is-Saltna mħabbra minn Kristu hi miftuħa għal dawk kollha li jemmnu fih: għalkemm ma huma xejn fil-ġisem u dgħajfin fil-fidi, ġa għandhom sehem fl-
672 għaqda tat-Trinità Qaddisa. Bil-miġja tiegħu fid-dinja, miġja li ma tintemm qatt, l-Ispirtu s-Santu jdaħħal id-dinja "fl-aħħar żminijiet", fiż-żminijiet tal-Knisja, is-Saltna li hi ġa meħuda b'wirt iżda għad mhux mitmuma.

> Aħna rajna d-dawl veru, irċevejna l-Ispirtu tas-sema, sibna l-fidi vera: naduraw it-Trinità indiviżibbli għax hi li salvatna.[10]

L-Ispirtu s-Santu: Don ta' Alla

218 733 "Alla hu mħabba" (*1 Ġw* 4,8.16) u l-imħabba hi l-ewwel don, u jiġbor fih id-doni l-oħra kollha. Din "l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna" (*Rum* 5,5).

734 Billi aħna mejtin jew, almenu, midrubin minħabba
1987 d-dnub, l-ewwel effett tad-don tal-imħabba hu l-maħfra tad-

[10] *Liturġija tas-Sigħat Biżantina*, Troparju tal-Għasar ta' Għid il-Ħamsin, li jiġi mtenni fil-Liturġija Ewkaristika wara t-tqarbin.

dnubiet. Hi "l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu" (*2 Kor* 13,13) li, fil-Knisja, tagħti lill-imgħammdin ix-xebh ma' Alla li kien intilef bid-dnub.

735 Jagħtina mbagħad ir-"rahan" jew "l-ewwel frott" tal-wirt tagħna (*Rum* 8,23; *2 Kor* 1,21), l-istess ħajja tat-Trinità Qaddisa, jiġifieri li nħobbu "kif Alla ħabbna" (ara *1 Ġw* 4,11-12). Din l-imħabba (*1 Kor* 13) hi l-bidu tal-ħajja ġdida 1822
fi Kristu, li jista' jkollna għax irċevejna l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu (ara *Atti* 1,8).

736 Hu b'din il-qawwa tal-Ispirtu li ulied Alla jistgħu jagħmlu frott. L-Ispirtu, li laqqamna fid-Dielja vera jagħtina 1832
li jkollna "il-frott tal-Ispirtu [li] huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan" (*Gal* 5,22-23). "L-Ispirtu hu l-ħajja tagħna": aktar ma niċċaħħdu minna nfusna (ara *Mt* 16,24-26) aktar "nimxu bl-Ispirtu" (*Gal* 5,25).

> Magħqudin miegħu l-Ispirtu jagħmilna spiritwali, iqegħedna mill-ġdid fit-triq tal-Ġenna, iwassalna fis-Saltna tas-smewwiet u għall-adozzjoni tal-ulied, jagħtina l-ħila li nsejħu "Missier" lil Alla, u li jkollna sehem mill-grazzja ta' Kristu, li nissejħu wlied id-dawl u li jkollna sehem fil-glorja ta' dejjem[11].

L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja

737 Il-missjoni ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu ssib il-milja tagħha fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu u t-Tempju tal-Ispirtu 787-798
s-Santu. Din il-missjoni flimkien issa ssieħeb il-fidili ta' Kristu 1093-1109
fl-għaqda li għandu mal-Missier fl-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu *jħejji* l-bnedmin, imexxihom 'il quddiem bil-grazzja tiegħu, biex jiġbidhom lejn Kristu. *Jurihom* il-Mulej irxoxt,

[11] San Bażilju l-Kbir, *Trattat dwar l-Ispirtu s-Santu*, 15, 36: PG 32,132.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 294-295 5/16/2014 11:17:30 AM

ifakkarhom fi kliemu u jiftħilhom l-ispirtu tagħhom biex jifhmu l-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet. *Iqiegħed quddiemhom* il-Misteru ta' Kristu, b'mod mill-aktar għoli fl-Ewkaristija, biex iħabbibhom, *jgħaqqadhom* ma' Alla, ħa jkunu jistgħu jagħmlu "kotra ta' frott" (*Ġw* 15,5.8.16).

738 Hekk il-Missjoni tal-Knisja mhijiex xi żieda ma' dik
850, 777 ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu, imma hi s-sagrament tal-missjoni tagħhom: bl-esseri tagħha u fil-membri kollha tagħha hi mibgħuta biex ixxandar u tagħti xhieda, biex taħdem ħa jseħħ u jinfirex il-misteru tal-għaqda tat-Trinità Qaddisa (dan narawh fl-artiklu li ġej).

> Ilkoll kemm aħna rċevejna l-istess Spirtu wieħed, l-Ispirtu s-Santu, sirna ħaġa waħda bejnietna u ma' Alla. Għalkemm aħna ħafna jekk nitqiesu wieħed wieħed u għalkemm Kristu għamel li l-Ispirtu tal-Missier u tiegħu jiġi f'kull wieħed minna, dan l-Ispirtu wieħed indiviżibbli jwassal minnu nnifsu għall-għaqda flimkien lil dawk kollha li huma magħżulin minn xulxin ... u jagħmel li jidhru li huma ħaġa waħda fih. U kif is-setgħa tal-umanità mqaddsa ta' Kristu tagħmel li dawk kollha li fihom tinsab jagħmlu Ġisem wieħed, naħseb li bl-istess mod l-Ispirtu s-Santu, wieħed u indiviżibbli, li jinsab f'kulħadd iwassalhom ilkoll għall-għaqda waħda spiritwali.[12]

739 Billi l-Ispirtu s-Santu hu d-Dilka ta' Kristu, hu
1076 Kristu, ir-Ras tal-Ġisem, li jxerrdu fil-membri tiegħu, biex imantnihom, ifejjaqhom, jorganizzahom fid-dmirijiet tagħhom lejn xulxin, jagħtihom il-ħajja, jibgħathom ikunu xhieda, iseħħibhom fl-offerta tiegħu lill-Missier u fl-interċessjoni tiegħu għad-dinja kollha. Hu permezz tas-sagramenti tal-Knisja li Kristu jagħti lill-membri tal-Ġisem tiegħu l-Ispirtu tiegħu qaddis u li jqaddes (dan narawh fit-tieni parti tal-Katekiżmu).

[12] San Ċirillu ta' Lixandra, *Tifsir dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*, 11, 11: PG 74, 560-561.

740 Dawn "l-għeġubijiet ta' Alla", mogħtija lil min jemmen permezz tas-sagramenti tal-Knisja, jagħtu l-frott tagħhom fil-ħajja ġdida, fi Kristu, skont l-Ispirtu (dan narawh fit-tielet parti tal-Katekiżmu).

741 "L-Ispirtu jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna, għax aħna anqas nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bi kliem" (*Rum* 8,26). L-Ispirtu s-Santu, mgħallem tal-opri ta' Alla, huwa l-Għalliem tat-talb (dan narawh fir-raba' parti tal-Katekiżmu).

Fil-qosor

742 *"U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier!"* (*Gal* 4,6).

743 *Mill-bidu sat-tmiem taż-żminijiet, meta Alla bagħat lil Ibnu, bagħat ukoll l-Ispirtu tiegħu: il-missjoni tal-Iben u tal-Ispirtu ssir dejjem flimkien u ma jinfirdux minn xulxin.*

744 *Fil-milja taż-żminijiet, l-Ispirtu s-Santu temm f'Marija t-tħejjijiet kollha meħtieġa għall-miġja ta' Kristu fost il-Poplu ta' Alla. Bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu f'Marija, il-Missier ta lid-dinja l-Għimmanu-el, "Alla magħna"* (*Mt* 1,23).

745 *L-Iben ta' Alla ġie kkonsagrat Kristu (Messija) bid-dilka tal-Ispirtu s-Santu meta sar bniedem* (*ara Salm* 2,6-7).

746 *Bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, Ġesù ġie kkostitwit Mulej u Kristu fil-glorja* (*ara Atti* 2,36). *Mill-milja tiegħu, hu jsawwab l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u fuq il-Knisja.*

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 296-297 5/16/2014 11:17:30 AM

747 *L-Ispirtu s-Santu, li Kristu, ir-Ras, isawwab fil-membri tiegħu, jibni, jaħji u jqaddes il-Knisja. Hi s-sagrament tal-għaqda tat-Trinità Qaddisa u tal-bnedmin.*

Id-disa' artiklu

"NEMMEN FIL-KNISJA MQADDSA KATTOLIKA"

748 "Kristu huwa d-dawl tal-ġnus: għalhekk dan il-Konċilju Mqaddes imlaqqa' fl-Ispirtu s-Santu jixtieq b'ħeġġa kbira jħabbar lill-ħlejjaq kollha l-Bxara t-Tajba tal-Evanġelju, ixerred fuq il-bnedmin kollha d-dija ta' Kristu, li tiddi f'wiċċ il-Knisja".[13] Hu b'dan il-kliem li tibda l-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja tal-Konċilju Vatikan II. B'dan il-kliem, il-Konċilju juri li l-artiklu tal-fidi fuq il-Knisja jiddependi kollu kemm hu mill-artikli fuq Kristu Ġesù. Il-Knisja ma għandhiex dawl ieħor ħlief dak ta' Kristu: hi, biex nużaw xbieha għażiża ħafna għall-Missirijiet il-Knisja, qisha l-qamar li d-dawl tiegħu kollu mhux ħlief rifless tad-dawl tax-xemx.

749 L-artiklu fuq il-Knisja jiddependi wkoll, kollu kemm hu, mill-artiklu dwar l-Ispirtu s-Santu li jiġi qablu. "Wara li rajna li l-Ispirtu s-Santu hu l-għajn ta' kull qdusija u jagħti l-qdusija kollha, issa nistqarru li huwa hu li jżejjen bil-qdusija l-Knisja".[14] Il-Knisja hi, skont l-espressjoni ta' Missirijiet il-Knisja, il-post "fejn jiffjorixxi l-Ispirtu".[15]

[13] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 1.

[14] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 10, 1.

[15] San Ippolitu, *It-Tradizzjoni Appostolika*, 35.

750 It-twemmin li l-Knisja hi "Qaddisa" u "Kattolika" u li hi "Waħda" u "Appostolika" (kif iżid il-Kredu ta' Nicea u Kostantinopli), ma nistgħux nifirduh mill-fidi f'Alla, il-Missier, l-Iben, u l-Ispirtu s-Santu. Fil-Kredu tal-Appostli, aħna nistqarru l-fidi tagħna fi Knisja waħda qaddisa (*Credo … Ecclesiam*) u mhux *fil*-Knisja, biex ma nħawdux 'l Alla mal-għemejjel tiegħu u biex nattribwixxu b'mod ċar lit-tjubija ta' Alla, id-doni *kollha* li hu sawwab fil-Knisja.[16] 811 169

L-ewwel paragrafu

IL-KNISJA FIL-PJAN TA' ALLA

I. L-ismijiet u x-xbihat tal-Knisja

751 Il-kelma "Knisja", ("ekklesia" mill-Grieg "ek-kalein", "issejjaħ mill-ġemgħa") tfisser "sejħa", u tintuża biex tfisser ġemgħat tal-poplu (ara *Atti* 19,39) ġeneralment ta' karattru reliġjuż. Hi kelma li ntużat spiss fit-Testment il-Qadim bil-Grieg biex tfisser il-ġemgħa tal-poplu magħżul, miġbur quddiem Alla, u l-aktar il-ġemgħa tas-Sinaj meta Iżrael irċieva l-Liġi u ġie kkostitwit minn Alla bħala l-poplu qaddis tiegħu (ara *Eż* 19). L-ewwel komunità ta' dawk li emmnu fi Kristu, meta sejħet lilha nnifisha "Knisja" għarfet li kienet wirtet il-ġemgħa tas-Sinaj. Fiha, fil-Knisja, Alla jsejjaħ il-Poplu tiegħu mit-truf kollha tal-art. Il-kelma "Kyriake" li minnha ġejja l-kelma "Church" u l-kelma "Kirche" (bil-Ġermaniż) tfisser "dik li hi tal-Mulej (il-*Kyrios*)".

[16] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 10, 22.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 298-299 5/16/2014 11:17:31 AM

752 Fost l-Insara, il-kelma "Knisja" tfisser il-ġemgħa liturġika (ara *1 Kor* 11,18; 14,19.28.34.35) iżda tfisser ukoll il-komunità tal-post (ara *1 Kor* 1,2; 16,1) jew il-komunità ta' dawk kollha li jemmnu u jinsabu fid-dinja kollha (ara *1 Kor* 15,9; *Gal* 1,13; *Fil* 3,6). Dawn it-tliet tifsiriet fil-fatt imorru dejjem flimkien. "Il-Knisja" hi l-Poplu ta' Alla miġbur flimkien mid-dinja kollha. Tinsab fil-komunitajiet ta' kull post u turi ruħha fil-ġemgħa liturġika, l-aktar fl-Ewkaristija. Tgħix permezz tal-Kelma ta' Alla u tal-Ġisem ta' Kristu filwaqt li hi stess issir ukoll Ġisem ta' Kristu.

Is-simboli tal-Knisja

753 Fl-Iskrittura Mqaddsa aħna nsibu għadd kbir ta' xbihat u ta' figuri marbutin ma' xulxin, li bihom ir-rivelazzjoni titkellem dwar il-misteru tal-Knisja, li qatt ma se naslu biex nifhmuh kollu kemm hu. Ix-xbihat meħudin mit-Testment il-Qadim huma varjazzjonijiet ta' idea waħdanija: dik tal-"Poplu ta' Alla". Fit-Testment il-Ġdid (ara *Ef* 1,22; *Kol* 1,18), il-qofol ta' dawn ix-xbihat hu Kristu għax hu "r-Ras" tal-poplu tiegħu[17] u dan il-Poplu hu l-Ġisem tiegħu. Madwar Kristu jinġabru xbihat meħudin mill-ħajja tar-rgħajja jew tal-biedja, jew mix-xogħol tal-bini jew mill-familja u ż-żwieġ.[18]

754 Il-Knisja fil-fatt hi dak il-*maqjel* li tiegħu Kristu waħdu hu l-bieb li wieħed jista' jidħol minnu (*Ġw* 10,1-10). Hi wkoll il-merħla li Alla nnifsu ħabbar minn qabel li kien se jkun ir-raġħaj tagħha (ara *Is* 40,11; *Eżek* 34,11-31), u li n-nagħaġ tagħha, minkejja li għandhom rgħajja bnedmin li jimxu quddiemhom, dejjem titmexxa u titmantna minn Kristu nnifsu, ir-

[17] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 9.

[18] *Ibid*., 6.

Raġħaj it-tajjeb u r-Raġħaj il-kbir (ara *Ġw* 10,11; *1 Piet* 5,4) li jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu (ara *Ġw* 10,11-15).[19]

755 Il-Knisja hi *art tajba għall-biedja*, l-għalqa ta' Alla (ara *1 Kor* 3,9). F'din l-għalqa tikber iż-żebbuġa antika li tagħha l-patrijarki kienu l-għeruq qaddisa u li fiha seħħet u għad isseħħ ir-rikonċiljazzjoni bejn Lhud u pagani (ara *Rum* 11,13-26). Tħawlet mis-Sid tas-sema bħala dielja magħżula (ara *Mt* 21,33-43 u s-siltiet tal-Evanġelji l-oħra; ara *Is* 5,1-7). Id-Dielja vera huwa Kristu, hu dak li jagħti l-ħajja u l-frott lill-friegħi li huma aħna: permezz tal-Knisja, aħna nibqgħu fi Kristu, u mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn (ara *Ġw* 15,1-5).

756 Spiss ukoll il-Knisja tissejjaħ "*il-bini ta' Alla"* (*1 Kor* 3,9). Il-Mulej stess ixebbah lilu nnifsu mal-ġebla li warrbu l-bennejja u li "saret il-ġebla tax-xewka" (*Mt* 21,42 u s-siltiet l-oħra; ara *Atti* 4,11; *1 Piet* 2,7; *Salm* 118,22). Fuq dan il-pedament tinbena l-Knisja mill-Appostli (ara *1 Kor* 3,11), u dan il-pedament isaħħaħha u jorbotha sewwa. Dan il-bini jissejjaħ b'ħafna ismijiet: "id-dar ta' Alla" (ara *1 Tim* 3,15) fejn tgħammar il-*familja* tiegħu; l-għamara ta' Alla fl-Ispirtu (ara *Ef* 2,19-22); "l-għamara ta' Alla mal-bnedmin" (*Apok* 21,3) u l-aktar it-*tempju* mqaddes, li, rappreżentat mis-santwarji tal-ġebel, hu mfaħħar minn Missirijiet il-Knisja u pparagunat bir-raġun kollu fil-Liturġija mal-Belt qaddisa, Ġerusalemm tas-sema. Fil-fatt, aħna fil-Knisja fuq l-art aħna bħal ġebel ħaj għall-bini tagħha (ara *1 Piet* 2,5). Din il-Belt qaddisa, San Ġwann raha nieżla mis-sema, mingħand Alla, fit-tiġdid tad-dinja, "imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha" (*Apok* 21,1-2).

757 "Il-Knisja tissejjaħ ukoll "Ġerusalemm ta' fuq (tas-sema)" u "Ommna" (*Gal* 4,26; ara *Apok* 12,17): hi deskritta bħala l-għarusa bla tebgħa tal-Ħaruf bla tebgħa (ara *Apok* 19,7; 21,2.9; 22,17) li Kristu ħabb, u ta lilu nnifsu għaliha biex tkun qaddisa (ara *Ef* 5,25-26), u seħibha miegħu b'rabta li ma titħassar qatt, u dejjem imantniha u jieħu ħsiebha (ara *Ef* 5,29).

II. Bidu, twaqqif u missjoni tal-Knisja

758 Biex nistħarrġu l-misteru tal-Knisja, irridu l-ewwel nett naħsbu fuq il-bidu tagħha fid-dawl tal-pjan tat-Trinità

[19] *Ibid*., 6.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 300-301 5/16/2014 11:17:31 AM

Qaddisa u fuq kif dehret, pass wara l-ieħor, fl-istorja tad-dinja.

Pjan li ħareġ minn qalb il-Missier

293 759 "Il-Missier ta' dejjem, bi ħsieb għal kollox ħieles u misterjuż tal-għerf u t-tjieba tiegħu, ħalaq id-dinja u ried jgħolli l-bniedem biex ikollu sehem mill-ħajja ta' Alla", li għaliha jsejjaħ lill-bnedmin kollha f'Ibnu: "Dawk kollha li jemmnu fi Kristu, il-Missier ried jiġborhom fil-Knisja Mqaddsa". Din "il-familja ta' Alla" titwaqqaf u tinbena ftit ftit tul il-mumenti tal-istorja tal-bniedem, skont kif ikun irid il-Missier: fil-fatt, "il-Knisja tħabbret sa mill-bidu tad-dinja, tħejjiet b'mod tassew tal-għaġeb fil-ġrajja tal-poplu ta' Iżrael u fil-Patt il-Qadim, u fl-aħħar twaqqfet f'dawn iż-żminijiet tal-aħħar, u dehret meta niżel fuqha l-Ispirtu s-Santu, u, fl-aħħar taż-żminijiet tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fil-glorja".[20]

Il-Knisja: xbihetha mill-bidu tad-dinja

760 "Id-dinja nħalqet għall-Knisja": hekk kienu jgħidu l-Insara ta' l-ewwel żminijiet.[21] Alla ħalaq id-dinja bil-ħsieb li din tidħol f'xirka mal-ħajja tiegħu, xirka li sseħħ permezz tas-
294 "sejħa" tal-bnedmin fi Kristu, u din is-"sejħa għall-għaqda" hi l-Knisja. Il-Knisja hi "l-għan ta' kollox"[22] u l-istess ġrajjiet ta'
309 niket li seħħu, bħall-waqgħa tal-anġli u d-dnub tal-bniedem, Alla ppermettiehom biss biex ikunu okkażjoni u mezz ħalli

[20] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 2.

[21] Erma, *Id-Dehriet tar-Ragħaj*, 2, 4, 1: PG 2, 899; ara Aristide, *Apoloġija,* 16,6; San Ġustinu, *Apoloġija*, 2, 7: PG 6, 456.

[22] Ara San Epifanju, *Panarion,* magħruf ukoll bħala *Kontra l-Ereżiji*, 1, 1, 5: PG 41, 181C.

juri l-qawwa ta' driegħu, il-kobor kollu tal-imħabba li ried jagħti lid-dinja.

> Kif ir-rieda ta' Alla hi għemil u dan jissejjaħ dinja, hekk ukoll il-ħsieb ta' Alla hu s-salvazzjoni tal-bnedmin, u din tissejjaħ Knisja.[23]

Il-Knisja: imħejjija fil-Patt il-Qadim

761 Is-sejħa għall-ġemgħa tal-Poplu ta' Alla bdiet fil-mument li fih id-dnub qered ir-rabta tal-bnedmin ma' Alla u tal-bnedmin bejniethom. Il-ġemgħa tal-Knisja hi, biex ngħidu hekk, ir-reazzjoni ta' Alla għall-konfużjoni li ġieb 55
id-dnub. Din l-għaqda mill-ġdid isseħħ bil-moħbi fi ħdan il-ġnus kollha. Alla "jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn liema poplu jkun" (*Atti* 10,35).[24]

762 It-*tħejjija* mill-bogħod tal-ġemgħa tal-Poplu ta' 122; 522
Alla tibda bis-sejħa ta' Abraham; lilu Alla wiegħdu li 60
jkun missier ta' poplu kbir (ara *Ġen* 12,2; 15,5-6). It-tħejjija immedjata tibda bl-għażla ta' Iżrael bħala l-poplu ta' Alla (ara *Eż* 19,5-6; *Dewt* 7,6). Bl-għażla tiegħu Iżrael kellu jkun sinjal tal-ġemgħa fil-ġejjieni tal-ġnus 64
kollha (ara *Is* 2,2-5; *Mik* 4,1-4). Iżda l-profeti ġa bdew jixlu lil Iżrael li kiser il-Patt u li ġieb ruħu ta' prostituta (ara *Hos* 1; *Is* 1,2-4; *Ġer* 2; u l-bqija). Iħabbru Patt ġdid u għal dejjem (ara *Ġer* 31,31-34; *Is* 55,3). "Dan il-Patt il-Ġdid waqqfu Kristu".[25]

[23] Klement ta' Lixandra, *L-Għalliem,* 1, 6, 27, 2: PG 8, 281.

[24] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 9; 13; 16.

[25] *Ibid.*, 9.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 302-303 5/16/2014 11:17:31 AM

Il-Knisja: imwaqqfa minn Kristu Ġesù

763 Kellu jkun l-Iben li fil-milja taż-żminijiet wassal biex iseħħ il-pjan tal-Missier għas-salvazzjoni: dan kien l-iskop tal-"missjoni" tal-Iben.[26] "Il-Mulej Ġesù ta bidu għall-Knisja
541 tiegħu huwa u jxandar il-Bxara t-Tajba, il-miġja tas-Saltna ta' Alla mwiegħda fil-Kotba Mqaddsa tul iż-żminijiet".[27] Biex jagħmel ir-rieda tal-Missier, Kristu ta bidu għas-Saltna tas-smewwiet fuq l-art. Il-Knisja "hi s-Saltna ta' Kristu li ġa tinsab fid-dinja b'mod misterjuż".[28]

764 "Din is-Saltna tiddi għal għajnejn il-bnedmin fil-kliem,
543 l-għemil u l-preżenza ta' Kristu".[29] Min jilqa' l-Kelma ta' Ġesù, ikun jilqa' s-Saltna tiegħu stess.[30] Iż-żerriegħa u l-bidu tas-Saltna hi "il-merħla żgħira" (*Lq* 12,32) ta' dawk li Ġesù ġie jsejjaħ madwaru u li tagħhom hu stess hu r-ragħaj (ara *Mt*
1691 10,16; 26,31; *Ġw* 10,1-21). Huma jagħmlu l-familja vera ta' Ġesù (ara *Mt* 12,49). Lil dawk li ġabar madwaru b'dan il-
2558 mod, għallimhom "sura ġdida ta' għemil", iżda għallimhom ukoll talba tassew tagħhom (ara *Mt* 5-6).

765 Il-Mulej Ġesù ta lill-komunità tiegħu struttura li għandha tibqa' sakemm is-Saltna tilħaq il-milja sħiħa
551; 860 tagħha. Hemm qabel xejn, l-għażla tat-Tnax, b'San Pietru bħala l-kap (ara *Mk* 3, 14-15). Rappreżentanti tat-tnax-il tribù ta' Iżrael (ara *Mt* 19,28; *Lq* 22,30) huma l-pedamenti ta' Ġerusalemm il-ġdida (ara *Apok* 21,12-14). It-Tnax (ara *Mk* 6,7) u d-dixxipli l-oħra *(ara Lq 10,1-2)* huma mseħbin

[26] Ara *ibid*., 3; Digriet *Ad Gentes* (1965), 3.
[27] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 5.
[28] *Ibid*., 3.
[29] *Ibid*., 5.
[30] *Ibid*.

fil-missjoni ta' Kristu, fis-setgħa tiegħu, imma wkoll f'xortih (ara *Mt* 10,25; *Ġw* 15,20). Bl-għemil kollu tiegħu, Ġesù jħejji u jwaqqaf il-Knisja tiegħu.

766 Iżda l-Knisja twieldet prinċipalment mill-għotja sħiħa 813
ta' Kristu għas-salvazzjoni tagħna, imħejjija minn qabel fl-Ewkaristija u mitmuma fuq is-salib. "Il-bidu u t-tkabbir 610; 1340
tal-Knisja huma mfissra mid-demm u l-ilma li ħarġu mill-ġenb minfud ta' Kristu msallab".[31] "Għax mill-ġenb ta' 617
Kristu rieqed fil-mewt fuq is-salib twieled is-sagrament tal-għaġeb tal-Knisja kollha kemm hi".[32] Kif Eva ssawret mill-ġenb ta' Adam huwa u kien rieqed, hekk il-Knisja twieldet mill-qalb minfuda ta' Kristu mejjet fuq is-salib.[33] 478

Il-Knisja: irrivelata mill-Ispirtu s-Santu

767 "Mitmuma l-ħidma li l-Missier ta lill-Iben biex jagħmel fuq l-art, nhar Għid il-Ħamsin l-Ispirtu s-Santu ntbagħat biex 731
iqaddes il-Knisja għal dejjem".[34] Kien dan il-waqt li fih "il-Knisja wriet ruħha pubblikament quddiem il-kotra u beda x-xandir tal-Evanġelju permezz tal-predikazzjoni":[35] Għax hi "il-ġemgħa" tal-bnedmin kollha msejħin għas-salvazzjoni, il-Knisja hi, min-natura tagħha stess, missjunarja, mibgħuta minn Kristu fost il-ġnus kollha biex tagħmel dixxipli minnhom 849
(ara *Mt* 28,19-20).[36]

[31] *Ibid*., 3.
[32] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 5.
[33] Ara San Ambroġ, *Tifsir dwar l-Evanġelju skont San Luqa*, 2, 85-89: PL 15, 1666-1668.
[34] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 4.
[35] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 4.
[36] Ara *ibid*., 2; 5-6.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 304-305 5/16/2014 11:17:31 AM

768 Sabiex tkun tista' twettaq il-missjoni tal-Knisja, l-Ispirtu s-Santu "jgħallem il-Knisja u jmexxiha permezz tal-ħafna doni ġerarkiċi u kariżmatiċi".[37] "B'hekk il-Knisja, mogħnija bid-doni tal-Fundatur tagħha, hija u tħares bil-fedeltà kollha l-preċetti tiegħu ta' mħabba, umiltà u ċaħda, tilqa' l-missjoni li tħabbar is-Saltna ta' Kristu u ta' Alla u twaqqafha fost il-ġnus kollha: hekk hi tkun iż-żerriegħa u l-bidu ta' din is-saltna fuq l-art".[38]

Il-Knisja – tikseb il-milja tagħha fil-glorja

769 "Il-Knisja … ma jkollhiex il-kobor sħiħ tagħha jekk mhux fil-glorja tas-sema",[39] meta Kristu jerġa' jiġi bi glorja kbira. Sa dakinhar, "il-Knisja tibqa' miexja fil-pellegrinaġġ tagħha fost il-persekuzzjoni tad-dinja u l-faraġ ta' Alla".[40] Hawn fid-dinja, taf li tinsab f'eżilju, 'il bogħod minn Sidha *(*ara *2 Kor* 5,6*)*[41] u tixxennaq għall-mument li fih is-Saltna tidher fil-kobor sħiħ tagħha, "is-siegħa li fih tingħaqad mas-Sultan tagħha fil-glorja".[42] Il-Knisja u, permezz tagħha, id-dinja, ma tilħaqx il-kobor sħiħ tagħha fil-glorja, mingħajr ma jkollha tgħaddi minn ħafna provi kbar. Biss imbagħad, il-ġusti kollha, minn Adam, "minn Abel il-ġust, sal-aħħar wieħed fost il-magħżulin isibu ruħhom f'ġemgħa flimkien fil-Knisja universali quddiem il-Missier".[43]

671; 2818
675
1045

[37] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 4.
[38] *Ibid*., 5.
[39] *Ibid*., 48.
[40] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 18, 51, 2: PL 41, 614: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 528-529; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.
[41] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 6.
[42] *Ibid*., 5.
[43] *Ibid*., 2.

III. Il-misteru tal-Knisja

770 Il-Knisja tagħmel parti mill-istorja tad-dinja, iżda fl-istess waqt hi 'l fuq minnha. Hu biss "bl-għajnejn tal-fidi"[44] li nistgħu fl-istess waqt naraw fir-realtà li tidher tagħha, realtà spiritwali li ġġib magħha l-ħajja divina.

812

Il-Knisja: viżibbli u spiritwali fl-istess ħin

771 "Kristu, il-medjatur waħdieni, waqqaf u dejjem iżomm hawn fuq l-art il-Knisja Mqaddsa tiegħu: komunità ta' fidi, tama u mħabba, bħala organizzazzjoni li tidher, u biha jxerred fost kulħadd il-verità u l-grazzja".[45] Il-Knisja hi fl-istess waqt:

827

— soċjetà mfassla b'organizzazzjoni ġerarkika u l-Ġisem mistiku ta' Kristu;
— ġemgħa li tidher u komunità spiritwali;
— Knisja fid-dinja u Knisja mżejna b'doni tas-sema.

1880
954

Dawn id-dimensjonijiet flimkien jagħmlu "realtà waħda komplessa, magħmula minn element uman u element divin."[46]

> Hu min-natura stess tal-Knisja li tkun fl-istess waqt umana u divina, tkun tidher iżda mżejna bi kwalitajiet li ma jidhrux, kollha ħeġġa fil-ħidma u mogħtija għall-kontemplazzjoni, preżenti f'din id-dinja iżda miexja lejn oħra, hekk li kulma għandha li hu tal-bniedem, irid iwassal għal kulma għandha li hu ta' Alla u joqgħod għalih, kulma jidher irid joqgħod għal dak li ma jidhirx, kull ħidma

[44] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 10, 20.
[45] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.
[46] *Ibid.*

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 306-307 5/16/2014 11:17:31 AM

> trid twassal għall-kontemplazzjoni u toqgħod għaliha, kulma hu ta' issa jrid iwassal għall-belt li għad trid tiġi u li qegħdin issa nfittxu.[47]
>
> X'umiltà! X'sublimità! Għarix ta' Kedar u santwarju ta' Alla, għamara ta' l-art u salib tas-sema, dar tat-tajn u palazz tas-sultan, ġisem li jmut u tempju tad-dawl, stmerrija tal-imkabbrin u għarusa ta' Kristu! Samranija, imma sbejħa bint Ġerusalemm; għalkemm bi sfura, wiċċha minħabba t-taħbit u niket ta' eżilju twil, hi mżejna bi ġmiel tas-sema.[48]

Il-Knisja: misteru tal-Għaqda tal-bnedmin ma' Alla

772 Hu fil-Knisja li Kristu jtemm u juri l-misteru tiegħu
518 bħala l-għan tal-pjan ta' Alla li jinġabar kollox fih (ara *Ef* 1,10). San Pawl isejjaħ misteru kbir (ara *Ef* 5,32) l-għerusija
796 ta' Kristu u l-Knisja: għax il-Knisja ngħaqdet ma' Kristu bħala l-Għarus tagħha (ara *Ef* 5,25-27), il-Knisja ssir hi wkoll misteru (ara *Ef* 3,9-11). San Pawl huwa u jikkontempla fil-Knisja, il-misteru ta' Kristu, jikteb: "Kristu fikom, it-tama tal-glorja tagħkom" (*Kol* 1,27).

773 Fil-Knisja, din l-għaqda tal-bnedmin ma' Alla permezz tal-"imħabba [li] ma tintemm qatt" (*1 Kor* 13,8), hu l-għan li lejh jimmira dak kollu li fiha hu mezz sagramentali,
671 marbut mad-dinja li tgħaddi.[49] "L-istruttura tal-Knisja hi kollha kemm hi magħmula biex tagħti l-qdusija lill-membri ta' Kristu. U l-qdusija titqies fid-dawl tal-misteru kbir li fih l-għarusa twieġeb bid-don tal-imħabba għad-don li jagħtiha

[47] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 2.

[48] San Bernard ta' Clairvaux, *Omelija dwar il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet* 27, 7, 14: PL 183, 920D.

[49] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48.

l-Għarus".[50] Marija tgħaddina lkoll fil-qdusija, li hi l-misteru 972
tal-Knisja bħala għarusa "bla tebgħa [u] bla tikmix" (*Ef* 5,27). Hu għalhekk li d-dimensjoni Marjana tal-Knisja tiġi qabel id-dimensjoni Petrina".[51]

Il-Knisja: Sagrament universali ta' salvazzjoni

774 Il-kelma Griega *mysterion* bil-Latin ġiet maqluba għal żewġ
kelmiet *mysterium* u *sacramentum*. Aktar tard, il-kelma *sacramentum* bdiet 1075
tfisser sinjal li jidher tar-realtà moħbija tas-salvazzjoni, realtà li ssejħet "mysterium". F'dan is-sens, Kristu nnifsu hu l-misteru tas-salvazzjoni "għax ma hemmx misteru ieħor ta' Alla, jekk mhux Kristu".[52] Il-ħidma għas-salvazzjoni tal-umanità qaddisa ta' Kristu li tqaddes hi s-sagrament
tas-salvazzjoni li juri ruħu u jaħdem fis-sagramenti tal-Knisja (li Knejjes 515
tal-Lvant isejħulhom ukoll "il-misteri qaddisa"). Is-seba' sagramenti huma 2014
s-sinjali u l-istrumenti li bihom l-Ispirtu s-Santu jxerred il-grazzja ta' Kristu,
li hu r-Ras, fil-Knisja li hi l-Ġisem tiegħu. Il-Knisja, mela, fiha l-grazzja 1116
inviżibbli u tqassam din il-grazzja li hi tfisser. Hu f'dan is-sens analoġiku li l-Knisja tissejjaħ "sagrament".

775 "Il-Knisja, fi Kristu, hi sura ta' sagrament għax fl-istess waqt hi sinjal u strument tal-għaqda intima ma' Alla u tal-għaqda flimkien tal-ġens kollu tal-bnedmin".[53] Tkun sagrament tal-*għaqda intima tal-bnedmin ma' Alla*: dan hu l-ewwel għan tal-Knisja. Għaliex l-għaqda tal-bnedmin bejniethom għandha l-għeruq tagħha fl-għaqda ma' Alla, il-Knisja hi wkoll sagrament tal-*għaqda flimkien tal-ġens* 360
kollu tal-bnedmin. Fil-Knisja, din l-għaqda ġa bdiet isseħħ, għaliex hi ġabret il-bnedmin "minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien" (*Apok* 7,9); fl-istess waqt il-Knisja hi "sinjal

[50] San Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Mulieris dignitatem* (1988), 27.

[51] *Ibid*.

[52] Santu Wistin, *Ittra* 187, 11, 34: PL 33, 845: "Non est enim aliud Dei mysterium nisi Christus".

[53] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 1.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 308-309 5/16/2014 11:17:31 AM

u sagrament" tas-sħuħija perfetta ta' din l-għaqda li għad trid isseħħ.

1088 776 Bħala sagrament, il-Knisja hi strument ta' Kristu. "F'idejh hi strument ta' Fidwa għall-bnedmin kollha",[54] "is-sagrament universali ta' salvazzjoni"[55] li bih Kristu "juri u jagħmel li sseħħ l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin".[56] Hi "il-proġett li jidher tal-imħabba ta' Alla għall-ġens kollu tal-bnedmin",[57] li jrid "li l-ġens tal-bnedmin, kollu kemm hu, ikun il-poplu wieħed ta' Alla, miġbur fil-Ġisem wieħed ta' Kristu, mibni f'tempju wieħed tal-Ispirtu s-Santu".[58]

Fil-qosor

777 *Il-kelma "Knisja" tfisser "ġemgħa": hi l-ġemgħa ta' dawk li l-Kelma ta' Alla sejħet biex jagħmlu l-Poplu ta' Alla, li, għax jieklu l-Ġisem ta' Kristu, huma stess isiru Ġisem ta' Kristu.*

778 *Il-Knisja hi fl-istess waqt it-triq u l-għan tal-pjan ta' Alla, imħabbra fil-ħolqien, imħejjija fi żmien il-Patt il-Qadim, imwaqqfa bil-kliem u l-għemil ta' Ġesù Kristu, imwettqa fuq is-salib tiegħu tal-fidwa u bil-Qawmien tiegħu mill-imwiet, u ntweriet bħala misteru ta' salvazzjoni bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu. Tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fis-sema bħala l-ġemgħa tal-mifdijin kollha tal-art* (*ara Apok* 14,4).

[54] *Ibid*., 9.
[55] *Ibid*., 48.
[56] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 45.
[57] Pawlu VI, Diskors lill-Kulleġġ tal-Kardinali (22 ta' Ġunju 1973).
[58] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 7; ara Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 17.

779 *Il-Knisja hi fl-istess ħin viżibbli u spiritwali, soċjetà ġerarkika u Ġisem mistiku ta' Kristu. Hi waħda, b'żewġ elementi, uman u divin. F'dan jikkonsisti l-misteru tal-Knisja, li l-fidi biss tista' taċċetta.*

780 *Il-Knisja f'din id-dinja hi sagrament ta' salvazzjoni, sinjal u strument tal-għaqda ta' Alla mal-bnedmin.*

It-tieni paragrafu

IL-KNISJA: POPLU TA' ALLA, ĠISEM TA' KRISTU, TEMPJU TAL-ISPIRTU S-SANTU

I. Il-Knisja: Poplu ta' Alla

781 "F'kull żmien u f'kull nazzjon, Alla jilqa' 'l kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa. Iżda lil Alla għoġbu jqaddes u jsalva l-bnedmin, mhux wieħed wieħed, bla ebda rabta bejniethom, imma ried jagħmilhom poplu li jagħrfu fil-verità u jaqdih bil-qdusija. Għalhekk għażel il-ġens ta' Iżrael biex ikun il-poplu tiegħu u għamel miegħu patt u għallmu bil-mod il-mod ... Iżda dan kollu ma kienx ħlief tħejjija u xbieha tal-Patt Ġdid u perfett li kellu jsir bi Kristu, ... hu l-Patt il-Ġdid f'demmu li jsejjaħ poplu, magħmul minn Lhud u minn ġnus, ħa jinġema' f'għaqda mhux skont il-ġisem imma skont l-Ispirtu.[59]

[59] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 9.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 310-311 5/16/2014 11:17:31 AM

Il-karatteristiċi tal-Poplu ta' Alla

871 782 Il-Poplu ta' Alla għandu ċerti karatteristiċi li jagħżluh sewwa minn kull grupp ieħor reliġjuż, etniku, politiku u kulturali li nsibu fil-ġrajja tal-bniedem:

2787 — Hu l-Poplu *ta' Alla*. Alla propjament ma hu ta' ebda poplu. Iżda kiseb għalih poplu minn dawk li qabel ma kinux poplu: "ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis" (*1 Piet* 2,9).

1267 — Wieħed isir *membru* ta' dan il-poplu mhux bi twelid skont il-ġisem, imma bi twelid mill-ġdid, "mill-ilma u l-Ispirtu" (*Ġw* 3,3-5) jiġifieri bil-fidi fi Kristu u bil-Magħmudija.

695 — Dan il-Poplu għandu bħala *Kap* (Ras) lil Ġesù Kristu (il-Midluk, il-Messija): għax l-istess Dilka, l-Ispirtu s-Santu, tgħaddi mir-Ras għall-Ġisem, hu "il-Poplu Messjaniku".

1741 — Il-*kundizzjoni* ta' dan il-Poplu hi d-dinjità u l-ħelsien ta' wlied Alla: fi qlubhom jgħammar l-Ispirtu s-Santu qisu f'tempju.

1972 — Il-*Liġi* ta' dan il-Poplu hi l-kmandament ġdid li nħobbu bħalma ħabbna Kristu stess (ara *Ġw* 13,34). Hi l-liġi "ġdida" tal-Ispirtu s-Santu (ara *Rum* 8,2; *Gal* 5,25).

849 — Il-*missjoni* ta' dan il-Poplu hi li jkun melħ tal-art u dawl għad-dinja (ara *Mt* 5,13-16). "Hu, għall-ġens kollu tal-bnedmin, iż-żerriegħa l-aktar b'saħħitha ta' għaqda, ta' tama u ta' salvazzjoni".

769 — Id-*destin* ta' dan il-Poplu fl-aħħar nett hu s-Saltna ta' Alla, li nbdiet fuq l-art minn Alla stess, saltna li

trid dejjem aktar tikber, sakemm fl-aħħar taż-żmien, tikseb il-kobor sħiħ tagħha minn Alla stess.[60]

Poplu saċerdotali, profetiku u regali

783 Ġesù Kristu hu dak li l-Missier dilek bl-Ispirtu s-Santu u għamlu "Qassis, Profeta u Sultan". Il-poplu ta' Alla kollu 436
kemm hu għandu sehem f'dawn it-tliet uffiċċji ta' Kristu, u huwa mgħobbi bir-responsabiltajiet tal-missjoni u tal-qadi li 873
joħorġu minnhom.[61]

784 Min jissieħeb fil-Poplu ta' Alla permezz tal-fidi u l-Magħmudija, jingħatalu sehem fis-sejħa waħdanija ta' dan 1268
il-Poplu: is-sejħa *saċerdotali* : "Kristu l-Mulej, il-Qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, għamel mill-Poplu ġdid 'saltna u qassisin għal Alla Missieru'. L-imgħammdin bit-twelid ġdid tagħhom u d-dilka tal-Ispirtu s-Santu, jiġu *kkonsagrati* ħa 1546
jinbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis".[62]

785 "Il-Poplu qaddis ta' Alla għandu wkoll sehem fl-uffiċċju *profetiku* ta' Kristu". Il-Poplu ta' Alla hu poplu profetiku l-aktar permezz tas-sens sopranaturali tal-fidi, 92
sens li hu propju tal-Poplu kollu kemm hu, lajċi u ġerarkija, meta "jintrabat bis-sħiħ bla ma jonqos qatt ma' dik il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin",[63] jifhimha aktar fil-fond u jsir xhieda ta' Kristu f'nofs din id-dinja.

786 Il-Poplu għandu fl-aħħar nett sehem fl-uffiċċju *regali*

[60] *Ibid*., 9.
[61] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptor hominis* (1979), 18-21.
[62] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 10.
[63] *Ibid*., 12.

ta' Kristu. Kristu jaqdi l-uffiċċju tiegħu ta' Sultan billi jiġbed lejh il-bnedmin kollha bil-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet (ara *Ġw* 12,32). Kristu, Sultan u Sid l-univers kollu, sar il-qaddej ta' kulħadd, għax "ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (*Mt* 20,28). Għan-Nisrani, "issaltan tfisser taqdi"[64] lil Kristu, b'mod partikulari, "fil-foqra u fl-imġarrbin li fihom il-Knisja tara x-xbieha tal-Fundatur tagħha fqir u mġarrab".[65] Il-Poplu ta' Alla jikseb "id-dinjità regali tiegħu" billi jgħix skont is-sejħa tiegħu li jaqdi flimkien ma' Kristu.

> Lil dawk li twieldu mill-ġdid fi Kristu, is-sinjal tas-salib jagħmilhom slaten, id-dilka tal-Ispirtu s-Santu tikkonsagrahom bħala qassisin, (iżda mhux għall-qadi partikulari tal-ministeru tagħna li hawn qed inħalluh fil-ġenb) biex l-Insara kollha li għandhom kariżma spiritwali, huma u jużaw ir-raġuni tagħhom, jagħrfu li huma membri ta' dan il-ġens regali u għandhom sehem fl-uffiċċju saċerdotali. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar x'hemm aktar regali għar-ruħ milli tmexxi l-ġisem ħa joqgħod għal Alla? U x'hemm aktar saċerdotali milli toffri lill-Mulej kuxjenza safja u toffri fuq l-artal ta' qalbek il-vittmi bla tebgħa tat-tjieba tiegħek?[66]

II. Il-Knisja: Ġisem ta' Kristu

Il-Knisja hi f'għaqda ma' Ġesù

787 Sa mill-bidu, Ġesù sieħeb id-dixxipli tiegħu ma' ħajtu (ara *Mk* 1,16-20; 3,13-19): irrivelalhom il-Misteru tas-Saltna (ara *Mt* 13,10-17); tahom sehem fil-missjoni tiegħu, fil-ferħ tiegħu (ara *Lq* 10,17-20) u fit-tbatijiet tiegħu (ara *Lq* 22,28-30). Ġesù jitkellem ukoll dwar għaqda aktar intima bejnu u bejn dawk li jmorru warajh: "Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom ... Jiena d-dielja, intom il-friegħi" (*Ġw* 15,4-5). Iħabbar ukoll għaqda misterjuża u reali, bejn il-Ġisem tiegħu u l-ġisem tagħna: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih" (*Ġw* 6,56).

788 Meta mbagħad Ġesù ttieħed minn mad-dixxipli, ma ħallihomx iltiema (ara *Ġw* 14,18). Wegħedhom li se jibqa' magħhom sal-aħħar taż-żmien (ara *Mt* 28,20). Bagħtilhom l-Ispirtu tiegħu (ara *Ġw* 20,22; *Atti* 2,33). L-għaqda ma' Ġesù saret, b'xi mod, aktar qawwija. "Huwa u jagħti l-Ispirtu tiegħu lil ħutu, li ġabar minn fost il-ġnus kollha, għamilhom mistikament bħall-Ġisem tiegħu".[67]

789 It-tqabbil tal-Knisja mal-ġisem jagħti dawl lir-rabta intima bejn il-Knisja u Kristu. Il-Knisja mhux biss miġbura *madwaru*, imma hi wkoll magħquda *miegħu* f'Ġismu. Hemm tliet aspetti fil-Knisja, Ġisem ta' Kristu, li ta' min jitkellem dwarhom, b'mod speċifiku: l-għaqda tal-membri kollha bejniethom permezz tal-għaqda tagħhom fi Kristu; Kristu Ras tal-Ġisem tiegħu; il-Knisja, l-Għarusa ta' Kristu.

"Ġisem wieħed"

790 Min jemmen u jwieġeb għall-Kelma ta' Alla jsir membru tal-Ġisem ta' Kristu: "F'dan il-Ġisem il-ħajja ta' Kristu tinxtered f'dawk li jemmnu, li, permezz tas-sagramenti, b'mod veru u misterjuż, jingħaqdu ma' Kristu jbati u gglorifikat".[68] Dan hu veru b'mod partikulari għall-Magħmudija li biha aħna ningħaqdu mal-Mewt u l-Qawmien

[64] *Ibid*., 36.
[65] *Ibid*., 8.
[66] San Ljun il-Kbir, *Omelija* 4, 1: PL 54, 149.
[67] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 7.
[68] *Ibid.*

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 314-315 5/16/2014 11:17:32 AM

ta' Kristu mill-imwiet (ara *Rum* 6,4-5; *1 Kor* 12,13), u għall-
1329 Ewkaristija, li biha, "aħna u nieħdu tassew sehem mill-Ġisem ta' Kristu ... nintrefgħu għall-għaqda miegħu u bejnietna".[69]

791 Għalkemm aħna ġisem wieħed, nibqgħu ħafna
814 membri. "Fil-bini tal-Ġisem ta' Kristu hemm ħafna membri u
1937 ħafna ministeri. Wieħed hu l-Ispirtu li jqassam varjetà ta' doni għall-ġid tal-Knisja skont l-għana u l-ħtiġijiet tal-qadi tagħha". L-għaqda tal-Ġisem mistiku ġġib u tqanqal l-imħabba fost il-fidili. "Hekk, jekk membru jbati, ibatu miegħu l-membri kollha, jekk membru jingħata ġieħ, jifirħu miegħu l-membri kollha".[70] Fl-aħħar nett, l-għaqda tal-Ġisem mistiku ġġib rebħa sħiħa fuq il-firdiet kollha tal-bnedmin: "Intom, li intom mgħammdin fi Kristu, ilbistu 'l Kristu. Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (*Gal* 3,27-28).

"Ta' dan il-Ġisem, Kristu hu r-Ras"

669 792 Kristu "hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja" (*Kol* 1,18). Hu l-bidu tal-ħolqien u tal-Fidwa. Imtella' fil-glorja tal-Missier
1119 "hu l-ewwel f'kollox" (*Kol* 1,18), u l-iktar fil-Knisja li biha jwassal is-saltna tiegħu fuq kollox.

793 *Iseħibna fil-misteru tal-Għid tiegħu.* Il-membri kollha
661 jridu jħabirku biex ikunu jixbhuh "sakemm Kristu jissawwar
519 fihom" (*Gal* 4,19). "Għalhekk ġejna mdaħħlin fil-misteri ta' ħajtu. . . mseħbin fit-tbatijiet tiegħu, bħalma l-ġisem mar-Ras, ningħaqdu fit-tbatijiet tiegħu ħa niġu gglorifikati miegħu".[71]

[69] *Ibid*.
[70] *Ibid*.
[71] *Ibid*.

794 *Iġib 'il quddiem it-tisħiħ tagħna* (ara *Kol* 2,19). Biex 872
nikbru fih, ir-Ras tagħna (ara *Ef* 4,11-16), Kristu ħejja, fil-Ġisem tiegħu, il-Knisja, id-doni u l-ministeri li bihom ngħinu 'l xulxin fit-triq tas-salvazzjoni.

795 Kristu u l-Knisja jagħmlu *"Kristu sħiħ"* ["Christus 695
totus"]: il-Knisja hi ħaġa waħda ma' Kristu. Il-qaddisin jafu tajjeb din l-għaqda.

> Nifirħu u nroddu ħajr għal dak li sirna, mhux biss li sirna Nsara, imma li sirna Kristu nnifsu. Tifhmu, ħuti, xi grazzja tana Alla, meta tana 'l Kristu bħala Ras? Ammiraw u ifirħu: aħna sirna Kristu. La hu r-Ras u aħna l-membri tiegħu, il-bniedem sħiħ hu aħna u hu … Kristu sħiħ mela hu r-Ras u l-membri: x'jiġifieri r-Ras u l-membri? Kristu u l-Knisja.[72]
>
> Il-Feddej tagħna, wera ruħu bħala wieħed u l-istess persuna bħalma hi l-Knisja li magħha ntrabat.[73]
>
> Ir-Ras u l-membri qishom persuna waħda mistika.[74] 1474
>
> Fraži li S. Ġovanna d'Arco qalet lill-imħallfin tagħha, tiġbor fiha l-fidi tad-Dutturi qaddisa u s-sentimenti tajba ta' min jemmen: "Dwar Ġesù Kristu u l-Knisja jidhirli li flimkien jagħmlu ħaġa waħda u fuq dan m'hemmx għalfejn tinħoloq xi diffikultà".[75]

Il-Knisja hi l-għarusa ta' Kristu

796 L-għaqda ta' Kristu u l-Knisja, l-għaqda tar-Ras

[72] Santu Wistin, *Trattat dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*, 21, 8: PL 35, 1568.
[73] San Girgor il-Kbir, *Kotba tal-Morali dwar Ġob*, Daħla, 6, 14: PL 75, 525A: "Redemptor noster unam se personam cum sancta Ecclesia, quam assumpsit, exhibuit".
[74] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* III, 48, 2, 1: "Caput et membra quasi una persona mystica".
[75] Mill-kliem ta' Santa Ġovanna d'Arco, waqt il-proċess li wassal għall-kundanna tagħha.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 316-317 5/16/2014 11:17:32 AM

u l-membri tal-Ġisem, turi wkoll distinzjoni bejniethom f'dawk li huma r-relazzjonijiet personali ma' xulxin. Dan
757 l-aspett hu spiss imfisser bix-xbieha tal-għarus u l-għarusa.
219 Ix-xbieha ta' Kristu, għarus tal-Knisja, tħejjiet mill-profeti u tħabbret minn Ġwanni l-Battista (ara *Ġw* 3,29). Il-Mulej innifsu sejjaħ lilu nnifsu "l-Għarus" *(Mk* 2,19; ara *Mt* 22,1-14; 25,1-13). L-Appostlu jxebbah il-Knisja u kull fidil, membru
772 tal-Ġisem ta' Kristu, ma' Għarusa "mgħarrsa" mal-Mulej Ġesù, biex miegħu tkun ruħ waħda (ara *1 Kor* 6,15-17; *2*
1602 *Kor* 11,2). Il-Knisja hi l-Għarusa bla tebgħa tal-Ħaruf bla tebgħa (ara *Apok* 22,17; *Ef* 1,4; 5,27*)*, li Kristu ħabb u ta
1616 ħajtu għaliha "biex iqaddisha" (*Ef* 5,26) u seħibha miegħu b'Patt għal dejjem, u ma jieqaf qatt jieħu ħsiebha bħala Ġismu stess (ara *Ef* 5,29).

> Araw il-Kristu sħiħ, ras u ġisem, wieħed magħmul minn ħafna ... Kemm jekk titkellem ir-Ras, u kemm jekk il-membri, hu Kristu li jkun jitkellem. Jitkellem kemm bħala r-Ras ("ex persona capitis") u kemm bħala l-ġisem ("ex persona corporis"). X'ifisser dan?: "u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!" (*Ef* 5,31-32). U l-Mulej fl-Evanġelju jgħid: "Mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed" (*Mt* 19,6). Kif rajtu, hemm żewġ persuni differenti, u madankollu, it-tnejn huma ġisem wieħed fir-rabta taż-żwieġ ... *Bħala ras isejjaħ lilu nnifsu "għarus", u bħala ġisem isejjaħ lilu nnifsu "għarusa"*.[76]

III. Il-Knisja: It-Tempju tal-Ispirtu s-Santu

813 797 "Dak li hu l-ispirtu tagħna, jiġifieri ruħna, hu għall-membri ta' ġisimna; l-Ispirtu s-Santu hu għall-

[76] Santu Wistin, *Taħdita dwar Salm* 74, 4: PL 37, 948-949.

membri ta' Kristu, għall-Ġisem ta' Kristu, li hu l-Knisja".[77] "Hu l-Ispirtu ta' Kristu, qisu prinċipju moħbi, li jorbot flimkien il-membri kollha tal-Ġisem, kemm bejniethom u kemm mar-Ras tagħhom, għax jinsab kollu kemm hu fir-Ras, kollu kemm hu fil-Ġisem, kollu kemm hu f'kull wieħed mill-membri tiegħu".[78] L-Ispirtu s-Santu jagħmel il-Knisja "it-tempju ta' Alla l-ħaj" (*2 Kor* 6,16; ara *1 Kor* 3,16-17; *Ef* 586
2,21).

> Lill-Knisja stess ġie fdat id-Don ta' Alla ... Fiha qiegħda l-għaqda ma' Kristu, jiġifieri l-Ispirtu s-Santu, rahan tan-nuqqas ta' taħsir, twettiq tal-fidi tagħna, sellum biex nitilgħu fis-sema ... għax fejn hemm l-Ispirtu ta' Alla hemm il-Knisja; fejn hemm il-Knisja, hemm il-grazzja kollha.[79]

798 L-Ispirtu s-Santu hu "il-Bidu ta' kull ħidma ħajja 737
li tassew twassal għas-salvazzjoni f'kull wieħed mill- 1091-1109
membri tal-Ġisem".[80] B'ħafna manjieri jibni l-Ġisem kollu fl-imħabba (ara *Ef* 4,16): bil-Kelma ta' Alla "li għandha l-qawwa li tibnikom" (*Atti* 20,32); bil-Magħmudija li biha (l-Ispirtu) jissawwar il-Ġisem ta' Kristu (ara *1 Kor* 12,13); bis-sagramenti, li jagħtu tisħiħ u fejqan lill-membri ta' Kristu, "permezz tal-grazzja li ngħatat lill-Appostli, li hi l-ewwel fost id-doni tiegħu"[81]; bil-virtujiet li jġegħluna nagħmlu dak li hu tajjeb; u fl-aħħar nett bil-ħafna grazzji speċjali, imsejħa "kariżmi" li "bihom 791
jagħmel il-fidili kapaċi u lesti biex jidħlu għal kull xorta ta'

[77] Santu Wistin, *Omelija* 268, 2: PL 38, 1232: "Quod est spiritus noster, id est anima nostra, ad membra nostra; hoc Spiritus Sanctus ad membra Christi, ad corpus Christi, quod est Ecclesia".

[78] Piju XII, Enċiklika *Mystici Corporis* (1943): DS 3808.

[79] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji,* 3, 24, 1: PG 7, 966.

[80] Piju XII, Enċiklika *Mystici Corporis* (1943): DS 3808.

[81] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 7.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 318-319 5/16/2014 11:17:32 AM

ħidmiet u ta' ministeri, li jiswew għat-tiġdid u għall-kobor tal-Knisja".[82]

Il-kariżmi

951; 2003 799 Il-kariżmi, kemm dawk straordinarji u kemm dawk sempliċi u ċkejknin, huma grazzji tal-Ispirtu s-Santu li, direttament jew indirettament, huma ta' siwi għall-Knisja, għax jingħataw għall-bini tal-Knisja, għall-ġid tal-bnedmin, u għall-ħtiġijiet tad-dinja.

800 Il-kariżmi għandhom jiġu milqugħin b'radd ta' ħajr mhux biss minn min jirċevihom, imma mill-membri kollha tal-Knisja. Huma għana tassew tal-għaġeb tal-grazzja għall-ħajja tal-appostolat u għall-qdusija tal-Ġisem kollu ta' Kristu, basta jkunu doni li ġejjin tassew mill-Ispirtu s-Santu, u jintużaw dejjem skont ma jkun qiegħed verament inebbaħ l-istess Spirtu, jiġifieri skont l-imħabba li hu l-qies veru tal-kariżmi (*1 Kor* 13).

801 Hu f'dan is-sens li dejjem jeħtieġ li jkun hemm
894 dixxerniment u għażla dwar il-kariżmi. L-ebda kariżma ma tneħħi l-obbligu li wieħed iħares lejn r-Rgħajja tal-Knisja "li hi kompetenza tagħhom, mhux li jxekkel l-Ispirtu, imma li jippruvaw kollox u t-tajjeb iżommuh"[83] biex il-kariżmi kollha flimkien, bid-diversità u l-komplimentarjetà tagħhom,
1905 jaħdmu "għall-ġid ta' kulħadd" (*1 Kor* 12,7).[84]

[82] *Ibid*., 12. Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 3.

[83] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 7.

[84] Ara *ibid*., 30; San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles laici* (1988), 24.

Fil-qosor

802 *Kristu "ta lilu nnifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jnaddafna u jagħmel minna poplu magħżul għalih"* (*Titu* 2,14).

803 *"Intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih"* (*1 Piet* 2,9).

804 *Wieħed jingħaqad mal-Poplu ta' Alla bil-fidi u bil-Magħmudija. "Il-bnedmin kollha huma msejħin biex jingħaqdu mal-Poplu l-ġdid ta' Alla"[85] biex, fi Kristu, "il-bnedmin ikunu familja waħda u l-Poplu wieħed ta' Alla".[86]*

805 *Il-Knisja hi l-Ġisem ta' Kristu. Permezz tal-Ispirtu u l-ħidma tiegħu fis-sagramenti u l-aktar fl-Ewkaristija, Kristu, mejjet u rxoxt, jagħmel Ġisem tiegħu x-xirka ta' dawk li jemmnu.*

806 *Fil-Ġisem wieħed hemm ħafna membri u ministeri. Il-membri kollha huma marbutin ma' xulxin, b'mod partikulari ma' dawk li qed ibatu u li huma foqra u ppersegwitati.*

807 *Il-Knisja hi l-Ġisem li tiegħu Kristu hu r-Ras: hi tgħix bih, fih u għalih. Hu jgħix magħha u fiha.*

808 *Il-Knisja hi l-Għarusa ta' Kristu: Hu ħabbha u ta lilu nnifsu għaliha. Saffieha b'demmu. Għamilha omm li tnissel l-ulied kollha ta' Alla.*

[85] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 13.

[86] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 1.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 320-321 5/16/2014 11:17:32 AM

809 *Il-Knisja hi t-Tempju tal-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu hu bħar-ruħ tal-Ġisem mistiku, l-għajn ta' ħajjitha, tal-għaqda flimkien tal-ħafna membri tagħha, u tal-għana tad-doni u l-kariżmi tagħha.*

810 *Hekk il-Knisja universali tidher bħala "Poplu miġbur fl-għaqda tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu".*[87]

It-tielet paragrafu

IL-KNISJA HI WAĦDA, QADDISA, KATTOLIKA U APPOSTOLIKA

750 811 "Din hi l-Knisja waħda ta' Kristu, li fil-Kredu nistqarru li hi waħda, qaddisa, kattolika u appostolika".[88] Dawn l-erba' attributi tal-Knisja, marbutin b'rabta bejniethom li ma tiġi nieqsa qatt,[89] juru l-karatteristiċi essenzjali tal-Knisja u tal-missjoni tagħha. Dawn l-attributi mhumiex tal-Knisja minnha nnifisha; imma kien Kristu, permezz tal-Ispirtu s-Santu, li
832; 865 għamel il-Knisja waħda, qaddisa, kattolika u appostolika, u hu wkoll isejħilha biex tara li jseħħu dawn l-attributi tagħha.

812 Il-fidi biss tista' tara li dawn il-kwalitajiet tal-Knisja ġewha mingħand Alla. Dawn il-kwalitajiet kif jidhru fl-istorja
156; 770 tal-Knisja huma wkoll sinjali ċari ħafna li jkellmu r-raġuni tal-bniedem. "Il-Knisja", ifakkarna l-Konċilju Vatikan I,

[87] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 4. Ara San Ċiprijanu, *Trattat dwar it-Talba ta' Sidna*, 23: PL 4, 553.

[88] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.

[89] Ara Sant'Uffizzju, *Ittra lill-Isqfijiet tal-Ingilterra* (16 ta' Settembru 1864): DS 2888.

"minħabba l-qdusija tagħha, minħabba l-għaqda Kattolika tagħha, minħabba l-istabiltà qatt mirbuħa tagħha, hi minnha nnifisha raġuni mill-aqwa u dejjiema ta' kredibiltà u prova li ma tista' titwaqqa' qatt tal-missjoni divina tagħha".[90]

I. Il-Knisja hi Waħda

"Il-misteru qaddis tal-għaqda tal-Knisja"[91]

813 *Il-Knisja hi waħda għax hekk hu l-bidu tagħha:* "L-oġħla mudell u l-prinċipju ta' dan il-misteru, hu l-misteru 172
tat-Tliet Persuni f'Alla wieħed, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu".[92] Il-Knisja hi waħda *għax hekk riedha l-Fundatur* 766
tagħha: "L-Iben ta' Alla magħmul bniedem bis-salib tiegħu ħabbeb mill-ġdid il-bnedmin kollha ma' Alla, waqqaf mill-ġdid l-għaqda tal-bnedmin kollha f'Poplu wieħed u f'ġisem wieħed".[93] Il-Knisja hi waħda *għax hekk hi mir-"ruħ" tagħha:* 797
"L-Ispirtu s-Santu li jgħammar f'dawk kollha li jemmnu u jimla u jmexxi l-Knisja kollha, iġib dik l-għaqda tal-għaġeb bejn il-fidili kollha, u jgħaqqad b'mod intimu lilhom kollha ma' Kristu, li minnu ġej li l-Knisja hi waħda".[94] Hu propju tal-essenza stess tal-Knisja li tkun waħda.

> X'misteru tal-għaġeb! Hemm Missier wieħed tal-univers kollu, Logos wieħed tal-univers, u Spirtu s-Santu wieħed ukoll,

[90] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 3: DS 3013.

[91] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 2.

[92] *Ibid*.

[93] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 78.

[94] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 2.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 322-323 5/16/2014 11:17:32 AM

f'kullimkien l-istess: hemm ukoll Verġni waħda li saret omm, u nħobb insejħilha Knisja.[95]

791; 873 814 Sa mill-bidu din il-Knisja waħda, turi ruħha fid-diversità kbira li ġejja, fl-istess ħin, mill-varjetà tad-doni ta' Alla u mill-għadd kbir ta' persuni li jirċevuhom. Fl-għaqda 1202 tal-poplu ta' Alla jinġabru għadd ta' popli u kulturi differenti. Fost il-membri tal-Knisja hemm diversità kbira ta' doni, ta' uffiċċji, ta' kundizzjonijiet u ta' suriet ta' ħajja, u "fi ħdan ix-832 xirka tal-Knisja, jeżistu leġittimament Knejjes partikulari li jgawdu t-tradizzjonijiet propji tagħhom".[96] Dan l-għana kollu ta' diversità mhuwiex kontra l-unità tal-Knisja. Iżda d-dnub u t-toqol tal-konsegwenzi tiegħu jheddu kontinwament id-don tal-għaqda. Għalhekk l-Appostlu stess iħeġġeġ biex inżommu "spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem" (*Ef* 4,3).

1827 815 Liema huma r-rabtiet li jġibu din l-għaqda? "Fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni" (*Kol* 3,14). Iżda l-għaqda tal-Knisja, fil-mixi tagħha f'din id-dinja, hi 830; 837 żgurata wkoll minn rabtiet jidhru ta' komunjoni:

173 — l-istqarrija ta' fidi waħda li ġejja mill-Appostli;

— iċ-ċelebrazzjoni komuni ta' kult divin, l-aktar tas-sagramenti;

— is-suċċessjoni Appostolika permezz tas-sagrament tal-Ordni, li żżomm l-għaqda bejn l-aħwa fil-familja ta' Alla.[97]

[95] Klement ta' Lixandra, *L-Għalliem*, 1, 6, 42: PG 8, 300.

[96] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 13.

[97] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 2; Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 14; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 205.

816 "Il-Knisja waħda ta' Kristu ... hi dik li l-Feddej tagħna, wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet, fdaha lil Pietru biex jirgħaha, u lill-Appostli l-oħra biex ixandruha u jmexxuha ... Din il-Knisja, bħala soċjetà kostitwita u organizzata, f'din id-dinja tinsab *(subsistit in)* fil-Knisja Kattolika mmexxija mis-suċċessur ta' Pietru u mill-Isqfijiet li huma f'għaqda miegħu".[98]

Id-Digriet dwar l-Ekumeniżmu tal-Konċilju Vatikan II dan ifissru hekk: "Biss permezz tal-Knisja Kattolika ta' Kristu, li hi l-mezz tas-salvazzjoni għal kulħadd, jistgħu jinkisbu l-mezzi kollha għas-salvazzjoni, għax aħna nemmnu li l-Mulej ried jafda lill-kulleġġ tal- 830 Appostli waħdu, li tiegħu San Pietru hu l-kap, il-ġid kollu tal-Patt il-Ġdid, biex fuq l-art jitwaqqaf il-Ġisem wieħed ta' Kristu li fih iridu jissieħbu dawk kollha li b'xi mod ġa jagħmlu sehem mill-Poplu ta' Alla".[99]

L-GĦAQDA MIĠRUĦA

817 Fil-fatt, "f'din il-Knisja waħda ta' Alla, sa mill-bidu dehru xi firdiet li l-Appostlu jikkundanna għax jistħoqqilhom li jiġu kkundannati; matul is-sekli ta' wara nibtu firdiet aktar kbar u komunitajiet mhux żgħar ta' Nsara nfirdu mix-xirka tal-Knisja Kattolika, xi kultant mhux mingħajr il-ħtija kemm ta' naħa u kemm tal-oħra".[100] Il-firdiet li ġabu ġrieħi fl-għaqda tal-Ġisem ta' Kristu (fi kliem ieħor, l-ereżija, l-apostasija u 2089 x-xiżma)[101] ma kinux ħielsa mid-dnubiet tal-bnedmin:

Fejn hemm id-dnub hemm issib it-tkattir tiegħu, hemm issib ix-xiżma, hemm issib l-ereżija, hemm issib il-ġlied. Għall-kuntrarju,

[98] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.

[99] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 3.

[100] *Ibid*., 3.

[101] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 751.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 324-325 5/16/2014 11:17:32 AM

fejn hemm il-virtù, hemm issib l-umiltà, issib l-għaqda, li tagħmel minn dawk kollha li jemmnu qalb waħda u ruħ waħda".[102]

818 Dawk li llum jitwieldu f'dawn il-komunitajiet li ħarġu minn dawn il-firdiet, u "li jgħixu l-fidi fi Kristu, ma jistgħux jiġu mixlija bid-dnub tal-firda, u l-Knisja Kattolika tirrispettahom bħal aħwa u turihom imħabba ... Iġġustifikati permezz tal-fidi li rċevew fil-Magħmudija, u magħqudin mal-
1271 Ġisem ta' Kristu, bir-raġun kollu jissejħu Nsara, u wlied il-Knisja Kattolika bid-dritt kollu jagħrfuhom bħala ħuthom fil-Mulej".[103]

819 Barra dan, "ħafna elementi ta' qdusija u ta' verità"[104] jinsabu barra l-limiti li jidhru tal-Knisja Kattolika: "il-kelma ta' Alla miktuba, il-ħajja tal-grazzja, il-fidi, it-tama u l-imħabba, doni oħra interjuri tal-Ispirtu s-Santu u elementi oħra li jidhru".[105] L-Ispirtu ta' Kristu jinqeda b'dawn il-Knejjes u b'dawn il-komunitajiet ekkleżjali bħala mezzi ta' salvazzjoni, li jiksbu l-qawwa tagħhom mill-milja tal-grazzja u tal-verità li Kristu ried jafda lill-Knisja Kattolika. Dan il-ġid kollu jiġi minn Kristu u jwassal għandu[106] u minnu nnifsu jitlob "l-unità Kattolika".[107]

[102] Oriġene, *Omelija* 9 *dwar il-Ktieb ta' Eżekjel*, 1: PG 13, 732: "Ubi peccata sunt, ibi est multitude, ibi schismata, ibi haereses, ibi discussions. Ubi autem virtus, ibi singularitas, ibi unio, ex quo omnium credentium erat cor unum et anima una".

[103] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 3.

[104] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.

[105] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio,* 3; ara Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964),15.

[106] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 3.

[107] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.

IT-TRIQ LEJN L-GĦAQDA

820 Kristu "ta l-għaqda lill-Knisja tiegħu sa mill-bidu. Aħna nemmnu li din l-għaqda tinsab b'mod li ma tista' qatt tiġi nieqsa fil-Knisja Kattolika u nittamaw li tkompli tikber minn jum għal ieħor sal-aħħar taż-żmien".[108] Kristu dejjem jagħti d-don tal-għaqda lill-Knisja tiegħu, iżda l-Knisja trid dejjem titlob u titħabat biex iżżommu, issaħħu, ħa tipperfezzjona l-għaqda li Kristu jrid li jkollha. Hu għal din l-għaqda li Kristu 2748 talab fis-siegħa tal-Passjoni tiegħu, u ma jieqaf qatt jitlob lill-Missier għall-għaqda fost id-dixxipli tiegħu": "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni" (*Ġw* 17,21). Ix-xenqa biex l-għaqda fost l-Insara kollha tinkiseb mill-ġdid hi don ta' Kristu u sejħa tal-Ispirtu s-Santu.[109]

821 Biex ikun hemm tweġiba xierqa għal dan, jeħtieġ:

— *tiġdid* li ma jaqtax tal-Knisja fil-fedeltà dejjem akbar lejn is-sejħa tagħha. Dan it-tiġdid hu l-qawwa tal-moviment lejn l-għaqda[110];

— *il-konverżjoni tal-qalb* "biex wieħed jgħix l-Evanġelju 827 b'mod aktar safi"[111] għaliex hu n-nuqqas ta' fedeltà għad-don ta' Kristu tal-membri tiegħu li joħloq il-firdiet;

— *it-talb flimkien,* għax "il-konverżjoni tal-qalb u 2791 l-qdusija tal-ħajja, flimkien mat-talb pubbliku u privat għall-għaqda tal-Insara, għandhom jitqiesu bħala

[108] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 4.

[109] Ara *ibid*., 1.

[110] *Ibid*., 6.

[111] Ara *ibid*., 7.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 326-327 5/16/2014 11:17:33 AM

r-ruħ tal-moviment ekumeniku kollu, u bid-dritt kollu jistgħu jissejħu ekumeniżmu spiritwali".[112]

— *l-għarfien ta' xulxin bħala aħwa*[113];

— *il-formazzjoni ekumenika* tal-Insara, speċjalment tas-saċerdoti[114];

— *id-djalogu* bejn it-teoloġi u l-laqgħat bejn l-Insara ta' Knejjes u komunitajiet differenti[115];

— *il-ħidma flimkien* tal-Insara fl-oqsma kollha tal-qadi lill-bnedmin.[116]

822 Il-ħerqa għall-għaqda "għandha tkun il-ħerqa tal-Knisja kollha, tal-fidili u tar-rgħajja".[117] Iżda wieħed għandu wkoll "jifhem li dan il-proġett qaddis, jiġifieri r-rikonċiljazzjoni tal-Insara kollha fl-għaqda tal-Knisja waħda ta' Kristu hu 'l fuq minn kull setgħa u kull ħila tal-bniedem". Hu għalhekk li nqiegħdu t-tamiet kollha tagħna "fit-talba ta' Kristu għall-Knisja tiegħu, fl-imħabba tal-Missier għalina, u fil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu".[118]

II. Il-Knisja hi Qaddisa

823 "Il-Knisja … għall-għajnejn tal-fidi hi qaddisa u bla tebgħa. Kristu, l-Iben ta' Alla, li flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu, hu "waħdu qaddis", ħabb lill-Knisja bħala l-għarusa

459 796

[112] *Ibid*., 8.
[113] Ara *ibid*., 9.
[114] *Ibid*.,10.
[115] Ara *ibid*., 4; 9; 11.
[116] *Ibid*., 12.
[117] *Ibid*., 5.
[118] *Ibid*., 24.

tiegħu, u ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha, u għaqqadha miegħu bħala Ġismu, u mlieha bid-don tal-Ispirtu s-Santu għall-glorja ta' Alla".[119] Il-Knisja mela hi "il-Poplu qaddis ta' Alla"[120] u l-membri tagħha jissejħu "qaddisin" (ara *Atti* 9,13; *1 Kor* 6,1; 16,1). 946

824 Il-Knisja, magħquda ma' Kristu, hi mqaddsa minnu; bih u fih hi tqaddes ukoll. "L-għemil kollu tal-Knisja għandu bħala għan il-qdusija tal-bnedmin fi Kristu u l-glorifikazzjoni ta' Alla".[121] Hi fil-Knisja li tinsab "il-milja tal-mezzi kollha tas-salvazzjoni".[122] Fiha "aħna niksbu l-qdusija bil-grazzja ta' Alla".[123] 816

825 "Il-Knisja fuq l-art hi mżejna bi qdusija vera, għalkemm mhux perfetta".[124] Fil-membri tagħha, il-qdusija perfetta għad trid tinkiseb. "Mogħnijin b'tant u tant mezzi ta' salvazzjoni, dawk kollha li jemmnu fi Kristu, ta' kull qagħda u kull kundizzjoni, kull wieħed skont is-sejħa tiegħu, huma msejħin għal dik il-perfezzjoni ta' qdusija li biha l-Missier innifsu hu perfett".[125] 670 2013

826 *L-imħabba* hi r-ruħ tal-qdusija li għaliha kulħadd hu msejjaħ. "L-imħabba tmexxi l-mezzi kollha tal-qdusija, tagħtihom is-sura tagħha, u twassalhom għall-għan tagħhom":[126] 1827 2658

[119] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 39.
[120] *Ibid*., 12.
[121] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 10.
[122] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 3.
[123] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48.
[124] *Ibid.*
[125] *Ibid*., 11.
[126] *Ibid*., 42.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 328-329 5/16/2014 11:17:33 AM

> "Fhimt li, jekk il-Knisja kellha ġisem magħmul minn membri diversi, dak l-aktar u l-aktar nobbli fost kollha ma setax ikunilha nieqes; fhimt li l-Knisja kellha Qalb, u din il-Qalb kienet taqbad bl-Imħabba. Fhimt li l-Imħabba biss kienet tħaddem il-membri tal-Knisja, u li, kieku l-Imħabba kellha tasal biex tintefa, l-Appostli ma kinux jibqgħu jxandru l-Evanġelju, il-Martri ma kinux jibqgħu lesti li jxerrdu demmhom ... Fhimt li l-Imħabba tiġbor fiha l-Vokazzjonijiet kollha, li l-Imħabba hija kollox, tħaddan iż-żminijiet kollha u l-imkejjen kollha ... F'kelma waħda, li hija Eterna! ..."[127]

827 "Waqt li Kristu hu qaddis, innoċenti, safi, li ma jafx x'inhu dnub, iżda ġie biex ipatti għad-dnubiet tal-poplu, il-Knisja li fi ħdanha *tħaddan il-midinbin* hi fl-istess ħin qaddisa imma trid dejjem tissaffa, billi bla heda tiġġedded u tagħmel penitenza".[128] Il-membri kollha tal-Knisja, il-ministri tagħha wkoll, iridu jagħrfu li huma midinbin (ara *1 Ġw* 1,8-10). F'kulħadd, is-sikrana tad-dnub hi mħallta mal-qamħ tajjeb tal-Evanġelju sal-aħħar taż-żminijiet (ara *Mt* 13,24-30). Il-Knisja għalhekk tiġbor flimkien lill-midinbin mifdija minn Kristu, iżda li għadhom dejjem mexjin fit-triq tal-qdusija.

> Il-Knisja hi għalhekk, qaddisa, minkejja li fi ħdanha hemm il-midinbin, għax hi stess ma għandhiex ħajja oħra ħlief il-ħajja tal-grazzja; il-membri tagħha jitqaddsu jekk jgħixu l-ħajja tagħha; meta jitbiegħdu mill-ħajja tagħha huma jaqgħu fid-dnub u fid-diżordni, li jfixklu milli tiddi l-qdusija. Hu għalhekk hi ssofri u tagħmel penitenza għal dawn il-ħtijiet, li minnhom hi għandha s-setgħa li tfejjaq 'l uliedha bid-demm ta' Kristu u bid-don tal-Ispirtu s-Santu.[129]

[127] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta' Ruħ.* It-Tieni Manuskritt (B) iddedikat lil Swor Marija tal-Qalb Imqaddsa, 3 (wara): *Santa Tereża tal-Bambin Ġesù Tgħallimna. Storja ta' Ruħ*, Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 1995, 252.

[128] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8; ara Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 3; 6.

[129] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 19.

828 Meta *tikkanonizza* xi fidili, jiġifieri meta tipproklama solennement li dawn il-fidili li ħarsu l-virtujiet kollha b'mod erojku u għexu b'fedeltà sħiħa l-grazzja ta' Alla, il-Knisja tkun tagħraf l-Ispirtu tal-qdusija li jinsab fiha u ssaħħaħ it-tama tal-Insara hija u tagħtihomlhom bħala eżempji għalihom u bħala dawk li jidhru għalihom quddiem Alla. "Il-qaddisin, irġiel u nisa, dejjem kienu l-għajn u l-bidu ta' tiġdid fil-mumenti l-aktar diffiċli tal-istorja tal-Knisja".[130] Fil-fatt, "il-qdusija hi l-għajn moħbija u l-qies eżatt tal-ħidma appostolika tagħha u tal-ħeġġa missjunarja tagħha".[131]

829 "Waqt li l-Knisja laħqet fil-Verġni mbierka l-perfezzjoni, li biha hi bla tebgħa u bla tikmixa, il-fidili għadhom jitħabtu biex jirbħu d-dnub u jikbru fil-qdusija, u għal dan l-iskop huma jgħollu għajnejhom lejn Marija";[132] fiha l-Knisja hi ġa kollha kemm hi qaddisa.

III. Il-Knisja hi Kattolika

X'JIĠIFIERI "KATTOLIKA"?

830 Il-kelma "kattolika" tfisser "universali", kemm fit-"totalità" u kemm fl-"integralità" tagħha. Il-Knisja hi kattolika f'dawn iż-żewġ sensi.

L-ewwel, hi kattolika għax Kristu jinsab fiha. "Fejn

[130] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles laici* (1988), 16.

[131] *Ibid*., 17.

[132] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 65.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 330-331 5/16/2014 11:17:33 AM

hemm Kristu Ġesù, hemm tinsab il-Knisja kattolika".[133] Fiha
795 hemm il-milja tal-Ġisem kollu ta' Kristu magħqud mar-Ras (ara *Ef* 1,22-23), u dan ifisser li mingħand Kristu tirċievi "il-
815-816 mezzi li jwasslu għas-salvazzjoni fil-milja kollha tagħhom"[134] li Kristu ried li jkollha jiġifieri l-istqarrija sħiħa u vera tal-fidi, ħajja sagramentali nieqsa minn xejn, u ministeru ordnat b'suċċessjoni appostolika. F'dan is-sens fundamentali, il-Knisja ġa kienet kattolika dakinhar ta' Għid il-Ħamsin, u hekk tibqa' sa jum il-Parusija, sa jum il-miġja tal-Mulej fil-glorja.

831 It-tieni, il-Knisja hi kattolika għaliex Kristu taha
849 l-missjoni li tmur għand il-ġnus kollha tal-bnedmin (ara *Mt* 28,19).

> Il-ġnus kollha huma msejħin ħa jkunu fil-Poplu ġdid ta' Alla. Għalhekk dan il-poplu li jibqa' dejjem wieħed hu biss, għandu jinxtered fid-dinja kollha matul iż-żminijiet, biex isseħħ ir-rieda ta'
360 Alla, li fil-bidu ħalaq natura waħda tal-bniedem, u jrid li fl-aħħar l-ulied kollha li kienu xterdu jinġabru flimkien ... Dan il-karattru ta' universalità, li jżejjen il-Poplu ta' Alla hu don tal-Mulej stess, don
518 li bih il-Knisja tfittex b'mod effikaċi li tagħti bidu ġdid lill-ġens kollu tal-bnedmin, bil-ġid kollu tiegħu, fi Kristu, ir-Ras, fl-għaqda mal-Ispirtu s-Santu.[135]

Kull Knisja partikulari hi "kattolika"

814 832 "Il-Knisja ta' Kristu verament tinsab fil-ġemgħat lokali leġittimi ta' dawk li jemmnu, u li kollha flimkien, magħqudin mar-Rgħajja tagħhom, fit-Testment il-Ġdid jissejħu wkoll Knejjes ... Fihom, il-fidili jinġabru bix-xandir tal-Evanġelju ta'

[133] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Smirna*, 8, 2.
[134] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 6.
[135] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 13.

Kristu, u jiġi ċċelebrat il-misteru tal-Ikla tal-Mulej ... F'dawn il-komunitajiet, li spiss huma żgħar u foqra, jew huma mxerrdin, jinsab Kristu li bis-setgħa tiegħu sseħħ il-Knisja 811 waħda, qaddisa, kattolika u appostolika".[136]

833 Il-fraži "Knisja partikolari", li fl-ewwel post hija d-djoċesi jew eparkija, tirreferi għall-komunità tal-fidili Nsara f'komunjoni ta' fidi u sagramenti flimkien mal-Isqof tagħhom ordnat fis-suċċessjoni appostolika.[137] Dawn il-Knejjes partikulari huma "xbieha tal-Knisja universali għax fihom u 886 bihom teżisti l-Knisja waħda kattolika".[138]

834 Il-Knejjes partikulari huma kollha kemm huma kattoliċi minħabba l-għaqda li għandhom ma' waħda fosthom: il-Knisja ta' Ruma "li tippresiedi fl-imħabba".[139] "Għaliex ma' 882; 1369 din il-Knisja, minħabba l-bidu aktar ta' ġieħ tagħha, jeħtieġ li tkun taqbel kull Knisja, jiġifieri l-fidili ta' kullimkien".[140] "Fil-fatt, mill-miġja fostna tal-Verb magħmul bniedem, il-Knejjes Insara kollha ta' kullimkien qiesu u għadhom iqisu li l-Knisja li tinsab hawn (f'Ruma) bħala pedament u fundament waħdieni, għaliex, skont il-wegħdiet magħmulin mill-Feddej, il-bibien tal-infern ma jegħlbuhiex".[141]

835 "Il-Knisja universali ma għandhiex titqies bħala t-total tal-Knejjes partikulari kollha magħdudin flimkien jew bħala federazzjoni tagħhom.

[136] *Ibid.*, 26.
[137] Konċilju Vatikan II, Digriet *Christus Dominus* (1965), 11; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 368-369; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan 177 §1; 178; 311 §1; 312.
[138] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 23.
[139] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lir-Rumani*, 1, 1.
[140] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji,* 3, 3, 2: PG 7, 849. Ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Pastor Aeternus* (1870), 2: DS 3057.
[141] San Massimu l-Konfessur, *Xogħlijiet fil-qosor dwar it-teoloġija u diffikultajiet*: PG 91, 137-140.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 332-333 5/16/2014 11:17:33 AM

Imma hi l-Knisja, għax il-vokazzjoni u l-missjoni tagħha huma universali, li tniżżel l-għeruq tagħha f'varjetà ta' oqsma kulturali, soċjali u umani, u tieħu f'kull parti tad-dinja aspetti u suriet differenti li bihom tfisser lilha nnifisha".[142] Il-varjetà kbira ta' dixxiplini ekkleżjastiċi, ta' riti liturġiċi, ta' wirt teoloġiku u spiritwali tal-Knejjes tal-post "juru b'mod l-aktar ċar, huma u jfittxu l-għaqda bejniethom, li l-Knisja waħda hi kattolika".[143]

Min hu fil-Knisja kattolika?

836 "Il-bnedmin kollha huma msejħin għal din l-għaqda kattolika tal-Poplu ta' Alla; … minn din l-għaqda jagħmlu sehem taħt suriet diversi jew huma msejħin lejha, kemm il-Kattoliċi kollha u kemm dawk, li għalkemm mhumiex Kattoliċi, jemmnu fi Kristu; u huma msejħin ukoll il-bnedmin kollha bla ebda eċċezzjoni, li l-grazzja ta' Alla ssejħilhom għas-salvazzjoni".[144]

837 "Huma mseħbin b'mod sħiħ fis-soċjetà tal-Knisja dawk li għandhom l-Ispirtu ta' Kristu, u jaċċettaw l-organizzazzjoni sħiħa tagħha u l-mezzi kollha għas-salvazzjoni li għandha; f'din l-organizzazzjoni li tidher huma magħqudin ma' Kristu li jrieġi l-Knisja permezz tal-Papa u tal-Isqfijiet, permezz tal-istqarrija tal-fidi, tas-sagramenti, tat-tmexxija ekkleżjastika u tax-xirka ekkleżjali. Iżda ma jiksibx is-salvazzjoni min, li għalkemm imsieħeb fil-Knisja, ma jibqax sħiħ fl-imħabba: hu jibqa' fil-'ġisem' tal-Knisja, iżda mhux 'f'qalbha'".[145]

838 "Il-Knisja tħoss li għal ħafna raġunijiet hi marbuta ma' dawk li huma mgħammdin u jissejħu Nsara, iżda ma

[142] Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi* (1975), 62.
[143] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 23.
[144] *Ibid*., 13.
[145] *Ibid*., 14.

jistqarrux il-fidi fis-sħuħija kollha tagħha, jew mhumiex magħqudin mas-suċċessur ta' Pietru".[146] "Dawk li jemmnu fi Kristu u tgħammdu validament, jinsabu b'xi mod, għalkemm mhux perfett, fil-Knisja Kattolika".[147] *Mal-Knejjes Ortodossi* mbagħad din l-għaqda hi hekk fil-fond li "jonqos ftit ferm biex tkun għaqda sħiħa li twassal għaċ-ċelebrazzjoni flimkien tal-Ewkaristija tal-Mulej".[148]

Il-Knisja u dawk li mhumiex Insara

839 "Dawk li għad ma laqgħux l-Evanġelju, huma wkoll, taħt ħafna suriet diversi, imsejħin ħa jkunu fil-Poplu ta' Alla".[149]

Ir-relazzjonijiet tal-Knisja mal-Poplu Lhudi. Il-Knisja, il-Poplu ta' Alla tal-Patt il-Ġdid, hija u tistħarreġ il-misteru tagħha, tara li hi marbuta mal-Poplu Lhudi[150] "li lilu qabel kulħadd waslet il-Kelma ta' Alla".[151] Il-fidi Lhudija, b'differenza mir-reliġjonijiet l-oħra mhux Insara, hi ġa tweġiba għar-rivelazzjoni ta' Alla fil-Patt il-Qadim. Tal-Poplu Lhudi huma: "l-adozzjoni ta' wlied Alla u l-glorja, il-pattijiet u l-Liġi, il-liturġija u l-wegħdiet; tagħhom huma l-patrijarki; u kien minnhom li, skont il-ġisem, ħareġ Kristu" (*Rum* 9,4-5),

[146] *Ibid*., 15.
[147] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 3.
[148] Pawlu VI, Diskors fl-għaxar anniversarju mit-tneħħija tal-iskomunika reċiproka bejn il-Knejjes ta' Ruma u ta' Kostantinopli (14 ta' Diċembru 1975); ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 13-18.
[149] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 16.
[150] Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Nostra aetate* (1965), 4.
[151] *Missal Ruman*, Azzjoni Liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira: Talba universali VI.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 334-335 5/16/2014 11:17:33 AM

għax “Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa tiegħu” (*Rum* 11,29).

674 840 Barra dan, meta nqisu l-ġejjieni, naraw li l-Poplu ta’ Alla tal-Patt il-Qadim u l-Poplu Ġdid ta’ Alla mexjin lejn l-istess għanijiet, l-istennija għall-miġja (jew għall-miġja mill-ġdid) tal-Messija. Iżda minn naħa, għall-Insara, l-istennija hi għall-miġja mill-ġdid tal-Messija li miet u rxoxta, magħruf bħala Mulej u Bin Alla, waqt li min-naħa l-oħra, għal-Lhud, hi l-istennija tal-miġja fl-aħħar taż-żminijiet tal-Messija, li l-karatteristiċi tiegħu huma
597 moħbija, stennija li hi msieħba mal-fatt li ma jafux jew ma jagħrfux lil Kristu Ġesù.

841 *Ir-relazzjonijiet tal-Knisja mal-Misilmin.* “Il-pjan tas-salvazzjoni jħaddan ukoll lil dawk li jagħrfu ’l Alla bħala l-Ħallieq, u l-ewwel fosthom il-Misilmin, li jistqarru li jħaddnu l-fidi ta’ Abraham, u flimkien magħna jqimu Alla wieħed u ħanin, li għad jagħmel ħaqq mill-bnedmin kollha fl-aħħar jum”.[152]

842 *Ir-rabta tal-Knisja mar-reliġjonijiet mhux Insara* tinsab
360 qabel xejn fil-bidu u t-tmiem li hu wieħed għall-ġens kollu tal-bnedmin:

> Il-ġnus kollha huma komunità waħda: għandhom bidu wieħed, għax Alla għamel li l-bnedmin kollha jgħammru fuq wiċċ l-art; għandhom ukoll l-istess għan tal-aħħar, lil Alla, li tiegħu l-providenza, ix-xhieda ta’ tjubitu u l-pjan tas-salvazzjoni huma għal kulħadd, sakemm il-magħżulin kollha jinġabru lkoll fil-belt qaddisa.[153]

28 843 Il-Knisja tagħraf li fir-reliġjonijiet l-oħra Alla hu mfittex “taħt dellijiet u taħt xbihat”, u għalkemm mhux magħruf jinsab fil-qrib għaliex huwa hu li jagħti ’l kulħadd il-ħajja u n-nifs u kollox u jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw. Hekk il-Knisja tqis

[152] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 16; ara Dikjarazzjoni *Nostra aetate* (1965), 3.

[153] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Nostra aetate* (1965), 1.

dak kollu li hemm tajjeb u veru f’dawn ir-reliġjonijiet bħala 856
tħejjija għall-Evanġelju u bħala don ta’ dak li jdawwal kull bniedem biex, fl-aħħar, ikollu l-ħajja”.[154]

844 Iżda fl-imġiba reliġjuża tagħhom, il-bnedmin juru xi limiti u xi żbalji li jħassru fihom ix-xbieha ta’ Alla: 29

> Spiss, il-bnedmin imqarrqa mill-Ħażin, żbaljaw fir-raġunar tagħhom u biddlu ma’ gidba l-verità ta’ Alla, billi qdew il-ħlejjaq flok il-Ħallieq jew għexu u mietu mingħajr Alla u hekk f’din id-dinja qiegħdu lilhom infushom f’qagħda ta’ disperazzjoni mill-agħar.[155]

845 Alla ried isejjaħ il-ġens kollu tal-bnedmin fil-Knisja ta’ Ibnu għax ried jiġbor mill-ġdid ’l uliedu kollha li d-dnub kien 30
xerred u qarraq. Il-Knisja hi l-post fejn il-bnedmin għandhom isibu l-għaqda u s-salvazzjoni tagħhom. Il-Knisja hi “d-dinja li tħabbet mill-ġdid”.[156] Hi dak il-ġifen li “bil-qlugħ tas-salib 953
tal-Mulej mimli bir-riħ tal-Ispirtu s-Santu jbaħħar tajjeb f’din id-dinja”;[157] u, bi xbieha oħra, għażiża ħafna għall-Missirijiet il-Knisja, hi l-Arka ta’ Noè biss li teħles mid-dulluvju (ara *1 Piet* 3,20-21). 1219

“Barra l-Knisja m’hemmx salvazzjoni”

846 Kif għandna nifhmu din l-istqarrija mtennija kemm-il darba minn Missirijiet il-Knisja? Meħuda f’sens pożittiv,

[154] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 16; ara Dikjarazzjoni *Nostra aetate* (1965), 2; Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi* (1975), 53.

[155] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 16.

[156] Santu Wistin, *Omelija* 96, 7, 9: PL 38, 588.

[157] San Ambroġ, *Trattat dwar il-Verġinità*, 18, 118: PL 16, 297A: “Pleno dominicae crucis velo Sancti Spiritus flatu in hoc bene navigat mundo”.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 336-337 5/16/2014 11:17:33 AM

tfisser li s-salvazzjoni kollha kemm hi tiġi minn Kristu, ir-Ras, permezz tal-Knisja li hi l-Ġisem tiegħu.

> Il-Konċilju, minn dak li jgħidu l-Iskrittura u t-Tradizzjoni, jgħallem li din il-Knisja fil-mixi tagħha f'din id-dinja hi meħtieġa għas-salvazzjoni. Kristu biss hu l-medjatur u t-triq tas-salvazzjoni; Kristu li hu fostna bil-Ġisem tiegħu, li hu l-Knisja. Kristu stess huwa u jinsisti bi kliem ċar li l-fidi u l-Magħmudija huma meħtieġa, wettaq il-ħtiega tal-Knisja li fiha l-bnedmin jidħlu mill-bieb tal-Magħmudija. Għalhekk ma jistgħux isalvaw dawk il-bnedmin li ma jridux jidħlu fil-Knisja Kattolika jew jibqgħu fiha, għalkemm jafu li waqqafha Alla permezz ta' Ġesù Kristu bħala meħtieġa għas-salvazzjoni.[158]

161; 1257

847 Din l-istqarrija ma tolqotx lil dawk li bla ħtija tagħhom, ma jafux bi Kristu u bil-Knisja tiegħu:

> Dawk li bla ebda ħtija tagħhom ma jafux bl-Evanġelju ta' Kristu, imma qegħdin ifittxu 'l Alla bis-sinċerità kollha ta' qalbhom, u, bl-għajnuna tal-grazzja, qed iħabirku biex jagħmlu r-rieda ta' Alla, skont ma tgħidilhom il-kuxjenza tagħhom, dawn jistgħu jiksbu s-salvazzjoni ta' dejjem.[159]

1260 848 Għalkemm Alla jista', minn triqat magħrufa minnu biss, iwassal għall-fidi li mingħajrha "ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla" (*Lh* 11,6), lil dawk il-bnedmin li, bla ħtija tagħhom, ma jafux l-Evanġelju, il-Knisja għandha d-dmir u d-dritt imqaddes ukoll li xxandar l-Evanġelju"[160] lill-bnedmin kollha.

Il-missjoni: esiġenza tal-kattoliċità tal-Knisja

738; 767 849 *Il-mandat missjunarju.* "Il-Knisja, mibgħuta minn

[158] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 14.

[159] *Ibid*., 16; ara Sant'Uffizzju, *Ittra lill-Arċisqof ta' Boston dwar il-ħtieġa tal-Knisja għas-salvazzjoni* (8 ta' Awwissu 1949): DS 3866-3872.

[160] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 7.

Alla lill-ġnus kollha biex tkun sagrament universali ta' salvazzjoni, għaliex dan hu meħtieġ mill-istess natura tagħha ta' Knisja Kattolika u għaliex trid tobdi l-ordni tal-Fundatur tagħha, tħabrek biex twassal l-Evanġelju lill-bnedmin kollha".[161] "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara jiena magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien" (*Mt* 28,19-20).

850 *Il-bidu u l-għan tal-Missjoni.* Il-mandat missjunarju tal-Mulej għandu l-ewwel bidu tiegħu fl-imħabba ta' dejjem 257
tat-Trinità Qaddisa. "Min-natura tagħha l-Knisja, tul il-mixi tagħha fid-dinja, hi Knisja missjunarja għax hi stess tagħraf il-bidu tagħha fil-missjoni tal-Iben u fil-missjoni tal-Ispirtu 730
s-Santu, skont il-pjan ta' Alla l-Missier".[162] U l-għan tal-missjoni mhux ħlief dak li twassal il-bnedmin kollha għal dik l-għaqda li hemm bejn il-Missier u l-Iben fl-Ispirtu tagħhom ta' mħabba.[163]

851 *Il-motivazzjoni tal-missjoni.* Hi l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin kollha li minnha l-Knisja ta' kull żmien jiġiha d-dmir u l-qawwa tal-ħeġġa missjunarja tagħha: "L-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu dan ..." (*2 Kor* 5,14).[164] "Alla ... 221; 429
jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità" 74; 217
(*1 Tim* 2,4). Alla jrid li kulħadd isalva billi jkun jaf il-*verità*. Is- 2104
salvazzjoni hi fil-verità. Dawk kollha li jobdu t-tnebbieħ tal-Ispirtu tal-verità, huma ġa mexjin fit-triq tas-salvazzjoni, iżda l-Knisja li lilha ġiet fdata din il-verità għandha tilqa' din ix-

[161] *Ibid*., 1.

[162] *Ibid*., 2.

[163] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 23.

[164] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 6; San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 11.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 338-339 5/16/2014 11:17:33 AM

xenqa tal-bnedmin għall-verità u twassalhielhom. Għaliex il-Knisja temmen fil-pjan universali tas-salvazzjoni, ma tistax ma tkunx missjunarja.

852 *It-triqat tal-missjoni.* "L-Ispirtu s-Santu hu l-protagonista tal-missjoni kollha tal-Knisja".[165] Hu li jmexxi l-Knisja fit-triqat tal-missjoni; u hi tkompli u ġġib 'il quddiem tul il-ġrajja tad-dinja, il-missjoni ta' Kristu nnifsu li ntbagħat biex iħabbar il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin; mela hu mill-istess triq li minnha għadda Kristu, li l-Knisja, immexxija mill-Ispirtu ta' Kristu, trid tgħaddi; jiġifieri mit-triq tal-faqar, tal-ubbidjenza, tas-servizz u tas-sagrifiċċju sal-mewt, li fuqha Kristu ħareġ rebbieħ bil-qawmien tiegħu mill-imwiet".[166] Hu għalhekk li "id-demm tal-martri hu ż-żerriegħa tal-Insara".[167]

853 Iżda l-Knisja fil-mixi tagħha tara mill-esperjenza tagħha, "kemm huma bogħod minn xulxin il-messaġġ li twassal u d-dgħufija ta' dawk li lilhom jiġi fdat l-Evanġelju".[168] Hu biss bil-mixi 'l quddiem mit-triq "tal-penitenza u tat-tiġdid"[169] u bid-dħul mill-"bieb dejjaq tas-salib"[170] li l-Poplu ta' Alla jista' jxerred is-Saltna ta' Kristu.[171] "Kif Kristu temm l-opra tal-Fidwa fil-faqar u l-persekuzzjoni, hekk il-Knisja hi msejħa biex tgħaddi mill-istess triq ħa twassal lill-bnedmin kollha l-frott tas-salvazzjoni".[172]

854 Bl-istess missjoni tagħha, "il-Knisja timxi 'l quddiem flimkien mal-ġens kollu tal-bnedmin, u taqsam xortiha ma' dik tad-dinja fuq l-art; hi

[165] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 21.
[166] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 5.
[167] Tertulljanu, *L-Apoloġetiku*, 50, 13: PL1, 603.
[168] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 43.
[169] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8; ara 15.
[170] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 1.
[171] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 12-20.
[172] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.

qisha l-ħmira u, biex ngħidu hekk, ir-ruħ tas-soċjetà tal-bnedmin, imsejħa biex tiġġedded fi Kristu u tinbidel f'familja ta' Alla".[173] L-isforz missjunarju għalhekk jitlob *is-sabar*. Jibda bit-tħabbira tal-Evanġelju lill-ġnus u lill-gruppi li għad ma jemmnux fi Kristu;[174] ikompli sejjer bit-twaqqif ta' komunitajiet Insara li jkunu "sinjali tal-preżenza ta' Alla fid-dinja";[175] u bit-twaqqif tal-knejjes lokali,[176] jibda proċess ta' inkulturazzjoni biex l-Evanġelju jinkarna fil-kulturi tal-ġnus;[177] u ma jonqosx it-tfixkil. "F'dak li għandu x'jaqsam mal-bnedmin, mal-gruppi tan-nies u tal-popli, il-Knisja tista' tilħaqhom u tidħol fihom biss bil-mod il-mod, biex twassalhom għall-milja Kattolika".[178]

855 Il-missjoni tal-Knisja titlob sforz ħa sseħħ *l-għaqda tal-Insara*.[179] "Il-firdiet bejn l-Insara ma jħallux lill-Knisja tikseb il-milja tal-kattoliċità li hi propju tagħha f'dawk uliedha, li żgur huma tagħha permezz tal-Magħmudija, iżda jinsabu mifrudin mill-għaqda sħiħa magħha. Anzi, għall-Knisja stess, dan jagħmel aktar diffiċli għaliha li turi l-milja tal-kattoliċità fl-istess ħajja tagħha".[180]

856 Id-dmir tal-missjoni jitlob ukoll *djalogu bir-rispett kollu* ma' dawk li għadhom ma laqgħux l-Evanġelju.[181] L-Insara stess jistgħu jiksbu ġid minn dan id-djalogu għax isiru jafu aħjar "kulma ġa hemm ta' verità u ta' grazzja fost il-ġnus, qisu preżenza moħbija ta' Alla".[182] Jekk l-Insara jħabbru l-Bxara t-Tajba lil dawk li ma jafux biha, dan jagħmluh biex isaħħu, iwasslu għas-sħuħija u jgħollu l-verità u l-ġid li Alla xerred fost il-bnedmin u l-ġnus, u biex isaffuhom minn kull żball u mid-deni kollu "għall-glorja ta' Alla, biex jitħawwad ix-Xitan, u għall-hena tal-bniedem".[183]

[173] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 40.
[174] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris mission* (1990), 42-47.
[175] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 15.
[176] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 48-49.
[177] Ara *ibid*., 52-54.
[178] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 6.
[179] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 50.
[180] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 4.
[181] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 55.
[182] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 9.
[183] *Ibid.*

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 340-341 5/16/2014 11:17:34 AM

IV. Il-Knisja hi Apostolika

75 857 Il-Knisja hi appostolika għax imwaqqfa fuq l-Appostli, u dan fi tliet aspetti:

— hi twaqqfet u għadha mwaqqfa "fuq is-sisien tal-Appostli" (*Ef* 2,20; *Apok* 21,14), xhieda magħżula u mibgħuta b'missjoni minn Kristu nnifsu (ara *Mt* 28, 16-20; *Atti* 1,8; *1 Kor* 9,1; 15,7-8; *Gal* 1,1; u l-bqija);

171 — tħares u twassal bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, li jgħammar fiha, it-tagħlim (ara *Atti* 2,42), it-teżor sabiħ, il-kliem qaddis li semgħet mill-Appostli (ara *2 Tim* 1,13-14);

— tkompli tiġi mgħallma, mqaddsa u mmexxija mill-Appostli, sa meta jerġa' jiġi Kristu, permezz tas-
880; 1575 suċċessuri tagħhom fil-ħidma pastorali: il-Kulleġġ tal-Isqfijiet, "bl-għajnuna tas-saċerdoti, f'għaqda mas-suċċessur ta' Pietru, ir-Ragħaj il-kbir tal-Knisja".[184]

Int Ragħaj ta' dejjem, ma tħallix waħidha l-Knisja tiegħek, imma tibqa' dejjem tieħu ħsiebha u tħarisha permezz tal-Appostli, biex ikomplu jreġġgħuha dawk stess li int qegħidt fuqha bħala rgħajja f'isem Ibnek.[185]

Il-missjoni tal-Appostli

551 858 Ġesù hu l-mibgħut tal-Missier. Mill-bidu tal-ministeru tiegħu, "sejjaħ lejh lil dawk li ried, ... u għażel tnax ... biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom jippritkaw" (*Mk* 3, 13-14). Minn dakinhar 'il quddiem kienu "mibgħuta" (din tfisser il-kelma Griega "apostoloi"). Fihom Ġesù kompla l-missjoni

[184] *Ibid*., 5.

[185] *Missal Ruman*, Prefazju I tal-Appostli.

tiegħu: "Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom" 425; 1086
(*Ġw* 20,21; 13,20; 17,18). Il-ministeru tagħhom għalhekk ikompli l-missjoni ta' Kristu: "Min jilqa' lilkom, jilqa' lili", qal Ġesù lit-Tnax (*Mt* 10,40; ara *Lq* 10,16).

859 Ġesù sieħeb l-Appostli fil-missjoni li rċieva mingħand il-Missier: kif "l-Iben ebda ħaġa ma jista' jagħmel minn rajh" (*Ġw* 5,19.30), imma jirċievi kollox mingħand il-Missier li bagħtu, hekk dawk li Ġesù jibgħat ma jistgħu jagħmlu xejn mingħajr Dak (ara *Ġw* 15,5) li mingħandu rċevew il-mandat tal-missjoni u s-setgħa li jagħmluh. L-Appostli ta' Kristu jafu li ġew magħżula minn Alla bħala "ministri tal-Patt il-Ġdid" 876
(*2 Kor* 3,6), "ministri ta' Alla" (*2 Kor* 6,4), "ambaxxaturi ta' Kristu" (*2 Kor* 5,20), "ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla" (*1 Kor* 4,1).

860 Fl-uffiċċju tal-Appostli, hemm aspett li ma jistax ikun trażmess lil dawk li jiġu warajhom, l-aspett li huma xhieda magħżula tal-qawmien mill-imwiet ta' Kristu u pedamenti 642
tal-Knisja. Iżda hemm ukoll aspett permanenti tal-uffiċċju tagħhom. Kristu wegħedhom li jibqa' *magħhom* sal-aħħar taż-żmien (ara *Mt* 28,20). "Il-missjoni divina li Kristu ried 765
jafda lill-Appostli għandha tibqa' sal-aħħar taż-żminijet, għax l-Evanġelju li kellhom ixandru hu l-għajn tal-ħajja tal-Knisja għal kemm itulu ż-żminijiet. Għalhekk l-Appostli ħadu 1536
ħsieb li jkollhom ... is-suċċessuri tagħhom".[186]

L-Isqfijiet suċċessuri tal-Appostli

861 "Biex il-missjoni fdata lilhom setgħet tkompli wara mewthom, l-Appostli taw mandat, qisu b'testment, lill-

[186] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 20.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 342-343 5/16/2014 11:17:34 AM

77 kooperaturi l-aktar qrib tagħhom, biex ikomplu l-ħidma tagħhom u jsaħħu l-opra li huma kienu bdew, u ħeġġuhom biex jieħdu ħsieb il-merħla li fuqha qegħedhom l-Ispirtu
1087 s-Santu biex jirgħu l-Knisja ta' Alla. Għamlu mela dawn in-nies u riduhom li wara mewthom jagħżlu nies oħra mħarrġin ħa jkomplu l-ministeru tagħhom".[187]

862 "Hekk ukoll l-uffiċċju fdat personalment mill-Mulej lil
880 Pietru, l-ewwel fost l-Appostli, kellu jgħaddi lis-suċċessuri tiegħu, għax hu uffiċċju li jibqa', kif hu wkoll uffiċċju li jibqa' dak mogħti lill-Appostli li jkunu rgħajja tal-Knisja, uffiċċju li
1556 l-Ordni tal-Episkopat jiżgura li jibqa' dejjem." Hu għalhekk li l-Knisja tgħallem li "l-Isqfijiet, bir-rieda ta' Kristu, huma suċċessuri tal-Appostli bħala rgħajja tal-Knisja, hekk li, min jisma' lilhom ikun jisma' lil Kristu, u min iwarrab lilhom ikun iwarrab lil Kristu u lil dak li bagħat Kristu".[188]

L-APPOSTOLAT

900 863 Il-Knisja kollha hi appostolika sakemm tibqa', permezz tas-suċċessuri ta' Pietru u tal-Appostli, fix-xirka ta' fidi u ta' ħajja mal-bidu tagħha. Il-Knisja kollha hi appostolika għax "mibgħuta" fid-dinja kollha; il-membri kollha tal-Knisja, għalkemm f'manjieri diversi, għandhom
2472 sehem f'din il-missjoni. "Il-vokazzjoni Nisranija hi min-natura tagħha vokazzjoni għall-appostolat". Jissejjaħ appostolat "kull ħidma tal-Ġisem mistiku" li għandu l-għan "li jwassal is-Saltna ta' Kristu fl-art kollha".[189]

[187] *Ibid*.; ara San Klement ta' Ruma, *Ittra lill-Korintin*, 42, 4; 44, 2.

[188] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 20.

[189] Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 2.

864 "Għax Kristu, mibgħut mill-Missier, hu l-għajn u l-bidu ta' kull appostolat fil-Knisja", hi ħaġa ċara li l-frott tal-appostolat, kemm dak tal-ministri ordnati u kemm dak tal-lajċi, jiddependi mill-għaqda ħajja tagħhom ma' Kristu 828
(ara *Ġw* 15,5).[190] Skont il-vokazzjoni, il-ħtiġijiet taż-żmien, u d-doni diversi tal-Ispirtu s-Santu, l-appostolat jieħu ħafna 824
suriet, diversi minn xulxin. Imma hi dejjem l-imħabba meħuda fuq kollox mill-Ewkaristija, li hi "qisha r-ruħ ta' kull 1324
appostolat".[191]

865 Il-Knisja hi *waħda, qaddisa, kattolika u appostolika* 811
fil-qofol tal-identità tagħha, għax fiha ġa tinsab u tilħaq il- 541
milja tagħha fl-aħħar taż-żmien "is-Saltna tas-Smewwiet", "is-Saltna ta' Alla" (ara *Apok* 19,6), li waslet fil-Persuna ta' Kristu u qiegħda tikber f'misteru fil-qalb ta' dawk li huma mseħbin fil-Ġisem tiegħu, sa ma tidher fis-sħuħija kollha tagħha fit-tmiem ta' kollox. Imbagħad il-bnedmin *kollha*, mifdijin minn Kristu, magħmulin minnu "*qaddisa* u bla tebgħa quddiemu (Alla) fl-imħabba" (*Ef* 1,4) jinġabru fil-Poplu *wieħed* ta' Alla, "l-Għarusa ta' Kristu" (ara *Apok* 21,9), "il-Belt qaddisa, Ġerusalemm, nieżla mis-sema mingħand Alla, bil-glorja ta' Alla fiha" (*Apok* 21,10-11); u "il-ħajt tal-Belt għandu tnax-il pedament, li fuqhom hemm it-tnax-il isem tat-*tnax-il Appostlu tal-Ħaruf* " (*Apok* 21,14).

Fil-qosor

866 *Il-Knisja hi* Waħda: *għandha Mulej wieħed, tistqarr fidi waħda, titwieled minn Magħmudija waħda, hi ġisem wieħed, mogħti l-ħajja minn Spirtu wieħed, b'tama*

[190] *Ibid*., 4.

[191] *Ibid*., 3.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 344-345 5/16/2014 11:17:34 AM

waħda (*ara Ef* 4,3-5), *li meta sseħħ jintrebħu l-firdiet kollha.*

867 *Il-Knisja hi* Qaddisa: *Alla l-qaddis hu l-awtur tagħha, Kristu hu l-Għarus tagħha li ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha; l-Ispirtu tal-qdusija jagħtiha l-ħajja. Għalkemm fi ħdanha hemm xi midinbin hi "sine peccato ex peccatoribus facta" – hi mingħajr dnub, iżda magħmula mill-midinbin. Qdusitha tiddi fil-qaddisin, u f'Marija hi ġa qaddisa kollha kemm hi.*

868 *Il-Knisja hi* Kattolika: *tħabbar il-fidi kollha kemm hi; tiġbor fiha u tamministra l-mezzi kollha tas-salvazzjoni fil-milja kollha tagħhom; tintbagħat fost il-ġnus kollha; tkellem lill-bnedmin kollha; tħaddan iż-żminijiet kollha; "min-natura tagħha stess hi missjunarja".*[192]

869 *Il-Knisja hi* Appostolika. *Hi mibnija fuq pedamenti li jibqgħu "it-tnax-il appostlu tal-Ħaruf"* (*Apok* 21,14); *hi ma tiġġarrafx* (*ara Mt* 16,18); *hi infallibilment miżmuma fis-sewwa; Kristu jmexxiha permezz ta' Pietru u tal-Appostli l-oħra, li jinsabu preżenti fis-suċċessuri tagħhom, il-Papa u l-Kulleġġ tal-Isqfijiet.*

870 *"Il-Knisja waħda ta' Kristu li fil-Kredu nistqarru li hi waħda, qaddisa, kattolika u appostolika ... tinsab fil-Knisja Kattolika, immexxija mis-suċċessur ta' Pietru u mill-Isqfijiet li huma f'komunjoni miegħu, għalkemm barra minnha jinsabu ħafna elementi ta' qdusija u ta' verità".*[193]

[192] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 2.

[193] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.

Ir-raba' paragrafu

DAWK LI JEMMNU FI KRISTU: ĠERARKIJA, LAJĊI, ĦAJJA KKONSAGRATA

871 "Dawk li jemmnu fi Kristu huma msejħin biex jingħaqdu ma' Kristu permezz tal-Magħmudija, jagħmlu l-Poplu ta' Alla u, minħabba f'hekk, għandhom sehem bil-mod propju tagħhom, fl-uffiċċju saċerdotali, profetiku u regali ta' Kristu: huma msejħin biex jaqdu, kull wieħed skont il-qagħda propja tiegħu, il-missjoni li Alla ried jafda lill-Knisja biex taqdiha fid-dinja".[194] 1268-1269 782-786

872 "Dawk kollha li jemmnu fi Kristu, għax ilkoll twieldu mill-ġdid fi Kristu, huma tassew indaqs f'dak li huma d-dinjità u l-ħidma tagħhom, u għalhekk ilkoll jagħtu sehemhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu, skont il-qagħda u l-uffiċċju propju ta' kull wieħed".[195] 1934 794

873 L-istess differenzi li l-Mulej ried li jqiegħed bejn il-membri tal-Ġisem tiegħu jaqdu l-għaqda u l-missjoni tiegħu. "Fil-Knisja hemm ħafna ministeri imma missjoni waħda. Kristu ried jafda lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom id-dmir li jgħallmu, iqaddsu u jmexxu f'ismu u bis-setgħa tiegħu. Iżda l-lajċi, imseħbin fil-missjoni saċerdotali, profetika u regali ta' Kristu, fil-Knisja u fid-dinja, għandhom is-sehem li hu propju tagħhom fil-missjoni tal-Poplu ta' Alla, kollu kemm hu".[196] Fl-aħħar nett hemm "xi fidili li jagħmlu parti kemm mill-ġerarkija u kemm mil-lajkat, u li, bil-professjoni tal-kunsilli 814; 1937

[194] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 204 §1; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 31.

[195] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 208; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 32.

[196] Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 2.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 346-347 5/16/2014 11:17:34 AM

evanġeliċi ... huma kkonsagrati lil Alla u għandhom sehem fil-missjoni tal-Knisja għas-salvazzjoni, bil-mod propju tagħhom".[197]

I. Il-kostituzzjoni ġerarkika tal-Knisja

Għalfejn hu meħtieġ il-ministeru ekkleżjali?

1544 874 Hu Kristu nnifsu l-għajn tal-ministeru fil-Knisja. Hu waqqfu, tah l-awtorità u l-missjoni tiegħu, id-direzzjoni u l-għan tiegħu:

> Kristu l-Mulej, biex ikun żgur li l-Poplu ta' Alla jkollu rgħajja u mezzi għat-tisħiħ tiegħu, waqqaf fil-Knisja tiegħu għadd ta' ministeri ħa jfittxu l-ġid tal-ġisem kollu. Il-ministri li għandhom setgħa mqaddsa huma għall-qadi ta' ħuthom biex dawk kollha li għandhom sehem mill-Poplu ta' Alla … jaslu għas-salvazzjoni".[198]

875 "Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta?" *(Rum* 10, 14-15). Ebda persuna, ebda individwu, ebda komunità ma
166 tista' tħabbar l-Evanġelju lilha nnifisha. "Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ" (*Rum* 10,17). Ħadd ma jista' jagħti lilu nnifsu l-mandat u l-missjoni li jxandar l-Evanġelju. Min jintbagħat mill-Mulej, jitkellem u jaħdem mhux bl-awtorità propja tiegħu imma bil-qawwa tal-awtorità ta' Kristu, mhux bħala membru tal-komunità imma bħala dak li jkellimha f'isem Kristu. Ħadd ma jista' jagħti lilu nnifsu l-grazzja, imma trid tingħatalu u

[197] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 207 §2.

[198] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatka *Lumen gentium* (1964), 18.

tiġi offruta lilu. Għalhekk irid ikun hemm ministri tal-grazzja, bl-awtorità u l-ħila mogħtijin lilhom minn Kristu. Mingħandu, l-Isqfijiet u l-Presbiteri jirċievu l-missjoni u l-fakultà (is-setgħa qaddisa) li jaġixxu "in persona Christi Capitis" ("fil-persuna 1548
ta' Kristu r-Ras"), id-Djakni jirċievu l-qawwa li jaqdu l-poplu ta' Alla fid-"djakonija" tal-liturġija, tal-kelma u tal-imħabba 1536
f'xirka mal-isqof u l-presbiterju tiegħu.

876 Marbut intrinsikament man-natura sagramentali tal-ministeru ekkleżjali hemm *il-karattru tiegħu ta' qadi*. Il- 1551
ministri, għax jiddependu għal kollox minn Kristu, li jagħtihom il-missjoni u l-awtorità, huma "[qaddejja] ta' Kristu Ġesù" (*Rum* 1,1), b'xebh ma' Kristu li, minn rajh, minħabba fina ħa "in-natura ta' Isir" (*Fil* 2,7). Għaliex il-kelma u l-grazzja li 427
tagħhom huma ministri, mhumiex tagħhom, imma ta' Kristu, li fdahomlhom għall-ġid tal-oħrajn, huma jsiru minn rajhom qaddejja ta' kulħadd (ara *1 Kor* 9,19).

877 Hekk ukoll, minħabba n-natura sagramentali tiegħu il-ministeru ekkleżjali għandu *karattru kolleġjali*. 1559
Mill-bidu tal-ministeru tiegħu, Ġesù waqqaf it-Tnax, "iż-żerriegħa ta' Iżrael il-ġdid u fl-istess waqt bidu tal-ġerarkija mqaddsa".[199] Magħżulin flimkien, intbagħtu wkoll flimkien, u l-għaqda tal-aħwa bejniethom kollha u s-sens għall-għaqda tal-aħwa bejn l-Insara kollha, kellha tkun ta' rifless u ta' xhieda tal-għaqda bejn il-Persuni tat-Trinità Qaddisa (ara *Ġw* 17, 21-23). Minħabba f'dan, kull isqof jaqdi l-ministeru tiegħu fi ħdan il-Kulleġġ tal-Isqfijiet, f'għaqda mal-isqof ta' Ruma, suċċessur ta' San Pietru u kap tal-Kulleġġ; is-saċerdoti jaqdu l-ministeru tagħhom fi ħdan il-presbiterju tad-djoċesi, taħt id-direzzjoni tal-Isqof tagħhom.

[199] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 5.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 348-349 5/16/2014 11:17:34 AM

878 Fl-aħħar nett, minħabba n-natura sagramentali tiegħu, il-ministeru ekkleżjali għandu *karattru personali*. Il-ministri ta' Kristu jaħdmu f'għaqda bejniethom, iżda l-ħidma tagħhom jagħmluha dejjem b'mod personali wkoll. Kull wieħed hu msejjaħ personalment: "Int imxi warajja!" (*Ġw* 21,22; ara *Mt* 4,19.21; *Ġw* 1,43) biex, fil-missjoni tal-Knisja kollha, ikun xhud personali, b'responsabiltà personali
1484 quddiem dak li tah il-missjoni, huwa u jaġixxi "fil-Persuna ta' Kristu", favur kull bniedem: "Jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier ...", "Jiena naħfirlek ...".

879 Għalhekk, il-ministeru sagramentali fil-Knisja hu qadi magħmul f'isem Kristu. Huwa qadi kemm personali kif ukoll kolleġjali. Dan iseħħ fir-rabtiet li hemm bejn il-Kulleġġ tal-Isqfijiet u r-ras tiegħu, is-Suċċessur ta' Pietru, u fir-relazzjoni li hemm bejn ir-responsabiltà pastorali tal-Isqof fil-Knisja lokali tiegħu u l-ħerqa tal-kulleġġ episkopali kollu kemm hu għall-Knisja universali.

Il-Kulleġġ Episkopali u r-ras tiegħu l-Papa

880 Kristu, meta għażel it-Tnax, "tahom sura ta' kulleġġ,
552; 862 jiġifieri grupp stabbli, u tahom bħala kap lil Pietru li għażel minn fosthom".[200] "Kif San Pietru u l-Appostli l-oħra huma, skont ir-rieda tal-Mulej, kulleġġ appostoliku wieħed, hekk l-isqof ta' Ruma bħala s-suċċessur ta' San Pietru u l-isqfijiet, suċċessuri tal-Appostli, huma magħqudin bejniethom".[201]

881 Il-Mulej għamel biss lil Xmun il-blata tal-Knisja tiegħu u tah l-isem ta' Pietru. Tah f'idejh l-imfietaħ tagħha (ara *Mt*

[200] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 19.

[201] *Ibid*., 22; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 330.

16, 18-19); għamlu ragħaj tal-merħla tiegħu (ara *Ġw* 21, 553
15-17). "Iżda dan l-uffiċċju li jħoll u jorbot ingħata wkoll, bla ebda dubju, lill-Kulleġġ tal-Appostli, magħqudin marras tagħhom.[202] Dan l-uffiċċju ta' Pietru u tal-Appostli l-oħra 642 hu parti mill-pedament tal-Knisja; dan l-uffiċċju jkompluh l-Isqfijiet taħt il-primat tal-Papa.

882 *Il-Papa*, Isqof ta' Ruma u suċċessur ta' San Pietru, 834
"huwa prinċipju perpetwu u viżibbli u l-pedament tal-għaqda 1369
li torbot flimkien kemm l-isqfijiet u kemm il-kotra tal-fidili".[203] 837
L-Isqof ta' Ruma, bis-setgħa tal-uffiċċju tiegħu bħala Vigarju ta' Kristu u Ragħaj tal-Knisja kollha, għandu fil-Knisja setgħa sħiħa, suprema u universali, u jista' dejjem iħaddimha bla ebda xkiel.[204]

883 "*Il-Kulleġġ tal-Isqfijiet* m'għandux awtorità jekk mhux flimkien mal-Isqof ta' Ruma, bħala r-ras tiegħu". F'dan il-każ, il-Kulleġġ tal-Isqfijiet "ukoll għandu setgħa suprema u sħiħa fil-Knisja kollha, iżda setgħa li ma jistax iħaddimha jekk mhux bil-kunsens tal-Isqof ta' Ruma".[205]

884 "Il-Kulleġġ tal-Isqfijiet iħaddem is-setgħa tiegħu fil-Knisja universali b'mod solenni f'Konċilju Ekumeniku".[206] "Ma hemmx Konċilju Ekumeniku jekk ma jkunx imwettaq, jew almenu aċċettat bħala Konċilju Ekumeniku mis-suċċessur ta' Pietru".[207]

[202] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 22.

[203] *Ibid*., 23.

[204] *Ibid*., 22; ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Christus Dominus* (1965), 2.

[205] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 22; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 336.

[206] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 337, §1.

[207] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 22.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 350-351 5/16/2014 11:17:34 AM

885 “Dan il-Kulleġġ, għax magħmul minn ħafna membri, juri l-varjetà u l-universalità tal-Poplu ta’ Alla; miġbur taħt ras waħda, juri l-għaqda tal-merħla waħda ta’ Kristu”.[208]

1560 886 “Kull wieħed mill-*Isqfijiet* hu l-għajn viżibbli u
833 l-pedament tal-għaqda fil-Knisja lokali tiegħu”.[209] “Huma jħaddmu l-awtorità pastorali tagħhom fuq dik il-parti tal-Poplu ta’ Alla li ġiet fdata lilhom”,[210] bl-għajnuna tas-saċerdoti u d-djakni. Iżda, bħala membri tal-Kulleġġ Episkopali kull
2448 wieħed minnhom għandu sehem fil-ħerqa għall-Knejjes kollha,[211] ħerqa li jħaddmu l-ewwel nett “huma u jmexxu sewwa l-Knisja propja tagħhom bħala parti mill-Knisja universali”, għax b’hekk ikunu qed jagħtu sehemhom għall-ġid tal-Ġisem mistiku kollu li hu wkoll il-ġisem tal-Knejjes”.[212] Din il-ħerqa għandha tkun b’mod partikulari favur il-foqra (ara *Gal* 2,10), l-ippersegwitati minħabba twemminhom, kif ukoll favur il-missjunarji li qegħdin jaħdmu kullimkien fid-dinja.

887 Il-Knejjes lokali li huma qrib xulxin u għandhom sura ta’ kultura l-istess jagħmlu provinċji ekkleżjastiċi jew territorji aktar kbar imsejħin patrijarkati jew reġjunijiet.[213] L-isqfijiet ta’ dawn it-territorji jistgħu jingħaqdu flimkien f’Sinodi jew Konċilji provinċjali. “Hekk ukoll, il-Konferenzi Episkopali llum jistgħu wkoll jagħtu l-kontribut tagħhom b’ħafna suriet li jagħtu frott biex l-ispirtu kolleġjali jseħħ bil-fatti”.[214]

[208] *Ibid*.
[209] *Ibid*., 23.
[210] *Ibid*.
[211] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Christus Dominus* (1965), 3.
[212] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 23.
[213] Ara *Il-Kanoni tal-Appostli*, 34.
[214] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 23.

L-Uffiċċju tat-Tagħlim 85-87
2032-2040

888 L-isqfijiet flimkien mal-kollaboraturi tagħhom, is-saċerdoti, “bħala l-ewwel dmir tagħhom għandhom dak li jxandru l-Evanġelju ta’ Alla lill-bnedmin kollha”,[215] skont l-ordni tal-Mulej (ara *Mk* 16,15). Huma “il-ħabbara tal-fidi li 2068
jwasslu dixxipli ġodda għand Kristu, l-għalliema veri” tal-fidi tal-Appostli, “imżejnin bl-awtorità minn Kristu”.[216]

889 Biex il-Knisja żżomm is-safa tal-fidi mgħoddija lilha mill-Appostli, Kristu riedha taqsam miegħu l-infallibiltà tiegħu. Hu l-Verità. Permezz tas-“sens sopranaturali tal-fidi”, 92
il-Poplu ta’ Alla “jintrabat mal-fidi b’mod li ma jonqos qatt minnha”, immexxi mill-Maġisteru ħaj tal-Knisja.[217]

890 Il-missjoni tal-Maġisteru hi marbuta mal-karattru 851
definittiv tal-Patt magħmul minn Alla fi Kristu mal-Poplu tiegħu; hu fid-dmir li jħares lil dan il-Poplu minn kull tgħawwiġ u minn kull nuqqas u jiżguralu li jkun jista’ jistqarr il-fidi vera bla ebda żball. Il-Maġisteru għandu wkoll id-dmir pastorali li jgħasses biex il-Poplu ta’ Alla, jibqa’ jħaddan il-verità li tagħti 1785
l-ħelsien. Biex jaqdu dan id-dmir, Kristu lir-Rgħajja tal-Knisja tahom il-kariżma tal-infallibiltà f’dak li għandu x’jaqsam mal-fidi u l-morali. It-tħaddim ta’ din il-kariżma jista’ jkollu ħafna suriet.

891 “Għandu din l-infallibiltà l-Isqof ta’ Ruma, bħala Ras tal-Kulleġġ tal-Isqfijiet, bis-saħħa tal-istess uffiċċju tiegħu, meta bħala l-ogħla Raġħaj u Għalliem tal-Insara kollha, bid-dmir li jwettaq lil ħutu fil-fidi, hu jħabbar b’att definittiv,

[215] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 4.
[216] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 25.
[217] *Ibid*., 12; Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 10.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 352-353 5/16/2014 11:17:34 AM

xi duttrina tal-fidi jew tal-morali ... L-infallibiltà mwiegħda lill-Knisja tinsab ukoll fix-xirka tal-Isqfijiet meta jħaddmu l-ogħla Maġisteru f'għaqda mas-suċċessur ta' Pietru", l-aktar f'Konċilju Ekumeniku.[218] Meta bil-Maġisteru għoli tagħha, il-Knisja tipproponi xi ħaġa u tgħid li "għandha titwemmen għax rivelata minn Alla"[219] bħala tagħlim ta' Kristu, aħna "irridu nilqgħu bl-ubbidjenza tal-fidi dawn id-definizzjonijiet".[220] Din l-infallibiltà tħaddan dak kollu li jinsab fl-istess depożitu tar-Rivelazzjoni ta' Alla.[221]

892 L-għajnuna ta' Alla tingħata lis-suċċessuri tal-Appostli, huma u jgħallmu f'għaqda mas-suċċessur ta' Pietru, u, b'mod partikulari, tingħata lill-Isqof ta' Ruma, Raġħaj tal-Knisja kollha, ukoll meta, mingħajr ma jkun hemm definizzjoni infallibbli u mingħajr ma tingħad "b'mod definittiv", jipproponu, huma u jħaddmu l-Maġisteru ordinarju tagħhom, xi tagħlim li jwassal għal għarfien aħjar tar-Rivelazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-fidi u l-morali. L-Insara għandhom jilqgħu dan it-tagħlim "bir-rispett reliġjuż kollu tagħhom"[222], li għalkemm dan mhuwiex l-istess ħaġa bħal att tal-fidi, huwa żgur konness miegħu.

L-Uffiċċju tat-Tqaddis

893 L-isqof hu wkoll "dak li jqassam il-grazzja tal-ogħla

[218] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 25; ara Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Pastor Aeternus* (1870), 4: DS 3074.
[219] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 10.
[220] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 25.
[221] *Ibid*.
[222] *Ibid*.

saċerdozju"[223] b'mod partikulari fl-Ewkaristija li hu stess joffri u jara li joffruha wkoll is-saċerdoti, kollaboraturi tiegħu, għaliex l-Ewkaristija hija ċ-ċentru tal-ħajja ta' kull Knisja lokali. L-isqof u s-saċerdoti jqaddsu l-Knisja bit-talb u l-ħidma tagħhom, bil-ministeru tal-Kelma u tas-sagramenti, iqaddsuha bl-eżempju ta' ħajjithom, "mhux bħallikieku [jaħkmu] bil-qawwa fuq dawk li [messewhom] b'xortihom, imma billi [jkunu] eżempju tal-merħla" (*1 Piet* 5,3). B'dan il-mod "huma jaslu, flimkien mal-merħla fdata lilhom, fil-ħajja ta' dejjem".[224] 1561

L-Uffiċċju tat-Tmexxija

894 "L-isqfijiet imexxu l-Knejjes lokali tagħhom bħala vigarji u legati ta' Kristu permezz tal-pariri u l-eżempji tagħhom, billi jħajru l-fidili tagħhom għat-tajjeb, u bl-awtorità u bit-tħaddim tas-setgħat qaddisa tagħhom ukoll";[225] iżda dan iridu jagħmluh b'mod li jkun ta' eżempju għall-merħla fdata lilhom, b'dak l-ispirtu ta' qadi li kien propju tal-Imgħallem tagħhom (ara *Lq* 22,26-27). 801

895 "Din is-setgħa li huma jħaddmu personalment f'isem Kristu, hi setgħa propja, ordinarja u immedjata: iżda fit-tħaddim tagħha hi fl-aħħar mill-aħħar immexxija mill-ogħla awtorità tal-Knisja".[226] Iżda dan ma jfissirx li għandna nqisu l-Isqfijiet bħala vigarji tal-Papa, għaliex l-awtorità ordinarja u immedjata tiegħu fuq il-Knisja kollha ma tħassarx, anzi twettaq u tħares l-awtorità tal-Isqfijiet. Din trid tinħadem f'għaqda mal-Knisja kollha taħt it-tmexxija tal-Papa. 1558

[223] *Ibid*., 26.
[224] *Ibid.*
[225] *Ibid*., 27.
[226] *Ibid.*

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 354-355 5/16/2014 11:17:35 AM

896 Ir-Ragħaj it-tajjeb huwa l-mudell u s-"sura" tal-uffiċċju pastorali tal-Isqof. "L-Isqof, huwa u jagħraf id-dgħufija tiegħu, jagħder lil dawk li ma jafux, u li jiżbaljaw. Ma jistmerrx li jisma' lil dawk li jiddependu minnu u jgħożżhom bħala wliedu ... Il-fidili mbagħad għandhom jingħaqdu mal-Isqof tagħhom bħalma l-Knisja tingħaqad ma' Kristu, u Ġesù Kristu ma' Missieru"[227]:

> Obdu lill-Isqof, kif Ġesù Kristu obda lill-Missier, u lill-presbiterju bħala l-Appostli; id-djakni mbagħad irrispettawhom bħala Liġi ta' Alla. Araw li ħadd ma jagħmel xejn mingħajr ma jkun jaf l-Isqof, xejn minn dak li għandu x'jaqsam mal-Knisja.[228]

II. L-Insara lajċi

897 "Insejħu lajċi l-Insara kollha, barra dawk li għandhom l-Ordni Sagri u dawk li jħaddnu stat reliġjuż magħruf mill-Knisja, jiġifieri dawk li għax membri tal-Ġisem ta' Kristu permezz tal-Magħmudija u ġew imdaħħlin fil-Poplu ta' Alla, għandhom sehem, skont in-natura propja tagħhom, fl-uffiċċju saċerdotali, profetiku u regali ta' Kristu u jaqdu min-naħa tagħhom fil-Knisja u fid-dinja l-missjoni li hi dik tal-Poplu kollu ta' Alla".[229]

Il-vokazzjoni tal-lajċi

898 "Il-lajċi, skont il-vokazzjoni propja tagħhom, għandhom ifittxu s-Saltna ta' Alla huma u jagħmlu l-ħwejjeġ ta' din id-dinja u jmexxuhom lejn Alla. B'mod partikulari, idawlu u jmexxu l-ħwejjeġ kollha tad-dinja, li magħhom huma għandhom rabta liema bħalha, biex isiru kif irid Kristu u jikbru u jkunu ta' tifħir għall-Ħallieq u l-Feddej".[230]

899 L-inizjattiva tal-lajċi Nsara hi meħtieġa b'mod partikulari meta jridu jinstabu u jinħolqu mezzi biex fl-oqsma kollha soċjali, politiċi u ekonomiċi tad-dinja jilqgħu fihom dak li titlob id-duttrina u l-ħajja Nisranija. Din l-inizjattiva hi ħaġa normali fil-ħajja tal-Knisja:

> Il-lajċi huma quddiem nett fil-ħajja tal-Knisja: bihom il-Knisja hi għajn ta' ħajja għas-soċjetà. Għalhekk, b'mod speċjali, għandhom jagħrfu dejjem aħjar li huma mhumiex biss fil-Knisja, iżda huma l-Knisja, jiġifieri huma komunità ta' Nsara fuq l-art, immexxijin mill-Kap ta' kulħadd, jiġifieri mill-Papa, u mill-Isqfijiet f'xirka miegħu. Dawn huma l-Knisja.[231]

900 Għaliex il-lajċi, bħall-Insara kollha, huma mgħobbijin minn Alla bid-dmir tal-appostolat, bis-saħħa tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni tagħhom, huma fid-dmir, u għandhom id-dritt li, individwalment jew fl-assoċjazzjonijiet, iħabirku biex il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni ta' Alla jagħrfuha u jilqgħuha l-bnedmin kollha u tinxtered sa truf l-art: dan id-dmir jorbot wisq aktar fil-każ li jkun permezz tal-lajċi biss li l-bnedmin ikunu jistgħu jisimgħu t-tħabbira tal-Evanġelju u jsiru jafu 'l Kristu. Fil-komunitajiet ekkleżjali, il-ħidma tal-lajċi hi hekk meħtieġa, li mingħajrha, l-appostolat tar-Rgħajja spiss ma jkollux l-effett sħiħ tiegħu.[232]

---

[227] *Ibid*.

[228] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Smirna*, 8, 1.

[229] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 31.

[230] *Ibid*.

[231] Piju XII, Diskors lill-Kardinali li kien ħatar (20 ta' Frar 1946), imsemmi minn San Ġwanni Pawlu II fl-Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles laici* (1988), 9.

[232] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 33.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 356-357 5/16/2014 11:17:35 AM

Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni saċerdotali ta' Kristu

784; 1268 901 "Il-lajċi, għax ġew ikkonsagrati lil Kristu u rċevew id-Dilka tal-Ispirtu s-Santu, huma msejħin b'mod tal-għaġeb u mħarrġin biex l-Ispirtu s-Santu fihom jagħmel kotra dejjem akbar ta' frott. Il-ħidmiet kollha tagħhom, it-talb u l-inizjattivi tagħhom ta' appostolat, il-ħajja tagħhom fiż-żwieġ u fi ħdan il-familja, ix-xogħol tagħhom ta' kuljum, il-ħin tal-mistrieħ tagħhom fir-ruħ u l-ġisem, jekk jgħixuhom fl-Ispirtu, u jilqgħu wkoll bis-sabar it-tiġrib tal-ħajja, isirulhom "sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu 'l Alla f'Ġesù Kristu" (*1 Piet* 2,5), u fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jiġu, bit-tjieba kollha, offerti lill-Missier flimkien mal-offerta tal-Ġisem tal-Mulej. B'hekk
358 il-lajċi jikkonsagraw l-istess dinja lil Alla, huma u jadurawh bil-qdusija ta' ħajjithom".[233]

902 B'mod partikulari, il-ġenituri jkunu jissieħbu f'dan id-dmir li jqaddsu "billi jgħixu l-ħajja taż-żwieġ tagħhom skont l-ispirtu Nisrani, u jagħtu lil uliedhom edukazzjoni Nisranija".[234]

1143 903 Il-lajċi, jekk ikollhom il-kwalitajiet meħtieġa, jistgħu jiġu istitwiti fil-ministeru tal-lettorat u tal-akkolitat.[235] "Fejn minħabba n-nuqqas ta' ministri, il-ħtiġijiet tal-Knisja jitolbuh, il-lajċi jistgħu wkoll, għalkemm la huma letturi u lanqas akkolti, jaqdu xi dmirijiet tagħhom bħalma huma l-qadi tal-ministeru tal-Kelma, jippresiedu t-talb liturġiku, jgħammdu u jqarbnu, dejjem skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Knisja".[236]

Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni profetika ta' Kristu

785 904 "Kristu ... jwettaq il-missjoni profetika tiegħu mhux biss permezz tal-ġerarkija … imma wkoll permezz tal-lajċi

[233] *Ibid*., 34; ara *ibid*., 10.
[234] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 835 §4.
[235] Ara *ibid*., kan. 230 §1.
[236] *Ibid.* kan. 230 §3.

u għalhekk jagħmel minnhom xhieda billi jagħtihom is-sens 92
tal-fidi *(sensus fidei)* u l-grazzja tal-kelma"[237]:

> Hu dmir ta' kull predikatur, anzi ta' kull min jemmen, li jgħallem lil xi wħud biex iwassalhom għall-fidi.[238]

905 Il-lajċi jaqdu l-missjoni profetika tagħhom ukoll permezz ta' l-evanġelizzazzjoni, jiġifieri "billi jħabbru 'l Kristu bix-xhieda ta' ħajjithom u bi kliemhom". Fost il-lajċi "din il- 2044
ħidma ta' evanġelizzazzjoni ... għandha karattru speċifiku u hi b'mod partikulari effikaċi, għaliex issir fil-kundizzjonijiet propji taż-żmien li jkun".[239]

> Dan l-appostolat mhuwiex biss xhieda ta' ħajja: il-veru appostlu jfittex kull okkażjoni biex iħabbar lil Kristu bil-kelma tiegħu kemm 2472
> lil dawk li ma jemmnux … u kemm lil dawk li jemmnu".[240]

906 Dawk l-Insara lajċi li huma kapaċi u huma mħarrġin sewwa jistgħu wkoll jagħtu sehemhom fil-formazzjoni kateketika[241], fit-tagħlim tat-teoloġija[242] u fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali.[243] 2495

907 "Il-lajċi, skont id-dmir, il-ħila u l-ġieħ li jkollhom, għandhom id-dritt u xi kultant ukoll id-dmir li juru l-fehma tagħhom lir-Rgħajja tal-Knisja dwar dak li jkollu x'jaqsam mal-ġid tal-Knisja u jgħarrfu 'l-Insara l-oħra wkoll b'din il-fehma tagħhom, sakemm jibqgħu bla mittiefsa s-sħuħija tal-fidi u tal-morali, u r-rispett li għandu jingħata lir-Rgħajja, waqt li jitqiesu sewwa kemm il-ġid komuni u kemm id-dinjità tal-persuni".[244]

[237] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 35.
[238] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* III, 71, 4, 3.
[239] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 35.
[240] Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 6; ara Digriet *Ad gentes* (1965), 15.
[241] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 774; 776; 780.
[242] Ara *ibid*., kan.229.
[243] *Ibid*., kan. 822 §3.
[244] *Ibid*., kan. 212 §3.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 358-359 5/16/2014 11:17:35 AM

Is-sehem tal-lajċi fil-missjoni regali ta' Kristu

786 908 Kristu, għax obda sal-mewt (ara *Fil* 2,8-9), ta lid-dixxipli tiegħu d-don tal-ħelsien regali, "biex jeqirdu s-saltna tad-dnub fihom infushom biċ-ċaħda u l-qdusija ta' ħajjithom".[245]

> Min jaħkem fuq ġismu u jmexxi 'l ruħu mingħajr ma jħalli l-passjonijiet tiegħu jegħlbuh, hu sid tiegħu nnifsu: jista' jissejjaħ sultan għaliex għandu l-ħila jmexxi lilu nnifsu, u huwa ħieles u indipendenti u ma jħallix lilu nnifsu jiġi mjassar bi ħtija tiegħu stess.[246]

909 "Barra dan, il-lajċi għandhom ukoll jingħaqdu flimkien biex iġeddu l-istituzzjonijiet u l-kundizzjonijiet tad-dinja, fejn
1887 u meta dawn iħajru l-imġiba għad-dnub, biex kollha jimxu man-normi tal-ġustizzja u, flok ifixklu, jgħinu aktar il-ħarsien ta' kull virtù. Meta jagħmlu dan, ikunu jdaħħlu valuri morali fil-kulturi u l-ħidmiet tal-bnedmin".[247]

910 "Il-lajċi jistgħu jħossu li huma msejħin jew qegħdin jiġu msejħin biex jissieħbu mar-Rgħajja tagħhom fil-qadi tal-komunità ekkleżjali, għall-ġid tal-ħajja u l-kobor tagħha, billi
799 jaqdu ministeri differenti, skont il-grazzja u l-kariżmi li l-Mulej jogħġbu jnissel fihom".[248]

911 Fil-Knisja, "il-lajċi Nsara jistgħu skont il-liġi jagħtu s-sehem tagħhom fit-tħaddim tas-setgħa tat-tmexxija".[249] Hekk hi l-preżenza tal-lajċi

[245] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 36.
[246] San Ambroġ, *Tifsir dwar Salm* 118, 14, 30: PL 15, 1476.
[247] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 36.
[248] Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi* (1975), 73.
[249] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 129 §2.

fil-konċilji partikulari[250], fis-sinodi djoċesani[251], fil-kunsilli pastorali[252], fil-ħidma mal-oħrajn fl-attività pastorali f'parroċċa[253], f'kollaborazzjoni f'kunsilli ta' amministrazzjoni[254], f'parteċipazzjoni fit-tribunali ekkleżjastiċi[255], u l-bqija.

912 L-Insara "iridu bil-għaqal kollu jagħmlu għażla bejn 2245 id-drittijiet u d-dmirijiet li għandhom bħala membri tal-Knisja, u bejn id-drittijiet u d-dmirijiet li għandhom bħala membri tas-soċjetà tal-bnedmin. Għandhom ifittxu jsieħbu flimkien f'armonija sħiħa dawn id-drittijiet u d-dmirijiet, huma u jżommu quddiemhom li l-kuxjenza Nisranija tagħhom trid tmexxihom fl-oqsma kollha ta' din id-dinja għaliex ebda ħidma tal-bniedem, ukoll jekk hi ta' din id-dinja, ma tista' teħles minn taħt is-setgħa ta' Alla".[256]

913 "Kull lajk, bil-qawwa tad-doni li jingħatawlu, hu xhud u fl-istess ħin strument ħaj tal-missjoni tal-Knisja stess, 'skont il-qies tad-don ta' Kristu' (*Ef* 4,7)".[257]

III. Il-ħajja kkonsagrata

914 "L-istat ta' ħajja li jiġi mill-professjoni tal-kunsilli 2103 evanġeliċi, għalkemm mhux parti mill-ġerarkija tal-Knisja, hu parti sewwa mill-ħajja u l-qdusija tagħha".[258]

[250] Ara *ibid*., kan. 443 §4.
[251] Ara *ibid*., kan. 463, 1-2.
[252] Ara *ibid*., kan. 511-512; 536.
[253] Ara *ibid*., kan. 517 §2.
[254] Ara *ibid*., 492 §1; 537.
[255] Ara *ibid.,* 1421 §2.
[256] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 36.
[257] *Ibid*., 33.
[258] *Ibid*., 44.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 360-361 5/16/2014 11:17:35 AM

Kunsilli evanġeliċi, ħajja kkonsagrata

915 Il-kunsilli evanġeliċi, fil-għadd kollu tagħhom, il-
1973-1974 Knisja toffrihom lid-dixxipli kollha ta' Kristu. Il-perfezzjoni tal-imħabba li għaliha l-Insara kollha huma msejħin, għal dawk li minn rajhom jilqgħu s-sejħa għall-ħajja kkonsagrata titlob minnhom id-dmir li jħarsu l-kastità fiċ-ċelibat f'ġieħ is-Saltna tas-Smewwiet, u jħarsu wkoll il-faqar u l-ubbidjenza. Hi l-*professjoni* ta' dawn il-kunsilli fi stat ta' ħajja stabbli, rikonoxxuta mill-Knisja, li tikkaratterizza il-"ħajja kkonsagrata" lil Alla.[259]

2687 916 L-istat ta' ħajja kkonsagrata jidher għalhekk wieħed mill-modi biex wieħed iħaddan konsagrazzjoni "aktar intima", li għandha l-għeruq tagħha fil-Magħmudija, u ta' dedikazzjoni sħiħa lil Alla.[260] Fil-ħajja kkonsagrata, dawk li jemmnu fi Kristu, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, jimpenjaw ruħhom li jimxu wara Kristu aktar mill-qrib, li jingħataw lil Alla u jħobbuh 'il fuq minn kollox, u, waqt li jfittxu l-perfezzjoni tal-imħabba fil-qadi tas-Saltna, ifissru u jħabbru fil-Knisja
933 l-glorja tad-dinja li għad trid tiġi.[261]

Siġra kbira b'ħafna friegħi

2684 917 Bħal siġra li fl-għalqa tal-Mulej tinbet minn żerriegħa li jkun żera' l-Mulej u tikber u tferrex il-ħafna friegħi tagħha b'mod tassew tal-għaġeb, hekk żviluppaw il-ħafna suriet ta' ħajja solitarja jew komunitarja, familji diversi li mill-għana

[259] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 42-43; Digriet *Perfectae caritatis* (1965), 1.
[260] Ara Konċilju Vatikan II, *Perfectae caritatis* (1965), 5.
[261] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 573.

spiritwali kollu tagħhom kisbu ġid kemm il-membri tagħhom u kemm il-Ġisem kollu ta' Kristu".[262]

918 "Sa mill-bidu tal-Knisja, kien hemm irġiel u nisa li riedu, bil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi, imorru minn rajhom wara Kristu u jfittxu li jkunu jixbhuh b'fedeltà akbar, kull wieħed skont il-manjiera tiegħu, u jgħixu ħajja kkonsagrata lil Alla. Ħafna minnhom, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, għexu ħajja waħedhom, jew waqqfu familji reliġjużi, li l-Knisja laqgħet bil-qalb u approvat bl-awtorità tagħha".[263]

919 L-isqfijiet dejjem ħabirku biex jagħrfu d-doni ġodda ta' ħajja kkonsagrata li l-Ispirtu s-Santu jafda lill-Knisja tiegħu; l-approvazzjoni ta' suriet ġodda ta' ħajja kkonsagrata hija riservata lis-Sede Appostolika.[264]

Il-ħajja tal-eremiti

920 L-eremiti, għalkemm mhux dejjem jipprofessaw pubblikament it-tliet kunsilli evanġeliċi, "jikkonsagraw ħajjithom għat-tifħir ta' Alla u għas-salvazzjoni tad-dinja, f'ħarba l-aktar bogħod mid-dinja, fis-skiet u s-solitudni, fit-talb ma jaqtax u fil-penitenza."[265]

921 L-eremiti juru lil kulħadd dan l-aspett intimu tal- 2719
misteru tal-Knisja li jikkonsisti f'intimità personali ma' Kristu. Il-ħajja tal-eremita, moħbija għal għajnejn il-bnedmin, hi predikazzjoni siekta dwar Dak li lilu l-eremita offra ħajtu, għaliex hu kollox għalih. Din is-sura ta' ħajja hi stedina 2015
partikulari biex fid-deżert, fl-istess taqbida spiritwali, insibu l-glorja ta' Kristu msallab.

[262] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 43.
[263] Konċilju Vatikan II, Digriet *Perfectae caritatis* (1965), 1.
[264] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 605.
[265] *Ibid.*, kan. 603 §1.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 362-363 5/16/2014 11:17:35 AM

Il-verġni u r-romol ikkonsagrati

1618-1620 922 Sa minn żmien l-Appostli, xi verġni u xi romol Insara[266], imsejħin mill-Mulej biex jingħaqdu miegħu biss u ħielsa għal kollox fil-qalb, il-ġisem u l-ispirtu, qatgħuha, bl-approvazzjoni tal-Knisja, li jgħixu l-istat tagħhom ta' verġinità jew ta' kastità perpetwa "għas-Saltna tas-smewwiet" (*Mt* 19,12).

1537 923 "Huma u jfissru l-fehma qaddisa tagħhom li jmorru wara Kristu aktar mill-qrib, dawn il-verġni jiġu kkonsagrati lil Alla mill-Isqof djoċesan, skont rit liturġiku approvat: jitgħarrsu mistikament ma' Kristu l-Iben ta' Alla, u jiddedikaw
1672 ruħhom għall-qadi tal-Knisja".[267] B'dan ir-rit solenni, "il-verġni ssir persuna sagra, sinjal għoli tal-imħabba tal-Knisja għal Kristu, xbieha eskatoloġika tal-Għarusa tas-sema u tal-ħajja li ġejja".[268]

924 "Bħal suriet oħra ta' ħajja kkonsagrata"[269], l-ordni tal-verġni jagħti lill-mara li tkun tgħix fid-dinja (jew lis-soru tal-klawsura) li tgħaddi ħajja fit-talb, fil-penitenza, fil-qadi tal-aħwa u fil-ħidma tal-appostolat skont il-kundizzjoni u l-kariżma li Alla jagħti lil kull waħda.[270] Il-verġni kkonsagrati jistgħu jissieħbu flimkien biex iħarsu b'fedeltà aqwa l-fehma tagħhom.[271]

[266] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Vita Consecrata* (1996), 7.
[267] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 604 §1.
[268] *Is-Sagramentarju Malti,* Ordni għall-Konsagrazzjoni tal-Verġni, Tagħrif ta' qabel, 1.
[269] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 604 §1.
[270] *Is-Sagramentarju Malti,* Ordni għall-Konsagrazzjoni tal-Verġni, Tagħrif ta' qabel, 2.
[271] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 604 §2.

Il-ħajja reliġjuża

925 Il-ħajja reliġjuża li bdiet fl-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu fil-Lvant[272] u jgħixuha l-membri tal-istituti mwaqqfin kanonikament mill-Knisja[273], tingħażel minn suriet oħra ta' ħajja kkonsagrata mill-aspett tal-kult, mill-professjoni pubblika tal-kunsilli evanġeliċi, mill-ħajja li r-reliġjużi jgħixu 1672 flimkien bħal aħwa, u mix-xhieda li jagħtu tal-għaqda bejn Kristu u l-Knisja.[274]

926 Il-ħajja reliġjuża toħroġ mill-misteru tal-Knisja. Hi don li l-Knisja tirċievi mingħand Sidha u li hi toffri bħala stat ta' ħajja stabbli lil min ikun imsejjaħ minn Alla għall-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi. B'hekk il-Knisja fl-istess waqt tkun tista' turi lil Kristu u tagħraf lilha nnifisha bħala l-Għarusa tal- 796 Feddej. Il-ħajja reliġjuża hi msejħa biex tesprimi, permezz ta' forom differenti, l-istess imħabba ta' Alla, b'lingwaġġ ta' żmienna.

927 Ir-reliġjużi kollha, eżenti jew le[275], għandhom posthom mal-kooperaturi tal-Isqof djoċesan fil-ħidma pastorali tiegħu.[276] Il-ħidma missjunarja għat-twaqqif u 854 t-tkabbir tal-Knisja titlob il-preżenza tal-ħajja reliġjuża fis-suriet kollha tagħha sa mill-bidu tal-evanġelizzazzjoni.[277] "L-istorja tagħti xhieda tal-merti kbar tal-familji reliġjuži fix-xandir tal-fidi u fit-twaqqif tal-Knejjes ġodda, ibda mill-istituzzjonijiet monastiċi tal-qedem u l-Ordnijiet taż-żmien tan-nofs sal-Kongregazzjonijiet tal-lum.[278]

[272] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 15.
[273] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 573.
[274] Ara *ibid*., kan. 607.
[275] Ara *ibid*., kan. 591.
[276] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Christus Dominus* (1965), 33-35.
[277] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 18; 40.
[278] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 69.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 364-365 5/16/2014 11:17:35 AM

L-istituti sekulari

928 "L-Istitut sekulari hu istitut ta' ħajja kkonsagrata li fih il-fidili, huma u jgħixu fid-dinja, ifittxu l-perfezzjoni tal-imħabba u jħabirku għall-qdusija tad-dinja, l-aktar minn ġewwa".[279]

929 B'"ħajja perfettament kollha kemm hi kkonsagrata għal din is-sura ta' qdusija"[280], il-membri ta' dawn l-istituti huma mseħbin fil-ħidma tal-Knisja għall-evanġelizzazzjoni "fid-dinja u mid-dinja" fejn il-preżenza tagħhom hi "bħall-
901 ħmira".[281] "Ix-xhieda tal-ħajja Nisranija" li huma jagħtu trid twassal biex "il-ħwejjeġ ta' din id-dinja jsiru kif irid Alla u l-qawwa tal-Evanġelju tidħol 'il ġewwa fid-dinja". Huma jintrabtu bir-rabta qaddisa tal-kunsilli evanġeliċi u jgħożżu bejniethom dik il-komunjoni u dik l-imħabba tal-aħwa li hi propja "tas-sura tagħhom ta' ħajja fid-dinja".[282]

Is-soċjetajiet ta' ħajja appostolika

930 Mal-ħafna suriet ta' ħajja kkonsagrata, "isibu posthom is-soċjetajiet ta' ħajja appostolika, li l-membri tagħhom, mingħajr ma jkunu marbutin mal-voti reliġjużi, iħabirku biex jilħqu l-għan appostoliku propju tas-soċjetà tagħhom, u, huma u jgħixu flimkien ħajja tal-aħwa, ifittxu, skont il-mod tal-ħajja propja tagħhom, il-perfezzjoni tal-imħabba bil-ħarsien tal-kostituzzjonijiet tagħhom. Hemm fosthom soċjetajiet li l-membri tagħhom jintrabtu bil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi skont il-kostituzzjonijiet tagħhom".[283]

[279] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 710.
[280] Piju XII, Kostituzzjoni Appostolika *Provida Mater* (1947).
[281] Konċilju Vatikan II, *Perfectae caritatis* (1965), 11.
[282] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 713 §2.
[283] *Ibid.,* kan. 731 §1-2.

Konsagrazzjoni u missjoni: it-tħabbira tas-Sultan li għandu jiġi

931 Mogħti lil Alla maħbub fuq kollox u aktar minn kollox, dak li bil-Magħmudija hu ġa kkonsagrat lil Alla, jiġi kkonsagrat b'mod aktar intimu għall-qadi ta' Alla u impenjat għall-ġid tal-Knisja. Bl-istat ta' konsagrazzjoni lil Alla, il-Knisja tħabbar lil Kristu u turi kif l-Ispirtu s-Santu jaħdem fiha b'mod tal-għaġeb. "Dawk li jħaddnu l-kunsilli evanġeliċi għandhom l-ewwel nett bħala missjoni tagħhom li jgħixu l-konsagrazzjoni tagħhom. Iżda, għax huma kkonsagraw ruħhom għas-servizz tal-Knisja, bis-saħħa stess tal-konsagrazzjoni tagħhom, huma fid-dmir li jħabirku b'mod speċjali fil-ħidma missjunarja, skont il-mod propju tal-istitut tagħhom".[284]

932 Fil-Knisja li hi bħalma hu sagrament, jiġifieri sinjal u 775
strument tal-ħajja ta' Alla, il-ħajja kkonsagrata tidher bħala sinjal partikulari tal-misteru tal-Fidwa. Min jimxi wara Kristu u jkun jixbhu "dejjem aktar", juri "b'mod dejjem aktar ċar" ix-xejn tiegħu, ifisser li hu jinsab dejjem "aktar fil-fond" tal-qalb ta' Kristu għan-nies ta' żmienu. Għaliex dawk li mexjin f'din it-triq "id-dejqa", iqanqlu lil ħuthom bl-eżempju tagħhom u jagħtu din ix-xhieda hekk ċara "li d-dinja ma tistax tinbidel u tingħata lil Alla mingħajr l-ispirtu tal-beatitudnijiet".[285]

933 Kemm jekk ix-xhieda ta' dawk li huma kkonsagrati lil Alla hi pubblika, kif hu l-każ tal-istat reliġjuż, u kemm jekk hi inqas pubblika, jew moħbija, il-miġja ta' Kristu għal 672
dawk kollha li huma kkonsagrati hi l-bidu u d-direzzjoni ta' ħajjithom kollha:

[284] *Ibid*., kan. 783; ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Redemptoris missio* (1990), 69.
[285] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 31.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 366-367 5/16/2014 11:17:35 AM

769 Kif il-Poplu ta' Alla hawn fuq l-art ma għandux għamara għal dejjem, (l-istat reliġjuż) … juri, lil dawk kollha li jemmnu, il-preżenza sa minn dan iż-żmien tal-ġid tas-sema: jagħti xhieda tal-ħajja ġdida li nkisbet bil-Fidwa ta' Kristu, u jħabbar il-qawmien li għad irid iseħħ u l-glorja tas-sema.[286]

Fil-qosor

934 *"Fil-Knisja, b'istituzzjoni divina, hemm fost il-fidili ministri mqaddsa li bid-dritt kollu jissejħu kjeriċi; l-oħrajn jissejħu lajċi". Fl-aħħar nett hemm ukoll fidili oħra li jagħmlu parti jew minn kategorija jew minn oħra li permezz tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, ikkonsagraw ruħhom lil Alla u hekk għas-servizz tal-missjoni tal-Knisja.*[287]

935 *Kristu biex ixandar il-fidi u jwaqqaf il-Knisja tiegħu, jibgħat l-Appostli u s-suċċessuri tagħhom. Jagħtihom sehem mill-missjoni tiegħu. Mingħandu jirċievu s-setgħa li jaħdmu f'ismu.*

936 *Il-Mulej għamel minn Pietru l-pedament viżibbli tal-Knisja tiegħu. Fdalu f'idejh l-imfietaħ tagħha. L-Isqof tal-Knisja ta' Ruma, is-suċċessur ta' Pietru, hu "l-kap tal-Kulleġġ tal-Isqfijiet, il-Vigarju ta' Kristu u r-Ragħaj tal-Knisja kollha fuq l-art".*[288]

937 *Il-Papa "għandu b'awtorità ġejja minn Alla, setgħa suprema, sħiħa, immedjata u universali għall-kura tal-erwieħ".*[289]

[286] *Ibid*., 44.
[287] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 207, 1-2.
[288] *Ibid.,* kan. 331.
[289] Konċilju Vatikan II, Digriet *Christus Dominus* (1965), 2.

938 *L-Isqfijiet, imqegħdin mill-Ispirtu s-Santu, huma s-suċċessuri tal-Appostli. Huma, "kull wieħed skont is-sehem tiegħu, l-għajn viżibbli u l-pedament tal-għaqda fil-Knejjes lokali tagħhom".*[290]

939 *L-Isqfijiet, bl-għajnuna tas-saċerdoti, il-kollaboraturi tagħhom, u tad-djakni, għandhom id-dmir li jgħallmu l-fidi b'mod awtentiku, jiċċelebraw il-kult divin, speċjalment l-Ewkaristija, u jmexxu l-Knejjes tagħhom bħala Rgħajja tassew. Huma għandhom ukoll fil-ħsieb tagħhom il-ħerqa għall-Knejjes kollha mal-Papa u taħt il-Papa.*

940 *"Hu propju tal-istat tal-lajċi li jgħixu ħajjithom f'nofs id-dinja u l-ħsibijiet tagħha. Huma msejħin minn Alla biex jaqdu l-appostolat tagħhom fid-dinja bħala ħmira, bil-qawwa tal-ispirtu Nisrani tagħhom".*[291]

941 *Il-lajċi għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu; aktar ma jkunu magħqudin miegħu, aktar iqiegħdu fid-dieher il-grazzja tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tal-ħajja personali, familjari, soċjali u ekkleżjali, u hekk iwieġbu għas-sejħa tal-qdusija magħmula lill-imgħammdin kollha.*

942 *Il-lajċi, minħabba l-missjoni profetika tagħhom, "huma msejħin ukoll biex, fiċ-ċirkostanzi kollha u fil-qalba stess tal-komunità tal-bnedmin, ikunu xhieda ta' Kristu".*[292]

[290] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 23.
[291] Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 2.
[292] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 43.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 368-369 5/16/2014 11:17:36 AM

943 *Il-lajċi, minħabba l-missjoni regali tagħhom, għandhom il-qawwa biex jeqirdu s-saltna tad-dnub fihom infushom u fid-dinja biċ-ċaħdiet tagħhom u bil-qdusija ta' ħajjithom.*[293]

944 *Il-ħajja kkonsagrata lil Alla għandha bħala karatteristika tagħha l-professjoni pubblika tal-kunsilli evanġeliċi tal-faqar, tal-kastità u tal-ubbidjenza f'sura ta' ħajja stabbli magħrufa mill-Knisja.*

945 *Mogħti lil Alla maħbub fuq kollox, dak li kien diġà destinat lilu mill-Magħmudija, jinsab fl-istat ta' ħajja kkonsagrata, aktar intimament mogħti għall-qadi ta' Alla u impenjat għall-ġid tal-Knisja kollha.*

Il-ħames paragrafu

IX-XIRKA TAL-QADDISIN

946 Wara li l-Kredu tal-Appostli jistqarr "il-Knisja Mqaddsa Kattolika", iżid: "Ix-xirka tal-qaddisin". Dan l-artiklu b'xi mod
823 ifisser l-artiklu ta' qabel: "X'inhi l-Knisja jekk mhux xirka tal-qaddisin kollha?"[294] Ix-xirka tal-qaddisin hi propju l-Knisja.

947 "Għaliex dawk kollha li jemmnu jagħmlu ġisem wieħed, il-ġid ta' kull wieħed jitqassam lill-oħrajn … Bl-istess mod irridu nemmnu li fil-Knisja hemm kommunjoni ta' ġid. Iżda l-membru l-aktar importanti fil-Knisja hu Kristu għax
790 hu r-Ras … Għalhekk, il-ġid ta' Kristu jitqassam lill-membri

[293] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 36.

[294] San Niceta ta' Remesjana, *Tifsir tal-Kredu*, 5, 3, 23: 10: PL 52, 871B.

kollha, u dan it-tqassim isir permezz tas-sagramenti tal-Knisja".[295] "Għax din il-Knisja hi mmexxija mill-istess Spirtu wieħed, il-ġid kollu li rċeviet bilfors isir għajn ta' ġid għal kulħadd".[296]

948 Il-kliem "xirka tal-qaddisin" għandu żewġ tifsiriet, marbutin sewwa ma' xulxin: 'xirka fil-ħwejjeġ qaddisa' 1331
('sancta'), u xirka bejn persuni qaddisa ('sancti') .

> "*Sancta sanctis!*" – il-ħwejjeġ qaddisa għall-qaddisin – iħabbar iċ-ċelebrant f'ħafna mil-Liturġiji tal-Lvant fil-ħin tal-elevazzjoni tad-doni qaddisa qabel it-tqarbin. Il-fidili ("sancti") jitmantnu bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu ("sancta") biex jikbru fl-għaqda tal-Ispirtu s-Santu *(koinonia)* u jwassluha lid-dinja.

I. Ix-xirka fil-ġid spiritwali

949 Fil-komunità tal-bidu f'Ġerusalemm, id-dixxipli kienu "iżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (*Atti* 2,42).

Ix-xirka fil-fidi. Il-fidi tal-Insara hi l-fidi tal-Knisja 185
li rċeviet mill-Appostli, teżor ta' ħajja li jistagħna meta jinqasam mal-oħrajn.

950 *Ix-xirka tas-sagramenti.* "Il-frott tas-sagramenti kollha 1130
hu ta' kulħadd. Għax is-sagramenti, u l-aktar il-Magħmudija, li qisha l-bieb li minnu l-bnedmin jidħlu fil-Knisja, huma għadd ta' rabtiet qaddisa li jgħaqqdu flimkien il-bnedmin u jorbtuhom ma' Ġesù Kristu. Ix-xirka tal-qaddisin hi x-xirka tas-sagramenti. Kull sagrament jista' jissejjaħ xirka, għax

[295] San Tumas ta' Aquino, *Espożizzjoni tal-Kredu tal-Appostli*, 13.

[296] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 10, 24.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 370-371 5/16/2014 11:17:36 AM

1331 kull wieħed minnhom jgħaqqadna ma' Alla ... Iżda l-isem ta' xirka jgħodd l-aktar għall-Ewkaristija milli għal kull sagrament ieħor, għax hi l-Ewkaristija li ġġib il-milja ta' din ix-xirka".[297]

799 951 *Ix-xirka tal-kariżmi.* Fix-xirka tal-Knisja, l-Ispirtu s-Santu "jqassam fost l-Insara ta' kull grad ... grazzji speċjali" għall-bini tal-Knisja.[298] Issa "lil kull wieħed tingħata r-rivelazzjoni tal-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd" (*1 Kor* 12,7).

2402 952 *"Kellhom kollox flimkien"* (*Atti* 4,32). "Kulma għandu n-Nisrani veru, għandu jqisu bħala ġid li għandu flimkien ma' kulħadd, u għandu dejjem ikun lest u jħoss ruħu mġiegħel jgħin lill-fqir u lil għajru li jinsab fil-miżerja".[299] In-Nisrani hu amministratur tal-ġid tal-Mulej (ara *Lq* 16,1-3).

1827 953 *Ix-xirka tal-imħabba.* Fix-"xirka tal-qaddisin", "ħadd minna ma jgħix għalih innifsu, u ħadd ma jmut għalih innifsu" (*Rum* 14,7). "Jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata ġieħ, jifirħu lkoll miegħu. Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru minnu" (*1 Kor* 12,26-27). L-imħabba "ma tfittixx dak li hu tagħha" (*1 Kor* 13,5; 2011 ara 10,24). L-iċken għemil tagħna magħmul b'imħabba hu ta' ġid għal kulħadd, f'solidarjetà mal-bnedmin kollha, ħajjin u mejtin, solidarjetà li tinbena fuq ix-xirka tal-qaddisin. Kull 845; 1469 dnub hu ta' ħsara għal din ix-xirka.

[297] *Ibid.*

[298] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 12.

[299] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 10, 27.

II. Ix-xirka tal-Knisja tas-sema u tal-art

954 *It-tliet stati tal-Knisja*. "Huma u jistennew lill-Mulej 771 jerġa' jiġi b'setgħa kbira, flimkien mal-anġli kollha tiegħu, u li tinqered il-mewt, u kollox jitqiegħed taħt riġlejn Kristu, xi wħud mid-dixxipli tiegħu jkomplu fuq l-art il-mixi tagħhom lejn is-sema, oħrajn wara li jtemmu l-mixi tagħhom fid-dinja jkunu għadhom jissaffew mit-tinġis tad-dinja, u oħrajn imbagħad ġa qegħdin fil-glorja jikkontemplaw 'f'dija ta' dawl, 1031; 1023 Alla wieħed fi Tliet Persuni, hekk kif inhu'".[300]

> Iżda lkoll kemm aħna, fi gradi diversi u taħt suriet diversi, aħna magħqudin flimkien fl-istess imħabba għal Alla u għal għajrna, inlissnu lkoll l-istess innu ta' glorja lil Alla tagħna. Dawk kollha li huma ta' Kristu, u għandhom l-Ispirtu tiegħu, jagħmlu Knisja waħda u jqisu lil xulxin li huma lkoll ħaġa waħda fi Kristu.[301]

955 "L-għaqda bejn dawk li għadhom mexjin fi triqithom lejn is-sema ma' ħuthom li ġa raqdu fis-sliem ta' Kristu qatt ma ġiet bl-ebda mod nieqsa; anzi skont it-twemmin li ħaddnet il-Knisja minn dejjem din l-għaqda tissaħħaħ bil-qsim tal-ġid spiritwali".[302]

956 *L-interċessjoni tal-qaddisin.* "Dawk li ġa qegħdin 1370 jgħammru fis-sema, għaliex huma magħqudin ma' Kristu b'mod aktar intimu, jgħinu biex il-Knisja tissaħħaħ aktar fil-qdusija. Ma jieqfu qatt jidħlu għalina quddiem il-Missier, u 2683 joffru l-merti li kisbu fuq l-art permezz tal-Medjatur waħdieni ta' Alla u tal-bnedmin, Ġesù Kristu … Il-ħerqa tagħhom ta' aħwa hi ta' għajnuna kbira għalina fid-dgħufija tagħna".[303]

[300] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 49.

[301] *Ibid.*

[302] *Ibid.*

[303] *Ibid.*

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 372-373 5/16/2014 11:17:36 AM

> Tibkux, jien inkun aktar ta' ġid għalikom wara mewti u ngħinkom b'mod aktar effikaċi milli għentkom tul ħajti.[304]
>
> Iva, irrid ngħaddi s-Sema tiegħi nagħmel il-ġid fuq l-art.[305]

1173 957 *Ix-xirka mal-qaddisin*. "Aħna ma ngħożżux biss it-tifkira tal-qaddisin tas-sema minħabba l-eżempji li tawna, imma aktar biex tissaħħaħ l-għaqda tal-Knisja kollha fl-Ispirtu, billi nuru mħabba għal xulxin bħal aħwa. Kif l-għaqda tal-Insara kollha fid-dinja tressaqna aktar qrib Kristu, hekk l-għaqda tagħna mal-qaddisin tgħaqqadna ma' Kristu, li minnu, qisha minn għajn u mir-Ras toħroġ kull grazzja u l-ħajja tal-istess Poplu ta' Alla".[306]

> Lil Kristu nadurawh għax hu Bin Alla, lill-martri nħobbuhom għax dixxipli tal-Mulej u saru jixbhuh, u din hi ħaġa sewwa, minħabba d-devozzjoni li ma hemmx oħra bħalha li huma wrew lejn is-sultan u l-imgħallem tagħhom: jalla aħna wkoll inkunu sħabhom u dixxipli tagħhom.[307]

1371 958 *Ix-xirka mal-mejtin*. "Il-Knisja tal-Insara li għadhom f'din id-dinja hija u tagħraf sewwa l-għaqda li hemm fi ħdan il-Ġisem mistiku kollu ta' Ġesù Kristu, sa mill-ewwel żminijiet żammet b'għożża u tjieba kbira t-tifkira tal-mejtin, u, għaliex hu "ħsieb ... qaddis u twajjeb [toffri] sagrifiċċju ... 1032; 1689 biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom' (*2 Mak* 12,45), offriet

[304] San Duminku, lil ħutu l-patrijiet, huwa u qiegħed imut: *Atti tal-Qaddisin,* Awwissu, I, 636. Ara Beatu Ġordanu ta' Sassonja, *Ktejjeb dwar il-bidu tal-Ordni tal-Predikaturi*, 93; *Ħajja* 4, 69: Fra Rudolfu, *Atti tal-Qaddisin*, Awwissu, I, 551.

[305] Minn kliem Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, lil Madre Anjeże ta' Ġesù (17 ta' Lulju 1897): *Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tkellimna. L-Aħħar Ħsibijiet*, Pubblikazzjoni Karmelitana Terežjana, Malta 1994, 91.

[306] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 50.

[307] Minn kliem San Polikarpu ta' Smirna, kif miġjub fl-*Ittra tal-Knisja ta' Smirna dwar il-Martirju ta' San Polikarpu*, 17, 3.

għalihom ukoll is-suffraġji tagħha".[308] It-talb tagħna għalihom mhux biss jgħinhom, imma jagħmel effikaċi l-interċessjoni tagħhom għalina.

959 *Fil-familja waħda ta' Alla.* "Aħna lkoll li aħna wlied Alla u lkoll flimkien nagħmlu fi Kristu l-familja waħda ta' Alla, 1027 aħna u nissieħbu flimkien fl-imħabba għal xulxin u fit-tifħir tat-Trinità Qaddisa, inkunu qegħdin inwieġbu għas-sejħa l-aktar intima tal-Knisja".[309]

Fil-qosor

960 *Il-Knisja hi "x-xirka tal-qaddisin". Din l-espressjoni tfisser l-ewwel nett dawk "il-ħwejjeġ qaddisa" ("sancta"), u qabel kollox l-Ewkaristija, li biha "tintwera u sseħħ l-għaqda tal-Insara, li, fi Kristu, jagħmlu Ġisem wieħed".*[310]

961 *Il-kliem "xirka tal-qaddisin" ifisser ukoll "xirka ta' persuni qaddisa" ("sancti") fi Kristu li "miet għal kulħadd" b'mod li kulma wieħed jagħmel jew isofri fi Kristu u għal Kristu, ikun ta' frott għal kulħadd.*

962 *"Aħna nemmnu fix-xirka tal-Insara kollha fi Kristu, ta' dawk li għadhom mexjin f'din id-dinja lejn is-sema, tal-mejtin li qegħdin jissaffew mit-tinġis tad-dinja, tal-*

[308] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 50.

[309] *Ibid*., 51.

[310] *Ibid*., 3.

qaddisin tas-sema: kollha flimkien jagħmlu Knisja waħda, u aħna nemmnu li f'din ix-xirka l-imħabba kollha ħniena ta' Alla u tal-qaddisin hi dejjem lesta tisma' t-talb tagħna".[311]

Is-sitt paragrafu

MARIJA, OMM KRISTU, OMM IL-KNISJA

484-507 963 Wara li tkellimna dwar il-Verġni Marija fil-Misteru ta'
721-726 Kristu u tal-Ispirtu, jaqbel li issa naraw il-post tagħha fil-Misteru tal-Knisja. "Il-Verġni Marija nagħrfuha u nagħtuha ġieħ bħala vera Omm Alla u Omm il-Feddej ... Hi wkoll tassew Omm il-membri (ta' Kristu) ... għaliex bl-imħabba tagħha tgħin biex jitwieldu fil-Knisja dawk li jemmnu fi Kristu, li huma membri tar-Ras tal-Knisja."[312] "... Marija, Omm Kristu, Omm il-Knisja".[313]

I. Il-maternità ta' Marija għall-Knisja

MAGĦQUDA ĦAĠA WAĦDA MA' BINHA …

964 Il-ħidma ta' Marija favur il-Knisja ma tistax tinfired mill-għaqda tagħha ma' Kristu għax toħroġ direttament minnha. "Din l-għaqda ta' Marija ma' Binha fl-opra tas-salvazzjoni tidher sa mill-mument tat-tnissil verġinali ta' Kristu u tibqa' sal-mewt tiegħu".[314] B'mod partikulari tidher fis-siegħa tal-Passjoni tiegħu:

> Il-Verġni Marija mxiet 'il quddiem fil-mixja tagħha tal-fidi, u żammet 534
> bil-fedeltà kollha r-rabta tagħha ma' Binha sas-salib, u ħdejn is-salib, wieqfa – f'dan ma kienx nieqes il-ħsieb ta' Alla – u ssieħbet
> bil-qawwa kollha fit-tbatijiet u s-sagrifiċċju ta' Binha l-Waħdieni 618
> b'qalb ta' omm, hija u taċċetta bl-imħabba kollha li dak li hi nisslet ikun il-vittma għas-sagrifiċċju u fl-aħħar nett ingħatat minn Binha stess qiegħed imut fuq is-salib, bħala omm lid-dixxiplu b'dan il-kliem: "Mara, hawn hu ibnek" (*Ġw* 19,26-27).[315]

965 Wara li Binha tela' fis-sema, Marija "għenet bit-talb tagħha lill-Knisja hija u titwieled".[316] Flimkien mal-Appostli u xi nisa, "naraw lil Marija wkoll bl-interċessjoni tagħha titlob id-don tal-Ispirtu, li, fit-Tħabbira tal-anġlu, kien ġa ħadha taħt id-dell tiegħu".[317]

… UKOLL FIT-TLUGĦ TAGĦHA FIS-SEMA …

966 "Fl-aħħar nett, il-Verġni Immakulata, ħielsa minn Alla 491
minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel, wara li temmet il-mixja ta' ħajjitha fid-dinja, ġiet imtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tas-sema u magħmula mill-Mulej Sultana tal-univers biex tkun dejjem aktar xebh ma' Binha, is-sid tas-sidien, rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub".[318] It-tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema hu tisħib singulari mal-Qawmien ta' Binha mill-imwiet, u

[311] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 30.
[312] Santu Wistin, *Dwar il-Verġinità Mqaddsa*, 6, 6, imsemmi fil-Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 53.
[313] Pawlu VI, Diskors lill-Padri Konċiljari fi tmiem it-tielet sessjoni tal-Konċilju Vatikan II (21 ta' Novembru 1964).
[314] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 57.
[315] *Ibid*., 58.
[316] *Ibid*., 69.
[317] *Ibid*., 59.
[318] *Ibid*. Ara Piju XII, Kostituzzjoni Appostolika *Munificentissimus Deus* (1950), fil-proklamazzjoni tat-Tlugħ tal-Verġni Marija fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem: DS 3903.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 376-377 5/16/2014 11:17:36 AM

tħabbira minn qabel tal-qawmien mill-imwiet tal-Insara l-oħra:

> Meta tajt it-twelid lil Ibnek, int ħarist bla mittiefsa l-verġinità tiegħek, meta rqadt ir-raqda tal-mewt int ma ħallejtx id-dinja, o Omm Alla: int wasalt ħdejn l-għajn tal-ħajja, int li nissilt lil Alla l-ħaj, u bit-talb tiegħek teħles l-erwieħ tagħna mill-mewt.[319]

… HI OMMNA FL-ORDNI TAL-GRAZZJA

967 Il-Verġni Marija, għax intrabtet kollha kemm hi mar-rieda tal-Missier, fl-opra tal-Fidwa ta' Ibnu u ma' kull ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu, hi għall-Knisja eżempju ta' fidi u ta' mħabba. Minħabba f'hekk, hi l-membru l-aktar għoli, u għal kollox singulari tal-Knisja"[320]; hi "xbieha" tal-Knisja.[321]

968 Iżda l-ħidma tagħha mal-Knisja u mal-ġens kollu tal-bnedmin hi aktar minn hekk. "Hi ssieħbet b'mod tassew singulari mal-opra tal-Feddej, bl-ubbidjenza tagħha, bil-fidi tagħha, bit-tama tagħha, bl-imħabba kollha ħeġġa tagħha biex mill-ġdid tingħata l-ħajja sopranaturali lill-erwieħ; hu għalhekk li hi għalina Omm ukoll fl-ordni tal-grazzja.[322]

969 "Din il-maternità ta' Marija fl-ordni tal-grazzja baqgħet dejjem, mill-mument li tat il-kunsens tagħha b'fedeltà sħiħa fit-Tħabbira tal-anġlu, bil-qawwa kollha żammitha ħdejn is-salib, u tibqa' żżommha sal-mument meta l-magħżulin kollha

[319] Liturġija Biżantina, Troparju għall-festa tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija.
[320] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 53.
[321] *Ibid*., 63.
[322] *Ibid*., 61.

jaslu għall-milja sħiħa tagħhom. Imtellgħa fis-sema, ma warrbitx minnha dan id-dmir tagħha ta' salvazzjoni, imma bl-interċessjoni dejjem sejra tagħha għadha taqlgħalna l-grazzji kollha li neħtieġu għas-salvazzjoni ta' dejjem ... Hu għalhekk li fil-Knisja, aħna, lill-Verġni Marija nitolbuha u nsejħulha bit-titli ta' avukata tagħna, ta' awżiljatriċi, tas-sokkors, u ta' medjatriċi".[323]

970 Il-ħidma ta' Marija bħala omm favur il-bnedmin bl-ebda mod ma ddallam il-medjazzjoni waħdanija ta' Kristu u lanqas tnaqqasha, imma turi l-qawwa tagħha. Dan għaliex il-qawwa kollha li għandha l-Verġni Marija għas-salvazzjoni tal-bnedmin ... ġejja mir-rieda tajba ta' Alla, u mill-għana bla qies tal-merti ta' Kristu: hi mibnija kollha kemm hi fuq il-medjazzjoni ta' Kristu, tiddependi minnha għal kollox, u minnha tikseb il-qawwa kollha tagħha".[324] "Ebda kreatura, ebda ħliqa ma tista' titqies daqs il-Verb magħmul bniedem u Feddej tad-dinja; iżda kif il-ministri ta' Alla u l-poplu fidil tiegħu b'ħafna modi għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu, u kif it-tjieba ta' Alla tinxtered tassew b'ħafna modi fil-ħlejjaq kollha, hekk ukoll il-medjazzjoni waħdanija tal-Feddej ma teskludix, anzi għall-kuntrarju tqanqal fil-ħlejjaq kooperazzjoni ta' ħafna suriet ħierġa mill-istess għajn waħda.[325]

II. Il-Kult tal-Verġni Marija

971 *"Kull nisel isejjaħli hienja"* (*Lq* 1,48). "Id-devozzjoni tal-Knisja għall-Verġni Marija hi parti intrinsika mill-kult Nisrani".[326] Il-Verġni Mqaddsa hi "bir-raġun kollu mogħtija ġieħ b'kult speċjali mill-Knisja. Sa miż-żmien l-aktar imbiegħed, il-Verġni Mqaddsa ġiet ivvenerata bħala 'Omm Alla', u l-Insara dejjem fittxew il-ħarsien tagħha fit-tiġrib u l-ħtiġijiet kollha tagħhom ... Dan il-kult ... għalkemm hu kult

[323] *Ibid*., 62.
[324] *Ibid*., 60.
[325] *Ibid*., 62.
[326] Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Marialis cultus* (1974), 56.

tassew singulari, hu essenzjalment differenti mill-kult ta' adorazzjoni li jingħata lill-Verb magħmul bniedem, l-istess bħalma jingħata lill-Missier u lill-Ispirtu s-Santu; iżda l-kult tal-Verġni Marija jġib ħafna 'l quddiem il-qima ta' adorazzjoni ta' Alla"[327], u jintwera fil-festi liturġiċi f'ġieħ il-Verġni Omm
2678 Alla[328], u fit-talb, bħalma hu r-Rużarju, li hu "l-Evanġelju kollu miġbur fil-qosor".[329]

III. Marija: l-ikona eskatoloġika tal-Knisja

972 Wara li tkellimna fuq il-Knisja, fuq il-bidu tagħha, il-missjoni tagħha u d-destin tagħha, tajjeb li nagħlqu
773 b'ħarsa lejn Marija biex fiha nikkontemplaw x'inhi l-Knisja fil-Misteru tagħha, fil-"mixja tagħha tal-fidi", f'dak li
829 għad tkun, wara li ttemm il-mixja tagħha, u tasal f'pajjiżha fejn hemm tistennieha, "fil-glorja tat-Trinità l-aktar Qaddisa u indiviżibbli", "fix-xirka tal-qaddisin kollha"[330], dik li l-Knisja tqim bħala Omm il-Mulej u Omm tagħha wkoll:

> Kif fis-sema Omm Ġesù, ġa fil-glorja bir-ruħ u l-ġisem, hi xbieha u bidu ta' dik il-milja li l-Knisja għad tkun fiż-żmien li jrid jiġi, hekk hawn fuq l-art, sa ma jseħħ Jum il-Mulej, Omm Alla hi sinjal jiddi ta' tama żgura u ta' faraġ għall-Poplu ta' Alla fil-mixi tiegħu lejn
2853 is-sema.[331]

[327] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 66.
[328] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium*, 103.
[329] Ara Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Marialis cultus* (1974), 42.
[330] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 69.
[331] *Ibid*., 68.

Fil-qosor

973 *Meta qalet l-"iva" tagħha għall-Misteru tal-Inkarnazzjoni fit-Tħabbira tal-anġlu, Marija bdiet tagħti s-sehem tagħha fl-opra kollha li kellu jagħmel Binha. Hi Omm kull fejn Kristu hu Feddej u Ras tal-Ġisem mistiku.*

974 *Il-Verġni Mqaddsa Marija, wara li temmet ħajjitha fid-dinja, ġiet imtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tas-sema, fejn hi ġa msieħba fil-glorja tal-qawmien ta' Binha, u hekk tħabbar il-qawmien mill-imwiet tal-membri kollha tal-Ġisem tiegħu.*

975 *"Aħna nemmnu li l-Verġni Mqaddsa Omm Alla, l-Eva l-ġdida, Omm il-Knisja, tkompli fis-sema l-ħidma tagħha ta' Omm mal-membri kollha ta' Kristu".*[332]

L-għaxar artiklu

"NEMMEN FIL-MAĦFRA TAD-DNUBIET"

976 Il-Kredu tal-Appostli jorbot il-fidi fil-maħfra tad-dnubiet mal-fidi fl-Ispirtu s-Santu, u wkoll mal-fidi fil-Knisja u fix-xirka tal-qaddisin. Kristu rxoxt, meta ta l-Ispirtu s-Santu lill-Appostli tiegħu, tahom ukoll is-setgħa ta' Alla li jaħfru d-dnubiet. "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (*Ġw* 20,22-23).

[332] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 15.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 380-381 5/16/2014 11:17:36 AM

It-tieni parti tal-Katekiżmu titkellem espliċitament dwar il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-Magħmudija, tas-sagrament tal-Penitenza u tas-sagramenti l-oħra, u speċjalment permezz tal-Ewkaristija. Hawn għalhekk biżżejjed infakkru fil-qosor xi prinċipji fundamentali.

I. Magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet

1263

977 Il-Mulej jorbot il-maħfra tad-dnubiet mal-fidi u l-Magħmudija: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva" (*Mk* 16, 15-16). Il-Magħmudija hi l-ewwel sagrament u s-sagrament prinċipali għall-maħfra tad-dnubiet għax tgħaqqadna ma' Kristu li miet "għal dnubietna, u [kien] imqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna" (*Rum* 4,25) biex "aħna wkoll ngħixu ħajja ġdida" (*Rum* 6,4).

978 "Meta aħna nagħmlu l-ewwel stqarrija tal-fidi tagħna, aħna u nirċievu l-Magħmudija li tnaddafna minn kull tinġis tad-dnub, il-maħfra li nirċievu hi hekk kbira u hekk sħiħa, li ma jibqa' xejn li jeħtieġlu jitħassar, la d-dnub tan-nisel, u lanqas id-dnubiet li nkunu għamilna bir-rieda tagħna, u lanqas jibqa' xi piena li nkunu għad irridu npattu għaliha ... Iżda l-grazzja tal-Magħmudija ma teħlisniex mid-dgħufija tan-natura tagħna. Għall-kuntrarju, inkunu
1264 rridu nkomplu nikkumbattu t-tqanqil kollu tal-konkupixxenza li ma tieqaf qatt tiġbidna lejn il-ħażen".[333]

979 F'din it-taqbida kontra l-ġibda lejn il-ħażen, min jista' jkun hekk b'saħħtu, hekk attent li jeħles mill-ġerħiet kollha

[333] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 11, 3.

tad-dnub? "La kien meħtieġ li l-Knisja jkollha s-setgħa li taħfer id-dnubiet, kien ukoll meħtieġ li ma tkunx biss il-Magħmudija l-muftieħ tas-saltna tas-smewwiet, li ngħatalha 1446
minn Ġesù Kristu; kien meħtieġ li l-Knisja jkollha s-setgħa li taħfer id-dnubiet ta' dawk li jindmu, ukoll jekk dawn kellhom jerġgħu jidinbu sal-aħħar mument ta' ħajjithom".[334]

980 Hu permezz tas-sagrament tal-Penitenza li 1422-1484
l-imgħammdin jerġgħu jitħabbu ma' Alla u mal-Knisja:

Bir-raġun kollu, Missirijiet il-Knisja sejħu l-Penitenza "Magħmudija tal-ħlas".[335] Dan is-sagrament ta' Penitenza, għal dawk li waqgħu fid-dnub wara l-Magħmudija, hu meħtieġ daqs kemm hi meħtieġa l-Magħmudija għal dawk li għad ma twildux mill-ġdid.[336]

II. Is-setgħa tal-imfietaħ

981 Wara li qam mill-imwiet, Kristu bagħat lill-Appostli ixandru f'ismu "l-maħfra tad-dnubiet ... lill-ġnus kollha" (*Lq* 24,47). Dan "il-ministeru ta' din il-ħbiberija ... ma' Alla" (*2 Kor* 5,18), l-Appostli u s-suċċessuri tagħhom jaqduh mhux biss billi jħabbru lill-bnedmin il-maħfra ta' Alla li Kristu kiseb għalina bil-merti tiegħu, huma u jistednuhom 1444
għall-konverżjoni u għall-fidi, imma wkoll billi jagħtuhom il-maħfra tad-dnubiet permezz tal-Magħmudija u permezz tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja bis-setgħa tal-imfietaħ li rċevew mingħand Kristu:

Il-Knisja rċeviet l-imfietaħ tas-Saltna tas-sema, biex fiha jinħafru 553
d-dnubiet bis-saħħa tad-demm ta' Kristu u l-ħidma tal-Ispirtu

[334] *Ibid*., 1, 11, 4.
[335] San Girgor Nazjanzenu, *Diskors* 39, 17: PG 36, 356A.
[336] Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), 2: DS 1672.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 382-383 5/16/2014 11:17:36 AM

> s-Santu… Hu f'din il-Knisja li r-ruħ li kienet mejta minħabba d-dnub, tgħix mill-ġdid ma' Kristu, li bil-grazzja tiegħu tana s-salvazzjoni.[337]

1463 982 M'hemmx ħtija, kbira kemm hi kbira, li l-Knisja ma għandhiex is-setgħa li taħfer. "Ma hemmx bniedem daqstant ħażin u ħati, li ma għandux jittama u jkollu ċ-ċertezza li jista' jiġi maħfur, sakemm is-sogħba tiegħu tkun tassew ħierġa
605 mill-qalb".[338] Kristu, li miet għall-bnedmin kollha, irid li fil-Knisja tiegħu l-bieb tal-maħfra jkun dejjem miftuħ għal kull min jerġa' lura mid-dnub (ara *Mt* 18,21-22).

1442 983 Il-katekeżi trid tħabrek biex tqajjem u ssaħħaħ fl-Insara l-fidi fil-kobor bla qies tad-don li Kristu rxoxt ta lill-Knisja tiegħu: il-missjoni u s-setgħa li tassew taħfer id-dnubiet, bil-ministeru tal-Appostli u s-suċċessuri tagħhom.

1465

> Il-Mulej ried li d-dixxipli tiegħu jkollhom qawwa tremenda: ried li l-qaddejja fqar tiegħu jagħmlu f'ismu dak li hu għamel meta kien fid-dinja.[339]
>
> Is-saċerdoti rċevew qawwa mingħand Alla li ma ngħatat la lill-anġli u lanqas lill-arkanġli … Alla jwettaq hemm fuq fis-sema dak li s-saċerdoti jagħmlu hawn fuq l-art.[340]
>
> Kieku fil-Knisja ma kienx hemm il-maħfra tad-dnubiet, la kien ikun hemm ix-xewqa u lanqas it-tama ta' ħajja ta' dejjem u ta' ħelsien għal dejjem. Inroddu ħajr lil Alla li għoġbu jagħti don bħal dan lill-Knisja tiegħu.[341]

[337] Santu Wistin, *Omelija* 214, 11: PL 38, 1071-1072.
[338] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 1, 11, 5.
[339] San Ambroġ, *Trattat dwar il-Penitenza*, 1, 8, 34: PL 16, 476-477.
[340] San Ġwann Griżostmu, *Dwar is-Saċerdozju*, 3, 5: PG 48, 643A.
[341] Santu Wistin, *Omelija* 213, 8, 8: PL 38, 1064.

Fil-qosor

984 *Il-Kredu jorbot "il-maħfra tad-dnubiet" mal-istqarrija tal-fidi fl-Ispirtu s-Santu. Kristu rxoxt ried jafda s-setgħa tal-maħfra tad-dnubiet lill-Appostli meta tahom l-Ispirtu s-Santu.*

985 *Il-Magħmudija hi l-ewwel sagrament u s-sagrament prinċipali għall-maħfra tad-dnubiet, għax tgħaqqadna ma' Kristu mejjet u rxoxt u tagħtina l-Ispirtu s-Santu.*

986 *Kristu ried li l-Knisja jkollha s-setgħa li taħfer id-dnubiet ta' l-imgħammdin, u din is-setgħa tħaddimha regolarment u abitwalment permezz tal-Isqfijiet u tas-saċerdoti fis-sagrament tal-Penitenza.*

987 *"Fil-maħfra tad-dnubiet, is-saċerdoti u s-sagramenti huma biss strumenti li bihom jinqeda Sidna Ġesù Kristu, li waħdu kisbilna u jagħtina s-salvazzjoni, biex ineħħilna l-ħażen tagħna u jagħtina l-grazzja u l-ġustifikazzjoni".*[342]

Il-ħdax-il artiklu

"NEMMEN FIL-QAWMA MILL-IMWIET"

988 Il-Kredu Nisrani – l-istqarrija tal-fidi f'Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u fil-ħidma tiegħu għall-ħolqien, għas-salvazzjoni u għat-tqaddis – jasal fil-qofol tiegħu bl-

[342] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566) 1, 11, 6.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 384-385 5/16/2014 11:17:37 AM

istqarrija tal-qawmien mill-imwiet fl-aħħar taż-żminijiet, u tal-ħajja ta' dejjem.

989 Aħna nemmnu b'fidi ferma, u għalhekk nittamaw li kif Kristu qam tassew mill-imwiet, u jgħix għal dejjem, hekk il-ġusti wara mewthom għad jgħixu għal dejjem ma' Kristu rxoxt meta jqajjimhom fl-aħħar jum (ara *Ġw* 6,39-40). Kif kien il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet, hekk ukoll il-qawmien tagħna jkun opra tat-Trinità Qaddisa:

> Jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa tal-Ispirtu li jgħammar fikom (*Rum* 8,11; ara *1 Tess* 4,14; *1 Kor* 6,14; *2 Kor* 4,14; *Fil* 3,10-11).

990 Il-kelma "ġisem" ("caro" fil-Bibbja Latina) tfisser il-bniedem fil-qagħda tiegħu ta' dgħufija u ta' mortalità (ara *Ġen* 6,3; *Salm* 56,5; *Is* 40,6). Il-"qawma mill-imwiet" – "carnis resurrectionem" fil-Kredu bil-Latin – tfisser li wara l-mewt ma jkunx hemm biss ir-ruħ immortali, li ma tmut qatt, imma wkoll l-istess "ġisem mejjet" tagħna (*Rum* 8,11) jerġa' jieħu l-ħajja (fl-aħħar taż-żmien).

991 Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet sa mill-bidu kien element essenzjali tal-fidi Nisranija. "Il-fiduċja tal-Insara, il-qawmien mill-imwiet: għax nemmnuha, aħna dak li aħna"[343]:

> Kif jgħidu xi whud minnkom li ma hemmx qawmien tal-mejtin? Jekk ma hemmx qawmien tal-mejtin, anqas Kristu ma qam mill-imwiet. Imma jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom … Imma Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu (*1 Kor* 15,12-14.20).

[343] Tertulljanu, *Dwar il-Qawmien tal-Mejtin*, 1, 1: PL 2, 841: "Fiducia christianorum resurrectio mortuorum. Illam credentes sumus".

I. Il-qawmien ta' Kristu u l-qawmien tagħna

Rivelazzjoni progressiva tal-qawmien mill-imwiet

992 Il-qawmien mill-imwiet ġie rivelat ftit ftit minn Alla lill-Poplu tiegħu. It-tama tal-qawmien tal-ġisem mill-mewt hi konsegwenza intrinsika tal-fidi f'Alla li ħalaq il-bniedem sħih, ruħ u ġisem. Alla, li ħalaq is-sema u l-art hu wkoll dak li jżomm bil-fedeltà kollha l-Patt li għamel ma' Abraham u ma' nislu. Fid-dawl ta' dawn iż-żewġ veritajiet bdiet tiżviluppa ruħha l-fidi fil-qawmien mill-imwiet. Waqt it-tiġrib tagħhom, il-martri Makkabej stqarrew:

> Is-sultan tad-dinja għad iqajjimna għall-ħajja ta' dejjem, lilna li se mmutu għal-liġijiet tiegħu (*2 Mak* 7,9) Aħjar li wieħed imut b'idejn il-bnedmin meta jkollu t-tama mingħand Alla li għad iqajmu mill-ġdid (*2 Mak* 7,14; ara 7,29; *Dan* 12,1-13).

993 Il-Fariżej (ara *Atti* 23,6) u ħafna nies li kienu jgħixu fi żmien Ġesù (ara *Ġw* 11,24) kienu jittamaw fil-qawmien mill-imwiet. Ġesù dan għallmu bil-qawwa kollha. Lis-Sadduċej li ma kinux jemmnu fil-qawmien mill-imwiet, qalilhom: "Mhux għalhekk tiżbaljaw intom? Għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla" (*Mk* 12,24). Il-fidi fil-qawmien mill-imwiet hi mibnija fuq il-fidi f'Alla li "mhux [Alla] tal-mejtin, iżda tal-ħajjin!" (*Mk* 12,27).

994 U mhux dan biss: Ġesù rabat il-fidi fil-qawmien mill-imwiet mal-Persuna tiegħu stess: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja" (*Ġw* 11,25). Hu Ġesù stess li fl-aħħar jum iqajjem lil dawk li emmnu fih (ara *Ġw* 5,24-25; 6,40), u li jkunu kielu Ġismu u xorbu Demmu (ara *Ġw* 6,54). Minn issa ta sinjal u rahan tal-qawmien billi ta l-ħajja mill-ġdid lil xi mejtin (ara *Mk* 5, 21-42; *Lq* 7,11-17; *Ġw* 11), waqt li bil-qawmien tiegħu mill-imwiet ħabbar li l-qawmien mill-imwiet hu f'ordni ieħor. Ġesù jitkellem dwar dan il-fatt uniku bħala "sinjal ta' Ġona"

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 386-387 5/16/2014 11:17:37 AM

(ara *Mt* 12,39), "sinjal tat-Tempju" (ara *Ġw* 2,19-22): iħabbar
652 il-qawmien tiegħu mill-imwiet fit-tielet jum wara mewtu (ara *Mk* 10,34).

860 995 Tkun xhud ta' Kristu, ifisser tkun "xhud tal-qawmien tiegħu mill-imwiet" (*Atti* 1,22; ara 4,33), tkun kilt u xrobt miegħu "wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet" (*Atti* 10,41). It-tama Nisranija fil-qawmien mill-imwiet hi kollha kemm hi
655 mwettqa mil-laqgħat ma' Kristu rxoxt. Inqumu mill-imwiet bħal Kristu, ma' Kristu, u bi Kristu.

643 996 Sa mill-bidu, il-fidi Nisranija fil-qawmien mill-imwiet sabet min ma fehemhiex u min kien kuntrarju għaliha (ara *Atti* 17,32; *1 Kor* 15, 12-13). "F'ebda verità oħra tal-fidi ma niltaqgħu ma' ċaħdiet daqskemm niltaqgħu ma' dik tal-qawmien mill-imwiet".[344] Kważi kulħadd jaqbel li wara l-mewt, il-ħajja tal-persuna tal-bniedem tkompli f'sura spiritwali. Imma kif jista' wieħed jemmen li dan il-ġisem tagħna, li x-xejn tiegħu hu daqstant ċar, għad jirxoxta għall-ħajja ta' dejjem?

Kif jirxoxtaw il-mejtin?

997 *X'jiġifieri "qawmien mill-imwiet"?* Fil-mewt, meta r-ruħ tinfired mill-ġisem, il-ġisem tal-bniedem jara t-taħsir, waqt li
366 r-ruħ tmur tiltaqa' ma' Alla, iżda tibqa' tistenna li tingħaqad mal-ġisem glorifikat tagħha. Alla li jista' kollox għad jagħti darba għal dejjem ħajja, ħielsa minn nuqqas ta' taħsir, lil ġisimna huwa u jgħaqqdu mill-ġdid ma' ruħna bil-qawwa tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

1038 998 *Min se jirxoxta?* Il-bnedmin kollha li jkunu mietu,

[344] Santu Wistin, *Taħdita dwar Salm* 88, 2, 5: PL 37, 1134.

"dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna" (*Ġw* 5,29; ara *Dan* 12,2).

999 *Kif?* Kristu rxoxta bil-ġisem tiegħu stess: "Araw idejja 640
u riġlejja. Jiena hu!" (*Lq* 24,39); imma ma reġax lura għall- 645
ħajja fuq l-art. Hekk ukoll, fih, "aħna lkoll nirxoxtaw bil-ġisem proprju tagħna, dak li għandna issa"[345], imma dan ġisimna jkollu "s-sura [ta'] ġisem glorjuż" (*Fil* 3,21), "ġisem spiritwali" (*1 Kor* 15,44).

> Għandu mnejn xi ħadd jgħid: "Kif iqumu l-mejtin? B'liema ġisem jiġu?" Iblah! Dak li inti tiżra' ma jkollux ħajja jekk qabel ma jmutx. U meta tiżra', ma tiżrax dak il-ġisem li għad ikun. Daqsxejn ta' żerriegħa … Jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx ... Il-mejtin iqumu biex ma jitħassrux aktar ... Il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u ... dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità" (*1 Kor* 15,35-37.42.52-53).

1000 Ma nistgħux nimmaġinaw u lanqas nifhmu kif dan 647
isir; nafuh biss bil-fidi. Iżda t-tisħib tagħna fl-Ewkaristija ġa qiegħed jagħtina li nduqu minn qabel il-bidla li sseħħ f'ġisimna permezz ta' Kristu:

> Kif il-ħobż, li hu frott tal-art, wara li tingħad fuqu l-barka ta' Alla, ma jibqax ħobż komuni, imma hu Ewkaristija, magħmula minn żewġ realtajiet, dik tal-art u dik tas-sema, hekk ukoll il-ġisem tagħna li 1405
> jirċievi l-Ewkaristija ma jibqax aktar taħt il-liġi tat-taħsir, għax iġorr fih iż-żerriegħa tal-qawmien mill-imwiet.[346]

1001 *Meta?* Żgur "fl-aħħar jum" (*Ġw* 6,39-40.44.54; 11,24); 1038
"fl-aħħar tad-dinja".[347] Il-qawmien mill-imwiet hu msieħeb 673

[345] Konċilju Lateran IV, *Definizzjoni kontra l-Albiġiżi u l-Katari* (1215): DS 801.

[346] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 18, 4-5: PG 7, 1028-1029.

[347] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 388-389 5/16/2014 11:17:37 AM

b'mod l-aktar intimu mal-Parusija, jiġifieri mat-tieni miġja ta' Kristu fil-glorja:

> Għaliex il-Mulej innifsu, mal-kmand, mal-leħen tal-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel (*1 Tess* 4,16).

Nirxuxtaw ma' Kristu

1002 Jekk hu veru li Kristu għad iqajjimna "fl-aħħar jum", hu veru wkoll li, b'ċertu mod, aħna ġa rxoxtajna ma' Kristu. Dan għaliex, bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, il-ħajja Nisranija hi, sa minn din id-dinja, tisħib fil-mewt u l-qawmien tal-Mulej għall-ħajja:

> Indfintu [ma' Kristu] bil-Magħmudija u rxuxtajtu miegħu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet ... Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla (*Kol* 2,12; 3,1).

1003 Magħqudin ma' Kristu permezz tal-Magħmudija, dawk li jemmnu għandhom ġa sehem tassew fil-ħajja tas-sema ta' Kristu rxoxt (ara *Fil* 3,20), imma din il-ħajja tibqa' "moħbija ... ma' Kristu f'Alla" (*Kol* 3,3). "Qajjimna miegħu u qegħedna fis-smewwiet ma' Kristu Ġesù" (*Ef* 2,6). La nieklu minn Ġismu fl-Ewkaristija, aħna ġa nagħmlu sehem mill-Ġisem ta' Kristu. Meta nirxoxtaw fl-aħħar jum aħna wkoll nidhru "flimkien miegħu fil-glorja" (*Kol* 3,4).

1004 Huma u jistennew dak il-jum, il-ġisem u r-ruħ ta' dawk li jemmnu għandhom ġa sehem mid-dinjità li huma "fi Kristu"; u għalhekk huma fid-dmir li juru rispett mhux biss għal ġisimhom stess, imma wkoll għal dak tal-oħrajn, b'mod partikulari għall-ġisem li jkun ibati:

> Il-ġisem ... għall-Mulej, u l-Mulej huwa għall-ġisem. U Alla qajjem lill-Mulej u jqajjem lilna wkoll bil-qawwa tiegħu. Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu? ... Ma tafux li intom m'intomx tagħkom infuskom? ... Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta' ġisimkom (*1 Kor* 6,13-15.19-20).

II. Immutu fi Kristu Ġesù

1005 Biex nirxoxtaw ma' Kristu, irridu mmutu ma' Kristu, irridu "noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej" (*2 Kor* 5,8). F'dan it-"tmiem" (ara *Fil* 1,23), li hu l-mewt, ir-ruħ tinfired mill-ġisem. Terġa' tingħaqad mal-ġisem fil-jum tal-qawmien mill-imwiet.[348]

Il-mewt

1006 "Quddiem il-mewt, l-enigma tal-qagħda tal-bniedem tilħaq il-qofol tagħha".[349] F'ċertu sens, il-mewt tal-ġisem hi ħaġa naturali, imma għall-fidi hi "l-ħlas tad-dnub" (*Rum* 6,23; ara *Ġen* 2,17). Għal dawk li jmutu fil-grazzja ta' Kristu, hi tisħib fil-mewt tal-Mulej, biex ikun hemm ukoll tisħib fil-qawmien tiegħu għall-ħajja (ara *Rum* 6,3-9; *Fil* 3,10-11).

1007 *Il-mewt hi t-tmiem tal-ħajja fuq l-art*. Ħajjitna titqies miż-żmien, li matulu ninbidlu, nixjieħu, u, bħalma hi għal kull ħaġa li tgħix fid-dinja, il-mewt tidher li hi t-tmiem normali tal-ħajja. Dan l-aspett tal-mewt jurina li ma għandniex żmien x'nitilfu tul ħajjitna: li niftakru li rridu mmutu tgħinna nirrealizzaw li ż-żmien li għandna biex ħajjitna tilħaq il-kobor sħiħ tagħha hu qasir:

---

[348] Ara Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 28.

[349] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 18.

> Ftakar f'min ħalqek f'jiem żgħożitek … qabel ma ... t-trab jerġa' jmur fl-art imnejn ġie, u n-nifs tal-ħajja jitlaq lejn Alla, minn fejn ġie (*Koh* 12,1.7).

401 1008 *Il-mewt hi konsegwenza tad-dnub.* Il-Maġisteru tal-Knisja huwa u jfisser skont il-verità dak li tgħid l-Iskrittura (ara *Ġen* 2,17; 3,3.19; *Għerf* 1,13; *Rum* 5,12; 6,23) u dak li tgħid it-Tradizzjoni, jgħallem li l-mewt daħlet fid-dinja minħabba d-dnub tal-bniedem.[350] Għalkemm il-bniedem
376 għandu natura li tmut, Alla ma riedx li l-bniedem imut. Il-mewt għalhekk kienet kontra l-pjan li kellu Alla l-ħallieq għall-bniedem, u daħlet fid-dinja minħabba d-dnub (ara *Għerf* 2,23-24). "Il-bniedem kien ikun ħieles mill-mewt tal-ġisem kieku ma dinibx":[351] għalhekk hi "l-aħħar għadu" tal-bniedem li jrid jintrebaħ (ara *1 Kor* 15,26).

1009 *Il-mewt inbidlet minn Kristu.* Kristu, l-Iben ta' Alla,
612 bata l-mewt li hi propja tal-qagħda tal-bniedem. Iżda, minkejja l-biża' tiegħu quddiemha (ara *Mk* 14,33-34; *Lh* 5,7-8) aċċettaha b'att ta' ubbidjenza sħiħa u ħielsa għar-rieda tal-Missier. L-ubbidjenza ta' Ġesù biddlet f'barka s-saħta tal-mewt (ara *Rum* 5,19-21).

1681-1690 ### It-tifsir tal-mewt Nisranija

1010 Minħabba Kristu, il-mewt Nisranija għandha tifsir pożittiv. "Għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ" (*Fil* 1,21). "Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll" (*2 Tim* 2,11). Il-ħaġa

[350] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel* (1546), kan. 1: DS 1511.

[351] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Gaudium et spes* (1964), 18.

ġdida essenzjali tal-mewt Nisranija hi din: fil-Magħmudija, 1220
in-Nisrani hu ġa sagramentalment "mejjet ma' Kristu" biex jgħix minn ħajja ġdida; u jekk aħna mmutu fil-grazzja ta' Kristu, il-mewt tal-ġisem twassal, għall-milja tagħha, "il-mewt tagħna ma' Kristu" u hekk naslu biex inkunu ġisem wieħed miegħu fl-att tal-fidwa tiegħu:

> Aktar jaqbilli mmut fi Kristu Ġesù milli naħkem sa truf l-art. Jien lil dak li miet għalina lkoll, infittex; jien lil dak li qam għalina mill-imwiet, irrid. Wasal żmien il-ħlas tiegħi … Ħalluni nara d-dawl safi li jibqa' għal dejjem: meta nasal għalih, imbagħad inkun raġel tassew.[352]

1011 Fil-mewt, Alla jsejjaħ lill-bniedem għandu. Hu minħabba f'hekk li n-Nisrani jista' jħoss lejn il-mewt xewqa bħal dik li kien iħoss San Pawl: "Nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu" (*Fil* 1,23); u jista' jbiddel mewtu f'att ta' 1025
ubbidjenza u ta' mħabba għall-Missier bħal Kristu (ara *Lq* 23,46):

> Imħabbti msallba … hemm ilma ħaj ifawwar u fija jgħid: "Ejja għand il-Missier".[353]
>
> Jiena mxennqa li narak, immut iva jien nixtieq.[354]
>
> Iżda jien miniex qiegħda mmut, ninsab dieħla fil-Ħajja.[355]

1012 Id-dehra Nisranija tal-mewt (ara *1 Tess* 4,13-14) hi mfissra tajjeb ħafna mil-liturġija tal-Knisja:

[352] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lir-Rumani*, 6, 1-2.

[353] *Ibid*., 7, 2.

[354] Santa Tereża ta' Ġesù, il-Poeżija numru 7, "Krib mill-Eżilju": ara *Il-Kitba ta' Santa Tereża ta' Ġesù*, IV, Pubblikazzjoni Karmelitana Terežjana, Malta 1993, 137.

[355] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, Ittra lir-Reverendu Maurice B. Bellière (9 ta' Ġunju 1897): LT 244: *Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tiktbilna. Ittri Magħżula*, Pubblikazzjoni Karmelitana Terežjana, Malta 1997, 407.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 392-393 5/16/2014 11:17:37 AM

> Għal dawk li jemmnu fik, Mulej, il-ħajja ma tintemmx, imma tinbidel, u, mal-mewt tal-ġisem fuq din l-art, titħejja għalina għamara għal dejjem fis-sema.[356]

1013 Il-mewt hija t-tmiem tal-mixja tal-bniedem fid-dinja, it-tmiem ta' żmien il-grazzja u l-ħniena li Alla jagħti lill-bniedem, biex ħajtu fuq l-art jgħixha skont il-pjan ta' Alla u tiddeċidilu d-destin tiegħu ta' l-aħħar. Meta tintemm għalina "l-ħajja waħda tagħna fuq l-art"[357] mhux se jkollna xi ħajjiet oħra fid-dinja. "Il-bnedmin ... għandhom imutu darba biss" (*Lh* 9,27). "Ir-ri-inkarnazzjoni" wara l-mewt ma teżistix.

1014 Il-Knisja tħeġġiġna biex inħejju ruħna għas-siegħa tal-mewt tagħna ("Mill-mewt soptu u għall-għarrieda, eħlisna, nitolbuk, Mulej": litanija antika tal-qaddisin), billi nitolbu lil Omm Alla tidħol għalina "fis-siegħa tal-mewt tagħna" (fit-talba "Sliema"), u biex nafdaw ruħna f'idejn San Ġużepp, il-patrun tal-mewta tajba:

2676-2677

> F'kulma tagħmel, f'kulma taħseb, għandek iġġib ruħek bħallikieku se tmut illum stess. Jekk il-kuxjenza tiegħek hi f'qagħda tajba, int m'għandekx tibża' ħafna mill-mewt. Aktar jaqbel tħares ruħek mid-dnub milli taħrab mill-mewt. Jekk illum m'intix imħejji għall-mewt, kif se tkun għada?[358]

> Ħa tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem
> li jaħrab minnha qatt ma jista' l-bniedem.
> Ħażin għal dak li jmut fid-dnub il-mejjet,
> imbierek min imut fis-sliem u niedem.[359]

[356] *Missal Ruman*, Prefazju I tal-Mejtin.

[357] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48.

[358] *L-Imitazzjoni ta' Kristu*, 1,23, 5-8.

[359] San Franġisk ta' Assisi, *Għanja tal-Ħlejjaq.* Din hi t-traduzzjoni Maltija li nsibu f'din il-pubblikazzjoni: *Fonti għall-ħajja ta' San Franġisk ta' Assisi. Il-Kitbiet ta' San Franġisk; Fonti Medjevali tal-Ħajja ta' San Franġisk*, I, Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri, Edizzjoni TAU 2005, 33.

Fil-qosor

1015 *"Il-ġisem hu l-pern tas-salvazzjoni".[360] Aħna nemmnu f'Alla li ħalaq il-ġisem; nemmnu fil-Verb li ħa ġisem bħal tagħna biex jifdi l-ġisem; nemmnu fil-qawmien tal-ġisem mill-imwiet, qawmien li bih il-ħolqien u l-fidwa tal-ġisem jilħqu l-qofol tagħhom.*

1016 *Bil-mewt, ir-ruħ tinfired mill-ġisem, imma fil-qawmien, Alla jagħti ħajja ħielsa mit-taħsir lill-ġisem tagħna li jinbidel u jingħaqad mill-ġdid mar-ruħ. Kif Kristu rxoxta u jgħix għal dejjem, hekk aħna nirxuxtaw fl-aħħar jum.*

1017 *"Aħna nemmnu fil-qawmien tassew mill-imwiet tal-istess ġisem li għandna issa".[361] Iżda fil-qabar "jinżera' ġisem li jitħassar, [u] jqum ġisem li ma jitħassarx" (1 Kor* 15,42*), "ġisem spiritwali" (1 Kor* 15,44*).*

1018 *Minħabba d-dnub tan-nisel il-bniedem ikollu joqgħod għall-"mewt tal-ġisem li kien ikun ħieles minnha kieku ma dinbx".[362]*

1019 *Ġesù, l-Iben ta' Alla, minn rajh bata l-mewt għalina b'att ta' ubbidjenza sħiħa u ħielsa għar-rieda ta' Alla, Missieru. Bil-mewt tiegħu rebaħ il-mewt u hekk ta lill-bnedmin kollha li jkunu jistgħu jsalvaw.*

[360] Tertulljanu, *Dwar il-Qawmien tal-Mejtin*, 8, 2: PL 2, 852: "Caro salutis est cardo".

[361] Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 854.

[362] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Gaudium et spes* (1965), 18.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 394-395 5/16/2014 11:17:37 AM

It-tnax-il artiklu

"NEMMEN FIL-ĦAJJA TA' DEJJEM"

1523-1525 1020 In-Nisrani li jgħaqqad il-mewt tiegħu ma' dik ta' Kristu jqis il-mewt bħala laqgħa ma' Kristu u dħul fil-ħajja ta' dejjem. Wara li l-Knisja, għall-aħħar darba, tgħid il-kliem tal-maħfra u tal-assoluzzjoni ta' Kristu lin-Nisrani li qiegħed imut, tissiġillah għall-aħħar darba b'dilka li ssaħħu, u tagħtih lil Kristu bi vjatku bħala ikel fl-aħħar vjaġġ tiegħu, imbagħad tgħidlu kliem ta' ħlewwa li jimlewh bil-fiduċja:

> Oħroġ, ruħ Nisranija minn din id-dinja, fl-isem ta' Alla l-Missier li jista' kollox, li ħalqek, fl-isem ta' Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, li bata u miet għalik, fl-isem tal-Ispirtu s-Santu mogħti lilek. Jilqgħek illum Alla, biex tkun miegħu għal dejjem fis-sliem tal-ġenna u jsieħbek mal-Verġni Mqaddsa Marija, Omm Alla, ma' San Ġużepp u mal-anġli u l-qaddisin kollha tas-sema ... Nerħik fl-idejn twajba tal-Ħallieq tiegħek biex terġa' lura għandu, hu li sawrek mit-trab tal-art. Inti u ħiereġ minn din id-dinja tiġi tilqgħek Ommna Marija,
> 336; 2677 flimkien mal-qtajja' tal-anġli u mal-qaddisin kollha ... Jalla tara bis-sliem wiċċ il-Feddej tiegħek.[363]

I. Il-ġudizzju partikulari

1021 Il-mewt ittemm il-ħajja tal-bniedem bħala ż-żmien li fih jista' jilqa' jew jiċħad il-grazzja ta' Alla li dehret fi Kristu (ara *2 Tim* 1,9-10). It-Testment il-Ġdid jitkellem dwar il-ġudizzju l-aktar fid-dawl tal-aħħar laqgħa ma' Kristu meta jerġa' jiġi,
1038 iżda kemm-il darba jsemmi wkoll l-ħlas li jingħata minnufih wara l-mewt lil kull bniedem skont għemilu u twemminu. Il-
679 parabbola ta' Lazzru l-fqajjar (ara *Lq* 16,22) u kliem Kristu

[363] *Ordni għas-Sagrament tal-Morda*, It-talb għall-moribondi.

fuq is-salib lill-ħalliel li nidem (ara *Lq* 23,43), u passi oħra tat-Testment il-Ġdid (ara *2 Kor* 5,8; *Fil* 1,23; *Lh* 9,27; 12,23) jitkellmu dwar id-destin tal-aħħar tar-ruħ (ara *Mt* 16,26) li ma jkunx l-istess għal kull ruħ.

1022 Kull bniedem ma' mewtu jirċievi fir-ruħ tiegħu 393
li ma tmut qatt, il-ħlas ta' dejjem f'ġudizzju partikulari, fejn ħajtu titqies f'relazzjoni ma' Kristu; u l-ħlas ikun jew purifikazzjoni[364], jew dħul minnufih fil-hena tas-sema[365], jew dannazzjoni minnufih għal dejjem.[366]

Fl-għabex tal-ħajja għad jeżaminawk fl-imħabba.[367] 1470

II. Is-sema

1023 Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ma' Alla, u
li huma safja perfettament, jgħixu għal dejjem ma' Kristu. 954
Huma għal dejjem f'xebh ma' Alla għax jarawh "kif inhu" (*1 Ġw* 3,2), wiċċ imb wiċċ (ara *1 Kor* 13,12; *Apok* 22,4).

[364] Ara Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 856; Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Griegi* (1439): DS 1304; Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Purgatorju* (1563): DS 1820.

[365] Ara Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 857; Ġwanni XXII, Bolla *Ne super his* dwar l-irtirar ta' xi opinjonijiet tiegħu dwar il-viżjoni beatifika tal-qaddisin (1334): DS 990-991; Benedittu XII, Kostituzzjoni *Benedictus Deus* dwar l-istat ta' ruħ il-bnedmin wara l-mewt (1336): DS 1000-1001.

[366] Ara Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 858; Benedittu XII, Kostituzzjoni *Benedictus Deus* dwar l-istat ta' ruħ il-bnedmin wara l-mewt (1336): DS 1002; Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Griegi* (1439): DS 1306.

[367] San Ġwann tas-Salib, *Sentenzi Spiritwali* (jew *Massimi ta' Dawl u Mħabba*), 57: ara *Kollox għal Alla Waħdu. L-Ewwel Volum tal-Kitba ta' San Ġwann tas-Salib*, Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 2000, 474.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 396-397 5/16/2014 11:17:37 AM

> Bl-awtorità Appostolika tagħna, niddefinixxu li: b'dispożizzjoni ġenerali minn Alla, l-erwieħ tal-qaddisin mejtin kollha ... u tal-Insara l-oħra li mietu wara li rċevew il-Magħmudija mqaddsa ta' Kristu, li ma kellhomx jew li mhu se jkollhom xejn li jeħtieġ jissaffa ... jew inkella li kellhom jew se jkollhom xi ħaġa li teħtieġ tkun imsaffija ... ġa qabel il-mument ta' mewthom, qabel il-qawmien tal-ġisem tagħhom u l-ġudizzju universali, u dan wara t-tlugħ tal-Mulej u s-Salvatur Ġesù Kristu fis-sema, kienu, huma u se jkunu fis-sema, fis-Saltna tas-smewwiet u fil-ġenna ma' Kristu, flimkien mal-anġli qaddisa. Wara l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu huma raw u jaraw l-essenza ta' Alla f'viżjoni intwittiva u wkoll wiċċ imb wiċċ mingħajr il-medjazzjoni ta' ebda ħlejqa.[368]

1024 Din il-ħajja perfetta mat-Trinità Qaddisa, din ix-xirka ta' ħajja u mħabba magħha, mal-Verġni Marija, mal-anġli u l-qaddisin, tissejjaħ "ġenna". Il-ġenna hi d-destin tal-aħħar u t-temma tax-xewqat l-aktar għolja tal-bniedem, l-istat ta' hena bla qies li jibqa' għal dejjem.

260; 326
2734; 1718

1011 1025 Tkun il-ġenna jiġifieri "tkun ma' Kristu" (ara *Ġw* 14,3; *Fil* 1,23; *1 Tess* 4,17). Il-magħżulin jgħixu "fih", iżda jżommu, anzi jsibu l-identità vera tagħhom, l-isem propju tagħhom (ara *Apok* 2,17).

> Il-ħajja hi li tkun ma' Kristu, għalhekk fejn hemm Kristu hemm il-ħajja, hemm is-saltna.[369]

1026 Bil-mewt u l-qawmien tiegħu, Ġesù Kristu "fetħilna" is-sema. Il-ħajja tal-beati fis-sema tikkonsisti filli jkollhom il-milja tal-frott tal-Fidwa li seħħet bi Kristu, li jsieħeb fil-glorja tiegħu fis-sema lil dawk kollha li emmnu fih u baqgħu fidili

[368] Benedittu XII, Kostituzzjoni *Benedictus Deus* dwar l-Istat ta' ruħ il-bnedmin wara l-mewt (1336): DS 1000. Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 49.

[369] San Ambroġ, *Tifsir dwar l-Evanġelju skont San Luqa*, 10, 121: PL 15, 1927A.

għar-rieda tiegħu. Is-sema hija l-komunità hienja ta' dawk kollha li huma magħqudin ma' Kristu b'mod perfett. 793

1027 Il-misteru tal-għaqda hienja ma' Alla u ma' dawk kollha li huma fi Kristu jisboq kulma l-moħħ jista' jifhem u jiddeskrivi. L-Iskrittura tkellimna dwar dan bi xbihat: ħajja, dawl, sliem, festa ta' tieġ, inbid tas-saltna, dar tal-Missier, Ġerusalemm tas-sema, ġenna: "Dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh" (*1 Kor* 2,9). 959; 1720

1028 Minħabba t-traxxendenza tiegħu, lil Alla nistgħu narawh kif inhu biss meta hu stess jiftaħ il-misteru tiegħu għall-kontemplazzjoni immedjata tal-bniedem u jagħtih il-ħila għaliha. Din il-kontemplazzjoni tal-glorja ta' Alla fis-sema l-Knisja ssejħilha "il-viżjoni beatifika": 1722 163

> Hekk se tkun il-glorja u l-hena tiegħek! Tidħol tara 'l Alla, ikollok il-ġieħ li tissieħeb fil-hena tas-salvazzjoni u fid-dawl ta' dejjem flimkien ma' Kristu, il-Mulej Alla tiegħek ... tissieħeb fil-hena tas-Saltna tas-smewwiet flimkien mal-ġusti u l-ħbieb ta' Alla, fl-hena tal-immortalità li ksibt.[370]

1029 Fil-glorja tas-sema, il-beati jkomplu jaqdu bil-ferħ ir-rieda ta' Alla f'rabta mal-bnedmin u mal-ħolqien kollu kemm hu. Huma ġa qed isaltnu ma' Kristu: miegħu "isaltnu għal dejjem ta' dejjem" (*Apok* 22,5; ara *Mt* 25,21.23). 956 668

III. It-tisfija tal-aħħar jew il-purgatorju

1030 Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhux safja għal kollox, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom iġarrbu purifikazzjoni, biex jiksbu l-qdusija meħtieġa ħa jidħlu fl-hena tas-sema.

[370] San Ċiprijanu, *Ittra* 58, 10: PL 4, 367-368.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 398-399 5/16/2014 11:17:37 AM

954; 1472 1031 Il-Knisja ssejjaħ *Purgatorju* din il-purifikazzjoni tal-aħħar tal-magħżulin, tisfija li hi għal kollox differenti mill-kastig tad-dannati. Il-Knisja fissret il-fidi tagħha dwar il-Purgatorju l-aktar fil-Konċilji ta' Firenze[371] u ta' Trento.[372] It-tradizzjoni tal-Knisja, hija u tagħmel riferenza għal xi siltiet tal-Iskrittura *(*bħalma huma *1 Kor* 3,15; *1 Piet* 1,7), titkellem dwar nar li jippurifika:

> Għandna nemmnu li għal xi ħtijiet żgħar qabel il-ġudizzju (tal-aħħar) hemm nar li jsaffi minnhom, skont kif jgħidilna dak li hu l-verità fih innifsu, meta jsemmi lil dawk li jitkellmu kontra l-Ispirtu s-Santu, u jgħid li ma jkollhomx maħfra la f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja (*Mt* 12,32). Minn dan il-kliem nistgħu nifhmu li xi ħtijiet jistgħu jinħafru f'dan iż-żmien u oħrajn fiż-żmien li għad irid jiġi[373].

958 1032 Dan it-tagħlim hu mibni wkoll fuq id-drawwa tat-talb għall-mejtin, li dwaru titkellem l-Iskrittura: "Għalhekk (Ġuda l-Makkabew) offra sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, biex il-mejtin jinħelsu minn dnubhom" (*2 Mak* 12,46). Sa mill-ewwel żminijiet, il-Knisja tat ġieħ lit-tifkira tal-mejtin u
1371 offriet suffraġji għalihom, b'mod partikulari s-sagrifiċċju ewkaristiku[374], biex, imsoffija minn dnubiethom, jistgħu jaslu għall-viżjoni beatifika ta' Alla. Il-Knisja tirrakkomanda
1479 wkoll il-karità, l-indulġenzi u l-penitenzi b'suffraġju għall-mejtin.

> Ħa ngħinuhom u niftakru fihom. Jekk ulied Ġob kienu jitnaddfu mit-tniġġis tagħhom bis-sagrifiċċju ta' missierhom (ara *Ġob* 1,5), għaliex għandna naħsbu li l-offerti tagħna għall-mejtin mhux se jiksbulhom xi faraġ? Ma noqogħdux naħsbuha biex ngħinu lil dawk li ġa telqu u noffru talb għalihom.[375]

[371] Ara Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Griegi* (1439): DS 1304.

[372] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Purgatorju* (1563): DS 1820; *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), kan. 30: DS 1580.

[373] San Girgor il-Kbir, *Djalogu* 41, 3: PL 77, 396.

[374] Ara Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 856.

IV. L-infern

1033 Ma nistgħux ningħaqdu ma' Alla jekk minn rajna ma nagħżlux li nħobbuh. Iżda ma nistgħux inħobbu lil Alla jekk nidinbu gravament kontra tiegħu, kontra għajrna u kontra tagħna stess: "Min ma jħobbx jinsab fil-mewt. Kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih il-ħajja ta' dejjem" (*1 Ġw* 3,14-15). Il-Mulej wissiena li nkunu mifrudin minnu jekk nonqsu milli nagħmlu tajjeb għall-ħtiġijiet kbar tal-foqra u taċ-ċkejknin ħutu (ara *Mt* 25,31-46). Il-mewt bid-dnub il-mejjet ta' wieħed li ma 1861 nidimx u ma laqax l-imħabba kollha ħniena ta' Alla, tfisser li dan se jibqa' mifrud minn Alla b'għażla ħielsa tiegħu. Hu dan l-istat ta' min minn rajh jaqta' lilu nnifsu darba għal dejjem mill-għaqda ma' Alla u mal-beati, li nsejħu "infern". 393; 633

1034 Ġesù spiss tkellem dwar "infern" (bil-Lhudi jissejjaħ *Gehenna*)[376], u "nar li ma jintefiex" (ara *Mt* 5,22.29; 13,42.50; *Mk* 9,43-48), merfugħ għal dawk li sal-aħħar mument ta' ħajjithom ma jkunux iridu jemmnu u jikkonvertu, u fejn jistgħu jinqerdu kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem (ara *Mt* 10,28). Bi kliem serju ħafna, Ġesù jħabbar li se "jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru ... [lil] kull min jagħmel il-ħażen... u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar" (*Mt* 13,41-42), u li hu stess jagħti l-kundanna: "Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem" (*Mt* 25,41).

[375] San Ġwann Griżostmu, *Dwar l-Ewwel Ittra lill-Korintin, Omelija* 41, 5: PG 61, 361C.

[376] Tajjeb li l-qarrej ma jfixkilx il-kelma *Gehenna* li tfisser *infern* mal-kelma *Ġenna*, li ġejja mill-kelma Lhudija li tfisser *ġnien (Nota tar-Reviżuri).*

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 400-401 5/16/2014 11:17:38 AM

393 1035 It-tagħlim tal-Knisja jtenni li hemm l-infern u li hu għal dejjem. L-erwieħ ta' dawk li jmutu fl-istat tad-dnub mejjet, wara mewthom jinżlu minnufih fl-infern, fejn isofru għal dejjem il-pieni ta' l-infern, "in-nar ta' dejjem".[377] L-akbar kastig tal-infern hu l-firda għal dejjem minn Alla li fih biss il-bniedem jista' jkollu l-ħajja u l-hena li għalihom ġie maħluq u li tant jixtieq.

1036 Dak li tgħid l-Iskrittura u dak li tgħallem il-Knisja
1734 fuq l-infern huma *sejħa għar-responsabiltà* li għandu juri l-bniedem fl-użu tal-libertà tiegħu quddiem id-destin
1428 tiegħu ta' dejjem. Fl-istess ħin huwa *appell urġenti għall-konverżjoni*: "Għaddu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għat-telfien, u ħafna huma li jgħaddu minnha. Imma kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha!" (*Mt* 7,13-14).

> Għax ma nafux il-ħin u s-siegħa jeħtiġilna nishru, kif iwissina l-Mulej, biex, wara li ntemmu l-mixja waħda biss tagħna f'din id-dinja, ikun jistħoqqilna nidħlu miegħu għall-festa tat-tieġ u ningħaddu mal-beati, u ma nkunux qaddejja ħżiena u għażżenin, li jitwaddbu barra fid-dlam fejn hemm il-biki u t-theżżiż tas-snien.[378]

1037 Alla ma jippredestina lil ħadd għall-infern[379]; biex

[377] Ara Simbolu *Quicumque*: DS 76; Sinodu ta' Kostantinopli, *Kundanni kontra Oriġene* (543), 7; 9: DS 409; 411; Konċilju Lateran IV, *Definizzjoni kontra l-Albiġiżi u l-Katari* (1215): DS 801; Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 858; Benedittu XII, Kostituzzjoni *Benedictus Deus,* dwar l-istat ta' ruħ il-bnedmin wara l-mewt (1336): DS 1002; Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Ġakobiti* (1442): DS 1351; Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), kan. 25: DS 1575; Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 12.

[378] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48.

[379] Ara Konċilju ta' Orange, *Konklużjoni dwar il-grazzja, il-koperazzjoni umana u l-predestinazzjoni* (529): DS 397; Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), kan. 17: DS 1567.

wieħed jitwaddab fl-infern jeħtieġ li minn rajh jitbiegħed għal kollox minn Alla (id-dnub il-mejjet), u jibqa' mbiegħed sal-
aħħar. Fil-liturġija Ewkaristika u fit-talb ta' kuljum tal-Insara, 162
il-Knisja titlob il-ħniena ta' Alla biex "ħadd [ma] jintilef, imma 1014; 1821
li kulħadd jersaq għall-indiema" (*2 Piet* 3,9).

> Ilqa', nitolbuk, Mulej, din l-offerta tagħna u tal-familja kollha tiegħek: seddaq ħajjitna fis-sliem, eħlisna mit-telfien ta' dejjem u għoddna fil-merħla tal-magħżulin tiegħek.[380]

V. Il-ġudizzju tal-aħħar 678-679

1038 Il-qawmien tal-mejtin kollha "kemm it-tajbin u kemm
il-ħżiena" (*Atti* 24,15) iseħħ qabel il-ġudizzju tal-aħħar. Tkun 998; 1001
"is-siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu (leħen Bin il-Bniedem) u joħorġu; dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna" (*Ġw* 5,28-29). Imbagħad Kristu "jiġi ... fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu. ... U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż: in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug ... U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem" (*Mt* 25,31.32.46).

1039 Hu quddiem Kristu, li hu l-istess verità li tinkixef 678
darba għal dejjem il-verità dwar ir-relazzjoni ta' kull bniedem ma' Alla (ara *Ġw* 12,49). Il-ġudizzju tal-aħħar juri l-għemejjel kollha li kull wieħed ikun għamel ta' ġid jew ma għamilx, tul ħajtu fuq l-art, bil-konsegwenzi kollha tagħhom sal-aħħar:

[380] *Missal Ruman,* Talba Ewkaristika I, magħrufa wkoll bħala l-Kanone Ruman.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 402-403 5/16/2014 11:17:38 AM

> Id-deni kollu li jagħmlu l-ħżiena jitniżżel – mingħajr ma huma jkunu jafu. Il-Jum meta Alla "ma jibqax sieket" (*Salm* 50,3): ... hu jdur lejn il-ħżiena: "Qegħidt fuq l-art – jgħidilhom – il-foqra ċkejknin tiegħi għalikom. Jien, ir-Ras tagħhom, qiegħed fuq it-tron tas-sema fuq il-leminija ta' Missieri – imma fuq l-art il-membri tiegħi qed ibatu l-ġuħ. Kieku tajtu xi ħaġa lil dawn il-membri tiegħi, kieku dak li tkunu tajtu jasal sar-Ras. Meta qegħidt il-fqar ċkejknin tiegħi fuq l-art, għamilthom kummissarji tiegħi biex ikunu jistgħu jwasslu l-għemejjel tajba tagħkom fit-teżor tiegħi: intom ma fdajtulhom xejn f'idejhom, għalhekk intom ma għandkom xejn għandi".[381]

1040 Il-ġudizzju tal-aħħar isir meta Ġesù jerġa' jiġi fil-
637 glorja. Il-Missier biss jaf il-ħin u l-jum, hu biss jgħid meta se jseħħ. Permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu, Alla jgħid l-aħħar kelma tiegħu fuq il-ġrajja kollha tad-dinja. Aħna nafu x'inhu d-destin tal-aħħar tal-ħolqien kollu u tal-pjan tas-salvazzjoni, u nifhmu x'kienu t-triqat tal-għaġeb li minnhom il-
314 Providenza ta' Alla mexxiet kollox lejn l-aħħar destin tiegħu. Il-ġudizzju tal-aħħar juri kif il-ġustizzja ta' Alla toħroġ rebbieħa fuq l-inġustizzji kollha li jagħmlu l-ħlejjaq u li l-imħabba ta' Alla hi aktar qawwija mill-mewt (ara *Għanja tal-Għanjiet* 8,6).

1432 1041 Il-messaġġ tal-ġudizzju tal-aħħar isejjaħ għall-konverżjoni tul "iż-żmien it-tajjeb, ... il-jum tas-salvazzjoni" (*2 Kor* 6,2) li Alla jagħti lill-bnedmin. Jimliena bil-biża' qaddis ta' Alla. Jimpenjana favur il-ġustizzja tas-Saltna
2854 ta' Alla. Iħabbrilna "it-tama hienja" (*Titu* 2,13) tal-miġja mill-ġdid tal-Mulej, li "jiġi biex jieħu l-glorja mingħand il-qaddisin tiegħu u l-ġieħ minn dawk kollha li jkunu emmnu" (*2 Tess* 1,10).

[381] Santu Wistin, *Omelija* 18, 4, 4: PL 38, 130-131.

VI. It-tama ta' smewwiet ġodda u art ġdida

1042 Fit-tmiem ta' kollox is-Saltna ta' Alla tilħaq il-milja 769
kollha tagħha. Wara l-ġudizzju universali, il-ġusti jsaltnu għal dejjem ma' Kristu, lebsin bil-glorja fir-ruħ u l-ġisem, u l-univers kollu wkoll jiġġedded: 670

> Imbagħad il-Knisja tilħaq it-tmiem tagħha fil-glorja tas-sema meta d-dinja kollha, magħquda intimament mal-bniedem u permezz tiegħu tilħaq id-destin tagħha tal-aħħar, u flimkien mal-ġens kollu 310
> tal-bnedmin, tiġġedded fi Kristu.[382]

1043 Dan it-tiġdid misterjuż li jbiddel il-familja kollha tal-
bnedmin u d-dinja, l-Iskrittura ssejjaħlu "smewwiet ġodda 671
u art ġdida" (*2 Piet* 3,13; ara *Apok* 21,1). B'hekk iseħħ fl- 280
aħħar, darba għal dejjem, il-pjan ta' Alla "li kollox jinġabar 518
taħt Ras waħda, li hu Kristu, kulma hu fis-sema u kulma hu fl-art" (*Ef* 1,10).

1044 F'din id-"dinja ġdida" (ara *Apok* 21,5), f'Ġerusalemm tas-sema, Alla jkollu l-għamara tiegħu mal-bnedmin. "Hu jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt, anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel" (*Apok* 21,4; ara 21,27).

1045 *Għall-bniedem*, b'dan it-tmiem, isseħħ l-għaqda
sħiħa tal-ġens kollu tal-bnedmin li ried Alla sa mill-ħolqien 775
tad-dinja u li tagħha l-Knisja, hi u miexja fid-dinja, hi "bħal sagrament".[383] Dawk li jkunu magħqudin ma' Kristu jiffurmaw il-komunità tal-mifdijin, il-"Belt il-qaddisa" ta' Alla (*Apok* 1404
21,2), l-"Għarusa, mart il-Ħaruf" (*Apok* 21,9). Din ma tkunx

[382] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48.

[383] *Ibid.*, 1.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 404-405 5/16/2014 11:17:38 AM

aktar midruba mid-dnub, mit-tinġis (ara *Apok* 21,27), minn kulma hu mistkerrah, minn kull ħaġa li teqred jew tidrob il-komunità tal-bnedmin fuq l-art. Il-viżjoni beatifika, li biha Alla jinfetaħ għall-magħżulin b'mod li ma jintemm qatt, tkun l-għajn dejjem tnixxi l-hena, is-sliem u l-għaqda flimkien.

1046 *Dwar l-univers*, ir-Rivelazzjoni tgħidilna li d-destin tad-dinja u tal-bniedem huma marbutin sewwa ma' xulxin:

349 > Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla; ... bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir ... Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas; u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna (*Rum* 8,19-23).

1047 Id-dinja li tidher hi mela wkoll destinata li tinbidel, "biex, id-dinja stess jerġa' jkollha l-istat li kellha fil-bidu u hekk tkun, bla ebda tfixkil, għall-qadi tal-ġusti", u tissieħeb fil-glorja tagħhom f'Ġesù Kristu rxoxt.[384]

673 1048 *"Ma nafux iż-żmien* meta d-dinja u l-ġens kollu tal-bnedmin *jilħqu t-tmiem tagħhom* u lanqas nafu kif se jinbidel l-univers. Żgur li s-sura ta' din id-dinja midruba mid-dnub tgħaddi; imma aħna tgħallimna li Alla qed iħejjilna għamara ġdida u art ġdida fejn tgħammar il-ġustizzja, u l-hena jimla fuq li jimla x-xewqat kollha għas-sliem li jinbtu f'qalb il-bniedem".[385]

1049 "Iżda t-tama ta' art ġdida ma għandhiex tnaqqas, anzi għandha aktar tħeġġeġ il-ħerqa tagħna ħa naħdmu

[384] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 5, 32, 1: PG 7, 1210.

[385] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 39.

f'din id-dinja, fejn qed jikber il-ġisem ta' din il-familja ġdida tal-bnedmin, u li b'xi mod ġa qed jagħti xi ħjiel tad-dinja li għad trid tiġi. Għalkemm irridu nagħmlu għażla tajba bejn il-progress fid-dinja u l-kobor tas-Saltna ta' Alla, irridu ngħidu 2820
li dan il-progress tad-dinja jiswa ħafna għas-Saltna ta' Alla jekk iwassal għall-organizzazzjoni aħjar tas-soċjetà tal-bnedmin".[386]

1050 "Il-frott tajjeb kollu tan-natura u tal-ħidma tagħna, 1709
li nkunu xerridna mad-dinja fl-Ispirtu tal-Mulej u skont il-kmandament tiegħu, nerġgħu nsibuh, safi minn kull tinġis, imdawwal u mibdul, meta Kristu jagħti mill-ġdid lill-Missier is-saltna universali ta' dejjem".[387] Alla mbagħad "ikun kollox 260
f'kollox" (*1 Kor* 15,28) fil-ħajja ta' dejjem.

> Il-ħajja vera hu l-Missier, li bl-Iben, fl-Ispirtu s-Santu, isawwab fuq kulħadd il-ġid kollu tas-sema: għall-ħniena tiegħu aħna l-bnedmin ukoll irċevejna l-wegħda li ma se tiġi qatt nieqsa tal-ħajja ta' dejjem.[388]

Fil-qosor

1051 *Kull bniedem malli jmut jirċievi fir-ruħ tiegħu li ma tmut qatt il-ħlas ta' dejjem, permezz tal-ġudizzju partikulari, minn Kristu, l-imħallef tal-ħajjin u tal-mejtin.*

1052 *"Aħna nemmnu li l-erwieħ ta' dawk li jmutu fil-grazzja ta' Kristu … jiffurmaw il-Poplu ta' Alla fid-dinja l-oħra*

[386] *Ibid.*

[387] *Ibid.*; ara Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 2.

[388] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Katekeżi,* 18, 29: PG 33, 1049; ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari tal-Ħamis tas-17-il ġimgħa.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 406-407 5/16/2014 11:17:38 AM

li fiha l-mewt tiġi mirbuħa darba għal dejjem f'jum il-qawmien mill-imwiet, meta l-erwieħ jerġgħu jingħaqdu mal-iġsma tagħhom".[389]

1053 *"Aħna nemmnu li l-kotra ta' dawk li huma miġburin madwar Ġesù u Marija fil-ġenna huma l-Knisja tassema, fejn fl-hena ta' dejjem jaraw 'l Alla kif inhu, u fejn huma wkoll, fi gradi differenti, huma mseħbin mal-anġli mqaddsa fit-tmexxija ta' Alla permezz ta' Kristu fil-glorja, waqt li jidħlu għalina u jgħinuna finnuqqas ta' ħila tagħna b'ħerqa ta' aħwa".*[390]

1054 *Dawk li jmutu fil-grazzja u l-ħbiberija ta' Alla, iżda mhux safja għal kollox mit-tinġis tad-dinja, minkejja li żguri mis-salvazzjoni ta' dejjem tagħhom, wara mewthom ibatu purifikazzjoni, ħa jiksbu l-qdusija meħtieġa biex jidħlu fil-hena ta' Alla.*

1055 *Bil-qawwa tax-"xirka tal-qaddisin", il-Knisja tafda l-mejtin lill-ħniena ta' Alla u toffri suffraġji għalihom, b'mod partikulari toffri s-sagrifiċċju Ewkaristiku.*

1056 *Fuq l-eżempju ta' Kristu, il-Knisja twissi lill-Insara dwar "ir-realtà tan-niket u tad-dwejjaq tal-mewt ta' dejjem"*[391]*, realtà li tissejjaħ ukoll "infern".*

1057 *L-akbar piena tal-infern hi l-firda għal dejjem minn Alla li fih biss il-bniedem jista' jkollu l-ħajja u l-hena li għalihom ġie maħluq u li għalihom jixxennaq.*

[389] Pawlu VI, *Professjoni Solenni tal-Fidi* (1968), 28.
[390] *Ibid*., 29.
[391] Kongregazzjoni għall-Kleru, *Direttorju Ġenerali tal-Katekeżi* (1997), 69.

1058 *Il-Knisja titlob biex ebda bniedem ma jintilef: "Mulej, tħallini qatt ninfired minnek".*[392] *Jekk hu minnu li ebda bniedem ma jista' jsalva lilu nnifsu, huwa veru wkoll li "Alla ... jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw"* (*1 Tim* 2,4) *u li "għal Alla kollox jista' jkun"* (*Mt* 19,26).

1059 *"Il-Knisja Qaddisa ta' Ruma temmen u tistqarr bil-qawwa kollha li f'jum il-ġudizzju l-bnedmin kollha jidhru bil-ġisem tagħhom quddiem it-tribunal ta' Kristu biex jagħtu kont ta' għemilhom kollu".*[393]

1060 *Fl-aħħar taż-żmien, is-Saltna ta' Alla tilħaq il-milja tagħha. Imbagħad il-ġusti jsaltnu għal dejjem ma' Kristu, imżejnin bil-glorja fil-ġisem u r-ruħ, u d-dinja wkoll tinbidel. Imbagħad, Alla "ikun kollox f'kollox" (1 Kor* 15,28*),* fil-ħajja ta' dejjem.

[392] *Missal Ruman*, Talba qabel it-Tqarbin.
[393] Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 859; ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 16: DS 1549.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 408-409 5/16/2014 11:17:38 AM

"Ammen"

1061 Il-Kredu, l-istess bħall-aħħar ktieb tal-Iskrittura (ara
2856 *Apok* 22,21) jagħlaq bil-kelma Lhudija *Ammen.* Din il-kelma niltaqgħu magħha ta' spiss fl-għeluq tat-talb tat-Testment il-Ġdid. Il-Knisja wkoll ittemm it-talb tagħha bil-kelma "Ammen".

1062 Bil-Lhudi, "Ammen" għandha l-istess għerq tal-kelma "Nemmen". Dan l-għerq jesprimi soliditá, affidabiltà, fedeltà.
214 B'hekk nifhmu għaliex il-kelma "Ammen" tesprimi kemm il-fedeltà ta' Alla magħna kif ukoll il-fiduċja tagħna fih.

215 1063 Fil-profeta Isaija nsibu l-frażi "Alla tal-verità", letteralment "Alla tal-Ammen", jiġifieri Alla hu fidil fil-wegħdiet tiegħu. "Min jitbierek fuq l-art, jitbierek b'Alla tal-verità (tal-Ammen)" (*Is* 65,16). Ġesù Sidna spiss juża l-kelma "Ammen" (ara *Mt* 6,2.5.16), xi kultant itenniha (ara *Ġw* 5,19) biex jagħmel enfasi fuq kemm wieħed għandu
156 jafda t-tagħlim tiegħu, u l-awtorità tiegħu mibnija fuq il-verità ta' Alla.

1064 Għalhekk, l-"Ammen" li tagħlaq il-Kredu ttenni u twettaq l-ewwel kelmiet: "Jiena nemmen". Temmen jiġifieri tgħid "Ammen" għall-kliem, għall-wegħdiet, għall-kmandamenti ta' Alla, jiġifieri tafda għal kollox f'dak li hu l-"Ammen" tal-imħabba bla qies u tal-fedeltà perfetta. Il-
197; 2101 ħajja Nisranija ta' kuljum, tkun imbagħad l-"Ammen" għall-"Jiena nemmen" tal-istqarrija tal-fidi tal-Magħmudija tagħna:

> Jalla l-Kredu tiegħek ikun qisu mera għalik. Ħares fih lejk innifsek biex tara temminx kulma tgħid li temmen. U thenna kuljum fil-fidi tiegħek.[394]

[394] Santu Wistin, *Omelija* 58, 11, 13: PL 38, 399.

1065 Ġesù Kristu hu huwa nnifsu l-"Ammen" (*Apok* 3,14). Hu l-"Ammen" definittiv tal-imħabba tal-Missier għalina. Hu jieħu u jtemm l-"Ammen" tagħna lill-Missier: "Għax fih il-wegħdiet ta' Alla kollha saru 'iva'. Hu għalhekk li aħna, permezz tiegħu, ngħidu l-'Ammen' għall-glorja ta' Alla" (*2 Kor* 1,20):

> Bi Kristu, ma' Kristu, u fi Kristu,
> jingħata lilek, Alla Missier li tista' kollox,
> flimkien mal-Ispirtu s-Santu
> kull ġieħ u glorja għal dejjem ta' dejjem.
>
> **AMMEN.**[395]

[395] *Missal Ruman*, Dossoloġija fi tmiem it-Talba Ewkaristika.

kkk 277-412 latest.OK (r).indd 410-411 5/16/2014 11:17:38 AM

IT-TIENI PARTI

IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-MISTERU NISRANI

kkk 413-420 latest.OK (r).indd 413 5/16/2014 11:21:24 AM

Għalfejn il-liturġija?

1066 Fil-Kredu, il-Knisja tistqarr il-misteru tat-Trinità Qaddisa u "il-misteru tar-rieda [ta' Alla]" *(Ef* 1,9*)* għall-ħolqien kollu: il-Missier temm "il-misteru tar-rieda tiegħu" billi bagħat lil Ibnu l-Maħbub u l-Ispirtu tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja u għall-glorja ta' ismu. Dan hu l-Misteru ta' Kristu *(*ara *Ef* 3,4*),* li ntwera u seħħ fl-istorja skont pjan imfassal bil-għerf kollu, li San Pawl isejjaħlu "il-misteru tar-rieda tiegħu," (*Ef* 3,9) u li t-Tradizzjoni ta' Missirjiet il-Knisja sejħitlu "l-Ekonomija tal-Verb magħmul bniedem" jew "l-Ekonomija tas-salvazzjoni". 50 236

1067 "Din il-ħidma għall-fidwa tal-bniedem u għall-glorifikazzjoni perfetta ta' Alla, imħejjija mill-għeġubijiet kbar li Alla għamel fost il-poplu tat-Testment il-Qadim, temmha Kristu l-Mulej, l-aktar bil-misteru tal-Għid tal-Passjoni Mqaddsa tiegħu, tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet u tat-Tlugħ glorjuż tiegħu fis-sema, li bih Kristu, 'bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna u bil-qawmien tiegħu kisbilna ħajja ġdida'; għaliex mill-ġenb ta' Kristu fir-raqda tal-mewt fuq is-salib ħareġ is-sagrament tal-għaġeb tal-Knisja kollha".[1] Hu għalhekk li l-Knisja, fil-Liturġija tagħha, tiċċelebra prinċipalment il-misteru tal-Għid li bih Kristu temm l-opra tas-salvazzjoni tagħna. 571

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 5.

kkk 413-420 latest.OK (r).indd 414-415 5/16/2014 11:21:24 AM

1068 Hu dan il-misteru ta' Kristu li l-Knisja tħabbar u tiċċelebra fil-Liturġija, biex l-Insara jgħixuh u jagħtu xhieda tiegħu fid-dinja:

> Il-Liturġija, li biha, speċjalment bis-sagrifiċċju tal-Ewkaristija, isseħħ l-opra tal-fidwa tagħna, tgħin ħafna biex il-fidili juru f'ħajjithom u jħabbru lill-oħrajn il-Misteru ta' Kristu u x'inhi tassew il-Knisja.[2]

Xi tfisser il-kelma "liturġija"?

1069 Il-kelma "Liturġija" fil-bidu kienet tfisser "ħidma pubblika", "servizz mogħti mill-poplu, favur il-poplu". Fit-tradizzjoni Nisranija l-kelma saret tfisser li l-Poplu ta' Alla għandu sehem "fix-xogħol ta' Alla" (ara *Ġw* 17,4). Permezz tal-Liturġija, Kristu l-Feddej u l-Qassis il-Kbir tagħna, ikompli fil-Knisja tiegħu, magħha u biha, l-opra tal-fidwa tagħna.

1070 Il-kelma "Liturġija" fit-Testment il-Ġdid insibuha użata mhux biss biex tfisser il-kult divin (ara *Atti* 13,2; *Lq* 1,23) imma wkoll it-tħabbira tal-Evanġelju (ara *Rum* 15,16; *Fil* 2,14-17.30), u għemil ta' mħabba (ara *Rum* 15,27; *2 Kor* 9,12; *Fil* 2,25). F'kull waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet dejjem għandna qadi ta' Alla u tal-bnedmin. Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija l-Knisja dejjem taqdi, l-istess
783 bħall-Mulej, il-"Liturgu" (ministru) waħdieni (ara *Lh* 8,2.6), billi tissieħeb fis-saċerdozju (kult) profetiku (tħabbir) u regali (servizz ta' mħabba) tiegħu:

> Bir-raġun kollu l-liturġija titqies bħala ħidma tal-uffiċċju saċerdotali ta' Ġesù Kristu, fejn, permezz ta' sinjali li jidhru jiġi mfisser b'mod propju għal kull sinjal, u jseħħ it-tqaddis tal-bniedem, u l-Ġisem mistiku kollu ta' Kristu, jiġifieri r-Ras flimkien mal-membri, jiċċelebra kult pubbliku sħiħ. Għalhekk kull ċelebrazzjoni liturġika,

[2] *Ibid*., 2.

> bħala għemil ta' Kristu-Saċerdot u tal-Ġisem tiegħu, li hu l-Knisja, hi għemil qaddis mill-aqwa, u ebda għemil ieħor tal-Knisja ma hu daqsu fil-qawwa, fl-istess grad tiegħu u għall-istess raġuni.[3]

Il-liturġija bħala għajn ta' ħajja

1071 Il-Liturġija, barra li hi ħidma ta' Kristu, hi wkoll ħidma tal-*Knisja* tiegħu. Il-Liturġija tagħmel u turi l-Knisja bħala sinjal li jidher tal-għaqda ta' Alla u tal-bnedmin permezz ta' Kristu. Timpenja lill-Insara fil-ħajja ġdida tal-komunità. Titlob 1692
li l-Insara jieħdu sehem attiv, ikunu jafu x'qed jagħmlu u t-tisħib tagħhom jagħti frott.[4]

1072 "Il-Liturġija ma tħaddanx il-ħidma kollha tal-Knisja":[5] qabilha tiġi l-evanġelizzazzjoni, il-fidi u l-konverżjoni; imbagħad tkun tista' tagħti l-frott tagħha fil-ħajja tal-Insara: il-ħajja ġdida skont l-Ispirtu, l-impenn fil-missjoni tal-Knisja u s-servizz tal-għaqda tagħha.

Talb u liturġija

1073 Il-Liturġija hi wkoll tisħib fit-talba li Kristu jagħmel lill-Missier fl-Ispirtu s-Santu. F'din it-talba ta' Kristu t-talb Nisrani kollu għandu l-bidu u t-tmiem tiegħu. Permezz tal-Liturġija, il-bniedem ta' ġewwa jagħmel l-għeruq tiegħu u jinbena (ara *Ef* 3,16-17) fuq "l-imħabba kbira li biha [Alla] ħabbna" (*Ef* 2,4) f'Ibnu l-Maħbub. Hu l-istess "għemil tal-
għaġeb" ta' Alla li ngħixu u jinsab f'kull xorta ta' talb, "dejjem 2558
fl-Ispirtu" (*Ef* 6,18).

[3] *Ibid*., 7.
[4] *Ibid.,* 11.
[5] *Ibid.,* 9.

kkk 413-420 latest.OK (r).indd 416-417 5/16/2014 11:21:25 AM

KATEKEŻI U LITURĠIJA

1074 "Il-Liturġija hi l-qofol li għalih trid tasal kull ħidma tal-Knisja, u fl-istess ħin hi l-għajn li minnha tiġi l-qawwa kollha tagħha".[6] Hi għalhekk il-post privileġġjat fejn issir il-katekeżi tal-Poplu ta' Alla. "Il-katekeżi għandha rabta sħiħa u intima mal-ħidma liturġika u sagramentali, għaliex hu fis-sagramenti, u l-aktar fl-Ewkaristija, li Kristu Ġesù jaħdem bil-milja kollha tiegħu ħa jbiddel il-bnedmin".[7]

426 1075 Il-katekeżi liturġika trid iddaħħal il-bniedem fil-misteru ta' Kristu (għalhekk hi "mistagoġija") billi titlaq minn dak li jidher ħa tasal għal dak li ma jidhirx, minn dak li jfisser
774 għal dak li jitfisser, mis-"sagramenti" għall-"misteru". Din issura ta' katekeżi hi propja tal-katekiżmi lokali u reġjonali. Dan il-Katekiżmu, li jrid jaqdi l-Knisja kollha, bil-ħafna riti u kulturi li tħaddan[8], se juri biss dak li għall-Knisja kollha hu fundamentali u ta' kulħadd fil-liturġija bħala misteru u bħala ċelebrazzjoni (l-ewwel Taqsima), imbagħad is-seba' sagramenti u s-sagramentali (it-tieni Taqsima).

[6] *Ibid*., 10.

[7] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (1979), 23.

[8] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 3-4.

kkk 413-420 latest.OK (r).indd 418-419 5/16/2014 11:21:25 AM

L-EWWEL SEZZJONI

L-EKONOMIJA SAGRAMENTALI

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 421 5/16/2014 11:23:29 AM

1076 Il-Knisja ġiet murija lid-dinja f'jum Għid il-Ħamsin bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu.[1] Id-don tal-Ispirtu jniedi żmien ġdid fl-"għotja tal-misteru": iż-żmien tal-Knisja li matulu Kristu juri, iġib fid-dieher, u jikkomunika l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni permezz tal-liturġija tal-Knisja tiegħu "sa ma jiġi" (*1 Kor* 11,26). F'dan iż-żmien tal-Knisja, Kristu issa jgħix u jġib ruħu fil-Knisja tiegħu u magħha, b'mod ġdid li jaqbel ma' dan iż-żmien il-ġdid. Jaħdem permezz tas-sagramenti f'dak li fit-Tradizzjoni komuni tal-Lvant u l-Punent hi msejħa "l-ekonomija sagramentali"; din hi t-tixrid (jew għotja) tal-frott tal-misteri tal-Għid ta' Kristu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija "sagramentali" tal-Knisja. 739

Għalhekk hu importanti li l-ewwel jiġi ċċarat dan "it-tqassim tas-sagramenti" *(l-ewwel Kapitlu)*. Imbagħad jinftiehmu aħjar in-natura u l-karatteristiċi meħtieġa taċ-ċelebrazzjoni liturġika *(it-tieni Kapitlu)*.

[1] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963) 6; Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 2.

L-EWWEL KAPITLU

IL-MISTERU TAL-GĦID FI ŻMIEN IL-KNISJA

L-ewwel artiklu

IL-LITURĠIJA: ĦIDMA TAT-TRINITÀ QADDISA

I. Il-Missier: Bidu u tmiem tal-Liturġija

1077 "Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu. Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu; hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu, għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li biha mliena fil-Maħbub tiegħu" (*Ef* 1,3-6). 492

1078 It-tberik hu ħidma ta' Alla li tagħti l-ħajja u jiġi mingħand il-Missier. Il-barka tiegħu hi fl-istess waqt kelma u don ("bene-dictio"; "eu-logia"). Meta ngħiduh għall-bniedem, it-tberik ifisser adorazzjoni u l-għotja tal-istess bniedem f'azzjoni ta' radd il-ħajr lil Alla l-Ħallieq. 2626

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 422-423 5/16/2014 11:23:30 AM

1079 Mill-bidu sa tmiem iż-żminijiet, kull ħidma ta' Alla hi *barka.* Mill-poema liturġika tal-ewwel ħolqien sal-kantiċi ta' Ġerusalemm tas-sema, il-kittieba mnebbħa ħabbru l-pjan tas-salvazzjoni bħala barka, kbira fuq li kbira, ta' Alla.

1080 Sa mill-bidu Alla bierek il-ħlejjaq ħajjin, u speċjalment ir-raġel u l-mara. Il-patt ma' Noè u mal-ħlejjaq l-oħra kollha ħajjin iġedded din il-barka ħa joktru, minkejja d-dnub tal-bniedem, li bih l-art hi "misħuta". Iżda hu minn Abraham li l-barka ta' Alla tidħol fil-ġrajja tal-bnedmin mexjin lejn il-mewt, biex ireġġagħha għall-ħajja, għall-bidu tagħha; bil-fidi tal-"missier ta' dawk li jemmnu", li jilqa' l-barka ta' Alla, tibda l-ġrajja tas-salvazzjoni.

1081 Il-barkiet ta' Alla jidhru bħala għemil tal-għaġeb u ta' salvazzjoni: it-twelid ta' Iżakk, il-ħruġ mill-Eġittu (Għid u Eżodu), id-don tal-Art Imwiegħda, l-għażla ta' David, il-preżenza ta' Alla fit-tempju, l-eżilju biex il-poplu jissaffa minn ħtijietu u l-"fdal ċkejken" li jerġa' lura. Il-Liġi, il-Profeti u s-Salmi li jinsġu l-liturġija tal-Poplu l-magħżul ta' Alla fl-istess waqt ifakkru dawn il-barkiet ta' Alla u jwieġbu b'barkiet ta' tifħir u radd il-ħajr.

1082 Fil-Liturġija tal-Knisja l-barka ta' Alla tidher u tingħata b'mod sħiħ: il-Missier jingħaraf u jiġi miqjum bħala l-bidu u t-tmiem tal-barkiet kollha tal-ħolqien u tas-salvazzjoni; il-Verb tiegħu, magħmul bniedem, li miet u rxoxta għalina, jimliena bil-barkiet tiegħu, u bih ixerred fi qlubna d-Don li fih jinsabu d-doni kollha: l-Ispirtu s-Santu.

2627 1083 Nifhmu għalhekk liema huma ż-żewġ dimensjonijiet tal-liturġija Nisranija bħala tweġiba bil-fidi u l-imħabba għall-"barkiet spiritwali" li bihom il-Missier jogħġbu jimliena. Minn naħa, il-Knisja, f'għaqda ma' Sidha u mqanqla "mill-Ispirtu s-Santu" (*Lq* 10,21), tbierek lil Alla "għad-don tiegħu li ma

jitfissirx bil-kliem" (*2 Kor* 9,15) permezz ta' adorazzjoni, tifħir u radd il-ħajr. Min-naħa l-oħra, sa ma l-pjan ta' Alla jilħaq it-tmiem tiegħu, il-Knisja ma tehda qatt twassal lil Alla "l-offerta 1360
tad-doni tagħha" u titolbu jibgħat l-Ispirtu tiegħu fuq dawn id-doni, fuqha, fuq l-Insara u fuq id-dinja kollha, sabiex bit-tisħib fil-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu-Qassis u bil-qawwa tal-Ispirtu dawn il-barkiet ta' Alla jġibu frott ta' ħajja "għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu" (*Ef* 1,6).

II. Il-ħidma ta' Kristu fil-Liturġija

Kristu ggloriFikat ...

1084 Kristu, "qiegħed fuq il-lemin tal-Missier", issa jibgħat 662
l-Ispirtu s-Santu fuq il-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja, u jaħdem permezz tas-sagramenti li hu waqqaf biex bihom jagħti l-grazzja tiegħu. Is-sagramenti huma sinjali li jidhru (kliem 1127
u għemil) li jistgħu jifhmuhom il-bnedmin tal-lum. Jagħtu l-grazzja li jfissru, bil-ħidma ta' Kristu u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

1085 Fil-liturġija tal-Knisja, Kristu jfisser u jagħmel li jseħħ il-misteru tal-Għid tiegħu aktar milli f'xi ħaġ'oħra. Tul ħajtu fid-dinja, Kristu ħabbar bit-tagħlim u bl-għemil tiegħu u wera minn qabel il-misteru tal-Għid tiegħu. Meta waslet is-Siegħa tiegħu (ara *Ġw* 13,1; 17,1), għex il-fatt waħdieni tal-istorja li ma tintemm qatt: Ġesù miet, difnuh, qam mill-imwiet u qagħad fuq il-lemin tal-Missier "darba għal dejjem" (*Rum* 6,10; *Lh* 7,27; 9,12). Hu fatt veru li seħħ fl-istorja tagħna, iżda hu fatt li ma hemmx ieħor bħalu: il-ġrajjiet l-oħra tal-istorja jiġu darba, imbagħad jgħaddu u jinbelgħu fl-imgħoddi. Il-misteru tal-Għid ta' Kristu għall-kuntrarju ma jistax jibqa' biss fl-imgħoddi, għax Kristu bil-mewt tiegħu

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 424-425 5/16/2014 11:23:30 AM

qered il-mewt, u dak kollu li hu Kristu, u dak kollu li għamel
519 u bata għall-bnedmin kollha, għandu sehem mill-eternità
ta' Alla u għalhekk iħaddan iż-żminijiet kollha u jagħmilhom
1165 kollha "illum". Il-fatt tas-salib u tal-Qawmien mill-imwiet
jibqa' u jiġbed kollox lejn il-Ħajja.

... SA MILL-KNISJA TAL-APPOSTLI ...

858 1086 "Kif Kristu ntbagħat mill-Missier, hekk hu bagħat
l-Appostli, mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, mhux biss biex ixandru
l-Evanġelju lill-ħolqien kollu, u jħabbru li l-Iben ta' Alla, bil-
mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet, ħelisna mill-jasar tax-
Xitan u mill-mewt, u daħħalna fis-Saltna ta' Missieru, imma
wkoll biex iħaddmu din l-opra tas-salvazzjoni li jħabbru
permezz tas-Sagrifiċċju u tas-sagramenti, li fuqhom iddur
kollha kemm hi l-ħajja liturġika".[2]

1087 Hekk, Kristu rxoxt, huwa u jagħti l-Ispirtu s-Santu
lill-Appostli, fdalhom is-setgħa li jqaddsu (ara *Ġw* 20,21-
23): saru sinjali sagramentali ta' Kristu. Bil-qawwa tal-
istess Spirtu s-Santu, l-Appostli għaddew din is-setgħa lis-
861 suċċessuri tagħhom. Din is-"suċċessjoni Appostolika" tibni
1536 l-ħajja Liturġika kollha tal-Knisja; hi stess hi sagramentali li
tiġi trasmessa permezz tas-sagrament tal-Ordni.

... HU PREŻENTI FIL-LITURĠIJA F'DIN ID-DINJA ...

1088 "Biex isseħħ din il-ħidma hekk kbira – it-tqassim
776 u l-għoti tas-salvazzjoni – Kristu hu dejjem mal-Knisja
669 tiegħu, l-aktar f'kull ħidma liturġika. Jinsab fis-Sagrifiċċju
tal-Quddiesa meta, fil-persuna tal-ministru tiegħu, kif darba

[2] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilum* (1963), 6.

offra lilu nnifsu fuq is-salib, joffri lilu nnifsu bil-ministeru tas-
saċerdoti, u l-aktar taħt ix-xbihat ewkaristiċi. Jinsab ukoll bil- 1373
qawwa tiegħu fis-sagramenti hekk li meta xi ħadd jgħammed,
huwa Kristu stess li jkun jgħammed. Jinsab fil-Kelma tiegħu,
hekk li jkun hu li jitkellem meta tinqara l-Iskrittura Mqaddsa
fil-Knisja. U fl-aħħar nett jinsab fil-Knisja hija u titlob u
tlissen is-Salmi, għax kien wieħed: "'Fejn tnejn jew tlieta
jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom' (*Mt*
18,20)".[3]

1089 "Biex isseħħ din il-ħidma hekk kbira, li biha Alla hu
gglorifikat perfettament u l-bnedmin jitqaddsu, Kristu dejjem
isieħeb miegħu l-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, li 796
titolbu bħala Sidha u permezz tiegħu tagħti qima lill-Missier
ta' dejjem".[4]

... LI HU TISĦIB FIL-LITURĠIJA TAS-SEMA

1090 "Aħna u niċċelebraw il-liturġija fuq l-art, nieħdu 1137-1139
sehem, billi nduquha qabel, fil-liturġija tas-sema, li hi
ċċelebrata fil-Belt Qaddisa, Ġerusalemm tas-sema: lejha
aħna sejrin bħala pellegrini, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin
tal-Missier bħala ministru tas-santwarju u tabernaklu veru;
flimkien mal-qtajja' kollha tas-sema nkantaw innijiet ta' glorja
lill-Mulej; aħna u nagħmlu t-tifkira tal-qaddisin, nittamaw li
għad ikollna sehem magħhom; aħna u nistennew bil-ħerqa
s-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu, biex meta jidher Hu,
li hu l-ħajja tagħna, aħna wkoll nidhru flimkien miegħu fil-
glorja".[5]

[3] *Ibid.*, 7.
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*, 8; ara Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 50.

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 426-427 5/16/2014 11:23:30 AM

III. L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja fil-Liturġija

1091 Fil-liturġija, l-Ispirtu s-Santu hu l-għalliem tal-fidi
798 għall-Poplu ta' Alla, dak li bih isiru "il-ħwejjeġ kbar ta' Alla" li huma s-sagramenti tal-Patt il-Ġdid. Ix-xewqa u l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-qalb tal-Knisja huma li aħna ngħixu l-ħajja ta' Kristu rxoxt. Meta jsib fina tweġiba għall-fidi li hu jqanqal, ikun hemm tassew kooperazzjoni vera: hekk il-liturġija ssir ħidma flimkien tal-Ispirtu s-Santu u l-Knisja.

1092 F'dan it-tqassim sagramentali tal-misteru ta' Kristu,
737 l-Ispirtu s-Santu jaħdem kif ħadem fi żminijiet oħra tal-Pjan tas-salvazzjoni: iħejji l-Knisja għal-laqgħa mal-Mulej; ifakkar u juri 'l Kristu lill-fidi tal-ġemgħa; iġib u jagħmel li jseħħ fl-istess waqt il-misteru ta' Kristu bis-setgħa tiegħu li jbiddel kollox; u fl-aħħar nett bħala Spirtu tal-għaqda jgħaqqad il-Knisja mal-ħajja u l-missjoni ta' Kristu.

L-Ispirtu s-Santu jħejji biex Kristu jiġi milqugħ

1093 L-Ispirtu s-Santu fl-ekonomija sagramentali jtemm
762 ix-xbihat tal-*Patt il-Qadim*. Għaliex il-Knisja "ġiet imħejjija b'mod tal-għaġeb fil-ġrajja tal-Poplu ta' Iżrael u fi żmien il-Patt il-Qadim"[6], il-Liturġija tal-Knisja tgħożż bħala parti sħiħa tagħha li ma tistax tgħaddi mingħajrhom xi elementi tal-kult tal-Patt il-Qadim, u tagħmilhom tagħha:

121 — prinċipalment il-qari tat-Testment il-Qadim;

2585 — it-talb tas-Salmi;

1081 — u l-aktar, it-tifkira ta' ġrajjiet ta' salvazzjoni u ta' realtajiet li jfissru ħafna, li twettqu fil-misteru ta' Kristu (il-Wegħda

[6] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 2.

u l-Patt, l-Eżodu u l-Għid, is-Saltna u t-Tempju, l-Eżilju u d-dħul lura f'pajjiżhom).

1094 Hi fil-qbil li hemm bejn dawn iż-żewġ Testmenti[7] 128-130
li sseħħ il-katekeżi tal-Għid tal-Mulej (ara *Lq* 24, 13-49), u dik imbagħad tal-Appostli u ta' Missirijiet il-Knisja. Din il-katekeżi toħroġ għad-dawl dak li kien hemm moħbi fil-kitba tat-Testment il-Qadim: il-Misteru ta' Kristu. Tissejjaħ "tipoloġika" għaliex turi t-tiġdid li hu Kristu, u titlaq mix-"xbihat" (tipi) li ħabbru 'l Kristu bil-ġrajjiet, bil-kliem u bis-simboli tal-Patt il-Qadim. Aħna nitilqu minn Kristu biex naqraw mill-ġdid dawn ix-xbihat taħt it-tmexxija tal-Ispirtu tal-verità, u *dawn ix-xbihat* noħorġuhom għad-dawl (ara *2 Kor* 3,14-16). Hekk naraw li d-dulluvju u l-arka ta' Noè ħabbru s-salvazzjoni li tiġina bil-Magħmudija (ara *1 Piet* 3,21), u l-istess ħaġa naraw fis-sħaba u l-qsim tal-Baħar l-Aħmar, waqt li l-ilma mill-blata samma hu xbieha tad-doni spiritwali ta' Kristu (ara *1 Kor* 10,1-6); u l-manna fid-dežert tħabbar l-Ewkaristija, "il-ħobż tassew mis-sema" (*Ġw* 6, 32).

1095 Hu għalhekk li l-Knisja, speċjalment fi żmien l-Avvent
u fi żmien ir-Randan, u l-iktar fil-Lejl Qaddis tal-Għid, taqra u 281
tgħix mill-ġdid dawn il-ġrajjiet kbar tal-istorja tas-salvazzjoni fl-"illum" tal-Liturġija. Iżda dan jitlob ukoll li l-katekeżi tgħin
lill-fidili biex jifhmu "spiritwalment" il-Pjan tas-salvazzjoni 117
kif tgħarrafhulna l-liturġija tal-Knisja u twassalna biex ngħixuh.

1096 *Liturġija Lhudija u liturġija Nisranija.* Tagħrif aħjar tal-fidi u tal-ħajja reliġjuża tal-poplu Lhudi, kif għadu qiegħed jistqarrhom u jgħixhom

[7] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 14-16.

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 428-429 5/16/2014 11:23:30 AM

illum, jista' jgħinna biex nifhmu aħjar xi aspetti tal-liturġija Nisranija. Kemm għal-Lhud u kemm għall-Insara, l-Iskrittura hi parti essenzjali tal-liturġiji tagħhom: it-tħabbira tal-Kelma ta' Alla, it-tweġiba għall-Kelma, it-talb ta' tifħir u ta' intercessjoni għall-ħajjin u għall-mejtin, u t-talb għall-ħniena ta' Alla. Il-Liturġija tal-Kelma, fl-istruttura propja tagħha, għandha
1174 l-bidu tagħha fit-talb tal-Lhud. Il-Liturġija tas-Sigħat u testi u formularji liturġiċi oħra għandhom testi u formularji jixbhuhom fost il-Lhud, kif ukoll għandhom xebh ma' talb tal-Lhud xi formularji ta' talb Nisrani, tassew għeżież għalina, bħalma hi t-talba tal-Missierna. It-Talbiet
1352 Ewkaristiċi ġew imnebbħa minn mudell ta' talb tat-tradizzjoni Lhudija. Ir-relazzjonijiet bejn il-Liturġija Lhudija u l-Liturġija Nisranija jidhru wkoll b'mod partikulari fil-festi kbar tas-sena Liturġika, bħalma hi l-festa tal-Għid, imma jidhru wkoll id-differenzi li hemm bejn iż-żewġ liturġiji
840 dwar it-tifsir ta' dawn il-festi. L-Insara u l-Lhud jiċċelebraw il-festa tal-Għid: ġrajja tal-istorja li għadha tħares 'il quddiem, fost il-Lhud; ġrajja li laħqet it-tmiem tagħha bil-mewt u l-Qawmien mill-imwiet ta' Kristu fost l-Insara, għalkemm l-Insara għadhom jistennew it-tmiem sħiħ tagħha fl-aħħar taż-żmien.

1097 Fil-*liturġija tal-Patt il-Ġdid,* kull azzjoni liturġika, speċjalment iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u tas-sagramenti, hi laqgħa ma' Kristu u mal-Knisja. Il-ġemgħa liturġika tinsab miġbura ħaġa waħda "fl-għaqda tal-Ispirtu s-Santu", li jiġbor l-ulied ta' Alla fil-Ġisem wieħed ta' Kristu. Hi għaqda li tisboq ir-rabtiet kollha bejn bnedmin, razez, kulturi u kull rabta soċjali oħra.

1098 Il-ġemgħa trid *tħejji* ruħha biex tiltaqa' mal-Mulej, trid tkun "poplu mħejji sewwa" (*Lq* 1,17). Din it-tħejjija tal-qlub hi ħidma flimkien tal-Ispirtu s-Santu u tal-ġemgħa stess, b'mod partikulari tal-ministri tal-ġemgħa.
1430 Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu tfittex li tqanqal il-fidi, il-konverżjoni tal-qalb u r-rabta mar-rieda tal-Missier. Dawn id-dispożizzjonijiet huma meħtieġa minn qabel biex jistgħu jintlaqgħu l-grazzji li tagħti l-istess ċelebrazzjoni u jinkiseb il-frott tal-ħajja ġdida li ċ-ċelebrazzjoni hi mistennija li tagħti wara.

L-Ispirtu s-Santu jfakkar il-misteru ta' Kristu

1099 L-Ispirtu s-Santu u l-Knisja jaħdmu flimkien biex juru lil Kristu u l-opra tiegħu tas-salvazzjoni fil-Liturġija. L-aktar fl-Ewkaristija, u, analoġikament, fis-sagramenti l-oħra, il-Liturġija hi t-*tifkira* tal-misteru tas-salvazzjoni. L-Ispirtu s-Santu hu t-tifkira ħajja tal-Knisja (ara *Ġw* 14,26). 91

1100 *Il-Kelma ta' Alla.* L-Ispirtu s-Santu l-ewwel ifakkar lill-ġemgħa liturġika t-tifsir tas-salvazzjoni huwa u jagħti l-ħajja lill-Kelma ta' Alla li titħabbar, biex il-ġemgħa tilqagħha u tgħixha: 1134

> Fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, l-Iskrittura Mqaddsa għandha importanza mill-aqwa. Mill-Iskrittura jittieħdu s-siltiet li jinqraw u jiġu mfissra fl-omelija, u s-Salmi li jiġu kantati; mill-ispirazzjoni u l-ħeġġa tal-Iskrittura ħarġu l-preċi, it-talb u l-innijiet liturġiċi, u mill-Iskrittura wkoll l-azzjonijiet u s-simboli liturġiċi jirċievu t-tifsir tagħhom.[8] 103; 131

1101 Hu l-Ispirtu s-Santu li jagħti lil-letturi u lil dawk li jkunu jisimgħu l-qari, skont id-dispożizzjoni tal-qalb ta' kull wieħed, 117 li jifhmu spiritwalment il-Kelma ta' Alla. Permezz tal-kliem, tal-għemil u tas-simboli li jinsġu ċ-ċelebrazzjoni, l-Ispirtu s-Santu jwassal lill-fidili u lill-ministri biex ikollhom relazzjoni ħajja ma' Kristu nnifsu, il-Kelma u x-Xbieha tal-Missier, ħalli huma jwasslu f'ħajjithom it-tifsir ta' kulma semgħu, ikkontemplaw u għamlu waqt iċ-ċelebrazzjoni.

1102 "Hija l-Kelma tas-salvazzjoni li tmantni l-fidi fi qlub l-Insara; biha titwieled u tikber l-għaqda tal-Insara".[9] It-tħabbira tal-Kelma ta' Alla mhijiex biss tagħlim: hi wkoll *tweġiba ta' fidi,* li wieħed jilqa' u jintrabat biha, minħabba 143

[8] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 24.
[9] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 4.

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 430-431 5/16/2014 11:23:30 AM

l-Patt bejn Alla u l-Poplu tiegħu. Hu dejjem l-Ispirtu s-Santu li jagħti d-don tal-fidi, isaħħaħha u jkabbarha fi ħdan il-komunità. Il-ġemgħa liturġika hi qabel xejn għaqda fil-fidi.

1362 1103 *L-Anamnesi.* Iċ-ċelebrazzjoni liturġika dejjem tfakkar l-intervent ta' Alla fil-ġrajja tad-dinja għas-salvazzjoni. "Il-pjan tar-rivelazzjoni jseħħ b'għemil u bi kliem marbutin bejniethom b'rabta liema bħalha... Il-kliem iħabbar l-għemil u jwassal biex jingħaraf il-misteru li jinsab fih".[10] Fil-Liturġija tal-Kelma, l-Ispirtu s-Santu "jfakkar" lill-ġemgħa dak kollu li Kristu għamel għalina. Skont in-natura tal-azzjoni liturġika li ssir, u t-tradizzjonijiet ritwali tal-Knejjes, iċ-ċelebrazzjoni "tfakkar" il-ħwejjeġ kbar ta' Alla f'Anamnesi ftit jew wisq twila. L-Ispirtu s-Santu, li b'dan il-mod ifakkar lill-Knisja, iwassal imbagħad għar-radd il-ħajr u t-tifħir (*Dossoloġija).*

L-Ispirtu s-Santu jagħmel preżenti l-misteru ta' Kristu issa u f'dan il-waqt

1104 Il-liturġija Nisranija mhux biss tfakkar il-ġrajjiet li bihom seħħet is-salvazzjoni tagħna, imma tagħmilhom attwali, preżenti, qishom b'xi mod qegħdin iseħħu f'dan il-
1085 ħin u f'dan il-waqt; il-misteru tal-Għid jiġi ċċelebrat, mhux ripetut; huma ċ-ċelebrazzjonijiet li jiġu mtennija; u f'kull ċelebrazzjoni jiġi l-Ispirtu s-Santu li jagħmel preżenti waqt iċ-ċelebrazzjoni l-misteru waħdieni ta' Kristu.

1105 *L-Epiklesi* ("sejħa fuq") hi talba li biha s-saċerdot
1153 jitlob lill-Missier biex jibgħat l-Ispirtu s-Santu ħa jqaddes l-offerti biex isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu u biex dawk li jirċevuhom isiru huma wkoll offerta ħajja lil Alla.

[10] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 2.

1106 Flimkien mal-Anamnesi, l-Epiklesi hi fil-qofol ta' kull ċelebrazzjoni sagramentali u b'mod partikulari taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija:

> Int tistaqsi kif il-ħobż isir Ġisem ta' Kristu, u l-inbid ... Demm ta' 1375
> Kristu? Jien ngħidhulek dan: Jiġi bil-qawwa l-Ispirtu s-Santu u jagħmel dak li jisboq kull kelma u kull ħsieb tal-bniedem ... Għandu jkun biżżejjed għalik li tifhem illi dan iseħħ bl-Ispirtu s-Santu, l-istess kif ġara fil-Verġni Marija: hu permezz tal-Ispirtu s-Santu li l-Mulej, bih stess u fih stess, sar bniedem.[11]

1107 Il-qawwa għat-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu fil-liturġija tħaffef il-miġja tas-Saltna u t-tmiem u l-milja tal-misteru 2816
tas-salvazzjoni. Aħna u nistennew u nittamaw dan, l-Ispirtu s-Santu jwassalna biex tassew inħossu minn qabel l-għaqda sħiħa mat-Trinità Qaddisa. Mibgħut mill-Missier li jilqa' l-Epiklesi tal-Knisja, l-Ispirtu jagħti l-ħajja lil dawk li jilqgħuha u minn issa jkun għalihom ir-"rahan" ta' wirthom (ara *Ef* 1,14; *2 Kor* 1,22).

L-għaqda fl-Ispirtu s-Santu

1108 L-għan tal-missjoni tal-Ispirtu s-Santu f'kull azzjoni liturġika hu li sseħħ l-għaqda ma' Kristu biex jissawwar il- 788
Ġisem tiegħu. L-Ispirtu s-Santu qisu l-qawwa li tagħti l-frott lill-friegħi tad-dielja tal-Missier (ara *Ġw* 15,1-17; *Gal* 5,22). Fil-liturġija sseħħ kooperazzjoni mill-iktar intima bejn l-Ispirtu 1091
s-Santu u l-Knisja. Hu, l-Ispirtu tal-għaqda, jibqa' bla ma qatt jiġi nieqes fil-Knisja. Għalhekk il-Knisja hi s-sagrament il-kbir tal-għaqda ma' Alla li tiġbor lil ulied Alla li kienu mxerrdin. Il- 775
frott tal-Ispirtu fil-liturġija hu għaqda li qatt ma tiġi nieqsa mat-Trinità Qaddisa u bejn l-aħwa (ara *1 Ġw* 1, 3-7).

[11] San Ġwann Damaxxenu, *Dwar il-Vera Fidi*, 4, 13: PG 94, 1141; 1145.

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 432-433 5/16/2014 11:23:30 AM

1109 L-Epiklesi hi wkoll talba biex isseħħ għal kollox l-għaqda tal-ġemgħa mal-misteru ta' Kristu. "Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu" (*2 Kor* 13,13) trid tibqa' dejjem magħna u tibqa' tagħti frott ukoll wara ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Għalhekk il-Knisja titlob lill-Missier ħa jibgħat l-Ispirtu s-Santu biex jagħmel il-ħajja tal-Insara offerta ħajja lil Alla, bil-bidla
1368 spiritwali fi xbieha ta' Kristu, bil-ħerqa għall-għaqda tal-Knisja u bit-tisħib fil-missjoni tagħha permezz ta' xhieda u ta' servizz ta' mħabba li tagħmel.

Fil-qosor

1110 *Fil-Liturġija tal-Knisja, Alla l-Missier hu mbierek u miqjum bħala l-bidu tal-barkiet kollha tal-ħolqien u tas-salvazzjoni li bihom berikna f'Ibnu, biex jagħtina l-Ispirtu tal-adozzjoni ta' wlied.*

1111 *Il-ħidma ta' Kristu fil-liturġija hi sagramentali għax il-misteru tiegħu ta' salvazzjoni jsir preżenti bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tiegħu; għaliex il-Ġisem tiegħu, li hu l-Knisja, qisu sagrament (sinjal u strument) li fih l-Ispirtu s-Santu jqassam (jiġifieri, isawwab) il-misteru tas-salvazzjoni, għaliex permezz ta' kull azzjoni liturġika l-Knisja li għadha miexja fid-dinja, minn issa stess tieħu sehem fil-liturġija tas-sema u dduqha minn qabel.*

1112 *Il-missjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-liturġija tal-Knisja hu li jħejji l-ġemgħa għal-laqgħa ma' Kristu; li jfakkar u juri 'l Kristu lill-fidi tal-ġemgħa; li bis-setgħa tiegħu jagħmel li sseħħ issa u f'dan il-waqt il-ħidma ta' Kristu għas-salvazzjoni u jagħmel li d-Don tal-għaqda fil-Knisja jagħti frott.*

It-tieni artiklu

IL-MISTERU TAL-GĦID FIS-SAGRAMENTI TAL-KNISJA

1113 Il-ħajja liturġika kollha tal-Knisja ddur madwar is- 1210
Sagrifiċċju ewkaristiku u s-sagramenti.[12] Fil-Knisja hemm seba' sagramenti: Magħmudija, Griżma jew Konfermazzjoni, Ewkaristija, Penitenza, Dilka tal-Morda, Ordni Sagri u Żwieġ.[13] F'dan l-artiklu, naraw dak li s-seba' sagramenti tal-Knisja għandhom flimkien f'dak li hu duttrina; naraw f'Kapitlu II dak li għandhom flimkien f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni tagħhom; u dak li hu propju ta' kull sagrament narawh fit-tieni sezzjoni.

I. Is-sagramenti ta' Kristu

1114 "F'rabta sħiħa mat-tagħlim tal-Iskrittura, mat-tradizzjoni ta' l-Appostli, ... u mas-sentimenti ta' Missirijiet il-Knisja kollha", aħna nistqarru li "is-sagramenti tal-Liġi l-Ġdida għamilhom kollha Sidna Ġesù Kristu".[14]

1115 Il-kliem u l-għemil ta' Ġesù tul il-ħajja moħbija tiegħu u tul il-ministeru pubbliku tiegħu kienu ġa jagħtu 512-560
s-salvazzjoni. Urew minn qabel il-qawwa tal-misteru tiegħu tal-Għid. Ħabbru u ħejjew dak li kien se jagħti lill-Knisja wara li kollox ikun mitmum. Il-misteri tal-ħajja ta'

[12] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 6.
[13] Ara Konċilju ta' Lyons II, *Professjoni tal-Fidi tal-Imperatur Mikiel Palaeologu* (1274): DS 860; Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Armeni* (1439): DS 1310; Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-sagramenti* (1547): DS 1601.
[14] Konċilju ta' Trento, *ibid*.: DS 1600-1601.

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 434-435 5/16/2014 11:23:30 AM

Kristu huma l-pedament ta' dak li issa Kristu, permezz tal-ministri tal-Knisja, jagħti fis-sagramenti, għaliex "dak li kien jidher fil-ħajja tas-Salvatur tagħna għadda fil-misteri tiegħu".[15]

1504 1116 "Qawwiet li joħorġu" mill-Ġisem ta' Kristu (ara *Lq* 5,17; 6,19; 8,46), dejjem ħaj u jagħti l-ħajja, għemejjel 774 tal-Ispirtu s-Santu li dejjem jaħdem fil-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja, is-sagramenti huma "l-għemejjel kbar ta' Alla" fil-Patt il-Ġdid u dejjiemi.

II. Is-sagramenti tal-Knisja

1117 Permezz tal-Ispirtu li jwassalha "għall-verità kollha" (*Ġw* 16,13), il-Knisja bħala dik li tamministra bil-fedeltà kollha l-misteri ta' Alla (ara *Mt* 13,52; *1 Kor* 4,1) għarfet bil-mod il-mod it-teżor li rċeviet mingħand Kristu u wriet 120 sewwa kif kellu "jitqassam", l-istess kif għamlet għall-kanoni tal-Iskrittura u għad-duttrina tal-fidi. Hekk il-Knisja, tul iż-żminijiet, għarfet li fost iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħha hemm seba' ċelebrazzjonijiet li huma, fis-sens propju tal-kelma, sagramenti istitwiti mill-Mulej.

1118 Is-sagramenti huma "tal-Knisja", kemm għaliex huma jsiru "permezz tal-Knisja" u kemm għaliex huma jsiru "għall-Knisja". Huma "permezz tal-Knisja" għaliex hi s-sagrament tal-ħidma ta' Kristu li jaħdem fiha permezz tal-missjoni tal-1396 Ispirtu s-Santu. Huma "għall-Knisja" għaliex huwa permezz tas-"sagramenti li bihom il-Knisja qegħda tinbena"[16], għaliex

[15] San Ljun il-Kbir, *Omelija* 74, 2: PL 54, 398A.

[16] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 22, 17: PL 41, 779: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 824; ara San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, III, 64, 2, 3.

juru u jagħtu lill-bnedmin, l-aktar fl-Ewkaristija, il-misteru tal-għaqda ma' Alla li hu Mħabba u Wieħed fi Tliet Persuni.

1119 Il-Knisja, li ma' Kristu r-Ras tagħmel "qisu persuna 792 waħda mistika"[17], taħdem fis-sagramenti bħala "komunità saċerdotali", "li għandha struttura organika"[18]: permezz tal-Magħmudija u l-Konfermazzjoni jew Griżma l-poplu saċerdotali jikseb il-ħila li jiċċelebra l-liturġija; barra dan, xi Nsara "jingħataw l-Ordni Sagri, biex, f'isem Kristu, jirgħu l-Knisja bil-kelma u l-grazzja ta' Alla".[19]

1120 Il-ministeru tal-Ordni jew saċerdozju *ministerjali*[20] 1547 hu għall-qadi tas-saċerdozju batteżimali (li jingħata fil-Magħmudija). Is-saċerdozju ministerjali hu garanzija li fis-sagramenti huwa Kristu li jaħdem għall-Knisja permezz tal-Ispirtu s-Santu. Il-missjoni ta' salvazzjoni li l-Missier ried jafda lil Ibnu magħmul bniedem, ġiet fdata lill-Appostli u mingħandhom għaddiet għand is-suċċessuri tagħhom: dawn jirċievu l-Ispirtu ta' Ġesù biex dak li jagħmlu, jagħmluh f'ismu u fil-persuna tiegħu (ara *Ġw* 20,21-23; *Lq* 24,47; *Mt* 28,18-20). Għalhekk il-ministru li jkun ordnat jorbot sagramentalment l-għemil liturġiku ma' dak li qalu u għamlu l-Appostli, u, permezz tagħhom, ma' dak li qal u għamel Kristu, bidu u pedament tas-sagramenti.

1121 It-tliet sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma jew Konfermazzjoni u tal-Ordni, barra l-grazzja, jagħtu wkoll *karattru* sagramentali jew "siġill" li bih in-Nisrani jkollu 1272; 1304 sehem fis-saċerdozju ta' Kristu u jagħmel parti mill-Knisja 1582

[17] Piju XII, Enċiklika *Mystici Corporis* (1943).

[18] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[19] *Ibid.*

[20] Ara *ibid*.,10.

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 436-437 5/16/2014 11:23:31 AM

skont qagħdiet u uffiċċji diversi. Dan ix-xebh ma' Kristu u mal-Knisja, li jiġi permezz tal-Ispirtu, ma jitħassar qatt[21]: jibqa' dejjem fin-Nisrani bħala dispożizzjoni tajba għall-grazzja, bħala wegħda u garanzija tal-ħarsien ta' Alla, u bħala sejħa għall-qima ta' Alla u għall-qadi tal-Knisja. Dawn it-tliet sagramenti ma jistgħux jingħataw aktar minn darba.

III. Is-sagramenti tal-Fidi

1122 Kristu bagħat l-Appostli biex "l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha" (*Lq* 24,47). "Agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem
849 tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" (*Mt* 28,19). Il-missjoni li tgħammed, li għalhekk hi missjoni sagramentali, hi marbuta mal-missjoni tal-evanġelizzazzjoni, għax is-sagrament tal-Magħmudija jitħejja *permezz tal-Kelma*
1236 *ta' Alla u permezz tal-fidi,* li hi l-kunsens għall-Kelma ta' Alla:

> Il-Poplu ta' Alla jinġema' l-ewwel bil-Kelma ta' Alla l-ħaj … It-tħabbira tal-Kelma ma jistax jgħaddi mingħajrha l-ministeru sagramentali, għaliex dan il-ministeru hu dwar is-sagramenti tal-fidi, u l-fidi teħtieġ il-Kelma biex titwieled u titmantna.[22]

1123 Is-sagramenti bħala għan għandhom li jqaddsu l-bnedmin, li jibnu l-Ġisem ta' Kristu, u, fl-aħħar nett, li tingħata qima lil Alla; iżda bħala sinjali, is-sagramenti jgħallmu wkoll. Mhux biss jissopponu l-fidi, imma
1154 permezz tal-Kelma u tal-elementi ritwali jmantnuha, isaħħuha, ifissruha, u għalhekk jissejħu sagramenti *tal-fidi.*[23]

[21] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-sagramenti* (1547): DS 1609.
[22] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 4.
[23] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 59.

1124 Il-fidi tal-Knisja tiġi qabel il-fidi tan-Nisrani li hu 166
mistieden biex iħaddanha. Meta l-Knisja tiċċelebra s-sagramenti, hi tistqarr il-fidi li rċeviet mill-Appostli. Minn hawn il-qawl antik: *lex orandi, lex credendi*[24]. Il-liġi 1327
tat-talb hi l-liġi tal-fidi, il-Knisja temmen kif titlob. Il-liturġija hi element kostituttiv tat-Tradizzjoni qaddisa u ħajja.[25] 78

1125 Minħabba f'hekk, ebda rit sagramentali ma jista' jiġi 1205
mibdul u mdawwar skont ma jidhirlu l-ministru jew il-komunità. Lanqas l-ogħla awtorità tal-Knisja ma tista' tbiddel il-liturġija kif jidhrilha, imma tista' tbiddilha biss skont l-ubbidjenza tal-fidi u b'rispett reliġjuż sħiħ għall-misteru tal-liturġija.

1126 Madankollu, għaliex is-sagramenti jfissru u jiżviluppaw l-għaqda tal-fidi fil-Knisja, il-*lex orandi* (il-liġi tat- 815
talb), hija wieħed mill-kriterji essenzjali tad-djalogu li qed ifittex li jibni mill-ġdid l-għaqda tal-Insara.[26]

IV. Is-sagramenti ta' Salvazzjoni

1127 Is-sagramenti, meta jiġu ċċelebrati b'mod xieraq bil-fidi, jagħtu l-grazzja li jfissru.[27] Huma *effikaċi* għax 1084

[24] Jew *Legem credendi lex statuat supplicandi* – "il-liġi li turina kif għandna nitolbu, turina l-liġi li tgħidilna x'għandna nemmnu": din skont San Prosperu ta' Aquitaine (Seklu V): *Ittra* 217. Din il-fraži tinsab f'dokument, imsejjaħ *Indiculus* kontra l-Pelaġjani, u li jagħmel parti mill-hekk imsejħa *Capitoli pseudo-celestini* (431 ?) li huma kważi dejjem marbuta mal-Ittra *Apostolici verba* (431) tal-Papa Ċelestinu I lill-Isqfijiet tal-Gallja. Il-Kap 8 tal-*Indiculus* jinsab qrib ħafna tal-ħsieb ta' Prosperu.
[25] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 8.
[26] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 2; 15.
[27] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-sagramenti* (1547): DS 1605; 1606.

kkk 421-442 latest.OK (r).indd 438-439 5/16/2014 11:23:31 AM

fihom Kristu nnifsu jkun jaħdem: hu li jgħammed, hu li jaħdem fis-sagramenti tiegħu biex jagħti l-grazzja mfissra mis-sagrament. Il-Missier dejjem jilqa' t-talba tal-Knisja ta' Ibnu, li fl-Epiklesi ta' kull sagrament, tfisser il-fidi tagħha fil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Kif in-nar ibiddel fih kulma jmiss, hekk l-Ispirtu s-Santu jbiddel f'ħajja ta' Alla kulma jiġi taħt il-qawwa tiegħu.

1128 Dan ifisser dak li tgħid il-Knisja[28]: li s-sagramenti jaħdmu *ex opere operato* (letteralment, "mill-fatt stess li qiegħed isir għemil"), jiġifieri bis-saħħa tal-ħidma għas-salvazzjoni ta' Kristu, ħidma li saret darba għal dejjem. Minn dan jiġi li "is-sagrament ma jseħħx permezz tal-ġustizzja tal-bniedem li jagħti s-sagrament jew jirċevih, iżda bil-qawwa ta' Alla".[29] Sakemm sagrament hu ċċelebrat skont il-fehma tal-Knisja, is-setgħa ta' Kristu u tal-Ispirtu tiegħu jaħdmu fih u permezz tiegħu, tkun xi tkun il-qdusija personali tal-ministru. Iżda l-frott tas-sagramenti jiddependi wkoll mid-dispożizzjonijiet ta' min jirċevihom.

1129 Il-Knisja tgħallem li għal dawk li jemmnu s-sagramenti tal-Patt il-Ġdid huma *meħtieġa għas-salvazzjoni*.[30] Il-"grazzja sagramentali" hi grazzja tal-Ispirtu s-Santu mogħtija minn Kristu, u hi propja ta' kull sagrament. L-Ispirtu jfejjaq u jġedded lil dawk li jirċievu s-sagramenti u jagħmilhom xebh ma' Bin Alla. Il-frott tal-ħajja sagramentali hu li l-Ispirtu tal-adozzjoni jsieħeb fin-natura ta' Alla (ara *2 Piet* 1,4) lill-Insara billi jgħaqqadhom b'mod ħaj mal-Iben il-waħdieni, is-Salvatur.

[28] Ara *ibid*.: DS 1608.

[29] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, III, 68, 8.

[30] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-sagramenti* (1547): DS 1604.

V. Is-sagramenti tal-ħajja ta' dejjem

1130 Il-Knisja tiċċelebra l-misteru ta' Sidna "sa ma jiġi" (*1 Kor* 11,26) u "Alla jkun kollox f'kollox" (*1 Kor* 15,28). Sa minn żmien l-Appostli, il-liturġija tħares lejn it-tmiem tagħha bit-tnehid tal-Ispirtu fil-Knisja: "Marana-ta!" (*1 Kor* 16,22). Il-liturġija b'hekk tissieħeb max-xewqa ta' Kristu: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom ... sa ma tkun seħħet għalkollox fis-Saltna ta' Alla" (*Lq* 22, 15-16). Fis-sagramenti ta' Kristu, il-Knisja ġa għandha r-rahan ta' wirtha, hi ġa msieħba fil-ħajja ta' dejjem, tistenna "t-tama hienja u d-dehra tal-glorja tal-kbir Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu" (*Tit* 2,13). "L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: 'Ejja! … Ejja, Mulej Ġesù!'" (*Apok* 22,17.20).

> San Tumas jiġbor fil-qasir b'dan il-mod id-dimensjonijiet differenti tas-sinjal sagramentali: "Mela s-sagrament hu sinjal li jfakkar dak li għadda, jiġifieri l-passjoni ta' Kristu; sinjal li juri dak li jseħħ fina permezz tal-passjoni ta' Kristu, jiġifieri l-grazzja; u sinjal li jħabbar dak li għad irid jiġi, jiġifieri l-glorja ta' dejjem".[31]

Fil-qosor

1131 *Is-sagramenti huma sinjali li jagħtu tassew il-grazzja, istitwiti minn Kristu u fdati lill-Knisja, li bihom tingħatalna l-ħajja ta' Alla. Ir-riti li naraw, riti li bihom jiġu ċċelebrati s-sagramenti, ifissru u jagħtu l-grazzji propji għal kull sagrament. Jagħmlu l-frott f'dawk li jirċevuhom bid-dispożizzjonijiet meħtieġa.*

1132 *Il-Knisja tiċċelebra s-sagramenti bħala komunità saċerdotali, li tinbena permezz tas-saċerdozju li*

[31] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* III, 60, 3.

jingħata fil-Magħmudija u tas-saċerdozju tal-ministri ordnati.

1133 *L-Ispirtu s-Santu jħejji għas-sagramenti permezz tal-Kelma ta' Alla u permezz tal-fidi li biha tiġi milqugħa l-Kelma fil-qalb ta' dawk li huma mħejjija għaliha. Imbagħad is-sagramenti jqawwu u juru l-fidi.*

1134 *Il-frott tal-ħajja sagramentali hu fl-istess waqt personali u ekkleżjali. Minn naħa l-waħda l-frott tas-sagramenti hu għal kull Nisrani li jgħix għal Alla fi Kristu Ġesù, u min-naħa l-oħra hu għall-Knisja li tikber fl-imħabba u fil-missjoni tagħha ta' xhieda.*

IT-TIENI KAPITLU

IĊ-ĊELEBRAZZJONI SAGRAMENTALI TAL-MISTERU TAL-GĦID

1135 Il-katekeżi liturġika titlob li l-ewwel tkun magħrufa l-ekonomija sagramentali (l-ewwel Kapitlu). Fid-dawl ta' dan it-tagħrif jidher it-tiġdid li hi ċ-*ċelebrazzjoni* tas-sagramenti. F'dan il-kap, għalhekk, se nitkellmu dwar iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tal-Knisja. Naraw dak li dejjem hemm fis-sagramenti kollha, minkejja d-diversità tat-tradizzjonijiet liturġiċi, waqt li dak li hu propju għaċ-ċelebrazzjoni ta' kull sagrament, narawh aktar 'il quddiem. Din il-katekeżi fundamentali dwar iċ-ċelebrazzjonijiet sagramentali trid twieġeb għad-diffikultajiet ewlenin tal-Insara dwar dan is-suġġett, jiġifieri:

— min jiċċelebra?

— kif tiċċelebra?

— meta tiċċelebra?

— fejn tiċċelebra?

L-ewwel artiklu

IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-LITURĠIJA TAL-KNISJA

I. Min jiċċelebra?

795 1136 Il-liturġija hi "azzjoni" ta' *Kristu sħiħ* ("Christus totus"). Dawk li jiċċelebrawha ġa qed jiċċelebraw, 'l hemm mis-
1090 sinjali, il-liturġija tas-sema, fejn iċ-ċelebrazzjoni hi kollha kemm hi komunjoni u festa.

2642 IĊ-ĊELEBRANTI TAL-LITURĠIJA TAS-SEMA

1137 L-Apokalissi ta' San Ġwann, li naqraw fil-liturġija tal-Knisja, l-ewwel jurina "tron imwaqqaf fis-sema, u wieħed bilqiegħda fuq it-tron" (*Apok* 4,2), "il-Mulej Alla" (*Is* 6,1; ara *Eżek* 1,26-28). Imbagħad jurina l-Ħaruf "bħal maqtul" (*Apok* 5,6; ara *Ġw* 1,29). Kristu msallab u rxoxt, li hu
662 waħdu l-Qassis il-Kbir u s-santwarju veru (ara *Lh* 4,14-15; 10,19-21, u l-bqija), dak stess "li joffri u jiġi offrut, li jagħti u jingħata".[1] U fl-aħħar nett jurina "ix-xmara tal-ilma tal-Ħajja ... tgelgel mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf" (*Apok* 22,1), wieħed mill-isbaħ simboli tal-Ispirtu s-Santu (ara *Ġw* 4,10-14; *Apok* 21,6).

1138 "Imġeddin" fi Kristu u mseħbin fis-servizz ta' tifħir lil
335 Alla u fis-sħuħija tal-pjan tiegħu, hemm is-Setgħat tas-sema (ara *Apok* 4,5; *Is* 6,2-3), il-ħolqien kollu (l-erba' Ħlejjaq Ħajjin), il-qaddejja tal-Patt il-Qadim u l-Patt il-Ġdid (l-erbgħa u għoxrin Xiħ), il-Poplu ġdid ta' Alla (il-mija u erbgħa u

[1] *Liturġija Biżantina,* Anafora tal-Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu.

erbgħin elf: ara *Apok* 7,1-8; 14,1), b'mod partikulari, il-martri "li kienu qatluhom minħabba l-Kelma ta' Alla" (*Apok* 6,9-11), u l-Omm qaddisa ta' Alla (il-Mara: ara *Apok* 12; l-Għarusa 1370
tal-Ħaruf: ara *Apok* 21,9) u fl-aħħar, "kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien" (*Apok* 7,9).

1139 Hi f'din il-liturġija ta' dejjem li l-Ispirtu s-Santu u l-Knisja jseħbuna, meta niċċelebraw il-Misteru tas-salvazzjoni fis-sagramenti.

IĊ-ĊELEBRANTI TAL-LITURĠIJA SAGRAMENTALI

1140 Hija l-*komunità* kollha, il-Ġisem ta' Kristu flimkien 752; 1348
mar-Ras tiegħu, li tiċċelebra. "Kull azzjoni liturġika mhijiex xi għemil privat, imma hi ċelebrazzjoni tal-Knisja, li hi 'sagrament tal-għaqda', jiġifieri tal-poplu l-qaddis ta' Alla miġbur u organizzat taħt it-tmexxija tal-Isqfijiet. Hu għalhekk li l-azzjonijiet kollha tal-liturġija huma azzjonijiet tal-Ġisem tal-Knisja kollu kemm hu; iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi juru x'inhu l-Ġisem tal-Knisja u jimpenjawh; il-membri kollha tal-Ġisem tal-Knisja, b'mod jew ieħor, jintlaħqu minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, skont l-ordni jew l-uffiċċji li jkollhom u 1372
skont il-mod kif jissieħbu fihom".[2] Għalhekk, "kull darba li dawn ir-riti, skont in-natura propja ta' kull rit, jitolbu li jkunu ċelebrazzjoni komunitarja, jiġifieri bit-tisħib ħaj u attiv ta' dawk li jemmnu fi Kristu, għandha ssir insistenza biex, sa fejn jista' jkun, ċelebrazzjoni komunitarja tiġi ppreferuta għal ċelebrazzjoni individwali u privata".[3]

[2] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 26.
[3] *Ibid*., 27.

1141 Il-ġemgħa li tiċċelebra hi l-komunità tal-imgħammdin li bit-"twelid ġdid u d-dilka tal-Ispirtu s-Santu ġew ikkonsagrati f'dar spiritwali u saċerdozju qaddis biex joffru bħala sagrifiċċju spiritwali l-għemejjel kollha tal-Insara".[4] Dan "is-saċerdozju komuni ta' kulħadd hu s-saċerdozju ta' Kristu, li hu waħdu l-Qassis, saċerdozju li fih għandhom sehem il-membri kollha tiegħu[5]:

> Ommna l-Knisja tixtieq ħafna li l-fidili kollha jaslu għal dan it-tisħib sħiħ u attiv f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u jħossuh; tisħib mitlub mill-istess natura tal-liturġija u li, minħabba l-Magħmudija, hu dritt u dmir tal-poplu Nisrani, li hu "ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih" (*1 Piet* 2,9; ara 2,4-5).[6]

1142 Iżda "mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol" (*Rum* 12,4). Xi membri huma msejħin minn Alla, fil-Knisja u permezz tal-Knisja, għall-qadi speċjali fi ħdan il-komunità. Dawn il-qaddejja jintgħażlu u jiġu kkonsagrati permezz tas-sagrament tal-Ordni li bih l-Ispirtu s-Santu jagħtihom il-ħila li dak li jagħmlu jagħmluh fil-Persuna ta' Kristu r-Ras, biex jaqdu l-membri kollha tal-Knisja.[7] Il-ministru ordnat hu qisu "ikona" ta' Kristu Saċerdot. U għaliex is-sagrament tal-Knisja l-aktar li jidher hu fl-Ewkaristija, hu waqt li qiegħed jippresiedi l-Ewkaristija li l-aktar jidher il-ministeru tal-Isqof, u f'xirka miegħu, dak tas-saċerdoti u tad-djakni.

1143 Għall-qadi tal-uffiċċji tas-saċerdozju tal-fidili, hemm imbagħad *ministeri partikulari* oħra, li ma jiġux ikkonsagrati permezz tas-sagrament tal-Ordni, u li l-uffiċċju tagħhom hu determinat mill-Isqfijiet skont it-tradizzjonijiet liturġiċi u l-ħtiġiet pastorali. "Dawk li jaqdu l-artal, il-letturi, il-kummentaturi u dawk li jagħmlu parti minn *schola cantorum* (kor), jaqdu ministeru li hu tassew liturġiku.[8]

1144 Għalhekk f'kull ċelebrazzjoni tas-sagramenti, il-ġemgħa kollha hi l-"liturgu" (iċ-ċelebrant), kull wieħed skont l-uffiċċju li jkollu, imma dejjem fl-"għaqda tal-Ispirtu", li jaħdem f'kulħadd. "Fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi kull wieħed, ministru jew fidil, huwa u jaqdi l-uffiċċju tiegħu, għandu jagħmel *dak biss u dak kollu* li hu propju tiegħu, skont xi jkun qiegħed jagħmel u skont ir-regoli tal-liturġija".[9]

II. Kif tiċċelebra?

Sinjali u simboli

1145 Ċelebrazzjoni sagramentali tintiseġ b'ħafna sinjali u simboli. Skont il-mod kif Alla jgħallimna ħa niksbu s-salvazzjoni, it-tifsir ta' dawn is-sinjali u ta' dawn is-simboli għandu l-għeruq tiegħu fil-ħolqien u fil-kultura tal-bniedem, għandna ħjiel tiegħu fil-ġrajjiet tal-Patt il-Qadim, u jidher sħiħ fil-persuna u l-ħidma ta' Kristu.

1146 *Sinjali mid-dinja tal-bnedmin.* Is-sinjali u s-simboli għandhom importanza kbira fil-ħajja tal-bniedem. Għaliex il-bniedem għandu kemm ġisem kif ukoll ruħ, ifisser u jagħraf il-veritajiet spiritwali permezz ta' sinjali u simboli materjali. Għaliex il-bniedem min-natura tiegħu jrid jgħix ma' bnedmin oħra, jeħtieġlu sinjali u simboli biex ikun jista' jikkomunika mal-oħrajn, permezz ta' kliem, permezz ta' ġesti, permezz

[4] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 10.
[5] Ara *ibid*.; 34; Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 2.
[6] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 14.
[7] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 2; 15.
[8] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 29.
[9] *Ibid*., 28.

ta' għemil; u ngħidu l-istess ħaġa dwar ir-relazzjonijiet ma' Alla.

299 1147 Alla jkellem lill-bniedem permezz tal-ħlejjaq li jidhru. Fl-univers materjali, l-intelliġenza tal-bniedem tista' tara s-sinjali tal-Ħallieq *(*ara *Għerf* 13,1; *Rum* 1,19-20; *Atti* 14, 17). Il-lejl u n-nhar, ir-riħ u n-nar, l-ilma u l-art, is-siġra u l-frott tagħha kollha jitkellmu dwar Alla, u huma simboli tal-kobor tiegħu u fl-istess ħin juru wkoll li hu qrib il-bnedmin.

1148 Dawn il-ħlejjaq, għax nagħrfuhom bis-sensi tagħna, jistgħu jfissru kemm il-ħidma ta' Alla li jqaddes il-bnedmin u kemm il-ħidma tal-bnedmin li jagħtu l-qima tagħhom lil Alla. Ngħidu l-istess ħaġa dwar is-simboli u s-sinjali tal-ħajja soċjali tal-bnedmin: il-ħasil u d-dlik, il-qsim tal-ħobż u x-xorb flimkien jistgħu jfissru l-preżenza ta' Alla li jqaddes u l-ħajr tal-bniedem għal Dak li ħalqu.

843 1149 Ir-reliġjonijiet kbar tal-bniedem huma xhieda, spiss b'mod li tassew timpressjona, ta' dan is-sens kosmiku u simboliku tar-riti reliġjużi. Il-liturġija tal-Knisja taċċetta, tagħmel tagħha u tqaddes xi elementi tal-ħolqien u tal-kultura tal-bniedem u tagħtihom id-dinjità li jkunu sinjali tal-grazzja, tal-ħolqien ġdid f'Ġesù Kristu.

1334 1150 *Sinjali tal-Patt.* Il-poplu magħżul minn Alla rċieva mingħandu sinjali u simboli magħżulin li ddeterminaw il-ħajja liturġika tiegħu: mhumiex aktar ċelebrazzjonijiet biss ta' ċikli kosmiċi u ta' ġesti soċjali, imma huma wkoll sinjali tal-Patt, simboli tal-għeġubijiet kbar li Alla għamel għall-poplu tiegħu. Fost dawn is-sinjali liturġiċi tal-Patt il-Qadim nistgħu nsemmu ċ-ċirkonċiżjoni, id-dilka u l-konsagrazzjoni tas-slaten u s-saċerdoti, it-tqegħid tal-idejn, is-sagrifiċċji u fuq kollox l-Għid. Il-Knisja f'dawn is-sinjali tara tħabbira tas-sagramenti tal-Patt il-Ġdid.

1151 *Sinjali użati minn Kristu.* Kristu, fil-predikazzjoni 1335 tiegħu, spiss għamel użu minn sinjali li ħa mill-ħolqien biex jgħarraf il-misteri tas-Saltna ta' Alla (ara *Lq* 8,10). Ta l-fejqan jew wettaq kliemu permezz ta' sinjali materjali jew permezz ta' ġesti simboliċi (ara *Ġw* 9,6; *Mk* 7,33-35; 8,22-25). Ta tifsir ġdid lill-fatti u lis-sinjali tal-Patt il-Qadim, l-aktar tal-Eżodu u tal-Għid (ara *Lq* 9,31; 22,7-20) għax hu nnifsu hu t-tifsir ta' dawn is-sinjali kollha.

1152 *Sinjali sagramentali.* Wara Għid il-Ħamsin, hu permezz tas-sinjali sagramentali tal-Knisja tiegħu, li l-Ispirtu s-Santu jqaddes. Is-sagramenti tal-Knisja ma neħħewx, imma saffew u għamlu tagħhom l-għana kollu tas-sinjali u tas-simboli tal-ħolqien u tal-ħajja soċjali. Barra dan, wasslu għat-tmiem tagħhom it-tipi u x-xbihat tal-Patt il-Qadim, ifissru u jagħtu s-salvazzjoni li kiseb Kristu, u jħabbru u jantiċipaw il-glorja tas-sema.

Kliem u azzjoni

1153 Ċelebrazzjoni sagramentali hi laqgħa ta' wlied Alla ma' Missierhom, fi Kristu u l-Ispirtu s-Santu, u din il-laqgħa turi ruħha qisha djalogu permezz ta' għemil u ta' kliem. Veru 53 li l-azzjonijiet simboliċi fihom infushom huma ġa lingwaġġ, imma hu meħtieġ li l-Kelma ta' Alla u t-tweġiba għaliha bil-fidi jissieħbu u jagħtu l-ħajja lil dawn l-azzjonijiet, biex iż-żerriegħa tas-Saltna tinbet u tagħti frott għax issib art tajba. Kull azzjoni liturġika tfisser dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, jiġifieri l-inizjattiva ħielsa ta' Alla flimkien mat-tweġiba bil-fidi tal-poplu tiegħu.

1154 *Il-Liturġija tal-Kelma* hija parti sħiħa taċ- 1100 ċelebrazzjonijiet sagramentali. Biex imantnu l-fidi tal-Insara, is-sinjali tal-Kelma ta' Alla jridu juru s-siwi tagħhom: Il-Ktieb

103 tal-Kelma (lezzjonarju jew evanġelarju), il-venerazzjoni li tintwera għalih (purċissjoni, inċens, dwal), il-post tat-tħabbira tal-Kelma (ambone), il-qari b'mod li l-Kelma tinstema' u tiftiehem, l-omelija tal-ministru li tkompli t-tħabbira, it-tweġib tal-ġemgħa (akklamazzjonijiet, salmi ta' meditazzjoni, litaniji, stqarrija tal-fidi).

1155 Il-Kelma u l-azzjoni liturġika, li bħala sinjali u tagħlim
1127 ma jistgħux jinfirdu minn xulxin, ikunu tassew dan meta jagħmlu dak li jfissru. L-Ispirtu s-Santu ma jagħtix biss li nifhmu l-Kelma ta' Alla biex iqajjem fina l-fidi; permezz tas-sagramenti jagħmel ukoll li jseħħu "l-għeġubijiet" ta' Alla mħabbrin mill-Kelma: iġibilna u jagħtina l-opra tal-Missier li seħħet permezz ta' Ibnu l-maħbub.

Kant u mużika

1156 "It-tradizzjoni mużikali tal-Knisja universali ħolqot teżor ta' siwi bla qies li hu aqwa minn kull espressjoni oħra tal-arti, l-aktar għaliex il-kant sagru marbut mal-kliem, hu parti meħtieġa u sħiħa tal-liturġija solenni".[10] Il-kompożizzjoni u l-kant tas-Salmi mnebbħa, spiss akkumpanjati mid-daqq tal-istrumenti tal-mużika, kellhom ġa rabta mill-aqwa maċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-Patt il-Qadim. Il-Knisja kompliet tiżviluppa din it-tradizzjoni: "Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej" (*Ef* 5,19; ara *Kol* 3,16-17). "Min ikanta jkun jitlob darbtejn".[11]

1157 Il-kant u l-mużika jaqdu l-uffiċċju tagħhom ta' sinjali b'mod li jfisser ħafna, l-aktar għaliex għandhom "rabta

[10] *Ibid*., 112.
[11] Santu Wistin, *Taħdita dwar Salm* 72, 1: PL 36, 914.

aktar qawwija mal-azzjoni liturġika"[12] minħabba tliet kriterji prinċipali: il-ġmiel espressiv tat-talb, it-tisħib tal-ġemgħa 2502
kollha flimkien meta jkun il-waqt, u s-solennità taċ-ċelebrazzjoni. B'hekk, il-kant u l-mużika jissieħbu mal-ħsieb tal-kliem u tal-azzjoni liturġika: il-glorja ta' Alla u l-qdusija tal-Insara:[13]

> Kemm dmugħ xerridt jiena u nisma' l-għana ħlejju tal-innijiet u l-kantiċi tiegħek jidwi fil-knisja tiegħek u jqanqalni mill-qiegħ ta' qalbi! Dawk l-ilħna kienu jolqtuli widnejja u jsawbuli l-verità f'qalbi u jfawruhieli bi tqanqil ta' tjieba. Id-dmugħ kien iġelben minn għajnejja u dan kien ta' ġid għalija.[14]

1158 L-armonija bejn is-sinjali (kant, mużika, kliem u għemil) f'din il-ħaġa tant tfisser u tant tagħti frott li dejjem tidher fl-*għana kulturali* tal-Poplu ta' Alla li qiegħed 1201
jiċċelebra.[15] Għalhekk "il-kant reliġjuż popolari għandu 1674
jinġieb 'il quddiem b'impenn sħiħ, biex waqt devozzjonijiet qaddisa u ċelebrazzjonijiet liturġiċi" skont in-normi tal-Knisja, "l-Insara jkunu jistgħu jsemmgħu l-ilħna tagħhom".[16] Iżda "il-kliem tal-kant sagru għandu jkun jaqbel mad-duttrina Kattolika, u kemm jista' jkun għandu jittieħed mill-Kotba Mqaddsa u mill-għejun tal-liturġija".[17]

Ix-xbihat imqaddsa 476-477 2129-2132

1159 Ix-xbieha mqaddsa, l-"ikona" liturġika, tirrappreżenta prinċipalment lil *Kristu.* Ma tistax tirrappreżenta lil Alla li

[12] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 112.
[13] *Ibid.*
[14] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 9, 6, 14: PL 32, 769-770: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 242.
[15] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 119.
[16] *Ibid*., 118.
[17] *Ibid*., 121.

kkk 443-468 latest.OK (r).indd 450-451 5/16/2014 11:25:51 AM

ma jidhirx u li l-moħħ tal-bniedem ma jasalx li jifhmu; hi l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla li tat bidu ta' "ekonomija" ġdida tax-xbihat:

> Fl-imgħoddi, Alla li ma għandux ġisem, lanqas sura, bl-ebda mod ma seta' jiġi rraffigurat f'xi xbieha. Imma issa li Alla ried juri ruħu f'ġisem ta' bniedem u għex mal-bnedmin, ma nibżax nagħmel xbieha ta' dak li rajt ta' Alla ... Fil-wiċċ mikxuf aħna nikkontemplaw il-glorja tal-Mulej.[18]

1160 L-ikonografija Nisranija twassal permezz tax-xbihat il-messaġġ tal-Evanġelju li l-Iskrittura twassal bil-kliem. Xbieha u Kelma jdawlu 'l xulxin, waħda lill-oħra:

> Fi ftit kliem, aħna ngħożżu bla mittiefsa t-tradizzjonijiet ekkleżjastiċi li waslulna kemm miktubin u kemm mhux miktubin; fost dawn it-tradizzjonijiet hemm it-tpinġija ta' xi xbieha, tpinġija li taqbel max-xandir tal-ġrajja tal-Evanġelju, u tgħin sewwa biex inkunu żguri li l-Verb ta' Alla sar bniedem tassew u mhux taparsi, ħaġa li hi wkoll ta' siwi. Il-ħwejjeġ li jiċċaraw lil xulxin, mingħajr dubju jfissru wkoll lil xulxin.[19]

1161 Is-sinjali kollha taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi għandhom rabta ma' Kristu: ix-xbihat ukoll ta' Omm Alla u tal-qaddisin. Fil-fatt, ifissru 'l Kristu li ġie gglorifikat fihom. Huma juru "s-sħaba hekk kbira ta' xhieda" (*Lh* 12,1) li jkomplu jissieħbu fis-salvazzjoni tad-dinja u li magħhom aħna marbutin, l-aktar fiċ-ċelebrazzjoni sagramentali. Permezz tal-ikoni (xbihat) tagħhom, dak li tara l-fidi tagħna huwa l-bniedem "xbieha ta' Alla" trasfigurat fis-"sura tax-xbieha" (ara *Rum* 8,29) tal-Iben ta' Alla; u l-istess, l-anġli wkoll, għax huma wkoll iġġeddu fi Kristu:

> Aħna u nimxu fuq it-tagħlim imnebbaħ tal-Missirijiet qaddisa tagħna, u fuq it-Tradizzjoni tal-Knisja Kattolika – u aħna nafu li hu l-Ispirtu s-Santu li jgħammar fiha – ngħidu, żguri fuq li żguri, u bil-għaqal kollu, li, l-istess bħax-xbieha tas-salib għażiż li tana l-ħajja, ix-xbihat qaddisa u meqjuma, kemm jekk impinġija u kemm jekk magħmulin fil-mużajk jew b'xi materjal ieħor adatt, xieraq li jkunu fil-knejjes qaddisa ta' Alla, fuq it-tagħmir u l-ilbies qaddis, fuq il-ħitan u fi kwadri, fid-djar u fit-triqat: hekk ukoll ix-xbihat ta' Sidna, Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu, dawk ta' Sidtna l-Omm safja u qaddisa ta' Alla, tal-anġli qaddisa, tal-qaddisin kollha u tal-gusti.[20]

1162 "Il-ġmiel u l-ilwien tax-xbihat iħajru għat-talb. Huma festa għall-għajnejn daqs kemm id-dehra tal-kampanja tqanqal lil qalbi biex inrodd ħajr lil Alla".[21] Il-kontemplazzjoni tal-ikoni mqaddsa, flimkien mal-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla u l-kant tal-innijiet liturġiċi, hi parti mill-armonija tas-sinjali taċ-ċelebrazzjoni tal-misteru biex dan jibqa' mnaqqax fil-memorja tal-qalb u mbagħad juri ruħu fil-ħajja ġdida tal-Insara. 2502

III. Meta niċċelebraw?

Iż-żmien liturġiku

1163 "Ommna l-Knisja Mqaddsa tħoss li huwa dmir tagħha li tiċċelebra l-opra tas-salvazzjoni li għamel l-Għarus tagħha b'tifkira mqaddsa, f'ċerti ġranet tul sena sħiħa. Kull ġimgħa, nhar ta' Ħadd, li l-Knisja ssejjaħlu Jum il-Mulej, hi tfakkar il-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet, ġrajja li tfakkar ukoll flimkien mal-Passjoni mqaddsa tiegħu darba fis-sena bis-solennità kollha, fl-Għid il-Kbir tal-Mulej. Tqassam matul

[18] San Ġwann Damaxxenu, *Diskors dwar ix-Xbihat Imqaddsa* 1, 16: PG 94, 1245; 1248.

[19] Konċilju ta' Nicea II, *Tmiem* (787): *Id-Digrieti tal-Konċilji Ekumeniċi* (DEC), 111.

[20] Konċilju ta' Nicea II, *Definizzjoni dwar ix-Xbihat Imqaddsa* (787): DS 600.

[21] San Ġwann Damaxxenu, *Diskors dwar ix-Xbihat Imqaddsa*, 1, 47: PG 94, 1268B.

512 is-sena kollha l-misteru kollu ta' Kristu ... Hija u tfakkar b'dan il-mod il-misteri tal-Fidwa, tiftaħ għall-fidili kollha l-għana tal-virtujiet u tal-merti ta' Sidha, b'mod li matul iż-żminijiet kollha tagħmilhomlhom preżenti biex huma jiltaqgħu magħhom u jimtlew bil-grazzja tas-salvazzjoni".[22]

1164 Il-poplu ta' Alla, sa minn żmien il-liġi ta' Mosè, kien jaf b'solennitajiet fissi, ibda mill-Għid, solennitajiet biex jiġu mfakkra l-għemejjel tal-għaġeb ta' Alla s-Salvatur, biex jintraddlu ħajr, biex tibqa' ħajja t-tifkira tagħhom u jkunu jafu bihom il-ġenerazzjonijiet ġodda ħa jfasslu fuqhom l-imġiba tagħhom. Fi żmien il-Knisja, żmien li jiġi bejn l-Għid ta' Kristu li ġa seħħ darba għal dejjem u ż-żmien li fih is-Saltna ta' Alla tilħaq il-milja tagħha, il-liturġija ċċelebrata fi ġranet fissi, hi kollha kemm hi mimlija bit-tiġdid li hu l-misteru ta' Kristu.

2659; 2836 1165 Il-Knisja, hija u tiċċelebra l-misteru ta' Kristu, fit-talb tagħha spiss ittenni: *Illum!* bi tweġiba għat-talba li għallimha Sidha (ara *Mt* 6,11) u għas-sejħa tal-Ispirtu s-Santu (ara *Lh* 3,7 – 4,11; *Salm* 95,7). Hu "illum" ta' Alla l-ħaj li fih il-bniedem hu msejjaħ biex jidħol fis-"Siegħa" tal-Għid ta' Ġesù li tidħol
1085 fl-istorja u hi l-qofol tagħha:

> Il-ħajja xterdet fil-ħlejjaq kollha u mliethom b'dawl dejjiemi. Dak li tela' mil-Lvant mela l-univers kollu; u dak li kien qabel "il-kewkba ta' filgħodu" u qabel il-kwiekeb kollha, dak li hu immortali u ta' kobor bla qies, il-kbir Kristu jiddi fuq il-ħlejjaq kollha aktar milli tiddi x-xemx. Hu għalhekk li għalina li nemmnu fih, twaqqaf jum ta' dawl, jum twil, bla tmiem u ma jintemm qatt: l-Għid mistiku.[23]

[22] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 102.
[23] Psewdo-Ippolitu, *Dwar l-Għid il-Qaddis*, 1, 1-2: PG 59, 755.

JUM IL-MULEJ 2174-2188

1166 "Il-Knisja tiċċelebra kull tmint ijiem, il-Misteru tal-Għid, skont tradizzjoni minn żmien l-Appostli, tradizzjoni li bdiet mill-jum stess tal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet: bir-raġun kollu dan il-jum jissejjaħ Jum il-Mulej, il-Ħadd".[24] Jum 1343
il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet, hu fl-istess ħin "l-ewwel jum tal-ġimgħa", tifkira tal-ewwel jum tal-ħolqien, u t-"tmien jum" li fih Kristu, wara l-"mistrieħ" tiegħu tas-Sibt il-Kbir, ta bidu għall-Jum "li għamel il-Mulej", "jum li ma għandux filgħaxija".[25] "L-ikla tal-Mulej" hi ċ-ċentru ta' dan il-Jum, għax hu f'din l-ikla li l-komunità kollha ta' dawk li jemmnu fi Kristu tiltaqa' mal-Mulej li qam mill-imwiet, u li jistedinha għall-ikla tiegħu (ara *Ġw* 21,12; *Lq* 24,30).

> Jum il-Mulej, jum il-Qawmien mill-imwiet, jum l-Insara, hu l-jum tagħna. Hu għalhekk li jissejjaħ Jum il-Mulej, għax hu propju f'dan il-jum li l-Mulej reġa' lura rebbieħ għand il-Missier. Jekk il-pagani jsejħulu Jum ix-xemx, aħna wkoll ma nsibuhiex bi tqila li nsejħulu hekk, għax illum tela' d-dawl tad-dinja, illum dehret ix-xemx tal-ġustizzja li r-raġġi tagħha jagħtu s-salvazzjoni .[26]

1167 Il-Ħadd hu l-jum propju tal-ġemgħa liturġika, meta l-Insara jinġabru "ħa jisimgħu l-Kelma ta' Alla, jieħdu sehem fl-Ewkaristija, u jagħmlu t-tifkira tal-Passjoni, tal-Qawmien mill-imwiet u tal-glorja tal-Mulej Ġesù, huma u jroddu ħajr lil Alla li tahom twelid ġdid għal tama ħajja permezz tal-Qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet".[27]

> Meta aħna nimmeditaw, O Kristu, l-għeġubijiet li seħħu f'jum il-Ħadd tal-Qawmien tiegħek mill-imwiet, aħna ngħidu: Imbierek jum il-Ħadd, għax fih kellhom bidu l-ħolqien…, is-salvazzjoni tad-

[24] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 106.
[25] *Liturġija Biżantina*, Matutin fil-jum tal-Għid il-Kbir, Oda 9, Troparion.
[26] San Ġirolmu, *Omelija dwar l-Għid il-Kbir*: PL 30, 218-219.
[27] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 106.

kkk 443-468 latest.OK (r).indd 454-455 5/16/2014 11:25:51 AM

dinja …, it-tiġdid tal-ġens kollu tal-bnedmin … Hu f'dan il-jum li thennew is-sema u l-art, u l-univers imtela bid-dawl. Imbierek jum il-Ħadd għax f'dan il-jum infetħu l-bibien tas-sema biex Adam u l-imkeċċijin kollha jidħlu minnu bla biża'.[28]

Is-sena liturġika

1168 Iż-żmien il-ġdid tal-Qawmien mill-imwiet jimla s-sena
2698 liturġika kollha bid-dija tiegħu, u jibda mit-tlett ijiem lmqaddsa tal-Għid, li qishom il-bidu tad-dija tiegħu. Minn kull naħa ta' dan il-bidu ta' dija, is-sena tiġi dejjem aktar mibdula mil-liturġija. Hi tassew "is-sena tal-grazzja tal-Mulej" (*Lq* 4,19). Il-pjan tas-salvazzjoni qiegħed jaħdem fi ħdan iż-żmien, iżda minn meta l-pjan seħħ bl-Għid ta' Ġesù u bil-miġja tal-Ispirtu s-Santu, it-tmiem tal-istorja hu antiċipat, "l-hena tiegħu qed jinħass minn qabel", is-Saltna ta' Alla daħlet fiż-żmien tagħna.

1169 Għalhekk l-*Għid* mhuwiex biss festa waħda fost oħrajn: hu l-"Festa tal-festi kollha", "is-Solennità tas-
1330 solennitajiet kollha", kif l-Ewkaristija hi s-Sagrament tas-sagramenti kollha (is-Sagrament il-Kbir). San Atanasju
560 jsejjaħ Jum il-Għid il-"Ħadd il-Kbir"[29], kif il-Ġimgħa Mqaddsa fil-Lvant hi msejħa "il-Ġimgħa l-Kbira" (kif ngħidu aħna wkoll). Il-Misteru tal-Qawmien mill-imwiet, li fih Kristu ħassar il-mewt, jimla ż-żmien il-qadim tagħna bil-qawwa setgħana tiegħu, sakemm iġib kollox taħtu.

1170 Fl-Ewwel Konċilju ta' Nicea (fis-sena 325), il-Knejjes kollha qablu bejniethom biex l-Għid Nisrani jiċċelebrawh il-Ħadd li jaħbat wara l-qamar kwinta (14 ta' Nisan) li jiġi

[28] *Fanqith*, mill-Brevjar skont ir-rit Siro-Antjoken, VI, l-ewwel taqsima tas-sajf, 193b.

[29] San Atanasju, *Ittra* 1 *f'jum ta' festa*, 10: PG 26, 1366A.

wara l-bidu tar-rebbiegħa. Minħabba l-metodi differenti użati biex jiġi kkalkulat l-14 ta' Nisan, il-Għid il-Kbir mhux dejjem jaħbat fl-istess jum fil-Lvant u fil-Punent. Għalhekk il-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent illum qegħdin ifittxu li jilħqu ftehim bejniethom biex jibdew mill-ġdid jiċċelebraw il-festa tal-Għid il-Kbir fl-istess jum.

1171 Is-sena liturġika tiżviluppa aspetti diversi tal-misteru waħdieni tal-Għid. Dan jgħodd l-aktar għaċ-ċiklu tal-festi tal-misteru tal-Inkarnazzjoni (Tħabbira tal-Mulej, Milied, 524
Epifanija), li jfakkru l-bidu tas-salvazzjoni tagħna, u jagħtuna l-ewwel frott tal-Misteru tal-Għid.

Il-Propju tal-qaddisin fis-sena liturġika

1172 "Hija u tiċċelebra kull sena l-misteru ta' Kristu, il-Knisja Mqaddsa tagħti ġieħ b'imħabba speċjali l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla, li ngħaqdet ma' Binha b'rabta li ma 971
tinħall qatt fl-opra tiegħu ta' salvazzjoni. F'Marija, il-Knisja tammira u tfaħħar, l-ogħla frott tal-fidwa u tikkontempla bil- 2030
ferħ bħal fi xbieha l-aktar safja, dak li tixtieq u tittama li għad tkun kollha kemm hi fil-ħajja ta' dejjem".[30]

1173 Meta l-Knisja kull sena tagħmel it-tifkira tal-martri 957
u tal-qaddisin l-oħra, hija tkun "ixxandar il-misteru tal-Għid" f'dawk "li batew ma' Kristu u ġew igglorifikati flimkien miegħu, u turihom lill-Insara bħala eżempji li jiġbduhom ilkoll lejn il-Missier permezz ta' Ġesù Kristu, u titlob f'ġieħ il-merti tagħhom kull ġid mingħand Alla."[31]

[30] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 103.

[31] *Ibid*., 104; ara wkoll 108; 111.

Il-Liturġija tas-Sigħat

1174 Il-misteru ta' Kristu, l-Inkarnazzjoni u l-Għid tiegħu, li aħna niċċelebraw fl-Ewkaristija, speċjalment fil-ġemgħa tal-Ħadd, jidħol f'kull ġurnata u jbiddilha biċ-ċelebrazzjoni tal-
2698 Liturġija tas-Sigħat, "l-Uffiċċju divin".[32] Din iċ-ċelebrazzjoni li twieġeb bil-fedeltà kollha għar-rakkomandazzjonijiet tal-Appostli biex nitolbu "bla heda" (*1 Tess* 5,17; ara *Ef* 6,18), hi mfassla b'mod li matul il-jum u matul il-lejl ma jieqaf qatt it-tifħir ta' Alla.[33] Il-Liturġija tas-Sigħat hi "it-talba pubblika tal-Knisja"[34], u biha, dawk li jemmnu fi Kristu (kjeriċi, reliġjużi u lajċi) jaqdu s-saċerdozju regali tal-imgħammdin. Iċċelebrata "skont is-sura" approvata mill-Knisja, il-Liturġija tas-Sigħat, "hi tassew leħen l-istess Għarusa li tkellem l-Għarus tagħha, u hi wkoll it-talba ta' Kristu lill-Missier flimkien mal-Ġisem tiegħu".[35]

1175 Il-Liturġija tas-Sigħat għandha tkun it-talba tal-Poplu kollu ta' Alla. Fiha, Kristu stess "ikompli jaqdi l-uffiċċju saċerdotali tiegħu permezz tal-Knisja"[36]; kull wieħed jieħu sehem fiha skont il-post propju tiegħu fil-Knisja u skont iċ-ċirkostanzi ta' ħajtu: is-saċerdoti, għax huma impenjati fil-ministeru pastorali, huma għalhekk imsejħin biex ma jieqfu qatt mit-talb u x-xandir tal-Kelma[37]; ir-reliġjużi, irġiel u nisa, minħabba l-kariżma tal-ħajja kkonsagrata tagħhom[38]; l-Insara kollha kif jistgħu. "Ir-Rgħajja tal-erwieħ għandhom ifittxu li s-sigħat ewlenin, u l-aktar l-Għosrien fil-Ħdud u s-solennitajiet, ikollhom ċelebrazzjoni komunitarja fil-knisja. Il-lajċi wkoll huma mħajrin jitolbu l-uffiċċju divin, jew mas-saċerdoti, jew meta jkunu miġburin flimkien, jew ukoll għal rashom".[39]

[32] Ara *ibid*., 83-101.
[33] *Ibid*., 84.
[34] *Ibid*., 98.
[35] *Ibid*., 84.
[36] *Ibid*., 83.
[37] Ara *ibid*., 86; 96; Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 5.
[38] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 98.
[39] *Ibid*., 100.

1176 Iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat mhux biss 2700
trid li jkun hemm armonija sħiħa bejn il-fomm u l-qalb ta' min jitlob, imma titlob ukoll li min jitlob "għandu jfittex li jkollu għarfien aħjar tal-liturġija u tal-Iskrittura, u l-aktar tas-Salmi".[40]

1177 L-innijiet u l-litaniji tal-Liturġija tas-Sigħat idaħħlu 2586
t-talb tas-Salmi fi żmien il-Knisja, għax ifissru s-simboliżmu tal-ħin tal-jum, taż-żmien liturġiku, jew tal-festa li qed tiġi ċċelebrata. Barra dan, il-qari tal-Kelma f'kull Siegħa (bir-responsorji u t-troparji li jseħbuha); f'ċerti Sigħat, il-qari minn Missirijiet il-Knisja u tal-Għalliema spiritwali, juru aktar fil-fond it-tifsir tal-misteru li jkun qed jiġi ċċelebrat, jgħinu biex wieħed jifhem aħjar is-Salmi u jħejju għat-talb fis-skiet. Il-*lectio divina,* jew il-Kelma ta' Alla li tinqara u tiġi mmeditata biex issir talba, hi wkoll għandha l-għeruq tagħha fiċ-ċelebrazzjoni liturġika.

1178 Il-Liturġija tas-Sigħat qisha tkompli ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika; ma twarrabx, anzi għandha ssaħħaħ, il-ħafna devozzjonijiet tal-Poplu ta' Alla, b'mod partikulari l-adorazzjoni u l-qima tas-Sagrament imqaddes. 1378

IV. Fejn tiċċelebra?

1179 Il-qima "fl-ispirtu u l-verità" (*Ġw* 4,24) tal-Patt il-Ġdid mhijiex marbuta ma' xi post wieħed biss. L-art kollha hi mqaddsa u fdata lil ulied il-bnedmin. Dak li jiġi l-ewwel, meta l-Insara jinġabru f'xi mkien wieħed, huwa "il-ġebel ħaj", l-Insara stess li nġabru "[ħa jinbnew] f'dar spiritwali"

[40] *Ibid*., 90.

kkk 443-468 latest.OK (r).indd 458-459 5/16/2014 11:25:52 AM

586 (*1 Piet* 2,4-5). Il-Ġisem ta' Kristu rxoxt hu t-tempju spiritwali li minnu toħroġ għajn ta' ilma ħaj. Imdaħħlin fil-Ġisem ta' Kristu permezz tal-Ispirtu s-Santu "aħna t-tempju ta' Alla l-ħaj" (*2 Kor* 6,16).

2106 1180 Meta l-libertà reliġjuża ma tkunx imfixkla,[41] l-Insara jtellgħu bini ħa jservi għall-kult divin. Dawn il-knejjes li jidhru mhumiex biss postijiet fejn l-Insara jiltaqgħu, imma jfissru u juru l-Knisja li qiegħda tgħix f'dan il-post, l-għamara ta' Alla mal-bnedmin, li tħabbu u ngħaqdu flimkien fi Kristu.

2691 1181 "Id-dar tat-talb fejn l-Ewkaristija tiġi ċċelebrata u fejn tinżamm, fejn jinġabru l-Insara, fejn hu preżenti l-Iben ta' Alla, is-Salvatur tagħna, li ġie offrut għalina fuq l-artal tas-sagrifiċċju u jiġi meqjum bħala għajnuna u faraġ tal-Insara, għandha tkun sabiħa, u adatta għat-talb u għall-funzjonijiet qaddisa".[42] F'din "id-dar ta' Alla", il-verità u l-armonija tas-sinjali li jagħmluha d-dar ta' Alla, iridu juru 'l Kristu li jinsab u jagħmel il-ħidma tiegħu fiha.[43]

617; 1383 1182 *L-artal* tal-Patt il-Ġdid hu s-salib tal-Mulej (ara *Lq* 13,10), li minn fuqu ħarġu s-sagramenti tal-Misteru tal-Għid. Fuq l-artal, li hu ċ-ċentru tal-Knisja, iseħħ is-sagrifiċċju tas-salib taħt ix-xbihat sagramentali. Hu wkoll il-Mejda tal-Mulej, li għaliha hu mistieden il-Poplu ta' Alla.[44] F'xi Liturġiji tal-Lvant, l-artal hu wkoll simbolu tal-Qabar (Kristu miet tassew u rxoxta tassew).

1379 2120 1183 *It-tabernaklu* għandu jitqiegħed "fil-post l-aktar xieraq fil-knejjes u għandu jingħatalu l-ogħla ġieħ".[45] Il-ġmiel, il-pożizzjoni u s-sigurtà tat-

[41] Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 4.

[42] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 5; ara Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 122-127.

[43] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 7.

[44] Ara *Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman,* 259.

[45] Pawlu VI, Enċiklika *Mysterium fidei* (1965).

tabernaklu ewkaristiku[46] għandhom jgħinu lill-fidili biex jersqu jaduraw lill-Mulej tassew preżenti fis-Sagrament imqaddes tal-artal.

Iż-żejt tal-griżma (Myron – "miru" bil-Malti tal-imgħoddi): id-dlik jew l-unzjoni hu sinjal tas-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu; tradizzjonalment jinżamm u jiġi mogħti ġieħ f'post żgur fil-presbiterju; miegħu jista' jinżamm iż-żejt tal-katekumeni u dak tal-morda. 1241

1184 *Is-sedja* tal-Isqof (katedra) jew dik tas-saċerdot "għandha tfisser l-uffiċċju ta' dak li jippresiedi l-ġemgħa u jmexxi t-talb".[47]

L-ambone: "il-Kelma ta' Alla jistħoqqilha ġieħ kbir u għalhekk jeħtieġ li fil-knisja jkun hemm post jixraq lix-xandir tagħha, post li malajr jiġbed l-attenzjoni tal-fidili, matul il-Liturġija tal-Kelma".[48] 103 1349

1185 Il-ġemgħa tal-Poplu ta' Alla tibda permezz tal-Magħmudija; il-knisja għalhekk irid ikollha post fejn tiġi ċċelebrata l-Magħmudija (battisteru) u xi ħaġa li tfakkar il-wegħdiet tal-Magħmudija lill-Insara (l-ilma mbierek).

It-tiġdid tal-ħajja li nkisbet fil-Magħmudija titlob *il-penitenza*. Il-knisja għalhekk trid tkun imħejjija biex tilqa' s-sogħba u l-indiema tal-midneb u tagħtih il-maħfra: fil-knisja għalhekk irid ikun hemm post adatt fejn jiġu milqugħin il-penitenti.

Il-knisja trid tkun ukoll post li jistieden għall-ġabra u għat-talb fis-skiet, li jtawwal it-talba solenni tal-Ewkaristija u jgħin biex din it-talba tidħol fil-fond tal-qalb tal-Insara. 2717

1186 Fl-aħħar nett il-knisja għandha tifsira eskatoloġika. Biex wieħed jidħol fid-dar ta' Alla jrid jgħaddi minn fuq *l-għatba*, simbolu tal-mogħdija minn din id-dinja, imġarrba mid-dnub, għad-dinja tal-ħajja ġdida li għaliha l-bnedmin kollha huma msejħin. Il-knisja li naraw hi simbolu ta' dar Missierna lejn fejn miexi l-Poplu ta' Alla, u fejn il-Missier "[jixxotta] kull demgħa minn [għajnejna]" (*Apok* 21,4). Hu 1130

[46] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 128.

[47] *Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman*, 271.

[48] *Ibid*., 272.

kkk 443-468 latest.OK (r).indd 460-461 5/16/2014 11:25:52 AM

għalhekk ukoll li l-knisja hi d-dar ta' *kulħadd*, tal-ulied *kollha* ta' Alla, dejjem miftuħa beraħ ħa tilqagħhom bil-qalb.

Fil-qosor

1187 *Il-Liturġija hi l-ħidma ta' Kristu sħiħ: ir-Ras u l-Ġisem. Il-Qassis il-Kbir tagħna bla heda jiċċelebraha fil-Liturġija tas-sema, flimkien mal-Imqaddsa Omm Alla, mal-qaddisin kollha, u mal-kotra kbira ta' bnedmin li ġa daħlu fis-Saltna.*

1188 *F'ċelebrazzjoni liturġika, il-ġemgħa kollha hi "liturgu" jiġifieri ċelebrant, u kulħadd jiċċelebra skont l-uffiċċju li jkollu. Is-saċerdozju batteżimali, li jingħata fil-Magħmudija, hu s-saċerdozju tal-Ġisem kollu ta' Kristu. Iżda, fost dawk li jemmnu fi Kristu, hemm uħud li jiġu ordnati permezz tas-sagrament tal-Ordni biex ikunu rappreżentanti ta' Kristu bħala Ras tal-Ġisem.*

1189 *Iċ-ċelebrazzjoni liturġika tagħmel użu minn sinjali u simboli ġejjin mill-ħolqien (dawl, ilma, nar), mill-ħajja tal-bniedem (ħasil, dlik, qsim tal-ħobż), u mill-ġrajja tas-salvazzjoni (ir-riti tal-Għid). Dawn l-elementi tad-dinja, dawn ir-riti tal-bnedmin, dawn il-ġesti li jfakkruna f'Alla, iwasslulna l-ħidma li ssalva u tqaddes ta' Kristu, għax ġew imdaħħla fid-dinja tal-fidi bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.*

1190 *Il-Liturġija tal-Kelma hi parti sħiħa taċ-ċelebrazzjoni. It-tifsir taċ-ċelebrazzjoni jingħata permezz tal-Kelma ta' Alla li titħabbar u permezz tal-impenn tal-fidi bi tweġiba għaliha.*

1191 *Il-kant u l-mużika għandhom rabta liema bħalha mal-azzjoni liturġika. Il-kriterji dwar l-użu tajjeb tal-kant u l-mużika huma dawn: il-ġmiel ta' kif jiġi mfisser it-talb; is-sehem tal-ġemgħa kollha kemm hi u l-karattru sagru taċ-ċelebrazzjoni.*

1192 *Ix-xbihat imqaddsa li jinsabu fil-knejjes tagħna u fi djarna, iridu jqajmu fina u jmantnu l-fidi fil-misteru ta' Kristu. Quddiem l-ikona ta' Kristu u tal-għemejjel tiegħu għas-salvazzjoni, aħna nkunu naduraw mhux ix-xbieha, imma lil Kristu stess. Quddiem ix-xbihat qaddisa ta' Omm Alla, tal-anġli u tal-qaddisin aħna nagħtu ġieħ mhux ix-xbihat imma lil dawk stess li jirrappreżentaw.*

1193 *Il-Ħadd, "Jum il-Mulej", hu l-jum ewlieni għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għaliex hu jum il-Qawmien mill-imwiet. Hu jum il-ġemgħa liturġika b'mod speċjali, u hu wkoll il-jum tal-familja Nisranija, il-jum tal-ħena u l-mistrieħ mix-xogħol. Hu "pedament u qofol tas-sena liturġika kollha".*[49]

1194 *Il-Knisja "tqassam iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' Kristu tul sena sħiħa, mill-Inkarnazzjoni u t-Twelid sat-Tlugħ fis-sema tal-Mulej, sa jum Għid il-Ħamsin u sal-istennija tat-tama hienja tal-miġja tal-Mulej".*[50]

1195 *Hija u tagħmel it-tifkira tal-qaddisin, u l-ewwel nett tal-Imqaddsa Omm Alla, imbagħad tal-Appostli, tal-martri u tal-qaddisin l-oħra, fi ġranet fissi tas-sena liturġika, il-Knisja fuq l-art turi li hi marbuta mal-*

[49] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 106.
[50] *Ibid*., 102.

Liturġija tas-sema; tigglorifika lil Kristu li temm is-salvazzjoni fil-membri gglorifikati tal-Ġisem tiegħu; l-eżempju tagħhom iħeġġiġha fil-mixi tagħha lejn il-Missier.

1196 *L-Insara li jiċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat jingħaqdu ma' Kristu, il-Qassis il-Kbir tagħna, permezz tat-talb tas-Salmi, tal-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla, tal-kantiċi u l-barkiet, biex jissieħbu fit-talba universali tiegħu li ma tieqaf qatt, ħa jagħtu glorja lill-Missier, u jitolbu d-don tal-Ispirtu s-Santu għad-dinja kollha.*

1197 *Kristu hu l-veru Tempju ta' Alla, "il-post fejn tgħammar il-glorja tiegħu"; permezz tal-grazzja ta' Alla l-Insara jsiru huma wkoll tempji tal-Ispirtu s-Santu, il-ġebel ħaj li bih tinbena l-Knisja.*

1198 *Fil-qagħda tagħha fid-dinja, il-Knisja teħtieġ postijiet fejn il-komunità tista' tinġabar: il-knejjes tagħna li naraw huma postijiet imqaddsa, xbihat tal-belt qaddisa, Ġerusalemm tas-sema, lejn fejn aħna mexjin.*

1199 *Hu fil-knejjes tagħha li l-Knisja tiċċelebra l-qima pubblika għall-glorja tat-Trinità Qaddisa, u tisma' l-Kelma ta' Alla u tkanta t-tifħir tiegħu, titlob u toffri s-sagrifiċċju ta' Kristu li jinsab sagramentalment f'nofs il-ġemgħa. Dawn il-knejjes huma wkoll postijiet ta' ġabra u ta' talb personali.*

It-tieni artiklu

SURIET DIFFERENTI TAL-LITURĠIJA U MISTERU WIEĦED

Tradizzjonijiet liturġiċi u l-universalità tal-Knisja

1200 Minn żmien l-ewwel komunità ta' Ġerusalemm sa żmien it-tieni miġja ta' Ġesù (il-*Parusija*), il-Knejjes ta' Alla, b'fedeltà sħiħa għall-fidi tal-Appostli, kullimkien jiċċelebraw l-istess Misteru tal-Għid. Il-misteru li jiġi ċċelebrat fil-liturġija hu wieħed, imma s-suriet taċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-misteru huma ħafna. 2625

1201 L-għana tal-misteru ta' Kristu hu hekk kbir li ebda tradizzjoni liturġika ma tasal biex tfissru kollu. L-istorja ta' kif bdew u żviluppaw dawn ir-riti turi b'liema mod tassew tal-għaġeb huma komplimentarji għal xulxin. Sakemm il-Knejjes għexu t-tradizzjonijiet liturġiċi tagħhom f'għaqda bejniethom fil-fidi u fis-sagramenti tal-fidi, stagħnew b'xulxin u kibru fil-fedeltà lejn it-Tradizzjoni u l-missjoni komuni tal-Knisja kollha.[51] 2663 1158

1202 Il-ħafna tradizzjonijiet liturġiċi nibtu minħabba l-istess missjoni tal-Knisja. Il-Knejjes tal-istess naħa ġeografika u kulturali waslu biex jiċċelebraw il-misteru ta' Kristu skont il-mod partikulari kif in-nies tal-post ifissru ħsibijiethom u juru s-sura tal-kultura tipika tagħhom: skont il-mod kif għaddew lill-oħrajn "it-teżor sabiħ" (*2 Tim* 1,14) tal-fidi (*depositum fidei*) fis-simboliżmu liturġiku tagħhom, skont l-organizzazzjoni tax-xirka bejn l-aħwa, skont il-mod kif fehmu teoloġikament 814 1674

[51] Ara Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi* (1975), 63-64.

il-misteri, u skont is-suriet tal-qdusija tagħhom. Hekk Kristu, id-dawl u s-salvazzjoni tal-popli kollha, permezz tal-ħajja liturġika tal-Knisja, jintwera lill-popli u lill-kulturi li fosthom
875 il-Knisja ntbagħtet u fejn niżżlet l-għeruq tagħha. Il-Knisja hi
1937 Kattolika: tista' tilqa' fl-għaqda tagħha u ssaffi l-għana veru tal-kulturi kollha.[52]

1203 It-tradizzjonijiet liturġiċi jew riti li hemm illum fil-Knisja huma r-rit Latin (prinċipalment ir-rit Ruman, iżda wkoll ir-riti ta' xi Knejjes lokali bħalma hu r-rit Ambrosjan u r-riti ta' xi ordnijiet reliġjużi), ir-rit Biżantin, ir-rit Alessandrin jew Kopt, ir-rit Sirjak, ir-rit Armen, ir-rit Maronit, u r-rit tal-Kaldej. "Il-Konċilju, b'rispett sħiħ għat-tradizzjoni, jiddikjara li Ommna l-Knisja Mqaddsa tqis indaqs, fid-drittijiet u d-dinjità tagħhom, ir-riti kollha li huma magħrufin leġittimament, u trid li jinżammu fil-ġejjieni u jkunu megħjunin b'kull manjiera".[53]

Liturġija u kulturi

2684 1204 Iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija għalhekk trid tkun taqbel man-natura u mal-kultura ta' popli differenti.[54] Il-misteru ta' Kristu, biex jiġi mgħarraf "lill-ġnus [kollha ... ħa jwassalhom]
854; 1232 għall-ubbidjenza tal-fidi" (*Rum* 16,26), irid jiġi mħabbar lill-kulturi kollha ħa jiċċelebrawh u jgħixuh, b'mod li mhux jinqerdu permezz tiegħu imma jiġu mifdijin u jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom.[55] Hu bil-kultura propja tal-bnedmin, kultura
2527 meħuda minn Kristu u mġedda minnu, u permezz tagħha, li l-kotra ta' wlied Alla jkollhom id-dħul għal għand il-Missier, biex jigglorifikawh fi Spirtu wieħed.

[52] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 23; Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 4.

[53] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 4.

[54] *Ibid*., 37-40.

[55] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (1979), 53.

1205 "Fil-liturġija, u l-aktar fil-liturġija tas-sagramenti, 1125
hemm parti *li ma tista' tinbidel qatt,* għax waqqafha l-Mulej u ħallieha taħt il-ħarsien tal-Knisja, u hemm mbagħad *partijiet li jistgħu jinbidlu*, li l-Knisja tista' u xi kultant għandha tbiddel biex tadattahom għall-kulturi tal-ġnus li jkunu għadhom kemm laqgħu t-tħabbira tal-Evanġelju".[56]

1206 "Il-varjetà fil-liturġija tista' tkun għajn ta' ġid, imma tista' wkoll toħloq inkwiet, nuqqas ta' ftehim u firdiet ukoll. Jidher ċar għalhekk li f'din il-ħaġa, il-varjetà ma għandhiex tkun ta' ħsara għall-għaqda; għandha sseħħ biss b'fedeltà sħiħa lejn il-fidi ta' kulħadd, lejn is-sinjali sagramentali li l-Knisja rċeviet mingħand Kristu, u lejn ix-xirka tal-ġerarkija. L-adattament kulturali jitlob il-konverżjoni tal-qalb, u, meta jkun meħtieġ, iċ-ċaħda wkoll ta' drawwiet antiki li ma jaqblux mal-fidi Kattolika".[57]

Fil-qosor

1207 *Hu meħtieġ li l-liturġija tfisser lilha nnifisha fil-kultura tal-poplu fejn tkun il-Knisja, iżda mingħajr ma toqgħod għaliha. Min-naħa l-oħra, il-liturġija stess tagħti bidu u ssawwar il-kulturi.*

1208 *Il-ħafna tradizzjonijiet jew riti liturġiċi, magħrufin leġittimament, għaliex ifissru u jwasslu l-misteru ta' Kristu, juru li l-Knisja hi Kattolika.*

[56] San Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Vicesimus quintus annus* (1988), 16; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 21.

[57] San Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Vicesimus quintus annus* (1988), 16.

kkk 443-468 latest.OK (r).indd 466-467 5/16/2014 11:25:52 AM

1209 *Il-kriterju li juri li l-Knisja hi waħda waqt li t-Tradizzjonijiet liturġiċi huma ħafna, hu l-fedeltà għat-Tradizzjoni Appostolika, jiġifieri għaqda fil-fidi u s-sagramenti li ġew mill-Appostli, komunjoni li hi mfissra u ggarantita mis-suċċessjoni Appostolika.*

IT-TIENI SEZZJONI

IS-SEBA' SAGRAMENTI TAL-KNISJA

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 469 5/16/2014 11:27:59 AM

1113 1210 Is-sagramenti tal-Liġi l-Ġdida waqqafhom Kristu u huma sebgħa: Magħmudija, Griżma tal-Isqof jew Konfermazzjoni, Ewkaristija, Penitenza, Dilka tal-Morda, Ordni Sagri u Żwieġ. Is-seba' sagramenti jinteressaw il-passi kollha u l-mumenti kollha importanti tal-ħajja tan-Nisrani: jagħtu twelid u żvilupp, fejqan u missjoni fil-ħajja tan-Nisrani. Hemm ċertu xebh bejn il-mumenti kollha tal-ħajja naturali tal-bniedem u l-mumenti tal-ħajja spiritwali tiegħu.[1]

1211 Nimxu fuq din l-analoġija biex l-ewwel nitkellmu fuq it-tliet sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija (l-ewwel Kapitlu), imbagħad fuq is-sagramenti tal-fejqan (it-tieni Kapitlu), u fl-aħħar fuq is-sagramenti għall-qadi tax-xirka u għall-missjoni tal-imgħammdin (it-tielet Kapitlu). Stajna mxejna skont ordni ieħor, iżda dan l-ordni jgħinna naraw is-sagramenti flimkien jiffurmaw organiżmu, fejn kull sagrament għandu l-post vitali tiegħu. F'dan l-organiżmu l-Ewkaristija għandha mbagħad
1374 post speċjali għaliex hi "is-Sagrament tas-sagramenti"; is-sagramenti l-oħra huma kollha ordnati għaliha, bħala l-għan tagħhom".[2]

[1] Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae* III, 65, 1.

[2] *Ibid*., III, 65, 3.

L-EWWEL KAP**ITLU**

IS-SAGRAMENTI TAD-DĦUL FIL-ĦAJJA NISRANIJA

1212 Is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija – Magħmudija, Konfermazzjoni u Ewkaristija – iqiegħdu *l-pedamenti* tal-ħajja Nisranija kollha. "It-tisħib fin-natura ta' Alla, mogħti lill-bnedmin permezz tal-grazzja ta' Alla, għandu ċertu xebh mal-bidu, mal-kobor u mal-manteniment tal-ħajja naturali. Imweldin għall-ħajja ġdida permezz tal-Magħmudija, l-Insara jissaħħu permezz tas-sagrament tal-Konfermazzjoni u fl-Ewkaristija jirċievu l-ħobż tal-ħajja ta' dejjem. B'dan il-mod, permezz tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija jirċievu dejjem aktar l-għana kollu tal-ħajja ta' Alla u jimxu 'l quddiem lejn il-perfezzjoni tal-imħabba".[3]

L-ewwel artiklu

IS-SAGRAMENT TAL-MAGĦMUDIJA

1213 Il-Magħmudija mqaddsa hi l-pedament tal-ħajja

[3] Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika *Divinae consortium naturae* (1971); *Ordni għall-Inizjazzjoni Nisranija tal-Adulti,* Tagħrif ta' qabel, 1-2.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 470-471 5/16/2014 11:28:00 AM

Nisranija kollha, l-għatba tal-ħajja fl-Ispirtu ("vitae spiritualis ianua"), il-bieb li minnu ngħaddu għas-sagramenti l-oħra. Bil-Magħmudija ninħelsu mid-dnub u nitwieldu mill-ġdid bħala wlied Alla, insiru membri ta' Kristu u nissieħbu mal-Knisja u fil-missjoni tagħha[4], *Baptismus est sacramentum regenerationes per aquam in verbo" – "Il-Magħmudija hi s-sagrament tat-twelid mill-ġdid fl-ilma u l-Kelma".*[5]

I. Kif jissejjaħ dan is-sagrament?

1214 Is-sagrament jissejjaħ *Magħmudija* miċ-ċerimonja ċentrali tar-rit li bih iseħħ: tgħammed ("baptizein" bil-Grieg, "baptizare" bil-Latin) ifisser "tgħaddas", "iddaħħal fl-ilma"; "tgħaddas" fl-ilma hu simbolu tad-dfin fil-mewt ta' Kristu tal-katekumenu, li mill-ilma joħroġ permezz tal-qawmien ma' Kristu (ara *Rum* 6,3-4; *Kol* 2,12) bħala "ħolqien ġdid" (*2 Kor* 5,17; *Gal* 6,15). 628

1215 Dan is-sagrament jissejjaħ ukoll "*il-ħasil tat-twelid ġdid u tat-tiġdid* tal-Ispirtu s-Santu" (*Titu* 3,5), għax ifisser u jagħti dan it-twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, twelid li mingħajru ħadd "ma jista' jidħol fis-Saltna ta' Alla" (*Ġw* 3,5). 1257

1216 "Dan il-ħasil jissejjaħ ukoll *tidwil (*bil-Latin *illuminatio),* għaliex dawk li jirċievu dan it-tagħlim ikollhom l-ispirtu tagħhom imdawwal ...".[6] L-imgħammed, għaliex fil-

[4] Ara Konċilju ta' Firenze: *Digriet għall-Armeni* (1439): DS 1314; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 204 §1; 849; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 675 §1.

[5] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 2, 2, 5.

[6] San Ġustinu, *Apoloġija*, 1, 61, 12: PG 421.

Magħmudija jkun irċieva l-Verb, "id-dawl veru li jdawwal kull bniedem"(*Ġw* 1,9), wara li jkun imdawwal (ara *Lh* 10,32), isir wieħed minn "ulied id-dawl" (*1 Tess* 5,5) u jkun hu nnifsu "dawl" (*Ef* 5,8): 1243

> Il-Magħmudija hi l-isbaħ u l-ogħla don ta' Alla. Insejħulha don, grazzja, dilka, tidwil, libsa bla ebda taħsir, ħasil ta' twelid ġdid, siġill, u dak kollu li hu mill-aktar għażiż. *Don* għax tingħata lil dawk li qatt ma taw xejn: *grazzja* għax tingħata wkoll lil min hu ħati; *Magħmudija* għax id-dnub jindifen fl-ilma; *dilka* għax min jirċeviha hu kkonsagrat u regali (dawn huma dawk li jirċievu d-dilka); *tidwil,* għaliex hi dawl tal-ogħla ġmiel u ċarezza; *libsa* għax tgħatti l-mistħija kollha tagħna, *ħasil* għax tnaddafna; *siġill* għax tħarisna u hi sinjal tas-setgħa ta' Alla.[7]

II. Il-Magħmudija fil-Pjan tas-salvazzjoni

Xbihat il-Magħmudija fi żmien il-Patt il-Qadim

1217 Fil-liturġija tal-lejl tal-Għid, waqt it-*tberik tal-ilma tal-Magħmudija,* il-Knisja tfakkar solennement il-ġrajjiet tal-għaġeb tal-istorja tas-salvazzjoni, li ħabbru minn qabel il-misteru tal-Magħmudija:

> Bil-qawwa tiegħek, Mulej, inti tagħmel l-għeġubijiet tas-sagramenti tiegħek, u b'ħafna modi ħejjejt l-ilma, li inti ħlaqt, biex juri l-grazzja tal-Magħmudija.[8]

1218 Sa mill-bidu tad-dinja, l-ilma, dan il-ħolqien umli u tal-għaġeb fl-istess ħin, hu għajn ta' ħajja u ta' frott. L-Iskrittura Mqaddsa tħares lejn dan l-ilma li fuqu hemm id-dell tal-Ispirtu ta' Alla (ara *Ġen* 1,2): 344 694

[7] San Girgor Nazjanzenu, *Diskors* 40, 3-4: PG 36, 361-364.

[8] *Missal Ruman*, Vġili tal-Għid, Tberik tal-ilma tal-Magħmudija.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 472-473 5/16/2014 11:28:00 AM

> Fil-bidu tad-dinja, l-Ispirtu tiegħek infirex fuq l-ilmijiet, biex sa minn dak iż-żmien stess l-ilma jieħu fih innifsu l-qawwa li jqaddes.[9]

701; 845 1219 Fl-Arka ta' Noè, il-Knisja tara xbieha tas-salvazzjoni permezz tal-Magħmudija. Permezz tal-Arka, "ftit, jiġifieri tmienja biss, salvaw bis-saħħa tal-ilma" (*1 Piet* 3,20):

> Fl-ilma tad-dulluvju, int tajtna sinjal ta' twelid ġdid biex bil-misteru tal-istess ilma, jinqerdu d-drawwiet ħżiena u jitnisslu drawwiet tajba.[10]

1220 Jekk l-ilma minn fawwara hu simbolu tal-ħajja, l-ilma tal-baħar hu simbolu tal-mewt. Għalhekk seta' jkun
1010 xbieha tal-misteru tas-salib. Hekk ukoll, b'dan is-simboliżmu l-Magħmudija tfisser xirka fil-mewt ta' Kristu.

1221 Iżda aktar hi l-mogħdija mill-Baħar l-Aħmar, li ġabet il-ħelsien veru ta' Iżrael mill-jasar tal-Eġittu, li tħabbar il-ħelsien li jseħħ permezz tal-Magħmudija:

> Int għaddejt lil ulied Abraham fl-inxif min-nofs il-Baħar tal-Qasab, biex il-poplu tiegħek, meħlus mill-jasar tal-Fargħun, ikun xhieda minn qabel tal-poplu mgħammed.[11]

1222 Fl-aħħar nett, il-Magħmudija hi mxebbha ma' meta l-Poplu ta' Alla qasam ix-xmara Ġordan, u rċieva d-don tal-Art, imwiegħda lil nisel Abraham, xbieha tal-ħajja ta' dejjem. Il-wegħda ta' dan il-wirt hieni sseħħ fil-Patt il-Ġdid.

Il-Magħmudija ta' Ġesù

1223 Kulma tħabbar minn qabel fi żmien il-Patt il-Qadim seħħ fi Kristu Ġesù. Beda l-ħajja pubblika tiegħu, wara li ġie

[9] *Ibid.*
[10] *Ibid.*
[11] *Ibid.*

mgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan (ara *Mt* 3,13), u wara l-Qawmien tiegħu mill-imwiet, Ġesù ta din il-missjoni lill-Appostli: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu 232 s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien" (*Mt* 28,19-20; ara *Mk* 16,15-16).

1224 Il-Mulej minn rajh ried joqgħod għall-Magħmudija ta' Ġwanni, Magħmudija li kienet għall-midinbin, biex "[itemm] 536 is-sewwa kollu" (*Mt* 3,15). Dan il-ġest ta' Ġesù hu dehra tal-verità li hu "xejjen lilu nnifsu" (*Fil* 2,7). L-Ispirtu li kien jinfirex fuq l-ilmijiet fl-ewwel ħolqien, issa jinżel fuq Kristu, bħala l-preludju tal-ħolqien il-ġdid, u l-Missier juri lil Ġesù bħala "[Ibnu] l-għażiż" (*Mt* 3,16-17).

1225 Kien fil-Għid li Kristu fetaħ għall-bnedmin kollha l-għajn tal-Magħmudija. Kien ġa tkellem dwar il-Passjoni tiegħu li kellu jġarrab f'Ġerusalemm bħala "Magħmudija" li biha kien jeħtieġlu jitgħammed (ara *Mk* 10,38; *Lq* 12,50). Id-demm u l-ilma li ħarġu mill-ġenb minfud ta' Kristu msallab 766 (ara *Ġw* 19,34) huma tipi jew simboli tal-Magħmudija u tal-Ewkaristija, is-sagramenti tal-ħajja l-ġdida (ara *1 Ġw* 5,6-8): minn dak iż-żmien wieħed jista' jitwieled "mill-ilma u l-Ispirtu" biex jidħol fis-Saltna ta' Alla (*Ġw* 3,5).

> Ara fejn tgħammidt, minn fejn ġejja l-Magħmudija; mhux mis-salib ta' Kristu, mill-mewt ta' Kristu? Hemm hu l-misteru kollu: bata għalik. Fih ġejt mifdi, fih ġejt salvat.[12]

Il-Magħmudija fil-Knisja

1226 Minn nhar Għid il-Ħamsin, il-Knisja tiċċelebra u tamministra l-Magħmudija. San Pietru lill-folla, imqanqla

[12] San Ambroġ, *Dwar is-Sagramenti*, 2, 6: PL 16, 425-426.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 474-475 5/16/2014 11:28:00 AM

849 mill-predikazzjoni tiegħu, qalilha: “Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta’ Ġesù Kristu għall-maħfra ta’ dnubietkom; u intom tirċievu d-don tal-Ispirtu s-Santu” (*Atti* 2,38). L-Appostli u l-kollaboraturi tagħhom kienu jagħtu l-Magħmudija lil kull min kien jemmen fi Kristu: Lhud, nies li kellhom il-biża’ ta’ Alla, pagani (ara *Atti* 2,41; 8,12-13; 10,48; 16,15). Il-Magħmudija dehret dejjem marbuta mal-fidi: “Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek”, qal San Pawl lill-għassies tal-ħabs ta’ Filippi. U l-ġrajja tkompli: “Bla telf ta’ żmien tgħammed [l-għassies] u niesu kollha” (*Atti* 16,31-33).

1227 Skont San Pawl l-Appostlu, permezz tal-Magħmudija,
790 min jemmen jissieħeb fil-mewt ta’ Kristu, jindifen miegħu biex miegħu jirxoxta:

> Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija, sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida (*Rum* 6,3-4; ara *Kol* 2,12).

L-imgħammdin “[jilbsu] ’l Kristu” (*Gal* 3,27). Permezz tal-Ispirtu s-Santu, il-Magħmudija hi ħasil li jnaddaf, iqaddes u jiġġustifika (ara *1 Kor* 6,11; 12,13).

1228 Il-Magħmudija mela hi ħasil bl-ilma li fih “iż-żerriegħa li ma titħassarx” tal-Kelma ta’ Alla tagħti l-ħajja (ara *1 Piet* 1,23; *Ef* 5,26). Santu Wistin għall-Magħmudija qal: “accedit verbum ad elementum et fit sacramentum” – “tissieħeb il-kelma mal-element tal-ilma, u jkun hemm is-sagrament”.[13]

[13] Santu Wistin, *Trattat* 80 *dwar l-Evanġelju ta’ San Ġwann*, 3: PL 35, 1840.

III. Kif jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Magħmudija?

Id-dħul fil-ħajja nisranija

1229 Sa minn żmien l-Appostli, wieħed isir Nisrani permezz ta’ mixja li matulha hemm ħafna waqfiet li bihom wieħed jagħraf aktar x’qed jintalab minnu. Dan il-mixi jista’ jsir kemm mgħaġġel u kemm bil-mod. Iżda dejjem irid ikollu xi elementi li huma tassew essenzjali: it-tħabbira tal-Kelma, l-aċċettazzjoni tal-Evanġelju li titlob konverżjoni, l-istqarrija tal-fidi, il-Magħmudija, l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, it-tqarbin.

1230 Ir-riti tad-dħul fil-ħajja Nisranija varjaw ħafna tul iż-żminijiet u skont iċ-ċirkustanzi. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, l-inizjazzjoni Nisranija, jiġifieri d-dħul fil-ħajja Nisranija, kienet żviluppata ħafna, bi żmien twil ta’ *katekumenat* u għadd ta’ riti ta’ tħejjija wieħed wara l-ieħor, li liturġikament 1248
kienu juru t-triq tat-tħejjija tal-katekumenu, u jwasslu għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija.

1231 Fejn beda jkun hemm Magħmudijiet ta’ trabi, il-Magħmudija bdiet issir f’ċelebrazzjoni waħda li fiha nġabru, fil-qasir ħafna, ir-riti kollha tal-inizjazzjoni Nisranija li jiġu qabel il-ħasil bl-ilma. Min-natura tagħha, l-Magħmudija tat-trabi titlob katekumenat wara l-Magħmudija. Dan ma għandux ikun biss it-tagħlim li jingħata wara l-Magħmudija, imma għandu jkun l-iżvilupp meħtieġ tal-grazzja tal-Magħmudija waqt li dak li tgħammed ikun qed jikber. Hu propju dan il-waqt tal-katekiżmu. 13

1232 Il-Konċilju Vatikan II ta mill-ġdid lill-Knisja Latina “il-katekumenat tal-kbar, imqassam f’għadd ta’ waqfiet fil-mixi ’l quddiem lejn il-Magħmudija”.[14] Ir-riti ta’ dan il-katekumenat jinsabu fl-*Ordni għall-Inizjazzjoni Nisranija tal-Adulti* (1972). Il-Konċilju ppermetta wkoll li, “barra dawk l-elementi tal-inizjazzjoni li ġejjin mit-tradizzjoni Nisranija”, fl-artijiet tal-missjoni, jiżdiedu wkoll “elementi oħra ta’ inizjazzjoni, li jkunu fid-drawwiet ta’ kull 1204
poplu, sakemm dawn l-elementi jkunu jistgħu jiġu adattati għar-rit Nisrani”.[15]

1233 Illum għalhekk, fir-riti Latini u Orjentali kollha, l-inizjazzjoni

[14] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 64.
[15] *Ibid.*, 65; ara wkoll 37-40.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 476-477 5/16/2014 11:28:00 AM

Nisranija tal-kbar tibda bid-dħul tagħhom fil-katekumenat, biex tilħaq il-qofol tagħha f'ċelebrazzjoni waħda tat-tliet sagramenti flimkien,
1290 Magħmudija, Konfermazzjoni u Ewkaristija.[16] Fir-riti tal-Knejjes tal-Lvant, id-dħul fil-ħajja Nisranija tat-trabi tibda bil-Magħmudija, u minnufih wara jiġu l-Konfermazzjoni u t-Tqarbin; waqt li fir-rit Ruman l-inizjazzjoni Nisranija tibqa' sejra tul għadd ta' snin ta' katekeżi u tilħaq il-milja tagħha aktar tard bil-Konfermazzjoni u l-ewwel tqarbina.[17]

Il-mistagoġija taċ-ċelebrazzjoni

1234 It-tifsir u l-grazzja tas-sagrament tal-Magħmudija jidhru b'mod l-aktar ċar fir-riti taċ-ċelebrazzjoni. L-Insara jaslu biex jaraw l-għana kollu mfisser u mogħti minn dan is-sagrament lill-imgħammdin ġodda, jekk jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni u joqogħdu attenti għall-ġesti li jsiru u għall-kliem li jingħad.

617 1235 *Is-sinjal tas-salib,* fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni, hu l-marka ta' Kristu fuq dak li se jkun tiegħu u jfisser il-grazzja
2157 tal-fidwa li Kristu kisbilna permezz tas-salib.

1236 *It-tħabbira tal-Kelma ta' Alla* ddawwal lill-kandidati u lill-ġemgħa bid-dawl tal-verità u tqanqal fihom tweġiba ta' fidi, li ma tistax tkun mifruda mill-Magħmudija. Il-
1122 Magħmudija, b'mod partikulari, hi "sagrament tal-fidi" għax hi dħul sagramentali għall-ħajja tal-fidi.

1237 Għaliex il-Magħmudija hi ħelsien mid-dnub u mix-Xitan li jħajjar għad-dnub, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija
1673 jingħad *eżorċiżmu* jew aktar minn wieħed fuq il-kandidat għas-sagrament. Dan jindilek biż-żejt tal-katekumeni jew inkella ċ-ċelebrant iqiegħed idu fuqu, u hu jiċħad

[16] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 14; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 851; 865; 866.

[17] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 851, 2°; 868.

espliċitament lix-Xitan. Imħejji b'dan il-mod, jista' *jistqarr il-fidi tal-Knisja* li lilha se "jiġi fdat" permezz tal-Magħmudija 189
(ara *Rum* 6,17).

1238 *L-ilma tal-Magħmudija* mbagħad jiġi kkonsagrat 1217
permezz ta' talba ta' epiklesi (jew dak il-ħin stess taċ-ċelebrazzjoni jew fil-lejl qaddis tal-Għid). Il-Knisja titlob lil Alla biex, permezz ta' Ibnu, il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tinżel fl-ilma, biex dawk li se jitgħammdu bih, jitwieldu "mill-ilma u l-Ispirtu" (*Ġw* 3,5).

1239 Jiġi mbagħad ir-*rit essenzjali* tas-sagrament: il- 1214
Magħmudija fiha nnifisha, li tfisser u ġġib il-qerda tad-dnub u d-dħul fil-ħajja tat-Trinità Qaddisa permezz tax-xebh mal-Misteru tal-Għid ta' Kristu. Il-Magħmudija tingħata, b'mod li jfisser ħafna, permezz tal-immersjoni għal tliet darbiet fl-ilma tal-Magħmudija. Iżda sa minn żmien ilu, il-Magħmudija kienet tista' tingħata wkoll bit-tiswib għal tliet darbiet tal-ilma fuq ras dak li jitgħammed.

1240 Fil-Knisja Latina dan it-tiswib għal tliet darbiet tal-ilma hu msieħeb mal-kliem "N., jien ngħammdek fl-Isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu". Fil-Liturġiji tal-Lvant, wara li l-katekumenu jdur lejn il-Lvant, is-saċerdot jgħid: "Il-qaddej ta' Alla N. hu mgħammed fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" u malli tissemma kull Persuna tat-Trinità, il-katekumenu jiġi mgħaddas fl-ilma u mtella' minnu.

1241 *Id-dlik biż-żejt tal-griżma,* żejt imħallat bil-balzmu, u 1294; 1574
kkonsagrat mill-isqof, ifisser id-don tal-Ispirtu s-Santu lill-imgħammed ġdid. Sar Nisrani (Kristjan) jiġifieri "midluk" mill-Ispirtu s-Santu, imdaħħal fil-Ġisem ta' Kristu, li hu midluk saċerdot, profeta u sultan.[18] 783

[18] Ara *Ritwal Ruman*, Ordni għall-Magħmudija tat-tfal, 62.

1242 Fil-liturġija tal-Knejjes tal-Lvant, id-dlik li jsir wara l-Magħmudija hu s-sagrament tal-Griżma jew
1291 Konfermazzjoni. Fil-liturġija Rumana jħabbar it-tieni dilka li tingħata mill-Isqof aktar 'il quddiem, jiġifieri s-sagrament tal-Konfermazzjoni, li jwettaq ("jikkonferma"), biex ngħidu hekk, dak li għamlet id-dilka tal-Magħmudija.

1243 *Il-libsa l-bajda* tfisser li l-imgħammed "[libes] 'il Kristu" (*Gal* 3,27): irxoxta ma' Kristu. *Ix-xemgħa* mixgħula mill-blandun tħabbar li Kristu dawwal lill-imgħammed ġdid
1216 (in-neofita). Fi Kristu, l-imgħammdin huma "dawl tad-dinja" (*Mt* 5,14; ara *Fil* 2,15).

L-imgħammed ġdid issa hu iben Alla fl-Iben il-waħdieni.
2769 Jista' jgħid issa t-talba ta' wlied Alla: il-*Missierna.*

1244 *L-ewwel tqarbina.* Magħmul iben Alla, liebes il-libsa tat-tieġ, in-neofita jidħol "għall-festa tat-tieġ tal-Ħaruf", u jieħu l-ikel tal-ħajja l-ġdida, il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.
1292 Il-Knejjes tal-Lvant jgħożżu b'mod tassew ħaj ir-rabta li hemm bejn it-tliet sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija: hekk iqarbnu minnufih lil dawk li jkunu għadhom kemm irċevew il-Magħmudija u l-Konfermazzjoni, ukoll lit-tfal żgħar huma u jiftakru fi kliem il-Mulej: "Ħalluhom it-tfal żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx" (*Mk* 10,14). Il-Knisja Latina tagħti l-ewwel tqarbina lit-tfal malli jaslu għall-età tar-raġuni, u tfisser il-fatt li l-Magħmudija tiftaħ it-triq lejn l-Ewkaristija, billi tressaq quddiem l-artal it-tarbija li tkun għadha kemm tgħammdet biex hemm tingħad it-talba tal-*Missierna.*

1245 *Il-barka solenni* tagħlaq iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija. Fil-Magħmudija tat-trabi, il-barka tal-omm għandha post speċjali.

IV. Min jista' jitgħammed?

1246 "Kull bniedem mhux mgħammed, u hu biss, jista' jiġi mgħammed".[19]

Il-Magħmudija tal-kbar (adulti)

1247 Sa mill-bidu tal-Knisja, il-Magħmudija tal-kbar hi ċ-ċelebrazzjoni li l-aktar issir fejn it-tħabbira tal-Evanġelju tkun għadha kemm bdiet. Il-katekumenat (jiġifieri t-tħejjija għall-Magħmudija) f'dan il-każ ikollu importanza kbira, għaliex jagħti d-dħul fil-fidi u l-ħajja Nisranija u jħejji l-katekumenu biex jirċievi d-don ta' Alla fil-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u l-Ewkaristija.

1248 Il-katekumenat, jew tħejjija tal-katekumeni, bħala 1230
għan għandu li jħejji lil dawn biex iwieġbu għall-inizjattiva jew għas-sejħa ta' Alla, u, f'għaqda mal-komunità ekkleżjali, iwasslu l-konverżjoni u l-fidi tagħhom għall-iżvilupp sħiħ tagħha. Hi "formazzjoni għall-ħajja Nisranija sħiħa ... li biha d-dixxipli jingħaqdu ma' Kristu l-Imgħallem tagħhom. Il-katekumeni jridu jaslu biex ikunu jafu ... l-misteri tas-salvazzjoni, jgħixu ħajja skont l-Evanġelju u, permezz ta' riti mqaddsa, iċċelebrati fi żminijiet wieħed wara l-ieħor, jidħlu fil-ħajja tal-fidi, tal-liturġija u tal-imħabba tal-Poplu ta' Alla".[20]

1249 Il-katekumeni huma "ġa magħqudin mal-Knisja, 1259
huma ġa fid-dar ta' Kristu, u mhijiex ħaġa rari li ġa

[19] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 864. Ara *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 679.

[20] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 14; ara *Ordni għall-Inizjazzjoni Nisranija tal-Adulti*, 19 u 98.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 480-481 5/16/2014 11:28:00 AM

jkunu jgħixu ħajja ta' fidi, tama u mħabba".[21] "Il-Knisja-Omm ġa tħaddanhom bħala tagħha hija u tieħu ħsiebhom".[22]

Il-Magħmudija tat-trabi

403 1250 It-trabi, għax jitwieldu b'natura mħassra u midruba mid-dnub tan-nisel, jeħtieġu huma wkoll twelid ġdid fil-Magħmudija,[23] biex jinħelsu mis-setgħa tad-dlamijiet u jgħaddu għas-saltna tal-ħelsien ta' wlied Alla (ara *Kol* 1,12-14) li għaliha huma msejħin il-bnedmin kollha. Fil-
1996 Magħmudija tat-trabi jidher b'mod tassew ċar li l-grazzja tas-salvazzjoni tingħata kollha kemm hi b'xejn. Il-Knisja u l-ġenituri jkunu jċaħħdu lit-tarbija tagħhom mill-grazzja imprezzabbli li tkun iben Alla jekk ma jgħammduhiex ftit wara li titwieled.[24]

1251 Il-ġenituri Nsara għandhom ikunu jafu li din id-drawwa taqbel ħafna mad-dmir tagħhom li jieħdu ħsieb il-ħajja li Alla jafdalhom.[25]

1252 Id-drawwa tal-Magħmudija tat-trabi hi drawwa ġejja mill-imgħoddi mbiegħed tal-Knisja. Tissemma espliċitament fit-tieni seklu, u jista' jkun li kienet teżisti wkoll sa mill-bidu tal-predikazzjoni tal-Appostli, għax meta

[21] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 14.

[22] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 14. Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 206; 788.

[23] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel* (1546), kan. 4: DS 1514.

[24] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 867; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 681; 686 §1.

[25] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964) 11; 41; Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 774 §2; 1136.

"familja" kollha kienet tiġi mgħammda (ara *Atti* 16,15.33; 18,8; *1 Kor* 1,16), it-trabi wkoll aktarx kienu jitgħammdu.[26]

Fidi u Magħmudija

1253 Il-Magħmudija hi s-sagrament tal-fidi (ara *Mk* 1123
16,16). Iżda l-fidi teħtieġ komunità ta' nies li jemmnu. Hi fil-fidi tal-Knisja li kull Nisrani jista' jemmen. Il-fidi li tinkiseb fil-Magħmudija, mhijiex fidi perfetta li laħqet il-kobor sħiħ tagħha, imma hi bidu li hu mistenni li jiżviluppa. Lill-katekumenu jew lill-parrinuh issir din il-mistoqsija: "X'titlob 168
mill-Knisja ta' Alla?" u hu jwieġeb: "Il-fidi!".

1254 Wara l-Magħmudija, il-fidi trid tikber fl-imgħammdin kollha, kemm fit-trabi u kemm fil-kbar. Hu għalhekk li kull sena l-Knisja, fil-lejl qaddis tal-Għid, tiċċelebra t-tiġdid 2101
tal-wegħdiet tal-Magħmudija. It-tħejjija għall-Magħmudija twassal biss sal-għatba tal-ħajja l-ġdida. Il-Magħmudija hi l-għajn tal-ħajja l-ġdida fi Kristu, li minnha tfawwar il-ħajja Nisranija kollha.

1255 Biex il-grazzja tal-Magħmudija tista' tiġi 'l quddiem, l-għajnuna tal-ġenituri hi importanti ħafna. Hawn ukoll jidħol id-dmir tal-*parrinu* jew tal-*parrina,* li għandhom ikunu 1311
Nsara ta' fidi sħiħa, li jkollhom il-ħila u jkunu lesti jgħinu l-imgħammed ġdid, tarbija jew kbir li jkun, fit-triq tal-ħajja Nisranija.[27] Dmirhom hu tassew ħidma ekkleżjastika ("officium").[28] Il-komunità Nisranija kollha, minn naħa

[26] Ara Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni *Pastoralis actio (*1980), 4.

[27] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 872-874.

[28] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 67.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 482-483 5/16/2014 11:28:00 AM

tagħha, għandha sehem fir-responsabiltà għall-iżvilupp u għall-ħarsien tal-grazzja li tkun ingħatat fil-Magħmudija.

V. Min jista' jgħammed?

1239-1240 1256 Ministri ordinarji tal-Magħmudija huma l-Isqof u s-saċerdot, u, fil-Knisja Latina, id-djaknu wkoll.[29] Fil-każ ta' ħtieġa, kull persuna, ukoll persuna li mhix mgħammda, tista' tgħammed, sakemm ikollha l-intenzjoni meħtieġa[30], 1752 billi tgħid il-formula trinitarja. L-intenzjoni meħtieġa hi dik li tagħmel dak li tagħmel il-Knisja meta tgħammed. Ir-raġuni ta' dan, il-Knisja taraha fir-rieda ta' Alla li kulħadd isalva (ara *1 Tim* 2,4), u fil-ħtieġa tal-Magħmudija għas-salvazzjoni (ara *Mk* 16,16).

VI. Il-ħtieġa tal-Magħmudija

1129 1257 Il-Mulej innifsu jgħid li l-Magħmudija hi meħtieġa għas-salvazzjoni (ara *Ġw* 3,5). Hu kkmanda wkoll lid-dixxipli li jħabbru l-Evanġelju u jgħammdu lill-ġnus kollha (ara *Mt* 161; 846 28,20).[31] Il-Magħmudija hi meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dawk li lilhom tħabbar l-Evanġelju u setgħu jitolbu li jitgħammdu (ara *Mk* 16,16). Il-Knisja ma tafx b'xi mezz ieħor barra l-Magħmudija li jiżgura d-dħul fil-ħajja ta' dejjem;

[29] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 861 §1; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 677 §1.

[30] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan 861 §2.

[31] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-Sagramenti,* Kanoni dwar is-sagrament tal-Magħmudija (1547), kan. 5: DS 1618; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 14; Digriet *Ad gentes* (1965), 5.

għalhekk toqgħod attenta ħafna li ma tittraskurax il-missjoni li rċeviet mingħand il-Mulej li tagħti "twelid ġdid mill-ilma u l-Ispirtu" lil dawk kollha li jistgħu jitgħammdu. *Alla rabat is-salvazzjoni mas-sagrament tal-Magħmudija, iżda hu mhuwiex marbut bis-sagramenti tiegħu.*

1258 Minn dejjem, il-Knisja kellha konvinzjoni sħiħa li dawk li jġarrbu l-mewt minħabba l-fidi, għalkemm ma ġewx imgħammdin, jitgħammdu bil-mewt tagħhom għal Kristu u flimkien miegħu. *Il-Magħmudija tad-demm,* l-istess 2473 bħax-*xewqa tal-Magħmudija* tagħti l-frott tal-Magħmudija, għalkemm ma jkunx hemm is-sagrament.

1259 Għall-*katekumeni* li jmutu qabel jitgħammdu, ix- 1249 xewqa ċara tagħhom li jirċievu l-Magħmudija, flimkien mas-sogħba għal dnubiethom u mal-imħabba, tiżguralhom is-salvazzjoni li ma setgħux jirċievu bil-Magħmudija.

1260 "Għaliex Kristu miet għal kulħadd, u għaliex tassew waħda hi s-sejħa tal-aħħar għal kull bniedem, dik ta' Alla, għandna nemmnu li l-Ispirtu s-Santu joffri lil kulħadd, b'mod li Alla biss jafu, il-possibbiltà li jissieħeb fil-Misteru tal-Għid".[32] Kull bniedem, li ma jafx bl-Evanġelju ta' Kristu u bil- 848 Knisja tiegħu, li qed ifittex il-verità, u qed jagħmel ir-rieda ta' Alla kif jaf hu, jista' jsalva. Nistgħu nissoponu li dawn in-nies kien ikollhom *ix-xewqa espliċita tal-Magħmudija* kieku kienu jkunu jafu bil-ħtieġa tagħha.

1261 Dwar *it-trabi li jmutu mingħajr Magħmudija,* il-Knisja ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tafdahom lill-ħniena ta' Alla,

[32] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes (*1965), 22; ara Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 16; Digriet *Ad gentes* (1965), 7.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 484-485 5/16/2014 11:28:01 AM

kif tagħmel fir-rit tal-funerali tagħhom. Il-ħniena kbira ta' Alla li jrid lill-bnedmin kollha jsalvaw (ara *1 Tim* 2,4) u l-ħlewwa ta' Ġesù mat-tfal żgħar, li ġegħlitu jgħid: "Ħalluhom it-tfal żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx" (*Mk* 10,14), iġegħluna nittamaw li hemm ukoll triq għas-salvazzjoni tat-trabi li jmutu mingħajr Magħmudija. Wisq aktar hi importanti l-istedina tal-Knisja biex trabi ma jinżammux li jmorru għand Ġesù permezz tad-don tal-Magħmudija.

VII. Il-grazzja tal-Magħmudija

1262 L-effetti diversi tal-Magħmudija huma mfissrin mill-elementi li jidhru fir-rit tas-sagrament. L-inżul fl-ilma jfakkar is-simboliżmu tal-mewt u tat-tisfija, u jfakkar ukoll it-twelid ġdid u t-tiġdid. Iż-żewġ effetti ewlenin mela huma t-tisfija mid-dnubiet u t-twelid ġdid fl-Ispirtu s-Santu (ara *Atti* 2,38; *Ġw* 3,5).

Għall-maħfra tad-dnubiet ...

1263 Bil-Magħmudija, id-dnubiet kollha jinħafru, id-dnub tan-nisel u d-dnubiet personali kollha flimkien mal-pieni kollha tad-dnub.[33] F'dawk li jitwieldu mill-ġdid, ma jibqa' xejn li jżommhom milli jidħlu fis-Saltna ta' Alla, la d-dnub ta' Adam, la d-dnubiet personali, u lanqas il-konsegwenzi tad-dnub, li l-akbar waħda hi l-firda minn Alla.

1264 Iżda wara l-Magħmudija jibqgħu xi konsegwenzi temporali tad-dnub, li huma t-tbatija, il-mard, il-mewt u

[33] Ara Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Armeni* (1439): DS 1316.

n-nuqqasijiet tal-ħajja stess bħalma hi d-dgħufija tal-karattru, u l-bqija; u wkoll ċerta ġibda lejn id-dnub li t-tradizzjoni ssejjaħ *konkupixxenza,* jew metaforikament "dak li jkebbes id-dnub" ("fomes peccati"). "Imħollija fina biex niġġilduha, ma tistax tagħmel ħsara lil dawk li ma joqogħdux għaliha u bil-kuraġġ kollu jżommulha iebes permezz tal-grazzja ta' Kristu. Anzi min ikun tqabad kontrieha kif għandu jkun, jirċievi l-kuruna tal-glorja ('il-premju') (*2 Tim* 2,5)".[34]

Ħolqien ġdid

1265 Il-Magħmudija ma tnaddafniex biss mid-dnubiet kollha, imma lin-neofita, tagħmlu "ħolqien ġdid" (*2 Kor* 5,17), iben adottiv ta' Alla (ara *Gal* 4,5-7), u "[imsieħeb] fin-natura ta' Alla" (*2 Piet* 1,4), membru ta' Kristu (ara *1 Kor* 6,15; 12,27) u werriet flimkien ma' Kristu (ara *Rum* 8,17), tempju tal-Ispirtu s-Santu (ara *1 Kor* 6,19).

1266 It-Trinità Qaddisa tagħti lil min hu mgħammed il-*grazzja qaddisa (santifikanti), il-grazzja tal-ġustifikazzjoni* li:

- tagħtih il-ħila jemmen f'Alla, jittama fih u jħobbu permezz tal-*virtujiet teologali;*
- tagħtih is-setgħa li jgħix u jitmexxa fil-ħidmiet kollha tiegħu mill-Ispirtu s-Santu permezz tad-*doni tal-Ispirtu s-Santu;*
- tgħinu jikber f'dak li hu sewwa permezz tal-*virtujiet morali.*

[34] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-dnub tan-nisel* (1546), kan. 5: DS 1515.

Imdaħħlin fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu

782 1267 Il-Magħmudija tagħmilna membri tal-Ġisem ta' Kristu. "Aħna membri ta' xulxin" (*Ef* 4,25). Il-Magħmudija ddaħħalna *fil-Knisja.* Mill-fonti tal-Magħmudija jitwieled il-Poplu waħdieni ta' Alla tal-Patt il-Ġdid, poplu li jmur lil hinn mil-limiti naturali jew umani tan-nazzjonijiet, tal-kulturi, tar-razez u tas-sess: "Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed" (*1 Kor* 12,13).

1268 L-imgħammdin isiru "ġebel ħaj" għall-bini ta' "dar spiritwali, saċerdozju qaddis" (*1 Piet* 2,5). Bil-Magħmudija, l-imgħammdin jieħdu sehem mis-saċerdozju ta' Kristu, jissieħbu fil-missjoni profetika u rjali tiegħu, u huma "ġens
1141 maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex [ixandru] t-tifħir ta' dak li [sejħilhom] mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb" (*1 Piet* 2,9). *Il-Magħmudija*
784 *ssieħeb fis-saċerdozju komuni tal-fidili.*

1269 L-imgħammed, magħmul membru tal-Knisja, ma għadux aktar tiegħu nnifsu (ara *1 Kor* 6,19), imma ta' dak li miet u rxoxta għalih (ara *2 Kor* 5,15). Għalhekk hu msejjaħ biex joqgħod għall-oħrajn (ara *Ef* 5,21; *1 Kor* 16,15-16), jaqdihom (ara *Ġw* 13,12-15) fix-xirka tal-Knisja, "joqgħod" għal dawk li jmexxu l-Knisja u "jobdihom" (ara *Lh* 13,17), u jgħożżhom u jħobbhom (ara *1 Tess* 5,12-13). Jekk il-
871 Magħmudija hi għajn ta' responsabiltajiet u ta' dmirijiet, tagħti wkoll lil min hu mgħammed xi drittijiet fi ħdan il-Knisja: li jirċievi s-sagramenti, li jitmanta bil-Kelma ta' Alla u jkun sostnut mill-għajnuniet spiritwali l-oħra tal-Knisja.[35]

[35] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 37; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 208-223; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 675 §2.

1270 L-imgħammdin, "għax saru wlied Alla bit-twelid ġdid (li tathom il-Magħmudija), huma fid-dmir li jistqarru 2472 quddiem il-bnedmin il-fidi li rċevew mingħand Alla permezz tal-Knisja",[36] u jissieħbu fil-ħidma Appostolika u missjunarja tal-Poplu ta' Alla.[37]

Ir-rabta sagramentali tal-għaqda tal-Insara

1271 Il-Magħmudija hi l-pedament tal-għaqda bejn 818; 838 l-Insara kollha, bejn dawk ukoll li għad mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika. "Dawk kollha li jemmnu fi Kristu u huma mgħammdin validament, huma ġa magħqudin, għalkemm mhux perfettament, mal-Knisja Kattolika ... Ġustifikati permezz tal-fidi li rċevew fil-Magħmudija, imseħbin fil-Ġisem ta' Kristu, bir-raġun kollu jistgħu jġibu l-isem ta' Nsara, u l-ulied tal-Knisja Kattolika jagħrfuhom bid-dritt kollu bħala ħuthom fil-Mulej".[38] Il-Magħmudija hi għalhekk *ir-rabta sagramentali tal-għaqda* li hemm bejn dawk kollha li twieldu mill-ġdid permezz ta' Kristu".[39]

Siġill spiritwali li ma jitħassar qatt ...

1272 Min hu mgħammed, għax imsieħeb fil-Ġisem ta' Kristu, hu xebh ma' Kristu (ara *Rum* 8,29). Il-Magħmudija 1121 tissiġilla lin-Nisrani b'siġill spiritwali li ma jitħassar qatt *(il-karattru),* li juri li hu ta' Kristu. Dan is-siġill ma

[36] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[37] Ara *ibid*., 17; Digriet *Ad gentes* (1965), 7; 23.

[38] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 3.

[39] *Ibid*., 22.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 488-489 5/16/2014 11:28:01 AM

jitħassarx bl-ebda dnub, ukoll jekk id-dnub ma jħallix li l-Magħmudija tagħti l-frott tas-salvazzjoni.[40] Mogħtija darba għal dejjem, il-Magħmudija ma tistax tingħata għat-tieni darba.

1273 L-Insara, imseħbin fil-Knisja permezz tal-Magħmudija, jirċievu l-karattru tas-sagrament li jikkonsagrahom għall-qima reliġjuża Nisranija.[41] Is-siġill tal-Magħmudija jagħti l-ħila u jimpenja lill-Insara biex jieħdu sehem attiv fil-liturġija mqaddsa tal-Knisja u biex jaqdu s-saċerdozju li rċevew fil-Magħmudija permezz tax-xhieda ta' ħajja qaddisa u ta' mħabba bil-fatti.[42]

1274 Is-*siġill tal-Mulej (Dominicus character)*[43] hu s-siġill li bih l-Ispirtu s-Santu mmarkana "għal jum il-fidwa" (*Ef* 4,30; ara *Ef* 1,13-14; *2 Kor* 1,21-22). "Il-Magħmudija hi s-siġill tal-ħajja ta' dejjem".[44] In-Nisrani li "jgħożż is-siġill" sal-aħħar, jiġifieri li jibqa' dejjem fidil għal dak li titlob minnu l-Magħmudija, jista' jimxi 'l quddiem "bis-sinjal tal-fidi" li ħa fil-Magħmudija[45] waqt li jistenna d-dehra hienja ta' Alla – il-milja tal-fidi – fit-tama tal-qawmien mill-imwiet.

Fil-qosor

1275 *Id-dħul fil-ħajja Nisranija jseħħ permezz ta' tliet sagramenti flimkien: il-Magħmudija li hi l-bidu tal-ħajja ġdida, il-Konfermazzjoni li twettaq din il-ħajja ġdida, u l-Ewkaristija li tmantni d-dixxiplu ta' Kristu bil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej biex jinbidlu fih.*

1276 *"Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien"* (*Mt* 28,19-20).

1277 *Il-Magħmudija hi twelid għall-ħajja ġdida fi Kristu. Hi meħtieġa għas-salvazzjoni, kif hi meħtieġa l-Knisja li fiha wieħed jidħol permezz tal-Magħmudija, għax din hi r-rieda tal-Mulej.*

1278 *Ir-rit essenzjali tal-Magħmudija hu li l-kandidat għaliha jitniżżel taħt l-ilma jew li jissawwab l-ilma fuq rasu, waqt li tissemma t-Trinità Qaddisa, jiġifieri l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*

1279 *Il-frott tal-Magħmudija hu l-grazzja li tagħti l-Magħmudija; hi realtà ta' għana liema bħalu, għax iġġib: il-maħfra tad-dnub tan-nisel u tad-dnubiet kollha personali; it-twelid għal ħajja ġdida li biha l-bniedem isir iben adottiv ta' Alla l-Missier, membru ta' Kristu, u tempju tal-Ispirtu s-Santu. Propju għax mgħammed, jissieħeb fil-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu, u jkollu sehem fis-saċerdozju ta' Kristu.*

1280 *Il-Magħmudija tħalli fir-ruħ sinjal spiritwali li ma jitħassar qatt, il-karattru li jikkonsagra lil min hu mgħammed għall-kult tar-reliġjon Nisranija.*

[40] Ara Konċilju ta' Trento: *Digriet dwar is-Sagramenti*, Kanoni dwar is-Sagramenti u kanoni dwar il-Magħmudija (1547): DS 1609; 1619.
[41] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.
[42] Ara *ibid*., 10.
[43] Santu Wistin, *Ittra* 98, 5: PL 33, 362.
[44] San Irinew, *Turija tal-Predikazzjoni Appostolika*, 3.
[45] *Missal Ruman*, Kanone Ruman.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 490-491 5/16/2014 11:28:01 AM

Minħabba dan il-karattru, il-Magħmudija ma tistax tingħata għat-tieni darba.[46]

1281 *Dawk li tingħatalhom il-mewt minħabba l-fidi, il-katekumeni u l-bnedmin kollha li mqanqla mill-grazzja, mingħajr ma jkunu jafu bil-Knisja, ifittxu bis-sinċerità kollha lil Alla u jħabirku biex jagħmlu r-rieda tiegħu, jistgħu huma wkoll isalvaw jekk ma jkunux irċevew il-Magħmudija.*[47]

1282 *Sa mill-eqdem żminijiet, il-Magħmudija dejjem ingħatat lit-trabi, għax hi grazzja u don ta' Alla li ma jitlobx li jkun hemm merti tal-bniedem; it-trabi jitgħammdu fil-fidi tal-Knisja. Id-dħul fil-ħajja Nisranija jwassal għall-ħelsien veru.*

1283 *Dwar it-trabi li jmutu mhux imgħammdin, il-liturġija tal-Knisja tistedinna nafdaw fil-ħniena ta' Alla, u nitolbuh għas-salvazzjoni tagħhom.*

1284 *F'każ ta' ħtieġa, kulħadd jista' jgħammed, basta jkollu l-intenzjoni li jagħmel dak li tagħmel il-Knisja, u jsawwab l-ilma fuq ras il-kandidat għall-Magħmudija, huwa u jgħid: "Jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu".*

[46] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-Sagramenti*, Kanoni dwar is-Sagramenti u Kanoni dwar il-Magħmudija (1547): DS 1609; 1624.

[47] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 16.

It-tieni artiklu

IS-SAGRAMENT TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF JEW KONFERMAZZJONI

1285 Flimkien mal-Magħmudija u mal-Ewkaristija, is-sagrament tal-Konfermazzjoni jagħmel dak li flimkien huma "is-sagrament tad-dħul fil-ħajja Nisranija"; din ir-rabta ta' dawn it-tliet sagramenti trid tiġi mħarsa sewwa. Għalhekk jeħtieġ li l-Insara jiġu mgħallmin dwar il-ħtieġa li jirċievu s-sagrament tal-Konfermazzjoni ħalli l-grazzja tal-Magħmudija tiġi msaħħa.[48] Dan għaliex "permezz tal-Konfermazzjoni, ir-rabta tal-imgħammdin mal-Knisja ssir aktar perfetta, huma jistagħnew b'qawwa speċjali mill-Ispirtu s-Santu, u hekk jiġu impenjati aktar biex ixandru u jħarsu l-fidi bil-kliem u bl-għemil bħala veri xhieda ta' Kristu".[49]

I. Il-Konfermazzjoni fil-Pjan tas-salvazzjoni

1286 Fit-*Testment il-Qadim*, il-profeti ħabbru li l-Ispirtu tal-Mulej kellu jistrieħ fuq il-Messija mistenni (ara *Is* 11,2) minħabba l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni (ara *Lq* 4,16-22; *Is* 61,1). Il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq Ġesù fil-Magħmudija tiegħu minn Ġwanni kien is-sinjal li hu kien dak li kellu jiġi, li hu kien il-Messija, l-Iben ta' Alla (ara *Mt* 3,13-17; *Ġw* 1,33-34). Imnissel mill-Ispirtu s-Santu, ħajtu kollha u l-missjoni kollha tiegħu seħħew 702-716

[48] Ara *Pontifikal Ruman*, Ordni għall-Griżma, Tagħrif ta' qabel, 1.

[49] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11; ara Ordni għall-Griżma, Tagħrif ta' qabel, 2.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 492-493 5/16/2014 11:28:01 AM

f'għaqda sħiħa mal-Ispirtu s-Santu li l-Missier tah "bla kejl" (*Ġw* 3,34).

1287 Iżda, din il-milja tal-Ispirtu s-Santu ma kellhiex tibqa' biss għall-Messija; kellha tingħata lill-*poplu messjaniku kollu* (ara *Eżek* 36,25-27; *Ġoel* 3,1-2). Kemm-il darba Kristu wiegħed dan l-għoti tal-Ispirtu s-Santu (ara *Lq* 12,12; *Ġw* 3,5-8; 7,37-39; 16,7-15; *Atti* 1,8), wegħda li Hu wettaq l-ewwel nhar l-Għid (*Ġw* 20,22) u mbagħad b'mod aktar tal-għaġeb, nhar Għid il-Ħamsin (ara *Atti* 2,1-4). Mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, l-Appostli bdew ixandru "l-għeġubijiet ta' Alla" (*Atti* 2,11) u Pietru ħabbar li dak l-għoti tal-Ispirtu s-Santu kien is-sinjal ta' żmien il-Messija (ara *Atti* 2,17-18). Dawk li dakinhar emmnu kliem l-Appostli u tgħammdu, irċevew huma wkoll l-Ispirtu s-Santu (ara *Atti* 2,38).

1288 "Minn dak iż-żmien l-Appostli biex jagħmlu dak li riedhom Kristu, taw lill-imgħammdin ġodda, bit-tqegħid tal-idejn, id-don tal-Ispirtu li wassal għas-sħuħija l-grazzja tal-Magħmudija (ara *Atti* 8,15-17; 19,5-6). Hu għalhekk li fl-Ittra lil-Lhud, insibu, fost l-elementi ewlenin tal-katekeżi Nisranija, tagħlim dwar il-Magħmudija u t-tqegħid tal-idejn (ara *Lh* 6,2). It-tradizzjoni Kattolika bir-raġun kollu tqis it-tqegħid tal-idejn bħala l-ewwel oriġini tas-sagrament tal-Konfermazzjoni, li b'xi mod, fil-Knisja tkompli l-grazzja ta' Għid il-Ħamsin".[50]

1289 Kmieni ħafna fiż-żmien, biex jiġi mfisser aħjar id-don tal-Ispirtu s-Santu, mat-tqegħid tal-idejn żdied id-dlik

[50] Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika *Divinae consortium naturae* (1971).

biż-żejt tal-griżma. Dan id-dlik juri xi jfisser l-isem "Nisrani – Kristjan"; ifisser "midluk" jew "irċieva d-dilka", u dan ġej minn Kristu, li "Alla kkonsagra[h] (dilku) ... bl-Ispirtu s-Santu" (*Atti* 10,38), jiġifieri tah id-dilka tal-Ispirtu s-Santu. Dan ir-rit tad-dlik jew unzjoni għadu jeżisti sal-lum kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent. Għalhekk fil-Lvant dan is-sagrament jissejjaħ *Chrismatio,* jiġifieri dilka biż-żejt tal-griżma, li l-Griegi jsejħulu *myron.* F'pajjiżna jissejjaħ Griżma tal-Isqof, iżda jkun aħjar jekk jissejjaħ Konfermazzjoni, kif jissejjaħ fil-Punent: kelma li turi li dan is-sagrament iwettaq jew jikkonferma s-sagrament tal-Magħmudija u jsaħħaħ il-grazzja tal-Magħmudija – dan kollu huwa l-frott tal-Ispirtu s-Santu.

Żewġ tradizzjonijiet: il-Lvant u l-Punent

1290 Fl-ewwel sekli, il-Konfermazzjoni ġeneralment kienet ċelebrazzjoni waħda flimkien mal-Magħmudija, hekk li ż-żewġ sagramenti flimkien, fi kliem San Ċiprijanu[51] kienu jiffurmaw "sagrament doppju". Iżda għax, fost ħafna raġunijiet oħra il-Magħmudijiet tat-tfal li bdew jiżdiedu ħafna u jsiru tul is-sena kollha, it-tkattir tal-parroċċi fil-kampanja u t-tkabbir tad-djoċesijiet ma ppermettewx aktar li l-Isqof ikun preżenti għaċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Magħmudija, fil-Punent, għax kien hemm ix-xewqa li jkun l-Isqof li jwassal għall-milja tal-grazzja tal-Magħmudija, iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni ġiet mifruda minn dik tal-Magħmudija, waqt li l-Knejjes tal-Lvant żammew ċelebrazzjoni waħda għaż-żewġ sagramenti, u l-Konfermazzjoni bdiet tingħata mis-saċerdot li jgħammed. Iżda s-saċerdot irid jagħti s-sagrament bid-dlik bil-*myron* li jrid ikun dejjem ikkonsagrat minn Isqof.[52]

1291 Drawwa tal-Knisja ta' Ruma ħaffet l-iżvilupp li seħħ fil-Punent: fil-Knisja ta' Ruma, kif jitgħammed, in-neofitu kien jirċievi żewġ dilkiet biż-żejt tal-griżma; waħda minnufih wara l-Magħmudija u din id-dilka kienet

[51] San Ċiprijanu, *Ittra* 73, 21: PL 3, 1169.

[52] Ara *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 695 §1; 696 §1.

tingħata mis-saċerdot li jgħammed, u l-oħra magħmula mill-Isqof fuq ġbin l-imgħammdin kollha.[53] L-ewwel dilka biż-żejt tal-griżma, dik li kien jagħmel is-saċerdot, baqgħet fir-rit tal-Magħmudija u tfisser it-tisħib tal-imgħammed fil-missjoni profetika, saċerdotali u regali ta' Kristu. Fil-Magħmudija tal-kbar ma tingħatax din id-dilka tal-Magħmudija, tingħata biss id-dilka tal-Konfermazzjoni.

1244 1292 L-użu tal-Knejjes tal-Lvant juri sewwa r-rabta li hemm bejn it-tliet sagramenti tal-inizjazzjoni Nisranija. Id-drawwa tal-Knisja Latina tfisser b'mod aktar ċar ir-rabta tan-Nisrani ġdid mal-Isqof tiegħu, li hu l-qaddej u d-difensur tal-għaqda tal-Knisja tiegħu, tal-kattoliċità u l-appostoliċità tagħha, u, għalhekk, ir-rabta tagħha mal-bidu Appostoliku tal-Knisja ta' Kristu.

II. Is-sinjali u r-rit tal-Konfermazzjoni

1293 Fir-rit ta' dan is-sagrament jaqbel inqisu s-sinjal tad-dilka u dak li d-dilka turi u tagħti: *is-siġill* spiritwali.

695 *Id-dilka,* fis-simboliżmu tal-Iskrittura u fis-simboliżmu tal-antik għandha ħafna tifsiriet: iż-żejt hu sinjal ta' abbundanza (ara *Dewt* 11,14 u l-bqija), ta' ferħ u hena (ara *Salm* 23,5; 104,15); iż-żejt inaddaf (dlik biż-żejt qabel u wara banju); iż-żejt iħoll in-nervituri tal-ġisem u jagħmlu aktar flessibbli (id-dlik tal-atleti u l-ġellieda); iż-żejt hu sinjal ta' fejqan, għax itaffi t-tbenġil u l-ġrieħi (ara *Is* 1,6; *Lq* 10,34), u jagħmel aktar jiddu l-ġmiel, is-saħħa u l-qawwa.

1152 1294 Dan it-tifsir kollu tad-dlik biż-żejt insibuh fil-ħajja sagramentali. Id-dlik qabel il-Magħmudija biż-żejt tal-katekumeni jfisser safa u saħħa; id-dlik tal-morda jfisser fejqan u faraġ. Id-dlik taż-żejt tal-griżma wara l-Magħmudija, u fil-Konfermazzjoni u fl-Ordinazzjoni hu sinjal ta'

[53] Ara San Ippolitu, *It-Tradizzjoni Appostolika*, 21.

konsagrazzjoni. Permezz tal-Konfermazzjoni, l-Insara (Kristjani), jiġifieri dawk li ħadu d-dilka, huma mseħbin aktar fil-missjoni ta' Kristu u fil-milja tal-Ispirtu s-Santu li bih huma mimlija, biex il-ħajja kollha tagħhom ixxerred "il-fwieħa [ta' Kristu]" (*2 Kor* 2,15).

1295 B'din id-dilka, min jirċievi s-sagrament tal- 698
Konfermazzjoni, jirċievi "il-marka", *is-siġill* tal-Ispirtu s-Santu. Is-siġill hu l-marka tal-persuna (ara *Ġen* 38,18; *Għan* 8,6), is-sinjal tal-awtorità tal-persuna (ara *Ġen* 41,42) u tas-setgħa tal-persuna fuq xi ħaġa (ara *Dewt* 32,34) – lis-suldati kienu jimmarkawhom bis-siġill tal-kmandant tagħhom, u l-ilsiera wkoll bis-siġill ta' sidhom; is-siġill juri li att ġuridiku hu awtentiku (ara *1 Slat* 21,8), jew dokument hu awtentiku (ara *Ġer* 32,10) u jekk ikun il-każ jagħmlu dokument sigriet (ara *Is* 29,11).

1296 Kristu stess jgħid li hu mmarkat bis-siġill tal-Missier (ara *Ġw* 6,27). In-Nisrani, hu wkoll, hu mmarkat b'siġill: 1121
Alla "hu li wettaq kemm lilkom u kemm lilna fi Kristu, li kkonsagrana għalih innifsu; hu li ssiġillana wkoll bis-siġill tiegħu, u tana b'rahan l-Ispirtu fi qlubna" (*2 Kor* 1,21-22; ara *Ef* 1,13; 4,30). Dan is-siġill tal-Ispirtu juri li aħna kollna kemm aħna ta' Kristu, u qegħdin dejjem għall-qadi tiegħu; iżda hu wkoll wegħda tal-ħarsien ta' Alla meta tasal il-prova l-kbira tal-aħħar, il-prova eskatoloġika (ara *Apok* 7,2-3; 9,4; *Eżek* 9,4-6).

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni

1297 Mument importanti ħafna li jiġi qabel iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni, iżda li b'xi mod hu parti minnha, hija *l-konsagrazzjoni taż-żejt tal-griżma.* Hu l-Isqof, li nhar Ħamis 1183
ix-Xirka, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Griżma,

1241 jikkonsagra ż-żejt tal-griżma għad-djoċesi kollha tiegħu. Fil-Knejjes tal-Lvant, din il-konsagrazzjoni hi riservata lill-Patrijarka:

> Il-liturġija ta' Antjokja għandha din l-epiklesi għall-konsagrazzjoni taż-żejt tal-griżma *(myron)*: "Missier ... ibgħat l-Ispirtu s-Santu fuqna u fuq dan iż-żejt li għandna quddiemna, u kkonsagrah, biex ikun għal dawk kollha li jiġu midlukin u mmarkati bih, *myron* qaddis, *myron* saċerdotali, *myron* regali, dilka ta' hena, libsa ta' dawl, mantar ta' salvazzjoni, don spiritwali, qdusija tar-ruħ u l-ġisem, tjieba li ma tintemm qatt, siġill li ma jitħassar qatt, tarka tal-fidi u elmu tal-biża' kontra l-għemejjel kollha tal-Għadu".[54]

1298 Meta ċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni ssir għaliha u mhux mal-Magħmudija, kif hi d-drawwa fir-rit Ruman, il-liturġija tal-Konfermazzjoni tibda bit-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija u bl-istqarrija tal-fidi ta' dawk li se jirċievu s-sagrament. Dan juri b'mod ċar li l-Konfermazzjoni postha hu wara l-Magħmudija.[55] Meta wieħed adult jitgħammed, jirċievi minnufih l-Konfermazzjoni u jieħu sehem mill-Ewkaristija.[56]

1299 Fir-rit Ruman, l-Isqof jifrex idu fuq il-ġemgħa kollha ta' dawk li se jirċievu s-sagrament, ġest li, sa minn żmien l-Appostli, hu sinjal tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu. Hu l-Isqof li jitlob li jingħata l-Ispirtu s-Santu:

> O Alla li tista' kollox, Missier Sidna Ġesù Kristu, int tajt twelid ġdid lil dawn il-qaddejja tiegħek mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu u ħlisthom
1831 minn dnubiethom; ibgħat fuqhom, Mulej, l-Ispirtu s-Santu, id-Difensur; agħtihom l-ispirtu tal-għerf u d-dehen, l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa, l-ispirtu tax-xjenza u l-pjetà; imliehom bl-ispirtu tal-biża' tiegħek. Bi Kristu Sidna.[57]

1300 Jiġi mbagħad *ir-rit essenzjali* tas-sagrament. Fir-rit Latin, "is-sagrament tal-Konfermazzjoni jingħata permezz

[54] *Liturġija Siro-Antjokena*, Epiklesi għall-konsagrazzjoni taż-żejt tal-griżma.

[55] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 71.

[56] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 866

[57] *Pontifikal Ruman*, Ordni għall-Griżma, 25.

tad-dlik biż-żejt tal-griżma fuq il-ġbin, magħmul bit-tqegħid tal-id, waqt li jingħad il-kliem: 'Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu 699
s-Santu'".[58] Fil-Knejjes tal-Lvant ta' rit Biżantin, wara t-talba tal-epiklesi, isir id-dlik bil-*myron* tal-partijiet l-aktar importanti tal-ġisem: il-ġbin, l-għajnejn, l-imnifsejn, il-widnejn, ix-xufftejn, is-sider, id-dahar, l-idejn u s-saqajn u kull dilka hi msieħba mal-kliem: 'is-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu'.[59]

1301 Il-bewsa tal-paċi li biha tagħlaq iċ-ċelebrazzjoni tfisser u turi l-għaqda fil-Knisja mal-Isqof u mal-Insara kollha.[60]

III. L-effetti tal-Konfermazzjoni

1302 Fiċ-ċelebrazzjoni jidher ċar li l-effett tas-sagrament tal-Konfermazzjoni hu għoti speċjali tal-Ispirtu s-Santu, kif darba ngħata lill-Appostli nhar Għid il-Ħamsin. 731

1303 Il-Konfermazzjoni twassal biex il-grazzja tal-Magħmudija tiżdied u tissaħħaħ aktar u tidħol aktar fil-fond: 1262-1274

— tniżżel fina aktar fil-fond l-għeruq tagħna, bħala wlied Alla, biex dejjem aktar inkunu nistgħu nsejħu lil Alla "Abba! Missier!" (*Rum* 8,15);

[58] Għall-formula tar-Rit Latin: Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika *Divinae consortium naturae* (1971): "Accipe signaculum doni Spiritus Sancti."

[59] Għall-formula tar-Rit Biżantin: *Ritwal għall-Knejjes Orjentali ta' Rit Biżantin fl-ilsien Grieg,* l-ewwel Parti: "Spragis doreas pneumatos hagiou".

[60] Ara San Ippolitu, *It-Tradizzjoni Appostolika,* 21.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 498-499 5/16/2014 11:28:02 AM

— tgħaqqadna b'mod aktar sħiħ ma' Kristu;

— tkattar fina d-doni tal-Ispirtu s-Santu;

— tagħmel aktar perfetta r-rabta tagħna mal-Knisja[61];

— tagħtina "qawwa speċjali mill-Ispirtu s-Santu" biex "inxandru u niddefendu l-fidi bil-kliem u bl-għemil bħala xhieda tassew ta' Kristu", biex "bil-kuraġġ kollu
2044 nistqarru l-isem ta' Kristu", u biex qatt ma nistħu missalib tiegħu.[62]

> Ftakar mela li int irċevejt is-sinjal spiritwali, l-ispirtu tal-għerf u tad-dehen, l-ispirtu tal-għaqal u tal-qawwa, l-ispirtu tax-xjenza u tal-pjetà, l-ispirtu tal-biża' qaddis, ħarsien ta' dak li rċevejt. Alla l-Missier immarkak bis-siġill tiegħu, Kristu l-Mulej wettqek u qiegħed f'qalbek ir-rahan tal-Ispirtu.[63]

1304 Bħall-Magħmudija, li tagħha hi s-sħuħija, il-Konfermazzjoni tista' tingħata darba biss. Dan għaliex
1121 il-konfermazzjoni tħalli fir-ruħ *marka spiritwali li ma titħassar qatt,* "il-karattru"[64] li hu s-sinjal li Ġesù Kristu mmarka n-Nisrani bis-siġill tal-Ispirtu tiegħu u libbsu b'qawwa mis-sema ħa jkun xhud tiegħu (ara *Lq* 24, 48-49).

1268 1305 Il-"karattru" jagħmel aktar perfett is-saċerdozju komuni tal-Insara, li ngħata fil-Magħmudija, u dak li jkun irċieva s-sagrament tal-Konfermazzjoni jkollu l-qawwa li

[61] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[62] Ara Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Armeni* (1439): DS 1319; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11; 12.

[63] San Ambroġ, *Dwar il-Misteri Qaddisa*, 7, 42: PL 16, 402-403.

[64] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-Sagramenti*, Kanoni dwar is-Sagramenti, kan. 9 (1547): DS 1609.

jistqarr il-fidi ta' Kristu quddiem id-dinja, bħallikieku dan kien dmir l-uffiċċju tiegħu *(quasi ex officio)*.[65]

IV. Min jista' jirċievi dan is-sagrament?

1306 L-imgħammdin kollha li ma jkunux irċevew is-sagrament tal-Konfermazzjoni jistgħu u għandhom jirċievu dan is-sagrament.[66] Il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u
1212 l-Ewkaristija flimkien jagħmlu għaqda bejniethom, għalhekk "il-fidili huma obbligati jirċievu dan is-sagrament f'waqtu"[67], għaliex mingħajr il-Konfermazzjoni u l-Ewkaristija, is-sagrament tal-Magħmudija, iva, jiswa, u jġib l-effetti tiegħu, iżda d-dħul fil-ħajja Nisranija ma jseħħx għal kollox.

1307 Għal bosta sekli, id-drawwa Latina qieset "l-età tar-raġuni" bħala ż-żmien li fih għandha tingħata l-Konfermazzjoni.

> F'periklu ta' mewt, is-sagrament għandu jingħata wkoll jekk wieħed ma jkunx għadu wasal fl-età tar-raġuni.[68]

1308 Xi kultant jingħad li l-Konfermazzjoni hi s-sagrament tal-"maturità Nisranija", iżda dan ma għandux iwassalna biex ngħidu li wieħed jilħaq il-maturità sħiħa fil-fidi meta jilħaq il-maturità sħiħa tiegħu bħala bniedem (l-età ta' wieħed adult fil-fidi mhijiex l-età ta' adult bħala bniedem); dan għaliex ma għandniex ninsew li l-grazzja tal-Magħmudija hi grazzja ta' għażla li Alla jagħmel minn rajh mingħajr ebda mertu tagħna,
1250 u għalhekk ma teħtieġ ebda "ratifika" biex tibda sseħħ. Dan ifakkru San Tumas:

[65] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, III, 72, 5, 2.

[66] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 889 §1.

[67] *Ibid*., kan. 890.

[68] *Ibid*., kan. 891; 883, 3˚.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 500-501 5/16/2014 11:28:02 AM

> L-età tal-ġisem ma għandhiex tkun ta' tfixkil u ta' preġudizzju għarruħ. Għalhekk fit-tfulija wkoll, il-bniedem jista' jilħaq il-perfezzjoni tal-għomor spiritwali li fuqu jitkellem il-Ktieb tal-Għerf (4,8): "Ix-xjuħija ta' ġieħ mhijiex dik tal-għomor twil, u lanqas titqies min-numru tas-snin". Hu għalhekk li ħafna tfal, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li kienu rċevew, tqabdu bil-kuraġġ kollu sat-tixrid ta' demmhom għal Kristu.[69]

1309 *It-tħejjija* għall-Konfermazzjoni trid tfittex li twassal lin-Nisrani għal għaqda aktar intima ma' Kristu, għall-familjarità aktar ħajja mal-Ispirtu s-Santu, mal-ħidma, id-doni u s-sejħat tiegħu, biex wieħed ikun jista' aktar jidħol għar-responsabiltajiet appostoliċi tal-ħajja Nisranija. Minħabba f'dan, il-katekeżi tal-Konfermazzjoni trid tfittex li twassal lil dawk li se jirċievu s-sagrament ħa jħossu tassew li huma membri tal-Knisja ta' Kristu, kemm tal-Knisja universali u kemm tal-komunità parrokkjali. Min qed iħejji lil dawk li se jirċievu s-sagrament għandu responsabiltà partikulari biex iwassalhom ħa jħossu li huma parti mill-komunità parrokkjali.[70]

1310 Min jirċievi s-sagrament tal-Konfermazzjoni jrid ikun fil-grazzja ta' Alla; jaqbel għalhekk li jfittex is-sagrament tal-Penitenza biex jissaffa minn dnubietu ħa jirċievi d-don tal-
2670 Ispirtu s-Santu. Talb aktar imħeġġeġ għandu jħejji lil dawk li se jirċievu l-Konfermazzjoni biex jilqgħu l-qawwa u l-grazzji tal-Ispirtu s-Santu, ħa jkunu dejjem lesti li joqogħdu għal dak li jitlobhom u jagħmlu dak li jrid minnhom (ara *Atti* 1,14).

1311 Għall-Konfermazzjoni, il-kandidati għandhom ifittxu
1255 li jkollhom l-għajnuna spiritwali ta' *parrinu* jew ta' *parrina,* l-istess bħalma jiġri fil-Magħmudija. Jaqbel li dawn ikunu

[69] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, III, 72, 8, 2.

[70] Ara *Pontifikal Ruman,* Ordni għall-Griżma, Tagħrif ta' qabel, 3.

dawk stess tal-Magħmudija biex tidher ċara r-rabta li hemm bejn iż-żewġ sagramenti.[71]

V. Il-Ministru tal-Konfermazzjoni

1312 *Il-ministru oriġinarju* tal-Konfermazzjoni hu l-Isqof.[72]

Fil-*Lvant,* bħala regola, is-saċerdot li jgħammed 1233
jagħti wkoll minnufih il-Konfermazzjoni fl-istess ċelebrazzjoni waħda. Iżda juża ż-żejt tal-griżma kkonsagrat mill-Patrijarka jew l-Isqof, u dan juri l-għaqda appostolika fil-Knisja, li r-rabtiet tagħha jissaħħu permezz tas-sagrament tal-Konfermazzjoni. Fil-Knisja Latina, hemm din l-istess dixxiplina fil-Magħmudijiet tal-adulti jew meta wieħed mgħammed f'komunità Nisranija mhux Kattolika li fiha ma jingħatax validament is-sagrament tal-Konfermazzjoni, jiġi biex jidħol fl-għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika.[73]

1313 *Fir-rit Latin*, il-ministru ordinarju hu l-Isqof.[74] Meta 1290
jkun meħtieġ, l-Isqof jista' jagħti lil xi saċerdoti l-fakultà li jamministraw is-Sagrament tal-Konfermazzjoni.[75] Iżda dejjem jixraq, u dan minħabba t-tifsir stess taċ-ċelebrazzjoni, li jkun l-Isqof li jagħti dan is-sagrament, għax m'għandux jinsa li ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Konfermazzjoni nfirdet minn dik tal-Magħmudija propju biex ikun l-Isqof li jamministraha. L-Isqfijiet huma s-suċċessuri tal-Appostli: huma rċevew il-milja tas-sagrament tal-Ordni.

[71] Ara *ibid*., Tagħrif ta' qabel, 5; 6; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 893 §1-2.

[72] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 26.

[73] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 883, 2˚.

[74] Ara *ibid*., kan. 882.

[75] *Ibid.,* kan. 884 §2.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 502-503 5/16/2014 11:28:02 AM

L-amministrazzjoni tas-sagrament tal-Konfermazzjoni mill-Isqof turi sewwa li l-effett tas-sagrament hu li jgħaqqad lil
1285 dawk li jirċevuh b'rabta aktar qawwija mal-Knisja, mal-bidu tagħha mill-Appostli u mal-missjoni tagħha li tagħti xhieda għal Kristu.

1314 Jekk Nisrani hu fil-periklu tal-mewt, kull saċerdot
1307 jista' jagħtih is-sagrament tal-Konfermazzjoni.[76] Dan għaliex il-Knisja trid li l-ebda wieħed minn uliedha, ukoll jekk l-iċken, joħroġ minn din id-dinja mingħajr ma jkun laħaq il-perfezzjoni permezz tal-Ispirtu s-Santu bid-don tal-milja ta' Kristu.

Fil-qosor

1315 *"L-appostli, li kienu Ġerusalemm, semgħu li s-Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, u bagħtu hemm lil Pietru u 'l Ġwanni. Dawn niżlu hemm u talbu biex dawk li emmnu jirċievu l-Ispirtu s-Santu; għax l-Ispirtu s-Santu kien għadu ma niżel fuq ħadd minnhom, imma kienu tgħammdu biss f'isem il-Mulej Ġesù. Imbagħad l-appostli qiegħdu jdejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu"* (*Atti* 8,14-17).

1316 *Il-Konfermazzjoni twassal għall-perfezzjoni l-grazzja tal-Magħmudija; hi s-sagrament li jagħti l-Ispirtu s-Santu biex aħna nniżżlu aktar fil-fond l-għeruq tagħna bħala wlied Alla, biex ningħaqdu b'mod aktar sħiħ ma' Kristu, biex insaħħu dejjem aktar l-għaqda tagħna mal-Knisja, biex nissieħbu aħjar fil-missjoni tagħha u jkollna l-għajnuna biex nagħtu xhieda tal-fidi Nisranija bil-kliem u bl-għemil.*

[76] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 883, 3˚.

1317 *Bħall-Magħmudija, il-Konfermazzjoni tħalli fir-ruħ tan-Nisrani sinjal spiritwali jew karattru li ma jitħassar qatt; għalhekk dan is-sagrament jingħata darba biss.*

1318 *Fil-Lvant, dan is-sagrament jingħata minnufih wara l-Magħmudija; u mbagħad minnufih ukoll tiġi l-Ewkaristija, tradizzjoni li turi liema rabta kbira hemm bejn dawn it-tliet sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija. Fil-Knisja Latina, dan is-sagrament jingħata lil min ikun wasal "fl-età tar-raġuni", u bħala regola, jiġi amministrat mill-Isqof, biex hekk jidher li dan is-sagrament isaħħaħ ir-rabtiet mal-Knisja.*

1319 *Kandidat għall-Konfermazzjoni li laħaq l-età tar-raġuni, irid jistqarr il-fidi, ikun fil-grazzja ta' Alla, ikollu l-intenzjoni li jirċievi s-sagrament u jkun lest jidħol għad-dmir ta' dixxiplu tal-Mulej u xhud ta' Kristu, fi ħdan il-komunità tal-Knisja u fid-dinja.*

1320 *Ir-rit essenzjali tal-Konfermazzjoni hu d-dlik biż-żejt tal-griżma fuq il-ġbin ta' min hu mgħammed* (fil-Lvant id-dlik isir ukoll fuq partijiet oħra tal-ġisem), *bit-tqegħid ta' idejn il-ministru u l-kliem: "Accipe signaculum doni Spiritus Sancti", "Ħu s-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu" fir-Rit Ruman; u "Signaculum doni Spiritus Sancti", "Is-siġill tad-don tal-Ispirtu s-Santu" fir-Rit Biżantin.*

1321 *Meta l-Konfermazzjoni ma tingħatax flimkien mal-Magħmudija, ir-rabta tagħha mal-Magħmudija tintwera bit-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, u b'modi oħra wkoll. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni waqt il-Liturġija Ewkaristika tgħin biex turi l-għaqda li hemm bejn is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija.*

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 504-505 5/16/2014 11:28:02 AM

It-tielet artiklu

IS-SAGRAMENT TAL-EWKARISTIJA

1212 1322 L-Ewkaristija Mqaddsa tagħlaq ir-riti tad-dħul fil-ħajja Nisranija. Dawk li kisbu d-dinjità tas-saċerdozju regali permezz tal-Magħmudija u saru xebh ma' Kristu bil-Konfermazzjoni, permezz tal-Ewkaristija jissieħbu flimkien mal-komunità kollha fis-sagrifiċċju stess tal-Mulej.

1323 "Il-Feddej tagħna, fl-Aħħar Ikla tiegħu, fil-lejl li ġie ttradut, waqqaf is-sagrifiċċju ewkaristiku tal-Ġisem u tad-Demm tiegħu biex ikompli s-sagrifiċċju tiegħu tas-salib tul iż-żminijiet sa ma jerġa' jiġi, u biex iħalli f'idejn il-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, it-tifkira tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet: sagrament ta' tjieba, sinjal ta' għaqda u
1402 rabta ta' mħabba, l-ikla tar-rahan tal-ħajja ta' dejjem".[77]

I. L-Ewkaristija: għajn u quċċata tal-ħajja Nisranija

864 1324 "L-Ewkaristija hi l-għajn u l-quċċata tal-ħajja Nisranija kollha".[78] "Is-sagramenti l-oħra, l-istess bħall-ministeri kollha ekkleżjastiċi u l-ħidmiet tal-appostolat huma kollha marbutin mal-Ewkaristija u jwasslu għaliha. Dan għaliex fl-Ewkaristija jinsab l-għana spiritwali kollu tal-Knisja, jiġifieri Kristu nnifsu, l-Għid tagħna".[79]

775 1325 "L-Ewkaristija tfisser u ġġib ix-xirka fil-ħajja ma' Alla

[77] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 47.
[78] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.
[79] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 5.

u l-għaqda tal-poplu kollu ta' Alla: bihom il-Knisja hi dak li hi. Fl-Ewkaristija nsibu fl-istess waqt il-qofol kemm tal-ħidma li biha, fi Kristu, Alla jqaddes id-dinja, u kemm il-qima li fl-Ispirtu s-Santu l-bnedmin jagħtu lil Kristu, u permezz tiegħu, lill-Missier".[80]

1326 Fl-aħħar nett iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika ġa 1090
tgħaqqadna mal-liturġija tas-sema u hekk aħna ngħixu minn qabel il-ħajja ta' dejjem meta Alla jkun kollox f'kollox (ara *1 Kor* 15,28).

1327 Fi ftit kliem, l-Ewkaristija tiġbor fiha l-fidi tagħna kollha u hi l-quċċata ta' din il-fidi: "Il-mod kif aħna naħsbu jaqbel mal-Ewkaristija, u min-naħa tagħha l-Ewkaristija tikkonferma l-mod kif aħna naħsbu".[81] 1124

II. Kif jissejjaħ dan is-sagrament?

1328 L-għana bla qies ta' dan is-sagrament jidher mill-ħafna ismijiet li ngħatawlu. Kull wieħed minn dawn l-ismijiet ifakkarna f'xi aspetti tiegħu. Dan is-sagrament issejjaħ:

Ewkaristija għaliex hu radd ta' ħajr lil Alla. Il-kelmiet 2637
"eucharistein" (*Lq* 22,19; *1 Kor* 11,24) u "eulogein" (*Mt* 26,26; *Mk* 14,22) ifakkru l-barkiet tal-Lhud li jħabbru – l-aktar 1082
waqt l-ikel – l-għeġubijiet ta' Alla, il-ħolqien, il-fidwa u 1359
t-tqaddis.

1329 *L-ikla tal-Mulej* (ara *1 Kor* 11,20) għax is-sagrament 1382
hu l-*Ikla* li l-Mulej għamel mad-dixxipli tiegħu awl il-lejl qabel

[80] Sagra Kongregazzjoni tar-Riti, Istruzzjoni *Eucharisticum mysterium* (1967), 6.
[81] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 18, 5: PG 7, 1028.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 506-507 5/16/2014 11:28:02 AM

bata għalina u hu *antiċipazzjoni tal-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf* (ara *Apok* 19,9) f'Ġerusalemm tas-sema.

Il-qsim tal-ħobż għaliex dan ir-rit, propju tal-ikla tal-Lhud, Ġesù użah huwa u jbierek u jaqsam il-ħobż bħala dak li hu f'ras il-mejda (ara *Mt* 14,19; 15,36; *Mk* 8,6.19) u l-aktar fl-Aħħar Ikla (ara *Mt* 26,26; *1 Kor* 11,24). Hu f'dan il-ġest li d-dixxipli għarfu lil Kristu meta ltaqgħu miegħu wara l-Qawmien tiegħu mill-imwiet (ara *Lq* 24,13-35). L-ewwel Insara kienu jsejħu l-ġemgħat ewkaristiċi tagħhom "qsim il-ħobż" (ara *Atti* 2,42.46; 20,7.11). Dan il-ġest ifisser li dawk
790 kollha li jieklu mill-ħobża waħda maqsuma, Kristu, jingħaqdu miegħu, u mhuwiex ħlief ġisem wieħed miegħu (ara *1 Kor* 10,16-17).

— *Ġemgħa ewkaristika* ("synaxis"), għaliex
1348 l-Ewkaristija tiġi ċċelebrata fil-ġemgħa tal-Insara, li hi dehra tal-Knisja (ara *1 Kor* 11,17-34).

1341 1330 — *Tifkira* tal-Passjoni u l-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.

— *Sagrifiċċju qaddis* għax iġedded is-sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu l-Feddej u fih tinsab ukoll l-offerta tal-Knisja; jissejjaħ ukoll *is-sagrifiċċju mqaddes tal-Quddiesa,*
2643 *"sagrifiċċju ta' tifħir"* (*Lh* 13,15; ara *Salm* 116, 13.17); *"sagrifiċċj[u] spiritwali"* (*1 Piet* 2,5), *sagrifiċċju safi* (ara *Mal*
614 1,11) *u qaddis,* għax itemm is-sagrifiċċji kollha tal-Patt il-Qadim u hu wisq aqwa minnhom kollha.

— *Liturġija qaddisa u divina* għax il-liturġija kollha tal-Knisja ssib il-qofol tagħha u l-espressjoni l-aktar għolja tagħha fiċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament; minħabba f'hekk ukoll dan is-sagrament jissejjaħ ċelebrazzjoni tal-*Misteri Qaddisa.* Nitkellmu wkoll
1169 dwar is-*Santissimu Sagrament,* jew *Sagrament*

imqaddes għaliex hu s-Sagrament tas-sagramenti. B'dan l-isem jissejħu l-ispeċi ewkaristiċi merfugħin fit-tabernaklu.

1331 *Tqarbin,* għaliex hu permezz ta' dan is- 950
sagrament li aħna ningħaqdu ma' Kristu, li jagħtina nieklu l-Ġisem u d-Demm tiegħu biex nagħmlu ġisem wieħed miegħu (ara *1 Kor* 10, 16-17); jissejjaħ ukoll il-*ħwejjeġ qaddisa* ("ta hagia; sancta")[82] – hu l-ewwel tifsir tal-fraži "xirka tal-qaddisin", li fuqha jitkellem il-Kredu tal-Appostli – 948
ħobż tal-anġli, ħobż tas-sema ħaj, duwa tal-immortalità[83], 1405
vjatku ...

1332 *Sancta Missa* (bil-Latin; mill-kelma Latina ħarġu *messa* bit-Taljan, *mass* bl-Ingliż, *messe* bil-Franċiż) għaliex il-liturġija li fiha jseħħ il-misteru tas-salvazzjoni, tintemm billi l-Insara jintbagħtu (*missio*) – 849
morru agħmlu r-rieda ta' Alla fil-ħajja tagħkom ta' kujum. Bil-Malti ngħidu *quddiesa* għaliex il-liturġija li tiċċelebra dan is-sagrament hi liturġija qaddisa u divina kif rajna aktar 'il fuq.

III. L-Ewkaristija fil-Pjan tas-salvazzjoni

Ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid

1333 Fil-qalba taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għandna 1350
l-ħobż u l-inbid li, bi kliem il-Mulej u l-invokazzjoni tal-Ispirtu

[82] *Il-Kostituzzjonijiet tal-Appostli*, 8, 13, 12; *Didaché*, 9, 5; 10, 6. Ara *Didaché. It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu,* Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija 1999, 52-53; 55.

[83] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Efesin*, 20, 2.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 508-509 5/16/2014 11:28:02 AM

s-Santu, isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. B'fedeltà sħiħa għall-ordni tal-Mulej, il-Knisja tkompli tagħmel, b'tifkira tiegħu, sa ma jerġa' jiġi fil-glorja, dak li għamel awl il-lejl qabel il-Passjoni tiegħu. "Ħa l-ħobż ...". "Ħa l-kalċi bl-inbid ..." Il-ħobż u l-inbid, waqt li b'misteru jsiru l-Ġisem u
1147 d-Demm tal-Mulej, jibqgħu jfissru wkoll it-tjieba tal-ħolqien.
1148 Għalhekk, fl-offertorju, inroddu ħajr lill-Ħallieq għall-ħobż u l-inbid (ara *Salm* 104,13-15), frott "tax-xogħol tal-bniedem", iżda qabel xejn huma "frott tal-art" u "frott tad-dielja", doni tal-Ħallieq. Fil-ġest ta' Melkisedek, sultan u qassis, li "ħareġ bil-ħobż u l-inbid" (*Ġen* 14,18), il-Knisja tara x-xbieha tal-offerta tagħha.[84]

1150 1334 Fi żmien il-Patt il-Qadim, kienu joffru b'sagrifiċċju l-ħobż u l-inbid mal-ewwel frott tal-art, b'sinjal ta' radd il-ħajr lill-Ħallieq. Iżda l-ħobż u l-inbid kisbu wkoll tifsir ġdid
1363 bl-Eżodu: il-ħobż bla ħmira, il-ħobż ażżmu li l-Lhud jieklu kull sena fl-Għid, ifakkar il-ħeffa li biha ħarġu ħielsa mill-Eġittu; it-tifkira tal-manna fid-deżert bla heda tfakkar lil Iżrael li għandu jgħix bil-ħobż tal-Kelma ta' Alla (ara *Dewt* 8,3). Fl-aħħar nett il-ħobż ta' kuljum hu l-frott tal-Art Imwiegħda, rahan tal-fedeltà ta' Alla għall-wegħdiet tiegħu. "Il-kalċi mbierek" (*1 Kor* 10,16) fi tmiem l-ikla tal-Għid tal-Lhud, malferħ li jagħti l-inbid fil-festi, iżid dimensjoni eskatoloġika, jiġifieri hu tħabbira tal-miġja tal-Messija u t-twaqqif mill-ġdid ta' Ġerusalemm. Ġesù waqqaf l-Ewkaristija tiegħu, billi ta tifsir ġdid u għal dejjem lill-barka tal-ħobż u tal-kalċi bl-inbid.

1151 1335 Il-mirakli tat-tkattir tal-ħobż, meta l-Mulej ħa l-ħobżiet, berikhom, qasamhom u tahom lid-dixxipli biex jitimgħu

[84] Ara *Missal Ruman*, Talba Ewkaristika I: it-talba "Ixħet fuqhom" (*Supra quae*).

l-folla, kien ix-xbieha tat-tkattir bla qies tal-ħobża waħda tal-Ewkaristija tiegħu (ara *Mt* 14, 13-21; 15,32-39). Is-sinjal tal-ilma mibdul fi nbid f'Kana (ara *Ġw* 2,11) ġa jħabbar is-Siegħa tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù. Juri li għad isseħħ l-ikla tat-tieġ fis-Saltna tal-Missier, fejn il-fidili jixorbu l-inbid ġdid (ara *Mk* 14,25) li sar id-Demm ta' Kristu.

1336 L-ewwel tħabbira tal-Ewkaristija ġiebet firda fost id-dixxipli, l-istess kif ġara meta t-tħabbira tal-Passjoni skandalizzathom: "Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ jisimgħu?" (*Ġw* 6,60). L-Ewkaristija u s-salib huma ġebla ta' tfixkil. Hu dejjem l-istess misteru, u jibqa' dejjem okkażjoni ta' firda. "Tridux titilqu intom ukoll? (*Ġw* 6,67). Din il-mistoqsija mtennija tul iż-żminijiet kollha hi stedina tal-imħabba ta' Ġesù biex nagħrfu li Hu biss għandu "il-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (*Ġw* 6,68), u li meta nilqgħu bil-fidi d-don tal-Ewkaristija tiegħu, inkunu nilqgħu lilu stess. 1327

L-istituzzjoni tal-Ewkaristija

1337 Il-Mulej, li ħabb lil tiegħu, ħabbhom għall-aħħar. 610
Billi kien jaf li kienet waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, waqt l-ikla ħasel saqajn it-Tnax u tahom il-kmandament tal-imħabba (ara *Ġw* 13,1-17). Ġesù biex iħallilhom rahan ta' mħabbtu, biex ma jitbiegħed qatt minn dawk li kienu tiegħu u jagħtihom sehem fil-Għid tiegħu, waqqaf l-Ewkaristija bħala tifkira tal-mewt u l-qawmien tiegħu, u ordnalhom jiċċelebrawha sa ma jerġa' jiġi, "u hekk għamilhom saċerdoti tat-Testment il-Ġdid".[85] 611

[85] Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa* (1562), 1: DS 1740.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 510-511 5/16/2014 11:28:02 AM

1338 It-tliet Evanġelji sinottiċi u San Pawl ħallewlna r-rakkont tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija; San Ġwann, min-naħa tiegħu, ħallielna kliem Ġesù fis-sinagoga ta' Kafarnahum, kliem li kienu tħejjija għall-istituzzjoni tal-Ewkaristija. Kristu wera lilu nnifsu bħala l-ħobż ħaj li niżel mis-sema (ara *Ġw* 6).

1169 1339 Ġesù għażel żmien il-Għid biex jagħmel dak li kien ħabbar f'Kafarnahum: jagħti Ġismu u Demmu lid-dixxipli tiegħu:

> Wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid. Ġesù bagħat lil Pietru u 'l Ġwanni u qalilhom: "Morru ħejjulna l-ikla tal-Għid ħalli nieklu l-ħaruf" ... Marru ... u ħejjew l-ikla tal-Għid. Meta sar il-ħin, qagħad fuq il-mejda flimkien mal-appostli. U Ġesù qalilhom: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla m'iniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għalkollox is-Saltna ta' Alla" ... Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid f'demmi, id-demm li jixxerred għalikom" (*Lq* 22,7-20; ara *Mt* 26,17-29; *Mk* 14,12-25; *1 Kor* 11,23-26).

1340 Ġesù, huwa u jiċċelebra l-Aħħar Ikla mal-Appostli
1151 tiegħu waqt l-ikla tal-Għid, ta t-tifsir sħiħ u definittiv tal-Għid tal-Lhud. Dan għaliex il-mogħdija ta' Ġesù għal għand il-Missier permezz tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu, imħabbra minn qabel fl-Aħħar Ikla u ċċelebrata fl-Ewkaristija, ittemm
677 l-Għid tal-Lhud u tħabbar minn qabel l-Għid tal-aħħar tal-Knisja fil-glorja tas-Saltna.

"Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"

1341 Bl-ordni lid-dixxipli li jtennu l-ġesti tiegħu u kliemu "sa ma jerġa' jiġi," Ġesù ma riedx biss li ssir it-tifkira tiegħu u ta' kulma għamel. Ried ċelebrazzjoni liturġika, permezz

tal-Appostli u tas-suċċessuri tagħhom, li tkun *tifkira* 611; 1363
(*"*memoriale") tal-ħajja, tal-Mewt, tal-Qawmien mill-Imwiet tiegħu u tal-interċessjoni tiegħu quddiem il-Missier.

1342 Sa mill-bidu, il-Knisja obdiet din l-ordni tal-Mulej. 2624
Għall-Knisja ta' Ġerusalemm intqal:

> Kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb ... U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja (*Atti* 2,42.46).

1343 L-Insara kienu jiltaqgħu għall-"qsim tal-ħobż" l-aktar 1166; 2177
"fl-ewwel jum tal-ġimgħa", jiġifieri f'jum il-Ħadd, f'jum il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet (ara *Atti* 20,7). Minn dak iż-żmien 'il hawn, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija baqgħet dejjem issir, b'mod li llum insibuha kullimkien fil-Knisja, bl-istess struttura li kellha fil-bidu. Għadha fiċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja.

1344 B'dan il-mod, minn ċelebrazzjoni għal oħra, bit- 1404
tħabbira tal-misteru tal-Għid tal-Mulej "sa ma jiġi" (*1 Kor* 11,26), il-Poplu ta' Alla fil-pellegrinaġġ tiegħu f'din id-dinja "jimxi 'l quddiem mit-triq id-dejqa tas-salib"[86] lejn l-ikla tas-sema, meta l-magħżulin kollha joqogħdu għall-mejda tas-Saltna.

IV. Iċ-ċelebrazzjoni liturġika tal-Ewkaristija

Il-Quddiesa tul iż-żminijiet

1345 Fit-tieni seklu, għandna ġa x-xhieda ta' San Ġustinu, martri, dwar il-punti ewlenin taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika.

[86] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 1.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 512-513 5/16/2014 11:28:02 AM

Dawn baqgħu l-istess sal-lum fil-familji liturġiċi ewlenin kollha. Ara x'kiteb San Ġustinu għall-ħabta tas-sena 155, biex ifisser lill-imperatur pagan Antoninu t-twajjeb (138-161) dak li jagħmlu l-Insara:

> F'jum ix-xemx kif insejħulu, dawk kollha li jgħammru sew fl-ibliet u sew fl-irħula jinġabru flimkien fl-istess post.
>
> Jinqraw it-tifkiriet tal-Appostli u l-kitba tal-profeti sakemm jippermetti l-ħin.
>
> Wara li l-lettur itemm il-qari, dak li jippresiedi jwissi u jħeġġiġna biex nagħmlu l-ħwejjeġ sbieħ li fuqhom smajna fil-qari.
>
> Wara dan, ilkoll bilwieqfa nitolbu flimkien, għalina stess ... u għal kulħadd, huma fejn huma, biex ilkoll ninstabu ġusti f'ħajjitna u f'għemilna u fidili fil-ħarsien tal-kmandamenti, ħalli hekk niksbu l-ħajja ta' dejjem.
>
> Wara li ntemmu t-talb, insellmu lil xulxin b'bewsa.
>
> Imbagħad il-ħobż u l-kalċi bl-inbid imħallat bl-ilma jinġiebu lil dak li qiegħed jippresiedi.
>
> Jeħodhom u jfaħħar u jsebbaħ lill-Missier ta' kulħadd f'isem Ibnu u l-Ispirtu s-Santu u jrodd ħajr (bil-Grieg *eucharistian*) fit-tul għall-ġid kollu li stħoqqilna nirċievu mingħandu.
>
> Meta jtemm it-talb u r-radd il-ħajr, il-ġemgħa kollha tqum bilwieqfa u turi li ssieħbet fit-talb u r-radd il-ħajr billi tlissen b'leħen għoli: Ammen.
>
> Wara li dak li jkun jippresiedi jtemm ir-radd il-ħajr u l-poplu jkun wieġeb għalih, id-djakni, kif insejħulhom aħna, iqassmu bħala ikel lil kull min ikun hemm il-ħobż u l-inbid imħallat bl-ilma, li fuqu ntqal ir-radd il-ħajr u jitħalla wkoll xi ftit għal dawk li ma kinux hemm.[87]

1346 Il-Liturġija tal-Ewkaristija għandha struttura fundamentali li baqgħet dejjem l-istess tul iż-żminijiet kollha, mill-bidu sal-lum. Għandha żewġ mumenti tassew importanti, li jagħmlu għaqda waħda bejniethom:

[87] San Ġustinu, *Apoloġija* 1, 65-67: PG 6, 428-429.

— il-ġemgħa, il-*Liturġija tal-Kelma,* bil-qari, bl-omelija u t-talba tal-komunità;

— il-*liturġija Ewkaristika,* bil-preżentazzjoni ta' offerti tal-ħobż u l-inbid, ir-radd ta' ħajr li matulu ssir il-konsagrazzjoni tal-offerti, u t-tqarbin.

Il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija Ewkaristika flimkien jagħmlu "att wieħed ta' kult"[88] għaliex il-mejda li titħejja 103
għalina fl-Ewkaristija, hi fl-istess waqt il-mejda tal-Kelma ta' Alla u l-mejda tal-Ġisem tal-Mulej.[89]

1347 Mhux hekk ukoll kienet l-ikla tal-Għid li Ġesù rxoxt għamel mad-dixxipli tiegħu? Huwa u miexi fit-triq fissrilhom l-Iskrittura, u mbagħad qagħad magħhom fuq il-mejda, "qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom" (*Lq* 24,30).

Kif tiżvolġi ċ-ċelebrazzjoni

1348 *Il-ġemgħa.* L-Insara jinġabru fl-istess post għall-ġemgħa ewkaristika. Kristu nnifsu hu r-Ras, hu li hu l-aġent 1140
prinċipali fl-Ewkaristija. Hu l-Qassis il-Kbir tal-Patt il-Ġdid. Hu nnifsu jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni kollha kemm hi, għalkemm ma jidhirx; l-Isqof jew is-saċerdot jippresiedi bħala 1548
rappreżentant tiegħu u dak li jagħmel jagħmlu "in persona Christi Capitis" – fil-persuna ta' Kristu r-Ras; jippresiedi l-ġemgħa, jitkellem wara l-qari, jilqa' l-offerti u jgħid t-talba ewkaristika. *Kulħadd* għandu parti attiva fiċ-ċelebrazzjoni, kulħadd skont il-manjiera tiegħu: il-letturi, dawk li jwasslu l-offerti, dawk li jqarbnu, u l-poplu kollu; l-Ammen li tingħad minn kulħadd turi din il-parteċipazzjoni.

[88] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 56 .
[89] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 21.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 514-515 5/16/2014 11:28:03 AM

1184 1349 Il-*Liturġija tal-Kelma:* "il-kitba tal-profeti" jiġifieri l-qari mit-Testment il-Qadim, u "it-tifkiriet tal-Appostli", l-ittri u l-Evanġelji tagħhom; wara l-omelija, li tħeġġeġ biex il-Kelma tiġi milqugħa bħala dak li tassew hi, il-Kelma ta' Alla (ara *1 Tess* 2,13) u ssir bil-fatti, jiġu l-interċessjonijiet għall-bnedmin kollha, skont kliem l-Appostlu: "Nitlobkom l-ewwel nett li jsiru suppliki, orazzjonijiet, talb u radd il-ħajr għall-bnedmin kollha; għas-slaten, għal dawk kollha li għandhom xi awtorità" (*1 Tim* 2,1-2).

1350 *Il-preżentazzjoni tal-offerti* (offertorju): jitwasslu mbagħad fuq l-artal, xi drabi f'purċissjoni, il-ħobż u l-inbid li jiġu offerti mis-saċerdot, f'isem Kristu, waqt is-sagrifiċċju ewkaristiku fejn isiru l-Ġisem u d-Demm tiegħu. Huma l-istess ġesti ta' Kristu fl-Aħħar Ikla, "huwa u jieħu f'idejh
1359 il-ħobż u l-kalċi". "Din l-offerta l-Knisja biss toffriha safja, lill-Ħallieq hija u toffrilu b'radd ta' ħajr dak li hu ħalaq"[90]; (ara *Mal* 1,11). Il-preżentazzjoni tal-offerti fuq l-artal hi l-istess ġest ta' Melkisedek, u d-doni tal-Ħallieq jingħataw f'idejn
614 Kristu. Hu Kristu, li fis-sagrifiċċju tiegħu wassal għall-perfezzjoni dak kollu li ppruvaw jagħmlu l-bnedmin biex joffru sagrifiċċji.

1351 Sa mill-bidu l-Insara, flimkien mal-ħobż u l-inbid għall-Ewkaristija, kienu jġibu d-doni tagħhom ħa jaqsmuhom ma' dawk li jkunu jinsabu f'xi ħtieġa. Din id-drawwa tal-
1397 *ġabra* (ara *1 Kor* 16,1), drawwa li hu dejjem żmienha, issib
2186 l-ispirazzjoni tagħha fl-eżempju ta' Kristu stess, li ftaqar biex nistagħnew aħna (ara *2 Kor* 8,9).

> L-għonja u dawk kollha li jridu, jagħtu kull wieħed skont ma jidhirlu, u dak li jinġabar jingħata lil min jippresiedi, u dan jgħin bih lill-iltiema u r-romol, lill-morda u l-foqra, lil dawk li huma fil-ħabs u l-barranin, f'kelma waħda, lil dawk kollha li għandhom xi ħtieġa.[91]

1352 *L-anafora.* Bit-talba ewkaristika, talba ta' radd il-ħajr u ta' konsagrazzjoni, naslu fil-qalba u l-qofol taċ-ċelebrazzjoni:

Fil-*prefazju,* il-Knisja trodd ħajr lill-Missier, bi Kristu, fl-Ispirtu s-Santu, għall-għemejjel kollha tiegħu, għall-ħolqien, għall-fidwa, u għall-qdusija. Il-ġemgħa kollha tingħaqad imbagħad mat-tifħir dejjem sejjer li l-Knisja tas-sema, l-anġli u l-qaddisin kollha, ikantaw lil Alla, tliet darbiet qaddis. 559

1353 Fl-*epiklesi*, il-Knisja titlob lill-Missier biex jibgħat l-Ispirtu s-Santu 1105
(jew il-qawwa tal-barka tiegħu)[92] fuq il-ħobż u l-inbid, biex bis-setgħa tiegħu, isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù Kristu, u biex dawk kollha li jieħdu sehem fl-Ewkaristija jkunu ġisem wieħed u ruħ waħda bejniethom (xi tradizzjonijiet liturġiċi għandhom l-epiklesi wara l-anamnesi).

Fir-*rakkont tal-istituzzjoni*, il-qawwa tal-kliem u tal-għemil ta' Kristu, u 1375
s-setgħa tal-Ispirtu s-Santu, jagħmlu preżenti sagramentalment, taħt ix-xbihat tal-ħobż u tal-inbid, il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, is-sagrifiċċju li offra fuq is-salib darba għal dejjem.

1354 Fl-*anamnesi* li tiġi wara, il-Knisja tfakkar il-Passjoni, il-Qawmien 1103
mill-imwiet, il-miġja mill-ġdid ta' Kristu fil-glorja; tippreżenta lill-Missier l-offerta ta' Ibnu li jerġa' jħabbibna miegħu.

Fl-*interċessjonijiet*, il-Knisja turi li l-Ewkaristija tiġi ċċelebrata f'għaqda sħiħa ma' kollha kemm hi l-Knisja, tal-art u tas-sema, tal-ħajjin u tal- 954
mejtin, f'rabta sħiħa mar-Rgħajja tal-Knisja: il-Papa, l-Isqof tad-djoċesi, il-presbiterju u d-djakni, u mal-Isqfijiet kollha tad-dinja, flimkien mal-Knejjes tagħhom.

1355 Fit-*tqarbin,* wara t-talba tal-Mulej u l-qsim tal-ħobż, 1382
l-Insara jirċievu "il-ħobż tas-sema ħaj" u "il-kalċi tas-salvazzjoni", il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li ġie mogħti "għall-ħajja tad-dinja" (*Ġw* 6,51):

[90] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 18, 4: PG 7, 1027.

[91] San Ġustinu, *Apoloġija* 1, 67, 6: PG 6, 429.

[92] Ara *Missal Ruman*, Talba Ewkaristika I.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 516-517 5/16/2014 11:28:03 AM

Għaliex dan il-ħobż u dan l-inbid ġew "ewkaristizzati" – hekk kienu jgħidu fl-antik – aħna nsejħu dan l-ikel Ewkaristija, u ħadd ma jista' 1327
jissieħeb fiha jekk ma jemminx li hu veru dak li ngħallmu, u ma jkunx tgħammed ħa jinħafrulu dnubietu, u jitwieled mill-ġdid ħa jgħix kif għallimna Kristu.[93]

V. Is-sagrifiċċju sagramentali: radd ta' ħajr, tifkira, preżenza

1356 Jekk l-Insara ċċelebraw l-Ewkaristija sa mill-bidu, u f'sura li sostanzjalment, ma tbiddlitx tul iż-żminijiet minkejja t-tibdil li seħħ matulhom u d-diversitajiet tal-liturġiji, dan ġara għaliex nafu li aħna marbutin mal-ordni mogħti mill-Mulej lejlet il-Passjoni tiegħu: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi" (*1 Kor* 11,24-25).

1357 Dan l-ordni tal-Mulej, aħna nħarsuh meta nagħmlu *t-tifkira tas-sagrifiċċju tiegħu.* Aħna u nagħmlu dan, inkunu *noffru lill-Missier* dak li hu stess tana: id-doni tal-ħolqien, il-ħobż u l-inbid, li saru, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u tal-kliem ta' Kristu, il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu: Kristu hu għalhekk realment u b'mod misterjuż *preżenti.*

1358 Mela rridu nqisu l-Ewkaristija:

— bħala radd ta' ħajr u ta' tifħir lill-*Missier*;

— bħala tifkira sagrifiċjali ta' *Kristu* u tal-Ġisem tiegħu;

— bħala preżenza ta' Kristu permezz tal-qawwa tal-Kelma tiegħu u tal-*Ispirtu* tiegħu.

[93] San Ġustinu, *Apoloġija* 1, 66, 1-2: PG 6, 428.

Ir-radd ta' ħajr u t-tifħir lill-Missier

1359 L-Ewkaristija, is-sagrament tas-salvazzjoni tagħna li temm Kristu fuq is-salib, hi wkoll sagrifiċċju ta' tifħir u radd il-ħajr għall-opra tal-ħolqien. Fis-sagrifiċċju ewkaristiku, il- 293
ħolqien kollu maħbub minn Alla, jiġi ppreżentat lill-Missier permezz tal-mewt u l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Permezz ta' Kristu, il-Knisja tista' toffri s-sagrifiċċju ta' tifħir u ta' radd il-ħajr għal kulma Alla għamel tajjeb, sabiħ u ġust fil-ħolqien u fil-ġens kollu tal-bnedmin.

1360 L-Ewkaristija hi sagrifiċċju ta' radd il-ħajr lill-Missier, 1083
barka li biha l-Knisja turi l-ħajr tagħha lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel, għal kulma wettaq bil-ħolqien, bil-fidwa u bit-tqaddis. L-Ewkaristija hi qabel xejn radd ta' ħajr.

1361 L-Ewkaristija hi wkoll sagrifiċċju ta' tifħir, li bih il-Knisja tkanta l-glorja ta' Alla f'isem il-ħolqien kollu. Dan is- 294
sagrifiċċju ta' tifħir jista' jsir biss bi Kristu: hu jgħaqqad lil dawk li jemmnu fih mal-persuna tiegħu, mat-tifħir u t-talb tiegħu, b'mod li s-sagrifiċċju ta' tifħir lill-Missier il-Knisja toffrih *bi* Kristu u *ma'* Kristu biex jiġi milqugħ *fih.*

It-tifkira sagrifikali ta' Kristu u tal-Ġisem tiegħu, il-Knisja

1362 L-Ewkaristija hi t-tifkira tal-Għid ta' Kristu, it-tiġdid u l-offerta sagramentali tas-sagrifiċċju waħdieni tiegħu, fil-liturġija tal-Knisja, li hi l-Ġisem tiegħu. Fit-talbiet ewkaristiċi kollha nsibu, wara l-kliem tal-istituzzjoni, talba msejħa *anamnesi* jew tifkira. 1103

1363 Fil-fehma tal-Kotba Mqaddsa, *it-tifkira* mhijiex biss 1099
tifkira ta' ġrajjiet tal-imgħoddi, imma tħabbira tal-għeġubijiet li Alla għamel mal-bnedmin (ara *Eż* 13,3). Fiċ-ċelebrazzjoni liturġika ta' dawn il-ġrajjiet, dawn b'xi mod isiru preżenti u

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 518-519 5/16/2014 11:28:03 AM

attwali. Hu b'dan il-mod li Iżrael jifhem il-ħelsien mill-Eġittu: kull darba li ssir iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid, il-ġrajjiet tal-Eżodu dawk li jemmnu jġibuhom quddiem għajnejhom, biex isawru ħajjithom fuqhom.

1364 It-tifkira tieħu tifsira ġdida fit-Testment il-Ġdid. Meta l-Knisja tiċċelebra l-Ewkaristija, hija tagħmel it-tifkira tal-Għid tal-Mulej, u dan iseħħ: is-sagrifiċċju li Kristu offra darba għal dejjem fuq is-salib jibqa' dejjem attwali (ara *Lh* 7,25-27). "Kull darba li s-sagrifiċċju tas-salib, li bih Kristu l-Għid tagħna ġie ssagrifikat, jiġi ċċelebrat fuq l-artal, l-opra tal-fidwa tagħna sseħħ".[94]

1365 Għax hi tifkira tal-Għid tal-Mulej, l-Ewkaristija *hi wkoll sagrifiċċju.* Il-karattru sagrifikali tal-Ewkaristija jidher mill-kliem stess tal-istituzzjoni: "Dan hu Ġismi li jingħata għalikom" u "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom" (*Lq* 22,19-20). Fl-Ewkaristija, Kristu jagħti l-istess ġisem li ngħata għalina fuq is-salib, l-istess demm li xxerred "għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (*Mt* 26,28).

1366 L-Ewkaristija mela hi sagrifiċċju għax tagħmel preżenti s-sagrifiċċju tas-salib, għaliex hi *t-tifkira* tiegħu u *tagħti* l-frott tiegħu:

> (Kristu), Alla u Sidna, offra darba għal dejjem lilu nnifsu lil Alla l-Missier, meta miet fuq l-artal tas-Salib biex jagħti (lill-bniedem) fidwa għal dejjem. Iżda għaliex is-saċerdozju tiegħu ma kellux jintemm bil-mewt tiegħu (ara *Lh* 7,24-27), fl-Aħħar Ikla, "fil-lejl li fih kien ittradut" (*1 Kor* 11,23) ried iħalli lill-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, sagrifiċċju li jidher (kif titlob in-natura stess tal-bnedmin), sagrifiċċju li bih jiġġedded is-sagrifiċċju li seħħ darba għal dejjem bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, ħalli t-tifkira tiegħu tibqa' ssir sal-aħħar taż-żmien u l-qawwa tiegħu għas-salvazzjoni tingħata għall-maħfra tad-dnubiet li aħna nagħmlu kuljum.[95]

1367 Is-sagrifiċċju ta' Kristu u s-sagrifiċċju tal-Ewkaristija huma *sagrifiċċju wieħed: "*Il-vittma hi waħda u l-istess, u l-istess hu dak li issa joffri bil-ministeru tas-saċerdoti u offra lilu nnifsu fuq is-salib. Il-mod kif issir l-offerta mhux l-istess".[96] "F'dan is-sagrifiċċju divin li jseħħ fil-Quddiesa, hu l-istess Kristu, li darba offra lilu nnifsu bit-tixrid tad-demm fuq is-salib, li joffri lilu nnifsu bla tixrid ta' demm".[97]

1368 *L-Ewkaristija hi wkoll is-sagrifiċċju tal-Knisja.* Il-Knisja, li hi l-Ġisem ta' Kristu, tissieħeb fl-offerta tar-Ras tagħha. Miegħu, hi tiġi offruta kollha kemm hi. Tissieħeb mal-interċessjoni tiegħu għall-bnedmin kollha quddiem il-Missier. Fl-Ewkaristija, is-sagrifiċċju ta' Kristu jsir ukoll sagrifiċċju tal-membri tal-Ġisem tiegħu. Il-ħajja tal-Insara, it-tifħir, it-tbatijiet, it-talb, ix-xogħol tagħhom jingħaqdu ma' dawk ta' Kristu u mal-offerta sħiħa tiegħu, u hekk jiksbu siwi ġdid.[98] Is-sagrifiċċju ta' Kristu li jseħħ fuq l-artal jagħti lill-ġenerazzjonijiet kollha tal-Insara l-okkażjoni biex jissieħbu mal-offerta tiegħu.

Fil-katakombi, il-Knisja spiss narawha bħala mara titlob, b'dirgħajha miftuħin, fil-qagħda ta' min jitlob. Bħal Kristu li fetaħ dirgħajh fuq is-Salib, bih, miegħu, u fih, il-Knisja toffri lilha nnifisha u titlob għall-bnedmin kollha.

1369 *Il-Knisja kollha tingħaqad mal-offerta u l-interċessjoni*

94 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 3.

95 Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa* (1562), 1: DS 1740.

96 *Ibid*., 2: DS 1743.

97 *Ibid.*

98 San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Smirna*, 8,1.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 520-521 5/16/2014 11:28:03 AM

834; 882 *ta' Kristu.* Il-*Papa,* mogħti l-ministeru ta' Pietru fil-Knisja, hu msieħeb f'kull ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fejn ismu jissemma bħala sinjal u qaddej tal-għaqda tal-Knisja kollha.
1561 *L-Isqof tal-post* hu dejjem responsabbli tal-Ewkaristija, ukoll
1566 jekk jippresidiha *saċerdot;* isem l-Isqof jissemma biex ifisser li hu l-president tal-Knisja lokali, imdawwar bil-presbiterju tiegħu u bil-qadi tad-*djakni.* Il-komunità kollha wkoll titlob għall-ministri kollha li għaliha u magħha joffru s-sagrifiċċju ewkaristiku:

> Għandha biss titqies leġittima l-Ewkaristija li jippresidiha l-Isqof, jew min ikun imqabbad mill-Isqof.[99]
>
> Hu permezz tal-ministeru tas-saċerdoti li s-sagrifiċċju spiritwali tal-Insara jsir perfett, għax jingħaqad mas-sagrifiċċju ta' Kristu, il-Medjatur waħdieni; dan is-sagrifiċċju jiġi offrut fl-Ewkaristija permezz tas-saċerdoti f'isem il-Knisja kollha, bla tixrid ta' demm u sagramentalment, sa ma jerġa' jiġi l-Mulej innifsu.[100]

1370 Mal-offerta ta' Kristu jingħaqdu mhux biss il-membri tiegħu li għadhom hawn fuq l-art, imma wkoll dawk li ġa
956 qegħdin *fil-glorja tas-smewwiet.* Hu f'għaqda mal-Verġni
969 Mqaddsa Marija, hija u tagħmel it-tifkira tagħha, flimkien ma' dik tal-qaddisin kollha, li l-Knisja toffri s-sagrifiċċju ewkaristiku. Fl-Ewkaristija, il-Knisja tkun qisha qiegħda ħdejn is-salib ma' Marija f'rabta sħiħa mal-offerta u l-interċessjoni ta' Kristu.

958; 1689 1371 Is-sagrifiċċju ewkaristiku noffruh ukoll għall-*mejtin,*
1032 li "mietu fi Kristu u għad mhumiex għal kollox safja"[101], biex ikunu jistgħu jidħlu fid-dawl u l-hena ta' Kristu:

[99] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Smirna*, 8, 1.

[100] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 2.

[101] Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa* (1562), 2: DS 1743.

> Idfnu dan il-ġisem fejn tridu u tħabblux raskom; ħaġa waħda biss nitlobkom: li tiftakru fija quddiem l-artal tal-Mulej, tkunu fejn tkunu.[102]
>
> Imbagħad (fl-anafora) nitolbu għall-missirijiet qaddisa u għall-Isqfijiet li raqdu (ir-raqda tal-mewt) u għal dawk kollha li raqdu qabilna, għax nemmnu li dan it-talb ikun ta' siwi kbir għall-erwieħ, li għalihom isir dan it-talb waqt li għandna quddiemna l-Vittma qaddisa u tal-biża' ... Aħna u noffru lil Alla t-talb għal dawk li raqdu, ukoll jekk kienu midinbin, ... noffru lil Kristu ssagrifikat għal dnubietna, biex Alla, il-ħabib tal-bnedmin, iħenn għalihom u għalina.[103]

1372 Santu Wistin b'mod tal-għaġeb ġabar fil-qosor dan it-tagħlim li jħeġġiġna biex nissieħbu b'mod dejjem aktar sħiħ fis-sagrifiċċju tal-Feddej tagħna li niċċelebraw 1140 fl-Ewkaristija:

> Minn dan jiġi li l-istess belt mifdija, li hi l-ġemgħa u x-xirka tal-qaddisin, issir kollha kemm hi sagrifiċċju universali offert lil Alla permezz tal-qassis il-kbir tagħna, li fil-passjoni tiegħu offra wkoll lilu nnifsu għalina f'sura ta' lsir, biex insiru l-ġisem ta' Ras hekk tal-għaġeb ... Dan hu s-sagrifiċċju tagħna l-Insara, jiġifieri, li "aħna ħafna membri f'ġisem wieħed fi Kristu (*Rum* 12,5)". Il-Knisja dejjem tiċċelebra dan is-sagrifiċċju fis-sagrament tal-artal, magħruf ħafna mill-fidili, li bih tingħata xhieda lill-istess Knisja li fl-offerta li tagħmel tkun toffri lilha nnifisha.[104]

Il-preżenza ta' Kristu bil-qawwa tal-Kelma u tal-Ispirtu s-Santu

1373 "Kristu Ġesù li miet, jew aħjar, li qam mill-imwiet, jinsab fuq il-lemin ta' Alla, hu li jidħol għalina" (*Rum* 8,34), hu

[102] Kliem Santa Monika lil Santu Wistin u lil ħuh hija u tmut: ara *l-Istqarrijiet,* 9, 11, 27: PL 32, 775: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 255.

[103] San Ċirillu ta' Ġerusalemm, *Katekeżi Mistagoġiċi*, 5, 9-10: PG 30 1116B-1117A.

[104] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla,* 10,6: PL 41, 284: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, I, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 531-532.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 522-523 5/16/2014 11:28:03 AM

preżenti f'ħafna suriet fil-Knisja tiegħu:[105] fil-Kelma tiegħu, fit-talb tal-Knisja tiegħu, "fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura [f'ismu]" (*Mt* 18,20), fil-foqra, fil-morda, f'dawk li huma fil-ħabs (ara *Mt* 25, 31-46), fis-sagramenti li tagħhom hu l-awtur, fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, fil-persuna tal-ministru. Iżda "hu preżenti *bl-aqwa mod taħt l-ispeċi ewkaristiċi*." [106]

1374 Il-mod tal-preżenza ta' Kristu taħt l-ispeċi ewkaristiċi ma hemmx ieħor bħalu: jgħolli l-Ewkaristija 'l fuq mis-sagramenti l-oħra kollha u jagħmilha "bħala l-perfezzjoni tal-ħajja spiritwali u l-għan li lejh jinġibdu s-sagramenti kollha".[107] Fis-Sagrament imqaddes tal-Ewkaristija hemm "*verament, realment u sostanzjalment* il-Ġisem u d-Demm flimkien mar-ruħ u d-divinità ta' Sidna Ġesù Kristu, u għalhekk hemm *Kristu kollu kemm hu*".[108] "Din il-preżenza nsejħulha 'preżenza reali', mhux għax ma hemmx 'preżenzi reali' oħra, imma għax preżenza tassew eċċellenti, għax hi preżenza *sostanzjali,* u biha Kristu, Alla u bniedem, jagħmel lilu nnifsu preżenti kollu kemm hu".[109]

1375 Hu bit-*tibdil* tal-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li jkun preżenti fis-sagrament. Missirijiet il-Knisja, bil-qawwa kollha, stqarrew il-fidi tal-Knisja fil-qawwa tal-Kelma ta' Kristu u fil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu biex isseħħ din il-bidla. Hekk jitkellem San Ġwann Griżostmu:

> Mhuwiex il-bniedem li jbiddel l-offerti fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, imma Kristu stess li ġie msallab għalina. Is-saċerdot, xbieha ta' Kristu, itenni l-kliem, iżda l-qawwa tagħhom u l-grazzja huma ta' Alla. *"Dan hu Ġismi",* jgħid. Dan il-kliem ibiddel l-offerti.[110]

U San Ambroġ dwar dan it-tibdil jgħid:

> Għandna nkunu għal kollox perswaži li hawn ma hawnx dak li għamlet in-natura, imma dak li ġie kkonsagrat bil-barka, u l-barka għandha qawwa aktar min-natura, għaliex bil-barka n-natura stess tinbidel ... Il-kelma ta' Kristu li tagħmel mix-xejn dak li ma kienx, ma tistax tbiddel dak li hu f'dak li mhuwiex? Mhijiex xi ħaġa inqas tqila tagħti natura ġdida lill-ħlejjaq milli tbiddel in-natura tagħhom?[111]

1376 Il-Konċilju ta' Trento jiġbor fil-qasir il-fidi Kattolika meta jgħid: "Għaliex Kristu, il-Feddej tagħna, qal li dak li offra taħt l-ispeċi tal-ħobż kien tassew ġismu, il-Knisja dejjem kienet żgura, u issa qed itennih dan il-Konċilju, li bil-konsagrazzjoni tal-ħobż u tal-inbid is-sustanza kollha tal-inbid tinbidel fis-sustanza tad-demm ta' Kristu: din il-bidla l-Knisja Mqaddsa Kattolika bir-raġun kollu u b'mod eżatt, sejħitilha *transustanzazzjoni*".[112]

1377 Il-preżenza ewkaristika ta' Kristu tibda mill-mument tal-konsagrazzjoni u tibqa' sakemm jibqgħu l-ispeċi ewkaristiċi. Kristu hu kollu kemm hu preżenti taħt kull speċi u kollu kemm hu wkoll taħt il-partijiet kollha tagħhom, hekk li l-qsim tal-ħobż ma jaqsamx lil Kristu.[113]

1378 *Il-qima tal-Ewkaristija.* Fil-liturġija tal-Quddiesa, aħna nuru l-fidi tagħna fil-preżenza reali ta' Kristu taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid billi, fost ġesti oħra, ninżlu għarkopptejna, jew inbaxxu rasna sewwa b'sinjal ta' adorazzjoni tal-Mulej. "Il-

[105] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48.
[106] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 7.
[107] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* III, 73, 3c.
[108] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar l-Ewkaristija* (1551), kan.1: DS 1651.
[109] Pawlu VI, Enċiklika *Mysterium Fidei* (1965), 39.
[110] San Ġwann Griżostmu, *Omelija dwar it-Tradiment ta' Ġuda,* 1, 6: PG 49, 380C
[111] San Ambroġ, *Dwar il-Misteri Qaddisa*, 9, 50; 52: PL 16, 405; 407.
[112] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar l-Ewkaristija* (1551), 4: DS 1642.
[113] *Ibid*., 3: DS 1641.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 524-525 5/16/2014 11:28:03 AM

103; 2628 Knisja Kattolika tat u tibqa' tagħti dan il-kult ta' adorazzjoni li għandu jingħata lill-Ewkaristija mhux biss waqt il-Quddiesa, imma wkoll barra ċ-ċelebrazzjoni tagħha billi tħares b'għożża kbira l-ostji kkonsagrati, meta tippreżentahom lill-Insara biex b'solennità kbira jivvenerawhom, u toħroġ bihom f'purċissjoni".[114]

1183 1379 Għall-ewwel l-Ewkaristija kienet tinżamm fit-tabernaklu mħarsa kif inhu xieraq biex tkun tista' tittieħed lill-morda jew tingħata barra mill-Quddiesa lil dawk li ma jkunux għall-Quddiesa. Ma' fidi aktar profonda fil-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija, il-Knisja għarfet it-tifsir ta' adorazzjoni fis-skiet tal-Mulej preżenti taħt l-ispeċi ewkaristiċi. Hu għalhekk
2691 li t-tabernaklu jrid jitqiegħed f'post mill-aktar xieraq tal-knisja: irid ikun magħmul b'mod li juri u jsaħħaħ il-verità tal-preżenza reali ta' Kristu fis-Sagrament Imqaddes.

1380 Jaqbel ħafna li Kristu ried ikun preżenti fil-Knisja tiegħu b'mod li ma jkunx hemm ieħor bħalu. Għaliex Kristu
669 kien se jħalli lil tiegħu u ma kinux sa jarawh aktar, ried jagħtina l-preżenza sagramentali tiegħu; għax kien sejjer joffri lilu nnifsu fuq is-salib biex isalvana, ried li aħna jkollna t-tifkira tal-imħabba li biha ħabbna "għall-aħħar" (*Ġw* 13,1), sa ma tana ħajtu stess. Fil-fatt, bil-preżenza reali tiegħu,
478 Kristu jibqa' b'mod misterjuż fostna bħala dak li ħabbna u ta ruħu għalina (ara *Gal* 2,20), u jibqa' taħt l-ispeċi li juruna u jagħtuna din l-imħabba tiegħu:

> Il-Knisja u d-dinja jeħtieġu ħafna l-qima ewkaristika. Ġesù jistenniena f'dan is-sagrament tal-imħabba, ma niċħdulux iż-
2715 żmien li rridu biex immorru niltaqgħu miegħu fl-adorazzjoni u l-kontemplazzjoni, mimlijin bil-fidi u lesti npattu għall-ħtijiet kbar u għad-delitti tad-dinja. Jalla ma tiġi nieqsa qatt l-adorazzjoni tagħna.[115]

[114] Pawlu VI, Enċiklika *Mysterium Fidei* (1965), 56.

[115] San Ġwanni Pawlu II, Ittra *Dominicae Cenae* (1980), 3.

1381 "Il-preżenza tal-Ġisem veru u tad-Demm veru ta' Kristu f'dan is-sagrament bl-ebda mod ma narawha bis-sensi tagħna", jgħid San Tumas, "imma *bil-fidi biss,* li toqgħod fuq l-awtorità ta' Alla". Hu għalhekk, li San Ċirillu 156 meta jikkummenta fuq kliem San Luqa 22,19: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom", jgħid: 'Tistaqsix jekk dan huwiex veru, imma ilqa' bil-fidi kliem il-Mulej għax hu, li hu l-Verità, ma 215 jigdibx".[116]

> Jien nadurak bil-qima, Alla, li tinsab
> moħbi hawn quddiemi taħt dawn ix-xbihat,
> lilek qalbi kollha hawn f'riġlejk nagħtik;
> meta naħseb fuqek ħsiebi nitlef fik.
>
> L-għajn, l-idejn, it-togħma lilek ma jħossux;
> iżda biss b'li smajna għala ma nemmnux?
> Nemmen li qalilna l-Iben tal-Mulej
> xejn mhu iżjed minnu mill-kliem tal-Feddej.[117]

VI. L-ikla tal-Għid

1382 Il-Quddiesa hi fl-istess ħin ħaġa waħda mat-tifkira sagrifikali li fiha jiġġedded għal dejjem is-sagrifiċċju tas-salib u l-ikla mqaddsa tal-għaqda mal-Ġisem u d-Demm ta'

[116] Papa Pawlu VI, Enċiklika *Mysterium fidei* (1965), 18. Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* III, 75, 1; San Ċirillu ta' Lixandra, *Tifsir dwar l-Evanġelju ta' San Luqa*, 22, 19: PG 72, 921B.

[117] Adoro Te devote, latens Deitas,
quae sub his figuris vere latitas;
Tibi se cor meum totum subicit,
quia Te contemplas totum deficit.

Visus, tactus, gustus in Te fallitur,
sed auditu solo tuto creditur;
credo quidquid dixit Dei Filius,
verbo veritatis nihil verius.

(Test meħud minn *Analecta hymnica Medii Aevi*, 50, 589).

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 526-527 5/16/2014 11:28:03 AM

Kristu bit-Tqarbin. Is-sagrifiċċju ewkaristiku kollu kemm hu
950 jrid iġib l-għaqda intima tal-Insara ma' Kristu permezz tat-Tqarbin. Titqarben, jiġifieri tirċievi lil Kristu stess li offra lilu nnifsu għalina.

1182 1383 L-*artal,* li madwaru l-Knisja tinġabar għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, juri żewġ aspetti tal-istess misteru: l-artal tas-sagrifiċċju u l-mejda tal-Mulej, u dan aktar u aktar għaliex l-artal Nisrani hu simbolu ta' Kristu stess, preżenti f'nofs il-ġemgħa tal-Insara, fl-istess waqt vittma offerta għar-rikonċiljazzjoni tagħna ma' Alla u ikel tas-sema li jingħata lilna. "X'inhu mela l-artal ta' Kristu jekk mhux ix-xbieha tal-Ġisem ta' Kristu?" jistaqsi San Ambroġ[118] u band'oħra: "L-artal jirrappreżenta l-Ġisem (ta' Kristu) u l-Ġisem ta' Kristu hu fuq l-artal".[119] Il-liturġija turi din ir-rabta bejn is-sagrifiċċju u t-Tqarbin f'ħafna talbiet. Il-Knisja ta' Ruma hekk titlob fl-anafora (talba ewkaristika):

> Fiċ-ċokon tagħna nitolbuk, O Alla li tista' kollox, agħmel li l-anġlu qaddis tiegħek iwassalhom quddiem l-artal tiegħek fis-sema, biex aħna lkoll, li nieħdu sehemna mill-artal u nitqarbnu bil-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu nimtlew b'kull barka u grazzja tas-sema.[120]

"Ħudu u kulu lkoll": it-Tqarbin

2835 1384 Il-Mulej jagħmlilna stedina ħerqana biex nirċevuh fis-sagrament tal-Ewkaristija. "Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom" (*Ġw* 6,53).

[118] San Ambroġ, *Dwar is-Sagramenti*, 5, 7: PL 16, 447C.
[119] *Ibid*., 4, 7: PL 16, 437.
[120] *Missal Ruman*, Talba Ewkaristika I: "Supplices te rogamus".

1385 Biex inwieġbu għal din l-istedina, irridu *nħejju ruħna* għal dan il-mument hekk kbir u hekk qaddis. San Pawl iħeġġiġna biex ngħarblu l-kuxjenza tagħna: "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-Ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" (*1 Kor* 11,27-29). Min ikun jaf li hu ħati ta' dnub gravi, l-ewwel għandu jirċievi s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni qabel jersaq jitqarben. 1457

1386 Quddiem il-kobor ta' dan is-sagrament, in-Nisrani ma jistax ħlief itenni bl-umiltà kollha u b'fidi mħeġġa kliem iċ-ċenturjun (ara *Mt* 8,8): *Mulej, ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi, iżda għid kelma waħda, u ruħi tkun imfejqa.*[121] U fil-Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu, il-fidili jitolbu bl-istess spirtu:

> O Iben ta' Alla, agħtina li nissieħbu llum fl-ikla mistika. Għax jien 732
> mhux se ngħarraf il-Misteru lill-għedewwa tiegħek u lanqas se nagħtik il-bewsa ta' Ġuda. Iżda bħall-ħalliel, ngħidlek: Ftakar fija, Mulej, fis-saltna tiegħek.[122]

1387 Biex iħejju lilhom infushom biex jirċievu b'mod li jixraq dan is-sagrament, dawk li jemmnu fi Kristu għandhom josservaw is-sawma mitluba mill-Knisja tagħhom.[123] L-imġiba minn barra (ġesti, ilbies) trid turi 2043
r-rispett, is-solennità, il-ferħ ta' dan il-mument li fih Kristu jkun qed jistedinna għandu.

1388 Jaqbel mal-istess tifsira tal-Ewkaristija li l-Insara, jekk għandhom id-dipożizzjoni meħtieġa, jitqarbnu meta jieħdu

[121] *Missal Ruman,* Rit tat-Tqarbin.
[122] *Liturġija Biżantina*, Anafora ta' San Ġwann Griżostmu, Rit ta' tħejjija għat-Tqarbin.
[123] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 919.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 528-529 5/16/2014 11:28:03 AM

sehem fil-Quddiesa. “Ta’ min jirrakkomanda dak it-tisħib aktar perfett fil-Quddiesa meta l-Insara, wara t-Tqarbin tas-saċerdot jirċievu Ġisem il-Mulej mill-istess sagrifiċċju”.[124]

2042 1389 Il-Knisja tobbliga lill-Insara “jieħdu sehem fil-Liturġija mqaddsa fil-Ħdud u l-festi”[125] u jitqarbnu almenu darba fis-sena, jekk jista’ jkun fi żmien il-Għid,[126] wara li jħejju ruħhom bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Iżda l-Knisja tirrikkmanda bil-ħerqa kollha lill-Insara biex
2837 jitqarbnu fil-Ħdud u l-festi, u aktar ta’ spiss, kuljum ukoll.

1390 Għaliex Kristu hu preżenti sagramentalment f’kull waħda miż-żewġ speċi, it-Tqarbin bl-ispeċi tal-ħobż biss hu biżżejjed biex wieħed jirċievi l-frott kollu tal-grazzja tal-Ewkaristija. Għal ragunijiet pastorali dan il-mod tat-Tqarbin bl-ispeċi biss tal-ħobż sar leġittimament il-mod abitwali tat-Tqarbin fir-rit Latin. “Is-sura tat-Tqarbin biż-żewġ speċi, minħabba s-sinjal tiegħu, hija sura aqwa, għax f’din is-sura, is-sinjal tal-ikla ewkaristika jidher wisq aħjar”.[127] Hija s-sura abitwali tat-Tqarbin fir-riti tal-Lvant.

Il-frott tat-Tqarbin

1391 *It-Tqarbin ikabbar l-għaqda tagħna ma’ Kristu.* It-Tqarbin bħala frott ewlieni tiegħu għandu l-għaqda intima

[124] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 55. Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 917 li tgħid li l-Insara jistgħu jirċievu l-Ewkaristija darbtejn biss fl-istess jum. Ara Kummissjoni Pontifiċja għall-Interpretazzjoni Awtentika tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, *Tweġiba għal xi dubji* (1984), 1.

[125] Konċilju Vatikan II, Digriet *Orientalium ecclesiarum* (1964), 15.

[126] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 920.

[127] *Missal Ruman*, Istituzzjoni Ġenerali, 240.

ma’ Kristu. Il-Mulej qal: “Min jiekol ġismi u jixrob demmi 460
jibqa’ fija u jiena fih” (*Ġw* 6,56). Il-ħajja fi Kristu għandha l-pedament tagħha fl-ikla ewkaristika: “Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b’Missieri, hekk ukoll min jiekol lili, hu wkoll jgħix bija” (*Ġw* 6,57): 521

> Fil-festi tal-Mulej, meta l-fidili jirċievu l-Ġisem tal-Iben, iħabbru lil xulxin il-Bxara t-Tajba li ngħata r-rahan tal-ħajja, kif l-anġlu ħabbar lil Marija ta’ Magdala: “Kristu qam mill-imwiet!” Araw li minn issa stess il-ħajja u l-qawmien mill-imwiet jingħataw lil min irċieva ’l Kristu.[128]

1392 Dak li jagħmel l-ikel materjali fil-ħajja ta’ ġisimna, 1212
it-Tqarbin jagħmlu b’mod tal-għaġeb fil-ħajja tar-ruħ. It-Tqarbin bil-Ġisem ta’ Kristu rxoxt, “mogħti l-ħajja mill-Ispirtu s-Santu u jagħti l-ħajja”,[129] iħares, ikabbar u jġedded il-ħajja tal-grazzja li ngħatat fil-Magħmudija. Dan l-iżvilupp fil-ħajja Nisranija jeħtieġ jitmantna bit-Tqarbin, l-ikel tal-pellegrinaġġ tagħna f’din id-dinja, sal-mument tal-mewt, meta jingħatalna 1524
bħala vjatku.

1393 *It-Tqarbin jifridna mid-dnub.* Il-Ġisem ta’ Kristu li nirċievu fit-Tqarbin “ingħata għalina”, u d-Demm li nixorbu “ixxerred għall-bnedmin kollha għall-maħfra tad-dnubiet”. 613
Għalhekk l-Ewkaristija ma tistax tgħaqqadna ma’ Kristu jekk ma ssaffiniex fl-istess waqt minn dnubietna tal-imgħoddi, u tħarisna mid-dnubiet tal-ġejjieni:

> Kull darba li nirċevuh, inxandru l-mewt tal-Mulej (ara *1 Kor* 11,26). Aħna u nħabbru l-mewt tal-Mulej, inħabbru l-maħfra tad-dnubiet. Jekk kull darba li Demmu jixxerred, jixxerred għall-maħfra tad-dnubiet, jien imissni nirċevih dejjem biex dejjem jaħfirli dnubieti. Jien li nidneb kuljum, għandu jkolli dejjem din id-duwa.[130]

[128] *Fanqith*, mill-Brevjar skont ir-Rit Siro-Antjoken, I, Komun, 237 a-b.

[129] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 5.

[130] San Ambroġ, *Dwar is-Sagramenti*, 4, 28: PL 16, 446A.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 530-531 5/16/2014 11:28:04 AM

1394 Kif l-ikel tal-ġisem jagħti mill-ġdid is-saħħa li tkun naqset, hekk l-Ewkaristija ssaħħaħ l-imħabba li, fil-ħajja ta' kuljum, dejjem tiddgħajjef xi ftit; u *din l-imħabba ħajja tneħħi d-dnubiet venjali.*[131] Huwa u jagħti lilu nnifsu lilna, Kristu jqajjem l-imħabba tagħna u jagħtina l-ħila ninqatgħu mir-rabtiet diżordinati tagħna mal-ħlejjaq u nniżżlu l-għeruq tagħna fih:

> Għaliex Kristu miet għall-imħabba tagħna, kull meta noffru sagrifiċċju b'tifkira tal-mewt tiegħu, aħna nitolbu biex ikollna l-imħabba billi jiġi fina l-Ispirtu s-Santu; dan għaliex aħna, fix-xejn tagħna nitolbu li bil-qawwa tal-imħabba li biha Kristu miet għalina, aħna wkoll meta nirċievu l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu nagħrfu li d-dinja hi msallba għalina ... u bid-don tal-imħabba li nkunu rċevejna, immutu għad-dnub u ngħixu għal Alla.[132]

1395 Bl-istess imħabba li tiddi fina, l-Ewkaristija *tħarisna mid-dnubiet mejta fil-ġejjieni.* Aktar ma nissieħbu fil-ħajja ta' Kristu, aktar nimxu 'l quddiem fil-ħbiberija miegħu, aktar isir diffiċli għalina niksruha miegħu bid-dnub il-mejjet. L-Ewkaristija ma taħfirx id-dnubiet mejta. Dawn jinħafru bis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Hu propju tal-Ewkaristija li tkun is-sagrament ta' dawk li huma f'għaqda sħiħa mal-Knisja.

1396 *L-għaqda tal-Ġisem mistiku: L-Ewkaristija tagħmel il-Knisja.* Dawk li jitqarbnu jingħaqdu ma' Kristu b'rabta aktar sħiħa. Bl-Ewkaristija, Kristu jgħaqqadhom mal-fidili kollha f'ġisem wieħed: il-Knisja. It-tqarbin iġedded, iqawwi, isaħħaħ din ir-rabta mal-Knisja li ġa seħħet bil-Magħmudija. Fil-Magħmudija aħna ġejna msejħin biex inkunu ġisem

[131] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551): DS 1638.

[132] San Fulġenz ta' Ruspe, *Trattat kontra Fabjanu*, 28, 16-19: PL 65, 789: ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari tat-Tnejn tat-28 ġimgħa.

wieħed (ara *1 Kor* 12,13). L-Ewkaristija tagħmel li sseħħ din is-sejħa. "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka, mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (*1 Kor* 10, 16-17):

> Jekk intom il-Ġisem ta' Kristu u membri tiegħu, hu l-misteru tagħkom li jitqiegħed fuq il-mejda tal-Mulej, u intom tirċievu l-misteru tagħkom. Intom twieġbu "Ammen" (Iva! Hekk hu!) għal dak li tirċievu u dan twettquh bit-tweġiba tagħkom. Int tisma' l-kelmiet: "Il-Ġisem ta' Kristu", u twieġbu: "Ammen". Kun mela membru ta' Kristu, biex l-Ammen tiegħek ikun veru.[133]

1397 *L-Ewkaristija timpenjana favur il-foqra.* Biex nirċievu fil-verità l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, li ngħata għalina, jeħtiġilna naraw lil Kristu f'ħutu l-aktar foqra (ara *Mt* 25,40):

> Int xrobt mid-Demm tal-Mulej, u lanqas tagħraf lil ħuk. Int tnaqqas il-ġieħ ta' din l-istess mejda meta tqis li ma jistħoqqlux jissieħeb miegħek fl-ikel dak li ġie meqjus li jistħoqqlu jiekol minn din il-mejda. Alla ħelsek minn dnubietek kollha u stiednek għal din il-mejda. U int, l-istess bħal qabel, ma sirtx aktar ħanin.[134]

1398 *L-Ewkaristija u l-għaqda tal-Insara.* Quddiem il-kobor ta' dan il-misteru, Santu Wistin tenna: "O sagrament ta' tjieba! O sinjal ta' għaqda! O rabta ta' mħabba! – *O sacramentum pietatis! O signum unitatis! O vinculum caritatis!*"[135] Għalhekk jinħass tassew in-niket tal-firdiet fil-

[133] Santu Wistin, *Omelija* 272: PL 38, 1247.

[134] San Ġwann Griżostmu, *Dwar l-Ewwel Ittra lill-Korintin*, Omelija 27, 5: PG 61, 230.

[135] Santu Wistin, *Trattat* 26 *dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*, 13; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 47.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 532-533 5/16/2014 11:28:04 AM

817 Knisja li ma jħallux lil kulħadd jissieħeb flimkien fil-mejda tal-Mulej. Kemm jeħtieġ isir talb aktar ħerqan biex ifittxu jaslu l-jiem tal-għaqda sħiħa bejniethom ta' dawk kollha li jemmnu fi Kristu.

838 1399 Il-Knejjes tal-Lvant li mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika, jiċċelebraw l-Ewkaristija b'imħabba kbira. "Dawn il-Knejjes, għalkemm mifrudin, għandhom sagramenti veri, l-aktar minħabba s-suċċessjoni appostolika, is-saċerdozju u l-Ewkaristija: bihom huma marbutin magħna b'rabta liema bħalha".[136] Għalhekk ċerta għaqda *in sacris* (fil-ħwejjeġ qaddisa), u għalhekk fl-Ewkaristija, hija mhux biss possibbli, imma wkoll ta' min jirrakkomandaha,f'ċerti ċirkustanzi favorevoli, u bl-approvazzjoni tal-awtorità ekkleżjastika".[137]

1400 Il-komunitajiet ekkleżjali li ħarġu mir-Riforma Protestanta, mifrudin
1536 mill-Knisja Kattolika, "l-aktar minħabba n-nuqqas tas-sagrament tal-Ordni, ma żammewx l-essenza vera u sħiħa tal-Misteru ewkaristiku".[138] Għal din ir-raġuni, għall-Knisja Kattolika ma jistax ikun hemm xi mod ta' għaqda magħhom fl-Ewkaristija. Iżda dawn il-komunitajiet ekkleżjali "meta jagħmlu t-tifkira tal-mewt u tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet, fl-Ikla Mqaddsa huma jkunu jistqarru li l-ħajja tikseb it-tifsir sħiħ tagħha f'għaqda ma' Kristu, huma u jistennew it-tieni miġja tiegħu fil-glorja".[139]

1483 1401 F'każ ta' ħtieġa, li fil-fehma tal-Ordinarju tkun ħtieġa kbira, il-ministru Kattoliku jista' jagħti s-sagrament (Ewkaristija, Penitenza, Dlik tal-morda) lill-Insara mhux Kattoliċi li mhumiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika, jekk jitolbuhom minn rajhom. Iżda f'dan il-każ iridu juru li jistqarru
1385 l-fidi Kattolika dwar dawn is-sagramenti u li għandhom id-dispożizzjonijiet meħtieġa.[140]

VII. L-Ewkaristija: "Rahan tal-ħajja ta' dejjem"

1402 F'talba antika, il-Knisja ssellem lill-misteru tal-

[136] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 15.
[137] *Ibid*.; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 844 §3.
[138] Konċilju Vatikan II, Digriet *Unitatis redintegratio* (1964), 22.
[139] *Ibid.*
[140] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 844 §4.

Ewkaristija b'dan il-kliem: "Kemm hi qaddisa l-mejda li fiha nieklu l-Ġisem ta' Kristu u nixorbu Demmu, niċċelebraw 1323
it-tifkira tal-Passjoni tiegħu, ruħna timtela bil-grazzja, u nirċievu r-rahan tal-ħajja ta' dejjem! – *O sacrum convivium in quo Christus sumitur, recolitur memoria passionis eius, mens impletur gratia et futurae gloriae nobis pignus datur!*"[141] Jekk l-Ewkaristija hija t-tifkira tal-Għid tal-Mulej, jekk bit-tisħib tagħna fl-artal tal-Mulej, aħna "nimtlew b'kull barka u grazzja tas-sema"[142], l-Ewkaristija hi wkoll għalina tħabbira tal-glorja tas-sema. 1130

1403 Waqt l-Aħħar Ikla, il-Mulej innifsu għarraf lid-dixxipli tiegħu li l-Għid jilħaq il-milja tiegħu fis-saltna ta' Alla: "Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dakinhar li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri" (*Mt* 26,29; ara *Lq* 22,18; *Mk* 14,25). Kull darba li l-Knisja tiċċelebra l-Ewkaristija, tiftakar f'din il-wegħda u ħsiebha jmur "f'Dak ... li għad irid jiġi" (*Apok* 1,4). Fit-talb tagħha, il-Knisja ssejjaħlu hija u tgħid: "Marana-ta!" (*1 Kor* 671
16,22), "Ejja, Mulej Ġesù!" (*Apok* 22,20), "Jalla tiġi l-grazzja tiegħek u tgħaddi din id-dinja".[143]

1404 Il-Knisja taf li sa minn issa l-Mulej jiġi fl-Ewkaristija tiegħu, u qiegħed hemm f'nofsna. Iżda din il-preżenza tiegħu hi moħbija. Hu għalhekk li aħna niċċelebraw l-Ewkaristija "aħna u nistennew u nittamaw il-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu"[144], aħna u nitolbu biex idaħħalna fis- 1041

[141] *Liturġija tas-Sigħat*, Għasar II tas-Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, Antifona tal-Magnificat.
[142] *Missal Ruman*, Talba Ewkaristika I: "Fiċ-ċokon tagħna ... (*Supplices te rogamus ...*).
[143] *Didaché,* 10, 6. Ara *Didaché. It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu,* Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija, 1999, 55.
[144] *Missal Ruman,* Rit tat-Tqarbin: Emboliżmu wara l-"Missierna"; ara *Tit* 2,13.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 534-535 5/16/2014 11:28:04 AM

saltna tiegħu “biex ilkoll flimkien nitgħaxxqu għal dejjem bissebħ tiegħu, fejn hu jixxotta kull demgħa minn għajnejna,
1028 u hemm narawh, Alla tagħna, kif inhu fih innifsu, u hemm insiru nixbhuh għal dejjem, u għal dejjem infaħħruh”.[145]

1042 1405 Ta’ din it-tama kbira, dik tas-smewwiet ġodda u ta’ art ġdida, li fihom tgħammar il-ġustizzja (ara *2 Piet* 3,13) ma għandniex rahan aqwa, sinjal aktar ċar mill-Ewkaristija. Dan għaliex kull darba li aħna niċċelebraw dan il-misteru “isseħħ l-opra tal-fidwa tagħna”[146] u aħna “naqsmu ħobża li
1000 hija duwa tal-immortalità, rimedju kontra l-mewt u ikel għall-ħajja ta’ dejjem f’Ġesù Kristu”.[147]

Fil-qosor

1406 *Ġesù qal: “Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem ... Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta’ dejjem ... u ... jibqa’ fija u jiena fih”* (*Ġw* 6,51.54.56).

1407 *L-Ewkaristija hi l-qalba u l-qofol tal-ħajja tal-Knisja għax fiha Kristu jsieħeb il-Knisja u l-membri kollha tagħha fis-sagrifiċċju ta’ tifħir u ta’ radd il-ħajr li offra darba għal dejjem fuq is-salib lil Missieru; b’dan is-sagrifiċċju hu jxerred il-grazzji tas-salvazzjoni fuq Ġismu, li hu l-Knisja.*

1408 *Iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika għandha dejjem: it-tħabbira tal-Kelma ta’ Alla; ir-radd ta’ ħajr lil Alla l-Missier għall-ġid kollu li jagħtina, u l-aktar għad-don ta’ Ibnu stess;*

[145] *Missal Ruman*, Talba Ewkaristika III, Talba għall-mejtin.

[146] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 3.

[147] San Injazju ta’ Antjokja, *Ittra lill-Efesin,* 20, 2.

il-konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid; u t-tisħib fl-ikla liturġika bit-tqarbin bil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Dawn l-elementi kollha jagħmlu wieħed u l-istess att ta’ qima.

1409 *L-Ewkaristija hi t-tifkira tal-Għid tal-Mulej, jiġifieri l-opra tal-fidwa li ssir preżenti permezz tal-ħajja, bil-mewt u bil-Qawmien mill-imwiet ta’ Kristu, opra li terġa’ sseħħ permezz tal-azzjoni liturġika.*

1410 *Hu Kristu nnifsu, il-Qassis il-Kbir u ta’ dejjem tal-Patt il-Ġdid, li permezz tal-ministeru tas-saċerdoti, joffri s-sagrifiċċju ewkaristiku. U hu wkoll l-istess Kristu, realment preżenti taħt l-ispeċi tal-ħobż u tal-inbid, li hu l-offerta tas-sagrifiċċju ewkaristiku.*

1411 *Is-saċerdoti biss li ġew ordnati validament jistgħu jippresiedu l-Ewkaristija u jikkonsagraw il-ħobż u l-inbid biex isiru l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.*

1412 *Is-sinjali essenzjali tas-sagrament ewkaristiku huma l-ħobż mid-dqiq tal-qamħ u l-inbid mill-għeneb tad-dielja, li fuqhom tintalab il-barka tal-Ispirtu s-Santu u s-saċerdot itenni l-kliem tal-konsagrazzjoni li qal Kristu fl-Aħħar Ikla: “Dan hu Ġismi li ngħata għalikom ... Dan hu l-kalċi ta’ Demmi ...”*

1413 *Permezz tal-konsagrazzjoni sseħħ it-transustanzazzjoni tal-ħobż u tal-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta’ Kristu. Taħt l-ispeċi kkonsagrati tal-ħobż u tal-inbid, Kristu nnifsu kollu kemm hu, ħaj u glorjuż, hu preżenti, verament, realment u sostanzjalment, b’Ġismu, b’Demmu, b’ruħu u bid-divinità tiegħu.[148]*

[148] Ara Konċilju ta’ Trento, *Digriet dwar l-Ewkaristija* (1551), 3: DS 1640; ara *ibid*., kan. 1: DS 1651.

kkk 469-538 latest.OK (r).indd 536-537 5/16/2014 11:28:04 AM

1414 *L-Ewkaristija, bħala sagrifiċċju, hi wkoll offerta ta' tpattija għad-dnubiet tal-ħajjin u tal-mejtin, u offerta wkoll biex niksbu mingħand Alla kull ġid spiritwali u temporali.*

1415 *Min irid jirċievi 'l Kristu fit-Tqarbin irid ikun fil-grazzja ta' Alla. Min iħoss li għamel xi dnub mejjet, ma għandux jitqarben mingħajr ma jkun qabel irċieva l-assoluzzjoni fis-sagrament tal-Penitenza.*

1416 *It-Tqarbina bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu tgħaqqad aktar ma' Kristu lil min jitqarben, taħfirlu d-dnubiet venjali u tħarsu mid-dnubiet gravi. U għaliex ir-rabtiet ta' mħabba bejn min jitqarben u Kristu jissaħħu, it-Tqarbin isaħħaħ l-għaqda tal-Knisja, il-Ġisem mistiku ta' Kristu.*

1417 *Il-Knisja tirrikkmanda bil-qawwa kollha lill-Insara biex jitqarbnu meta jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija; iżda tobbligahom li jitqarbnu almenu darba fis-sena.*

1418 *Għaliex Kristu stess hu preżenti fis-Sagrament tal-artal, għandu jiġi miqjum b'kult ta' adorazzjoni. "Iż-żjara lis-Sagrament Imqaddes hi prova ta' ħajr, sinjal ta' mħabba u dmir ta' adorazzjoni lejn Kristu Sidna".*[149]

1419 *Kristu, li għadda minn din id-dinja għal għand il-Missier, fl-Ewkaristija jagħtina rahan tal-glorja tal-ħajja ta' dejjem miegħu; it-tisħib fis-Sagrifiċċju Mqaddes jagħmilna ħaġa waħda ma' Qalbu, iwettaqna fil-mixi tagħna f'din id-dinja, iġegħelna nixtiequ l-ħajja ta' dejjem u jgħaqqadna minn issa mal-Knisja tas-sema, mal-Verġni Marija u mal-Qaddisin kollha.*

[149] Pawlu VI, Enċiklika *Mysterium fidei* (1965), 66.

IT-TIENI KAPITLU

IS-SAGRAMENTI TAL-FEJQAN

1420 Bis-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija, il-bniedem jieħu l-ħajja ġdida fi Kristu. Issa, din il-ħajja aħna nġorruha "f'ġarar tal-fuħħar" (*2 Kor* 4,7). Għalissa għadha "moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla" (*Kol* 3,3). Għadna "fl-għamara tagħna fl-art" (*2 Kor* 5,1), imġarrbin mit-tbatija, il-mard u l-mewt. Din il-ħajja ġdida ta' wlied Alla tista' tiddgħajjef u tintilef ukoll permezz tad-dnub.

1421 Il-Mulej Ġesù Kristu, it-tabib ta' ruħna u ta' ġisimna, li ħafer id-dnubiet tal-mifluġ u tah is-saħħa ta' ġismu (ara *Mk* 2,1-12), ried li l-Knisja tiegħu tkompli, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, il-ħidma tiegħu ta' fejqan u ta' salvazzjoni wkoll mal-membri tal-ġisem tiegħu. Dan hu l-għan taż-żewġ sagramenti tal-fejqan: is-sagrament tal-Penitenza u d-Dilka tal-morda.

Ir-raba' artiklu

IS-SAGRAMENT TAL-PENITENZA U TAR-RIKONĊILJAZZJONI

1422 "Dawk li jersqu għas-sagrament tal-Penitenza jirċievu mill-ħniena ta' Alla l-maħfra għall-offiżi li jkunu 980

għamlulu u minnufih jiġu wkoll rikonċiljati mal-Knisja li huma jkunu darbu bi dnubiethom, u li, permezz tal-imħabba, tal-eżempju tajjeb, u tat-talb, tħabrek għall-konverżjoni tagħhom".[1]

I. Kif jissejjaħ dan is-sagrament?

1989 1423 Dan is-sagrament jissejjaħ is-*sagrament tal-indiema u l-konverżjoni* għaliex jagħmel li sseħħ sagramentalment l-istedina ta' Ġesù għall-indiema (ara *Mk* 1,15), u l-mixi lura għand il-Missier (ara *Lq* 15,18) li minnu wieħed ikun tbiegħed bid-dnub.

1440 Jissejjaħ *sagrament tal-Penitenza* għax jikkonsagra l-mixja personali u ekkleżjali ta' konverżjoni, indiema u tpattija tan-Nisrani midneb.

1456 1424 Jissejjaħ *sagrament tal-qrar* għaliex il-qrara tad-dnubiet lis-saċerdot hi element essenzjali ta' dan is-sagrament. Fit-tifsir aktar għoli tiegħu dan is-sagrament hu wkoll "stqarrija", ħajr u tifħir tal-qdusija ta' Alla u tal-ħniena tiegħu għall-bniedem midneb.

1449 Jissejjaħ ukoll *sagrament tal-maħfra* għaliex permezz tal-assoluzzjoni sagramentali tas-saċerdot, Alla jagħti lill-penitent "maħfra u sliem".[2]

1442 Jissejjaħ ukoll *sagrament ta' Rikonċiljazzjoni* għax jagħti lill-penitent l-imħabba ta' Alla li jħabbu mill-ġdid miegħu. "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu" (*2 Kor* 5,20). Min jgħix bl-imħabba kollha ħniena ta' Alla, dejjem lest iwieġeb

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[2] *Ordni għall-Penitenza*, talba tal-assoluzzjoni.

għall-istedina tal-Mulej: "Mur l-ewwel irranġa ma' ħuk" (*Mt* 5, 24).

II. Għalfejn sagrament ta' Rikonċiljazzjoni wara l-Magħmudija?

1425 "Tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' 1263
Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna" (*1 Kor* 6,11). Irridu nagħrfu sewwa x'kobor ta' don Alla tana permezz tas-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija biex nifhmu kemm id-dnub hu ħaġa li ma għandhiex tkun għal min "[libes] 'il Kristu" (*Gal* 3,27). Iżda l-Appostlu San Ġwann jgħid ukoll: "Jekk ngħidu li m'għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina" (*1 Ġw* 1,8). U l-Mulej stess għallimna nitolbu: "Aħfrilna dnubietna" (*Lq* 11,4), huwa u jorbot il-maħfra li nagħtu 2838
lil xulxin għal ħtijietna mal-maħfra li Alla jagħtina għal dnubietna.

1426 *Il-konverżjoni* lejn Kristu, it-twelid ġdid fil-Magħmudija, id-don tal-Ispirtu s-Santu, il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu li nirċievu bħala ikel u xorb għal ruħna jagħmluna "qaddisa u bla tebgħa quddiemu" (*Ef* 1,4), bħalma l-Knisja stess, l-Għarusa ta' Kristu, hi "qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd" (*Ef* 5,27). Iżda l-ħajja ġdida li rċevejna bid-dħul tagħna fil-ħajja Nisranija ma neħħietx il-fraġilità u d-dgħufija tan-natura tagħna, u lanqas il-ġibda lejn id-dnub li t-tradizzjoni ssejjaħ *konkupixxenza,* li tibqa' fl-imgħammdin 405; 978
biex joħorġu rebbieħa fil-provi tagħhom fil-ġlieda tal-ħajja 1264
Nisranija, megħjunin bil-grazzja ta' Kristu.[3] Din il-ġlieda hija

[3] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-Dnub tan-Nisel* (1546), kan. 5: DS 1515.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 540-541 5/16/2014 11:29:46 AM

dik tal-*konverżjoni* ħa tinkiseb il-qdusija u l-ħajja ta' dejjem li għalihom il-Mulej ma jieqaf qatt isejħilna.[4]

III. Il-konverżjoni tal-imgħammdin

541 1427 Ġesù jsejħilna għall-indiema. Din is-sejħa hi parti essenzjali mit-tħabbira tas-Saltna: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu fl-Evanġelju" (*Mk* 1,15). Din l-istedina, fil-predikazzjoni tal-Knisja, issir l-ewwel lil dawk li għad ma jafux bi Kristu u l-Evanġelju tiegħu. Il-Magħmudija mbagħad hi l-post prinċipali, u l-post fundamentali tal-konverżjoni. Hu permezz tal-fidi fil-Bxara
1226 t-Tajba u permezz tal-Magħmudija (ara *Atti* 2,38) li niċħdu l-ħażen u niksbu s-salvazzjoni, jiġifieri l-maħfra ta' dnubietna kollha u d-don tal-ħajja ġdida.

1428 Issa, is-sejħa ta' Kristu għall-konverżjoni tibqa' tiġi
1036 mtennija tul il-ħajja tan-Nisrani. Din *it-tieni konverżjoni* hi dmir li ma jintemm qatt għall-Knisja kollha, li "fi ħdanha għandha l-midinbin" u hi għalhekk "fl-istess ħin qaddisa u
853 msejħa biex tissaffa u bla heda tħabrek għall-indiema u t-tiġdid".[5] Dan it-tħabrik għall-konverżjoni mhuwiex biss ħidma tal-bniedem. Hu ċ-ċaqliq ta' "qalb niedma" (*Salm* 51,19) miġbuda u misjuqa mill-grazzja (ara *Ġw* 6,44; 12,32) biex twieġeb għall-imħabba kollha ħniena ta' Alla li ħabbna
1996 qabel ma ħabbejnieh aħna stess (ara *1 Ġw* 4,10).

[4] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 6: DS 1545; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 40.

[5] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 8.

1429 Ta' dan hi xhieda l-konverżjoni ta' San Pietru wara li kien ċaħad lill-Imgħallem tiegħu għal tliet darbiet. Il-ħarsa kollha ħniena ta' Ġesù wasslitu biex ixerred dmugħ ta' ndiema (ara *Lq* 22,61) u, wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, wasslitu biex jistqarr għal tliet darbiet l-imħabba tiegħu għal Kristu (ara *Ġw* 21,15-17). It-tieni konverżjoni għandha wkoll dimensjoni *komunitarja.* Dan jidher mill-istedina tal-Mulej lill-Knisja kollha: "Indem!" (*Apok* 2,5.16)

> San Ambroġ dwar dawn iż-żewġ konverżjonijiet jgħid li fil-Knisja "hemm l-ilma u d-dmugħ: l-ilma tal-Magħmudija u d-dmugħ tal-Penitenza".[6]

IV. Il-penitenza fir-ruħ

1430 Kif ġara fi żmien il-profeti, l-istedina ta' Ġesù għall-indiema u għall-penitenza ma kinitx fil-bidu tintwera b'għemil minn barra, "in cinere et cilicio" (bl-irmied u ċ-ċilizju), bis-sawm u t-tgħakkis, imma *bil-konverżjoni tal-* 1098
qalb u l-penitenza fir-ruħ. Mingħajr dan, l-għemejjel kollha tal-penitenza li nagħmlu ma jkollhomx frott u jkunu gidba, waqt li l-konverżjoni fir-ruħ minn ġewwa, tfittex li turi lilha nnifisha minn barra permezz ta' sinjali li jidhru, ta' ġesti u ta' għemil ta' penitenza (ara *Ġoel* 2,12-13; *Is* 1,16-17; *Mt* 6, 1-6.16-18).

1431 Il-penitenza fir-ruħ, minn ġewwa, hi bidla radikali fis-sura kollha tal-ħajja: induru lejn Alla, nerġgħu lura għandu b'qalbna kollha, nieqfu mid-dnub, nitwarrbu mill-ħażen bi stmerrija għal kull għemil ħażin li nkunu għamilna. Fl-istess 1451
ħin dan ifisser ukoll xewqa u fehma soda li nbiddlu ħajjitna

[6] San Ambroġ, *Ittra* 41, 12: PL 16, 1116B.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 542-543 5/16/2014 11:29:46 AM

bit-tama li Alla jħenn għalina u b'fiduċja sħiħa fl-għajnuna tal-grazzja tiegħu. Din il-konverżjoni tal-qalb hi msieħba ma' sogħba u niket li jkunu tassew ta' ġid, sogħba u dieqa li Missirijiet il-Knisja sejħulhom *animi cruciatus* (dieqa kbira
368 fir-ruħ), *compunctio cordis* (qsim il-qalb).[7]

1432 Il-qalb tal-bniedem hi tqila u iebsa, hi qalb tal-ġebel. Jeħtieġ li Alla jagħti lill-bniedem qalb ġdida (ara *Eżek*
1989 36,26-27). Il-konverżjoni hi qabel kollox ħidma tal-grazzja ta' Alla li ddawrilna qlubna lejh: "Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura" (*Lam* 5,21). Alla jagħtina l-qawwa biex nibdew mill-ġdid. Hu meta nintebħu bil-kobor tal-imħabba ta' Alla, li qalbna titqanqal quddiem il-kruha u t-toqol tad-dnub u tibda tibża' toffendi lil Alla permezz tad-dnub li b'hekk tinfired minnu. Il-qalb tal-bniedem tinbidel meta tħares lejn dak li ġie msallab minn dnubietna (ara *Ġw* 19,37; *Żak* 12,10).

> B'għajnejna msammrin fuq id-demm ta' Kristu, ejjew nifhmu kemm hu għażiż għal Alla Missieru; għaliex imxerred għas-salvazzjoni tagħna ġieb għad-dinja kollha l-grazzja tal-indiema.[8]

729 1433 Wara l-Għid, hu l-Ispirtu s-Santu li juri lid-dinja li "għandha żball dwar id-dnub" (*Ġw* 16,8-9), għax ma emmnitx f'dak li l-Missier bagħat. Iżda hu l-istess Spirtu li
692; 1848 jikxef id-dnub, hu d-Difensur (ara *Ġw* 15,26) li jagħti lill-qalb tal-bniedem il-grazzja tal-indiema u l-konverżjoni (ara *Atti* 2,36-38).[9]

[7] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), 4: DS 1676-1678; *ibid*., kan. 5: DS 1705; *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappallini* (1566), 2, 5, 4.

[8] San Klement ta' Ruma, *Ittra lill-Korintin*, 7, 4: PG 1, 224.

[9] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Dominum et vivificantem* (1986), 27-48.

V. Il-ħafna suriet ta' penitenza fil-ħajja Nisranija

1434 Il-penitenza fir-ruħ, minn ġewwa, tan-Nisrani tista' tintwera b'ħafna manjieri. L-Iskrittura u Missirijiet il-Knisja jinsistu l-aktar fuq tliet manjieri: *is-sawm, it-talb u l-karità* (ara *Tob* 12,8; *Mt* 6,1-18): dawn ifissru li 1969
wieħed inbidel, ikkonverta, fir-relazzjonijiet miegħu nnifsu, fir-relazzjonijiet ma' Alla u fir-relazzjonijiet ma' għajru. Flimkien mat-tisfija radikali li sseħħ bil-Magħmudija u bil-martirju, isemmu, bħala mezz biex tinkiseb il-maħfra tad-dnubiet, l-isforzi li wieħed jagħmel biex jerġa' jinħabb ma' għajru, id-dmugħ tas-sogħba, il-ħerqa għas-salvazzjoni tal-oħrajn (ara *Ġak* 5,20), it-talb tal-qaddisin u l-imħabba bil-fatti għax "l-imħabba tgħatti kotra ta' dnubiet" (*1 Piet* 4,8).

1435 Fil-ħajja ta' kuljum, il-konverżjoni sseħħ permezz ta' ġesti ta' rikonċiljazzjoni, ta' ħerqa għall-foqra, tat-tħaddim u tal-ħarsien tal-ġustizzja u tad-dritt (ara *Għam* 5,24; *Is* 1,17), bl-istqarrija tal-ħtijiet magħmula lill-aħwa, bil-korrezzjoni fraterna, bir-reviżjoni tal-ħajja, bl-eżami tal-kuxjenza, bid-direzzjoni spiritwali, bl-aċċettazzjoni tat-tbatija, bis-sabar fil-persekuzzjoni minħabba l-ġustizzja. Terfa' salibek kuljum u tmur wara Ġesù hi t-triq l-aktar żgura tal-penitenza (ara *Lq* 9,23).

1436 *Ewkaristija u Penitenza.* Il-konverżjoni u l-penitenza ta' kuljum għandhom il-bidu tagħhom u l-manteniment tagħhom fl-Ewkaristija, għaliex fiha jseħħ is-sagrifiċċju ta' Kristu li bih reġa' ħabbibna ma' Alla; biha jitmantnu u jissaħħu dawk li jgħixu l-ħajja ta' Kristu: l-Ewkaristija "hi r-rimedju li teħlisna mill-ħtijiet ta' kuljum u tħarisna mid-dnubiet mejta".[10] 1394

1437 Il-qari tal-Kotba Mqaddsa, it-talba tal-Liturġija tas-Sigħat u t-talba tal-Missierna, kull għemil ta' qima u ta' tjieba li joħroġ mill-qalb iqawwi fina l-ispirtu tal-konverżjoni u tal-penitenza u jgħin għall-maħfra ta' dnubietna.

1438 *Iż-żminijiet u l-jiem tal-penitenza* tul is-sena liturġika (ir-Randan u 540
kull nhar ta' Ġimgħa b'tifkira tal-mewt tal-Mulej) huma mumenti qawwija fil-prattika penitenzjali tal-Knisja.[11] Dawn iż-żminijiet huma adatti ħafna għall-eżerċizzi spiritwali, għal-liturġiji penitenzjali, għall-pellegrinaġġi b'sinjal ta' penitenza, għat-tgħakkis volontarju bħalma huma s-sawm u l-karità, u 2043
l-qsim tal-ġid mal-aħwa (ħidmiet karitattivi u missjunarji).

[10] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar l-Ewkaristija* (1551), 2: DS 1638.

[11] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 109-110; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1249-1253; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 880-883.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 544-545 5/16/2014 11:29:46 AM

1439 *Il-mixja tal-indiema u tal-penitenza* ġiet imfissra b'mod tassew tal-għaġeb minn Ġesù permezz tal-parabbola tal-Iben il-ħali, li bħala qofol
545 tagħha għandha "il-missier kollu ħniena" (ara *Lq* 15, 11-24): is-seħer ta' libertà qarrieqa, it-tluq mid-dar ta' missieru, il-miżerja kbira li fiha sab ruħu l-iben wara li berbaq ġidu kollu, l-umiljazzjoni kbira li kellu jġarrab jirgħa l-qżieqeż u wisq agħar dik tax-xewqa li jtaffi l-ġuħ bil-ħarrub li kienu jieklu l-qżieqeż; il-ħsieb tal-ġid li tilef; l-indiema u l-fehma li jistqarr li hu ħati quddiem missieru; it-triq lura; il-laqgħa bil-qalb ta' missieru; dawn kollha huma l-passi propji tal-mixja tal-konverżjoni. Il-libsa sabiħa, iċ-ċurkett, il-festa huma s-simboli tal-ħajja ġdida, safja, xierqa, kollha hena, tal-ħajja tal-bniedem li jerġa' lura għand Alla u lura fi ħdan il-familja tiegħu li hi l-Knisja. Kristu biss, li kien jaf l-għoli u l-fond tal-imħabba tal-Missier, seta' jurina l-kobor tal-ħniena ta' Alla b'mod hekk sempliċi u hekk sabiħ.

VI. Is-Sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni

1850 1440 Id-dnub hu qabel xejn offiża lil Alla, ksur tar-rabta tagħna miegħu. Fl-istess waqt, id-dnub jolqot ukoll ix-xirka tal-Knisja. Għalhekk il-konverżjoni ġġib fl-istess waqt il-maħfra ta' Alla u r-rikonċiljazzjoni mal-Knisja li tiġi mfissra u sseħħ liturġikament bis-sagrament tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni.[12]

Alla biss jaħfer id-dnubiet

270; 431 1441 Alla biss jaħfer id-dnubiet (ara *Mk* 2,7). Għaliex Ġesù hu l-Iben ta' Alla, qal għalih innifsu: "Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art" (*Mk* 2,10) u uża minn din is-setgħa tiegħu ta' Alla: "Dnubietek maħfura!" (*Mk* 2,5;
589 *Lq* 7,48). Anzi, minħabba l-awtorità tiegħu ta' Alla, hu jagħti din is-setgħa lill-bnedmin (ara *Ġw* 20, 21-23) biex jużawha f'ismu.

[12] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

1442 Kristu ried li l-Knisja tiegħu kollha kemm hi, bit-talb, bil-ħajja u bl-għemil tagħha tkun sinjal u strument tal-maħfra u tar-rikonċiljazzjoni li kisbilna bil-prezz ta' demmu. Iżda ried jafda t-tħaddim tas-setgħa tal-assoluzzjoni lill-ministeru 983 appostoliku. Lilu ġie fdat "il-ministeru ta' din il-ħbiberija" (*2 Kor* 5,18). L-appostlu jintbagħat "f'isem Kristu", u huwa "Alla nnifsu" li, permezz tiegħu, iħeġġeġ u jitlob: "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu" (*2 Kor* 5,20).

Rikonċiljazzjoni mal-Knisja

1443 Tul il-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù mhux biss ħafer id-dnubiet iżda wera wkoll l-effett ta' din il-maħfra: daħħal mill-ġdid il-midinbin li qalgħu l-maħfra fil-komunità tal-Poplu ta' Alla, li minnha d-dnub kien warrabhom jew begħedhom. Sinjal tassew tal-għaġeb hu l-fatt li Ġesù jilqa' l-midinbin għall-mejda tiegħu, anzi joqgħod għall-mejda magħhom, 545 għemil li joħloq stagħġib u li jqanqal, iżda fl-istess waqt juri kemm il-maħfra ta' Alla (ara *Lq* 15), kif ukoll id-dħul mill-ġdid tal-midneb fi ħdan il-poplu ta' Alla (ara *Lq* 19,9).

1444 Meta lill-Appostli tahom sehem mis-setgħa tiegħu 981 li jaħfru d-dnubiet, il-Mulej Ġesù tahom ukoll l-awtorità li jħabbu mill-ġdid mal-Knisja. Din id-dimensjoni ekkleżjali ta' dan l-uffiċċju, tidher l-aktar fil-kliem solenni ta' Kristu lil Pietru: "Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet, u kulma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kulma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet" (*Mt* 16,19). Dan l-istess uffiċċju li jorbot u jħoll li ngħata lil Pietru, ingħata wkoll lill-kulleġġ tal-Appostli, magħqudin mal-kap tagħhom" (*Mt* 18,18; 28,16-20).[13]

[13] *Ibid*., 22.

553 1445 Il-kelmiet *torbot u tħoll* ifissru: dak li intom twarrbuh mill-għaqda tagħkom, ikun imwarrab ukoll mill-għaqda ma' Alla; dak li intom tilqgħuh mill-ġdid fl-għaqda tagħkom, Alla wkoll jilqgħu mill-ġdid fl-għaqda miegħu. *Ir-rikonċiljazzjoni mal-Knisja ma tistax tinfired mir-rikonċiljazzjoni ma' Alla.*

Is-sagrament tal-maħfra

979 1446 Kristu waqqaf is-sagrament tal-Penitenza għall-membri kollha midinbin tal-Knisja tiegħu u, qabel xejn, għal dawk li wara l-Magħmudija waqgħu fi dnub gravi u hekk tilfu
1856 l-grazzja tal-Magħmudija u darbu u ġerrħu x-xirka tal-Knisja. Hu lil dawn li s-sagrament tal-Penitenza joffri okkażjoni oħra
1990 ta' ndiema biex jerġa' jkollhom il-grazzja tal-ġustifikazzjoni. Missirijiet il-Knisja jxebbhu dan is-sagrament ma' "tavla oħra (ta' salvazzjoni) wara l-għarqa li hi t-telf tal-grazzja".[14]

1447 Tul iż-żminijiet, is-sura li biha fil-fatt il-Knisja ħaddmet is-setgħa li rċeviet mingħand il-Mulej, varjat ħafna. Fl-ewwel sekli, ir-rikonċiljazzjoni tal-Insara li jkunu għamlu xi dnubiet tassew gravi wara l-Magħmudija (bħalma huma l-idolatrija, l-omiċidju jew l-adulterju) kienet marbuta ma' dixxiplina ta' ebusija liema bħalha: din id-dixxiplina kienet titlob li dawn il-midinbin jagħmlu pubblikament penitenza għall-dnubiethom, penitenza li kienet spiss iddum ħafna snin qabel ma jirċievu l-assoluzzjoni. F'dan "l-ordni tal-penitenti" (li kien biss għal ċerti dnubiet gravi) il-midinbin ma tantx kienu jidħlu malajr, u f'xi postijiet, dan kien jingħatalhom darba biss f'ħajjithom. Mis-seba' seklu 'l hawn, ispirati mit-tradizzjoni monastika tal-Lvant, l-irħieb Irlandiżi xerrdu mal-Ewropa l-penitenza "privata", li ma kinitx titlob għemejjel ta' penitenza magħmulin pubblikament u għal żmien twil qabel ma wieħed jiġi rrikonċiljat mal-Knisja. Minn dak iż-żmien, is-sagrament baqa' jiġi ċċelebrat b'manjiera aktar sigrieta bejn il-penitent u s-saċerdot. Din id-drawwa ġdida kienet tissopponi li s-sagrament jista' jiġi ċċelebrat kemm-il darba, u hekk infetħet it-triq biex l-Insara jersqu regolarment

[14] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 14: DS 1542; Tertulljanu, *Trattat dwar il-Penitenza*, 4, 2: PL 1, 1343.

għas-sagrament tal-Penitenza. Din id-drawwa ppermettiet li f'ċelebrazzjoni sagramentali waħda tingħata l-maħfra kemm għad-dnubiet mejta u kemm għal dnubiet venjali. Hu f'din is-sura, li fissirna fuq fuq, li l-Knisja baqgħet tiċċelebra s-sagrament tal-Penitenza sa żmienna.

1448 Minkejja t-tibdil kollu li sar tul iż-żminijiet fid-dixxiplina u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament, *l-istruttura fundamentali* baqgħet dejjem l-istess. Fiha naraw żewġ elementi essenzjali: minn naħa għandna l-għemejjel tal-bniedem li jindem u jikkonverti, imqanqal mill-ħidma tal-Ispirtu s-Santu, u dawn l-għemejjel huma s-sogħba, il-qrara u t-tewba (il-penitenza); u min-naħa l-oħra hemm il-ħidma ta' Alla permezz tal-Knisja. Il-Knisja li, permezz tal-Isqof u tas-saċerdoti tiegħu, tagħti f'isem Ġesù Kristu l-maħfra tad-dnubiet, tgħid b'liema mod għandha ssir it-tewba, titlob ukoll għall-midneb u tagħmel penitenza miegħu. B'dan il-mod il-midneb jiġi mfejjaq u mdaħħal mill-ġdid fl-għaqda tal-Knisja.

1449 Il-formola tal-assoluzzjoni li tintuża fil-Knisja 1481
Latina turi liema huma l-elementi neċessarji ta' dan is-sagrament: Missier il-ħniena hu l-għajn ta' kull maħfra.
Iħabbeb mill-ġdid miegħu l-midinbin bl-Għid ta' Ibnu u d-don 234
tal-Ispirtu s-Santu, permezz tat-talb u tal-ministeru tal-Knisja:

> Alla, Missier il-ħniena, bil-mewt u l-qawmien ta' Ibnu għall-ħajja, ħabbeb mill-ġdid id-dinja miegħu, u sawwab fuqna l-Ispirtu qaddis tiegħu għall-maħfra tad-dnubiet. Hu, bil-ministeru tal-Knisja, jaħfirlek u jagħtik is-sliem. U jien naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu.[15]

[15] *Ordni għall-Penitenza*, Talba tal-Assoluzzjoni, 46; 55.

VII. L-għemejjel tal-penitent

1450 “Il-penitenza titlob mill-midneb li b’libertà jagħmel dawn l-għemejjel: f’qalbu s-sogħba, il-qrara fuq fommu, u f’għemilu umiltà kbira jew tpattija li tagħti frott”.[16]

Is-sogħba

1451 Is-sogħba hi l-ewwel att li jrid jagħmel il-penitent. Hi
431 “in-niket tar-ruħ u l-istmerrija tad-dnub flimkien mal-fehma li ma jidnibx qatt u qatt iżjed”.[17]

1822 1452 Meta din is-sogħba tkun imqanqla mill-imħabba għal Alla, maħbub fuq kollox u qabel kollox, tkun sogħba “perfetta” (sogħba ta’ mħabba). Din is-sogħba taħfer id-dnubiet venjali u taqla’ wkoll il-maħfra tad-dnubiet mejta, jekk tkun imsieħba ma’ fehma soda li, malli jista’ jkun, wieħed ifittex li jqerr.[18]

1453 Is-sogħba “mhux perfetta”, jew *attritio*, hi wkoll don ta’ Alla, tqanqila mill-Ispirtu s-Santu. Tiġi meta wieħed iqis il-kruha tad-dnub jew ikollu l-biża’ tat-telfien ta’ dejjem u ta’ pieni oħra li bihom il-midneb hu mhedded (sogħba ta’ biża’). Dan it-tqanqil tal-kuxjenza jista’ jwassal għall-bidla fir-ruħ li tista’ ssir bidla sħiħa, bl-għajnuna tal-grazzja, permezz tal-assoluzzjoni sagramentali. Waħedha s-sogħba mhux perfetta ma taqlax il-maħfra tad-dnubiet mejta, imma tħejji

[16] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta’ Trento lill-Kappillani* (1566), 2, 4, 21; ara Konċilju ta’ Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), 3: DS 1673.

[17] Konċilju ta’ Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), 4: DS 1676.

[18] *Ibid*.: DS 1677.

biss biex tinkiseb il-maħfra permezz tas-sagrament tal-Penitenza.[19]

1454 Jaqbel li wieħed iħejji ruħu għas-sagrament tal-Penitenza permezz ta’ *eżami tal-kuxjenza* magħmul fid-dawl tal-Kelma ta’ Alla. Is-siltiet l-aktar adatti jinsabu fil-katekeżi morali tal-Evanġelji u fil-kitbiet tal-Appostli: id-Diskors tal-Muntanja u t-tagħlim tal-Appostli (ara *Rum* 12-15; *1 Kor* 12-13; *Gal* 5; *Ef* 4-6).

Il-qrara

1455 L-istqarrija tad-dnubiet (il-qrara), ukoll bħala 1424
għemil naturali tal-bniedem, tħallina ħielsa u tħaffef ir-rikonċiljazzjoni tagħna mal-oħrajn. Meta l-bniedem jistqarr ħtijietu, ikun qiegħed iħares b’wiċċu minn quddiem lejn id-dnubiet li tagħhom hu ħati: ikun qiegħed jammetti li hu responsabbli tagħhom, u b’hekk ikun qiegħed jinfetaħ mill- 1734
ġdid għal Alla u għax-xirka tal-Knisja biex ikun jista’ jkollu ġejjieni ġdid.

1456 L-istqarrija tad-dnubiet lis-saċerdot hi parti essenzjali tas-sagrament tal-Penitenza: “Il-penitenti, fil-qrar, għandhom 1855
isemmu d-dnubiet kollha mejta li jafu li għamlu wara stħarriġ serju li jagħmlu tagħhom infushom, ukoll jekk id-dnubiet ma huma bla ebda mod magħrufin minn ħadd jew huma dnubiet biss kontra l-aħħar żewġ kmandamenti (ara *Eż* 20,17; *Mt* 5,28), għax dawn id-dnubiet iġerrħu b’mod aktar serju lir-ruħ u huma aktar perikoluži għax isiru mingħajr ħadd ma jkun jaf bihom”.[20]

Meta l-fidili ta’ Kristu jiġu biex iqerru d-dnubiet kollha li jiftakru, ma
għandhomx għax jiddubitaw li mhumiex juruhom kollha lill-ħniena 1505

[19] Ara *ibid.*: DS 1678; kan. 5: DS 1705.

[20] *Ibid*.; 5: DS 1680.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 550-551 5/16/2014 11:29:47 AM

ta' Alla. Dawk li jagħmlu mod ieħor jew jaħbu xi dnubiet u jkunu jafu li qed jagħmlu dan, ikunu qishom ma qed juru xejn lit-tjieba ta' Alla, minn dak kollu li jista' jinħafrilhom bil-ministeru tas-saċerdot. Dan għaliex "jekk il-marid jistħi juri l-ġerħa tiegħu lit-tabib, id-duwa ma tfejjaqx dak li ma tafx bih".[21]

2042 1457 Skont il-preċett tal-Knisja, "kull Nisrani li jasal għall-età tar-raġuni għandu jqerr almenu darba fis-sena, id-dnubiet mejta kollha li jaf bihom".[22]
1385 Min jaf li għamel xi dnub mejjet, ma għandux jersaq jitqarben, ukoll jekk iħoss sogħba kbira, qabel ma jkun irċieva l-assoluzzjoni sagramentali[23] sakemm ma jkunx hemm raġuni gravi biex jitqarben u ma jkunx jista' jersaq għall-qrar.[24] It-tfal għandhom jersqu għas-sagrament tal-Penitenza qabel jagħmlu l-ewwel Tqarbina.[25]

1458 Għalkemm mhijiex ħaġa għal kollox meħtieġa, il-qrar tad-dnubiet li nagħmlu kuljum (id-dnubiet venjali), il-Knisja tirrikkmandah bil-ħrara kollha.[26] Dan għaliex il-qrara regolari
1783 tad-dnubiet venjali tgħinna nsawru l-kuxjenza tagħna, neħduha kontra l-ġibdiet ħżiena tagħna, niġu mfejqa minn Kristu, nimxu 'l quddiem fit-triq tal-Ispirtu. Aktar ma nirċievu ta' spiss id-don tal-ħniena tal-Missier permezz ta' dan is-sagrament, aktar inkunu mġegħlin nuru ħniena bħalu (ara *Lq* 6,36):

> Kull min jistqarr dnubietu ġa qed jaqbel ma' Alla. Alla jikkundanna dnubietek; jekk int tikkundannahom ukoll, int tingħaqad ma' Alla.

[21] *Ibid*.; ara San Ġirolmu, *Tifsir dwar il-Ktieb ta' Koħelet,* 10, 11: PL 23, 1096.

[22] Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), 5: DS 1683; ara *ibid*., kan. 8: DS 1708; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 989.

[23] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar l-Ewkaristija* (1551), 7: DS 1647; *ibid*., kan. 11: DS 1661.

[24] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 916; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 711.

[25] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 914.

[26] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), 5: DS 1680; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 988 §2.

> Il-bniedem u l-midneb, biex ngħidu hekk, huma ħaġa u oħra: bħala bniedem, hu Alla li għamlu; il-midneb hu l-bniedem innifsu li għamlu. Eqred ja bniedem dak li int għamilt, biex Alla jsalva dak li għamel hu ... Meta int tibda tobgħod dak li għamilt int, imbagħad jibda l-għemil it-tajjeb tiegħek għax tikkundanna l-għemejjel ħżiena tiegħek. L-għemil it-tajjeb jibda meta tagħraf l-għemejjel ħżiena. 2468
> Agħmel il-verità u tiġi għad-Dawl.[27]

It-tewba

1459 Ħafna dnubiet jagħmlu ħsara lil għajrna. Għandu jsir kulma jista' jkun biex titpatta din il-ħsara (bħala 2412
eżempji: trodd il-misruq; tagħti mill-ġdid fama tajba lil min naqqasthielu; tħallas għall-ġerħiet li tkun għamilt). Dan titolbu l-ġustizzja. Iżda d-dnub jagħmel aktar minn hekk: 2487
jidrob u jdgħajjef lill-midneb innifsu, u r-relazzjonijiet tiegħu ma' Alla u ma' għajru. L-assoluzzjoni tneħħi d-dnub, iżda ma tfejjaqx it-taħwid kollu li d-dnub ikun ġieb.[28] Il-midneb, wara li jkun tneħħielu d-dnub, ikun għadu ma kisibx 1473
saħħa spiritwali sħiħa. Irid jagħmel xi ħaġa aktar, biex ipatti għal dnubietu: irid "ipatti" b'mod adatt, jew "iħallas" id-dejn ta' dnubietu. Din it-tpattija nsejħulha tewba jew penitenza.

1460 Il-*penitenza* jew tewba li l-konfessur jagħti lill-penitent trid tqis il-qagħda personali tal-penitent u trid tfittex ukoll il-ġid spiritwali tiegħu. Trid tkun taqbel kemm jista' jkun mal-gravità u man-natura tad-dnubiet magħmula mill-penitent. Tista' tkun talb, offerta, għemil ta' ħniena, qadi tal-proxxmu, 2447
ċaħdiet volontarji, sagrifiċċji, u fuq kollox is-sabar fis-slaleb

[27] Santu Wistin, *Trattat* 12 *dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*, 13: PL 35, 1491.

[28] Ara Konċilju ta' Trento, *Kanoni dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), kan. 12: DS 1712.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 552-553 5/16/2014 11:29:47 AM

618 li rridu nġorru. Penitenzi bħal dawn jgħinuna nixxiebhu ma' Kristu, li waħdu, patta għal dnubietna (ara *Rum* 3,25; *1 Ġw* 2,1-2) darba għal dejjem. Jgħinuna nkunu werrieta ma' Kristu rxoxt, "ladarba aħna nbatu miegħu" (*Rum* 8,17)[29]:

> Iżda t-tpattija tagħna, dik li nagħmlu għal dnubietna ssir permezz ta' Ġesù Kristu; aħna waħedna ma nistgħu nagħmlu xejn, imma "għal kollox nifilħu bis-saħħa ta' dak li jqawwina" (*Fil* 4,13). Hekk il-bniedem ma għandux biex jiftaħar, iżda "it-tifħir" kollu tagħna hu
2011 fi Kristu ... li fih inpattu "billi nuru ndiema bl-imġiba tajba tagħna" (*Lq* 3,8), li fih turi l-qawwa tagħha, bih tiġi offruta lill-Missier u minħabba fih tiġi milqugħa mill-Missier.[30]

VIII. Il-ministru tas-sagrament

981 1461 Għaliex Kristu ried jafda lill-Appostli l-ministeru tiegħu tar-rikonċiljazzjoni (ara *Ġw* 20,23; *2 Kor* 5,18), l-Isqfijiet suċċessuri tal-Appostli, u l-presbiteri kollaboraturi tal-Isqfijiet, baqgħu jaqdu dan il-ministeru. Dan għaliex huma l-Isqfijiet u l-presbiteri, li bis-saħħa tas-sagrament tal-Ordni, għandhom is-setgħa li jaħfru d-dnubiet "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu".

1462 Il-maħfra tad-dnubiet tħabbeb mill-ġdid ma' Alla u
886 mal-Knisja wkoll. L-Isqof, il-kap viżibbli tal-Knisja partikulari, għalhekk dejjem jitqies, u bir-raġun kollu, sa mill-ewwel żminijiet, bħala dak li prinċipalment għandu s-setgħa u l-ministeru tar-rikonċiljazzjoni: hu l-moderatur tad-dixxiplina

[29] Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), 8: DS 1690.

[30] *Ibid*.: 1691.

penitenzjali.[31] Il-presbiteri, bħala kollaboraturi tal-Isqof, 1567
jaqdu dan il-ministeru skont kif jiddeterminalhom l-Isqof (jew superjur reliġjuż), jew il-Papa, permezz tal-liġijiet tal-Knisja.[32]

1463 Xi dnubiet tassew gravi jġibu magħhom l-iskomunika, il-piena l-aktar gravi tal-Knisja: min hu skumnikat ma jistax jirċievi s-sagramenti u lanqas jagħmel xi attivitajiet ekkleżjastiċi, u għalhekk ma tistax tingħatalu l-assoluzzjoni, skont il-liġi tal-Knisja, jekk mhux mill-Papa, jew l-Isqof tal-post jew is-saċerdot awtorizzat minnhom.[33] F'periklu ta' mewt, kull saċerdot, ukoll dak li ma għandux il-fakultà tal-qrar, jista' jassolvi minn kull dnub[34] u minn kull skomunika. 982

1464 Is-saċerdoti għandhom iħeġġu lill-fidili biex jersqu għas-sagrament tal-Penitenza, u għandhom ikunu dejjem lesti jiċċelebraw dan is-sagrament kull darba li l-insara jitolbuh b'mod raġonevoli.[35]

1465 Is-saċerdot huwa u jiċċelebra s-sagrament tal-Penitenza, ikun jaqdi l-ministeru tar-Ragħaj it-Tajjeb, li 983
jfittex in-nagħġa l-mitlufa, tas-Samaritan it-Tajjeb li jdewwi l-ġerħat, tal-Missier li jistenna l-Iben il-Ħali jerġa' lura ħa jilqgħu fi ħdanu, l-Imħallef ġust li ma jħarisx lejn wiċċ innies u jagħmel il-ħaqq skont il-ġustizzja u l-ħniena. F'kelma waħda, is-saċerdot hu sinjal u strument tal-imħabba kollha ħniena ta' Alla għall-midneb.

[31] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 26.

[32] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 844; 969; 972; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 722 §3-4.

[33] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1331; 1354-1357; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 1431; 1434; 1420.

[34] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 976; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 725.

[35] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 986; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 735; Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 13.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 554-555 5/16/2014 11:29:47 AM

1551 1466 Il-konfessur mhux is-sid imma l-qaddej tal-maħfra ta' Alla. Il-ministru ta' dan is-sagrament irid jingħaqad "mal-intenzjoni u mal-imħabba ta' Kristu".[36] Irid ikun jaf sewwa
2690 x'inhi l-imġiba Nisranija, irid ikollu l-esperjenza ta' kulma hu tal-bniedem, juri rispett u ħlewwa ma' min ikun waqa' fid-dnub, iħobb il-verità, irid ikun fidil lejn il-maġisteru tal-Knisja, u jwassal bis-sabar kollu l-penitent għall-fejqan u għall-maturità sħiħa tiegħu. Irid jitlob għalih u jagħmel penitenza għalih huwa u jafdah lill-ħniena ta' Alla.

1467 Minħabba d-delikatezza u l-kobor ta' dan il-ministeru u minħabba r-rispett li għandu jkollu kull bniedem, il-Knisja
2490 trid li kull saċerdot li jqarar ikun obbligat li jżomm għal kollox mistura d-dnubiet li l-penitenti jkunu stqarrewlu, u hemm pieni ħorox għal min jikser is-sigriet tal-qrar.[37] Lanqas ma jista' jagħmel użu minn dak li jsir jaf fil-qrar dwar il-ħajja tal-penitenti. Dan is-sigriet, li ma jammettix eċċezzjonijiet, jissejjaħ ukoll "is-siġill tas-sagrament" għax dak li l-penitent jistqarr lis-saċerdot jibqa' "issiġillat" permezz tas-sagrament.

IX. L-effetti ta' dan is-sagrament

1468 "Il-qawwa kollha tal-Penitenza tinsab fil-fatt li troddna lura għall-grazzja ta' Alla u tgħaqqadna miegħu bi ħbiberija mill-akbar".[38] Mela l-għan u l-effett ta' dan is-sagrament hu r-*rikonċiljazzjoni ma' Alla.* F'dawk li jirċievu dan is-sagrament tal-Penitenza b'qalb niedma u sogħbiena u b'dispożizzjoni

[36] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 13.

[37] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 983-984; 1388 §1; Ġabra *tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 1456.

[38] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 2, 5, 18.

reliġjuża xierqa jġib "il-paċi u s-serħan fil-kuxjenza flimkien 2305
ma' faraġ spiritwali tassew kbir".[39] Dan għaliex is-sagrament tal-ħbiberija mill-ġdid ma' Alla jġib veru "qawmien spiritwali", irodd lura d-dinjità u l-ġid tal-ħajja ta' wlied Alla, li l-aqwa ħaġa għażiża tagħha hi l-ħbiberija ma' Alla (ara *Lq* 15,32).

1469 Dan is-sagrament *iħabbibna mill-ġdid mal-Knisja.* Id- 953
dnub ikisser jew jidrob l-għaqda bejn l-aħwa. Is-sagrament tal-Penitenza jsewwiha jew iġeddidha. F'dan is-sens, is-sagrament mhux biss jerġa' jdaħħal il-penitent fl-għaqda tal-Knisja imma jqawwi wkoll il-ħajja tal-Knisja li tbati minħabba d-dnubiet ta' membru tagħha (ara *1 Kor* 12,26). Imdaħħal u mqiegħed mill-ġdid fix-xirka tal-qaddisin, il-midneb jissaħħaħ bit-tisħib reċiproku tal-ġid spiritwali bejn il-membri kollha 949
ħajja tal-Ġisem ta' Kristu, kemm jekk għadhom mexjin lejn is-sema pajjiżhom u kemm jekk ġa huma hemm.[40]

> Irridu niftakru li r-rikonċiljazzjoni ma' Alla għandha bħala konsegwenza, biex ngħidu hekk, rikonċiljazzjonijiet oħra, li jsewwu firdiet oħra li ġieb id-dnub: il-penitent li qala' l-maħfra hu rrikonċiljat miegħu nnifsu fil-fond ta' ħajtu stess, fejn isib mill-ġdid il-verità sħiħa tiegħu nnifsu; jirrikonċilja ruħu ma' ħutu li b'xi mod darabhom u offendihom; jirrikonċilja ruħu mal-Knisja; jirrikonċilja ruħu mal-ħolqien kollu.[41]

1470 F'dan is-sagrament, il-midneb huwa u jafda ruħu għall-ġudizzju kollu ħniena ta' Alla, ikun qiegħed b'xi mod *jantiċipa l-ġudizzju* li minnu jrid jgħaddi meta jiġi biex 678; 1039
iħalli din id-dinja. Dan għaliex hu issa, f'din il-ħajja, li rridu

[39] Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551) 3: DS 1674.

[40] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 48-50.

[41] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et paenitentia* (1984), 31.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 556-557 5/16/2014 11:29:47 AM

nagħmlu l-għażla bejn il-mewt u l-ħajja, u huwa biss mit-triq tal-konverżjoni li rridu ngħaddu biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla, li minnha jwarrabna kull dnub mejjet (ara *1 Kor* 5,11; *Gal* 5,19-21; *Apok* 22,15). Il-midneb, huwa u jdur lejn Kristu bil-penitenza u bil-fidi, jgħaddi mill-mewt għall-ħajja "u ma jsirx ħaqq minnu" (*Ġw* 5,24).

X. L-indulġenzi

1471 Id-duttrina u l-użu tal-indulġenzi fil-Knisja għandhom rabta tassew kbira mal-effetti tas-sagrament tal-Penitenza.

X'inhi l-indulġenza?

"L-indulġenza hi l-maħfra quddiem Alla tal-piena taż-żmien li kienet tistħoqq minħabba dnubiet li tagħhom ġa tħassret il-ħtija. Maħfra li n-Nisrani b'dispożizzjoni tajba jikseb taħt ċerti kundizzjonijiet determinati, permezz tal-ħidma tal-Knisja li, bħala dispensatriċi tal-fidwa, tqassam u tapplika bl-awtorità tagħha t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-qaddisin".

"L-indulġenzi huma parzjali jew plenarji skont jekk jeħilsux parti mill-piena taż-żmien li kienet tistħoqq għad-dnubiet jew ineħħuha kollha". L-Insara jistgħu jirbħu l-indulġenzi għalihom stess jew japplikawhom għall-mejtin.[42]

Il-pieni tad-dnub

1472 Biex nifhmu din id-duttrina u din id-drawwa tal-Knisja għandna nkunu nafu li d-dnub iġib miegħu *żewġ konsegwenzi.* Id-dnub il-mejjet itellfilna l-għaqda ma' Alla, u għalhekk ma nkunux nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem, u ċ-ċaħda ta' din il-ħajja tissejjaħ "il-piena ta' dejjem" tad-dnub. Min-naħa l-oħra, kull dnub, ukoll dnub venjali, iġib miegħu rabta ħażina

[42] Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika *Indulgentiarum doctrina* (1967), Normi, 1; 2; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 994.

mal-ħlejjaq, u minn din ir-rabta wieħed irid jitfejjaq jew f'din id-dinja, jew wara l-mewt fi stat li nsejħulu l-Purgatorju. Din it-tisfija teħles minn dik li nsejħulha "il-piena taż-żmien" mistħoqqa għad-dnub. Dawn iż-żewġ pieni ma għandniex inqisuhom xi vendetta ta' Alla fuqna, imma huma pieni li joħorġu min-natura stess tad-dnub. Sogħba u konverżjoni li jkunu ġejjin minn imħabba kollha ħeġġa jaslu biex jeħilsu għal kollox il-midneb, hekk li ma jkollux ebda piena xi jħallas.[43] 1031

1473 Il-maħfra tad-dnub u l-ħbiberija mill-gdid ma' Alla jġibu magħhom ukoll il-maħfra tal-piena ta' dejjem għad-dnub. Iżda l-pieni taż-żmien jibqgħu. In-Nisrani għalhekk għandu jħabrek biex huwa u jilqa' bis-sabar kollu t-tbatijiet u t-tiġrib tal-ħajja ta' kuljum, meta jasal il-waqt, jersaq bla biża' lejn il-mewt; għandu jħabrek biex b'għemejjel ta' ħniena u ta' mħabba, flimkien mat-talb u mal-ħafna suriet ta' penitenza, jinża' għal kollox mill-"bniedem il-qadim" u jilbes "il-bniedem il-ġdid" (ara *Ef* 4,24). 2447

Fix-xirka tal-qaddisin

1474 In-Nisrani li jfittex li jissaffa minn dnubietu u jitqaddes bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla mhuwiex waħdu. "Il-ħajja ta' kull wieħed minn ulied Alla hi marbuta b'mod tal-għaġeb, fi Kristu u bi Kristu, mal-ħajja ta' ħutna l-Insara kollha fl-għaqda sopranaturali tal-Ġisem mistiku ta' Kristu, qisu f'persuna mistika".[44] 946-959 795

1475 "Fix-xirka tal-qaddisin bejn il-fidili kollha – bejn dawk li ġa waslu fis-saltna tas-sema, u dawk li daħlu fil-Purgatorju għat-tisfija minn dnubiethom, u dawk li għadhom fil-mixi tagħhom f'din id-dinja – hemm mela rabta ta' mħabba li tibqa' dejjem u hemm tisħib reċiproku ta' kull ġid".[45] F'dan it-tisħib tal-għaġeb, il-qdusija ta' wieħed hi ta' ġid għall-oħrajn, wisq aktar mill-ħsara li d-dnub ta' wieħed jista' jagħmel lill-oħrajn. Minħabba f'dan, ix-xirka tal-qaddisin twassal midneb sogħbien għal dnubietu, biex jissaffa minnhom aktar malajr u aħjar.

1476 Dan il-ġid spiritwali tax-xirka tal-qaddisin, aħna nsejħulu wkoll

[43] Ara Konċilju ta' Trento, *Kanoni dwar is-Sagrament tal-Penitenza* (1551), kan. 12-13: DS 1712-1713; *Digriet dwar il-Purgatorju* (1563): DS 1820.

[44] Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika *Indulgentiarum doctrina* (1967), 5.

[45] *Ibid.*

it-*teżor tal-Knisja* "li mhuwiex xi ġabra sħiħa ta' ġid, bħalma hi l-ġabra tal-ġid kollu materjali li nġabar tul iż-żminijiet, imma hu s-siwi bla qies li
617 ma jintemm qatt tat-tpattija u tal-merti ta' Kristu l-Mulej, li hu offra biex il-bnedmin kollha jeħilsu mid-dnub u jaslu għall-għaqda mal-Missier. Fi Kristu l-Feddej hemm tpattija bil-kotra u l-merti kollha tal-fidwa tagħna".[46]

1477 "Jagħmlu wkoll parti minn dan it-teżor is-siwi tassew kbir, li ma jistax jitqies u li hu dejjem ġdid, li għandhom quddiem Alla t-talb u
969 l-għemejjel tajba tal-Verġni Mqaddsa Marija u tal-qaddisin kollha li tqaddsu bil-grazzja ta' Kristu, għax imxew fuq il-passi tiegħu u għamlu ħidma li togħġob lill-Missier, hekk li huma u jħabirku għas-salvazzjoni tagħhom għenu wkoll għas-salvazzjoni ta' ħuthom fl-għaqda tal-Ġisem mistiku.[47]

Tikseb l-indulġenza ta' Alla permezz tal-Knisja

981 1478 L-indulġenza tinkiseb permezz tal-Knisja li, bis-setgħa li tħoll u torbot mogħtija lilha minn Kristu, tidħol favur in-Nisrani u tiftaħlu t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-qaddisin biex taqlagħlu mingħand il-Missier ta' kull ħniena l-maħfra tal-piena taż-żmien li kienet tistħoqqlu għal dnubietu. B'hekk il-Knisja ma tkunx biss tgħin in-Nisrani, imma tkun ukoll tħajru jagħmel għemejjel ta' tjieba, ta' penitenza u ta' mħabba.[48]

1479 Għaliex il-mejtin li għadhom jissaffew minn dnubiethom fil-
1032 Purgatorju huma wkoll membri tal-istess xirka tal-qaddisin, nistgħu ngħinuhom ukoll, fost ħwejjeġ oħra, billi naqilgħu għalihom indulġenzi, b'mod li jitnaqqsulhom il-pieni taż-żmien li stħoqqilhom għal dnubiethom.

XI. Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Penitenza

1480 Il-Penitenza, bħas-sagramenti l-oħra hi azzjoni liturġika. Dawn ġeneralment huma l-elementi taċ-ċelebrazzjoni: tislima u barka tas-saċerdot, qari tal-Kelma

[46] *Ibid.*
[47] *Ibid.*
[48] Ara *ibid*., 8; Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar l-Indulġenzi* (1563): DS 1835.

ta' Alla biex iddawwal il-kuxjenza u tqanqal is-sogħba; eżortazzjoni għall-indiema; l-istqarrija tad-dnubiet li jingħadu lis-saċerdot; l-għoti u l-aċċettazzjoni tal-penitenza jew tewba; l-assoluzzjoni tas-saċerdot; tifħir u radd il-ħajr; barka tas-saċerdot li jgħid lill-penitent "Mur bis-sliem".

1481 Il-Liturġija Biżantina għandha ħafna talbiet ta' assoluzzjoni 1449
f'sura ta' invokazzjoni (deprekattiva) li jfissru b'mod tal-għaġeb il-misteru tal-maħfra. "Alla li ħafer permezz tal-profeta Natan lil David meta stqarr dnubietu, lil Pietru wara li xerred dmugħ ta' mrar, lill-mara midinba wara li xerrdet dmugħ fuq saqajh, u lill-pubblikan u lill-iben il-ħali, jalla, permezz tiegħi, dan l-istess Alla jaħfer lilek ukoll, midneb, f'din il-ħajja u fl-oħra, u jħallik tidher quddiem it-tribunal tiegħu u ma jikkundannakx: hu li hu mbierek għal dejjem ta' dejjem. Ammen."[49]

1482 Is-sagrament tal-Penitenza jista' jiġi ċċelebrat b'*ċelebrazzjoni komunitarja,* li fiha kulħadd flimkien iħejji ruħu għall-qrar u kulħadd flimkien irodd ħajr għall-maħfra li tinkiseb. F'dan il-każ, il-qrara personali u l-assoluzzjoni individwali jsibu posthom waqt il-liturġija tal-Kelma ta' Alla, bil-qari u l-omelija, bl-eżami tal-kuxjenza flimkien, bit-talba komunitarja għall-maħfra, bil-"Missierna" u radd ta' ħajr komunitarju. Din iċ-ċelebrazzjoni komunitarja turi aħjar u b'mod aktar ċar il-karattru ekkleżjali tal-penitenza. Hu liema hu l-mod kif issir iċ-ċelebrazzjoni, is-sagrament tal-penitenza jibqa' dejjem, min-natura tiegħu stess, azzjoni liturġika, għalhekk azzjoni ekkleżjali u pubblika.[50] 1140

1483 F'każ ta' ħtieġa kbira tista' ssir *ċelebrazzjoni komunitarja ta' Rikonċiljazzjoni bi qrara ġenerali u assoluzzjoni ġenerali.* Ħtieġa kbira tista' tkun periklu ta' mewt imminenti, tant li s-saċerdot jew is-saċerdoti ma jkollhomx żmien biżżejjed biex iqarru lil kull wieħed. Jista' jkun hemm ħtieġa kbira wkoll meta m'hemmx saċerdoti biżżejjed biex iqarru lil kull wieħed fi żmien raġonevoli, b'mod li ħafna penitenti, bla ebda ħtija tagħhom, jibqgħu għal żmien twil imċaħħdin mill-grazzja tas-sagrament jew mit-Tqarbin, tant tkun kbira l-folla tan-nies li jkunu jridu jqerru. F'dan il-każ, biex l-assoluzzjoni tkun valida, il-fidili jeħtieġ li jkollhom il-ħsieb li 1401

[49] *Liturġija Biżantina*, Euchologion, Talba tal-Assoluzzjoni.
[50] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 26-27.

jqerru individwalment id-dnubiet gravi tagħhom fi żmien xieraq.[51] Hu l-Isqof djoċesan li jiddetermina jekk ikunx hemm il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-assoluzzjoni ġenerali.[52] Folol kbar ta' fidili fl-okkażjoni ta' festi kbar jew ta' pellegrinaġġi ma joħolqux ħtieġa kbira.[53]

1484 Il-qrara individwali u sħiħa bl-assoluzzjoni tibqa' s-sura waħda ordinarja li biha l-fidili jiksbu r-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja, iżda huma meħlusin li jqerru b'dan il-mod meta dan mhux possibbli għalihom fiżikament jew moralment.[54] Għal dan irid ikun hemm raġunijiet serji. Kristu jaqdi l-ħidma tiegħu f'kull sagrament. Ikellem hu
878 personalment lil kull midneb: "Ibni, dnubietek maħfura" (*Mk* 2,5); hu t-tabib li jitbaxxa fuq kull marid li jeħtieġu (ara *Mk* 2,17) biex ifejqu, jerfgħu u jdaħħlu mill-ġdid fix-xirka tal-aħwa. Il-qrara personali hi għalhekk is-sura li l-aktar turi biċ-ċar ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja.

Fil-qosor

1485 *Ħadd il-Għid filgħaxija, il-Mulej Ġesù qagħad f'nofs id-dixxipli u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw* 20,22-23*).*

1486 *Il-maħfra tad-dnubiet li jsiru wara l-Magħmudija tingħata permezz ta' sagrament propju msejjaħ sagrament tal-Konverżjoni, tal-Qrar, tal-Penitenza u tar-Rikonċiljazzjoni.*

[51] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 962 §1.
[52] Ara *ibid*., kan. 961 §2.
[53] Ara *ibid*., kan. 961 §1, 2.
[54] *Ordni għall-Penitenza*, 31.

1487 *Min jidneb jidrob il-ġieħ ta' Alla u l-imħabba tiegħu, id-dinjità tiegħu bħala bniedem imsejjaħ biex ikun wieħed minn ulied Alla, u l-ġid spiritwali tal-Knisja li fiha kull Nisrani għandu jkun ġebla ħajja.*

1488 *Għall-għajnejn tal-fidi, ebda deni ma hu hekk serju daqs kemm hu d-dnub u xejn daqsu ma jġib konsegwenzi hekk koroh għall-istess midinbin, għall-Knisja, u għad-dinja kollha.*

1489 *Il-mixi lura lejn l-għaqda mill-ġdid ma' Alla, għaqda li tkun intilfet bid-dnub, għandu l-bidu tiegħu fil-grazzja ta' Alla, ħanin u kollu ħerqan għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Għandna nitolbu dan id-don għażiż għalina nfusna u għall-oħrajn ukoll.*

1490 *Il-mixi lura għal għand Alla, li jissejjaħ konverżjoni u pentiment, jitlob sogħba għad-dnubiet li wieħed ikun għamel u stmerrija tagħhom, u fehma soda li qatt u qatt aktar ma jerġa' jidneb. Il-konverżjoni għalhekk hi kemm dwar l-imgħoddi u kemm dwar il-ġejjieni, u titmantna bit-tama fil-ħniena ta' Alla.*

1491 *Is-sagrament tal-Penitenza jiġbor fih tliet għemejjel tal-penitent flimkien mal-assoluzzjoni tas-saċerdot. L-għemejjel tal-penitent huma s-sogħba, il-qrara jew l-istqarrija tad-dnubiet lis-saċerdot, u l-fehma li jpatti għad-dnubiet b'għemil ta' riparazzjoni.*

1492 *Is-sogħba (li tissejjaħ ukoll "contritio") trid titqanqal minn raġunijiet li jiġu mill-fidi. Jekk is-sogħba titqanqal minn imħabba ħerqana għal Alla hi "indiema perfetta"; jekk tkun imqanqla minn raġunijiet oħra hi "indiema mhux perfetta".*

1493 *Min irid jikseb ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja*

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 562-563 5/16/2014 11:29:48 AM

jrid jgħid lis-saċerdot id-dnubiet mejta kollha li għadu ma qerrhomx u li jiftakarhom, wara li jagħmel eżami serju tal-kuxjenza. Għalkemm mhuwiex meħtieġ, il-qrar tad-dnubiet venjali hu rrikkmandat ħafna mill-Knisja.

1494 *Il-konfessur jissuġġerixxi lill-penitent xi għemil ta' "tpattija" jew ta' "penitenza", biex ipatti għall-ħsara li għamel bid-dnub u jerġa' lura għall-imġiba propja ta' dixxiplu ta' Kristu.*

1495 *Is-saċerdoti biss irċevew mill-awtorità tal-Knisja l-fakultà li jaħfru d-dnubiet f'isem Kristu.*

1496 *L-effetti spiritwali tas-sagrament tal-Penitenza huma:*

- *ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla: biha l-penitent jerġa' jikseb il-grazzja;*
- *ir-rikonċiljazzjoni mal-Knisja;*
- *il-maħfra tal-piena ta' dejjem li tingħata għad-dnubiet mejta;*
- *il-maħfra, almenu parti minnha, tal-pieni taż-żmien minħabba d-dnub;*
- *sliem u hena fil-kuxjenza, u faraġ spiritwali;*
- *tkattir tal-għajnuniet spiritwali għat-taqbida Nisranija.*

1497 *Il-qrara individwali u sħiħa tad-dnubiet mejta, flimkien mal-assoluzzjoni, tibqa' s-sura waħda ordinarja għar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-Knisja.*

1498 *Bl-indulġenzi, dawk li jemmnu fi Kristu jistgħu jiksbu għalihom stess u għall-erwieħ tal-Purgatorju wkoll, il-maħfra tal-piena taż-żmien mistħoqqa għad-dnubiet.*

Il-ħames artiklu

ID-DILKA TAL-MORDA

1499 "Bid-dilka mqaddsa tal-morda u bit-talba tas-saċerdoti, hi l-Knisja kollha kemm hi li tafda l-morda lill-Mulej, li bata u hu glorjuż, biex ifarraġhom u jsalvahom; anzi tħeġġiġhom biex, huma u jissieħbu minn rajhom mal-passjoni u l-mewt ta' Kristu, jagħtu sehemhom għall-ġid tal-poplu ta' Alla".[55]

I. Is-sisien tas-sagrament fil-Pjan tas-salvazzjoni

Il-mard fil-ħajja tal-bniedem

1500 Il-mard u t-tbatija minn dejjem kienu wieħed mill-problemi l-aktar serji li jġarrbu l-ħajja tal-bniedem. Fil-mard, il-bniedem jara kemm ma jista' jagħmel xejn, jagħraf il-limiti tiegħu u jifhem li jrid jintemm. Kull marda tista' tagħtina ħjiel tal-mewt. 1006

1501 Il-mard jista' jwassal biex naqtgħu qalbna, ningħalqu fina nfusna, xi kultant ukoll niddispraw u neħduha kontra Alla. Iżda jista' jwassal ukoll biex nilħqu aktar il-maturità sħiħa tagħna, naraw dak li mhuwiex essenzjali f'ħajjitna biex induru lejn dak li hu essenzjali. Spiss il-mard iwassal biex wieħed ifittex lil Alla u jerġa' lura għandu.

Il-marid quddiem Alla

1502 Il-bniedem fit-Testment il-Qadim għex il-mard tiegħu quddiem Alla. Hu quddiem Alla li jitniehed minħabba l-marda

[55] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 564-565 5/16/2014 11:29:48 AM

tiegħu (ara *Salm* 38) u mingħand Alla, Sid il-ħajja u l-Mewt, li jitlob il-fejqan (ara *Salm* 6,3; *Is* 38). Il-mard isir triq għall-konverżjoni (ara *Salm* 38,5; 39,9.12), u l-maħfra ta' Alla tagħti bidu għall-fejqan (ara *Salm* 32,5; 107,20; *Mk* 2,5-12).
164 Iżrael, bl-esperjenza tiegħu, ra li l-mard hu marbut b'mod
376 misterjuż mad-dnub u l-ħażen, u l-fedeltà lejn Alla skont il-Liġi tagħti l-ħajja: "għax jien il-Mulej li nfejqek" (*Eż* 15,26). Il-profeta ntebaħ li t-tbatija jista' jkollha wkoll sens ta' fidwa għad-dnubiet tal-oħrajn (ara *Is* 53,11). U fl-aħħar nett, Isaija jħabbar li Alla għad iġib żmien għal Sijon li fih jaħfer kull ħtija u jfejjaq kull mard (ara *Is* 33,24).

Kristu t-tabib

549 1503 Il-mogħdrija ta' Kristu għall-morda u l-ħafna fejqan li ta minn kull xorta ta' mard (ara *Mt* 4,24) huma sinjal ċar li "Alla żar il-poplu tiegħu" (*Lq* 7,16) u li s-Saltna ta' Alla hi fil-qrib. Ġesù ma għandux biss is-setgħa li jfejjaq imma wkoll is-setgħa li jaħfer id-dnubiet (ara *Mk* 2,5-12): ġie
1421 biex ifejjaq il-bniedem sħiħ, fir-ruħ u l-ġisem; hu t-tabib li jeħtieġu l-morda (ara *Mk* 2,17). Il-mogħdrija tiegħu għal dawk kollha li qegħdin ibatu hi tant kbira li hu jqis ruħu ħaġa waħda magħhom: "Kont marid u ġejtu tarawni" (*Mt* 25,36). L-imħabba speċjali tiegħu għall-morda, li qatt ma naqset tul kull żmien, tiġbed attenzjoni kollha kemm
2288 hi partikulari tal-Insara favur dawk li huma batuti fir-ruħ u l-ġisem. Tat bidu għal sforzi li qatt ma naqsu ta' faraġ għalihom.

1504 Spiss Ġesù talab il-fidi mill-morda (ara *Mt* 5,34.36; 9,23). Għamel użu minn sinjali biex ifejjaq: ir-riq u t-tqegħid tal-idejn (ara *Mk* 7,32-36; 8,22-25), it-tajn u l-ħasil (ara *Ġw* 9,6-15). Il-morda kienu jfittxu li jmissuh (ara *Mk* 1,41; 3,10;

6,56) "għax minnu kienet toħroġ qawwa li tfejjaq lil kulħadd" 695
(*Lq* 6,19). U hekk, fis-sagramenti Kristu jkompli "jmissna" 1116
biex ifejjaqna.

1505 Imqanqal minn tant tbatija, Kristu, mhux biss kien iħalli l-morda jmissuh, imma kien jagħmel tiegħu l-miżerji tagħhom. "Hu rafa' fuqu d-dgħufija tagħna, u tgħabba bil-mard tagħna" (*Mt* 8,17; ara *Is* 53,4). Ma fejjaqx il-morda kollha. Il-fejqan li ta kien sinjal tal-miġja tas-Saltna ta' Alla; kien iħabbar fejqan aktar radikali: ir-rebħa fuq id-dnub u 440
l-mewt bil-Għid tiegħu. Fuq is-salib Kristu tgħabba bil-piż tal-ħażen kollu (ara *Is* 53,4-6) u neħħa "id-dnub tad-dinja" (*Ġw* 1,29) li tiegħu l-mard hu l-effett. Bil-passjoni u l-mewt fuq is-salib, Kristu ta tifsir ġdid lit-tbatija: issa tista' twassalna biex inkunu xebh ma' Kristu u nissieħbu fil-passjoni tiegħu 307
għas-salvazzjoni.

"Fejqu l-morda …"

1506 Kristu jistieden lid-dixxipli tiegħu biex jimxu warajh billi jerfgħu huma wkoll salibhom (ara *Mt* 10,38). Fil-mixi tagħhom warajh, jiksbu fehma ġdida dwar il-mard u l-morda. Ġesù jseħibhom miegħu fil-ħajja fqira tiegħu ta' qadi, u fil- 859
ministeru tiegħu ta' mogħdrija u ta' fejqan: "Ħarġu mela jxandru biex in-nies jindmu; u keċċew bosta xjaten, u dilku ħafna morda biż-żejt u fejquhom" (*Mk* 6,12-13).

1507 Il-Mulej meta qam mill-imwiet, ġedded din il-missjoni, ("F'ismi ... [tqiegħdu jdejkom] fuq il-morda u dawn ifiqu": *Mk* 16,17-18), u jwettaqha bis-sinjali li tagħmel il-Knisja hija u ssejjaħ ismu (ara *Atti* 9,34; 14,3). Dawn is-sinjali juru b'manjiera kollha kemm hi speċjali, li Ġesù hu tassew "Alla 430
li jsalva" (ara *Mt* 1,21; *Atti* 4,12).

798 1508 L-Ispirtu s-Santu jagħti lil xi wħud il-kariżma speċjali tal-fejqan (ara *1 Kor* 12,9.28.30) biex juri l-qawwa tal-grazzja tal-Irxoxt. Iżda t-talb l-aktar imħeġġeġ mhux dejjem jaqla' l-fejqan mill-mard kollu. Hu għalhekk li Pawlu kellu jitgħallem mingħand il-Mulej li: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef" (*2 Kor* 12,9) u li t-tbatijiet li jġarrab jistgħu
618 jfissru li "bihom [itemm f'ġismu] dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja" (ara *Kol* 1,24).

1509 "Fejqu l-morda" (*Mt* 10,8). Dan l-ordni l-Knisja rċevietu mingħand il-Mulej u tfittex tobdih kemm bl-għajnuna li tagħti lill-morda u kemm bit-talba ta' interċessjoni li biha tissieħeb magħhom. Temmen fil-preżenza ta' Kristu li jagħti l-ħajja, ta' Kristu t-tabib tar-ruħ u l-ġisem. Din il-preżenza ta' Kristu taħdem b'mod partikulari permezz tas-sagramenti u
1405 b'mod għal kollox speċjali permezz tal-Ewkaristija, il-ħobż li jagħti l-ħajja ta' dejjem (ara *Ġw* 6,54.58); San Pawl ukoll jagħti ħjiel tar-rabta tal-Ewkaristija mas-saħħa tal-ġisem (ara *1 Kor* 11,30).

1510 Madankollu, il-Knisja ta' żmien l-Appostli għarfet rit favur il-morda li tiegħu San Ġakbu hu xhud: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; u t-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu;
1117 u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" (*Ġak* 5,14-15). It-Tradizzjoni għarfet f'dan ir-rit wieħed mis-seba' sagramenti tal-Knisja.[56]

[56] Ara San Innoċenz I, Ittra lill-Isqof Deċenzju ta' Gubbio *Si instituta ecclesiastica* (416): DS 216; Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Armeni* (1439): DS 1324-1325; Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda* (1551), 1: DS 1695-1696; *ibid*., kan. 1-2: DS 1716-1717.

Is-Sagrament tal-Morda

1511 Il-Knisja temmen u tistqarr li, fost is-seba' sagramenti, hemm sagrament speċjali li jfarraġ lil dawk li huma mġarrbin mill-mard: id-Dilka tal-morda (jew kif konna mdorrijin ngħidu aħna: il-Griżma tal-morda):

> Dan id-dlik imqaddes tal-morda waqqfu Kristu l-Mulej bħala sagrament veru tat-Testment il-Ġdid; tiegħu San Mark (ara *Mk* 6,13) jagħti xi ħjiel u ġie rrikkmandat u mxandar lill-fidili minn San Ġakbu, l-appostlu u ħu l-Mulej (ara *Ġak* 5,14-15).[57]

1512 Fit-tradizzjoni liturġika, kemm tal-Lvant u kemm tal-Punent, sa mill-qedem hemm xhieda ta' dlik tal-morda b'żejt imbierek. Tul iż-żminijiet, dan id-dlik tal-morda beda dejjem aktar jiġi riservat għal dawk li jkunu waslu biex imutu. Minħabba f'hekk is-sagrament beda jissejjaħ "l-Aħħar Dilka" (*Extreme Unction* bl-Ingliż, *Estrema Unzione* bit-Taljan). Minkejja dan it-tibdil, il-liturġija qatt ma waqfet titlob lill-Mulej biex jagħti fejqan lill-marid jekk dan ikun ta' ġid għas-salvazzjoni tiegħu.[58]

1513 Il-Kostituzzjoni Appostolika *Sacram Unctionem infirmorum* (30 ta' Novembru 1972), wara l-Konċilju Vatikan II[59] saħqet li, fir-rit Ruman, għandu għall-quddiem jitħares dan li ġej:

> Is-sagrament tad-Dilka tal-morda jingħata lill-persuni li huma morda gravi, u d-dlik isir fuq il-ġbin u fuq l-idejn b'żejt imbierek li jrid ikun jew żejt taż-żebbuġa jew żejt ieħor mill-pjanti, waqt li jingħad darba biss: "B'din id-dilka mqaddsa, u għat-tjieba u l-ħniena kbira tiegħu, jieqaf miegħek il-Mulej bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu ... Jaħfirlek dnubietek u jsalvak, iħenn għalik u jgħinek."[60]

[57] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda* (1551), 1: DS 1695.

[58] *Ibid*., 2: DS 1696.

[59] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 73.

[60] Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika S*acram Unctionem infirmorum* (1972). Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 847 §1; *Ordni għas-Sagrament tal-Morda*, id-Dilka Mqaddsa, 16.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 568-569 5/16/2014 11:29:48 AM

II. Min jista' jirċievi u min jista' jamministra dan is-sagrament?

F'KAŻ TA' MARD GRAVI ...

1514 "Id-Dilka tal-morda mhuwiex biss is-sagrament ta' dawk li waslu fit-tmiem ta' ħajjithom. Iż-żmien adatt biex wieħed jirċievi dan is-sagrament jasal meta n-Nisrani jibda jkun fil-periklu tal-mewt minħabba l-marda li ddgħajfu fiżikament jew minħabba x-xjuħija".[61]

1515 Jekk marid li rċieva d-dilka mqaddsa jerġa' jikseb saħħtu, jista' jerġa' jirċievi dan is-sagrament, f'każ ta' marda gravi oħra. Tul l-istess marda dan is-sagrament jista' jingħata kemm-il darba jekk il-marda ssir aktar gravi. Hi ħaġa xierqa li wieħed jirċievi d-Dilka mqaddsa qabel operazzjoni serja. L-istess jingħad għall-anzjani meta tiżdied id-dgħufija tagħhom.

"... SEJĦU L-PRESBITERI TAL-KNISJA"

1516 Is-saċerdoti biss (Isqfijiet u presbiteri) huma l-ministri tad-Dilka tal-morda.[62] Hu dmir ir-Rgħajja tal-erwieħ li jgħallmu lil dawk li jemmnu fi Kristu dwar il-ġid li jagħmel dan is-sagrament u jgħallmuhom iħajru l-morda biex isejħu lis-saċerdot ħa jirċievu dan is-sagrament. Il-morda jħejju ruħhom għal dan is-sagrament

[61] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 73; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1004 §1; 1005; 1007; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 738.

[62] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda* (1551), 3: DS 1697; *ibid.*, kan. 4: DS 1719; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan 1003; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 739 §1.

b'dispożizzjonijiet tajba, bl-għajnuna tal-kappillan tagħhom u tal-komunità ekkleżjali kollha, li għandha tinġabar madwar il-morda bit-talb tagħha u b'sinjali ta' mħabba tal-aħwa.

III. Kif jiġi ċċelebrat dan is-sagrament?

1517 Bħas-sagramenti l-oħra kollha d-Dilka tal-morda hu ċelebrazzjoni liturġika u komunitarja,[63] kemm jekk issir fid-dar, u kemm jekk issir fi sptar jew fil-knisja, għall-marid wieħed jew għall-ħafna morda flimkien. Jaqbel ħafna li d-Dilka tal-morda ssir waqt ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, it-tifkira tal-Għid tal-Mulej. Jekk iċ-ċirkustanzi jitolbuh, qabel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tad-Dilka mqaddsa, jista' jiġi ċċelebrat is-sagrament tal-Penitenza, u wara s-sagrament tal-Ewkaristija. Bħala sagrament tal-Għid ta' Kristu, l-Ewkaristija hi dejjem l-aħħar sagrament fil-mixi tagħna f'din id-dinja, il-"vjatku" għad-"dħul" fil-ħajja ta' dejjem. 1140 1524

1518 Il-kliem u s-sagrament jagħmlu ħaġa waħda. Il-Liturġija tal-Kelma, b'att penitenzjali qabilha tiftaħ iċ-ċelebrazzjoni. Kliem Kristu, ix-xhieda tal-Appostli, iqanqlu l-fidi tal-marid u tal-komunità biex titlob lill-Mulej il-qawwa tal-Ispirtu tiegħu.

1519 Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament għandha prinċipalment dawn l-elementi: "il-presbiteri tal-Knisja" (*Ġak* 5,14)

[63] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 27.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 570-571 5/16/2014 11:29:48 AM

iqiegħdu jdejhom fis-skiet fuq il-morda; jitolbu fuq il-morda bil-fidi tal-Knisja (ara *Ġak* 5,15): hi l-epiklesi propja ta' dan is-sagrament; jagħtu d-dilka mqaddsa biż-żejt imbierek, dilka li jekk jista' jkun, jagħtiha l-Isqof.

Dan l-għemil liturġiku juri xi grazzja jagħti s-sagrament lill-morda.

IV. X'tagħmel iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament?

733 1520 *Tagħti don partikulari tal-Ispirtu s-Santu.* Il-grazzja ewlenija ta' dan is-sagrament hi grazzja ta' faraġ, ta' paċi u ta' kuraġġ biex jintrebħu d-diffikultajiet propji ta' marda gravi jew ta' xjuħija dgħajfa. Din il-grazzja hi don tal-Ispirtu s-Santu li jġedded il-fiduċja u l-fidi f'Alla u jqawwi kontra t-tiġrib tal-Ħażin u kontra tentazzjoni ta' qtigħ il-qalb u tal-biża' tal-mewt (ara *Lh* 2,15). Din l-għajnuna tal-Mulej, bil-qawwa tal-Ispirtu tiegħu, twassal il-marid għall-fejqan tar-ruħ, u wkoll għall-fejqan tal-ġisem, jekk din hi r-rieda ta' Alla.[64] Barra dan, "jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" (*Ġak* 5,15).[65]

1521 *Għaqda mal-Passjoni ta' Kristu.* Bil-grazzja ta' dan is-sagrament, il-marid jirċievi l-qawwa u d-don li jingħaqad b'mod aktar intimu mal-passjoni ta' Kristu: hu b'xi mod
1535 *ikkonsagrat* biex jikseb frott mix-xebh mal-passjoni fejjieda tas-Salvatur. It-tbatija, konsegwenza tad-dnub tan-nisel,
1499 tieħu tifsir ġdid: issir tisħib fl-opra ta' Ġesù għas-salvazzjoni.

1522 Ja*għti grazzja ekkleżjali.* Il-morda li jirċievu dan is-sagrament, "huma u jissieħbu minn rajhom mal-passjoni

[64] Ara Konċilju ta' Firenze, *Digriet għall-Armeni* (1439): DS 1325.

[65] Ara Konċilju ta' Trento, *Kanoni dwar is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda* (1551), kan. 2: DS 1717.

u l-mewt ta' Kristu", jagħtu "sehemhom għall-ġid tal-poplu kollu ta' Alla".[66] Hija u tiċċelebra dan is-sagrament, il-Knisja, fix-xirka tal-qaddisin, titlob għall-ġid tal-marid, u dan, min- 953
naħa tiegħu, bil-grazzja ta' dan is-sagrament, jgħin għall-qdusija tal-Knisja u għall-ġid tal-bnedmin kollha li għalihom il-Knisja tbati u toffri lilha nnifisha, bi Kristu, lil Alla l-Missier.

1523 *Tħejjija għall-aħħar vjaġġ.* Jekk is-sagrament tad- 1020
Dilka Mqaddsa jingħata lil dawk kollha li jbatu b'mard gravi u dgħufija kbira, wisq aktar għandu jingħata lil dawk li waslu biex joħorġu minn din il-ħajja (*in exitu vitae constituti*)[67]: għalhekk li dan is-sagrament jissejjaħ ukoll "is-sagrament ta' dawk li telqin" (*sacramentum exeuntium*).[68] Id-Dilka tal-Morda twassal biex tagħtina xebh sħiħ mal-mewt u l-qawmien ta' Kristu, l-istess kif bdiet tagħmel fina l-Magħmudija. Id-Dilka tal-Morda twassal għall-milja sħiħa 1294
tagħhom id-dilkiet imqaddsa kollha li jingħataw tul il-ħajja Nisranija; id-dilkiet li jsiru fil-Magħmudija jissiġillaw fina l-ħajja ġdida; dik tal-Konfermazzjoni (Griżma) ssaħħaħna għat-taqbida ta' din il-ħajja. Din l-aħħar dilka ssaħħaħ tmiem 1020
ħajjitna fuq l-art bħal sur qawwi kontra l-aħħar theddid qabel nidħlu f'Dar Missierna.[69]

V. Il-vjatku, l-aħħar sagrament tan-Nisrani

1524 Lil dawk li se jħallu din il-ħajja, il-Knisja barra d-Dilka 1392
Mqaddsa, toffrilhom ukoll l-Ewkaristija bħala vjatku. It-

[66] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[67] Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda* (1551), 3: DS 1698.

[68] *Ibid.*

[69] *Ara ibid.,* Daħla: DS 1694.

kkk 539-574 latest.OK (r).indd 572-573 5/16/2014 11:29:48 AM

tqarbina bil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu qabel it-tluq għal għand il-Missier, għandha tifsira u importanza tassew partikulari. Hi ż-żerriegħa tal-ħajja ta' dejjem u qawwa għall-qawmien mill-imwiet, skont kliem il-Mulej: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum" (*Ġw* 6,54). L-Ewkaristija, is-sagrament ta' Kristu mejjet u rxoxt, hawn hi s-sagrament tal-mogħdija mill-mewt għall-ħajja, minn din id-dinja għal għand il-Missier (ara *Ġw* 13,1).

1680 1525 Għalhekk kif is-sagramenti tal-Magħmudija, tal-Konfermazzjoni (Griżma) u tal-Ewkaristija flimkien huma "is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija", hekk is-sagramenti tal-Penitenza, tad-Dilka tal-morda u tal-Ewkaristija bħala vjatku, meta l-ħajja tan-Nisrani tasal fit-tmiem tagħha, 2299 huma "is-sagramenti li jħejju għall-pajjiż tas-sema" jew is-sagramenti li jtemmu l-mixja tagħna fid-dinja.

Fil-qosor

1526 *"Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; it-talba tal-fidi ssalva l-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu" (Ġak* 5,14-15*)*.

1527 *Is-sagrament tad-Dilka tal-Morda jagħti grazzja speċjali lin-Nisrani li jkun għaddej mid-diffikultajiet propji ta' marda gravi jew ta' xjuħija dgħajfa.*

1528 *L-aħjar żmien biex wieħed jirċievi s-sagrament tad-Dilka tal-morda jasal żgur meta n-Nisrani jibda jkun fil-periklu tal-mewt minħabba l-mard jew ix-xjuħija.*

1529 *Kull darba li n-Nisrani jimrad gravi, jista' jirċievi d-Dilka mqaddsa, u jista' jerġa' jirċeviha wkoll jekk il-marda tiħrax.*

1530 *Is-saċerdoti (Isqfijiet u presbiteri) biss jistgħu jagħtu s-sagrament tad-Dilka tal-Morda; jużaw żejt imbierek mill-Isqof, jew f'każ ta' ħtieġa, żejt imbierek mis-saċerdot li jiċċelebra s-sagrament.*

1531 *Dak li hu essenzjali f'dan is-sagrament hu d-dilka tal-ġbin u tal-idejn tal-marid (fir-rit Ruman) jew ta' partijiet oħra tal-ġisem (fir-riti tal-Lvant), dilka msieħba mat-talba liturġika tas-saċerdot ċelebrant, li jitlob il-grazzja speċjali ta' dan is-sagrament.*

1532 *Il-grazzja speċjali tas-sagrament tad-Dilka tal-Morda għandha dawn l-effetti:*

— *l-għaqda tal-marid mal-Passjoni ta' Kristu għall-ġid tiegħu u tal-Knisja kollha;*

— *il-faraġ, il-paċi u l-kuraġġ biex wieħed iġarrab ta' Nisrani t-tbatija tal-marda jew tax-xjuħija;*

— *il-maħfra tad-dnubiet jekk il-marid ma setax jikseb din il-maħfra bis-sagrament tal-Penitenza;*

— *is-saħħa mill-ġdid jekk dan ikun jaqbel għas-salvazzjoni tal-marid;*

— *it-tħejjija għall-mogħdija fil-ħajja ta' dejjem.*

IT-TIELET KAPITLU

IS-SAGRAMENTI TAL-QADI TAX-XIRKA

1533 Il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni (il-Griżma) u
1212 l-Ewkaristija huma s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija. Huma l-pedament tal-vokazzjoni tad-dixxipli kollha tal-Mulej, vokazzjoni għall-qdusija u għall-missjoni tax-xandir tal-Evanġelju fid-dinja. Jagħtu l-grazzji meħtieġa għall-ħajja skont l-Ispirtu f'din il-ħajja tagħna ta' pellegrini mexjin lejn is-sema pajjiżna.

1534 Żewġ sagramenti oħra, l-Ordni Sagri u ż-Żwieġ, huma għas-salvazzjoni tal-oħrajn. Jekk huma ta' għajnuna għas-salvazzjoni personali, dan jagħmluh permezz tal-qadi li jingħata lill-oħrajn. Jagħtu missjoni partikulari fi ħdan il-Knisja u jgħinu għall-bini tal-poplu ta' Alla.

784 1535 F'dawn is-sagramenti, dawk li ġa ġew *ikkonsagrati* fil-Magħmudija u l-Konfermazzjoni (Griżma)[1] għas-saċerdozju komuni tal-fidili kollha, jirċievu *konsagrazzjonijiet* partikulari. Dawk li jirċievu s-sagrament tal-Ordni jiġu *kkonsagrati* biex ikunu, f'isem Kristu, "bil-kelma u l-grazzja ta' Alla rgħajja tal-

[1] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 10.

Knisja".[2] Min-naħa tagħhom, "l-għarajjes Insara biex jaqdu b'mod xieraq id-dmirijiet tal-istat tagħhom huma mqawwija u, b'xi mod *ikkonsagrati* permezz ta' sagrament speċjali".[3]

Is-sitt artiklu

IS-SAGRAMENT TAL-ORDNI SAGRI

1536 L-Ordni Sagri hu s-sagrament li bih il-missjoni fdata 860
lill-Appostli minn Kristu titkompla fil-Knisja sal-aħħar taż-żmien. Hu mela s-sagrament tal-ministeru appostoliku. Għandu tliet gradi: l-Episkopat, il-presbiterat, u d-djakonat. (Dwar l-istituzzjoni u l-missjoni tal-ministeru appostoliku minn Kristu, ara paragrafi 874–896. Hawn nitkellmu biss dwar il-mod sagramentali kif jingħata dan il-ministeru).

I. Għaliex jissejjaħ sagrament tal-Ordni?

1537 Il-kelma *Ordni* fi żmien ir-Rumani tal-qedem kienet tfisser korp jew grupp ta' nies magħżula fis-soċjetà ċivili; kienet tfisser l-aktar il-korp ta' dawk li jiggvernaw. "Ordinatio" kienet tfisser tidħol, tagħmel parti minn xi "ordo", minn xi grupp. Fil-Knisja, hemm korpi jew gruppi mwaqqfa li t-Tradizzjoni, mhux mingħajr bażi fl-Iskrittura Mqaddsa (ara *Lh* 5,6; 7,11; *Salm* 110,4), sa mill-bidu nett sejħitilhom "taxeis" bil-Grieg, u "ordines" bil-Latin; naraw għalhekk il-liturġija titkellem dwar "ordo episcoporum", "ordo

[2] Ara *ibid*., 11.

[3] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 576-577 5/16/2014 11:31:31 AM

presbyterorum" u "ordo diaconorum" – l-ordni tal-Isqfijiet, l-ordni tal-presbiteri u l-ordni tad-djakni. Gruppi oħra wkoll
922; 923; 1631 kienu jingħataw l-isem ta' "ordo": il-katekumeni, il-verġni, l-għarajjes u n-nisa romol.

1538 Id-dħul jew integrazzjoni f'wieħed minn dawn il-korpi tal-Knisja kien isir permezz ta' rit li kien jissejjaħ *ordinatio*, att reliġjuż u liturġiku, konsagrazzjoni, barka jew sagrament. Illum, il-kelma "ordinatio" tintuża biss għall-att sagramentali li bih wieħed jidħol fl-ordni tal-Isqfijiet, tal-presbiteri u tad-djakni, dħul li jmur lil hinn minn sempliċi *elezzjoni, desinjazzjoni, delegazzjoni* jew *istituzzjoni* mill-komunità, għaliex jagħti d-don tal-Ispirtu s-Santu li bih wieħed ikun
875 jista' jeżerċita "setgħa mqaddsa (*sacra potestas*)"[4], li ma tistax tiġi jekk mhux biss minn Kristu, permezz tal-Knisja. L-ordinazzjoni tissejjaħ ukoll "konsagrazzjoni" għaliex Kristu
699 nnifsu jwarrab għalih lil dak li jkun u jagħtih setgħa għall-ġid tal-Knisja tiegħu. *It-tqegħid tal-idejn* mill-Isqof, flimkien ma' talba ta' konsagrazzjoni, huma s-sinjal li jidher ta' din il-konsagrazzjoni.

II. Is-sagrament tal-Ordni Sagri fil-Pjan tas-salvazzjoni

Is-saċerdozju fil-Patt il-Qadim

1539 Il-poplu magħżul, Alla għamlu "saltna ta' qassisin u ġens qaddis" (*Eż* 19,6; ara *Is* 61,6). Iżda fi ħdan il-poplu ta' Iżrael, Alla għażel wieħed mit-tnax-il tribù, dak ta' Levi, u warrbu għas-servizz liturġiku *(*ara *Num* 1, 48-53); Alla nnifsu

[4] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 10.

hu s-sehem ta' wirtu (ara *Ġoż* 13,33). Rit propju kkonsagra l-bidu tas-saċerdozju tal-Patt il-Qadim (ara *Eż* 29, 1-30; *Lev* 8). Is-saċerdoti huma mqiegħda "għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, biex [joffru] doni u sagrifiċċji għad-dnubiet" (*Lh* 5,1).

1540 Dan is-saċerdozju, imwaqqaf biex iħabbar il-Kelma 2099
ta' Alla (ara *Mal* 2,7-9) u biex iwaqqaf għaqda ma' Alla permezz tas-sagrifiċċji u tat-talb, ma seta' jagħmel xejn għas-salvazzjoni, għax kellu jibqa' jtenni dejjem is-sagrifiċċji u qatt ma seta' jwassal għall-qdusija sħiħa (ara *Lh* 5,3; 7,27; 10,1-4), qdusija li seta jagħtiha biss is-sagrifiċċju ta' Kristu.

1541 Iżda l-liturġija tal-Knisja tara fis-saċerdozju ta' Aron u fis-servizz tal-Leviti, kif ukoll fl-għażla tas-sebgħin "Xiħ" (ara *Num* 11,24-25), xbihat tal-ministeru ordnat tal-Patt il-Ġdid. Għalhekk fir-rit Latin, fit-talba tal-konsagrazzjoni fl-ordinazzjoni tal-Isqfijiet, il-Knisja titlob hekk:

> O Alla Missier Sidna Ġesù Kristu … bil-kelma tal-grazzja tiegħek tajt direttivi lill-Knisja tiegħek; sa mill-bidu ppredestinajt il-ġens tal-ġusti minn Abraham, għamilt prinċpijiet u saċerdoti u ma ħallejtx nieqes mill-ministeru s-santwarju tiegħek ... [5]

1542 Waqt l-ordinazzjoni tal-presbiteri, il-Knisja titlob:

> Mulej, Missier qaddis … sa minn żmien il-Patt il-Qadim b'riti mistiċi twaqqfu l-uffiċċji u kotru, għalhekk, meta qegħidt lil Mosè u lil Aron biex imexxu u jqaddsu l-poplu, għażilt irġiel oħra, ta' dinjità u grad inqas minnhom, biex imseħbin magħhom, jgħinuhom fil-ħidma tagħhom. Hekk fid-dežert int xerridt l-ispirtu ta' Mosè fir-ruħ ta' sebgħin raġel bil-għaqal biex hu, bl-għajnuna tagħhom seta' jmexxi aħjar il-poplu tiegħek. Hekk ukoll xerridt fuq ulied Aron il-milja tas-saċerdozju ta' missierhom ... [6]

[5] *Pontifikal Ruman*, Rit tal-Ordinazzjoni tal-Isqfijiet, Talba Konsagratorja, 52.

[6] *Ibid*., Rit tal-Ordinazzjoni tal-Presbiteri, Talba Konsagratorja, 177.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 578-579 5/16/2014 11:31:31 AM

1543 U fit-talba tal-konsagrazzjoni għall-ordinazzjoni taddjakni, il-Knisja tistqarr:

> Alla li tista' kollox … (biex il-Knisja) tkun it-tempju ġdid tiegħek … waqqaft fiha ministeru qaddis, imqassam fi tliet gradi ta' ministri, u għamilthom qaddejja ta' ismek; bħalma fil-bidu kont għażilt lil ulied Levi biex jaqdu t-tabernaklu tal-ewwel ... [7]

Is-saċerdozju waħdieni ta' Kristu

1544 Ix-xbihat jew figuri tas-saċerdozju tal-Patt il-Qadim isibu s-sħuħija kollha tagħhom fi Kristu Ġesù "il-medjatur [waħdieni] bejn Alla u l-bnedmin" (*1 Tim* 2,5). Melkisedek, "qassis ta' ... Alla l-għoli" (*Ġen* 14,18), hu meqjus mit-Tradizzjoni Nisranija kollha bħala figura tas-saċerdozju ta' Kristu, il-"qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek" (*Lh* 5,10; 6,20), "qaddis, innoċenti, safi" (*Lh* 7,26) li "b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa qaddes" (*Lh* 10,14), jiġifieri permezz tas-sagrifiċċju tas-salib. 874

1545 Is-sagrifiċċju ta' Kristu għall-fidwa hu sagrifiċċju uniku, magħmul darba għal dejjem. Iżda jiġġedded fis-sagrifiċċju ewkaristiku tal-Knisja. L-istess ħaġa ngħidu dwar is-saċerdozju waħdieni ta' Kristu: jiġġedded fis-saċerdozju ministerjali mingħajr ma jiġi nieqes bl-ebda mod il-fatt li s-saċerdozju ta' Kristu hu uniku. "Et ideo solus Christus est verus Sacerdos, alii autem ministri Eius" – "Għalhekk Kristu waħdu hu saċerdot veru, l-oħrajn huma ministri tiegħu". [8] 1367 662

[7] *Ibid*., Rit tal-Ordinazzjoni tad-Djakni, Talba Konsagratorja. 230.

[8] San Tumas ta' Aquino, *Kummentarju dwar l-Ittra lil-Lhud*, 7, 4.

Żewġ suriet ta' parteċipazzjoni fis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu

1546 Kristu, il-Qassis il-Kbir u l-medjatur waħdieni, għamel il-Knisja tiegħu "Saltna, Qassisin għal Alla tiegħu Missieru" (*Apok* 1,6; ara *Apok* 5,9-10; *1 Piet* 2,5.9). Il-komunità kollha ta' dawk li jemmnu, bħala komunità, hi komunità saċerdotali. L-Insara jeżerċitaw is-saċerdozju li rċevew fil-Magħmudija, billi jieħdu sehem, kull wieħed skont is-sejħa propja tiegħu, fil-missjoni ta' Kristu, il-Qassis, il-Profeta u s-Sultan. Hu permezz tas-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni (il-Griżma) li l-Insara "jiġu kkonsagrati biex ikunu … saċerdozju qaddis". [9] 1268

1547 Is-saċerdozju ministerjali jew ġerarkiku tal-Isqfijiet u tas-saċerdoti, u s-saċerdozju komuni tal-fidili kollha, għalkemm "kemm il-wieħed u kemm l-ieħor, kull wieħed fis-sura propja tiegħu, għandu sehem mis-saċerdozju waħdieni ta' Kristu", [10] huma essenzjalment differenti minn xulxin, għalkemm "ordnati wieħed għall-ieħor". [11] F'liema sens? Waqt li s-saċerdozju komuni tal-fidili kollha jseħħ billi n-Nisrani jgħix il-grazzja tal-Magħmudija, b'ħajja ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba, ħajja skont l-Ispirtu, is-saċerdozju ministerjali hu għall-qadi tas-saċerdozju komuni tal-fidili kollha, ħa jgħixu l-grazzja tal-Magħmudija tagħhom. Hu wieħed mill-mezzi li bih Kristu bla heda jibni u jmexxi l-Knisja tiegħu u għalhekk jingħata permezz ta' sagrament propju, is-sagrament tal-Ordni. 1142 1120

[9] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 10.

[10] *Ibid.*

[11] *Ibid.*

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 580-581 5/16/2014 11:31:31 AM

"In persona Christi capitis … "

875 1548 Fil-qadi li ministru ordnat jagħmel fil-Knisja, hu
792 Kristu nnifsu li hu preżenti fil-Knisja tiegħu bħala r-Ras tal-Ġisem, ir-Ragħaj tal-merħla, il-Qassis il-Kbir tas-sagrifiċċju tal-fidwa, l-Imgħallem tal-Verità. Dan tfisser il-Knisja meta tgħid li s-saċerdot, bis-saħħa tas-sagrament tal-Ordni, jaqdi l-ministeru tiegħu "in persona Christi Capitis – fil-persuna ta' Kristu r-Ras.[12]

> Hu l-uffiċċju tal-istess Qassis, Kristu Ġesù, li l-ministru jkun tassew jaqdi. Jekk il-ministru hu mxebbah mal-Qassis il-Kbir minħabba l-konsagrazzjoni saċerdotali li rċieva, dan jista' jaqdi l-uffiċċju tiegħu bis-setgħa ta' Kristu nnifsu u fil-persuna tiegħu ("virtute et persona ipsius Christi").[13]
>
> Kristu hu l-għajn tas-saċerdozju kollu, għax is-saċerdozju tal-Liġi (il-qadima) kien figura tiegħu, u s-saċerdot tal-Liġi l-ġdida jaqdi l-ministeru tiegħu fil-persuna tiegħu (ta' Kristu).[14]

1549 Permezz tal-ministri ordnati, speċjalment tal-Isqfijiet u tal-presbiteri, il-preżenza ta' Kristu bħala l-kap tal-Knisja tidher f'nofs il-komunità ta' dawk li jemmnu.[15] Skont espressjoni tassew sabiħa ta' San Injazju ta' Antjokja, l-isqof hu *"typos tou Patros":* qisu x-xbieha ħajja ta' Alla
1142 l-Missier.[16]

1550 Din il-preżenza ta' Kristu fil-ministru ma għandniex
896 nifhmuha bħallikieku dan jiġi meħlus minn kulma hu dgħajjef

[12] Ara *ibid*., 10; 28; Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 33; Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 2; 6.

[13] Piju XII, Enċiklika *Mediator Dei* (1947).

[14] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* III, 22, 4.

[15] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 21.

[16] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Tralles*, 3, 1; ara *Ittra lill-Insara ta' Magnesja*, 6, 1.

fil-bniedem, mill-ispirtu tal-ħakma, mill-iżbalji, mid-dnub ukoll. Il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu ma tħarisx bl-istess mod l-għemejjel kollha tal-ministri. Waqt li l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu tiżgura li jseħħ dak li jagħmlu s-sagramenti, b'mod li 1128
d-dnub tal-ministru mhux se jfixkel l-għoti tal-grazzja, hemm ħafna għemil ieħor li fih il-karattru tal-ministru bħala bniedem 1584
mhux dejjem iħalli sinjali li juru fedeltà għall-Evanġelju u li jistgħu wkoll ikunu ta' ħsara, b'mod li l-ħidma appostolika tal-Knisja ma tagħtix il-frott tagħha.

1551 Hu *saċerdozju ministerjali*. "Dan l-uffiċċju, mogħti mill-Mulej lir-rgħajja tal-poplu tiegħu, hu veru *servizz*".[17] 876
Hu ministeru kollu kemm hu għal Kristu u għall-bnedmin. Jiddependi għal kollox minn Kristu u mis-saċerdozju waħdieni tiegħu, u twaqqaf favur il-bnedmin u favur il-komunità tal-Knisja. Is-sagrament tal-Ordni jagħti "setgħa qaddisa" li 1538
mhijiex ħlief is-setgħa qaddisa ta' Kristu. It-tħaddim ta' din l-awtorità jrid għalhekk jitkejjel skont l-eżempju ta' Kristu li għall-imħabba tagħna sar l-aħħar wieħed u l-qaddej ta' kulħadd (ara *Mk* 10,43-45; *1 Piet* 5,3). "Il-Mulej għamilha 608
ċara li l-għajnuna mogħtija lill-merħla tiegħu hi prova ta' mħabba għalih" (ara *Ġw* 21,15-17).[18]

" … f'isem il-Knisja kollha"

1552 Is-saċerdozju ministerjali m'għandux biss id-dmir li juri 'l Kristu – ir-Ras tal-Knisja – lill-ġemgħa kollha tal-fidili; is-saċerdot ministru jkun ukoll jaqdi dmiru f'isem il-Knisja

[17] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 24.

[18] San Ġwann Griżostmu, *Trattat dwar is-Saċerdozju*, 2, 4: PG 48, 635D.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 582-583 5/16/2014 11:31:32 AM

kollha huwa u jwassal lil Alla t-talb tal-Knisja,[19] l-aktar huwa u joffri s-sagrifiċċju ewkaristiku.[20]

1553 F'isem il-Knisja *kollha:* dan ma jfissirx li s-saċerdoti huma d-delegati tal-komunità. It-talba u l-offerta tal-Knisja ma jistgħux jinfirdu mit-talba u l-offerta ta' Kristu, ir-Ras. Hemm dejjem il-qima u l-kult ta' Kristu fil-Knisja u bil-Knisja tiegħu. Hi l-Knisja kollha, il-Ġisem ta' Kristu, li titlob u toffri "bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu" ("per ipsum, et cum ipso et in ipso") flimkien mal-Ispirtu s-Santu, lil
795 Alla l-Missier. Il-Ġisem kollu, "ir-Ras u l-membri", jitlob u joffri u għalhekk dawk li fil-Ġisem huma b'mod speċjali l-ministri, huma msejħin *ministri* mhux biss ta' Kristu imma tal-Knisja wkoll. Hu għaliex is-saċerdozju ministerjali jirrappreżenta 'l Kristu, li jista' jirrappreżenta lill-Knisja wkoll.

III. It-Tliet gradi tas-sagrament tal-Ordni Sagri

1554 "Il-ministeru ekkleżjastiku, imwaqqaf minn Alla,
1536 hu mħaddem fi gradi jew ordnijiet diversi li sa mill-eqdem żminijiet issejħu Isqfijiet, presbiteri (saċerdoti jew qassisin) u djakni.[21] Id-duttrina Kattolika, imfissra mil-liturġija, mill-Maġisteru u mill-prattika tal-Knisja minn dejjem, tgħallem li hemm żewġ gradi ta' parteċipazzjoni ministerjali fis-saċerdozju ta' Kristu: l-Episkopat u l-presbiterat. Id-djakonat qiegħed hemm biex jgħinhom u jaqdihom. Hu għalhekk

[19] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 33.

[20] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 10.

[21] *Ibid*., 28.

li l-kelma "saċerdot" ġeneralment tintuża għall-Isqfijiet u l-presbiteri, u qatt għad-djakni. Iżda d-duttrina Kattolika tgħallem li l-gradi ta' parteċipazzjoni saċerdotali (Episkopat u presbiterat) u l-grad tal-qadi (djakonat), it-tlieta jingħataw permezz ta' att sagramentali msejjaħ "ordinazzjoni", jiġifieri 1538
mis-sagrament tal-Ordni:

> Agħtu ġieħ lid-djakni bħalma tagħtu lil Ġesù Kristu, bħalma tagħtu lill-Isqof, li hu xbieha tal-Missier, u agħtu ġieħ lil presbiteri bħala s-senat ta' Alla u bħala l-kulleġġ tal-appostli: mingħajrhom ma nistgħux nitkellmu dwar Knisja.[22]

L-Ordinazzjoni episkopali: il-milja tas-sagrament tal-Ordni

1555 "Fost il-ħafna ministeri li jaqdu l-uffiċċju tagħhom fil-Knisja sa mill-ewwel żminijiet, għandu l-ewwel post, kif tixhdilna t-Tradizzjoni, il-ministeru ta' dawk li huma Isqfijiet, li, b'suċċessjoni li qatt ma ġiet nieqsa sa mill-bidu, 861
huma l-friegħi li permezz tagħhom jasal it-tagħlim tal-Appostli."[23]

1556 Biex jaqdu din il-missjoni hekk għolja, "l-Appostli 862
permezz ta' Kristu, stagħnew b'don speċjali tal-Ispirtu s-Santu li niżel fuqhom, u huma għaddew, bit-tqegħid tal-idejn, lill-kollaboraturi tagħhom, don spiritwali li baqa' jingħata sa żminijietna permezz tal-konsagrazzjoni episkopali".[24]

1557 Il-Konċilju Vatikan II jgħallem li "bil-konsagrazzjoni episkopali tingħata *l-milja tas-sagrament tal-Ordni,* li bi

[22] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Tralles*, 3, 1.

[23] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 20.

[24] *Ibid*., 21.

drawwa liturġika tal-Knisja u b'fomm il-Missirijiet imqaddsa tagħha dejjem ġie meqjus bħala s-saċerdozju l-kbir, bħala l-quċċata ("summa") tal-ministeru mqaddes".[25]

895 1558 "Il-konsagrazzjoni episkopali, flimkien mad-dmir tat-tqaddis, tagħti wkoll id-dmirijiet tat-tagħlim u tat-tmexxija ... Permezz tat-tqegħid tal-idejn u tal-kliem tal-konsagrazzjoni, 1121 tingħata l-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu u l-marka tal-karattru, biex hekk l-Isqfijiet, jidhru b'mod mill-aqwa li huma qegħdin minflok Kristu stess, l-Imgħallem, ir-Ragħaj u s-Saċerdot, u dak li jagħmlu jagħmluh fil-persuna tiegħu (*in Eius persona agant*)".[26] "Barra dan, l-Isqfijiet, permezz tal-Ispirtu s-Santu li ngħatalhom, huma veri għalliema awtentiċi tal-fidi, qassisin il-kbar u rgħajja".[27]

1559 "Wieħed isir membru tal-Ordni tal-Isqfijiet bil-qawwa tal-konsagrazzjoni sagramentali u permezz tax-xirka ġerarkika mal-kap tal-Kulleġġ episkopali u mal-membri 877 tiegħu".[28] Il-karattru u n-*natura kolleġjali* tal-episkopat jidhru, fost oħrajn, mid-drawwa antika tal-Knisja li trid li għall-konsagrazzjoni ta' Isqof ġdid jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni għadd ta' Isqfijiet.[29] Illum, biex ordinazzjoni ta' Isqof tkun 882 skont il-liġi, hu meħtieġ l-intervent speċjali tal-Isqof ta' Ruma, għax fih tidher bl-ogħla mod l-għaqda tal-Knejjes partikulari mal-Knisja waħda, u hu garanzija tal-libertà tagħhom.

833 1560 Kull Isqof, bħala vigarju ta' Kristu, għandu l-kura pastorali tal-Knisja partikulari fdata lilu, iżda fl-istess ħin,

[25] *Ibid.*
[26] *Ibid.*
[27] Konċilju Vatikan II, Digriet *Christus Dominus* (1965), 2.
[28] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 22.
[29] *Ibid.*

għandu kolleġjalment ma' ħutu kollha fl-episkopat, il-*ħerqa għall-Knejjes kollha.* "Jekk kull Isqof hu biss ir-ragħaj propju ta' dik il-parti tal-merħla fdata lilu, bħala suċċessur leġittimu tal-Appostli, permezz tal-istituzzjoni divina, hu wkoll responsabbli, flimkien mal-Isqfijiet l-oħra kollha, tal-missjoni appostolika tal-Knisja".[30] 886

1561 Kulma għedna juri għaliex l-Ewkaristija ċċelebrata 1369 mill-Isqof għandha tifsira għal kollox speċjali bħala xbieha tal-Knisja madwar l-artal taħt il-presidenza ta' dak li hu r-rappreżentant li jidher ta' Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb u r-Ras tal-Knisja.[31]

L-Ordinazzjoni tal-presbiteri: kooperaturi tal-Isqfijiet

1562 "Kristu, li l-Missier ikkonsagra u bagħat fid-dinja", permezz tal-Appostli, sieħeb lis-suċċessuri tagħhom, jiġifieri lill-Isqfijiet, fil-konsagrazzjoni u l-missjoni tiegħu. Min-naħa tagħhom, imbagħad, l-Isqfijiet għaddew leġittimament id-dmirijiet tal-ministeru tagħhom lil diversi membri tal-Knisja, skont gradi diversi".[32] "L-uffiċċju ministerjali tagħhom għaddewh lill-presbiteri fi grad taħthom: dawn jinsabu fl-Ordni tal-presbiterat biex ikunu *kollaboraturi tal-Ordni tal-Isqfijiet* fil-qadi tal-missjoni appostolika fdata lilhom minn Kristu".[33]

[30] Piju XII, Enċiklika *Fidei donum* (1957); ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 23; Digriet *Christus Dominus* (1965), 4; 36; 37; Digriet *Ad gentes* (1965), 5; 6; 38.
[31] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 41; Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 26.
[32] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 28.
[33] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 2.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 586-587 5/16/2014 11:31:32 AM

1563 “Il-ħidma tas-saċerdoti, għax marbuta mal-Ordni tal-Isqfijiet, għandha sehem mill-awtorità li biha Kristu nnifsu jibni, iqaddes u jmexxi l-Ġisem tiegħu. Hu għalhekk li s-saċerdozju tal-presbiteri, għalkemm jissopponi s-sagramenti tad-dħul fil-ħajja Nisranija, madankollu
1121 jingħata permezz ta’ sagrament partikulari li, permezz tad-dilka tal-Ispirtu s-Santu, jimmarkahom b’karattru speċjali, u jxebbahhom ma’ Kristu-Saċerdot, biex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom fl-isem u l-persuna ta’ Kristu r-Ras”.[34]

1564 “Għalkemm ma għandhomx il-quċċata tal-uffiċċju saċerdotali li għandhom l-Isqfijiet u għalkemm jiddependu għal kollox mill-Isqfijiet fit-tħaddim tas-setgħa tagħhom, il-presbiteri huma magħqudin magħhom fid-dinjità saċerdotali; u bil-qawwa tas-sagrament tal-Ordni, b’xebh ma’ Kristu, il-Qassis il-Kbir u għal dejjem (ara *Lh* 5,1-10; 7,24; 9,11-28), huma kkonsagrati biex ixandru l-Evanġelu, ikunu rgħajja
611 tal-fidili, u jiċċelebraw il-kult divin *bħala saċerdoti veri tat-Testment il-Ġdid*”.[35]

1565 Bis-saħħa tas-sagrament tal-Ordni, il-presbiteri
849 għandhom sehem fid-dimensjoni universali tal-missjoni mogħtija minn Kristu lill-Appostli. Id-don spiritwali li rċevew fl-ordinazzjoni jħejjihom mhux għal xi missjoni limitata u ristretta, imma għal missjoni ta’ salvazzjoni universali, “sa truf l-art kollha”,[36] “lesti li, mill-fond ta’ qalbhom, iħabbru l-Evanġelju jkun fejn ikun”.[37]

[34] *Ibid.*

[35] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 28.

[36] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 10.

[37] Konċilju Vatikan II, Digriet *Optatam totius* (1965), 20.

1566 “Hu fil-kult jew *sinassi* (ġemgħa) *ewkaristika* li 1369
s-saċerdoti jeżerċitaw b’mod tassew għoli l-ministeru qaddis tagħhom: hemm ikunu flok Kristu u jħabbru l-misteru tiegħu, jgħaqqdu t-talbiet tal-fidili mas-sagrifiċċju tal-Kap tagħhom, iġeddu u japplikaw fis-sagrifiċċju tal-Quddiesa, sakemm il-Mulej jerġa’ jiġi, is-sagrifiċċju waħdieni tat-Testment il-Ġdid, is-sagrifiċċju li Kristu bħala vittma safja 611
offra darba għal dejjem lill-Missier għal kulħadd”.[38] Minn dan is-sagrifiċċju waħdieni jikseb il-qawwa kollha tiegħu l-ministeru saċerdotali tagħhom.[39]

1567 “Il-presbiteri, kooperaturi għaqlin tal-Ordni tal-Isqfijiet 1462
li tagħhom huma għajnuna u strument, imsejħin biex jaqdu l-poplu ta’ Alla flimkien mal-Isqof tagħhom, jagħmlu presbiterju wieħed, b’ħidmiet diversi. F’kull post fejn hemm 2179
komunità ta’ fidili, il-presbiteri jagħmlu b’xi mod preżenti l-Isqof, li miegħu huma marbutin b’qalb kbira u b’fiduċja liema bħalha; jagħmlu tagħhom skont il-grad li għandhom, id-dmirijiet tiegħu u l-ħerqa kollha tiegħu u jaqdu lil ħuthom l-Insara fil-ħidma tagħhom ta’ kuljum fost il-fidili”.[40] Il-presbiteri ma jistgħux jaqdu l-ministeru tagħhom jekk mhux dipendenti mill-Isqof u f’għaqda miegħu. Il-wegħda ta’ ubbidjenza li jagħmlu lill-Isqof fil-mument tal-ordinazzjoni tagħhom, u l-bewsa tal-paċi li jagħtihom l-Isqof fi tmiem il-liturġija tal-ordinazzjoni, ifissru li l-Isqof jikkonsidrahom bħala kollaboraturi tiegħu, uliedu, ħutu, u ħbiebu, u huma min-naħa tagħhom għandhom iħobbuh u jobduh.

[38] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 28.

[39] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 2.

[40] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 28.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 588-589 5/16/2014 11:31:32 AM

1537 1568 "Bl-ordinazzjoni, li ddaħħalhom fl-Ordni tal-presbiterat, il-presbiteri kollha huma marbutin bejniethom b'rabta liema bħalha ta' fraternità sagramentali; iżda b'mod speċjali jagħmlu presbiterju wieħed fid-djoċesi fejn qegħdin jaqdu l-ministeru tagħhom taħt l-Isqof tal-post".[41] L-għaqda tal-presbiterju għandha t-tifsira liturġika tagħha fid-drawwa li titlob li l-presbiteri kollha preżenti waqt ir-rit ta' l-ordinazzjoni, iqiegħdu jdejhom fuq l-ordinandi għall-presbiterat, wara l-Isqof.

L-Ordinazzjoni tad-djakni: "għall-qadi"

1569 "Fi grad inqas tal-ġerarkija jinsabu d-djakni: it-tqegħid tal-idejn isirilhom mhux għas-saċerdozju, imma għall-qadi".[42] Fl-ordinazzjoni tad-djakni, l-Isqof waħdu jqiegħed idejh, u hekk ifisser li d-djaknu hu b'mod speċjali marbut mal-Isqof fl-uffiċċji tiegħu ta' "djakonija".[43]

1570 Id-djakni għandhom sehem b'mod speċjali fil-missjoni u fil-grazzja ta' Kristu.[44] Is-sagrament tal-Ordni
1121 jimmarkahom b'*siġill* (karattru) li xejn ma jista' jneħħih u li jagħmilhom xebh ma' Kristu, li ried ikun "djaknu", jiġifieri qaddej ta' kulħadd (ara *Mk* 10,45; *Lq* 22,27).[45] Hu dmir id-djakni, fost dmirijiet oħra, li jassistu lill-Isqof u lill-presbiteri fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, u l-aktar tal-Ewkaristija, u li jqarbnu, li jassistu għaż-żwieġ u jberkuh, li jxandru

[41] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 8.

[42] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 29; ara Digriet *Christus Dominus* (1965), 15.

[43] Ara San Ippolitu, *It-Tradizzjoni Appostolika*, 8.

[44] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 41; Digriet *Ad gentes* (1965), 16.

[45] Ara San Polikarpu ta' Smirna, *Ittra lill-Filippin*, 5, 2.

l-Evanġelju u jippritkaw, li jmexxu l-funerali, u li jiddedikaw ruħhom għal kull qadi ta' mħabba.[46]

1571 Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn, il-Knisja Latina reġgħet waqqfet id-djakonat bħala "grad propju u permanenti tal-ġerarkija",[47] waqt li dan dejjem żammewh il-Knejjes tal-Lvant. Dan id-*djakonat permanenti* li jista' jingħata wkoll lill-irġiel miżżewġa, jagħni b'mod tassew importanti l-missjoni 1579
tal-Knisja. Dan għaliex hi ħaġa adatta u tiswa li rġiel, li fil-Knisja qed jaqdu veru ministeru ta' djakonija, kemm fil-ħajja liturġika u pastorali u kemm f'ħidmiet soċjali u karitattivi, jissaħħu bit-tqegħid tal-idejn li ġej minn żmien l-Appostli, u jintrabtu b'rabta aktar qawwija mal-artal biex jaqdu l-ministeru tagħhom b'mod aktar effikaċi, bl-għajnuna tal-grazzja sagramentali tad-djakonat.[48]

IV. Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan is-sagrament

1572 Iċ-ċelebrazzjoni tal-ordinazzjoni ta' Isqof, ta' presbiteri u ta' djakni, minħabba l-importanza tagħha fil-ħajja tal-Knisja tal-post, titlob li għaliha jkun hemm għadd kemm jista' jkun kbir ta' fidili. Preferibbilment iċ-ċelebrazzjoni għandha ssir f'jum il-Ħadd fil-katidral, b'solennità adatta għaċ-ċirkostanza. It-tliet ordinazzjonijiet, dik tal-Isqof, dik tal-presbiteri u dik tad-djakni, għandhom l-istess struttura. Isiru waqt il-liturġija ewkaristika.

1573 Ir-*rit essenzjali* tas-sagrament tal-Ordni għat-tliet gradi hu t-tqegħid tal-idejn mill-Isqof fuq ras dak li se jordna 699
(ordinand), flimkien mat-talba speċifika tal-konsagrazzjoni,

[46] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 29; Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 35; Digriet *Ad gentes* (1965), 16.

[47] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 29.

[48] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 16.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 590-591 5/16/2014 11:31:32 AM

li titlob lil Alla l-għoti tal-Ispirtu s-Santu, bid-doni tiegħu, adatti għall-ministeru li għalih qed jiġi ordnat il-kandidat.[49]

1574 Bħalma hemm fis-sagramenti l-oħra, iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-Ordni hi mdawra b'għadd ta' riti marbutin magħha. Dawn ir-riti jvarjaw ħafna skont it-tradizzjonijiet liturġiċi differenti, iżda kollha jfittxu li jfissru l-ħafna aspetti tal-grazzja sagramentali. Hekk, fir-rit Latin, ir-riti tal-bidu – il-preżentazzjoni u l-għażla tal-ordinandi, l-omelija tal-isqof, l-istħarriġ tal-fehma tal-ordinandi u l-litanija tal-qaddisin – kollha jixhdu li l-għażla tal-kandidati saret skont id-drawwa tal-Knisja u jħejju għall-att solenni tal-konsagrazzjoni; wara dan, għadd ta' riti oħra jfissru u juru b'mod simboliku l-misteru li jkun seħħ: għall-isqof u għall-presbiteri d-dlik biż-żejt tal-griżma hu sinjal tad-dilka speċjali tal-Ispirtu s-Santu li biha l-ministeru tagħhom jagħti l-frott tiegħu; l-għoti tal-ktieb tal-Evanġelju, taċ-ċurkett, tal-mitra u tal-baklu lill-Isqof huma sinjali tal-missjoni appostolika tat-tħabbir tal-Kelma ta' Alla, tal-fedeltà tiegħu lejn il-Knisja l-Għarusa ta' Kristu, tal-uffiċċju tiegħu ta' ragħaj tal-merħla tal-Mulej; l-għoti tal-patena u l-kalċi lill-presbiteri hi sinjal li huma msejħin biex jippreżentaw lil Alla "l-offerta tal-poplu qaddis ta' Alla"[50]; l-għoti tal-ktieb tal-Evanġelju lid-djakni jfisser li huma se jkollhom il-missjoni li jħabbru l-Evanġelju ta' Kristu.

V. Min jista' jagħti dan is-sagrament?

1575 Hu Kristu li għażel lill-Appostli u tahom sehem mill-missjoni u l-awtorità tiegħu. Wara t-tlugħ tiegħu fuq il-lemin tal-Missier, hu ma ħalliex waħedha l-merħla tiegħu, iżda jżommha permezz tal-Appostli taħt il-ħarsien tiegħu li ma jieqaf qatt, u jmexxiha permezz tal-istess Rgħajja li għadhom sal-lum ikomplu l-missjoni tiegħu.[51] Hu mela Kristu li jagħti "lil xi wħud" li jkunu appostli, lil xi wħud li jkunu rgħajja (ara *Ef* 4,11). Hu jkompli l-ħidma tiegħu permezz tal-Isqfijiet.

[49] Ara Piju XII, Kostituzzjoni Appostolika *Sacramentum ordinis* (1947): DS 3858.

[50] Ara *Pontifikal Ruman*, Rit tal-Ordinazzjoni tal-Isqfijiet, tal-Presbiteri u tad-Djakni: Ordinazzjoni tal-presbiteri: għoti tal-ħobż u tal-inbid.

[51] Ara *Missal Ruman*, Prefazju I tal-Appostli.

1576 Għaliex is-sagrament tal-Ordni hu s-sagrament tal-ministeru appostoliku, hu dmir l-Isqfijiet, bħala suċċessuri tal-Appostli li jgħaddu lill-oħrajn "dan id-don tal-Ispirtu",[52] "din iż-żerriegħa Appostolika".[53] L-Isqfijiet ordnati validament, jiġifieri fil-linja tas-suċċessjoni Appostolika, jagħtu validament it-tliet gradi tas-sagrament tal-Ordni.[54]

VI. Min jista' jirċievi dan is-sagrament?

1577 "Raġel mgħammed biss jista' jirċievi validament l-ordinazzjoni sagra".[55] Il-Mulej Ġesù għażel irġiel biex iwaqqaf il-kulleġġ ta' tnax-il Appostlu (ara *Mk* 3,14-19; *Lq* 6,12-16), u l-istess ħaġa għamlu l-Appostli meta għażlu l-kollaboraturi tagħhom (ara *1 Tim* 3,1-13; *2 Tim* 1,6; *Titu* 1, 5-9) li daħlu warajhom fl-uffiċċju tagħhom.[56] Il-kulleġġ tal-Isqfijiet, li magħhom hemm magħqudin fis-saċerdozju l-presbiteri, jippreżenta llum il-kulleġġ tal-Appostli, sa meta jerġa' jiġi l-Mulej. Il-Knisja tħoss ruħha marbuta ma' din l-għażla tal-Mulej stess. Hu għalhekk li l-ordinazzjoni tannisa ma tistax tkun.[57]

[52] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 21.

[53] *Ibid*., 20.

[54] Ara Innoċenz III, Ittra *Eius exemplo* lill-Arċisqof ta' Tarragona bi Professjoni tal-Fidi għall-Valdiżi (1208): DS 794; Konċilju tal-Lateran IV, *Dwar il-Fidi Kattolika* (1215): DS 802; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1012; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 744; 747.

[55] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1024.

[56] San Klement ta' Ruma, *Ittra lill-Korintin*, 42, 4; 44, 3.

[57] Ara San Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Mulieris dignitatem* (1988), 26-27; Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni *Inter insigniores* (1976); *Tweġiba għal dubju dwar id-duttrina fl-Ittra Appostolika "Ordinatio Sacerdotalis"* (1995).

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 592-593 5/16/2014 11:31:32 AM

2121 1578 Ħadd ma għandu d-*dritt* li jirċievi l-Ordni. Dan għaliex ħadd ma għandu jieħu għalih innifsu dan l-uffiċċju. Jissejjaħ minn Alla (ara *Lh* 5,4). Min jaħseb li hu msejjaħ minn Alla għall-ministeru tal-ordinazzjoni għandu jfisser bl-umiltà kollha x-xewqa tiegħu lill-awtorità tal-Knisja li għandha r-responsabiltà u d-dritt li ssejjaħ lil min jirċievi l-ordinazzjoni. Bħal kull grazzja dan is-sagrament *nirċevuh* biss bħala don li ma jistħoqqilniex.

1579 Il-ministri kollha tal-Knisja Latina, barra mid-djakni permanenti, bħala regola jintgħażlu minn fost irġiel li jemmnu
1618 u qed jgħixu fiċ-ċelibat u jridu jħarsu ċ-*ċelibat* "għas-Saltna tas-Smewwiet" (*Mt* 19,12). Imsejħin biex jikkonsagraw ruħhom lil Alla u lill-"ħwejjeġ tiegħu" (ara *1 Kor* 7,32) bla ebda firdiet fihom infushom, jingħataw kollhom kemm huma lil Alla u lill-bnedmin. Iċ-ċelibat hu sinjal ta' din il-ħajja ġdida, li għall-qadi tagħha huma kkonsagrati l-ministri tal-Knisja;
2233 milqugħ b'qalb hienja, iċ-ċelibat iħabbar is-saltna ta' Alla b'mod li tassew jiddi.[58]

1580 Fil-Knejjes tal-Lvant, minn xi sekli 'l hawn, hemm dixxiplina oħra: waqt li l-Isqfijiet jingħażlu biss minn fost dawk li jħaddnu ċ-ċelibat, irġiel miżżewġin jistgħu jiġu ordnati presbiteri u djakni. Din il-prattika ilha żmien twil meqjusa bħala leġittima; dawn il-presbiteri jaqdu ministeru li jagħti frott fil-komunitajiet tagħhom.[59] Madankollu ċ-ċelibat tal-presbiteri hu moghti l-ogħla ġieħ fil-Knejjes tal-Lvant, u ħafna huma s-saċerdoti li jagħżluh minn rajhom, għas-Saltna ta' Alla. Kemm fil-Lvant u kemm fil-Punent, min ikun irċieva l-Ordni ma jistax jiżżewweġ.

[58] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 16.
[59] Ara *ibid.*

VII. X'jagħmel is-sagrament tal-Ordni?

Karattru li ma jitħassar qatt

1581 Dan is-sagrament jagħti xebh ma' Kristu bi grazzja speċjali tal-Ispirtu s-Santu, biex wieħed ikun strument ta' Kristu għall-Knisja tiegħu. Bl-ordinazzjoni wieħed jikseb 1548
l-inkarigu li jagħmel ħidma bħala rappreżentant ta' Kristu, ir-Ras tal-Knisja, fit-tliet uffiċċji tiegħu ta' saċerdot, profeta u sultan.

1582 L-istess bħalma hu fil-każ tal-Magħmudija u tal- 1121
Konfermazzjoni (Griżma), dan is-sehem fil-ħidma ta' Kristu jingħata darba għal dejjem. Is-sagrament tal-Ordni jagħti, hu wkoll, *karattru spiritwali li ma jitħassar qatt* u ma jistax jiġi mtenni jew jingħata aktar minn darba jew għal żmien meqjus.[60]

1583 Wieħed tassew ordnat validament, għal raġunijiet gravi, jista' jiġi meħlus mill-obbligazzjonijiet tiegħu u mid-dmirijiet marbutin mal-ordinazzjoni, jew jista' jiġi pprojbit lilu li jeżerċitahom,[61] imma ma jista' qatt jerġa' jsir lajk fit-tifsir dejjaq tal-kelma[62] għax il-karattru mogħti mill-ordinazzjoni tiegħu, jibqa' jimmarkah għal dejjem. Is-sejħa u l-missjoni li rċieva meta ġie ordnat jimmarkawh b'mod permanenti.

1584 Fl-aħħar mill-aħħar huwa Kristu li jaħdem u jġib 1128
is-salvazzjoni permezz tal-ministru ordnat, u għalhekk il-

[60] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament tal-Ordni Sagri* (1563), 4: DS 1767; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 21; 28; Digriet *Presbyterorum ordinis* (1965), 2.
[61] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 290-293; 1336 §1, 3º, 5º; 1338 §2.
[62] Ara Konċilju ta' Trento, *Kanoni dwar is-Sagrament tal-Ordni Sagri* (1563), kan. 4: DS 1774.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 594-595 5/16/2014 11:31:33 AM

fatt li dan ma jkunx jistħoqqlu dan il-ministeru ma jfixkilx il-ħidma ta' Kristu.[63] Santu Wistin dan jgħidu bil-qawwa kollha:

> Ministru kburi bih innifsu jingħadd max-xitan. Iżda madankollu d-don ta' Kristu ma jiġix b'daqshekk ipprofanat: dak li joħroġ minn Kristu jibqa' jħares is-safa tiegħu, dak li jgħaddi minnu jibqa' ċar u jasal f'art li tagħti l-frott ... Il-qawwa spiritwali tas-sagrament hi bħad-dawl: dawk li jiġu mdawlin minnu jirċevuh fis-safa kollu tiegħu u jekk jgħaddi minn min hu mniġġes ma jitniġġisx.[64]

Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu

1585 Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu propja ta' dan is-sagrament hi x-xebh ma' Kristu, Saċerdot, Mgħallem u Ragħaj: tiegħu hu ministru min jiġi ordnat.

1586 Għall-Isqof, il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu hi l-ewwel nett grazzja ta' qawwa ("l-Ispirtu ewlieni" jew l-Ispirtu li jaħtar lil dawk li jmexxu):[65] biex imexxi u jħares bil-qawwa kollha u bl-għaqal kollu l-Knisja tiegħu bħala missier u ragħaj, b'imħabba għal kulħadd u bi mħabba speċjali għall-foqra, għall-morda u għal dawk f'xi ħtieġa.[66] Din il-grazzja timbuttah biex iħabbar l-Evanġelju lil kulħadd, biex ikun eżempju għall-merħla tiegħu, u jimxi quddiemha fit-triq tal-qdusija, huwa u jara lilu nnifsu fl-Ewkaristija, ħaġa waħda ma' Kristu Saċerdot u Vittma, mingħajr ma jibża' jagħti ħajtu għall-merħla.

[63] Ara Konċilju ta' Trento, *Kanoni dwar is-Sagramenti in ġenerali* (1547), kan. 12: DS 1612; Konċilju ta' Kostanza, *L-Iżbalji ta' Ġwanni Wyclif* (1415), 4: DS 1154.

[64] Santu Wistin, *Trattat 5 dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*, 15: PL 35, 1422.

[65] *Pontifikal Ruman*, Talba tal-konsagrazzjoni ta' Isqof fir-Rit Latin.

[66] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Christus Dominus* (1965), 13; 16.

> Agħti, Missier li tagħraf il-qlub, lil dan il-qaddej tiegħek li għażilt għall-Episkopat, li jirgħa l-merħla qaddisa tiegħek, u bla għajb jurik l-ogħla dinjità tas-saċerdozju, huwa u jaqdik lejl u nhar, u ma jieqaf qatt jitlob ħarsa ta' ħniena minnek u joffrilek id-doni tal-Knisja Mqaddsa tiegħek; ħa jkollu bl-ispirtu tal-ogħla dinjità tas-saċerdozju tiegħu s-setgħa li jaħfer id-dnubiet skont l-ordni tiegħek, iqassam l-uffiċċji skont l-ordni tiegħek, u jħoll ir-rabtiet kollha bis-setgħa li tajt lill-Appostli; ħa jkun jogħġbok bil-manswetudni u s-safa ta' qalbu, huwa u joffrilek fwieħa ħelwa li togħġbok b'Ibnek Ġesù Kristu ... [67]

1587 Id-don spiritwali li tagħti l-ordinazzjoni presbiterali hi mfissra mit-talba propja tar-rit Biżantin. L-Isqof, huwa u jqiegħed idu jgħid, fost kliem ieħor:

> Mulej, imla bid-don tal-Ispirtu s-Santu lil dak li għoġbok tgħolli għall-grad tas-saċerdozju biex ikun jixraqlu joqgħod quddiem l-artal tiegħek bla ebda għajb, iħabbar l-Evanġelju tas-Saltna tiegħek, jaqdi l-ministeru tal-kelma tal-verità, joffrilek doni u sagrifiċċji spiritwali, iġedded il-poplu tiegħek bil-ħasil tat-twelid ġdid, hekk li hu stess imur jiltaqa' mal-kbir Alla u Salvatur tagħna Ġesù Kristu, Ibnek il-waħdieni, f'jum it-tieni miġja tiegħu u jirċievi mit-tjieba bla qies tiegħek il-premju għall-fedeltà sħiħa fl-ordni tiegħu.[68]

1588 Lid-djakni "il-grazzja sagramentali tagħtihom il-qawwa meħtieġa ħa jaqdu l-poplu ta' Alla fid-'djakonija' tal-liturġija, tal-Kelma u tal-imħabba, f'għaqda mal-Isqof u mal-presbiterju tiegħu".[69]

1589 Quddiem il-kobor tal-grazzja u tal-uffiċċju saċerdotali, l-għorrief qaddisa tal-Knisja ħassew is-sejħa urġenti għall-konverżjoni biex ħajjithom kollha tkun taqbel ma' dik ta' dak li għamilhom ministri tiegħu. Hekk kiteb San Girgor Nazjanzenu, meta kien għadu saċerdot żagħżugħ:

[67] San Ippolitu, *It-Tradizzjoni Appostolika*, 3.

[68] Liturġija Biżantina, Euchologion, it-tieni talba tat-tqegħid tal-idejn fl-ordinazzjoni tal-presbiteri.

[69] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 29.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 596-597 5/16/2014 11:31:33 AM

Trid tibda ssaffi lilek innifsek qabel issaffi l-oħrajn; trid tkun tgħallimt qabel tibda tgħallem; trid tkun sirt dawl qabel tibda ddawwal; tersaq lejn Alla biex tressaq lill-oħrajn, tkun imqaddes biex tqaddes, tmexxi b'idek u tagħti pariri bl-intelliġenza kollha.[70] Nafu ta' min aħna ministri, f'liema għoli ninsabu, u min hu dak li lejh sejrin. Nafu x'inhu l-kobor ta' Alla u x'inhi d-dgħufija tal-bniedem, imma nafu wkoll x'qawwa għandu.[71] Mela min hu s-saċerdot? Hu d-difensur tal-verità, jissieħeb mal-anġli, jagħti glorja mal-arkanġli, itella' fuq l-artal tas-sema l-vittmi tas-sagrifiċċji, jaqsam fis-saċerdozju ma' Kristu, isawwar mill-ġdid il-ħlejjaq u jerġa' jagħtihom ix-xbieha ta' Alla, joħloqhom mill-ġdid għad-dinja ta' hemm fuq, u, biex ngħid dak li hu l-aqwa, hu *divinizzat u jiddivinizza*.[72]

U l-kurat ta' Ars: "Hu s-saċerdot li jkompli l-opra tal-fidwa fuq l-art" ... "Jekk wieħed jifhem sewwa x'inhu s-saċerdot fuq l-art, imut mhux bil-biża' imma bl-imħabba" … "Is-saċerdozju, hu l-imħabba tal-Qalb ta' Ġesù".[73]

Fil-qosor

1590 *San Pawl jgħid lid-dixxiplu tiegħu Timotju: "Infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-tqegħid ta' jdejja"* (*2 Tim* 1,6). *"Min jixtieq ix-xogħol ta' isqof jixtieq xogħol sabiħ"* (*1 Tim* 3,1). *U lil Titu qallu: "Ħallejtek fi Kreta, biex tqassam kollox bl-ordni, u biex taħtar presbiteri f'kull belt, skont ma ordnajtlek"* (*Titu* 1,5).

1591 *Il-Knisja kollha hi poplu saċerdotali. Permezz tal-Magħmudija, il-fidili kollha għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu. Dan it-tisħib jissejjaħ "is-saċerdozju komuni tal-fidili". Fuq il-bażi tiegħu u għall-qadi tiegħu hemm parteċipazzjoni oħra fil-missjoni ta' Kristu, dik tal-ministeru li jingħata bis-sagrament tal-Ordni, li l-ħidma tiegħu hi dik li jaqdi fi ħdan komunità, f'isem Kristu u fil-persuna ta' Kristu r-Ras.*

1592 *Is-saċerdozju ministerjali hu essenzjalment differenti mis-saċerdozju komun tal-fidili, għax jagħti setgħa qaddisa għall-qadi tal-fidili. Il-ministri ordnati jaqdu s-servizz tagħhom mal-poplu ta' Alla bit-tagħlim* (munus docendi), *bil-kult divin* (munus liturgicum) *u bit-tmexxija pastorali* (munus regendi).

1593 *Sa mill-bidu, il-ministeru ordnat ingħata u tħaddem fi tliet gradi jew ordnijiet: dak tal-Isqfijiet, dak tal-presbiteri u dak tad-djakni. L-istruttura organika tal-Knisja ma tistax tgħaddi mingħajr il-ministeri mogħtija permezz tal-ordinazzjoni. Mingħajr Isqof, presbiteri u djakni ma nistgħux nitkellmu fuq Knisja.*[74]

1594 *L-Isqof jirċievi l-milja tas-sagrament tal-Ordni li bih jidħol fil-Kulleġġ tal-Isqfijiet u jagħmlu kap viżibbli tal-Knisja partikulari li tiġi fdata lilu. L-Isqfijiet, bħala suċċessuri tal-Appostli u membri tal-Kulleġġ Episkopali, għandhom sehem fir-responsabiltà appostolika u fil-missjoni tal-Knisja kollha taħt l-awtorità tal-Papa, is-suċċessur ta' San Pietru.*

1595 *Il-presbiteri huma mseħbin mal-Isqfijiet fid-dinjità tas-saċerdozju u fl-istess ħin jiddependu minnhom fit-tħaddim tal-uffiċċji pastorali kollha tagħhom; huma*

[70] San Girgor Nazjanzenu, *Diskors* 2, 71: PG 35, 480B.
[71] *Ibid*., 2, 74: PG 35, 481B.
[72] *Ibid*., 2, 73: PG 35, 481A.
[73] B. Nodet, *Il-Kurat t'Ars. Il-ħsieb u l-qalb tiegħu,* Le Puy, 1966, 98.

[74] Ara San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Tralles*, 3, 1.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 598-599 5/16/2014 11:31:33 AM

msejħin biex ikunu kollaboraturi għaqlin tal-Isqfijiet; jiffurmaw madwar l-Isqof tagħhom il-"presbiterju" li jġib miegħu r-responsabiltà tal-Knisja partikulari. Jirċievu mingħand l-Isqof l-uffiċċju li jmexxu komunità parrokkjali jew jaqdu ħidma ekkleżjali determinata.

1596 *Id-djakni huma ministri ordnati għall-ħidmiet ta' qadi fil-Knisja; ma jirċevux is-saċerdozju ministerjali, imma l-ordinazzjoni tagħtihom uffiċċju importanti fil-ministeru tal-Kelma, tal-kult divin, tat-tmexxija pastorali u tas-servizz tal-imħabba, ħidmiet li jridu jsiru taħt l-awtorità pastorali tal-Isqof tagħhom.*

1597 *Is-sagrament tal-Ordni jingħata bit-tqegħid tal-idejn flimkien ma' talba ta' konsagrazzjoni solenni li fiha tintalab mingħand Alla għal dak li se jiġi ordnat il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu meħtieġa għall-ministeru tiegħu. L-ordinazzjoni tħalli fir-ruħ karattru sagramentali li ma jitħassar qatt.*

1598 *Il-Knisja tagħti s-sagrament tal-Ordni lill-irġiel imgħammdin biss, wara li jkunu ġew magħrufa sewwa l-kwalitajiet li jagħmluhom adatti ħa jħaddnu l-ministeru li jingħatalhom. L-awtorità tal-Knisja għandha r-responsabiltà u d-dritt li ssejjaħ lil xi ħadd biex jirċievi s-sagrament tal-Ordni.*

1599 *Fil-Knisja Latina, is-sagrament tal-Ordni għall-presbiterat normalment ma jingħatax jekk mhux lill-kandidati li lesti jħaddnu minn rajhom iċ-ċelibat u li juru pubblikament ir-rieda li jħarsuh għall-imħabba tas-Saltna ta' Alla u għall-qadi tal-bnedmin.*

1600 *Huma l-Isqfijiet li għandhom id-dritt jagħtu s-sagrament tal-Ordni fit-tliet gradi tiegħu.*

Is-seba' artiklu

IS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

1601 "Ir-rabta taż-żwieġ, li biha raġel u mara flimkien iwaqqfu komunità ta' ħajja għal għomorhom, u li min-natura tagħha tfittex il-ġid tal-miżżewġin u wkoll it-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied, għall-imgħammdin ġiet mgħollija minn Kristu l-Mulej, għad-dinjità ta' sagrament".[75]

I. Iż-Żwieġ fil-Pjan ta' Alla

1602 L-Iskrittura tibda bil-ħolqien tar-raġel u tal-mara fuq 369
is-sura u x-xbieha ta' Alla (ara *Ġen* 1,26-27) u tagħlaq bid-
dehra tat-"tieġ tal-Ħaruf" (*Apok* 19,7.9). Mill-bidu sal-aħħar, 796
l-Iskrittura titkellem dwar iż-żwieġ u l-"misteru" tiegħu, dwar it-twaqqif tiegħu u t-tifsir li Alla ried jagħtih, dwar il-bidu u t-tmiem tiegħu, dwar kulma seħħ bih tul il-ġrajja twila tas-salvazzjoni, dwar id-diffikultajiet li jiġu mid-dnub u dwar it-tiġdid tiegħu "fil-Mulej" (*1 Kor* 7,39), fil-Patt il-Ġdid ta' Kristu u l-Knisja (ara *Ef* 5,31-32).

Iż-Żwieġ fl-ordni tal-Ħolqien

1603 "Il-komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba tal-
miżżewġin twaqqfet u ġiet mogħtija l-liġijiet propji tagħha 371
mill-Ħallieq. Alla nnifsu hu l-awtur taż-żwieġ".[76] Il-vokazzjoni għaż-żwieġ tinsab fin-natura stess tar-raġel u tal-mara, kif

[75] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1055 §1.
[76] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Gaudium et spes* (1965), 48.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 600-601 5/16/2014 11:31:33 AM

ħarġu minn id il-Ħallieq. Iż-żwieġ mhuwiex biss xi istituzzjoni umana, minkejja l-ħafna varjazzjonijiet li ġarrab tul iż-żminijiet f'kulturi differenti, fi strutturi soċjali u f'qagħdiet spiritwali. Dawn id-diversitajiet m'għandhomx inessuna li fis-suriet kollha li kellu ż-żwieġ hemm xi ħaġa li tinsab fiż-żwiġijiet kollha u tibqa' għal dejjem. Għalkemm id-dinjità taż-żwieġ mhux dejjem tidher kullimkien ċara bl-istess mod[77], fil-kulturi kollha nsibu ċertu sens tal-kobor tal-għaqda taż-żwieġ. "Għaliex il-ġid tal-persuna u tas-soċjetà umana u Nisranija hu marbut b'rabta liema bħalha mal-qagħda hienja tal-għaqda fiż-żwieġ u tal-familja.[78]

1604 Alla ħalaq il-bniedem għax ħabbu, sejjaħlu wkoll għall-imħabba, vokazzjoni fundamentali u naturali ta' kull bniedem. Dan għaliex il-bniedem hu maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla (ara *Ġen* 1,27), li hu fih innifsu mħabba (ara *1 Ġw* 4,8.16). Għaliex Alla ħalaq il-bniedem raġel u mara, l-imħabba tagħhom għal xulxin hi xbieha tal-imħabba assoluta li ma tiġi nieqsa qatt ta' Alla għall-bniedem. Hi ħaġa tajba, tajba ħafna f'għajnejn il-Ħallieq (ara *Ġen* 1,31). U din l-imħabba, li Alla jbierek, trid tagħti l-frott tagħha u tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fil-ħidma flimkien għall-ħarsien tal-ħolqien: "U berikhom Alla u qalilhom: 'Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha'" (*Ġen* 1,28).

1605 Ir-raġel u l-mara huma maħluqin għal xulxin: dan l-Iskrittura tgħidu b'mod ċar: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu" (*Ġen* 2,18). Il-mara, "laħam minn [laħmu]" (*Ġen* 2,23), jiġifieri daqsu, l-aktar qrib tiegħu, ingħatatlu minn Alla bħala "għajnuna tgħodd għalih" (*Ġen* 2,18), għax hu

[77] Ara *ibid*., 47.
[78] *Ibid.*

minnu li "l-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej" (*Salm* 121,2). "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (*Ġen* 2,24). Dan ifisser għaqda flimkien taż-żewġ ħajjiet tagħhom, għaqda li ma tintemm qatt, u dan, il-Mulej stess urieh meta fakkar dak li kien "fil-bidu" il-pjan ta' Alla: "Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed" (*Mt* 19,6).

Iż-Żwieġ f'qagħda ta' dnub

1606 Kull bniedem mill-esperjenza tiegħu jaf bil-ħażen li hemm madwaru u fih. Din l-esperjenza tinħass ukoll fir-relazzjonijiet bejn ir-raġel u l-mara. Tul iż-żmien kollu, ir-rabta tagħhom hi mhedda mill-ġlied, min-nuqqas ta' ftehim, mill-ispirtu tal-ħakma, mill-infedeltajiet, mill-għira, u minn ġlied li jista' jwassal ukoll għall-mibegħda u għall-firda. Dan id-diżordni kollu jista' juri ruħu f'suriet ftit jew wisq serji, u jista' b'xi mod ftit jew wisq jintrebaħ, skont il-kulturi, iż-żminijiet, l-individwi, imma hu x'inhu jidher li dan id-diżordni jinsab fid-dinja kollha.

1607 Skont il-fidi, dan id-diżordni li jnikkitna, mhux ġej min-*natura* tar-raġel u tal-mara, u lanqas min-natura tar-relazzjonijiet ta' bejniethom, imma mid-*dnub*. L-ewwel dnub, li ġab il-firda minn Alla, bħala l-ewwel effett tiegħu, kellu l-firda fl-għaqda li fil-bidu kien hemm bejn ir-raġel u l-mara. Ir-relazzjonijiet ta' bejniethom tħawdu bit-tilwim tagħhom huma u jwaħħlu f'xulxin (ara *Ġen* 3,12): il-ġibda għal xulxin, don propju ta' Alla li ħalaqhom (ara *Ġen* 2,22) tbiddlet f'ħakma u żina (ara *Ġen* 3,16b); is-sejħa sabiħa biex inisslu u joktru u jaħkmu fuq l-art (ara *Ġen* 1,28) iġġarrbet bl-uġigħ tat-tqala u bl-għaraq tax-xogħol (ara *Ġen* 3, 16-19).

55 1608 Iżda l-ordni tal-ħolqien baqa', għalkemm imħarbat sewwa. Ir-raġel u l-mara, biex ifejqu l-ġerħat tad-dnub, jeħtieġu l-għajnuna tal-grazzja ta' Alla li, fil-ħniena kbira tiegħu, qatt ma jiċħadhielhom (ara *Ġen* 3,21). Mingħajr din l-għajnuna, ir-raġel u l-mara qatt ma jirnexxilhom jaslu biex iwettqu bejniethom l-għaqda ta' ħajjithom, għaqda li għaliha Alla ħalaqhom "sa mill-bidu".

Iż-Żwieġ taħt il-pedagoġija tal-Liġi

410 1609 Alla, fil-ħniena kbira tiegħu, ma ħalliex waħdu l-bniedem midneb. Il-pieni li ġew wara d-dnub: "l-uġigħ [tat-tqala]" (*Ġen* 3,16), ix-xogħol "bl-għaraq ta' ġbinek" (*Ġen* 3,19) huma wkoll rimedju biex inaqqsu l-ħsarat tad-dnub. Wara l-waqgħa, iż-żwieġ jgħin il-bniedem biex ma jingħalaqx fih innifsu, biex jirbaħ l-egoiżmu tiegħu, biex ma jfittixx biss il-pjaċiri tiegħu, imma biex iż-żewġ miżżewġin jinfetħu għal xulxin, jgħinu lil xulxin, jagħtu lilhom infushom lil xulxin.

1610 Il-kuxjenza morali dwar l-unità u l-indissolubiltà taż-żwieġ żviluppat skont il-pedagoġija tal-Liġi l-qadima. Fit-
1963; 2387 Testment il-Qadim, il-poligamija tal-patrijarki u tas-slaten għad mhijiex imwarrba b'mod ċar u tond. Iżda l-Liġi mogħtija lil Mosè fittxet tħares lill-mara mill-ħakma arbitrarja tar-raġel, għalkemm kien għad fiha sinjali, skont il-Mulej, tal-"ebusija tal-qalb" tar-raġel, u minħabba f'hekk Mosè ppermetta li r-raġel jibgħat lil martu (ara *Mt* 19,8; *Dewt* 24,1).

219; 2380 1611 Il-profeti, huma u jaraw il-Patt ta' Alla ma' Iżrael bħala xbieha tal-imħabba esklussiva u fidila fiż-żwieġ (ara *Hos* 1-3; *Is* 54,62; *Ġer* 2-3; 31; *Eżek* 16,23) ħejjew il-kuxjenza tal-poplu magħżul biex jagħraf dejjem aktar fil-

fond li ż-żwieġ hu wieħed u ma jinħallx (ara *Mal* 2,13-17). Il-Kotba ta' Rut u ta' Tobit huma xhieda mill-isbaħ tat-tifsir għoli taż-żwieġ, tal-fedeltà u tal-imħabba tal-miżżewġin. 2361
Fl-Għanja tal-Għanjiet, it-Tradizzjoni dejjem rat tifsira, li ma hemmx oħra bħalha, tal-imħabba tal-bniedem, bħala rifless tal-imħabba ta' Alla, imħabba "bħall-mewt qawwija", li "ilmijiet kbar mhuma se jaslu qatt biex [jitfuha]" (*Għan* 8,6-7).

Iż-Żwieġ fil-Mulej

1612 Ir-rabta taż-żwieġ bejn Alla u l-Poplu ta' Iżrael ħejjiet ir-rabta ġdida u għal dejjem li biha l-Iben ta' Alla, magħmul 521
bniedem biex jagħti ħajtu għad-dinja, ingħaqad b'ċertu mod mal-umanità kollha, li hu salva[79] u hekk ħejja "it-tieġ tal-Ħaruf" (*Apok* 19,7.9).

1613 Fuq il-għatba tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù għamel l-ewwel sinjal, għat-talba ta' Ommu, waqt festa ta' tieġ (ara *Ġw* 2,1-11). Il-Knisja tagħti importanza kbira għall-preżenza ta' Ġesù fit-tieġ ta' Kana. Tara fiha xhieda tat-tjubija taż-żwieġ u tħabbira li għall-quddiem iż-żwieġ kien se jkun sinjal effikaċi tal-preżenza ta' Kristu.

1614 Fil-predikazzjoni tiegħu, Ġesù għallem bla tlaqliq it- 2336
tifsir ewlieni li kellha l-għaqda fiż-żwieġ tar-raġel u l-mara, kif riedha Alla fil-bidu: il-permess mogħti permezz ta' Mosè għad-divorzju, ingħata minħabba l-ebusija tal-qalb (ara *Mt* 2382
19,8); l-għaqda fiż-żwieġ tar-raġel u l-mara ma tinħall qatt: Alla nnifsu riedha: "Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (*Mt* 19,6).

[79] *Ibid.*, 22.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 604-605 5/16/2014 11:31:33 AM

2364 1615 Din l-insistenza bla tlaqliq dwar li r-rabta taż-żwieġ ma tinħallx, setgħet tħawwad l-imħuħ u tidher bħala xi ħaġa li ma tistax tilħaqha (ara *Mt* 19,10). Iżda Ġesù ma għabbiex il-miżżewġin b'piż tqil ħafna li ma jistgħux jerfgħuh (ara *Mt* 11,29-30), aktar tqil mil-Liġi ta' Mosè. Meta ġie biex iwaqqaf mill-ġdid l-ordni li kien hemm fil-bidu tal-ħolqien, ordni mħarbat mid-dnub, Ġesù nnifsu ta qawwa u grazzja lill-miżżewġin biex jgħixu ż-żwieġ tagħhom fid-dimensjoni ġdida tas-Saltna ta' Alla. Il-miżżewġin, meta jimxu wara Kristu, u jiċċaħħdu minnhom infushom, mgħobbijin bis-salib tagħhom (ara *Mk* 8,34), jistgħu "jifhmu" (ara *Mt* 19,11) it-tifsir li kellu ż-żwieġ fil-bidu u jgħixuh bl-għajnuna ta' Kristu. Din
1642 il-grazzja taż-żwieġ Nisrani hi frott tas-salib ta' Kristu, għajn tal-ħajja Nisranija kollha.

1616 Dan jifhem l-Appostlu Pawlu meta jgħid: "Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha ... biex iqaddisha" (*Ef* 5,25-26), u minnufih żied jgħid: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!" (*Ef* 5,31-32).

796 1617 Il-ħajja Nisranija kollha għandha s-sinjal tal-imħabba tal-għerusija ta' Kristu u l-Knisja. Il-Magħmudija, li hi d-dħul fil-poplu ta' Alla, hi ġa misteru ta' għerusija: hi qisha, biex ingħidu hekk, il-ħasil għaż-żwieġ (ara *Ef* 5,26-27) li jiġi qabel l-ikla tat-tieġ, l-Ewkaristija. Iż–żwieġ Nisrani, min-naħa tiegħu, isir sinjal effikaċi, sagrament ta' l-għaqda ta' Kristu u l-Knisja. Iż-żwieġ bejn l-imgħammdin, għax ifisser u jagħti l-grazzja, hu verament sagrament tal-Patt il-Ġdid.[80]

[80] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament taż-Żwieġ* (1563): DS 1800; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1055 §1.

Il-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet

1618 Kristu hu ċ-ċentru tal-ħajja Nisranija kollha. Ir-rabta 2232
miegħu tiġi qabel ir-rabtiet l-oħra kollha tal-familja u tas-soċjetà (ara *Lq* 14,26; *Mk* 10,28-31). Sa mill-bidu tal-Knisja kien hemm irġiel u nisa li ċċaħħdu mill-ġid kbir taż-żwieġ ħa 1579
jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur hu (ara *Apok* 14,4), biex ifittxu l-ħwejjeġ tal-Mulej, biex ifittxu li jogħġbu lilu (ara *1 Kor* 7,32), biex imorru jiltaqgħu mal-Għarus li ġej (ara *Mt* 25,6). Kristu nnifsu sejjaħ lil xi wħud biex jimxu warajh f'din is-sura ta' ħajja li tagħha Kristu jibqa' dejjem il-mudell:

> "Hemm ewnuki li jitwieldu hekk minn ġuf ommhom, oħrajn jagħmluhom hekk in-nies, u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet. Min jista' jifhem, jifhem!" (*Mt* 19,12).

1619 Il-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet hi żvilupp 922-924
tal-grazzja tal-Magħmudija, sinjal mill-aqwa li r-rabta ma' Kristu tisboq kull rabta oħra; sinjal ta' tama ħerqana għat-tieni miġja tiegħu; sinjal ukoll li jfakkar li ż-żwieg huwa realtà ta' dan iż-żmien li għad jgħaddi (ara *Mt* 12,25; *1 Kor* 7,31).

1620 Kemm is-sagrament taż-Żwieġ u kemm il-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet, ġejjin mill-Mulej innifsu. Hu jagħtihom it-tifsir tagħhom, hu jagħtihom il-grazzja meħtieġa biex wieħed jgħixhom skont ir-rieda tiegħu (ara *Mt* 19,3-12). L-istima tal-verġinità għas-Saltna tas-smewwiet[81] u s-sens 2349
Nisrani taż-żwieġ ma jinfirdux minn xulxin, imma jgħinu lil xulxin:

[81] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 42; Digriet *Perfectae caritatis* (1965),12; Digriet *Optatam totius* (1965), 10.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 606-607 5/16/2014 11:31:33 AM

> L-istmerrija taż-żwieġ hi fl-istess waqt nuqqas ta' ġieħ għall-verġinità; it-tifħir taż-żwieġ hu t-tkattir tal-ġieħ li jixraq lill-verġinità. Għax fl-aħħar mill-aħħar dak li jidher tajjeb, jekk tqabblu ma' xi ħaġa ħażina, mhuwiex verament tajjeb, iżda dak li hu aħjar minn dak li kulħadd jaqbel li hu tajjeb, hu tajjeb fuq li hu tajjeb.[82]

II. Iċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ

1621 Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ bejn żewġ Kattoliċi, fir-rit Latin, normalment issir waqt il-Quddiesa, minħabba r-rabta li għandhom is-sagramenti kollha mal-Misteru tal-Għid ta' Kristu.[83] Fl-Ewkaristija sseħħ it-tifkira tal-Patt il-Ġdid, li bih Kristu ngħaqad darba għal dejjem mal-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, li għaliha ta lilu nnifsu.[84] Jaqbel għalhekk li l-miżżewġin jissiġillaw il-kunsens li jagħtu lil xulxin bl-offerta ta' ħajjithom kollha lil xulxin, huma u jgħaqqduha mal-offerta ta' Kristu għall-Knisja tiegħu, imġedda fis-sagrifiċċju ewkaristiku, u jirċievu l-Ewkaristija biex, huma u jitqarbnu bl-istess Ġisem u Demm ta' Kristu, jagħmlu "ġisem wieħed" fi Kristu (ara *1 Kor* 10,17).

1622 "Bħala *ġest sagramentali ta' tqaddis*, iċ-ċelebrazzjoni liturġika taż-żwieġ ... minnha nnifisha trid tkun valida, xierqa, u tagħti kotra ta' frott".[85] Jaqbel għalhekk li dawk li se jiżżewġu jħejju ruħhom għaż-żwieġ tagħhom billi jersqu għas-sagrament tal-Penitenza.

[82] San Ġwann Griżostmu, *Trattat dwar il-Verġinità*, 10, 1: PG 48, 540A; ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 16.

[83] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 61.

[84] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 6.

[85] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 67.

1623 Fit-Tradizzjoni Latina, huma ż-żewġ għarajjes li, bħala ministri tal-grazzja ta' Kristu, jagħtu lil xulxin is-sagrament taż-żwieġ, huma u jfissru l-kunsens tagħhom quddiem il-Knisja. Fit-tradizzjonijiet tal-Knejjes tal-Lvant, is-saċerdoti – l-Isqfijiet jew presbiteri – huma xhieda tal-kunsens li ż-żewġ għarajjes jagħtu lil xulxin (li jissejjaħ "koronazzjoni"): hu s-saċerdot jew l-Isqof li, wara li jkun laqa' l-kunsens taż-żewġ għarajjes, jinkuruna l-ewwel l-għarus u mbagħad l-għarusa b'sinjal tar-rabta taż-Żwieġ.[86] Iżda l-barka tagħhom hi wkoll meħtieġa għall-validità tas-sagrament.[87]

1624 Il-ħafna liturġiji taż-Żwieġ għandhom għana ta' talb, ta' barka u ta' epiklesi, jitolbu lil Alla l-grazzja u l-barka fuq il-miżżewġin ġodda, u l-aktar fuq il-mara. Fl-epiklesi ta' dan is-sagrament, il-miżżewġin ġodda jirċievu l-Ispirtu s-Santu bħala għaqda ta' mħabba fi Kristu u l-Knisja (ara *Ef* 5,32). Hu l-Ispirtu s-Santu s-siġill tar-rabta tagħhom, l-għajn bħal nixxiegħa dejjiema tal-imħabba tagħhom għal xulxin, il-qawwa li fiha dejjem tiġġedded il-fedeltà tagħhom għal xulxin.

III. Il-kunsens taż-Żwieġ

1625 Dawk li jintrabtu bil-patt taż-żwieġ huma raġel u mara mgħammdin, ħielsa minn kull impediment biex jiżżewġu ma' xulxin, u li juru l-kunsens tagħhom minn rajhom. "Ħielsa" jiġifieri:

[86] Ara *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 817.

[87] Ara *ibid*., kan. 828.

— mhumiex imġegħlin;
— mhumiex impediti minn xi liġi naturali jew ekkleżjastika.

2201 1626 Il-Knisja tqis il-bdil tal-kunsens bejn iż-żewġ għarajjes bħala l-element għal kollox meħtieġ "li jagħmel iż-żwieġ".[88] Jekk il-kunsens huwa nieqes, ma hemmx żwieġ.

1627 Il-kunsens hu "att uman li bih il-miżżewġin jagħtu lilhom infushom lil xulxin, u jilqgħu lil xulxin".[89] "Jiena nieħu lilek b'żewġi". "Jiena nieħu lilek b'marti".[90] Dan il-kunsens li jorbot iż-żewġ għarajjes bejniethom, isib is-sħuħija tiegħu fil-fatt li t-tnejn "isiru ġisem wieħed" *(*ara *Ġen* 2,24; *Mk* 10,8; *Ef* 5,31).

1628 Il-kunsens irid ikun ġej mir-rieda ħielsa kemm tar-
1735 raġel u kemm tal-mara, ħieles mill-vjolenza u minn biża' gravi minn barra.[91] Ebda setgħa tal-bnedmin ma tista' tieħu post dan il-kunsens.[92] Jekk tonqos din il-libertà, iż–żwieġ ma jkunx jiswa.

1629 Minħabba din ir-raġuni (u minħabba raġunijiet oħra li jagħmlu żwieġ null jew difettuż)[93], il-Knisja tista', wara li tistħarreġ sewwa l-qagħda minn tribunal ekkleżjastiku kompetenti, tiddikjara "in-nullità ta' żwieġ", jiġifieri tgħid li ż-żwieġ qatt ma kien hemm. F'dan il-każ, dawn ikunu jistgħu jerġgħu jiżżewġu, jekk ma jkunux marbutin minn obbligi naturali ta' rabta ta' qabel.[94]

[88] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1057 §1
[89] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan 1057 §2.
[90] *Rit taż-Żwieġ*, 62.
[91] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1103.
[92] Ara *ibid*., kan. 1057 §1.
[93] Ara *ibid*., kan. 1083-1108.
[94] Ara *ibid*., kan. 1071 §1, §3.

1630 Is-saċerdot (jew id-djaknu) li jassisti għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ jilqa' l-kunsens tal-għarajjes f'isem il-Knisja u jagħti l-barka tal-Knisja. Il-preżenza tal-ministru tal-Knisja (u tax-xhieda wkoll) juri viżibilment li ż-żwieġ hu realtà ekkleżjali.

1631 Hu għalhekk li l-Knisja normalment titlob mill-fidili tagħha li jħarsu l-*forma ekkleżjastika* fiż-żwieġ tagħhom.[95] Hemm ħafna raġunijiet li jfissru din ir-regola:

— Iż-Żwieġ sagramentali hu att *liturġiku.* Jaqbel għalhekk 1069
li jiġi ċċelebrat skont il-liturġija pubblika tal-Knisja;
— Iż-Żwieġ idaħħal il-miżżewġin *f'ordni* ekkleżjali, jagħti 1537
drittijiet u dmirijiet fil-Knisja lill-miżżewġin u favur l-ulied.
— Għax iż-Żwieġ hu stat ta' ħajja fil-Knisja, irid ikun hemm
ċertezza dwaru (għalhekk il-ħtieġa tax-xhieda).
— Il-karattru pubbliku tal-kunsens iħares l-"iva" li jingħad 2365
darba għal dejjem u jgħin biex wieħed jibqa' fidil lejn din
l-"iva".

1632 Biex l-"iva" tal-għarajjes tkun ħielsa u responsabbli u biex ir-rabta taż-żwieġ ikollha pedamenti umani u Nsara sodi li jibqgħu, għandha importanza kbira t-*tħejjija għaż-żwieġ.*

L-eżempju mogħti mill-ġenituri u mill-qraba jibqa' dejjem it-triq 2206
privileġġjata ta' din it-tħejjija.

Il-ħidma tar-Rgħajja u tal-komunità Nisranija, bħala "familja ta' Alla", hi meħtieġa fuq li meħtieġa biex twassal il-valuri umani u Nsara taż-żwieġ u tal-familja,[96] u dan aktar u aktar fi żmienna meta ħafna żgħażagħ għaddew mill-esperjenza ta' familji mfarrka, li ma jiżgurawx biżżejjed din it-tħejjija.

[95] Ara Konċilju ta' Trento, Digriet dwar iż-Żwieġ *Tametsi* (1563), 1: DS 1813-1816; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1108.
[96] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1063.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 610-611 5/16/2014 11:31:34 AM

Iż-żgħażagħ iridu jiġu mgħallmin f'ħin waqtu u b'mod adatt, jekk jista' jkun fi ħdan il-familji tagħhom, dwar id-dinjità tal-imħabba fiż-żwieġ, dwar il-funzjoni tagħha, kif turi ruħha: imħejjijin b'dan il-mod għas-safa, ikunu jistgħu, meta jasal il-waqt, jiżżewġu, wara għerusija li jkunu għexu bid-dinjità kollha.[97]

Iż-żwiġijiet imħallta u disparità tal-kult

1633 F'ħafna pajjiżi l-qagħda taż-*żwiġijiet imħallta* (bejn persuna Kattolika u oħra mgħammda imma mhux Kattolika) tidher ħafna ta' spiss. Titlob attenzjoni partikulari kemm minn dawk li jiżżewġu u kemm mir-rgħajja. Il-każ ta' żwiġijiet *fejn ma hemmx qbil fil-kult* (bejn persuna Kattolika u oħra mhux mgħammda) jitlob attenzjoni wisq akbar.

1634 Id-differenza fl-istqarrija tal-fidi Nisranija ma toħloqx tfixkil għaż-żwieġ li ma jistax jingħeleb, jekk jaslu biex jaqsmu bejniethom dak li rċevew mill-komunità tagħhom u jgħallmu lil xulxin kif jgħixu l-fedeltà tagħhom lejn Kristu. Iżda min-naħa l-oħra ma għandniex inġibu fix-xejn id-diffikultajiet li jistgħu joħolqu ż-żwiġijiet imħallta. Dawn id-diffikultajiet jiġu mill-fatt li l-firda bejn l-Insara għad ma ġietx megħluba. Il-miżżewġin jistgħu jġarrbu t-traġedja tal-firda tal-Insara fi ħdan il-familja tagħhom stess. Id-differenza fil-kult tista' tkattar aktar dawn id-diffikultajiet. Differenzi dwar il-fidi, dwar dak li hu ż-żwieġ innifsu, u mentalitajiet reliġjuži differenti wkoll, jistgħu jkunu għajn ta' tensjonijiet fiż-żwieġ, l-aktar dwar l-edukazzjoni tal-ulied. Imbagħad tista' tidħol l-indifferenza reliġjuża.

1635 Skont il-liġi tal-Knisja Latina llum, iż-żwieġ bejn persuna Kattolika u oħra mgħammda mhux Kattolika biex ikun leċitu, jeħtieġ il-*permess espress* tal-awtorità tal-Knisja.[98] F'każ ta' differenza jew disparità fil-kult hi meħtieġa *dispensa espressa* mill-impediment biex iż-żwieġ ikun validu.[99] Dan il-permess, jew din id-dispensa tissupponi li ż-żewġ partijiet ikunu jafu sewwa u ma jkunux iwarrbu l-għanijiet u l-proprjetajiet essenzjali taż-żwieġ; u barra dan, li l-parti Kattolika twettaq id-dmirijiet, li dwarhom tkun ġiet mgħarrfa wkoll il-parti mhux Kattolika, li tgħożż il-fidi

[97] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 49.

[98] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan 1124.

[99] Ara *ibid*., kan. 1086.

tagħha u tiżgura l-Magħmudija u l-edukazzjoni Kattolika tal-ulied fil-Knisja Kattolika.[100]

1636 F'ħafna postijiet, bis-saħħa tad-djalogu ekumeniku, il-komunitajiet Insara interessati, waqqfu *ħidma pastorali komuni għaż-żwiġijiet imħallta*. Din il-ħidma trid tgħin il-koppji biex jgħixu l-qagħda partikulari tagħhom fid-dawl tal-fidi, tgħinhom jegħlbu t-tensjonijiet li jistgħu jinħolqu minħabba l-obbligazzjonijiet lejn xulxin u lejn il-komunitajiet ekkleżjali tagħhom, u tgħinhom iġibu 'l quddiem dak li dwar il-fidi hemm qbil bejniethom, u jirrispettaw dak li fih ma jaqblux.

1637 Fiż-żwiġijiet fejn hemm disparità ta' kult, il-parti Kattolika għandha ħidma speċjali: "Ir-raġel li ma jemminx jitqaddes permezz ta' martu (li temmen), u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha (li jemmen)" (*1 Kor* 7,14). Ikun ferħ kbir għall-parti Nisranija u għall-Knisja jekk dan it-"tqaddis" iwassal għall-konverżjoni ħielsa tal-parti mhux mgħammda għall-fidi Nisranija (ara *1 Kor* 7,16). Imħabba sinċiera fiż-żwieġ, il-ħarsien umli u kollu sabar tal-virtujiet tal-familja u t-talb bla waqfien, jistgħu jħejju l-parti li ma temminx biex tilqa' l-grazzja tal-konverżjoni.

IV. L-effetti tas-sagrament taż-Żwieġ

1638 "Minn żwieġ validu bejn il-miżżewġin tinħoloq *rabta* li, min-natura tagħha, hi rabta ma' ebda ħaddieħor u għal dejjem; barra dan, fiż-żwieġ Nisrani, il-miżżewġin huma mqawwijin u bħal ikkonsagrati minn *sagrament speċjali* għad-dmirijiet u għad-dinjità tal-istat tagħhom".[101]

Ir-rabta taż-Żwieġ

1639 Il-kunsens li bih l-għarajjes jagħtu lilhom infushom u jaċċettaw lil xulxin hu ssiġillat minn Alla nnifsu (ara *Mk* 10,9). Mill-patt bejniethom, "titwieled, għall-quddiem is-

[100] Ara *ibid*., kan. 1125.

[101] *Ibid*., kan. 1134.

soċjetà wkoll, istituzzjoni (iż-żwieġ) imwettqa mil-Liġi ta' Alla".[102] Ir-rabta bejn il-miżżewġin issir parti mir-rabta ta' Alla mal-bnedmin: "L-imħabba vera tal-miżżewġin tittieħed fl-imħabba ta' Alla".[103]

1640 Ir-*rabta taż-żwieġ* mela għamilha Alla stess hekk li ż-żwieġ bejn miżżewġin mgħammda, jekk isir l-att taż-żwieġ, ma jista' jinħall qatt. Din ir-rabta li tiġi minn att liberu u uman tal-għarajjes, u mit-twettiq tal-istess att taż-żwieġ, hi realtà li tibqa' għal dejjem u li tagħti bidu għal rabta ggarantita mill-fedeltà stess ta' Alla. Il-Knisja m'għandhiex is-setgħa titkellem kontra dispożizzjoni magħmula mill-għerf ta' Alla.[104]

Il-grazzja tas-sagrament taż-Żwieġ

1641 "Fl-istat tagħhom ta' ħajja u fl-ordni tagħhom, (il-miżżewġin Insara) għandhom id-doni propji tagħhom fi ħdan il-Poplu ta' Alla".[105] Din il-grazzja propja tas-sagrament taż-Żwieġ trid twassal għall-perfezzjoni l-imħabba tal-miżżewġin, u ssaħħaħ l-għaqda ta' bejniethom, li qatt ma tista' tinħall. B'din il-grazzja, "huma jgħinu lil xulxin biex jitqaddsu fil-ħajja tagħhom taż-żwieġ, huma u jilqgħu u jedukaw lil uliedhom".[106]

1642 *Kristu hu l-għajn ta' din il-grazzja.* "Kif Alla fl-

[102] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48.
[103] *Ibid.*
[104] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1141.
[105] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.
[106] *Ibid*. Ara *ibid*., 41.

imgħoddi ħa l-inizjattiva biex ikun hemm patt ta' mħabba u ta' fedeltà mal-poplu tiegħu, hekk issa l-Feddej tal-bnedmin, l-Għarus tal-Knisja, jiġi jiltaqa' mal-għarajjes Insara fis-sagrament taż-Żwieġ".[107] Jibqa' magħhom, jagħtihom il-qawwa jimxu warajh mgħobbijin bis-salib tagħhom, jerfagħhom mill-waqgħat tagħhom, jgħinhom jaħfru lil xulxin, joqogħdu "għal xulxin fil-biża' ta' Kristu" (*Ef* 5,21), iħobbu lil xulxin b'imħabba sopranaturali kollha ħlewwa, imħabba li tagħti l-frott. Fil-ferħ tal-imħabba u tal-ħajja tagħhom fil-familja, Alla jagħtihom, hawn fid-dinja, li jgawdu minn qabel il-ferħ tat-tieġ tal-Ħaruf:

> Kif nistgħu nfissru l-hena ta' dak iż-żwieġ li l-Knisja torbot, twettaq l-offerta u tissiġilla l-barka; l-anġli jħabbruh u l-Missier iwettaq? ... X'rabta sabiħa hu ż-żwieġ ta' żewġ Insara, magħqudin flimkien bl-istess tama, bl-istess xewqat, bl-istess sura ta' ħajja, bl-istess qadi. It-tnejn aħwa, ulied l-istess Missier; it-tnejn qaddejja tal-istess Sid: ebda firda bejniethom la fir-ruħ u lanqas fil-ġisem, għaliex huma t-tnejn ġisem wieħed għax fejn il-ġisem hu wieħed hekk hi waħda r-ruħ.[108]

V. Dak li tagħti u dak li titlob l-imħabba fiż-Żwieġ

1643 "L-imħabba tal-miżżewġin hija universali, jiġifieri fiha jidħlu l-elementi kollha tal-persuna – dak kollu li jitlob il-ġisem u l-istint, il-qawwa tas-sentimenti u tal-għożża, ix-xewqat tal-ispirtu u tar-rieda. L-għan ta' din l-imħabba hi l-għaqda sħiħa tal-persuni, għaqda li, barra l-għaqda f'ġisem wieħed, twassal biex ikun hemm ukoll qalb waħda

[107] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48.
[108] Tertulljanu, *Lil martu,* 2, 9: PL 1, 1415-1416; San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 13.

u ruħ waħda; titlob li l-għaqda tal-miżżewġin bejniethom *ma tinħall qatt* u li huma jingħataw lil xulxin bil-*fedeltà* kollha, u li l-għaqda tagħhom tkun dejjem *miftuħa għall-ħajja.* F'kelma waħda, dan kollu mhux ħlief dak li niltaqgħu miegħu fl-imħabba naturali tal-miżżewġin, iżda b'tifsira ġdida, li mhux biss issaffiha u tqawwiha, imma tgħolliha hekk li tkun stqarrija ta' valuri kollhom kemm huma Nsara".[109]

L-unità u l-indissolubiltà taż-Żwieġ

1644 L-imħabba tal-miżżewġin, min-natura tagħha stess, titlob l-unità u l-indissolubiltà tal-komunità tagħhom ta' persuni, u tħaddan ħajjithom kollha: għaliex "mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed" (*Mt* 19,6; ara *Ġen* 2,24). "Huma msejħin biex dejjem aktar jikbru f'din l-għaqda billi minn jum għal ieħor jibqgħu fidili għall-wegħda li għamlu fiż-Żwieġ li jingħataw lil xulxin kollhom kemm huma".[110] Din l-għaqda hi mwettqa, imsoffija u tilħaq il-kobor sħiħ tagħha fl-għaqda ma' Ġesù Kristu, għaqda li tingħata permezz tas-sagrament taż-Żwieġ. Tissaħħaħ aktar bil-mixi flimkien fit-triq tal-fidi u permezz tal-Ewkaristija li fiha jissieħbu flimkien.

369 1645 "Id-dinjità personali ndaqs li għandhom ir-raġel u l-mara fl-imħabba sħiħa għal xulxin turi b'mod ċar l-għaqda u l-unità taż-żwieġ, imwettqa mill-Mulej".[111] Il-*poligamija* hi kontrarja għall-fatt li r-raġel u l-mara għandhom l-istess dinjità bħala persuni, u fiż-żwieġ jagħtu ruħhom lil xulxin

[109] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 13.
[110] *Ibid*., 19.
[111] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 49.

b'imħabba sħiħa li ma hemmx bħalha u ebda ħaddieħor ma għandu x'jaqsam magħha.[112]

Il-fedeltà u l-imħabba fiż-Żwieġ 2364-2365

1646 L-imħabba tal-miżżewġin, min-natura tagħha stess, titlob fedeltà li ma tiġi nieqsa qatt. Dan hu l-effett tal-għoti tagħhom infushom lil xulxin tal-miżżewġin. L-imħabba trid tkun ħaġa definittiva. Ma tistax tkun imħabba "sakemm jinbidlu ċ-ċirkustanzi". Din "l-għaqda intima, li tiġi mill-għoti ta' żewġ persuni lil xulxin, flimkien mal-ġid tal-ulied, titlob il-fedeltà sħiħa tal-miżżewġin lil xulxin u għaqda li ma tinħall qatt".[113]

1647 L-ogħla raġuni ta' dan insibuha fil-fedeltà ta' Alla għall-patt tiegħu, tal-fedeltà ta' Kristu lejn il-Knisja tiegħu. Permezz tas-sagrament taż-Żwieġ, il-miżżewġin jiksbu l-qawwa li jkunu rappreżentanti ta' din il-fedeltà ta' Alla u ta' Kristu, u jagħtu xhieda għaliha. Permezz tas-sagrament, il-fatt li ż-Żwieġ ma jinħall qatt, jikseb tifsir ġdid u aktar għoli.

1648 Forsi tidher ħaġa diffiċli, jekk mhux impossibbli, tintrabat għal għomrok ma' persuna oħra. Iżda hu aktar meħtieġ tħabbar il-Bxara t-Tajba li Alla jħobbna b'imħabba definittiva u li mhux se jerġa' lura minnha, li l-miżżewġin għandhom sehem minn din l-imħabba, li din l-imħabba twettaqhom, u li permezz tal-fedeltà tagħhom jistgħu jkunu xhieda ta' din l-imħabba fidila ta' Alla. Il-miżżewġin, li, bl-

[112] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 19.
[113] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 616-617 5/16/2014 11:31:34 AM

għajnuna tal-grazzja ta' Alla, jagħtu din ix-xhieda, xi kultant, f'ċirkustanzi tassew diffiċli, jistħoqqilhom il-ħajr u l-għajnuna tal-komunità ekkleżjali kollha.[114]

1649 Iżda hemm sitwazzjonijiet, hemm qagħdiet fejn il-ħajja flimkien fiż-żwieġ issir impossibbli fil-prattika għal ħafna raġunijiet. F'dan il-każ, il-Knisja tammetti s-*separazzjoni* fiżika tal-miżżewġin u tammetti
2383 wkoll li ma jibqgħux jgħixu flimkien. Iżda l-miżżewġin jibqgħu dejjem raġel u mara miżżewġin quddiem Alla; ma jistgħux ifittxu rabta ġdida. F'qagħda diffiċli bħal din, l-aħjar soluzzjoni tkun ir-rikonċiljazzjoni bejniethom, meta dan ikun possibbli. Il-komunità Nisranija hi msejħa biex tgħin lil dawn il-persuni ħa jgħixu din il-qagħda tagħhom bħala Nsara, fil-fedeltà lejn ir-rabta taż-żwieġ tagħhom, li tibqa' dejjem rabta li ma tinħall qatt.[115]

1650 Illum, f'ħafna postijiet, huma ħafna l-Insara li qegħdin ifittxu
2384 d-*divorzju* skont il-liġijiet ta' pajjiżhom, u jfittxu rabta ġdida permezz ta' żwieġ ċivili. Il-Knisja trid tibqa' fidila għall-kliem ta' Ġesù Kristu: "Min jitlaq lil martu u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju kontra l-ewwel waħda; u jekk mara titlaq lil żewġha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta' adulterju" (*Mk* 10,11-12); għalhekk ma tistax tqis bħala valida din l-għaqda ġdida, jekk l-ewwel waħda tkun valida. Jekk divorzjati jiżżewġu ċivilment, isibu ruħhom f'qagħda li oġġettivament hi kontra l-liġi ta' Alla. Għalhekk ma jistgħux jersqu għat-Tqarbin, sakemm idumu f'din il-qagħda. Għall-istess raġuni ma jistgħux jaqdu ċerti responsabiltajiet ekkleżjali. Ir-rikonċiljazzjoni permezz tas-sagrament tal-Penitenza tista' tingħata biss lil dawk li jisgħobbihom li kisru s-sinjal tal-Patt u tal-fedeltà lejn Kristu, u jintrabtu li jgħixu f'kontinenza sħiħa.

1651 Lill-Insara li jsibu ruħhom f'qagħda bħal din u li spiss jibqgħu jħarsu l-fidi tagħhom u jixtiequ jrabbu 'l uliedhom bħala Nsara, is-saċerdoti u l-komunità kollha għandha tagħtihom xhieda ta' mħabba ħerqana għalihom, u turihom li mhumiex mifrudin mill-Knisja, anzi bħala mgħammdin, jistgħu u għandhom jieħdu sehem fil-ħajja tal-Knisja.

[114] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 20.

[115] Ara *ibid*., 83; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1151-1155.

> Huma mħeġġin jisimgħu l-Kelma ta' Alla, imorru għall-Quddies, jipperseveraw fit-talb, ikattru l-għemejjel tagħhom ta' mħabba u jgħinu ħa jissaħħu l-inizjattivi favur il-ġustizzja fil-komunità li fiha jinsabu, iqawwu fihom l-ispirtu u l-għemejjel ta' penitenza biex hekk kuljum jitolbu lil Alla l-grazzja tiegħu.[116]

Il-ftuħ għall-ħajja 2366-2367

1652 "Hu min-natura tagħhom stess li ż-żwieġ u l-imħabba tal-miżżewġin għandhom bħala għan it-tnissil 372
u t-trobbija tal-ulied, u f'dan isibu l-qofol u l-kobor sħiħ tagħhom".[117]

> L-ulied huma l-isbaħ don taż-żwieġ u jgħinu ħafna għall-ġid tal-ġenituri tagħhom stess. Alla nnifsu li qal: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu" (*Ġen* 2,18) u li "mill-bidu ... għamilhom raġel u mara" (*Mt* 19,4), ried jagħtihom ukoll sehem speċjali fil-ħidma tiegħu tal-ħolqien; u hekk bierek ir-raġel u l-mara huwa u jgħidilhom: "Nisslu u oktru" (*Ġen* 1,28). Minn dak iż-żmien, l-imħabba vera tal-miżżewġin, imħabba li rridu nifhmuha sewwa, u l-istruttura kollha tal-ħajja tal-familja li toħroġ minnha, dejjem fittxu, mingħajr b'daqshekk ma warrbu l-għanijiet l-oħra taż-żwieġ, li jagħmlu li l-miżżewġin ikunu dejjem lesti biex jikkooperaw bil-kuraġġ kollu mal-imħabba tal-Ħallieq u tal-Feddej, li permezz tagħhom, irid bla heda jkabbar u jagħni l-familja tiegħu.[118]

1653 Il-frott tal-imħabba tal-miżżewġin iħaddan ukoll il-frott tal-ħajja morali, spiritwali u sopranaturali li l-ġenituri jgħaddu lil uliedhom bit-trobbija li jagħtuhom. Il-ġenituri

[116] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 84.

[117] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48.

[118] *Ibid*., 50.

huma l-ewwel u l-edukaturi ewlenin ta' wliedhom.[119] F'dan
2231 is-sens, id-dmir fundamentali taż-żwieġ u tal-familja hu li tkun għall-qadi tal-ħajja.[120]

1654 Il-miżżewġin li lilhom Alla ma tahomx li jkollhom tfal, jista' jkollhom ħajja fiż-żwieġ li tkun tfisser ħafna għalihom kemm bħala bnedmin u kemm bħala Nsara. Iż-żwieġ tagħhom jista' jagħti kotra ta' frott ta' mħabba, ta' mġiba akkoljenti lil xulxin u ta' sagrifiċċju.

VI. Il-Knisja tad-dar

1655 Kristu ried jitwieled u jikber fi ħdan il-Familja Mqaddsa
759 ta' Ġużeppi u Marija. Il-Knisja mhijiex ħlief "il-familja ta' Alla". Fil-bidu, il-Knisja kollha spiss ma kinitx tkun ħlief dawk li flimkien ma "darhom kollha" kienu jemmnu (ara *Atti* 18,8). Meta dawn kienu jikkonvertu, kienu jixtiequ li "darhom kollha" ukoll issalva (ara *Atti* 16,31 u 11,14). Dawn il-familji li jkunu saru Nsara kienu jkunu qishom gżejjer żgħar ta' ħajja Nisranija f'dinja bla twemmin.

1656 Illum, f'dinja li hi spiss barranija għall-fidi, jekk mhux ukoll kontra l-fidi, il-familji tal-Insara għandhom importanza kbira, bħala ċentri ta' fidi ħajja li ddawwal bid-dija tagħha. Hu għalhekk li l-Konċilju Vatikan II sejjaħ il-familja,
2204 b'espressjoni antika ħafna "il-knisja tad-dar", "ecclesia

[119] Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Gravissimum educationis* (1965), 3.

[120] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 28.

domestica".[121] Hu fi ħdan il-familja li l-ġenituri huma, "bil-kelma u bl-eżempju tagħhom ... l-ewwel ħabbara tal-fidi, għall-qadi tal-vokazzjoni propja ta' kull wieħed u b'mod speċjali għall-qadi tal-vokazzjoni mqaddsa".[122]

1657 Hu fi ħdan il-familja li jitħaddem b'mod privileġġjat
is-*saċerdozju li tagħti l-Magħmudija* tal-missier, tal-omm, 1268
tal-ulied u tal-membri kollha tal-familja, "meta jersqu lejn is-sagramenti, meta jitolbu u jroddu ħajr, huma u jagħtu xhieda ta' ħajja qaddisa biċ-ċaħdiet u bl-imħabba tagħhom bil-fatti".[123] Il-familja hi hekk l-ewwel skola ta' ħajja Nisranija
u "skola iktar għanja ta' umanità".[124] Hi fi ħdan il-familja li 2214-2231
wieħed jitgħallem it-toqol u l-ferħ tax-xogħol, l-imħabba bejn l-aħwa, il-maħfra mill-qalb, ukoll jekk imtennija kemm-il darba u fuq kollox, il-qima ta' Alla permezz tat-talb u tal-offerta tal-ħajja.

1658 Irridu niftakru wkoll li xi persuni, minħabba ċ-ċirkustanzi li fihom ikollhom jgħixu, spiss mingħajr ma jkunu jridu, huma qrib ħafna l-Qalb ta' Ġesù u jistħoqqilhom l-imħabba u l-ħerqa tal-Knisja, u l-aktar dik tar-Rgħajja: dawn huma l-ħafna *persuni li ma żżewġux*. Ħafna jibqgħu *mingħajr familja umana*, spiss minħabba l-faqar tagħhom. Xi wħud minnhom jgħixu din il-qagħda tagħhom fl-ispirtu tal-beatitudnijiet, jaqdu 'l Alla u l-proxxmu b'mod eżemplari.

[121] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11; ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 21.

[122] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[123] *Ibid*., 10.

[124] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 52.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 620-621 5/16/2014 11:31:34 AM

2231 Lil dawn il-persuni, kulħadd għandu jifthilhom il-bieb tad-
dar, tal-"knejjes tad-dar", ta' dik il-familja kbira li hi l-Knisja.
2233 "Ebda persuna ma hi bla familja f'din id-dinja: il-Knisja hi
d-dar u l-familja ta' kulħadd, u b'mod partikulari ta' dawk li
huma 'mħabbtin u mtaqqlin' (*Mt* 11,28)".[125]

Fil-qosor

1659 *San Pawl jgħid: "Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja... Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!"* (*Ef* 5,25.32).

1660 *Ir-rabta taż-żwieġ, li biha r-raġel u l-mara jwaqqfu komunità intima ta' ħajja u ta' mħabba, twaqqfet u ġiet mogħtija l-liġijiet propji tagħha mill-Ħallieq. Min-natura tagħha trid ukoll iġġib il-ġid tal-miżżewġin u t-tnissil u t-trobbija tal-ulied. Ir-rabta taż-żwieġ bejn tnejn mgħammdin ġiet mgħollija għad-dinjità ta' sagrament minn Kristu l-Mulej.*[126]

1661 *Is-sagrament taż-Żwieġ ifisser l-għaqda ta' Kristu u l-Knisja. Lill-miżżewġin jagħtihom il-grazzja li jħobbu lil xulxin b'dik l-imħabba li biha Kristu ħabb il-Knisja tiegħu; b'hekk, il-grazzja tas-sagrament twassal għall-perfezzjoni l-imħabba umana tal-miżżewġin, issaħħaħ l-għaqda ta' bejniethom li ma tista' titħassar*

[125] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika, *Familiaris consortio* (1981), 85.

[126] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1055 §1.

qatt u tqaddishom fil-mixi tagħhom lejn il-ħajja ta' dejjem.[127]

1662 *Iż-żwieġ jinbena fuq il-kunsens tat-tnejn li se jiżżewġu, jiġifieri fuq ir-rieda tagħhom li jagħtu lilhom infushom lil xulxin u għal dejjem bil-għan li jgħixu għaqda ta' mħabba bil-fedeltà kollha, għaqda ta' mħabba li tagħti l-frott.*

1663 *Għaliex iż-żwieġ iqiegħed lill-miżżewġin f'qagħda pubblika ta' ħajja fil-Knisja, jaqbel li jiġi ċċelebrat pubblikament fi ħdan ċelebrazzjoni liturġika quddiem saċerdot (jew xhud kwalifikat tal-Knisja), ix-xhieda u l-ġemgħa tal-Insara.*

1664 *L-unità, l-indissolubiltà u l-ftuħ għall-ħajja huma essenzjali għaż-żwieġ. Il-poligamija tmur kontra l-unità taż-żwieġ; id-divorzju jifred dak li Alla għaqqad; iċ-ċaħda tal-ftuħ għall-ħajja tneħħi mill-ħajja taż-żwieġ "l-aqwa don tiegħu", it-tfal.*[128]

1665 *Iż-żwieġ mill-ġdid ta' divorzjati minn persuni li għadhom ħajjin u li magħhom kien hemm żwieġ validu, imur kontra l-pjan tal-Liġi ta' Alla li għallem Kristu. Id-divorzjati mhumiex mifrudin mill-Knisja, iżda ma jistgħux jersqu jitqarbnu. Jgħixu l-ħajja Nisranija tagħhom billi jagħtu lil uliedhom trobbija tajba fil-fidi.*

[127] Ara Konċilju ta' Trento, *Duttrina dwar is-Sagrament taż-Żwieġ* (1563): DS 1799.

[128] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 50.

kkk 575-624 latest.OK (r).indd 622-623 5/16/2014 11:31:34 AM

1666 *Il-familja Nisranija hi l-post fejn l-ulied jisimgħu l-ewwel tħabbira tal-fidi. Hu għalhekk li d-dar tal-familja bid-dritt kollu tissejjaħ "il-Knisja tad-dar", komunità ta' grazzja u ta' talb, skola ta' virtujiet umani u ta' mħabba Nisranija.*

IR-RABA' KAPITLU

IĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI L-OĦRA

L-ewwel artiklu

IS-SAGRAMENTALI

1667 "Ommna l-Knisja Mqaddsa waqqfet is-sagramentali, li huma sinjali mqaddsa li bihom, f'sura ta' xebh mas-sagramenti, jiġu mfissra u jingħataw bit-talb tal-Knisja, xi effetti, l-aktar spiritwali, li bihom il-bnedmin jitħejjew biex jirċievu l-effett ewlieni tas-sagramenti, u l-ħafna ċirkustanzi tal-ħajja jitqaddsu".[1]

Il-karatteristiċi tas-sagramentali

1668 Twaqqfu mill-Knisja għall-qdusija ta' xi ministeri ekkleżjali, ta' xi stati ta' ħajja, tal-ħafna ċirkustanzi tal-ħajja Nisranija, u wkoll ta' xi affarijiet ta' siwi li n-nies soltu jużaw. Jistgħu wkoll, b'deċiżjoni pastorali tal-Isqfijiet, iwieġbu għall-ħtiġijiet, għall-kultura u għall-ġrajja propja tal-poplu Nisrani ta' xi reġjun jew ta' xi żmien. Fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramentali hemm dejjem talba msieħba ma' sinjal 699; 2157

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 60: ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1166; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 867.

determinat, bħat-tqegħid tal-idejn, is-sinjal tas-salib, it-traxxix bl-ilma mbierek (li jfakkar il-Magħmudija).

784 1669 Is-sagramentali joħorġu mis-saċerdozju li jingħata fil-Magħmudija: kull min hu mgħammed hu msejjaħ biex
2626 ikun "barka" (ara *Ġen* 12,2) u biex ibierek (ara *Lq* 6,28; *Rum* 12,14; *1 Piet* 3,9). Hu għalhekk li xi lajċi jistgħu jippresiedu xi barkiet;[2] aktar ma barka tkun dwar ħajja ekkleżjali u sagramentali, il-presidenza tagħha aktar tkun riservata lill-ministri ordnati (Isqof, saċerdot u djaknu).[3]

1128 1670 Is-sagramentali ma jagħtux il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu kif jagħtuha s-sagramenti, imma permezz tat-talb
2001 tal-Knisja jħejju biex wieħed jirċievi l-grazzja u jiddisponuh ħa jikkoopera magħha. "Għall-Insara li għandhom dispożizzjonijiet tajba, il-ġrajjiet kollha tal-ħajja, nistgħu ngħidu, huma mqaddsin bil-grazzja ta' Alla li tiġi mill-Misteru tal-Għid tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien mill-imwiet ta' Kristu, għaliex minnu jiksbu l-qawwa tagħhom is-sagramenti kollha u s-sagramentali; u nistgħu ngħidu li m'hemmx ħaġa materjali li l-użu xieraq tagħha ma jistax jgħin għat-tqaddis tal-bniedem u għat-tifħir ta' Alla".[4]

Il-ħafna suriet tas-sagramentali

1078 1671 Fost is-sagramentali hemm l-ewwel il-*barkiet* (tal-persuni, tal-mejda, tal-ħwejjeġ, tal-postijiet). Kull barka hi tifħir ta' Alla u talba għaddoni tiegħu. Fi Kristu, l-Insara huma mberkin mill-Missier "b'kull xorta ta' barka spiritwali" (*Ef* 1,3). Hu għalhekk li l-Knisja tagħti l-barka tagħha, hija u ssejjaħ l-isem ta' Ġesù u trodd is-salib.

[2] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 79; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1168.

[3] Ara *Ktieb il-Barkiet*, I, Daħla Ġenerali, 16; 18.

[4] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 61.

1672 Xi barkiet jibqgħu: għaliex *jikkonsagraw* xi persuni lil Alla u jwarrbu xi ħwejjeġ u xi postijiet għaċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija. Fost dawn il-barkiet ta' persuni – li ma għandniex inħawduhom mal-ordinazzjoni sagramentali – hemm il-barka ta' abbati u ta' badessa ta' monasteru, il-konsagrazzjoni 923
tal-verġni u dik tar-romol, ir-rit tal-professjoni reliġjuża, u l-barkiet għal 925; 903
xi ministeri fil-Knisja (letturi, akkolti, katekisti u l-bqija). Bħala eżempju ta' barkiet ta' oġġetti nistgħu nsemmu d-dedikazzjoni jew il-benedizzjoni ta' knisja jew ta' artal, il-benedizzjoni taż-żjut, tat-tagħmir imqaddes tal-knejjes, tal-qniepen u l-bqija.

1673 Meta l-Knisja titlob pubblikament u b'awtorità, f'isem Ġesù Kristu, biex xi persuna jew xi ħaġa tiġi mħarsa mit-theddid tal-Ħażin jew tiġi 395
mwarrba minn taħt is-setgħa tiegħu, dan jissejjaħ *eżorċiżmu*. Kristu dan 550
għamlu (ara *Mk* 1,25-26), u mingħandu l-Knisja rċeviet is-setgħa u d-dmir li teżorċizza (ara *Mk* 3,15; 6,7.13; 16,17). F'sura sempliċi, l-eżorċiżmu dejjem isir waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija. L-eżorċiżmu solenni, jew 1237
"l-eżorċiżmu l-kbir", jista' jsir biss minn saċerdot u bil-permess tal-Isqof. Wieħed irid juża l-għaqal kollu u jħares bir-reqqa kollha r-regoli li għamlet il-Knisja. L-għan tal-eżorċiżmu hu li jkeċċi x-xjaten jew jeħles minn taħt is-setgħa tax-Xitan u dan bis-saħħa tal-awtorità spiritwali li Ġesù ried jafda lill-Knisja tiegħu. Il-mard, l-aktar dak tal-moħħ (psikiku), hu ħaġa għal kollox differenti li tinteressa x-xjenza medika. Hu għalhekk importanti ħafna, qabel ma wieħed jiċċelebra eżorċiżmu, li jkun żgur dwar il-preżenza tal-Ħażin u mhux li jkun xi każ ta' mard.[5]

Reliġjożità popolari

1674 Minbarra l-liturġija tas-sagramenti u tas-sagramentali, il-katekeżi trid tqis ukoll is-suriet ta' tjieba li jinsabu fost il-fidili u trid tqis ukoll ir-reliġjożità popolari. Is-sens reliġjuż tal-poplu Nisrani, f'kull żmien, ġie mfisser minn 2688
ħafna suriet ta' tjieba li ġew miżjuda mal-ħajja sagramentali tal-Knisja bħalma huma l-venerazzjoni tar-relikwi, iż-żjajjar lis-santwarji, il-pellegrinaġġi, il-purċissjonijiet, it-triq tas-

[5] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1172.

kkk 625-632 latest.OK (r).indd 626-627 5/16/2014 11:32:59 AM

2669; 2678 salib (il-"Via Crucis"), iż-żfin reliġjuż, ir-rużarju, id-domni u l-bqija.[6]

1675 Dawn l-espressjonijiet itawlu l-ħajja liturġika tal-Knisja, iżda ma jeħdux postha. "Iridu jiġu regolati b'mod li jkunu jaqblu mal-liturġija u b'xi mod joħorġu minnha u jwasslu wkoll il-fidili għaliha, għaliex il-liturġija minnatura tagħha hi aqwa minnhom".[7]

1676 Hu meħtieġ ħafna għaqal pastorali biex wieħed jgħin u jġib 'il quddiem ir-reliġjożità popolari, u f'każ ta' nuqqasijiet, isaffi u jikkoreġi
426 s-sens reliġjuż, li hu l-pedament ta' dawn id-devozzjonijiet ħa jingħaraf dejjem aktar il-misteru ta' Kristu. Il-prattika ta' dawn id-devozzjonijiet hija fir-responsabiltà tal-Isqfijiet li jridu jistħarrġuha u jaraw hijiex skont in-normi pastorali tal-Knisja.[8]

> Ir-reliġjożità popolari, essenzjalment, hi ġabra ta' valuri li jwieġbu, fid-dawl tal-għerf Nisrani, għall-problemi kbar tal-ħajja. Is-sens komun tal-poplu Nisrani għandu l-ħila jasal għal sintesi fil-ħajja. Hu b'dan il-mod li jmorru flimkien, b'mod kreattiv, dak li hu ta' Alla u dak li hu tal-bniedem, Kristu u Marija, ir-ruħ u l-ġisem, ix-xirka u l-istituzzjoni, il-persuna u l-komunità, il-fidi u l-patrija, l-intelliġenza u s-sentiment. Dan l-għerf hu l-umaniżmu Nisrani li jagħraf b'mod tassew radikali d-dinjità tal-bniedem bħala iben Alla, iġedded il-bniedem biex jgħix fundamentalment fi fraternità mal-oħrajn, jaf jgħix f'armonija man-natura u jifhem x'inhu x-xogħol, u juri għaliex wieħed jista' jgħix fil-hena u l-ferħ, ukoll f'nofs ħajja iebsa. Dan l-għerf, għall-poplu hu wkoll prinċipju ta' dixxerniment, istint evanġeliku li jwassal il-bniedem biex minnufih jintebaħ jekk l-Evanġelju huwiex dak li l-ewwel qed jiġi mħares fil-Knisja jew jekk huwiex nieqes u maħnuq minn interessi oħra.[9]

[6] Ara Konċilju ta' Nicea II, *Definizzjoni dwar ix-Xbihat Imqaddsa* (787): DS 601; 603; Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar l-invokazzjoni, il-venerazzjoni, ir-Relikwi tal-Qaddisin u x-Xbihat imqaddsa* (1563): DS 1822.

[7] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 13.

[8] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (1979), 54.

[9] III Konferenza Ġenerali tal-Isqfijiet tal-Amerika Latina, *Dokument ta' Puebla: L-Evanġelizzazzjoni fil-preżent u fil-futur fl-Amerika Latina* (1979), 448; ara Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi* (1975), 48.

Fil-qosor

1677 *Jissejħu sagramentali dawk is-sinjali mqaddsa li twaqqfu mill-Knisja bil-għan li jħejju l-bnedmin ħa jirċievu l-frott tas-sagramenti u jqaddsu ċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja.*

1678 *Fost is-sagramentali, il-barkiet għandhom post importanti: huma fl-istess waqt tifħir lil Alla għall-opri u d-doni tiegħu, u talb tal-Knisja biex il-bnedmin ikunu jistgħu jagħmlu użu tajjeb mid-doni ta' Alla skont l-ispirtu tal-Evanġelju.*

1679 *Minbarra l-liturġija, il-ħajja Nisranija titmantna b'ħafna suriet ta' tjieba popolari li għandhom l-għeruq tagħhom f'kulturi differenti. Il-Knisja, waqt li tistħarriġhom u ddawwalhom bid-dawl tal-fidi, hi favur dawk is-suriet ta' reliġjożità popolari li juru istint evanġeliku u għerf il-bnedmin u jagħnu l-ħajja Nisranija.*

It-tieni artiklu

IL-FUNERALI NSARA

1680 Is-sagramenti kollha, u l-aktar dawk tad-dħul fil-ħajja 1525
Nisranija, għandhom bħala għan l-aħħar Għid ta' wlied Alla, dak li, bil-mewt, idaħħalhom fil-ħajja tas-Saltna. Imbagħad iseħħ dak li nistqarru bil-fidi u bit-tama: "Nistenna l-qawma mill-imwiet u l-ħajja taż-żmien li ġej".[10]

[10] *Kredu ta' Nicea u Kostantinopli*: DS 150.

I. L-aħħar Għid tan-Nisrani

1010-1014 1681 Is-sens Nisrani tal-mewt juri ruħu fid-dawl tal-*Misteru tal-Għid* tal-Mewt u l-Qawmien ta' Kristu għall-ħajja: fih hi t-tama kollha tagħna. In-Nisrani li jmut fi Kristu Ġesù joħroġ mill-ġisem biex imur u joqgħod għand il-Mulej (ara *2 Kor* 5,8).

1682 Jum il-mewt, għan-Nisrani hu *t-tmiem tal-ħajja sagramentali tiegħu,* il-milja tat-twelid ġdid li beda bil-Magħmudija, ix-"xebh" definittiv max-"xbieha tal-Iben", mogħtija permezz tad-Dilka tal-Ispirtu s-Santu u t-tisħib fl-ikla tas-Saltna li ġiet antiċipata fl-Ewkaristija, ukoll jekk jeħtieġlu l-aħħar tisfija biex ikun jista' jilbes il-libsa tat-tieġ.

1683 Il-Knisja bħala Omm, refgħet sagramentalment fi
1020 ħdanha n-Nisrani fil-mixi tiegħu f'din id-dinja, u tissieħeb miegħu fi tmiem il-mixi tiegħu biex tafdah "f'idejn il-Missier".
627 Toffri lill-Missier, fi Kristu, iben il-grazzja tiegħu, u tiżra' fl-art b'tama sħiħa ż-żerriegħa tal-ġisem li għad jirxoxta fil-glorja (ara *1 Kor* 15,42-44). Din l-offerta tiġi ċċelebrata fis-sħuħija kollha tagħha fis-Sagrifiċċju ewkaristiku: il-barkiet li jiġu qabel u wara huma sagramentali.

II. Iċ-ċelebrazzjoni tal-funerali

1684 Il-funeral Nisrani huwa ċelebrazzjoni liturġika tal-Knisja. Il-ministeru tal-Knisja hawnhekk ifisser ukoll ir-rabta effikaċi li hemm mal-*mejjet* u għandu l-għan li jsieħeb il-ġemgħa tal-*komunità* fil-funeral u jħabbrilha l-ħajja ta' dejjem.[11]

[11] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 81-82.

1685 Il-ħafna riti tal-funerali jfissru l-*karattru tal-Għid* tal-mewt tan-Nisrani u jwieġbu għat-tradizzjonijiet u l-qagħdiet ta' kull post, ukoll dwar il-kulur liturġiku li jintuża[12].

1686 *L-Ordni għall-funerali* tal-liturġija Rumana għandu tliet suriet ta' ċelebrazzjoni tal-funerali li jaqblu mat-tliet postijiet fejn isiru (id-dar, il-knisja u ċ-ċimiterju), skont l-importanza li jagħtuhom il-familja, id-drawwiet tal-post, il-kultura u r-reliġjożità popolari. Dan l-ordni fl-aħħar mill-aħħar insibuh fit-tradizzjonijiet liturġiċi kollha, u għandu erba' mumenti prinċipali, li huma dawn li ġejjin.

1687 *Il-laqgħa mal-komunità.* Tislima ta' fidi tiftaħ iċ-ċelebrazzjoni. Il-qraba tal-mejjet jiġu milqugħin bi kliem ta' "faraġ" (fit-tifsir li għandha l-kelma fit-Testment il-Ġdid – il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu fit-tama: ara *1 Tess* 4,18). Il-ġemgħa li titlob madwar l-artal tistenna hi wkoll "il-kliem tal-ħajja ta' dejjem". Il-mewt ta' membru tal-komunità (jew l-anniversarju tal-mewt, jew is-seba' jew it-tletin jum mill-mewt) hu fatt li jmissu jwassal il-fidili biex iħarsu 'l hemm minn "din id-dinja", lejn il-veritajiet tal-fidi fi Kristu rxoxt.

1688 *Il-Liturġija tal-Kelma* fil-funerali titlob għażla wisq aktar attenta għaliex il-ġemgħa jista' jkollha fi ħdanha nies li ma tantx jieħdu sehem fil-liturġija, jew ħbieb tal-mejjet li mhumiex Insara. L-omelija, b'mod partikulari, "ma tridx tkun eloġju funebri"[13] tal-mejjet, imma trid tagħti dawl lill-misteru tal-mewt Nisranija fid-dawl ta' Kristu rxoxt.

1689 *Is-Sagrifiċċju ewkaristiku.* Meta ċ-ċelebrazzjoni tal-funerali ssir 1371
fil-knisja, l-Ewkaristija tkun il-qofol tal-Għid tal-mewt Nisranija.[14] F'dak il-waqt il-Knisja turi r-rabta tagħha mal-mejjet: hija u toffri lill-Missier, fl-Ispirtu s-Santu, is-sagrifiċċju tal-Mewt u l-Qawmien għall-ħajja tal-Mulej, il-Knisja titlob li binha (bintha) jitnaddaf mid-dnubiet u mill-effetti kollha tiegħu u jidħol fil-milja tal-Għid tal-mejda tas-Saltna.[15] Hu permezz tal-Ewkaristija li l-fidili, u speċjalment il-qraba tal-mejjet, jitgħallmu jgħixu f'għaqda ma' dak "li raqad fil-Mulej", f'xirka mal-Ġisem ta' Kristu, li tiegħu hu membru ħaj u 958
jitolbu għalih u miegħu.

[12] Ara *ibid*., 81.
[13] *Ordni għall-funerali*, 41.
[14] Ara *ibid*., Tagħrif ta' qabel, 1; 11.
[15] Ara *ibid*., l-ewwel mudell ta' funeral: Talbiet tal-Komunità, 56.

kkk 625-632 latest.OK (r).indd 630-631 5/16/2014 11:33:00 AM

1690 Bit-*tislima tal-aħħar* (f'diversi ilsna ta' oriġini Latina, fit-tislim, niltaqgħu mat-twemmin li l-bniedem sejjer għand Alla, *ad Deum*: "adieu", "addio", "adiós"), li l-Knisja lill-mejjet "tirrikmandah" lil Alla. "Hija t-tislima tal-aħħar, meta l-ġemgħa tal-Insara flimkien isellmu lil membru tagħha qabel it-trasport jew id-difna tal-ġisem mejjet tiegħu".[16] It-tradizzjoni Biżantina dan tfissru permezz ta' bewsa ta' tluq lill-mejjet.

> B'din it-tislima tal-aħħar "isir kant għat-tluq tal-mejjet minn din il-ħajja u għall-firda tiegħu minna, imma wkoll għax għadna magħqudin miegħu u għad nerġgħu niltaqgħu: għaliex aħna m'aħniex mifrudin minn xulxin imma lkoll mexjin mill-istess triq u għad niltaqgħu lkoll fl-istess post. Ma nkunu qatt mifrudin minn xulxin għaliex, aħna ngħixu għal Kristu, magħqudin miegħu, mexjin lejh ... inkunu lkoll flimkien fi Kristu".[17]

[16] *Ibid*., Tagħrif ta' qabel, 10.

[17] San Xmun ta' Tessalonika, *Dwar l-Ordni għad-Difna*, 367: PG 155, 685B.

IT-TIELET PARTI

IL-ĦAJJA FI KRISTU

kkk 633-642 latest.OK (r).indd 634-635 5/16/2014 11:36:52 AM

1691 “Agħraf, o Nisrani, il-kobor tiegħek; int li sseħibt ma’ Alla fin-natura tiegħu, la terġax lura fil-post baxx ta’ dari b’ħajja mhux xierqa. Ftakar ta’ liema Ras u ta’ liema Ġisem int membru. Żomm f’moħħok li inti nqlajt minn taħt is-setgħa tad-dlamijiet u għaddejt fid-dawl u s-Saltna ta’ Alla”.[1] 790

1692 Il-Kredu jistqarr il-kobor tad-doni ta’ Alla lill-bniedem fl-opra tal-ħolqien, u wisq aktar tal-fidwa u t-tqaddis. Dak li l-fidi tistqarr, jagħtuhulna s-sagramenti: l-Insara, permezz tas-sagramenti “li tawhom twelid ġdid”, saru “ulied Alla” (*Ġw* 1,12; *1 Ġw* 3,1), “[imseħbin] fin-natura ta’ Alla” *(2 Piet* 1,4). L-Insara, huma u jagħrfu d-dinjità ġdida tagħhom bil-fidi, huma issa msejħin biex jgħixu ħajja li “[tixraq] lill-Evanġelju ta’ Kristu” (*Fil* 1,27). Bis-sagramenti u t-talb, jirċievu l-grazzja ta’ Kristu u d-doni tal-Ispirtu li jagħtuhom il-ħila li jirċevuha.

1693 Kristu Ġesù dejjem għamel dak li jogħġob lill-*Missier* (ara *Ġw* 8,29). Għex dejjem f’għaqda sħiħa miegħu. Hekk ukoll id-dixxipli tiegħu, huma mistednin jgħixu taħt il-ħarsa tal-Missier, “li jara dak li hu moħbi” (ara *Mt* 6,6), biex ikunu “perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet” (*Mt* 5,47).

1694 L-Insara, li saru ħaġa waħda ma’ *Kristu* permezz tal-Magħmudija (ara *Rum* 6,5) huma “mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù” (*Rum* 6,11) u hekk huma 1267

[1] San Ljun il-Kbir, *Omelija* 21, 3: PL 54, 192-193; ara *Liturġija tas-Sigħat*, Solennità tat-Twelid tal-Mulej, Uffiċċju tal-Qari, it-tieni lezzjoni.

kkk 633-642 latest.OK (r).indd 636-637 5/16/2014 11:36:52 AM

mseħbin fil-ħajja ta' Kristu rxoxt (ara *Kol* 2,12). L-Insara, huma u mexjin wara Ġesù u magħqudin miegħu (ara *Ġw* 15,5), jistgħu jfittxu li jkunu jixbhu lil Alla bħala wlied maħbuba u jimxu fl-imħabba (ara *Ef* 5,1-2), billi bi ħsibijiethom, bi kliemhom u b'għemilhom juru li huma jaħsbu kif kien jaħseb Kristu Ġesù (ara *Fil* 2,5) u jimxu fuq l-eżempju tiegħu (ara *Ġw* 13,12-16).

1695 "Iġġustifikati fl-Isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla" (*1 Kor* 6,11), l-Insara li tqaddsu u ġew "imsejħa biex ikunu qaddisin" (*1 Kor* 1,2), saru "tempju tal-*Ispirtu s-Santu*" (ara *1 Kor* 6,19). Dan "l-Ispirtu tal-Iben" jgħallimhom jitolbu lill-Missier (ara *Gal* 4,6), u, għax sar il-ħajja tagħhom, imexxihom (ara *Gal* 5,25) biex jagħmlu "il-frott tal-Ispirtu" (*Gal* 5,22) bl-għemil ta' mħabba. L-Ispirtu s-Santu, huwa u jfejjaqna mill-ġerħat tad-dnub, iġeddidna b'tibdila spiritwali fil-fehma tagħna (ara *Ef* 4,23), idawwalna u jsaħħaħna biex ngħixu bħala "ulied id-dawl" (*Ef* 5,8), "f'kulma hu tjieba, f'kulma hu ġustizzja, f'kulma hu verità"(*Ef* 5,9), f'kollox.

1696 It-triq ta' Kristu "tieħu għall-ħajja" (*Mt* 7,14), triq kuntrarja għaliha "tieħu għat-telfien" (*Mt* 7,13; ara *Dewt* 30,15-20). Il-parabbola tal-Evanġelju dwar iż-*żewġ triqat* insibuha dejjem fil-katekeżi tal-Knisja. Turina l-importanza tad-deċiżjonijiet morali għas-salvazzjoni tagħna. "Hemm żewġ triqat, waħda tal-ħajja, u l-oħra tal-mewt: hemm differenza kbira bejniethom it-tnejn".[2]

1697 *Fil-katekeżi* hu importanti ħafna li jintwera b'mod l-aktar ċar x'ferħ iġġib it-triq ta' Kristu, imma wkoll x'titlob

[2] *Didaché,* 1, 1. Ara *Didaché. It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu,* Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija, Malta 1999, 32.

minna.[3] Il-katekeżi tal-"ħajja ġdida" (*Rum* 6,4) fi Kristu hi:

— *katekeżi tal-Ispirtu s-Santu,* Mgħallem fir-ruħ tal-ħajja skont Kristu, mistieden kollu ħlewwa u ħabib, inebbaħ, imexxi, jikkoreġi u jsaħħaħ din il-ħajja; 737 eċċ.

— *katekeżi tal-grazzja,* għaliex hu permezz tal-grazzja li aħna salvi u permezz tal-grazzja wkoll li l-għemejjel tagħna jista' jkollhom frott għall-ħajja ta' dejjem; 1938 eċċ.

— *katekeżi tal-beatitudnijiet* għaliex it-triq ta' Kristu tinġabar kollha kemm hi fil-beatitudnijiet, it-triq waħdanija li twassal għall-hena ta' dejjem, hena li l-qalb tal-bniedem tant tixtieq; 1716 eċċ.

— *katekeżi ta' dnub u maħfra,* għaliex il-bniedem jekk ma jagħrafx li hu midneb, ma jasalx biex jagħraf il-verità fuqu nnifsu, kundizzjoni meħtieġa biex jagħmel dak li hu sewwa, u jekk ma tingħatalux il-maħfra ma jkunx jista' joqgħod għal din il-verità; 1846 eċċ.

— *katekeżi tal-virtujiet tal-bniedem,* li twassal biex wieħed jara l-ġmiel u l-ħajra tad-dispożizzjonijiet tajba għal dak li hu ġid; 1803 eċċ.

— *katekeżi tal-virtujiet Insara,* tal-fidi, tama u mħabba li tieħu l-aqwa ispirazzjoni tagħha mill-eżempji tal-qaddisin; 1812 eċċ.

— *katekeżi tal-preċett tal-imħabba* ta' Alla u tal-proxxmu, preċett żviluppat fl-għaxar kmandamenti; 2067

[3] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (1979), 29.

kkk 633-642 latest.OK (r).indd 638-639 5/16/2014 11:36:52 AM

946 eċċ — *katekeżi ekkleżjali* għaliex hu permezz ta' qsim ta' "ġid spiritwali" fix-"xirka tal-qaddisin" li l-ħajja Nisranija, tikber, tiżviluppa u tingħata.

426 1698 Il-bidu u t-tmiem ta' din il-katekeżi hu dejjem Ġesù Kristu stess, li hu "it-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (*Ġw* 14,6). Huma u jħarsu lejn Ġesù bil-fidi li l-Insara jistgħu jittamaw li hu jagħmel li jseħħu fihom il-wegħdiet tiegħu, u huma u jħobbuh b'dik l-imħabba li biha ħabbhom, l-għemil li jagħmlu jkun jaqbel mad-dinjità tagħhom:

> Nitlobkom tqisu li Sidna Ġesù Kristu hu l-veru Kap tagħkom u li intom membri tiegħu; hu għalikom dak li r-ras hi għall-membri tal-ġisem tiegħu; kulma hu tajjeb hu tagħkom: l-Ispirtu tiegħu, Qalbu, Ġismu, Ruħu, il-fakultajiet kollha tiegħu; u tridu tużawhom qishom kienu tagħkom biex taqdu, tfaħħru, tħobbu u tiglorifikaw lil Alla. Intom għalih, kif il-membri tal-ġisem huma għar-ras. Hu wkoll jixtieq ħafna juża kulma hu fikom għall-qadi u l-glorja ta' Missieru, bħallikieku kienu tiegħu.[4]
>
> Għalija l-ħajja hi Kristu (*Fil* 1,21).

[4] San Ġwann Eudes, *Trattat dwar il-Qalb tal-għaġeb ta' Ġesù*, 1, 5; ara *Liturġija tas-Sigħat*, Tifkira ta' San Ġwann Eudes (19 ta' Awwissu), Uffiċċju tal-Qari, it-tieni Lezzjoni.

L-EWWEL SEZZJONI

IL-VOKAZZJONI TAL-BNIEDEM IL-ĦAJJA FL-ISPIRTU

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 643 5/19/2014 10:22:45 AM

1699 Il-ħajja fl-Ispirtu s-Santu twassal għat-tmiem tagħha l-vokazzjoni tal-bniedem (*l-ewwel Kapitlu*). Tikkonsisti fl-imħabba ta' Alla u f'solidarjetà mal-bnedmin (*it-tieni Kapitlu*). Tiġi mogħtija b'xejn bħala salvazzjoni (*it-tielet Kapitlu*).

L-EWWEL KAPITLU

ID-DINJITÀ TAL-PERSUNA UMANA

1700 Id-dinjità tal-persuna umana għandha l-għeruq tagħha fil-ħolqien fis-sura u x-xbieha ta' Alla (*l-ewwel artiklu*); u tilħaq il-milja tagħha fis-sejħa tal-bniedem għat-tgawdija eterna ta' Alla (*it-tieni artiklu*). Huwa l-bniedem li għandu jħabrek minn rajh biex jikseb dan (*it-tielet artiklu*). Permezz tal-għemil maħsub tiegħu (*ir-raba' artiklu*) il-bniedem, bħala persuna, juri li jrid jaqbel jew ma jaqbilx mal-ġid imwiegħed minn Alla, ġid li tiegħu hi xhud il-kuxjenza morali (*il-ħames artiklu*). Il-bnedmin jinbnew waħedhom u jikbru minn ġewwa: permezz tal-ħajja sensibbli u spiritwali kollha tagħhom jilħqu l-kobor sħiħ tagħhom (*is-sitt artiklu*). Bil-għajnuna tal-grazzja huma jikbru fil-virtù (*is-seba' artiklu*), u jevitaw id-dnub, u jekk jaqgħu fid-dnub, jagħmlu bħall-iben il-ħali (ara *Lq* 15,11-31) u jafdaw lilhom infushom għall-ħniena tal-Missier tagħna tas-sema (*it-tmien artiklu*). B'dan il-mod jaslu għall-perfezzjoni tal-imħabba. 356 1439

L-ewwel artiklu

IL-BNIEDEM XBIEHA TA' ALLA

1701 "Kristu, meta wriena l-misteru tal-Missier u tal-imħabba tiegħu, wera lill-bniedem b'mod l-aktar sħiħ 359

x'inhu fih innifsu u kemm hi għolja l-vokazzjoni tiegħu".[1] Hu fi Kristu, "ix-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (*Kol* 1,15; ara *2 Kor* 4,4), li l-bniedem ġie maħluq "fuq is-sura u x-xbieha" tal-Ħallieq. Hu fi Kristu, Feddej u Salvatur, li x-xbieha ta' Alla, imħassra fil-bniedem bl-ewwel dnub, ġiet imġedda fil-ġmiel li kellha fil-bidu u mogħnija bil-grazzja ta' Alla.[2]

1878 1702 Ix-xbieha ta' Alla tinsab f'kull bniedem. Tiddi fl-għaqda tal-bnedmin bejniethom, fix-xbieha tal-unità tat-Tliet Persuni tat-Trinità bejniethom (ara *t-tieni Kapitlu*).

363 1703 Mogħtija ruħ "spiritwali u immortali"[3], il-persuna umana hija "il-kreatura waħdanija fuq l-art li Alla riedha 2258 minħabba fiha stess".[4] Sa mit-tnissil tagħha, hi destinata għall-hena ta' dejjem.

1704 Il-persuna umana għandha sehem fid-dawl u 339 l-qawwa tal-Ispirtu ta' Alla. Permezz tar-raġuni, tista' tifhem l-ordni li l-Ħallieq ried li jkun hemm fil-ħolqien. Permezz tar-rieda tista' twassal lilha nnifisha sal-ġid veru. Tilħaq il-30 perfezzjoni tagħha "meta tfittex u tħobb dak li hu veru u dak li hu tajjeb".[5]

1705 Il-bniedem, għax għandu ruħ u għandu l-qawwiet 1730 spiritwali tal-intelliġenza u r-rieda, hu mżejjen bil-libertà, "sinjal privileġġjat tax-xbieha ta' Alla".[6]

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 22.
[2] *Ibid.*
[3] Ibid., 14.
[4] *Ibid*., 24.
[5] *Ibid*., 15.
[6] *Ibid*., 17.

1706 Bir-raġuni tiegħu, il-bniedem jagħraf leħen Alla, li jħajru biex "jagħmel it-tajjeb u jevita l-ħażin".[7] Kull bniedem hu obbligat isegwi din il-liġi li tidwi fil-kuxjenza u li titwettaq fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Li 1776 wieħed jgħix ħajja morali hu xhieda tad-dinjità tal-persuna.

1707 "Imqarraq mill-Ħażin, sa mill-bidu tal-istorja tiegħu, 397 il-bniedem abbuża mil-libertà".[8] Ċeda għat-tentazzjoni u għamel dak li hu ħażin. Għad għandu fih ix-xewqa li jagħmel dak li hu tajjeb, iżda n-natura tiegħu għandha l-ġerħa tad-dnub tan-nisel. Sar jinġibed lejn il-ħażen u faċli jiżbalja:

> Huwa fih innifsu li l-bniedem hu mifrud. Għalhekk il-ħajja kollha tal-bniedem, kemm bħala individwu u kif ukoll fil-komunità, turi ruħha bħala ġlieda, tassew drammatika, bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn id-dawl u d-dlamijiet.[9]

1708 Bil-Passjoni tiegħu, Kristu ħelisna mix-Xitan u mid- 617 dnub. Immerita għalina l-ħajja ġdida fl-Ispirtu s-Santu. Il-grazzja tiegħu tagħtina lura dak li d-dnub kien ħassar fina.

1709 Min jemmen fi Kristu jsir iben Alla. Din l-adozzjoni 1265 tal-ulied, tbiddlu u tagħtih li jimxi fuq l-eżempju ta' Kristu. Tagħtih il-ħila li jimxi dritt u jagħmel is-sewwa. F'għaqda mas-Salvatur tiegħu, id-dixxiplu jilħaq il-perfezzjoni tal-imħabba, jiġifieri l-qdusija. Il-ħajja morali timmatura permezz tal-grazzja, u ssib il-milja fil-ħajja ta' dejjem, fil-glorja tas-smewwiet. 1050

[7] *Ibid*., 16.
[8] *Ibid*., 13.
[9] *Ibid.*

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 646-647 5/19/2014 10:22:45 AM

Fil-qosor

1710 *"Kristu juri lill-bniedem b'mod l-aktar sħiħ x'inhu fih innifsu u kemm hi għolja l-vokazzjoni tiegħu".*[10]

1711 *Il-persuna umana, imżejna b'ruħ spiritwali, bl-intelliġenza u r-rieda, sa mit-tnissil tagħha hi kollha kemm hi għal Alla u ddestinata għall-hena ta' dejjem. Tilħaq il-perfezzjoni tagħha "meta tfittex u tħobb dak li hu veru u dak li hu tajjeb".*[11]

1712 *Il-libertà vera fil-bniedem hi "sinjal privileġġjat tax-xbieha ta' Alla fih".*[12]

1713 *Il-bniedem hu marbut li jħares il-liġi morali li timbuttah biex "jagħmel it-tajjeb u jevita dak li hu ħażin".*[13] *Din il-liġi tidwi fil-kuxjenza tiegħu.*

1714 *Il-bniedem, midrub fin-natura tiegħu bid-dnub tan-nisel, jista' jiżbalja u hu miġbud lejn il-ħażen, huwa u jagħmel użu mil-libertà tiegħu.*

1715 *Min jemmen fi Kristu għandu l-ħajja ġdida fl-Ispirtu s-Santu. Il-ħajja morali, li tikber u timmatura bil-grazzja, tilħaq il-milja tagħha fil-glorja tas-sema.*

[10] *Ibid*., 22.
[11] *Ibid*., 15.
[12] *Ibid*., 17.
[13] *Ibid*., 16.

It-tieni artiklu

IL-VOKAZZJONI TAGĦNA GĦALL-HENA

I. Il-beatitudnijiet

1716 Il-beatitudnijiet huma fil-qalba tal-predikazzjoni ta' Kristu. It-tħabbira tagħhom ittenni l-wegħdiet magħmulin lill-poplu magħżul sa minn żmien Abraham. Twassalhom għat-twettiq tagħhom billi tindirizzahom mhux aktar u mhux biss lejn it-tgawdija tal-art, imma lejn is-Saltna tas-Smewwiet. 2546

> Henjin il-foqra fl-Ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
> Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.
> Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.
> Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.
> Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.
> Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla.
> Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.
> Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
> Henjin intom, meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija.
> Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-Smewwiet (*Mt* 5,3-12).

1717 Il-beatitudnijiet juru wiċċ Ġesù Kristu u jfissru l-imħabba tiegħu, juru x'inhi s-sejħa tal-Insara li huma mseħbin fil-glorja tal-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet; idawlu l-għemejjel u l-qagħdiet karatteristiċi tal-ħajja Nisranija; huma wegħdiet paradossali li jwieżnu t-tama tagħna fit-tiġrib; iħabbru lid-dixxipli l-barkiet u l-premjijiet li ġa ngħataw minn qabel b'mod mhux ċar lid-dixxipli; iseħħu għall-ewwel darba fil-ħajja tal-Verġni Marija. 459 1820

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 648-649 5/19/2014 10:22:45 AM

II. Ix-xewqa tal-hena

27 1718 Il-beatitudnijiet huma tweġiba għax-xewqa naturali
1024 tal-hena. Din ix-xewqa ġejja minn Alla: Alla qegħedha fil-qalb tal-bniedem biex jiġbdu lejh, għax hu biss jista' jagħmel hieni l-bniedem:

> Żgur li lkoll irridu ngħixu ħajja hienja u ma hemm ħadd fost il-bnedmin li mhuwiex sejjer jaċċetta dan saħansitra qabel stess ma jitħabbarlu għal kollox.[14]

2541 Mela jien kif se nfittxek, Mulej? Meta nkun infittex lilek, Alla tiegħi, inkun qed infittex il-ħajja tal-hena. Ħa nfittex lilek, biex ruħi tgħix. Għax jekk ġismi jgħix b'ruħi, ruħi tgħix bik.[15]

Alla biss jimlieni.[16]

1950 1719 Il-beatitudnijiet jikxfu l-għan tal-ħajja tal-bniedem, juru fejn fl-aħħar iridu jaslu l-għemejjel tal-bniedem: Alla qiegħed isejħilna għall-hena tiegħu stess. Din is-sejħa qiegħda ssir lil kull wieħed personalment, imma qed issir ukoll lill-ġemgħa kollha tal-Knisja, lill-poplu ġdid ta' dawk li laqgħu l-wegħda u qegħdin jgħixuha bil-fidi.

III. L-hena Nisrani

1027 1720 It-Testment il-Ġdid għandu ħafna espressjonijiet biex ifisser x'inhu l-hena li għalih Alla qiegħed isejjaħ lill-bniedem: il-miġja tas-Saltna ta' Alla (ara *Mt* 4,17); id-dehra ta' Alla: "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma

[14] Santu Wistin, *Dwar id-Drawwiet tal-Knisja Kattolika*, 1, 3, 4: PL 32, 1312.

[15] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 10, 20, 29: PL 32, 791: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 294.

[16] San Tumas ta' Aquino, *Espożizzjoni tal-Kredu tal-Appostli*, 1.

jaraw 'l Alla" (*Mt* 5,8; ara *1 Ġw* 3,2; *1 Kor* 13,12); id-dħul fil-hena tal-Mulej (ara *Mt* 25,21.23); id-dħul "fil-mistrieħ ta' Alla" (*Lh* 4,7-11):

> Hemmhekk nistrieħu u naraw, naraw u nħobbu, inħobbu u nfaħħru. Dan hu li jkun hemm fit-tmiem bla tmiem. U [x'għan] ieħor għandna ħlief li naslu fis-Saltna li ma jkollhiex tmiem?[17]

1721 Alla qegħedna fid-dinja biex nagħrfuh, naqduh u nħobbuh u hekk naslu fil-ġenna. L-hena jagħtina sehem min-natura ta' Alla *(2 Piet* 1,4) u mill-ħajja ta' dejjem (ara *Ġw* 17,3). Bl-hena, il-bniedem jidħol fil-glorja ta' Kristu (ara *Rum* 8,18) u fil-hena tal-ħajja tat-Trinità. 260

1722 Hena bħal dan jgħaddi kulma l-moħħ jista' jifhem, 1028
hu aqwa mill-forzi kollha tal-bniedem. Hu frott tad-don ta' Alla mogħti kollu kemm hu b'xejn. Għalhekk insejħulu don sopranaturali, bħall-grazzja li tħejji l-bniedem ħa jidħol fil-hena ta' Alla.

> "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla". Iva, minħabba l-kobor u l-glorja tiegħu li ma tistax titfisser bil-kliem, "ħadd ma jara 'l Alla u jgħix", għax moħħ il-bniedem qatt ma jista' jasal biex jagħraf il-Missier; iżda għall-imħabba u t-tjieba tiegħu għall-bnedmin, u s-setgħa tiegħu bla qies, Alla jasal biex lil dawk li jħobbuh, jagħtihom il-privileġġ li jarawh ...: "għaliex dak li ma jistax ikun għall-bnedmin, jista' jkun għal Alla".[18] 294

1723 L-hena mwiegħed iqiegħed quddiemna żewġ
għażliet morali deċiżivi. Jistedinna nsaffu qalbna mill-istinti 2519
ħżiena u nfittxu l-imħabba ta' Alla fuq kollox. Jgħallimna li l-veru ġid jinsab mhux fil-għana u l-kumditajiet, lanqas fil-

[17] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 22, 30, 5: PL 41, 804: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 870.

[18] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 20, 5: PG 7/1, 1034-1035.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 650-651 5/19/2014 10:22:45 AM

ġieħ tal-bnedmin jew fis-setgħa, u lanqas f'ebda għemil tal-bniedem, utli kemm hu utli, bħalma huma x-xjenza, it-teknika, l-arti, u lanqas fil-ħlejjaq, iżda f'Alla biss, l-għajn ta' kull ġid u ta' kull imħabba:

> L-għana hu l-alla l-kbir tal-lum: lilu l-kotra, il-folla kollha tal-bnedmin tagħti qima istintivament. Iqisu l-hena tagħhom mill-għana li għandhom, u skont l-għana li għandhom iqisu ġieħhom ... Dan kollu ġej mill-konvinzjoni li bil-għana kollox jista' jsir. L-għana għalhekk hu wieħed mill-allat foloz tal-lum; u alla falz ieħor hu l-kilba li tissemma' ... li tagħmel isem, li tkun magħruf, tagħmel ħoss fid-dinja (dik li nistgħu nsejħulha l-fama tal-gazzetti) sar jitqies bħala ġid fih innifsu, ġid mill-ogħla, ħaġa li jistħoqqilha wkoll qima tassew.[19]

1724 L-għaxar Kmandamenti, id-Diskors tal-Muntanja, u l-katekeżi appostolika juruna t-triqat li jwasslu għas-Saltna tas-smewwiet. Aħna nimxu 'l quddiem minn din it-triq, pass pass, bil-ħajja tagħna ta' kuljum, megħjuna bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, u msaħħin mill-Kelma ta' Kristu, ftit ftit nagħmlu frott fil-Knisja għall-glorja ta' Alla.[20]

Fil-qosor

1725 *Il-beatitudnijiet itennu u jtemmu l-wegħdiet ta' Alla sa minn żmien Abraham u jmexxuhom lejn is-Saltna tas-smewwiet. Iwieġbu għax-xewqa tal-hena li Alla qiegħed f'qalb il-bniedem.*

1726 *Il-beatitudnijiet juruna lejn fejn qiegħed isejħilna Alla: is-Saltna, id-dehra ta' Alla, is-sehem fin-natura ta' Alla, il-ħajja ta' dejjem, l-adozzjoni ta' wlied, il-mistrieħ f'Alla.*

1727 *L-hena tal-ħajja ta' dejjem hu don ta' Alla mogħti għal kollox b'xejn: hu don sopranaturali bħall-grazzja li twassal għalih.*

1728 *Il-beatitudnijiet iqegħdulna quddiemna xi għażliet deċisivi dwar il-ġid tal-art: isaffu l-qalb tagħna biex jgħallmuna nħobbu 'l Alla fuq kollox.*

1729 *L-hena tas-sema jgħidilna b'liema kriterji rridu nimxu fl-użu tal-ġid tal-art, skont il-liġi ta' Alla.*

[19] Beatu John Henry Newman, *Diskorsi lil kongregazzjonijiet imħallta*, 5, dwar il-qdusija.

[20] Ara l-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra' f'*Mt* 13, 3-23.

It-tielet artiklu

IL-LIBERTÀ TAL-BNIEDEM

1730 Alla ħalaq il-bniedem u żejnu bir-raġuni u tah id-dinjità ta' persuna mogħnija b'inizjattiva u sidt ta' għemilha. Alla ħalla l-bniedem "f'idejn ir-rieda tiegħu" (*Sir* 15,14) biex ikun jista' minn rajh ifittex lil dak li ħalqu u bir-rieda tiegħu jingħaqad miegħu ħa jasal għall-milja tal-perfezzjoni hienja".[21]

> Il-bniedem hu mżejjen bir-raġuni u għalhekk jixbah lil Alla, huwa maħluq ħieles u sid ta' għemilu.[22]

[21] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 17.

[22] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 4, 3: PG 7/1, 983.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 652-653 5/19/2014 10:22:45 AM

I. Libertà u responsabiltà

1731 Il-libertà hi s-setgħa, bl-għeruq tagħha fir-raġuni u r-rieda, li tagħmel jew ma tagħmilx xi ħaġa, li tagħmel din jew dik il-ħaġa, u hekk minn rajk tagħmel għemil maħsub sewwa minnek. Permezz ta' din il-libertà, il-bniedem jiddisponi minnu nnifsu kif irid hu. Il-libertà hi qawwa fil-bniedem li biha jikber u jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu fil-verità u t-tjieba. Il-libertà
1721 tilħaq il-perfezzjoni tagħha meta twassal għand Alla, l-hena tagħna.

396 1732 Il-libertà, sakemm ma tkunx għadha ntrabtet definittivament ma' Alla, li fih tilħaq il-milja tagħha, tista' tagħżel *bejn it-tajjeb u l-ħażin*, tista' tikber dejjem iktar fil-
1849 perfezzjoni, jew tonqos u tidneb. Mil-libertà, l-għemejjel kollha tal-bniedem jiksbu l-karatteristika tagħhom. Hija ssir
2006 għajn ta' tifħir jew ta' ħtija, ta' mertu jew ta' nuqqas ta' mertu.

1803 1733 Aktar ma wieħed jagħmel dak li hu tajjeb, aktar isir ħieles. M'hemmx vera libertà jekk mhux f'għemil li hu tajjeb u ġust. L-għażla tad-diżubbidjenza u tal-ħażen hi abbuż tal-libertà li jwassal għall-"jasar tad-dnub" (ara *Rum* 6,17).

1036 1734 Il-libertà tagħmel il-bniedem *responsabbli* ta' għemilu
1804 skont kemm ikun volontarju. Il-mixi 'l quddiem fil-virtù, l-għarfien ta' dak li hu tajjeb, u l-axxetika jkattru dejjem aktar is-setgħa tar-rieda tal-bniedem fuq l-għemil kollu tiegħu.

1735 *Il-ħtija* u r-responsabiltà ta' xi għemil jistgħu jonqsu
597 jew jispiċċaw għal kollox minħabba l-injoranza, in-nuqqas ta' attenzjoni, il-vjolenza, il-biża', id-drawwiet, ir-rabtiet ta' mħabba bla rażan u fatturi oħra psikiċi jew soċjali.

1736 Wieħed hu responsabbli ta' kull għemil li jkun riedu direttament:

Hekk il-Mulej jistaqsi lil Eva wara d-dnub fil-ġnien: "X'inhu dan li 2568
għamilt?" (*Ġen* 3,13). L-istess lil Kajjin (ara *Ġen* 4,10). Hekk ukoll il-profeta Natan lis-sultan David wara l-adulterju mal-mara ta' Urija u l-qtil ta' dan (ara *2 Sam* 12,7-15).

Xi għemil jista' jkun volontarju indirettament, meta jkun hemm nuqqas ta' attenzjoni f'ħaġa li wieħed kien imissu jaf jew kien imissu jagħmel, bħal meta joħloq diżgrazzja bis-sewqan għax ma jafx il-kodiċi tas-sewqan.

1737 Wieħed jista' jittollera mingħajr ma jkun iridu, l-effett ta' xi għemil 2263
tiegħu, bħalma hu l-każ ta' omm li titlef saħħitha biex ma tħallix waħdu 'l binha marid. Wieħed ma jkunx ħati ta' xi effett ħażin ta' għemilu jekk l-effett ma ridux la bħala għan u lanqas bħala mezz ħa jikseb xi ħaġ'oħra: hekk wieħed mhux ħati ta' qtil tiegħu nnifsu jekk imut biex jgħin persuna fil-periklu. Biex wieħed ikun ħati ta' xi effett ħażin irid ikun jaf bih u jista' jevitah, bħalma hu l-każ ta' omiċidju magħmul minn wieħed li kien qed isuq fis-sakra.

1738 Il-libertà titħaddem fir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom. Kull persuna, maħluqa xbieha ta' Alla, għandha d-dritt naturali li tingħaraf bħala persuna ħielsa u responsabbli. Kulħadd hu fid-dmir li juri dan ir-rispett lejn kull persuna. *Id-dritt għall-użu tal-libertà* hija ħtieġa li wieħed ma jistax jifridha mid-dinjità tal-persuna umana u ma tistax 2106
tiġi mċaħħda minnhom, speċjalment f'materja morali u 210
reliġjuża.[23] Dan id-dritt irid jkun magħruf u mħares ċivilment fil-limiti tal-ġid ta' kulħadd u tal-ordni pubbliku.[24]

II. Il-libertà tal-bniedem fil-Pjan tas-Salvazzjoni

1739 *Libertà u dnub.* Il-libertà tal-bniedem hi limitata u tista' tiżbalja. U fil-fatt il-bniedem żbalja. B'mod ħieles, 387

[23] Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 2.
[24] Ara *ibid*., 7.

401 dineb. Għax meta hu ċaħad il-pjan tal-imħabba ta' Alla, qarraq bih innifsu: sar ilsir tad-dnub. Dan l-istat li fih il-bniedem tbiegħed minn Alla fil-bidu wassal għal kotra kbira ta' sitwazzjonijiet simili. L-istorja tal-bniedem, sa mill-bidu, hi xhieda tad-deni u tal-moħqrija li ħarġu mill-qalb tal-bniedem bl-użu ħażin tal-libertà.

2108 1740 *Theddid għal-libertà.* L-użu tal-libertà ma jfissirx id-dritt li wieħed jgħid u jagħmel kulma jrid. Hu qerq tippretendi li "il-bniedem, għax għandu l-libertà, hu kollu kemm hu biżżejjed għalih innifsu, u ma għandux għan ieħor ħlief li jfittex dak li jaqbillu huwa u jgawdi l-ġid kollu tal-art".[25] Aktar minn hekk, jiġri wisq ta' spiss li l-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali, politiċi u kulturali li huma meħtieġa għall-użu
1887 ġust tal-libertà, ma jkunux magħrufa u miksurin. Dawn is-sitwazzjonijiet ta' għama u ta' inġustizzja huma toqol kbir għall-ħajja morali u jwasslu kemm lil min hu qawwi u kemm lil min hu dgħajjef biex jaqa' fit-tentazzjoni li jidneb kontra l-imħabba. Il-bniedem, meta jitbiegħed mil-liġi morali, jhedded il-libertà tiegħu, ixekkel lilu nnifsu, jikser ir-rabta ta' aħwa ma' sħabu l-bnedmin l-oħra u jeħodha kontra l-verità ta' Alla.

1741 *Ħelsien u salvazzjoni*. Bis-salib glorjuż tiegħu, Kristu ġieb is-salvazzjoni għall-bnedmin kollha. Fdiehom mid-dnub li kien jassarhom. "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa" (*Gal* 5,1). Fih aħna nissieħbu mal-verità li teħlisna
782 (ara *Ġw* 8,32). L-Ispirtu s-Santu ngħatalna u, kif jgħallem l-Appostlu, "fejn hemm l-Ispirtu tal-Mulej hemm il-ħelsien" (*2 Kor* 3,17). U minn issa niftaħru bil-"ħelsien ... ta' wlied Alla" (*Rum* 8,21).

[25] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni *Ħelsien Nisrani u Liberazzjoni* (1986), 13.

1742 *Libertà u grazzja.* Il-grazzja ta' Kristu mhijiex f'pika 2002
mal-libertà tagħna, meta din tkun taqbel mal-verità u mal-ġid li Alla qiegħed fil-qalb tal-bniedem. Għall-kuntrarju, kif tixhdilna l-esperjenza Nisranija, l-aktar fit-talb, aktar ma noqogħdu għal dak li tmexxina għalih il-grazzja, aktar tikber il-libertà tar-ruħ tagħna, aktar inħossu ruħna żguri fost il- 1784
provi, u quddiem it-theddid u l-pressjoni tad-dinja madwarna. Bil-ħidma tal-grazzja, l-Ispirtu s-Santu jrawwimna għall-ħelsien fir-ruħ, biex jagħmel minna kollaboraturi ħielsa tal-ħidma tiegħu fil-Knisja u fid-dinja:

> O Alla li tista' kollox, fit-tjieba tiegħek biegħed minna kull għawġ, biex inkunu ħielsa fir-ruħ u l-ġisem, u naqduk bla xkiel ta' xejn.[26]

Fil-qosor

1743 *Alla ħalla l-bniedem "f'idejn ir-rieda tiegħu"* (*Sir* 15,14), *biex ikun jista' jintrabat minn rajh mal-Ħallieq u hekk jasal għall-perfezzjoni hienja.*[27]

1744 *Il-libertà hi s-setgħa li biha wieħed jagħmel xi ħaġa jew ma jagħmilhiex, u dan minn rajh. Il-libertà tilħaq il-perfezzjoni ta' dak li tagħmel, meta tagħmlu għal Alla, li hu l-ogħla ġid tal-bniedem.*

1745 *Kull għemil propju tal-bniedem hu ħieles. Il-libertà tagħmel il-bniedem responsabbli tal-għemil kollu li jagħmel għax ikun iridu. L-għemil, li l-bniedem jiddeċiedi li jagħmel liberament, hu kollu kemm hu tiegħu.*

[26] *Missal Ruman*, 32 Ħadd matul is-Sena, kolletta.

[27] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 17.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 656-657 5/19/2014 10:22:46 AM

1746 *Li wieħed ikun suġġett responsabbli ta' xi għemil jista' jitnaqqas jew jintemm għal kollox minħabba l-injoranza, il-vjolenza, il-biża' u fatturi oħra psikiċi u soċjali*.

1747 *Id-dritt li wieħed jagħmel użu mil-libertà tiegħu hu mitlub mill-istess dinjità umana u ma jistax jinfired minnha: dan b'mod speċjali f'materja reliġjuża u morali. Iżda d-dritt tal-libertà ma jfissirx li wieħed jista' jaħseb li għandu d-dritt li jgħid jew jagħmel li jrid u li jogħġbu, bla ebda xkiel, minn ħadd u minn xejn.*

1748 *"Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa"* (*Gal* 5,1).

Ir-raba' artiklu

IL-MORALITÀ TAL-GĦEMIL TAL-BNIEDEM

1749 Il-libertà tagħmel il-bniedem moralment responsabbli.
1732 Meta l-bniedem b'mod ħieles jagħmel xi ħaġa, hu, biex ngħidu hekk, *missier għemilu*. L-għemil li l-bniedem jagħmel bħala bniedem, jiġifieri dak l-għemil, li l-bniedem jiddeċiedi li jagħmel bil-libertà kollha, wara li jkun għarblu sewwa fil-kuxjenza tiegħu, hu għemil li jista' jitqies moralment tajjeb jew ħażin.

I. L-għejun tal-moralità

1750 Il-moralità ta' għemil il-bniedem tiddependi:

— mill-ħaġa jew l-oġġett magħżul;
— mill-intenzjoni jew l-għan li l-bniedem ikollu quddiemu;
— miċ-ċirkustanzi tal-għemil.

L-oġġett, l-intenzjoni u ċ-ċirkustanzi huma l-"għejun" jew l-elementi li jiddeterminaw il-moralità tal-għemil tal-bniedem.

1751 *L-oġġett* magħżul hu xi ġid li għalih tinġibed ir-rieda għax tridu. Hi l-"materja" tal-għemil tal-bniedem. L-oġġett magħżul juri jekk l-att tar-rieda huwiex tajjeb jew ħażin skont kif ir-raġuni tagħrfu u tqisu li jaqbel jew le mal-veru ġid. Ir-regolamenti oġġettivi tal-moralità jħabbru l-ordni tar-raġuni 1794 dwar it-tajjeb u l-ħażin, kif turih il-kuxjenza.

1752 Quddiem l-oġġett, titqiegħed l-*intenzjoni* ta' min jagħmel l-att – għaliex l-intenzjoni ta' min irid volontarjament jagħmel l-att turi x'inhu l-għan li għalih isir l-att, u hi element essenzjali li turi jekk l-għemil huwiex tajjeb jew ħażin. L-għan hu dak li fuqu tmur l-ewwel l-intenzjoni, u juri fejn trid tasal. L-intenzjoni hi l-moviment tar-rieda lejn l-għan; tħares 2520 lejn fejn irid jasal l-att. Hi l-ħsieb tal-ġid li jrid jintlaħaq bl-att li qed isir. L-intenzjoni ma tkunx biss dwar kull att singulari li nagħmlu, imma tista' tgħaqqad flimkien numru ta' atti biex jintlaħaq għan wieħed; tista' tagħti direzzjoni lill-ħajja kollha 1731 lejn l-aħħar għan. Biex insemmu eżempju: xi servizz mogħti b'għajnuna lill-proxxmu, jista' jkun ukoll imqanqal mill-imħabba ta' Alla, l-aħħar għan ta' kulma nagħmlu. L-istess għemil jista' jkun mqanqal minn għadd ta' intenzjonijiet, bħal meta taqdi lil xi ħadd biex tikseb xi favur jew biex tiftaħar bik innifsek.

1753 Intenzjoni tajba (bħalma hi l-għajnuna lil għajrek) ma tagħmilx tajba u ġusta mġiba li fiha nnifisha hi ħażina (bħalma hi gidba jew malafama). L-għan ma jtejjibx il-mezzi li 2479 wieħed juża biex jilħqu. Għalhekk ma nistgħux niġġustifikaw kundanna ta' wieħed innoċenti bħala mezz leġittimu għas- 596

salvazzjoni ta' poplu. Għall-kuntrarju, intenzjoni ħażina (bħalma hi l-vanaglorja) tagħmel ħażin att li fih innifsu jista' jkun tajjeb bħall-għoti tal-karità (ara *Mt* 6,2-4).

1754 Iċ-*ċirkustanzi*, u magħhom ngħoddu l-konsegwenzi, huma l-elementi sekondarji f'kull att morali. Jgħinu biex ikattru jew inaqqsu t-tjieba jew il-ħażen tal-atti morali tal-bniedem (bħala eżempju: l-ammont ta' serqa). Jistgħu jżidu jew inaqqsu r-responsabiltà ta' min jagħmel l-att (bħalma jiġri meta wieħed jagħmel xi ħaġa għax jibża' mill-mewt). Iċ-ċirkustanzi waħedhom mhumiex biżżejjed biex ibiddlu l-moralità tal-att fih innifsu: ma jistgħux jagħmlu tajjeb u ġust att li fih innifsu hu ħażin.

II. Għemil tajjeb u għemil ħażin

1755 Għemil *moralment tajjeb* jistenna li jkunu tajba kemm l-oġġett u kemm l-għan u ċ-ċirkustanzi. Għan ħażin iħassar l-att, ukoll jekk l-oġġett fih innifsu hu tajjeb (titlob u ssum biex tidher "quddiem in-nies": *Mt* 6,5).

L-oġġett magħżul jista' waħdu biss iħassar l-att kollu kemm hu. Hemm imġiba (bħalma hi ż-żina) li fil-fatt, jekk wieħed jagħżilha, dejjem ikun jagħmel ħażin, għaliex hi għażla li turi diżordni fir-rieda, jiġifieri hi moralment ħażina.

1756 Niżbaljaw għalhekk jekk niġġudikaw il-moralità tal-għemejjel tal-bniedem billi nqisu biss l-intenzjoni li qed tqanqalhom, jew iċ-ċirkustanzi li fihom isiru (l-ambjent, l-influwenzi soċjali, il-pressjoni minn barra jew il-ħtieġa li wieħed jagħmel xi ħaġa u l-bqija). Hemm għemil li, minnu nnifsu u għalih innifsu, ikunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi u l-intenzjoni, hu dejjem ħażin ħafna minħabba l-oġġett tiegħu, bħalma huma d-dagħa u l-ħalf fil-falz, il-qtil u l-adulterju. Mhux permess tagħmel il-ħażin biex minnu joħroġ it-tajjeb.

Fil-qosor

1757 *L-oġġett, l-intenzjoni u ċ-ċirkustanzi flimkien jagħmlu "l-għejun" li jiddeterminaw moralment tajjeb jew ħażin kull għemil tal-bniedem.*

1758 *L-oġġett magħżul jiddetermina moralment l-att tar-rieda, skont jekk ir-raġuni tagħrfux u tqisux tajjeb jew ħażin.*

1759 *"Ma nistgħux niġġustifikaw għemil ħażin li wieħed jagħmel b'intenzjoni tajba".*[28] *L-għan ma jiġġustifikax il-mezzi li wieħed juża biex jilħqu.*

1760 *Att moralment tajjeb jissupponi li huma tajbin kemm l-oġġett, kemm l-għan u kemm iċ-ċirkustanzi.*

1761 *Hemm ċerti suriet ta' mġiba li hu dejjem ħażin li wieħed jagħżilhom, għaliex l-għażla tagħhom turi diżordni fir-rieda, jiġifieri l-għażla tagħhom hi moralment ħażina. Mhux permess tagħmel dak li hu ħażin biex minnu toħroġ it-tajjeb.*

Il-ħames artiklu

IL-MORALITÀ TAL-PASSJONIJIET TAL-BNIEDEM

1762 Il-persuna umana tersaq lejn l-hena permezz ta' għemejjel tagħha magħmulin b'rieda sħiħa u ħielsa: il-passjonijiet jew is-sentimenti li l-bniedem ikollu jistgħu jħejju jew jgħinu għal dawn l-għemejjel.

[28] San Tumas ta' Aquino, *Espożizzjoni dwar iż-żewġ kmandamenti tal-imħabba u dwar l-għaxar preċetti tal-Liġi*, 6.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 660-661 5/19/2014 10:22:46 AM

I. Il-passjonijiet

1763 Il-kelma “passjonijiet” hi parti mill-wirt Nisrani. Is-sentimenti jew passjonijiet huma emozzjonijiet jew tqanqil tas-sensi li jħajru biex wieħed jagħmel xi att jew ma jagħmlux, għax iħossu jew jimmaġinah li hu tajjeb jew ħażin.

1764 Il-passjonijiet huma ħaġa naturali fil-ħajja psikika tal-bniedem; bihom il-bniedem jgħaddi mill-ħajja tas-sensi għal dik tar-ruħ, u jġibu rabta bejn is-sensi u r-ruħ. Il-Mulej
368 jgħidilna li mill-qalb tal-bniedem joħorġu qishom minn għajn il-passjonijiet tal-bniedem (ara *Mk* 7,21).

1765 Ħafna huma l-passjonijiet. L-aktar fondamentali hi l-imħabba li titqanqal mill-ġibda għal dak li hu tajjeb. L-imħabba tqanqal ix-xewqa għall-ġid li ma jkollokx u t-tama li tiksbu. Dan it-tqanqil jintemm mal-pjaċir u l-hena tal-ġid li jkun inkiseb. Il-biża’ ta’ xi deni jqanqal il-mibegħda, l-istmerrija toħloq il-biża’ ta’ xi deni li jista’ jiġi fuqek. Dan it-tqanqil iwassal għad-dwejjaq minħabba d-deni ta’ issa jew għall-għadab kontrih.

1766 “Tħobb, jiġifieri tixtieq il-ġid lil xi ħadd”.[29] Is-sentimenti l-oħra kollha għandhom il-bidu minn dan l-ewwel tqanqil
1704 tal-qalb tal-bniedem għall-ġid. Biss dak li hu tajjeb hu maħbub.[30] “Il-passjonijiet ikunu ħżiena jekk l-imħabba tkun ħażina, imma jkunu tajbin jekk l-imħabba tkun tajba”.[31]

[29] San Tumas ta’ Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 26, 4.
[30] Ara Santu Wistin, *Dwar it-Trinità*, 8, 3, 4: PL 42, 949-950.
[31] Santu Wistin, *Il-Belt ta’ Alla*, 14, 7, 2: PL 41, 410: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta’ Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 172-173.

II. Passjonijiet u ħajja morali

1767 Fihom infushom il-passjonijiet la huma tajbin u lanqas ħżiena. Jiksbu kwalifika morali skont kemm u kif effettivament jiddependu mir-raġuni u r-rieda tal-bniedem. Jissejħu volontarji “jew għax tmexxihom ir-rieda jew 1860
għax ma tagħmlilhomx tfixkil”.[32] Il-perfezzjoni ta’ dak li hu moralment tajjeb jew il-perfezzjoni tal-ġid tal-bniedem, jitolbu li l-passjonijiet ikunu regolati mir-raġuni.[33]

1768 Is-sentimenti l-kbar tal-bniedem ma jiddeċidux la l-moralità u lanqas il-qdusija tal-persuna; huma ħażna li qatt ma tiġi fix-xejn ta’ xbihat u ta’ ġibdiet li bihom tintwera l-ħajja morali tal-persuna li tkun. Il-passjonijiet huma moralment tajbin jekk jgħinu biex l-għemil ikun tajjeb u ħżiena jekk jagħmlu bil-maqlub. Rieda tajba tmexxi lejn il-ġid u l-hena t-tqanqil tas-sensi li tagħmel tagħha; rieda ħażina toqgħod għall-passjonijiet diżordinati u żżidhom u ssaħħaħhom. 1803
L-emozzjonijiet u s-sentimenti jistgħu jsiru *virtujiet*, u jistgħu 1865
jispiċċaw f’*vizzji*.

1769 Fil-ħajja Nisranija, l-Ispirtu s-Santu nnifsu jaqdi l-ħidma tiegħu billi jimpenja l-bniedem kollu kemm hu, hekk ukoll it-tbatija, il-biża’ u d-dwejjaq kollha tiegħu, kif naraw mill-agunija u l-Passjoni tal-Mulej. Fi Kristu, is-sentimenti tiegħu umani jistgħu jaslu għall-qofol tagħhom fl-imħabba u l-hena divina.

1770 Il-perfezzjoni morali trid li l-bniedem ma jinġibidx 30
lejn it-tajjeb mir-rieda tiegħu biss, imma wkoll mix-xewqat sensibbli tiegħu, skont kliem is-salm: “Ngħanni ferħan b’ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj” (*Salm* 84,3).

[32] San Tumas ta’ Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 24, 1.
[33] Ara *ibid*., I-II, 24, 3.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 662-663 5/19/2014 10:22:46 AM

Fil-qosor

1771 *Il-kelma "passjoni" tfisser, emozzjonijiet u sentimenti. Permezz ta' dawn l-emozzjonijiet il-bniedem jintebaħ bit-tajjeb u jissuspetta l-ħażin.*

1772 *Il-passjonijiet ewlenin huma l-imħabba u l-mibegħda, ix-xewqa u l-biża', il-ferħ, in-niket u l-għadab.*

1773 *Fil-passjonijiet, bħala tqanqil tas-sensi, fihom infushom ma hemmx dak li hu moralment tajjeb jew moralment ħażin. Iżda skont kemm jaqblu mar-raġuni u r-rieda jkun fihom dak li hu moralment tajjeb jew ħażin.*

1774 *L-emozzjonijiet u s-sentimenti jistgħu jsiru virtujiet, jew jispiċċaw f'vizzji.*

1775 *Il-perfezzjoni ta' dak li hu moralment tajjeb isseħħ meta l-bniedem ma jinġibidx għat-tajjeb mir-rieda tiegħu biss, imma wkoll meta jimpenja ruħu minn "qalbu".*

Is-sitt artiklu

IL-KUXJENZA MORALI

1954 1776 "Fil-fond tal-kuxjenza tiegħu, il-bniedem jintebaħ b'liġi li ma tahiex hu lilu nnifsu, imma jrid jobdiha u leħenha jidwi dejjem f'waqtu f'widnejn qalbu, jgħidlu biex iħobb it-tajjeb u jagħmlu, u jżomm ruħu lura mill-ħażin ... Hi liġi li l-bniedem għandu f'qalbu minquxa minn Alla. Il-kuxjenza hija ċ-ċentru l-aktar intimu u l-aktar sigriet tal-bniedem,

is-santwarju fejn il-bniedem hu waħdu ma' Alla u fejn Alla jsemmagħlu leħnu".[34]

I. Il-ġudizzju tal-kuxjenza

1777 Il-kuxjenza morali (ara *Rum* 2,14-16), li tinsab fil-qalb ta' kull bniedem, tordnalu, meta jkun il-waqt, li jagħmel it-tajjeb u jżomm ruħu 'l bogħod mill-ħażen. Tagħti ġudizzju fuq l-għażliet li l-bniedem jagħmel, fil-fatt tapprova dawk li huma tajbin, u tikkundanna dawk li huma ħżiena (ara *Rum* 1,32). Hi xhud tal-awtorità tal-verità b'riferenza għal dak li hu l-istess Tjieba, u li minnu l-persuna umana tinġibed 1766; 2071 lejn il-kmandamenti u tilqagħhom. Meta jagħti widen għall-kuxjenza morali, il-bniedem bil-għaqal ikun jista' jisma' lil Alla jkellmu.

1778 Il-kuxjenza morali hi ġudizzju tar-raġuni, li bih il-persuna umana tagħraf il-moralità ta' xi att li tkun se tagħmel, 1749 jew qiegħda tagħmlu jew ġa għamlitu. Il-bniedem, f'kulma jgħid jew jagħmel, hu fid-dmir li jimxi bil-fedeltà kollha skont dak li jaf li hu ġust u dritt. Hu permezz tal-ġudizzju tal-kuxjenza li l-bniedem jara u jagħraf x'tordna l-liġi ta' Alla:

> Il-kuxjenza hi liġi tal-ispirtu tagħna, iżda hi aqwa mill-ispirtu tagħna; hi ma tiddettax, u lanqas ma turi lilha nnifisha bħala responsabiltà, dmir, theddid jew wegħda ... Hi l-ħabbara ta' dak li fid-dinja tan-natura u fid-dinja tal-grazzja jkellimna minn wara velu, jgħallimna u jmexxina permezz ta' dawk li qegħdin f'ismu. Il-kuxjenza hi sa mill-bidu l-Vigarju ta' Kristu.[35]

[34] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 16.

[35] Beatu John Henry Newman, *Ittra lid-Duka ta' Norfolk*, 5: Dwar ċerti diffikultajiet li l-Anglikani jsibu fid-duttrina Kattolika.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 664-665 5/19/2014 10:22:46 AM

1779 Hu importanti li kull wieħed minna jkun preżenti biżżejjed għalih innifsu, biex jisma' leħen il-kuxjenza tiegħu u jagħmel dak li tgħidlu. Din it-tfittxija għad-daħla *fina nfusna* hi llum wisq aktar meħtieġa, għax il-ħajja spiss tbegħedna milli naħsbu fina nfusna, ngħarblu lilna nfusna u nerġgħu lura għalina nfusna:

> Erġa' lura lejn il-kuxjenza tiegħek, staqsiha ... Erġgħu lura, ħuti, fikom infuskom u f'kulma tagħmlu ħarsu lejn ix-Xhud, Alla.[36]

1780 Id-dinjità tal-bniedem titlob u trid li *l-kuxjenza morali tkun retta*. Il-kuxjenza morali tħaddan l-għarfien tal-prinċipji tal-moralità ("synderesis") u l-applikazzjoni tagħhom fiċ-ċirkustanzi li jinqalgħu, permezz ta' għarfien fil-prattika tar-raġunijiet u tal-ġid li jkun hemm, u fl-aħħar, permezz ta' ġudizzju dwar l-għemil li fil-fatt se jsir jew sar. Il-verità dwar dak li hu tajjeb moralment, imħabbar mil-liġi tar-raġuni, jingħaraf fil-prattika u bil-fatti permezz tal-*ġudizzju għaqli* tal-kuxjenza. Hu bniedem bil-għaqal dak li l-għażliet tiegħu jagħmilhom skont dan il-ġudizzju.

1781 Il-kuxjenza tħallina nieħdu *r-responsabiltà* tal-għemil li jkun sar. Jekk il-bniedem jagħmel xi ħaġa ħażina, il-ġudizzju ġust tal-kuxjenza jista' jibqa' fih bħala xhud tal-verità universali ta' kulma hu tajjeb, u fl-istess ħin ukoll ix-xhud tal-ħażen ta' għażla partikulari li tkun saret. Il-verdett tal-ġudizzju tal-kuxjenza jibqa' rahan ta' tama u ta' ħniena. Huwa u jagħti xhieda tal-ħtija li saret, ifakkar fil-maħfra li trid tintalab, it-tajjeb li għad irid isir u l-virtujiet li wieħed bla ħela ta' żmien irid iġib 'il quddiem bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla.

> Quddiem Alla nserrħu l-kuxjenza tagħna, jekk il-kuxjenza ċċanfarna, għax Alla hu aqwa mill-kuxjenza tagħna, u hu jaf kollox (*1 Ġw* 3,19-20).

[36] Santu Wistin, *Omelija* 8 *dwar l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann*, 9: PL 35, 2041.

1782 Il-bniedem għandu d-dritt jimxi skont il-kuxjenza u l-libertà tiegħu, biex personalment jieħu d-deċiżjonijiet morali li jidhirlu. "Il-bniedem m'għandux jiġi mġiegħel imur kontra l-kuxjenza tiegħu. U lanqas għandu jiġi mfixkel li jimxi skont il-kuxjenza tiegħu, l-aktar f'materja reliġjuża".[37]

II. Il-formazzjoni tal-kuxjenza

1783 Il-kuxjenza trid tkun iffurmata tajjeb u l-ġudizzju morali mdawwal sewwa. Kuxjenza ffurmata tajjeb hi retta u vera. Tagħmel il-ġudizzji tagħha skont ir-raġuni, skont dak li hu tassew tajjeb, kif iridu l-għerf ta' dak li ħalaq kollox. Il-bnedmin ma jistgħux jgħaddu mingħajr edukazzjoni tal-kuxjenza, minħabba l-influwenzi ħżiena li jaħkmu fuqhom u, għaliex huma mġarrbin mid-dnub, jippreferixxu jimxu fuq il-ġudizzju tagħhom u jwarrbu t-tagħlim ċert ta' min għandu l-awtorità, għaliex huma mġarrbin bid-dnub.

1784 L-edukazzjoni tal-kuxjenza hu dmir li jrid jiġi mħares tul ħajjitna kollha. Sa mill-ewwel snin, il-kuxjenza tqajjem fit-tifel l-għarfien u l-ħarsien tal-liġi li hemm fih innifsu, magħrufa mill-kuxjenza morali tiegħu. Edukazzjoni għaqlija tgħallmek il-virtujiet; tħarsek u tfejqek mill-biża', mill-egoiżmu u mis-suppervja, ma tħallikx tħossok ħati ta' xi ħtija li ma tafx biha jew tħossok hieni bik innifsek u tieħu pjaċir b'dak li int – dan kollu jiġi mid-dgħufija u n-nuqqasijiet tal-bniedem. L-edukazzjoni tal-kuxjenza hi garanzija tal-libertà u ġġib il-paċi fil-qalb.

1785 Fil-formazzjoni tal-kuxjenza, triqtna hi mdawla bil-Kelma ta' Alla (ara *Salm* 119,105); din għandna nagħmluha

[37] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 3.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 666-667 5/19/2014 10:22:46 AM

tagħna permezz tal-fidi u t-talb, u nuruha f'għemilna. Jeħtiġilna wkoll ngħarblu l-kuxjenza tagħna quddiem is-salib tal-Mulej. F'dan jgħinuna d-doni tal-Ispirtu s-Santu u x-xhieda u l-pariri tal-oħrajn, immexxijin mit-tagħlim ċert tal-
890 Knisja.[38]

III. L-għażliet tal-kuxjenza

1786 Quddiem għażla morali, il-kuxjenza tista' tagħti kemm ġudizzju li jaqbel mar-raġuni u mal-liġi ta' Alla u kemm ġudizzju kuntrarju għalihom, ġudizzju żbaljat li jitbiegħed minnhom.

1787 Il-bniedem xi kultant isib ruħu f'qagħdiet fejn il-ġudizzju morali ma jkunx għal kollox żgur u d-deċiżjoni tkun diffiċli. Iżda jrid dejjem ifittex dak li hu ġust u tajjeb u jagħraf
1955 x'inhi r-rieda ta' Alla, kif imfissra fil-liġi tiegħu.

1788 Għal dan, il-bniedem għandu jagħmel sforz biex jifhem dak li tgħidlu l-esperjenza u dak li jgħidulu s-sinjali
1806 taż-żminijiet, bl-għajnuna tal-virtù tal-għaqal, tal-pariri ta' nies tal-affari tagħhom u permezz tal-Ispirtu s-Santu u d-doni tiegħu.

1789 Hemm xi regoli li jgħoddu dejjem:

1756 — Qatt ma hu permess tagħmel dak li hu ħażin, biex minnu joħroġ it-tajjeb.

1970 — Ir-"regola tad-deheb": "Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom" (*Mt* 7,12; ara *Lq* 6,31; *Tob* 4,15).

[38] Ara *ibid*., 14.

— L-imħabba tidher dejjem fir-rispett tal-proxxmu u tal- 1827
kuxjenza tiegħu: "Meta intom tidinbu ... kontra ħutkom 1971
u tfieru l-kuxjenza dgħajfa tagħhom, kontra Kristu tkunu tidinbu" (*1 Kor* 8,12) ... "It-tajjeb hu li ... ma tagħmel xejn li jista' jfixkel lil ħuk" (*Rum* 14,21).

IV. Ġudizzju żbaljat

1790 Il-bniedem għandu dejjem jobdi l-ġudizzju ċert tal-kuxjenza tiegħu. Meta bniedem imur deliberatament kontra l-kuxjenza tiegħu, ikun qiegħed jikkundanna lilu nnifsu. Iżda jista' jiġri li l-kuxjenza morali tkun fl-injoranza u tagħti ġudizzji żbaljati fuq għemil li sar jew irid isir.

1791 Din l-injoranza spiss tkun ħtija ta' responsabiltajiet personali. Dan jiġri, "meta l-bniedem ftit iħabbel rasu biex 1704
isib dak li hu veru u tajjeb u meta d-drawwa tad-dnub bil-mod il-mod twassal biex il-kuxjenza kważi tagħma għal kollox".[39] F'dan il-każ, il-bniedem hu responsabbli tad-deni li jagħmel.

1792 L-injoranza dwar Kristu u l-Evanġelu tiegħu, 133
l-eżempji ħżiena mogħtijin minn oħrajn, il-jasar tal-passjonijiet, il-pretensjoni għall-awtonomija tal-kuxjenza, awtonomija mifhuma ħażin, iċ-ċaħda tal-awtorità tal-Knisja u tat-tagħlim tagħha, in-nuqqas ta' konverżjoni u ta' mħabba jistgħu jkunu l-kawża ta' żbalji fil-ġudizzju tal-imġiba morali.

1793 Iżda, għall-kuntrarju, jekk l-injoranza ma tistax 1860
tintrebaħ jew wieħed mhux responsabbli tal-ġudizzju żbaljat

[39] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 16.

li jagħmel, dan ma jistax ikun ħati tal-ħażen u tad-deni li jsir. Imma dejjem tibqa' ħaġa ħażina, nuqqas, diżordni. Għalhekk wieħed jeħtieġlu jaħdem biex jikkoreġi l-kuxjenza morali mill-iżbalji tagħha.

1794 Kuxjenza tajba u safja hi mdawla minn fidi vera. Dan għaliex l-imħabba toħroġ fl-istess waqt "minn qalb safja, minn kuxjenza tajba u minn fidi sinċiera" *(1 Tim* 1,5; ara 3,9; *2 Tim* 1,3; *1 Piet* 3,21; *Atti* 24,16).

1751 Aktar ma l-kuxjenza hi retta u tajba, aktar il-bniedem u l-gruppi soċjali jżommu ruħhom 'il bogħod milli jieħdu deċiżjonijiet addoċċ, b'għajnejhom magħluqa, u jħabirku aktar biex għemilhom ikun jaqbel man-normi oġġettivi tal-morali.[40]

Fil-qosor

1795 *"Il-kuxjenza hi ċ-ċentru l-aktar moħbi tal-bniedem, is-santwarju fejn hu jkun waħdu ma' Alla u fejn Alla jsemma' leħnu".*[41]

1796 *Il-kuxjenza morali hi ġudizzju tar-raġuni li bih il-bniedem jagħraf jekk xi att tiegħu huwiex moralment tajjeb jew ħażin.*

1797 *Għall-bniedem li jagħmel xi att ħażin il-verdett tal-kuxjenza tiegħu jibqa' dejjem rahan ta' konverżjoni u ta' tama.*

1798 *Kuxjenza ffurmata tajjeb hi retta u vera. Tiġġudika skont ir-raġuni, skont dak li hu tassew tajjeb kif iridu l-għerf ta' dak li ħalaq kollox. Kulħadd huwa fid-dmir li jfittex il-mezzi meħtieġa biex jifforma l-kuxjenza tiegħu.*

1799 *Quddiem għażla morali, il-kuxjenza tista' tagħti kemm ġudizzju ġust li jaqbel mar-raġuni u mal-liġi ta' Alla, u, kemm ġudizzju żbaljat li jitbiegħed minnhom.*

1800 *Il-bniedem għandu dejjem jobdi l-ġudizzju żgur tal-kuxjenza tiegħu.*

1801 *Il-kuxjenza morali tista' tkun fl-injoranza jew tagħmel ġudizzji żbaljati. Din l-injoranza u dawn l-iżbalji mhux dejjem huma ħielsa mill-ħtija.*

1802 *Il-Kelma ta' Alla ddawwal il-passi kollha li nagħmlu. Irridu nagħmluha tagħna bil-fidi u bit-talb u nwettquha bil-fatti. Hu b'dan il-mod li aħna niffurmaw il-kuxjenza tagħna.*

[40] *Ibid.*

[41] *Ibid.*

Is-seba' artiklu

IL-VIRTUJIET

1803 "F'kulma hu veru, f'kulma hu xieraq, f'kulma hu ġust, f'kulma hu safi, f'kulma jiġbed l-imħabba, f'kulma jistħoqqlu l-ġieħ, f'kulma hu virtù, f'kulma ħaqqu t-tifħir; f'dan kollu aħsbu" (*Fil* 4,8).

Il-virtù hi dispożizzjoni abitwali u soda għall-għemil 1733
it-tajjeb. Tippermetti lill-persuna umana li tagħmel mhux biss għemil tajjeb, imma wkoll li tagħti dak li hu l-aħjar fiha
nnifisha. Persuna mżejna bil-virtù, bil-forzi kollha tagħha tar- 1768

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 670-671 5/19/2014 10:22:47 AM

ruħ u tal-ġisem, tinġibed lejn dak li hu tajjeb, tfittxu u tagħżlu b'għemil, bil-fatti.

L-għan ta' ħajja mżejna bil-virtù hu li ssir tixbah lil Alla.[42]

I. Il-virtujiet tal-bniedem

1804 Il-*virtujiet tal-bniedem* huma attitudnijiet sodi, dispożizzjonijiet stabbli, perfezzjonijiet abitwali tal-intelliġenza u r-rieda li jirregolaw l-għemil kollha tagħna, iżommu l-ordni fil-passjonijiet tagħna u jmexxu l-imġiba
2500 tagħna skont ir-raġuni u l-fidi. Jagħmlulna ħafifa, għaqlija u ferrieħa l-ħajja moralment tajba li ngħixu. Il-bniedem imżejjen bil-virtù hu dak li bil-fatti jagħmel kulma hu tajjeb b'mod ħieles, bla xkiel.

Il-virtujiet morali l-bniedem jiksibhom b'mod uman. Huma l-frott u l-bidu ta' kull għemil moralment tajjeb; iħejju
1827 l-qawwiet kollha tal-persuna biex jingħaqdu mal-imħabba ta' Alla.

Id-distinzjoni bejn il-virtujiet kardinali

1805 Hemm erba' virtujiet li fuqhom bħal fuq ċappetta jistrieħu l-virtujiet l-oħra kollha; għalhekk jissejħu virtujiet "kardinali"; il-virtujiet l-oħra kollha jinġabru madwarhom. Dawn l-erba' virtujiet huma l-għaqal, il-ġustizzja, il-qawwa u l-qies (rażan, temperanza). "Jekk xi ħadd iħobb is-sewwa, it-taħbit tiegħu hu virtù. Għax hu mgħallem tal-qies u tal-għaqal, tal-ġustizzja u tal-qawwa" (*Għerf* 8,7). B'ismijiet

[42] San Girgor ta' Nissa, *Diskors* 1 *dwar il-Beatitudnijiet*: PG 44, 1200D.

oħra dawn l-erba' virtujiet huma mfaħħra f'għadd kbir ta' siltiet tal-Iskrittura.

1806 *L-għaqal* (prudenza) hu dik il-virtù li tħejji r-raġuni prattika biex tagħraf fiċ-ċirkustanzi kollha x'inhu l-veru ġid tagħna u tagħżel il-mezzi ġusti biex jinkiseb. "Min moħħu jilħaqlu jara sewwa qabel jemmen" (*Prov* 14,15). "Kunu għaqlin u meqjusin biex tagħtu ruħkom għat-talb" *(1 Piet* 4,7). L-għaqal hu "l-qies eżatt ta' kull għemil" jikteb San 1788
Tumas[43] huwa u jtenni ħsieb ta' Aristotele. Ma għandux x'jaqsam man-nuqqas ta' qalb u mal-biża' u lanqas mal-wiċċ b'ieħor u mal-wiri ta' ħaġa b'oħra. Jissejjaħ "is-sewwieq tal-virtujiet" *("auriga virtutum")* għax imexxi l-virtujiet l-oħra u jurihom il-qies tagħhom u safejn għandhom jaslu. Hu l-għaqal li jmexxi immedjatament il-ġudizzju tal-kuxjenza. 1780
Il-bniedem bil-għaqal jiddeċiedi u jirregola l-imġiba tiegħu skont dan il-ġudizzju. Bl-għajnuna ta' din il-virtù, aħna napplikaw, mingħajr ma niżbaljaw, il-prinċipji morali għal kull każ li jinqala' u nirbħu d-dubji li jista' jkollna dwar it-tajjeb li rridu nagħmlu u l-ħażin li rridu nevitaw.

1807 *Il-ġustizzja* hi dik il-virtù morali li biha b'rieda soda u kostanti, nagħtu 'l Alla u lil għajrna dak li jistħoqqilhom. Il-ġustizzja lejn Alla tissejjaħ "il-virtù tar-reliġjon". Il-ġustizzja 2095
lejn il-bnedmin tħejjina biex nirrispettaw id-drittijiet ta' kulħadd u nżommu, fir-relazzjonijiet tagħna mal-bnedmin l-oħra, dik l-armonija li ġġib 'il quddiem l-ekwità fl-imġiba 2401
tagħna mal-bnedmin kollha għall-ġid ta' kulħadd. Il-bniedem ġust, li jissemma ta' spiss fil-Kotba Mqaddsa, jintgħażel mill-qies li dejjem juri fi ħsibijietu u mill-mod tajjeb kif iġib ruħu ma' għajru. "La tħarisx lejn wiċċ il-fqir; lanqas ma tweġġaħ

[43] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, II-II, 47, 2.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 672-673 5/19/2014 10:22:47 AM

lill-kbir għal wiċċu; imma tagħmel ħaqq mill-proxxmu tiegħek bis-sewwa" (*Lev* 19,15). "Intom, sidien, agħtu lill-ilsiera tagħkom il-ħaqq u s-sewwa, u kunu afu li intom ukoll għandkom sid fis-sema" (*Kol* 4,1).

1808 *Il-qawwa* (fortitudni) hi virtù morali li tagħtina li nkunu sodi u ma nieqfu qatt milli nfittxu dejjem dak li hu tajjeb, minkejja d-diffikultajiet li magħhom niltaqgħu. Twettaq il-fehma li nirreżistu għat-tiġrib u negħlbu t-tfixkil li miegħu niltaqgħu fil-ħajja morali tagħna. Il-virtù tal-qawwa tagħtina
2848 l-ħila nirbħu l-biża', il-biża' saħansitra tal-mewt, u nilqgħu
2473 wkoll il-persekuzzjonijiet. Tħejjina biex naslu saċ-ċaħda u s-sagrifiċċju ta' ħajjitna biex niddefendu kawża ġusta. "Qawwa tiegħi u għana tiegħi l-Mulej" (*Salm* 118,14). "Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!" (*Ġw* 16,33).

1809 *It-temperanza* (rażan, qies) hi dik il-virtù morali li biha nrażżnu l-ġibda għall-pjaċiri u tagħtina li nużaw bil-qies il-ġid tal-art. Tiżgura setgħa lir-rieda fuq l-istinti u żżomm ix-
2341 xewqat tagħna li ma jmorrux 'l hemm minn dak li hu onest u sewwa. Persuna li tagħmel kollox bil-qies, tmexxi lejn it-tajjeb il-ġibdiet tas-sensi, iżżomm qies xieraq f'kollox, u ma "tħallix il-ġibdiet u [saħħitha jmexxuha] huma, biex timxi wara dak li tixtieq [il-qalb]" (*Sir* 5,2; ara 37,27-31). It-temperanza hi mfaħħra ta' spiss fit-Testment il-Qadim:
2517 "Tħallix xewqatek jiġbduk warajhom, u rażżanhom il-ġibdiet tiegħek" (*Sir* 18,30). Fit-Testment il-Ġdid hi msejħa "rażan" u "qies". Għandna ngħixu "bir-rażna u l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien" (*Tit* 2,12).

> Tgħix tajjeb ma hu xejn ħlief tħobb 'l Alla b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'għemilek kollu. Għal Alla l-imħabba trid tkun sħiħa (permezz tat-temperanza), ebda ħażen ma għandu jkissirha (u din hija xhieda ta' qawwa), u tobdi lilu biss (u din hi l-ġustizzja), u tishar biex tgħarbel kollox bil-biża' li jeħduk għall-għarrieda l-qerq u l-gideb (u hawn hu l-għaqal).[44]

Il-virtujiet u l-grazzja

1810 Il-virtujiet li l-bniedem jikseb permezz tal-edukazzjoni, ta' għemil deliberat, ta' perseveranza li qatt ma tonqos fl- 1266
isforzi li wieħed jagħmel, jissaffew u jogħlew permezz tal-grazzja ta' Alla. Bl-għajnuna ta' Alla, isawru l-karattru u jagħmluha eħfef li wieħed jagħmel it-tajjeb. Il-bniedem imżejjen bil-virtù hu hieni li jipprattikahom.

1811 Mhijiex ħaġa ħafifa għall-bniedem midrub mid-dnub li jżomm il-bilanċ fl-imġiba morali tiegħu. Id-don tas-salvazzjoni li kisbilna Kristu jagħtina l-grazzja meħtieġa biex ma nieqfu qatt infittxu l-virtujiet. Kulħadd għandu dejjem 2015
jitlob din il-grazzja ta' dawl u ta' qawwa, jirrikorri għas-sagramenti, jikkoopera mal-Ispirtu s-Santu, jilqa' s-sejħat tiegħu biex iħobb dak li hu tajjeb u jħares ruħu minn dak li hu ħażin.

II. Il-virtujiet teologali

2086-2094
2656-2658

1812 Il-virtujiet tal-bniedem għandhom l-għeruq tagħhom fil-virtujiet teologali li jadattaw il-fakultajiet tal-bniedem ħa jkollu sehem min-natura ta' Alla (ara *2 Piet* 1,4). Dan għaliex il-virtujiet teologali jħarsu direttament lejn Alla. Iħejju lill-Insara biex jgħixu f'relazzjoni mat-Trinità Qaddisa. 1266
Għandhom lil Alla wieħed fi Tliet Persuni bħala bidu, motiv u oġġett tagħhom.

[44] Santu Wistin, *Dwar id-Drawwiet tal-Knisja Kattolika*, 1, 25, 46: PL 32, 1330-1331.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 674-675 5/19/2014 10:22:47 AM

1813 Il-virtujiet teologali huma l-pedament tal-imġiba morali tan-Nisrani, jagħtuha l-ħajja u l-karattru tagħha. Isawru u jaħju l-virtujiet morali kollha. Jitnisslu minn Alla fir-ruħ tal-Insara biex ikollhom il-ħila jġibu ruħhom bħala wliedu
2008 u jimmeritaw il-ħajja ta' dejjem. Huma r-rahan tal-preżenza u tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-fakultajiet tal-bniedem. Hemm tliet virtujiet teologali: il-fidi, it-tama u l-imħabba (ara *1 Kor* 13,13).

142-175 IL-FIDI

1814 Il-fidi hi dik il-virtù teologali li biha nemmnu f'Alla u f'kulma qalilna u rrivelalna, u li l-Knisja tgħidilna li għandna
506 nemmnu, għax Alla hu l-istess Verità. Bil-fidi "il-bniedem jintelaq kollu kemm hu minn rajh f'Alla".[45] Hu għalhekk li min jemmen ifittex li jkun jaf x'inhi r-rieda ta' Alla u jagħmilha. "Il-ġust jgħix bil-fidi" (*Rum* 1,17). Il-fidi ħajja "taħdem permezz tal-imħabba" (*Gal* 5,6).

1815 Id-don tal-fidi jibqa' f'dak li ma jkunx dineb kontriha.[46] Imma "hi mejta l-fidi mingħajr għemil" (*Ġak* 2,26): nieqsa mit-tama u l-imħabba, il-fidi ma tgħaqqadx in-Nisrani għal kollox ma' Kristu u ma tagħmlux membru ħaj tal-Ġisem tiegħu.

1816 Id-dixxiplu ta' Kristu ma għandux biss iħares il-fidi u
2471 jgħixha, iżda għandu wkoll jistqarrha, jagħti xhieda għaliha b'mod li juri li hu żgur minnha, u jxandarha: "Kulħadd għandu jkun dejjem imħejji biex jistqarr 'il Kristu quddiem il-bnedmin u jimxi warajh fit-triq tas-salib fost il-persekuzzjonijiet, li

[45] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 5.
[46] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 15: DS 1545.

qatt ma jonqsu lill-Knisja".[47] Il-qadi u x-xhieda tal-fidi huma meħtieġa għas-salvazzjoni: "Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet" (*Mt* 10,32-33).

IT-TAMA

1817 It-tama hi dik il-virtù teologali li biha nixtiequ bħala ġid tagħna s-Saltna tas-smewwiet u l-ħajja ta' dejjem, aħna 1024
u nafdaw fil-wegħdiet ta' Kristu; nafdaw mhux fil-ħila tagħna iżda fl-għajnuna tal-grazzja tal-Ispirtu s-Santu. "Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda" (*Lh* 10,23). "Dan l-Ispirtu hu sawwbu bil-kotra fuqna b'Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna, biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu, nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta' dejjem skont it-tama li għandna" (*Titu* 3,6-7).

1818 Il-virtù tat-tama twieġeb għax-xewqa tal-hena li Alla 27
qiegħed fil-qalb ta' kull bniedem: tagħmel tagħha t-tamiet kollha li jqanqlu l-attivitajiet tal-bnedmin; issaffihom biex tmexxihom lejn is-Saltna tas-smewwiet; tħarishom minn kull qtigħ il-qalb, tqawwihom kull darba li jiddgħajfu; tiftaħ il-qalb tal-bniedem huwa u jistenna l-hena ta' dejjem. Il-ħeġġa tat-tama tħarisna mill-egoiżmu u twassalna għall-hena li jiġi mill-imħabba.

1819 It-tama Nisranija tieħu u tkompli t-tama tal-poplu l-magħżul, tama li għandha l-bidu tagħha u x-xbieha tagħha

[47] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 42. Ara Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 14.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 676-677 5/19/2014 10:22:47 AM

146 fit-*tama ta' Abraham* li, f'Iżakk, ġabret il-weġħdiet kollha ta' Alla u ġiet imsoffija bil-prova tas-sagrifiċċju (ara *Ġen* 17, 4-8; 22,1-18). "Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen; u hekk sar missier ta' kotra kbira ta' ġnus" (*Rum* 4,18).

1820 It-tama Nisranija bdiet tintwera sa mill-bidu tal-predikazzjoni ta' Ġesù bit-tħabbira tal-beatitudnijiet. *Il-*
1716 *beatitudnijiet* jerfgħu t-tama tagħna lejn is-sema bħala l-Art Imwiegħda l-ġdida, huma u juruna t-triq li rridu ngħaddu minnha fost il-provi li hemm jistennew id-dixxipli ta' Ġesù. Iżda għall-merti ta' Ġesù Kristu u tal-Passjoni tiegħu, Alla jħarisna fit-tama li "ma tqarraqx bina" (*Rum* 5,5). It-tama hi "bħall-ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija; biha aħna nidħlu ... fejn qabilna daħal Ġesù" (*Lh* 6,19-20). Hi wkoll arma li tħarisna fit-taqbida għas-salvazzjoni: "Nilbsu l-kurazza tal-fidi u l-imħabba, u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni" *(1 Tess* 5,8). Tferraħna waqt l-istess provi: "Ifirħu bit-tama, stabru fl-hemm" (*Rum* 12,12). Turi ruħha u titmantna bit-talb, b'mod
2772 partikulari bit-talba tal-*Missierna*, talba li fiha tiġbor kulma t-tama ġġegħelna nixtiequ.

1821 Nistgħu għalhekk nittamaw li niksbu l-glorja tas-sema li Alla wiegħed lil dawk li jħobbuh (ara *Rum* 8, 28-30) u jagħmlu r-rieda tiegħu (ara *Mt* 7,21). F'kull ċirkustanza, kull wieħed għandu jittama, bil-grazzja ta' Alla, li "jibqa' jżomm
2016 sħiħ sal-aħħar" (*Mt* 10,22)[48], u jkollu l-hena tas-sema bħala l-premju ta' dejjem, li Alla jagħti lill-għemejjel kollha tajba li
1037 jkun għamel bil-grazzja ta' Kristu. Bit-tama, il-Knisja titlob "li l-bnedmin kollha jsalvaw" (*1 Tim* 2,4). Tittama li tkun fil-glorja tas-sema, magħquda ma' Kristu, l-Għarus tagħha:

[48] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 13: DS 1541.

> Stenna, stenna, għax la taf meta jiġi l-jum u lanqas is-siegħa. Ishar sewwa, għax kollox jgħaddi malajr, għalkemm ix-xewqa tiegħek tqiegħed fid-dubju dak li huwa żgur, u jidhrilha żmien twil dak li huwa qasir. Aħsbu ftit li, aktar ma tissieltu, aktar turu l-imħabba li għandkom għal Alla tagħkom, u żgur li aktar għad tithennew bil-Maħbub tagħkom b'ferħ u għaxqa li ma jistax ikollhom tmiem.[49]

L-imħabba

1822 L-imħabba hi dik il-virtù teologali li biha nħobbu 'l Alla 1723
għalih innifsu aktar minn kull ħaġ'oħra, u l-proxxmu tagħna bħalna nfusna, għall-imħabba ta' Alla.

1823 Ġesù għamel l-imħabba *kmandament ġdid* (ara *Ġw* 1970
13,34). Ġesù, huwa u jħobb lil tiegħu "għall-aħħar" *(Ġw* 13,1) wera l-imħabba li l-Missier kellu għalih. Id-dixxipli, huma u jħobbu lil xulxin, imitaw l-imħabba ta' Ġesù li rċevew ukoll mingħandu. Hu għalhekk li Ġesù qal: "Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jien. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi" *(Ġw* 15,9). U aktar: "Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (*Ġw* 15,12).

1824 L-imħabba, li hi l-frott tal-Ispirtu u l-milja tal-liġi, 735
tħares *il-kmandamenti* ta' Alla u ta' Kristu tiegħu: "Ibqgħu fl-imħabba tiegħi. Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu f'imħabbti" (*Ġw* 15,9-10; ara *Mt* 22,40; *Rum* 13, 8-10).

1825 Kristu miet għall-imħabba tagħna, meta konna 604
għadna "għedewwa" tiegħu (*Rum* 5,10). Il-Mulej iridna nħobbu bħalu sal-*għedewwa tagħna* (ara *Mt* 5,44) u nkunu

[49] Santa Tereża ta' Ġesù, *Tqanqil ir-Ruħ quddiem Alla*, 15, 3: ara *Il-Kitba ta' Santa Tereża ta' Ġesù*, IV, Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 1993, 72.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 678-679 5/19/2014 10:22:47 AM

proxxmu għal min hu l-aktar 'il bogħod minna (ara *Lq* 10,27-37), u nħobbu t-tfal (ara *Mk* 9,37) u l-foqra bħalma nħobbu lilu (ara *Mt* 25,40.45).

> L-Appostlu San Pawl tana deskrizzjoni tassew tal-għaġeb tal-imħabba: "L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn; ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti" (*1 Kor* 13,4-7).

1826 "Kieku ... ma kellix imħabba, jien ma kont inkun xejn". Kull privileġġ, kull servizz, l-istess virtujiet, mingħajr "l-imħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid" (*1 Kor* 13,1-3). L-imħabba hi l-ogħla fost il-virtujiet kollha. Hi l-ewwel waħda fost il-virtujiet teologali: "Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. *Il-kbira fosthom l-imħabba"* (*1 Kor* 13,13).

1827 L-imħabba tagħti l-ħajja u tmexxi l-virtujiet kollha. Hi
815 "il-qofol tal-perfezzjoni" (*Kol* 3,14); hi l-*forma ta' kull virtù*;
826 tagħżilhom minn xulxin u żżejjinhom; hi l-bidu u t-tmiem tal-prattika Nisranija tagħhom. L-imħabba ssaħħaħ u ssaffi s-setgħa tagħna li nħobbu bħala bnedmin. Tgħollina għall-perfezzjoni sopranaturali tal-imħabba ta' Alla.

1828 Il-ħajja morali, imqanqla mill-imħabba, tagħti lin-Nisrani li jgħixha, il-ħelsien spiritwali ta' wlied Alla. Ma jidhirx
1972 aktar quddiem Alla bħala xi lsir, kollu biża', lanqas bħala xrik ifittex ħlasu, imma bħala iben li jwieġeb għall-imħabba ta' dak li "ħabbna l-ewwel" (*1 Ġw* 4,19).

> Jew nitbiegħdu mill-ħażen minħabba l-biża' tal-kastig u hekk inkunu f'qagħda ta' lsiera jew aħna mħajrin mill-ħlas li hemm u hekk inkunu f'qagħda ta' xrik; jew fl-aħħar nett nobdu minħabba t-tajjeb fih innifsu u għall-imħabba ta' dak li jikkmandana, u hekk inkunu f'qagħda ta' wlied.[50]

1829 Bħala *frott* tal-imħabba hemm il-ferħ, is-sliem u l-ħniena: titlob minna li nagħmlu l-ġid u nikkoreġu lill-aħwa; 2540 tixtieq il-ġid; tqanqalna biex nagħmlu l-ġid lil xulxin; qatt ma tfittex dak li hu tagħha u għandha jdejn miftuħa; hi ħbiberija u għaqda.

> L-imħabba hi l-milja ta' kulma jsir. Dan hu l-għan: għalhekk niġru, lejha niġru biex nilħquh, lejha niġru u meta naslu, hu fiha li nistrieħu.[51]

III. Id-doni u l-frott tal-Ispirtu s-Santu

1830 Il-ħajja morali tal-Insara hi mwettqa mid-doni tal-Ispirtu s-Santu. Dawn huma dispożizzjonijiet li jibqgħu dejjem u bihom il-bniedem joqgħod għal kulma jnebbħu l-Ispirtu s-Santu.

1831 Is-seba' *doni* tal-Ispirtu s-Santu huma: l-għerf, il- 1299 fehma (id-dehen), il-kunsill (l-għaqal), il-qawwa, ix-xjenza, il-pjetà u l-biża' ta' Alla. Fi Kristu, Bin David, jinsabu fil-milja kollha tagħhom (ara *Is* 11,1-2). Jagħmlu sħaħ u jwasslu 1266 għall-perfezzjoni l-virtujiet ta' dawk li jirċevuhom; bihom il-fidili jobdu minnufih kulma jnebbaħhom bih Alla.

> L-ispirtu tajjeb tiegħek imexxini f'art watja (*Salm* 143,10).
>
> Dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla ... Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu (*Rum* 8,14.17).

[50] San Bażilju l-Kbir, *Ir-Regola l-Monastika t-twila*, prol. 3: PG 31, 896B.
[51] Santu Wistin, *Omelija* 10 *dwar l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann*, 4: PL 35, 2056-2057.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 680-681 5/19/2014 10:22:47 AM

736 1832 *Il-frott* tal-Ispirtu huma l-perfezzjonijiet li jsawwar fina l-Ispirtu s-Santu bħala l-bidu tal-glorja ta' dejjem. It-Tradizzjoni tal-Knisja ssemmi tnax: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, il-manswetudni, il-modestja, ir-rażan, is-safa (ara *Gal* 5,22-23 *Vulg.*).

Fil-qosor

1833 *Il-virtù hija dispożizzjoni abitwali u soda għal għemil tajjeb.*

1834 *Il-virtujiet tal-bniedem huma dispożizzjonijiet sodi tal-intelliġenza u tar-rieda li jidderieġu l-għemil tagħna, jirregolaw il-passjonijiet tagħna, imexxu l-imġiba tagħna skont ir-raġuni u l-fidi. Nistgħu niġbruhom taħt erba' virtujiet kardinali: l-għaqal (prudenza), il-ġustizzja, il-qawwa (fortitudni) u r-rażan (temperanza jew qies).*

1835 *L-għaqal iħejji r-raġuni prattika biex, f'kull ċirkustanza tagħraf x'inhu l-veru ġid tagħna u tagħżel il-mezzi tajba biex jinkiseb.*

1836 *Il-ġustizzja hija r-rieda soda u kostanti li tagħti 'l Alla u lill-proxxmu dak li hu tiegħu.*

1837 *Il-qawwa tiżgurana li nkunu sodi u kostanti fit-tfittxija ta' dak li hu tajjeb, minkejja d-diffikultajiet kollha li jkun hemm.*

1838 *Ir-rażan, il-qies jew temperanza trażżan il-ġibda tal-pjaċiri tas-sensi u tagħtina l-qies fl-użu tal-ġid tal-art.*

1839 *Il-virtujiet morali jikbru permezz tal-edukazzjoni, ta' għemil maħsub u deliberat, u perseveranza fl-isforzi li jsiru. Il-grazzja ta' Alla ssaffihom u tgħollihom.*

1840 *Il-virtujiet teologali jħejju l-Insara biex jgħixu f'relazzjoni mat-Trinità Qaddisa. Alla hu l-bidu, il-motiv u l-oġġett tagħhom, Alla li nagħrfuh permezz tal-fidi, li nittamaw fih u nħobbuh għalih innifsu.*

1841 *Il-virtujiet teologali huma tlieta: fidi, tama u mħabba* (ara *1 Kor* 13,13). *Jiffurmaw u jagħtu l-ħajja lill-virtujiet morali kollha.*

1842 *Bil-fidi nemmnu f'Alla u f'dak kollu li rrivelalna u li l-Knisja tgħidilna li għandna nemmnuh.*

1843 *Bit-tama nixtiequ u nistennew mingħand Alla, b'fiduċja kbira, il-ħajja ta' dejjem u l-grazzji biex nimmeritawha.*

1844 *Bl-imħabba nħobbu 'l Alla fuq kull ħaġ'oħra u l-proxxmu tagħna bħalna nfusna għall-imħabba ta' Alla. Hi l-"qofol tal-perfezzjoni"* (*Kol* 3,14) *u l-forma tal-virtujiet kollha.*

1845 *Is-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu mogħtija lill-Insara huma l-għerf, il-fehma (id-dehen), il-kunsill (l-għaqal), il-qawwa, ix-xjenza, il-pjetà u l-biża' ta' Alla.*

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 682-683 5/19/2014 10:22:47 AM

It-tmien artiklu

ID-DNUB

I. Il-ħniena u d-dnub

1846 L-Evanġelju hu r-rivelazzjoni f'Ġesù Kristu tal-ħniena ta' Alla għall-midinbin (ara *Lq* 15). L-anġlu ħabbar lil San Ġużepp: "Inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (*Mt* 1,21). Hekk ukoll l-Ewkaristija, is-sagrament tal-Fidwa: "Dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet" (*Mt* 26,28).

1847 "Alla ħalaqna mingħajrna, imma ma riedx isalvana mingħajrna".[52] Biex ikollna l-ħniena tiegħu, irridu nistqarru ħtijietna: "Jekk ngħidu li m'għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina. Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen" (*1 Ġw* 1,8-9).

1848 Kif jgħid San Pawl: "Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" (*Rum* 5,20). Iżda biex taħdem, il-grazzja trid tikxef id-dnub u tbiddel lil qalbna u tagħtina "il-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem bis-saħħa ta' Ġesù Kristu Sidna" *(Rum* 5, 21). Bħama tabib l-ewwel jara l-ġerħa qabel idewwiha, hekk Alla, bil-Kelma u bl-Ispirtu tiegħu, jitfa' dawl ħaj fuq id-dnub:

> Il-konverżjoni titlob li wieħed *ikun konvint mid-dnub*, u fiha stess hemm il-ġudizzju tal-kuxjenza; dan il-ġudizzju, għaliex hu prova tal-ħidma tal-Ispirtu tal-verità fir-ruħ tal-bniedem, fl-istess waqt hu l-bidu ġdid tal-għoti tal-grazzja u tal-imħabba: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu". Mela b'din l-akkuża dwar id-dnub "hemm żewġ doni: id-don tal-verità tal-kuxjenza u d-don taċ-ċertezza tal-fidwa. L-Ispirtu tal-verità hu Difensur".[53]

[52] Santu Wistin, *Omelija* 169, 11, 13: PL 38, 923.

II. X'inhu d-dnub

1849 Id-dnub hu nuqqas kontra r-raġuni, il-verità u l-kuxjenza retta; hu nuqqas ta' mħabba vera, lejn Alla u lejn il-proxxmu, minħabba rabta ħażina ma' xi ġid. Jidrob in-natura tal-bniedem u jhedded is-solidarjetà bejn il-bnedmin. Ġie definit bħala "kelma, għemil jew xewqa kontra l-liġi ta' dejjem".[54]

1850 Id-dnub hu offiża lil Alla: "Kontrik biss jiena dnibt, u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt" (*Salm* 51,6). Id-dnub imur kontra l-imħabba ta' Alla għalina u jbiegħed minnha 'l qlubna. Bħalma kien l-ewwel dnub, hu diżubbidjenza, ribelljoni kontra Alla, għax bid-dnub inkunu rridu nsiru "bħal allat" li nafu t-tajjeb u l-ħażin" (*Ġen* 3,5). Id-dnub għalhekk hu "mħabba tiegħek innifsek li twassal sal-istmerrija ta' Alla".[55] B'din l-imħabba tagħna nfusna, kollha kburija u suppervja, id-dnub iqegħedna f'qagħda għal kollox kuntrarja għall-ubbidjenza ta' Ġesù, ubbidjenza li biha seħħet is-salvazzjoni (ara *Fil* 2,6-9).

[53] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Dominum et vivificantem* (1986), 31.

[54] Santu Wistin, *Kontra Fawstu l-Manikew*, 22, 27: PL 42, 418; ara San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 71, 6.

[55] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 14, 28: PL 41, 436: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 221. Din it-traduzzjoni tgħid hekk: "... dik tal-art li tnisslet mill-imħabba tal-ħlejjaq li ħabbew lilhom infushom tant li maqdru 'l Alla".

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 684-685 5/19/2014 10:22:47 AM

1851 Hu propju fil-Passjoni li biha l-ħniena ta' Kristu tirbaħ id-dnub, li dan juri l-vjolenza tiegħu u l-ħafna suriet
598 li għandu: in-nuqqas ta' fidi, il-mibegħda sal-mewt, iċ-ċaħda u ż-żebliħ tal-kapijiet u tal-poplu, l-għemil ta' ġifa ta' Pilatu, l-għemil kiefer tas-suldati, it-tradiment ta' Ġuda hekk kiefer għal Ġesù, iċ-ċaħda ta' Pietru u l-ħarba tad-dixxipli. Iżda f'dak il-mument tad-dlamijiet u tal-Prinċep
2746; 616 ta' din id-dinja (ara *Ġw* 14,30), is-sagrifiċċju ta' Kristu, fil-moħbi, sar għajn li dejjem tnixxi għall-maħfra ta' dnubietna.

III. Il-ħafna suriet tad-dnub

1852 Hemm varjetà kbira ta' dnubiet. Fl-Iskrittura nsibu aktar minn lista waħda. L-Ittra lill-Galatin tqiegħed kontra xulxin l-għemejjel tal-ġisem u l-frott tal-Ispirtu: "l-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrid, u ħwejjeġ bħal dawn. Inwissikom, bħalma wissejtkom qabel, min jagħmel dawn il-ħwejjeġ ma jiritx is-saltna ta' Alla" (5,19-21; ara *Rum* 1,28-32; *1 Kor* 6,9-10; *Ef* 5,3-5; *Kol* 3,5-8; *1 Tim* 1,9-10; *2 Tim* 3,2-5).

1751 1853 Nistgħu nagħżlu d-dnubiet skont l-oġġett tagħhom, bħal kull għemil tal-bniedem, jew skont il-virtujiet li jopponu fiż-żejjed jew fin-nieqes, jew skont il-kmandamenti li jiksru. Nistgħu inqassmuhom ukoll skont humiex kontra Alla, kontra għajrna u kontra tagħna nfusna;
2067 nistgħu nagħżluhom bħala dnubiet spiritwali jew karnali, jew ukoll bħala dnubiet bil-kliem, bil-ħsieb, b'għemil jew b'nuqqas ta' għemil. L-għerq
368 tad-dnub hu fil-qalb tal-bniedem, fir-rieda ħielsa tiegħu, skont it-tagħlim tal-Mulej: "Mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żina, serq, xhieda qarrieqa, dagħa. Dawn huma li jtebbgħu lill-bniedem" (*Mt* 15,19-20). Fil-qalb ukoll tinsab l-imħabba, il-bidu ta' kull għemil tajjeb u safi li jidrob id-dnub.

IV. Il-gravità tad-dnub: dnub mejjet u dnub venjal

1854 Jaqbel li nqisu d-dnubiet skont il-gravità tagħhom. Id-distinzjoni bejn dnub mejjet u dnub venjal, li tagħha ġa għandna ħjiel fl-Iskrittura (ara *1 Ġw* 5,16-17) daħlet fit-Tradizzjoni tal-Knisja u hi mwettqa mill-esperjenza tal-bnedmin.

1855 *Id-dnub mejjet* jeqred l-imħabba fil-qalb tal-bniedem bi ksur gravi tal-liġi ta' Alla; ibiegħed lill-bniedem minn Alla, 1395
li għalih ġie maħluq u fih isib l-hena tiegħu, biex jagħżel ġid inqas minn Alla.

Id-dnub venjal iħalli l-imħabba fil-qalb tal-bniedem, għalkemm joffendiha u jidrobha.

1856 Id-dnub mejjet, għaliex jolqot fina dak il-prinċipju vitali li hi l-imħabba, jeħtieġ inizjattiva ġdida tal-ħniena ta' Alla u konverżjoni tal-qalb li bħala regola jseħħu fis-sagrament tar- 1446
Rikonċiljazzjoni:

> Meta r-rieda tinġibed lejn ħaġa li fiha nnifisha hi kontra l-imħabba, li biha nersqu lejn l-għan li għalih ġejna maħluqin, id-dnub minnu nnifsu għandu fih dak li jagħmlu mejjet … kemm jekk ikun kontra l-imħabba ta' Alla bħad-dagħa, il-ħalf fil-falz u l-bqija, u kemm jekk hu kontra l-imħabba tal-proxxmu bħalma hu l-qtil, l-adulterju u l-bqija … Min-naħa l-oħra, meta r-rieda tal-midneb tmur fuq xi ħaġa li fiha hemm xi dižordni, iżda mhuwiex kontra l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu bħalma hu l-kliem vojt, id-daħq żejjed u l-bqija, … id-dnubiet li jsiru huma venjali.[56]

1857 Biex *dnub* ikun *mejjet* jeħtieġu tliet kundizzjonijiet flimkien: "Hu dnub mejjet kull dnub li bħala oġġett tiegħu għandu materja gravi, min jagħmlu jkun jaf sewwa x'qiegħed jagħmel, u jagħmlu b'rieda sħiħa".[57]

[56] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 88, 2.
[57] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et paenitentia* (1984), 17.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 686-687 5/19/2014 10:22:48 AM

2072 1858 Il-*materja gravi* jgħidu sewwa x'inhi l-għaxar Kmandamenti skont it-tweġiba li Ġesù ta lil wieħed żagħżugħ għani: "La toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, la tiħux bil-qerq dak li hu ta' ħaddieħor; weġġaħ lil missierek u 'l ommok" (*Mk* 10,19). Il-gravità tista' tkun ftit jew wisq kbira: qtil hu aktar gravi minn serqa. Trid titqies ukoll min tkun il-
2214 persuna li tiġi mġarrba bid-dnub: vjolenza kontra l-ġenituri hi fiha nnifisha ħaġa aktar gravi minn vjolenza kontra barrani.

1734 1859 Id-dnub mejjet irid *għarfien sħiħ ta' dak li jkun se jsir u kunsens sħiħ* dwaru. Jissopponi li wieħed ikun jaf li l-għemil li se jagħmel hu dnub, li hu kontra l-liġi ta' Alla. Jitlob ukoll kunsens li jkun biżżejjed ħieles biex jitqies bħala għażla personali ta' dak li jkun. L-injoranza taparsi u l-ebusija tal-qalb (ara *Mk* 3,5-6; *Lq* 16,19-31) ma jnaqqsux il-ħtija, anzi jagħmlu d-dnub aktar mixtieq, aktar volontarju.

1735 1860 *L-injoranza bla ħtija* (involontarja) tista' tnaqqas jekk mhux tiskuża għal kollox mill-ħtija ta' dnub gravi. Iżda ħadd ma jitqies li ma jafx il-prinċipji tal-liġi morali li jinsabu mnaqqxa fil-kuxjenza ta' kull bniedem. Il-ġibdiet tas-sensi,
1767 il-passjonijiet jistgħu wkoll jagħmlu l-ħtija inqas voluntarja u ħielsa, l-istess kif inaqqsuha influwenzi minn barra u taqlib patoloġiku. Id-dnub magħmul b'malizzja, b'għażla tal-ħażen għax ħażin, hu l-akbar dnub gravi.

1742 1861 Id-dnub mejjet hu għażla radikali li, bħalma hi l-istess imħabba, qiegħda f'idejn il-bniedem li jagħmilha għax hu liberu. Id-dnub il-mejjet itellef l-imħabba u jċaħħad mill-grazzja qaddisa jew santifikanti, jiġifieri jċaħħad mill-istat tal-grazzja. Jekk id-dnub ma jinfediex bl-indiema u l-maħfra
1033 ta' Alla, iġib miegħu t-tkeċċija mis-Saltna ta' Kristu u l-mewt ta' dejjem fl-infern, għax aħna bil-libertà tagħna nistgħu nagħmlu għażliet għal dejjem, mingħajr qatt ma nerġgħu lura minnhom. Iżda għalkemm aħna nistgħu niġġudikaw

li għemil fih innifsu hu ħtija gravi, il-ġudizzju fuq in-nies għandna nħalluh għall-ġustizzja u l-ħniena ta' Alla.

1862 Nagħmlu *dnub venjal* meta f'ħaġa żgħira ma nħarsux il-qies mitlub mil-liġi morali, jew meta ma nobdux il-liġi morali f'xi ħaġa gravi, iżda mingħajr ma nkunu nafu sewwa l-ħaġa jew mingħajr ma nkunu rriduha għal kollox.

1863 Id-dnub venjal idgħajjef l-imħabba u huwa ġibda 1394
diżordinata għall-ħwejjeġ maħluqa; ifixkel il-progress tar-ruħ fit-tħaddim tal-virtujiet u fil-ħarsien tal-liġi morali; jistħoqqlu l-pieni temporali. Id-dnub venjal magħmul b'rieda sħiħa u li 1472
ma jkunx hemm ebda sogħba għalih iħejjina bil-mod il-mod biex nagħmlu dnubiet mejta. Iżda d-dnub venjal ma jiksirx il-Patt ma' Alla. Nistgħu npattu għalih bil-grazzja ta' Alla. "Ma jċaħħadniex mill-grazzja qaddisa, mill-ħbiberija ma' Alla u mill-imħabba, u għalhekk lanqas mill-hena ta' dejjem"[58]:

> Il-bniedem sakemm għadu fil-ġisem, ma jistax ma jkollux dnubiet, almenu dnubiet żgħar; iżda dawn id-dnubiet li nsejħu żgħar tqishomx li ma huma xejn. Jekk dan, meta tiżinhom, ibża', għax meta tgħodd ħafna ħwejjeġ żgħar flimkien jagħmlu ħaġa kbira; ħafna qatriet jimlew xmara; ħafna qamħiet munzell qamħ. Mela x'inhi t-tama tagħna? Qabel xejn il-qrara …[59]

1864 "Id-dnubiet kollha u d-dagħa kollu jinħafrilhom lill-bnedmin, imma d-dnub ta' min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx" (*Mt* 12,31; ara *Mk* 3,29 u *Lq* 12,10). Il-ħniena ta' Alla hi bla qies, iżda min, għax irid, ma jilqax sogħbien il-ħniena ta' Alla, ma jkunx irid maħfra għal dnubietu u s-salvazzjoni

[58] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et paenitentia* (1984), 17.

[59] Santu Wistin, *Omelija* 1 *dwar l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann,* 1, 6: PL 35, 1982.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 688-689 5/19/2014 10:22:48 AM

li qed joffrilu l-Ispirtu s-Santu.[60] Dan it-twebbis iwasslu biex jibqa' ma jindimx sal-aħħar u jieħu l-piena ta' dejjem.

V. It-tkattir tad-dnubiet

1865 Id-dnub jiġbed warajh dnubiet oħra; l-istess għemil imtenni spiss iwassal għall-vizzju. Minn hawn jiġu l-ġibdiet ħżiena li jdallmu l-kuxjenza u jbiddlulha l-kapaċità li tagħżel sewwa bejn it-tajjeb u l-ħażin. B'dan il-mod id-dnub jitkattar u jissaħħaħ imma qatt ma jasal biex jeqred is-sens morali sa għeruqu.

1866 Il-vizzji nistgħu nqassmuhom skont il-virtujiet li tagħhom huma l-kuntrarju, jew norbtuhom mal-*irjus tad-dnubiet il-mejta* skont id-distinzjoni magħmula bl-esperjenza Nisranija minn San Ġwann Kassjanu[61] u San Girgor il-Kbir.[62] Jissejħu rjus għax minnhom jitnisslu dnubiet oħra, vizzji oħra. Dawn huma: il-kburija jew is-suppervja, ix-xeħħa, l-għira, l-għadab, iż-żína, l-ikel u x-xorb żejjed u l-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla.

1867 It-tradizzjoni kateketika tfakkarna wkoll li hemm *dnubiet li jgħajtu lejn is-sema*. Jgħajtu lejn is-sema: id-demm ta' Abel (ara *Ġen* 4,10); id-dnub tas-Sodomiti (ara *Ġen* 18,20; 19,13); l-għajat tal-poplu maħqur fl-Eġittu (ara *Eż* 3,7-10); il-biki tal-barrani, tal-armla u tal-iltim (ara *Eż* 22,20-22); l-inġustizzja lejn min jaħdem bi ħlas (ara *Dewt* 24,14-15; *Ġak* 5,4).

[60] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Dominum et vivificantem* (1986), 46.

[61] San Ġwann Kassjanu, *Taħdita* 5, *dwar l-irjus tad-dnubiet il-mejta*, 2: PL 49, 611.

[62] San Girgor il-Kbir, *Kotba tal-Morali dwar Ġob* 31, 45, 87: PL 76, 621A.

1868 Id-dnub hu għemil personali. Barra dan, aħna responsabbli tad-dnubiet tal-oħrajn, meta aħna *nikkooperaw fihom*:

— billi nissieħbu fihom direttament u volontarjament;
— billi nikkmandawhom, nagħtu pariri dwarhom, infaħħruhom jew napprovawhom;
— billi ma nikxfuhomx jew inħalluhom isiru, meta aħna fid-dmir li nikxfuhom jew ma nħalluhomx isiru;
— billi nipproteġu lil min jagħmel dak li hu ħażin.

1869 B'dan il-mod, id-dnub jagħmel lill-bnedmin kompliċi ta' xulxin, u jwassalhom biex fosthom isaltnu l-konkupixxenza, il-vjolenza u l-inġustizzja. Id-dnubiet joħolqu qagħdiet soċjali u istituzzjonijiet kuntrarji għat-tjieba ta' Alla. L-"istrutturi tad-dnub" huma espressjoni u effett tad-dnubiet personali tal-bnedmin. Iwasslu lill-vittmi tagħhom biex jagħmlu dak li hu ħażin huma wkoll. F'sens analoġiku, huma "dnub soċjali".[63]

Fil-qosor

1870 *"Alla ħalla 'l kulħadd fil-jasar tad-diżubbidjenza, biex jagħmel ħniena ma' kulħadd"* (*Rum* 11,32).

1871 *Id-dnub hu "kelma, għemil jew xewqa kontra l-liġi ta' dejjem".[64] Hu offiża kontra Alla. Jeħodha kontra Alla permezz ta' diżubbidjenza li tmur kontra l-ubbidjenza ta' Kristu.*

[63] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et paenitentia* (1984), 16.

[64] Santu Wistin, *Kontra Fawstu l-Manikew*, 22, 27: PL 42, 418. Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 71, 6.

kkk 643-692 latest.OK (r).indd 690-691 5/19/2014 10:22:48 AM

1872 *Id-dnub hu għemil kontra r-raġuni; jidrob in-natura tal-bniedem u jhedded is-solidarjetà bejn il-bnedmin.*

1873 *L-għerq tad-dnubiet kollha jinsab fil-qalb tal-bniedem. Id-dnubiet, liema huma u kemm huma gravi, prinċipalment jitqiesu mill-oġġett tagħhom.*

1874 *Tagħżel deliberatament, jiġifieri tkun taf li se tagħmel ħaġa gravament kontra l-liġi ta' Alla u kontra l-hena li għalih hu msejjaħ il-bniedem, u tkun trid tagħmilha, hu dnub mejjet. Dan jeqred fina l-imħabba li mingħajrha ma nistgħux niksbu l-ħajja ta' dejjem. Mingħajr sogħba u ndiema, id-dnub mejjet iwassal għall-mewt ta' dejjem.*

1875 *Id-dnub venjal hu diżordni morali li jista' jissewwa bl-imħabba, liema mħabba dan id-dnub iħalliha tgħammar ġewwa fina.*

1876 *Li wieħed jirrepeti d-dnubiet, id-dnubiet venjali wkoll, inissel fina l-vizzji li l-irjus tad-dnubiet il-mejta jiddistingwu minn xulxin .*

IT-TIENI KAPITLU

IL-KOMUNITÀ TAL-BNEDMIN

1877 Il-vokazzjoni tal-familja kollha tal-bnedmin hi li turi x-xbieha ta' Alla u li tinbidel fis-sura tal-Iben il-waħdieni tal-Missier. Din il-vokazzjoni għandha sura personali, għax kull bniedem hu msejjaħ għall-hena ta' dejjem; iżda hi wkoll vokazzjoni li timpenja l-komunità kollha kemm hi tal-bnedmin. 355

L-ewwel artiklu

IL-PERSUNA U S-SOĊJETÀ

I. Il-karattru komunitarju tal-vokazzjoni tal-bniedem

1878 Il-bnedmin kollha huma msejħa għal għan wieħed li hu Alla nnifsu. Hemm ċertu xebh bejn l-unità tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa u l-għaqda li l-bnedmin iridu jibnu bejniethom bħala aħwa fil-verità u l-imħabba.[1] L-imħabba tal-proxxmu ma tistax tinfired mill-imħabba ta' Alla. 1702

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 24.

1936 1879 Il-persuna umana teħtieġ il-ħajja soċjali. Din mhijiex xi ħaġa miżjuda, imma hi ħaġa mitluba mill-istess natura tal-bniedem. Bir-relazzjonijiet mal-oħrajn, bil-qadi ta' xulxin, bi djalogu bejn l-aħwa, il-bniedem jiżvilupa l-kwalitajiet tiegħu u hekk ikun iwieġeb għas-sejħa tiegħu.[2]

771 1880 *Soċjetà* hi għadd ta' bnedmin marbutin flimkien bejniethom b'mod organiku, permezz ta' prinċipju ta' għaqda li hu ogħla minn kull wieħed minnhom. Is-soċjetà hi ġemgħa, ġemgħa spiritwali u ġemgħa li tidher, li tibqa' tul iż-żmien: tiġbor l-imgħoddi u tħejji l-ġejjieni tagħha. Permezz tas-soċjetà, kull bniedem hu "werrieṯ", u jikseb "talenti" li bihom tistagħna l-identità tiegħu, u li bihom irid jagħti l-frott (ara *Lq* 19,13.15). Bir-raġun kollu, kull wieħed hu fid-dmir li jimpenja ruħu fil-komunità li hu fiha, u jirrispetta l-awtoritajiet responsabbli għall-ġid ta' kulħadd.

1881 Kull komunità tingħaraf mill-għan tagħha u għandha regolamenti speċifiċi li trid tħares, iżda hi "*il-persuna*
1929 *umana* li għandha tkun il-prinċipju, is-suġġett u l-għan tal-istituzzjonijiet soċjali kollha".[3]

1882 Xi soċjetajiet, bħalma hi l-familja u l-komunità ċivika, jaqblu aktar mill-qrib man-natura tal-bniedem. Il-bniedem jeħtieġhom. Biex ikun hemm tisħib tal-akbar għadd possibbli
1913 ta' persuni fil-ħajja soċjali, wieħed għandu jinkuraġġixxi l-ħolqien ta' istituzzjonijiet u għaqdiet magħżulin "bi skopijiet ekonomiċi, kulturali, soċjali, sportivi, rikreattivi, professjonali, politiċi, mhux biss fi ħdan kull komunità politika, imma wkoll fuq pjan universali".[4] Din is-*soċjalizzazzjoni* turi wkoll il-

[2] Ara *ibid*., 25.
[3] *Ibid.*
[4] San Ġwanni XXIII, Enċiklika *Mater et magistra* (1961), 60.

ġibda naturali li għandhom il-bnedmin li jissieħbu ma' xulxin, biex jiksbu dak li bil-ħila tagħhom waħedhom ma jistgħux jiksbuh. Din is-soċjalizzazzjoni tiżviluppa u ġġib 'il quddiem il-kwalitajiet tal-persuna, u b'mod partikulari, is-sens ta' inizjattiva u ta' responsabiltà li kull persuna għandu jkollha. Tgħin biex ikunu mħarsa drittijietha.[5]

1883 Iżda s-soċjalizzazzjoni għandha wkoll il-perikli tagħha. Indħil żejjed tal-Istat jista' jhedded il-libertà u l-inizjattiva personali. It-tagħlim tal-Knisja żviluppa l-prinċipju tas-*sussidjarjetà* skont dan il-prinċipju: "Komunità ta' grad aktar għoli ma għandhiex tindaħal fil-ħajja interna ta' komunità ta' grad inqas, u ċċaħħadha minn dak li hu 2431 tagħha, imma, minflok, għandha tieqaf magħha f'każ ta' ħtieġa, u tgħinha tikkoordina l-ħidma tagħha mal-attivitajiet tas-setturi l-oħra tas-soċjetà, dejjem bil-għan li jintlaħaq il-ġid ta' kulħadd".[6]

1884 Alla ma riedx iżomm għalih waħdu t-tħaddim tas-setgħat kollha. Lil kull waħda mill-ħlejjaq tiegħu fdalha 307 dawk il-ħidmiet li setgħet tagħmel skont il-ħila tan-natura propja tagħha. Din is-sura ta' tmexxija għandha tiġi imitata fil-ħajja soċjali. L-imġiba ta' Alla fit-tmexxija tad-dinja, li turi rispett mill-aqwa għal-libertà tal-bniedem, għandha tnebbaħ l-għerf ta' dawk li jiggvernaw fis-soċjetajiet tal-bnedmin. Għandhom iġibu ruħhom bħala ministri tal-providenza ta' Alla. 302

1885 Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jmur kontra s-suriet

[5] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 25; San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 12.
[6] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 48; ara Piju XI, Enċiklika *Quadragesimo anno* (1931).

kkk 693-712 latest.OK (r).indd 694-695 5/16/2014 11:40:09 AM

kollha ta' kollettiviżmu. Juri safejn jista' jindaħal l-Istat. Hu maħsub biex iġib armonija fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u s-soċjetajiet. Iwassal għat-twaqqif ta' ordni internazzjonali fil-veru sens tal-kelma.

II. Il-konverżjoni u s-soċjetà

1886 Il-vokazzjoni tal-bniedem ma tistax isseħħ mingħajr is-soċjetà. Biex isseħħ il-vokazzjoni tal-bniedem irid ikun
1779 hemm rispett għall-ġerarkija ġusta ta' valuri, li "tqiegħed id-dimensjonijiet fiżiċi u istintivi wara d-dimensjonijiet interjuri u spiritwali"[7]:

> Il-ħajja fis-soċjetà trid l-ewwel nett titqies bħala realtà ta' ordni spiritwali. Fil-fatt hi bdil ta' tagħrif fid-dawl tal-verità, użu tad-drittijiet u qadi tad-dmirijiet, inċentiv għat-tfittix tal-ġid morali, għaqda fil-ferħ
> 2500 nobbli ta' kulma hu sabiħ u li jsir skont il-liġi, dispożizzjoni dejjem lesta biex twassal lill-oħrajn l-aħjar tiegħek innifsek, u xewqa f'kulħadd ta' għana spiritwali dejjem akbar. Dawn huma l-valuri li jrid ikun hemm u li jridu jmexxu l-ħidma kulturali, il-ħajja ekonomika, l-organizzazzjoni soċjali, il-movimenti u r-reġimi politiċi, il-liġijiet u s-suriet l-oħra kollha tal-ħajja soċjali fl-iżvilupp tagħha bla waqfien.[8]

1887 Meta l-mezzi jsiru l-iskop ta' xi għemil[9] u jitqies bħala għan li jrid jintlaħaq dak li mhux ħlief mezz biex jintlaħaq xi
909 għan, jew meta l-persuna umana titqies biss bħala mezz
1869 ħa jintlaħaq xi għan, dan iwassal għall-bini ta' strutturi

[7] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 36.

[8] San Ġwanni XXIII, Enċiklika *Pacem in terris* (1963), 36. L-enumerazzjoni tal-paragrafi tvarja minn traduzzjoni għall-oħra. L-oriġinal Latin huwa nieqes mill-enumerazzjoni. Għal din ir-riferenza, it-traduzzjoni Ingliża fis-sit elettroniku tas-Santa Sede tirreferi għal paragrafu 36, waqt li t-traduzzjoni Taljana għal paragrafu 19.

[9] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 41.

inġusti li jagħmlu "ħaġa iebsa ħafna jekk mhux impossibbli, imġiba Nisranija, li tkun taqbel mal-kmandamenti ta' Alla, il-Leġiżlatur".[10]

1888 Jeħtieġ għalhekk li wieħed idur fuq il-kapaċitajiet 407
spiritwali u morali tal-persuna u għall-ħtieġa bla waqfien tal-
konverżjoni tal-qalb dejjem sejra, biex jinkiseb tibdil soċjali 1430
li tassew ikun ta' qadi għall-persuna. Il-fatt li l-konverżjoni tal-qalb tiġi l-ewwel, bl-ebda mod ma jfisser li l-obbligu ta' dan it-tibdil soċjali għandu jispiċċa, iżda jfisser li għandu jġib f'dawk l-istituzzjonijiet u f'dawk il-kundizzjonijiet ta' ħajja li jħajru għad-dnub il-fejqan meħtieġ biex isiru jaqblu man-normi tal-ġustizzja u jkunu ta' għajnuna għall-ġid, flok ifixkluh.[11]

1889 Mingħajr l-għajnuna tal-grazzja l-bnedmin ma jistgħux "isibu t-triq, spiss dejqa, fejn fuq naħa hemm il-biża' ta' min hu l-ġifa li jċedi quddiem il-ħażen u fuq l-oħra l-vjolenza li taħseb li tista' tiġġieled il-ħażen meta biss tista' tagħmlu agħar".[12] Din hi t-triq tal-imħabba, jiġifieri, 1825
tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. L-imħabba hi l-aqwa kmandament soċjali. Tirrispetta lill-oħrajn u d-drittijiet tagħhom. Titlob li ssir ġustizzja li bl-imħabba biss ikollna l-ħila nħaddnuha. Tnebbaħ ħajja tal-għoti tiegħek innifsek: "Min ifittex isalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha" (*Lq* 17,33).

[10] Piju XII, Messaġġ permezz tar-radju nhar Għid il-Ħamsin fil-50 sena tal-Enċiklika *Rerum novarum* (1 ta' Ġunju 1941).

[11] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 36.

[12] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 25.

kkk 693-712 latest.OK (r).indd 696-697 5/16/2014 11:40:09 AM

Fil-qosor

1890 *Hemm ċertu xebh bejn l-unità tat-Tliet Persuni fit-Trinità Qaddisa u l-għaqda bejn l-aħwa li l-bnedmin għandhom iwaqqfu bejniethom.*

1891 *Il-persuna umana, biex tiżviluppa skont in-natura propja tagħha, teħtieġ il-ħajja soċjali. Xi soċjetajiet, bħall-familja u l-komunità ċivika, jaqblu mill-qrib man-natura tal-bniedem.*

1892 *"Il-persuna umana hi, u għandha tkun, il-bidu, is-suġġett u l-għan tal-istituzzjonijiet soċjali kollha".*[13]

1893 *Għandu jkun hemm inkuraġġiment għal tisħib kbir fl-assoċjazzjonijiet u l-istituzzjonijiet elettivi.*

1894 *Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, la l-Istat u lanqas ebda soċjetà ta' grad ogħla ma għandhom jieħdu huma l-inizjattiva u r-responsabiltajiet tal-persuna u tas-soċjetajiet ta' grad inqas.*

1895 *Is-soċjetà għandha tkun favur it-tħaddim tal-virtujiet u mhux tkun ta' tfixkil għalihom. Għandha tkun imnebbħa minn ġerarkija ġusta ta' valuri.*

1896 *Fejn id-dnub jaħkem fl-ambjent soċjali, jeħtieġ isir appell għall-konverżjoni tal-qlub u għall-grazzja ta' Alla. L-imħabba timbotta biex ikun hemm riformi ġusti. Ma jistax ikun hemm soluzzjoni għall-kwistjoni soċjali mingħajr l-Evanġelju.*[14]

[13] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 25.

[14] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 3.

It-tieni artiklu

IT-TISĦIB FIL-ĦAJJA SOĊJALI

I. L-awtorità

1897 "Il-ħajja fis-soċjetà tkun nieqsa mill-ordni u ma tagħtix frott jekk ma jkunx hemm bnedmin mogħtijin l-awtorità b'mod leġittimu, biex jiżguraw il-ħarsien tal-istituzzjonijiet u jfittxu bil-qies il-ġid ta' kulħadd".[15] 2234

B' "awtorità" nifhmu, dik il-kwalità li permezz tagħha xi persuni jew xi istituzzjonijiet jagħmlu liġijiet u jagħtu ordnijiet lill-bnedmin, u jistennew li jiġu obduti.

1898 Kull komunità tal-bnedmin teħtieġ awtorità li tmexxiha.[16] Din għandha l-pedament tagħha fin-natura stess tal-bniedem. Hi meħtieġa għall-għaqda fil-komunità ċivika. Dmirha hu li tiżgura, sa fejn jista' jkun, il-ġid komuni tas-soċjetà.

1899 L-awtorità mitluba mill-ordni morali tiġi mingħand Alla: "Kull bniedem għandu jobdi lill-awtorità ta' fuqu. Ma hemmx awtorità jekk mhix ġejja minn Alla; u l-awtoritajiet li hemm, qegħdin hemm bl-ordni ta' Alla. Għalhekk, dawk li jeħduha kontra l-awtorità jkunu qegħdin jeħduha kontra l-ordni mwaqqaf minn Alla; ... ikunu qed jiġbdu l-kundanna fuqhom infushom" (*Rum* 13,1-2; ara *1 Piet* 2,13-17). 2235

1900 Id-dmir tal-ubbidjenza jobbliga lil kulħadd biex jagħti l-ġieħ li jistħoqqilhom u juri rispett lill-persuni li jaqdu d-dmir ta' awtorità, u jurihom ħajr u xewqat tajba skont ma jistħoqqilhom. 2238

[15] San Ġwanni XXIII, Enċiklika *Pacem in terris* (1963), 46.

[16] Ara Ljun XIII, Enċiklika *Immortale Dei* (1885); Enċiklika *Diuturnum illud* (1881).

Fil-kitba tal-Papa San Klement ta' Ruma, insibu t-talba l-aktar
2240 antika tal-Knisja għall-awtorità politika (bħalma nsibu f'*1 Tim* 2,1-2):

> Agħtihom, o Mulej, is-saħħa, is-sliem, il-ftehim, l-istabiltà biex ikunu jistgħu jaqdu bla tfixkil is-setgħa li fdajtilhom. Int, Mulej, sultan taż-żminijiet, mis-sema tagħti lil ulied il-bnedmin glorja, ġieħ u setgħa fuq il-ħwejjeġ tal-art. Mexxi, Mulej, il-fehmiet tagħhom, billi jfittxu l-ġid, billi jfittxu dak li jogħġob lilek, biex waqt li jħaddmu bit-tjieba, bis-sliem u l-ħlewwa, is-setgħa li tajthom, jiksbu l-ħniena tiegħek".[17]

1901 Jekk l-awtorità ġejja minn ordni li għamel Alla, "il-mod kif jitmexxew is-sistemi politiċi u l-għażla tal-mexxejja, għandhom jitħallew għar-rieda ħielsa taċ-ċittadini".[18]

Ma hemm xejn moralment ħażin li jkun hemm diversità ta' sistemi politiċi, sakemm kull sistema tħabrek għall-ġid leġittimu tal-komunità li tkun għażlitha. Is-sistemi li min-
2242 natura tagħhom huma kuntrarji għal-liġi naturali, għall-ordni pubbliku u għad-drittijiet fundamentali tal-persuna umana, ma jistgħux iġibu l-ġid ta' kulħadd fin-nazzjonijiet li fuqhom dawn is-sistemi ġew imposti.

1930 1902 L-awtorità ma tiksibx il-leġittimità morali tagħha minnha nnifisha. Ma għandhiex iġġib ruħha b'mod despotiku, imma għandha tfittex il-ġid komuni bħala "qawwa morali mibnija fuq il-libertà, il-kuxjenza tad-dmir u r-responsabiltà".[19]

1951

> Il-liġijiet tal-bnedmin ikunu veru liġijiet sakemm ikunu jaqblu mar-raġuni ġusta: minn dan jidher li jiksbu l-qawwa tagħhom mil-liġi eterna. Għandhom jitqiesu inġusti daqskemm imorrru 'l bogħod mir-raġuni, għaliex ma jkunux jaqblu ma' dik li hi l-fehma tal-liġi, imma aktar ikunu sura ta' vjolenza.[20]

[17] San Klement ta' Ruma, *Ittra lill-Korintin*, 61, 1-2.
[18] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 74..
[19] *Ibid*.
[20] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 93, 3, 2.

1903 L-awtorità titħaddem b'mod leġittimu meta tfittex il-ġid komuni tal-grupp li jkun, u, biex dan jintlaħaq, tagħmel użu minn mezzi li huma moralment permessi. Jekk jiġri li xi mexxejja joħorġu liġijiet inġusti jew jużaw miżuri li huma kontra l-ordni morali, dawn il-liġijiet u dawn il-miżuri ma 2242
jobbligawx fil-kuxjenza. "F'dan il-każ l-awtorità ma tibqax aktar dak li hi imma ssir moħqrija".[21]

1904 "Ikun aħjar jekk kull setgħa tkun ibbilanċjata minn setgħat oħra u minn oqsma oħra ta' responsabbiltà, biex kull setgħa tinżamm fil-limiti propji tagħha. Dan hu l-prinċipju ta' 'stat ta' dritt' (*stato di diritto*, *rule of law*) fejn il-liġi hi sovrana u mhux fl-arbitriju ta' dak li jkun".[22]

II. Il-ġid komuni (ta' kulħadd)

1905 In-natura soċjali tal-bniedem titlob li bilfors ikun hemm relazzjoni bejn il-ġid ta' kull wieħed u dak ta' kulħadd. 801
Dan jista' jiġi mfisser biss jekk titqies x'inhi l-persuna 1881
umana:

> Tgħixux għal raskom qisu Alla ġa ġġustifikakom, imma ħudu sehem sħiħ fil-laqgħat tagħkom u fittxu dejjem flimkien dak li jaqbel lil kulħadd.[23]

1906 B'ġid komuni għandna nifhmu "dawk il-kundizzjonijiet soċjali kollha li jħallu jilħqu l-perfezzjoni tagħhom b'mod mill-aktar sħiħ u l-aktar malajr, kemm il-gruppi kollha tas-soċjetà u kemm kull wieħed mill-membri tagħhom".[24] Il-ġid komuni

[21] San Ġwanni XXIII, Enċiklika *Pacem in terris* (1963), 51.
[22] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 44.
[23] *Ittra ta' Barnaba*, 4, 10: PG 2, 734.
[24] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 26; ara wkoll *ibid*., 74.

kkk 693-712 latest.OK (r).indd 700-701 5/16/2014 11:40:09 AM

jolqot il-ħajja ta' kulħadd. Jitlob għaqal minn kulħadd, u wisq aktar minn dawk li għandhom l-awtorità. Fih *tliet elementi essenzjali*.

1907 L-ewwel nett jistenna li jkun hemm *ir-rispett tal-persuna* bħala persuna. F'isem il-ġid ta' kulħadd, kull setgħa pubblika trid tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuna umana, drittijiet li qatt ma jistgħu jitwarrbu.

Is-soċjetà għandha tħalli lil kull wieħed mill-membri tagħha jħaddem il-vokazzjoni tiegħu. B'mod partikulari, il-ġid komuni jinsab f'dawk il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw bla xkiel dawk il-libertajiet naturali li huma meħtieġa biex il-vokazzjoni tal-bniedem tilħaq il-kobor sħiħ tagħha: jiġifieri "id-dritt li timxi skont ma tgħidlek il-kuxjenza retta tiegħek; id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħek u libertà skont il-ġustizzja, f'materja reliġjuża wkoll".[25]

1908 It-tieni element li jitlob il-ġid komun hu li jkun hemm *qagħda soċjali tajba* biex kulħadd jista' jimxi 'l quddiem. L-iżvilupp mhuwiex ħlief ġabra fil-qosor tad-dmirijiet soċjali kollha. Iva, hi l-awtorità li trid tiddeċiedi, f'isem il-ġid ta' kulħadd, meta jkun hemm għadd ta' interessi partikulari. Imma l-awtorità trid tara li kulħadd għandu jkollu dak li jeħtieġ biex jgħix ħajja li tassew tixraq lill-bniedem: ikel, ilbies, saħħa, xogħol, edukazzjoni u kultura, informazzjoni xierqa, dritt li jkollu familja u l-bqija.[26]

1909 Il-ġid komuni jitlob ukoll li jkun hemm *is-sliem*, jiġifieri li jkun hemm ordni ġust li jkun żgur u sod. Dan jitlob li l-awtorità tiżgura b'mezzi onesti, li s-soċjetà u l-membri tagħha jkunu dejjem *ħielsa mill-periklu.* Il-ġid komuni huwa

[25] *Ibid*., 26.
[26] Ara *ibid.*

l-bażi tad-dritt għad-difiża leġittima kemm personali u kemm kollettiva.

1910 Filwaqt li kull komunità tal-bnedmin għandha l-ġid komuni tagħha li jippermettilha tagħraf lilha nnifisha talli hi, hu fil-*komunità politika* li l-ġid ta' kulħadd iseħħ b'mod l-aktar sħiħ. Hu dmir l-Istat li jħares u jġib 'il quddiem il-ġid komuni tas-soċjetà ċivili, taċ-ċittadini u tal-gruppi kollha fi ħdanu.

1911 Il-bnedmin qed jiddependu dejjem aktar minn xulxin. Dan il-fenomenu qed jinfirex ftit ftit mad-dinja kollha. Il-fatt li l-familja tal-bnedmin, hi waħda, u tiġbor fiha dawk kollha li jgawdu dinjità naturali l-istess, juri li hemm *ġid komuni universali*. Dan jitlob organizzazzjoni tal-komunità tan-nazzjonijiet, kapaċi "taħseb għal ħafna ħtiġijiet tal-bnedmin, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja soċjali (ikel, saħħa, edukazzjoni ...), kif ukoll biex tkun tista' tagħmel tajjeb għal ħafna ċirkustanzi partikulari li jistgħu jinqalgħu 'l hawn u 'l hemm (bħala eżempji: kenn lir-refuġjati, għajnuna lill-emigranti u l-familji tagħhom u l-bqija)".[27]

1912 Il-ġid komuni dejjem ifittex il-progress tal-bniedem: "L-ordni xieraq jitlob li l-ewwel jiġu l-persuni, imbagħad kull ħaġa oħra, u mhux bil-maqlub".[28] Dan l-ordni hu bbażat fuq il-verità, jinbena bil-ġustizzja u jieħu l-ħajja bl-imħabba.

III. Responsabiltà u parteċipazzjoni

1913 Il-parteċipazzjoni hi impenn volontarju u ġeneruż tal-persuna fir-relazzjonijiet soċjali tagħha. Hu meħtieġ li

[27] *Ibid*., 84.
[28] *Ibid*., 26.

kulħadd jipparteċipa, jagħti sehmu, kull wieħed skont il-post u x-xogħol li għandu, biex iġib 'il quddiem il-ġid ta' kulħadd. Dan id-dmir hu mitlub mill-istess dinjità tal-persuna umana.

1914 Il-parteċipazzjoni sseħħ l-ewwel nett billi wieħed jieħu ħsieb dawk l-oqsma li hu *responsabbli personalment* tagħhom; meta jieħu ħsieb l-edukazzjoni tal-familja tiegħu, u meta jagħmel ix-xogħol tiegħu b'mod kuxjenzjuż, il-bniedem ikun qiegħed jagħti sehmu għall-ġid tal-oħrajn u tas-soċjetà.[29]

1915 Iċ-ċittadini għandhom jieħdu sehem, kemm jista' jkun attiv, fil-*ħajja pubblika*. Il-mod ta' din il-parteċipazzjoni jista' jvarja minn pajjiż għall-ieħor jew minn kultura għall-oħra. "Ta' min ifaħħar l-imġiba ta' dawk in-nazzjonijiet, fejn, b'libertà sħiħa, għadd mill-akbar ta' ċittadini jipparteċipaw fil-ħajja pubblika".[30]

1916 Il-parteċipazzjoni ta' kulħadd biex jiġi 'l quddiem il-ġid komuni, bħala dmir morali, titlob *konverżjoni*, imġedda kontinwament, tal-membri kollha tas-soċjetà. Il-qerq u suriet oħra ta' ħabi li bihom xi wħud jeħilsu minn dak li titlob il-liġi u minn dak li jitolbu d-dmirijiet soċjali tagħhom, għandhom jiġu kkundannati bil-qawwa kollha, għaliex ma jaqblux ma' dak li titlob il-ġustizzja. Irid ikun hemm impenn biex jiġu 'l quddiem dawk l-istituzzjonijiet li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-bniedem.[31]

1917 Hu dmir dawk li għandhom l-awtorità li jinsistu fuq

[29] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 43.
[30] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 31.
[31] Ara *ibid*., 30.

il-valuri li jiġbdu l-fiduċja tal-membri tal-grupp u jħajruhom għall-qadi ta' sħabhom. Il-parteċipazzjoni għandha l-bidu tagħha fl-edukazzjoni u l-kultura. "Bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li l-ġejjieni hu f'idejn dawk li jkunu għarfu jagħtu lilhom infushom u lill-ġenerazzjonijiet ta' għada raġunijiet biex jgħixu u jittamaw".[32]

Fil-qosor

1918 *"Ma hemmx awtorità jekk mhix ġejja minn Alla; u l-awtoritajiet li hemm qegħdin hemm, bl-ordni ta' Alla"* (*Rum* 13,1).

1919 *Kull komunità tal-bnedmin teħtieġ l-awtorità biex iżżomm wieqfa u biex timxi 'l quddiem.*

1920 *"Il-komunità politika u l-awtorità pubblika għandhom is-sisien tagħhom fin-natura tal-bniedem, u dan juri li huma parti mill-ordni mwaqqaf minn Alla stess".*[33]

1921 *L-awtorità titħaddem skont il-liġi jekk tfittex il-ġid komuni tas-soċjetà. Biex tilħaq dan il-għan trid tagħmel użu minn mezzi moralment aċċettabbli.*

1922 *Ma hemm xejn ħażin li jkun hemm varjetà ta' sistemi politiċi, sakemm ifittxu l-ġid tal-komunità.*

1923 *L-awtorità politika trid titħaddem skont l-ordni morali u tiggarantixxi dawk il-kundizzjonijiet li fihom kulħadd jista' jagħmel użu mil-libertà tiegħu.*

[32] *Ibid*., 31.
[33] *Ibid*., 74.

kkk 693-712 latest.OK (r).indd 704-705 5/16/2014 11:40:10 AM

1924 *Il-ġid komuni jagħmluh "dawk il-kundizzjonijiet soċjali li fihom il-gruppi u l-membri tagħhom jilħqu l-perfezzjoni tagħhom aktar bis-sħiħ u malajr".*[34]

1925 *Il-ġid komuni għandu tliet elementi essenzjali: ir-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuna; ir-riżq u l-iżvilupp tal-ġid spiritwali u materjali tas-soċjetà; il-paċi u s-sigurtà tal-grupp u tal-membri.*

1926 *Id-dinjità tal-persuna umana trid li jiġi mfittex il-ġid ta' kulħadd. Kull wieħed għandu jieħu interess li jitwaqqfu u jkollhom l-għajnuna kollha li jeħtieġu, istituzzjonijiet li jtejbu l-qagħda tal-ħajja tal-bniedem.*

1927 *Hu dmir tal-Istat li jiddefendi u jġib 'il quddiem il-ġid komuni tas-soċjetà ċivili. Il-ġid komuni tal-familja kollha tal-bnedmin jitlob organizzazzjoni tas-soċjetà fuq livell internazzjonali.*

It-tielet artiklu

IL-ĠUSTIZZJA SOĊJALI

1928 Is-soċjetà tiżgura l-ġustizzja soċjali meta fiha
2832 jkun hemm dawk il-kundizzjonijiet li jippermettu li kull assoċjazzjoni u kull individwu jiksbu dak li hu tagħhom skont in-natura u l-vokazzjoni tagħhom. Il-ġustizzja soċjali torbot flimkien il-ġid komuni u t-tħaddim tal-awtorità.

[34] *Ibid*., 26.

I. Ir-rispett tal-persuna umana

1929 Ma jistax ikun hemm ġustizzja soċjali jekk ma jkunx hemm rispett għad-dinjità traxxendenti tal-bniedem. Il-persuna hi dik li fl-aħħar mill-aħħar lejha trid tħares is- 1881
soċjetà, għax is-soċjetà hi hemm għall-ġid tal-persuna umana:

> Il-ħarsien u l-promozzjoni tad-dinjità tal-bniedem ġew fdati lilna minn min ħalaqna. Fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ġrajja tal-bnedmin, l-irġiel u n-nisa huma responsabbli ta' dan u midjunin ma' dan.[35]

1930 Ir-rispett tal-bniedem iġib miegħu r-rispett tad-drittijiet li joħorġu mid-dinjità tiegħu, bħala ħolqien ta' Alla. Dawn id-drittijiet jiġu qabel is-soċjetà u jobbligawha tħarishom. 1700
Fuq dawn id-drittijiet hi mibnija l-leġittimità morali ta' kull 1902
setgħa. Soċjetà li tkasbarhom jew tirrifjuta li tagħrafhom fil-leġiżlazzjoni pożittiva tagħha, tkun teqred il-leġittimità morali tagħha.[36] Meta jonqos dan ir-rispett għad-dinjità tal-persuna umana, l-awtorità ma jkollhiex ħaġ'oħra x'tagħmel ħlief li tirrikorri għall-forza u għall-vjolenza biex iġġiegħel lis-sudditi tagħha jobduha. Hu dmir il-Knisja tfakkar dawn id-drittijiet lill-bnedmin ta' rieda tajba u tagħżilhom minn pretensjonijiet abbużivi jew qarrieqa.

1931 Ir-rispett tal-persuna umana jiġi mir-rispett ta' dan il-prinċipju: "Kull wieħed għandu jqis lil għajru, mingħajr ebda eċċezzjoni, bħala hu nnifsu ieħor. Qabel kollox għandu 2212
jqis x'ħajja qiegħed jgħix u x'mezzi jeħtieġ biex jgħixha kif jixraq".[37] Ebda liġi minnha nnifisha ma hi sejra twarrab il-biża', il-preġudizzji, it-tendenza għas-suppervja u l-egoiżmu

[35] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 47.
[36] Ara San Ġwanni XXIII, *Pacem in terris* (1963), 65.
[37] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 27.

kkk 693-712 latest.OK (r).indd 706-707 5/16/2014 11:40:10 AM

li jfixklu t-twaqqif ta' soċjetajiet fejn kulħadd jgħix bħall-aħwa. Dawn is-suriet kollha ta' mġiba ħażina ma jispiċċawx jekk mhux bl-imħabba li twasslek biex tara f'kull bniedem "proxxmu", u tqisu bħala ħuk.

1932 Id-dmir li tagħmel lilek innifsek proxxmu għal ħaddieħor u taqdih bil-fatti, jikber iżjed jekk dan l-ieħor ikun imċaħħad mill-meħtieġ f'xi qasam, hu liema hu. "Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (*Mt* 25,40).

1933 Għandna dan l-istess dmir lejn dawk li ma jaħsbuhiex bħalna jew iġibu ruħhom b'mod mhux bħal tagħna. It-tagħlim ta' Kristu jasal biex jistenna minna li naħfru l-ħtijiet li jsirulna. Il-kmandament tal-imħabba, li hu l-kmandament tal-Liġi l-ġdida, iridna nħobbu l-għedewwa tagħna wkoll (ara *Mt* 5,43-44). Ma nistgħux fl-istess waqt inkunu ħielsa fl-ispirtu tal-Evanġelju u nobogħdu lill-għadu bħala persuna; nistgħu nobogħdu d-deni li jkun għamlilna.

II. Ugwaljanzi u differenzi bejn il-bnedmin

1934 Maħluqin xbieha ta' Alla wieħed, mogħnijin b'ruħ imżejna bir-raġuni, il-bnedmin kollha għandhom l-istess natura u l-istess bidu. Mifdijin bis-sagrifiċċju ta' Kristu, huma msejħin biex ikollhom sehem mill-istess hena ta' Alla: il-bnedmin kollha għalhekk għandhom dinjità ndaqs.

1935 Il-bnedmin huma ndaqs essenzjalment minħabba d-dinjità tagħhom bħala persuni u minħabba d-drittijiet li jiġu minn din id-dinjità:

> Kull sura ta' diskriminazzjoni li tolqot id-drittijiet fondamentali tal-persuna, minħabba s-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, il-qagħda soċjali, l-ilsien jew ir-reliġjon trid tiġi mirbuħa u mwarrba bħala ħaġa li tmur kontra l-pjan ta' Alla.[38]

1936 Meta jiġi fid-dinja, il-bniedem ma jkollux kulma jeħtieġ biex iġib 'il quddiem il-ħajja spiritwali u korporali tiegħu. Jeħtieġ lill-oħrajn. Xi differenzi bejn il-bnedmin jidhru marbutin ma' għomru, mas-saħħa fiżika tiegħu, mal-kapaċitajiet intellettwali u morali tiegħu, mar-relazzjonijiet li jista' jkollu u li minnhom kulħadd jista' jikseb xi ġid, mat-tqassim tal-ġid tal-art.[39] It-"talenti" ma jitqassmux indaqs fost il-bnedmin (ara *Mt* 25,14-30; *Lq* 19,11-27).

1937 Dawn id-differenzi huma parti mill-pjan ta' Alla, li jrid li kull wieħed jikseb dak li jeħtieġ mingħand ħaddieħor, u li dawk li għandhom xi "talenti" partikulari jagħtu mill-ġid tagħhom lil dawk li jeħtiġuh. Id-differenzi jħajru, u xi kultant jobbligaw, lin-nies biex juru qalb kbira u tjieba liema bħalha li jwassluhom biex jaqsmu ma' oħrajn dak li jkollhom; iħeġġu l-kulturi biex jgħinu lil xulxin:

> Jien nqassam il-virtujiet b'mod differenti u ma nagħtix kollox lil kulħadd, iżda lil wieħed nagħtih mod u lill-ieħor mod ieħor ... Lil wieħed nagħtih prinċipalment l-imħabba, lill-ieħor il-ġustizzja; lil dan l-umiltà, lil dak il-fidi ħajja ... U b'hekk tajt ħafna għotjiet u grazzji ta' virtù spiritwali u temporali, b'tali mod li ma tajtx kollox lil persuna waħda biss sabiex inġagħalkom turu mħabba għall-oħrajn … Ridt li l-bnedmin ikollhom ħtieġa ta' xulxin, u jkunu ministri tiegħi fit-tqassim tal-grazzji u tal-favuri li jkunu rċevew mingħandi.[40]

1938 Iżda hemm ukoll *inugwaljanzi li huma tassew ħżiena* li jolqtu eluf ta' eluf ta' rġiel u nisa. Dawn id-differenzi huma għal kollox kuntrarji għall-Evanġelju:

[38] *Ibid*., 29.
[39] Ara *ibid.*
[40] Santa Katarina ta' Siena, *Djalogu dwar il-Providenza ta' Alla*, 1, 7.

kkk 693-712 latest.OK (r).indd 708-709 5/16/2014 11:40:10 AM

> Il-fatt li l-bnedmin kollha għandhom dinjità ndaqs, għandu jwassal biex ikun hemm qagħda ta' ħajja aktar ġusta u aktar tixraq lill-
2317 bniedem. Id-differenzi ekonomiċi u soċjali kbar li jeżistu bejn il-membri jew il-popli kollha tal-familja waħda tal-bnedmin huma għajn ta' skandlu kbir. U huma kuntrarji għall-ġustizzja soċjali, għall-ekwità f'kollox, għad-dinjità tal-persuna umana, u wkoll għall-paċi soċjali u internazzjonali.[41]

III. Is-solidarjetà bejn il-bnedmin

2213 1939 Il-prinċipju tas-solidarjetà, li jissejjaħ ukoll "ħbiberija" jew "imħabba soċjali", huwa esiġenza diretta tal-fraternità umana u Nisranija.[42]

> Żball "li llum inxtered ħafna hu l-fatt li l-bnedmin qed jinsew li għandhom jgħinu u jħobbu lil xulxin kemm għax għandhom l-istess bidu wieħed u l-istess natura waħda mogħnija bir-raġuni,
360 huma ta' liema poplu u razza huma, u kemm għax dan jitlob is-sagrifiċċju tal-fidwa li Kristu Ġesù offra lill-Missier ta' dejjem fuq is-salib ħa jpatti għall-ħtijiet tal-bnedmin.[43]

2402 1940 Is-solidarjetà turi ruħha l-ewwel nett fit-tqassim tal-ġid u fil-ħlas għax-xogħol. Tistenna wkoll li jkun hemm impenn għal ordni soċjali aktar ġust biex ikun hemm mezzi aħjar ħa jitnaqqsu t-tensjonijiet li jistgħu jinqalgħu, u t-tilwim li jinħoloq jintemm aktar malajr permezz ta' negozjati.

2317 1941 Il-problemi soċjo-ekonomiċi ma jistgħux jinħallu jekk mhux bl-għajnuna tas-suriet kollha tas-solidarjetà: solidarjetà tal-foqra ma' xulxin, tal-għonja mal-foqra, tal-

[41] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 29.

[42] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 38-40; Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 10.

[43] Piju XII, Enċiklika *Summi pontificatus* (1939).

ħaddiema bejniethom, bejn il-ħaddiema u min iħaddem fl-intrapriżi, solidarjetà bejn in-nazzjonijiet u bejn il-popli. Is-solidarjetà internazzjonali hi ħtieġa tal-ordni morali. Minnha, sa ċertu punt, tiddependi l-paċi fid-dinja.

1942 Il-virtù tas-solidarjetà mhijiex biss fil-ġid materjali. Il-Knisja hija u xxandar il-ġid spiritwali tal-fidi tgħin ukoll 1887
fl-iżvilupp tal-ġid materjali, u għal dan, spiss fetħet triqat ġodda. B'dan il-mod seħħ tul iż-żminijiet kliem il-Mulej: "Fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla u dan kollu 2632
jingħatalkom ukoll" (*Mt* 6,33).

> Minn elfejn sena 'l hawn, fir-ruħ tal-Knisja hemm sentiment li jħeġġeġ, u jibqa' jħeġġeġ, l-erwieħ sa dak l-eroiżmu ta' mħabba li hu dak tal-irħieb li ħadmu l-art, ta' dawk li ħelsu l-ilsiera, fejqu l-morda, ħabbru l-fidi, wasslu ċ-ċiviltà, u x-xjenzi lill-ġenerazzjonijiet kollha u lill-ġnus kollha, biex ikun hemm kundizzjonijiet soċjali kapaċi li jwasslu għal ħajja tixraq lill-bniedem u lin-Nisrani.[44]

Fil-qosor

1943 *Is-soċjetà tiżgura l-ġustizzja soċjali billi tara li jkun hemm dawk il-kundizzjonijiet meħtieġa biex kull assoċjazzjoni u kull individwu jkun jista' jikseb dak li għandu dritt għalih.*

1944 *Ir-rispett tal-persuna umana jqis lill-ieħor "int innifsek ieħor"; jistenna li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali li joħorġu mill-istess natura tad-dinjità tal-persuna.*

[44] Piju XII, Messaġġ permezz tar-radju nhar Għid il-Ħamsin fil-50 sena tal-Enċiklika *Rerum novarum* (1 ta' Ġunju 1941).

1945 *Il-bnedmin huma ndaqs minħabba d-dinjità tagħhom bħala persuni u d-drittijiet li minnha joħorġu.*

1946 *Id-differenzi bejn il-persuni ġejjin mill-pjan ta' Alla li jrid li aħna nkunu neħtieġu lil xulxin. Dawn id-differenzi għandhom iqanqlu l-imħabba.*

1947 *Il-fatt li l-bnedmin kollha għandhom dinjità ndaqs jitlob impenn minn kulħadd biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi kbar u esaġerati. Irid li jintemmu darba għal dejjem id-differenzi inġusti.*

1948 *Is-solidarjetà hi virtù tassew Nisranija. Titħaddem fil-qsim tal-ġid spiritwali wisq aktar milli fil-ġid materjali.*

IT-TIELET KAPITLU

IS-SALVAZZJONI TA' ALLA: IL-LIĠI U L-GRAZZJA

1949 Il-bniedem, imsejjaħ għall-ħena ta' dejjem imma midrub mid-dnub, jeħtieġlu s-salvazzjoni ta' Alla. L-għajnuna ta' Alla tiġih fi Kristu permezz tal-Liġi li tmexxih, u l-grazzja li twettqu:

> Ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom bil-biża' u t-tregħid. Alla hu li jaħdem fikom u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu (*Fil* 2,12-13).

L-ewwel artiklu

IL-LIĠI MORALI

1950 Il-liġi morali hi opra tal-Għerf ta' Alla. Nistgħu nfissruha, skont l-Iskrittura, bħala tagħlim ta' Missier, 53
sistema ta' edukazzjoni ġejja minn Alla. Lill-bniedem turih it-triqat biex jasal għall-ħena mwiegħed u kif għandu jġib ruħu 1719
huwa u miexi minn dawn it-triqat; tordnalu biex jitbiegħed mit-triqat tal-ħażen li jbiegħdu l-bnedmin minn Alla u minn imħabbtu. Fl-istess ħin, hi soda fejn jidħlu l-preċetti tagħha u kollha mħabba fil-wegħdiet tagħha.

1951 Il-liġi hi regola ta' mġiba maħruġa minn min għandu l-awtorità għall-ġid ta' kulħadd. Il-liġi morali tissopponi li fost il-ħlejjaq kollha, għall-ġid tagħhom u biex jilħqu l-għan tagħhom, hemm ordni jaqbel mar-raġuni, imwaqqaf mill-
295 għerf, is-setgħa u t-tjieba ta' dak li ħalaq kollox. Kull liġi għandha l-ewwel u l-aħħar verità tagħha fil-Liġi ta' dejjem. Il-liġi tixxandar u sseħħ permezz tar-raġuni, bħala tisħib fil-
306 Providenza ta' Alla l-ħaj, Ħallieq u Feddej ta' kulħadd. "Dan hu l-ordni tar-raġuni, dan hu li nsejħu liġi".[1]

> Fost il-ħlejjaq ħajjin kollha, il-bniedem biss jista' jiftaħar li stħoqqlu jirċievi Liġi mingħand Alla; il-bnedmin, ħlejjaq ħajjin, mogħnija bir-raġuni, jistgħu jifhmu u jagħżlu, jirregolaw l-imġiba tagħhom,
301 huma u jużaw il-libertà u r-raġuni li għandhom, huma u joqogħdu għal dak li tahom kollox.[2]

1952 Ħafna huma s-suriet li jfissru l-liġi morali, u kollha huma marbutin bejniethom: hi mfissra fil-liġi ta' dejjem, li hi f'Alla u hi l-bidu tal-liġijiet kollha; fil-liġi naturali; fil-liġi rrivelata, kemm il-Liġi l-Qadima u kemm il-Liġi l-Ġdida jew Evanġelika; fil-liġijiet ċivili u ekkleżjastiċi.

578 1953 Il-liġi morali ssib fi Kristu l-milja u l-għaqda sħiħa tagħha. Kristu, fil-persuna tiegħu, hu t-triq tal-perfezzjoni. Lejh trid twassal il-liġi għax Hu biss jgħallem u jagħti l-ġustizzja ta' Alla: "L-iskop tal-Liġi hu Kristu għall-ġustizzja għal min jemmen fih" (*Rum* 10,4).

I. Il-liġi morali naturali

307 1954 Il-bniedem għandu sehem mill-għerf u t-tjieba ta' Alla

[1] Ljun XIII, Enċiklika *Libertas praestantissimum* (1888), b'silta minn San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 90, 1.

[2] Tertulljanu, *Kontra Marċjone*, 2,4, 5: PL 2, 315.

li ħalqu, tah is-setgħa fuq għemilu, u l-ħila li jmexxi lilu nnifsu lejn il-verità u t-tajjeb. Il-liġi naturali turi liema hu dak is- 1776
sens morali li sa mill-bidu mexxa l-bniedem biex ikun jista', permezz tar-raġuni tiegħu, jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn il-verità u l-gideb:

> Il-liġi naturali hi miktuba u mnaqqxa fir-ruħ ta' kull bniedem u tal-bnedmin kollha, għaliex hi r-raġuni tal-bniedem li tmexxih biex jagħmel it-tajjeb u ma tħallihx jagħmel il-ħażin … Iżda dan l-ordni tar-raġuni tal-bniedem ma kienx ikollu l-qawwa tal-liġi kieku ma kienx il-leħen li jfisser raġuni iktar għolja li għaliha jridu joqogħdu l-ispirtu u l-libertà tagħna.[3]

1955 "Il-liġi divina u naturali"[4] turi lill-bniedem it-triq li 1787
minnha jrid jgħaddi biex jagħmel it-tajjeb u jilħaq dak li għalih ġie maħluq. Il-liġi naturali tħabbar il-preċetti ewlenin u essenzjali li jmexxu l-liġi morali. Iddur fuq żewġ veritajiet: ix-xewqa ta' Alla u s-sottomissjoni għalih bħala għajn u 396
mħallef ta' kull ġid, u l-għarfien li l-bnedmin kollha huma ndaqs. Il-preċetti ewlenin tagħha huma mfissra fl-għaxar Kmandamenti. Din il-liġi tissejjaħ naturali mhux b'riferenza 2070
għall-ħlejjaq li ma għandhomx raġuni, imma għax ir-raġuni li xxandarha hi propja tan-natura tal-bniedem:

> Fejn jinsabu miktuba dawn il-preċetti, jekk mhux fil-ktieb ta' dak id-dawl li nsejħulu l-verità? F'dan il-ktieb tinsab miktuba kull liġi ġusta, minn hemm tmur f'qalb il-bniedem li jagħmel dak li hu ġust, mhux għax tgħaddi għal għandu, imma għax tħalli fih il-marka tagħha, bħala siġill li miċ-ċurkett iħalli l-marka fuq l-inċira, mingħajr ma jitlaq miċ-ċurkett.[5]
>
> Il-liġi naturali mhijiex ħlief id-dawl tal-intelliġenza li Alla qiegħed fina; biha nkunu nafu x'għandna nagħmlu u x'ma għandniex nagħmlu. Dan id-dawl, din il-liġi Alla taha lill-ħolqien.[6]

[3] Ljun XIII, Enċiklika *Libertas praestantissimum* (1888).

[4] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 89.

[5] Santu Wistin, *Dwar it-Trinità*, 14, 15, 21: PL 42, 1052.

[6] San Tumas ta' Aquino, *Espożizzjoni dwar iż-żewġ kmandamenti tal-imħabba u dwar l-għaxar preċetti tal-Liġi*, 1.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 714-715 5/16/2014 11:44:18 AM

1956 Il-liġi naturali, li tinsab fil-qalb ta' kull bniedem u
2261 qiegħda hemm permezz tar-raġuni, hi *liġi universali* u l-preċetti u l-awtorità tagħha jolqtu l-bnedmin kollha. Turi x'inhi d-dinjità tal-persuna umana u liema huma l-pedamenti tad-drittijiet u tad-dmirijiet fundamentali tiegħu:

> Żgur hemm liġi vera u hi r-raġuni retta, dik li taqbel man-natura, li tinsab fil-bnedmin kollha; hi liġi li ma tinbidilx u tibqa' għal dejjem; l-ordnijiet tagħha jsejħulna biex naqdu dmirijietna, il-projbizzjonijiet tagħha jżommuna 'l bogħod mill-ħtija ... Hu sagrileġġ iddaħħal liġi kuntrarja għaliha; mhux permess li ma tħarisx dispożizzjoni waħda biss tagħha; u ħadd ma għandu s-setgħa li jneħħiha għal kollox.[7]

1957 Il-mod kif tiġi mħarsa l-liġi naturali jvarja ħafna: tista' titlob li jitqiesu sewwa l-ħafna kundizzjonijiet tal-ħajja, skont il-post, iż-żmien u ċ-ċirkustanzi. Iżda, għalkemm il-kulturi huma ħafna u mhux l-istess, il-liġi naturali tibqa' dejjem regola li torbot il-bnedmin bejniethom, u torbothom bi prinċipji li jgħoddu għal kulħadd u kullimkien, minkejja d-differenzi li bilfors ikun hemm.

2072 1958 Il-liġi naturali ma *tinbidilx*[8] u tibqa' dejjem tul it-tibdiliet kollha tal-ġrajja tal-bniedem; tibqa' dejjem l-istess waqt li bla heda jinbidlu l-fehmiet u d-drawwiet, anzi tgħinhom jimxu 'l quddiem. Ir-regolamenti li jfissruha, fil-qofol tagħhom, sostanzjalment, jibqgħu dejjem jiswew. Ħadd ma jista' jeqridha jew ineħħiha minn qalb il-bniedem, ukoll jekk jasal biex jiċħad sal-istess prinċipji tagħha. Dejjem tqum mill-ġdid fil-ħajja tal-individwu u tas-soċjetajiet.

[7] Ċiċerun, *Ir-Repubblika*, 3, 22, 33.

[8] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 10.

> Hi ħaġa ċerta li l-liġi tiegħek, Mulej, tikkastiga s-serq, u hekk ukoll tagħmel il-liġi miktuba f'qalb il-bnedmin u li l-ebda ħażen ma jista' jħassarha minnha.[9]

1959 Il-liġi naturali, opra mill-itjeb tal-Ħallieq, tagħti sisien sodi, li fuqhom il-bniedem jista' jibni dawk ir-regolamenti morali li jmexxuh fl-għażliet tiegħu. Tqiegħed ukoll il- 1879
pedament meħtieġ għall-bini tal-għaqda bejn il-bnedmin. Fl-aħħar tipprovdi l-pedament meħtieġ għal-liġi ċivili li hi marbuta magħha, kemm permezz ta' riflessjoni li twassal għall-konklużjonijiet mill-prinċipji tagħha, kif ukoll permezz ta' żidiet ta' natura pożittiva u ġuridika.

1960 Il-preċetti tal-liġi naturali mhux kulħadd jagħrafhom 2071
minnufih u b'mod ċar. Fil-qagħda tal-lum, il-grazzja u r-rivelazzjoni huma meħtieġa mill-bniedem midneb biex il-veritajiet reliġjużi u morali jkunu magħrufa "minn kulħadd u bla ebda diffikultà b'ċertezza soda u mingħajr taħlit ta' 37
żbalji".[10] Il-liġi naturali tagħti lil-Liġi rrivelata u lill-grazzja pedament imħejji minn Alla stess u li jaqbel mal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

II. Il-liġi l-qadima

1961 Alla, Ħallieq u Feddej tagħna, għażel lil Iżrael bħala l-poplu tiegħu u rrivelalu l-Liġi tiegħu u hekk ħejja l-miġja ta' Kristu. Il-Liġi ta' Mosè ssemmi ħafna veritajiet li r-raġuni tal- 62
bniedem tista' tasal biex tagħrafhom bil-ħila naturali tagħha.

[9] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 2, 4, 9: PL 32, 678: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 40.

[10] Konċilju Vatikan I, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Filius* (1870), 2: DS 3005; Piju XII, Enċiklika *Humani generis* (1950): DS 3876.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 716-717 5/16/2014 11:44:19 AM

Dawn il-veritajiet huma mxandra u mħabbra bħala veri fl-istess Patt tas-Salvazzjoni.

1962 Il-Liġi l-qadima hi l-ewwel pass tal-Liġi rrivelata. L-ordnijiet morali tagħha huma miġburin fl-għaxar
2058 Kmandamenti. Dawn il-Kmandamenti jqiegħdu s-sisien tal-vokazzjoni tal-bniedem, magħmul xbieha ta' Alla; jipprojbixxulu dak li hu kontra l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu u jordnawlu dak li hu essenzjali għalih. L-għaxar Kmandamenti huma dawl mogħti lill-kuxjenza ta' kull bniedem biex jagħraf is-sejħa u t-triqat ta' Alla u jkun imħares mid-deni:

> Alla kiteb fuq it-twavel tal-liġi dak li l-bnedmin ma kinux qed jaqraw fi qlubhom.[11]

1963 Skont it-tradizzjoni Nisranija, il-Liġi qaddisa (ara *Rum* 7,12), spiritwali (ara *Rum* 7,14) u tajba (ara *Rum* 7,16)
1610 għadha mhux perfetta. Bħala għalliema *(*ara *Gal* 3,24) turina x'għandna nagħmlu, iżda minnha nnifisha ma tagħtiniex il-qawwa, il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu biex inħarsuha.
2542 Minħabba d-dnub, li ma setgħetx tneħħi, baqgħet liġi tal-jasar. Skont San Pawl, din il-Liġi kellha bħala skop ewlieni
2515 li tikkundanna u *xxandar id-dnub*, li jsawwar "liġi tad-dnub" (*Rum* 7) fil-qalb tal-bniedem. Iżda b'dan kollu, il-Liġi tibqa' l-ewwel pass fit-triq lejn is-Saltna, tħejji l-poplu magħżul u lil kull Nisrani għall-konverżjoni u għall-fidi f'Alla s-Salvatur. Tagħti tagħlim li jibqa' għal dejjem, bħala Kelma ta' Alla.

122 1964 Il-Liġi l-qadima hi *tħejjija għall-Evanġelju*. "Il-Liġi hi profezija u pedagoġija tal-veritajiet li kellhom iseħħu".[12] Tħabbar u tara minn qabel il-ħidma għall-ħelsien mid-dnub

[11] Santu Wistin, *Taħdita dwar Salm* 57, 1: PL 36, 673.

[12] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 15, 1: PG 7, 1012.

li kellha sseħħ permezz ta' Kristu, tagħti lit-Testment il-Ġdid ix-xbihat, it-"tipi", is-simboli, biex bihom tiġi mfissra l-ħajja fl-Ispirtu. Il-Liġi fl-aħħar issir sħiħa permezz tat-tagħlim tal-kotba tal-Għerf u tal-profeti li jmexxuha lejn il-Patt il-Ġdid u s-Saltna tas-smewwiet:

> Kien hemm fi żmien il-Patt il-Qadim uħud li kellhom l-imħabba u l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu u kellhom qabel kollox xewqa kbira tal-wegħdiet spiritwali u ta' dejjem li bihom huma kienu qed jintrabtu mal-Patt il-Ġdid. Għall-kuntrarju, hemm fi żmien il-Patt 1828
> il-Ġdid bnedmin karnali li għadhom 'il bogħod mill-perfezzjoni tal-Liġi l-ġdida; biex jitħajru għall-għemil ta' virtù, il-biża' tal-kastig u xi wegħdiet għal dan iż-żmien, kienu meħtieġa, ukoll fil-Patt il-Ġdid. Hu x'inhu, jekk il-Liġi l-qadima kienet tordna l-imħabba, ma kinitx tagħti l-Ispirtu s-Santu, li bih "l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna" (*Rum* 5,5).[13]

III. Il-liġi l-ġdida jew il-liġi evanġelika

1965 Il-Liġi l-ġdida jew il-Liġi evanġelika hi fid-dinja il-perfezzjoni tal-Liġi divina, naturali u rrivelata. Hi opra ta' 459
Kristu u b'mod partikulari hi mfissra fid-Diskors tal-Muntanja. Hi wkoll opra tal-Ispirtu s-Santu u permezz tiegħu, issir il-Liġi 581
tal-imħabba fir-ruħ: "Jiena nagħmel patt ġdid mad-dar ta' Iżrael ... Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'moħħhom, u f'qalbhom niktibhom. U jien inkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu 715
tiegħi" (*Lh* 8,8.10; ara *Ġer* 31,31-34).

1966 Il-Liġi l-ġdida hi *l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu* mogħtija 1999
lill-fidili permezz tal-fidi fi Kristu. Taħdem permezz tal-imħabba, tuża d-diskors tal-Mulej biex tgħidilna x'għandna nagħmlu u tuża s-sagramenti biex tagħtina l-grazzja ħa nagħmluh:

[13] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 107, 1, 2.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 718-719 5/16/2014 11:44:19 AM

> Jekk niflu sewwa u bil-għaqal id-diskors li sar minn Sidna Ġesù Kristu fuq il-muntanja, kif naqrawh fl-Evanġelju ta' San Mattew, jidhirli li fih insibu regola perfetta ta' ħajja Nisranija dwar dik li hi l-aħjar imġiba morali ... F'dan id-diskors naraw miġbura l-preċetti kollha għar-regolament tal-ħajja Nisranija.[14]

577 1967 Il-Liġi evanġelika "ittemm" (ara *Mt* 5,17-19), tirfina, tgħaddi u twassal għall-perfezzjoni l-Liġi l-qadima. Fil-"Beatitudnijiet" hi *ttemm il-wegħdiet ta' Alla* u fl-istess waqt tgħollihom u tmexxihom lejn is-"Saltna tas-smewwiet". Hi ssejjaħ lil dawk li huma lesti jilqgħu bil-fidi din it-tama ġdida: il-foqra, l-umli, l-imnikktin, dawk li huma safja f'qalbhom, dawk li huma ppersegwitati minħabba Kristu; b'dan il-mod turi t-triqat tal-għaġeb tas-Saltna.

1968 Il-Liġi evanġelika *ttemm il-kmandamenti* tal-Liġi. Id-Diskors tal-Mulej ma jneħħix, lanqas inaqqas is-siwi tal-
129 ordnijiet morali tal-Liġi l-qadima, joħroġ għad-dawl il-virtujiet moħbija tagħha, u minnha jqajjem ħtiġijiet ġodda: juri l-verità divina u umana kollha tagħha. Ma jżidx preċetti oħra esterni, iżda jasal biex iġedded l-għerq ta' kull għemil tal-bniedem,
582 il-qalb, il-post fejn il-bniedem jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin (ara *Mt* 15,18-19), fejn jissawru l-fidi, it-tama u l-imħabba, u magħhom il-virtujiet l-oħra kollha. L-Evanġelju, b'dan il-mod, iwassal il-Liġi għall-milja tagħha għax jagħtina li nkunu perfetti bħalma hu perfett Missierna tas-sema (ara *Mt* 5,48), permezz tal-maħfra tal-għedewwa u permezz tat-talb għal min jippersegwitana, ħa nkunu ġeneruż bħal Alla (ara *Mt* 5,44).

1434 1969 Il-Liġi l-ġdida hi *l-prattika tal-għemil tar-reliġjon*: il-karità, it-talb u s-sawm; hija tmexxi 'l min jagħmilhom lejn

[14] Santu Wistin, *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*, 1, 1, 1: PL 34, 1229-1231: ara Santu Wistin, *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*, Provinċja Agostinjana Maltija, Malta 1999, 5.

"il-Missier li jara dak li hu fil-moħbi", kontra kull xewqa "li jidher quddiem in-nies" (ara *Mt* 6,1-6.16-18). It-talba tagħha hi l-"Missierna".

1970 Il-Liġi evanġelika titlob għażla deċiżiva bejn "iż-żewġ 1696
triqat" (ara *Mt* 7,13-14) u għemil bil-fatti ta' kliem il-Mulej
(ara *Mt* 7,21-27); tinġabar fi ftit kliem *fir-regola tad-deheb*: 1789
"Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom; għax din hi l-Liġi u l-Profeti" (*Mt* 7,12; ara *Lq* 6,31).

Il-Liġi evanġelika kollha tinġabar fil-*kmandament il-ġdid* 1823
tal-Mulej (ara *Ġw* 13,34), li nħobbu lil xulxin kif ħabbna hu (ara *Ġw* 15,12).

1971 Mad-Diskors tal-Muntanja jaqbel inżidu *l-katekeżi morali tat-tagħlim tal-Appostli*.[15] Din id-duttrina twassal it-tagħlim tal-Mulej bl-awtorità tal-Appostli, l-aktar bit-tifsir tal-virtujiet li joħorġu mill-fidi fi Kristu u li jieħdu l-ħajja bl-imħabba, l-aqwa don tal-Ispirtu s-Santu. "Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor ... Ħobbu lil xulxin bħal aħwa, ... Ifirħu bit-tama, stabru fl-hemm, itolbu bla waqfien. Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn, ilqgħu f'darkom lill-barranin" (*Rum* 12,9-13). Din il-katekeżi tgħallimna wkoll inħollu kull każ ta' kuxjenza fid-dawl tar- 1789
relazzjoni tagħna ma' Kristu u l-Knisja (ara *Rum* 14; *1 Kor* 5-10).

1972 Il-Liġi l-ġdida tissejjaħ *liġi tal-imħabba* għaliex 782
iġġegħelna nagħmlu dak li għandna nagħmlu għall-imħabba li jsawwab fina l-Ispirtu s-Santu u mhux minħabba l-biża'; hi *liġi tal-grazzja* għax tagħtina l-qawwa tal-grazzja biex

[15] Il-katekeżi morali tal-Appostli nsibuha f'*Rum* 12-15, *1 Kor* 12-13, *Kol* 3-4, *Ef* 4-5, u f'kitbiet oħra wkoll.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 720-721 5/16/2014 11:44:19 AM

nagħmlu dak li għandna nagħmlu permezz tal-fidi u tas-sagramenti; hi *liġi ta' libertà* (ara *Ġak* 1,25; 2,12) għax teħlisna mill-ħarsien tal-preskrizzjonijiet ritwali u ġuridiċi tal-Liġi l-qadima u tqanqalna biex nagħmlu dak li għandna nagħmlu minn rajna, imqanqlin mill-imħabba; u fl-aħħar nett
1828 twassalna biex noħorġu mill-qagħda ta' lsiera "li ma jafux x'jagħmel sidhom" għal dik ta' ħbieb ta' Kristu "għaliex kulma smajt mingħand Missieri, jiena għarrafthulkom" (*Ġw* 15,15), jew aħjar fil-qagħda ta' wlied werrieta (ara *Gal* 4,1-7.21-31; *Rum* 8,15).

2053 1973 Barra l-preċetti, il-Liġi l-ġdida għandha wkoll il-*kunsilli evanġeliċi*. Id-distinzjoni tradizzjonali bejn il-kmandamenti ta' Alla u l-kunsilli evanġeliċi tinsab fir-
915 relazzjoni mal-imħabba, li hi l-perfezzjoni tal-ħajja Nisranija. Il-kmandamenti qegħdin hemm biex iwarrbu dak li hu kontra l-imħabba, u l-kunsilli bħala skop għandhom li jwarrbu dak li, ukoll jekk mhuwiex kuntrarju, jista' jfixkel l-iżvilupp tal-imħabba.[16]

1974 Il-kunsilli evanġeliċi juru l-milja ħajja tal-imħabba li qatt ma tixba' tingħata dejjem aktar. Juru l-ħerqa
2013 tagħha u jqanqlu l-ħeġġa spiritwali tagħna. Il-perfezzjoni tal-Liġi l-ġdida tinsab essenzjalment fil-kmandamenti tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Il-kunsilli juruna triqat li jwasslu aktar malajr u mezzi aktar ħfief, li wieħed irid jipprattikahom skont il-vokazzjoni li jkollu:

> [Alla] ma jridx li kulħadd iħaddan il-kunsilli kollha imma biss dawk l-aktar adatti għad-diversità tan-nies, taż-żmien, tal-okkażjoni, tal-ħila, skont kif titlob l-imħabba: għax hi l-imħabba, bħala sultana tal-virtujiet kollha, tal-kmandamenti kollha, tal-kunsilli kollha u tal-liġijiet u tal-għemil kollu tal-Insara, li tagħti lil kulħadd il-grad u l-ordni u ż-żmien u s-siwi.[17]

[16] Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, II-II, 184, 3.

Fil-qosor

1975 *Skont l-Iskrittura, il-Liġi hi t-tagħlim li Alla bħala missier jagħti lill-bniedem biex jurih it-triqat li jwasslu għall-hena mwiegħed u ma jħallihx jidħol fit-triqat tal-ħażen.*

1976 *"Il-Liġi hi ordni tar-raġuni għall-ġid ta' kulħadd, magħmula minn min hu responsabbli tal-komunità".*[18]

1977 *L-iskop tal-Liġi hu Kristu* (*ara Rum* 10,4). *Hu biss jgħallem u jagħmel il-ġustizzja ta' Alla.*

1978 *Il-liġi naturali hi tisħib fl-għerf u t-tjieba ta' Alla mill-bniedem, maħluq fuq ix-xbieha tal-Ħallieq tiegħu; tfisser id-dinjità tal-persuna umana u hi l-pedament tad-drittijiet u tad-dmirijiet fundamentali tiegħu.*

1979 *Il-liġi naturali ma tinbidilx, tibqa' dejjem l-istess tul il-ġrajja kollha tal-bniedem. Ir-regolamenti li jfissruha jibqgħu sostanzjalment dejjem jiswew. Hi l-bażi meħtieġa għall-bini ta' regolamenti morali u tal-liġi ċivili.*

1980 *Il-Liġi l-qadima hi l-ewwel pass tal-Liġi rrivelata. Il-*

[17] San Franġisk de Sales, *Trattat dwar l-imħabba ta' Alla*, 8, 6.
[18] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, I-II, 90, 4.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 722-723 5/16/2014 11:44:19 AM

preskrizzjonijiet morali tagħha huma miġburin fl-għaxar Kmandamenti.

1981 *Il-Liġi ta' Mosè fiha ħafna veritajiet li tista' tkun tafhom ir-raġuni naturali tal-bniedem. Alla rrivelahom għaliex il-bnedmin ma kinux qegħdin jaqrawhom f'qalbhom.*

1982 *Il-Liġi l-qadima hi tħejjija għall-Evanġelju.*

1983 *Il-Liġi l-ġdida hi l-grazzja tal-Ispirtu s-Santu li rċevejna permezz tal-fidi fi Kristu, li taħdem permezz tal-imħabba. Hi mfissra b'mod speċjali fid-diskors tal-Mulej fuq il-muntanja u tinqeda bis-sagramenti biex tagħtina l-grazzja.*

1984 *Il-Liġi evanġelika tkompli, tgħaddi u twassal għall-perfezzjoni l-Liġi l-qadima: il-wegħdiet tagħha, permezz tal-beatitudnijiet tas-Saltna tas-smewwiet, il-kmandamenti tagħha permezz tat-tiġdid tal-qalb li hu l-għajn ta' kull għemil.*

1985 *Il-Liġi l-ġdida hi liġi ta' mħabba, liġi ta' grazzja, liġi ta' libertà.*

1986 *Barra l-preċetti tagħha, il-Liġi l-ġdida tħaddan ukoll il-kunsilli evanġeliċi. "Il-qdusija tal-Knisja tiġi 'l quddiem b'mod speċjali permezz tal-ħafna kunsilli li l-Mulej joffri fl-Evanġelju lid-dixxipli tiegħu biex iħarsuhom".*[19]

[19] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 42.

It-tieni artiklu

GRAZZJA U ĠUSTIFIKAZZJONI

I. Il-ġustifikazzjoni

1987 Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu għandha l-qawwa li tiġġustifikana, jiġifieri tnaddafna minn dnubietna u tagħtina 734
"il-ġustizzja ta' Alla ... permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu" (*Rum* 3,22) u permezz tal-Magħmudija (ara *Rum* 6,3-4).

> Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma' Kristu. Nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar; il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu. Hu li miet, miet darba għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla. Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù (*Rum* 6,8-11).

1988 Bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, aħna nissieħbu fil-Passjoni ta' Kristu billi mmutu għad-dnub, u nissieħbu fil-Qawmien tiegħu mill-imwiet aħna u nitwieldu għall-ħajja 654
ġdida: aħna l-membri tal-Ġisem tiegħu li hu l-Knisja (ara *1 Kor* 12), il-friegħi mlaqqmin fid-Dielja li hi Kristu nnifsu (ara *Ġw* 15,1-4).

> Hu permezz tal-Ispirtu li aħna nissieħbu ma' Alla. Bit-tisħib tal-Ispirtu aħna nissieħbu fin-natura ta' Alla ... Hu għalhekk li dawk li fihom jgħammar l-Ispirtu huma divinizzati.[20] 460

1989 L-ewwel ħidma tal-grazzja tal-Ispirtu s-Santu hi 1427
l-*konverżjoni* li ġġib il-ġustifikazzjoni skont dak li ħabbar Kristu fil-bidu tal-Evanġelju: "Indmu għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet" (*Mt* 4,17). Imqanqal mill-grazzja, il-

[20] San Atanasju ta' Lixandra, *Ittra lil Serapjon*, 1, 24: PG 26, 585-588.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 724-725 5/16/2014 11:44:19 AM

bniedem idur lejn Alla u jitbiegħed mid-dnub, u hekk jikseb il-maħfra u l-ġustizzja ta' Alla l-Għoli: "il-ġustifikazzjoni hi kemm maħfra tad-dnubiet u kemm tqaddis u tiġdid tal-bniedem minn ġewwa".[21]

1446 1990 Il-ġustifikazzjoni *tbiegħed il-bniedem mid-dnub* li hu kontra l-imħabba ta' Alla, u ssaffilu qalbu. Il-ġustifikazzjoni tiġi wara l-inizjattiva tal-ħniena ta' Alla li joffri l-maħfra. 1733 Tħabbeb mill-ġdid il-bniedem ma' Alla. Teħilsu mill-jasar tad-dnub u tfejqu.

1991 Il-ġustifikazzjoni hi fl-istess ħin *il-ġustizzja ta' Alla milqugħa* permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu. Il-ġustizzja hawn turi kemm jimxi sewwa Alla magħna bl-imħabba tiegħu. Bil-1812 ġustifikazzjoni, il-fidi, it-tama u l-imħabba jissawbu fi qlubna u tingħatalna l-grazzja li nobdu r-rieda ta' Alla.

617 1992 Il-ġustifikazzjoni *ġiet immeritata għalina bil-Passjoni ta' Kristu*, li offra lilu nnifsu fuq is-salib bħala vittma ħajja, qaddisa li togħġob lil Alla; demmu sar strument ta' tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin kollha. Il-ġustifikazzjoni 1266 tingħatalna permezz tal-Magħmudija, is-sagrament tal-fidi. Tagħmilna xebh mal-ġustizzja ta' Alla, li jagħmilna ġusti fina nfusna bil-qawwa tal-ħniena tiegħu. Bħala skop għandha 294 l-glorja ta' Alla u ta' Kristu u d-don tal-ħajja ta' dejjem.[22]

> Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-Liġi, għad li l-Liġi u l-profeti jixhdu għaliha. U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu lil dawk li jemmnu, bla ma jagħżel bejniethom. Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla; għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù. Lilu, Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet

[21] Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 7: DS 1528.
[22] Ara *ibid.*: DS 1529.

> għal dawk li jemmnu bih. U dan bis-saħħa ta' demmu. B'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu, waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh għad-dnubiet li saru fi żmien li kien jistabar bihom. Ried, iva, juri l-ġustizzja tiegħu f'dan iż-żmien ħalli juri li hu ġust u jiġġustifika wkoll lil min jemmen f'Ġesù (*Rum* 3,21-26).

1993 Il-ġustifikazzjoni tistabilixxi mill-ġdid *il-kollaborazzjoni* 2008 *bejn il-grazzja ta' Alla u l-libertà tal-bniedem.* Min-naħa tal-bniedem, din il-kollaborazzjoni turi ruħha meta dan jilqa' bil-fidi l-Kelma ta' Alla li tistiednu għall-indiema u jwieġeb bl-imħabba għal dak li jqanqlu għalih l-Ispirtu s-Santu, li jmexxih u jħarsu:

> Meta Alla jmiss qalb il-bniedem bid-dawl tal-Ispirtu s-Santu, 2068 m'aħniex nifhmu li l-bniedem hu passiv, għax jista' ma jilqax dan id-dawl tal-Ispirtu, din l-ispirazzjoni; iżda mingħajr il-grazzja ta' Alla, bir-rieda ħielsa kollha tiegħu, ma jistax jersaq lejn il-ġustizzja quddiem Alla.[23]

1994 Il-ġustifikazzjoni hi *l-aqwa opra tal-imħabba ta' Alla* li dehret fi Kristu Ġesù u ngħatat permezz tal-Ispirtu s-Santu. Santu Wistin iqis li "il-ġustifikazzjoni ta' bniedem 312 ħażin hi opra wisq akbar mill-ħolqien tas-sema u l-art għax is-sema u l-art għad jgħaddu, imma s-salvazzjoni u l-ġustifikazzjoni tal-magħżulin tibqa' għal dejjem".[24] Iqis ukoll li l-ġustifikazzjoni tal-midinbin hi aqwa mill-ħolqien tal-anġli 412 fil-ġustizzja għaliex turi ħniena akbar.

1995 L-Ispirtu s-Santu hu l-imgħallem tar-ruħ. Hija u tnissel 741 "il-bniedem ta' ġewwa" (*Rum* 7,22; *Ef* 3,16), il-ġustifikazzjoni *tqaddisna* kollha kemm aħna.

> Bħalma l-membri ta' ġisimkom kontu jassartuhom għaż-żina u għall-ħażen, hekk issa dawn l-istess membri jassruhom għall-

[23] *Ibid.*: DS 1525.
[24] Santu Wistin, *Trattat 72 dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*, 3: PL 35, 1823.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 726-727 5/16/2014 11:44:19 AM

ġustizzja biex tkunu qaddisin ... Issa li ħlistu mid-dnub u sirtu lsiera ta' Alla, qegħdin taħsdu għalikom frott li jwassal għall-qdusija u għandkom bħala tmiem il-ħajja ta' dejjem (*Rum* 6,19.22).

II. Il-grazzja

153 1996 Il-ġustifikazzjoni tagħna tiġi mill-grazzja ta' Alla. Il-grazzja hi *favur, għajnuna* li Alla jagħtina *b'xejn, mingħajr ma jistħoqqilna,* biex inwieġbu għas-sejħa tiegħu ħa nkunu wlied Alla (ara *Ġw* 1,12-18), ulied adottivi (ara *Rum* 8,14-17), imseħbin fin-natura ta' Alla (ara *2 Piet* 1,3-4) u fil-ħajja ta' dejjem (ara *Ġw* 17,3).

375; 260 1997 Il-grazzja *hi tisħib fil-ħajja ta' Alla*, iddaħħalna fil-qofol tal-ħajja ta' mħabba kbira mat-Trinità Qaddisa. Bil-Magħmudija, in-Nisrani jkollu sehem mill-grazzja ta' Kristu, ir-Ras tal-Ġisem tiegħu. Bħala "iben adottiv", il-bniedem issa jista', flimkien mal-Iben il-waħdieni, isejjaħ lil Alla "Missier". Jirċievi l-ħajja tal-Ispirtu li jsawwab fih l-imħabba u jifforma l-Knisja.

1719 1998 Din is-sejħa għall-ħajja ta' dejjem hi *sejħa sopranaturali*. Tiddependi għal kollox mill-inizjattiva kollha kemm hi gratuwita ta' Alla, għax hu biss jista' juri lilu nnifsu u jagħti lilu nnifsu. Tisboq il-ħila kollha tal-intelliġenza u tal-qawwiet kollha tar-rieda tal-bniedem u tal-ħlejjaq kollha (ara *1 Kor* 2,7-9).

1966 1999 Il-grazzja ta' Kristu hi d-don, li Alla tana b'xejn, tal-ħajja tiegħu msawba mill-Ispirtu s-Santu fir-ruħ tagħna biex ifejjaqha mid-dnub u jqaddisha. Hi l-*grazzja, santifikanti u divinizzanti* (tqaddisna u tagħmilna wlied Alla) li nirċievu fil-Magħmudija. Hi fina l-għajn tal-ħidma tas-salvazzjoni (ara *Ġw* 4,14; 7,38-39).

Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid. Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu (*2 Kor* 5,17-18).

2000 Il-grazzja santifikanti hi don abitwali, jiġifieri dispożizzjoni jew qagħda sopranaturali li qiegħda dejjem hemm fina biex tagħmel dejjem aktar perfetta r-ruħ ħalli tkun tista' tgħix ma' Alla u tagħmel kollox għal imħabbtu. Irridu niddistingwu l-*grazzja abitwali* jiġifieri d-dispożizzjoni li hemm dejjem fina biex ngħixu u nagħmlu kollox skont is-sejħa ta' Alla, mill-*grazzji attwali* li huma l-għajnuniet kollha li Alla jagħtina kemm biex nindmu u nibdew ħajja ġdida u kemm biex dejjem aktar nitqaddsu.

2001 *It-tħejjija tal-bniedem* biex jilqa' l-grazzja hi ġa opra 490
tal-grazzja. Din hi meħtieġa biex tqanqal u tgħin is-sehem tagħna fil-ġustifikazzjoni permezz tal-fidi u fil-qdusija permezz tal-imħabba. Alla jtemm dan li jkun beda fina, "għaliex hu jagħti l-bidu billi, b'xi mod, bil-ħidma tiegħu, iwassalna biex inkunu rridu; hu jtemm dan billi jissieħeb mar-rieda tagħna meta nkunu ġa kkonvertejna".[25]

Naħdmu, iva, naħdmu aħna wkoll, imma naħdmu għaliex inkunu qed nikkollaboraw mal-ħidma ta' Alla; hu fil-ħniena tiegħu jiġi jilqagħna biex ifejjaqna; u jiġi warajna biex, imfejqin, jaħjina; jiġi jiltaqa' magħna biex isejħilna u jiġi warajna biex jigglorifikana; jiġi jilqagħna biex ngħixu bit-tjieba u jiġi warajna biex ngħixu dejjem miegħu, għax mingħajru ma nistgħu nagħmlu xejn.[26]

2002 L-inizjattiva ħielsa ta' Alla titlob *it-tweġiba ħielsa tal-* 1742
bniedem għax Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu u flimkien mal-libertà tah is-setgħa li jkun jafu u jħobbu: ir-ruħ tista' tidħol fix-xirka tal-imħabba jekk trid, bil-libertà kollha. Alla

[25] Santu Wistin, *Dwar il-grazzja u r-rieda ħielsa*, 17, 33: PL 44, 901.
[26] Santu Wistin, *Dwar in-natura u l-grazzja*, 31, 35: PL 44, 264.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 728-729 5/16/2014 11:44:19 AM

jmiss u jqanqal direttament il-qalb tal-bniedem. Qiegħed fil-qalb tal-bniedem xewqa għal dak li hu veru u tajjeb, li hu biss jista' jaqtagħhielu. Il-wegħdiet tal-"ħajja ta' dejjem" mhumiex ħlief it-tweġiba, 'l hemm minn kull tama għal din ix-xewqa.

> Wara li temmejthom [l-għemejjel tajba ħafna tiegħek], fis-seba' jum waqaft mix-xogħol tiegħek u striħajt. B'dan il-kliem, l-Iskrittura tiegħek tagħtina x'nifhmu li aħna wkoll, wara li nwasslu fit-tmiem l-għemejjel tagħna, li bil-grazzja tiegħek ikunu tajbin ħafna, aħna wkoll għad nistrieħu fik, fis-Sibt tal-ħajja ta' dejjem.[27]

2550

1108 2003 Il-grazzja hi l-ewwel nett u qabel kollox don tal-Ispirtu li jiġġustifikana u jqaddisna. Imma l-grazzja hi wkoll don li l-Ispirtu jagħtina biex iseħibna fil-ħidma tiegħu, biex jagħtina l-ħila nissieħbu fis-salvazzjoni tal-oħrajn u fit-
1127 tkattir tal-Ġisem ta' Kristu, il-Knisja. Dawn huma l-*grazzji sagramentali*, id-doni propji ta' kull sagrament. Hemm imbagħad ukoll il-*grazzji speċjali* msejħin ukoll *"kariżmi"*, kif isejħilhom San Pawl, u li huma favuri, doni b'xejn, benefiċċju.[28] Ikun xi jkun dak li jagħżilhom minn xulxin, ukoll
799-801 jekk huma straordinarji, bħall-mirakli u l-ilsna, il-kariżmi jingħataw biex iwettqu l-grazzja santifikanti, u bħala skop għandhom il-ġid tal-Knisja kollha kemm hi. Jaqdu l-imħabba li biha tinbena l-Knisja (ara *1 Kor* 12).

2004 Fost il-grazzji speċjali, ta' min isemmi *l-grazzji tal-istat* li jingħataw għall-qadi tar-responsabiltajiet tal-ħajja Nisranija u tal-ministeri fi ħdan il-Knisja:

[27] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 13, 36, 51: PL 32, 868: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 432.

[28] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 12.

> Aħna għandna doni differenti skont il-grazzja li Alla tana; jekk għandna d-don tal-profezija, ħa nħaddmuh skont il-qies tal-fidi; jekk għandna d-don tal-ministeru, ħa nservu; min għandu d-don tat-tagħlim, ħa jgħallem; min id-don tat-tħeġġiġ, ħa jħeġġeġ; min id-don tat-tqassim, ħa jqassam b'idejh miftuħa; min għandu l-awtorità fuq l-oħrajn, ħa jmexxi bil-ħerqa; min id-don tal-opri tal-ħniena, ħa jagħmel dan bil-ferħ (*Rum* 12,6-8).

2005 Il-grazzja, għax hi tal-ordni sopranaturali, *la jista' jkollna esperjenza tagħha* u lanqas nistgħu nagħrfuha jekk mhux bil-fidi. Mela ma għandniex nafdaw fuq is-sentimenti tagħna jew fuq il-ħidmiet tagħna biex naslu ngħidu li aħna ġustifikati u salvati.[29] Iżda, skont kliem il-Mulej: "Mill-frott tagħhom tagħrfuhom" (*Mt* 7,20), meta nqisu l-ġid li Alla jagħmel magħna f'ħajjitna u fil-ħajja tal-qaddisin, aħna għandna garanzija li l-grazzja ta' Alla qed taħdem fina u tħeġġiġna għall-fidi dejjem aktar kbira u għall-qagħda ta' faqar kollha fiduċja:

> Insibu wieħed mill-isbaħ eżempji ta' din l-imġiba fit-tweġiba ta' Santa Ġovanna d'Arco għall-mistoqsija li għamlulha l-imħallfin ekkleżjastiċi biex jaqbduha fi kliemha. Mistoqsija jekk kinitx taf kinitx fil-grazzja ta' Alla, wieġbet: "Jekk m'iniex fil-grazzja ta' Alla, Alla jrid jagħtihieli; jekk jien fil-grazzja ta' Alla, Alla se jħarishieli".[30]

III. Il-mertu

> Int imsebbaħ fil-ġemgħa tal-qaddisin u l-ġieħ li int tagħtihom għall-merti tagħhom, hu ġieħ mogħti lill-istess doni tiegħek.[31]

[29] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 9: DS, 1533-1534.

[30] Mill-kliem ta' Santa Ġovanna d'Arco, waqt il-proċess li wassal għall-kundanna tagħha.

[31] *Missal Ruman*, Prefazju I tal-Qaddisin, li jieħu silta mid-"Duttur tal-grazzja", Santu Wistin: ara *Taħdita dwar Salm* 102, 7: PL 37, 1321.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 730-731 5/16/2014 11:44:20 AM

1723 2006 Il-kelma “mertu”, b’mod ġenerali, tfisser *il-ħlas dovut* minn komunità jew minn soċjetà għall-għemil ta’ wieħed mill-membri, għemil meqjus bħala ta’ ġid jew ta’ deni, jistħoqqlu premju jew kastig. Il-mertu joħroġ mill-virtù
1807 tal-ġustizzja, skont il-prinċipju li jmexxiha, dak li kulħadd indaqs.

2007 Meta niġu għal Alla, min-naħa tal-bniedem ma hemmx mertu fit-tifsir strett tal-kelma. Ma hemmx qies
42 bejnna u bejn Alla, għax hu bla qies, għax aħna rċevejna kollox mingħand Alla.

2008 Il-mertu tal-bniedem quddiem Alla fil-ħajja
306 Nisranija jiġi mill-fatt li Alla *minn rajh ried isieħeb lill-bniedem fil-ħidma tal-grazzja*. Hi l-ħidma ta’ Alla bħala Missier li tiġi l-ewwel meta jqanqalna; l-imġiba ħielsa tal-
155; 970 bniedem tiġi wara, bis-sehem li jagħti fil-ħidma ta’ Alla, hekk li l-merti tal-għemejjel tajba għandhom jitqiesu l-ewwel bħala merti tal-grazzja ta’ Alla, u mbagħad bħala merti tan-Nisrani. Madankollu, l-istess mertu tal-bniedem jiġi minn Alla, għaliex l-għemejjel tajba tal-bniedem għandhom il-bidu tagħhom fi Kristu, imnebbħin u megħjunin mill-Ispirtu s-Santu.

2009 L-adozzjoni ta’ wlied, li permezz tal-grazzja sseħibna fin-natura ta’ Alla, tista’ tagħtina li jkollna, skont il-ġustizzja għal kollox ħielsa ta’ Alla, *mertu tassew*. Dan hu dritt li jiġina mill-grazzja, dritt kollu kemm hu tal-imħabba, li tagħmilna “werrieta” flimkien ma’ Kristu, u għalhekk jistħoqqilna “il-wirt imwiegħed tal-ħajja ta’ dejjem”.[32] Il-merti tal-għemejjel

[32] Konċilju ta’ Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), 16: DS 1546.

tajba tagħna huma doni tat-tjieba ta’ Alla.[33] “L-ewwel ġiet il- 604
grazzja; issa jingħatalna dak li jistħoqqilna ... Il-merti tiegħek huma doni ta’ Alla”.[34]

2010 Fl-ordni tal-grazzja, l-inizjattiva hi ta’ Alla, *ebda bniedem ma jista’ jimmerita l-ewwel grazzja* li tingħata 1998
fil-bidu tal-konverżjoni, tal-maħfra u tal-ġustifikazzjoni. Imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu u mill-imħabba, *aħna nistgħu mbagħad nimmeritaw* għalina u għall-oħrajn il-grazzji li jiswewlna għall-qdusija tagħna, għat-tkattir tal-grazzja u tal-imħabba, u wkoll biex niksbu l-ħajja ta’ dejjem. L-istess ġid ta’ din id-dinja, bħalma huma s-saħħa u l-ħbiberija, nistgħu nimmeritawhom skont ma jrid l-għerf ta’ Alla. Dawn il-grazzji u dan il-ġid huma l-oġġett tat-talb Nisrani. It-talb jaħsbilna għall-grazzja li neħtieġu biex nagħmlu għemil ta’ mertu.

2011 *L-imħabba ta’ Kristu hi fina l-bidu tal-merti kollha* 492
tagħna quddiem Alla. Il-grazzja, hi u tgħaqqadna ma’ Kristu b’imħabba ħajja, tiżgura li l-għemil tagħna jkun sopranaturali, u għalhekk ikollu merti quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Il-qaddisin dejjem ħassew sewwa li l-merti tagħhom ma kinux ħlief grazzji biss:

> Wara t-turufnament ta’ din l-art, nittama li niġi nithenna bik fis-Sema Pajjiżi, iżda ma rridx noqgħod naħżen il-merti għas-Sema; irrid naħdem għal *Imħabbtek biss* ... Fil-għabex ta’ din il-ħajja, 1460
> għad nidher quddiemek b’idejja vojta, għax ma nitolbokx, Mulej, li tgħodd l-għemejjel tiegħi. Il-ħwejjeġ ġusti kollha tagħna huma tniġġis f’għajnejk. Għalhekk, irrid nilbes il-*Ġustizzja* propja tiegħek u nilqa’ mill-Imħabba tiegħek il-pussess dejjiemi *tiegħek innifsek*.[35]

[33] *Ibid*.: DS 1548.

[34] Santu Wistin, *Omelija* 298, 4-5: PL 38, 1367.

[35] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, Att ta’ Offerta lill-Imħabba kollha Ħniena: ara *Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tferraħna. Kitbiet Poetiċi u Talbiet*, Pubblikazzjoni Karmelitana Terežjana, Malta 1998, 393.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 732-733 5/16/2014 11:44:20 AM

IV. Il-qdusija Nisranija

2012 “Aħna nafu li Alla, ma’ dawk li jħobbuh ... f’kollox
459 jaħdem id f’id għall-ġid tagħhom. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta’ Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa; lil dawk li ppredestinahom, sejħilhom ukoll; lil dawk li sejħilhom, iġġustifikahom ukoll; lil dawk imbagħad li ġġustifikahom, igglorifikahom ukoll” (*Rum* 8,28-30).

915; 2545 2013 “Is-sejħa għall-milja tal-ħajja Nisranija u għall-perfezzjoni tal-imħabba hi magħmula lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu, huma x’inhuma l-grad u l-istat tagħhom”.[36]
825 Kulħadd hu msejjaħ għall-qdusija: “Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet” (*Mt* 5,48).

> L-Insara għandhom jużaw il-forzi li rċevew skont il-qies tad-don ta’ Kristu, ħa jiksbu din il-perfezzjoni biex, huma u jagħmlu f’kollox ir-rieda tal-Missier, jiddedikaw ruħhom b’qalbhom kollha għall-glorja ta’ Alla u għall-qadi ta’ għajrhom. B’dan il-mod, il-qdusija tal-poplu ta’ Alla tikber u tagħti frott bil-kotra, kif, b’mod hekk tal-għaġeb, turi l-ġrajja tal-Knisja permezz tal-ħajja ta’ tant qaddisin.[37]

2014 Il-progress spiritwali jfittex li jkun hemm għaqda dejjem aktar intima ma’ Kristu. Din l-għaqda tissejjaħ
774 “mistika”, għax għandha sehem mill-misteru ta’ Kristu permezz tas-sagramenti – “il-misteri qaddisa” – u fi Kristu, fil-misteru tat-Trinità Qaddisa, Alla jsejħilna lkoll għal din l-għaqda intima miegħu, ukoll jekk xi grazzji speċjali u xi sinjali straordinarji ta’ din il-ħajja mistika jingħataw biss lil xi whud, bħala turija tad-don mogħti b’xejn lil kulħadd.

[36] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 40.

[37] *Ibid.*

2015 It-triq tal-perfezzjoni tgħaddi mis-salib. M’hemmx qdusija mingħajr ċaħdiet u mingħajr taqbida spiritwali 407; 2725
(ara *2 Tim* 4). Il-progress spiritwali jħaddan l-axxeżi u 1438
l-mortifikazzjoni, li jwasslu bil-mod il-mod għall-ħajja fis-sliem u l-hena tal-beatitudnijiet:

> Min jogħla ’l fuq qatt ma jieqaf, imma dejjem sejjer minn bidu għal bidu ieħor. Min jogħla ’l fuq, qatt ma hu se jieqaf jixtieq dak li ġa jagħraf.[38]

2016 Ulied Ommna l-Knisja Mqaddsa jittamaw bir-raġun kollu li jiksbu *l-grazzja tal-perseveranza tal-aħħar u l-premju* 162; 1821
ta’ Alla l-Missier tagħhom, għall-għemejjel tajba li jkunu għamlu bil-grazzja tiegħu u f’għaqda ma’ Ġesù.[39] Min jemmen, huwa u jħares l-istess regola ta’ ħajja, għandu sehem mit-“tama hienja” ta’ dawk li l-ħniena ta’ Alla tiġbor 1274
“fil-Belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, ... nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha” (*Apok* 21,2).

Fil-qosor

2017 *Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu tagħtina l-ġustizzja ta’ Alla. L-Ispirtu huwa u jgħaqqadna permezz tal-fidi u tal-Magħmudija, mal-Passjoni u l-Qawmien mill-imwiet ta’ Kristu, jagħtina sehem mill-ħajja tiegħu, għax permezz tal-fidi u l-Magħmudija jgħaqqadna mal-Passjoni u l-Qawmien mill-mewt ta’ Kristu u l-Ispirtu jagħtina sehem mill-ħajja tiegħu.*

[38] San Girgor ta’ Nissa, *Omelija* 8 *dwar l-Għanja tal-Għanjiet*: PG 44, 941C.

[39] Ara Konċilju ta’ Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), kan. 26: DS 1576.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 734-735 5/16/2014 11:44:20 AM

2018 *Il-ġustifikazzjoni, bħall-konverżjoni, għandha żewġ aspetti: imqanqal mill-grazzja, il-bniedem idur lejn Alla u jitbiegħed mid-dnub, u hekk jikseb il-maħfra u l-ġustizzja minn Alla l-Għoli.*

2019 *Il-ġustifikazzjoni tħaddan il-maħfra tad-dnubiet, il-qdusija u t-tiġdid tal-bniedem minn ġewwa.*

2020 *Il-ġustifikazzjoni ġiet immeritata għalina bil-Passjoni ta' Kristu; tingħatalna permezz tal-Magħmudija; tagħtina xebh mal-ġustizzja ta' Alla, li jagħmilna ġusti; bħala għan għandha l-glorja ta' Alla u ta' Kristu u d-don tal-ħajja ta' dejjem; hi l-oġħla opra tal-ħniena ta' Alla.*

2021 *Il-grazzja hi l-għajnuna li Alla jagħtina biex inwieġbu għas-sejħa tagħna ħa nkunu wlied adottivi; iddaħħalna fl-intimità tal-ħajja tat-Trinità Qaddisa.*

2022 *L-inizjattiva ta' Alla fil-ħidma tal-grazzja tiġi qabel it-tweġiba ħielsa tal-bniedem, tħejjiha u tqanqalha. Il-grazzja hi tweġiba għax-xewqat l-aktar għolja tal-libertà tal-bniedem; tistedinha, tissieħeb magħha u twassalha għall-perfezzjoni.*

2023 *Il-grazzja santifikanti hija d-don gratuwitu li Alla jagħtina b'xejn tal-ħajja tiegħu, li l-Ispirtu s-Santu jsawwab f'ruħna biex ifejjaqha mid-dnub u jqaddisha.*

2024 *Il-grazzja santifikanti tagħmilna "nogħġbu lil Alla". Il-kariżmi, grazzji speċjali tal-Ispirtu s-Santu, huma ta' għajnuna għall-grazzja santifikanti u bħala skop għandhom il-ġid tal-Knisja kollha. Alla jaħdem ukoll permezz ta' għadd kbir ta' grazzji attwali, li rridu niddistingwu mill-grazzja li tibqa' fina.*

2025 *Ma hemmx merti għalina quddiem Alla jekk mhux minħabba l-pjan ħieles ta' Alla li ried isieħeb il-bniedem fl-opra tiegħu tal-grazzja. Il-mertu hu l-ewwel nett tal-grazzja ta' Alla, u mbagħad tas-sehem li jagħti l-bniedem. Il-mertu tal-bniedem ġej minn Alla.*

2026 *Il-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, minħabba l-fatt li aħna wlied adottivi, tista' tagħtina mertu tassew skont il-ġustizzja gratuwita ta' Alla. L-imħabba fina hi l-għajn ewlenija tal-merti tagħna quddiem Alla.*

2027 *Ebda bniedem ma jista' jimmerita l-ewwel grazzja li hi l-bidu tal-konverżjoni. Imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, nistgħu nimmeritaw għalina u għall-oħrajn il-grazzji kollha li jiswewlna biex naslu fil-ħajja ta' dejjem, u wkoll il-ġid tal-art li neħtieġu.*

2028 *"Is-sejħa għall-milja tal-ħajja Nisranija u għall-perfezzjoni fl-imħabba hi sejħa għall-bnedmin kollha li jemmnu fi Kristu".*[40] *"Il-perfezzjoni Nisranija ma għandhiex ħlief limitu wieħed, dak li ma għandhiex limitu".*[41]

2029 *"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja"* (*Mt* 16,24).

[40] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 40.

[41] San Girgor ta' Nissa, *Il-Ħajja ta' Mosè*, 1, 5: PG 44, 300D.

It-tielet artiklu

IL-KNISJA, OMM U GĦALLIEMA

2030 Hu fil-Knisja, f'xirka mal-imgħammdin kollha, li n-Nisrani jtemm il-vokazzjoni tiegħu. Mingħand il-Knisja, jilqa' l-Kelma ta' Alla, li fih jinsab it-tagħlim tal-"liġi ta' Kristu" (*Gal* 6,2); mingħand il-Knisja jirċievi l-grazzja tas-sagramenti li jgħinuh fi "triqtu"; mingħand il-Knisja jieħu l-*eżempju tal-qdusija*: jara x-xbieha u l-bidu ta' din il-qdusija fil-Verġni Mqaddsa Marija; jara l-qdusija fix-xhieda vera li jagħtu għaliha dawk li jgħixuha, u jsibha fit-tradizzjoni spiritwali u fil-ġrajja twila tal-qaddisin, li ġew qabel u li l-Liturġija tiċċelebra skont il-kalendarju tal-qaddisin.

2031 *Il-ħajja morali hi kult spiritwali*. "Offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla" (*Rum* 12,1) fi ħdan il-Ġisem ta' Kristu, li tiegħu aħna membri, u f'għaqda mal-offerta tal-Ewkaristija tiegħu. Fil-liturġija u fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, it-talb u t-tagħlim jingħaqdu mal-grazzja ta' Kristu biex idawlu u jmantnu l-imġiba Nisranija. L-istess bħall-ħajja Nisranija kollha, il-ħajja morali għandha l-bidu tagħha u l-qofol tagħha fis-sagrifiċċju ewkaristiku.

I. Il-ħajja morali u l-Maġisteru tal-Knisja

2032 Il-Knisja, "kolonna u pedament tal-verità" (*1 Tim* 3,15) "irċeviet mingħand l-Appostli l-ordni ta' Kristu biex tgħallem il-verità tas-salvazzjoni".[42] "Hu dmir il-Knisja li tħabbar, f'kull żmien u kullimkien, il-liġi morali, ukoll f'dak

[42] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 17.

li għandu x'jaqsam mal-ordni soċjali u tagħti wkoll ġudizzju fuq ir-realtajiet kollha tal-bniedem sakemm dan hu mitlub mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mis-salvazzjoni tal-erwieħ".[43]

2033 *Il-Maġisteru tar-rgħajja tal-Knisja* fil-qasam tal-morali ordinarjament jitħaddem fil-katekeżi u l-predikazzjoni, bl-għajnuna tat-teoloġi u l-kittieba spiritwali. B'dan il-mod għadda, minn ġenerazzjoni għal oħra, taħt il-ħarsien tar-Rgħajja tal-Knisja, dak li nistgħu nsejħulu d-"depożitu" tal-morali Nisranija, magħmul minn ġabra karatteristika ta' regoli, ta' kmandamenti u ta' virtujiet li joħorġu mill-fidi fi Kristu u jieħdu l-ħajja mill-imħabba. Din il-katekeżi, tradizzjonalment għandha bħala bażi tagħha, flimkien mal-Kredu u l-Missierna, l-għaxar Kmandamenti, li jħabbru l-prinċipji tal-ħajja morali li jgħoddu għall-bnedmin kollha.

2034 Il-Papa u l-Isqfijiet, bħala "veri għalliema, mogħnija bl-awtorità ta' Kristu, ixandru lill-poplu fdat lilhom il-fidi li trid titwemmen u li trid tidher fl-imġiba".[44] *Il-Maġisteru ordinarju* u universali tal-Papa, u tal-Isqfijiet f'għaqda miegħu, jgħallem lill-Insara l-verità li jridu jemmnu, l-imħabba li jridu jgħixu u l-hena li jridu jittamaw.

2035 L-ogħla grad ta' parteċipazzjoni fl-awtorità ta' Kristu hu ggarantit mill-kariżma tal-*infallibiltà*. Din tinferex fuq dak kollu li jidħol fid-depożitu tar-Rivelazzjoni ta' Alla.[45] Għalhekk iħaddan l-elementi kollha tad-duttrina u l-elementi morali wkoll, li mingħajrhom il-veritajiet tal-fidi

[43] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 747 §2.

[44] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 25.

[45] Ara *ibid.*

għas-salvazzjoni ma jistgħux ikunu mħarsin, imfissra u obduti.[46]

1960 2036 L-awtorità tal-Maġisteru tħaddan ukoll il-preċetti speċifiċi tal-*liġi naturali*, għax il-ħarsien tagħhom mitlub mill-Ħallieq hu meħtieġ għas-salvazzjoni. Il-Maġisteru tal-Knisja, huwa u jfakkar il-preċetti tal-liġi naturali, jaqdi parti essenzjali mill-uffiċċju profetiku tiegħu li jħabbar lill-bnedmin kollha dak li huma tassew u jfakkar dak li għandhom ikunu quddiem Alla.[47]

2037 Il-Liġi ta' Alla, fdata lill-Knisja, tiġi mgħallma lill-Insara bħala triq ta' verità u ta' ħajja. Il-fidili għalhekk għandhom id-*dritt*[48] li jiġu mgħallmin dawk il-kmandamenti ta' Alla li jwasslu għas-salvazzjoni billi jsaffulhom il-ġudizzju, u bl-għajnuna tal-grazzja, ifejqulhom ir-raġuni midruba li għandhom bħala bnedmin. Il-fidili mbagħad għandhom id-dmir iħarsu l-kostituzzjonijiet u d-digrieti tal-awtorità leġittima tal-Knisja.
2041 Ukoll jekk huma digrieti u kostituzzjonijiet dixxiplinarji, jitolbu dejjem li wieħed jaċċettahom b'imħabba.

2038 Il-Knisja, fil-ħidma tagħha ta' tagħlim u ta' ħarsien tal-morali Nisranija, teħtieġ id-devozzjoni tar-Rgħajja, l-għerf tat-teoloġi, il-kontribut tal-Insara kollha u tal-bnedmin
2442 ta' rieda tajba. Il-fidi u l-prattika tal-Evanġelju jagħtu lil kull wieħed esperjenza ta' ħajja Nisranija "fi Kristu", li jdawlu u jagħtih il-ħila biex iqis ir-realtajiet ta' Alla u tal-bnedmin skont l-Ispirtu ta' Alla (ara *1 Kor* 2,10-15). B'dan il-mod, l-Ispirtu jista' jinqeda minn min hu l-aktar ċkejken ħa jdawwal lil min hu għaref u għandu dinjità mill-aktar għolja.

[46] Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni *Mysterium Ecclesiae* (1973), 3.
[47] Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 14.
[48] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 213.

2039 Il-ministeri jridu jitħaddmu bi spirtu ta' qadi lil aħwa, b'dedikazzjoni lejn il-Knisja f'isem il-Mulej (ara *Rum* 12,8.11). Fl-istess waqt, il-kuxjenza ta' kull bniedem, fil-ġudizzju morali li tagħti dwar l-għemil personali tiegħu, ma għandhiex tqis biss l-interessi individwali, imma trid tħares ukoll lejn il-ġid ta' kulħadd, kif jidher mil-liġi morali, naturali u rrivelata, u għalhekk mil-liġi tal-Knisja wkoll u mit-tagħlim awtentiku tal-Maġisteru dwar kwistjonijiet morali. Ma jaqbilx li l-kuxjenza personali u r-raġuni jmorru kontra l-liġi morali 1783 jew il-Maġisteru tal-Knisja.

2040 B'dan il-mod, fost l-Insara jista' jiżviluppa ruħu *spirtu verament ta' wlied favur il-Knisja*. Hu l-iżvilupp normali tal-grazzja tal-Magħmudija, li nisslitna fi ħdan il-Knisja u għamlitna membri tal-Ġisem ta' Kristu. Fil-ħerqa tagħha ta' omm, il-Knisja twasslilna l-ħniena ta' Alla li tegħleb id-dnubiet kollha tagħna u titħaddem l-aktar fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Bħala omm li taħseb għal uliedha, il-Knisja 167 fil-Liturġija, jum wara l-ieħor, tqassmilna l-ikel tal-Kelma u tal-Ewkaristija tal-Mulej.

II. Il-preċetti tal-Knisja

2041 Il-preċetti tal-Knisja għandhom posthom f'dan il-kuntest ta' ħajja morali li hi marbuta mal-ħajja liturġika u titmantna biha. Il-karattru obbligatorju ta' dawn il-liġijiet pożittivi, magħmulin mill-awtoritajiet pastorali tal-Knisja, iridu jiżguraw li l-Insara jagħmlu tal-anqas dak il-ftit li hu neċessarju fi spirtu ta' talb u fi sforz morali biex jikbru fl-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu.

2042 L-ewwel preċett (tissieħeb fil-Quddiesa tal-Ħdud u l-festi kkmandati 1389
u tistrieħ minn xogħol servili) irid li l-Insara jqaddsu l-jum li fih issir it-tifkira tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet u jqaddsu l-jiem tal-festi liturġiċi ewlenin 2180
li bihom jingħata ġieħ lill-misteri tal-Mulej, tal-Verġni Mqaddsa Marija u

2177 tal-qaddisin: l-ewwel nett bit-tisħib fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika li għaliha tinġabar il-ġemgħa tal-Insara, u wkoll billi jieqfu minn kull xogħol u negozju li jistgħu jfixklu t-tqaddis ta' dawn il-jiem.[49]

It-tieni preċett (il-qrara tad-dnubiet almenu darba fis-sena) jiżgura
1457 t-tħejjija għall-Ewkaristija permezz tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, li jkompli l-ħidma ta' konverżjoni u ta' maħfra li tibda bil-Magħmudija.[50]

1389 It-tielet preċett (jirċievu s-sagrament tal-Ewkaristija għallinqas fi żmien il-Għid) jiżgura li l-Insara almenu jersqu jirċievu l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej fit-tqarbin fi żmien il-festi tal-Għid, bidu u qofol tal-liturġija Nisranija.[51]

1387 2043 Ir-raba' preċett (il-ħarsien tal-ġranet tal-astinenza u tas-sawm
1438 iffissati mill-Knisja) bħala tħejjija għall-festi tal-liturġija, iħares iż-żminijiet taċ-ċaħda u tal-penitenza, li jgħinuna naħkmu l-istinti u niksbu l-libertà tal-qalb.[52]

1351 Il-ħames preċett (għajnuna lill-Knisja fi ħtiġijietha) jgħid li l-Insara huma fid-dmir li jgħinu, kulħadd skont ma jista', lill-Knisja fil-ħtiġijiet materjali tagħha.[53]

III. Ħajja morali u xhieda missjunarja

2044 Il-fedeltà tal-imgħammdin hi l-ewwel kundizzjoni
852; 905 meħtieġa għat-tħabbir tal-Evanġelju u għall-*missjoni tal-Knisja fid-dinja.* Il-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni, biex turi

[49] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1246-1248; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 880 §3; 881 §§1,2,4.

[50] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 989; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 719.

[51] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 920; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 708; 881 §3.

[52] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1249-1251; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 882. Il-Konferenzi Episkopali jistgħu wkoll iżidu preċetti oħra għat-territorju tagħhom; ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 455.

[53] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 222; *Ġabra tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali* (1990), kan. 25.

lill-bnedmin il-qawwa tal-verità u tad-dija tagħha, trid tkun imwettqa bix-xhieda tal-ħajja tal-Insara. "Ix-xhieda ta' ħajja Nisranija u għemejjel magħmulin bi spirtu sopranaturali għandhom qawwa kbira biex jiġbdu l-bnedmin lejn il-fidi u lejn Alla".[54]

2045 L-Insara, għaliex huma membri tal-Ġisem li tiegħu 753
Kristu hu r-Ras (ara *Ef* 1,22) jgħinu *fil-bini tal-Knisja* billi jkunu dejjem sodi fil-fehmiet tagħhom u fl-imġiba tagħhom. Il-Knisja tikber, tiżdied u tissaħħaħ permezz tal-qdusija 828
tal-fidili, jiġifieri dawk li jemmnu fi Kristu[55], sakemm "insiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu. U hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" (*Ef* 4,13).

2046 L-Insara bil-ħajja tagħhom skont Kristu, *iħaffu* 671; 2819
l-miġja tas-Saltna ta' Alla, tas-"Saltna ta' ġustizzja, verità u sliem".[56] B'daqshekk mhux se jittraskuraw id-dmirijiet tagħhom fid-dinja: fidili lejn l-Imgħallem tagħhom, dawn id-dmirijiet huma jaqduhom fis-sewwa, bis-sabar u bl-imħabba.

Fil-qosor

2047 *Il-ħajja morali hi kult spiritwali. L-imġiba Nisranija titmantna bil-liturġija u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti.*

2048 *Il-preċetti tal-Knisja huma dwar il-ħajja morali u*

[54] Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 6.

[55] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 39.

[56] *Missal Ruman*, Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu, prefazju.

Nisranija li hi marbuta mal-liturġija u titmantna minnha.

2049 *Il-Maġisteru tar-Rgħajja tal-Knisja fil-qasam tal-morali jitħaddem ordinarjament fil-katekeżi u fil-predikazzjoni dwar l-għaxar Kmandamenti li jħabbru l-prinċipji morali li jgħoddu għall-bnedmin kollha.*

2050 *Il-Papa u l-Isqfijiet, bħala veri għalliema, ixandru lill-Poplu ta' Alla l-fidi li jridu jemmnu u jgħixu bl-imġiba kollha tagħhom. Huma fid-dmir ukoll li jitkellmu dwar problemi morali li għandhom x'jaqsmu mal-liġi naturali u mar-raġuni.*

2051 *L-infallibiltà tal-Maġisteru tar-Rgħajja tħaddan l-elementi kollha tat-tagħlim, ukoll dak morali, tagħlim li mingħajru l-veritajiet tal-fidi għas-salvazzjoni ma jistgħux jiġu mħarsa, imfissra u obduti.*

(It-testi tal-Kmandamenti ttieħdu mill-verżjoni tal-Iskrittura tal-Għaqda Biblika, waqt li l-formula katekistika hi dik użata fit-tagħlim tad-duttrina).

L-GĦAXAR KMANDAMENTI

Eżodu 20,2-17	Dewteronomju 5,6-21	Formula Katekistika*
Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar.	Jiena l-Mulej li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar.	1. Jiena hu Alla Sidek:
Ma jkollokx allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fil-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom: la tadurahomx għaliex jien hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur, li npatti l-ħażen tal-missirijiet fuq l-ulied sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni lil dawk li jobogħduni; imma nagħder sal-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmandamenti tiegħi.	Ma jkollokx allat oħra ħliefi; ma tagħmel ebda idolu jew xbieha ta' ebda ħlejqa li hemm fl-għoli tas-smewwiet, jew taħt l-art, jew fl-ibħra taħt l-art ...	Ma jkollokx Alla ieħor għajri.

* *Tagħlim Nisrani fuq il-Katekiżmu tal-Kardinal P. Gasparri*, imħejji minn Dun Karm Farrugia, Dipartiment tal-Informazzjoni, is-sitt edizzjoni, Malta 1960, 8; 49-59.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 744-745 5/16/2014 11:44:20 AM

La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn: għaliex lil min isemmi l-isem tiegħu fix-xejn, il-Mulej ma jħallihx bla kastig.	Issejjaħx l-isem tal-Mulej Alla tiegħek, fil-batal, għaliex il-Mulej ma jħallix bla kastig lil min isejjaħ ismu fil-batal.	2. La ssemmix l-isem ta' Alla fil-batal.
Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu. Sitt ijiem taħdem u tagħmel kulma għandek tagħmel; imma s-seba' jum hu jum il-mistrieħ f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek. Dan il-jum ma tagħmel ebda xogħol, int, ibnek, il-qaddej u l-qaddejja tiegħek, il-bhejjem tiegħek, u l-barrani li jkun ġewwa bwiebek. Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-smewwiet u l-art; il-baħar u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum. Għalhekk il-Mulej bierek is-seba' jum u qaddsu.	Ħares jum is-Sibt u qaddsu ...	3. Ħares il-Ħdud u l-btajjel.
Weġġaħ lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik.	Weġġaħ lil missierek u 'l ommok, bħalma l-Mulej, Alla tiegħek, ordnalek, sabiex tgħix ħajja twila, u jkollok ir-risq fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik	4. Weġġaħ lil missierek u 'l ommok.
La toqtolx.	La toqtolx.	5. La toqtolx.

La tagħmilx adulterju.	La tagħmilx adulterju.	6. La tiżnix.
La tisraqx.	La tisraqx.	7. La tisraqx.
La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek.	La tixhidx fil-falz kontra għajrek.	8. La tixhidx ħaġa b'oħra.
La tixtieqx dar għajrek: la tixtieqx il-mara ta' għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kulma għandu għajrek.	La tixtieqx il-mara ta' għajrek. La tixxennaqx għal dar għajrek: għar-raba' tiegħu, għall-qaddej tiegħu, ... għal xejn milli għandu għajrek.	9. La tixtieqx nisa tal-oħrajn. 10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn.

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 746-747 5/16/2014 11:44:20 AM

kkk 713-748 latest.OK (r).indd 748 5/16/2014 11:44:21 AM

IT-TIENI SEZZJONI

L-GĦAXAR KMANDAMENTI

kkk 749-758 latest.OK (r).indd 749 5/16/2014 11:46:10 AM

"Mgħallem, x'għandi nagħmel tajjeb?"

2052 "Mgħallem, x'għandi nagħmel tajjeb biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" Liż-żagħżugħ li għamillu din il-mistoqsija, Ġesù l-ewwel wieġeb dwar il-ħtieġa li nagħrfu lil Alla, "dak il-Wieħed li hu t-Tajjeb", bħala t-Tajjeb fih innifsu u l-għajn ta' kull tjieba. Imbagħad Ġesù żied jgħid: "Jekk int trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti." U semma liż-żagħżugħ il-kmandamenti li għandhom x'jaqsmu mal-imħabba tal- 1858
proxxmu: "La toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, weġġaħ lil missierek u 'l ommok". Fl-aħħar Ġesù ġabar dawn il-kmandamenti f'sura pożittiva: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (*Mt* 19,16-19).

2053 Ma' din l-ewwel tweġiba żdiedet oħra: "Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja" (*Mt* 19,21). Din it-tweġiba ma tħassarx dik ta' qabilha, għaliex b'din it-tieni tweġiba, Ġesù Kristu jwassal il-kmandamenti għall-perfezzjoni. Il-liġi ma tneħħietx (ara *Mt* 5,17), iżda l-bniedem hu mistieden isibha fil-Persuna 1968
tal-Imgħallem, li hu l-perfezzjoni tagħha. Fit-tliet Evanġelji sinottiċi, l-istedina ta' Ġesù liż-żagħżugħ għani, biex imur warajh u jobdih bħala dixxiplu u jħares il-kmandamenti, hi marbuta mas-sejħa għall-faqar u għas-safa (ara *Mt* 19,6-12.21.23-29). Il-kunsilli evanġeliċi ma jistgħux jinfirdu mill-kmandamenti. 1973

kkk 749-758 latest.OK (r).indd 750-751 5/16/2014 11:46:10 AM

581 2054 Ġesù tenna l-għaxar Kmandamenti, imma wera l-qawwa tal-Ispirtu li jaħdem fihom. Xandar ġustizzja li hi "ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej"' (*Mt* 5,20) u minn dik tal-pagani (ara *Mt* 5,46-47). Fisser ċar kulma jitolbu l-kmandamenti: "Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: 'La toqtolx'. ... Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh" (*Mt* 5,21-22).

2055 Meta staqsewh: "Liema hu l-kmandament il-kbir,
129 fil-Liġi?" (*Mt* 22,36), Ġesù wieġeb: "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu. Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. U t-tieni jixbhu: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti" (*Mt* 22,37-40; ara *Dewt* 6,5; *Lev* 19,18). L-għaxar Kmandamenti għandhom jitfissru fid-dawl ta' dan il-kmandament doppju u waħdieni tal-imħabba, li hi l-milja tal-Liġi:

> Il-Kmandamenti: "La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib", u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: "Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek". L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi (*Rum* 13,9-10).

Id-Dekalogu fl-Iskrittura

2056 Il-kelma "Dekalogu" letteralment tfisser "għaxar kelmiet" (*Eż* 34,28; *Dewt* 4,13; 10,4). Dawn l-"għaxar kelmiet", Alla rrivelahom lill-poplu tiegħu fuq l-Għolja
700 Mqaddsa. Inkitbu "bis-saba' ta' Alla (*Eż* 31,18; *Dewt* 5,22), u mhux bħall-kmandamenti l-oħra li nkitbu minn Mosè *(ara*
62 *Dewt* 31,9.24). Huma l-kelma ta' Alla b'mod l-aktar għoli. Waslulna fil-ktieb tal-Eżodu (ara *Eż* 20,1-17) u fil-ktieb tad-Dewteronomju (ara *Dt* 5,6-22). Sa minn żmien it-Testment il-

Qadim, il-Kotba Mqaddsa jsemmu dawn "l-għaxar kelmiet"[1], iżda kien biss fil-Patt il-Ġdid, f'Ġesù Kristu, li ntwera t-tifsir sħiħ tagħhom.

2057 Id-Dekalogu rridu nifhmuh l-ewwel fil-kuntest tal- 2084
Eżodu, li hu l-ġrajja l-kbira tal-ħelsien mogħti minn Alla fil-qofol tal-Patt il-Qadim. Kemm jekk huma mxandrin b'mod negattiv, bħala projbizzjonijiet ("La toqtolx") jew b'mod pożittiv (Weġġaħ lil missierek u 'l ommok"), l-"għaxar kelmiet" juru liema huma l-kundizzjonijiet ta' ħajja ħielsa mill-jasar tad-dnub. Id-Dekalogu hu mixja ta' ħajja:

> Li tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, li timxi fit-triqat tiegħu, u li tħares l-ordnijiet u l-liġijiet u d-digrieti tiegħu, int tgħix u titkattar (*Dewt* 30,16).

Din il-qawwa għall-ħelsien tad-Dekalogu tidher, biex 2170
insemmu eżempju, fil-kmandament tal-mistrieħ tas-Sibt, kmandament li kien jorbot ukoll il-barrani u l-ilsir:

> Ftakar li int kont ilsir fl-art tal-Eġittu, u l-Mulej, Alla tiegħek, ħarġek minn hemm b'id qawwija u bi driegħ merfugħ (*Dewt* 5,15).

2058 L-"għaxar kelmiet" jiġbru fil-qosor u jxandru l-Liġi ta' 1962
Alla: "Dan il-kliem qalu l-Mulej b'leħen qawwi lill-ġemgħa kollha tagħkom minn fuq il-muntanja, minn ġon-nar, minn ġos-sħaba u ċ-ċpar iswed, u xejn aktar ma żied. U kitibhom fuq żewġ twavel tal-ġebel, u tahom lili" (*Dewt* 5,22). Hu għalhekk li dawn iż-żewġ twavel tal-ġebel jissejħu "Ix-xhieda miktuba" (*Eż* 25,16) għax fihom hemm miġbura l-liġijiet tal-Patt tal-ħbiberija li għamel Alla mal-poplu tiegħu. Dawn it-"twavel tax-xhieda" (*Eż* 31,18; 32,15; 34,29) kellhom jitqiegħdu fl-"Arka" (*Eż* 25,16; 40,1-2).

[1] Ara bħala eżempju *Hos* 4,2; *Ġer* 7,9; *Eżek* 18, 5-9.

kkk 749-758 latest.OK (r).indd 752-753 5/16/2014 11:46:10 AM

2059 L-“għaxar kelmiet” ntqalu minn Alla waqt teofanija (“Wiċċ imb wiċċ tkellem magħkom il-Mulej minn fuq il-muntanja, minn ġon-nar”: *Dewt* 5,4). Huma parti mir-rivelazzjoni li Alla għamel tiegħu nnifsu u tal-glorja tiegħu. Id-don tal-kmandamenti hu don ta’ Alla nnifsu u tar-rieda mqaddsa tiegħu. Alla wera lilu nnifsu lill-poplu tiegħu, billi wrieh x’irid minnu.

2060 Id-don tal-kmandamenti u tal-Liġi huma parti mill-Patt magħmul minn Alla ma’ dawk li huma tiegħu. Skont il-ktieb tal-Eżodu, ir-rivelazzjoni tal-“għaxar kelmiet” tinsab bejn l-istedina għall-Patt (ara *Eż* 19) u s-sħuħija tiegħu (ara *Eż* 24), wara li l-poplu ntrabat li “jagħmel” dak kollu li qal il-Mulej, u li “jisma’ minnu” (ara *Eż* 24,7). Id-Dekalogu qatt ma jiġi mxandar jekk mhux wara li jiġi mfakkar il-Patt (“Il-Mulej, Alla tagħna, għamel patt magħna f’Ħoreb”: *Dewt* 5,2).

2061 Il-kmandamenti kisbu t-tifsir sħiħ tagħhom fi ħdan il-Patt. Skont l-Iskrittura, l-imġiba morali tal-bniedem tikseb it-tifsir sħiħ tagħha fil-Patt u permezz tiegħu. L-ewwel kelma tal-“għaxar kelmiet” tfakkar li Alla ħabb l-ewwel il-poplu tiegħu:

> Kif kien hemm bħala kastig għad-dnub ħruġ mill-ġenna tal-ħelsien għall-jasar tad-dinja, hekk l-ewwel kelma tad-Dekalogu, l-ewwel kelma tal-kmandamenti ta’ Alla tagħti l-ħelsien: “Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn art il-jasar” (*Eż* 20,2; *Dewt* 5,6).[2]

2062 Il-kmandamenti fis-sens propju tal-kelma jiġu wara: ifissru x’jiġifieri tkun ta’ Alla minħabba l-Patt. Il-ħajja morali hi t-*tweġiba* għall-inizjattiva kollha mħabba tal-Mulej. Hi gratitudni, tifħir lil Alla, kult ta’ radd il-ħajr. Hi kooperazzjoni mal-pjan li ħaddem Alla fil-ġrajja tal-bniedem.

[2] Oriġene, *Omelija* 8 *dwar il-Ktieb tal-Eżodu*, 1: PG 12, 350.

2063 Hu xhieda wkoll tal-Patt u tad-djalogu bejn Alla u l-bniedem, il-fatt li l-kmandamenti huma mxandra fl-ewwel persuna (“Jiena l-Mulej ...), u jintqalu lill-ieħor “int ...”. Fil-kmandamenti kollha ta’ Alla hu l-pronom personali *singular* li juri lil min qed jingħataw il-kmandamenti. Alla jgħarraf ir-rieda tiegħu lill-poplu kollu u lil kull wieħed mill-poplu, fl-istess waqt.

> Il-Mulej jikkmanda l-imħabba għal Alla u jgħallem il-ġustizzja lejn il-proxxmu, biex il-bniedem ma jkunx la inġust u lanqas ma jixraqx lil Alla. B’dan il-mod, permezz tad-Dekalogu, Alla ħejja l-bniedem biex isir ħabibu u jkun qalb waħda ma’ għajru ... Kliem id-Dekalogu baqa’ wkoll fostna (l-Insara). Il-Liġi mhux tneħħiet, iżda twessgħet u żviluppat bil-miġja tal-Mulej fil-ġisem.[3]

Id-Dekalogu u t-Tradizzjoni tal-Knisja

2064 It-Tradizzjoni tal-Knisja, b’fedeltà lejn l-Iskrittura u fuq l-eżempju ta’ Ġesù, tat lid-Dekalogu importanza u tifsir mill-aqwa.

2065 Minn żmien Santu Wistin, “l-għaxar kmandamenti” dejjem kellhom post mill-aqwa fil-katekeżi ta’ dawk li kienu jħejju ruħhom għall-Magħmudija u tal-fidili. Fis-seklu ħmistax daħlet id-drawwa li l-kmandamenti tad-Dekalogu jitfissru f’versi bir-rima, biex wieħed malajr jiftakarhom, u ngħatatilhom sura pożittiva; din id-drawwa għadha teżisti sal-lum f’xi postijiet. Il-katekiżmi tal-Knisja spiss ifissru l-morali Nisranija skont l-ordni tal-“għaxar kmandamenti”.

2066 It-tqassim tal-kmandamenti u n-numerazzjoni tagħhom varjaw ħafna tul iż-żminijiet. Dan il-Katekiżmu jimxi mal-mod kif qassamhom Santu Wistin u li sar tradizzjonali fil-Knisja Kattolika. Il-Luterani wkoll iqassmuhom b’dan il-mod. Il-Missirijiet Griegi tal-Knisja għandhom tqassim ftit differenti u li nsibuh fil-Knejjes Ortodossi u fil-komunitajiet tar-Riforma.

[3] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 16, 3-4: PG 7, 1017-1018.

kkk 749-758 latest.OK (r).indd 754-755 5/16/2014 11:46:10 AM

2067 L-għaxar kmandamenti juruna x'titlob l-imħabba ta'
1853 Alla u tal-proxxmu. L-ewwel tliet kmandamenti huma l-aktar dwar l-imħabba ta' Alla, is-sebgħa l-oħra dwar l-imħabba tal-proxxmu.

> Kif l-imħabba tħaddan żewġ kmandamenti li, skont il-Mulej jiġbru fihom il-Liġi kollha u l-profeti … hekk l-għaxar kmandamenti huma fihom infushom imqassmin fuq żewġ twavel: tlieta miktubin fuq tavla u sebgħa fuq l-oħra.[4]

2068 Il-Konċilju ta' Trento jgħallem li l-għaxar kmandamenti
1993 jobbligaw lill-Insara, u li bniedem iġġustifikat għadu obbligat li jħarishom.[5] Il-Konċilju Vatikan II jgħid: "L-Isqfijiet, bħala suċċessuri tal-Appostli, irċevew mingħand il-Mulej ... il-
888 missjoni li jgħallmu l-ġnus kollha u jxandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu biex il-bnedmin kollha, permezz tal-fidi, il-Magħmudija u l-ħarsien tal-kmandamenti, jiksbu s-salvazzjoni".[6]

L-għaqda tad-Dekalogu

2534 2069 Id-Dekalogu hu ħaġa waħda: l-"għaxar kelmiet" ma jistgħux jinqatgħu minn xulxin. Kull "kelma" issejjaħ kull waħda mill-kelmiet l-oħra u l-kelmiet l-oħra kollha flimkien: jinfluwenzaw lil xulxin. Iż-żewġ twavel idawlu lil xulxin u flimkien jagħmlu ħaġa waħda organika. Il-ksur ta' kmandament wieħed jikser lill-oħrajn kollha (ara *Ġak* 2,10-11). Ma tistax tagħti ġieħ lil ħaddieħor mingħajr ma tbierek lil Alla. Ma tistax tqim lil Alla mingħajr ma tħobb

[4] Santu Wistin, *Omelija* 33, 2, 2: PL 38, 208.

[5] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar il-Ġustifikazzjoni* (1547), kan. 19-20: DS 1569-1570.

[6] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 24.

il-bnedmin kollha li hu ħalaq. Id-Dekalogu jgħaqqad flimkien il-ħajja teologali u l-ħajja soċjali tal-bniedem, ir-relazzjonijiet tal-bniedem ma' Alla u s-soċjetà tal-bnedmin.

Id-Dekalogu u l-liġi naturali

2070 L-għaxar kmandamenti ġew irrivelati minn Alla. Fl-istess ħin jgħallmuna x'inhi tassew in-natura tal-bniedem. 1955
Juru x'inhuma d-dmirijiet essenzjali tal-bniedem, u hekk, indirettament, x'inhuma wkoll id-drittijiet fundamentali tiegħu, drittijiet marbutin man-natura tal-persuna umana. Id-Dekalogu hu espressjoni pprivileġġjata tal-liġi naturali:

> Mill-bidu Alla qiegħed fil-qalb tal-bniedem l-għeruq tal-preċetti tal-liġi naturali. Imbagħad ried ifakkarhom. Dan kien id-Dekalogu.[7]

2071 Għalkemm jistgħu jingħarfu mir-raġuni biss, il- 1960
kmandamenti tad-Dekalogu ġew ukoll rrivelati. Il-bnedmin midinba, biex ikollhom għarfien sħiħ u żgur ta' kulma titlob il-liġi naturali, kienu jeħtieġu rivelazzjoni:

> Tifsira sħiħa tal-kmandamenti tad-Dekalogu kienet meħtieġa fl-istat tad-dnub minħabba li ddallam id-dawl tar-raġuni u r-rieda ma baqgħetx miexja dritt.[8]

Aħna nafu liema huma l-kmandamenti ta' Alla pemezz tar-
rivelazzjoni ta' Alla li tħabbrilna l-Knisja, u permezz tal-leħen 1777
tal-kuxjenza morali tagħna.

[7] San Irinew, *Kontra l-Ereżiji*, 4, 15, 1: PG 7, 1012.

[8] San Bonaventura, *Dwar il-Kotba tas-Sentenzi*, IV, 37, 1, 3.

kkk 749-758 latest.OK (r).indd 756-757 5/16/2014 11:46:10 AM

L-obbligi tad-Dekalogu

1858 2072 Għaliex il-kmandmenti jfissrulna d-dmirijiet tal-bniedem lejn Alla u lejn għajru, l-obbligu tal-ħarsien
1958 tagħhom hu *gravi*. Ma jistgħux jinbidlu, iżda jorbtu dejjem u kullimkien. Ħadd ma jista' jeħles lilu nnifsu milli jħarishom. L-għaxar kmandamenti naqqaxhom Alla fil-qalb ta' kull bniedem.

2073 Il-ħarsien tal-għaxar kmandamenti jitlob ukoll li jiġu mħarsa xi obbligi dwar xi ħwejjeġ li fihom infushom huma xi ħaġa żgħira. L-offiża bil-kliem (inġurja) hi pprojbita mill-ħames kmandament, iżda hi ħtija gravi biss jekk iċ-ċirkustanzi u l-intenzjoni jagħmluha gravi.

"Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn"

2074 Ġesù qal: "Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa'
2732 fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (*Ġw* 15,5). Il-frott hu l-qdusija tal-ħajja f'għaqda sħiħa ma' Kristu. Meta aħna nemmnu f'Ġesù
521 Kristu, nissieħbu fil-misteri tiegħu u nħarsu l-kmandamenti tiegħu, is-Salvatur innifsu jiġi fina jħobb lil Missieru u lil ħutu, lil Missierna u lil ħutna. Il-persuna tiegħu, bi grazzja tal-Ispirtu s-Santu, issir għalina regola ħajja fina dwar l-għemil kollu tagħna. "Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (*Ġw* 15,12).

Fil-qosor

2075 *"X'għandi nagħmel tajjeb biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" "Jekk int trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti"* (*Mt* 19,16-17).

2076 *Ġesù bi kliemu u b'għemilu, wera li d-Dekalogu hu għal dejjem.*

2077 *Id-don tad-Dekalogu ngħata fi ħdan il-Patt bejn Alla u l-poplu tiegħu. Il-kmandamenti ta' Alla jiksbu t-tifsir veru tagħhom f'dan il-Patt u permezz tiegħu.*

2078 *It-Tradizzjoni tal-Knisja, b'fedeltà sħiħa lejn l-Iskrittura, u fuq l-eżempju ta' Ġesù, tat lid-Dekalogu importanza u tifsir mill-aqwa.*

2079 *Id-Dekalogu hu ħaġa waħda organika fejn kull "kelma" jew "kmandament" hu marbut mal-kmandamenti l-oħra kollha. Il-ksur ta' kmandament wieħed jikser il-Liġi kollha* (*ara Ġak* 2,10-11).

2080 *Id-Dekalogu hu espressjoni pprivileġġjata tal-liġi naturali. Nafuh mir-Rivelazzjoni ta' Alla u mir-raġuni tagħna.*

2081 *L-għaxar kmandamenti, fundamentalment, huma dwar obbligi gravi. Iżda l-ħarsien tagħhom iġib ukoll il-ħarsien ta' xi obbligi, li fihom infushom huma ħaġa żgħira.*

2082 *Dak li Alla jordnalna, nistgħu nagħmluh bil-grazzja tiegħu.*

L-EWWEL KAPITLU

"ĦOBB IL-MULEJ ALLA TIEGĦEK B'QALBEK KOLLHA, B'RUĦEK KOLLHA U BIL-QAWWA TIEGĦEK KOLLHA"

2083 Ġesù ġabar fil-qosor id-dmirijiet kollha tal-bniedem lejn Alla f'dan il-kliem: "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek
367 kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu" (*Mt* 22,37; ara *Lq* 10,27: ... bil-qawwa tiegħek kollha"). Dan il-kliem qed itenni s-sejħa solenni: "Isma', o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu" (*Dewt* 6,4).

Alla ħabbna l-ewwel. L-imħabba ta' Alla wieħed waħdu, li ma hemmx ieħor bħalu hi mfakkra fl-ewwel waħda mill-"għaxar kelmiet". Il-kmandamenti juru mbagħad bid-dieher
199 it-tweġiba ta' mħabba li l-bniedem hu mistieden jagħti lil Alla tiegħu.

L-ewwel artiklu

L-EWWEL KMANDAMENT

Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. Ma jkollokx allat oħra għajri. La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom. (*Eż* 20, 2-5; ara *Dewt* 5,6-9).

Hemm miktub, "Lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura, u lilu biss taqdi" (*Mt* 4,10).

I. "Tadura l-Mulej Alla tiegħek u lilu biss taqdi"

2084 Alla għarraf lilu nnifsu u fakkar l-għemil tiegħu setgħani ta' tjieba u ta' ħelsien, fil-ġrajja ta' dawk li lilhom kien ikellem: "Jiena l-Mulej li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn 2057
dar il-jasar" (*Dewt* 5,6). L-ewwel kelma hi l-ewwel kmandament tal-liġi: "[Lill-] Mulej, Alla tiegħek, lilu sservi ... Tmurx wara allat oħra" (*Dewt* 6,13-14). L-ewwel sejħa, l-ewwel ħaġa li Alla ġustament irid hi li l-bniedem jaċċettah 398
u jadurah.

2085 Alla wieħed u veru juri l-glorja tiegħu l-ewwel lil Iżrael 200
(ara *Eż* 19,16-25; 24,15-18). Ir-rivelazzjoni tas-sejħa u tal-verità tal-bniedem hi marbuta mar-rivelazzjoni ta' Alla. Il-bniedem hu msejjaħ biex juri 'l Alla b'għemilu, skont kif ġie 1701
maħluq "fuq is-sura u x-xbieha" ta' Alla (*Ġen* 1,26).

> Qatt mhu se jkun hemm Alla ieħor, Trifone, u qatt ma kien hemm Alla ieħor tul iż-żminijiet … ħlief dak li ħalaq u jmexxi l-univers. Aħna ma naħsbux li Alla tagħna mhux l-istess bħal Alla tagħkom. Hu l-istess Alla li ħareġ lill-missirijietkom mill-Eġittu "b'id setgħana u driegħ merfugħ". Aħna ma nqegħdux it-tamiet tagħna f'xi Alla ieħor, għax ma hemmx Alla ieħor, imma fl-istess Alla tagħkom, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb.[1]

2086 "L-ewwel kmandament iħaddan il-fidi, it-tama u l-imħabba. Meta nsemmu 'l Alla, inkunu nsemmu lil dak li hu dejjem l-istess, li qatt ma jinbidel u qatt ma jbiddel fehemtu, 212
fidil u bla ebda qerq fih. Minn dan jiġi li għandna naċċettaw

[1] San Ġustinu, *Djalogu ma' Trifone l-Lhudi*, 11, 1: PG 6, 497.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 760-761 5/16/2014 11:48:01 AM

kelmtu b'fidi u b'fiduċja sħiħa fih. Min jaf li Hu jista' kollox, li hu ħanin, li lest dejjem biex jagħmel il-ġid, kif ma jqigħedx fih it-tamiet kollha tiegħu? Kif ma jħobbux meta jqis l-għana bla qies ta' tjieba u ta' mħabba li jxerred fuqna? Minn hawn li kull ordni li Alla fil-kobor tiegħu jagħti fl-Iskrittura jibda u
2061 jintemm bil-kliem *Jien il-Mulej*".[2]

1814-1816 IL-FIDI

2087 Il-ħajja morali tagħna għandha l-bidu tagħha fil-fidi
143 f'Alla li jurina mħabbtu. San Pawl jitkellem dwar "l-ubbidjenza tal-fidi" (*Rum* 1,5; 16,26) bħala l-ewwel dmir. Jara fin- "nuqqas tal-għarfien ta' Alla" il-bidu u t-tifsir tal-iżbalji morali kollha (ara *Rum* 1,18-32). Dmirna lejn Alla hu li nemmnu fih u nixhdu għalih.

2088 L-ewwel kmandament iridna mmantnu u nħarsu bil-għaqal u l-attenzjoni kollha l-fidi tagħna u nbiegħdu minnha kulma hu kuntrarju għaliha. Hemm ħafna suriet ta' dnubiet kontra l-fidi.

157 *Id-dubju volontarju* dwar il-fidi: dan jiġi meta, għax irridu, nittraskuraw jew ma rridux naċċettaw bħala veru dak li Alla rrivelalna u li l-Knisja xxandrilna biex nemmnuh. *Id-dubju involuntarju* jiġi meta noqogħdu naħsbuha nemmnu jew ma nemmnux, meta nsibuha bi tqila biex negħlbu l-oġġezzjonijiet marbutin mal-fidi, jew ukoll meta naqtgħu qalbna għax ma nifhmux dak li tgħidilna l-fidi u ma narawhx ċar. Meta nagħtu lok għal dawn id-dubji deliberatament, dawn jistgħu jwassluna għall-għama fl-ispirtu.

[2] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 3, 2, 4.

2089 L-*inkredulità* jew *nuqqas ta' fidi* sseħħ meta 162
nittraskuraw il-verità rrivelata jew meta b'rieda sħiħa ma naċċettawhiex. L-*ereżija* naqgħu fiha "meta wara 817
l-Magħmudija nwebbsu rasna u, niċħdu xi verità li għandna nemmnu b'fidi divina u Kattolika, jew inwebbsu rasna fid-dubju tagħna dwar din il-verità." L-*apostasija* hi "iċ-ċaħda sħiħa tal-fidi Nisranija". Ix-*xiżma* sseħħ "meta wieħed ma jridx joqgħod għall-awtorità tal-Papa jew jissieħeb mal-membri tal-Knisja li jobduh".[3]

IT-TAMA 1817-1821

2090 Meta Alla wera lilu nnifsu u sejjaħ lill-bniedem, dan ma setax iwieġeb għal kollox bil-ħila tiegħu biss għall-imħabba ta' Alla. Kellu jittama li Alla stess jagħtih il-ħila jwieġeb bl- 1996
imħabba lejh u jimxi skont il-kmandamenti tal-imħabba. It-tama hi l-istennija kollha fiduċja tal-barka ta' Alla u tad-dehra hienja ta' Alla; hi wkoll il-biża' li toffendi l-imħabba ta' Alla u ġġib fuqek il-kastig.

2091 L-ewwel kmandament iħaddan ukoll id-dnubiet kontra t-tama, jiġifieri d-disperazzjoni u l-prużunzjoni.

Bid-*disperazzjoni*, il-bniedem ma jkomplix jittama li jkollu mingħand Alla s-salvazzjoni personali tiegħu, l-għajnuna 1864
biex jiksibha jew il-maħfra ta' dnubietu. Id-disperazzjoni tmur kontra t-tjieba ta' Alla, kontra l-ġustizzja tiegħu – għax il-Mulej iżomm kelmtu – u kontra l-ħniena tiegħu.

2092 Hemm żewġ suriet ta' *prużunzjoni*; jew il-bniedem 2732
jafda f'ħiltu biss u jittama li jsalva mingħajr l-għajnuna ta' Alla l-Għoli, jew jafda żżejjed fis-setgħa u l-ħniena ta' Alla

[3] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 751.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 762-763 5/16/2014 11:48:02 AM

għax jittama li jikseb il-maħfra mingħajr indiema u l-glorja ta' dejjem bla ebda mertu.

1822-1829 L-Imħabba

2093 Il-fidi fl-imħabba ta' Alla tħaddan is-sejħa u d-dmir li nwieġbu għall-imħabba ta' Alla b'imħabba ħierġa mill-qalb. L-ewwel kmandament jordnalna biex inħobbu 'l Alla fuq kollox u nħobbu l-ħlejjaq kollha għalih u fih (ara *Dewt* 6,4-5).

2094 Nistgħu nidinbu b'ħafna manjieri kontra l-imħabba ta' Alla: l-*indifferenza* meta wieħed jittraskura jew ma jridx li jqis l-imħabba ta' Alla għax ma jridx jagħraf li ġejja minnu u jiċħad il-qawwa tagħha. L-*ingratitudni* ma tasalx biex tagħraf l-imħabba ta' Alla jew tiċħadha u għalhekk ma tweġibx b'imħabba għall-imħabba ta' Alla. Il-*bruda* hi nuqqas ta' ħeġġa jew traskuraġni biex twieġeb għall-imħabba ta' Alla, u tista' tfisser li wieħed ma jkunx irid jimtela u jitqanqal
2733 mill-imħabba ta' Alla. *L-għażż spiritwali* li jwassal biex wieħed ma jkunx irid il-ferħ li jiġi mingħand Alla jew
2303 jistmerr il-ġid li jiġi mingħandu. *Il-mibegħda ta' Alla* tiġi mis-suppervja: tmur kontra l-imħabba ta' Alla u tiċħad it-tjieba tiegħu u taħseb li tista' tisħtu għax ma jridx id-dnub u jikkastigah.

II. "Lilu biss taqdi"

2095 Il-virtujiet teologali tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba jagħtu sura u ħajja lill-virtujiet morali. Hekk l-imħabba twassalna biex nagħtu lil Alla dak li jmissna nagħtuh skont
1807 il-ġustizzja bħala ħlejjaq tiegħu. Il-*virtù tar-reliġjon* tħejjina għal dan.

L-adorazzjoni 2628

2096 Fil-virtù tar-reliġjon, l-adorazzjoni tiġi l-ewwel. Tadura 'l Alla jfisser tagħrfu bħala Alla, Ħallieq u Feddej, Mulej u Sid tal-ħolqien kollu, imħabba bla qies u kollu ħniena: "Lill-Mulej Alla tiegħek tagħti qima, u lilu biss taqdi" (*Lq* 4,8) qal Ġesù, huwa u jislet silta mid-Dewteronomju (6,13).

2097 Tadura 'l Alla, jiġifieri, tagħraf, bir-rispett kollu u 2807
b'sottomissjoni sħiħa "ix-xejn tal-ħlejjaq", għax huma ma jeżistux jekk mhux permezz tiegħu. Tadura 'l Alla jfisser li, bħal Marija, fil-*Magnificat*, tfaħħru u tgħollih, u ċċekken lilek innifsek quddiemu inti u tistqarr, b'radd ta' ħajr, li miegħek għamel ħwejjeġ kbar u li qaddis hu ismu (ara *Lq* 1,46-49). L-adorazzjoni ta' Alla wieħed teħles il-bniedem li jingħalaq fih innifsu, li jkun ilsir tad-dnub u li jqim il-ħwejjeġ tad-dinja.

It-talb 2558

2098 L-għemejjel ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba li jordnalna l-ewwel kmandament jilħqu l-qofol tagħhom fit-talb. Terfa' ruħek lejn Alla mhuwiex ħaġ'oħra ħlief tadura 'l Alla: talb ta' tifħir u radd il-ħajr, ta' interċessjoni u talb biex taqla' xi ħaġa. It-talb hu kundizzjoni li ma tistax tgħaddi mingħajrha jekk trid tobdi l-kmandamenti ta' Alla. "Għandhom dejjem jitolbu bla 2742
ma jaqtgħu" (*Lq* 18,1).

Is-sagrifiċċju

2099 Ħaġa sewwa toffri sagrifiċċji lil Alla b'sinjal ta' adorazzjoni u radd il-ħajr, ta' talb u ta' għaqda ma' Alla. "Għalhekk, is-sagrifiċċju tassew hu kull għemil li bih infittxu

613 ningħaqdu f'rabta qaddisa ma' Alla, jiġifieri għemil li jsir għal dak il-ġid finali li bih nistgħu nkunu henjin tassew".[4]

2100 Biex ikun veru, is-sagrifiċċju li tkun qed tagħmel fid-
2711 dieher, irid jidher li hu sagrifiċċju spiritwali: "Is-sagrifiċċju tiegħi, Mulej, hu qalb niedma" (*Salm* 51,19). Il-profeti tal-Patt il-Qadim spiss ikkundannaw is-sagrifiċċji magħmulin mhux mill-qalb (ara *Għam* 5,21-25) jew neqsin mill-imħabba tal-proxxmu (ara *Is* 1,10-20). Ġesù fakkar kliem il-profeta Hosegħa: "Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju" (*Mt* 9,13; 12,7;
614 ara *Hos* 6,6). L-uniku sagrifiċċju perfett hu dak li offra
618 Kristu fuq is-salib b'offerta sħiħa ta' mħabba lill-Missier għas-salvazzjoni tagħna (ara *Lh* 9,13-14). Meta ningħaqdu mas-sagrifiċċju ta' Kristu nistgħu nagħmlu ħajjitna offerta ta' sagrifiċċju lil Alla.

Wegħdiet u voti

2101 In-Nisrani, f'ħafna ċirkustanzi, hu msejjaħ biex
1237 jagħmel xi *wegħdiet* lil Alla. Il-Magħmudija u l-Konfermazzjoni jew Griżma, iż-Żwieġ u l-Ordinazzjoni fihom wegħdiet lil Alla. In-Nisrani, b'devozzjoni personali, jista' dejjem iwiegħed xi ħaġa lil Alla, xi għemil, xi talba, xi att ta' karità, xi pellegrinaġġ
1064 u xi għemil ieħor. Meta aħna nżommu l-wegħdiet li nagħmlu lil Alla, inkunu nuru dak ir-rispett li jixraq lill-kobor ta' Alla u mħabba għal Alla li dejjem iżomm kelmtu.

2102 "Il-*vot* jiġifieri wegħda magħmula bil-ħsieb u b'rieda ħielsa lil Alla ta' xi ħaġa aħjar li tista' ssir irid jitwettaq bħala

[4] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 10, 6: PL 41, 283: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, I, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 530.

għemil tal-virtù tar-reliġjon".[5] Il-vot hu għemil ta' *devozzjoni* li bih in-Nisrani jwiegħed lilu nnifsu lil Alla jew li jagħmel xi għemil tajjeb. Meta n-Nisrani jwettaq il-voti tiegħu jkun jagħti lil Alla dak li wiegħdu u kkonsagralu. L-Atti tal-Appostli juruna lil San Pawl ħerqan li jtemm il-voti li kien għamel (ara *Atti* 18,18; 21,23-24).

2103 Il-Knisja tqis li għandhom siwi eżemplari l-voti għall-
1973 ħarsien tal-*kunsilli evanġeliċi*:[6]

> Il-Knisja tifraħ li fi ħdanha hemm irġiel u nisa li jimxu aktar fil-qrib 914
> mal-Feddej fl-umiljazzjonijiet tiegħu, u dan juruh b'mod aktar ċar, billi jħaddnu l-faqar tal-ħelsien ta' wlied Alla u jiċċaħħdu mir-rieda propja tagħhom: huma joqogħdu għar-rieda ta' bniedem ieħor għall-imħabba ta' Alla biex jiksbu l-perfezzjoni, u jagħmlu dan, biex ikunu jixbhu aktar lil Kristu fl-ubbidjenza tiegħu.[7]

F'xi okkażjonijiet il-Knisja, għal raġunijiet xierqa, tiddispensa mill-weġħdiet u l-voti.[8]

Id-dmir soċjali tar-reliġjon u d-dritt għal-libertà reliġjuża

2104 "Il-bnedmin kollha huma fid-dmir li jfittxu l-verità, 2467
l-aktar il-verità dwar Alla u l-Knisja tiegħu, u meta jsibuha huma fid-dmir li jħaddnuha u jkunu fidili lejha".[9] Dan id-dmir jiġi mill-istess "natura tal-bniedem".[10] Dan mhuwiex kuntrarju għar-"rispett sinċier" li għandu jkun hemm għar-reliġjonijiet kollha, li "spiss għandhom fihom raġġ ta' dik il- 851

[5] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 119 §1.
[6] Ara *ibid.*, kan 654.
[7] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 42.
[8] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 692; 1196-1197.
[9] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 1.
[10] *Ibid.*, 2.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 766-767 5/16/2014 11:48:02 AM

verità li ddawwal il-bnedmin kollha”[11], u lanqas ma hu kontra dak li titlob l-imħabba mill-Insara kollha li “juru mħabba, għaqal, sabar ma’ dawk li jinsabu fl-iżball jew ma jafux il-fidi”.[12]

2105 Id-dmir li tingħata qima vera lil Alla jorbot lill-bniedem kemm bħala individwu u kemm bħala membru tas-soċjetà. Din hi “id-duttrina tradizzjonali Kattolika fuq id-dmir morali tal-bnedmin u tas-soċjetajiet dwar ir-reliġjon vera u dwar il-
854 Knisja waħda ta’ Kristu”.[13] Il-Knisja, meta xxandar bla heda l-Evanġelju lill-bnedmin kollha, tħabrek biex “huma jdaħħlu l-ispirtu Nisrani fil-mentalità u fl-imġiba, fil-liġijiet u fl-istrutturi
898 tal-komunità li fiha jgħixu”.[14] Id-dmir soċjali tal-Insara hu li jirrispettaw u jqanqlu f’kull bniedem l-imħabba għal kulma hu veru u tajjeb; jitlob minnhom li jwasslu lill-bnedmin kollha biex jagħrfu li l-qima tar-reliġjon waħda vera tinsab sħiħa fil-Knisja Kattolika u Appostolika.[15] L-Insara huma msejħin biex ikunu dawl tad-dinja.[16] B’dan il-mod il-Knisja xxandar li Kristu hu Sultan tal-ħolqien kollu u b’mod partikulari tas-soċjetajiet tal-bnedmin.[17]

160 2106 “Fejn tidħol ir-reliġjon, ħadd ma għandu jiġi mġiegħel
1782 imur kontra l-kuxjenza tiegħu, u lanqas ħadd ma għandu jiġi mfixkel li jimxi skont il-kuxjenza tiegħu, kemm privatament u kemm pubblikament, waħdu jew flimkien ma’ oħrajn,
1738 sakemm dan isir f’limiti ġusti”.[18] Dan id-dritt hu bbażat fuq

[11] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Nostra aetate* (1965), 2.
[12] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 14.
[13] *Ibid*., 1.
[14] Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 13.
[15] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Dignitatis humanae* (1965), 1.
[16] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 13.
[17] Ara Ljun XIII, Enċiklika *Immortale Dei* (1885); Piju XI, Enċiklika *Quas primas* (1925).
[18] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 2.

in-natura stess tal-persuna umana, għax id-dinjità tiegħu bħala bniedem twasslu biex b’mod ħieles iħaddan il-verità ta’ Alla, li hi ’l fuq minn kull ordni f’din id-dinja. Hu għalhekk li “dan id-dritt jinsab ukoll f’dawk li mhumiex jaqdu d-dmir li jfittxu l-verità u jħaddnuha”.[19]

2107 “Jekk minħabba xi ċirkustanzi partikulari ta’ xi popli, ikun hemm għarfien ċivili speċjali mill-ordni ġuridiku tal-pajjiż għal xi soċjetà reliġjuża partikulari, ikun meħtieġ ukoll li, fl-istess waqt, jingħaraf u jiġi rrispettat id-dritt għal-libertà reliġjuża taċ-ċittadini tal-komunitajiet reliġjużi l-oħra kollha”.[20]

2108 Id-dritt għal-libertà reliġjuża ma jfissirx la li wieħed 1740
għandu l-permess morali li jħaddan l-iżball[21] u anqas li l-iżball għandu xi dritt[22], imma jfisser biss id-dritt naturali li għandha l-persuna umana għal-libertajiet ċivili, jiġifieri li l-bniedem ikun ħieles (igawdi l-immunità), f’limiti ġusti, minn kull pressjoni fuqu, mis-setgħat politiċi f’dak li għandu x’jaqsam mar-reliġjon. “Dan id-dritt naturali irid ikun magħruf mill-ordni ġuridiku tas-soċjetà b’mod li jitqies bħala dritt ċivili”.[23]

2109 Id-dritt għal-libertà reliġjuża fih innifsu ma għandux ikun bla 2244
limiti,[24] u lanqas għandu jiġi llimitat biss permezz ta’ “ordni pubbliku”, kif jifhmuh il-pożittivisti u n-naturalisti.[25] Il-“limiti ġusti” li fihom trid tkun imħarsa l-libertà reliġjuża, għal kull qagħda soċjali jiġu ffissati mill-għaqal politiku ta’ min imexxi l-pajjiż, skont ma jitlob il-ġid ta’ kulħadd, u

[19] *Ibid.*
[20] *Ibid*., 6.
[21] Ara Ljun XIII, Enċiklika *Libertas praestantissimum* (1888).
[22] Ara Piju XII, Diskors lill-ġuristi Kattoliċi Taljani (6 ta’ Diċembru 1953).
[23] Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 2.
[24] Ara Piju VI, Brevi *Quod aliquantum*: Ittra lill-Isqfijiet Franċiżi dwar il-Kostituzzjoni Ċivili tal-Kleru u l-ħolqien ta’ Knisja sottomessa għall-Istat (1791).
[25] Ara Piju IX, Enċiklika *Quanta cura* (1864): DS 2890.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 768-769 5/16/2014 11:48:02 AM

1906 rratifikati mill-awtorità ċivili skont “regoli ġuridiċi li jaqblu mal-ordni morali fih innifsu”.[26]

III. “Ma jkollokx Alla ieħor għajri”

2110 L-ewwel kmandament jipprojbixxi li jingħata ġieħ lil allat oħra, imma jingħata ġieħ biss lill-Mulej wieħed li wera lilu nnifsu lill-poplu tiegħu. L-ewwel kmandament jikkundanna s-superstizzjoni, u l-irreliġjon jew in-nuqqas ta’ reliġjon. Is-superstizzjoni hi b’xi mod esaġerazzjoni qarrieqa tar-reliġjon; l-irreliġjon huwa vizzju li jmur kontra l-virtù tar-reliġjon għax inaqqasha.

Is-superstizzjoni

2111 Is-superstizzjoni hi tgħawwiġ tas-sentiment reliġjuż u tad-devozzjonijiet li jiġu minnu. Is-superstizzjoni nistgħu nsibuha wkoll fl-istess kult li nagħtu lil veru Alla, bħalma meta nagħtu importanza kbira qisu għandu xi qawwa maġika lil xi għemil reliġjuż li fih innifsu hu tajjeb u meħtieġ. Meta fit-talb u s-sagramenti aħna norbtu l-ħidma tagħhom biex ikollhom effett fina ma’ dak li jidher biss u ma nqisux id-dispożizzjoni tar-ruħ li jrid ikun hemm, aħna naqgħu fis-superstizzjoni (ara *Mt* 23,16-22).

L-idolatrija

2112 L-ewwel kmandament jikkundanna l-*politeiżmu*.
210 L-ewwel kmandament jitlob li l-bniedem ma jemminx f’allat

[26] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 7.

oħra imma f’Alla biss, ma jridx li tingħata qima lil allat oħra imma tingħata biss lil Alla wieħed veru. L-Iskrittura spiss tfakkar li għandna nwarrbu “l-allat tad-deheb u l-fidda, xogħol ta’ jdejn il-bniedem”, allat “li għandhom il-fomm u ma jitkellmux, għandhom l-għajnejn u ma jarawx” ... Dawn l-allat fiergħa jagħmluna fiergħa: “Bħalhom ikunu dawk li jagħmluhom, u dawk kollha li jittamaw fihom” (*Salm* 115, 4-5.8; ara *Is* 44,9-20; *Ġer* 10,1-16; *Dan* 14,1-30; *Bar* 6; *Għerf* 13,1 – 15,19). Alla, għall-kuntrarju hu “Alla l-ħaj” (*Ġoż* 3,10; *Salm* 42,3 u l-bqija) li jagħti l-ħajja u jidħol fil-ġrajja tal-bniedem.

2113 L-idolatrija mhijiex biss il-qima qarrieqa tal-paganiżmu. L-idolatrija hi dejjem tentazzjoni kontra l-fidi, 398
għax twassal biex nagħmlu Alla dak li mhuwiex Alla. Hi idolatrija meta l-bniedem flok lil Alla, jagħti ġieħ u qima lil 2534
xi ħaġa maħluqa, li tista’ tkun xi alla falz jew ix-Xitan (is-sataniżmu), jew xi setgħa, jew xi pjaċir, jew ir-razza, jew l-antenati, jew l-Istat, jew il-flus u l-bqija. “Ma tistgħux 2289
taqdu lil Alla u lill-flus” (*Mt* 6,24). Kotra kbira ta’ martri mietu 2473
biex ma jagħtux qima lill-“Bhima” (ara *Apok* 13-14) jew jagħmlu tabirruħhom li qed iqimuha. L-idolatrija tiċħad is-Setgħa waħdanija ta’ Alla; għalhekk min iqim allat oħra ma jistax fl-istess ħin ikun f’għaqda ma’ Alla (ara *Gal* 5,20; *Ef* 5,5).

2114 Il-ħajja tal-bniedem issib is-sħuħija tagħha fl-adorazzjoni ta’ Alla wieħed veru. Il-kmandament tal-adorazzjoni tal-Mulej waħdu jwassal lill-bniedem biex ikun magħqud fih innifsu bi ħsieb wieħed biss u ħieles milli joqgħod ixerred ħsibijietu biex jara lil min se jqim. L-idolatrija hi tgħawwiġ tas-sentiment reliġjuż li jinsab fil-fond tal-qalb tal-bniedem. Il-bniedem għandu fil-fond ta’ qalbu fehma ta’ Alla, li ma tista’ titħassar qatt. Min iqim l-allat foloz “ikun

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 770-771 5/16/2014 11:48:02 AM

qiegħed jagħti din il-fehma li għandu ta' Alla lil kull min ifettillu, ikun xi jkun jew min ikun".[27]

Teħbir u seħer

2115 Alla seta' jirrivela l-ġejjieni lill-profeti jew lil xi qaddisin oħra. Iżda l-qagħda Nisranija vera hi dik li wieħed jafda lilu nnifsu b'fiduċja sħiħa f'idejn il-providenza ta' Alla f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġejjieni u jħalli fil-ġenb kull kurżità fiergħa dwar dak li għad jista' jiġri. In-nuqqas ta' ħsieb għall-ġejjieni jista' jkun nuqqas ta' responsabiltà.

2116 Is-suriet kollha tat-*teħbir* għandhom jiġu mwarrba: titlob l-għajnuna tax-Xitan jew ta' xjaten oħrajn, issejjaħ il-mejtin jew tagħmel kull sura ta' għemil ieħor li taħseb li bih tista' "tikxef" il-ġejjieni (ara *Dewt* 18,10; *Ġer* 29,8); tistħarreġ il-ġejjieni permezz tal-oroskopji, tal-astroloġija, tal-kiromanzija, tara f'xi fatti tħabbir ta' dak li se jiġri jew taqra x-xorti ta' xi ħadd, tinqeda b'dawk li jippretendu li jaraw ċar dak li hu 'l bogħod fiż-żmien, titlob l-għajnuna ta' dawk li jippretendu li huma mezz biex isiru s-sħarijiet jew biex tkellem lill-mejtin: dan l-għemil kollu juri li wieħed irid jaħkem iż-żmien, l-istorja u fl-aħħar l-istess bnedmin, u fl-istess ħin juri x-xewqa li jħabbeb miegħu setgħat moħbija. Dan kollu jmur kontra l-ġieħ u r-rispett li għandu jkollna għal Alla waħdu, flimkien mal-biża' kollha mħabba lejh.

2117 L-għemejjel kollha tas-*seħer* u tal-*magħmul* li bihom wieħed jippretendi li jġiegħel joqogħdu għalih setgħat moħbija biex jaqduh, ħa jkollu setgħa sopranaturali fuq

[27] Oriġene, *Kontra Ċelsu*, 2, 40: PG 11, 861.

għajru – ukoll biex jagħtih saħħtu – huma kuntrarji b'mod tassew gravi għall-virtù tar-reliġjon. Dan l-għemil hu wisq aktar ta' min jikkundannah meta hemm il-ħsieb li ssir ħsara lil ħaddieħor jew meta jintalab l-indħil tax-xjaten. L-użu tal-amuleti, ta' xi ħaġa li wieħed iġib fuqu biex teħilsu minn xi għajn jew minn xi magħmul, hu wkoll ta' min jistmerru. L-*ispiritiżmu* spiss iħaddan fih teħbir u għemil ta' sħarijiet. Il-Knisja għalhekk twissi lill-Insara biex iħarsu ruħhom minn dan kollu. Mhijiex xi ħaġa tajba u ta' min japprovaha, l-użu ta' xi prattika medika tradizzjonali biex issejjaħ is-setgħat tal-ħażen jew biex tapprofitta mill-kredulità tan-nies.

L-irreliġjon

2118 L-ewwel kmandament ta' Alla jikkundanna wkoll id-dnubiet ewlenin kontra r-reliġjon: it-tiġrib ta' Alla bil-kliem u bl-għemil, is-sagrileġġ u s-simonija.

2119 *It-tiġrib ta' Alla* hu l-għemil ta' dak li, bi kliemu jew b'għemilu, irid jara jekk Alla huwiex tassew tajjeb u jista' kollox. Dan ried ix-Xitan mingħand Ġesù, meta riedu jintefa' 394
'l isfel minn fuq il-quċċata tat-tempju biex hekk iġiegħel 'l Alla jindaħal (ara *Lq* 4,9). Għal din it-tentazzjoni, Ġesù jwieġeb bil-Kelma ta' Alla: "La ġġarrbux lill-Mulej, Alla tagħkom" (*Dewt* 6,16). L-isfida li tħaddan fiha tentazzjoni bħal din tidrob ir-rispett u l-fiduċja li għandu jkollna f'dak li ħalaqna u hu Sidna. Din it-tentazzjoni dejjem tħaddan fiha dubju dwar l-imħabba, il-providenza u s-setgħa ta' Alla (ara *1 Kor* 10,9; 2088
Eż 17,2-7; *Salm* 95,9).

2120 Is-sagrileġġ hu profanazzjoni jew użu mhux xieraq tas-sagramenti u ta' azzjonijiet oħra liturġiċi, u wkoll użu mhux xieraq ta' persuni, tagħmir u postijiet ikkonsagrati lil

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 772-773 5/16/2014 11:48:02 AM

Alla. Is-sagrileġġ hu dnub gravi l-aktar meta hu magħmul kontra l-Ewkaristija għax, f'dan is-sagrament il-Ġisem stess
1374 ta' Kristu hu preżenti għalina sostanzjalment.[28]

2121 Is-*simonija* (ara *Atti* 8,9-24) hi x-xiri jew il-bejgħ ta' realtajiet spiritwali. Lil Xmun is-saħħar, li ried jixtri s-setgħa spiritwali li ra għand l-Appostli, San Pietru qallu: "Alla jeqred flusek u lilek magħhom, ladarba ħsibt li bi flusek tista' tixtri d-don tiegħu" (*Atti* 8,20). B'hekk, wera li jaqbel ma' dak li
1578 kien qal Ġesù: "B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu" (*Mt* 10,8; ara wkoll *Is* 55,1). Ma jistax ikun li wieħed jagħmel tiegħu l-ġid spiritwali u jqis ruħu bħala sidu jew li hu tiegħu, għaliex il-ġid spiritwali ġej mingħand Alla: ma nistgħux nirċevuh jekk mhux mingħand Alla, u b'xejn.

2122 "Barra dak li jiġi stabbilit mill-awtorità kompetenti, il-ministru ma għandu jitlob xejn aktar għall-amministrazzjoni tas-sagramenti, u għandu jara dejjem li dawk li huma f'xi ħtieġa ma jiġu qatt imċaħħdin mill-għajnuna tas-sagramenti minħabba l-faqar tagħhom".[29] L-awtorità kompetenti tistabbilixxi "l-ammont tal-offerta" skont il-prinċipju li l-poplu Nisrani għandu jipprovdi għall-manteniment tal-ministri tal-Knisja: "Il-ħaddiem ħaqqu ħobżu" (*Mt* 10,10; ara *Lq* 10,7; *1 Kor* 9,5-18; *1 Tim* 5,17-18).

L-ATEIŻMU

2123 "Ħafna min-nies ta' żmienna bl-ebda mod ma
29 qegħdin jintebħu bir-relazzjoni intima u vitali li hemm bejn Alla u l-bniedem, meta ma jaslux ukoll biex jiċħduha apertament: dan wassal biex l-ateiżmu jitqies bħala wieħed mill-fatti l-aktar serji ta' dan iż-żmien".[30]

[28] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1367; 1376.
[29] *Ibid.,* kan. 848.
[30] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 19.

2124 Il-kelma "ateiżmu" tfisser għadd ta' fenomeni li huma diversi ħafna minn xulxin. Sura ta' ateiżmu li niltaqgħu spiss magħha hi l-materjaliżmu prattiku li jillimita l-ħtiġijiet u l-ambizzjonijiet kollha tiegħu għall-ispazju u ż-żmien ta' issa. L-umaniżmu ateu jiżbalja għax iqis il-bniedem li "hu fih innifsu l-iskop tiegħu nnifsu, u hu waħdu biss ifassal u jmexxi l-ġrajja tiegħu".[31] Sura oħra ta' ateiżmu ta' żmienna tistenna l-ħelsien tal-bniedem permezz ta' ħelsien ekonomiku u soċjali, ħelsien li, skont din is-sura ta' ateiżmu, ir-reliġjon, min-natura tagħha stess, hi ta' tfixkil għalih għaliex tqiegħed kull tama tal-bniedem fil-ħajja li għad trid tiġi, u hekk tbiegħdu milli jħabrek għall-bini tal-belt tad-dinja.[32]

2125 L-ateiżmu, li ma jaċċettax jew ma jammettix li Alla jeżisti, hu dnub kontra l-virtù tar-reliġjon (ara *Rum* 1,18). Il-ħtija ta' dan id-dnub tista' tonqos ħafna minħabba l-intenzjoni 1735
u ċ-ċirkustanzi. "Min jemmen jista' jkollu responsabiltà mhux żgħira fil-bidu u t-tixrid ta' l-ateiżmu, meta jittraskura li jitrawwem fil-fidi, jew tingħatalu duttrina mgħawġa tal-fidi, jew jgħix ħajja reliġjuża, morali u soċjali, mimlija b'ħafna nuqqasijiet; għal dan ikollna ngħidu li iktar milli juri lill-oħrajn kif inhu tassew Alla u x'inhi r-reliġjon, iħallihom misturin".[33]

2126 Spiss l-ateiżmu hu bbażat fuq fehma qarrieqa tal- 396
awtonomija tal-bniedem, fehma li twassal biex wieħed jirrifjuta għal kollox li jkun jiddependi minn Alla.[34] Iżda "l-għarfien ta' Alla bl-ebda mod ma jmur kontra d-dinjità tal-bniedem, anzi din id-dinjità ssib f'Alla nnifsu l-pedament u 154

[31] *Ibid*., 20.
[32] *Ibid.*
[33] *Ibid*., 19.
[34] Ara *ibid*., 20.

l-perfezzjoni tagħha”.[35] Il-Knisja taf li “il-messaġġ tagħha jaqbel ma’ dak li hemm moħbi fil-qiegħ l-aktar fond tal-qalb tal-bniedem”.[36]

L-anjostiċiżmu

2127 L-anjostiċiżmu hu ta’ ħafna suriet. F’xi każi l-anjostiċiżmu ma jkunx irid jiċħad lil Alla, anzi għall-kuntrarju jammetti li hemm xi ħadd traxxendenti, ’il fuq mill-bniedem, li ma jistax juri lilu nnifsu u ħadd ma jista’ jaf xejn
36 dwaru. F’każijiet oħra l-anjostiċiżmu ma jgħid xejn dwar jekk hemmx Alla, għax jaħseb li m’hux possibbli għall-bniedem li jipprova li hemm Alla u jammetti jew jiċħad lil Alla.

2128 L-anjostiċiżmu xi kultant iħaddan fih it-tfittix ta’ Alla,
1036 iżda jista’ jkun ukoll sura ta’ indifferentiżmu, ħarba mill-ħsieb dwar għalfejn fl-aħħar mill-aħħar ġie maħluq il-bniedem u għażż tal-kuxjenza morali. L-anjostiċiżmu xi drabi mhuwiex ħlief ateiżmu fil-prattika, imġiba ta’ ħajja bħallikieku ma hemmx Alla.

1159-1162 ## IV. “Tagħmilx għalik xbihat minquxa ...”

2129 Il-kmandament ta’ Alla hu projbizzjoni ta’ kull xbieha ta’ Alla magħmula minn id il-bniedem. Id-Dewteronomju jfisser dan hekk: “Meta l-Mulej, Alla tagħkom, kellimkom minn ġon-nar minn fuq il-muntanja Ħoreb, intom ma rajtu ebda xbieha, mela ħarsu rwieħkom li ma titħassrux u

[35] *Ibid*., 21.
[36] *Ibid.*

tagħmlu xi sura ta’ idolu ...” (*Dewt* 4,15-16). Hu Alla, kollu kemm hu traxxendenti, li wera lilu nnifsu lil Iżrael. “Hu 300
kollox”, iżda fl-istess ħin hu “akbar mill-għemejjel kollha tiegħu” (*Sir* 43,27-28). Hu “il-bidu ta’ kull ġmiel” (*Għerf* 13,3). 2500

2130 Iżda fi żmien it-Testment il-Qadim, Alla ordna jew ippermetta xi xbihat li kellhom iwasslu simbolikament għas-salvazzjoni permezz tal-Verb magħmul bniedem: is-serp tal-bronż (ara *Num* 21,4-9; *Għerf* 16,5-14; *Ġona* 3,14-15), l-Arka tal-Patt u l-kerubini (ara *Eż* 25,10-22; *1 Slat* 6,23-28; 7,23-26).

2131 Is-seba’ Konċilju Ekumeniku, li sar f’Nicea (fis-sena 476
787), bena t-tagħlim tiegħu fuq il-misteru tal-Verb magħmul bniedem, u ġġustifika l-kult tal-ikoni (xbihat qaddisa) ta’ Kristu, u wkoll dawk ta’ Omm Alla, tal-anġli u tal-qaddisin kollha. L-Iben ta’ Alla, meta sar bniedem, ta bidu għal “ekonomija” ġdida dwar ix-xbihat.

2132 Il-kult Nisrani tax-xbihat ma jmurx kontra l-ewwel kmandament, li jipprojbixxi l-idoli. Dan għaliex “il-ġieħ li tingħata lix-xbieha tmur għall-qima ta’ Dak li tiegħu hi x-xbieha”[37] u “kull min jagħti ġieħ lil xi xbieha, ikun qed jagħti ġieħ lill-persuna li hi mpinġija fuqha”.[38] Il-ġieħ mogħti lix-xbihat imqaddsa hu “venerazzjoni ta’ rispett” u mhux adorazzjoni li tingħata biss lil Alla:

[37] San Bażilju l-Kbir, *Il-Ktieb dwar l-Ispirtu s-Santu*, 18, 45: PG 32, 149C.
[38] Konċilju ta’ Nicea II, *Definizzjoni dwar ix-Xbihat Imqaddsa* (787): DS 601; ara Konċilju ta’ Trento, *Digriet dwar l-invokazzjoni, il-venerazzjoni, ir-Relikwi tal-Qaddisin u x-Xbihat imqaddsa* (1563): DS 1821-1825; Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 126; *ibid*., Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 67.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 776-777 5/16/2014 11:48:03 AM

Il-qima tar-reliġjon ma tingħatax lix-xbihat infushom bħallikieku kienu xi realtà, imma tqishom fl-aspett tagħhom ta' xbihat li jwassluna għal Alla magħmul bniedem. L-att tal-kult magħmul lil xbieha ma jiqafx fuqha imma jmur fuq ir-realtà li tagħha hi x-xbieha.[39]

Fil-qosor

2133 *"Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha"* (*Dewt* 6,5).

2134 *L-ewwel kmandament isejjaħ lill-bniedem biex jemmen f'Alla, jittama fih u jħobbu aktar minn kollox.*

2135 *"Lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura"* (*Mt* 4,10). *Li tadura 'l Alla, titolbu, toffrilu l-qima li tistħoqqlu, iżżomm il-wegħdiet u l-voti li jsirulu, huma għemejjel tal-virtù tar-reliġjon li juru ubbidjenza għall-ewwel kmandament.*

2136 *Id-dmir li tingħata qima vera lil Alla jolqot il-bniedem kemm bħala individwu u kemm bħala membru tas-soċjetà.*

2137 *Il-bniedem "għandu jkun jista' jistqarr b'mod ħieles ir-reliġjon kemm fil-privat u kemm pubblikament".*[40]

2138 *Is-superstizzjoni hi tgħawwiġ tal-qima li nagħtu lil Alla veru u l-iktar li tidher fl-idolatrija kif ukoll fil-ħafna suriet ta' teħbir u ta' seħer.*

[39] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, II-II, 81, 3, 3.

[40] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 15.

2139 *It-tiġrib ta' Alla, bil-kliem jew bl-għemil, is-sagrileġġ, is-simonija huma dnubiet ta' irreliġjon ipprojbiti mill-ewwel kmandament.*

2140 *L-ateiżmu meta jiċħad jew ma jaċċettax li hemm Alla hu dnub kontra l-ewwel kmandament.*

2141 *Il-kult tax-xbihat imqaddsa hu mibni fuq il-misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla. Mhux kontra l-ewwel kmandament.*

It-tieni artiklu

IT-TIENI KMANDAMENT

La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn (*Eż* 20,7; ara *Dewt* 5,11).

Smajtu wkoll x'intqal lin-nies ta' dari, "Tonqosx mill-wegħda li ħlift … Imma jiena ngħidilkom biex ma taħilfu xejn" (*Mt* 5,33-34).

I. Isem il-Mulej hu qaddis 2807-2815

2142 It-tieni kmandament jordnalna *nuru rispett lill-isem tal-Mulej.* Joħroġ, bħall-ewwel kmandament, mill-virtù tar-reliġjon u b'mod partikulari jirregola l-kliem kollu li ngħidu fuq il-ħwejjeġ qaddisa.

2143 Fost il-ħafna kelmiet tar-Rivelazzjoni, hemm kelma waħda, singulari, kelma li hi r-rivelazzjoni tal-Isem ta' Alla. Alla jafda ismu lil dawk li jemmnu fih; jurihom il-Misteru 203
tiegħu nnifsu. L-għoti tal-isem jiftiehem f'kuntest tal-

kunfidenza u tal-intimità li Alla jrid juri. "L-isem tal-Mulej hu
435 qaddis." Għalhekk il-bniedem ma jistax ikasbru. Għandu jżommu f'moħħu fis-skiet ta' adorazzjoni kollha mħabba (ara *Żak* 2,17). Ma jsemmihx bi kliemu jekk mhux biex ibierku, ifaħħru u jiglorifikah (ara *Salm* 29,2; 96,2; 113,1-2).

2144 Il-ġieħ li jingħata lill-Isem ta' Alla hu l-ġieħ li jistħoqq lill-Misteru ta' Alla nnifsu u ta' dak kollu li hu qaddis u li Isem Alla jfakkarna fih. *Is-sens tas-sagru* jiġi mill-virtù tar-reliġjon:

> Is-sentimenti tal-biża' u tas-sagru huma sentimenti Nsara jew mhumiex? Ħadd ma jista' jiddubitah. Dawn huma s-sentimenti li għandu jkollna, u jkollna b'qawwa tassew kbira, kieku jkollna d-dehra ta' Alla setgħan. Huma s-sentimenti li għandu jkollna jekk "inħossu" li Alla qiegħed magħna. Irid ikollna dawn is-sentimenti daqskemm nemmnu li hu magħna. Jekk ma nħossuhomx, jiġifieri mhux qed nagħrfu li hu magħna.[41]

2472 2145 In-Nisrani jagħti xhieda għall-isem tal-Mulej huwa u jistqarr bla biża' l-fidi tiegħu (ara *Mt* 10,32; *1 Tim* 6,12). Il-
427 predikazzjoni u l-katekeżi jridu jkunu mimlijin b'adorazzjoni u b'rispett għall-isem ta' Sidna Ġesù Kristu.

2146 It-tieni kmandament jipprojbixxi *kull abbuż bl-isem ta' Alla*, jiġifieri kull użu li ma jixraqx lill-isem ta' Alla, ta' Ġesù Kristu, tal-Verġni Marija u tal-qaddisin kollha.

2101 2147 Il-*wegħdiet* magħmulin lil xi ħaddieħor fl-isem ta' Alla jimpenjaw il-ġieħ, il-fedeltà u l-awtorità ta' Alla veru. Iridu jinżammu skont il-ġustizzja. Min jikser wegħdiet bħal dawn ikun qed jabbuża bl-isem ta' Alla u b'xi mod ikun qed juri 'l Alla bħala giddieb (ara *1 Ġw* 1,10).

[41] Beatu John Henry Newman, *Omeliji Parrokkjali u Ferjali*, V, Omelija 2, dwar ir-reverenza u l-fidi fil-preżenza ta' Alla.

2148 *Id-dagħa* jmur direttament kontra t-tieni kmandament. Hu kliem kontra Alla – ġewwa fik jew fuq fommok – kliem ta' mibegħda, ta' ċanfir, ta' sfida, kliem li bih tgħid il-ħażin dwar Alla, tonqsu mir-rispett b'dak li bi ħsiebek tagħmel, tabbuża b'isem Alla. San Ġakbu jikkundanna lil dawk "li jżebilħu [dan] l-Isem (ta' Ġesù) ta' ġieħ li ġie msejjaħ [fuqhom]" (*Ġak* 2,7). Il-projbizzjoni tad-dagħa tħaddan ukoll id-dagħa kontra l-Knisja ta' Kristu, kontra l-qaddisin u kontra kull ħaġa qaddisa. Hu dagħa wkoll jekk f'isem Alla taħbi għemil kriminali, tjassar il-ġnus, tittortura jew toqtol. L-abbuż tal-isem ta' Alla ħa tagħmel ħaġa ħażina jfisser iċ-ċaħda tal-virtù tar-reliġjon.

Id-dagħa hu kontra r-rispett li jistħoqq lil Alla u lill-isem 1756
qaddis tiegħu. Minnu nnifsu hu dnub gravi.[42]

2149 *Il-ħalf* bl-isem ta' Alla, mingħajr ħsieb ta' dagħa, hu nuqqas ta' rispett lejn il-Mulej. It-tieni kmandament jipprojbixxi wkoll *l-użu maġiku* tal-isem ta' Alla.

> Ismu huwa kbir fejn il-bnedmin isejħulu u jistqarru l-kobor tiegħu bla qies ... Ismu huwa qaddis fejn il-bnedmin isejħulu bil-qima u jibżgħu joffenduh.[43]

II. L-isem ta' Alla msemmi fil-batal

2150 It-tieni kmandament *jipprojbixxi l-ġuramenti foloz*. Tieħu ġurament jew taħlef ifisser issejjaħ 'l Alla bħala xhud tal-verità ta' dak li tgħid. Tkun issejjaħ lil Alla li hu s-sewwa bħala rahan tas-sewwa ta' dak li qed tgħid. Il-ġurament

[42] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1369.

[43] Santu Wistin, *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja,* 2, 5, 19: PL 34, 1278: ara Santu Wistin, *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*, Provinċja Agostinjana, Malta 1999, 103.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 780-781 5/16/2014 11:48:03 AM

jimpenja l-isem ta' Alla: "Tibża' mill-Mulej, Alla tiegħek, lilu sservi u taħlef b'ismu" (*Dewt* 6,13).

2151 Li ma tiħux ġurament falz hu dmir lejn Alla. Bħala Ħallieq u Mulej, Alla hu r-regola ta' kull verità. Kliem il-bniedem jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' Alla, li hu l-Verità fih innifsu. Jekk f'ġurament il-kliem hu minnu u jista' jingħad, il-ġurament juri li hemm qbil bejn il-kelma tal-bniedem u l-verità ta' Alla. Ġurament falz isejjaħ 'l Alla bħala xhud ta' gidba.

2152 *Jaħlef fil-falz* min, b'ġurament, jagħmel xi wegħda jew promessa li ma għandux ħsieb iżomm, jew, wara li jkun wiegħed xi ħaġa b'ġurament, ma jagħmilhiex. Min jaħlef fil-falz jonqos b'mod gravi mir-rispett li jistħoqq lill-Mulej li dejjem iżomm kelmtu. Ġurament li bih tintrabat li tagħmel xi ħaġa ħażina hu kontra l-qdusija tal-isem ta' Alla.

2153 Ġesù fisser it-tieni kmandament fid-Diskors tal-Muntanja: "Smajtu wkoll x'intqal lin-nies ta' dari, 'Tonqosx mill-wegħda li ħlift' ... Imma jien ngħidilkom biex ma taħilfu xejn ... Ħa jkun id-diskors tagħkom, 'Iva, iva', 'Le, le'; kulma hu iżjed minn hekk ikun ġej mill-Ħażin" (*Mt* 5,33-34.37; ara *Ġak* 5,12). Ġesù jgħallem li kull ġurament hu sejħa lil Alla, u li l-preżenza ta' Alla u tal-verità tiegħu għandhom jiksbu ġieħ b'kull kelma. Jekk għandna nuru rispett għall-preżenza ta' Alla fostna, hekk ukoll irridu nuru għaqal meta nsejħu 'l Alla b'ġurament, għax b'kull kelma li ngħidu, nistgħu jew nagħtu xhieda ta' Alla jew inżebilħuh.

2154 Wara dak li kiteb San Pawl (ara *2 Kor* 1,23; *Gal* 1,20), it-Tradizzjoni tal-Knisja fehmet li kliem Ġesù ma kienx kuntrarju għall-ġurament f'ħaġa gravi u ġusta (quddiem qorti, biex insemmu eżempju). "Il-ġurament, jiġifieri s-sejħa tal-isem ta' Alla bħala xhud tal-verità, ma jistax

jittieħed jekk mhux dwar xi verità, bl-għaqal kollu u skont il-ġustizzja".[44]

2155 Il-qdusija tal-isem ta' Alla titlob li isem Alla ma jintużax għall-ħwejjeġ fiergħa u lanqas li jittieħed ġurament f'ċirkustanzi li jagħtu lil xi wieħed jaħseb li b'hekk tkun qed tiġi approvata s-setgħa ta' min ma għandhux dritt jitlob il-ġurament. Meta l-ġurament jintalab minn awtoritajiet ċivili li mhumiex leġittimi, jista' jiġi rrifjutat. Għandu jiġi rrifjutat jekk jintalab għal xi skop kuntrarju għad-dinjità tal-persuna jew kuntrarju għall-għaqda fil-Knisja.

III. L-isem Nisrani

2156 Il-Magħmudija tingħata "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" (*Mt* 28,19). Fil-Magħmudija, l-isem tal-Mulej iqaddes il-bniedem, u n-Nisrani jirċievi ismu mingħand il-Knisja. Dan l-isem jista' jkun l-isem ta' xi qaddis, jiġifieri ta' xi dixxiplu li għex ħajja ta' fedeltà eżemplari lejn Sidu. Il-patroċinju ta' qaddis hu mudell ta' mħabba u jiżgura t-talb tiegħu. "L-isem mogħti fil-Magħmudija" jista' jfisser ukoll xi misteru Nisrani jew xi virtù Nisranija. "Il-ġenituri, il-parrinijiet u l-kappillan għandhom jaraw li ma jingħatax xi isem li jkun barrani għat-tifsir Nisrani".[45]

2157 In-Nisrani jibda l-ġurnata tiegħu, it-talb tiegħu, għemilu kollu bir-radd tas-salib "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen." Min hu mgħammed joffri l-ġurnata tiegħu għall-glorja ta' Alla u jitlob l-għajnuna tal-

[44] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1199 §1.
[45] *Ibid.*, kan. 855.

1668 grazzja tal-Feddej biex ikun jista' jġib ruħu fl-Ispirtu bħala wieħed minn ulied Alla l-Missier. Is-sinjal tas-salib iqawwina fid-diffikultajiet u t-tentazzjonijiet li jkollna.

2158 Alla jsejjaħ lil kull wieħed minna b'ismu (ara *Is* 43,1; *Ġw* 10,3). L-isem ta' kull bniedem hu mqaddes. L-isem hu l-ikona tal-persuna. Jitlob rispett, bħala sinjal tad-dinjità tal-persuna li għandha dan l-isem.

2159 L-isem mogħti hu isem għal dejjem. Fis-Saltna, il-karattru misterjuż u uniku ta' kull persuna mmarkata fl-isem ta' Alla, jiddi bid-dija kollha: "Lir-rebbieħ … nagħtih ... ċagħqa bajda, b'isem ġdid minqux fuqha li ħadd ma jkun jafu ħlief min jirċeviha" (*Apok* 2,17). "Imbagħad ħarist u rajt il-Ħaruf, wieqaf fuq il-muntanja Sijon, u miegħu erbgħa u erbgħin elf ruħ, li kellhom ismu u isem Missieru miktub fuq ġbinhom" (*Apok* 14,1).

Fil-qosor

2160 *"Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!"* (*Salm* 8,2).

2161 *It-tieni kmandament jordnalna nirrispettaw isem il-Mulej. Isem il-Mulej hu qaddis.*

2162 *It-tieni kmandament jipprojbixxi kull użu mhux xieraq tal-isem ta' Alla. Id-dagħa hu l-użu b'mod offensiv tal-isem ta' Alla, ta' Ġesù Kristu, tal-Verġni Marija u tal-qaddisin kollha.*

2163 *Il-ġurament falz isejjaħ 'l Alla bħala xhud ta' gidba. Il-ħalf fil-falz hu nuqqas gravi lejn il-Mulej, li qatt ma jonqos mill-wegħdiet tiegħu.*

2164 *"Wieħed m'għandux jaħlef, la bil-Ħallieq u lanqas bil-ħlejjaq, jekk mhux fis-sewwa, għall-bżonn u bil-qima".*[46]

2165 *Fil-Magħmudija n-Nisrani jingħatalu isem fil-Knisja. Il-ġenituri, il-parrini u l-kappillan iridu jaraw li jingħatalu isem Nisrani. Il-patroċinju tal-qaddis hu mudell ta' mħabba u jiżgura t-talb tiegħu.*

2166 *In-Nisrani jagħti bidu għat-talb u l-għemil tiegħu billi jrodd is-salib "fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."*

2167 *Alla jsejjaħ lil kull wieħed b'ismu* (*ara Is* 43,1).

It-tielet artiklu

IT-TIELET KMANDAMENT

Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu. Sitt ijiem taħdem u tagħmel kulma għandek tagħmel, imma s-seba' jum hu jum il-mistrieħ f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek. Dan il-jum ma tagħmel ebda xogħol (*Eż* 20, 8-10; ara *Dewt* 5,12-15).

Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-Sibt. Għalhekk Bin il-bniedem tas-Sibt ukoll huwa sid (*Mk* 2,27-28).

[46] San Injazju ta' Loyola, *L-Eżerċizzi Spiritwali*, 38: ara San Injazju ta' Loyola, *L-Eżerċizzi Spiritwali*, Provinċja Maltija tal-Kumpanija ta' Ġesù, Malta 2006, 26.

346-348 **I. Jum is-Sibt**

2168 It-tielet kmandament tad-Dekalogu jfakkar il-qdusija tas-Sibt: "Is-seba' jum hu s-Sibt tal-mistrieħ, jum qaddis għall-Mulej" (*Eż* 31,15).

2057 2169 L-Iskrittura hawn *tfakkar il-ħolqien*: "F'sitt ijiem il-Mulej għamel is-smewwiet u l-art, il-baħar u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum. Għalhekk il-Mulej bierek is-seba' jum u qaddsu" (*Eż* 20,11).

2170 L-Iskrittura f'jum il-Mulej tara wkoll *it-tifkira tal-ħelsien ta' Iżrael* mill-jasar tal-Eġittu: "Ftakar li int kont ilsir fl-art tal-Eġittu, u l-Mulej, Alla tiegħek, ħarġek minn hemm b'id qawwija u bi driegħ merfugħ; għalhekk il-Mulej, Alla tiegħek, ordnalek tħares jum is-Sibt" (*Dewt* 5,15).

2171 Alla ried jafda lil Iżrael jum is-Sibt biex iħarsu bħala *sinjal tal-Patt* li ma jitħassar qatt (ara *Eż* 31,16). Is-Sibt hu jum il-Mulej, imqaddes għat-tifħir ta' Alla, tal-ħolqien tiegħu u tal-għemejjel tiegħu għas-salvazzjoni ta' Iżrael.

2172 L-għemil ta' Alla hu mudell għall-għemil tal-bniedem.
2184 Jekk Alla "strieħ" fis-seba' jum (*Eż* 31,17), il-bniedem ukoll għandu "jieqaf mix-xogħol" u jħalli lill-oħrajn, l-aktar il-foqra, "jieħdu r-ruħ" (*Eż* 23,12). Is-Sibt iwaqqaf ix-xogħol ta' kuljum u jagħti ftit tan-nifs. Hu jum ta' protesta kontra l-jasar tax-xogħol u l-qima tal-flus (ara *Neh* 13,15-22; *2 Kron* 36,21).

582 2173 L-Evanġelju jsemmi ħafna inċidenti li fihom Ġesù ġie mixli li kien qiegħed jikser il-liġi tas-Sibt. Iżda Ġesù qatt ma naqas milli jqaddes jum is-Sibt (ara *Mk* 1,21; *Ġw* 9,16). Jagħti t-tifsir veru lis-Sibt bl-awtorità kollha tiegħu. "Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-Sibt" (*Mk* 2,27). Kollu mogħdrija, Ġesù jippermetti biex "nhar ta' Sibt tagħmel il-ġid u mhux id-deni, issalva ħajja u mhux toqtolha" (ara *Mk* 3,4). Is-Sibt hu jum il-Mulej tal-ħniena u tal-ġieħ ta' Alla (ara *Mt* 12,5; *Ġw* 7,23). "Bin il-bniedem tas-Sibt ukoll huwa sid" (*Mk* 2,28).

II. Jum il-Mulej

> Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew fih! (*Salm* 118,24).

Jum il-qawmien mill-imwiet: il-ħolqien il-ġdid

2174 Ġesù qam mill-imwiet "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" (*Mt* 638
28,1; *Mk* 16,2; *Lq* 24,1; *Ġw* 20,1). Bħala "l-ewwel jum", jum il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet ifakkar l-ewwel ħolqien. Bħala "it-tmien jum" li jiġi wara s-Sibt (ara *Mk* 16,1; *Mt* 349
28,1), ifisser il-ħolqien il-ġdid mibdi bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Għall-Insara sar l-ewwel jum tal-jiem kollha, l-ewwel fost il-festi kollha, il-Ħadd, jum il-Mulej ("Hè kuriakè hèmera", "dies Dominica").

> Ninġabru lkoll f'jum ix-xemx għaliex dan hu l-ewwel jum (wara s-Sibt tal-Lhud imma xorta l-ewwel jum) li fih Alla neħħa d-dlam u l-baħħ u ħalaq id-dinja, u għaliex hu l-jum li fih Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna, qam mill-imwiet.[47]

Il-Ħadd: il-milja tas-Sibt

2175 Il-Ħadd jingħażel espressament mis-Sibt u, fiż- 1166
żmien, jiġi warajh kull ġimgħa; għall-Insara jieħu l-post tal-

[47] San Ġustinu, *Apoloġija* 1, 67: PG 6, 429-432.

obbligu tas-Sibt li fih skont l-Iskrittura kellhom isiru ċerimonji ritwali. Fl-Għid ta' Kristu, il-Ħadd temm il-verità spiritwali tas-Sibt Lhudi u ħabbar il-mistrieħ ta' dejjem tal-bniedem f'Alla. Dan għaliex il-kult tal-liġi ħejja l-Misteru ta' Kristu, u dak li kienet titlob il-liġi li jsir kien xbieha ta' xi aspetti ta' Kristu (ara *1 Kor* 10,11).

> Dawk li kienu jgħixu skont l-ordni tal-ħwejjeġ qodma waslu għal tama ġdida, ma ħarsux aktar is-Sibt imma ħarsu jum il-Mulej, li fih ħajjitna hi mbierka minnu u mill-mewt tiegħu.[48]

2176 Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd tħares il-kmand morali li hemm fin-natura tal-bniedem miktub f'qalbu, jiġifieri li "jingħata lil Alla kult minn barra, li jidher, pubbliku u regolari bħala sinjal tal-ġid universali li ta Alla lill-bnedmin kollha".[49] Il-kult tal-Ħadd itemm il-kmandament morali tal-Patt il-Qadim, li tiegħu ħa r-ritmu u l-ispirtu meta kull ġimgħa jiċċelebra l-Ħallieq u l-Feddej tal-poplu tiegħu.

L-Ewkaristija f'Jum il-Ħadd

1167 2177 Iċ-ċelebrazzjoni kull nhar ta' Ħadd tal-Jum u tal-Ewkaristija tal-Mulej hu fil-qalba tal-ħajja tal-Knisja. "Il-Ħadd, il-jum li fih, bi tradizzjoni li ġejja mill-Appostli, jiġi ċċelebrat il-Misteru tal-Għid, għandu jiġi mħares fil-Knisja kollha bħala jum ewlieni ta' festa kmandata".[50]

2043 > "Għandhom ukoll jiġu mħarsa l-jiem tal-Milied, tal-Epifanija, tat-Tlugħ tal-Mulej fis-sema, tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, tal-maternità ta' Marija, tat-tnissil tagħha bla tebgħa u meta ġiet imtellgħa fis-sema, ta' San Ġużepp, tal-Appostli San Pietru u San Pawl u tal-Qaddisin kollha.[51]

[48] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lill-Insara ta' Magnesja*, 9, 1.
[49] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, II-II, 122, 4.
[50] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1246 §1.

2178 Din id-drawwa tal-ġemgħa tal-insara f'jum il-Mulej 1343
ġejja minn żmien l-Appostli (ara *Atti* 2,42-46; *1 Kor* 11,17). L-Ittra lil-Lhud tfakkar dan: "Ma ninqatgħux mil-laqgħat tagħna flimkien, kif ħadu d-drawwa jagħmlu xi wħud; agħmlu l-qalb lil xulxin" (*Lh* 10,25).

> It-Tradizzjoni żammet it-tifkira ta' eżortazzjoni li għadha tgħodd sal-lum: "Ħaffu lejn il-Knisja, ersqu lejn il-Mulej u stqarru dnubietkom u indmu waqt it-talb ... Ħudu sehem fil-liturġija qaddisa u divina, temmu t-talba tagħha u titilqux qabel tintbagħtu. Spiss għednilkom: dan il-jum ingħatalkom għat-talb u għall-mistrieħ. Hu l-jum li għamel il-Mulej. Nifirħu u nithennew fih.[52]

2179 *Il-parroċċa* hi komunità preċiża ta' Nsara, imwaqqfa 1567
b'mod stabbli fi Knisja partikulari, u fiha l-kura pastorali hi fdata lill-kappillan, bħala ragħaj propju tagħha, taħt l-awtorità tal-Isqof djoċesan.[53] Hi l-post fejn l-Insara kollha jistgħu jinġabru għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'jum il-Ħadd. Il- 2691
parroċċa ddaħħal il-poplu Nisrani fiċ-ċelebrazzjoni ordinarja 2226
tal-ħajja liturġika tagħha, tiġbru għal din iċ-ċelebrazzjoni, tgħallmu d-duttrina tas-salvazzjoni ta' Kristu; tagħti xhieda tal-imħabba ta' Kristu b'għemejjel tajba u ta' mħabba bejn l-aħwa:

> Int ma tistax titlob id-dar kif titlob fil-knisja fejn ikun hemm għadd kbir tal-aħwa, fejn l-għajta lil Alla toħroġ qisha minn qalb waħda. Hemm xi ħaġa aktar, hemm l-għaqda tal-ispirti, il-ftehim bejn l-erwieħ, ir-rabta tal-imħabba, it-talb tas-saċerdoti.[54]

[51] *Ibid.*
[52] Psewdo-Ewsebju Alessandrinu, *Omelija dwar jum il-Mulej*: PG 86/1, 416C; 421C.
[53] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 515 §1.
[54] San Ġwann Griżostmu, *Dwar in-natura ta' Alla li hi lil hinn milli wieħed jista' jifhem*, 3, 6: PG 48, 725D.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 788-789 5/16/2014 11:48:03 AM

L-obbligu tal-Ħadd

2042 2180 Il-preċett tal-Knisja jgħidilna kif inħarsu b'mod preċiż
1389 din il-liġi tal-Mulej: "Fil-Ħdud u fil-ġranet l-oħra kmandati l-Insara għandhom jissieħbu fil-Quddiesa".[55] "Jissodisfa għall-preċett tat-tisħib fil-Quddiesa, min jieħu sehem f'Quddiesa ċċelebrata skont ir-rit Kattoliku nhar il-festa stess jew filgħaxija tal-jum ta' qabel".[56]

2181 Iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija f'jum il-Ħadd hi l-pedament u t-twettiq tal-ħajja Nisranija kollha. Hu għalhekk li l-Insara huma obbligati jissieħbu fl-Ewkaristija fil-festi kmandati, sakemm mhumiex skużati minħabba xi raġuni gravi bħalma hu l-mard, il-ħsieb tat-trabi u tat-tfal żgħar, jew huma dispensati mill-kappillan propju tagħhom.[57] Dawk li jonqsu minn dan id-dmir għax iridu, jagħmlu dnub gravi.

815 2182 It-tisħib fiċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-Ewkaristija għan-Nisrani hu xhieda li hu ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu u fidil lejhom. B'dan it-tisħib l-Insara jagħtu xhieda tal-għaqda tagħhom fil-fidi u l-imħabba. Jagħtu xhieda flimkien tal-qdusija ta' Alla u tat-tama tagħhom fis-salvazzjoni. Iwettqu lil xulxin, immexxijin mill-Ispirtu s-Santu.

2183 "Meta ma hemmx saċerdoti, jew meta għal xi raġuni oħra gravi ma jkunx possibbli t-tisħib fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, jaqbel ħafna li l-Insara jissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tal-Kelma, jekk ikun hemm, fil-knisja tal-parroċċa jew f'xi post imqaddes ieħor, u ċ-ċelebrazzjoni ssir skont id-direttivi mogħtijin mill-Isqof djoċesan, jew inkella jingħataw għat-talb għal żmien xieraq waħidhom jew mal-familja jew, jekk ikun hemm okkażjoni, fi grupp ta' familji".[58]

[55] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1247.
[56] *Ibid*., kan. 1248 §1.
[57] Ara *ibid.,* kan. 1245.
[58] *Ibid*., 1248 §2.

Jum ta' grazzja u ta' mistrieħ mix-xogħol

2184 Bħalma Alla "waqaf fis-seba' jum mix-xogħol li kien 2172
għamel" (*Ġen* 2,2), hekk il-ħajja tal-bniedem għandha tkun imqassma f'ħin ta' xogħol u ta' mistrieħ. L-istituzzjoni ta' jum il-Mulej tgħin biex kulħadd igawdi żmien ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni biżżejjed, biex ikun jista' jieħu ħsieb xieraq tal-ħajja tiegħu familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża.[59]

2185 Fil-Ħdud u l-btajjel l-oħra ta' preċett, l-Insara
għandhom ifittxu li ma jagħmlux xogħol jew attivitajiet oħra 2428
li ma jħalluhomx jagħtu qima lil Alla, igawdu l-ferħ propju ta' jum il-Mulej, jagħmlu għemejjel ta' ħniena u jiksbu mistrieħ xieraq għar-ruħ u l-ġisem.[60] Il-ħtiġijiet tal-familja jew ħtieġa soċjali kbira huma raġunijiet leġittimi biex jiskużaw mill-ħarsien tal-mistrieħ tal-Ħadd. Iżda l-Insara jridu joqogħdu attenti biex dawn ir-raġunijiet leġittimi ma jwasslux għal drawwiet li jkunu ta' ħsara għar-reliġjon, għall-ħajja tal-familja u għas-saħħa.

> L-imħabba tal-verità tfittex hedu qaddis [rikreazzjoni qaddisa], u d-dmir tal-imħabba jingħata għal tħabrik ġust.[61]

2186 Jalla l-Insara li għandhom il-ħin liberu tagħhom, jiftakru f'dawk ħuthom, li għandhom bħalhom l-istess ħtiġijiet u l-istess drittijiet, imma ma jistgħux jistrieħu minħabba l-faqar u l-miżerja tagħhom. Il-Ħadd hu tradizzjonalment il-jum li fih, permezz tat-tjieba Nisranija, isiru għemejjel ta' ġid 2447
u servizz umli mal-morda, ma' min hu batut u mal-anzjan.

[59] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 67.
[60] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1247.
[61] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 19, 19: PL 41, 647: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 588.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 790-791 5/16/2014 11:48:03 AM

L-Insara jqaddsu jum il-Mulej ukoll meta jiddedikaw il-ħin u l-ħsibijiet tagħhom għall-familja u għall-qraba, għemil li ma tantx ikunu jistgħu jagħmlu matul il-ġimgħa. Il-Ħadd hu jum ta' riflessjoni, ta' skiet, ta' kultura u ta' meditazzjoni, ta' dak kollu li jgħin għall-kobor tal-ħajja tar-ruħ, għall-ħajja Nisranija.

2187 It-tqaddis tal-Ħadd u tal-ġranet l-oħra ta' festa jitlob sforz minn kulħadd flimkien. Kull Nisrani għandu jfittex li ma jitlobx bla bżonn minn
2289 ħaddieħor kulma jista' jfixklu milli jħares jum il-Mulej. Meta xi drawwiet (l-isport, ir-ristoranti u l-bqija) jew xi ħtiġijiet soċjali (servizzi pubbliċi u l-bqija) jitolbu xogħol f'jum il-Ħadd, tibqa' r-responsabiltà li wieħed ifittex li jkollu xi ħin liberu. L-Insara għandhom jaraw, bi spirtu ta' rażan u ta' mħabba, li jiġu evitati l-esaġerazzjonijiet u l-vjolenza li spiss isiru waqt rikreazzjonijiet li għalihom jinġabru folol kbar ta' nies. Minkejja l-ħtiġijiet ekonomiċi, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw liċ-ċittadini kollha żmien ta' mistrieħ u żmien għall-qima lil Alla. L-istess obbligu għandhom dawk li jħaddmu, ma' dawk li jaħdmulhom.

2105 2188 L-Insara, waqt li jirrispettaw il-libertà reliġjuża u l-ġid komuni ta' kulħadd, għandhom ifittxu li jum il-Ħadd u l-jiem tal-festi tal-Knisja jkunu ġranet ta' vaganza pubblika. Għandhom jagħtu lil kulħadd eżempju pubbliku ta' talb, ta' rispett u ta' ferħ, u jiddefendu t-tradizzjonijiet tagħhom bħala kontribut mill-aqwa għall-ħajja spiritwali tal-ġens kollu tal-bnedmin. Jekk il-liġijiet ta' xi pajjiż jew għal xi raġunijiet oħra jobbligaw għax-xogħol f'jum il-Ħadd, dan il-jum, minkejja kollox, wieħed għandu jgħixu bħala jum il-ħelsien tagħna, li jwassalna biex nissieħbu "f'ġemgħa ferrieħa", fil-"ġemgħa tal-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema" *(Lh* 12,22-23).

Fil-qosor

2189 *"Ħares jum is-Sibt u qaddsu"* (*Dewt* 5,12). *"Is-seba' jum hu s-Sibt tal-mistrieħ, jum qaddis għall-Mulej"* (*Eż* 31,15).

2190 *Is-Sibt li kien iħabbar it-tmiem tal-ewwel ħolqien, ħadlu postu l-Ħadd li jfakkar il-ħolqien il-ġdid, mibdi bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.*

2191 *Il-Knisja tiċċelebra jum il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet fit-tmien jum li bir-raġun kollu jissejjaħ Jum il-Mulej ("dies dominica") jew il-Ħadd.*[62]

2192 *"Il-Ħadd … għandu jkun imħares fil-Knisja kollha bħala l-jum ewlieni ta' festa kmandata".*[63] *"Fil-Ħdud u fil-festi kmandati kollha l-Insara huma fid-dmir li jissieħbu fil-Quddiesa".*[64]

2193 *"Fil-Ħdud u fil-festi kmandati kollha l-Insara għandhom jevitaw ix-xogħol u kull ħaġa oħra li tista' tkun ta' tfixkil għall-qima ta' Alla, għall-ferħ propju ta' jum il-Mulej, u għall-mistrieħ xieraq tal-ġisem u tar-ruħ".*[65]

2194 *L-istituzzjoni tal-Ħadd tgħin biex "kulħadd ikollu żmien ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni li jippermettulu jġib 'il quddiem il-ħajja tiegħu familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża".*[66]

2195 *Kull Nisrani għandu jevita li jimponi fuq ħaddieħor dak li jista' jtellfu milli jħares Jum il-Mulej.*

---

62 Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 106.

63 *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1246 §1.

64 *Ibid*., kan. 1247.

65 *Ibid*.

66 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 67.

kkk 759-794 latest.OK (r).indd 792-793 5/16/2014 11:48:04 AM

IT-TIENI KAPITLU

"ĦOBB 'IL GĦAJREK BĦALEK INNIFSEK"

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin" (*Ġw* 13,34).

2196 Bi tweġiba għall-mistoqsija dwar liema kien l-ewwel kmandament, Ġesù qal: "Isma' Iżrael; il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha. U t-tieni hu dan: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn" (*Mk* 12,29-31).

L-Appostlu San Pawl ifakkarna: "Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-Liġi. Għax il-kmandamenti: 'La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib', u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: 'Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek'. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi" (*Rum* 13, 8-10).

Ir-raba' artiklu

IR-RABA' KMANDAMENT

Weġġaħ lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik (*Eż* 20,12).

> Kien jobdihom (*Lq* 2,51).
>
> Il-Mulej Ġesù stess ifakkarna fil-qawwa tal-"kmandamenti ta' Alla" (*Mk* 7,8-13). L-Appostlu jgħallem: "Intom it-tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom, ... dan hu sewwa. 'Weġġaħ 'il missierek u 'l ommok': dan hu l-ewwel kmandament b'wegħda 'sabiex ikollok ir-riżq u jtul għomrok fuq l-art'" (*Ef* 6, 1-3; ara *Dewt* 5,16).

2197 Ir-raba' kmandament jibda t-tieni tavla tal-Liġi: jindikalna l-ordni tal-imħabba. Alla ried li warajh nagħtu ġieħ l-ewwel lill-ġenituri tagħna għax mingħandhom ħadna l-ħajja u huma għarrfulna 'l Alla. Aħna fid-dmir li nagħtu ġieħ u nirrispettaw lil dawk kollha li Alla, għall-ġid tagħna, libbishom bl-awtorità tiegħu. 1897

2198 Dan il-kmandament ifisser b'mod pożittiv id-dmirijiet li għandna nagħmlu. Iħabbar il-kmandamenti li ġejjin, li huma dwar ir-rispett partikulari tal-ħajja, taż-żwieġ, tal-ġid materjali, tal-kelma. Huwa wieħed mill-pedamenti tad-duttrina soċjali tal-Knisja. 2419

2199 Ir-raba' kmandament jitkellem espressament mal-ulied fuq ir-relazzjonijiet tagħhom ma' missierhom u ommhom, billi din ir-relazzjoni hi l-iktar waħda universali. Jittratta wkoll dwar ir-rabta li għandu jkun hemm bejn dawk li jiġu minn xulxin, li huma tal-istess familja. Jitlob li jingħata ġieħ, imħabba, ħajr lin-nanniet u lill-antenati. Iħaddan ukoll id-dmirijiet tal-istudenti lejn l-għalliema tagħhom, tal-impjegati lejn min iħaddimhom, tas-sudditi lejn is-superjuri tagħhom, taċ-ċittadini lejn pajjiżhom, lejn min imexxihom jew jiggvernahom.

Dan il-kmandament jolqot ukoll u jsemmi indirettament id-dmirijiet tal-ġenituri, tat-tuturi, tas-surmastrijiet, tal-kapijiet, tal-maġistrati, ta' dawk li jiggvernaw, ta' dawk kollha li għandhom xi awtorità fuq xi ħadd jew fuq xi komunità ta' persuni.

2200 Il-ħarsien tar-raba' kmandament għandu l-premju tiegħu: "Weġġaħ lill-missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik" (*Eż* 20,12; ara *Dewt* 5,16). Il-ħarsien ta' dan il-kmandament, flimkien
2304 mal-ġid spiritwali, jagħti wkoll il-ġid temporali tas-sliem u tal-prosperità. Għall-kuntrarju, in-nuqqas ta' ħarsien ta' dan il-kmandament iġib miegħu ħsarat kbar għall-komunitajiet u għall-persuni.

I. Il-familja fil-Pjan ta' Alla

In-natura tal-familja

1625 2201 Il-komunità taż-żwieġ titwaqqaf bil-kunsens taż-żewġ għarajjes. Iż-żwieġ u l-familja huma għall-ġid taż-żewġ miżżewġin u għat-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied. L-imħabba tal-miżżewġin u t-tnissil tal-ulied joħolqu bejn il-membri tal-istess familja għadd ta' relazzjonijiet personali u responsabiltajiet ta' importanza kbira.

1882 2202 Raġel u mara miżżewġin, flimkien ma' wliedhom, jagħmlu familja. Dan jiġi qabel kull għarfien tal-familja mill-awtorità ċivili, li hi fid-dmir li taċċetta dan il-fatt. Wieħed għandu jqis il-familja bħala ħaġa normali u għandhom jitqiesu u jiġu apprezzati s-suriet kollha ta' relazzjonijiet bejn qraba b'riferenza għaliha.

369 2203 Meta Alla ħalaq ir-raġel u l-mara, waqqaf il-familja tal-bniedem u żejjinha b'kostituzzjoni fundamentali. Il-membri tal-familja huma persuni ndaqs fid-dinjità tagħhom. Għall-ġid tal-membri kollha tal-familja u għall-ġid tas-soċjetà, il-familja għandha għadd ta' responsabiltajiet, ta' dmirijiet u ta' drittijiet.

Il-familja nisranija 1655-1658

2204 "Il-familja Nisranija titfa' dawl partikulari fuq l-għaqda tal-Knisja u fl-istess ħin tagħtiha sura konkreta; minħabba f'hekk il-familja tista' u għandha tissejjaħ *knisja tad-dar (knisja domestika)*".[1] Hi komunità ta' fidi, ta' tama u ta' 533
mħabba; fi ħdan il-Knisja għandha importanza singulari kif jurina t-Testment il-Ġdid (ara *Ef* 5,21 – 6,4; *Kol* 3,18-21; *1 Piet* 3,1-7).

2205 Il-familja Nisranija hi għaqda ta' persuni, xbieha tax-xirka tal-Missier u l-Iben fl-Ispirtu s-Santu. Il-ħidma 1702
tal-familja għat-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied tirrifletti l-ħidma tal-Missier għall-ħolqien. Hi msejħa biex tissieħeb fit-talba u s-sagrifiċċju ta' Kristu. It-talb kuljum u l-qari tal-Kelma ta' Alla jsaħħu l-ispirtu ta' mħabba fi ħdanha. Il-familja Nisranija tħabbar l-Evanġelju u hi missjunarja.

2206 Ir-relazzjonijiet fi ħdan il-familja jfissru li jkun hemm ċertu qbil jew xebh fis-sentimenti, fil-ġibdiet u fl-interessi tal-membri tagħha: dan jiġi l-aktar mir-rispett li jkun hemm bejn il-persuni kollha li jiffurmaw il-familja. Il-familja hi komunità pprivileġġjata, imsejħa biex "il-miżżewġin ikunu miftuħin għal xulxin fl-imħabba u biex ikun hemm ukoll kooperazzjoni attenta bejn il-ġenituri fl-edukazzjoni tal-ulied".[2]

[1] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 21; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[2] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 52.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 796-797 5/16/2014 11:50:07 AM

II. Il-familja u s-soċjetà

1880 2207 Il-familja hi ċ-*ċellula li hi l-bidu tal-ħajja soċjali*. Hi dik
372 is-soċjetà naturali li fiha r-raġel u l-mara huma msejħin biex jingħataw lil xulxin fl-imħabba u fid-don tal-ħajja. L-awtorità, l-istabbiltà u l-ħajja ta' relazzjonijiet fi ħdan il-familja huma
1603 s-sisien tal-libertà, tas-sigurtà u tal-fraternità fi ħdan is-soċjetà. Il-familja hi dik il-komunità li fiha, sa mit-tfulija, wieħed jista' jitgħallem il-valuri morali, jibda jagħti ġieħ lil Alla u jitgħallem juża sewwa l-libertà tiegħu. Il-ħajja fil-familja hi d-dħul għall-ħajja fis-soċjetà.

2208 Il-familja trid tgħix b'mod li l-membri tagħha jitgħallmu jħabirku u jieħdu ħsieb iż-żgħar u x-xjuħ, il-morda, il-persuni b'diżabiltà u l-foqra. Ħafna huma l-familji li f'ċerti mumenti jsibu ruħhom li ma jistgħux jagħtu din l-għajnuna. Jidħlu mbagħad persuni oħra, familji oħra, u fl-aħħar, meta ma hemmx ħaddieħor, l-istess soċjetà biex jaħsbulhom għal dak li jeħtieġu. "Quddiem Alla u Missierna r-reliġjon ġenwina u bla tebgħa hija din: iżżur l-iltiema u r-romol fil-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja" (*Ġak* 1,27).

2209 Il-familja jrid ikollha l-għajnuna u l-ħarsien b'mezzi soċjali adatti. Fejn il-familji ma jistgħux jaqdu sewwa dmirijiethom kif għandu jkun, għaqdiet soċjali oħra huma fid-dmir li jgħinuhom ħa jżommu sħiħa l-familja. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-komunitajiet aktar wesgħin għandhom joqogħdu attenti li ma jindaħlux fid-deċiżjonijiet
1883 tal-familja u fil-ħajja tagħha.

2210 L-importanza tal-familja għall-ħajja u għall-hena tas-soċjetà[3] titlob li s-soċjetà turi responsabiltà partikulari għall-

[3] Ara *ibid*., 47.

ħarsien u s-sħuħija taż-żwieġ u tal-familja. Is-setgħat ċivili għandhom iqisuh dmir serju "li jagħrfu u jħarsu n-natura vera taż-żwieġ u tal-familja, li jiddefendu l-moralità pubblika u jgħinu biex il-familji kollha jkollhom qagħda tajba".[4]

2211 Il-komunità politika għandha d-dmir li turi ġieħ lill-familja, tgħinha u tiżguralha speċjalment:

— il-libertà li titwaqqaf bħala familja, ikollha t-tfal u trabbihom skont konvinzjonijiet morali u reliġjużi propji;

— il-ħarsien tal-istabiltà tar-rabta taż-żwieġ u tal-familja;

— il-libertà li tistqarr il-fidi tagħha, tgħaddiha lill-oħrajn, trabbi lill-ulied fiha, bil-mezzi u l-istituzzjonijiet meħtieġa għal dan;

— id-dritt għall-propjetà privata, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għax-xogħol, id-dritt għad-dar u dritt għall-emigrazzjoni;

— skont l-istituzzjonijiet tal-pajjiż, id-dritt għall-għajnuna fil-mard, għall-għajnuna lill-anzjani, għas-sussidji lill-familji;

— il-ħarsien tas-saħħa u tas-sigurtà, l-aktar dwar il-perikli tad-droga, tal-pornografija, tal-alkoħoliżmu u l-bqija;

— il-libertà li twaqqaf assoċjazzjonijiet ma' familji oħra u hekk ikollha min jidher għaliha quddiem l-awtoritajiet ċivili.[5]

[4] *Ibid*., 52.

[5] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 46.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 798-799 5/16/2014 11:50:07 AM

2212 Ir-raba' kmandament *jitfa' dawl fuq ir-relazzjonijiet l-oħra li hemm fis-soċjetà*. F'ħutna bniet u subien naraw ulied il-ġenituri tagħna; fil-kuġini in-nisel ta' nannietna; fiċ-
225 ċittadini sħabna wlied pajjiżna; fl-imgħammdin ulied il-Knisja Ommna; f'kull bniedem iben jew bint dak li ried jissejjaħ "Missierna". Dan kollu jurina li r-relazzjonijiet tagħna ma' għajrna huma relazzjonijiet personali. Il-proxxmu mhuwiex
1931 xi "individwu" tal-ġemgħa tal-bnedmin; hu "xi ħadd" li għax għandu l-istess bidu tagħna jistħoqqlu attenzjoni u rispett singulari.

2213 Il-komunitajiet tal-bnedmin huma *magħmulin minn persuni*. Dawk li jmexxu dawn il-komunitajiet ma jridux ifittxu biss id-drittijiet ta' kulħadd u jaraw li kulħadd jaqdi dmiru, imma jridu jaraw ukoll li jinżamm kull ftehim, kull kuntratt li jsir. Relazzjonijiet tajba bejn ħaddiema u min iħaddem, bejn gvern u ċittadini, jiġu minn dik it-tjieba naturali li taqbel
1939 mad-dinjità tal-persuna tal-bniedem, ħerqan għall-ġustizzja u għall-għaqda bejn l-aħwa.

III. Id-dmirijiet tal-membri tal-familja

Id-dmirijiet tat-tfal

2214 Alla l-Missier hu l-bidu tal-paternità tal-bniedem *(*ara *Ef* 3,14): minn dan jiġi l-ġieħ li għandu jingħata lill-ġenituri. Ir-rispett tat-tfal, taż-żgħar jew tal-kbar għall-missier u
1858 l-omm (ara *Prov* 1,8; *Tob* 4,3-4) jieħu l-ħajja mill-imħabba naturali li tiġi mir-rabta li tgħaqqadhom bejniethom. Dan jitolbu l-kmandament ta' Alla (ara *Eż* 20,12).

2215 Ir-rispett għall-ġenituri *(pietas filialis)* mhux ħlief *il-ħajr* lil dawk li, bl-għoti tad-don tal-ħajja, b'imħabbithom u

xogħolhom, ġiebu 'l uliedhom fid-dinja u ħallewhom jikbru fit-tul, fl-għerf u fil-grazzja. "Weġġaħ lil missierek b'qalbek kollha, u tinsiex uġigħ il-ħlas ta' ommok. Ftakar li kienu huma li ġibuk fid-dinja; biex se tħallashom għal dak li tawk?" (*Sir* 7,27-28).

2216 Ir-rispett tal-ulied jidher meta tassew joqogħdu għall-ġenituri tagħhom u *jobduhom*: "Ħares, ibni, ordnijiet 532
missierek, u twarrbux tagħlim ommok. ... Huma jmexxuk fil-mixi tiegħek, iħarsuk meta tkun rieqed, ikellmuk meta tqum" (*Prov* 6,20-22). "Iben bil-għaqal jisma' tagħlim missieru, imma l-insolenti ma joqgħodx għaċ-ċanfir" (*Prov* 13,1).

2217 Tul iż-żmien kollu li l-iben ikun jgħix f'dar il-ġenituri tiegħu, għandu jobdihom f'kulma jgħidulu għall-ġid tiegħu u tal-familja. "Intom, tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom f'kollox, għax dan hu li jogħġob lill-Mulej" (*Kol* 3,20; ara *Ef* 6,1). L-ulied għandhom ukoll jobdu dak li b'mod raġonevoli jgħidulhom l-edukaturi tagħhom u dawk kollha li lilhom ġew fdati mill-ġenituri tagħhom. Iżda jekk tifel hu konvint, fil-kuxjenza tiegħu, li hu moralment ħażin jobdi xi ordni li tingħatalu, ma għandux jagħmlu.

Meta jikbru, l-ulied għandhom ikomplu jirrispettaw lill-ġenituri tagħhom. Jikkuntentawhom f'xewqathom qabel stess jgħidulhom bihom, ifittxu bil-qalb il-pariri tagħhom, u jilqgħu t-twissijiet ġustifikati tagħhom. L-ubbidjenza lejn il-ġenituri tispiċċa malli l-ulied jieħdu l-istat tagħhom, imma mhux ir-rispett, li għandu jibqa' għal dejjem. Dan ir-rispett għandu l-għeruq tiegħu fil-biża' ta' Alla, wieħed mid-doni tal-Ispirtu s-Santu. 1831

2218 Ir-raba' kmandament ifakkar lill-ulied, meta jkunu kibru, *fir-responsabiltajiet li għandhom lejn il-ġenituri tagħhom*. Sa fejn jistgħu, għandhom jgħinuhom materjalment u moralment, fi xjuħithom, meta jkunu morda, meta jkunu waħedhom jew imdejqin. Ġesù jfakkar dan id-dmir ta' ħajr (ara *Mk* 7,10-12):

> Il-Mulej għolla l-missier fuq it-tfal, u saħħaħ dritt l-omm fuq l-ulied. Min jibża' minn missieru jagħmel tajjeb għal dnubietu, u min iweġġaħ lil ommu qisu qed jiġma' f'teżor. Min jibża' minn missieru

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 800-801 5/16/2014 11:50:07 AM

> jifraħ b'uliedu, u meta jitlob jinstama'. Min iweġġaħ 'il missieru jkollu għomor twil, u min iserraħ lil ommu jkun qed jisma' mill-Mulej (*Sir* 3,2-6).
>
> Ibni, ieqaf ma' missierek fi xjuħitu, u matul ħajtu tweġġagħlux qalbu. Ukoll jekk moħħu jeħfief, agħdru, u tonqsux mill-ġieħ meta għadek b'saħħtek ... Daqs midgħi min jitlaq lil missieru waħdu, u misħut mill-Mulej min jgħaddab lil ommu (*Sir* 3,12-13.16).

2219 Ir-rispett tal-ulied iġib l-armonija fil-ħajja kollha tal-familja u dan jgħodd ukoll *għar-relazzjonijiet bejn l-aħwa*. Ir-rispett għall-ġenituri jdawwal l-ambjent kollu tal-familja. "Ulied l-ulied huma l-ġieħ tax-xjuħ" (*Prov* 17,6). "Bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar taħmlu u tħobbu 'l xulxin" (*Ef* 4,2).

2220 L-Insara għandhom juru gratitudni speċjali lil dawk li mingħandhom irċevew id-don tal-fidi, il-grazzja tal-Magħmudija u l-ħajja fil-Knisja. Dawn jistgħu jkunu l-ġenituri jew xi qraba oħra, in-nanniet, ir-Rgħajja tal-erwieħ, il-katekisti, għalliema oħra jew xi ħbieb. "Niftakar fil-fidi vera tiegħek, fidi li l-ewwel kienet ta' nanntek Lojd u mbagħad ta' ommok Ewniki, u li ma għandi ebda dubju li hi fik ukoll" (*2 Tim* 1,5).

Dmirijiet tal-ġenituri

2221 Il-frott tal-imħabba tal-miżżewġin bejniethom mhuwiex biss it-tnissil tal-ulied, imma hu wkoll l-edukazzjoni morali u l-formazzjoni spiritwali tagħhom. *Il-ħidma tal-ġenituri fl-edukazzjoni ta' uliedhom* "hi hekk importanti li tista' tgħid mhux possibbli jkollok oħra flokha".[6] Id-dritt u d-dmir tal-

[6] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Gravissimum educationis* (1965), 3.

ġenituri fl-edukazzjoni tal-ulied huma ta' importanza kbira u ma jistgħux jiċċaħħdu minnhom.[7]

2222 Il-ġenituri għandhom iqisu lil uliedhom bħala *wlied Alla* u jirrispettawhom bħala *persuni*. Għandhom jgħallmu lil uliedhom iħarsu l-liġi ta' Alla, waqt li huma stess juru li qed jagħmlu r-rieda tal-Missier li hu fis-smewwiet.

2223 Il-ġenituri huma l-ewwel responsabbli tal-edukazzjoni ta' wliedhom. Juru din ir-responsabiltà l-ewwel nett billi *joħolqu ambjent* fejn il-ħlewwa, il-maħfra, ir-rispett, il-fedeltà u l-qadi bla ebda interess huma r-regola. Il-familja hi l-post adatt għall-*edukazzjoni fil-virtù*. Din l-edukazzjoni titlob żmien ta' tħejjija li jkun żmien ta' ċaħda, ta' ġudizzji bil-għaqal, ta' kontroll fuqek innifsek, ta' kundizzjonijiet ta' libertà vera. Il-ġenituri jridu jgħallmu lil uliedhom iqiegħdu "id-dimensjonijiet materjali u istintivi tagħhom wara d-dimensjonijiet interjuri u spiritwali tagħhom".[8] Hi responsabiltà kbira għall-ġenituri li jagħtu eżempji tajba lil uliedhom. Meta jkunu kapaċi jagħrfu d-difetti tagħhom quddiem uliedhom ikunu jistgħu jmexxuhom aħjar u jikkoreġuhom:

> "Min iħobb 'il ibnu, ta' sikwit jagħtih is-swat, ħalli fl-aħħar ikollu biex jifraħ. Min lil ibnu jżommlu, ibnu jkun għalih ta' ġieħ" (*Sir* 30,1-2). "Intom, il-missirijiet, iġġarrbuhomx iżżejjed lil uliedkom; iżda rabbuhom fid-dixxiplina u t-twiddib tal-Mulej" (*Ef* 6,4).

2224 Il-familja hi l-ambjent naturali fejn il-bniedem jiġi mħarreġ għas-solidarjetà u għar-responsabiltajiet komunitarji. Il-ġenituri għandhom jgħallmu lil uliedhom iħarsu ruħhom mill-kompromessi u d-degradazzjoni li qegħdin jheddu s-soċjetajiet tal-bnedmin.

[7] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 36.

[8] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 36.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 802-803 5/16/2014 11:50:07 AM

2225 Bil-grazzja tas-sagrament taż-Żwieġ, il-ġenituri
1656 rċevew ir-responsabiltà u l-privileġġ li *jevanġelizzaw lil uliedhom*. Mindu jkunu ċkejknin għandhom jgħallmuhom il-misteri tal-fidi, li tagħha l-ġenituri huma "l-ewwel ħabbara" għal uliedhom.[9] Sa minn ċkunithom għandhom iseħbuhom fil-ħajja tal-Knisja. Is-sura tal-ħajja fil-familja tista' tmantni dawk id-dispożizzjonijiet affettivi li, tul il-ħajja kollha, jibqgħu dejjem il-veru bidu ta' fidi ħajja u jibqgħu dejjem iżommuha ħajja.

2226 *L-edukazzjoni fil-fidi* permezz tal-ġenituri trid tibda mill-ewwel tfulija. Tkun qiegħda ġa tingħata meta l-membri tal-familja jgħinu lil xulxin jikbru fil-fidi, bix-xhieda li jagħtu ta' ħajja Nisranija skont l-Evanġelju. Il-katekeżi fil-familja tiġi qabel is-suriet l-oħra kollha tat-tagħlim tal-fidi, tissieħeb magħhom u tgħinhom. Il-ġenituri huma fid-dmir jgħallmu 'l uliedhom jitolbu u jagħrfu l-vokazzjoni tagħhom ta' wlied
2179 Alla.[10] Il-parroċċa hi l-komunità ewkaristika u l-qalba tal-ħajja liturġika tal-familji Nsara: hi post privileġġjat tal-katekeżi tat-tfal u tal-ġenituri.

2227 L-ulied min-naħa tagħhom jgħinu lill-ġenituri jikbru
2013 *fil-qdusija*.[11] Kollha kemm huma u kull wieħed minnhom b'ġenerożità u bla ma jintelqu, għandhom jaħfru lil xulxin bil-qalb l-offiżi, it-tilwim, l-inġustizzji u t-traskuraġni tagħhom. Dan tissuġġerih l-imħabba li għandu jkollhom għal xulxin. Dan titolbu l-imħabba ta' Kristu (ara *Mt* 18,21-22; *Lq* 17,4).

[9] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11. Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1136.

[10] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 11.

[11] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48.

2228 Tul it-tfulija, ir-rispett u l-imħabba tal-ġenituri għal uliedhom jidher l-ewwel fil-ħsieb u fl-attenzjoni li juru fit-trobbija tagħhom u billi *jipprovdulhom għall-ħtiġijiet materjali u spiritwali tagħhom*. Meta l-ulied ikunu jikbru, l-istess rispett u l-istess dedikazzjoni jwasslu lill-ġenituri biex jgħallmu 'l uliedhom kif jużaw tajjeb ir-raġuni u l-libertà tagħhom.

2229 Il-ġenituri, bħala l-ewwel responsabbli tal-edukazzjoni ta' wliedhom għandhom id-dritt *jagħżlulhom l-iskola* li tkun taqbel mal-konvinzjonijiet propji tagħhom. Dan hu dritt fundamentali. Il-ġenituri għandhom, sa fejn jista' jkun, jagħżlu dawk l-iskejjel li l-aħjar jistgħu jgħinuhom fil-ħidma tagħhom ta' edukaturi Nsara.[12] L-awtoritajiet ċivili għandhom id-dmir li jħarsu dan id-dritt tal-ġenituri u jiżgurawlhom kundizzjonijiet li bihom ikunu jistgħu tassew jużaw dan id-dritt.

2230 Meta jikbru, l-ulied għandhom id-dritt u d-dmir *li jagħżlu l-professjoni u l-istat tal-ħajja tagħhom*. Jidħlu għal dawn ir-responsabiltajiet ġodda f'relazzjoni ta' fiduċja mal-ġenituri tagħhom, u mingħandhom jitolbu u jieħdu bil-qalb pariri u tagħrif. Il-ġenituri għandhom joqogħdu attenti li ma jmorrux kontra wliedhom la fl-għażla tal-professjoni u lanqas 1625
fl-għażla tas-sieħeb jew sieħba tagħhom fiż-żwieġ. Dan id-dmir li joqogħdu lura ma jfissirx li ma għandhomx, anzi għandhom, jgħinuhom b'pariri għaqlin, b'mod partikulari meta jiġu biex iwaqqfu familja.

2231 Xi wħud ma jiżżewġux biex jieħdu ħsieb il-ġenituri tagħhom jew lil xi ħadd minn ħuthom, jew biex jiddedikaw ruħhom kollhom kemm huma għall-professjoni tagħhom jew għal xi raġunijiet oħra ta' ġieħ. Dawn jistgħu jagħtu kontribut mill-aqwa għall-ġid tal-ġens kollu tal-bnedmin.

[12] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Gravissimum educationis* (1965), 6.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 804-805 5/16/2014 11:50:07 AM

IV. Il-familja u s-Saltna

2232 Ir-rabtiet tal-familja, għalkemm huma importanti ħafna, mhumiex rabtiet assoluti. Kif it-tifel jikber u jkun aktar matur u indipendenti f'dak li hu uman u spiritwali, tibda tidher dejjem aktar ċara u dejjem aktar qawwija l-vokazzjoni singulari tiegħu li tiġih minn Alla. Il-ġenituri għandhom jirrispettaw din is-sejħa u jgħinu lil uliedhom iwieġbu għaliha. Irridu nkunu konvinti li l-ewwel vokazzjoni tan-Nisrani hi dik
1618 li *jmur wara Ġesù* (ara *Mt* 16,25). "Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi; min iħobb lil ibnu jew lil bintu aktar minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi" (*Mt* 10,37).

542 2233 Tkun dixxiplu ta' Ġesù jfisser tilqa' l-istedina li tkun membru tal-*familja ta' Alla*, tgħix kif għex hu: "Kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak hu ħija, u oħti, u ommi" *(Mt* 12,50).

Il-ġenituri għandhom jilqgħu u jaċċettaw bil-ferħ u r-radd il-ħajr is-sejħa li l-Mulej jagħmel lil xi wieħed jew waħda minn uliedhom, biex imorru warajh u jħaddnu ħajja ta' verġinità għas-saltna tas-smewwiet, jew ħajja kkonsagrata, jew il-ministeru saċerdotali.

V. L-awtoritajiet fis-soċjetà ċivili

2234 Ir-raba' kmandament jordnalna wkoll li nagħtu ġieħ lil dawk kollha li, għall-ġid tagħna, irċevew mingħand Alla
1897 xi awtorità fis-soċjetà. Il-kmandament juri ċar x'inhuma d-dmirijiet ta' dawk li jirċievu l-awtorità u ta' dawk li se tkunilhom ta' ġid.

Dmirijiet tal-awtoritajiet ċivili

2235 Dawk li għandhom xi awtorità, għandhom iħaddmuha bħala servizz. "Min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom" (*Mt* 20,26). L-eżerċizzju tal-awtorità hu 1899
moralment tajjeb għax kull awtorità ġejja minn Alla, iżda l-awtorità trid titħaddem b'mod raġonevoli, u skont il-għan speċifiku tagħha. Ħadd ma jista' jordna jew iwaqqaf xi ħaġa li tmur kontra d-dinjità tal-persuna umana jew kontra l-liġi naturali.

2236 Fit-tħaddim tal-awtorità trid tidher ċara skala ġusta ta' valuri li tagħmilha iktar faċli għal kulħadd li jeżerċita l-libertà u r-responsabiltajiet tiegħu. Is-superjuri għandhom iħaddmu l-ġustizzja distributtiva bil-għaqal, huma u jqisu 2411
l-ħtiġijiet ta' kull wieħed u x'jista' jagħti kull wieħed, biex ikun hemm ftehim u paċi bejn kulħadd. Għandhom jgħassu biex ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet li jagħmlu ma joħolqux oppożizzjoni bejn l-interessi personali u l-interessi tal-komunità.[13]

2237 *Is-setgħat politiċi* huma fid-dmir li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-persuna umana. Ifittxu li jagħmlu l-ħaqq b'mod uman, huma u jħarsu d-drittijiet ta' kull wieħed, 357
speċjalment id-drittijiet tal-familji u tal-foqra.

Id-drittijiet politiċi li jiġu miċ-ċittadinanza jistgħu u għandhom jingħataw skont dak li jitlob il-ġid komuni. Dawn id-drittijiet ma jistgħux jiġu sospiżi mill-awtoritajiet pubbliċi mingħajr raġuni leġittima u proporzjonata. L-użu tad-drittijiet politiċi bħala għan għandu l-ġid komuni tan-nazzjon u tal-komunità tal-bnedmin.

[13] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 25.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 806-807 5/16/2014 11:50:07 AM

DMIRIJIET TAĊ-ĊITTADINI

1900 2238 Dawk li huma sudditi tal-awtorità għandhom iqisu s-superjuri tagħhom bħala rappreżentanti ta' Alla, li għamilhom ministri tad-doni tiegħu (ara *Rum* 13,1-2). "Għall-imħabba tal-Mulej, baxxu raskom għal kull awtorità tal-bnedmin: ... Għixu bħala nies ħielsa, mhux li tinqdew bil-ħelsien tagħkom biex bħallikieku tgħattu l-ħażen, imma bħala qaddejja ta' Alla" (*1 Piet* 2,13.16). Din il-kollaborazzjoni leali ġġib magħha d-dritt, u xi kultant ukoll id-dmir ta' protesta ġusta kontra dak li jidher li se jkun ta' ħsara għad-dinjità tal-persuni u għall-ġid tal-komunità.

1915 2239 *Id-dmir taċ-ċittadini* hu li jagħtu sehemhom, flimkien mal-awtoritajiet leġittimi, għall-ġid tas-soċjetà, fi spirtu ta' verità u ta' ġustizzja, ta' solidarjetà u ta' libertà. L-imħabba 2310 u s-servizz lill-*pajjiż* huma xhieda ta' dmir ta' rikonoxxenza u ta' mħabba. L-ubbidjenza lill-awtoritajiet ċivili u s-servizz għall-ġid tal-komunità jitolbu liċ-ċittadini jagħtu sehemhom fil-ħajja tal-komunità politika.

2240 L-ubbidjenza lejn l-awtorità u r-responsabiltà taċ-ċittadini kollha flimkien għall-ġid ta' kulħadd jitolbu 2265 moralment li kulħadd iħallas it-taxxi, jivvota u jiddefendi l-pajjiż.

> Agħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, taxxi lil min imissu t-taxxi, dazju lil min imissu d-dazju, rispett lil min imissu rispett, ġieħ lil min imissu l-ġieħ (*Rum* 13,7).
>
> L-Insara għandhom kull wieħed pajjiżu, iżda jgħixu fih qisu mhux tagħhom; jaqsmu kollox mal-oħrajn, ta' ċittadini li huma, u jistabru b'kollox bħallikieku barranin ... Joqogħdu għal-liġijiet tal-pajjiż, iżda jgħixu ħajja li mhux milħuqa mil-liġi ... Dan hu s-sehem kbir li Alla tahom fid-dinja u jagħmlu ħażin jekk ma jaċċettawhx.[14]

[14] *Ittra lil Djonjetu*, 5, 5; 10; 6, 10: PG 2, 1173; 1176.

L-Appostlu jħeġġiġna biex nitolbu u nroddu ħajr għas-slaten u għal dawk kollha li għandhom xi awtorità biex 1900 "inkunu nistgħu ngħaddu ħajja fil-kwiet u fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq" (*1Tim* 2,2).

2241 In-nazzjonijiet li jinsabu f'qagħda aħjar għandhom jilqgħu mill-aħjar li jistgħu l-*barrani* li qiegħed ifittex sigurtà u mezzi biex jgħix, ħwejjeġ li ma jistax isibhom f'pajjiżu. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jgħassu biex jaraw li r-rispett, mitlub mil-liġi naturali għall-barrani li jiġi fid-dar ikun imħares minn dawk li jilqgħuh għandhom.

L-awtoritajiet politiċi, minħabba l-ġid komun ta' dawk li huma responsabbli tagħhom, jistgħu jirregolaw id-dritt tal-emigrazzjoni b'għadd ta' kundizzjonijiet ġuridiċi, l-aktar dwar ir-rispett tad-dmirijiet li l-emigranti għandhom lejn il-pajjiż li qed jilqagħhom. L-emigrant hu fid-dmir, b'sinjal ta' ħajr, li jirrispetta l-wirt materjali u spiritwali tal-pajjiż li qed jilqgħu, jobdi l-liġijiet u jgħin fl-ispejjeż li jsiru għalih.

2242 Iċ-ċittadin hu obbligat fil-kuxjenza li ma jobdix l-ordnijiet tal-awtoritajiet ċivili meta dawn huma kontrarji 1903 għal-liġi morali u għad-drittijiet fundamentali tal-persuna jew kontra t-tagħlim tal-Evanġelju. *Li wieħed jirrifjuta li jobdi* lill- 2313 awtoritajiet ċivili, meta dak li qed jitolbu hu kuntrarju għal dak li titlob kuxjenza retta, hu ġġustifikat mid-distinzjoni bejn il-qadi ta' Alla u l-qadi tal-awtorità ċivili: "Agħtu lil Ċesari dak 450 li hu ta' Ċesari u lil Alla dak li hu ta' Alla" (*Mt* 22,21). "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin" (*Atti* 5,29).

> Jekk l-awtorità pubblika, tmur 'l hemm minn dak li hu dmirha 1901 u taħqar iċ-ċittadini, dawn ma għandhomx jirrifjutaw li jħarsu dak li oġġettivament hu mitlub mill-ġid ta' kulħadd. Iżda jistgħu jiddefendu drittijiethom u dawk taċ-ċittadini sħabhom kontra l-abbuż tal-poter, waqt li jħarsu l-limiti indikati mil-liġi naturali u mil-liġi evanġelika.[15]

[15] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 74.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 808-809 5/16/2014 11:50:08 AM

2309 2243 *Ir-reżistenza* għall-moħqrija mill-poter politiku ma għandhiex tagħmel użu mill-armi ħlief meta jkun hemm dawn il-kundizzjonijiet kollha f'daqqa: (1) ikun hemm ksur gravi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem li wieħed ikun ċert minnu u li jkun ilu sejjer għal żmien twil; (2) ikunu ġew użati l-mezzi l-oħra kollha u kollox ikun għal xejn; (3) ma jinħolqux kundizzjonijiet agħar minn dawk li jkun hemm; (4) ikun hemm bażi ta' tama serja li r-reżistenza se tirnexxi; (5) ma jkunx hemm tamiet raġonevoli ta' xi soluzzjoni aħjar.

Il-komunità politika u l-Knisja

1910 2244 Kull istituzzjoni għandha quddiemha, ukoll jekk ma tgħidhiex bil-kliem, viżjoni tal-bniedem u ta' fejn irid jasal. Fuq din il-viżjoni tfassal il-kriterji li bihom tiġġudika l-iskala tal-valuri u l-mod kif iġġib ruħha. Il-kotra l-kbira tas-soċjetajiet
1881 wasslu lill-istituzzjonijiet tagħhom biex jagħrfu li l-bniedem hu 'l fuq minn kull ħaġ'oħra. Ir-reliġjon biss, irrivelata minn Alla, uriet b'mod l-aktar ċar li l-bidu u d-destin tal-bniedem hu Alla Ħallieq u Feddej. Il-Knisja tistieden lis-setgħat politiċi biex fil-ġudizzji u d-deċiżjonijiet tagħhom tmexxihom il-Verità
2109 dwar Alla u l-bniedem:

> Is-soċjetajiet li ma jafux jew ma jridux tmexxihom din il-Verità għaliex jidhrilhom li huma indipendenti minn Alla, jaslu biex jaraw fihom infushom jew f'xi ideoloġija l-prinċipju li jmexxihom lejn id-destin tagħhom u, billi ma jammettux li hemm kriterju oġġettiv tat-tajjeb u tal-ħażin, jagħtu lilhom infushom bid-dieher jew bil-moħbi poter totalitarju fuq il-bniedem, kif turina l-istorja.[16]

2245 Il-Knisja, minħabba d-dmirijiet tagħha u l-kompetenza tagħha, ma tistax tkun bl-ebda mod identifikata mal-poter

[16] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 45-46.

politiku, imma hi fl-istess ħin sinjal u ħarsien tal-karattru 912
traxxendenti tal-persuna umana. "Il-Knisja ġġib 'il quddiem u tirrispetta l-libertà politika u r-responsabiltajiet taċ-ċittadini".[17]

2246 Hi parti mill-missjoni tal-Knisja "tagħti ġudizzju morali, ukoll fuq materji li jolqtu l-qasam politiku, meta 2032
d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jew is-salvazzjoni tal-erwieħ jitolbu dan; tuża l-mezzi kollha li għandha, u dawk 2420
biss li jaqblu mal-Evanġelju u mal-ġid ta' kulħadd, skont iż-żmien u skont xi tkun is-sitwazzjoni".[18]

Fil-qosor

2247 *"Weġġaħ lil missierek u 'l ommok"* (*Dewt* 5,16; *Mk* 7,10).

2248 *Skont ir-raba' kmandament Alla ried li, warajh nagħtu ġieħ lill-ġenituri tagħna u lil dawk kollha li Hu tahom awtorità għall-ġid tagħna.*

2249 *Il-komunità tal-miżżewġin titwaqqaf bil-għaqda u l-kunsens taż-żewġ għarajjes. Iż-żwieġ u l-familja qegħdin hemm għall-ġid taż-żewġ miżżewġin u għat-tnissil u l-edukazzjoni tal-ulied.*

2250 *"Il-ġid tal-persuna, bħala bniedem u bħala Nisrani, u l-ġid tas-soċjetà huma marbutin mill-qrib mas-sħuħija tal-komunità taż-żwieġ u tal-familja".*[19]

[17] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 76.
[18] *Ibid.*
[19] *Ibid.*, 47.

2251 *L-ulied għandhom jirrispettaw, juru ħajr, jobdu u jgħinu lill-ġenituri tagħhom. Ir-rispett tal-ulied jgħin għall-armonija fil-ħajja kollha tal-familja.*

2252 *Il-ġenituri huma l-ewwel responsabbli tal-edukazzjoni ta' wliedhom fil-fidi, fit-talb u f'kull virtù. Għandhom id-dmir jippprovdu, sa fejn jistgħu, għall-ħtiġijiet tar-ruħ u tal-ġisem ta' wliedhom.*

2253 *Il-ġenituri għandhom jirrispettaw u jgħinu l-vokazzjoni ta' wliedhom. Għandhom ifakkruhom u jgħallmuhom li l-ewwel stedina li għandu n-Nisrani hu li jimxi wara Kristu.*

2254 *L-awtorità pubblika hi fid-dmir li tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuna umana u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-bniedem ikun jista' jagħmel użu mil-libertà tiegħu.*

2255 *Hu dmir taċ-ċittadini li jaħdmu flimkien mas-setgħat ċivili għall-bini tas-soċjetà fi spirtu ta' verità, ta' ġustizzja, ta' solidarjetà u ta' libertà.*

2256 *Iċ-ċittadin hu obbligat fil-kuxjenza li ma joqgħodx għad-direttivi tal-awtorità ċivili meta dawn huma kontra dak li jitlob l-ordni morali: "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin"* (*Atti* 5,29).

2257 *Kull soċjetà tqis il-ġudizzji u l-imġiba tagħha skont il-fehma li għandha tal-bniedem u tad-destin tiegħu. Is-soċjetajiet meta jitbiegħdu mid-dawl tal-Evanġelju dwar Alla u l-bniedem, faċilment isiru totalitarji.*

Il-ħames artiklu

IL-ĦAMES KMANDAMENT

La toqtolx (*Eż* 20,13).

Smajtu x'intqal lin-nies ta' dari: "La toqtolx". Mela jekk xi ħadd joqtol ikun ħaqqu l-kundanna. Imma jiena ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh (*Mt* 5,21-22).

2258 *Il-ħajja tal-bniedem hi qaddisa*, għaliex sa mill-bidu tagħha timpenja l-ħidma ta' Alla fil-ħolqien u tibqa' dejjem f'relazzjoni speċjali ma' Alla l-Ħallieq, għax għalih inħalqet. Alla biss hu sid il-ħajja mill-bidu sat-tmiem tagħha: ħadd ma jista' jippretendi għalih f'ebda ċirkustanza, id-dritt li jeqred direttament il-ħajja ta' bniedem innoċenti.[20] 356

I. Ir-rispett għall-ħajja tal-bniedem

IX-XHIEDA TAL-ISTORJA SAGRA

2259 L-Iskrittura, fir-rakkont tal-qtil ta' Abel minn ħuh Kajjin (ara *Ġen* 4,8-12) turi li sa mill-bidu tal-ġrajja tal-bniedem, fih jinsabu l-korla u x-xeħħa, bħala konsegwenza tad-dnub tan-nisel. Il-bniedem sar għadu ta' sieħbu. Quddiem il-kefrija ta' dan il-qtil, Alla qal: "X'għamilt! Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed jgħajjatli mill-art. U issa misħut int mill-art li fetħet fommha u laqgħet id-demm ta' ħuk minn idejk" (*Ġen* 4,10-11). 401

[20] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni *Donum vitae* (1987), introduzzjoni, 5.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 812-813 5/16/2014 11:50:08 AM

2260 Il-Patt ta' Alla mal-ġens kollu tal-bnedmin ifakkar il-ħin kollu d-don tal-ħajja li Alla ta lill-bniedem u l-vjolenza qattiela tal-bniedem.

> Mingħand kull bniedem ... nitħallas tal-ħajja ta' bniedem ieħor bħalu ... Kull min ixerred demm ta' bniedem, minn bniedem ieħor jixxerred demmu. Għax skont ix-xbieha tiegħu, ħalqu Alla lill-bniedem (*Ġen* 9,5-6).

It-Testment il-Qadim dejjem qies id-demm bħala sinjal qaddis tal-ħajja (ara *Lev* 17,14). Dan it-tagħlim hu meħtieġ għaż-żminijiet kollha.

2261 L-Iskrittura tgħidilna b'mod preċiż x'inhu pprojbit mill-ħames kmandament: "Toqtolx lil min hu sewwa u bla ħtija" (*Eż* 23,7). Il-qtil volontarju ta' bniedem innoċenti hu kuntrarju b'mod tassew gravi għad-dinjità tal-bniedem, għar-regola tad-deheb u għall-qdusija tal-Ħallieq. Il-liġi li tipprojbixxi l-qtil tgħodd kullimkien; tobbliga lil kulħadd u lil kull wieħed dejjem u kullimkien.

2262 Fid-Diskors tal-Muntanja, Ġesù jfakkar il-kmandament "La toqtolx" (*Mt* 5,21) u jżid miegħu l-kundanna tal-korla, tal-mibegħda u tal-vendetta. Anzi Kristu jitlob xi ħaġa aktar mid-dixxiplu tiegħu; jgħidlu li jekk xi ħadd jagħtih bil-ħarta fuq ħaddu l-leminija, għandu jdawwarlu l-oħra (ara *Mt* 5,22-39); jgħidlu jħobb l-għedewwa tiegħu (ara *Mt* 5,44). Kristu nnifsu ma ddefendiex ruħu, u lil Pietru qallu biex idaħħal is-sejf f'postu (ara *Mt* 26,52).

Difiża leġittima

2263 Id-difiża leġittima tal-persuni u tas-soċjetajiet mhijiex xi eċċezzjoni għall-projbizzjoni tal-qtil ta' min hu bla ħtija, li hu omiċidju volontarju. "L-azzjoni għad-difiża tiegħek innifsek jista' jkollha żewġ effetti: wieħed hu l-ħarsien ta' ħajtek u l-ieħor il-mewt ta' min ħebb għalik ... Effett wieħed biss trid, l-ieħor ma tridux".[21]

2264 L-imħabba tiegħek innifsek tibqa' dejjem il-prinċipju fundamentali tal-moralità. Mela hu leġittimu li int tħares id-dritt tiegħek għall-ħajja. Min jiddefendi ħajtu mhux ħati ta' omiċidju, ukoll jekk ikollu jagħti d-daqqa tal-mewt lil dak li jkun iħebb għalih:

> Jekk biex tiddefendi ruħek tuża vjolenza aktar milli meħtieġ, dan mhux permess. Iżda min ibiegħed minnu l-vjolenza b'mod meqjus, dan hu permess ... Mhuwiex meħtieġ għas-salvazzjoni li wieħed jirrinunzja għad-difiża leġittima ħalli ma joqtolx lill-ieħor; għax wieħed hu aktar fid-dmir li jħares ħajtu milli dik ta' ħaddieħor.[22]

2265 Id-difiża leġittima tista' tkun mhux biss dritt, imma wkoll dmir gravi għal min hu responsabbli li jħares il-ħajja ta' ħaddieħor. Il-ħarsien tal-ġid komuni jitlob li dak li inġustament ikun jheddu jitqiegħed f'qagħda li ma jkunx jista' jagħmel ħsara. Minħabba f'hekk, dawk li leġittimament għandhom l-awtorità għandhom ukoll id-dritt jużaw l-armi biex ibiegħdu l-aggressuri għall-komunità ċivili li tagħha dawk fl-awtorità huma responsabbli.

2266 Għall-esiġenza tal-ħarsien tal-ġid komuni jwieġbu l-isforzi tal-Istat biex irażżan l-imġiba ta' dawk li jagħmlu ħsara lid-drittijiet tal-bnedmin u lill-prinċipji fundamentali li jirregolaw is-soċjetà ċivili. L-awtorità pubblika leġittima għandha d-dritt u d-dmir li tikkastiga b'pieni proporzjonati għall-gravità tad-delitt.

L-għan ewlieni tal-piena hu dak li ssewwi d-diżordni li ġġib il-ħtija. Meta l-ħati jaċċetta minn rajh il-piena, din tikseb

[21] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, II-II, 64, 7.
[22] *Ibid.*

valur ta' espjazzjoni. Il-piena mbagħad, barra milli tiddefendi l-ordni pubbliku u s-sigurtà tal-persuni, għandha wkoll valur mediċinali: fil-qies ta' dak li jkun possibbli, għandha tgħin għall-korrezzjoni tal-ħati.

2267 Meta wieħed ikun aċċerta ruħu bis-sħiħ dwar l-identità tal-ħati u r-responsabiltà tiegħu, it-tagħlim tradizzjonali tal-Knisja ma jeskludix li wieħed jirrikorri għall-piena tal-mewt, jekk din tkun l-unika triq possibbli biex wieħed iħares b'mod effettiv il-ħajja tal-persuni, mheddin minn aggressur inġust.

2306 Meta pieni li ma jwasslux għall-mewt huma biżżejjed biex iħarsu l-ħajja tal-persuni minn aggressuri inġusti, l-awtorità għandha tillimita ruħha għal dawn il-mezzi, għax dawn iwieġbu aħjar għal dak li jitolbu l-kundizzjonijiet konkreti tal-ġid komuni u jaqblu aktar mad-dinjità tal-persuna umana.

Fil-fatt, billi llum l-Istat għandu mezzi biex irażżan il-kriminalità b'mod effikaċi billi lil min ikun għamel xi offiża ma jħallihx jagħmel ħsara, iżda mingħajr ma jneħħilu għal kollox il-possibbiltà li jbiddel ħajtu, il-każi li fihom hu meħtieġ li lill-ħati tingħatalu l-piena tal-mewt "huma tant rari li prattikament ma jeżistux".[23]

L-OMIĊIDJU VOLONTARJU

2268 Il-ħames kmandament jipprojbixxi bħala dnub tassew gravi *l-qtil dirett u volontarju*. Il-qattiel, u dawk li jgħinuh
1867 volontarjament fil-qtil, jagħmlu dnub li jitlob il-vendetta ta' Alla (ara *Ġen* 4,10).

[23] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Evangelium vitae* (1995), 56.

Il-qtil tat-trabi (l-infantiċidju)[24], il-qtil ta' xi ħadd mill-aħwa (il-fratriċidju), il-qtil tal-missier jew tal-omm (il-parriċidju), il-qtil ta' persuna miżżewġa minn seħibha fiż-żwieġ, huma delitti li għandhom gravità speċjali, għaliex huma delitti kontra r-rabtiet naturali. L-ewġenetika jew is-saħħa pubblika mhumiex raġunijiet biżżejjed biex jiġi ġġustifikat xi qtil, ukoll jekk ordnat mill-awtorità pubblika.

2269 Il-ħames kmandament jipprojbixxi wkoll kull għemil, bil-ħsieb li jġib *indirettament* il-qtil ta' xi persuna. Il-liġi morali tipprojbixxi li wieħed iqiegħed lil xi ħadd fil-periklu bla ebda raġuni gravi u tipprojbixxi wkoll li wieħed jiċħad l-għajnuna tiegħu lil xi ħadd li jinsab fil-periklu li jitlef ħajtu.

Il-fatt li s-soċjetà tal-bnedmin qed tħalli jsaltan il-ġuħ li fid-dinja qed joħloq ħafna mwiet, mingħajr ma jsir xejn, hu skandlu tassew kbir u ħtija serja kontra l-ġustizzja. In-negozjanti li bl-użura u bin-negozju tagħhom qed iġibu l-ġuħ u hekk iwasslu għall-mewt lil ħuthom il-bnedmin l-oħra, indirettament qed jagħmlu omiċidju, huma ħatja tiegħu (ara *Għam* 8,4-10).

Min jagħmel omiċidju *mhux volontarju* mhux moralment ħati tiegħu. Iżda 2290
wieħed ma jeħlisx minn ħtija serja jekk, mingħajr ebda raġuni proporzjonata, iġib ruħu b'mod li jwassal għall-mewt ta' xi ħadd, ukoll mingħajr ma jkun iridha.

L-ABORT

2270 Il-ħajja tal-bniedem jeħtiġilha rispett u ħarsien b'mod 1703
assolut sa mill-ewwel mument tal-eżistenza tiegħu. Sa mill-
ewwel mument tat-tnissil tiegħu, il-bniedem għandu jkollu 357
magħrufin id-drittijiet tiegħu bħala persuna; fost dawn id-drittijiet, li ma jistgħu jintmessu qatt, hemm id-dritt għall-ħajja ta' kull min hu bla ħtija.[25]

[24] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 51.

[25] Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni *Donum vitae* (1987), 1, 1.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 816-817 5/16/2014 11:50:08 AM

> "Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek; qabel ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek" *(Ġer* 1,5; ara *Ġob* 10,8-12; *Salm* 22,10-11).
>
> Ma kienx moħbi għadmi minnek, meta kont qiegħed insir fis-satra u nintiseġ fil-qigħan tal-art (*Salm* 139,15).

2271 Sa mill-ewwel seklu, il-Knisja għallmet li kull abort prokurat hu moralment ħażin. Dan it-tagħlim ma tbiddilx. Jibqa' dejjem l-istess. L-abort direttt, jiġifieri kemm jekk wieħed iridu għalih innifsu u kemm jekk iridu bħala mezz għal xi ħaġa oħra, hu dejjem kontra l-liġi morali b'mod gravi:

> Toqtolx tarbija qabel titwieled u lanqas teqridha wara li titwieled.[26]
>
> Alla, sid il-ħajja, ried iħalli f'idejn il-bnedmin il-qadi nobbli favur il-ħajja u dan il-qadi l-bniedem irid jaqdih b'mod li jixraqlu. Il-ħajja trid tiġi mħarsa b'ħerqa kbira sa mill-mument tat-tnissil: l-abort u l-infanticidju huma delitti mill-agħar.[27]

2272 Kooperazzjoni formali f'abort hi ħtija gravi. Il-Knisja tikkastiga bi skomunika min jagħmel dan id-delitt kontra l-ħajja tal-bniedem. "Min jipprokura abort, jekk iseħħ, jaqa' fl-iskomunika *latae sententiae*"[28], "minħabba l-fatt stess tad-delitt li jkun sar"[29], u skont il-kundizzjonijiet imsemmija
1463 mid-Dritt Kanoniku.[30] B'dan il-mod il-Knisja ma tkun qiegħda tnaqqas xejn mill-ħniena: trid turi biss kemm hu gravi l-abort, xi ħsara jġib, ħsara li bl-ebda mod ma tista' tissewwa, ħsara

[26] *Didaché,* 2,2: ara *Didaché. It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu,* Provinċja Franġiskana Kapuċċina Maltija, Malta 1999, 35. Ara *Ittra ta' Barnaba,* 19, 5; *Ittra lil Djonjetu*, 5, 6; Tertulljanu, *L-Apoloġetiku*, 9, 8: PL 1, 371-372.

[27] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 51.

[28] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1398.

[29] *Ibid*., kan. 1314.

[30] Ara *ibid*., kan. 1323-1324.

magħmula lill-ħajja ta' innoċenti li ġie maqtul, lill-ġenituri tiegħu, lis-soċjetà kollha kemm hi.

2273 Id-dritt għall-ħajja ta' kull individwu bla ħtija, dritt li ma 1930
jista' qatt jiġi fix-xejn hu *element kostituttiv tas-soċjetà ċivili u tal-liġijiet tagħha*.

Id-drittijiet tal-persuna, li ma jistgħu jiġu qatt fix-xejn, għandhom ikunu mħarsa u rrispettati mis-soċjetà ċivili u mill-awtorità politika. Id-drittijiet tal-bniedem la jiddependu minn xi individwi, jew mill-ġenituri u lanqas ġew mogħtija lill-bniedem mis-soċjetà jew mill-Istat: jagħmlu parti min-natura tal-persuna umana u ġejjin mill-att tal-ħolqien tal-bniedem. Fost dawn id-drittijiet fundamentali, ta' min isemmi d-dritt għall-ħajja u għas-sħuħija fiżika ta' kull bniedem mill-mument tat-tnissil tiegħu sa mewtu.[31]

Meta liġi pożittiva ċċaħħad xi kategorija ta' bnedmin mill-ħarsien li l-liġi ċivili għandha tagħti lil kulħadd, l-Istat ikun wasal biex jiċħad li l-bnedmin kollha huma ndaqs quddiem il-liġi. Meta l-Istat ma jużax is-setgħat tiegħu għall-qadi tad-drittijiet taċ-ċittadini kollha, speċjalment ta' dawk l-aktar dgħajfin, l-istess sisien tal-Istat tad-dritt ikunu mhedda ... Bħala konsegwenza tar-rispett u tal-ħarsien li għandu jkollha t-tarbija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, il-liġi għandu jkollha sanzjonijiet penali għal kull ksur deliberat tad-drittijiet tat-tarbija.[32]

2274 L-embrijun, għaliex għandu jitqies li hu persuna sa mill-mument tat-tnissil tiegħu, għandu jkollu mħarsa l-integrità tiegħu, għandu jkun ikkurat u mfejjaq, sakemm hu possibbli, l-istess bħal kull bniedem ieħor.

Id-dijanjosi ta' qabel it-twelid hi moralment permessa "jekk tirrispetta l-ħajja u l-integrità tal-embrijun u tal-fetu tal-bniedem, u tfittex li tħarsu u tfejqu ... Id-dijanjosi li ssir bil-ħsieb li jsir abort jekk jirriżulta li hemm xi nuqqas jew xi difett fl-embrijun, hi moralment ħażina. Dijanjosi m'għandhiex tissarraf f'kundanna ta' mewt.[33]

[31] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni *Donum vitae* (1987), 3.

[32] *Ibid.*

[33] *Ibid*., 1, 2.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 818-819 5/16/2014 11:50:08 AM

2275 Wieħed għandu jqis bħala permess kull intervent fuq l-embrijun tal-bniedem, sakemm ikunu rrispettati l-ħajja u l-integrità tiegħu, u ma joħolqulux perikli sproporzjonati, imma jfittxu biss il-fejqan tiegħu jew it-titjib ta' saħħtu jew biex jibqa' jgħix.[34]

Hu għemil immorali tieħu embrijuni umani għal xi esperimenti u tqishom bħala 'materjal bijoloġiku' li mbagħad tarmih meta ma jkunx jiswielek aktar.[35]

Ċerti tentattivi ta' interventi fuq il-wirt kromosomiku u ġenetiku tal-embrijun, mhux b'xi ħsieb terapewtiku, imma bil-ħsieb li jitwieldu bnedmin skont is-sess li wieħed ikun irid, jew inkella b'ċerti kwalitajiet speċifiċi determinati minn qabel, huma immorali għaliex din il-manipulazzjoni tmur kontra d-dinjità tal-persuna umana u kontra l-integrità u l-identità personali tiegħu, unika u irrepetibbli.[36]

L-EWTANASJA

1503 2276 Dawk li ħajjithom qed tonqos u tiddgħajjef għandhom dritt għal rispett speċjali. Il-persuni morda u b'diżabiltà għandhom isibu għajnuna biex jgħixu ħajja kemm jista' jkun normali.

2277 Huma x'inhuma l-motivi u l-mezzi, l-ewtanasja diretta sseħħ meta wieħed itemm il-ħajja ta' persuna b'diżabiltà jew marida jew qiegħda tmut. Moralment ma tistax tiġi aċċettata.

Għemil jew nuqqas ta' għemil li, minnu nnifsu jew bl-intenzjoni ta' min jagħmlu, jagħti l-mewt lil dak li jkun biex ma jbatix aktar, hu qtil li jmur gravament kontra d-dinjità tal-persuna tal-bniedem u kontra r-rispett li jistħoqq lil Alla l-Ħaj u Ħallieq. Żball ta' ġudizzju li wieħed jagħmel bi ħsieb tajjeb, ma jbiddilx in-natura ta' dan il-qtil, li għandu dejjem jiġi kkundannat u pprojbit.[37]

[34] *Ibid*., 1, 3.

[35] *Ibid*, 1, 5.

[36] *Ibid*., 1,6.

[37] Ara Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni *Iura et bona* (1980).

2278 Il-waqfien ta' proċeduri mediċi li jqumu ħafna, u li huma perikoluži, straordinarji u mingħajr proporzjon mar-riżultati li jinkisbu, jista' jkun leġittimu. Dan il-waqfien ikun ifisser li ma tkunx trid "kura terapewtika li fiha nnifisha hi ħarxa ħafna". Dan ma jfissirx li hemm il-ħsieb li tingħata l-mewt: wieħed ikun biss jaċċetta li ma jistax iżomm il-mewt. Id-deċiżjonijiet iridu 1007 jittieħdu mill-marid innifsu jekk jaf u għandu l-ħila jagħmel dan, jew inkella minn min għandu d-dritt jieħu din id-deċiżjoni, iżda fl-istess ħin għandu dejjem jirrispetta r-rieda raġjonevoli u l-interessi leġittimi tal-marid.

2279 Ukoll meta jitqies li l-mewt hi fil-qrib, l-għajnuna li s-soltu tingħata lill-marid m'għandhiex tieqaf. L-użu ta' mediċini biex itaffu t-tbatijiet tal-moribond, ukoll jekk dawn il-mediċini se jnaqqsu xi ġranet minn ħajtu, jistgħu jaqblu moralment mad-dinjità tal-bniedem, jekk il-mewt wieħed ma jkunx iridha, la direttament u lanqas indirettament, imma biss jittolleraha, għax ma jistax jagħmel ieħor. Il-kura li tingħata biex tonqos it-tbatija tista' tkun sura pprivileġġjata ta' mħabba li ma tfittixx l-interessi tagħha: għal dan il-għan, kura bħal din ta' min jinkoraġġiha.

IS-SUWIĊIDJU

2280 Kull bniedem hu responsabbli ta' ħajtu quddiem Alla, li tahielu. Alla jibqa' dejjem is-Sid setgħani tal-ħajja. Aħna 2258 fid-dmir li nilqgħuha b'radd ta' ħajr u nħarsuha għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' ruħna. Aħna l-amministraturi u mhux is-sidien tal-ħajja li Alla fdalna. Ma nistgħux niddisponu minn ħajjitna.

2281 Is-suwiċidju jmur kontra l-ġibda li għandu l-bniedem li jżomm ħajtu sħiħa, anzi li jtawwalha. Imur kontra l-imħabba tiegħek innifsek b'mod tassew gravi. Joffendi wkoll l-imħabba tal-proxxmu għaliex jikser inġustament ir-rabtiet ta' solidarjetà li hemm mal-familja, mal-pajjiż u mas-soċjetà 2212 tal-bnedmin: lejhom aħna dejjem obbligati. Is-suwiċidju hu kontra l-imħabba ta' Alla l-ħaj.

2282 Jekk is-suwiċidju jsir biex ikun ta' eżempju, l-aktar għaż-żgħażagħ, ikun ukoll skandlu gravi. Kooperazzjoni volontarja f'suwiċidju hi kontra l-liġi morali.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 820-821 5/16/2014 11:50:08 AM

Mard psikiku serju, qtigħ il-qalb u biża' serju tat-tiġrib, tat-tbatija jew tat-tortura jistgħu jnaqqsu r-responsabiltà ta' min jikkommetti suwiċidju.

2283 Ma għandniex naqtgħu qalbna mis-salvazzjoni ta' dejjem ta' dawk li joqtlu ruħhom b'idejhom. Alla jista' jgħaddihom minn triqat li hu biss jafhom u jagħtihom indiema għas-salvazzjoni. Il-Knisja titlob għal dawk li ppruvaw ineħħu ħajjithom.

II. Ir-rispett għad-dinjità tal-persuna

Ir-rispett għar-ruħ ta' ħaddieħor: l-iskandlu

2284 L-iskandlu hu atteġġjament jew imġiba li twassal lil ħaddieħor biex jagħmel dak li hu ħażin. Min jiskandalizza, ikun iġarrab 'l għajru, jhedded il-virtù u t-tjieba. Jista' jwassal lil ħuh għall-mewt spiritwali, għall-mewt tar-ruħ. L-iskandlu hu ħtija gravi jekk b'għemil jew nuqqas ta' għemil iwassal lil xi ħaddieħor biex jagħmel xi dnub gravi.

2285 L-iskandlu jikseb gravità speċjali minħabba l-awtorità ta' min jagħtih jew minħabba d-dgħufija ta' min jieħdu. Dan wassal lill-Mulej itenni din is-saħta: "Min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li jdendlulu ma' għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawru l-ħmir, u jgħarrquh f'qiegħ il-baħar" *(Mt* 18,6; ara *1 Kor* 8,10-13). L-iskandlu hu gravi meta jagħtuh dawk, li min-natura tagħhom jew mill-uffiċċju tagħhom, huma fid-dmir li jgħallmu u jedukaw lill-oħrajn. Fuq hekk Ġesù ċanfar il-kittieba u l-Fariżej: xebbahhom ma' lpup lebsin ta' ħrief (ara *Mt* 7,15).

2286 L-iskandlu jista' jingħata wkoll mil-liġi jew mill-istituzzjonijiet, jew mill-moda jew mill-opinjoni pubblika.

Huma għalhekk ħatja ta' skandlu dawk li jagħmlu liġijiet jew jibnu strutturi soċjali li jwasslu biex ibaxxu l-imġiba morali tan-nies, jew iħassru l-ħajja reliġjuża, jew, "iridu jew ma jridux, joħolqu kundizzjonijiet soċjali li jagħmluha iebsa ħafna, jekk mhux impossibbli, li wieħed iġib ruħu ta' Nisrani kif jgħallmu l-kmandamenti".[38] L-istess irridu ngħidu għall-mexxejja tal-intrapriżi li joħorġu regolamenti li jħajru għall-qerq u l-frodi, għalliema li "jġarrbu żżejjed" lit-tfal (ara *Ef* 6,4; *Kol* 3,21), u dawk li jimmanipulaw l-opinjoni pubblika u jbegħduha mill-valuri morali.

2287 Min jagħmel użu mis-setgħa li għandu b'mod li jħajjar għall-ħażen hu ħati ta' skandlu, u huwa responsabbli tal-ħażen li, direttament jew indirettament, ikun ħajjar għalih. "Ma jistax ikun li ma jingħatawx skandli; imma ħażin għalih min ikun ħtija tagħhom" (*Lq* 17,1).

Ir-rispett għas-saħħa

2288 Il-ħajja u s-saħħa fiżika huma ġid għażiż fdat lilna minn Alla. Irridu nħarsuhom b'mod raġjonevoli, aħna u nqisu l-ħtiġijiet tal-oħrajn u l-ġid ta' kulħadd.

Il-kura tas-saħħa taċ-ċittadini teħtieġ l-għajnuna tas-soċjetà biex ikollhom dawk il-kundizzjonijiet ta' ħajja meħtieġa ħa jikbru u jilħqu l-maturità tagħhom: ikel u lbies, dar, saħħa, tagħlim bażiku, xogħol u assistenza soċjali.

2289 Il-morali tistedinna nħarsu l-ħajja tal-ġisem, iżda ma tagħmilhiex xi valur assolut. Il-morali hi kontra l-fehma tal-paganiżmu tal-lum li qed ifittex iġib 'il quddiem *il-kult tal-*

[38] Piju XII, Messaġġ permezz tar-radju nhar Għid il-Ħamsin fil-50 sena tal-Enċiklika *Rerum novarum* (1 ta' Ġunju 1941).

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 822-823 5/16/2014 11:50:08 AM

ġisem u jissagrifika kollox għalih, u jagħmel allat il-perfezzjoni fiżika u s-suċċess fl-isport. Din il-fehma, minħabba l-għażla li tagħmel bejn min hu b'saħħtu u min mhuwiex, tista' twassal biex taqleb ta' taħt fuq ir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom.

2290 Il-virtù tar-rażan (it-temperanza) tħejjina biex *nevitaw kull xorta ta' esaġerazzjoni* fl-ikel, fix-xorb, fit-tipjip, fil-mediċini. Dawk li jkunu fis-sakra jew dawk li għandhom gost esaġerat tal-ġiri fis-sewqan, jistgħu jheddu l-ħajja tal-oħrajn u tagħhom fit-triqat, fuq il-baħar u fl-ajru, u għalhekk il-ħtija tagħhom hi gravi.

2291 *L-użu tad-drogi* jagħmel ħsarat tassew kbar fis-saħħa u l-ħajja tal-bniedem. L-użu tad-drogi, barra l-każ meta huma meħtieġa għal raġunijiet strettament terapewtiċi, hu dejjem ħtija gravi. Il-produzzjoni klandestina u t-traffikar tad-drogi huma ħidmiet skandalużi u huma kooperazzjoni diretta għax iħajru għal drawwiet għal kollox kuntrarji b'mod gravi għal-liġi morali.

Ir-rispett tal-persuna umana u r-riċerka xjentifika

2292 L-esperimenti xjentifiċi, mediċi u psikoloġiċi fuq persuni jew gruppi ta' nies jistgħu jwasslu għall-fejqan mill-mard u għall-progress fis-saħħa tal-poplu.

2293 Ir-riċerka xjentifika bażika bħalma hi r-riċerka applikata huma sinjali li jfissru sewwa s-setgħa tal-bniedem fuq il-ħolqien. Ix-xjenza u t-teknika huma riżorsi mill-aqwa meta qegħdin hemm biex jaqdu l-bniedem u jġibu 'l quddiem l-iżvilupp sħiħ tiegħu għall-ġid ta' kulħadd, iżda waħedhom ma jistgħux juru s-sens tal-ħajja u tal-progress tal-bniedem. Ix-xjenza u t-teknika huma għall-ġid tal-bniedem, li minnu għandhom il-bidu u l-kobor tagħhom: u għalhekk hu fil-persuna umana u fil-valuri morali li jsibu l-għan tagħhom u jaraw sa fejn jistgħu jaslu.

2294 Inkunu nidħku bina nfusna jekk nippretendu li l-morali ma għandhiex tindaħal fir-riċerka xjentifika u fl-applikazzjonijiet tagħha. Madankollu biex nisiltu l-kriterji li għandhom imexxuha m'għandniex inħarsu biss lejn kemm hi effikaċi t-teknika, jew lejn il-ġid li jista' joħroġ minnha għal xi whud bi ħsara lil ħaddieħor, jew, wisq agħar, għax iriduha xi ideoloġiji dominanti. Ix-xjenza u t-teknika, propju minħabba t-tifsir intrinsiku tagħhom, jitolbu r-rispett sħiħ tal-kriterji fundamentali tal-moralità, iridu jaqdu l-persuna umana u d-drittijiet tagħha li ma jista' jneħħihomlha ħadd, u l-ġid veru u sħiħ tagħha, skont il-ħsieb u r-rieda ta' Alla.

2295 Ir-riċerka u l-esperimenti fuq il-bniedem għall-ġid tiegħu ma jistgħux jagħmlu tajjeb dak l-għemil li jkun kuntrarju għad-dinjità tal-persuna umana u tal-liġi morali. Il-fatt li l-persuna li fuqha se jsiru l-esperimenti taċċettahom, mhux biżżejjed biex tiġġustifikahom. L-esperimenti fuq il-bniedem mhumiex moralment tajba jekk se jkunu ta' periklu kbir għall-ħajja u għall-integrità fiżika u psikika tiegħu, periklu li jista' jiġi evitat. L-esperimenti fuq il-bniedem ma jaqblux mad-dinjità tal-persuna umana, u wisq u wisq aktar jekk isiru mingħajr il-kunsens ċar tal-persuna stess jew ta' dawk li għandhom id-dritt jagħtu l-kunsens.

2296 *It-trapjanti tal-organi* huma skont il-liġi morali jekk il-ħsara u l-perikli fiżiċi u psikiċi li jista' jġarrab min joffri l-organi tiegħu jkunu proporzjonati mal-ġid li se jinkiseb minn min jirċievi l-organi. L-għoti tal-organi wara l-mewt hu għemil ta' ġieħ u hu ta' min iħeġġeġ għalih bħala turija ta' solidarjetà ġeneruża. Mhuwiex moralment aċċettabbli jekk dak li jagħti l-organi jew dawk il-qraba tiegħu li għandhom id-dritt jagħtu l-organi tiegħu, ma jagħtux il-kunsens tagħhom b'mod espliċitu. Li ġġib mutilazzjoni li ddgħajjef jew twassal għall-mewt lil xi ħadd, hu għemil moralment ħażin, ukoll jekk dan isir biex tittawwal il-ħajja ta' xi persuna oħra.

Ir-rispett għas-sħuħija tal-ġisem

2297 *Il-ħtif ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi* joħloq il-biża' u, minħabba t-theddid, iġib pressjoni fuq il-vittma, pressjoni li ma jkunx jista' jiflaħ għaliha. Dan il-ħtif hu moralment ħażin. *It-terroriżmu* jhedded, jidrob u joqtol bl-addoċċ:

hu għemil tassew gravi kontra l-ġustizzja u l-imħabba. *It-tortura* li tagħmel użu mill-vjolenza fiżika jew morali biex jinkixef xi tagħrif, biex jiġu kkastigati xi ħatjin, biex tbeżża' lil min hu kontrik, biex tissodisfa l-mibegħda, tmur kontra r-rispett dovut lill-persuna u lid-dinjità tal-bniedem. *L-amputazzjonijiet, il-mutilazzjonijiet u l-isterilizzazzjoni* magħmulin volontarjament fuq persuni innoċenti huma kontra l-liġi morali, ħlief meta jkunu meħtieġa għal raġunijiet strettament terapewtiċi.[39]

2298 Fl-imgħoddi kien isir ħafna għemil kiefer mill-gvernijiet leġittimi stess biex tinżamm il-liġi u jiġi mħares l-ordni, u dan kemm-il darba sar mingħajr ma r-Rgħajja tal-Knisja fetħu fommhom, anzi huma wkoll użaw fit-tribunali tagħhom it-tortura skont il-preskrizzjonijiet tal-liġi Rumana. Iżda flimkien ma' dawn il-fatti, li ta' min jisgħobbih għalihom, il-Knisja dejjem għallmet il-ħtieġa tal-ħniena u l-mogħdrija: dejjem ipprojbiet lill-kjeriċi tagħha li jxerrdu d-demm. Fiż-żmien tal-lum deher ċar li dan l-għemil kiefer la kien meħtieġ biex jinżamm l-ordni pubbliku u lanqas jaqbel mad-drittijiet leġittimi tal-persuna umana. Għall-kuntrarju dan l-għemil iwassal biex ibaxxi sewwa l-bniedem. Għandha ssir ħidma biex dan ma jsirx iżjed. Għandu jsir talb għall-vittmi ta' din il-kefrija u għal dawk li jaħqruhom.

Ir-rispett għall-mejtin

2299 Għandha tingħata attenzjoni u kura speċjali lill-moribondi biex ikollhom għajnuna ħa jgħixu l-aħħar mumenti b'dinjità u paċi. Jgħinhom it-talb ta' qrabathom. Dawn għandhom jaraw li l-morda jirċievu f'ħin waqtu s-sagramenti li jħejjuhom għal-laqgħa ma' Alla l-ħaj.

2300 Għandu jintwera rispett u mħabba lill-ġisem mejjet, bil-fidi u t-tama tal-qawmien mill-imwiet. Id-dfin tal-mejtin hu wieħed mill-għemejjel tal-ħniena (ara *Tob* 1,16-18): hu ġieħ mogħti lill-ulied ta' Alla, tempji tal-Ispirtu s-Santu.

[39] Ara Piju XI, Enċiklika *Casti connubii* (1930): DS 3722-3723.

2301 L-awtopsja tal-katavri tista' tkun moralment tajba, meta ssir għal raġunijiet ta' inkjesta legali jew ta' riċerka xjentifika. L-għoti ta' organi tal-ġisem wara l-mewt jista' jsir u jista' jkun ta' meritu.

Il-Knisja tippermetti l-kremazzjoni sakemm dan ma jkunx irid ifisser ċaħda tal-fidi fil-qawmien mill-imwiet.[40]

III. Il-ħarsien tal-paċi

Il-paċi

2302 Il-Mulej, huwa u jfakkar il-kmandament: "La toqtolx" (*Mt* 5,21), talab il-paċi tal-qalb u kkundanna bħala moralment ħżiena l-għadab li jwassal għall-qtil u l-mibegħda.

L-għadab jew *il-korla* hu xewqa ta' vendetta. "Tixtieq tivvendika ruħek għad-deni li jagħmel xi ħadd li jistħoqqlu l-kastig hu kontra l-liġi", iżda hi ħaġa ta' min ifaħħarha titlob tpattija "ħa jitrażżnu l-vizzji u tinżamm il-ġustizzja".[41] Jekk l-għadab jasal biex wieħed ikun verament irid joqtol lil għajru jew jidorbu b'mod gravi, dan ikun nuqqas gravi kontra l-imħabba; hu dnub mejjet. Il-Mulej jgħid: "Il-kundanna tistħoqq ... lil min jinkorla għal ħuh" (*Mt* 5,22).

2303 *Il-mibegħda* volontarja hi kontra l-imħabba. Il-mibegħda tal-proxxmu hi dnub meta l-bniedem ikun tassew irid id-deni lil għajru. Il-mibegħda tal-proxxmu hi dnub gravi meta bniedem ikun tassew irid ħsara kbira lil għajru. "Imma jien ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet ..." (*Mt* 5,44-45).

2304 Ir-rispett u l-iżvilupp tal-ħajja tal-bniedem jitolbu li

[40] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1176 §3.

[41] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae*, II-II, 158, 1, 3.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 826-827 5/16/2014 11:50:08 AM

jkun hemm *paċi*. Il-paċi mhijiex biss nuqqas ta' gwerra u lanqas hi tfittix biex dawk li huma kontra xulxin ikollhom forzi ndaqs. Ma jistax ikun hemm paċi fuq l-art jekk ma jkunx hemm ħarsien tal-ġid tal-persuni, relazzjonijiet bla xkiel bejn il-bnedmin, rispett tad-dinjità tal-bnedmin u tal-popli u l-imġiba mimlija ħeġġa għall-imħabba tal-aħwa. Il-paċi hi "t-trankwillità tal-ordni" (*tranquillitas ordinis*).[42] Hi opra tal-
1807 ġustizzja (ara *Is* 32,17) u frott tal-imħabba.[43]

2305 Il-paċi fuq l-art hi xbieha u frott tal-*paċi ta' Kristu*, il-"Prinċep tas-sliem" messjaniku (*Is* 9,5). Bid-demm li xerred fuq is-salib, fil-ġisem tiegħu "qered il-mibegħda" (*Ef* 2,16;
1468 ara *Kol* 1,20-22), ħabbeb il-bnedmin mill-ġdid ma' Alla, u għamel il-Knisja tiegħu sagrament tal-għaqda tal-ġens kollu tal-bnedmin u tal-għaqda tal-bniedem ma' Alla. Kristu "hu s-sliem tagħna" (*Ef* 2,14) u jsejjaħ "henjin dawk li jġibu l-paċi" (*Mt* 5,9).

2306 Dawk li ma jagħmlux użu minn għemil ta' vjolenza
2267 bit-tixrid tad-demm biex iħarsu d-drittijiet tal-bniedem, imma jfittxu mezzi ta' difiża li jistgħu jużawhom ukoll dawk li huma aktar dgħajfa, ikunu qed jagħtu xhieda ta' mħabba evanġelika, sakemm dan jagħmluh bla ħsara għad-drittijiet u d-dmirijiet ta' bnedmin oħra u tas-soċjetajiet. Huma xiehda leġittima tal-gravità tar-riskju fiżiku u morali li ġġib il-vjolenza bil-ħerbiet u l-imwiet tagħha.[44]

[42] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 19, 13, 1: PL 41, 640: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 576..

[43] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 78.

[44] Ara *ibid*.

Nevitaw il-gwerra

2307 Il-ħames kmandament jipprojbixxi l-qerda volontarja tal-ħajja tal-bniedem. Minħabba l-ħsarat u l-inġustizzji li kull gwerra ġġib magħha, il-Knisja tħeġġeġ bla heda lil kulħadd biex jitlob u jħabrek ħalli Alla, fit-tjieba tiegħu, jeħlisna mill-jasar antik tal-gwerra.[45]

2308 Kull ċittadin, kull gvern, hu fid-dmir li jaħdem biex jiġu evitati l-gwerer.

Iżda "sakemm jibqa' jeżisti l-periklu tal-gwerra, u ma jkunx hemm awtorità universali kompetenti, mogħnija b'forzi adatti, il-gvernijiet ma jistgħux jiġu mċaħħda mid-dritt li jiddefendu ruħhom leġittimament, wara li jkunu spiċċaw fix-
xejn it-tentattivi kollha li jsiru biex tinsab soluzzjoni paċifika 2266
tal-problemi li jkunu nqalgħu".[46]

2309 Iridu jitqiesu sewwa, b'mod l-aktar strett, il- 2243
kundizzjonijiet biex ikun hemm *difiża leġittima permezz ta' qawwiet militari*. Il-gravità ta' deċiżjoni hekk serja titlob li jkun hemm kundizzjonijiet iebsa biex id-deċiżjoni tkun moralment leġittima: għandu jkun hemm f'daqqa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

— il-ħsara li tkun saret lin-nazzjon jew lill-komunità ta' nazzjonijiet tkun ħsara li tibqa', ħsara serja u żgura.
— il-mezzi l-oħra kollha li ntużaw biex titbiegħed it-theddida ma waslu mkien jew dehru li ma kinux possibbli fil-prattika.
— ikun hemm il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa u serji biex id-difiża tirnexxi.

[45] Ara *ibid*., 81.

[46] *Ibid*., 79.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 828-829 5/16/2014 11:50:09 AM

— l-użu tal-armi ma jġibx miegħu ħsarat, deni u diżordni iktar serji mid-deni li jrid jiġi mwarrab. Il-qawwa tal-mezzi moderni għall-qerda għandu jitqies sewwa u għandu jkollu piż kbir fuq id-deċiżjoni li tittieħed.

Dawn huma l-elementi tradizzjonali tat-tagħlim dwar 'l hekk imsejħa "gwerra ġusta".

Dawk li huma responsabbli tal-ġid ta' kulħadd iridu jqisu
1897 bil-għaqal kollu dawn il-kundizzjonijiet li jagħmlu gwerra moralment leġittima.

2310 F'dan il-każ, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom id-dmir u d-dritt li jimponu fuq iċ-ċittadini dawk *l-obbligi li jkunu meħtieġa għad-difiża tan-nazzjon.*

2239; 1909 Dawk li jiddedikaw ruħhom għas-servizz ta' pajjiżhom bħala militari huma l-qaddejja tas-sigurtà u tal-libertà tal-popli. Jekk jaqdu sewwa din il-ħidma tagħhom ikunu tassew qed jagħtu sehemhom għall-ġid ta' kulħadd u biex tinżamm il-paċi.[47]

2311 L-awtoritajiet pubbliċi għandhom iqisu kif jixraq il-
1782; 1790 każ ta' dawk li, għal raġunijiet ta' kuxjenza, ma jridux jużaw l-armi, iżda huma dejjem lesti jaqdu mod ieħor il-komunità tal-bnedmin.[48]

2312 Il-Knisja u r-raġuni tal-bniedem jgħidu li *il-liġi morali fi żmien ġlied ta' gwerra* għandha tibqa' dejjem tgħodd. "Mhux għax hemm gwerra sejra, kollox hu permess lil dawk li qed jiġġieldu kontra xulxin".[49]

[47] Ara *ibid.*
[48] Ara *ibid*.
[49] *Ibid.*

2313 Għandu jintwera rispett u jiġu ttrattati b'mod xieraq bħala bnedmin dawk li mhumiex qed jiġġieldu, is-sultdati feruti u l-priġunieri.

Kull għemil direttament kontrarju għad-dritt tal-ġnus u għall-prinċipji fundamentali tiegħu u l-ordnijiet li jingħataw għal dan l-għemil, huma delitti. Ubbidjenza għamja għal dawn l-ordnijiet mhijiex biżżejjed biex tiskuża lil min joqgħod għalihom. Il-qerda ta' poplu, ta' nazzjon, ta' grupp etniku għandha tiġi kkundannata bħala dnub mejjet. Wieħed hu moralment obbligat ma jobdix ordni ta' ġenoċidju. 2442

2314 "Kull għemil ta' gwerra li bla ma jqis xejn iġib il-qerda ta' bliet sħaħ jew ta' reġjuni sħaħ bl-abitanti kollha tagħhom, hu delitt kontra Alla u kontra l-istess bniedem; għandu jiġi kkundannat bil-qawwa kollha u bla tlaqliq".[50] Riskju ta' gwerra fiż-żminijiet tal-lum hu dak li jista' jkun okkażjoni biex dawk li għandhom ħażniet ta' armi atomiċi, bijoloġiċi jew kimiċi, jagħmlu delitti bħal dawn.

2315 *Il-ħażna tal-armi tal-gwerra* ħafna jqisuha bħala mod paradossali biex tbiegħed minn gwerra kontra xulxin dawk li jistgħu jkunu għedewwa ta' xulxin. Jaraw dan bħala l-mezz l-aktar effikaċi biex tiżgura l-paċi bejn in-nazzjonijiet. Fuq kemm hu moralment aċċettabbli dan il-mod biex iddawwar 'il dak li jkun mill-ħsieb tal-ġlied, hemm dubji serji. *It-tellieqa għall-armamenti* bl-ebda mod mhi se tiżgura l-paċi; flok teqred il-kawżi li jistgħu jwasslu għall-gwerra, tirriskja li ssaħħaħhom. L-ispejjeż kbar fuq li kbar li jintefqu fit-tħejjija ta' armi dejjem aktar ġodda mhux qed iħallu li tingħata għajnuna lill-ħafna popolazzjonijiet neqsin minn kollox[51]; qed ifixklu l-iżvilupp tal-popli. *It-tkattir dejjem aktar tal-*

[50] *Ibid*., 80.
[51] Ara Pawlu VI, Enċiklika *Populorum progressio* (1967), 53.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 830-831 5/16/2014 11:50:09 AM

armamenti, aktar milli meħtieġ, iżid ir-raġunijiet biex jinqala' l-ġlied u jżid ukoll ir-riskju li oħrajn jitħajru wkoll.

1906 2316 *Il-produzzjoni u l-kummerċ fl-armi tal-gwerra* jolqot il-ġid komuni tan-nazzjonijiet u tal-komunità internazzjonali. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom id-dritt u d-dmir li jirregolawhom. Interessi privati jew kollettivi ta' mument mhux se jiġġustifikaw il-ħidma ta' intrapriżi li jħajru għall-vjolenza u għall-ġlied bejn in-nazzjonijiet u jikkompromettu l-ordni ġuridiku internazzjonali.

1938 2317 L-inġustizzji, id-differenzi kbar li hemm fl-ordni
2538 ekonomiku u soċjali, l-għira, is-suspetti, is-suppervja li qed jiżdiedu fost il-bnedmin u n-nazzjonijiet bla heda jheddu l-paċi u jġibu l-gwerer. Kulma jsir biex tintrebaħ din id-
1941 diżordni jgħin għall-bini tal-paċi u biex tinżamm il-gwerra bogħod mid-dinja.

> Il-periklu tal-gwerer ikompli jhedded il-bnedmin, għax midinbin, u dan jibqa' veru sa ma Kristu jerġa' jiġi. Iżda daqskemm il-bnedmin, magħqudin flimkien fl-imħabba, għandhom il-ħila jirbħu d-dnub, daqshekk ieħor jirbħu l-vjolenza u jaslu biex iseħħ dan il-kliem: "Jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma' jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed" (*Is* 2,4).[52]

Fil-qosor

2318 *F'idejn Alla "hi ħajjet kulma jgħix, f'idejh nifs il-ħajjin kollha"* (*Ġob* 12,10).

[52] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 78.

2319 *Il-ħajja kollha tal-bniedem, mill-mument tat-tnissil sal-mument tal-mewt hi qaddisa, għax il-persuna umana Alla riedha għaliha nnifisha, bħala s-sura u x-xbieha ta' Alla l-ħaj u l-qaddis.*

2320 *Il-qtil ta' bniedem hu kuntrarju b'mod gravi għad-dinjità tal-persuna tal-bniedem u għall-qdusija ta' dak li ħalqu.*

2321 *Il-projbizzjoni tal-qtil ma tneħħix id-dritt li min qed jhedded il-ħajja ta' xi ħadd inġustament, jitqiegħed f'qagħda fejn ma jistax jagħmillu ħsara. Dawk li huma responsabbli tal-ħajja tal-oħrajn u tal-ġid komuni għandhom id-dmir serju tal-ħarsien tal-ħajja skont il-liġi.*

2322 *Sa mit-tnissil tagħha, it-tarbija għandha dritt għall-ħajja. L-abort direttt, jiġifieri abort imfittex għalih innifsu jew bħala mezz għal xi ħaġa oħra hu "għemil infami",[53] kuntrarju b'mod mill-aktar gravi għal-liġi morali. Il-Knisja tikkastiga bil-piena kanonika tal-iskomunika dan id-delitt kontra l-ħajja tal-bniedem.*

2323 *Għaliex l-embrijun għandu jitqies bħala persuna sa mill-ewwel mument tat-tnissil, irid jiġi mħares fl-integrità kollha tiegħu, ikkurat u mfejjaq bħal kull bniedem ieħor.*

2324 *L-ewtanasja volontarja, huma x'inhuma s-suriet u l-motivi tagħha, hi qtil. Hi gravament kuntrarja għad-dinjità tal-persuna umana u għar-rispett ta' Alla l-ħaj u l-Ħallieq.*

[53] *Ibid.*, 27.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 832-833 5/16/2014 11:50:09 AM

2325 *Is-suwiċidju hu għemil gravi kontra l-ġustizzja, it-tama u l-imħabba. Hu pprojbit mill-ħames kmandament.*

2326 *L-iskandlu hu offiża gravi meta b'xi għemil jew b'xi nuqqas ta' għemil, persuna oħra tiġi deliberatament imħajra biex tidneb gravament.*

2327 *Minħabba d-deni kollu u l-inġustizzji li kull gwerra ġġib magħha, għandna nagħmlu kulma hu raġonevolment possibbli biex nevitawha. Il-Knisja titlob: "Mill-ġuħ, mill-mard u mill-gwerer: eħlisna, nitolbuk, Mulej."*

2328 *Il-Knisja u r-raġuni tal-bniedem iżommu li l-liġi morali tibqa' dejjem tiswa wkoll waqt gwerra. Kull għemil direttament kuntrarju għad-dritt tal-ġnus u għall-prinċipji universali tiegħu, huma delitti.*

2329 *"It-tellieqa għall-armamenti hi marda mill-aktar gravi tal-ġens tal-bnedmin u tagħmel lill-foqra ħsara li ħadd ma jiflaħ għaliha".*[54]

2330 *"Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla"* (*Mt* 5,9).

[54] *Ibid*., 81.

Is-sitt artiklu

IS-SITT KMANDAMENT

"La tagħmilx adulterju" (*Eż* 20,14; ara *Dewt* 5,18).

Smajtu x'intqal: "La tagħmilx adulterju". Imma jiena ngħidilkom li kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu (*Mt* 5,27-28).

I. "Raġel u mara ħalaqhom ..." 369-373

2331 "Alla hu mħabba. Fih innifsu jgħix il-misteru tal-għaqda u l-imħabba. Meta ħalaq ir-raġel u l-mara xbieha tiegħu ... Alla nissel fihom *il-vokazzjoni*, u għalhekk il-ħila u r-responsabiltà wkoll, għall-*imħabba* u għall-għaqda".[55] 1604

"Fuq xbihet Alla [ħalaq il-bniedem], raġel u mara ħalaqhom" (*Ġen* 1,27). "U berikhom Alla u qalilhom: 'Nisslu u oktru'" (*Ġen* 1,28). "Meta Alla ħalaq il-bniedem, fi xbieha ta' Alla għamlu; raġel u mara ħalaqhom. U berikhom u semmiehom bnedmin nhar il-ħolqien tagħhom" (*Ġen* 5,1-2).

2332 *Is-sesswalità* tħaddan l-aspetti kollha tal-persuna umana, fl-għaqda ta' ruħu u ġismu. Tinteressa l-aktar l-affettività, il-ħila li tħobb u tnissel, u b'mod aktar ġenerali, il-ħila li toħloq rabta ta' għaqda ma' ħaddieħor. 362

2333 Kull bniedem, raġel jew mara, għandu jagħraf u jaċċetta *l-identità* sesswali tiegħu. *Id-differenza* u *l-komplimentarjetà* fiżika, morali u spiritwali tar-raġel u l-mara jfittxu l-ġid taż-żwieġ u l-iżvilupp tal-ħajja tal-familja.

[55] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 11.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 834-835 5/16/2014 11:50:09 AM

1603 L-armonija tar-raġel u l-mara fis-soċjetà tiddependi sa ċertu punt mill-mod kif iż-żewġ sessi bejniethom jgħixu l-komplimentarjetà, il-ħtieġa u l-għajnuna ta' xulxin.

2334 "Meta ħalaq il-bniedem 'raġel u mara', Alla ta l-istess
357 dinjità personali lir-raġel u lill-mara".[56] "Il-bniedem hu persuna u dan hu minnu kemm għar-raġel u kemm għall-mara, għax it-tnejn maħluqin fis-sura u x-xbieha personali ta' Alla".[57]

2335 Iż-żewġ sessi għandhom dinjità ndaqs, għalkemm differenti, dinjità li hi xbieha tas-setgħa u t-tjieba ta' Alla. *L-għaqda tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ* b'xi mod hi xebh
2205 fil-ġisem tal-ġenerożità u l-fekondità ta' Alla l-Ħallieq. "Ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (*Ġen* 2,24). Minn din l-għaqda ħarġu l-ġenerazzjonijiet kollha tal-bnedmin (ara *Ġen* 4,1-2.25-26; 5,1).

1614 2336 Ġesù ġie fid-dinja biex iġedded il-ħolqien u jreġġgħu għas-safa li kellu fil-bidu. Fid-Diskors tal-Muntanja, Ġesù fisser b'mod l-aktar ċar u qawwi l-pjan ta' Alla: "Smajtu x'intqal, 'La tagħmilx adulterju'. Imma jiena ngħidilkom li kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu" (*Mt* 5,27-28). "Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem" (*Mt* 19,6).

It-tradizzjoni tal-Knisja dejjem qieset li s-sitt kmandament iħaddan kulma għandu x'jaqsam mas-sesswalità tal-bniedem.

[56] *Ibid*., 22; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 49.

[57] San Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Mulieris dignitatem* (1988), 6.

II. Il-vokazzjoni għall-kastità

2337 Il-kastità tfisser l-integrazzjoni pożittiva tas- 2520; 2349
sesswalità fil-persuna umana biex hekk ikun hemm għaqda sħiħa bejn ir-ruħ u l-ġisem fil-bniedem innifsu. Is-sesswalità, li biha l-bniedem jagħmel sehem mid-dinja korporali u bijoloġika, issir personali u tassew umana, jiġifieri tixraq lill-bniedem, meta tiġi integrata f'relazzjoni ta' persuna ma' persuna oħra, fl-għoti lil xulxin għal żmien bla tmiem tar-raġel u l-mara.

Il-virtù tal-kastità għalhekk titlob kemm l-integrità tal-persuna umana u kemm is-sbuħija tal-għotja li ssir fiż-żwieġ.

L-integrità tal-persuna

2338 Persuna li tħares il-kastità żżomm sħaħ il-qawwiet ta' ħajja u ta' mħabba li jinsabu fiha. Din l-integrità tiżgura l-għaqda fiha nnifisha tal-persuna u tmur kontra kull imġiba li tista' tidrobha. La tammetti ħajja ta' wiċċ b'ieħor, u lanqas diskors li jinbidel skont ir-riħ (ara *Mt* 5,37).

2339 Il-kastità titlob li wieħed *ikun imħarreġ fil-kontroll tiegħu innifsu*: din hi l-edukazzjoni tal-libertà tal-bniedem. L-alternattiva hi ċara: jew il-bniedem jikkontrolla l-passjonijiet tiegħu u jgawdi s-sliem, jew inkella jħalli ruħu titjassar mill-passjonijiet tiegħu u jsir infeliċi (ara *Sir* 1,22). "Id-dinjità tal-bniedem titlob minnu li kulma jagħmel, jagħmlu għax jaf x'qiegħed jagħmel u qed jagħmlu bir-rieda ħielsa tiegħu, imqanqal u mmexxi mill-konvinzjonijiet personali tiegħu, u mhux imġiegħel minn xi istinti tiegħu jew minn xi ħadd jew xi ħaġa barra minnu. Din id-dinjità, il-bniedem jiksibha meta 1767
jeħles minn kull jasar tal-passjonijiet tiegħu u jersaq lejn id-destin tiegħu b'għażla ħielsa ta' dak li hu tajjeb, u jieħu ħsieb

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 836-837 5/16/2014 11:50:09 AM

jikseb tassew, bil-għaqal tiegħu, kulma jeħtieġlu għal dan il-għan".[58]

2340 Dak li jrid iżomm il-wegħdiet tal-Magħmudija tiegħu u jirbaħ kull tentazzjoni li jista' jkollu, għandu jieħu ħsieb jikseb *il-mezzi* meħtieġa: jagħraf lilu nnifsu, jgħix ħajja ta' ċaħda skont il-qagħda li fiha jkun jinsab, iħares il-kmandamenti ta' Alla, iħaddem il-virtujiet morali, u ma jonqosx mit-talb. "Il-kastità tiġborna: terġa' twassalna għal dik il-għaqda li konna tlifna meta tferrixna".[59]

2341 Il-virtù tal-kastità tiġi taħt il-virtù kardinali tar-*rażan*, li bħala għan għandha li tirregola, skont ir-raġuni, il-passjonijiet u x-xewqat sensibbli tal-bniedem.

2342 Il-kontroll tiegħek innifsek hu *ħidma li trid żmien fit-tul*. Qatt ma nistgħu ngħidu li ksibna dan il-kontroll darba għal dejjem. Jitlob sforz li jrid isir tul iż-żmien kollu tal-ħajja (ara *Tit* 2,1-6). Xi kultant, f'ċerti mumenti, l-isforz meħtieġ irid ikun aktar kbir, bħal meta wieħed qed isawwar il-personalità tiegħu, jew matul it-tfulija u l-adolexxenza.

2343 Il-kastità għandha *l-liġi tal-iżvilupp tagħha*, progress li jseħħ pass pass, b'mumenti ta' nuqqas ta' perfezzjoni u xi drabi wkoll, forsi ta' spiss, b'mumenti ta' dnub. Il-bniedem "jinbena fil-virtù u s-safa minn jum għall-ieħor bil-ħafna

[58] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 17.

[59] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 10, 29, 40: PL 32, 796: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 302. Din it-traduzzjoni tgħid hekk: "Għax tassew, meta nżommu ruħna fil-qjies, aħna ninġabru ġemgħa waħda f'dik il-għaqda li tferrixna wisq minnha".

għażliet ħielsa li jagħmel. Għalhekk hu jagħraf, iħobb u jagħmel il-ġid morali huwa u jikber".[60]

2344 Il-kastità hi ħidma kollha kemm hi personali u titlob ukoll *sforz kulturali* għaliex "l-iżvilupp tal-persuna umana u dak tal-istess soċjetà jiddependu minn xulxin".[61] Il-kastità tissopponi r-rispett tad-drittijiet tal-persuna, b'mod partikulari d-dritt li wieħed ikollu informazzjoni u edukazzjoni li jirrispettaw id-dimensjoni morali u spiritwali tal-ħajja tal-bniedem.

2345 Il-kastità hi virtù morali. Hi wkoll don ta' Alla, *grazzja*, frott ta' ħidma spiritwali (ara *Gal* 5,22). L-Ispirtu s-Santu lil dak li jitwieled mill-ġdid fil-Magħmudija jagħtih li jkun jixbah lil Kristu fis-safa tiegħu (ara *1 Ġw* 3,3).

Is-sħuħija u l-għotja tiegħek innifsek

2346 L-imħabba tagħti sura lill-virtuijet kollha. Imnebbħa mill-imħabba, il-kastità tgħallimna kif għandna ningħataw lill-oħrajn. Il-kontroll tagħna nfusna għandu bħal għan din l-għotja tagħna nfusna. Il-kastità twassal lil dak li jħarisha biex ma' għajru jkun xhud tal-fedeltà u tat-tjieba ta' Alla.

2347 Il-virtù tal-kastità tiżviluppa fil-*ħbiberija*. Turi lid-dixxiplu kif jimxi wara dak li għażilna bħala ħbiebu (ara *Ġw* 15,15), li ngħata kollu kemm hu għalina u tana sehem fin-natura tiegħu ta' Alla. Il-kastità hi wegħda ta' immortalità.

[60] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 34.

[61] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 25.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 838-839 5/16/2014 11:50:09 AM

Il-kastità turi ruħha l-aktar fil-*ħbiberija mal-proxxmu*. Il-ħbiberija, li sseħħ bejn persuni tal-istess sess, jew ta' sess differenti, hi ġid kbir għal kulħadd. Twassal għall-għaqda spiritwali.

Is-suriet diversi tal-kastità

2348 Kull min hu mgħammed hu msejjaħ biex iħaddan il-kastità. In-Nisrani libes 'il Kristu (ara *Gal* 3,27), mudell ta' kull kastità. Il-fidili kollha ta' Kristu huma msejħin biex jgħixu ħajja ta' kastità skont l-istat partikulari ta' ħajjithom. Meta tgħammed, in-Nisrani impenja ruħu li fl-affetti kollha tiegħu jħares il-kastità.

1620 2349 "Il-kastità trid turi ruħha skont l-istat tal-ħajja tal-persuna li tkun: f'xi wħud, f'ħajja ta' verġinità jew ta' ċelibat kkonsagrat, u dan hu l-aqwa mod biex wieħed, aktar malajr, joffri lil Alla qalb kollha kemm hi għalih; f'oħrajn, f'ħajja skont ma tgħid għal kulħadd il-liġi morali, kemm jekk miżżewġin u kemm jekk le".[62] Il-miżżewġin huma msejħa biex jgħixu l-kastità fiż-żwieġ tagħhom; l-oħrajn biex iħarsuha bil-kontinenza:

> Hemm tliet suriet tal-virtù tal-kastità; dik tal-miżżewġin, dik tar-romol u dik tal-verġni. Ma nfaħħrux sura waħda u nwarrbu s-suriet l-oħra. Hu għalhekk li d-dixxiplina tal-Knisja hi għanja.[63]

1632 2350 *L-għarajjes* huma msejħin jgħixu l-kastità tagħhom b'ħajja safja. Minn din il-prova, li jridu jgħaddu minnha, jaslu biex jiksbu rispett għal xulxin, jitgħallmu jkunu fidili lejn xulxin u jittamaw li jkunu jistgħu jilqgħu lil xulxin mill-Mulej.

[62] Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni *Persona humana* (1975), 11.

[63] San Ambroġ, *Dwar ir-romol*, 4, 23: PL 16, 241-242.

Iħallu għaż-żmien taż-żwieġ dawk is-sinjali ta' mħabba li huma propji biss tal-imħabba fiż-żwieġ. Jgħinu lil xulxin biex jikbru fil-kastità.

Id-dnubiet kontra l-kastità

2351 *Il-lussurja* hi xewqa diżordinata jew gost bla rażan 2528
ta' pjaċir venerju. Il-pjaċir sesswali hu diżordinat meta hu mfittex għalih innifsu, bla ebda ħsieb ta' tnissil u lanqas ta' għaqda ma' xulxin.

2352 *Il-masturbazzjoni* hi l-eċċitazzjoni volontarja tal-organi ġenitali għall-pjaċir venerju. "Skont tradizzjoni li qatt ma nbidlet, kemm il-Maġisteru tal-Knisja u kemm is-sens morali tal-fidili, dejjem qalu bla tlaqliq li l-masturbazzjoni hi għemil diżordinat fih innifsu, b'mod gravi. Tkun xi tkun ir-raġuni, l-użu deliberat tal-fakultà sesswali, barra r-relazzjonijiet normali taż-żwieġ, ikun kontra dak li għalih hu ż-żwieġ". Il-pjaċir sesswali fil-każ ta' masturbazzjoni hu mfittex barra "mir-relazzjoni sesswali li jitlob ordni morali, relazzjoni li sseħħ biss fi ħdan imħabba vera, fit-tifsir sħiħ tal-għoti lil xulxin tar-raġel u l-mara fiż-żwieġ u fit-tnissil tal-bniedem".[64]

Biex tagħmel ġudizzju meqjus dwar ir-responsabiltà morali ta' min jagħmel masturbazzjoni u biex tara x'ħidma pastorali trid tagħmel, trid dejjem tqis jekk dak li jkun għadux immatur fl-affettività tiegħu: trid tqis il-qawwa tad-drawwa u l-istat ta' qtigħ il-qalb u fatturi oħra psikiċi u soċjali li jistgħu jnaqqsu, meta ma jġibux ukoll kważi fix-xejn, il-ħtija 1735
morali.

[64] Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni *Persona humana* (1975), 9.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 840-841 5/16/2014 11:50:09 AM

2353 *Il-fornikazzjoni* (iż-żina) hi għaqda karnali barra ż-żwieġ ta' raġel u mara mhux miżżewġin. Hu nuqqas gravi kontra d-dinjità tal-persuni u s-sesswalità tal-bniedem, li min-natura tagħha qiegħda hemm għall-ġid tal-miżżewġin u wkoll għat-tnissil u l-edukazzjoni tat-tfal. Hi wkoll skandlu gravi meta ssir ma' xi ħadd taħt l-età.

2354 *Il-pornografija* toħroġ fil-beraħ l-atti sesswali, veri jew taparsi, li jsiru fl-intimità bejn il-persuni, u dan bil-ħsieb li jarawhom nies oħra. Hi offiża għall-kastità għaliex tmur kontra n-natura tal-att taż-żwieġ, li hi d-don intimu taż-żewġ miżżewġin lil xulxin. Tagħmel ħsara kbira lid-dinjità ta' dawk li jidħlu għaliha (atturi, kummerċjanti, pubbliku) għaliex kull wieħed isir għal ħaddieħor okkażjoni ta' pjaċir primittiv u ta' qligħ illeċitu. Tgħaddas lil kulħadd f'ħolma ta' dinja ta' frugħa. Hi ħtija gravi. L-awtoritajiet ċivili għandhom jipprojbixxu l-produzzjoni u t-tqassim ta' materjal pornografiku.

2355 *Il-prostituzzjoni* tmur kontra d-dinjità tal-persuna li tingħata għall-prostituzzjoni, għax minnha jiġi mfittex biss il-pjaċir venerju. Min iħallas, jidneb gravament kontra tiegħu nnifsu. Jikser il-kastità li għaliha ntrabat fil-Magħmudija tiegħu u jniġġes ġismu, li hu tempju tal-Ispirtu s-Santu (ara *1 Kor* 6,15-20). Il-prostituzzjoni hi pjaga soċjali: ġeneralment tolqot lin-nisa, imma wkoll lill-irġiel, lit-tfal jew lill-adoloxxenti (f'dawn l-aħħar żewġ każi, id-dnub iżid miegħu l-iskandlu). Jekk hu dejjem dnub gravi tingħata għall-prostituzzjoni, il-miżerja, it-theddid u l-pressjoni soċjali jistgħu jwasslu biex titnaqqas il-ħtija.

2356 *L-istupru* hu dħul bil-vjolenza fl-intimità sesswali ta' xi persuna. Imur kontra l-ġustizzja u l-imħabba. L-istupru jidrob sewwa d-dritt li għandu kull wieħed għar-rispett, għal-libertà u għall-integrità fiżika u morali tiegħu. Joħloq preġudizzju

gravi, li jista' jimmarka l-vittma tul ħajjitha kollha. Hu għemil fih innifsu ħażin dejjem. Hu agħar jekk l-istupru jsir minn ġenituri (inċest) jew minn edukaturi li lilhom ġew fdati t-tfal.

Kastità u omosesswalità

2357 L-omosesswalità hi r-relazzjoni ta' rġiel jew nisa li jħossu ġibda sesswali, esklussiva jew predominanti għall-persuni tal-istess sess tagħhom. Kellha ħafna suriet tul iż-żminijiet u fil-kulturi. L-oriġini psikika tagħha għadu mhux magħruf biżżejjed. Fuq il-bażi tal-Iskrittura, li turi l-omosesswalità bħala għemil mill-aktar ħażin (ara *Ġen* 19,1-29; *Rum* 1,24-27; *1 Kor* 6,10; *1 Tim* 1,10), it-Tradizzjoni dejjem għallmet li "kull għemil omosesswali hu fih innifsu diżordinat".[65] Hu għemil kontra l-liġi naturali. Jagħlaq l-att sesswali għall-għoti tal-ħajja. Ma jiġix minn komplimentarjetà affettiva u minn sesswalità vera. Ma jistax jiġi approvat għall-ebda raġuni.

2358 Numru mhux żgħir ta' rġiel u nisa juru tendenzi omosesswali fil-fond. Din l-inklinazzjoni li fiha nfisha hi diżordni, għal ħafna minnhom hi prova kbira. Għandna nilqgħuhom b'rispett, mogħdrija u attenzjoni kbira. Ma għandux ikun hemm għalihom ebda sinjal ta' diskriminazzjoni mhux ġusta. Dawn il-persuni huma msejħin biex jagħmlu r-rieda ta' Alla f'ħajjithom u jekk huma Nsara għandhom jgħaqqdu mas-salib ta' Kristu d-diffikultajiet li magħhom jistgħu jiltaqgħu minħabba l-qagħda tagħhom.

2359 Il-persuni omosesswali huma msejħin biex

[65] *Ibid.,* 8.

2347 iħarsu l-kastità. Permezz tal-virtujiet tal-kontroll tagħhom infushom, li jħarrġuhom fl-użu tal-libertà interjuri tagħhom, xi kultant ukoll bl-għajnuna ta' ħbiberija bla interessi, bit-talb u l-grazzja tas-sagramenti, jistgħu u għandhom jersqu bil-mod il-mod u b'fehma sħiħa għall-perfezzjoni Nisranija.

III. L-imħabba tal-miżżewġin

2360 Is-sesswalità qiegħda għall-imħabba tar-raġel u
1601 l-mara fiż-żwieġ. Fiż-żwieġ, l-intimità korporali tal-miżżewġin issir sinjal u rahan ta' għaqda spiritwali. Ir-rabta taż-żwieġ bejn l-imgħammdin hi mqaddsa permezz tas-sagrament.

2361 "Is-sesswalità li permezz tagħha r-raġel u l-mara jingħataw lil xulxin kollhom kemm huma, b'għemil li hu
1643; 2332 propju u biss tal-miżżewġin, mhijiex biss xi ħaġa bijoloġika, imma hi ħaġa li tolqot il-bniedem bħala bniedem f'dak li hu l-qofol tiegħu. Is-sesswalità sseħħ b'mod li jixraq biss lill-bniedem meta hi parti sħiħa ta' dik l-imħabba li biha r-raġel u l-mara jingħataw lil xulxin għal dejjem sal-mewt".[66]

1611 > Tobija qam mill-friex [u qal lil Sara]: "Oħti, qum, ħa nishru u nitolbu quddiem Sidna, li jagħmel ħniena magħna u jsalvana". Sara qamet u bdew jitolbu bil-ħniena s-salvazzjoni u jgħidu: "Imbierek int, o Alla ta' missirijietna, u mbierek ismek għal dejjem ta' dejjem. Iberkuk is-smewwiet u l-ħolqien kollu għal dejjem ta' dejjem. Int għamilt lil Adam, u tajtu b'martu lil Eva, bħala għajnuna u appoġġ, u minnhom it-tnejn tnisslu l-bnedmin. U int għedt: 'Mhux sewwa li r-raġel jibqa' waħdu, ħa nagħmlu għajnuna li tkun tixbhu.' U issa jien lil din oħti ma żżewwiġthiex għall-passjoni tal-ġisem, imma fis-sewwa. Agħmel ħniena miegħi u magħha ħa nixjieħu flimkien." U qalu flimkien it-tnejn: "Ammen, ammen." U dak il-lejl raqdu (*Tob* 8,4-9).

[66] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 11.

2362 "L-għemil li jġib l-għaqda intima u safja tal-miżżewġin ma' xulxin hu għemil onest u xieraq. Meta jsir f'sura li tassew tixraq lill-bniedem, ifisser u jgħin l-għoti tagħhom infushom lil xulxin, għoti li bih iż-żewġ miżżewġin jistagħnew fil-ferħ u l-ħajr".[67] Is-sesswalità hi għajn ta' ferħ u pjaċir:

> Il-Ħallieq innifsu ried li, f'dan id-dmir (tat-tnissil), il-miżżewġin iħossu pjaċir u sodisfazzjon fir-ruħ u l-ġisem. Għalhekk il-miżżewġin ma jkunu jagħmlu xejn ħażin huma u jfittxu dan il-pjaċir u jifirħu bih. Qed jaċċettaw dak li l-Ħallieq ħejja għalihom. Iżda l-miżżewġin għandhom ikunu jafu li għandhom iġibu ruħhom b'moderazzjoni ġusta.[68]

2363 L-għaqda tal-miżżewġin bejniethom iġġib dak li għalih hemm iż-żwieġ: il-ġid tal-istess miżżewġin u l-għoti tal-ħajja. Ma nistgħux nifirdu minn xulxin dawn iż-żewġ tifsiriet jew valuri taż-żwieġ mingħajr ma nħassru l-ħajja spiritwali tal-miżżewġin u nikkompromettu l-ġid taż-żwieġ u l-ġejjieni tal-familja.

L-imħabba fiż-żwieġ tar-raġel u l-mara għalhekk titlob kemm il-fedeltà tal-miżżewġin lejn xulxin u kemm li l-għaqda tagħhom tagħti l-frott tagħha.

Il-fedeltà tal-miżżewġin 1646-1648

2364 Il-miżżewġin jagħmlu flimkien "komunità intima ta' 1603
ħajja u ta' mħabba mibnija minn Alla l-Ħallieq u mogħtija minnu li liġijiet propji tagħha. Isseħħ b'patt tal-miżżewġin bejniethom, jiġifieri permezz tal-kunsens personali li jagħtu

[67] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 49.

[68] Piju XII, Diskors lill-parteċipanti f'Konferenza tal-Għaqda Taljana tal-qwiebel (29 ta' Ottubru 1951).

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 844-845 5/16/2014 11:50:09 AM

lil xulxin u li minnu ma jistgħux jerġgħu lura”.[69] It-tnejn jagħtu lilhom infushom lil xulxin għal kollox u darba għal dejjem. Ma għadhomx aktar tnejn, imma issa saru ġisem wieħed. Il-patt li għamlu ma’ xulxin jobbligahom li ma jkun hemm ebda patt ieħor bħalu u li ma jħassruh qatt.[70] “Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem” (*Mk* 10,9 ara *Mt* 19,1-12; *1 Kor* 7,10-11).

2365 Il-fedeltà tfisser li l-miżżewġin se jibqgħu jżommu dejjem il-kelma li taw lil xulxin. Alla jżomm kelmtu. Is-sagrament taż-żwieġ idaħħal ir-raġel u l-mara fil-fedeltà ta’ Kristu għall-Knisja tiegħu. Permezz tal-kastità tagħhom fiż-żwieġ, huma jagħtu xhieda ta’ dan il-misteru quddiem id-dinja.

> San Ġwann Griżostmu jistieden lill-irġiel żgħażagħ jgħidu dan lil marthom: “Erfajtek fuq dirgħajja u nħobbok, u nippreferik aktar minn ħajti. Għax il-ħajja ta’ issa ma hi xejn u l-ħolma l-aktar imħeġġa tiegħi hi li ngħixha miegħek hekk li nkunu żguri li ma nkunux mifrudin minn xulxin fil-ħajja li hemm imħejjija għalina. Inqis imħabbtek aktar minn kull ħaġa oħra u xejn ma hu se jweġġagħni aktar mill-fatt li ma jkollix l-istess ħsibijiet tiegħek”.[71]

Il-frott taż-żwieġ

2366 Il-frott taż-żwieġ hu don, hu wieħed mill-*iskopijiet taż-żwieġ*, għax l-imħabba tal-miżżewġin min-natura tagħha trid li jkollha l-frott tagħha. Il-wild ma jiġix minn barra biex jiżdied mal-imħabba tal-miżżewġin bejniethom. Joħroġ mill-qalba stess tal-għoti tal-miżżewġin lil xulxin u huwa l-frott ta’ dan l-għoti lil xulxin. Il-Knisja wkoll, “għax hi favur il-ħajja”,[72] tgħallem li “*kull att taż-żwieġ* għandu jkun minnu nnifsu miftuħ għall-ħajja”.[73] “Dan it-tagħlim, imfisser kemm-il darba mill-Maġisteru tal-Knisja, hu mibni fuq ir-rabta taż-żwieġ li ma tinħall qatt, li riedha Alla, u fuq il-fatt li l-bniedem, minn rajh, qatt ma jista’ jifred minn xulxin iż-żewġ tifsiriet tal-att taż-żwieġ: l-għaqda u t-tnissil”.[74]

2367 Il-miżżewġin, imsejħin biex jagħtu l-ħajja għandhom sehem fis-setgħa ta’ Alla l-Ħallieq u fil-paternità tiegħu (ara *Ef* 3,14; *Mt* 23,9). “Il-miżżewġin għandhom ikunu jafu bid-dmir li għandhom li jagħtu l-ħajja lil bniedem u jedukawh – din għandha titqies bħala l-missjoni propja tagħhom – u li huma jaħdmu id f’id mal-imħabba ta’ Alla l-Ħallieq u b’xi mod huma interpreti tiegħu. Għalhekk għandhom jaqdu dan id-dmir b’sens ta’ responsabiltà ta’ bnedmin u ta’ Nsara li huma”.[75]

2368 Aspett partikulari ta’ din ir-responsabiltà hu *l-kontroll tat-tnissil.* Għal raġunijiet ġusti, il-miżżewġin jistgħu jkunu jridu li jkun hemm intervall bejn twelid u ieħor ta’ wliedhom. Iridu jaraw li din ix-xewqa tagħhom ma tkunx frott tal-egoiżmu tagħhom, imma tkun xewqa li taqbel mal-ġenerożità ġusta ta’ paternità responsabbli. Iridu mbagħad jirregolaw l-imġiba tagħhom skont il-kriterji oġġettivi tal-moralità:

> Meta l-miżżewġin jiġu biex isieħbu flimkien l-imħabba tagħhom fiż-żwieġ mat-tnissil responsabbli tal-ħajja, l-imġiba morali tagħhom ma tiddependix biss mill-intenzjoni sinċiera tagħhom u mill-valur tar-raġunijiet li jkollhom, imma wkoll minn kriterji oġġettivi mibnijin

[69] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 48.
[70] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1056.
[71] San Ġwann Griżostmu, *Omelija* 20 *dwar l-Ittra lill-Efesin*, 8: PG 62, 146-147.
[72] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 30.
[73] Pawlu VI, Enċiklika *Humanae vitae* (1968), 11.
[74] *Ibid*., 12; ara Piju XI, Enċiklika *Casti connubii* (1930): DS 3717.
[75] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 50.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 846-847 5/16/2014 11:50:10 AM

> fuq id-dinjità stess tal-persuna umana u ta' għemilu kollu, kriterji li fil-kuntest ta' mħabba vera, iħarsu t-tifsir sħiħ tal-għotja tagħhom lil xulxin u tat-tnissil tal-bniedem.[76]

2369 "L-att taż-żwieġ iħares b'mod sħiħ it-tifsir ta' vera mħabba għal xulxin u tas-sejħa għolja tal-bniedem għall-paternità, biss, jekk iħares iż-żewġ aspetti essenzjali tiegħu, jiġifieri l-għaqda tal-miżżewġin bejniethom u t-tnissil tal-ulied".[77]

2370 Il-kontinenza perjodika, il-metodi li jirregolaw it-twelid tal-ulied, ibbażati fuq awto-osservazzjoni u l-użu tal-att taż-żwieġ fi żminijiet li fihom it-tnissil ma jseħħx[78] jaqblu mal-kriterji oġġettivi tal-moralità. Dawn il-metodi juru rispett lejn il-ġisem tal-għarajjes, iħajruhom ikunu delikati ma' xulxin u jgħinuhom jistħarrġu l-libertà vera. Min-naħa l-oħra hu intrinsikament ħażin (jiġifieri minnu nnifsu ħażin) "kull għemil jew qabel l-att taż-żwieġ, jew waqt dan l-att, jew waqt l-iżvilupp tal-konsegwenzi tiegħu, li jsir bil-ħsieb, bħala għan jew bħala mezz, biex ma jkunx hemm tnissil".[79]

> "Minflok il-lingwaġġ li jfisser b'mod naturali l-għotja sħiħa tal-miżżewġin, l-użu tal-kontraċettivi jitkellem b'lingwaġġ li minnu nnifsu jwaqqa' dan it-tifsir, għax skont dan il-lingwaġġ, ma tibqax aktar sħiħa l-għotja tagħhom lil xulxin. Minn dan jiġi mhux biss li wieħed ikun jiċħad bid-dieher il-ftuħ għall-ħajja imma jkun ukoll jgħawweġ minn għeruqha l-imħabba tal-miżżewġin, li fiha nnifisha titlob li l-miżżewġin jagħtu ruħhom lil xulxin bħala persuni, fir-ruħ u l-ġisem." Din id-differenza antropoloġika u morali bejn l-użu tal-kontraċettivi u l-użu tas-*safe period* juru "żewġ fehmiet tal-persuna u tas-sesswalità tal-bniedem li ma jistgħux ikunu jaqblu ma' xulxin".[80]

[76] *Ibid*., 51.
[77] Pawlu VI, Enċiklika *Humanae vitae* (1968), 12.
[78] Ara *ibid*., 16.
[79] *Ibid*., 14.
[80] San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 32.

2371 "Madankollu, kulħadd għandu jkun jaf li l-ħajja tal-bniedem u d-dmir li jgħaddiha lill-ħaddieħor la huma biss għal din id-dinja, u la jsibu f'din id-dinja d-dimensjoni sħiħa tagħhom u lanqas it-tifsir sħiħ tagħhom, imma dejjem iridu jitqiesu b'riferenza għad-*destin etern tal-bniedem"*.[81] 1703

2372 L-Istat hu responsabbli tal-ġid taċ-ċittadini. Għalhekk l-Istat jista' jindaħal biex jirregola d-demografija tal-popolazzjoni. Dan jista' jagħmlu billi jagħti informazzjoni oġġettiva u rispettuża, iżda mhux b'mod awtoritarju u b'obbligu bilfors. L-Istat ma jistax leġittimament jieħu post il-miżżewġin, li huma l-ewwel responsabbli tat-tnissil u l-edukazzjoni ta' wliedhom.[82] F'dan il-qasam ma għandu ebda awtorità li jindaħal b'mezzi li huma kuntrarji għal-liġi morali. 2209

Id-don tal-ulied

2373 L-Iskrittura u l-prattika tradizzjonali tal-Knisja jaraw fil-*familji kbar* sinjal tal-barka ta' Alla u tal-qalb kbira tal-ġenituri.[83]

2374 Ikunu mġarrbin ħafna dawk il-miżżewġin li jsibu li ma jistax ikollhom tfal. "X'se tagħtini?", qal Abraham lil Alla, "għax se nibqa' bla tfal? ... " (*Ġen* 15,2). "Agħtini t-tfal, għax se mmut", qalet Rakel lil żewġha Ġakobb (*Ġen* 30,1). 1654

2375 Ir-riċerki li qegħdin isiru biex titnaqqas l-isterilità tal-bniedem ta' min jinkoraġġihom, sakemm isiru bil-ħsieb li "jaqdu l-persuna umana, id-drittijiet tiegħu li ma jistgħu 2293

[81] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 51.
[82] Ara Pawlu VI, Enċiklika *Humanae vitae* (1968), 23; Enċiklika *Populorum progressio* (1967), 37.
[83] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 50.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 848-849 5/16/2014 11:50:10 AM

jitwarrbu qatt, il-ġid veru u sħiħ tiegħu, u huma skont il-pjan u r-rieda ta' Alla".[84]

2376 Dik it-teknika li twassal biex twarrab il-ġenituri minn xulxin fit-tnissil tat-tfal, billi ddaħħal fin-nofs persuna barranija għall-miżżewġin (l-għoti ta' sperma jew ta' bajd jew self tal-uteru), hi teknika gravament diżonesta. Mezzi tekniċi oħra (inseminazzjoni jew fekondazzjoni artifiċjali eterologa), imorru kontra d-dritt tat-tifel li jitwieled minn missier u omm magħrufin minnu u marbutin bejniethom bir-rabta taż-żwieġ. Huma tradiment tad-"dritt esklussiv (tal-miżżewġin) li jkunu missier u omm permezz ta' xulxin".[85]

2377 Meta din it-teknika (inseminazzjoni u fekondazzjoni artifiċjali omologa) tintuża bejn il-koppja jista' jkun li mhux ta' min jikkundannaha, imma moralment tibqa' dejjem inaċċettabbli ... Tifred minn xulxin l-att sesswali (l-att taż-żwieġ) mill-att prokreattiv. L-att li bih titnissel tarbija mhux aktar att li bih żewġ persuni jingħataw lil xulxin imma "iħallu fis-setgħa tat-tobba u tal-bijoloġi l-ħajja u l-identità tal-embrijun u tkun it-teknika (u mhux l-imħabba) li taħkem fuq il-bidu u d-destin tal-persuna umana. Din is-sura ta' ħakma hi fiha nnifisha kuntrarja għad-dinjità u l-ugwaljanza li għandhom ikunu l-istess għall-ġenituri u l-ulied".[86] "It-tnissil (il-prokreazzjoni) jiġi moralment imċaħħad mill-perfezzjoni propja tiegħu, meta ma jkunx frott tal-att taż-żwieġ, jiġifieri frott tal-ġest speċifiku li bih il-miżżewġin jingħaqdu ġisem wieħed ... Huwa biss ir-rispett għar-rabta li hemm bejn it-tifsir tal-att taż-żwieġ u r-rispett għall-għaqda tal-bniedem fih innifsu li jippermettu tnissil li jaqbel mad-dinjità tal-persuna umana".[87]

2378 It-tarbija mhijiex *xi ħaġa li għandha tingħata*, li hemm dritt għaliha, imma hi *don*. "L-aqwa u l-aħjar don taż-żwieġ" hu l-persuna umana. It-tarbija ma għandhiex titqies bħala xi propjetà: għax b'hekk inkunu nagħtu raġun lil min jippretendi li hemm xi "dritt għat-tfal". F'dan il-qasam, hu biss it-tifel li għandu drittijiet veri: id-dritt li "jkun il-frott tal-att speċifiku tal-imħabba fiż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu, u d-dritt li jkun

[84] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni *Donum vitae* (1987), introduzzjoni, 2.
[85] *Ibid*., 2, 1.
[86] *Ibid*., 2, 5.
[87] *Ibid*., 2, 4.

irrispettat bħala persuna sa mill-ewwel mument tat-tnissil tiegħu".[88]

2379 L-Evanġelju jurina li l-isterilità fiżika mhijiex xi ħaġa ħażina għal kollox. Il-miżżewġin li, wara li jkunu użaw il-mezzi leġittimi kollha li tagħtihom il-mediċina, jibqgħu mġarrbin bl-isterilità, għandhom jissieħbu mas-salib ta' Kristu, għajn ta' kull frott fl-Ispirtu. Jistgħu juru l-qalb kbira tagħhom billi jadottaw xi tfal abbandunati jew joffru l-qadi impenjattiv tagħhom favur l-oħrajn.

IV. L-offiżi kontra d-dinjità taż-żwieġ

2380 *L-adulterju* hu l-infedeltà fiż-żwieġ. Meta żewġ persuni, li almenu waħda minnhom hi miżżewġa, jintrabtu bejniethom b'relazzjoni sesswali, ukoll ta' darba, ikunu għamlu adulterju. Kristu jikkundanna l-adulterju wkoll jekk hu xewqa biss (ara *Mt* 5,27-28). Is-sitt kmandament u t-Testment il-Ġdid jikkundannaw b'mod assolut l-adulterju (ara *Mt* 5,32; 19,6; *Mk* 10,11; *1 Kor* 6,9-10). Il-profeti jsemmuh bħala nuqqas gravi: fl-adulterju jaraw xbieha tad- 1611
dnub tal-idolatrija (ara *Hos* 2,7; *Ġer* 5,7; 13,27).

2381 L-adulterju hu inġustizzja. Min jagħmel adulterju jkun jonqos mill-impenji tiegħu. Jidrob is-sinjal tal-Patt li hi r-rabta 1640
taż-żwieġ, joffendi d-dritt tal-persuna l-oħra miżżewġa u hu theddida għaż-żwieġ għax jikser il-kuntratt li fuqu mibni. Iqiegħed fil-periklu l-ġid tan-nisel kollu tal-bnedmin u tat-tfal, li jeħtieġu li l-għaqda bejn il-ġenituri tagħhom tkun qiegħda fis-sod.

[88] *Ibid*., 2, 8.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 850-851 5/16/2014 11:50:10 AM

Id-divorzju

2382 Il-Mulej Ġesù insista ħafna fuq il-ħsieb oriġinali tal-Ħallieq li ried li ż-żwieġ ma jinħall qatt (ara *Mt* 5,31-32; 19,3-9; *Mk* 10,9; *Lq* 16,18; *1 Kor* 7,10-11). Ġesù ħassar il-permessi li kienu daħlu bil-mod fil-Liġi l-Qadima (ara *Mt* 19,7-9).

Bejn l-imgħammdin, "iż-żwieġ, bil-kunsens li jkun sar u li ġie kkunsmat mill-miżżewġin (*ratum et consummatum*), ma jista' jitħassar minn ebda setgħa tal-bnedmin."[89]

2383 *Is-separazzjoni* tal-miżżewġin, waqt li tibqa' r-rabta taż-żwieġ bejniethom, tista' tkun leġittima f'ċerti każi msemmijin fid-Dritt Kanoniku.[90]

> Jekk divorzju ċivili biss jista' jiżgura ċerti drittijiet leġittimi, bħalma huma l-kura tat-tfal u l-ħarsien tal-ġid, dan jista' jiġi ttollerat mingħajr ma jkun hemm ebda ħtija morali.

2384 *Id-divorzju* hu offiża gravi kontra l-liġi naturali. Jippretendi li jħassar kuntratt aċċettat liberament mill-miżżewġin li jgħixu flimkien sal-mewt. Id-divorzju hu offiża kontra l-Patt tas-salvazzjoni li tiegħu ż-Żwieġ sagrament hu sinjal. Rabta ġdida, ukoll jekk magħrufa mil-liġi ċivili, iżżid fil-gravità tal-ksur tal-kuntratt: dak li jerġa' jiżżewweġ isib ruħu f'qagħda ta' adulterju pubbliku u permanenti:

> Jekk ir-raġel, wara li jinfired minn martu, jersaq lejn mara oħra, ikun hu nnifsu adulteru, għax iġiegħel lil din il-mara tagħmel adulterju; u l-mara li tkun tgħix miegħu hi wkoll adultera, għax ġibdet lejha r-raġel ta' mara oħra.[91]

[89] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 1141.

[90] Ara *ibid*., kan. 1151-1155.

[91] San Bażilju l-Kbir, *Trattat dwar il-Morali* (*Introduzzjoni għall-Ħajja Nisranija*), 73, 1: PG 31, 852.

2385 Id-divorzju jikseb il-karattru immorali tiegħu wkoll mid-diżordni li jġib fil-familja u fis-soċjetà. Din id-diżordni ġġib magħha ħafna ħsarat serji: għall-persuna miżżewġa li tiġi abbandunata; għat-tfal imġarrba minħabba s-separazzjoni tal-ġenituri tagħhom u spiss miġbudin 'l hawn u 'l hemm mill-ġenituri; u l-fatt li tħajjar oħrajn jagħmlu l-istess, tant li d-divorzju llum hu pjaga soċjali.

2386 Jista' jiġri li waħda mill-partijiet miżżewġa tisfa' vittma innoċenti ta' divorzju mogħti minn qorti ċivili; hi, f'dan il-każ ma tkunx kisret il-liġi morali. Hemm differenza kbira bejn persuna miżżewġa li bis-sinċerità kollha tħabtet biex tibqa' fidila għas-sagrament taż-żwieġ u ssib ruħha abbandunata inġustament, u persuna miżżewġa oħra li, bi ħtija gravi min-naħa tagħha, farrket żwieġ validu kanonikament.[92]

Offiżi oħra kontra d-dinjità taż-żwieġ

2387 Wieħed jifhem it-traġedja ta' dak li jrid jikkonverti u jħaddan l-Evanġelju u, biex jagħmel dan, isib ruħu obbligat jibgħat waħda jew aktar minn mara waħda li magħhom għex ħajja ta' żwieġ għal ħafna snin. Iżda *l-poligamija* ma taqbilx mal-liġi morali. "Hi għal kollox kontra l-għaqda taż-żwieġ billi tmur direttament kontra l-pjan ta' Alla li ġie rrivelat lilna sa mill-bidu, għax hi kontra l-fatt li r-raġel u l-mara għandhom l-istess dinjità bħala persuni, u fiż-żwieġ jagħtu ruħhom lil xulxin b'imħabba sħiħa, li ma hemmx oħra bħalha u ebda ħaddieħor ma għandu x'jaqsam magħha".[93] Nisrani li qabel

[92] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 84.

[93] *Ibid*., 19; ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 47.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 852-853 5/16/2014 11:50:10 AM

kien poligamu hu obbligat b'mod gravi, skont il-ġustizzja, li jħares l-obbligazzjonijiet li kellu ma' dawk li kienu n-nisa tiegħu u ma' wliedhom.

2388 *L-inċest* iseħħ permezz ta' relazzjonijiet intimi bejn nies jiġu minn xulxin li bejniethom ma jistax isir żwieġ (ara *Lev* 18,7-20). San Pawl jikkundanna b'mod aħrax ħafna din il-ħtija li hi tassew gravi: "Kulħadd sama' li hemm iż-żina fostkom … li wieħed ikollu l-mara ta' missieru! ... Fl-isem ta' Sidna Ġesù ... itilqu lil dan il-bniedem f'idejn ix-Xitan għall-qerda ta' ġismu ..." (*1 Kor* 5,1.3-5). L-inċest jagħmel ħsara lir-relazzjonijiet fi ħdan il-familja u hu rigress lejn imġiba ta' bhejjem.

2389 Jistgħu jitqiesu bħala inċest, l-abbużi sesswali magħmulin minn kbar ma' tfal u adoloxxenti fdati għall-kura (kustodja) tagħhom. Il-ħtija tikber u ssir skandaluża meta tolqot l-integrità fiżika u morali taż-żgħażagħ li jibqgħu jġarrbu din l-esperjenza tul ħajjithom kollha u hi ksur serju tar-responsabiltajiet edukattivi.

2390 *L-għaqda bla rbit* hi għaqda ta' raġel u mara li ma jridux jagħtu sura ġuridika u pubblika għar-rabta tagħhom magħmula bil-ħsieb ta' intimità sesswali.

Il-frażi *għaqda bla rbit* hi qarrieqa, għax kif jista' jkun hemm għaqda bejn żewġ persuni li ma jridux jintrabtu ma' xulxin u qed juru li ma għandhomx la fiduċja f'xulxin, la fihom infushom u lanqas fil-ġejjieni?

Il-frażi tħaddan qagħdiet differenti: konkubinaġġ, iċ-ċaħda taż-żwieġ bħala żwieġ, in-nuqqas ta' ħila għal rabtiet fit-tul.[94] Dawn il-qagħdiet kollha joffendu d-dinjità taż-żwieġ;

[94] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 81.

jeqirdu l-istess fehma tal-familja, idgħajfu s-sens tal-fedeltà. Huma kontra l-liġi morali: l-att sesswali jrid isir biss fiż-żwieġ; barra miż-żwieġ hu dejjem dnub gravi u jċaħħad mit-tqarbin.

2391 Ħafna llum qed jitolbu speċi ta' *dritt ta' prova* meta jkun hemm ġa l-ħsieb li jiżżewġu. Huma kemm huma sodi fil-fehma tagħhom li 'l quddiem jiżżewġu, dawk li jkollhom bejniethom relazzjonijiet sesswali qabel iż-żwieġ, "ma jkunux b'hekk jiżguraw sinċerità u fedeltà fir-relazzjoni personali tagħhom bħala raġel u mara, u speċjalment biex iħarsu din ir-relazzjoni mill-kapriċċi u l-fantasiji".[95] L-għaqda fil-ġisem mhijiex moralment leġittima jekk mhux meta tkun twaqqfet komunità ta' ħajja għal dejjem bejn raġel u mara. L-imħabba tal-bniedem ma tridx tkun "ippruvata": titlob għoti sħiħ u definittiv ta' żewġ persuni lil xulxin.[96]

Fil-qosor

2392 "*L-imħabba hi vokazzjoni fundamentali li tinsab fil-fond ta' kull bniedem*".[97]

2393 *Meta Alla ħalaq il-bniedem raġel u mara tahom indaqs l-istess dinjità personali. Hu d-dmir ta' kull bniedem, raġel u mara, li jagħraf u jaċċetta l-identità sesswali tiegħu*.

[95] Sagra Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni *Persona humana* (1975), 7.

[96] Ara San Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (1981), 80.

[97] *Ibid*., 11.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 854-855 5/16/2014 11:50:10 AM

2394 *Kristu hu mudell ta' kastità. Kull Nisrani hu msejjaħ jgħix ħajja fil-kastità, kull wieħed skont l-istat tiegħu ta' ħajja.*

2395 *Il-kastità hi l-integrazzjoni sħiħa tas-sessualità fil-persuna umana. Titlob li l-bniedem ifittex li jkollu kontroll fuqu nnifsu, fuq il-persuna tiegħu.*

2396 *Fost id-dnubiet l-aktar gravi kontra l-kastità hemm il-masturbazzjoni, iż-żina, il-pornografija u l-għemil omosesswali.*

2397 *Il-patt bejn il-miżżewġin magħmul b'mod ħieles jitlob imħabba b'fedeltà sħiħa: iridu jaraw li ż-żwieġ tagħhom ma jispiċċa qatt billi jħarsuh.*

2398 *Il-ftuħ taż-żwieġ għall-ħajja hu ġid u don, u hu wieħed mill-għanijiet taż-żwieġ. Il-miżżewġin meta jġibu ħajja fid-dinja jissieħbu fil-paternità ta' Alla.*

2399 *Ir-regolamentazzjoni tat-twelid tat-tfal hi wieħed mill-aspetti ta' paternità u maternità responsabbli. L-intenzjonijiet leġittimi tal-miżżewġin ma jippermettulhomx jirrikorru għall-użu ta' mezzi li ma jistgħux jiġu aċċettati moralment (mezzi bħall-isterilizzazzjoni diretta u l-kontraċezzjoni).*

2400 *L-adulterju u d-divorzju, il-poligamija u l-għaqda bla rbit huma nuqqasijiet gravi kontra d-dinjità taż-żwieġ.*

Is-seba' artiklu

IS-SEBA' KMANDAMENT

"La tisraqx" (*Eż* 20,15; ara *Dewt* 5,19; *Mt* 19,18).

2401 Is-seba' kmandament jipprojbixxi li tieħu u żżomm għalik inġustament xi ħaġa ta' għajrek u li tagħmel ħsara lil għajrek f'ġidu, tkun kif tkun. Jikkmanda l-ġustizzja u l-imħabba fl-amministrazzjoni tal-ġid tal-art u tal-frott tax-xogħol tal-bniedem. Jitlob, minħabba l-ġid komuni, rispett 1807
għall-fatt li l-ġid kollu tad-dinja hu għal kulħadd, u rispett għad-dritt tal-propjetà privata. Il-ħajja Nisranija tfittex li l-użu tal-ġid tad-dinja jintuża kif irid Alla u għall-għajnuna tal- 952
aħwa.

I. Il-ġid tad-dinja li hu għal kulħadd u l-propjetà privata tal-ġid

2402 Fil-bidu, Alla ħalla l-art bil-ġid kollu tagħha taħt it-tmexxija tal-bniedem, biex jieħu ħsiebha, jaħkimha bix-xogħol tiegħu u jgawdi l-frott tagħha (ara *Ġen* 1,26-29). Il-ġid kollu tal-ħolqien hu ddestinat għall-ġens kollu 226
tal-bnedmin; iżda l-art hi mqassma fost il-bnedmin biex ħajjithom, mhedda mill-faqar u l-vjolenza, tkun fiż-żgur. Hu għemil leġittimu tagħmel tiegħek il-ġid tal-art biex ikun hemm garanzija għal-libertà u d-dinjità tal-persuni, biex tkun tista' tgħin lil kull wieħed fil-ħtiġijiet fundamentali tiegħu u ta' dawk li jiddependu minnu. Din il-ħaġa għandha twassal biex 1939
tintwera solidarjetà naturali fost il-bnedmin kollha.

2403 *Id-dritt għall-propjetà privata* li tinkiseb b'mod ġust ma jmurx kontra l-fatt li fil-bidu l-art ngħatat lill-ġens kollu tal-bnedmin. *Id-destinazzjoni universali tal-ġid tal-art*, jiġifieri

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 856-857 5/16/2014 11:50:10 AM

li Alla ta l-ġid tal-art lill-ġens kollu tal-bnedmin, jibqa' l-fatt ewlieni, ukoll jekk il-ġid komuni ta' kulħadd jitlob ir-rispett tal-propjetà privata, id-dritt għaliha u l-użu tagħha.

2404 "Il-bniedem, huwa u jagħmel użu mill-ġid tal-art, ma għandux iqis li l-ġid li għandu huwa tiegħu biss, imma huwa wkoll ta' kulħadd fis-sens li jista' jgawdi minnu mhux
307 hu biss imma oħrajn ukoll".[98] Il-ġid li wieħed ikollu, jagħmlu amministratur tal-providenza biex dan il-ġid iħaddmu billi jagħti frott li jinqasam mal-oħrajn, speċjalment il-qraba tiegħu.

2405 Il-ġid, materjali jew mhux materjali, li jiġi mill-prodotti tal-art jew mix-xogħol fil-fabbriki, mill-kapaċità u mill-arti ta' min jagħmlu, jistenna li l-propjetarji tiegħu jaraw li mill-frott tal-ħidma tagħhom se jgawdu l-ikbar għadd ta' nies. Min għandu fil-pussess tiegħu affarijiet ta' użu jew ta' konsum irid jużahom bir-rażan u jerfa' l-aħjar għall-barrani, għall-marid u għall-fqir.

2406 *L-awtorità politika* għandha d-dritt u d-dmir li
1903 tirregola, minħabba l-ġid komuni, l-użu leġittimu tad-dritt tal-propjetà.[99]

II. Ir-rispett tal-persuna u ta' ġidha

2407 F'kull ma għandu x'jaqsam mal-ekonomija, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem jitlob li titħaddem il-virtù tar-*rażan*,
1809 biex ir-rabta mal-ġid tal-art ma tkunx bla qjies; li titħaddem
1807 il-virtù tal-*ġustizzja* ħa jiġu mħarsa d-drittijiet tal-proxxmu u
1939 kulħadd jieħu dak li ħaqqu; u li titħaddem *is-solidarjetà* skont

[98] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 69.

[99] Ara *ibid*., 71; San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 42; Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 40; 48.

ir-regola tad-deheb u skont l-id miftuħa tal-Mulej li "għad li kien għani, ftaqar, ... sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu" (*2 Kor* 8,9).

Ir-rispett għall-ġid ta' ħaddieħor

2408 Is-seba' kmandament jipprojbixxi *s-serq*, jiġifieri l-ħtif tal-ġid ta' ħaddieħor kontra r-rieda raġonevoli tiegħu. M'hemmx serq meta wieħed jissopponi li se jkun hemm il-kunsens, jew meta min jiċħad li jittieħed ġidu jkun qed imur kontra r-raġuni u d-destinazzjoni universali tal-ġid tal-art. Dan jiġri meta, dak li jkun f'każ ta' bżonn urġenti u tassew ċar biex jagħmel tajjeb għall-ħtiġijiet li ma jistgħux jistennew u mingħajrhom ma jgħaddix (ikel, kenn, ilbies ...) ma jkunx jista' jagħmel mod ieħor ħlief jiddisponi u jagħmel użu mill-ġid ta' ħaddieħor.[100]

2409 Kull mod kif tieħu u żżomm għandek inġustament il-ġid ta' ħaddieħor, ukoll jekk dak li tagħmel ma jkunx ipprojbit mil-liġijiet ċivili, hu kontra s-seba' kmandament. U wkoll kontra s-seba' kmandament iżżomm deliberatament ġid misluf lilek jew xi ħaġa mitlufa; jew tqarraq fin-negozju (ara *Dewt* 25,13-16) jew tħallas salarji mhux skont il-ġustizzja (ara *Dewt* 24,14-15; *Ġak* 5,4) jew tgħolli l-prezzijiet billi tapprofitta mill-injoranza u l-ħtieġa tal-oħrajn (ara *Għam* 8,4-6). 1867

Huma wkoll moralment ħżiena: l-ispekulazzjoni li biha wieħed ibiddel artifiċjalment il-valur ta' xi ġid biex jikseb vantaġġ fuq id-danni li jġarrab ħaddieħor; il-korruzzjoni li biha jġiegħel ibiddlu l-fehma tagħhom dawk li skont id-dritt għandhom jieħdu deċiżjoni; tagħmel tiegħek u tuża għalik il-ġid soċjali ta' xi intrapriża; xogħol magħmul ħażin; qerq fid-dikjarazzjonijiet ta' dħul tiegħek lill-Istat; falsifikar ta' ċekkijiet u ta' fatturi; spejjeż esaġerati u

[100] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 69.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 858-859 5/16/2014 11:50:10 AM

l-ħala. Tagħmel ħsara f'xi propjetà privata jew pubblika hi kontra l-liġi morali u titlob riparazzjoni.

2101 2410 *Il-wegħdiet* iridu jinżammu u *l-kuntratti* mħarsa sakemm l-impenn meħud hu moralment ġust. Parti tassew kbira tal-ħajja ekonomika u soċjali tiddependi mill-valur tal-kuntratti li jsiru bejn persuni fiżiċi u morali. Hekk huma l-kuntratti kummerċjali ta' bejgħ u xiri, ta' kera u ta' xogħol. Kull kuntratt għandu jsir u jiġi mħares b'rieda tajba.

1807 2411 Il-kuntratti jaqgħu taħt *il-ġustizzja kommutattiva* li tirregola n-negozju bejn persuni u bejn istituzzjonijiet b'rispett sħiħ tad-drittijiet tagħhom. Il-ġustizzja kommutattiva tobbliga strettament u teżiġi l-ħarsien tad-dritt tal-propjetà, il-ħlas tad-djun, u li jsir dak li wieħed ftiehem b'mod ħieles li jagħmel. Mingħajr il-ġustizzja kommutattiva ma jistax ikun hemm ebda sura oħra ta' ġustizzja.

Irridu nagħżlu bejn ġustizzja *kommutattiva* u ġustizzja *legali* li hi dwar dak li ċ-ċittadin hu obbligat raġonevolment jagħti lill-komunità, u bejn ġustizzja *kommutattiva* u ġustizzja *distributtiva* li tirregola dak li l-komunità hi fid-dmir li tagħti liċ-ċittadini skont il-kontribuzzjonijiet li jagħtu u l-ħtiġijiet li jkollhom.

1459 2412 Il-ġustizzja kommutattiva titlob li *titpatta l-inġustizzja* li tkun saret, u li jintradd lura lill-propjetarju dak li tteħidlu:

Ġesù bierek lil Żakkew meta dan impenja ruħu li: "Jekk qarraqt b'xi ħadd u sraqtu, inroddlu għall-erba' darbiet iżjed" (*Lq* 19,8). Dawk li b'xi
2487 mod, direttament jew indirettament, ħadu xi ħaġa ta' ħaddieħor għandhom irodduha lura u, jekk ma għadhiex aktar, jagħtu flokha xi ħaġa oħra li taqbel magħha fin-natura jew fil-kwalità, kif ukoll il-ġid u l-vantaġġi li l-propjetarju kien se jikseb minnha leġittimament. Huma obbligati wkoll iroddu lura, skont kemm kienet ir-responsabiltà tagħhom u skont kemm approfittaw, dawk li ħadu sehem f'xi serqa, jew b'xi mod jew ieħor approfittaw minnha għax kienu jafu biha: jiġifieri dawk li ordnawha, jew għenu jew aċċettaw li jieħdu dak li nsteraq.

2413 *Il-logħob tal-azzard (logħob bil-karti u l-bqija) u l-imħatri* fihom

infushom mhumiex kontra l-ġustizzja. Isiru moralment mhux aċċettabbli meta minħabba fihom persuna tiċċaħħad minn dak li teħtieġ għall-ħtiġijiet tagħha u tal-oħrajn. Il-kilba għal-logħob tista' ssir jasar kiefer. Imħatri inġusti u serq fil-logħob huma ħtijiet gravi, ħlief meta l-ħsara li ssir tkun tant żgħira li dak li jġarrabha raġonevolment iqisha li ma tfisser xejn għalih.

2414 Is-seba' kmandament jipprojbixxi wkoll għemil jew 2297
intrapriżi, tkun xi tkun ir-raġuni għalihom, sew egoiżmu, sew ideoloġija, sew negozju, sew totalitariżmu, li jwasslu *għat-tjassir ta' bnedmin*, għaċ-ċaħda tal-għarfien ta' drittijiethom, għall-bejgħ u għax-xiri u għall-bdil tagħhom qishom xi ħaġa ta' negozju. Hu dnub kontra d-dinjità tal-persuni u tad-drittijiet fundamentali tagħhom meta bi vjolenza, tagħmilhom jew tqishom biss bħala xi ħaġa li tuża jew xi ħaġa biex biha taqla' l-flus. San Pawl lil wieħed sid Nisrani ordnalu biex lill-ilsir tiegħu Nisrani jilqgħu mhux bħala lsir imma bħala ħuh għażiż (ara *Filem* 16), bħala bniedem fil-Mulej.

Ir-rispett għas-sħuħija tal-ħolqien

2415 Is-seba' kmandament jitlob li tkun irrispettata 226; 358
s-sħuħija jew l-integrità tal-ħolqien. L-annimali, il-pjanti u l-ħwejjeġ bla ħajja ġew naturalment destinati minn Alla għall-ġid tal-bnedmin kollha tal-imgħoddi, ta' issa u tal-ġejjieni (ara *Ġen* 1,28-31). L-użu tar-riżorsi minerali, veġitali u annimali tal-univers ma għandux jinfired minn dak li titlob il-morali. Il-ħakma li l-Ħallieq ta lill-bnedmin fuq il-ħwejjeġ 373
bla ħajja u fuq il-ħlejjaq ħajja kollha mhijiex ħakma assoluta; għandha tiġi rregolata minn kemm nieħdu ħsieb il-kwalità tal-ħajja tal-proxxmu tagħna, ukoll dawk li għad iridu jiġu fid-dinja; titlob rispett reliġjuż għall-integrità tal-ħolqien kollu.[101] 378

[101] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 37-38.

2416 *L-annimali* huma ħolqien ta' Alla. Hu jipprovdilhom għall-ħtiġijiet tagħhom (ara *Mt* 6,26). Bil-ħajja sempliċi tagħhom huma jbierku u jfaħħru u jgħollu l-Mulej (ara *Dan* 3,79-81). Il-bnedmin ukoll għandhom juruhom tjieba. Imissna niftakru b'liema tjieba l-qaddisin, bħal San Franġisk ta' Assisi jew San Filippu Neri ttrattaw l-annimali.

2417 Alla ried jafda l-annimali lil dak li hu ħalaq xbieha tiegħu (ara *Ġen* 2,19-20; 9,1-4). Hi ħaġa leġittima tinqeda bl-annimali għall-ikel u għall-ilbies. Tista' trabbihom. Jistgħu jiġu ddomestikati biex jgħinu l-bniedem fix-xogħol tiegħu u fir-rikreazzjonijiet tiegħu. Esperimenti mediċi u xjentifiċi fuq l-annimali jistgħu jiġu aċċettati moralment jekk isiru f'limiti raġonevoli u jgħinu biex jikkuraw u jsalvaw il-ħajja tal-bnedmin.

2418 Hu kontra d-dinjità tal-bniedem taħqar l-annimali u ġġib fix-xejn ħajjithom bla bżonn. Lanqas jixraq lill-bniedem itajjar flejjes kbar fl-annimali, flejjes kbar li jistgħu jintużaw ħa jerfgħu l-bnedmin mill-miżerja li fiha jinsabu. Nistgħu nħobbu l-annimali, iżda mhijiex ħaġa sewwa jekk l-imħabba li għandu jkollna biss għall-bnedmin ħutna nagħtuha lill-annimali.

III. Id-duttrina soċjali tal-Knisja

2419 "Ir-rivelazzjoni Nisranija twassalna għal għarfien aktar fil-fond tal-liġijiet tal-ħajja soċjali".[102] Il-Knisja mill-Evanġelju rċeviet rivelazzjoni sħiħa tal-verità dwar il-bniedem. Meta

[102] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 23.

l-Knisja taqdi l-missjoni tagħha li xxandar l-Evanġelju, hi tkun qiegħda tagħti xhieda lill-bniedem, f'isem Kristu, tad-dinjità propja tiegħu u tas-sejħa tiegħu biex jgħix f'xirka mal-bnedmin l-oħra, u tgħallmu x'jistennew minnu l-ġustizzja u s-sliem skont ma jrid l-għerf ta' Alla.

2420 Il-Knisja tagħmel ġudizzju morali f'materja ekonomika u soċjali "meta dan hu mitlub mid-drittijiet fundamentali tal-persuna jew mis-salvazzjoni tal-erwieħ".[103] Il-missjoni tal-Knisja fl-ordni morali mhijiex l-istess bħal dik tal-awtoritajiet politiċi: il-Knisja tieħu ħsieb tal-aspetti temporali tal-ġid komuni għaliex huma jwasslu għall-ogħla ġid tagħna li lejh irridu mmorru. Il-Knisja tħabrek biex ikun hemm imġiba ġusta fir-relazzjonijiet tal-bniedem mal-ġid tal-art u fir-relazzjonijiet soċjo-ekonomiċi tiegħu.

2421 Id-duttrina soċjali tal-Knisja żviluppat fis-seklu dsatax meta l-Evanġelju ltaqa' mas-soċjetà industrijali moderna, bl-istrutturi ġodda tagħha għall-produzzjoni tal-ġid ta' konsum, mal-fehma ġdida tagħha tas-soċjetà, tal-Istat u tal-awtorità, mas-suriet ġodda tagħha ta' xogħol u ta' propjetà. L-iżvilupp tad-duttrina soċjali tal-Knisja fil-qasam ekonomiku u soċjali, juri x'siwi għandu għal dejjem it-tagħlim tal-Knisja, u fl-istess ħin it-tifsir veru tat-Tradizzjoni tagħha dejjem ħajja u attiva.[104]

2422 It-tagħlim soċjali tal-Knisja jinsab f'ġabra ta' duttrina li żviluppat skont kif il-Knisja fissret il-ġrajjiet huma u jseħħu fl-istorja, fid-dawl ta' dak kollu li ġie rrivelat minn Kristu Ġesù, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu.[105] Dan it-tagħlim ikun jista' jintlaqa' dejjem aktar mill-bnedmin ta' rieda tajba daqskemm fl-imġiba tagħhom l-Insara jwettquh b'mod konvint.

[103] *Ibid*., 76.
[104] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 3.
[105] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 1; 41.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 862-863 5/16/2014 11:50:10 AM

2423 Id-duttrina soċjali tal-Knisja tħaddan prinċipji ta' riflessjoni; tagħti kriterji fuqiex wieħed jista' jiġġudika u orjentamenti dwar azzjoni:

Kull sistema li fiha r-relazzjonijiet soċjali kollha jkunu jiddependu biss minn raġunijiet ekonomiċi hu kontrarju għan-natura tal-persuna umana u għal għemilu.[106]

2424 Teorija li tqis il-profitt bħala r-regola waħdanija u l-għan aħħari ta' kull attività ekonomika bla ebda mod ma tista' tiġi aċċettata. Il-kilba għall-flus ma tonqos qatt li toħloq effetti mill-agħar. Hi waħda mill-kawżi ta' ħafna konflitti li qed iħarbtu l-ordni soċjali.[107]

Sistema li "tissagrifika d-drittijiet fondamentali tal-persuni u tal-gruppi biex ikun hemm organizzazzjoni kollettiva tal-produzzjoni" hi kontrarja għad-dinjità tal-bniedem[108]. Kull għemil li jwassal biex il-bnedmin ikunu biss mezzi ħa jinkiseb il-qligħ, hu għemil li jagħmel lill-bniedem ilsir, iwassal biex il-flus isiru alla tiegħu u jgħin biex jinxtered l-ateiżmu. "Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus" (*Mt* 6,24; *Lq* 16,13).

2425 Il-Knisja warrbet l-ideoloġiji totalitarji u atej taż-żmien tal-lum imseħbin mal-"komuniżmu" u s-"soċjaliżmu". Iżda l-Knisja wkoll mill-"kapitaliżmu" twarrab l-individwaliżmu u l-primat assolut tal-liġi tas-suq fuq ix-xogħol tal-bniedem.[109] Ir-regolamentazzjoni tal-ekonomija permezz biss ta' pjanifikazzjoni ċentralizzata tħassar il-pedament tar-rabtiet soċjali: ir-regolamentazzjoni tal-ekonomija biss skont il-liġi tas-suq tmur kontra l-ġustizzja soċjali "għaliex hemm ħafna ħtiġijiet tal-bniedem li ma jistgħux jiġu sodisfatti mis-suq".[110] Jeħtieġ tinħaseb regolamentazzjoni raġonevoli tas-suq u tal-inizjattivi ekonomiċi, skont ġerarkija ġusta tal-valuri għall-ġid komuni ta' kulħadd.

[106] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 24.

[107] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 63; San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 35; Enċiklika *Laborem exercens* (1981), 7.

[108] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 65.

[109] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1981), 10; 13; 44.

[110] *Ibid*., 34.

IV. L-attività ekonomika u l-ġustizzja soċjali

2426 L-iżvilupp tal-attività ekonomika u t-tkattir tal-produzzjoni jridu jkunu ta' għajnuna għall-ħtiġijiet tal-bnedmin. Il-ħajja ekonomika ma tħarisx biss lejn it-tkattir tal-ġid li jiġi prodott u lejn iż-żieda fil-qligħ u fis-setgħa; qabel xejn trid tfittex taqdi l-persuni, lill-bniedem sħiħ u l-komunità kollha tal-bnedmin. L-attività ekonomika, li titmexxa bil-metodi propji tagħha, trid titħaddem skont l-ordni morali, u timxi skont il-ġustizzja soċjali biex twieġeb għall-pjan ta' Alla għall-bniedem.[111]

2427 *Ix-xogħol tal-bniedem* hu xogħol ta' persuni maħluqin xbieha ta' Alla u msejħin biex ikomplu, flimkien u għal xulxin, l-opra tal-ħolqien huma u jaħkmu fuq l-art *(ara Ġen 1,28*).[112] Ix-xogħol għalhekk hu dmir. "Jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol" (*2 Tess* 3,10; ara *1 Tess* 4,11). Ix-xogħol jagħti ġieħ lid-doni tal-Ħallieq u lit-talenti li hu jagħti lill-bnedmin. Ix-xogħol jista' jkun ukoll ta' fidwa. Il-bniedem, huwa u jerfa' t-toqol (ara *Ġen* 3,14-19) tax-xogħol flimkien ma' Ġesù, il-mastrudaxxa ta' Nazaret li ssallab fuq il-Kalvarju, ikun b'xi mod jissieħeb mal-Iben ta' Alla fl-opra tas-salvazzjoni. Juri ruħu dixxiplu ta' Kristu huwa u jerfa' s-salib tiegħu kuljum, fil-ħidma li hu msejjaħ jagħmel.[113] Ix-xogħol jista' jkun mezz ta' qdusija u jagħti ħajja lir-realtajiet tal-art bl-Ispirtu ta' Kristu.

2428 Fix-xogħol, il-persuna tkun tħaddem u twassal għat-tmiem parti mill-kapaċitajiet li għandha fl-istess natura

[111] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 64.

[112] Ara *ibid*., 34; San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 31.

[113] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Laborem exercens* (1981), 27.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 864-865 5/16/2014 11:50:11 AM

tagħha. Il-valur ewlieni tax-xogħol hu fil-bniedem innifsu,
2185 għax jagħmlu hu u jsir għalih. Ix-xogħol hu għall-bniedem u mhux il-bniedem għax-xogħol.[114]

Kulħadd għandu jkun jista' jikseb mix-xogħol kulma jeħtieġ għall-ħajja tiegħu u tal-familja tiegħu, u bih jaqdi wkoll il-komunità tal-bnedmin.

2429 Kulħadd għandu *d-dritt għall-inizjattiva ekonomika*: kulħadd għandu juża sewwa t-talenti li għandu, ħa jgħin fit-tkattir li jkun ta' siwi għal kulħadd, u biex jikseb frott xieraq tal-isforzi tiegħu. Irid joqgħod attent li jħares ir-regolamenti magħmulin mill-awtoritajiet leġittimi għall-ġid komuni ta' kulħadd.[115]

2430 *Il-ħajja ekonomika* tqanqal ħafna interessi li xi kultant ikunu kontra xulxin. Dan jurina għaliex jinħolqu konflitti li huma karatteristiċi tal-ħajja ekonomika.[116] Għandu jsir sforz biex jitnaqqsu dawn il-konflitti, permezz ta' negozjati li jirrispettaw id-drittijiet u d-dmirijiet ta' kull imsieħeb soċjali: ir-responsabbli tal-intrapriżi, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema bħalma huma l-organizzazzjonijiet sindakali ("trade unions"), u eventwalment ukoll l-awtoritajiet pubbliċi.

2431 *Ir-responsabiltà tal-Istat* ... "Il-ħidma ekonomika, speċjalment l-attività tal-ekonomija tas-suq ma titmexxiex f'vojt istituzzjonali, ġuridiku u politiku: għall-kuntrarju tissopponi garanziji żguri ta' libertà individwali u ta' propjetà
1908 privata, ta' politika monetarja soda u servizzi pubbliċi effiċjenti. Għalhekk il-ħidma ewlenija tal-Istat hi li jkunu mħarsin dawn il-garanziji biex dawk li jaħdmu u jipproduċu

[114] Ara *ibid*., 6.
[115] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 32; 34.
[116] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Laborem exercens* (1981), 11.

jkunu jistgħu jgawdu l-frott tax-xogħol tagħhom u jħossu li huma mħeġġin jaħdmu b'mod effettiv u onest ... L-Istat hu fid-dmir li jgħasses fuq id-drittijiet tal-bniedem fis-settur ekonomiku biex jara li huma mħarsin tajjeb. Iżda ewlenija f'dan is-settur mhijiex ir-responsabiltà tal-Istat, imma dik tal- 1883
individwi u dik tal-ħafna gruppi u istituzzjonijiet li jiffurmaw is-soċjetà".[117]

2432 *Dawk responsabbli tal-intrapriżi* għandhom quddiem 2415
is-soċjetà responsabiltà ekonomika u ekoloġika tal-ħidma tagħhom.[118] Huma fid-dmir li jqisu l-ġid tal-persuni u mhux biss it-tkattir tal-*qligħ*, għalkemm dan hu meħtieġ, għaliex permezz tal-qligħ jistgħu jsiru investimenti li jiżguraw il-ġejjieni tal-intrapriżi u jiggarantixxu l-impjiegi.

2433 *Il-bieb għax-xogħol* u għall-professjoni għandu jkun miftuħ għal kulħadd, bla ebda diskriminazzjoni inġusta, miftuħ l-istess għall-irġiel u n-nisa, għal dawk f'saħħithom u għall-persuni b'diżabilità, għan-nies tal-pajjiż u għall-emigranti.[119] Skont iċ-ċirkustanzi, is-soċjetà trid min-naħa tagħha tgħin iċ-ċittadini jsibu xogħol jew impjieg.[120]

2434 *Is-salarju ġust* hu l-frott leġittimu tax-xogħol. Tiċħad lil xi ħadd is-salarju li jkun ħaqqu jew ma tagħtihulux jista' jkun inġustizzja kbira (ara *Lev* 19,13; *Dewt* 24,14-15; *Ġak* 5,4). Biex jiġi ffissat liema hu s-salarju xieraq iridu jitqiesu 1867
flimkien il-ħtiġijiet u l-kontribuzzjoni ta' kull wieħed. "Ix-xogħol għandu jitħallas b'mod li kull min jaħdem ikollu mezzi biżżejjed għalih u għall-familja tiegħu biex jgħix ħajja tixraqlu

[117] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 48.
[118] Ara *ibid*., 37.
[119] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Laborem exercens* (1981), 19; 22-23.
[120] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 48.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 866-867 5/16/2014 11:50:11 AM

materjalment, soċjalment, kulturalment u spiritwalment, skont l-uffiċċju li jkollu u x-xogħol li jagħti, skont il-qagħda tal-intrapriża u l-ġid komuni ta' kulħadd".[121] Il-ftehim biss bejn il-partijiet mhux biżżejjed biex jiġġustifika l-ammont tas-salarju.

2435 *Il-waqfien mix-xogħol* (strajk) hu moralment leġittimu, u meħtieġ ukoll, meta ma hemmx mezz ieħor, iżda jrid ikun proporzjonat għall-ġid li jista' jinkiseb. Ma jistax jiġi aċċettat moralment jekk miegħu tissieħeb il-vjolenza jew ikollu skopijiet li ma jkunux direttament marbutin mal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew kuntrarji għall-ġid komuni ta' kulħadd.

2436 Mhijiex ħaġa ġusta ma tħallasx *il-kontribuzzjonijiet* għas-servizzi soċjali, iffissati mill-awtorità leġittima.

It-telfien tax-xogħol minħabba l-qgħad aktarx ikun dejjem offiża għad-dinjità ta' min iġarrbu u theddid għall-ħajja rżina tiegħu. Barra l-ħsara li jġarrab personalment, ikun hemm perikli kbar għall-ħajja tal-familja tiegħu.[122]

V. Ġustizzja u solidarjetà bejn in-nazzjonijiet

1938 2437 Fuq livell internazzjonali, id-differenzi fir-riżorsi u l-mezzi ekonomiċi huma tant kbar bejn in-nazzjonijiet li hemm qisu "foss"[123] kbir bejniethom; minn naħa għandek nazzjonijiet li għandhom il-mezzi kollha għall-progress tagħhom u dejjem aktar qed itejbuhom, u min-naħa l-oħra

[121] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 67.
[122] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Laborem exercens* (1981), 18.
[123] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 14.

hemm in-nazzjonijiet li dejjem aktar qed jitgħabbew bid-djun.

2438 Ħafna huma l-kawżi, reliġjużi, politiċi, ekonomiċi u finanzjarji li qed jagħtu "lill-kwistjoni soċjali dimensjoni 1911
dinjija".[124] Hi meħtieġa solidarjetà bejn dawk in-nazzjonijiet li ġa jiddependu minn xulxin politikament. Wisq aktar imbagħad hi meħtieġa s-solidarjetà meta jridu jitkissru l-"mekkaniżmi perversi" li qegħdin ifixklu l-iżvilupp tal-pajjiżi inqas avvanzati.[125] Flok sistemi finanzjarji li qed jabbużaw, meta mhumiex ukoll jipprattikaw l-użura,[126] flok relazzjonijiet kummerċjali kiefra, flok tellieqa għall-armamenti, għandu 2315
jkun hemm sforz sħiħ minn kulħadd biex ir-riżorsi kollha li hemm jintużaw għall-iżvilupp morali, kulturali u ekonomiku ta' kulħadd u "mill-ġdid jingħad x'għandu jiġi l-ewwel u x'ordni għandu jkun hemm bejn il-valuri".[127]

2439 *In-nazzjonijiet għonja* għandhom responsabiltà morali gravi lejn dawk in-nazzjonijiet li waħedhom ma jistgħux jiżguraw għalihom il-mezzi li jeħtieġu għall-iżvilupp tagħhom jew huma mfixklin f'dan minħabba ġrajjiet traġiċi tal-istorja. Dan hu dmir ta' solidarjetà u ta' mħabba; huwa wkoll obbligu ta' ġustizzja meta l-qagħda tajba li qed igawdu n-nazzjonijiet għonja ġejja minn riżorsi li ma sarx ħlas xieraq għalihom.

2440 *L-għajnuna diretta* hi tweġiba adatta għall-ħtiġijiet straordinarji li jinqalgħu ħin bla waqt, minħabba xi diżastri naturali kbar, xi epidemija, u ġrajjiet oħra bħal dawn. Iżda

[124] *Ibid*., 9.
[125] Ara *ibid*., 17; 45.
[126] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 35.
[127] *Ibid*., 28.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 868-869 5/16/2014 11:50:11 AM

din l-għajnuna diretta qatt ma hi biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ħsarat kbar li jkun hemm minn qagħdiet bħal dawn u lanqas biex tipprovdi għall-ħtiġijiet tan-nies fittul. Jeħtieġ ukoll *riforma fl-istituzzjonijiet* ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali, biex iġibu 'l quddiem relazzjonijiet aktar xierqa mal-pajjiżi inqas avvanzati.[128] Trid tingħata għajnuna lill-isforzi li qed jagħmlu l-pajjiżi foqra biex jikbru u jiksbu l-libertà tagħhom.[129] Dan it-tagħlim jgħodd ħafna b'mod partikulari, għall-qasam tax-xogħol fil-biedja. Il-bdiewa, l-aktar dawk tat-Tielet Dinja, huma l-kotra l-kbira tal-foqra.

1908 2441 Biex iseħħ *l-iżvilupp sħiħ tas-soċjetà tal-bnedmin* irid jiżdied fil-bniedem is-sens ta' Alla u l-għarfien tiegħu nnifsu. Żvilupp bħal dan ikattar il-ġid materjali u jara li jiġi użat biex jaqdi l-bniedem u biex iħarislu l-libertà tiegħu. Inaqqas il-miżerja u l-isfruttament ekonomiku. Ikabbar ir-rispett għall-identità kulturali ta' kull bniedem u jiftaħ kull bniedem għal dak li hu traxxendenti u 'l fuq minnu.[130]

2442 Mhux dmir tar-Rgħajja tal-Knisja jindaħlu direttament fl-istrutturi politiċi u fl-organizzazzjoni tal-ħajja soċjali. Din
899 il-ħidma hi parti mill-vokazzjoni tal-lajċi Nsara, b'inizjattivi propji tagħhom, flimkien maċ-ċittadini l-oħra. Il-ħidma soċjali jista' jkollha għadd ta' triqat differenti fil-prattika. Il-ħidma soċjali trid dejjem tfittex il-ġid komuni ta' kulħadd u tkun taqbel mal-Bxara t-Tajba tal-Evanġelju u mat-tagħlim tal-Knisja. Hu dmir l-Insara lajċi li "jagħtu ħajja lir-realtajiet

[128] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 16.
[129] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 26.
[130] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 32; Enċiklika C*entesimus annus* (1991), 51.

ta' din id-dinja u li fihom juru ruħhom ħaddiema ta' paċi u ta' ġustizzja".[131]

VI. L-imħabba għall-foqra 2544-2547

2443 Alla jbierek lil dawk li jgħinu l-foqra u jisħet lil dawk li jwarrbuhom: "Agħti lil min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min ikun irid jissellef mingħandek" (*Mt* 5,42). "B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu" (*Mt* 10,8). Ġesù Kristu jagħraf min huma 786; 525
l-magħżulin tiegħu: huma dawk li jkunu għenu lill-foqra (ara *Mt* 25,31-36). Meta "l-Evanġelju jixxandar lill-foqra" *(Mt* 544; 853
11,5; ara *Lq* 4,18) ikun sinjal tal-preżenza ta' Kristu.

2444 "L-imħabba tal-Knisja għall-foqra ... hi parti mit-tradizzjoni tagħha ta' dejjem".[132] Hi mnebbħa mill-Evanġelju 1716
tal-beatitudnijiet (ara *Lq* 6,20-22), u mill-faqar ta' Kristu (ara *Mt* 8,20) u l-ħerqa tiegħu għall-foqra (ara *Mk* 12,41-44). L-imħabba għall-foqra hi wkoll waħda mir-raġunijiet għax hu dmir tagħna li naħdmu biex inkunu nistgħu ngħinu "lil min ikun fil-bżonn" (*Ef* 4,28). L-għajnuna mhijiex biss għal dawk li huma foqra materjalment, imma wkoll għal dawk li huma mġarrbin minn għadd kbir ta' suriet ta' faqar kulturali u reliġjuż.[133]

2445 Ma jistax ikun li wieħed iħobb il-foqra u fl-istess ħin 2536
iħobb bla ebda rażan l-għana u jużah biss għalih innifsu:

> Ejjew issa, intom l-għonja, ibku u ixhru fuq l-għawġ li ġej fuqkom! 2547
> Ġidkom tħassar, ħwejjiġkom kilithomlkom il-kamla. Id-deheb u

[131] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (1987), 47; ara wkoll *ibid*., 42.
[132] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 57.
[133] Ara *ibid*.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 870-871 5/16/2014 11:50:11 AM

> l-fidda tagħkom rabbew is-sadid, u s-sadid tagħhom għad jixhed kontra tagħkom u jiklilkom ġisimkom bħan-nar. Ħżintu l-ġid fl-aħħar jiem! Ara, il-ħlas tal-ħaddiema li ħasdu l-għelieqi tagħkom – ħlas li intom żammejtuhulhom bil-qerq – qiegħed jgħajjat kontra tagħkom, u l-biki ta' dawk li ħasdu wasal f'widnejn il-Mulej tal-eżerċti. Fuq l-art għextu fix-xalar u l-lussu; qgħadtu tissemmnu għall-jum tal-qatla. Intom ikkundannajtu l-ġust, qtiltuh għax ma jistax jiqfilkom!" (*Ġak* 5,1-6).

2446 San Ġwann Griżostmu dan ifakkru bil-qawwa kollha: "Meta ma sseħibx il-foqra fil-ġid tiegħek, int tkun tisraqhom
2402 u teħdilhom ħajjithom. Għaliex il-ġid li għandna mhux tagħna, imma tagħhom".[134] "Irid isir l-ewwel dak li titlob il-ġustizzja, biex ma jiġrix li jingħata b'karità dak li messu ngħata b'ġustizzja".[135]

> Meta aħna nagħtu lill-foqra dak li ma jistgħux jgħaddu mingħajru ma jfissirx li nkunu nagħtuhom xi rigal, imma nkunu qegħdin nagħtuhom dak li hu tagħhom. Inkunu qegħdin aktar nagħmlu att ta' ġustizzja milli att ta' mħabba.[136]

1460 2447 *L-għemejjel tal-ħniena* huma għemejjel ta' mħabba li bihom aħna ngħinu l-proxxmu tagħna fil-ħtiġijiet materjali u spiritwali tiegħu (ara *Is* 58,6-7; *Lh* 13,3). Tgħallem, tagħti parir, tfarraġ, tqawwi l-qalb huma għemejjel ta' ħniena spiritwali bħalma huma l-maħfra u s-sabar bl-oħrajn. L-għemejjel tal-ħniena korporali huma l-aktar li titma' lil min hu bil-ġuħ, tipprovdi kenn għal min ma għandux dar, tlibbes
1038; 1969 lil min hu għeri, iżżur il-morda u 'l dawk fil-ħabs, u tidfen il-mejtin (ara *Mt* 25,31-46). Fost dan l-għemil kollu, il-karità lill-foqra (ara *Tob* 4,5-11; *Sir* 17,22) hi xhieda mill-aqwa tal-imħabba għall-aħwa: hi wkoll att ta' ġustizzja li togħġob lil Alla (ara *Mt* 6,2-4):

[134] San Ġwann Griżostmu, *Omelija dwar l-għani u Lazzru*, 2, 6: PG 48, 992D.

[135] Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam actuositatem* (1965), 8.

[136] San Girgor il-Kbir, *Ir-Regola Pastorali*, 3, 21, 45: PL 77, 87.

> "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess" (*Lq* 3,11). "Agħtu karità minn dak li hemm ġewwa, u taraw kif kollox ikunilkom nadif" (*Lq* 11,41). "Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: 'Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu', bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?" (*Ġak* 2,15-16; ara *1 Ġw* 3,17). 1004

2448 *"Il-miżerja tal-bniedem* fis-suriet kollha tagħha – 386
nuqqas ta' kull ġid materjali, moħqrija inġusta, mard fiżiku u psikiku u l-mewt – hi sinjal ċar tal-qagħda ta' dgħufija li fiha l-bniedem sab ruħu wara l-ewwel dnub u għalhekk il-ħtieġa li għandu ta' salvazzjoni. Hu għalhekk li s-Salvatur ħass mogħdrija għall-bniedem u ried jitgħabba bil-miżerji tiegħu u jkun jixbah l-iċken fost ħutu. Hu għalhekk li l-Knisja sa minn dejjem uriet *imħabba preferenzjali* għal dawk li 1586
jinsabu mgħaffġin mill-miżerja, u minkejja n-nuqqasijiet ta' ħafna mill-membri tal-Knisja, qatt ma waqfet tfarraġhom, tħarishom u teħlishom. Dan għamlitu permezz ta' għadd kbir ta' għemejjel ta' għajnuna li jibqgħu dejjem meħtieġa kullimkien".[137]

2449 Fi żmien it-Testment il-Qadim, il-miżuri ta' kull tip li huma fil-liġi (is-sena tal-maħfra, il-projbizzjoni li jittieħed l-imgħax jew li jinżamm ir-rahan, l-obbligu tal-għexur, il-ħlas tal-ġurnata lil min jaħdem bil-jum, id-dritt tat-tlaqqit li jibqa' fl-għelieqi) huma tweġiba għall-eżortazzjoni tad-Dewteronomju: "Qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż, għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idejk sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek" (*Dewt* 15,11). Ġesù għamel tiegħu dan il-kliem: "Il-foqra dejjem issibuhom magħkom, imma lili mhux dejjem issibuni" (*Ġw* 12,8); iżda b'hekk ma ġiebx fix-

[137] Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni *Ħelsien Nisrani u Liberazzjoni* (1986), 68.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 872-873 5/16/2014 11:50:11 AM

xejn l-ebusija tal-kundanna tal-profeta tal-qedem: "Nixtru bil-flus il-foqra, u b'żewġt iqrieq l-imsejken" (*Għam* 8,6),
1397 imma jistedinna biex naraw lilu fil-foqra għax huma ħutu (ara *Mt* 25,40).

> Dak in-nhar li omm Santa Roża ta' Lima ċanfritha għax kienet iddaħħal id-dar il-foqra u l-morda, il-qaddisa wieġbet: "Meta aħna naqdu l-foqra u l-morda nkunu naqdu lil Ġesù! M'għandniex ma ngħinux lil għajrna, għax meta ngħinuh inkunu ngħinu lil Ġesù
786 stess".[138]

Fil-qosor

2450 *"La tisraqx"* (*Dewt* 5,19). *"La ħallelin, la rgħiba, … la ħattafa ma jirtu s-saltna ta' Alla!"* (*1 Kor* 6,10).

2451 *Is-seba' kmandament jordna li l-amministrazzjoni tal-ġid tal-art u tal-frott tax-xogħol tal-bniedem isiru skont il-ġustizzja u l-imħabba.*

2452 *Il-ġid tal-ħolqien Alla riedu jkun tal-ġens kollu tal-bnedmin. Id-dritt tal-propjetà privata ma jneħħix il-fatt li l-ġid kollu ta' l-art hu ddestinat għall-bnedmin kollha.*

2453 *Is-seba' kmandament jikkundanna s-serq. Tisraq meta tieħu xi ħaġa ta' ħaddieħor, kontra r-rieda raġonevoli ta' sidha.*

2454 *Kull sura ta' ħtif u ta' użu inġust ta' xi ħaġa ta' ħaddieħor huma kontra s-seba' kmandament. Din*

[138] P. Hansen, *Il-Ħajja tal-għaġeb ta' Swor Roża ta' Santa Marija minn Lima*, Ruma 1664, 200.

l-inġustizzja trid titpatta. Il-ġustizzja kommutattiva trid li jintradd lura dak li nsteraq.

2455 *Il-liġi morali tipprojbixxi dak l-għemil li, għal raġunijiet ta' negozju jew minħabba fehmiet ta' totalitariżmu, iwassal għat-tjassir ta' bnedmin, għax-xiri, għall-bejgħ u għall-bdil ta' nies qishom xi merkanzija.*

2456 *Il-ħakma li l-Ħallieq ta lill-bniedem fuq ir-riżorsi minerali, veġetali u annimali tal-univers ma tistax tinfired mir-rispett għall-obbligi morali lejn il-bnedmin l-oħra, ukoll lejn dawk li għad iridu jitwieldu.*

2457 *L-annimali ġew fdati lill-bniedem biex jieħu ħsiebhom u juri t-tjieba magħhom. Jista' jinqeda bihom għall-ħtiġijiet ġusti tiegħu.*

2458 *Il-Knisja tagħti l-ġudizzju tagħha fi kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali meta dan hu mitlub mid-drittijiet fundamentali tal-persuna jew mis-salvazzjoni tal-erwieħ. Tinteressa ruħha fil-ġid komuni li l-bnedmin għandhom fuq din l-art minħabba li jwassal għall-ogħla Ġid, li għalih ġejna maħluqin.*

2459 *Il-bniedem innifsu hu l-awtur, iċ-ċentru u l-għan ta' kull ħidma soċjali u ekonomika. Il-qofol tal-kwistjoni soċjali hu li l-ġid kollu li ħalaq Alla għandu jasal għand kulħadd skont il-ġustizzja, bl-għajnuna tal-imħabba.*

2460 *Il-valur ewlieni tax-xogħol hu l-bniedem innifsu: jagħmlu hu u jgawdi minnu. Bix-xogħol tiegħu l-bniedem jissieħeb fl-opra tal-ħolqien. Fi Kristu, ix-xogħol jista' jkun mezz ta' fidwa.*

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 874-875 5/16/2014 11:50:11 AM

2461 *Il-veru żvilupp hu dak tal-bniedem kollu kemm hu. Iqawwi l-ħila ta' kull bniedem biex iwieġeb għassejħa li Alla qed jagħmillu.*[139]

2462 *Il-karità li tingħata lill-foqra hi xhieda tal-imħabba bejn l-aħwa; hi wkoll għemil ta' ġustizzja li jogħġob lil Alla.*

2463 *F'tant u tant bnedmin bla ikel, bla saqaf, bla pajjiż, kif ma tarax 'il Lazzru, il-fqir imġewwaħ tal-parabbola* (*ara Lq* 16,19-31)? *Kif ma tagħtix widen għal kliem Ġesù: "Anqas miegħi ma għamiltuh"* (*Mt* 25,45)?

It-tmien artiklu

IT-TMIEN KMANDAMENT

La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek (*Eż* 20,16).

Smajtu wkoll x'intqal lin-nies ta' dari, "Tonqosx mill-wegħda li ħlift imma rodd lill-Mulej il-wegħdiet li ħliftlu" (*Mt* 5,33).

2464 It-tmien kmandament jipprojbixxi t-tagħwiġ tal-verità fir-relazzjonijiet ma' ħaddieħor. Dan il-preċett morali joħroġ mis-sejħa tal-poplu qaddis biex ikun xhud ta' Alla tiegħu, li hu l-verità u jrid il-verità. In-nuqqasijiet kontra l-verità, ifissru, bil-kliem u bl-għemil, ċaħda ta' impenn skont prinċipji morali tajba: huma nuqqasijiet fundamentali ta' fedeltà lejn Alla, u għalhekk f'dan jheżżu l-pedamenti tal-Patt.

[139] Ara San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus annus* (1991), 29.

I. Tgħix fil-verità

2465 It-Testment il-Qadim jixhed li *Alla hu l-bidu ta' kull verità*. Il-Kelma tiegħu hi verità (ara *Salm* 8,6; *2 Sam* 7,28). Il-liġi tiegħu hi verità (ara *Salm* 119,142). "Minn nisel għal nisel il-fedeltà tiegħek" (*Salm* 119,90; *Lq* 1,50). Għaliex Alla hu "sinċier" (*Rum* 3,4), il-membri tal-Poplu tiegħu huma msejħin biex jgħixu fil-verità (ara *Salm* 119,30). 215

2466 F'Ġesù Kristu l-verità ta' Alla dehret fis-sħuħija kollha tagħha. "Mimli bil-grazzja u l-verità" (*Ġw* 1,14), hu "id-dawl tad-dinja" (*Ġw* 8,12), hu *l-Verità* (ara *Ġw* 14,6). "Min jemmen [fih] ma jibqax fid-dlam" (*Ġw* 12,46). Id-dixxiplu ta' Ġesù "iżomm il-kelma tiegħu" biex jagħraf il-verità li "teħilsu" (ara *Ġw* 8,32) u tqaddsu (ara *Ġw* 17,17). Tmur wara Ġesù jfisser tgħix bl-"Ispirtu tal-verità" (*Ġw* 14,17), li l-Missier jibgħat f'ismu (ara *Ġw* 14,26) u li jwassal għall-verità kollha (ara *Ġw* 16,13). Lid-dixxipli Ġesù tahom xhieda ta' mħabba sħiħa tal-verità: "Ħa jkun id-diskors tagħkom, 'Iva, iva', 'Le, le'" (*Mt* 5,37). 2153

2467 Il-bniedem minnu nnifsu jinġibed lejn il-verità. Hu fid-dmir li juriha ġieħ u jixhed għaliha. "Il-bnedmin kollha, minħabba d-dinjità tagħhom għax huma persuni ... huma mġegħlin mill-istess natura tagħhom, u obbligati moralment li jfittxu l-verità u l-ewwel nett il-verità dwar ir-reliġjon. Huma obbligati wkoll iħaddnu l-verità malli jagħrfuha u jirregolaw l-imġiba tagħhom skont ma titlob minnhom il-verità".[140] 2104

2468 Il-verità, bħala mġiba tajba fil-kliem u fl-għemil tal-bniedem, tissejjaħ *sewwa*, sinċerità, kliem bla qerq ... Il-verità jew is-sewwa hi dik il-virtù li biha wieħed juri li għemilu 1458

[140] Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis humanae* (1965), 2.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 876-877 5/16/2014 11:50:11 AM

hu veru, li qiegħed jgħid il-verità bi kliemu, u qed iħares ruħu minn kull qerq fi kliemu u f'għemilu, minn kull ħabi u wiri ta' ħaġa b'oħra (simulazzjoni) u minn kull sura ta' wiċċ b'ieħor (ipokrisija).

2469 "Il-bnedmin ma jistgħux jgħixu flimkien jekk ma *jafdawx* f'xulxin, jiġifieri jekk ma jurux il-verità lil xulxin".[141] Il-virtù tal-verità tagħti lil ħaddieħor dak li bir-raġun kollu hu tiegħu, li għandu dritt għalih. Il-verità żżomm qies xieraq bejn dak li għandu jingħad u s-sigriet li ma għandux jixxandar: tistenna onestà u għaqal. Il-ġustizzja titlob li "bniedem għandu, bl-onestà kollha, jgħid il-verità lil ħaddieħor".[142]

2470 Id-dixxiplu ta' Kristu jaċċetta li "jgħix fil-verità" jiġifieri li jgħix ħajja sempliċi, taqbel mal-eżempju ta' ħajja li tana l-Mulej, u li jibqa' fil-verità. "Jekk ngħidu li aħna mseħbin miegħu imma nimxu fid-dlam, inkunu qegħdin nigdbu u ma nagħmlux il-verità" (*1 Ġw* 1,6).

II. "Ix-xhieda għall-verità"

2471 Quddiem Pilatu, Kristu stqarr: "Għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità" (*Ġw* 18,37). In-Nisrani m'għandux għax jistħi xejn "minħabba fix-xhieda għal Sidna" (*2 Tim* 1,8). F'qagħda li titlob ix-xhieda għall-fidi, in-Nisrani għandu jistqarrha bla ebda logħob bil-kliem, kif ġieb ruħu San Pawl quddiem l-imħallfin. Irridu nfittxu li ngħixu "b'kuxjenza nadifa quddiem Alla u quddiem il-bnedmin" (*Atti* 24,16).

[141] San Tumas ta' Aquino, *Summa theologiae,* II-II, 109, 3, 1.
[142] *Ibid*., II-II, 109, 3.

2472 Minħabba d-dmir li għandhom li jissieħbu fil-ħajja tal-Knisja, l-Insara għandhom iġibu ruħhom bħala *xhieda tal-Evanġelju* u tal-obbligi li jiġu minnu. Din ix-xhieda mhijiex ħlief tħabbira tal-fidi bil-kliem u bl-għemil; hi att ta' ġustizzja li bih turi jew tgħarraf il-verità (ara *Mt* 18,16).

> L-Insara kollha, kull fejn jgħixu, huma fid-dmir li juru, bl-eżempju ta' ħajjithom u bix-xhieda ta' kliemhom, il-bniedem il-ġdid li bih tlibbsu fil-Magħmudija u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li wettaqhom permezz tal-Konfermazzjoni jew Griżma.[143]

2473 *Il-martirju* hu l-aqwa xhieda li tingħata lill-verità tal-fidi, hi xhieda li tasal sal-mewt. Il-martri jagħti xhieda għal Kristu, mejjet u rxoxt, li miegħu ngħaqad permezz tal-imħabba. Jagħti xhieda għall-verità tal-fidi u għad-duttrina Nisranija. Jilqa' l-mewt b'att ta' qawwa. "Ħalluni nkun ikel għall-bhejjem selvaġġi: bihom inkun nista' nikseb 'l Alla".[144]

2474 B'kura mill-aqwa, il-Knisja ħasbet biex tiġbor it-tifkiriet ta' dawk li waslu sal-mewt biex jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom. Huma l-Atti tal-Martri: fihom hemm l-arkivju tal-Verità miktub b'ittri tad-demm:

> Ma jħajrunix aktar il-frugħat tad-dinja u s-setgħat ta' dan iż-żmien. Aħjar għalija li mmut biex ningħaqad ma' Kristu Ġesù milli nsaltan sa truf l-art. Lilu jien infittex, lilu li miet għalina, lilu rrid, lilu li qam mill-imwiet għalina. It-twelid tiegħi fil-qrib ... [145]
>
> Tkun imbierek, Mulej, għax int għoġbok li llum, f'din is-siegħa, (ningħadd) mal-martri ... kif urejtni ... li jseħħ, o Alla tas-sewwa li ebda gidba ma hemm fik. Għalhekk infaħħrek, inbierkek u nigglorifikak għal dak kollu li għamilt miegħi b'Ibnek il-għażiż, Ġesù Kristu, il-Qassis etern tagħna mis-sema; permezz tiegħu

[143] Konċilju Vatikan II, Digriet *Ad gentes* (1965), 11.
[144] San Injazju ta' Antjokja, *Ittra lir-Rumani*, 4, 1.
[145] *Ibid*., 6, 1-2.

tingħata glorja lilek, miegħu u mal-Ispirtu s-Santu issa u għal dejjem ta' dejjem. Ammen.[146]

III. In-nuqqasijiet kontra l-Verità

2475 Id-dixxipli ta' Kristu libsu "l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" (*Ef* 4,24). "Warrbu minnkom il-gideb" (*Ef* 4,25), "kull ħażen u kull qerq; warrbu l-wiċċ b'ieħor, u l-għira u kull xorta ta' tqassis" (*1 Piet* 2,1).

2152 2476 *Xhieda falza u ħalf fil-falz*. Meta stqarrija li tkun kontra l-verità ssir pubblika, hi ħtija partikularment gravi. Quddiem qorti tissejjaħ xhieda falza (ara *Prov* 19,9). Meta l-istqarrija ssir taħt ġurament, ikun każ ta' ħalf fil-falz. Din l-imġiba tista' twassal jew għall-kundanna ta' xi ħadd bla ħtija, jew għall-ħelsien ta' xi wieħed ħati, jew għaż-żieda fil-kastig li jingħata lil min hu mixli (ara *Prov* 18,5). Dan l-għemil iġib fix-xejn b'mod l-aktar gravi t-tħaddim tal-ġustizzja u ma jħallix li l-imħallfin jagħtu sentenza meqjusa.

2477 *Ir-rispett tal-fama tajba* tan-nies jipprojbixxi kull imġiba u kull diskors li jistgħu inġustament jagħmlu ħsara lil xi ħadd[147]; ikun ħati ta':

— *ġudizzju temerarju*, ukoll bis-skiet tiegħu biss, min jammetti bħala veru, mingħajr ebda raġuni biżżejjed, xi difett morali ta' għajru;

— *malafama*, min mingħajr ebda raġuni li oġġettivament tiswa xi ħaġa, jgħarraf bid-difetti u n-nuqqasijiet ta'

[146] Minn kliem San Polikarpu ta' Smirna, kif miġjub fl-*Ittra tal-Knisja ta' Smirna* dwar il-Martirju ta' San Polikarpu, 14, 2-3.

[147] Ara *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 220.

ħaddieħor lil persuni li ma jkunux jafu bihom (ara *Sir* 21,28);

— *il-kalunnja,* min bi kliem kontra l-verità, jagħmel ħsara lill-ġieħ tal-oħrajn u joħloq okkażjonijiet biex jagħmlu ġudizzji ħżiena fuqu.

2478 Biex wieħed jevita ġudizzju temerarju jrid jipprova jagħti, sa fejn jista' jkun, tifsir tajjeb tal-ħsibijiet, tal-kliem u tal-għemil tal-proxxmu:

> Kull Nisrani tajjeb għandu jkun iktar lest biex jinterpreta tajjeb xi ħaġa li jkun sema' mingħand ieħor milli biex jikkundannaha. Jekk ma jistax jinterpretaha tajjeb, għandu jistaqsih ħa jara l-ieħor kif jifhimha. Jekk tassew jifhimha ħażin, jikkoreġih bl-imħabba. U jekk dan ma jkunx biżżejjed, għandu jfittex b'kull mezz xieraq li l-ieħor jifhimha tajjeb u ma jkunx żbaljat.[148]

2479 Il-malafama u l-kalunnja jeqirdu *l-fama tajba u l-ġieħ tal-proxxmu.* Issa l-ġieħ hu x-xhieda li s-soċjetà tagħti lid-dinjità tal-bniedem u kull bniedem għandu d-dritt naturali li jgawdi l-ġieħ ta' ismu, id-dritt għal fama tajba, għar-reputazzjoni u għar-rispett. Għalhekk il-malafama u l-kalunnja huma kontra l-virtujiet tal-ġustizzja u 1753
tal-imħabba.

2480 Hi pprojbita kull kelma jew imġiba *li bihom tfaħħar iżżejjed, b'mod esaġerat lil xi ħadd, tfaħħru bla ma jistħoqqlu, bil-qerq u tapprovalu kulma jagħmel, tagħlaq għajnejk għal kull nuqqas tiegħu*: kliem u għemil bħal dan iħajjar u jwettaq lil dak li jkun fil-ħażen ta' għemilu u fil-qerq tal-imġiba tiegħu. Meta tfaħħar lil xi ħadd bla ma jistħoqqlu, bil-qerq (adulazzjoni), int tkun ħati ta' nuqqas gravi jekk

[148] San Injazju ta' Loyola, *L-Eżerċizzi Spiritwali*, 22: ara San Injazju ta' Loyola, *L-Eżerċizzi Spiritwali,* Provinċja Maltija tal-Kumpanija ta' Ġesù, Malta 2006, 16.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 880-881 5/16/2014 11:50:11 AM

b'dan il-mod tkun qed issieħeb lilek innifsek ma' vizzji u dnubiet kbar. Ix-xewqa li tagħmel pjaċir jew turi ħbiberija mhijiex raġuni biżżejjed għal din is-sura ta' diskors b'wiċċ b'ieħor. Għemil bħal dan hu dnub venjal jekk isir biss biex togħġob lil xi ħadd, biex tevita xi deni, biex tegħleb xi ħtieġa jew biex tikseb xi vantaġġ ġustifikat.

2481 *Il-ftaħir iżżejjed bik innifsek* hu dnub kontra l-verità, kif hi dnub ukoll *l-ironija*, meta bi ħsieb ħażin u b'qerq twaqqa' għaċ-ċajt u tagħmel karikatura ta' xi aspett u xi mġiba ta' xi ħadd.

2482 "*Il-gideb* hu diskors mhux veru li jsir bi ħsieb li tqarraq".[149] Il-Mulej jara fil-gideb għemil tax-Xitan: "Intom ġejjin minn missierkom, li hu x-Xitan ... il-verità ma tinsabx fih. Meta jigdeb, ikun qiegħed jitkellem ta' li hu, għax dak giddieb u missier il-gideb" (*Ġw* 8,44).

2483 Il-gideb hu n-nuqqas l-aktar dirett kontra l-verità. Tigdeb ifisser titkellem jew tagħmel xi ħaġa biex tqarraq. Il-gideb, għax jidrob ir-relazzjoni tal-bniedem mal-verità u ma' għajru, hu offiża lir-relazzjoni fundamentali li l-bniedem u kelmtu għandhom ma' Alla.

2484 *Il-gravità tal-gideb* titqies min-natura tal-verità li wieħed jgħawweġ, miċ-ċirkustanzi, mill-intenzjoni ta' min jgħid gidba, mill-ħsara li jġarrbu dawk li jkunu vittmi tal-gideb. Jekk il-gideb fih innifsu ma jkunx dnub mejjet, isir mejjet meta joffendi l-virtù tal-ġustizzja u tal-imħabba.

2485 Il-gideb hu ta' min jikkundannah minħabba n-natura tiegħu stess. Hu profanazzjoni tal-kelma li, bħala għan

[149] Santu Wistin, *Kontra l-gidba*, 4, 5: PL 40, 491.

tagħha għandha li twassal lill-oħrajn il-verità magħrufa. Il-fehma maħsuba li tqarraq il-proxxmu u twaqqgħu fl-iżball, permezz ta' fehmiet kontrarji għall-verità, hu nuqqas kontra l-ġustizzja u l-imħabba. Il-ħtija tkun akbar meta l-ħsieb li tqarraq jista' jġib miegħu konsegwenzi mill-agħar għal dawk li jiġu mwarrba mill-verità.

2486 Il-gideb (għaliex hu ksur tal-virtù tas-sinċerità) hu tassew vjolenza kontra ħaddieħor; hu theddida għad-dritt li għandu l-bniedem li jkun jaf dak li jeħtieġlu biex jagħmel ġudizzju tajjeb u jieħu deċiżjoni xierqa. Fil-gideb hemm iż-żerriegħa tal-firda fil-qlub u tad-deni kollu li jista' jaqla'. Il-gideb hu ta' ħsara kbira għas-soċjetà kollha; teqred il-fiduċja li l-bnedmin għandu jkollhom f'xulxin u ċċarrat in-nisġa tar-relazzjonijiet soċjali.

2487 Kull ħtija li ssir kontra l-ġustizzja u l-verità titlob *riparazzjoni,* ukoll jekk il-giddieb qala' l-maħfra. Meta ma jistax ikun li tpatti pubblikament l-offiża li tkun saret, għandek tpatti privatament; jekk il-ħsara li wieħed ġarrab bil-gideb ma tistax tissewwa direttament, trid issir tpattija moralment, f'isem l-imħabba. Dan id-dmir ta' riparazzjoni u tpattija jorbot ukoll kull għemil kontra l-fama tajba tal-oħrajn. Din it-tpattija morali, u xi kultant materjali wkoll, għandha titqies skont il-ħsara li tkun saret: hi obbligu tal-kuxjenza.

IV. Ir-rispett għall-verità

2488 *Id-dritt għax-xandir* tal-verità għandu ċerti kundizzjonijiet miegħu. Kulħadd għandu jgħix skont il-kmandament evanġeliku tal-imħabba tal-aħwa. U din titlob li, f'ċerti okkażjonijiet li jinqalgħu, wieħed irid iqis sewwa għandux jgħid jew le l-verità lil min jitlobhielu.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 882-883 5/16/2014 11:50:12 AM

2489 L-imħabba u r-rispett għall-verità għandhom jirregolaw kull tweġiba li tingħata għal *kull talba li ssir għall-informazzjoni u għall-komunikazzjoni*. Il-ġid u s-sigurtà ta' ħaddieħor, ir-rispett għall-ħajja privata tiegħu, il-ġid komuni ta' kulħadd, huma raġunijiet biżżejjed li ma turix dak li ma
2284 għandux ikun magħruf, jew twieġeb bi kliem meqjus. Id-dmir li tevita skandlu spiss jitlob li jkun hemm qies strett fit-tweġib. Ħadd ma hu obbligat jgħid verità lil min ma għandux dritt li jkun jafha (ara *Sir* 27,16; *Prov* 25,9-10).

1467 2490 *Is-sigriet tas-sagrament tal-Qrar* hu sagru, u ma għandu qatt jinkixef, tkun xi tkun ir-raġuni. "Is-sigriet tal-qrar ma jistax jintmess u għalhekk il-konfessur hu pprojbit li jikxef penitent lil xi ħadd, ikun min ikun, bi kliem jew b'xi għemil ieħor, tkun xi tkun ukoll ir-raġuni biex jagħmel dan".[150]

2491 *Is-sigriet professjonali* – li għandhom, biex insemmu xi eżempji, il-politiċi, il-militari, it-tobba, il-ġuristi – u kull tagħrif marbut bis-siġill tas-sigriet għandu jiġi rrispettat, ħlief f'xi każ eċċezzjonali meta sigriet jista' joħloq ħsarat kbar lil min fdah, lil min ġie fdat, jew lil oħrajn ukoll, u dawn il-ħsarat jistgħu jiġu evitati biss jekk tixxandar il-verità. Kull tagħrif privat li jista' jkun ta' ħsara, ukoll jekk ma ġiex mgħarraf taħt is-siġill tas-sigriet, ma għandux jiġi mxandar jekk ma jkunx hemm raġuni gravi u proporzjonata.

2522 2492 Kulħadd għandu jirrispetta b'mod xieraq il-ħajja privata tan-nies. Min hu responsabbli tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandu jżomm il-qies xieraq bejn dak li jitlob il-ġid komuni ta' kulħadd u d-drittijiet partikulari tan-nies. L-indħil għall-informazzjoni fil-ħajja privata ta' nies impenjati

[150] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 983 §1.

f'xi ħidma politika jew pubblika hu ta' min jikkundannah jekk ikun ta' theddid għall-intimità u għal-libertà ta' dawn in-nies.

V. L-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali

2493 Fi ħdan is-soċjetà tal-lum, il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali għandhom sehem mill-aqwa fix-xandir tal-informazzjoni, fil-promozzjoni tal-kultura u fil-formazzjoni. Din il-ħidma tikber aktar ma jimxi 'l quddiem il-progress teknoloġiku, aktar ma jiżdied u jkun varjat it-tagħrif li jiġi trasmess, aktar ma tiġi influwenzata l-fehma tan-nies u l-opinjoni pubblika.

2494 L-informazzjoni li tingħata mill-*media* hi għall-qadi 1906
tal-ġid komuni ta' kulħadd.[151] Is-soċjetà għandha dritt għall-informazzjoni bbażata fuq il-verità, il-libertà, il-ġustizzja u s-solidarjetà.

> L-użu tajjeb ta' dan id-dritt jitlob li kull tagħrif li jingħata jkun skont il-verità u sħiħ, kif jitolbu l-ġustizzja u l-imħabba; dwar il-mod kif jingħata t-tagħrif, dan għandu jkun onest u xieraq, jiġifieri fil-ksib u x-xandir tat-tagħrif għandhom ikunu mħarsin il-liġijiet morali, id-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem.[152]

2495 "Jeħtieġ li l-membri kollha tas-soċjetà jaqdu, f'dan il-qasam, id- 906
dmirijiet tagħhom ta' ġustizzja u ta' verità. Għandhom jużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex jgħinu fil-formazzjoni u fix-xandir ta' opinjoni pubblika tajba".[153] Is-solidarjetà mbagħad tkun tidher bħala konsegwenza ta' tagħrif veru u ġust u ta' bdil ħieles ta' fehmiet, li jgħinu biex l-oħrajn ikunu magħrufa u rrispettati.

[151] Ara Konċilju Vatikan II, Digriet *Inter mirifica* (1963), 11.
[152] *Ibid*., 5.
[153] *Ibid*., 8.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 884-885 5/16/2014 11:50:12 AM

2496 Il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, u l-aktar il-*media*, jistgħu joħolqu ċerta passività f'dawk li jużawhom u jwasslu biex ftit joqogħdu attenti għal dak li qiegħed jingħad jew qegħdin jaraw. Dawk li jagħmlu użu
2525 mill-*media* għandhom jevitaw kull esaġerazzjoni f'dan l-użu u għandhom ikunu jafu jirregolaw lilhom infushom fl-użu tagħhom. Għandhom joħolqu fihom kuxjenza ċara u dritta biex ikunu jistgħu aktar malajr iwarrbu minnhom ċerti influwenzi ftit li xejn onesti.

2497 Minħabba l-istess professjoni tagħhom, dawk responsabbli tal-gazzetti, fix-xandir tal-informazzjoni, għandhom l-obbligu li jaqdu l-verità u ma jonqsu qatt mill-imħabba. Għandhom ifittxu jirrispettaw, bl-istess ħerqa, in-natura tal-fatti dwar in-nies u ma jmorrux 'l hemm minn dak li hu sewwa fil-kritika tagħhom. Għandhom joqogħdu attenti li ma joffendux il-fama tan-nies.

2237 2498 Minħabba l-ġid komuni ta' kulħadd *l-awtoritajiet ċivili* għandhom dmirijiet partikulari. L-awtorità pubblika hi fid-dmir li tiddefendi u tħares il-libertà vera u ġusta għall-informazzjoni".[154] L-awtorità pubblika hija u tagħmel il-liġijiet u tara li jiġu mħarsa, trid tiżgura li l-użu ħażin tal-*media*
2286 ma "jasalx biex joħloq ħsarat kbar għall-imġiba pubblika tan-nies u għall-progress tas-soċjetà".[155] Għandhom jorbtu pieni mal-ksur tad-drittijiet li kull bniedem għandu għal ġieħu u għall-ħajja privata tiegħu. Għandhom jagħtu f'ħin waqtu u bl-onestà kollha kull tagħrif li jinteressa l-ġid ta' kulħadd jew hu ta' tħassib ġust għall-popolazzjoni. Xejn ma jiġġustifika x-xandir ta' tagħrif falz permezz tal-*media* biex jinfluwenza l-opinjoni pubblika. Indħil bħal dan ma għandux jhedded il-libertà tal-individwi u tal-gruppi.

2499 Il-morali tikkundanna l-pjaga tal-istati totalitarji li b'mod sistematiku jgħawġu l-verità, u permezz tal-*media* jaħkmu politikament l-opinjoni
1903 pubblika, "jimmanipulaw" mixlijin u xhieda fi proċessi pubbliċi biex hekk iżommu fiż-żgur it-tirannija tagħhom u joħonqu u jeqirdu kulma jqisu bħala "delitt ta' opinjoni".

VI. Verità, ġmiel u arti sagra

1804 2500 L-għemil tajjeb hu msieħeb ma' pjaċir spiritwali spontanju u ma' ġmiel morali. Hekk ukoll, il-verità ġġib il-

[154] *Ibid*., 12.
[155] *Ibid.*

hena u d-dija tal-ġmiel spiritwali. Il-verità hi sabiħa fiha nnifisha. Il-verità tal-kelma, li biha jingħarfu u jitfissru raġonevolment ir-realtajiet maħluqa u mhumiex, hi meħtieġa għall-bniedem li għandu l-intelliġenza; iżda l-verità tidher ukoll f'suriet oħra umani, komplimentarji, u dan l-aktar meta l-ħsieb hu dwar dak li ma jistax jitfisser bi kliem, dwar dak li hu fil-qiegħ l-aktar fond tal-qalb tal-bniedem, dwar l-irfigħ tar-ruħ, dwar il-Misteru ta' Alla. Alla, qabel stess ma wera lilu nnifsu lill-bniedem bi kliem ta' verità, wera lilu nnifsu bil-kliem universali tal-ħolqien, opra tal-Kelma tiegħu, ta' 341
għerfu: l-ordni u l-armonija tal-univers juru, kemm lit-tifel u kemm lill-bniedem tax-xjenza, li "fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq jingħaraf, bħal f'xi xbieha, Dak li għamilhom" (*Għerf* 13,5), "għax min ħalaqhom hu l-bidu ta' kull ġmiel" (*Għerf* 2129
13,3).

> L-għerf "hu bħal daħna ħafifa tas-setgħa ta' Alla, nixxiegħa safja tal-glorja ta' Dak li jista' kollox; għalhekk xejn imdennes ma jidħol fih. Hu raġġ tad-dawl ta' dejjem, mera bla tebgħa tas-setgħa ħaddiema ta' Alla, u xbieha tat-tjieba tiegħu" (*Għerf* 7,25-26). "L-għerf jiddi aktar mix-xemx, u aqwa minn kull ġemgħa ta' kwiekeb, imxebbah mad-dawl, hu isbaħ minnu. Wara dawl il-jum jiġi dlam il-lejl; imma l-għerf l-ebda ħażen ma jista' għalih" (*Għerf* 7,29-30). Jien "tgħaxxaqt bi ġmielu" (*Għerf* 8,2).

2501 "Maħluq xbieha ta' Alla" (*Ġen* 1,26), il-bniedem ifisser il-verità tar-relazzjoni tiegħu ma' Alla li ħalqu, ukoll permezz ta' opri tal-arti. *L-arti* hi sura tal-mod kif il-bniedem, bħala bniedem, ifisser lilu nnifsu; il-bniedem, wisq aktar mill-ħerqa li għandu flimkien mal-ħlejjaq kollha ħajjin li jfittex il-meħtieġ għall-ħajja, għandu fih kotra bla qies ta' għana spiritwali mogħtija lilu b'xejn minn Alla. L-arti, li hi frott ta' talent mogħti minn Alla u ta' sforz tal-bniedem innifsu, hi sura ta' għerf prattiku li tgħaqqad flimkien it-tagħrif li jinkiseb u l-ħila li wieħed ikollu (ara *Għerf* 7,17) biex jagħti sura lill-verità ta' xi ħaġa li tista' tidher jew tinstema'. L-arti hi għalhekk b'xi mod

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 886-887 5/16/2014 11:50:12 AM

339 xebh mal-ħidma ta' Alla fil-ħolqien daqskemm tkun ispirata mill-verità u mill-imħabba tal-ħlejjaq. L-istess bħal kull attività oħra tal-bniedem, issir għall-istess għan li għalih hu maħluq il-bniedem u minnu tieħu l-ġieħ tagħha.[156]

1156-1162 2502 *L-arti sagra* hi vera u sabiħa, meta bis-sura tagħha twieġeb għas-sejħa tagħha li tfakkar u tagħti glorja, bil-fidi u bl-adorazzjoni, il-Misteru traxxendenti ta' Alla, l-ogħla Ġmiel li ma jidhirx tal-Verità u tal-Imħabba, li deher fi Kristu, "id-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tal-essenza tiegħu" (*Lh* 1,3), li fih hemm "il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" (*Kol* 2,9), ġmiel spiritwali, li ġie rifless fl-Imqaddsa Verġni Omm Alla, fl-anġli u fil-qaddisin. L-arti sagra vera twassal lill-bniedem biex jadura, jitlob u jħobb lil Alla, Ħallieq u Salvatur, Qaddis u jqaddes.

2503 Hu għalhekk li l-Isqfijiet, huma stess jew permezz ta' delegati tagħhom, għandhom jgħassu biex tiġi 'l quddiem l-arti sagra, antika u ġdida, fis-suriet kollha tagħha, u jwarrbu bl-istess attenzjoni reliġjuża mill-liturġija u mill-knejjes u postijiet oħra tal-kult dak kollu li ma jaqbilx mal-verità tal-fidi u mal-ġmiel veru tal-arti *sagra*.[157]

Fil-qosor

2504 *"La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek"* (*Eż* 20,16). *Id-dixxipli ta' Kristu libsu "l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew"* (*Ef* 4,24).

[156] Ara Piju XII, Messaġġ lid-dinja kollha permezz tar-radju fl-okkażjoni tal-Milied (24 ta' Diċembru 1955); Diskors lill-parteċipanti fl-Ewwel Kungress Internazzjonali tal-Artisti Kattoliċi (3 ta' Settembru 1950).

[157] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 122-127.

2505 *Il-verità jew is-sewwwa hi dik il-virtù li biha wieħed juri ruħu veru f'għemilu kollu, jgħid il-veru bi kliemu, ma jilgħabx bil-kliem, ma jurix ħaġa b'oħra u lanqas żewġt uċuħ.*

2506 *In-Nisrani m'għandux għax jistħi "xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna"* (*2 Tim* 1,8) *bi kliemu u b'għemilu. Il-martirju hu l-ogħla xhieda li tingħata għall-verità tal-fidi.*

2507 *Ir-rispett għall-fama tajba u għall-ġieħ tal-persuni jipprojbixxi kull imġiba u kull diskors ta' malafama u ta' kalunnja.*

2508 *Tigdeb jiġifieri tgħid il-falz biex tqarraq b'għajrek li għandu d-dritt ikun jaf il-verità.*

2509 *Kull ħtija kontra l-verità titlob riparazzjoni, tpattija.*

2510 *Ir-regola tad-deheb tgħinna naraw f'qagħdiet konkreti, ikunx jaqbel jew le, turi l-verità lil min qed jitlobha.*

2511 *"Is-sigriet tal-qrar qatt ma jista' jinkixef".*[158] *Is-sigrieti professjonali għandhom jinżammu. It-tagħrif mogħti kunfidenzjalment, li jista' jkun ta' ħsara għall-oħrajn, m'għandux jixxandar.*

2512 *Is-soċjetà għandha dritt għall-informazzjoni bbażata fuq il-verità, il-libertà u l-ġustizzja. Għandu jkun hemm il-qies u d-dixxiplina fl-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.*

[158] *Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 983 §1.

2513 *L-arti, u l-aktar l-arti sagra, trid, "min-natura tagħha, turi b'xi mod fl-għemejjel tal-bniedem il-ġmiel bla qies ta' Alla, u hekk tfittex tkattar it-tifħir u l-glorja ta' Alla, għax m'għandhiex għan ieħor ħlief dak li tgħin kemm jista' jkun biex iddawwar qalb il-bnedmin lejn Alla".*[159]

Id-disa' artiklu

ID-DISA' KMANDAMENT

La tixtieqx dar għajrek: la tixtieqx il-mara ta' għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kulma għandu għajrek (*Eż* 20,17).

Kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu (*Mt* 5,28).

377; 400 2514 San Ġwann jagħżel tliet suriet ta' ġibda jew konkupixxenza, il-ġibda tal-ġisem, il-ġibda tal-għajnejn u l-kburija tal-ħajja (ara *1 Ġw* 2,16). Skont it-tradizzjoni kateketika Kattolika, id-disa' kmandament jipprojbixxi l-ġibda tal-ġisem, waqt li l-għaxar kmandament jipprojbixxi l-ġibda għall-ġid ta' ħaddieħor.

405 2515 Fit-tifsir etimoloġiku tagħha, il-kelma "konkupixxenza" tista' tfisser kull xewqa bla rażan tal-bniedem. It-teoloġija Nisranija lill-kelma "konkupixxenza" tatha tifsir partikulari: il-ġibda tal-ġisem li tmur kontra l-ħidma tar-raġuni tal-

[159] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum concilium* (1963), 122.

bniedem. L-Appostlu San Pawl jaraha bħala l-ġlieda li "il-ġisem" jagħmel kontra "l-ispirtu" (ara *Gal* 5,16.17.24; *Ef* 2,3). Hi frott tad-diżubbidjenza tal-ewwel dnub (ara *Ġen* 3,11). Tħarbat il-fakultajiet morali tal-bniedem u għalkemm fiha nnifisha mhijiex dnub, tħajjar il-bniedem għad-dnub.[160]

2516 Fil-bniedem, għax hu *magħmul mir-ruħ u l-ġisem*, ġa 362
hemm ċerta tensjoni. Hemm ġlieda bejn dak li jrid "l-ispirtu" u dak li jrid "il-ġisem". Iżda din il-ġieda hi, fil-fatt wirt id-dnub, konsegwenza tad-dnub u, fl-istess ħin, tikkonferma li d-dnub jeżisti. Hi parti mill-esperjenza li għandna kuljum tal-ġlieda 407
spiritwali:

> L-Appostlu jidhirlu li ma għandniex nistmerru u nikkundannaw il-ġisem li, flimkien ma' ruħ spiritwali, jagħmel in-natura tal-bniedem u jagħtih il-personalità tiegħu. Fil-fatt, il-konkupixxenza hi waħda mill-*għemejjel* jew, aħjar, waħda mid-dispożizzjonijiet li huma dejjem fil-bniedem – virtujiet jew vizzji – moralment *tajbin jew ħżiena*, u huma l-frott ta' *sottomissjoni* (fil-każ tal-virtujiet) jew għall-kuntrarju ta' *reżistenza* (fil-każ ta' vizzji) *għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu għas-salvazzjoni.* Hu għalhekk li San Pawl jikteb: "Jekk ngħixu bl-Ispirtu, ħalli nimxu bl-Ispirtu" (*Gal* 5,25).[161]

I. Is-safa tal-qalb

2517 Fil-qalb tinsab il-personalità morali tal-bniedem. 368
"Mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żina" (*Mt* 15,19). Il-ġlieda kontra l-ġibda tal-ġisem tintrebaħ bis-safa tal-qalb u bil-prattika tar-rażan: 1809

[160] Ara Konċilju ta' Trento, *Digriet dwar id-Dnub tan-Nisel* (1546), kan. 5: DS 1515.

[161] San Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Dominum et vivificantem* (1986), 55.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 890-891 5/16/2014 11:50:12 AM

> Kun sempliċi u bla ħtija, u tkun tixbah it-tfal żgħar li ma jafux x'inhu l-ħażen qerriedi tal-ħajja tal-bnedmin.[162]

2518 Is-sitt beatitudni tħabbar: "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla" (*Mt* 5,8). "Dawk ta' qalbhom safja" huma dawk li jagħmlu r-rieda u l-intelliġenza tagħhom jaqblu ma' dak li titlob il-qdusija ta' Alla, u l-aktar fit-tliet oqsma tal-imħabba (ara *1 Tim* 4,3-9; *2 Tim* 2,22), tal-kastità jew ta' mġiba sesswali tajba (ara *1 Tess* 4,7; *Kol* 3,5; *Ef* 4,19), u tal-imħabba tal-verità u tal-ortodossija fil-fidi (ara *Tit* 1,15; *1 Tim* 1,3-4; *2 Tim* 2,23-26). Hemm rabta bejn is-safa tal-qalb, is-safa tal-ġisem u s-safa tal-fidi:

> Il-fidili għandhom jemmnu fl-artikli tas-Simbolu (Kredu) biex "huma u jemmnu jobdu 'l Alla; huma u jobdu jgħixu tajjeb; huma u jgħixu tajjeb isaffu qalbhom; u huma u jsaffu qalbhom jifhmu dak li jemmnu".[163]

2519 Lil "dawk ta' qalbhom safja" hu mwiegħed li jaraw 'l Alla wiċċ imb wiċċ u li jkunu jixbhuh (ara *1 Kor* 13,12; *1 Ġw* 3,2). Is-safa tal-qalb hi l-kondizzjoni meħtieġa biex wieħed jara 'l Alla. Minn issa stess, is-safa tal-qalb tagħtina li naraw, *kif jara* Alla, li nilqgħu lil ħaddieħor bħala "proxxmu" u li nqisu ġisimna u ġisem għajrna bħala tempju tal-Ispirtu s-Santu, dehra tal-ġmiel ta' Alla.

II. It-taqbida għas-safa

2520 Il-Magħmudija tagħti lil dak li jitgħammed il-grazzja li jissaffa mid-dnubiet kollha. Iżda l-imgħammed irid ikompli jitqabad kontra l-konkupixxenza jew il-ġibda tal-ġisem u

[162] Erma, *L-Ordnijiet tar-Ragħaj*, 2, 1: PG 2, 916.

[163] Santu Wistin, *Dwar it-twemmin u s-Simbolu*, 10, 25: PL 40, 196.

kontra kull xewqa diżordinata. Bil-grazzja ta' Alla jasal għal dan:

— bil-*virtù u d-don tal-kastità* għax il-kastità tagħtina li nħobbu b'qalb retta u safja u bla ebda qsim fina nfusna;

— bis-*safa tal-fehma* li ġġegħelna naraw fejn tassew għandu jasal il-bniedem. Min hu mgħammed ifittex bis-sempliċità kollha u jara kif jista' jagħmel dejjem ir-rieda ta' Alla f'kollox (ara *Rum* 12,2; *Kol* 1,10);

— bis-*safa ta' ħarstu*, bl-għajnejn tal-ġisem u bl-għajnejn tar-ruħ, bit-trażżin tas-sentimenti u tal-immaġinazzjoni tiegħu, biċ-ċaħda ta' kull pjaċir fi ħsibijiet ħżiena li jħajru 'l bogħod mit-triq tal-kmandamenti ta' Alla. "Bid-dehra tagħha l-boloh jitqanqlu għall-ħażen" (*Għerf* 15,5);

— bit-*talb:*

> Ħsibt li stajt inżomm ruħi fil-qies bil-ħila tiegħi waħdi, bla ma kont naf x'ħila kelli. Fil-bluha tiegħi ma għaraftx li ħadd ma jista' jżomm ruħu fil-qies jekk mhux b'don tiegħek, kif hemm miktub. Dan kien don li int kont tagħtihuli kieku ġejt inħabbat il-bieb ta' widnejk bit-tnehid ta' qalbi, kieku ħallejt it-taħbit tiegħi f'idejk b'fiduċja sħiħa.[164]

2521 Is-safa jitlob *il-pudur (modestja)*. Dan hu element li jsaħħaħ ir-rażan tal-bniedem. Il-pudur iħares l-intimità tal-persuna: ifisser li dak li jkun ma jkunx irid jikxef fil-beraħ dak li għandu jibqa' mistur. Ifittex il-kastità u jagħti xhieda tagħha bil-ħlewwa u l-attenzjoni kollha; jirregola l-ħars u l-għemil skont id-dinjità tal-persuna li tkun u skont l-għaqda tal-persuni bejniethom.

[164] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, 6, 11, 20: PL 32, 729-730: ara Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, 157.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 892-893 5/16/2014 11:50:12 AM

2492 2522 Il-pudur iħares il-misteru tal-persuni u ta' mħabbithom: jistieden għas-sabar u għar-raġan fir-relazzjonijiet ta' mħabba għal xulxin; jitlob li jkunu seħħew il-kundizzjonijiet tal-għotja tar-raġel u l-mara lil xulxin u din l-għotja jgħixuha b'impenn għal dejjem. Il-pudur ifisser diċenza; jgħin fl-għażla tal-ilbies; iżda jżomm is-skiet jew jibqa' lura meta hemm il-periklu ta' kurżitajiet ħżiena. Hu diskrezzjoni u galbu mal-oħrajn.

2354 2523 Hemm pudur kemm dwar is-sentimenti u kemm dwar il-ġisem. Il-pudur, biex insemmu eżempju, ma jippermettix li kif jiġri f'ċerti riklami, il-ġisem tal-bniedem isir oġġett ta' esibizzjoniżmu biex jaqta' l-kurżità żienja ta' xi wħud jew li l-*media* jitħajru juru fid-dieher ċerti kunfidenzi intimi. Il-pudur iħajjar għal sura ta' ħajja li ma ċċedix għal dak li titlob il-moda u għal dak li jippretendu dawk l-ideoloġiji li huma minn fuq illum.

2524 Is-suriet tal-pudur ivarjaw minn kultura għall-oħra. Madankollu kullimkien il-pudur jagħti ħjiel ta' dik id-dinjità spiritwali li hi propja tal-bniedem. Il-bniedem jibda jistħi malli tissawwar il-kuxjenza tiegħu. Meta tgħallem il-pudur lit-tfal u l-adolexxenti tkun qed tqajjem fihom ir-rispett għall-persuna tagħhom bħala bnedmin.

2344 2525 Is-safa Nisrani jitlob *li jkun safi wkoll l-ambjent soċjali*: jitlob li l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jagħtu informazzjoni li tagħti kas tar-rispett u l-qies li għandu jkun hemm għas-safa u r-raġan fl-imġiba. Is-safa tal-qalb teħles mill-erotiżmu li hawn imxerred illum kullimkien u taħrab minn dawk l-ispettakli li iktar isaħħu l-kurżità żienja u l-illużjoni tal-bniedem.

2526 Dak li qed jissejjaħ *permessività fl-imġiba* hu
1740 mibni fuq fehma żbaljata tal-libertà tal-bniedem; din il-libertà teħtieġ tiġi mħarrġa minn qabel fil-liġi morali. Dawk responsabbli mill-edukazzjoni huma mistennija jagħtu liż-żgħażagħ tagħlim mimli rispett għall-virtù u għall-verità, dwar il-kwalitajiet tal-qalb u dwar id-dinjità morali u spiritwali tal-bniedem.

2527 "Il-Bxara t-Tajba ta' Kristu ġġedded bla heda l-ħajja
u l-kultura tal-bniedem li waqa' fid-dnub, teħodha kontra u 1204
twarrab l-iżbalji u l-ħażen kollu li jiġi minn dak li jħajjarna għalih u jheddidna bih id-dnub. Ma tieqaf qatt issaffi u tgħolli l-moralità tal-ġnus. B'għana li jiġi mis-sema tqawwi fil-ġnus il-kwalitajiet spiritwali u d-doni propji tagħhom u ta' kull żmien. Issaħħaħhom, tipperfezzjonahom u ġġeddidhom fi Kristu".[165]

Fil-qosor

2528 *"Kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu"* (*Mt* 5,28).

2529 *Id-disa' kmandament jordnalna li nħarsu ruħna miż-żina u mill-ġibda tal-ġisem.*

2530 *It-taqbida kontra l-ġibda tal-ġisem trid is-safa tal-qalb u ħajja ta' raġan.*

2531 *Is-safa tal-qalb jagħtina li naraw 'l Alla: jagħtina minn issa li naraw kollox kif jarah Alla.*

2532 *Is-safa tal-qalb jiġi mit-talb, mill-ħarsien tal-kastità u mis-safa tal-fehmiet u tal-ħars.*

2533 *Is-safa tal-qalb jitlob il-pudur li jfisser sabar, modestja u għaqal. Il-pudur hu ħarsien tal-intimità tal-persuna.*

[165] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et spes* (1965), 58.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 894-895 5/16/2014 11:50:12 AM

L-għaxar artiklu

L-GĦAXAR KMANDAMENT

La tixtieqx ... xejn minn kulma għandu għajrek (*Eż* 20,17). La tixxennaqx għal dar għajrek: għar-raba' tiegħu, għall-qaddej tiegħu, għall-qaddejja tiegħu, għall-gendus tiegħu, għall-ħmar tiegħu, għal xejn milli għandu għajrek (*Dewt* 5,21).

Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll (*Mt* 6,21).

2534 L-għaxar kmandament itenni d-disa' kmandament u jagħmlu sħiħ. Id-disa' kmandament hu dwar il-ġibda tal-ġisem; l-għaxar wieħed jipprojbixxi x-xenqa għall-ġid tal-proxxmu, għerq tas-serq kollu, tal-ħtif bil-vjolenza u tal-qerq li hu pprojbit mis-seba' kmandament. Il-"ġibda tal-għajnejn" (ara *1 Ġw* 2,16) twassal għall-vjolenza u għall-inġustizzji li huma pprojbiti mill-ħames kmandament *(*ara
2112 *Mik* 2,2). Ix-xeħħa, bħaż-żina, għandha l-għerq tagħha fl-idolatrija pprojbita mill-ewwel tliet kmandamenti tal-Liġi (ara
2069 *Għerf* 14,12). L-għaxar kmandament hu dwar l-intenzjoni tal-qalb: flimkien mad-disa' kmandament jiġbor fil-qosor il-kmandamenti kollha tal-Liġi.

I. Id-diżordni ta' kull ġibda

2535 Il-ħajriet tal-ġisem iwassluna biex nixtiequ dawk il-ħwejjeġ li jagħtuna pjaċir u li ma għandniex. Il-ġuħ iħajjarna għall-ikel, il-bard iħajjarna biex nissaħħnu. Dawn ix-xewqat huma tajbin fihom infushom; iżda spiss mhumiex skont il-
1767 qies tar-raġuni, u jwassluna biex nixtiequ inġustament dak li mhuwiex tagħna imma hu, jew għandu jkun, ta' ħaddieħor.

2536 L-għaxar kmandament jipprojbixxi *x-xeħħa* li hi x-xewqa li tagħmel tiegħek il-ġid tal-art mingħajr ebda

limitu; tipprojbixxi wkoll *ir-regħba* mingħajr qies li tiġi minn passjoni bla rażan għall-għana u għas-setgħa. L-għaxar 2445
kmandament jipprojbixxi wkoll ix-xewqa ta' xi għemil inġust li bih tagħmel xi ħsara lil għajrek fil-ġid tiegħu ta' din id-dinja:

Meta l-Liġi tgħidilna "La tixtieqx" tkun qed tgħidilna fi kliem ieħor biex inżommu bogħod ix-xewqat tagħna minn dak kollu li mhux tagħna. Għax kbir fuq li kbir hu l-għatx għall-ġid ta' għajrna, bla qies, u qatt ma jinqata', tant li hemm miktub: "Min iħobb il-flus ma jixbax bil-flus" (*Koħ* 5,9).[166]

2537 Ma jkunx ksur tal-għaxar kmandament ix-xewqa li tikseb dak li hu ta' ħaddieħor, jekk dan trid tiksbu b'mezzi ġusti. Il-katekeżi tradizzjonali b'mod realistiku ħafna tgħid "lil dawk li għandhom ħafna, biex jeħduha kontra x-xewqat kriminali tagħhom", u għalhekk "tħeġġiġhom aktar biex iħarsu dan il-kmandament":

Dawn huma n-negozjanti li jixtiequ li jkun hemm skarsezza ħa jogħlew il-prezzijiet, li jiddispjaċihom li mhux huma biss jixtru u jbigħu, għax ikunu jistgħu ibigħu bil-għoli u jixtru b'irħis dak li jkunu ħażnu; huma dawk li jixtiequ jaraw nies fil-miżerja, biex jaqilgħu minn fuq daharhom sew jekk ibigħulhom sew jekk jixtru mingħandhom ... It-tobba li jixtiequ li n-nies jimirdu, l-avukati li jitolbu li jkun hemm ħafna kawżi u proċessi importanti ... [167]

2538 L-għaxar kmandament jitlob li nbiegħdu kull *għira* 2317
minn qalbna. Meta l-profeta Natan ried iħeġġeġ lis-sultan David ħa jindem, irrakkontalu l-istorja ta' wieħed fqir li kellu nagħġa waħda biss u li kien iqisha bħala bintu, u tal-għani, li minkejja li kellu għadd ta' merħliet, għer għall-fqir u wasal biex jisraqlu n-nagħġa (ara *2 Slat* 12,1-4). L-għira tista' 391

[166] *Katekiżmu Ruman – Katekiżmu skont id-digriet tal-Konċilju ta' Trento lill-Kappillani* (1566), 3, 10, 13.
[167] *Ibid.*, 3, 10, 23.

twassal għall-għemil ta' ħażen mill-agħar (ara *Ġen* 4,3-7; *1 Slat* 21,1-29). Hu minħabba l-għira tax-Xitan li l-mewt daħlet fid-dinja (ara *Għerf* 2,24).

> Aħna lkoll niġġieldu bejnietna, u hi l-għira li ġġellidna ma' xulxin … Jekk ilkoll niħraxu biex infarrku l-ġisem ta' Kristu, fejn se naslu? Sejrin indgħajfu l-ġisem ta' Kristu ... Ngħidu li aħna membri tal-istess ġisem, u qed niddivorawh kif jiddivorawh il-bhejjem selvaġġi.[168]

1866 2539 L-għira hi wieħed mis-seba' rjus tad-dnub il-mejjet: tfisser in-niket li wieħed iħoss quddiem il-ġid tal-oħrajn, u x-xewqa bla rażan biex dan il-ġid isir tiegħu, ukoll b'mezzi li m'għandux juża. Meta jwassal biex wieħed ikollu xewqa ta' ħsara kbira lill-proxxmu, dan ikun dnub mejjet:

> Santu Wistin fl-għira kien jara "id-dnub propju tax-xitan".[169]
>
> "Mill-għira jiġu l-mibegħda, il-malafama, il-kalunnja, il-pjacir għaddeni tal-proxxmu u d-dispjaċir għar-riżq tiegħu".[170]

2540 L-għira hi waħda mis-suriet tad-dwejjaq u għalhekk hi ċaħda tal-imħabba; min hu mgħammed għandu jirbaħ
1829 l-għira billi juri tjieba u ħlewwa ma' kulħadd. L-għira kemm-il darba hi frott tas-suppervja; min hu mgħammed għandu jħabrek biex ikun umli:

> Trid li Alla jkun imsebbaħ minnkom? Ifraħ bil-progress ta' ħuk, u minnufih, Alla bik ikun imsebbaħ. Alla jkun imfaħħar, għandna ngħidu, meta l-qaddej tiegħu jagħraf jirbaħ l-għira billi jibda jifraħ bil-merti tal-oħrajn.[171]

[168] San Ġwann Griżostmu, *Omelija* 27 *dwar it-Tieni Ittra lill-Korintin*, 3-4: PG 61, 588.

[169] Santu Wistin, *Dwar id-dixxiplina Nisranija*, 7, 7: PL 40, 673; *Ittra* 108, 3, 8: PL 33, 410.

[170] San Girgor il-Kbir, *Kotba tal-Morali dwar Ġob*, 31, 45, 88: PL 76, 621.

[171] San Ġwann Griżostmu, *Omelija 7 dwar l-Ittra lir-Rumani*, 5: PG 60, 448.

II. Ix-xewqat tal-ispirtu

2541 Il-pjan tal-Liġi u tal-Grazzja jbiegħed il-bnedmin mix-xeħħa u l-għira: jagħtihom li jixtiequ lil Alla, il-Ġid setgħani: jgħallimhom ix-xewqat tal-Ispirtu, li jissodisfaw il-qalb tal- 1718; 2764
bniedem.

Alla tal-wegħdiet minn dejjem wissa lill-bniedem biex 397
iħares ruħu mill-ħajra għal dak li sa mill-bidu "deher tajjeb għall-ikel u jiġbdek fil-għajn u jħajrek biex tikseb l-għerf" (ara *Ġen* 3,6).

2542 Il-Liġi mogħtija lil Iżrael ma kinitx biżżejjed biex tagħti 1963
l-ġustifikazzjoni lil dawk li kienet torbot; din il-Liġi stess saret strument tal-"konkupixxenza" (ara *Rum* 7,7). In-nuqqas ta' qbil bejn ir-rieda u l-għemil (ara *Rum* 7,10) hu xhieda tal-konflitt bejn il-liġi ta' Alla, li hi "il-liġi tar-raġuni" u l-liġi l-oħra li "tjassarni taħt il-liġi tad-dnub li hemm ġo ġismi" (*Rum* 7,23).

2543 "Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-Liġi, għad 1992
li l-Liġi u l-profeti jixhdu għaliha. U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu lil dawk li jemmnu, bla ma jagħżel bejniethom" (*Rum* 3,21-22). Minn dak iż-żmien, dawk li jemmnu fi Kristu "sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu" (*Gal* 5,24) u jafu x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu (ara *Rum* 8,27).

III. Il-faqar tal-qalb 2443-2449

2544 Ġesù ried li d-dixxipli tiegħu jagħżlu lilu qabel kollox u qabel kulħadd, u ħajjarhom jitilqu ġidhom kollu (ara *Lq* 14,33) minħabba fih u l-Evanġelju (ara *Mk* 8,35). Ftit qabel

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 898-899 5/16/2014 11:50:12 AM

il-passjoni tiegħu semmielhom l-eżempju tal-armla fqira li, fil-faqar tagħha, tat dak kollu li kellha biex tgħix (ara *Lq* 21,4). Il-kmandament li tinqata' mill-għana kollu hu meħtieġ
544 għad-dħul fis-Saltna tas-smewwiet.

2545 Dawk kollha li jemmnu fi Kristu "għandhom jirregolaw sewwa l-ġibdiet tagħhom biex l-użu tal-ġid tad-dinja u r-rabta mal-għana li hi kuntrarja għall-ispirtu tal-faqar evanġeliku,
2013 ma tbegħedhomx milli jfittxu l-perfezzjoni tal-imħabba".[172]

2546 "Henjin il-foqra fl-ispirtu" (*Mt* 5,3). Il-beatitudnijiet
1716 ixandrulna ordni ta' hena u ta' grazzja, ta' ġmiel u ta' sliem. Ġesù jiċċelebra l-ferħ tal-foqra li ġa hija tagħhom is-Saltna tas-smewwiet (ara *Lq* 6,20).

> Il-Verb isejjaħ "faqar fl-Ispirtu" l-umiltà tal-ispirtu uman u ċ-ċaħda tiegħu; u l-Appostlu jagħtina bħala eżempju l-faqar ta' Alla meta jgħidilna li Kristu "ftaqar minħabba fikom" (*2 Kor* 8,9).[173]

2547 Il-Mulej jisgħobbih għall-għonja għax il-faraġ tagħhom isibuh fil-ġid bil-kotra (ara *Lq* 6,24) "Mela erħilhom is-suppervi jixtiequ u jħobbu s-saltniet tal-art, imma *henjin il-*
305 *foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hi s-Saltna tas-smewwiet*".[174] Meta nafdaw ruħna f'idejn il-providenza tal-Missier tas-sema, inkunu qed neħilsu mit-tħassib għall-għada (ara *Mt* 6,25-34). Il-fiduċja f'Alla tħejjina għall-hena tal-foqra: huma jaraw lil Alla.

[172] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen gentium* (1964), 42.

[173] San Girgor ta' Nissa, *Diskors* 1 *dwar il-Beatitudnijiet*: PG 44, 1200D.

[174] Santu Wistin, *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*, 1, 1, 3: PL 34, 1232: ara Santu Wistin, *Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*, Provinċja Agostinjana, Malta 1999, 7.

IV. "Irrid nara 'l Alla"

2548 Ix-xewqa għall-ġid veru toftom il-bniedem mir-rabta bla qies għall-ġid tad-dinja, biex jasal għall-milja tiegħu fid-dehra u l-hena ta' Alla. "Il-wegħda li tara 'l Alla hi aqwa minn 2519 kull hena. Fl-Iskrittura 'tara' tfisser 'ikollok'. Min jara lil Alla għandu l-ġid kollu li wieħed jista' qatt jittama għalih".[175]

2549 Il-Poplu l-qaddis għandu jitqabad, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla l-Għoli, biex jikseb il-ġid li Alla jwiegħed. Biex ikollhom 'l Alla u jikkontemplawh, dawk li jemmnu fi Kristu jridu jgħakksu x-xewqat tagħhom u bil-grazzja ta' 2015 Alla, jbegħduhom minn kull ħajra għall-hena fieragħ u għas-setgħa.

2550 Fit-triq tal-perfezzjoni, l-Ispirtu u l-Għarusa jsejħu lil dawk li jisimgħuhom (ara *Apok* 22,17) għall-għaqda perfetta ma' Alla.

> Ikun hemm glorja tassew, għax ħadd ma jkun imfaħħar bi żball jew bil-wiċċ b'ieħor ta' min ifaħħru. Ikun hemm ġieħ tassew, għax ħadd ma jkun imċaħħad minn ġieħ misthoqq, u 'l ħadd ma jingħata ġieħ bla ma jkun jistħoqqlu; u ma jkun hemm ħadd li jixtieq ġieħ li ma jistħoqqlux, għax hemm ma jidħol ħadd li ma jistħoqqlux ġieħ. Ikun hemm is-sliem tassew, għax ħadd ma jkollu jistabar b'xi għawġ tiegħu nnifsu jew minn ħaddieħor.
>
> Il-ħlas tal-virtù tagħna jkun dak stess li tana l-virtù u wegħidna lilu nnifsu, li xejn ma jista' jkun aħjar jew aqwa minnu. Alla b'fomm il-profeta qal: *Jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi* (*Lev* 26,12); dan il-kliem ma jfissirx ħaġ'oħra ħlief: "Jiena nkun l-għajn li minnha jixbgħu, inkun dak kollu li l-bnedmin jixtiequ b'xewqa tajba: il-ħajja, is-saħħa, l-għajxien, l-għana, il-glorja, il-ġieħ, is-sliem u kull ġid ieħor". Din hi sewwasew it-tifsira ta' dak li l-Appostlu jgħid: *Alla jkun kollox f'kollox* (*1 Kor* 15,28). Hu jkun it-

[175] San Girgor ta' Nissa, *Diskors* 6 *dwar il-Beatitudnijiet*: PG 44, 1265A.

kkk 795-902 latest.OK (r).indd 900-901 5/16/2014 11:50:13 AM

314 temma ta' xewqatna, narawh għal dejjem, ma nixbgħux inħobbuh, ma negħjewx infaħħruh. Dan id-don, din l-imħabba, din il-ħidma jixxierek fihom kulħadd, kif kulħadd jixxierek fil-ħajja ta' dejjem.[176]

Fil-qosor

2551 *"Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll"* (*Mt* 6,21).

2552 *L-għaxar kmandament jipprojbixxi x-xeħħa bla rażan u r-regħba għall-għana u s-setgħa.*

2553 *L-għira hi d-dwejjaq li wieħed iħoss quddiem il-ġid ta' ħaddieħor u x-xewqa bla rażan biex jagħmlu tiegħu. Hi wieħed mill-irjus tad-dnubiet il-mejta.*

2554 *Min hu mgħammed jissielet kontra l-għira bit-tjieba u l-ħlewwa tiegħu, billi jkun umli u jintelaq f'idejn il-Providenza ta' Alla.*

2555 *Dawk li jemmnu fi Kristu "sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu"* (*Gal* 5,24); *imexxihom l-Ispirtu u jagħmlu dak li jixtieq minnhom.*

2556 *Min irid jidħol fis-Saltna tas-smewwiet irid jinfatam mill-għana tad-dinja: "Henjin il-foqra fl-ispirtu"* (*Mt* 5,3).

2557 *Il-vera xewqa tal-bniedem hi: "Irrid nara 'l Alla". L-għatx ta' Alla jaqtgħu l-ilma li jfawwar sal-ħajja ta' dejjem* (*ara Ġw* 4,14).

[176] Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, 22, 30, 1: PL 41, 801-802: ara Santu Wistin, *Il-Belt ta' Alla*, II, Provinċja Agostinjana, Malta 1996, 865-866.

IR-RABA' PARTI

IT-TALB NISRANI

kkk 903-912 latest.OK (r).indd 904-905 5/16/2014 11:54:36 AM

L-EWWEL SEZZJONI

IT-TALB FIL-ĦAJJA NISRANIJA

kkk 903-912 latest.OK (r).indd 906-907 5/16/2014 11:54:36 AM

2558 “Kbir hu l-misteru tal-fidi tagħna”. Il-Knisja tistqarru fil-Kredu tal-Appostli (*l-ewwel Parti*), u tiċċelebrah fil-Liturġija tas-Sagramenti (*it-tieni Parti*), biex il-ħajja tal-Insara tkun taqbel ma’ dik ta’ Kristu fl-Ispirtu s-Santu għall-glorja ta’ Alla l-Missier (*it-tielet Parti*). Dan il-misteru għalhekk jitlob li l-Insara jemmnuh, jiċċelebrawh u jgħixuh f’relazzjoni ħajja u personali ma’ Alla ħaj u veru. Din ir-relazzjoni hi t-talb.

X’INHU T-TALB

Għalija, it-*talb* huwa qabża tal-qalb, huwa ħarsa sempliċi mixħuta lejn is-Sema, għajta ta’ gratitudni u mħabba fost it-tiġrib u qalb il-ferħ.[1]

It-talb bħala don ta’ Alla

2559 “It-talb hu l-irfigħ tar-ruħ lejn Alla jew petizzjoni lil Alla għall-ġid li jkun jaqbel”.[2] Minn fejn għandha tibda t-talba tagħna? Mill-għoli tal-kburija tagħna u tar-rieda propja tagħna jew mill-“qiegħ” (ara *Salm* 130,1) ta’ qalb imċekkna u sogħbiena? Min jiċċekken, jitkabbar (ara *Lq 18,* 9-14). It-talb jinbena fuq *ix-xejn tagħna*. “Aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss” (*Rum* 8,26). L-umiltà hija d-dispożizzjoni meħtieġa biex niksbu b’xejn id-don tat-talb: “Il-bniedem hu tallab quddiem Alla”.[3] 2613; 2736

2560 “Kieku kont taf id-don ta’ Alla!” (*Ġw* 4,10). Il-kobor tal-għaġeb tat-talb jidher propju hemm, ħdejn il-bjar fejn

[1] Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Storja ta’ Ruħ.* It-Tielet Manuskritt (C) indirizzat lil Madre Marie de Gonzague, 25 (quddiem): ara *Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tgħallimna, Storja ta’ Ruħ,* Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 1995, 303-304.

[2] San Ġwann Damaxxenu, *Dwar il-Vera Fidi*, 3, 24: PG 94, 1089D.

[3] Santu Wistin, *Omelija* 56, 6, 9: PL 38, 381.

kkk 903-912 latest.OK (r).indd 908-909 5/16/2014 11:54:37 AM

immorru nfittxu l-ilma tax-xorb tagħna: hemm Kristu jiġi jiltaqa' ma' kull bniedem, hu jfittixna l-ewwel, u jitlobna jixrob. Ġesù għandu l-għatx, it-talba tiegħu toħroġ mill-qiegħ ta' Alla li jixtieqna. It-talb, nafuh dan jew ma nafuhx, hu l-laqgħa tal-għatx ta' Alla ma' tagħna. Ġesù għandu l-għatx li jkollna l-għatx tiegħu.[4]

2561 "Kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj" (*Ġw* 4,10). It-talb li bih nitolbu xi ħaġa hu paradossalment tweġiba, tweġiba għat-tnehid ta' Alla l-ħaj: "Telqu lili, l-għajn tal-ilma ġieri, biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma" (*Ġer* 2,13); tweġiba ta' fidi għall-wegħda b'xejn tas-salvazzjoni (ara *Ġw* 7,37-39; *Is* 12,3; 51,1); tweġiba ta' mħabba għall-għatx tal-Iben il-waħdieni (ara *Ġw* 19,28; *Żak* 12,10; 13,1).

It-talb bħala patt

2562 Minn fejn jiġi t-talb tal-bniedem? Tkun xi tkun is-sura tat-talb (ġesti jew kliem), hu l-bniedem sħiħ li jkun jitlob. Iżda l-Iskrittura biex tfisser il-post minn fejn joħroġ it-talb, xi kultant issemmi r-ruħ jew l-ispirtu, imma aktar ta' spiss il-qalb (aktar minn elf darba). Hi *l-qalb* li titlob. Jekk il-qalb hi bogħod minn Alla, it-talb li joħroġ minnha hu fieragħ.

368 2563 Il-qalb hi l-post fejn jien, jew fejn ngħammar (skont il-ħsieb semitiku jew bibliku: fejn "ninżel"). Hi ċ-ċentru moħbi tagħna, mhux milħuq mir-raġuni tagħna u lanqas minn ħadd; hu l-Ispirtu ta' Alla biss li jgħarbilha u jagħrafha. Il-qalb hi l-post tad-deċiżjonijiet fil-qiegħ l-aktar fond tat-tendenzi

[4] Ara Santu Wistin, *Dwar tlieta u tmenin kwistjoni differenti*, 64, 4: PL 40, 56.

psikiċi tagħna. Hi l-post tal-verità, fejn nagħmlu l-għażla 2699; 1696
bejn il-mewt u l-ħajja. Hi l-post fejn niltaqgħu ma' Alla, għax aħna xbieha ta' Alla u ngħixu f'relazzjoni miegħu: hi l-post fejn iseħħ il-Patt.

2564 It-talb Nisrani hu relazzjoni ta' Patt bejn Alla l-Missier u l-bniedem fi Kristu. It-talb hu għemil ta' Alla u tal-bniedem: jiġi mill-Ispirtu s-Santu u minna, u huwa kollu kemm hu dirett lejn Alla, f'għaqda mar-rieda umana tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem.

It-talb bħala xirka

2565 Fil-Patt il-Ġdid, it-talb hu relazzjoni ħajja bejn ulied Alla ma' Missierhom ta' tjieba bla qies, ma' Ibnu Ġesù Kristu, u mal-Ispirtu s-Santu. Il-grazzja tas-Saltna hi "l-għaqda 260
tat-Trinità Qaddisa kollha kemm hi mal-ispirtu kollu kemm hu".[5] Il-ħajja tat-talb hi għalhekk dik ta' qagħda abitwali quddiem Alla tliet darbiet qaddis u f'għaqda sħiħa miegħu. Din ix-xirka ta' ħajja dejjem tista' tkun, għaliex, permezz tal-Magħmudija, sirna ħaġa waħda ma' Kristu (ara *Rum* 6,5). It-talb hu *Nisrani* jekk hu għaqda ma' Kristu u jinxtered fil-Knisja, li hi l-Ġisem tiegħu. Id-dimensjonijiet tat-talb huma 792
dawk tal-imħabba ta' Kristu (ara *Ef 3,*18-21).

[5] San Girgor Nazjanzenu, *Diskors* 16, 9: PG 35, 945.

kkk 903-912 latest.OK (r).indd 910-911 5/16/2014 11:54:37 AM

L-EWWEL KAPITLU

IR-RIVELAZZJONI TAT-TALB

L-istedina universali għat-talb

2566 *Il-bniedem ifittex lil Alla*. Fil-ħolqien Alla ħalaq kollox
296 mix-xejn. "Bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu" (*Salm* 8,6). Il-bniedem, wara l-anġli, għandu l-ħila jagħraf "kemm hu kbir [isem il-Mulej] fl-art kollha" (*Salm* 8,2). Ukoll wara li tilef ix-xebh ma'
355 Alla, il-bniedem baqa' ħliqa skont ix-xbieha ta' Alla l-Ħallieq
28 tiegħu; baqgħet fih ix-xewqa ta' dak li ħalqu. Ir-reliġjonijiet kollha huma xhieda ta' din ix-xewqa essenzjali tal-bnedmin kollha (ara *Atti* 17,27).

2567 *Kien Alla li l-ewwel sejjaħ lill-bniedem.* Ukoll jekk il-bniedem jinsa l-Ħallieq tiegħu, imur jinħeba 'l bogħod minn wiċċu, ifittex l-allat foloz tiegħu u jixli lil Alla li abbandunah, iżda Alla ħaj u veru ma jieqaf qatt isejjaħ kull persuna biex tiltaqa' b'mod misterjuż miegħu fit-
30 talb. Dan il-pass tal-imħabba ta' Alla, fidil għall-Patt tiegħu, dejjem jiġi l-ewwel fit-talb; il-pass li jagħmel il-bniedem hu dejjem tweġiba. Aktar ma Alla juri lilu
142 nnifsu lill-bniedem u juri lill-bniedem x'inhu fih innifsu, aktar jidher it-talb bħala sejħa wieħed lill-ieħor, bħala ġrajja tal-Patt. Permezz tal-kliem u tal-għemil, dil-ġrajja timpenja l-qalb. Tinkixef tul l-istorja kollha tas-salvazzjoni.

kkk 903-912 latest.OK (r).indd 912 5/16/2014 11:54:37 AM

L-ewwel artiklu

IT-TALB FIT-TESTMENT IL-QADIM

2568 Ir-rivelazzjoni tat-talb fit-Testment il-Qadim insibuha bejn il-waqgħa u l-irfigħ tal-bniedem, bejn is-sejħa mnikkta ta' Alla lil uliedu l-ewlenin: "Fejn int?" ... "X'inhu dan li għamilt?" (*Ġen* 3,9.13) u t-tweġiba tal-Iben il-waħdieni huwa u dieħel fid-dinja: "Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla" (*Lh* 10,5-7). It-talb hu marbut mal-ġrajja tal-bniedem, hu r-relazzjoni ma' Alla fil-ġrajjiet kollha tal-istorja. 410 1736 2738

Il-ħolqien: għajn tat-talb

2569 Hu l-ewwel nett mill-fatt tal-*ħolqien* li tibda l-ħajja tat-talb. L-ewwel disa' kapitli tal-Ġenesi juru din ir-relazzjoni ma' Alla bħala l-offerta tal-bikri tal-merħla minn Abel (ara *Ġen* 4,4), bħala sejħa tal-isem ta' Alla minn Enos (ara *Ġen* 4,26), bħala "mixi ma' Alla" (ara *Ġen* 5,24). L-offerta ta' Noè kienet "togħġob" lil Alla u bierku, u permezz tiegħu bierek il-ħolqien kollu (ara *Ġen* 8,20 – 9,17) għax qalbu kienet sewwa u sħiħa: hu wkoll "kien jimxi sewwa ma' Alla" (*Ġen* 6,9). Din is-sura ta' talb jgħixuha kotra kbira ta' ġusti fir-reliġjonijiet kollha. 288 58

Fil-Patt tiegħu mal-ħlejjaq ħajjin kollha (ara *Ġen* 9,8-16), Alla dejjem isejjaħ lill-bnedmin għat-talb. Iżda hu l-aktar minn żmien Abraham missierna, li beda jiġi rrivelat it-talb fit-Testment il-Qadim. 59

Il-wegħda u t-talba tal-fidi

2570 Malli Alla sejjaħlu, Abraham telaq "kif kien qallu l-Mulej" (*Ġen* 12,4): qalbu kollha kemm hi "marbuta mal-

Kelma", obda. Is-smigħ tal-qalb li tiddeċiedi skont kif irid Alla hu essenzjali għat-talb; il-kliem mhux daqshekk meħtieġ, hu relattiv. Iżda t-talba ta' Abraham tfissret l-ewwel permezz ta' għemil: bniedem tas-skiet, kull fejn waqaf, bena artal lill-Mulej. Biss, aktar tard niltaqgħu mal-ewwel talba tiegħu bil-kliem: tnehida moħbija tfakkar 'l Alla l-wegħdiet tiegħu, li ma kienx jidher li se jseħħu (ara *Ġen* 15,2-3). Sa mill-bidu deher b'dan il-mod wieħed mill-aspetti drammatiċi tat-talb: il-prova tal-fidi fil-kelma mogħtija minn Alla.

2571 Il-Patrijarka, wara li emmen f'Alla (ara *Ġen* 15,6), wara li mexa quddiemu f'Patt miegħu (ara *Ġen* 17,1-2), kien lest jilqa' taħt it-tinda tiegħu l-Mistieden misterjuż: din il-laqgħa tal-għaġeb f'Mambre hi l-preludju tat-tħabbira tal-Iben veru tal-Wegħda (ara *Ġen* 18,1-15; *Lq* 1,26-38). Minn dakinhar, wara li Alla għarraf lil Abraham il-Patt tiegħu, qalbu ngħaqdet mal-ħasra ta' Sidu għall-bnedmin, u ssogra jitlob għalihom b'fiduċja tassew kbira (ara *Ġen* 18,16-33).

2572 Bħala l-aħħar tisfija tal-fidi tiegħu, Abraham, "dak li kien ħa l-wegħdiet" (*Lh* 11,17), ġie mitlub jissagrifika lill-iben li Alla kien tah. "Alla jaħseb hu għall-ħaruf għas-sagrifiċċju" (*Ġen* 22,8); il-fidi tiegħu baqgħet sħiħa għax "fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt" (*Lh* 11,19). B'dan il-mod, il-missier ta' dawk kollha li jemmnu jsir jixbah lill-Missier "li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha imma tah għalina lkoll" (*Rum* 8,32). It-talb jagħti mill-ġdid lill-bniedem ix-xebh ma' Alla u jsieħbu fis-setgħa tal-imħabba ta' Alla li ssalva l-kotra (ara *Rum* 4,16-21).

2573 Alla jġedded il-wegħda tiegħu lil Ġakobb, missier it-tnax-il tribù ta' Iżrael (ara *Ġen* 28,10-22). Qabel ma jiltaqa' ma' ħuh Għesaw, Ġakobb jagħmel lejl sħiħ jissara ma' "xi ħadd" misterjuż li ma riedx juri ismu, imma li bierku qabel telqu mas-sebħ. It-tradizzjoni spiritwali tal-Knisja tara f'din

il-ġrajja s-simbolu tat-talb bħala ġlieda tal-fidi u r-rebħa tal-perseveranza (ara *Ġen* 32,25-31; *Lq* 18,1-8).

Mosè u t-talba ta' medjazzjoni

2574 Malli bdiet isseħħ il-Wegħda (l-Għid, il-ħruġ mill-Eġittu, id-don tal-Liġi u l-Patt), it-talba ta' Mosè hija x-xbieha ħerqana tat-talb ta' interċessjoni li jilħaq il-qofol tiegħu fil-medjatur wieħed "bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem Kristu Ġesù" (*1 Tim* 2,5).

2575 Hawn ukoll Alla jiġi l-ewwel. Isejjaħ lil Mosè minnofs "ħuġġieġa nar qalb l-għollieq" (ara *Eż* 3,1-10). Dan il-fatt jibqa' dejjem wieħed mix-xbihat tal-bidu tat-talb fit-tradizzjoni spiritwali Lhudija u Nisranija. Jekk fil-fatt, hu "Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb" li jsejjaħ il-qaddej tiegħu Mosè, dan għax hu Alla l-ħaj li jrid il-ħajja tal-bnedmin. Juri ruħu biex isalvahom, iżda mhux waħdu u lanqas minkejja fihom: isejjaħ lil Mosè biex jibagħtu, biex isieħbu fil-ħniena tiegħu, fil-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni. F'din il-missjoni qisha hemm talba ta' Alla, u Mosè, wara diskussjoni fit-tul, jgħaqqad ir-rieda tiegħu ma' dik ta' Alla s-Salvatur. Iżda f'dan id-djalogu li fih Alla jiftaħ qalbu, Mosè jitgħallem ukoll jitlob: ineħħi l-qorq minn riġlejh, isib oġġezzjoni għal dak li jitolbu Alla, u fuq kollox jistaqsi, u bi tweġiba għal din il-mistoqsija l-Mulej jgħidlu x'jismu, Isem li ma jingħadx u jiġi rrivelat fl-għemejjel kbar ta' Alla.

2576 Issa "il-Mulej kien ikellem lil Mosè wiċċ imb wiċċ, bħalma bniedem ikellem lil ħabibu" (*Eż* 33,11). It-talb ta' Mosè hu t-talb tipiku tal-kontemplazzjoni li permezz tiegħu l-qaddej ta' Alla juri fedeltà fil-missjoni tiegħu. Mosè "kien joqgħod jitħaddet" spiss u fit-tul mal-Mulej, jitla' fuq il-muntanja biex jisma' u jitlob 'l Alla, u jinżel minn fuqha lejn il-poplu biex lil dan jgħidlu l-kliem ta' Alla tiegħu u jmexxih.

Mosè hu “il-bniedem li fdajtlu dari. Jien inkellmu wiċċ imb wiċċ; inkellmu mhux bix-xbihat imma bid-dieher” (*Num* 12,7-8), għax Mosè “kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art” (*Num* 12,3).

2577 Minn din l-intimità ma’ Alla fidil fil-wegħdiet tiegħu, idum biex jagħdab u mimli mħabba (ara *Eż* 34,6). Mosè kiseb il-qawwa u s-saħħa tat-talb tiegħu. Ma jitlobx għalih innifsu, imma għall-poplu, li Alla kiseb għalih. Mosè jitlob waqt il-ġlieda mal-Għamalekin (ara *Eż* 17,8-13) u għall-fejqan ta’ Mirjam (ara *Num* 12,13-14). Iżda Mosè l-aktar li jitlob hu wara l-apostasija tal-poplu meta “waqaf fis-selħa tas-sur” (*Salm* 106,23) quddiem Alla biex isalva l-poplu (ara *Eż* 32,1 – 34,9). L-argumenti tat-talb tiegħu (l-interċessjoni hi wkoll ġlieda misterjuża) ispiraw lil dawk fost il-poplu Lhudi li kienu jitolbu ħafna, kif ispiraw il-Knisja: Alla hu mħabba, għalhekk hu ġust u jżomm kelmtu: ma jistax imur kontra tiegħu nnifsu, irid jiftakar fl-għemejjel kbar tiegħu, hemm f’nofs il-glorja tiegħu, ma jistax iħalli waħdu l-poplu li jġib ismu.

David u t-talb tas-sultan

2578 It-talb tal-poplu ta’ Alla jiżviluppa għad-dell tal-għamara ta’ Alla, l-Arka tal-Patt u aktar tard fit-Tempju. L-ewwel huma l-mexxejja tal-poplu – ir-Rgħajja u l-Profeti – li jgħallmuh jitlob. It-tfajjel Samwel tgħallem mingħand ommu Anna kif joqgħod “quddiem il-Mulej” (*1 Sam* 1,9-18) u minn Għeli l-qassis kif jisma’ leħen il-Mulej: “Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma’” (*1 Sam* 3,9-10). Aktar tard, Samwel innifsu sar jaf x’jiswa u x’piż għandu t-talb ta’ interċessjoni: “Min-naħa tiegħi, imbagħad ma jkun qatt li nidneb u ma nitlobx għalikom quddiem il-Mulej, u ma nurikomx it-triq it-tajba u is-sewwa” (*1 Sam* 12,23).

2579 David kien tassew “sultan skont il-qalb ta’ Alla”, ir-ragħaj li jitlob għall-poplu tiegħu u f’ismu, dak li r-rabta tiegħu mar-rieda ta’ Alla, it-tifħir u l-indiema tiegħu, kienu ta’ eżempju għat-talb tal-poplu. Midluk minn Alla, it-talba tiegħu hi rabta ta’ fedeltà liema bħalha mal-Wegħda ta’ Alla (ara *2 Sam* 7,18-29), fiduċja u mħabba hienja f’dak li hu waħdu s-Sultan u s-Sid. Fis-Salmi, David, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, hu l-ewwel profeta tat-talb Lhudi u Nisrani. It-talb ta’ Kristu, veru Messija u bin David, juri u jtemm it-tifsir ta’ dan it-talb.

2580 It-Tempju ta’ Ġerusalemm, id-dar tat-talb li David ried jibni, kellha tkun opra ta’ ibnu Salamun. It-talba tad-Dedikazzjoni tat-Tempju (ara *1 Slat* 8,10-61) tistrieħ fuq il-wegħdiet ta’ Alla u fuq il-Patt tiegħu, fuq il-fatt li l-Isem ta’ Alla bil-ħidma tiegħu jinsab f’nofs il-poplu tiegħu u jfakkarhom l-għemejjel kbar tal-ħruġ mill-Eġittu. Is-sultan imbagħad jerfa’ jdejh lejn is-sema u jitlob lill-Mulej għalih innifsu, għall-poplu kollu, għall-ġenerazzjonijiet kollha tal-ġejjieni, għall-maħfra ta’ dnubiethom, għall-ħtiġijiet tagħhom ta’ kuljum u fl-aħħar nett biex il-ġnus kollha jkunu jafu u jistqarru li hu waħdu Alla u li l-qalb tal-poplu tiegħu hi kollha kemm hi għalih.

Elija, il-profeti u l-konverżjoni tal-qalb

2581 It-Tempju kellu jkun għall-poplu ta’ Alla il-post fejn dan jitgħallem jitlob: il-pellegrinaġġi, il-festi, is-sagrifiċċji, l-offerta propja, l-inċens, il-ħobż tal-“preżenza”, dawn is-sinjali kollha tal-qdusija u tal-glorja ta’ Alla, hekk Għoli iżda hekk fil-Qrib, kienu kollha sejħat għat-talb u triqat tat-talb. Iżda r-ritwaliżmu spiss kien iwassal lill-poplu għall-qima minn barra biss. Hi meħtieġa wkoll edukazzjoni fil-fidi, il-konverżjoni tal-qalb. Din kienet il-missjoni tal-profeti qabel u wara l-eżilju f’Babel.

kkk 913-938 latest.OK (r).indd 916-917 5/16/2014 11:56:12 AM

2582 Elija hu missier il-profeti, “min-nisel ta’ dawk li jfittxu lil Alla, li jfittxu wiċċ Alla” (ara *Salm* 24,6). Ismu, “il-Mulej, Alla hu!” iħabbar l-għajta tal-poplu bi tweġiba għat-talba tiegħu fuq l-għolja tal-Karmel (ara *1 Slat* 18,39). San Ġakbu jsemmi lilu biex iħeġġiġna għat-talb: “It-talba tal-bniedem ġust magħmula bil-ħerqa għandha qawwa kbira” (*Ġak* 5, 16b-18).

2583 Wara li ġarrab il-ħniena ta’ Alla fil-moħba tiegħu fil-wied ta’ Kerit, Elija għallem lill-armla ta’ Sarefta l-fidi fil-Kelma ta’ Alla, fidi li wettaq bit-talba tiegħu fl-istess waqt: Alla ta l-ħajja mill-ġdid lil iben l-armla (ara *1 Slat* 17,7-24).

Waqt is-sagrifiċċju fuq l-għolja tal-Karmel, prova
696 deċiżiva għall-fidi tal-poplu ta’ Alla, għat-talba ta’ Elija, in-nar tal-Mulej ħaraq l-offerta kollha “fil-ħin li joffru s-sagrifiċċju” filgħaxija. “Weġibni, Mulej, weġibni”: dawn il-kelmiet ta’ Elija nsibuhom fil-Liturġiji tal-Lvant fl-Epiklesi Ewkaristika (ara *1 Slat* 18,20-39).

Fl-aħħar nett, wara l-mixi fid-deżert lejn il-post fejn Alla, il-ħaj u veru, wera lilu nnifsu lill-poplu tiegħu, Elija, bħal Mosè daħal “f’xaqq il-blata” sakemm “tgħaddi” il-preżenza misterjuża ta’ Alla (ara *1 Slat* 19,1-14; *Eż* 33,19-23). Iżda
555 kien biss fuq l-għolja tat-Trasfigurazzjoni li deher dak li tiegħu kienu qed ifittxu ’l wiċċu (ara *Lq* 9,30-35): l-għarfien tal-glorja ta’ Alla tiddi f’wiċċ Kristu msallab u rxoxt (ara *2 Kor* 4,6).

2709 2584 “Wiċċ imb wiċċ waħedhom” ma’ Alla, il-profeti kisbu dawl u qawwa għall-missjoni tagħhom. It-talba tagħhom ma kinitx ħarba mid-dinja bla fidi, imma smigħ tal-Kelma ta’ Alla, xi kultant ukoll diskussjoni jew tnehida, u dejjem interċessjoni li tistenna u tħejji l-indħil ta’ Alla Salvatur, is-Sid tal-Istorja (ara *Għam* 7,2.5; *Iż* 6,5.8.11; *Ġer* 1,6; 15,15-18; 20,7-18).

Is-Salmi, it-talba tal-ġemgħa

2585 Wara David, sal-miġja tal-Messija, il-Kotba Mqaddsa 1093
għandhom testi ta’ talb li jixhdu kemm kien ħa xejra dejjem aktar profonda t-talb: kemm it-talb li wieħed jagħmel għalih innifsu u kemm dak li jagħmel għall-oħrajn (ara *Esd* 9,6-15; *Neh* 1,4-11; *Ġona* 2,3-10; *Tob* 3,11-16; *Ġud* 9,2-14). Is-Salmi, bil-mod il-mod, inġabru f’ħames kotba, is-Salterju (jew “Tifħir”), l-aqwa opra ta’ talb tat-Testment il-Qadim.

2586 Is-Salmi kienu jmantnu u jfissru t-talba tal-poplu ta’ Alla miġbur f’ġemgħa, fil-festi kbar f’Ġerusalemm, u kull Sibt fis-sinagogi. Dan it-talb hu fl-istess ħin talb personali u komunitarju; hu dwar dawk li qegħdin jitolbu u dwar il-bnedmin kollha wkoll; hu talb li jsir fl-Art Imqaddsa u li jsir ukoll fil-komunitajiet tad-Djaspora, tal-Lhud li jgħammru kullimkien barra mill-Art Imqaddsa; hu talb li jħaddan il-ħolqien kollu; ifakkar il-ġrajjiet tas-salvazzjoni fl-imgħoddi u jħares ukoll lejn il-ġejjieni, lejn it-tmiem ta’ kollox; ifakkar il-wegħdiet ta’ Alla li seħħu u jistenna l-Messija biex bih iseħħu darba għal dejjem. Kristu talab bis-Salmi u fih seħħu; huma essenzjali għat-talb tal-Knisja.[1] 1177

2587 Is-Salterju hu l-ktieb fejn il-Kelma ta’ Alla ssir talba tal-bniedem. Fil-kotba l-oħra tat-Testment il-Qadim, “il-kliem iħabbar l-għemil (ta’ Alla għall-bnedmin) u jwasslek issib il-misteru moħbi fihom”.[2] Fis-Salterju, il-kliem tas-salmista jesprimi b’għana l-misteru tas-salvazzjoni ta’ Alla. Hu l-istess Spirtu li jnebbaħ l-opra ta’ Alla u t-tweġiba tal-bniedem. Kristu jgħaqqadhom flimkien. Fih, is-Salmi ma jieqfu qatt jgħallmuna kif nitolbu. 2641

[1] Ara *Liturġija tas-Sigħat*, Istituzzjoni Ġenerali, 100-109.
[2] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* (1965), 2.

kkk 913-938 latest.OK (r).indd 918-919 5/16/2014 11:56:12 AM

2588 Il-ħafna forom ta' talb fis-Salmi jieħdu s-sura tagħhom kemm mil-liturġija tat-Tempju u kemm f'qalb il-bniedem. Kemm jekk huma xi innu, jew talba ta' niket jew ta' radd il-ħajr, talba individwali jew komunitarja, kant regali jew kant ta' pellegrinaġġ, jew meditazzjoni spiritwali, is-Salmi huma l-mera tal-għeġubijiet ta' Alla fil-ġrajja tal-poplu tiegħu, jew ta' sitwazzjonijiet li fihom is-salmista sab ruħu bħala bniedem. Salm jista' jkun rifless ta' ġrajja tal-imgħoddi, iżda hu hekk bil-qies li jista' jkun vera talba għall-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kull kundizzjoni.

2589 Hemm ċerti kwalitajiet li nsibuhom fis-Salmi kollha: is-sempliċità tat-talb, ħiereġ dejjem mill-qalb; ix-xewqa ta' Alla nnifsu permezz ta' dak kollu li hu tajjeb fil-ħolqien; il-qagħda mnikkta ta' min jemmen li fl-imħabba tiegħu għal Alla fuq kollox u qabel kollox, hu fi ġlieda dejjem sejra ma' għadd kbir ta' għedewwa u ta' tentazzjonijiet, waqt li jistenna biex jara x'se jagħmel Alla fil-fedeltà kollha tiegħu, u hu dejjem żgur minn imħabbtu u lest li joqgħod għar-rieda
304 tiegħu. It-talb tas-Salmi dejjem ifittex it-tifħir ta' Alla, u huwa għalhekk li l-ġabra ta' dan it-talb issejħet bir-raġun kollu: "It-Tifħir". Miġbur għall-qima tal-Ġemgħa, is-Salterju jsemma' l-istedina għat-talb, waqt li jtenni t-tweġiba għalih "Hallelu-Jah" – Faħħru l-Mulej".

> X'hemm aktar ħelu minn salm? Dan jgħidulna David stess b'mod li jgħaxxqek: "Faħħru l-Mulej, għax tajjeb li tgħanni lil Alla tagħna, għax ħelu u xieraq it-tifħir tiegħu". U tassew: bis-salmi l-poplu jbierek 'l Alla u jfaħħru, għax is-salmi huma t-tifħir tal-poplu, iċ-ċapċip ferrieħi ta' kulħadd, il-kliem li jgħid kull wieħed minna, leħen il-Knisja kollha, l-istqarrija bil-għana tal-fidi tagħna …[3]

[3] San Ambroġ, *Tifsir dwar Salm* 1, 9: PL 14, 968; ara *Liturġija tas-Sigħat*, Uffiċċju tal-Qari tas-Sibt tat-12-il ġimgħa.

Fil-qosor

2590 *"It-talb hu l-irfigħ tar-ruħ lejn Alla jew petizzjoni lil Alla għall-ġid li jkun jaqbel".*[4]

2591 *Alla ma jieqaf qatt isejjaħ kull bniedem għal laqgħa misterjuża miegħu. It-talb hu msieħeb mal-ġrajja kollha tas-salvazzjoni bħala sejħa lil xulxin ta' Alla u l-bniedem.*

2592 *It-talba ta' Abraham u ta' Ġakobb tidher bħala ġlieda tal-fidi b'fiduċja fil-kelma ta' Alla u ċertezza tar-rebħa mwiegħda lil dawk li jżommu sħiħ sal-aħħar.*

2593 *It-talba ta' Mosè hi tweġiba għall-inizjattiva ta' Alla l-ħaj għas-salvazzjoni tal-poplu tiegħu. Tħabbar minn qabel it-talba ta' dak li hu l-medjatur waħdieni, Kristu Ġesù.*

2594 *It-talba tal-poplu ta' Alla tiżviluppa fid-dell tal-għamara ta' Alla, l-Arka tal-Patt u t-Tempju, taħt it-tmexxija tar-Rgħajja, speċjalment tas-sultan David u tal-Profeti.*

2595 *Il-profeti jistiednu għall-konverżjoni tal-qlub, waqt li jfittxu wiċċ Alla bil-ħeġġa kollha u bħal Elija, jitolbu għall-poplu.*

2596 *Is-Salmi huma l-aqwa opra ta' talb tat-Testment il-Qadim. Għandhom żewġ kwalitajiet li ma tistax tifridhom minn xulxin: kwalitajiet personali u komunitarji. Iħaddnu d-dimensjonijiet kollha tal-ġrajja*

[4] San Ġwann Dammaxenu, *Dwar il-Vera Fidi*, 3, 24: PG 94, 1089.

kkk 913-938 latest.OK (r).indd 920-921 5/16/2014 11:56:12 AM

tal-bniedem, ifakkru l-wegħdiet li seħħu ta' Alla u jistennew il-miġja tal-Messija.

2597 *Kristu talab bis-Salmi u seħħu fih: huma għalhekk element essenzjali fit-talba tal-Knisja; jgħoddu għall-bnedmin kollha ta' kull żmien u ta' kull kundizzjoni.*

It-tieni artiklu

FIL-MILJA TAŻ-ŻMINIJIET

2598 Il-ġrajja tat-talb tintwera lilna fil-qofol kollu tagħha fil-Verb li sar bniedem u għammar fostna. Meta aħna nippruvaw nifhmu x'inhu t-talb tal-Verb permezz ta' dak li qalulna x-xhieda tiegħu fl-Evanġelju, aħna nkunu resqin lejn il-Mulej Ġesù, qisna resqin lejn l-għollieq jaqbad: l-ewwel nikkontemplawh qiegħed jitlob, imbagħad nisimgħuh jgħallimna nitolbu, biex fl-aħħar nifhmu kif se jisma' t-talb tagħna.

Ġesù jitlob

470-473 2599 L-Iben ta' Alla, magħmul iben tal-Verġni, tgħallem ukoll jitlob skont il-qalb tiegħu ta' bniedem. Tgħallem il-formoli tat-talb mingħand Ommu li kienet tgħożż f'qalbha u taħseb fuq l-"għeġubijiet" li għamel is-Setgħani (ara *Lq* 1,49; 2,19; 2,51). Tgħallem jitlob bil-kliem u r-ritmu tat-talb ta' ġensu, fis-sinagoga ta' Nazaret u fit-Tempju. Iżda t-talb
584 tiegħu kien ħiereġ minn għajn għal kollox moħbija, kif ta

x'jifhem meta kellu tnax-il sena: "Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" (*Lq* 2,49). Hawn jibda juri dak li kien hemm ġdid fit-talb, fil-milja taż-żminijiet: *talb ta' wlied, filjali*, talb li l-Missier jistenna mingħand uliedu, talb li kellu jgħixu l-istess Iben waħdieni bħala bniedem, mal-bnedmin u għalihom. 534

2600 L-Evanġelju ta' San Luqa juri sewwa x'kienet il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u x'kien ifisser it-talb fil-ministeru ta' Kristu. Ġesù *talab* qabel il-mumenti deċiżivi tal-missjoni tiegħu: qabel ma l-Missier ta x-xhieda għalih fil-Magħmudija 535
tiegħu (ara *Lq* 3,21), waqt it-Trasfigurazzjoni (ara *Lq* 9,28), 554
qabel ma temm il-Pjan tal-imħabba tal-Missier bil-Passjoni 612
tiegħu (ara *Lq* 22,41-44). Jitlob ukoll qabel il-mumenti deċiżivi li fihom kien se jimpenja l-Appostli fil-missjoni tagħhom: qabel għażel u sejjaħ lit-Tnax (ara *Lq* 6,12), qabel ma Pietru stqarr li kien "il-Messija ta' Alla" (*Lq* 9,18-20), u 858; 443
fl-aħħar nett biex il-fidi tal-kap tal-Appostli ma tiġix nieqsa fil-mument tat-tentazzjoni (ara *Lq* 22,32). It-talb ta' Ġesù qabel il-ġrajjiet tas-salvazzjoni li l-Missier riedu jagħmel, hu rabta umli u kollha fiduċja tar-rieda tiegħu ta' bniedem mar-rieda kollha mħabba tal-Missier.

2601 "Darba Ġesù kien qiegħed xi mkien jitlob. Meta spiċċa mit-talb wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: 'Mulej, għallimna nitolbu'" (*Lq* 11,1). Tgħid ma kinitx id-dehra tal-Imgħallem jitlob, li wasslet lil dan id-dixxiplu ta' Kristu biex ikollu x-xewqa li jitlob? Għaldaqstant, jista' jitgħallem mill-Imgħallem stess tat-talb. Huma u *jikkontemplaw* u jisimgħu l-Iben li l-ulied jitgħallmu jitolbu lill-Missier. 2765

2602 Ġesù spiss kien imur f'xi post imwarrab, *waħdu*, fuq xi muntanja, l-aktar bil-lejl, biex jitlob (ara *Mk* 1,35; 6,46; *Lq* 5,16). Fit-talb tiegħu *hemm il-bnedmin kollha*, għax hu 616
ħa n-natura ta' bniedem fl-Inkarnazzjoni tiegħu, u joffriha

lill-Missier huwa u joffri wkoll lilu nnifsu. Hu l-Verb li "sar bniedem", fit-talba tiegħu ta' bniedem isieħeb dak kollu li jgħixu l-bnedmin "ħutu" (*Lh* 2,12); jagħder id-dgħufija tagħhom biex jeħlishom minnha (ara *Lh* 2,15; 4,15). Għalhekk bagħtu l-Missier. Kliemu u għemilu b'hekk jidhru bħala manifestazzjoni tat-talba tiegħu "fil-moħbi".

2603 L-evanġelisti żammewlna b'mod l-aktar ċar, żewġ talbiet ta' Kristu, tul il-ministeru tiegħu. Kull waħda tibda b'radd ta' ħajr. Fl-ewwel talba (ara *Mt* 11,25-27; u *Lq* 10,21-22) Ġesù jfaħħar lill-Missier, jagħrfu u jbierku għax ħeba l-misteri tas-Saltna lil dawk li jaħsbu li huma għorrief, u wriehom liċ-"ċkejknin" (il-foqra tal-beatitudni). L-għajta tiegħu "Iva, Missier!" turi x'kellu fil-fond ta' qalbu, ir-rabta sħiħa ma' dak "li jogħġob" lill-Missier, eku tal-"Fiat" ("Ikun minni") ta' Ommu Marija meta nisslitu fil-ġuf tagħha, u preludju għal dak li kien se jgħid lill-Missier waqt l-agunija tiegħu. It-talb ta' Ġesù hu kollu kemm hu rabta sħiħa kollha mħabba tal-qalb tiegħu ta' bniedem, mal-"misteru tar-rieda" tal-Missier (ara *Ef* 1,9).

2604 It-tieni talba nsibuha f'San Ġwann (ara *Ġw* 11,41-42) qabel il-qawmien ta' Lazzru mill-mewt. Ir-radd il-ħajr jiġi qabel il-fatt. "Missier, inroddlok ħajr li smajtni", u dan ifisser li l-Missier dejjem jisma' dak li jitolbu; u Ġesù minnufih iżid: "Kont naf li int dejjem tismagħni", u dan ifisser li, min-naħa tiegħu, Ġesù *jitlob* mingħajr ma jieqaf qatt. Hekk, it-talba ta' Ġesù, mibdija b'radd ta' ħajr, turina kif għandna nitolbu. *Qabel* jingħata d-don, Ġesù jintrabat mal-Missier, dak li jagħti, u li jagħti lilu nnifsu fid-doni tiegħu. Dak li jagħti hu wisq aktar għażiż mid-don li jagħti, hu t-"Teżor", u fih hi l-qalb ta' Ibnu; id-don hu mogħti bħala "xi ħaġa aktar" (ara *Mt* 6,21.33).

It-talba "saċerdotali" ta' Ġesù (ara *Ġw* 17) għandha post speċjali fil-Pjan tas-salvazzjoni. Nimmeditawha fi tmiem l-ewwel Sezzjoni.

Fil-fatt turi t-talba li jibqa' dejjem jagħmel il-Qassis il-kbir tagħna u, fl-istess ħin, fiha dak kollu li jgħallimna fit-talba tagħna lill-Missier, li tiġi mfissra fit-tieni Sezzjoni.

2605 Meta waslet is-siegħa biex itemm il-pjan ta' mħabba tal-Missier, Ġesù wriena l-kobor bla qies tat-talba tiegħu bħala Iben, mhux biss qabel ta lilu nnifsu minn rajh għalina ("Missier ... tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi" – *Lq* 22,42), imma wkoll sal-*aħħar kelmiet tiegħu* fuq is-salib, dak il-ħin li fih it-talba tiegħu u l-offerta tiegħu nnifsu saru ħaġa waħda: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (*Lq* 23,34). "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi" (*Lq* 23,43). "Mara, hawn hu ibnek". "Hawn hi ommok" (*Ġw* 19,26-27). "Għandi l-għatx!" (*Ġw* 19,28). "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!" (*Mk* 15,34; ara *Salm* 22,2). "Kollox hu mitmum!" (*Ġw* 19,30). "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi" (*Lq* 23,46) sal-"għajta kbira" meta miet u radd ruħu (ara *Mk* 15,37; *Ġw* 19,30b).

2606 In-niket kollu tal-bnedmin ta' kull żmien, tal-bnedmin ilsiera tad-dnub u l-mewt, it-talb u l-interċessjonijiet tal-ġrajja kollha tas-salvazzjoni jinsabu miġburin f'din l-għajta kbira tal-Verb magħmul bniedem. U ara l-Missier jilqagħhom, u kontra kull tama jismagħhom għax iqajjem lil Ibnu mill-imwiet. U hekk isseħħ u tintemm il-ġrajja tat-talb fil-Pjan tal-ħolqien u tas-salvazzjoni. Is-Salterju jurina kif dan nifhmuh fi Kristu. Hu fl-*Illum* tal-Qawmien mill-imwiet, li l-Missier jgħid: "Ibni int, jien illum nissiltek. *Itlobni*, u l-ġnus *nagħtik* b'wirtek, u truf l-art bi priża tiegħek" (*Salm* 2,7-8; ara *Atti* 13,33).

L-Ittra lil-Lhud turi b'mod drammatiku kif it-talba ta' Ġesù rebħet is-salvazzjoni: "Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu" (*Lh* 5,7-9).

Ġesù jgħallimna nitolbu

520 2607 Meta Ġesù jitlob ikun ġa jgħallimna nitolbu. Il-mixja teologali lejn Alla tat-talb tagħna hi t-talba ta' Kristu lill-Missier. Iżda l-Evanġelju jagħtina wkoll it-tagħlim espliċitu ta' Kristu fuq it-talb. Bħala għalliem tagħna, jeħodna minn fejn inkunu, u pass pass iressaqna lejn il-Missier. Huwa u jkellem il-folol li kienu jmorru warajh, Ġesù kien jibda minn dak li kienu jkunu jafu dwar it-talb skont il-Patt il-Qadim, u jurihom x'kien hemm ġdid fis-Saltna li kellha tiġi. Imbagħad permezz tal-parabboli, kien jurihom x'kienet din il-ħaġa ġdida. Fl-aħħar nett lid-dixxipli, li kellhom ikunu l-għalliema tat-talb fil-Knisja tiegħu, ikellimhom bid-dieher dwar il-Missier u l-Ispirtu s-Santu.

541; 1430 2608 Wara *d-Diskors tal-Muntanja*, Ġesu jinsisti fuq il-ħtieġa tal-*konverżjoni tal-qalb*: ir-rikonċiljazzjoni ma' ħuk qabel twassal l-offerta tiegħek fuq l-artal (ara *Mt* 5,23-24), l-imħabba tal-għedewwa u t-talb għall-persekuturi (ara *Mt* 5,44-45), it-talb lill-Missier "fil-moħbi" (*Mt* 6,6), mingħajr ħafna tlablib bil-kliem (ara *Mt* 6,7), il-maħfra mill-fond tal-qalb waqt it-talb (ara *Mt* 6,14-15), is-safa tal-qalb u t-tfittix tas-Saltna (ara *Mt* 6,21.25.33). Din il-konverżjoni hi kollha kemm hi diretta lejn il-Missier, hi konverżjoni ta' iben lejn Missieru.

153 2609 Qalb li b'dan il-mod tiddeċiedi li tikkonverti, titgħallem
1814 titlob fil-*fidi*. Il-fidi hi għaqda ta' iben ma' Alla, 'il fuq minn dak kollu li nħossu jew nifhmu. Dan seta' jkun għax l-Iben il-maħbub fetħilna l-bieb għal għand il-Missier. Jista' jgħidilna biex "infittxu" u "nħabbtu" għax hu stess hu l-bieb u t-triq (ara *Mt* 7,7-11.13-14).

2610 Bil-mod kif Ġesù jitlob lill-Missier u jrodd ħajr qabel jirċievi d-doni tiegħu, jgħallimna nitolbu bl-istess *kuraġġ tiegħu ta' iben*: "Kulma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu

li tkunu ġa qlajtuh" (*Mk* 11,24). Tant hi kbira l-qawwa tat-talb li "kollox jista' jkun għal min jemmen" (*Mk* 9,23), b'fidi 165
hekk kbira li ma jkunx hemm lok ta' tħassib (ara *Mt* 21,22). Daqskemm jitnikket Ġesù bin-"nuqqas ta' fidi" ta' dawk li kienu qrib tiegħu (*Mk* 6,6), u bil-"ftit fidi" tad-dixxipli tiegħu (ara *Mt* 8,26) daqshekk ieħor juri stagħġib għall-"fidi kbira" taċ-ċenturjun Ruman (ara *Mt* 8,10) u tal-Kangħanija (ara *Mt* 15,28).

2611 It-talba tal-fidi mhijiex biss li tgħid "Mulej, Mulej" imma hi wkoll tħejjija tal-qalb biex tagħmel *ir-rieda ta' Alla* 2827
(*Mt* 7,21). Din il-ħerqa għall-kooperazzjoni mal-Pjan ta' Alla, Ġesù stieden lid-dixxipli biex juruha fit-talb (ara *Mt* 9,38; *Lq* 10,2; *Ġw* 4,34).

2612 F'Ġesù, "is-Saltna ta' Alla hi fil-qrib"; Ġesù jistieden mhux biss għall-konverżjoni u għall-fidi, imma wkoll għas-*sahra*. Fit-talb, id-dixxiplu jishar attent għal dak li Hu u li 672
Ġej, huwa u jiftakar fl-ewwel miġja tiegħu meta ċċekken u sar bniedem bħalna, huwa u jittama fit-tieni Miġja tiegħu fil-Glorja (ara *Mk* 13; *Lq* 21,34-36). F'għaqda mal-Imgħallem 2725
tagħhom, it-talba tad-dixxipli hi taqbida, u għax min jishar fit-talb ma jaqax fit-tiġrib (ara *Lq* 22,40.46).

2613 San Luqa ħallielna tliet *parabboli* ewlenin fuq it-talb: 546

L-ewwel waħda tal-"ħabib wiċċu sfiq" (ara *Lq* 11,5-13) hi stedina għat-talb bla waqfien: "Ħabbtu u jiftħulkom". Lil min jitlob b'dan il-mod, il-Missier tas-sema "jagħtih kulma jkollu bżonn" u l-aktar l-Ispirtu s-Santu li fih hemm id-doni kollha.

It-tieni hi dik tal-"armla ġejja u sejra għand l-imħallef biex jagħmel ħaqq magħha" (ara *Lq* 18,1-8): hi dwar waħda mill-kwalitajiet tat-talb: għandna nitolbu dejjem mingħajr qatt ma nintelqu u nitolbu bis-*sabar* li jiġi mill-fidi. "Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?"

It-tielet waħda hi dik tal-"Fariżew u l-pubblikan" (ara *Lq* 18,9-14) u hi dwar *l-umiltà* tal-qalb fit-talb. "O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!" Din it-talba 2559
l-Knisja qatt ma tieqaf tagħmilha talba tagħha: "Kyrie, eleison".

2614 Meta Ġesu għarraf bid-dieher lid-dixxipli tiegħu l-misteru tat-talb lill-Missier, uriehom kif kellu jkun it-talb tagħhom u tagħna, wara li hu jkun reġa' lura għand il-Missier, bl-umanità gglorifikata tiegħu. Dak li hemm ġdid issa hu li
434 "[nitolbu] *f'ismu*" (*Ġw* 14,13). Il-fidi fih wasslet lid-dixxipli għall-għarfien tal-Missier, għax Ġesù hu "it-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (*Ġw* 14,6). Il-fidi tagħti l-frott tagħha fl-imħabba: tħares il-Kelma tiegħu, il-kmandamenti tiegħu, tibqa' miegħu fil-Missier li fih iħobbna tant li jasal biex jgħammar fina. F'dan il-Patt il-Ġdid, aħna żguri li dak li nitolbu se jingħatalna għax ibbażat fuq it-talba ta' Ġesù (ara *Ġw* 14,13-14).

2615 Barra dan, dak li l-Missier jagħtina meta t-talba tagħna hi magħquda ma' dik ta' Ġesù, hu "Difensur ieħor", biex jibqa' dejjem magħna, "l-Ispirtu tal-Verità" (*Ġw* 14,16-17). Din il-ħaġa ġdida fit-talb u l-kondizzjonijiet għaliha narawhom permezz tad-Diskors tal-aħħar ta' Ġesù (ara *Ġw* 14,23-26; 15,7.16; 16,13-15; 16,23-27). It-talb Nisrani, fl-Ispirtu s-Santu, hu għaqda ta' mħabba mal-Missier, mhux biss permezz ta' Kristu, imma wkoll *fi Kristu*: "Sa issa ma tlabtu xejn f'ismi. Itolbu u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ" (*Ġw* 16,24).

Ġesù jisma' t-talb tagħna

2616 It-talb *lil Ġesù* ġa nstema' minnu waqt il-ministeru tiegħu, permezz tas-sinjali li ħabbru l-qawwa tal-Mewt u l-Qawmien tiegħu mill-imwiet: Ġesù jisma'
548 t-talba tal-fidi, magħmula bil-kliem[5], magħmula

[5] Il-lebbruż (ara *Mk* 1, 40-41); Ġajru (ara *Mk* 5,36); il-Kangħanija (ara *Mk* 7,29); il-ħalliel it-tajjeb (ara *Lq* 23,39-43).

fis-skiet.[6] It-talba ħerqana tal-għomja: "Bin David, ħenn għalina!" (*Mt* 9,27) jew "Bin David, ikollok ħniena minni!" (*Mk* 10,48), it-tradizzjoni daħħlitha fit-*Talba lil Ġesù*: "Ġesù, 2667
Kristu, Iben Alla, Mulej, ħenn għalija, jiena midneb". U Ġesù dejjem iwieġeb għat-talb li jsirlu bil-fidi, kemm biex ifejjaq mill-mard u kemm biex jaħfer id-dnubiet: "Mur fis-sliem! Il-fidi tiegħek salvatek!"

> Santu Wistin jiġbor fil-qasir b'mod tal-għaġeb it-tliet dimensjonijiet tat-talba ta' Ġesù: "Orat pro nobis, ut Sacerdos noster; orat in nobis, ut Caput nostrum; oratur a nobis, ut Deus noster. Agnoscamus ergo et in Illo voces nostras, et voces Eius in nobis" – "Jitlob għalina bħala l-Qassis tagħna, jitlob fina bħala r-Ras tagħna, hu mitlub minna bħala Alla tagħna. Nagħrfu mela l-ilħna tagħna fih u l-ilħna tiegħu fina".[7]

It-talba tal-Verġni Marija

2617 It-talba tal-Verġni Marija tidher lilna fis-sebħ tal-milja 148
taż-żminijiet. Qabel l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u qabel l-miġja tal-Ispirtu s-Santu, it-talba tagħha tissieħeb b'mod ma hemmx ieħor bħalu mal-Pjan kollu mħabba tal-Missier: fit-Tħabbira tal-Anġlu għat-tnissil ta' Kristu *(ara Lq* 1,38) u 494
matul l-istennija tal-miġja tal-Ispirtu s-Santu ħa tissawwar il-Knisja, il-Ġisem ta' Kristu (ara *Atti* 1,14). Fil-fidi tal-qaddejja umli ta' Alla, id-Don ta' Alla jiġi milqugħ kif kien mistenni sa mill-bidu taż-żminijiet. Dik li dak li jista' kollox għamilha "mimlija bil-grazzja" twieġeb bl-offerta tagħha nnifisha kollha 490
kemm hi: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skont

[6] Dawk li refgħu l-mifluġ (ara *Mk* 2,5); il-mara li kienet tbati b'nixxiegħa tad-demm, li missitlu l-libsa (ara *Mk* 5,28); il-mara midinba li ħaslitlu saqajh bi dmugħha u bil-fwejjaħ tagħha (ara *Lq* 7, 37-38).

[7] Santu Wistin, *Taħdita dwar Salm* 85, 1: PL 36, 1081; ara *Liturġija tas-Sigħat*, Istituzzjoni Ġenerali, 7.

kkk 913-938 latest.OK (r).indd 928-929 5/16/2014 11:56:13 AM

kelmtek". *Fiat*, hi t-talba Nisranija: tkun kollok għalih għax hu kollox għalina.

2674 2618 L-Evanġelju jurina kif Marija tidħol għalina bil-fidi: fit-tieġ ta' Kana (ara *Ġw* 2,1-12). Omm Ġesù titlob lil Binha għal dak li kien meħtieġ fl-ikla tat-tieġ, xbieha ta' Ikla oħra, dik tat-tieġ tal-Ħaruf li jagħti Ġismu u Demmu meta titlobhomlu l-Knisja, l-Għarusa tiegħu. U huwa fil-ħin tal-Patt il-Ġdid,
726 ħdejn is-salib (ara *Ġw* 19,25-27) li t-talb ta' Marija jiġi mismugħ bħala t-talb tal-Mara, l-Eva ġdida, il-vera "omm il-ħajjin kollha".

2619 Hu għalhekk li l-kantiku ta' Marija (ara *Lq* 1,46-55), (*il-Magnificat* Latin, u *l-Megalinarju* Biżantin), hu fl-istess waqt il-kantiku ta' Omm Alla u kantiku tal-Knisja, kantiku ta' Bint Sijon u kantiku tal-Poplu l-ġdid ta' Alla, kantiku ta' radd il-ħajr għall-milja tal-grazzja mogħtija bil-Pjan tas-
724 salvazzjoni u kantiku tal-"fqajrin" li t-tamiet tagħhom twettqu għax seħħu l-wegħdiet magħmulin lil missirijietna "b'riżq Abraham u nislu għal dejjem".

Fil-qosor

2620 *Fit-Testment il-Ġdid, il-mudell perfett tat-talb insibuh fit-talba filjali ta' Kristu. Magħmula spiss meta kien ikun waħdu, fis-skiet, it-talba ta' Ġesù kienet għaqda sħiħa fl-imħabba mar-rieda tal-Missier, sas-salib, u b'tama sħiħa li tkun mismugħa.*

2621 *Fit-tagħlim tiegħu, Ġesù għallem lid-dixxipli kif jitolbu b'qalb safja, fidi ħajja u perseveranti, b'kuraġġ ta' wlied. Qalilhom jishru u stedinhom juru lil Alla x'iridu f'Ismu. Ġesù Kristu stess jisma' t-talb li jsirlu.*

2622 *It-talba tal-Verġni Marija, fil-"Fiat" u l-"Magnificat" tagħha, bħala karatteristika għandha l-offerta kollha kemm hi tagħha nnifisha bil-fidi.*

It-tielet artiklu

FIŻ-ŻMIEN TAL-KNISJA

2623 F'jum Għid il-Ħamsin, l-Ispirtu mwiegħed niżel 731
fuq id-dixxipli kif "kienu lkoll flimkien f'post wieħed" (*Atti* 2,1), jistennew "ilkoll qalb waħda, ... jitolbu flimkien" (*Atti* 1,14). L-Ispirtu li jgħallem il-Knisja u jfakkarha dak kollu li qal Kristu (ara *Ġw* 14,26) iħejjiha wkoll għal ħajja ta' talb.

2624 Fl-ewwel komunità ta' Ġerusalemm, dawk li kienu 1342
jemmnu "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (*Atti* 2,42). Dan hu ordni tipiku tat-talb tal-Knisja: mibnija fuq il-fidi tal-Appostli, turi l-verità tagħha fl-imħabba u titmantna bl-Ewkaristija.

2625 Dan it-talb hu l-ewwel nett dak li l-Insara jisimgħu u jaqraw fil-Kotba Mqaddsa, iżda jagħmluh tagħhom fil-prattika, b'mod speċjali s-Salmi, meta jarawh iseħħ fi Kristu 1092
(ara *Lq* 24,27.44). L-Ispirtu s-Santu, li jfakkar b'dan il-mod 'il Kristu lill-Knisja hija u titlob, iwassalha wkoll lejn il-verità sħiħa u jqajjem fiha formulazzjonijiet ġodda ta' talb, li jfissru l-Misteru li l-moħħ tal-bniedem ma jasal qatt biex jifhem, il-Misteru ta' Kristu li jaħdem fil-ħajja, fis-sagramenti u fil-missjoni tal-Knisja tiegħu. Dawn il-formuli ta' talb żviluppaw fit-tradizzjonijiet liturġiċi u spiritwali kbar tal-Knisja. *Il-forom* 1200

kkk 913-938 latest.OK (r).indd 930-931 5/16/2014 11:56:13 AM

ta' talb, kif turihomlna l-Iskrittura, jibqgħu dejjem in-norma tat-talb Nisrani.

I. Il-barka u l-adorazzjoni

1078 2626 Il-*barka* tfisser moviment ħiereġ mill-qalba tat-talb Nisrani: hi laqgħa bejn Alla u l-bniedem; fiha, id-Don ta' Alla u l-laqgħa tad-Don mal-bniedem, isejħu lil xulxin u jingħaqdu flimkien. It-talba tal-barka hi t-tweġiba tal-bniedem għaddoni ta' Alla; għaliex Alla jbierek, il-qalb tal-bniedem tista' bi tweġiba tbierek lil dak li hu l-bidu ta' kull barka.

1083 2627 Żewġ suriet fondamentali jfissru dan il-moviment: xi kultant il-barka, imwassla mill-Ispirtu s-Santu, titla' permezz ta' Kristu lejn il-Missier (inberkuh għax berikna: *ara Ef* 1,3-14; *2 Kor* 1,3-7; *1* Piet 1,3-9); xi kultant hi talba għall-grazzja tal-Ispirtu s-Santu li, permezz ta' Kristu, tiġina mingħand il-Missier (huwa hu li jberikna: ara *2 Kor* 13,13; *Rum* 15,5-6.13; *Ef* 6,23-24).

2096-2097 2628 L-*adorazzjoni* hi l-ewwel qagħda li l-bniedem jieħu meta jagħraf li hu ħolqien ta' Alla, u jinsab quddiem dak li ħalqu. L-adorazzjoni tgħolli l-kobor tal-Mulej li ħalaqna (ara *Salm* 95,1-6) u s-setgħa tas-Salvatur li ħelisna mid-deni. Hi l-qagħda tal-ispirtu li jinxteħet fl-art quddiem "is-Sultan tal-glorja" (*Salm* 24,9-10), u skiet kollu rispett quddiem Alla li hu "dejjem akbar minna".[8] L-adorazzjoni ta' Alla, tliet darbiet
2559 qaddis u ta' mħabba setgħana bla qies, turina ċ-ċokon kollu tagħna u tiżgurana li t-talb tagħna se jkun mismugħ.

[8] Santu Wistin, *Taħdita dwar Salm* 62, 16: PL 36, 758.

II. It-talb biex naqilgħu xi ħaġa

2629 Fit-Testment il-Ġdid, hemm għana ta' kliem li jfisser: issejjaħ, titlob u terġa' titlob, titlob li tiġi mismugħ, tgħajjat, titniehed, u wkoll "titqabad fit-talb" (ara *Rum* 15,30; *Kol* 4,12). Iżda s-sura l-aktar tas-soltu tat-talb, għax toħroġ waħedha mill-qalb, hi dik tat-talb biex naqilgħu xi ħaġa: hu f'din is-sura li nuru kif inħossu li hi l-qagħda tagħna quddiem Alla: ħlejjaq tiegħu li la aħna l-bidu tagħna nfusna, la nistgħu 396
nikkontrollaw it-tiġrib li jiġi fuqna u lanqas aħna l-għan aħħari tagħna nfusna; li aħna wkoll midinbin, u li bħala Nsara nafu li spiss nitbiegħdu minn Missierna. Meta nitolbu xi ħaġa, inkunu ġa qed nerġgħu lura lejn il-Missier.

2630 It-Testment il-Ġdid nistgħu ngħidu li ma għandux it-talb ta' lamentazzjoni, ta' tnehid, talb li nsibu ta' spiss fit-Testment il-Qadim. Wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, it-talb tal-Knisja hu kollu kemm hu mimli bit-tama, ukoll jekk hawn għadna nistennew u kuljum irridu nikkonvertu. 2090
It-talba tan-Nisrani toħroġ minn fond ieħor, minn dak li San Pawl isejjaħlu *t-tnehid* tal-ħolqien kollu "bl-uġigħ tal-ħlas" (*Rum* 8,22), it-tnehid tagħna wkoll "waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna. Aħna salvi bit-tama" (*Rum* 8,23-24); u "it-tnehid li ma jistax jitfisser bi kliem" tal-Ispirtu s-Santu li "jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax aħna lanqas biss nafu nitolbu kif imiss" (*Rum* 8,26).

2631 *It-talba għall-maħfra* hi l-ewwel pass tat-talba li biha 2838
nitolbu xi ħaġa mingħand Alla.[9] Hi d-daħla għal talba ġusta u safja. L-umiltà kollha fiduċja tagħna ddaħħalna fid-dawl tal-għaqda mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu u fl-għaqda ta' bejnietna (ara *1 Ġw* 1,7 – 2,2), hekk li "kulma nitolbu naqilgħuh mingħandu" (*1 Ġw* 3,22). It-talba għall-maħfra hi daħla għal-liturġija ewkaristika u għal kull talba personali.

[9] Ara t-talba tal-pubblikan: "O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb" *(Lq* 18,13).

2816 2632 Din it-talba tan-Nisrani biex jaqla' xi ħaġa għandha l-qofol tagħha fix-xewqa u fit-*tfittix tas-Saltna* li għandha tiġi, skont it-tagħlim ta' Ġesù (ara *Mt* 6,10.33; *Lq* 11,2.13). 1942 Hemm ġerarkija f'dak li nitolbu: l-ewwel is-Saltna, imbagħad dak li neħtieġu biex nilqgħuha u biex nagħtu sehemna ħa tiġi. Dan it-tisħib fil-missjoni ta' Kristu u tal-Ispirtu s-Santu, li issa hi l-missjoni tal-Knisja, kienet tintalab mill-komunità ta' żmien l-Appostli (ara *Atti* 6,6; 13,3). Hi t-talba ta' San Pawl, l-Appostlu *per eċċellenza*, li turina kif il-ħerqa divina tal-Knejjes kollha trid tagħti l-ħajja lit-talb Nisrani (ara *Rum* 10,1; *Ef* 1,16-23; *Fil* 1,9-11; *Kol* 1,3-6; 4,3-4.12). Bit-talba 2854 tiegħu kull imgħammed iħabrek għall-miġja tas-Saltna.

2633 Meta nissieħbu b'dan il-mod fl-imħabba ta' Alla li 2830 ssalvana, naslu biex nifhmu li nistgħu nitolbu *kulma neħtieġu*. Kristu, li tgħabba b'kollox biex jifdi kollox, jiġi gglorifikat mit-talbiet tagħna li noffru lill-Missier f'ismu (ara *Ġw* 14,13). Hu propju minħabba dan li San Ġakbu (ara *Ġak* 1,5-8) u San Pawl iħeġġuna biex nitolbu dejjem, *f'kull okkażjoni* (ara *Ef* 5,20; *Fil* 4,6-7; *Kol* 3,16-17; *1 Tess* 5,17-18).

III. It-talba ta' interċessjoni

2634 L-interċessjoni hi talba biex naqilgħu xi ħaġa li tressaqna ħafna lejn l-istess talba ta' Kristu. Hu waħdu li jidħol (jinterċedi) għall-bnedmin kollha, u l-aktar għall-midinbin, quddiem il-Missier (ara *Rum* 8,34; *1 Ġw* 2,1; *1 Tim* 432 2,5-8). "Huwa jista' jsalva għalkollox 'il dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom" (*Lh* 7,25). L-Ispirtu s-Santu stess "jidħol għalina bit-talb tiegħu ... u bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin, skont ma jrid Alla" (*Rum* 8,26-27).

2635 L-interċessjoni, jiġifieri t-talba favur xi ħadd, sa minn 2571 żmien Abraham, hi t-talba ta' wieħed li jinsab f'armonija sħiħa mal-ħniena ta' Alla. Fi żmien il-Knisja, l-interċessjoni Nisranija tissieħeb fl-interċessjoni ta' Kristu: turi x-xirka tal-qaddisin. Fl-interċessjoni, min jitlob, jitlob mhux dak "li 2577 jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor" (*Fil* 2,4) u jasal biex jitlob ukoll għal min jagħmillu d-deni.[10]

2636 L-ewwel komunitajiet Insara għexu b'mod l-aktar qawwi din is-sura ta' għajnuna għal xulxin (ara *Atti* 12,5; 20,36; 21,5; *2 Kor* 9,14). Hu b'dan il-mod li San Pawl sieħeb oħrajn fil-ministeru tiegħu għax-xandir tal-Evanġelju (ara *Ef* 6,18-20; *Kol* 4,3-4; *1 Tess* 5,25), iżda kien jitlob għalihom ukoll (ara *2 Tess* 1,11; *Kol* 1,3; *Fil* 1,3-4). L-interċessjoni tal-Insara tħaddan lil kulħadd: "għall-bnedmin kollha; għas-slaten" (*1 Tim* 2,1), għall-persekuturi *(*ara *Rum* 12,14), 1900 għas-salvazzjoni ta' dawk li jiċħdu l-Evanġelju (ara *Rum* 1037 10,1).

IV. It-talba ta' radd il-ħajr

2637 Ir-radd ta' ħajr hu karatteristiku fit-talb tal-Knisja, li, 224; 1328 hija u tiċċelebra l-Ewkaristija, turi u tassew tkun dak li hi fil-fatt. Dan għaliex bl-opra tas-salvazzjoni Kristu ħeles il-ħolqien mid-dnub u l-mewt biex jikkonsagrah mill-ġdid u jreġġgħu lura għand il-Missier, għall-glorja tiegħu. Ir-radd il-ħajr tal-membri tal-Ġisem għandu sehem mir-radd ta' ħajr tar-Ras tal-Ġisem. 2603

[10] San Stiefnu talab għal dawk li kienu jħaġġruh (ara *Atti* 7, 60), kif Ġesù talab għal dawk li sallbuh (ara *Lq* 23,28.34).

2638 Kif jiġri fit-talba li biha nitolbu xi ħaġa, hekk ukoll fit-talb ta' radd il-ħajr: kull ġrajja, kull ħtieġa tista' ssir offerta ta' radd il-ħajr. L-Ittri ta' San Pawl spiss jibdew u jintemmu b'radd ta' ħajr u l-Mulej Ġesù hu dejjem hemm fih. "Iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla mingħandkom fi Kristu Ġesù" (*1 Tess* 5,18); "Żommu sħiħ fit-talb, ishru fih b'radd ta' ħajr lil Alla" (*Kol* 4,2).

V. It-talb ta' tifħir

2639 It-tifħir hu dik is-sura ta' talb li tagħraf minnufih li Alla hu tassew Alla! Tfaħħru għalih innifsu; tagħtih glorja, mhux
213 biss għal dak li għamel, imma għal dak li HU. Tissieħeb fil-hena qaddis tal-qlub safja li jħobbuh bil-fidi qabel stess ma jarawh fil-glorja. Bih, l-Ispirtu s-Santu jissieħeb mal-ispirtu tagħna biex jixhdilna li aħna wlied Alla (ara *Rum* 8,16), jagħti xhieda għall-Iben il-waħdieni li fih sirna wlied adottivi u li bih nagħtu glorja lill-Missier. It-tifħir jgħaqqad flimkien is-suriet l-oħra tat-talb u jwassalhom għand dak li hu l-bidu u t-tmiem: "Alla wieħed hemm: il-Missier li minnu ġej kollox u aħna bih neżistu" (*1 Kor* 8,6).

2640 San Luqa fl-Evanġelju tiegħu spiss isemmi l-istagħġib u t-tifħir tan-nies quddiem l-għeġubijiet ta' Kristu, u jsemmi l-istagħġib u t-tifħir ukoll għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu li huma fl-Atti tal-Appostli: il-komunità ta' Ġerusalemm (ara *Atti* 2,47), il-fejqan tal-magħtub minn San Pietru u San Ġwann (ara *Atti* 3,9), il-folla li tagħti glorja lil Alla (ara *Atti* 4,21), u l-pagani ta' Pisidja li "bdew jifirħu u jigglorifikaw il-kelma tal-Mulej" (*Atti* 13,48).

2641 "Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej" (*Ef* 5,19; *Kol* 3,16). Bħall-kittieba mnebbħa tat-Testment il-Ġdid, l-ewwel komunitajiet Insara kienu jaqraw il-ktieb tas-
2587 Salmi u bihom ikantaw il-misteru ta' Kristu. Fil-ħajja ġdida tal-Ispirtu li kienu jgħixu, huma kitbu wkoll innijiet u kantiċi biex jiċċelebraw il-misteru moħbi li Alla ried iseħħ f'Ibnu: l-Inkarnazzjoni, il-mewt rebbieħa tiegħu fuq il-mewt, il-qawmien mill-imwiet u t-tlugħ fis-sema fuq il-lemin tal-Missier

(ara *Fil* 2,6-11; *Kol* 1,15-20; *Ef* 5,14; *1 Tim* 3,16; 6,15-16; *2 Tim* 2,11-13). Hu dan l-"għemil tal-għaġeb" tal-Pjan kollu tas-Salvazzjoni, li xxandar id-dossoloġija, jiġifieri t-tifħir ta' Alla (ara *Ef* 1,3-14; *Rum* 16,25-27; *Ef* 3,20-21; *Ġuda* 24-25).

2642 Ir-rivelazzjoni "ta' dak li għandu jiġri ma jdumx", l-Apokalissi, issir permezz tal-kantiċi tal-liturġija tas-Sema (ara *Apok* 4,8-11; 5,9-14; 1137
7,10-12); (kif ukoll) permezz tal-interċessjoni tax-"xhieda" (il-martri: *Apok* 6,10). Il-profeti u l-qaddisin, dawk kollha li ġew maqtula fuq l-art minħabba x-xhieda ta' Ġesù (ara *Apok* 18,24), il-kotra l-kbira ta' dawk li ħarġu mit-tiġrib il-kbir u marru qabilna fis-Saltna, ikantaw it-tifħir tal-glorja ta' Dak li qiegħed bilqiegħda fuq it-tron u tal-Ħaruf (ara *Apok* 19,1-8). F'xirka magħhom, il-Knisja fuq l-art tkanta hi wkoll dawn il-kantiċi, bil-fidi u waqt it-tiġrib, u fit-talb li bih nitolbu xi ħaġa jew nitolbu għal xi ħadd, tittama, ukoll meta ma hemmx ebda tama, u trodd ħajr lill-Missier, "il-għajn tad-dawl", li minnu jingħata "kull don perfett" (*Ġak* 1,17). Il-fidi hi wkoll tifħir safi.

2643 L-Ewkaristija tiġbor fiha u tesprimi s-suriet kollha tat-talb: hi "l-offerta safja" tal-Ġisem kollu ta' Kristu, għall-glorja ta' Ismu (ara *Mal* 1,11): hi, skont it-Tradizzjoni kemm tal-Lvant u kemm tal-Punent "is-sagrifiċċju ta' tifħir" *per* 1330
eċċellenza.

Fil-qosor

2644 *L-Ispirtu s-Santu jgħallem lill-Knisja u jfakkarha f'dak kollu li qal Ġesù u jħarriġha wkoll fil-ħajja tat-talb, u jqanqal espressjonijiet ta' talb li bla heda jiġġeddu fi ħdan is-suriet ta' talb li għandha l-Knisja: barkiet, talb għal xi grazzja, interċessjonijiet, radd il-ħajr u tifħir.*

2645 *Għax Alla jbierku, il-bniedem, min-naħa tiegħu, jista' jbierek lil Dak li hu l-bidu ta' kull barka.*

2646 *Hemm talb għall-maħfra, talb biex infittxu s-Saltna u talb ukoll għal kulma neħtieġu.*

2647 *It-talb ta' intercessjoni favur xi ħadd m'għandux limitu u hu talb ukoll għall-għedewwa.*

2648 *Kull ferħ u kull niket, il-ġrajjiet kollha u kull ħtieġa, jistgħu jwassluna għal radd il-ħajr li, msieħeb ma' dak ta' Kristu, għandu jimla ħajjitna kollha: "Iżżu ħajr lil Alla f'kollox"* (*1 Tess* 5,18).

2649 *It-talb ta' tifħir, meta l-qalb ma tfittex xejn lura, għandu jwassalna għand Alla: inkantaw lil Alla, nagħtuh glorja, mhux biss għal dak li għamel, imma wkoll għal dak li HU.*

IT-TIELET KAPITLU

IL-ĦAJJA TAT-TALB

2697 It-talb hu l-ħajja ta' qalb ġdida; irid jagħtina l-ħajja f'kull waqt u f'kull ħin. Issa aħna spiss ninsew lil dak li hu l-Ħajja tagħna, dak kollu li aħna. Hu għalhekk li Missirijiet il-ħajja spiritwali, fit-tradizzjoni tad-Dewteronomju u tal-Profeti, jinsistu fuq it-talb bħala "tifkira ta' Alla", li spiss tqanqal "it-tifkira tal-qalb". "Għandna niftakru f'Alla aktar ta' spiss milli 1099
nieħdu n-nifs".[1] Iżda ma naslux biex nitolbu "il-ħin kollu", jekk ma nitolbux f'mumenti partikulari, u jekk ma jkollniex ir-rieda: dawn il-mumenti jsiru l-mumenti tal-grazzja tat-talb Nisrani, kemm f'dik li hi ħeġġa u kemm f'dak li hu tul.

2698 It-Tradizzjoni tal-Knisja toffri lill-fidili ċerti ritmi ta' 1168
talb sabiex isostnu t-talb li ma jaqtax. Uħud minn dawn ir-ritmi huma kuljum: it-talb ta' filgħodu u t-talb ta' filgħaxija, it-talb ta' qabel u wara l-ikel, u l-Liturġija tas-Sigħat. Il-jum 1174
tal-Ħadd, li l-qofol tiegħu hu l-Ewkaristija, inqaddsuh l-aktar 2177
bit-talb. Iċ-ċiklu tas-sena liturġika u l-festi l-kbar huma ritmi fundamentali fil-ħajja tat-talb tal-Insara.

2699 Il-Mulej imexxi lil kull persuna permezz ta' mogħdijiet u mit-triqat li jogħġbu lilu. U kull Nisrani jwieġeb lill-Mulej skont kif tgħidlu qalbu u kif personalment ifissru bi kliemu

[1] San Girgor Nazjanzenu, *Taħdita* 27 (*Teoloġika* 1), 4: PG 36, 16.

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 955 5/16/2014 11:59:20 AM

fit-talb tiegħu. Hemm tliet suriet ewlenin ta' talb: it-talb bil-fomm, il-meditazzjoni, u t-talb kontemplattiv. It-tliet suriet ta' talb għandhom l-istess aspett fundamentali: ġabra tal-
2563 qalb. L-attenzjoni biex tgħożż il-Kelma u tibqa' quddiem Alla jagħmlu dawn it-tliet suriet ta' talb il-mumenti l-aktar qawwija tal-ħajja tat-talb.

L-ewwel artiklu

IS-SURIET TAT-TALB

I. It-talb bil-fomm

2700 Alla jkellem lill-bniedem bil-Kelma tiegħu. Hu bil-
1176 kliem, tal-fomm u tal-moħħ, li t-talb jitlissen. Iżda l-aktar ħaġa importanti fit-talb hi li qalbna tkun qiegħda quddiem Dak li nkunu nkellmu fit-talb tagħna. "Is-smigħ tat-talb tagħna jiddependi, mhux minn kemm ngħidu kliem, imma mill-ħeġġa tar-ruħ".[2]

2701 It-talb bil-fomm hu ħaġa li l-ħajja Nisranija ma tistax tgħaddi mingħajrha. Lid-dixxipli, miġbudin mit-talb fis-skiet tal-Imgħallem tagħhom, il-Mulej għallimhom jitolbu bil-fomm, għallimhom il-"Missierna". Ġesù mhux biss talab bit-
2603 talb liturġiku tas-sinagoga; l-Evanġelji juruhulna jerfa' leħnu f'talb personali, mit-talba ta' barka ferrieħa tal-Missier (ara
612 *Mt* 11,25-26) sat-talba mimlija niket fil-Ġetsemani (ara *Mk* 14,36).

[2] San Ġwann Griżostmu, *Dwar id-don tat-talb*, 2: PG 63, 583; *Omelija* 2 *dwar Anna*, 2: PG 54, 646.

2702 Il-ħtieġa li s-sensi jissieħbu mat-talb tal-qalb, tintalab mill-istess natura tagħna l-bnedmin. Aħna ruħ u ġisem u 1146
nħossu l-ħtieġa li nuru minn barra x'qegħdin inħossu ġewwa fina. Għandna nitolbu bir-ruħ u l-ġisem, bl-esseri kollu tagħna biex it-talb tagħna jkollu l-qawwa kollha li jista' jkollu.

2703 Din il-ħtieġa jitlobha Alla wkoll. Alla jrid adoraturi veri fl-Ispirtu u l-Verità, u għalhekk it-talb tagħna jrid joħroġ ħaj mill-fond ta' ruħna. Alla jrid li nuru bil-fomm dak li qed ngħidu f'qalbna, għax irid li ġisimna jkun imsieħeb mat-talb tar-ruħ, għax hekk ikollu l-qima perfetta ta' dak kollu li għandu dritt 2097
għalih.

2704 Peress li joħroġ fid-dieher u hu ġest daqstant uman, it-talb bil-fomm hu fih innifsu talb tal-ġemgħa. Iżda wkoll, it-talb l-aktar mistur fil-moħħ, jeħtieġ it-talb bil-fomm. It-talb jieħu din is-sura minn kemm ikollna għarfien ta' Dak "li miegħu qed nitħaddtu".[3] B'dan il-mod, it-talb bil-fomm isir l-ewwel sura tat-talb kontemplattiv.

II. Il-meditazzjoni

2705 Il-meditazzjoni hi fuq kollox tfittix. L-ispirtu jfittex jifhem l-għaliex u l-kif tal-ħajja Nisranija biex jintrabat u 158
jwieġeb għal dak li l-Mulej jitlob. Tinħtieġ attenzjoni ħajja u li diffiċli titrawwem fina. Ġeneralment, wieħed jgħin ruħu b'xi ktieb, u l-Insara mhumiex neqsin minn dawn il-kotba: l-Iskrittura, l-Evanġelju b'mod singulari, l-ikoni mqaddsa, 127
it-testi liturġiċi tal-ġurnata jew taż-żmien, il-kitbiet ta'

[3] Santa Tereża ta' Ġesù, *Triq il-Perfezzjoni,* 26, 9: ara *Il-Kitba ta' Santa Tereża ta' Ġesù,* II. *Triq il-Perfezzjoni u Kastell Ġewwieni,* Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 1991, 113.

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 956-957 5/16/2014 11:59:20 AM

Missirijiet il-ħajja spiritwali, l-opri ta' spiritwalità, il-ktieb kbir tal-ħolqien u dak kbir ukoll tal-istorja, il-paġna tal-"lllum" ta' Alla.

2706 Meta timmedita dwar dak li taqra, tasal biex tagħmlu tiegħek, int u tqabblu miegħek innifsek. Hawn jinfetaħ ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Wieħed jgħaddi mill-ħsibijiet għall-fatti. Daqskemm wieħed ikun umli u jemmen, daqshekk ieħor isib x'qed iqanqallu l-qalb, u jagħrfu. Tkun tfittex il-verità biex tasal għad-dawl: "Mulej, xi tridni nagħmel?"

2690 2707 Il-metodi tal-meditazzjoni jvarjaw skont l-għalliema spiritwali. In-Nisrani għandu jkollu r-rieda li jagħmel kuljum il-meditazzjoni, inkella jkun jixbah l-ewwel tliet suriet ta' art li fuqhom waqgħet iż-żerriegħa ta' dak li ħareġ jiżra' (ara *Mk* 4,4-7.15-19). Iżda kull metodu hu biss gwida: l-importanti hu li wieħed jimxi 'il quddiem, flimkien mal-Ispirtu s-Santu, mit-triq waħdanija tat-talb: Ġesù
2664 Kristu.

2708 Il-meditazzjoni timpenja l-ħsieb, l-immaġinazzjoni, l-emozzjonijiet u x-xewqat. Dan l-impenn hu meħtieġ biex tikber il-konvinzjoni tal-fidi, titqanqal il-qalb għall-indiema u l-konverżjoni, u tissaħħaħ ir-rieda tal-mixi wara Kristu. It-
516 talb Nisrani jfittex l-aktar li jimmedita "il-misteri ta' Kristu", kif
2678 isir fil-"lectio divina" u fir-Rużarju. Din ir-riflessjoni fit-talb hi ta' siwi kbir, iżda t-talb Nisrani għandu jfittex li jmur aktar 'il bogħod: irid jasal għall-għarfien tal-imħabba tal-Mulej Ġesù, għall-għaqda sħiħa miegħu.

III. It-talb kontemplattiv

2709 X'inhu t-talb kontemplattiv? Santa Tereża tweġibna: "It-talb mentali, skont ma nifhem jien, mhux ħaġ'oħra ħlief

relazzjoni [rabta] ta' ħbieb, taħdita ta' sikwit u waħedna qalb 2562-2564
ma' qalb ma' Dak li nafu żgur li jħobbna".[4]

Il-Jien, fit-talb kontemplattiv ifittex lil "Inti, li qalbi tħobbok" (*Għan* 1,7; ara *Għan* 3,1-4). Hu Ġesù, u fih, il-Missier. Lilu nfittxu għaliex ix-xewqa tiegħu hi dejjem il-bidu tal-imħabba; u nfittxuh b'fidi safja, b'dik il-fidi li twassalna biex nitwieldu minnu u ngħixu fih. Nistgħu nimmeditaw ukoll fit-talb kontemplattiv, iżda hawn il-ħarsa hi fil-Mulej.

2710 L-għażla *tal-ħin u tat-tul tat-talb kontemplattiv* turi rieda determinata, juri x'hemm moħbi fil-qalb. It-talb kontemplattiv ma nagħmluhx meta għandna l-ħin: fih 2726
inqisu li ż-żmien kollu hu tal-Mulej, bil-fehma soda li dan iż-żmien ma neħduhulux lura ma' għonq it-triq, ikunu x'ikunu l-provi u tkun kemm tkun xotta u niexfa u bla gost il-laqgħa tagħna miegħu. Ma jistax ikun li wieħed joqgħod jimmedita l-ħin kollu, imma wieħed jista' joqgħod dejjem jagħmel talb kontemplattiv, ikunu x'ikunu l-kundizzjonijiet ta' saħħtu, ta' xogħlu u tal-affetti tiegħu. Il-qalb hi l-post fejn wieħed ifittex 'l Alla u jiltaqa' miegħu, fil-faqar u fil-fidi.

2711 *Id-dħul fit-talb kontemplattiv* hu b'xi mod l-istess bħad-dħul fil-liturġija ewkaristika: "tinġabar" il-qalb, ninġabru 1348
fina nfusna, imqanqlin mill-Ispirtu s-Santu, noqogħdu fl-għamara tal-Mulej, li ġewwa fina nħeġġu l-fidi u nidħlu quddiem dak li qed jistenniena, inneħħu l-maskra, u ndawru qalbna mill-ġdid lejn il-Mulej li jħobbna, biex ningħataw lilu 2100
bħala offerta biex isaffiha u jbiddilha.

[4] Santa Tereża ta' Ġesù, *Ktieb tal-Ħajja*, 8, 5: ara *Il-Kitba ta' Santa Tereża ta' Ġesù*, I. *Ktieb tal-Ħajja*, Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 1990, 59.

2712 It-talb kontemplattiv hu t-talb ta' wlied Alla, talmidneb sogħbien u maħfur li jaċċetta li jilqa' l-imħabba li biha hu maħbub u li għaliha jwieġeb billi aktar iħobb (ara *Lq* 7,36-50; 19,1-10). Iżda jaf li l-imħabba li biha jerġa' jħobb hi dik li l-Ispirtu jsawwab f'qalbu, għax kollox hu grazzja min-naħa ta' Alla. It-talb kontemplattiv hu r-rabta umli u fqira mar-rieda kollha mħabba tal-Missier f'għaqda dejjem aktar qawwija ma' Ibnu l-maħbub.

2713 Hekk, it-talb kontemplattiv hu l-espressjoni l-aktar sempliċi tal-misteru tat-talb. It-talb kontemplattiv hu *don*, grazzja; ma tistax tiġi milqugħa jekk mhux bl-umiltà u l-faqar. It-talb kontemplattiv hu relazzjoni ta' *ħbiberija* miktuba minn Alla fil-qiegħ l-aktar fond tal-eżistenza tagħna (ara *Ġer* 31,33). It-talb kontemplattiv hu *xirka*: it-Trinità Qaddisa tagħmel il-bniedem xbieha ta' Alla, "xebh ma' Alla".

2714 It-talb kontemplattiv hu wkoll l-ogħla *żmien qawwi* tat-talb. Fit-talb kontemplattiv, il-Missier "permezz tal-Ispirtu tiegħu, [jagħtina li nsaħħu] l-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar [f'qalbna] permezz tal-fidi, biex inniżżlu l-għeruq [tagħna] fl-imħabba u fuqha [nibnu ħajjitna]" (*Ef* 3,16-17).

2715 It-talb kontemplattiv hu *ħarsa* ta' fidi, imsammra fuq Ġesù. "Jiena nħares lejh u hu jħares lejja". Hekk qal wieħed gabillot ta' Ars, hu u jitlob quddiem it-tabernaklu, fi żmien il-qaddis kappillan ta' Ars.[5] Din l-attenzjoni mogħtija lilu, lil Ġesù hi ċaħda "tiegħi nnifsi". Ħarstu tnaddaf il-qalb. Id-dija tal-ħarsa ta' Ġesù ddawwal l-għajnejn ta' qalbna; tgħallimna naraw kollox fid-dawl tal-verità u tal-mogħdrija tiegħu għall-bnedmin. Il-kontemplazzjoni twassal ukoll ħarsitha fuq il-

[5] Ara F. Trochu, *Il-Kurat t'Ars San Ġwann Marija Vianney*, Lyon – Pariġi 1927, 223-224.

misteri tal-ħajja ta' Kristu. U hekk titgħallem "l-għarfien minn ġewwa tal-Mulej" biex tħobbu aktar u tmur warajh b'ħeġġa akbar.[6]

2716 It-talb kontemplattiv hu *smigħ* tal-Kelma ta' Alla. Dan is-smigħ mhuwiex xi ħaġa passiva, imma hu ubbidjenza tal-fidi, l-imġiba ta' qaddej li jilqa' kollox bla ebda kundizzjoni, l-imġiba ta' tifel li jfittex li jkun imħaddan b'imħabba. Dan is-smigħ għandu sehem mill-"Iva" li biha l-Iben ta' Alla aċċetta li jkun il-Qaddej tal-Mulej, u l-"fiat" tal-qaddejja umli ta' Alla.

2717 It-talb kontemplattiv hu *skiet*, "simbolu tad-dinja li trid tiġi"[7], jew "imħabba fis-silenzju".[8] Il-kliem fit-talb kontemplattiv mhuwiex diskors, imma zkuk li jkebbsu n-nar tal-imħabba. Hu f'dan is-skiet, li l-bniedem "ta' barra" ma jiflaħx għalih, li l-Missier jgħidilna l-Kelma tiegħu li hi l-Verb magħmul bniedem, li bata, miet u rxoxta, u l-Ispirtu ta' wlied jagħtina sehem fit-talba ta' Ġesù.

2718 It-talb kontemplattiv hu *għaqda* mat-talba ta' Kristu skont kemm tagħtina sehem fil-Misteru tiegħu. Il-Misteru ta' Kristu l-Knisja tiċċelebrah fl-Ewkaristija, u l-Ispirtu s-Santu jwassalha biex ngħixuh fit-talb kontemplattiv, ħa jidher fl-imħabba bil-fatti.

[6] Ara San Injazju ta' Loyola, *L-Eżerċizzi Spiritwali,* 104: ara San Injazju ta' Loyola, *L-Eżerċizzi Spiritwali,* Provinċja Maltija tal-Kumpanija ta' Ġesù, Malta 2006, 60. It-test jgħid hekk: "Nitlob għal dak li rrid. Hawnhekk, nitlob li nsir naf intimament lill-Mulej li sar bniedem għalija, biex aktar inħobbu u nimxi warajh."

[7] Ara San Iżakk ta' Ninwè, *Trattat Mistiku*, 66.

[8] San Ġwann tas-Salib, *Sentenzi ta' dwal u mħabba* li San Ġwann tas-Salib kiteb lil xi wħud mis-Sorijiet Karmelitani Tereżjani ta' Beas, 2, 53: ara *Kollox għal Alla Waħdu. L-Ewwel Volum tal-Kitbiet ta' San Ġwann tas-Salib,* Pubblikazzjoni Karmelitana Tereżjana, Malta 2000, 482. Ara wkoll *Ġawhar. Sentenzi meħudin mill-kitba ta' San Ġwann tas-Salib, Duttur tal-Knisja,* Lumen Christi, Għawdex 1992, 67 (269).

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 960-961 5/16/2014 11:59:20 AM

2719 It-talb kontemplattiv hu xirka ta' mħabba li tagħti
165 l-ħajja lill-kotra, daqskemm din taċċetta li tibqa' fid-dlam tal-fidi. Il-lejl imqaddes tal-Għid tal-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej, jgħaddi mil-lejl tal-agunija u tal-qabar. Dawn huma t-tliet mumenti qawwija tas-Siegħa ta' Ġesù li l-Ispirtu tiegħu (mhux il-ġisem "li hu dgħajjef"), jagħtina li ngħixu fit-talb kontemplattiv. Jeħtieġ għalhekk naċċettaw li nishru siegħa
2730 waħda miegħu (ara *Mt* 26,40).

Fil-qosor

2720 *Il-Knisja tistieden lill-fidili biex jitolbu regolarment: talb ta' kuljum, il-Liturġija tas-Sigħat, l-Ewkaristija tal-Ħadd, il-festi tas-sena liturġika.*

2721 *It-tradizzjoni Nisranija għandha tliet suriet ewlenin ta' talb: it-talb bil-fomm (talb vokali), il-meditazzjoni u t-talb kontemplattiv. It-tliet suriet jitolbu l-ġabra tal-qalb.*

2722 *It-talb bil-fomm, mibni fuq l-għaqda tar-ruħ u l-ġisem fin-natura tal-bniedem, isieħeb il-ġisem fit-talb minn ġewwa tal-qalb, fuq l-eżempju ta' Kristu li kien jitlob lill-Missier u jgħallem il-"Missierna" lid-dixxipli tiegħu.*

2723 *Il-meditazzjoni hi tfittix bit-talb, li jimpenja l-ħsieb, l-immaġinazzjoni, l-emozzjonijiet, ix-xewqat. Il-meditazzjoni trid tagħmel tagħha bil-fidi dak li tikkunsidra u tqabbel mal-fatti ta' ħajjitna.*

2724 *It-talb kontemplattiv hu s-sura l-aktar sempliċi tal-misteru tat-talb. Hu ħarsa ta' fidi, imsammra fuq*

Ġesù, smigħ tal-Kelma ta' Alla, imħabba siekta. Iġib għaqda mat-talb ta' Kristu daqskemm ikun issieħeb mal-misteru tiegħu.

It-tieni artiklu

IT-TAQBIDA TAT-TALB

2725 It-talb hu don tal-grazzja u min-naħa tagħna tweġiba li niddeċiedu nagħtu aħna. Titlob hu dejjem sforz. In-nies li kienu jitolbu ħafna fil-Patt il-Qadim qabel Kristu, bħall-Omm ta' Alla u l-qaddisin flimkien miegħu, kollha jgħallmuna li t-talb hu taqbida. Kontra min? Kontra tagħna nfusna, kontra 2612
l-qerq tax-Xitan li jagħmel minn kollox biex ibiegħed il- 409
bniedem mit-talb, mill-għaqda ma' Alla. Nitolbu kif ngħixu, għax ngħixu kif nitolbu. Jekk ma rridux nimxu regolarment skont l-Ispirtu ta' Kristu, lanqas inkunu nistgħu nitolbu regolarment f'Ismu. It-"taqbida spiritwali" tal-ħajja ġdida tan- 2015
Nisrani ma tistax tinfired mit-taqbida tat-talb.

I. Diffikultajiet għat-talb

2726 Fit-taqbida tagħna tat-talb se nsibu quddiemna, fina nfusna u madwarna, *fehmiet żbaljati dwar it-talb*. Xi wħud jaħsbu li t-talb hu biss xi ħidma psikoloġika, oħrajn jarawh sforz ta' konċentrazzjoni sakemm jinkiseb vojt fil-moħħ. Oħrajn iqisu t-talb bħala xi qagħdiet u kliem ritwali. Ħafna Nsara, mingħajr ma jirriflettu kif imiss, huma tal-fehma li ma jistgħux jitolbu għax ikollhom ħafna x'jagħmlu: m'għandhomx żmien għat-talb. Xi wħud li jridu jfittxu 'l Alla 2710

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 962-963 5/16/2014 11:59:20 AM

fit-talb, malajr jaqtgħu qalbhom għax ma jafux li t-talb jiġi wkoll mill-Ispirtu s-Santu u mhux minnhom biss.

2727 Hemm imbagħad ukoll *il-mentalità* "ta' din id-dinja", mentalità li taħkimna jekk ma noqogħdux attenti. Eżempji ta' din il-mentalità: hu veru biss dak li nistgħu naraw li hu veru
37 permezz tar-raġuni u tax-xjenza waqt li t-talb hu misteru li hu 'l hemm mill-kuxjenza tagħna u mis-subkonxju tagħna; il-valuri veri huma dawk tal-produzzjoni u tal-qligħ: bit-talb ma taqla' xejn u għalhekk ma jiswa xejn; il-kriterji ta' dak li llum hu veru, tajjeb u sabiħ huma s-senswaliżmu u l-kumditajiet
2500 (waqt li t-talb, l-imħabba ta' dak li hu Sabiħ – *philocalia* – hu l-imħabba tal-Glorja ta' Alla ħaj u veru); b'reazzjoni għall-attiviżmu, it-talb jintwera bħala ħarba mid-dinja (iżda t-talb Nisrani mhuwiex ħruġ mid-dinja lanqas firda mill-ħajja).

2728 Fl-aħħar nett irridu nitqabdu kontra dak kollu li nħossu bħala *nuqqasijiet tagħna fit-talb*: naqtgħu qalbna għax inħossu nixfa fina għat-talb; niddejqu għax ma nistgħux nagħtu kollox lil Alla, għax għandna "ħafna ġid" (ara *Mk* 10,22); nitqarrqu għax it-talb tagħna ma ġiex milqugħ kif ridna; narawh ġerħa lis-suppervja tagħna li tagħfas fuq il-fatt li lilna ma jistħoqqilna xejn għax midinbin; allerġija għat-talb bħala don mogħti b'xejn, u ħafna nuqqasijiet oħra. Il-konklużjoni hi dejjem l-istess: Għalfejn titlob? Biex nirbħu dan it-tfixkil, irridu nitqabdu ħa jkollna l-umiltà, il-fiduċja u l-perseveranza.

II. Is-sahra umli tal-qalb

Quddiem id-diffikultajiet tat-talb

2729 Id-diffikultà li s-soltu l-aktar li nsibu fit-talb hija *d-distrazzjoni*. Fit-talb bil-fomm, id-distrazzjoni tista' tkun

kemm dwar il-kliem tat-talb u kemm dwar is-sens tat-talb; id-distrazzjoni tista' tkun aktar fil-fond, u tkun dwar dak li lilu nkunu nitolbu, u dan kemm fit-talb bil-fomm (talb liturġiku u talb personali), u kemm fil-meditazzjoni u fit-talb kontemplattiv. Jekk tipprova tkeċċi d-distrazzjonijiet, tispiċċa biex titħabbel fihom, meta jkun biżżejjed għalik li terġa' lura f'qalbek; id-distrazzjoni turina ma xiex 2711
aħna għandna qalbna marbuta, u dan l-għarfien umli quddiem il-Mulej għandu jqanqal fina mħabba preferenzjali għalih, billi noffrulu b'fehma soda qalbna ħa jsaffiha. It-taqbida hi propju hawn, l-għażla tal-Mulej ħa naqduh (ara *Mt* 6,21.24).

2730 Il-mod pożittiv biex nikkumbattu kontra s-sentimenti tagħna li naħtfu u naħkmu, hi li *ngħassu u nishru*, jiġifieri l-qies f'qalbna. Meta Ġesù jinsisti li għandna nishru, dan dejjem jagħmlu b'riferenza għalih innifsu, għall-miġja tiegħu fl-aħħar jum u kuljum: "illum". L-Għarus jiġi f'nofs ta' lejl; id-dawl li ma għandux jintefa hu 2659
d-dawl tal-fidi: "'Ejja', għedt f'qalbi, 'fittex 'il wiċċu'" (*Salm* 27,8).

2731 Diffikultà oħra, li jsibu speċjalment dawk li tassew jixtiequ jitolbu mill-qalb, hi n-nixfa. Tagħmel sehem minn dak it-talb kontemplattiv li fih il-qalb qisha ma tħossx, ma titqanqalx quddiem il-ħsibijiet, it-tifkiriet u s-sentimenti spiritwali. Dan ikun il-waqt tal-fidi safja li tintrabat ma' Ġesù fil-lejl tal-agunija u tal-qabar. "Il-ħabba tal-qamħ, ... jekk tmut, tagħmel ħafna frott" (*Ġw* 12,24). Jekk in-nixfa ġejja għax m'hemmx għeruq, ifisser li l-kelma waqgħet fuq il-blat; it-taqbida allura tagħmel sehem minn dak li hu marbut mal-konverżjoni u l-indiema (ara *Lq* 1426
8,6.13).

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 964-965 5/16/2014 11:59:20 AM

Quddiem it-tentazzjonijiet fit-talb

2609 2732 It-tentazzjoni li tiġi l-aktar ta' spiss, u li hi l-aktar
2089 moħbija hi *n-nuqqas ta' fidi* tagħna. Dan in-nuqqas ta' fidi nuruh mhux billi ngħidu li ma nemmnux, imma aktar billi nuru x'inhuma l-preferenzi tagħna. Malli nibdew nitolbu, jibdew ġejjin f'moħħna elf ħidma jew ħsieb li għandhom isiru l-ewwel, elf ħaġa li nqisu li jridu jsiru minnufih; hawn hu mill-ġdid il-mument biex naraw x'inhi l-verità ta' qalbna, x'inħobbu l-aktar. Xi kultant nerġgħu lura lejn il-Mulej, bħala l-aħħar tama: imma nkunu tassew nemmnu? Xi kultant
2092 inqisu l-Mulej bħala alleat tagħna, imma f'qalbna jkun għad hemm il-prużunzjoni. Hu x'inhu, in-nuqqas ta' fidi tagħna jurina li aħna għad ma wasalniex fil-qagħda ta' qalb umli:
2074 "Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (*Ġw* 15,5).

2094 2733 Tentazzjoni oħra, li għaliha l-prużunzjoni tiftaħ il-bieb, hi *l-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla*. Il-Missirijiet tal-ħajja spiritwali f'dan il-għażż jaraw sura ta' depressjoni, ta' qtigħ il-qalb, li jkun ġej għax illaxkajna fl-axxetika, għax inqasna li nishru kif imiss, għax ma għassisniex biżżejjed lil qalbna. "L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem dgħajjef" (*Mt* 26,41). Aktar ma naqgħu mill-għoli aktar inweġġgħu. Il-qtigħ il-qalb, qtigħ
2559 li jnikket, hu l-kuntrarju tal-prużunzjoni. Min hu umli ma jibżax mill-miżerja; tgħinu biex ikollu fiduċja akbar, tgħinu jżomm sod.

III. Il-fiduċja ta' wlied

2734 Il-fiduċja ta' wlied tgħaddi mill-prova – u turi ruħha – fit-tiġrib (ara *Rum* 5,3-5). Hawn id-diffikultà ewlenija hi dwar
2629 *it-talb biex naqilgħu* xi ħaġa għalina jew għal ħaddieħor. Xi wħud ma jibqgħux jitolbu għax, jaħsbu, li t-talba tagħhom

mhux se tkun milqugħa. Hawn iridu jsiru żewġ mistoqsijiet: Għaliex naħsbu li t-talba tagħna mhux se tiġi milqugħa? Kif għandha tkun it-talba tagħna biex tkun "effikaċi", biex tinstema'?

Għaliex ingergru li ma niġux mismugħin?

2735 Hemm fatt li fil-bidu għandu jgħaġġibna. Meta aħna nfaħħru 'l Alla jew inroddulu ħajr għall-ġid kollu tiegħu, ma tantx inħabblu rasna biex inkunu nafu jekk it-talb tagħna għoġobx lil Alla. Għall-kuntrarju, imbagħad nippretendu li naraw ir-riżultat ta' dak li tlabna għalih. Liema hi mela d-dehra ta' Alla li tqanqalna biex nitolbu: mezz biex ninqdew 2779
bih jew il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu?

2736 Aħna konvinti li "anqas biss nafu nitolbu kif imiss" 2559
(*Rum* 8,26)? Nitolbu 'l Alla "il-ġid li jaqbel għalina?" Missierna jaf x'neħtieġu, qabel stess ma nitolbuhulu (ara *Mt* 6,8), iżda jistenna li nitolbuhulu, għax id-dinjità ta' wliedu qiegħda fil- 1730
libertà tagħhom. Għalhekk għandna nitolbu flimkien mal-Ispirtu tiegħu ta' ħelsien biex inkunu nafu x-xewqat tiegħu fil-verità (ara *Rum* 8,27).

2737 "Ma għandkom xejn għax ma titolbux. Titolbu, u ma tiksbux, għax titolbu ħażin: titolbu ħa jkollkom xi tberbqu fix-xalar" (*Ġak* 4,2-3).[9] Jekk nitolbu bil-qalb maqsuma "tannies adulteri" (*Ġak* 4,4), Alla ma jistax jismagħna, għax irid il-ġid tagħna, ħajjitna. "Taħsbu li għalxejn l-Iskrittura tgħid: 'L-Ispirtu li jgħammar fina jħobb b'imħabba għajjura'?" (*Ġak* 4,5). Alla hu "għajjur" għalina, u dan hu s-sinjal tal-verità

[9] Ara l-kuntest kollu: *Ġak* 1,5-8; 4,1-10; 5,16.

ta' mħabbtu. Nidħlu fix-xewqa tal-Ispirtu tiegħu u nkunu mismugħin.

> Tiddejjaqx jekk ma tirċevix minnufih mingħand Alla dak li titolbu: hu jrid jagħtik aktar ġid permezz tal-perseveranza tiegħek li tibqa' ggranfat miegħu waqt it-talb.[10]
>
> Hu jrid li x-xewqat tagħna jgħaddu mill-prova fit-talb. Hekk iħejjina biex nirċievu dak li lest jagħtina.[11]

KIF JISTA' JKUN EFFIKAĊI T-TALB TAGĦNA?

2738 Ir-rivelazzjoni tat-talb fil-Pjan tas-salvazzjoni tgħallimna li l-fidi tafda fuq il-ħidma ta' Alla fil-ġrajja tal-
2568 bniedem. Il-fiduċja ta' wlied titqanqal fina bil-ħidma ewlenija tiegħu: il-Passjoni u l-Qawmien mill-imwiet ta' Ibnu. It-talb
307 Nisrani hu kooperazzjoni mal-Providenza ta' Alla, mal-Pjan tiegħu ta' mħabba għall-bnedmin.

2778 2739 Skont San Pawl, din il-fiduċja hi qalbiena (ara *Rum* 10,12-13), għax mibnija fuq it-talba tal-Ispirtu fina u fuq l-imħabba fidila ta' Alla l-Missier li tana lil Ibnu l-waħdieni (ara *Rum* 8,26-39). Il-bidla li sseħħ fil-qalb li titlob hi l-ewwel tweġiba għat-talba tagħna.

2740 It-talba ta' Ġesù tagħmel it-talba tan-Nisrani talba effikaċi. Hu l-mudell tagħha. Jitlob fina u magħna. Jekk il-qalb tal-Iben ma tfittixx ħlief dak li jogħġob lill-Missier,
2604 għaliex l-ulied adottivi għandhom jorbtu qalbhom mad-don minflok ma' Dak li jagħtih?

2741 Ġesù jitlob għalina wkoll, flokna u għall-ġid tagħna. Dak kollu li nitolbu, inġabar darba għal dejjem fl-għajta
2606 tiegħu fuq is-salib, għajta li ġiet milqugħa mill-Missier fil-

[10] Evagriju ta' Pontu, *Dwar it-Talb*, 34: PG 79, 1173.
[11] Santu Wistin, *Ittra* 130, 8, 17: PL 33, 500.

Qawmien mill-imwiet, u għalhekk Ġesù qatt ma jieqaf jidħol għalina quddiem il-Missier (ara *Lh* 5,7; 7,25; 9,24). Jekk it-talba tagħna hi magħquda sewwa ma' dik ta' Ġesù, bil-
fiduċja u l-kuraġġ kollu ta' wlied, aħna niksbu kulma nitolbu 2614
f'Ismu, mhux din il-ħaġa jew dik, imma l-Ispirtu s-Santu nnifsu, li fih hemm id-doni kollha.

IV. Nibqgħu sħaħ fl-imħabba

2742 "Itolbu bla heda" (*1 Tess* 5,17). "Roddu dejjem ħajr 2098
għal kollox lil Alla u 'l Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu" (*Ef* 5,20). "Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha" (*Ef* 6,18). "Ma ġejniex ordnati naħdmu, nishru u nsumu bla heda, waqt li hu liġi għalina li nitolbu bla heda".[12] Din il-ħeġġa mingħajr tmiem ma titnissilx jekk mhux mill-imħabba. Kontra t-toqol u l-għażż tagħna, it-taqbida tat-talb hi taqbida tal-*imħabba* umli, fiduċjuża u perseveranti. 162
Din l-imħabba tiftaħ qlubna fuq tliet provi ċari tal-fidi, li jdawluna u jagħtuna l-ħajja.

2743 *Dejjem nistgħu* nitolbu: żmien in-Nisrani hu dak ta' Kristu rxoxt li hu magħna dejjem (ara *Mt* 28,20), huma liema huma t-tempesti (ara *Lq* 8,24). Żmienna hu f'idejn Alla.

> Tistgħu titolbu ta' spiss u bil-ħerqa wkoll jekk tkunu s-suq, jew waqt passiġġata waħedkom. Ukoll jekk tkunu fil-ħanut, waqt li tixtru jew tbigħu, u wkoll waqt li ssajru.[13]

2744 It-talb hu *ħtieġa vitali*. Dan nistgħu nippruvawh ukoll

[12] Evagriju ta' Pontu, *Ħwejjeġ prattiċi lil Anatolju,* 49: PG 40, 1245C.
[13] San Ġwann Griżostmu, *Omelija* 4 *dwar Anna*, 6, PG 54, 668.

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 968-969 5/16/2014 11:59:21 AM

bl-istess qawwa minn dak li hu kuntrarju għalih: jekk ma nħallux l-Ispirtu jmexxina, nerġgħu naqgħu fil-jasar tad-dnub (ara *Gal* 5,16-25). Kif jista' l-Ispirtu jkun "il-ħajja tagħna" jekk qalbna hi 'l bogħod minnu?

> Xejn ma jiswa daqs it-talb: jagħmel li jista' jkun dak li ma kienx jista' jkun, ħafif dak li hu tqil. Ma jistax ikun li jidneb bniedem li jitlob.[14]
>
> Min jitlob żgur isalva; min ma jitlobx żgur jintilef għal dejjem.[15]

2745 It-talb u *l-ħajja Nisranija ma jistgħux jinfirdu* minn xulxin għaliex fihom hemm l-istess imħabba u l-istess ċaħda li toħroġ mill-imħabba; l-istess qbil kollu mħabba ta' wlied mal-Pjan kollu mħabba tal-Missier; l-istess għaqda fl-Ispirtu s-Santu li tbiddilna u tagħmilna dejjem aktar nixbhu 'l Kristu Ġesù; l-istess imħabba għall-bnedmin kollha, dik l-imħabba li biha Ġesù ħabbna. "Kulma titolbu lill-Missier f'ismi, huwa jagħtihulkom. Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin" (*Ġw* 15,16-17).

> Jitlob bla heda dak li jgħaqqad it-talb mal-għemil u l-għemil mat-talb. Hekk biss jista' jseħħ il-prinċipju li għandna nitolbu bla heda.[16]

IT-TALBA TAS-SIEGĦA TA' ĠESÙ

2746 Meta waslet is-Siegħa tiegħu, Ġesù talab lill-Missier (ara *Ġw* 17). It-talba tiegħu, l-itwal waħda li hemm fl-Evanġelju, tħaddan il-Pjan kollu tal-ħolqien u tas-salvazzjoni, tal-Mewt u l-Qawmien għall-ħajja. It-talba tas-Siegħa ta' Ġesù tibqa' dejjem tiegħu, kif dejjem hu tiegħu

[14] *Ibid*., 5: PG 54, 666.
[15] San Alfons Maria de Liguori, *Il-Qalba tat-Talb*, 1, 1.
[16] Oriġene, *Dwar it-Talb*, 12, 2: PG 11, 452C.

l-Għid, li seħħ "darba għal dejjem" u jibqa' dejjem preżenti fil-liturġija tal-Knisja tiegħu.

2747 It-tradizzjoni Nisranija bir-raġun kollu sejħet din it-talba, it-talba "saċerdotali" ta' Ġesù. Hi t-talba tal-Qassis il-Kbir, u ma tistax tinfired mis-sagrifiċċju tiegħu, mill-"mogħdija" (*pascha – pesah*) għal għand il-Missier, sagrifiċċju li fih "ikkonsagra" lilu nnifsu kollu kemm hu lill-Missier (ara *Ġw* 17,11.13.19).

2748 F'din it-talba tal-Għid, f'din it-talba sagrifikali, "kollox jinġabar" fih "taħt Ras waħda" (*Ef* 1,10): Alla u d-dinja, il-Verb u l-ġisem, il-ħajja ta' dejjem u ż-żmien ta' issa, l-imħabba li tingħata u d-dnub li jittradiha, id-dixxipli preżenti u dawk kollha li kellhom jemmnu fi kliemhom tul iż-żminijiet, ix-xejn tiegħu u l-glorja tiegħu. Hi t-talba tal-għaqda.

2749 Ġesù temm l-opra kollha tal-Missier, u t-talba tiegħu, bħas-sagrifiċċju tiegħu, tasal sal-aħħar taż-żmien. It-talba tas-Siegħa ta' Ġesù timla l-aħħar jiem u twassalhom għat-tmiem tagħhom. Ġesù, l-Iben li lilu l-Missier tah kollox, jingħata kollu kemm hu lill-Missier, u fl-istess waqt ifisser fehemtu bil-libertà setgħana (ara *Ġw* 17,11.13.19.24) tas-setgħa li l-Missier tah fuq kull bniedem. L-Iben, li sar il-Qaddej, hu l-Mulej, il-"pantokrator", il-Qassis il-Kbir tagħna, li jitlob għalina u hu wkoll dak li jitlob fina u huwa Alla li jismagħna.

2750 Hemm bżonn nidħlu fl-Isem imqaddes tal-Mulej Ġesù biex inkunu nistgħu nilqgħu, minn ġewwa, it-talba li hu għallimna, il-"Missierna". It-talba saċerdotali tispira minn ġewwa l-intenzjonijiet kbar tal-Missierna: il-ħerqa għall-isem tal-Missier (ara *Ġw* 17,6.11.12.26), il-qawwa ħerqana tas-Saltna (il-Glorja: ara *Ġw* 17,1.5.10.24.23-26), il-milja tar-

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 970-971 5/16/2014 11:59:21 AM

rieda tal-Missier u tal-Pjan tiegħu ta' salvazzjoni (ara *Ġw* 17,1.5.10.22.23-26) u l-ħelsien mid-deni (ara *Ġw* 17,15).

2751 Fl-aħħar nett, hu f'din it-talba li Ġesù jurina u jagħtina l-"għarfien" flimkien tal-Missier u l-Iben (ara *Ġw* 17,3.6-10.25), li hu l-misteru stess tal-ħajja tat-talb.

Fil-qosor

2752 *It-talb jitlob sforz u taqbida kontra tagħna nfusna u kontra l-qerq tax-Xitan. It-taqbida tat-talb ma tistax tinfired mit-"taqbida spiritwali" meħtieġa biex l-għemil tagħna jkun abitwalment skont l-Ispirtu ta' Kristu. Nitolbu kif ngħixu għax ngħixu kif nitolbu.*

2753 *Fit-taqbida tagħna fit-talb, niltaqgħu ma' ħafna fehmiet żbaljati, ma' ħafna mentalitajiet differenti, mal-esperjenza tan-nuqqasijiet tagħna. Għal dawn it-tentazzjonijiet li jistgħu jġegħluna niddubitaw fuq is-siwi tat-talb u naħsbu wkoll li t-talb mhux possibbli, għandna nwieġbu bl-umiltà, b'fiduċja sħiħa u b'perseveranza.*

2754 *Id-diffikultajiet ewlenin li magħhom niltaqgħu meta niġu biex nitolbu huma d-distrazzjonijiet u n-nixfa fir-ruħ. Il-kura tagħtihielna l-fidi, il-konverżjoni u l-għassa tal-qalb.*

2755 *Żewġ tentazzjonijiet spiss jheddu t-talb: in-nuqqas ta' fidi u l-għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla, għażż li hu sura ta' depressjoni li tiġi mil-laxkar tal-axxetika, li jwasslu għall-qtigħ il-qalb.*

2756 *Il-fiduċja tagħna ta' wlied Alla tgħaddi minn prova meta nħossu li t-talb tagħna mhux dejjem ikun mismugħ. L-Evanġelju jistedinna nistaqsu lilna nfusna jekk it-talb tagħna jkunx jaqbel max-xewqat tal-Ispirtu.*

2757 *"Itolbu bla heda"* (*1 Tess* 5,17). *Dejjem nistgħu nitolbu. It-talb hu ħtieġa vitali għalina. It-talb u l-ħajja Nisranija ma jinfirdux minn xulxin.*

2758 *It-talba tas-Siegħa ta' Ġesù, li bir-raġun kollu tissejjaħ "talba saċerdotali"* (ara *Ġw* 17), *tiġbor fiha fil-qosor il-Pjan kollu tal-ħolqien u tas-salvazzjoni. Din it-talba hi l-ispirazzjoni tal-interċessjonijiet kbar li jagħmlu l-"Missierna".*

kkk 955-974 latest.OK (r).indd 972-973 5/16/2014 11:59:21 AM

INDIĊI

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1014-1015 5/16/2014 12:03:38 PM

INDIĊI TAR-RIFERENZI

In-numri tal-paragrafi tal-Katekiżmu jinsabu dejjem fuq il-lemin ta' kull kolonna. L-asterisk ifisser li l-passi mill-Iskrittura, mid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II, jew mill-Kodiċi, mhumiex ikkwotati kelma b'kelma (Daħla, para. 19).

L-ISKRITTURA MQADDSA

IT-TESTMENT IL-QADIM

Ġenesi (Ġen)

1	1 – 2, 4	337*
1	1	268*, 279, 280, 290
1	2-3	292*
1	2	243*, 703*, 1218*
1	3	298*
1	4	299
1	10	299
1	12	299
1	14	347*
1	18	299
1	21	299
1	26-29	2402*
1	26-28	307*
1	26-27	1602*
1	26	36*, 225, 299*, 343*, 2501, 2809
1	27	355, 383, 1064, 1607*, 1652, 2331, 2427*
1	28-31	2415*
1	28	372, 373*, 1604, 1607*, 1652, 2331, 2427*
1	31	299, 1604*
2	1-3	345
2	2	314*, 2184
2	7	362, 369*, 703*
2	8	378*
2	15	378
2	17	376*, 396, 400*, 1006*, 1008*
2	18	371, 1605, 1652
2	19-20	371, 2417*
2	22	369*, 1607*
2	23	371, 1605
2	24	372, 1605, 1627*, 1644*, 2335
2	25	376*
3		390*, 2795*
3	1-11	397*
3	1-5	391*
3	3	1008*
3	5	392, 398*, 399*, 1850
3	6	2541, 2847
3	7	400*
3	8-10	29*
3	9-10	399*
3	9	410*, 2568
3	11-13	400*
3	11	2515*
3	12	1607*
3	13	1736, 2568
3	14-19	2427*
3	15	70*, 410*, 489*
3	16-19	1607*
3	16	376*, 400*, 1609
3	16b	1607*
3	17-19	378*
3	17	400*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1016-1017 5/16/2014 12:03:38 PM

3	19	376*, 400*, 1008*, 1609
3	20	489*
3	21	1608*
3	24	332*
4	1-2	2335*
4	3-15	401*
4	3-7	2538*
4	4	2569*
4	8-12	2259*
4	10-11	2259
4	10	1736*, 1867*, 2268*
4	25-26	2335*
4	26	2569*
5	1-2	2331
5	1	2335*
5	24	2569*
6	3	990*
6	5	401*
6	9	2569
6	12	401*
8	8-12	701*
8	20 – 9,17	2569*
9	1-4	2417*
9	5-6	2260
9	8-16	2569*
9	9	56*
9	16	71*
10	5	56
10	20-31	56*
11	4-6	57*
12	1-4	145*
12	1	59*
12	2	762*, 1669*
12	3	706*, 2676*
12	3 LXX	59
12	4	2570
13	8	500*
14	16	500*
14	18	58*, 1333, 1544
15	2-3	2570*
15	2	2374
15	5-6	762*
15	5	146*, 288*
15	6	146*, 2571*
17	1-2	2571*
17	4-8	1819*
17	5	59
18	1-15	706*, 2571*
18	10-14	489*
18	14	148*, 276
18	16-33	2571*
18	20	1867*
19		332*
19	1-29	2357*
19	13	1867*
21	1-2	489*
21	17	332*
22	1-18	1819*
22	8	2572
22	11	332*
22	17-19	706*
23	4	145*
28	10-22	2573*
29	15	500*
30	1	2374
32	25-31	2573*
38	18	1295*
41	42	1295*
45	8	312
49	24	269
50	20	312

Eżodu (Eż)

3	1-10	2575*
3	5-6	208*
3	5	2777
3	6	205, 207
3	7-10	1867*
3	13-15	205
3	14	4469, 2666*, 2810*
4	22	238*, 441*
12	3-14	608*
13	3	1363*
13	12-13	529*
13	22	659*
15	1	2810
15	26	1502
16	19-21	2837*
16	19	2836*
17	1-6	694*
17	2-7	2119*
17	8-13	2577*
19-20		708*
19		751*, 2060*
19	5-6	709, 762*, 2810*
19	6	63*, 1539
19	16-25	2085*
20	1-17	2056*
20	2-5	2083
20	2	2061
20	7	2141
20	8-10	2167
20	11	2169
20	12	2196, 2200, 2214*
20	13	2257
20	14	2330
20	15	2400
20	16	2463, 2504
20	17	1456*, 2513, 2533
22	20-22	1867*
23	7	2261
23	12	2172
23	20-23	332*
24		2060*
24	7	2060*
24	8	613*
24	15-18	697*, 2085*
25	10-22	2130*
25	16	2058
25	22	433*
29	1-30	1539*
29	7	436*
30	22-32	695*
31	15	2168, 2189
31	16	2171*
31	17	2172
31	18	700, 2056, 2058,
32		210*
32	1-34, 9	2577*
32	15	2058
33	9-10	697*
33	11	2576
33	12-17	210*
33	18-19	210
33	19-23	2583*, 2666*
34	5-6	210
34	6	214, 231, 2577*
34	7	211
34	9	210*
34	28	2056
34	29	2058
40	1-2	2058
40	36-38	697*

Levitiku (Lev)

8		1539*
8	12	436*
16	2	433*
16	15-16	433*, 613*
17	14	2260*
18	7-20	2388*
19	2	2811
19	13	2434*
19	15	1807
19	18	2055*
20	26	2813
26	12	2550

Numri (Num)

1	48-53	1539*
7	89	433*
11	24-25	1541*
12	3	2576
12	7-8	2576
12	13-14	2577*
21	4-9	2130*
24	17-19	528*
24	17	528*
28	9	582*

Dewteronomju (Dewt)

1-11	708*	
4	13	2056
4	15-16	2129
4	19	57*
4	37	218*
5	2	2060
5	4	2059
5	6-22	2056*
5	6-9	2083*
5	6	431, 2061, 2084, 2133
5	11	2141*
5	12-15	2167*
5	12	2189
5	15	2057, 2170
5	16	2196*, 2200, 2247
5	19	2400, 2450
5	21	2533

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1018-1019 5/16/2014 12:03:39 PM

5	22	2056, 2058
6	4-5	201, 459*, 2093*
6	4	228, 2083
6	5	368*, 2055*, 2133
6	13-14	2084
6	13	2096, 2150
6	16	2119
7	6	762*
7	8	218*
7	9	215*
8	3	1334*, 2835
10	4	2056
10	15	218*
11	14	1293*
14	1	441*
15	11	2449
18	10	2116*
24	1	1610*
24	14-15	1867*, 2409*, 2434*
25	13-16	2409*
28	10	63
29-30		708*
29	3	368*
30	15-20	1696*
30	16	2057
31	9	2056*
31	24	2056*
32	6	238*
32	8	57*, 441*
32	34	1295*
32	39	304*

Ġożwè (Ġoż)

3	10	2112
13	33	1539*

Mħallfin (Mħal)

6	11-24	332*
13		332*
13	18	206*

1 Samwel (1 Sam)

1		489*
1	9-18	2578*
3	9-10	2578
9	16	436*
10	1	436*
12	23	2578
16	1	436*
16	12-13	436*
16	13	695*
28	19	633*

2 Samwel (2 Sam)

7		709*
7	14	238*, 441*
7	18-29	2579*
7	28	215, 2465*
12	1-4	2538*
12	7-15	1736*

1 Slaten (1 Slat)

1	39	436*
6	23-28	2130*
7	23-26	2130*
8	10-61	2580*
8	10-12	697*
17	7-24	2583*
18	20-39	2583*
18	26-29	2766*
18	38-39	696*
18	39	2582*
19	1-14	2583*
19	5	332*
19	16	436*
21	1-29	2538*
21	8	1295*

2 Slaten (2 Slat)

2	9	2684*
7	28	2465*

1 Kronaki (1 Kron)

17	13	441*

2 Kronaki (2 Kron)

36	21	2172*

Esdra (Esd)

9	6-15	2585*

Neħemija (Neħ)

1	4-11	2585*
13	15-22	2172*

Tobit (Tob)

1	16-18	2300*
2	12-18 vulg.	312*
3	11-16	2585*
4	3-4	2214*
4	5-11	2447*
4	15	1789*
8	4-9	2361
8	6	360*
12	8	1434*
12	12	336*
13	2	269*

Ġuditta (Ġud)

9	2-14	2585*

Ester (Est)

4	17b	269*

2 Makkabej (2 Mak)

6	30	363*
7	9	992
7	14	992
7	22-23	297
7	28	297
7	29	992*
10	29-30	333*
11	8	333*
12	45	958
12	46	1032

Ġob

1	5	1032*
1	6	441*
10	8-12	2270*
12	10	2318
33	23-24	336*
36	26	223
38	7	332*
42	2	275
42	3	299*

Salmi

2	1-2	600*
2	2	436*
2	6-7	745*
2	7-8	2606
2	7	441*, 653*, 2836
6	3	1502*
6	6	633*
8		2809*
8	2	300, 2160, 2566*
8	3	559*
8	6	2566, 2809*
16	9-10	627*
19	2-5	299*
19	2	326*
22		304*
22	1	603
22	2	2605*
22	10-11	2270*
22	15	112*
22	27	716*
23	5	1293*
24	6	2582
24	7-10	559
24	8-10	269
24	9-10	2628
27	8	2730
27	10	239*
29	2	2143*
32		304*
32	5	1502*
33	6	292*, 703*
34	3	716*
34	8	336*
35		304*
38		1502*
38	5	1502*
39	9	1502*
39	12	1502*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1020-1021 5/16/2014 12:03:39 PM

40	2	2657
40	5	150*
40	7-9 LXX	462
40	7	2824
42	3	2112
42	8	2803
50	3	1039
51	6	431*, 1850
51	12	298*, 431*
51	19	1428, 2100
55	23	322*
56	5	990*
68	6	238*
69	10	584
79	9	431*
82	6	441*
84	3	1770
85	11	214*
85	12	2795*
88		709*
88	11-13	633*
89	49	633*
91	10-13	336*
95	1-6	2628*
95	7-8	2659
95	7	1165*
95	9	2119*
95	10	539*
96	2	2143*
102	27-28	212
103		304*
103	20	329
104		288*
104	13-15	1333*
104	15	1293*
104	24	295
104	27	2828
104	30	292*, 703*
105	3	30
106	23	2577
107	20	1502*
110	1	659*
110	4	1537*
111	9	2807*
113	1-2	2143*
115	3	268, 303
115	4-5	2112
115	8	2112
115	15	216*, 287
115	16	326*
116	12	224
116	13	1330*
116	17	1330*
117	24	2173
118	14	1808
118	22	587*, 756*
118	26	559
119	30	2465*
119	90	2465
119	105	141
119	142	2465*
119	160	215
121	2	1605*
124	8	287
130	1	2559*
130	2-3	370*
131	2	239*
134	3	287
135	6	269
138		304*
138	2	214
139	15	2270
143	10	1831
145	3	300
145	9	295, 342*
146	3-4	150*

Proverbji (Prov)

1	8	2214*
6	20-22	2216
8	1-9, 6	721*
8	6	2465*
8	22-31	288*
13	1	2216
14	15	1806
17	6	2219
18	5	2476*
19	9	2476*
19	21	303
21	1	269*
25	9-10	2489*

Koħelet (Koħ)

3	20-21	703*
12	1	1007
12	7	1007

Għanja tal-Għanjiet (Għan)

1	7	2709
3	1-4	2709*
8	6-7	1611
8	6	1040*, 1295*

Għerf

1	13	413, 1008*
2	23-24	1008*
2	24-25	2538*
2	24	391*, 413
4	8	1308
7	17-21	216*, 283
7	17	2501
7	25-26	2500
7	29-30	2500
8	1	302
8	2	2500
8	7	1805
9	9	295*
10	5	57*
11	20	299
11	21	269
11	23	269
11	24-26	301
11	24	373
13	1-15, 19	2112*
13	1-9	32*, 216*
13	1	1147*
13	3	2129, 2500
13	5	41, 2500
14	12	2534*
15	5	2520
16	5-14	2130*
18	13	441*

Bin Sirak (Sir)

1	22	2339*
3	2-6	2218
3	12	2218
3	16	2218
5	2	1809
5	9	2536
7	27-28	2215
11	14	304*
15	14	1730, 1743
17	22	2447*
18	30	1809
21	28	2477*
24		721*
27	16	2489*
30	1-2	2223
36	11	441*
37	27-31	1809*
43	27-28	2129
43	28	300*
48	1	696
50	20	433*

Isaija (Is)

1	2-4	762*
1	6	1293*
1	10-20	2100*
1	16-17	1430*
1	17	1435*
1	24	269
2	2-5	762*
2	2-4	64*
2	4	2317
5	1-7	755*
6-12		712*
6	1	1137
6	2-3	1138*
6	3	2809*
6	5	208, 2584*
6	6	332*
6	8	2584*
6	11	2584*
7	14	497
9	5	2305
10	5-15	304*
11	1-9	672*
11	1-2	712, 1831*
11	2	436*, 536*, 1286*
12	3	2561*
29	11	1295*
29	13	368*

32	17	2304*
33	24	1502*
38		1502*
40	1-3	719*
40	6	990*
40	11	754*
42	1-9	713*
42	1	536*, 555*
42	3	580
42	6	580
43	1-7	218*
43	1	287*, 2158*, 2167*
43	19	711
44	6	198, 212*
44	9-20	2112*
44	24	288*
45	5-7	304*
45	8	2795*
45	15	206
45	22-24	201
49	1-6	713*
49	5-6	64*
49	13	716*
49	14-15	219*, 370*
49	15	239*
50	4-10	713*
50	4	141*
51	1	2561*
52	13 – 53,12	713*
53	1	591*
53	4-6	1505*
53	4	517*, 1505*
53	7-8	601*
53	7	608*
53	8	627
53	10-12	440*, 615
53	10	623*
53	11-12	601*
53	11	64*, 579*, 601*, 623*, 1502*
53	12	536*, 608*
54		1611*
54	8	220
54	10	220
55	1	694*, 2121*
55	3	762*
58	6-7	2447*
61	1-2	714*
61	1	436*, 695*, 716*, 1286*
61	6	1539*
62		1611*
62	4-5	219*
65	16	1063
66	13	239*, 370*

Ġeremija (Ġer)

1	5	2270
1	6	2584*
2-3		1611*
2		762*
2	13	2561
3	4-19	370*
3	19-4, la	2795*
3	19	441*
5	7	2380*
7	9	2056*
10	1-16	2112*
11	19	608*
13	27	2380*
15	15-18	2584*
17	5-6	150*
20	7-18	2584*
27	5	269*
29	8	2116*
31		1611*
31	3	220
31	31-34	64*, 715*, 762*, 1965*
31	33	368, 580, 2713*
31	35-37	346*
32	10	1295*
32	17	269*
33	19-26	288*, 346*

Lamentazzjonijiet (Lam)

5	21	1432

Baruk (Bar)

6		2112*

Eżekjel (Eżek)

1	26-28	1137*
9	4-6	1296*
11	19	715*
14	14	58
16		219*, 1611*
18	5-9	2056*
20		2811*
20	39	2812*
23		1611*
32	17-32	633*
34	11-31	754*
36		64*, 2811*
36	20-22	2814*
36	20-21	2812*
36	25-28	715*
36	25-27	1287*
36	26-27	1432*
36	26	368*
37	1-14	715*
37	10	703*

Danjel (Dan)

3	79-81	2416*
7	10	678*
7	13	440*
7	14	664
10	9-12	330*
12	1-13	992*
12	2	998*
14	1-30	2112*

Hosegħa (Hos)

1-3		1611*
1		762*
2		218*
2	1	441*
2	7	2380*
2	21-22	2787*
4	2	2056*
6	1-6	2787*
6	2	627*
6	6	589*, 2100*
11		219*
11	1-4	370*
11	1	219, 441*, 530*
11	9	208

Ġoel

2	12-13	1430*
3-4		678*
3	1-5	715*
3	1-2	1287*

Għamos (Għam)

5	21-25	2100*
5	24	1435*
7	2	2584*
7	5	2584*
8	4-10	2269*
8	4-6	2409*
8	6	2449
8	11	2835

Ġona

1	3	29*
2	1	627*
2	3-10	2585*

Mikea (Mik)

2	2	2534*
4	1-4	762*

Sofonija (Sof)

2	3	64*, 711*, 716*
3	14	722*, 2676
3	17a	2676
3	17b	2676*

Żakkarija (Żak)

1	12	336*
2	14	722*
2	17	2143*
4	14	436*
6	13	436*
9	9	559
12	10	1432*, 2561*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1024-1025 5/16/2014 12:03:39 PM

13 1 2561*
14 8 694*

Malakija (Mal)

1 11 1330*, 1350*, 2643*
2 6 217
2 7-9 1540*
2 10 238*
2 13-17 1611*
3 19 678*

IT-TESTMENT IL-ĠDID

Evanġelju ta' San Mattew (Mt)

1 16 437
1 18-25 497*
1 20 333*, 437, 486*, 497
1 21 430, 452, 1507*, 1846, 2666*, 2812*
1 23 497, 744
2 1-12 486*
2 1 528
2 2 439*, 528
2 4-6 528*
2 11 724*
2 13-18 530*
2 13 333*
2 15 530*
2 19 333*
3 3 523*
3 7-12 678*
3 7 535*
3 13-17 535, 1286*
3 13 1223*
3 14-15 608*
3 15 536, 1224
3 16-17 1224
3 16 536
3 16 par. 701*
3 17 444*, 713*
4 1-11 394*, 2849*
4 4 2835
4 10 2083, 2135
4 11 333*
4 17 1720*, 1989
4 19 878*
4 21 878*
4 24 1503*
5-7 2763*
5-6 764*
5 1 581*
5 3-10 1716
5 3 544, 2546
5 8 1720, 2518
5 9 2305, 2330
5 11-12 520*
5 13-16 782*, 2821*
5 14 1243
5 16 326
5 17-19 577, 592*, 1967*
5 17 2053*
5 20 2054
5 21-22 2054, 2257
5 21 2262, 2302
5 22-39 2262*
5 22 678*, 1034*, 2302
5 23-24 2608*, 2792*, 2841*, 2845*
5 24 1424
5 27-28 2330, 2336, 2380*
5 28 1456*, 2513, 2528
5 29-30 226*
5 29 1034*
5 31-32 2382*
5 32 2380*
5 33-34 581, 2141, 2153
5 33 592*, 2463
5 37 2153, 2338*, 2466
5 42 2443
5 43-44 1933*, 2844*
5 44-45 2303, 2608*
5 44 1825*, 1968*, 2262*
5 45 2828
5 46-47 2054*
5 47 1693
5 48 443*, 1968*, 2013, 2842
6 1-18 1434*
6 1-6 1430*, 1969*
6 2-4 1753*, 2447*
6 2 1063*

6 5 1063*
6 6 1693*, 2608, 2655, 2691*
6 7 2608*, 2668*, 2766*
6 8 443*, 2736*
6 9-13 1969, 2759, 2759*
6 9 268*, 443
6 10 2632*
6 11 1165*, 2659*
6 12 2845
6 14-16 2792*
6 14-15 2608*, 2841*
6 16-18 1430*
6 16 1063*
6 18 575*
6 21 368*, 2533, 2551, 2604*, 2608*, 2729*, 2848
6 24 2113, 2424, 2729*, 2821*, 2848
6 25-34 2547*, 2830*
6 25 2608*
6 26-34 322*
6 26 2416*
6 31-33 305
6 32 270*
6 33 1942, 2604*, 2608*, 2632*
6 34 2659*, 2836*
7 1-5 678*
7 7-11 2609*
7 12-13 2821*
7 12 1789, 1970
7 13-14 1036, 1970*, 2609*
7 13 1696
7 15 2285*
7 20 2005
7 21-27 1970*
7 21 443*, 1821*, 2611, 2826
7 28-29 581
8 2 448*
8 4 586*
8 8 1386*
8 10 2610
8 11 543*
8 17 517, 1505
8 20 2444*
8 26 2610
9 12 581*
9 13 589*, 2100
9 27 439*, 2616
9 38 2611*
10 5-7 543*
10 8 1509, 2121, 2443
10 10 2122
10 16 764*
10 19-20 728*
10 22 161, 1821
10 25 765*
10 28 363*, 1034*
10 29-31 305*
10 32-33 1816
10 32 14*, 2145*
10 37 2232
10 38 1506*
10 40 858
11 5 549*, 2443
11 6 548*
11 13-14 719*
11 13 523*
11 20-24 678*
11 25-27 2603*, 2779
11 25-26 2701*
11 25 153*, 544*, 2785
11 27 151*, 240, 443*, 473*
11 28 1658
11 29-30 1615*
11 29 459
12 5 581*, 582*, 2173*
12 6 586*, 590
12 7 2100
12 12 342
12 18-21 713*
12 23 439*
12 24 574*, 635*
12 26 550*
12 28 550
12 30 590
12 31 1031
12 32 679*, 1864*
12 36 590*
12 37 590*
12 39 994*

12	41-42	590, 678*
12	49	764*, 2233
13	3-23	1727*
13	3-9	546*
13	10-17	787*
13	10-15	546*
13	11	546
13	22	29*
13	24-30	827*
13	41-42	1034
13	41	333*
13	42	1034*
13	44-45	546*
13	50	1034*
13	52	1117*
13	55	495*, 500
14	13-21	1335*
14	19	1329*
14	30	448*
15	3-7	579*
15	18-19	1968*
15	19	1853, 2517
15	22	439*, 448*
15	28	2610
15	32-39	1335*
15	36	1329*
16-18		1969*
16	16-23	440*
16	16	424, 442*, 552*
16	17	153, 442
16	18-19	881*
16	18	424*, 442*, 586*, 869*
16	19	553, 1444
16	21-23	540*, 607*
16	21	554
16	22-23	554*
16	24-26	736*
16	24	226*, 618*, 2029
16	25-26	363*
16	25	2232*
16	26	1021*
17	1-8 par.	554*
17	5	444*
17	10-13	718*
17	23	554*
17	24-27	586*
18	3-4	526*
18	3	2785
18	6	2285
18	10	329, 336*
18	14	605, 2822*
18	16	2472*
18	18	553*, 1444*
18	20	1088, 1373
18	21-22	982*, 2227*, 2845*
18	23-35	2843*
19	1-12	2364*
19	3-12	1620*
19	3-9	2382*
19	4	1652
19	6-12	2053*
19	6	796, 1605, 1614, 1644, 2336*, 2380*
19	7-9	2382*
19	8	1610*, 1614*
19	10	1615*
19	11	1615*
19	12	922, 1579, 1618
19	16-19	2052
19	16-17	2075
19	18	2400
19	21	2053, 2053*
19	23-29	2053*
19	23-24	226*
19	26	276, 308*, 1058, 2841
19	28	765*
20	19	572
20	26	2235
20	28	440, 601*, 605, 622, 786
20	30	439*
21	1-11	559*
21	9	439*
21	13	584*
21	15-16	559*
21	15	439*
21	18	544*
21	22	2610
21	28-32	546*
21	32	535*
21	33-43 par.	755*
21	34-36	443*
21	37-38	443*
21	42 par.	756*

22	1-14	546*, 796*
22	21	2242
22	23-34	575*
22	23-24	581*
22	34-36	581*
22	36	2055
22	37-40	2055
22	37	2083
22	40	1824*
22	41-46	439*, 447*
23	9	2367*
23	12	526*
23	16-22	2111*
23	21	586*
23	37a	558*
23	37b	558
23	39	674
24	1-2	585*
24	3	585*
24	12	675*
24	13	161
24	31	333*
24	36	443*
24	44	673*
25	1-13	796*
25	1	672*
25	6	1618*
25	13	672*
25	14-30	546*, 1936*
25	21	1029*, 1720*, 2683*
25	23	1029*, 1720*
25	31-46	544*, 1033*, 1373, 2447*, 2831*
25	31-36	2443*
25	31	331, 333*, 671*, 679*, 1038
25	32	1038
25	36	1503
25	40	678, 1397*, 1825*, 1932, 2449*
25	41	1034
25	45	598*, 1825*, 2463
25	46	1038
26	17-29	1339*
26	20	610*
26	26	1328, 1329*
26	28	545, 610, 613, 1365, 1846, 2839*
26	29	1403
26	31	764*
26	36-44	2849*
26	38	363*
26	39	536*, 612
26	40	2719*
26	41	2733, 2846*
26	42	612*
26	52	2262*
26	53	333*, 609*
26	54	600*
26	64-66	591*
26	64	443*
26	66	596
27	25	597
27	39-40	585*
27	48	515*
27	51	586*
27	52-53	633*
27	54	441*
27	56	500*
28	1	500, 2174, 2174*
28	6	652*
28	9-10	641*
28	9	645*
28	10	654
28	11-15	640*
28	16-20	857*, 1444*
28	16-17	645*
28	17	644
28	18-20	1120*
28	19-20	2, 767*, 849, 1223, 1257*, 1276
28	19	189, 232, 543*, 691*, 730*, 831*, 1122, 2156
28	20	80, 788*, 860*, 2743*

Evanġelju ta' San Mark (Mk)

1	1	422, 515*
1	11	151*, 422
1	12-13	538*
1	13	333*

1	15	541, 1423*, 1427, 2612
1	16-20	787*
1	21	2173*
1	24	438
1	25-26	1673*
1	35	2602*
1	40-41	2616*
1	41	1504*
2	1-12	1421*
2	5-12	1502*, 1503*
2	5	1441, 1484, 2616*
2	7	430, 574*, 589, 1441*
2	8	473*
2	10	1441
2	14-17	574*
2	17	545, 1484*, 1503*
2	19	796
2	23-27	581*
2	23-26	544*
2	25-27	582*
2	27-28	2167
2	27	2173
2	28	2173
3	1-6	574*
3	3	2173
3	5-6	1859*
3	5	591*
3	6	574*, 591*
3	10	1504*
3	13-19	551*, 787*
3	13-14	858
3	14-19	1577*
3	14-15	765*
3	15	1673*
3	16	552*
3	22	548*, 574*
3	27	539
3	29	1864
3	31-35	500*
4	4-7	2707*
4	11	546
4	15-19	2707*
4	33-34	546*
5	21-42	994*
5	25-34	548*
5	28	2616*
5	34	1504*
5	36	1504*, 2616*
6	3	500*
6	5	699*
6	6	2610
6	7	765*, 1673*
6	12-13	1506
6	13	1511*, 1673*
6	17-29	523*
6	38	472*
6	46	2602*
6	56	1504*
7	8-13	2196
7	8	581
7	10-12	2218*
7	10	2247
7	13	581
7	14-23	574*
7	18-21	582
7	21	1764*
7	29	2616*
7	32-36	1504*
7	33-35	1151*
8	6	1329*
8	19	1329*
8	22-25	1151*, 1504*
8	23	699*
8	27	472*
8	31-33	557*
8	31	474*, 572, 649*
8	34	459*, 1615*
8	35	2544*
9	2	552*
9	7	151*, 459
9	9-31	649*
9	23	1504*, 2610
9	24	162*
9	31-32	557*
9	31	474*
9	37	1825*
9	43-48	1034*
10	8	1627*
10	9	1639*, 2364, 2382*
10	11-12	1650
10	11	2380*
10	14	1244, 1261
10	16	699*
10	18	1858
10	22	2728*

10	28-31	1618*
10	32-34	557*
10	33-34	474*
10	34	649*, 994*
10	38	536*, 1225*
10	39	618*
10	43-45	1551*
10	45	608, 1570*
10	46-52	2667*
10	48	2616
10	52	548*
11	24	2610
11	25	2841*
12	17	450*
12	24	993
12	25	1619*
12	27	993
12	28-34	575*
12	29-31	129*, 2196
12	29-30	202*
12	29	228*
12	35-37	202*
12	38-40	678*
12	41-44	2444*
13		2612*
13	9	2849*
13	23	2849*
13	32	474*, 673*
13	33-37	672*, 2849*
14	12-25	1339*
14	18-20	474*
14	22	1328
14	25	1335*, 1403*
14	26-30	474*
14	33-34	1009*
14	36	473*, 2701*
14	38	2849*
14	57-58	585*
14	61	443*
15	11	597*
15	34	603, 2605
15	37	2605*
15	39	444
16	1	641*, 2174*
16	2	2174
16	5-7	333*
16	7	652*
16	11	643*
16	12	645, 659*
16	13	643*
16	14	643
16	15-16	977, 1223*
16	15	888*
16	16	161*, 183, 1253*, 1256*, 1257*
16	17-18	670*, 1507
16	17	434*, 1673*
16	18	699*
16	19	659, 659*
16	20	2, 156*, 670*

Evanġelju ta' San Luqa (Lq)

1	11	332*
1	15-19	724*
1	15	717
1	17	523, 696, 716*, 718, 2684*
1	23	1070*
1	26-38	497*, 706*, 723*, 2571*
1	26-27	488
1	26	332*
1	28-37	494*
1	28	490, 491
1	31	430*, 2812*
1	32-33	709*
1	32	559
1	34	484, 497*, 505
1	35	437, 484, 486*, 697
1	37-38	494
1	37	148, 269*, 273, 276
1	38	64*, 148, 510, 2617*, 2677, 2827*, 2856*
1	41	523*, 717, 2676
1	43	448*, 495, 2677
1	45	148, 2676
1	46-55	722*, 261*, 2675*
1	46-49	2097*
1	46	2465
1	48	148*, 971, 2676*
1	49	273, 2599*, 2807*, 2827*
1	54-55	706*
1	55	422*

1	68	422*, 717*
1	73	706*
1	76	523
2	6-7	525*
2	7	515*
2	8-20	486*, 525*
2	8-14	333*
2	10	333*
2	11	437, 448*, 695*
2	14	333, 559*, 725*
2	19	2599*
2	21	527*
2	22-39	529*, 583*
2	25	711*
2	26-27	695*
2	32	713*
2	34	575, 587*
2	35	149*, 618*
2	38	711*
2	41-52	534*
2	41	583*
2	46-49	503*
2	48-49	503*
2	49	2599
2	51-52	531
2	51	517*, 2196, 2599*
2	52	472
3	3	535
3	8	1460
3	10-14	535*
3	11	2447
3	16	696
3	21	608*, 2600*
3	22	536*
3	23	535*
4	1	695*
4	5-6	2855*
4	8	2096
4	9	2119*
4	13	538
4	16-22	1286*
4	16-21	436*
4	18-19	695*, 714
4	18	544, 2443*
4	19	1168
5	8	208
5	16	2602*
5	17	1116*
5	30	588*
5	32	588
6	6-9	581*
6	12-16	1577*
6	12	2600*
6	19	695*, 1116*, 1504
6	20-22	2444*
6	20	2546*
6	24	2547
6	28	1669*
6	31	1789*, 1970*
6	36	1458*, 2842
7	11-17	994*
7	16	1503
7	18-23	547*
7	19	453
7	22	544*
7	26	523*, 719
7	36-50	2712*
7	36	575*, 588*
7	37-38	2616*
7	48	1441
8	6	2731*
8	10	1151*
8	13-15	2847*
8	13	2731*
8	15	368*, 2668*
8	24	2743*
8	26-39	550*
8	46	695*, 1116*
9	2	551
9	18-20	2600*
9	23	1435*
9	28	2600*
9	30-35	2583*
9	31	554, 1151*
9	33	556*
9	34-35	659*, 697
9	35	516, 554
9	45	554*
9	51	557
9	58	544*
10	1-2	765*
10	2	2611*
10	7	2122*
10	16	87, 858*
10	17-20	787*
10	21-23	2603*
10	21	1083
10	25-37	2822*
10	27-37	1825*
10	27	2083
10	34	1293*
11	1	520*, 2601, 2759, 2773
11	2-4	2759*
11	2	2632*
11	4	1425, 2845
11	5-13	2613*
11	9	2761
11	13	443*, 728*, 2632*, 2671*
11	20	700*
11	21-22	385*
11	37	588*
11	39-54	579*
11	41	2447
12	1-3	678*
12	6-7	342
12	8-9	333*
12	10	1864*
12	12	1287*
12	13	549*
12	14	549*
12	32	764
12	35-40	2849*
12	49	696
12	50	536*, 607*, 1225*, 2804*
13	15-16	582*
13	20-21	2660*
13	31	575*
13	33	557
13	35	585*
14	1	575*, 588*
14	3-4	582*
14	26	1618*
14	33	2544*
15		1443*, 1846*
15	1-2	589*
15	7	545
15	11-32	545*, 2839*
15	11-31	1700*
15	11-24	1439*
15	18	1423*, 2795*
15	21	2795*
15	23-32	589*
15	32	1468
16	1	952*
16	3	952*
16	13	2424
16	16	523*
16	18	2382*
16	19-31	1859*, 2831*
16	22-26	633*
16	22	336*, 1021*
17	1	2287
17	3-4	2845*
17	4	2227*
17	5	162*
17	14	586*
17	19-31	2463*
17	33	1889
18	1-8	2573*, 2613*
18	1	2098
18	8	675*
18	9-14	2559*, 2613*
18	9	588
18	13	2631, 2667*, 2839*
19	1-10	2712*
19	8	549*, 2412
19	9	1443*
19	11-27	1936*
19	16	1880*
19	19	1880*
19	38	559*
19	41-42	558
20	17-18	587*
20	36	330*
20	39	575*
21	4	2544*
21	12	675*
21	24	58*, 674*
21	27	671, 697*
21	34-36	2612*
22	7-20	1151*, 1339
22	15-16	1130
22	15	607*
22	18	1403*
22	19-20	1365
22	19	610, 611*, 621, 1328, 1381
22	20	612*
22	26-27	894*
22	27	1570*
22	28-30	787*
22	29-30	551

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1032-1033 5/16/2014 12:03:40 PM

22	30	765*
22	31-32	641*, 643*
22	32	162*, 552*, 2600*
22	40	2612*
22	41-44	2600*
22	42	532, 2605, 2824
22	43	333*
22	44	2804*
22	46	2612*
22	61	1429*
22	70	443
23	2	596*
23	19	596*
23	28	2635*
23	34	591*, 597*, 2605, 2635*
23	39-43	440*, 2616*
23	43	1021*
23	46	730*, 1011*, 2605
23	47	441*
24	1	641*, 2174
24	3	640*
24	5-6	626*, 640
24	6-7	652*
24	9-10	641
24	11	643
24	12	640*
24	13-49	1094*
24	13-35	1329*
24	15	645*, 659*
24	17	643
24	21	439*
24	22-23	640*
24	25-27	112*, 601*
24	26-27	572, 652*
24	26	555, 710*
24	27	555*, 2625*
24	30	645*, 1166*, 1347
24	31	659*
24	34	552*, 641
24	36	641, 645*
24	38	644*
24	39	644*, 645*, 999
24	40	645*
24	41-43	645*
24	41	644
24	43	2605
24	44-48	652*
24	44-46	112*
24	44-45	572, 601*
24	44	702*, 2625*, 2763*
24	45	108*
24	46	627
24	47-48	730*
24	47	981, 1120*, 1122
24	48-49	1304*
24	51	659*

Evanġelju ta' San Ġwann (Ġw)

1	1-3	291
1	1	241*, 454*, 2780*
1	3	268*
1	4	612*
1	6	717
1	7	719*
1	9	1216
1	11	530
1	12-18	1996*
1	12-13	706*
1	12	526, 1692
1	13	496*, 505, 526*
1	14	423, 445, 454*, 461, 594*, 705*, 2466
1	16	423, 504
1	17	2787
1	18	151, 454*, 473*
1	19	575*, 613
1	23	719
1	29	408, 523, 536, 608, 613*, 1137*, 1505
1	31-34	486*
1	31	438
1	32-34	713*
1	32-33	536
1	33-36	719
1	33-34	1286*
1	36	608*
1	43	878*
2	1-12	2618*
2	1-11	1613*
2	1	495
2	11	486*, 1335*
2	13-14	583*
2	16-17	584

2	18-22	586*
2	18	575*
2	19-22	994*
2	21	586*
2	25	473*
3	2	581*
3	3-5	782
3	5-8	691, 728*, 1287*
3	5	432*, 720*, 1215, 1225, 1238, 1257*, 1262*, 2790*
3	7	526*, 591
3	9	505*
3	13	423, 440, 661
3	14-15	2130*
3	16	219, 444*, 454*, 458, 706*
3	17	679*
3	18	444, 454*, 679*
3	20-21	678*
3	29	523, 796*
3	30	524
3	34	504, 690*, 1286
3	36	161*
4	6-7	544*
4	10-14	694*, 1137*
4	10	728*, 2560, 2561
4	14	728*, 1999*, 2557*, 2652
4	21	586
4	22	528*, 586*
4	23-24	586*, 728*
4	24	1179
4	25-26	439*
4	34	606, 2611*, 2824*
5	1	583*
5	10	575*
5	14	583*
5	16-18	594*
5	18	574*, 589*
5	19	859, 1063*
5	22	679
5	24-25	994*
5	24	1470
5	25	635
5	26	612*, 679*
5	27	679*
5	28-29	1038
5	29	998
5	30	859, 2824*
5	33	719*
5	36	548*, 582*
5	39	702*
5	46	702*
6		1338*
6	5-15	439*, 559*
6	26-58	2835*
6	27	698, 728*, 1296*
6	33	423
6	38	606*, 2824*
6	39-40	989*, 1001
6	40	161*, 994*
6	44	259*, 591*, 1001, 1428*
6	46	151
6	48	1094
6	51	728*, 1355, 1406, 2837*
6	53-56	2837*
6	53	1384
6	54	994*, 1001, 1406, 1509*, 1524
6	56	787, 1391, 1406
6	57	1391
6	58	1509*
6	60	1336
6	61	473*
6	62-63	728*
6	62	440*
6	63	2766
6	67	1336
6	68	1336
6	69	438
7	1	583*
7	10	583*
7	12	574*
7	13	575*
7	14	583*
7	16	427
7	19	578*
7	22-24	582*
7	22-23	581*
7	23	2173*
7	37-39	728*, 1287*, 2561*
7	38-39	1999*
7	38	694*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1034-1035 5/16/2014 12:03:40 PM

7	39	244*, 690*
7	48-49	575*
7	49	588*
7	52	574*, 595*
8	2	583*
8	12	2466
8	28	211, 653, 2812*
8	29	603*, 1693*, 2824, 2825*
8	31-32	89*
8	32	1741*, 2466
8	33-36	588*
8	34-36	549*, 601*, 613*
8	44	391*, 392, 394, 2482, 2852
8	46	578*, 592*, 603*
8	48	574*
8	55	473*
8	58	590
8	59	574*
9	6	1151*, 1504*
9	7	1504*
9	16-17	595*
9	16	596*, 2173*
9	22	575*, 596*
9	31	2827
9	34	588*
9	40-41	588*
10	1-21	764*
10	1-10	754*
10	3	2158*
10	11-15	754*
10	11	553, 754*
10	16	60*
10	17-18	614*, 649
10	17	606
10	18	609
10	19-21	595*
10	19	596*
10	20	574*
10	22-23	583*
10	25	548*, 582*
10	30	590
10	31-38	548*
10	31	574*
10	33	574*, 589*, 594
10	36-38	591*
10	36	437*, 444*, 1562*
10	37-38	582*
10	38	548*
11		994*
11	24	993*, 1001
11	25	994
11	27	439*
11	28	581*
11	34	472*
11	39	627*
11	41-42	2604*
11	44	640*
11	47-48	548*
11	48	596
11	49-50	596
11	52	58, 60*, 706*, 2793
12	8	2449
12	24	2731
12	27	363*, 607
12	28	434*
12	31	550, 2853
12	32	542, 662, 786*, 1428*, 2795*
12	37	582*
12	41	712
12	42	595
12	46	2466
12	48	679*
12	49	1039*
13	1-17	1337*
13	1	557*, 609, 616*, 622, 730*, 1085*, 1380, 1524*, 1823, 2843*
13	3	423
13	12-16	1694*
13	12-15	1269*
13	13	447*
13	15	520*
13	20	858*
13	34	782*, 1823*, 1970*, 2195, 2822*, 2842
14	1	151
14	2-3	2795*
14	2	661*
14	3	1025*
14	6	74*, 459, 1698, 2466*, 2614
14	9-10	470*

14	9	516
14	13-14	2614*
14	13	2614, 2633*, 2815*
14	16-17	729*, 2615
14	16	692
14	17	243*, 687, 2466, 2671*
14	18	788*
14	22	647*
14	23-26	2615*
14	23	260
14	26	243*, 244*, 263*, 692, 729*, 1099*, 2466*, 2623*
14	30	1851*, 2853
14	31	606
15	1-17	1108*
15	1-5	755*
15	1-4	1988*
15	3	517*
15	4-5	787
15	5	308*, 737, 859*, 864*, 1694*, 2074, 2732
15	7	2615*
15	8	737
15	9-10	1824
15	9	1823
15	12	459, 1823, 1970*, 2074
15	13	363*, 609, 614*
15	15	1972, 2347*
15	16-17	2745
15	16	434*, 737, 2615*, 2815*
15	19-20	675*
15	20	530*, 765*
15	26	244*, 248, 263, 692, 719*, 729*, 1433*, 2671*
16	7-15	729*, 1287*
16	7	692
16	8-9	1433
16	8	388
16	11	385*
16	13-15	2615*
16	13	91*, 243, 687, 692, 1117, 2466, 2671*
16	14-15	485*
16	14	244*, 690*
16	23-27	2615*
16	24	2615, 2815*
16	26	2815*
16	28	661*, 2795*
16	33	1808
17		2604*, 2746*, 2758*
17	1	730*, 1085*, 2750*
17	2	2750*
17	3	217*, 684*, 1721*, 1996*, 2751*
17	4	1069*, 2750*
17	5	2750*
17	6-10	2751*
17	6	589*, 2750*, 2812*
17	7	2765*
17	8	2812*
17	9	2750*
17	10	2750*
17	11	2747*, 2750*, 2815, 2849*
17	12	2750*
17	13	2747*, 2749*
17	15	2750*, 2850
17	17-20	2821*
17	17-19	2812*
17	17	2466*
17	18	858*
17	19	611, 2747*, 2749*, 2812
17	21-23	260*, 877*
17	21	820
17	22	690*
17	23-26	2750*
17	24	2749*, 2750*
17	25	2751*
17	26	589*, 729*, 2750*
18	4-6	609*
18	11	607
18	12	575*
18	20	586*
18	31	596*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1036-1037 5/16/2014 12:03:40 PM

18	36	549*, 600*
18	37	217, 559*, 2471
19	11	600*
19	12	596*
19	15	596*
19	19-22	440*
19	21	596*
19	25-27	726*, 2618*
19	25	495
19	26-27	501*, 964, 2605
19	27	2677*, 2679*
19	28	544*, 607, 2561*, 2605
19	30	607, 624*, 730*, 2605
19	30b	2605*
19	31	641*
19	34	478*, 694*, 1225*
19	36	608*
19	37	1432*
19	38-39	595*
19	38	575*
19	42	624*, 641*
20	1	2174
20	2	640
20	5-7	640*
20	6	640
20	7	515*
20	8	640
20	11-18	641*
20	13	640*
20	14-15	645*, 659*
20	14	645*
20	16	645*
20	17	443, 645*, 654, 660, 2795*
20	19	575*, 643*, 645*, 659*
20	20	645*
20	21-23	1087*, 1120*, 1441*
20	21	730, 858
20	22-23	976, 1485
20	22	730*, 788*, 1287
20	23	1461*, 2839*
20	24-27	644*
20	26	645*, 659*
20	27	645*
20	28	448
20	30	514*
20	31	442*, 514
21	4	645*, 659*
21	7	448, 645*
21	9	645*
21	12	1166*
21	13-15	645*
21	15-17	553, 881*, 1429*, 1551*
21	18-19	618*
21	22	878
21	24	515*

Atti tal-Appostli (Atti)

1	1-2	512
1	3	659*
1	6-7	672*
1	7	474*, 673
1	8	672*, 730*, 735*, 857*, 1287*
1	9	659*, 697
1	10-11	333*
1	11	665*
1	14	726, 1310*, 2617*, 2623, 2673*
1	22	523*, 535*, 642*, 995
2	1-4	1287*
2	1	2623
2	3-4	696
2	11	1287
2	17-21	715*
2	17-18	1287*
2	21	432*, 2666*
2	22	547
2	23	597, 599
2	24	633*, 648*
2	26-27	627
2	33	659*, 788*
2	34-36	447*, 449*
2	36-38	1433*
2	36	440, 597*, 695*, 731*, 746
2	38	1226, 1262*, 1287*, 1427*
2	41	363*, 1226*
2	42-46	2178*

2	42	3*, 857*, 949, 1329*, 1342, 2624
2	46	584*, 1329*, 1342
2	47	2640*
3	1	584*
3	9	2640*
3	13-14	597*
3	13	599*
3	14	438, 601*
3	15-16	2666*
3	15	612, 626, 632, 635
3	17-18	591*, 600*
3	17	597*
3	18	601*
3	19-21	674
4	10	597*
4	11	756*
4	12	432, 452, 1507*
4	20	425
4	21	2640*
4	26-27	436*
4	27-28	600
4	32	952, 2790
4	33	995*
5	12	699*
5	18-20	334*
5	20	584*
5	21	584*
5	28	597*
5	29	450*, 2242, 2256
5	30	597*
5	41	432*
6	6	2632*
6	7	595
7	52	597*, 601*
7	53	332*
7	56	659*
7	60	2635*
8	9-24	2121*
8	12-13	1226*
8	14-17	1315
8	15-17	1288*
8	20	2121
8	26-29	334*
8	32-35	601*
8	37	454*
9	3-18	639*
9	4-5	598*
9	13	823*
9	14	432*
9	20	442
9	34	1507*
10	3-8	334*
10	35	761
10	38	438, 453, 486, 1289
10	39	597*
10	41	659*, 995
10	42	679*
10	48	1226*
11	14	1655*
12	5	2636*
12	6-11	334*
12	37	630
13	2	1070*
13	3	699*, 2632*
13	24	523*
13	27-28	597*
13	29	601*
13	31	647
13	32-33	638
13	32	653
13	33	445*, 2606*
13	34	653
13	38-41	578*
13	48	2640
14	3	699*, 1507*
14	15	32*
14	17	32*, 1147*
14	22	556, 2847*
15	5	595
15	10	578*
16	15	1226*, 1252*
16	16-18	434*
16	31-33	1226
13	31	1655*
16	33	1252*
17	24-29	287*
17	26-28	28
17	26-27	57*
17	26	360
17	27-28	32*
17	27	2566*
17	28	300
17	31	679*
17	32	996*

18	6	597*
18	8	1252*, 1655*
18	18	2102*
19	5-6	1288*
19	6	699*
19	13-16	434*
19	39	751*
20	7	132*, 1343
20	11	1329*
20	32	798
20	36	2636*
21	5	2636*
21	20	595
21	23-24	2102*
23	6	993*
24	15	1038
24	16	1794*, 2471
26	22-23	601*
27	23-25	334*
28	20	453

Ittra lir-Rumani (Rum)

1	1	876
1	3-4	648
1	3	437*, 496*
1	4	445, 695*
1	5	143*, 494, 2087
1	17	1814
1	18-32	401*, 2087*
1	18-25	57*
1	18	2125*
1	19-20	32, 287*, 1147*
1	24-27	2357*
1	28-32	1852*
1	32	1777*
2	14-16	1777*
2	16	678*
2	24	2814
3	4	2465
3	20	708*
3	21-26	1992
3	21-22	2543
3	22	1987
3	23	399*, 705, 2809
3	25	433, 1460*
4	3	146
4	11	146
4	16-21	706*, 2572*
4	17	298
4	18-21	723*
4	18	146, 165, 1819
4	20	146
4	25	517*, 519, 654*, 977*
5	3-5	2734*, 2847*
5	5	368*, 733, 1820, 1964, 2658
5	8	604
5	10	603, 1825
5	12-21	388*
5	12	400*, 402, 602*, 612*, 1008*
5	18-19	605*
5	18	402
5	19-21	1009*
5	19-20	411*
5	19	397*, 402, 532*, 615, 623*
5	20-21	1848
5	20	312*, 385*, 412, 420, 1848
6	3-9	1006*
6	3-4	1214*, 1227, 1987*
6	4-5	790*
6	4	537, 628, 648*, 654, 658*, 730, 977, 1697
6	5	1694*, 2565*
6	8-11	1987
6	10	1085
6	11	1694
6	12	2819
6	17	197, 1237*, 1733*
6	19	1995
6	22	1995
6	23	1006, 1008*
7		1963
7	7	2542*
7	10	2542*
7	12	1963*
7	14	1963*
7	16	1963*
7	22	1995
7	23	2542
8	2	782*
8	3	602*

8	9	693
8	11	632, 658*, 693, 695*, 989, 990
8	14-17	1996*
8	14	259*, 693, 1831, 2543*
8	15	257, 693, 1303, 1972*, 2777
8	16	2639*
8	17	1265, 1460, 1831
8	18-23	280*
8	18	1721*
8	19-23	1046
8	20	400
8	21	1741
8	22	2630
8	23-24	2630
8	23	735*
8	26-39	2739*
8	26-27	2634
8	26	741, 2559, 2630, 2736
8	27	2543*, 2736*, 2766
8	28-30	1821*, 2012
8	28	313, 395
8	29	257, 381*, 501, 1161*, 1272*, 2790
8	31	2852
8	32	603, 706*, 2572
8	34	1373, 2634*
9	4-5	839
9	5	449*
10	1	2632*, 2636*
10	2	579*
10	4	1953, 1977*
10	6-13	432*
10	7	635*
10	9	14*, 186*, 449*
10	12-13	2739*
10	13	2666*
10	14-15	875
10	17	875
11	12	674
11	13-26	755*
11	15	674
11	17-18	60*
11	20	591*, 674
11	24	60*
11	25	591, 674
11	26	674
11	28	60*
11	29	839
11	31	674*
11	32	1870
12-15		1454*, 1971*
12	1	2031*
12	2	2520*, 2826
12	4	1142
12	5	1372
12	6-8	2004
12	6	114*
12	8	2039*
12	9-12	1971
12	11	2039*
12	12	1820
12	14	1669*, 2636*
13	1-2	1899, 2238*
13	1	1918
13	7	2240
13	8-10	1824*, 2196
13	8	2845
13	9-10	2055
14		1971*
14	7	953
14	9	668
14	17	2819
14	21	1789
15	5-6	2627*
15	5	520*
15	13	162*, 2627*, 2657
15	16	1070*
15	19	693
15	27	1070*
15	30	2629*
16	2	2087
16	25-27	2641*
16	26	143*, 1204, 2087

L-ewwel Ittra lill-Korintin (1 Kor)

1-6		401*
1	2	752*, 1695
1	16	1252*
1	18	268*
1	24-25	272
1	27	489*

1	30	2813
2	7-16	221*
2	7-9	1998*
2	8	446*, 498*, 598
2	9	1027
2	10-15	2038*
2	10-11	152
2	11	687
2	16	389*
3	9	307, 755*, 756
3	11	756*
3	12-15	679*
3	15	1031*
3	16-17	797*
4	1	859, 1117*
4	5	678*
4	7	224
5-10		1971*
5	1	2388
5	4-5	2388
5	6-8	129*
5	7	608*, 610*, 613*
5	11	1470*
6	1	823*
6	9-10	1852*, 2380*
6	10	2357*, 2450
6	11	693, 1227*, 1425, 1695, 2813
6	13-15	1004
6	14	989*
6	15-20	2355*
6	15-16	796*
6	15	1265*
6	19-20	364*, 1004
6	19	1265*, 1269*, 1695*
7	10-11	2364*, 2382*
7	14	1637
7	16	1637*
7	26	672
7	31	1619*
7	32	1579*, 1618*
7	34-36	922*
7	34-35	506*
7	39	1602
7	40	693
8	6	258*, 2639
8	10-13	2285*
8	12	1789
9	1	659*, 857*
9	5-18	2122*
9	5	500*
9	19	876*
9	22	24
10	1-11	129*
10	1-6	1094*
10	1-2	697*
10	2	117*
10	4	694*
10	6	128*
10	9	2119*
10	11	117, 128*, 2175*
10	13	2848
10	16-17	1329*, 1331*, 1396
10	16	1334
10	17	1621*
10	24	953*
11	13	1366
11	15	613*
11	17-34	1329*
11	17	2178*
11	18	752*
11	20	1329*
11	23-26	1339*
11	23	610, 1366
11	24-25	1356
11	24	1328, 1329*
11	25	611
11	26	671*, 1076, 1130, 1344, 1393*, 2772, 2776
11	27-29	1385
11	30	1509*
12-13		1454*, 1971*
12		1988*, 2003*
12	3	152, 449*, 455, 683, 2670, 2681
12	4-6	249*
12	6	308*
12	7	801, 951
12	9	1508*
12	13	694, 790*, 798*, 1227*, 1267, 1396*
12	26-27	953
12	26	1469*
12	27	1265*
12	28	1508*
12	30	1508*
13		735*, 800*
13	1-4	1826
13	4-7	1825
13	5	953
13	8	773
13	12	163, 164, 314, 1023*, 1720*, 2519*
13	13	1813*, 1826, 1841*
14	19	752*
14	28	752*
14	34	752*
14	35	752*
15	3-5	186*
15	3-4	63*, 652*
15	3	519, 601, 619, 624*
15	4-8	642*
15	4	627
15	5	552*, 641*
15	7-8	857*
15	8	659
15	9	752*
15	12-14	991
15	12-13	996*
15	12	2550
15	14	651
15	20-22	655
15	20	632, 991
15	21-22	411*
15	24-28	2855*
15	24	668*
15	26	1008*
15	27-28	668*
15	28	130, 294, 671*, 674, 1050, 1060, 1130, 1326*, 2550, 2804*
15	35-50	646*
15	35-37	999
15	42-44	1683*
15	42	999, 1017*
15	44-45	364*
15	44	999, 1017
15	45	411*, 504*
15	47	504
15	52-53	999
15	56	602*
16	1	752*, 823*, 1351*
16	13	2849*
16	15-16	1269*
16	22	451, 671, 1130, 1403

It-tieni Ittra lill-Korintin (2 Kor)

1		2627*
1	3-7	2627*
1	20	1065
1	21-22	1274*, 1296
1	21	695*, 735*
1	22	698, 1107*
1	23	2154*
2	15	1294*
3	3	700
3	6	859
3	14-16	1094*
3	14	702*
3	17	693, 1741
4	4	1701*
4	6	298*, 2583*
4	7	1420
4	14	989*
5	1	1420
5	2	2796
5	6	769*
5	7	164
5	8	1005, 1021*, 1681*
5	14	616, 851
5	15	605*, 655, 1269*
5	17	1214, 1265
5	18-21	2844*
5	18	981, 1442, 1461*, 1999
5	19	433, 620
5	20	859, 1424, 1442
5	21	602
6	2	1041
6	4	859
6	16	797, 1179
6	18	270
8	1-15	2833*
8	9	517*, 1351*, 2407, 2546

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1042-1043 5/16/2014 12:03:41 PM

9	12	1070*
9	14	2636*
9	15	1083
11	2	505*, 796*
12	9	268, 273*, 1508
13	4	648*
13	13	249, 734, 1109, 2627*

Ittra lill-Galatin (Gal)

1	1	857*
1	4	2824
1	13	752*
1	15-16	442
1	15	153*
1	16	659*
1	19	500*
1	20	2154*
2	10	886*
2	20	478, 616*, 1380*, 2666*
3	1	476*
3	8	59*
3	10	578*, 580
3	13	580
3	14	693, 706*
3	16	706*
3	24	582*, 708*, 1963*
3	27-28	791
3	27	1227, 1243, 1425, 2348*
4	1-7	1972*
4	4-5	422
4	4	484, 488, 527*, 531*, 580*, 702
4	5-7	1265*
4	6	683, 689*, 693, 742, 1695*, 2766
4	19	526, 562*, 793
4	21-31	1972*
4	26-28	723*
4	26	757
5		1454*
5	1	1741, 1748
5	3	578*
5	6	162, 1814
5	16-25	2744*, 2819*
5	16	2515*
5	17	2515*
5	19-21	1470*, 1852
5	20	2113*
5	22-23	736
5	22-23 vulg.	1832
5	22	1108*, 1695, 2345*
5	24	2515*, 2543, 2555
5	25	736, 782, 1695*, 2516, 2842, 2848
6	2	1642*, 2030
6	15	1214

Ittra lill-Efesin (Ef)

1	3-14	2627*, 2641*
1	3-6	381*, 1077
1	3	492, 1671
1	4-5	52*, 257
1	4	492*, 796*, 865*, 1426, 2807*
1	5-6	294
1	5	257
1	6	1083
1	7	517*, 2839
1	9-11	2823
1	9	257*, 1066, 2603, 2807*
1	10	668, 772*, 1043, 2748*
1	13-14	706, 1274*
1	13	693, 698, 1296*
1	14	1107*
1	16-23	2632*
1	18	158
1	19-22	272, 648*
1	20-22	668
1	22-23	830*
1	22	669*, 753*, 2045*
2	3	2515*
2	4-5	654*
2	4	211, 1073
2	6	1003, 2796
2	14	2305
2	16	2305
2	19-22	756*
2	20	857
2	21	797*
3	4	1066*

3	8	424
3	9-12	221*
3	9-11	772*
3	9	1066
3	12	2778*
3	14	23*, 2214*, 2367*
3	16-17	1073*, 2714
3	16	1995
3	18-21	2565*
3	20-21	2641*
4-6		1454*
4-5		1971*
4	2	2219
4	3-5	866*
4	3	814
4	4-6	172*, 24*, 2790*
4	7	913
4	8-10	661*
4	9-10	631, 2795*
4	9	633*, 635*
4	10	668*
4	11-16	794*
4	11-13	669*
4	11	1575*
4	13	674, 695
4	16	798*
4	18	2045
4	19	2518*
4	23	1695
4	24	1473*, 2475, 2504
4	25	1267, 2475
4	28	2444
4	30	698, 1274, 1296*
4	32	2842
5	1	1694
5	2	616*
5	3-5	1852*
5	4	2204*
5	5	2113*
5	8	1216, 1695
5	9	1695
5	14	2641*
5	16	672*
5	17	2826
5	19	1156, 2641
5	20	2633*, 2742
5	21 – 6,4	2204*
5	21	1269*, 1642
5	25-27	772*
5	25-26	757*, 1616
5	25	616*, 1659
5	26-27	1617*
5	26	628*, 757, 796, 1228*
5	27	773, 796, 1426
5	29	757*, 796*
5	31-32	796, 1602*, 1616
5	31	1627*
5	32	772*, 1624*, 1659
6	1-3	2196
6	1	2217*
6	4	2223, 2286*
6	18-20	2636*
6	18	1073, 1174*, 2742
6	23-24	2627*

Ittra lill-Filippin (Fil)

1	3-4	2636*
1	9-11	2632*
1	21	1010, 1698
1	23	1005*, 1011, 1021*, 1025*
1	27	1692
2	1	2842*
2	4	2635
2	5-8	461
2	5	520*, 1694, 2842*
2	6-11	2641*, 2667*
2	6-9	1850*
2	6	449
2	7	472, 602*, 705*, 713, 876, 1224
2	8-9	908*
2	8	411, 612, 623
2	9-11	449, 2812*
2	9-10	434
2	10-11	201*
2	10	633*, 635
2	12-13	1949
2	13	308
2	14-17	1070*
2	15	1243*
2	25	1070*
2	30	1070*
3	6	752*
3	8-11	428
3	8	133

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1044-1045 5/16/2014 12:03:41 PM

3	10-11	989*, 1006*
3	10	648*
3	20	1003*, 2796*
3	21	556, 999
4	6-7	2633*
4	8	1803
4	13	273*, 308*, 1460

Ittra lill-Kolossin (Kol)

1	3-6	2632*
1	3	2636*
1	10	2520*
1	12-14	1250*
1	13-14	517*
1	14	2839
1	15-20	2641*
1	15	241, 299, 381, 1701
1	16-17	291
1	16	331
1	18-20	624*
1	18	504*, 658, 753*, 792
1	20-22	2305*
1	24	307*, 618*, 1508
1	27	568, 772
2	9	484, 515, 722, 2502
2	11-13	527
2	12	628*, 1002, 1214*, 1227*, 1694*
2	19	794*
3-4		1971*
3	1-3	655*
3	1	1002
3	3	665*, 1003, 1420, 2796
3	4	2772*
3	5-8	1852*
3	5	2518*
3	10	2809
3	14	815, 1827, 1844
3	16-17	1156*, 2633*
3	16	2641
3	18-21	2204*
3	20	2217
3	21	2286*
4	1	1807
4	2	2638, 2849*
4	3-4	2632*, 2636*
4	11	307*
4	12	2629*, 2632*

L-ewwel Ittra lit-Tessalonkin (1 Tess)

1	10	442*
2	13	104*, 1349*
2	14-15	597*
3	2	307
4	7	2518*, 2813*
4	11	2427*
4	13-14	1012*
4	14	649, 989*
4	16	1001
4	17	1025*
4	18	1687*
5	2-3	675*
5	2	673*
5	5	1216
5	6	2849*
5	8	1820
5	12-13	1269*
5	17-18	2633*
5	17	1174, 2742, 2757
5	18	2638, 2648
5	19	696
5	23	367
5	25	2636*

It-tieni Ittra lit-Tessalonkin (2 Tess)

1	10	1041
1	11	2636*
2	3-12	673*
2	4-12	675*
2	7	385, 671*
3	6-13	2830*
3	10	2427

L-ewwel Ittra lil Timotju (1 Tim)

1	3-4	2518*

1	5	1794
1	9-10	1852*
1	10	2357*
1	15	545*
1	18-19	162
2	1-2	1349, 1900*
2	1	2636
2	2	2240
2	3-4	2822
2	4	74, 851, 1058, 1256*, 1261*, 1821
2	5-8	2634*
2	5	618, 1544, 2574
3	1-13	1577*
3	1	1590
3	9	1794*
3	15	171, 756*, 2031
3	16	385, 463, 2641*
4	1	672*
4	3-9	2518*
5	17-18	2122*
6	8	2837*
6	12	2145*
6	15-16	2641*
6	16	52
6	20	84*

It-tieni Ittra lil Timotju (2 Tim)

1	3	1794*
1	5	2220
1	6	1577*, 1590
1	8	2471, 2506
1	9-10	257, 1021*
1	12-14	84*
1	12	14*
1	13-14	857*
1	14	1202
2	5	1264
2	8	437*
2	11-13	2641*
2	11	1010
2	22	2518*
2	23-26	2518*
3	2-5	1852*
3	12	2847*
4		2015*
4	1	679*

Ittra lil Titu (Tit)

1	5-9	1577*
1	5	1590
1	15	2518*
2	1-6	2342*
2	12	1809
2	13	449*, 1041, 1130, 1404*, 2760, 2818*
2	14	802
3	5	1215
3	6-7	1817

Ittra lil Filemon (Filem)

16		2414*

Ittra lil Lhud (Lh)

1	1-3	102*
1	1-2	65
1	3	241, 320, 2502, 2777, 2795*
1	6	333
1	13	447*
1	14	331
2	4	156*
2	9	624, 629*
2	10	609*
2	12	2602
2	13	2777, 2795*
2	14-15	635
2	14	407*, 636
2	15	1520*, 2602*
2	17-18	609*
3	1 – 4,11	117*
3	6	2778*
3	7-4,11	1165*
4	3-4	346*
4	7-11	1720
4	7-9	624*
4	13	302
4	14-15	1137*
4	15	467, 540, 609*, 612*, 2602*
4	16	2778*
5	1-10	1564*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1046-1047 5/16/2014 12:03:41 PM

5	1	1539
5	3	1540*
5	4	1578*
5	6	1537*
5	7-9	609*, 2606
5	7-8	612*, 1009*
5	7	2741*
5	8	2825
5	9	617
5	10	1544
6	2	699*, 1288*
6	4-6	679*
6	5	655
6	6	598
6	13	2810*
6	19-20	1820
6	20	1544
7	3	58*
7	11	1537*
7	16	648*
7	23-25	1476*
7	24	662, 1366, 1564*
7	25-27	1364*
7	25	519, 662, 2634, 2741*
7	26	1544
7	27	1085, 1366, 1540*
8	2	1070*
8	6	1070*
8	8-10	1965
9	5	433*
9	7	433*
9	11-28	1476*, 1564*
9	11	586*, 662
9	12	1085
9	13-14	2100*
9	14	614*
9	15	522*, 579*, 580, 592*
9	24	519, 662, 2741*
9	26	571
9	27	1013, 1021*
10	1-4	1540*
10	1	128*
10	5-10	606
10	5-7	462, 516*, 2568
10	5	488*
10	7	2824
10	10	614*, 2824
10	14	1544
10	16	64*
10	19-21	1137*
10	19	2778*
10	23	1817
10	25	2178
10	26-31	679*
10	32	1216*
10	36	2826
11	1	146
11	2	147
11	3	286
11	6	161, 848
11	8	145
11	17	145*, 2572
11	19	2572
11	39	147
11	40	147
12	1-2	165
12	1	1161, 2683*
12	2	147
12	3	569*, 598*
12	22-23	2188
12	23	1021*
13	3	2447*
13	10	1182*
13	14	2796*
13	15	1330
13	17	1269*
13	20	632*

Ittra ta' San Ġakbu (Ġak)

1	5-8	2633*, 2737*
1	13	2846
1	14-15	2847*
1	17	212, 2642
1	25	1972*
1	27	2208
2	7	432*, 2148
2	10-11	2069*, 2079*
2	10	578
2	12	1972*
2	14-26	162*
2	15-16	2447
2	26	1815
4	1-10	2737*
4	2-3	2737
4	4	2737
4	5	2737
5	1-6	2445
5	4	1867*, 2409*, 2434*
5	12	2153*
5	14-15	1510, 1511*, 1526
5	14	1519
5	15	1519*, 1520
5	16	2737*
5	16b-18	2582
5	20	1434*

L-ewwel Ittra ta' San Pietru (1 Piet)

1		2627*
1	3-9	2627*
1	3	654*
1	4	1721
1	7	1031*
1	10-12	719
1	18-20	602
1	18-19	517*
1	18	622*
1	19	613*
1	23	1228*, 2769
2	1-10	2769*
2	1	2475
2	4-5	1141*, 1179
2	4	552
2	5	756*, 901, 1268, 1330*, 1546*
2	7	756*
2	9	709*, 782, 803, 1141, 1268, 1546*
2	13-17	1899*
2	13	2238
2	16	2238
2	21	618*
2	24	612
3	1-7	2204*
3	9	1669*
3	18-19	632*
3	20-21	845*
3	20	1219
3	21	128*, 1094*, 1794*
4	6	634
4	7	670*, 1806
4	8	1434
4	14	693
4	17	672*
5	3	893, 1551*
5	4	754*
5	7	322
5	8	409*, 2849*

It-tieni Ittra ta' San Pietru (2 Piet)

1	3-4	1996*
1	4	460, 1129*, 1265, 1692, 1721, 1812*
1	16-18	554*
2	4	392*
3	9	1037, 2822
3	11-12	671*
3	12-13	677*
3	13	1043, 1405*

L-ewwel Ittra ta' San Ġwann (1 Ġw)

1	1-4	425
1	3-7	1108*
1	3	2781*
1	5	214
1	6	2470
1	7-2, 2	2631*
1	8-10	827*
1	8-9	1847
1	8	1425
1	10	2147*
2	1-2	1460*
2	1	519, 692*, 2634*
2	2	605*, 606*
2	16	377*, 2514*, 2534*
2	18	670, 672*, 675*
2	20	91*, 695*
2	22	675*
2	23	454*
2	27	91*, 695*
2	28	2778*
3		2822*
3	1	1692

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1048-1049 5/16/2014 12:03:41 PM

3	2	163, 1023, 1161*, 1720*, 2519*, 2772
3	3	2345*
3	5	457
3	8	385*, 392, 394
3	14-15	1033
3	17	2447*
3	19-24	2845*
3	19-20	208, 1781
3	21	2778*
3	22	2631
4		2822*
4	2-3	465*
4	2	423, 463
4	3	672*
4	8	214, 221, 733, 1604*
4	9	458, 516
4	10	457, 604, 614*, 620, 1428*
4	11-12	735*
4	14	457
4	16	221, 733, 1604*
4	19	604*, 1828
4	20	2840*
5	1	2780*, 2790*
5	6-5	1225*
5	8	694*
5	14	2778*, 2827*
5	16-17	1854*
5	18-19	2852
5	19	409
5	20	217

It-tieni Ittra ta' San Ġwann (2 Ġw)

7	465*, 675*

It-tielet Ittra ta' San Ġwann (3 Ġw)

7	432*

Ittra ta' San Ġuda (Ġuda)

3	171
24-25	2641*

Apokalissi (Apok)

1	4	1403, 2854*
1	6	1546, 2855*
1	8	2854
1	18	612, 625, 633*, 635, 2854
2-3		401*
2	5	1429
2	16	1429
2	17	1025*, 2159
3	7	303
3	14	1065
4-5		1138*
4	2	1137
4	6-11	662*
4	8-11	2642*
4	11	295, 2855*
5	6	1137
5	9-14	2642*
5	9-10	1546*
5	13	449*, 2855*
6	9-11	1138
6	10	2642, 2817
7	1-8	1138*
7	2-3	1296*
7	9	775, 1138
7	10-12	2642*
9	4	1296*
11	15	450*
12		1138*
12	9	391*, 2852
12	11	2853*
12	13-16	2853
12	17	501*, 757*, 2853
13-14		2113*
13	8	677*
14	1	1138*, 2159
14	4	778*, 1618*
16	15	2849
18	24	2642*
19	1-9	677*
19	1-8	2642*
19	6	865*
19	7	757*, 1602, 1612
19	9	1329*, 1602, 1612
20	7-10	677*
20	12	677*

21	1-22,5	117*
21	1-2	756*
21	1	1043*
21	2-4	677*
21	2	757*, 1045, 2016
21	3	756*, 2676
21	4	1044, 1186
21	5	1044
21	6	694*, 1137*
21	7	2788
21	9	757*, 865, 1045, 1138*
21	10-11	865
21	12-14	765*
21	14	857, 865, 869
21	22	586*
21	27	1044*, 1045*
22	1	1137
22	4	1023*
22	5	1029
22	15	1470*
22	16	437*, 528*
22	17	524*, 671, 694*, 757*, 796*, 1130, 2550*, 2853
22	20	451, 671, 673*, 1130, 1403, 2853
22	21	1061*

STQARRIJIET TAL-FIDI
(kif imsemmija f'Denzinger-Schönmetzer)

1-64	192*
10-64	496*
71-72	192*
71	254
75-76	192*
75	266
76	1035*

Kredu tal-Appostli

	167, 194*, 196*, 325, 750, 946, 1331

KONĊILJI EKUMENIĊI
(kif imsemmija f'Denzinger-Schönmetzer minbarra r-riferenzi għall-Konċilju Vatikan II)

Nicea I (325)

126	465
130	465
Kredu	465

Kostantinopli I (381)

Kredu ta' Nicea – Kostantinopli

150	195, 196, 242, 243, 245, 279, 291, 325, 652, 664, 685, 750, 1680
(fl-oriġinal Grieg)	167

Efesu (431)

250	466
251	466, 495*
255	468*

Kalċedonja (451)

301-302	467

Kostantinopli II (553)

421	253, 258
424	468
427	499*
432	468

Kostantinopli III (680-681)

556-559	475*
556	475

Nicea II (787)

600-603	476
600	1161

601 477, 1674*, 2132
603 1674*
DEC 135 1160

Kostantinopli IV (869-870)

657 367

Lateran IV (1215)

800-802 192*
800 202, 296, 299*, 327, 391
801 999, 1035*
802 1576*
804 253, 254
806 43

Lyons II (1274)

850 248
851-861 192*
854 1017
856 1032*
857-858 1022*
858 1035*
859 1059
860 1113*

Vienne (1311-1312)

902 365*

Kostanza (1414-1418)

1154 1584*

Firenze (1439-1445)

1300-1301 246
1302 248
1304-1306 1022*
1304 1031*
1310 1113*
1314 1213*
1315 1256*
1316 1263*
1319 1303*
1324-1325 1510*
1325 1520*
1330 255
1331 248, 255, 258
1333 299*
1334-1336 120*
1351 1035*

Lateran V (1512-1517)

1440 366*

Trento (1545-1563)

1501-1504 120*
1510-1516 406*
1511-1512 404*
1511 375, 407, 1008*
1512 403*
1513 390*, 405*
1514 403*, 1250*
1515 1264, 1426*, 2515*
1525 1993
1528 1989
1529 615*, 617, 1992*
1532 161*
1533-1534 2005*
1541 1821*
1542 1446*
1545 1426*, 1815*
1546 200*
1548 2009*
1549 1059*
1567 1037*
1569-1570 2068*
1573 411*
1575 1035*
1576 2016*
1580 1031*
1600-1601 1114
1601 1113*
1604 1129*
1605 1127*
1606 1127*
1608 1128*
1609-1619 1272*
1609 1121, 1280*, 1304*

1612 1584*
1618 1257*
1624 1280
1638 1394*, 1436
1640 1413*
1641 1377*
1642 1376
1647 1457*
1651 1374, 1413*
1661 1457*
1672 980
1673 1450*
1674 1468
1676 1451
1677-1678 1431*
1677 1452*
1678 1453*
1680 1456, 1458*
1683 1457
1690 1460*
1691 1460
1694 1523
1695-1696 1510*
1695 1511
1696 1512*
1697 1516*
1698 1523
1705 1431*, 1453*
1708 1457*
1712-1713 1472*
1712 1459*
1716-1717 1510*
1717 1520*
1719 1516*
1740 1337, 1366
1743 1367, 1371
1752 611*
1764 611*
1767 1582*
1774 1583*
1799 1661*
1800 1617*
1813-1816 1631*
1820 1022*, 1031*, 1472*
1821-1825 2132*
1822 1674*
1835 1478*

Vatikan I (1869-1870)

3002 293, 299*, 327*
3003 302
3004 36
3005 38*, 367, 1960
3008-3010 156
3008 154
3009 156
3010 155*
3012 161
3013 812
3015 50*, 237
3016 90*, 498
3017 159
3022 296*
3023-3024 296*
3025 293, 296
3026 36*, 47*, 286*
3057 834
3074 891*

Vatikan II (1962-1965)

Sacrosanctum concilium (4-12-1963)
IV 1174*
2 771, 1068
3-4 1075*
4 1203
5 766, 1067
6 1076*, 1086, 1113*
7 1070, 1088, 1089, 1181*, 1373
8 1090
9 1072
10 824, 1074
11 1071
13 1675
14 1141
21 1205*
24 1100
26-27 1482*
26 1140
27 1140, 1517*
28 1144
29 1143
33 1548*, 1552*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1052-1053 5/16/2014 12:03:41 PM

35 1570*
37-40 1204*, 1232*
41 1561*
47 1323, 1398*
55 1388
56 1346
59 1123
60 1667
61 1621*, 1670
64 1232
65 1232
67 1255*
71 1298*
73 1513*, 1514
79 1669*
81-82 1684*
81 1685*
83 1175
84 1174
86 1175*
90 1176
96 1175*
98 1174, 1175*
100 1175
102 1163, 1194
103 508, 971*, 1172
104 1173
106 1166, 1167, 1193, 2191*
108 1173*
109-110 1438*
111 1173*
112 1156, 1157
118 1158
119 1158*
121 1158
122-127 1181*, 2503*
122 2513
126 2132*
128 1183

Inter mirifica (4-12-1963)
5 2494
8 2495
11 2494*
12 2498

Lumen gentium (21-11-1964)
1 748, 775, 1045
2 375, 541, 759, 769, 1050*, 1076*, 1093
3 541, 542*, 669, 763, 766, 960, 1364, 1405
4 767, 768, 810
5 541, 543, 567, 669, 763, 764, 768, 769
6 753, 754, 755, 756, 757, 769*, 1621*
7 562, 788, 790, 791, 793, 798
8 769*, 771, 786, 811, 816, 819, 827, 853, 870, 1428
9 753*, 761*, 762, 776, 781, 782
10 784, 901*, 1120, 1141, 1273*, 1535*, 1538*, 1546, 1547, 1548*, 1552*, 1657
11 824, 1119, 1251*, 1270, 1273*, 1285, 1303*, 1324, 1422, 1444*, 1499, 1522, 1535, 1641, 1656, 2204*, 2225, 2226*
12 92, 93, 785, 798, 801, 823, 889*, 951, 1303*, 2003*
13 761*, 804, 814, 831, 836
14 815*, 837, 846, 1249, 1257*
15 819*, 838, 853*
16 761*, 839, 841, 843, 844, 847, 1260*, 1281*
17 776*, 1270*, 2032
18 874
19 880
20 87*, 860, 861, 862, 1555, 1576
21 1549*, 1556, 1557, 1558, 1575*, 1576, 1582*
22 880, 881, 882, 883, 884, 885, 1444, 1559
23 833, 835, 882, 886, 887, 938, 1202*, 1560*
24 1551, 2068
25 90, 888, 891, 892, 2034, 2035*
26 832, 893, 1312, 1462, 1561*
27 894, 895, 896
28 1548*, 1554, 1562, 1564, 1566, 1567, 1582*
29 1569, 1570*, 1571, 1582*, 1588
30 801*
31 871*, 897, 898, 932
32 872*
33 900*, 913
34 901, 1141*
35 904, 905
36 337, 786, 908, 909, 912, 943*, 1888*
37 1269*
39 823, 2045*
40 828*, 1426*, 2013, 2028
41 1251*, 1570*, 1641*
42-43 915*
42 826, 1620*, 1816, 1986, 2103, 2545
43 917
44 914, 933
48-51 828*
48-50 1469*
48 670, 671, 769, 773*, 776, 824, 825, 1001, 1013, 1036, 1042, 1373*
49 954, 955, 956, 1023*
50 957, 958, 1090*
51 959
52 499*
53 492, 963, 967
55 489
56 488, 490, 492, 493, 494, 511
57 499, 964
58 165, 964
59 965, 966
60 970
61 488*, 968
62 969, 970, 2674
63 501, 506, 507*, 967
64 507
65 829
66 971
67 2132*
68-69 2679*
68 972
69 965, 972

Orientalium ecclesiarum (21-11-1964)
15 1389

Unitatis redintegratio (21-11-1964)
1 820*
2 812, 813, 815*, 1126*
3 816, 817, 818, 819, 824, 827*, 838, 1271
4 94*, 820, 821*, 855, 1202*
5 822, 1126*
6 821*, 827*
7 821*
8 821, 2791*
9 821*
10 821*
11 90, 821*
12 821*
13-18 838*
15 925*, 1399

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1054-1055 5/16/2014 12:03:41 PM

22 1271, 1400, 2791*
24 822

Christus Dominus (28-10-1965)
2 882*, 937, 1558
3 886*
4 1560*
9 882*
11 833*, 1548*
13 1586*
15 1569*
16 1586*
33-35 927*
36 1560*
37 1560*

Perfectae caritatis (28-10-1965)
1 915*, 918
2 2684*
5 916*
7 2691*
11 929
12 1620*

Optatam totius (28-10-1965)
10 1620*
20 1565

Gravissimum educationis (28-10-1965)
3 1653*, 2221
6 2229*

Nostra aetate (28-10-1965)
1 360*, 842
2 843*, 2104
3 841*
4 597, 839*
5 2793*

Dei Verbum (18-11-1965)
2 51, 53, 64, 142, 1103, 2587
3 54, 55, 62*
4 66
5 143*, 153, 158, 1814
6 36*, 38*
7 74, 75, 76, 77
8 77, 78, 79, 94, 98, 120, 1124*, 2650, 2651*
9 80, 81, 82
10 84, 85, 86, 95, 97, 889*, 891, 2663*
11 105, 106, 107, 136*, 337*
12 109*, 110, 111*, 119
13 101
14-16 1094*
14 121*
15 122
16 129*
17 124
18 125
19 126, 573*
20 124*
21 103*, 104, 131, 141, 1346*
22 131
23 94*
24 94*, 104*, 132, 135
25 133, 2653

Apostolicam actuositatem (18-11-1965)
2 863, 873, 940
3 798*, 864
5 864*, 2832*
6 851*, 905, 2044
8 2446
10 2105
13 2105*
16 1570*

Dignitatis humanae (7-12-1965)
1 2104, 2105
2 1738*, 2104, 2106, 2108*, 2467
3 1782
4 1180*
6 2107
7 1738*, 2109
10 160
11 160

14 1785*, 1816*, 2036*, 2104
15 2137

Ad gentes (7-12-1965)
1 804, 849, 853, 1344
2-9 257*
2 248*, 294, 767*, 850, 868
3 763*
4 767, 830*
5-6 767*
5 852, 857, 877, 1257*, 1560*
6 830, 854, 1560*
7 776, 848, 1260*, 1270*
9 856
11 2472
14 1233*, 1248, 1249
15 854, 905*
16 1570*, 1571
18 927*
38 1560*
40 927*

Presbyterorum ordinis (7-12-1965)
2 1141*, 1142*, 1369*, 1548*, 1562, 1563, 1566*, 1582*
4-6 2686*
4 888, 1102, 1122
5 1175*, 1181, 1324, 1392
6 1548*
8 1568
10 1565
13 1464*, 1466*
15 1142*
16 1579*, 1580*

Gaudium et spes (7-12-1965)
2 421
10 450, 1958*
12 356, 358*, 383
13 390*, 401, 415, 1707
14 33*, 364, 382, 1703
15 1704, 1711
16 1706, 1713, 1776, 1791, 1794, 1795
17 1705, 1712, 1730, 1743, 2339
18 33, 1006, 1008, 1018
19-21 29*
19 27, 29, 2123, 2125
20-21 676*
20 2124, 2126*
21 2126
22 359, 367*, 470, 521, 618, 1260, 1612, 1701, 1710, 2783*, 2799*, 2820
23 2419
24 356, 358*, 1703, 1878*
25 1879*, 1881, 1882*, 1892, 2344
26 1906, 1907, 1908*, 1924
27 1912, 1931, 2322
29 1935, 1936*, 1938
30 1916*
31 1915, 1917
32 2820*
34 2427*
36 49, 159, 308, 339
37 409
38 520
39 358*, 1048, 1049, 1050, 2820*
40 854
43 853, 942
44 94*
45 450*, 776, 2820*
47 1603, 2210*, 2250, 2387*

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1056-1057 5/16/2014 12:03:42 PM

48 1251, 1535, 1603, 1627, 1639, 1642, 1646, 1652, 1660*, 2227, 2364
49 1632, 1645, 2334*, 2362
50 372*, 1652, 1664, 2367, 2373*
51 2268*, 2271, 2368, 2371
52 1657, 2206, 2210
58 2527
62 94
63 2424*
64 2426*
65 2424
67 2184*, 2194, 2434
69 2404, 2408*
71 2406*
74 1901, 1902, 1906*, 1920, 2242
76 2245, 2246, 2420
78 813, 2304*, 2306*, 2317
79 2308, 2310*, 2311*, 2312
80 2314
81 232*, 2307*
84 1911
89 1955

KONĊILJI LOKALI

(kif imsemmija f'Denzinger-Schönmetzer)

Ruma (382)

Id-Digriet ta' Damasu

179 120

Kartaġni (418)

Liġijiet tal-Knisja tal-bidu

325 650

Orange II (529)

371-372 406
397 1037

Braga I (561)

455-463 299

Toledo IV (633)

483 633

Toledo VI (638)

490 245

Lateran (649)

503 496, 499
504 476

Toledo XI (675)

525-541 192
527 245
528 255
530 253-254
539 650

Toledo XVI (693)

571 499

Ruma (745)

587 633

Friuli (796 jew 797)

619 503

Quiercy (853)

624 605

SINODU

(kif imsemmi f'Denzinger-Schönmetzer)

Kostantinopli (543)

409 1035
411 1035

DOKUMENTI PONTIFIĊJI

Damasu I, San (366-384)

Ittra lill-Isqfijiet tal-Lvant
149 471

Innoċenz I, San (402-417)

Ittra lill-Isqof Deċenzju ta' Gubbio, *Si instituta ecclesiastica* (19 ta' Marzu 416)
216 1510

Ljun il-Kbir, San (440-461)

Ittra lill-Isqof Turibju ta' Astorga, *Quam laudabiliter* (21 ta' Lulju 447)
284 247
286 299

Ittra lil Flavjanu, *Lectis dilectionis tuae* (22 ta' Ġunju 449)
291 499
294 499

Anastasju II (496-498)

Ittra lil Lawrenz, Isqof fl-Illirja, *In prolixitate epistulae* (497)
359 650

Ormisda, San (514-523)

Ittra lill-Imperatur Ġustinu, *Inter ea quae* (26 ta' Marzu 521)
369 650

Viġilju (537-555)

Ittra *Dum in sanctae* bl-Istqarrija tal-Fidi (5 ta' Frar 552)
415 233

Pelaġju I (556-561)

Ittra lir-Re Kildebert, *Humani generis* (3 ta' Frar 557)
442 499

Girgor il-Kbir, San (590-604)

Ittra lill-Patrijarka Ewloġju ta' Lixandra, *Sicut aqua* (600)
475 473

Innoċenz III (1198-1216)

Ittra lill-Arċisqof ta' Tarragona, *Eius exemplo* (18 ta' Diċembru 1208)
794 1576

Ġwanni XXII (1316-1334)

Bolla dwar l-irtirar ta' xi opinjonijiet tiegħu, *Ne super his* (3 ta' Diċembru 1334)
990-991 1022

Benedittu XII (1334-1342)

Kostituzzjoni dwar l-istat ta' ruħ il-bniedem wara l-mewt, *Benedictus Deus* (29 ta' Jannar 1336)
1000-1001 1022
1000 1023
1002 1022, 1035

Ktejjeb dwar xi żbalji tal-Insara Armeni, *Cum dudum* (1341)
1011 633

Klement VI (1342-1352)

Ittra lill-Catholicos tal-Insara Armeni, *Super quibusdam* (29 ta' Settembru 1351)
1077 633

Pawlu IV (1555-1559)

Kostituzzjoni *Cum quorumdam hominum* (7 ta' Awwissu 1555)
1880 499

Piju IV (1559-1565)

Bolla *Iniunctum nobis* bil-Professjoni tal-Fidi ta' Trento (13 ta' Novembru 1564)
1862-1870 192

Piju VI (1775-1779)

Ittra lill-Isqfijiet Franċiżi, *Quod aliquantum* (10 ta' Marzu 1791)
2109

Piju IX, Beatu (1846-1878)

Bolla *Ineffabilis Deus* (8 ta' Diċembru 1854)
2803 411, 491

Enċiklika *Quanta cura* (8 ta' Diċembru 1864)
2890 2109

Ljun XIII (1878-1903)

Enċiklika *Diuturnum illud* (29 ta' Ġunju 1881)
1898

Enċiklika *Immortale Dei* (1 ta' Novembru 1885)
1898, 2105

Enċiklika *Libertas praestantissimum* (20 ta' Ġunju 1888)
1951, 1954, 2108

Piju XI (1922-1939)

Enċiklika *Quas primas* (11 ta' Diċembru 1925)
2105

Enċiklika *Casti connubii* (31 ta' Diċembru 1930)
3717 2366
3722-3723 2297

Enċiklika *Quadragesimo anno* (15 ta' Mejju 1931)
1883

Enċiklika *Divini Redemptoris* (19 ta' Marzu 1937)
676

Piju XII (1939-1958)

Enċiklika *Summi Pontificatus* (20 ta' Ottubru 1939)
360, 361, 1939

Enċiklika *Mystici Corporis* (29 ta' Ġunju 1943)
1119
3801 330
3808 797, 798
3812 478

Kostituzzjoni Appostolika *Provida Mater* (2 ta' Frar 1947)
929

Enċiklika *Mediator Dei* (20 ta' Novembru 1947)
1548

Kostituzzjoni Appostolika *Sacramentum Ordinis* (30 ta' Novembru 1947)
3858 1573

Enċiklika *Humani generis* (12 ta' Awwissu 1950)
3875 37
3876 38, 1960
3891 330, 367
3896 366
3897 390

Kostituzzjoni Appostolika *Munificentissimus Deus* (1 ta' Novembru 1950)
3903 966

Enċiklika *Haurietis aquas* (15 ta' Mejju 1956)
3924 478

Enċiklika *Fidei donum* (21 ta' April 1957)
1560

Diskorsi u Messaġġi

1 ta' Ġunju 1941 1887, 1942, 2286
20 ta' Frar 1946 899
3 ta' Settembru 1950 2501
29 ta' Ottubru 1951 2362
6 ta' Diċembru 1953 2108
24 ta' Diċembru 1955 2501

(Ir-riferenzi, minn issa, huma għall-paragrafi jew sezzjonijiet tad-dokumenti)

Ġwanni XXIII, San (1958-1963)

Enċiklika *Mater et magistra* (15 ta' Mejju 1961)
60 1882

Enċiklika *Pacem in terris* (11 ta' April 1963)
36 1886
46 1897
51 1903
65 1930

Pawlu VI (1963-1978)

Enċiklika *Mysterium Fidei* (3 ta' Settembru 1965)
1183
18 1381
39 1374
56 1378
66 1418

Kostituzzjoni Appostolika *Indulgentiarum doctrina* (1 ta' Jannar 1967)
1 1471
2 1471
5 1474, 1475, 1476, 1477
8 1478

Enċiklika *Populorum progressio* (26 ta' Marzu 1967)
37 2372
53 2315

Professjoni Solenni tal-Fidi (30 ta' Ġunju 1968)
192
2 251
8 327, 366
9 265
12 1035
15 975
16 419
19 827
20 182
28 1005, 1052
29 1053
30 962

Enċiklika *Humanae vitae* (25 ta' Lulju 1968)
11 2366
12 2366, 2369
14 2370
16 2370
23 2372

Kostituzzjoni Appostolika *Divinae consortium naturae* (15 ta' Awissu 1971)
1212, 1288, 1300

Kostituzzjoni Appostolika *Sacram Unctionem infirmorum* (30 ta' Novembru 1972)
1513

Eżortazzjoni Appostolika *Marialis cultus* (2 ta' Frar 1974)
42 971
56 971

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1060-1061 5/16/2014 12:03:42 PM

Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975)
31 2820
48 1676
53 843
62 835
63-64 1201
73 910

Diskorsi u Messaġġi
5 ta' Jannar 1964 533
21 ta' Novembru 1964 963
11 ta' Lulju 1966 390
22 ta' Ġunju 1973 776
14 ta' Diċembru 1975 838

Ġwann Pawlu II, San (1978-2005)

Enċiklika *Redemptor hominis* (4 ta' Marzu 1979)
11 519
18-21 783

Eżortazzjoni Appostolika *Catechesi tradendae* (16 ta' Ottubru 1979)
1 4
2 4
5 426
6 427
9 561
13 7
18 5, 6
20-22 23
23 1074
25 23
29 1697
53 1204
54 1676, 2688
55 2688

Ittra *Dominicae cenae* (14 ta' Frar 1980)
3 1380

Enċiklika *Dives in misericordia* (30 ta' Novembru 1980)
14 2844

Enċiklika *Laborem exercens* (14 ta' Settembru 1981)
6 2428
7 2474
11 2430
18 2436
19 2433
22-23 2433
27 2427

Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris consortio* (22 ta' Novembru 1981)
9 2343
11 2231, 2361, 2392
13 1642, 1643
16 1620
19 1644, 1645, 2387
20 1648
21 1656, 2204
22 2334
28 1653
30 2366
32 2370
34 2343
36 2221
46 2211
67 1622
80 2391
81 2390
83 1649
84 1651, 2386
85 1658

Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et paenitentia* (2 ta' Diċembru 1984)
16 408, 1869, 2850
17 1857, 1863
31 1469

Enċiklika *Dominum et vivificantem* (18 ta' Mejju 1986)
27-48 1433
31 1848
46 1864
55 2516

Enċiklika *Redemptoris Mater* (25 ta' Marzu 1987)
17-18 165

Enċiklika *Sollicitudo rei socialis* (30 ta' Dicembru 1987)
1 2422
9 2438
14 2437
16 2440
17 2438
32 2441
38-40 1939
41 2422
42 2406, 2442
45 2438
47 1929, 2442

Ittra Appostolika *Mulieris dignitatem* (15 ta' Awwissu 1988)
6 2334
7 372
26-27 1577
27 773

Ittra Appostolika *Vicesimus quintus annus* (4 ta' Diċembru 1988)
16 1205, 1206

Eżortazzjoni Appostolika *Christifideles laici* (30 ta' Diċembru 1988)
9 899
16 828
17 828
24 801

Enċiklika *Redemptoris missio* (7 ta' Diċembru 1990)
11 851
12-20 853
21 852
23 850
42-47 854
48-49 854
50 855
52-54 854
55 856
69 927, 931

Enċiklika *Centesimus annus* (1 ta' Mejju 1991)
3 1896, 2421
10 1939, 2425
12 1882
13 2425
24 2423
25 407, 1889, 2236
26 2440
28 2438
29 2461
31 2427
32 2429
34 2425, 2429
35 2424, 2438
36 1886, 2223
37-38 2415
37 2432
40 2406
41 1887
43 1914
44 1904, 2425
45 2244
46 2244
48 1883, 2406, 2431, 2433
51 2441
57 2444

Enċiklika *Evangelium Vitae* (25 ta' Marzu 1995)
56 2267

Eżortazzjoni Appostolika *Vita consecrata* (25 ta' Marzu 1996)
7 922

Diskors u Messaġġi
7 ta' Diċembru 1985 10
13 ta' April 1986 63

DOKUMENTI TAL-KNISJA

Katekiżmu Ruman

Intro., 10 25
Intro., 11 24

1 1 3 190
1 1 4 191
1 2 2 199, 200
1 2 13 274
1 5 11 598
1 6 3 633
1 10 1 749
1 10 20 770
1 10 22 750
1 10 24 947, 950
1 10 27 952
1 11 3 978
1 11 4 979
1 11 5 982
1 11 6 987
2 2 5 1213
2 5 4 1431
2 5 18 1468
2 5 21 1450
3 2 4 2086
3 10 13 2536
3 10 23 2537

KONGREGAZZJONIJIET

Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi (Sant'Uffizzju)

Ittra lill-Isqfijiet tal-Ingilterra
(16 ta' Settembru 1864)
DS 2888 811

Digriet dwar il-Millenariżmu
(19 ta' Lulju 1944)
DS 3839 676

Ittra lill-Arċisqof ta' Boston
(8 ta' Awwissu 1949)
DS 3866-3872 847

Dikjarazzjoni *Mysterium Ecclesiae*
(24 ta' Ġunju 1973)
3 2035

Dikjarazzjoni *Persona humana*
(29 ta' Dicembru 1975)
7 2391
8 2357
9 2352
11 2349

Dikjarazzjoni *Inter insigniores*
(15 ta' Ottubru 1976)
1577

Dikjarazzjoni *Iura et bona*
(5 ta' Mejju 1980)
2277

Istruzzjoni *Pastoralis actio*
(20 ta' Ottubru 1980)
4 1252

Istruzzjoni *Libertatis conscientia*
(22 ta' Marzu 1986)
13 1740
68 2448

Istruzzjoni *Donum vitae*
(22 ta' Frar 1987)
Intro., 2 2375
Intro., 5 2258
1 1 2270
1 2 2274
1 3 2275
1 5 2275
1 6 2275
2 1 2376
2 4 2377
2 5 2377
2 8 2378
3 2273

Tweġiba dwar id-duttrina fl-Ittra Appostolika *Ordinatio sacerdotalis*
(28 ta' Ottubru 1995)
1577

Kongregazzjoni għall-Kleru

Direttorju Ġenerali tal-Katekeżi
43 234
47 234
51 280
69 1056

Kongregazzjoni għall-Kult Divin

Istruzzjoni *Eucharisticum mysterium* (25 ta' Mejju 1967)
6 1325

Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika (Sagra Kongregazzjoni għall-Istudji)

Digriet bit-teżijiet approvati tal-Filosofija Tomistika
(27 ta' Lulju 1914)
3624 318

Kummissjoni Pontifiċja għall-Interpretazzjoni Awtentika tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika

Tweġiba (1984) 1388

SINODU TAL-ISQFIJIET

Rapport tal-aħħar *Exeunte coetu secundo* (7 ta' Diċembru 1985)
IIB a 4 10, 11

KONFERENZI EPISKOPALI

Dokument ta' Puebla (1979)
1676

LIĠI KANONIKA

(In-numri fix-xellug ta' kull kolonna huma l-kanoni).

KANONI TAL-APPOSTLI

334 887

KODIĊI TAL-LIĠI KANONIKA

129 §2 911
204 §1 871, 1213*
205 815*
206 1249*
207 §1 934
207 §2 873, 934
208-223 1269*
208 872
212 §3 907
213 2037*
220 2477*
222 2043*
229 906*
230 §1 903*
230 §3 903
290-293 1583*
330 880*
331 936
336 883*
337 §1 884
368-369 833*
443 §4 911
445 2043
463 §1 911
463 §2 911
492 §1 911
511 911
515 §1 2179
517 §2 911
536 911
573 916*, 925*
591 927*
603 §1 920
604 §1 923, 924
604 §2 924*
605 919*
607 925*
654 2103*
692 2103*
710 928
713 §2 929
731 §1 930
731 §2 930
747 §2 2032
748 §2 160*
751 817*, 2089
774 906*
774 §2 1251
776 906*
780 906*
783 931

788 1249*
822 §3 906*
835 §4 902
844 1462*
844 §3 1399*
844 §4 1401*
847 §1 1513*
848 2122
849 1213*
851 1233*
851 §2 1233*
855 2156
861 §1 1256*
861 §2 1256*
864 1246
865 1233*
866 1233*, 1298*
867 1250*
868 1233*
872-874 1255*
882 1313*
883 §2 1312*
883 §3 1307*, 1314*
884 §2 1313
889 §1 1306*
890 1306
891 1307*
893 §1 1311*
893 §2 1311*
914 1457*
916 1457*
916-917 1388*
919 1387*
920 1389*, 2042*
961 §1 1483*
961 §2 1483*
962 §1 1483*
967-969 1462*
972 1462*
976 1463*
982 2490
983 §1 2511
983-984 1467
986 1464*
988 §2 1458*
989 1457*, 2042*
994 1471
1003 1516*
1004 §1 1514*
1005 1514*
1007 1514*
1012 1576*
1024 1577
1055 §1 1601, 1617*, 1660*
1056 2364*
1057 §1 1626, 1628
1057 §2 1627*
1063 1632*
1071 §1, §3 1629*
1083-1108 1629*
1086 1635*
1103 1628*
1108 1631*
1124 1635*
1125 1635*
1134 1638
1136 1251, 2225
1141 1640*, 2382
1151-1155 1649*, 2383*
1166 1667*
1168 1669*
1172 1673*
1176 §3 2301*
1191 §1 2102
1196-1197 2103*
1199 §1 2154
1245 2181*
1246-1248 2042*
1246 2043*
1246 §1 2177, 2192
1247 2180, 2185*, 2192, 2193
1248 §1 2180
1248 §2 2183
1249-1253 1438*
1249-1251 2043*
1314 2272
1323-1324 2272*
1331 1463*
1336 §1, 3°, 5° 1583*
1338 §2 1583*
1354-1357 1463*
1367 2120*
1369 2148*
1376 2120*
1388 §1 1467
1398 2272
1421 §2 911

ĠABRA TAL-KANONI TAL-KNEJJES ORJENTALI

25 2043*
177 §1 833
178 833
311 §1 833
312 833
675 §1 1213*
675 §2 1269*
677 §1 1256*
679 1246
681 1250*
686 §1 1250*
695 §1 1290*
696 §1 1290*
708 2042*
711 1457*
719 2042*
722 §3-4 1462*
725 1463*
735 1464*
738 1514*
739 §1 1516*
744 1576*
747 1576*
817 1623*
828 1623*
867 1667*
880-883 1438*
880 §3 2042*, 2043*
881 §1 2042*, 2043*
881 §2 2042*
881 §3 2042*
881 §4 2042*, 2043*
882 2043*
1420 1463*
1431 1463*
1434 1463*
1456 1467

LITURĠIJA

RIT LATIN

Missal Ruman

Istituzzjoni Ġenerali
240 1390
259 1182
271 1184
272 1184

Offertorju 1333

Prefazju
I tal-Milied 477
ta' Lapsi 661
ta' Kristu Re 2046
I tal-Appostli 857, 1575
I tal-Qaddisin 2005
I tal-Mejtin 1012

Sanctus 335

Talbiet Ewkaristiċi
I 335, 1037, 1274, 1333, 1353, 1383, 1402
III 1404
IV 55, 380, 2818, 2852

Dossoloġija 1065

Emboliżmu 1404, 2760, 2854

Rit tat-Tqarbin 1058, 1386

Kolletta
tas-26 Ħadd tas-Sena 277
tat-32 Ħadd tas-Sena 1742

Liturġija tal-Ġimgħa tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej
Talba universali VI 63, 839

Il-lejl qaddis tal-Għid
It-tħabbira tal-Għid (Exsultet) 412, 631, 647
Talba wara l-ewwel lezzjoni 349
Talba wara t-tielet lezzjoni 528

Tberik tal-ilma għall-Magħmudija
1217, 1218, 1219, 1221
Sekwenza
ta' Għid il-Ħamsin
2671

Pontifikal Ruman

Rit tal-Ordinazzjoni tal-Isqfijiet, presbiteri u djakni
52 1541, 1586
177 1542
230 1543

Ordni għall-Griżma
Tagħrif ta' qabel
1 1285
2 1285
3 1309
5 1311
6 1299, 1311

Ktieb il-Barkiet, I
16 1669
18 1669

Ordni għall-Konsagrazzjoni tal-Verġni
Tagħrif ta' qabel
1 923
2 924

Ritwal Ruman

Ordni għall-Inizjazzjoni tal-Adulti
1232
Tagħrif ta' qabel
1-2 1212
19 1248
98 1248

Ordni għall-Magħmudija tat-Tfal
62 1241

Ordni għall-Penitenza
Il-formola tal-assoluzzjoni
1424, 1449
31 1484
46 1449
55 1449

Rit taż-Żwieġ
45 1627

Ordni għas-Sagrament tal-Morda
It-talb għall-moribondi
1020

"Ħa jwassluk l-Anġli fis-sema"
335

Ordni għall-funerali
Tagħrif ta' qabel
1 1689
10 1690
41 1688
56 1689

Liturġija tas-Sigħat

Istituzzjoni ġenerali
7 2616
9 2655
100-109 2586

Innijiet
O lux beata Trinitas 257
Te Deum 168
Veni, Creator Spiritus 291, 700
Vexilla Regis 550, 617

Antifoni
tal-I u t-II Għasar tal-Ottava
tal-Milied 526
tal-Kantiku ta' Zakkarija fit-Tifħir ta' sbiħ il-jum fl-1 ta' Jannar 469
tal-kantiku ta' Marija fit-II Għasar tal-Epifanija 528

Kantiku
tal-I Għasar tal-Ħadd 461

Talbiet
Ave Maria 1014, 2676, 2677
O sacrum convivium 1402
Veni, Sancte Spiritus 2671
Litanija tal-Qaddisin 1014

LITURĠIJA TAL-LVANT

Liturġija ta' San Ġwann Griżostmu

Il-*Kerubikon* 335
Anafori 42, 1137
Tħejjija għat-tqarbin 1386

Liturġija Biżantina 1166

Troparju
O monogenes 469
Fil-festa tad-Dormizzjoni ta' Marija (15 ta' Awwissu) 966
Fil-Għid 638
Fil-Matutin tal-Ħdud tat-tieni mod 703
Fl-Għasar ta' Għid il-Ħamsin 291, 732, 2671

Kontakia
tal-festa tat-Trasfigurazzjoni 555
ta' Romanu l-Melodi 525

Euchologion
talba tal-assoluzzjoni 1481
talba tal-ordinazzjoni 1587

Liturġija Sirjo-Antjokena
Epiklesi għall-konsagrazzjoni taż-żejt tal-griżma 1297

Fanqith
Uffiċċju siro-antjoken, vol. VI, żmien tas-sajf, 1167
Uffiċċju siro-antjoken, vol. I, żmien komuni 1391

KITTIEBA EKKLEŻJASTIĊI

Awturi anonimi

Didaché (*It-Tagħlim tat-Tnax-il Appostlu*)
1 1 1696
2 2 2271
8 2 2760
8 3 2767
9 5 1331
10 6 1331, 1403

L-Imitazzjoni ta' Kristu
1 23 5-8 1014

Ittra lil Djonjetu
5 5 2240, 2771
5 8-9 2796
5 10 2240
6 10 2240

Il-Kostituzzjonijiet tal-Appostli
7 24 1 2760
8 13 12 1331

Omelija dwar Jum il-Mulej 2178

Omilija ta' Sibt il-Għid mill-ewwel żminijiet 635

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1068-1069 5/16/2014 12:03:42 PM

Alfonz de' Liguori, San

Del gran mezzo della preghiera (*Il-Qalba tat-Talb*) 2744

Ambroġ, San

De mysteriis (*Dwar il-Misteri qaddisa*)
7 42 1303
9 50; 52 1375

De officiis ministrorum (*Dwar id-dmirijiet tal-ministri tal-Knisja*)
1 20 2653

De Paenitentia (*Trattat dwar il-Penitenza*)
1 8 983

De sacramentis (*Dwar is-Sagramenti*)
2 6 1225
4 7 1383
4 28 1393
5 7 1383
5 19 2783
5 26 2836
5 30 2852

De viduis (*Dwar ir-Romol*)
23 2349

De virginitate (*Trattat dwar il-Verġinità*)
18 118 845

Enarratio in Psalmum (*Tifsir dwar is-Salm*)
1 9 2589

Epistula (*Ittra*)
41 12 1429

Expositio Evangelii secundum Lucam (*Tifsir dwar l-Evanġelju skont San Luqa*)
2 85-89 766
10 121 1025

Expositio Psalmi CXVIII (*Tifsir dwar Salm 118*)
14 30 908

Explanatio symboli (*Tifsir tal-Kredu*)
1 197
7 194
8 191

Anselmu ta' Canterbury, San

Proslogion
Prooem. (Kelmtejn qabel) 158

Aristide

Apologia (*Apoloġija*)
16 6 760

Atanasju ta' Lixandra, San
De Incarnatione (*Dwar l-Inkarnazzjoni*)
54 3 460

Epistula festivalis (*Ittra f'jum ta' festa*)
329 1169

Epistula ad Serapionem (*Ittra lil Serapjon*)
1 24 1988

Barnaba

Epistula (*Ittra*)
4 10 1905
19 5 2271

Bażilju l-Kbir, San

Adversus Eunomium (*Kontra Ewnomju*)
3 1 336

Liber de Spiritu Sancto (*Il-Ktieb dwar l-Ispirtu s-Santu*)
15 36 163, 736

18 45 2132
26 62 2684

Moralia (*Trattat dwar il-Morali*)
73 2384

Regulae fusius tractatae (*Ir-Regola Monastika t-twila*)
Daħla, 3 1828

Benedittu, San

Regula (*Ir-Regola*)
20 2834
43 3 347
48 2834

Bernard ta' Clairvaux, San

Homilia super "Missus est" (*Omelija dwar it-Tħabbira tal-Mulej*)
4 11 108

In Canticum sermones (*Omelija dwar il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet*)
27 7 14 771

Bonaventura, San

In libros Sententiarum (*Dwar il-Kotba tas-Sentenzi*)
2 1 2 2 1 293
3 37 1 3 2071

Ċesarja ż-żgħira, Santa

Lil Santa Rikilda u lil Santa Radegonda 127

Ċesarju ta' Arles, San

Expositio Symboli (*Tifsir tal-Kredu*)
9 232

Ċiċerun

De re publica (*Ir-Repubblika*)
3 22 33 1956

Ċiprijanu ta' Kartaġni, San

De catholicae Ecclesiae unitate (*Dwar l-Għaqda tal-Knisja Kattolika*)
6 181

De dominica Oratione (*Trattat dwar it-Talba ta' Sidna*)
9 2782
11 2784
12 2813
13 2816
21 2830
23 810, 2845

Epistula (*Ittra*)
58 10 1028

Ċirillu ta' Ġerusalemm, San

Catecheses illuminandorum (*Katekeżi*)
5 12 186
18 29 1050

Catecheses mystagogicae (Katekeżi Mistagoġiċi)
3 1 2782
5 9 1371
5 10 1371
5 11 2794
5 13 2819
5 18 2856

Ċirillu ta' Lixandra, San

Commentarius in Ioannem (*Tifsir dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*)
11 11 738

Commentarius in Lucam (*Tifsir dwar l-Evanġelju ta' San Luqa*)
22 19 1381

Duminku, San

Beatu Ġordanu ta' Sassonja: *Ktejjeb dwar il-bidu tal-Ordni tal-Predikaturi*
4 69 956

Fra Rudolfu: *Atti tal-Qaddisin*
4 42 956

Eliżabetta tat-Trinità, Beata

Ecrits spirituels (*Kitbiet spiritwali*)
50 260

Epifanju, San

Panarion seu Adversus LXXX haereses (*Kontra l-Ereżiji*)
1 1 5 760

Erma

Mandata Pastoris
(*L-Ordnijiet tar-Ragħaj*)
2 1 2517

Visiones Pastoris
(*Id-Dehriet tar-Ragħaj*)
2 4 1 760

Eterja

Peregrinatio ad loca sancta
(*Pellegrinaġġ fil-postijiet il-qaddisa*)
46 281

Evagrju ta' Pontu

Capita practica ad Anatolium
(*Ħwejjeġ prattiċi lil Anatolju*)
49 2742

De oratione (*Dwar it-Talb*)
34 2737

Fawstu ta' Riez

De Spiritu Sancto
(*Dwar l-Ispirtu s-Santu*)
1 2 169

Franġisk ta' Assisi, San

Admonitio (*Twissija*)
5 3 598

Cantico delle creature
(*Għanja tal-Ħlejjaq*) 344, 1014

Franġisk de Sales, San

Traité de l'amour de Dieu
(*Trattat dwar l-imħabba ta' Alla*)
8 6 1974

Fulġenz ta' Ruspe, San

Contra gesta Fabiani
(*Trattat kontra Fabjanu*)
28 16-19 1394

Girgor il-Kbir, San

Dialogi (*Djalogi*)
4 41 3 1031

Homilia in Ezechielem
(*Omelija dwar il-Ktieb ta' Eżekjel*)
1 7 8 94

Moralia in Iob
(*Kotba tal-Morali dwar Ġob*)
6 14 795
31 45 2539, 1866

Regula pastoralis
(*Ir-Regola Pastorali*)
3 21 45 2446

Girgor Nazjanzenu, San

Orationes (*Diskorsi*)
2 71 1589
2 73 1589
2 74 1589
16 9 2565
39 17 980
40 3-4 1216
40 9 537
40 41 256

Orationes theologicae
(*Taħditiet teoloġiċi*)
(27) 1 4 2697
(31) 5 26 684
(31) 5 28 2670

Girgor ta' Nissa, San

De beatitudinibus orationes
(*Diskorsi dwar il-Beatitudnijiet*)
1 1803, 2546
6 2548

De Spiritu Sancto
(*Dwar l-Ispirtu s-Santu*)
16 690

De vita Moysis (*Il-Ħajja ta' Mosè*)
1 5 2028

Homilia in Orationem dominicam
(*Omelija dwar it-Talba ta' Sidna*)
2 2784

In Canticum homilia (*Omelija dwar l-Għanja tal-Għanjiet*)
8 2015

In Christi Resurrectionem
(*Diskors dwar il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet*)
1 650

Oratio catechetica
(*Diskors Kateketiku*)
15 457
16 625

Ġovanna d'Arco, Santa

Kliemha waqt il-proċess tagħha
223, 435, 795, 2005

Ġirolmu, San

Commentarius in Ecclesiasten
(*Tifsir dwar il-Ktieb ta' Koħelet*)
10 11 1456

Commentarii in Isaiam
(*Tifsir dwar il-Ktieb ta' Isaija*)
Prol. (Daħla) 133

In die Dominica Paschae homilia
(*Omelija nhar l-Għid il-Kbir*)
1166

Gwigo II ta' Chartreux

Scala claustralium
(*Is-Sellum tal-Irħieb*)
2 2 2654

Ġuljana ta' Norwich

Revelation of divine love
(*Rivelazzjoni tal-Imħabba Divina*)
32 313

Ġustinu, San

Apologia (*Apoloġija*)
1 61 12 1216
1 65-67 1345
1 66 1-2 1355
1 67 2174
1 67 6 1351
2 7 760

Dialogus cum Tryphone Iudaeo
(*Djalogu ma' Trifone l-Lhudi*)
11 1 2085
99 7 498

Ġwann Damaxxenu, San

De fide orthodoxa
(*Dwar il-Vera Fidi*)
2 4 393
3 24 2559, 2590
3 27 626
4 2 663
4 13 1106

De sacris imaginibus oratio
(Diskors dwar ix-Xbihat imqaddsa)
1 16 1159
1 47 1162

Ġwann Eudes, San

Le Coeur admirable de Jésus
(*Trattat dwar il-Qalb tal-għaġeb ta' Ġesù*)
1 5 1698

Le royaume de Jésus (*Trattat dwar is-Saltna ta' Ġesù*)
3 4 521

Ġwann Griżostmu, San

De angusta porta et in Orationem dominicam (*Omelija dwar il-bieb id-dejjaq u t-Talba ta' Sidna*)
3 2784

De Anna sermones (*Omeliji dwar Anna*)
2 2 2700
4 5 2744
4 6 2743

De incomprehensibili Dei natura seu contra Anomoeos (*Dwar in-natura ta' Alla li hi lil hinn milli wieħed jista' jifhem*)
3 6 2179

De proditione Iudae homilia (*Omelija dwar it-Tradiment ta' Ġuda*)
1 6 1375

De sacerdotio (*Trattat dwar is-Saċerdozju*)
2 4 1551
3 5 983

De virginitate (*Trattat dwar il-Verġinità*)
10 1 1620

In epistulam I ad Corinthios homiliae (*Omeliji dwar l-I Ittra lill-Korintin*)
27 5 1397
41 5 1032

In epistulam II ad Corinthios homilia (*Omelija dwar it-II Ittra lill-Korintin*)
27 3-4 2538

In epistulam ad Ephesios homilia (*Omelija dwar l-Ittra lill-Efesin*)
20 8 2365

In epistulam ad Romanos homilia (*Omelija dwar l-Ittra lir-Rumani*)
7 5 2540

In Matthaeum homilia (*Omelija dwar l-Evanġelju ta' San Mattew*)
19 4 2768
19 5 2825

In Lazarum (*Omelija dwar l-għani u Lazzru*)
2 6 2446

Sermo in Genesim (*Omelija dwar il-Ktieb tal-Ġenesi*)
2 1 358

Ġwann Kassjanu, San

Collationes (*Taħditiet dwar it-Talb*)
9 18 2785

Ġwann Marija Vianney, San

B. Nodet: *Le Curé d'Ars. Sa pensée – son coeur* (*Il-Kurat t'Ars. Il-ħsieb u l-qalb tiegħu*)
1589
Talba 2658

Ġwann tas-Salib, San

Dichos de luz y amor (*Sentenzi spiritwali* jew *Massimi ta' Dawl u Mħabba*)
57 1022

Llama de amor viva (*Fjamma ta' Mħabba ħajja*) 696, 2690

Subida del monte Carmelo (*Telgħa tal-Għolja tal-Karmelu*)
2 22 65

Ilarju ta' Poitiers, San

In Evangelium Matthaei (*Dwar l-Evanġelju ta' San Mattew*)
2 537

Injazju ta' Antjokja, San

Epistula ad Ephesios (*Ittra lill-Efesin*)
19 1 498
20 2 1331, 1405, 2837

Epistula ad Magnesios (*Ittra lill-Insara ta' Magnesja*)
6 1 1549
9 1 2175

Epistula ad Romanos (*Ittra lir-Rumani*)
1 1 834
4 1 2473
6 1-2 1010, 2474
7 2 1011

Epistula ad Smyrnaeos (*Ittra lill-Insara ta' Smirna*)
1-2 496
8 1 896, 1369
8 2 830

Epistula ad Trallianos (*Ittra lill-Insara ta' Tralles*)
3 1 1549, 1554, 1593

Injazju ta' Loyola, San

L-Eżerċizzi Spiritwali
22 2478
38 2164
104 2715

Ippolitu ta' Ruma, San

Traditio apostolica (*It-Tradizzjoni Appostolika*)
3 1586
8 1569
21 1291, 1301
35 749

Irinew ta' Lyons, San

Adversus haereses (*Kontra l-Ereżiji*)
1 10 1-2 173, 174
2 22 4 518
2 30 9 292
3 3 2 834
3 17 1 53
3 18 1 518
3 18 3 438
3 18 7 518
3 19 1 460
3 20 2 53
3 22 4 494
3 24 1 175, 797
4 4 3 1730
4 12 4 53
4 15 1 1964, 2070
4 16 3-4 2063
4 18 4 1350
4 18 4-5 1000
4 18 5 1327
4 20 1 292
4 20 5 1722
4 20 7 294
4 21 3 53
5 20 1 174
5 32 1 1047

Demonstratio praedicationis apostolicae (*Turija tal-Predikazzjoni Appostolika*)
3 1274
7 683
11 704
100 190

Iżakk ta' Ninwe, San

Tractatus mystici (*Trattat Mistiku*)
66 2717

Katarina ta' Siena, Santa

Il dialogo della Divina provvidenza (*Djalogu dwar il-providenza ta' Alla*)
1 7 1937
4 13 356
4 138 313

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1074-1075 5/16/2014 12:03:43 PM

Klement ta' Lixandra

Paedagogus (*L-Għalliem*)
1 6 760, 813

Klement ta' Ruma, San

Epistula ad Corinthios (*Ittra lill-Korintin*)
7 4 1432
42 4 861, 1577
44 2 861
44 3 1577
61 1-2 1900

Ljun il-Kbir, San

Sermones (*Omeliji*)
4 1 786
4 3 424
21 2-3 469, 1691
33 3 528
51 1 424
51 3 568
62 2 424
73 4 412
74 2 1115
83 3 424

Massimu l-Konfessur, San

Ambiguorum liber (*Ktieb dwar Ħwejjeġ Ambigwi*) 398

Opuscula theologica et polemica (*Xogħlijiet fil-qosor dwar it-teoloġija u diffikultajiet*) 834

Quaestiones et dubia (*Kwistjonijiet u dubji*)
66 473

Newman John Henry, Beatu

Apologia pro vita sua (*L-Apoloġija*)
5 157

Discourses to Mixed congregations (*Diskorsi lil kongregazzjonijiet imħallta*)
5 1723

A Letter to the Duke of Norfolk (*Ittra lid-Duka ta' Norfolk*)
5 1778

Parochial and Plain sermons (*Omeliji Parrokkjali u Ferjali*)
5 2 2144

Niceta ta' Remesjana, San

Instructio ad competentes (*Tifsir tal-Kredu*)
5 3 23 946

Nikola van der Flue, San

Talba 226

Oriġene

Contra Celsum (*Kontra Ċelsu*)
1 32 498
1 69 498
2 40 2114

De oratione (*Dwar it-Talb*)
12 2 2745
26 3 2825
29 15, 17 2847

In Exodum homiliae (*Omeliji dwar il-Ktieb tal-Eżodu*)
4 5 137
8 1 2061

In Ezechielem homilia (*Omelija dwar il-Ktieb ta' Eżekjel*)
9 1 817

In Leviticum homilia (*Omelija dwar il-Ktieb tal-Levitiku*)
5 5 113

Pietru Krisologu, San

Sermones (*Omeliji*)
67 7 2837
71 3 2777
71 4 2814
117 1-2 359

Polikarpu ta' Smirna, San

Epistula ad Philippenses (*Ittra lill-Filippin*)
5 2 1570

Martyrium Polycarpi (*Ittra tal-Knisja ta' Smirna dwar il-martirju ta' San Polikarpu*)
14 2-3 2474
17 3 957

Prosperu ta' Aquitaine, San

Epistula (*Ittra*)
217 1124

Psewdo-Ippolitu

In sanctum Pascha (*Dwar l-Għid il-Qaddis*)
1 1-2 1165

Roża ta' Lima, Santa

P. Hansen: *Vita mirabilis* (*Il-Ħajja tal-għaġeb ta' Swor Roża ta' Santa Marija minn Lima*) 618, 2449

Teofilu ta' Antjokja, San

Ad Autolycum (*Trattat lil Awtoliku*)
2 4 296

Tereża tal-Bambin Ġesù, Santa

Acte d'offrande à l'Amour miséricordieux (*Att ta' Offerta lill-Imħabba kollha Ħniena*) 2011

L-Aħħar Ħsibijiet 956

Lettre (*Ittra*)
LT 244 1011

Manuscrits (*Manuskritti awtobijografiċi*)
A83v (wara) 127
B3v (wara) 826
C25r (quddiem) 2558

Tereża ta' Ġesù, Santa

Camino de perfecciòn (*Triq il-Perfezzjoni*)
26 9 2704

Exclamaciones del alma a Dios (*Tqanqil ir-Ruħ quddiem Alla*)
15 3 1821

Libro de la vida (*Ktieb tal-Ħajja*)
1 1011
8 5 2709

Poesía (Poeżija)
"Siwi tas-Sabar" 227

Tertulljanu

Ad uxorem (*Lil martu*)
2 9 1642

Adversus Marcionem (*Kontra Marċjone*)
1 3 228
2 4 1951

Apologeticum (*L-Apoloġetiku*)
9 8 2271
50 13 852

De oratione (*Trattat dwar it-Talb*)
1 2761, 2774
3 2779, 2814
5 2817
10 2761

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1076-1077 5/16/2014 12:03:43 PM

De paenitentia
(*Trattat dwar il-Penitenza*)
4 2 1446

De resurrectione mortuorum
(*Dwar il-Qawmien tal-Mejtin*)
1 1 991
8 2 1015

Tumas d'Aquino, San

Collationes in decem Legis praecepta
(*Espożizzjoni dwar ... l-għaxar preċetti tal-Liġi*)
1 1955
6 1759

Commentarium in Epistulam ad Hebraeos (*Kummentarju dwar l-Ittra lil-Lhud*)
7 4 1545

Compendium theologiae
(Ġabra tat-teoloġija)
1 2 184

Expositio in Psalmum
(*Tifsir tas-Salm*)
21 11 112

Expositio in Symbolum Apostolorum (*Espożizzjoni tal-Kredu tal-Appostli*)
1 1718
13 947

Hymnus "Adoro te devote" (*Innu "Jien nadurak bil-qima"*)
1381

In libros sententiarum
(*Dwar il-Kotba tas-Sentenzi*)
II prol. 293

Opusculum 57 in festo Corporis Christi (*Xogħol fil-qosor 57 dwar il-Festa tal-Ġisem ta' Kristu*) 460

Quaestiones disputatae de malo
(*Dibattiti dwar il-ħażen*)
4 1 404

Summa contra gentiles
1 30 43
3 71 310

Summa theologiae
I 1 1 38
I 1 10 ad 1 116
I 2 3 34
I 25 5 ad 1 271
I 25 6 310
I 114 3 ad 3 350
I-II 71 6 1849
I-II 79 1 311
I-II 88 2 1856
I-II 90 1 1951
I-II 90 4 1976
I-II 93 3 ad 2 1902
I-II 107 1 ad 2 1964
II-II 1 2 ad 2 170
II-II 2 9 155
II-II 4 1 163
II-II 24 1 1767
II-II 24 3 1767
II-II 26 4 1766
II-II 47 2 1806
II-II 64 7 2263, 2264
II-II 81 3 ad 3 2132
II-II 83 9 2763, 2774
II-II 109 3 2469
II-II 109 3 ad 1 2469
II-II 122 4 2176
II-II 158 1 ad 3 2302
II-II 171 5 ad 3 157
II-II 184 3 1973
III 1 3 ad 3 412
III 22 4 1548
III 30 1 511
III 45 4 ad 2 555, 556
III 48 2 ad 1 795
III 51 3 627
III 60 3 1130
III 64 2 ad 3 1118
III 65 1 1210
III 65 3 1211
III 68 8 1128

III 71 4 ad 3 904
III 72 5 ad 2 1305
III 72 8 ad 2 1308
III 73 3 1374
III 75 1 1381

Tumas More, San

Ittra miktuba lil bintu Margaret Roper 313

Ugo ta' San Vittore

De arca Noe (*Dwar l-Arka ta' Noè*)
2 8 134

Wistin, Santu

Confessiones (*L-Istqarrijiet*)
1 1 1 30
2 4 9 1958
3 6 11 300
6 11 20 2520
7 7 11 385
9 6 14 1157
9 11 27 1371
10 28 39 45
10 29 40 2340
13 36 51 2002

Contra epistulam Manichaei quam vocant fundamenti (*Kontra l-Ittra tal-Manikej li jsejħulha s-'Sisien'*)
5 6 119

Contra Faustum manichaeum
(*Kontra Fawstu l-Manikew*)
27 27 1849

De catechizandis rudibus (*Kif tgħallem il-Katekiżmu lil min għadu jibda*)
3 5 281

De civitate Dei (*Il-Belt ta' Alla*)
10 6 1372, 2099
14 7 1766
14 28 1850
18 51 769
19 13 2304
19 19 2185
22 17 1118
22 30 1720, 2550

De disciplina christiana
(*Dwar id-dixxiplina Nisranija*)
7 7 2539

De diversis quaestionibus octoginta tribus (*Dwar tlieta u tmenin kwistjoni differenti*)
64 4 2560

De fide et Symbolo
(*Dwar it-twemmin u s-Simbolu*)
10 25 2518

De Genesi contra Manichaeos
(*Dwar il-Ktieb tal-Ġenesi kontra l-Manikej*)
1 2 4 338

De gratia et libero arbitrio
(*Dwar il-grazzja u r-rieda ħielsa*)
17 33 2001

De libero arbitrio
(*Dwar ir-rieda ħielsa*)
1 1 1 311

De mendacio (*Kontra l-gidba*)
4 5 2482

De moribus Ecclesiae catholicae
(*Dwar id-drawwiet tal-Knisja Kattolika*)
1 3 4 1718
1 25 46 1809

De natura et gratia
(*Dwar in-natura u l-grazzja*)
31 35 2001

De sancta virginitate
(*Dwar il-Verġinità Mqaddsa*)
3 3 506
6 6 963

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1078-1079 5/16/2014 12:03:43 PM

De sermone Domini in monte (*Id-Diskors tal-Mulej fuq il-Muntanja*)
1 1 1 1966
1 1 3 2547
2 4 16 2785
2 5 18 2794
2 5 19 2149
2 6 24 2827

De Trinitate (*Dwar it-Trinità*)
8 3 4 1766
14 15 21 1955
15 26 47 264

Enarrationes in Psalmum (*Taħditiet dwar Salm*)
57 1 1962
62 16 2628
72 1 1156
74 4 796
85 1 2616
88 2 5 996
102 7 2005
103 1 15 329
103 4 1 102

Enchiridion de fide, spe et caritate (*Ġabra ta' tagħlim dwar il-fidi, it-tama u l-imħabba*)
3 11 311

Epistulae (*Ittri*)
98 5 1274
130 8 17 2737
130 12 22 2762
187 11 34 774

In Epistulam Iohannis ad Parthos tractatus (*Omelija dwar l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann*)
1 6 1863
8 9 1779
10 4 1829

In Evangelium Iohannis tractatus (*Trattat dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann*)
5 15 1584
12 13 1458
21 8 795
26 13 1398
72 3 1994
80 3 1228

Quaestiones in Heptateucum (*Kwistjonijiet dwar il-Ħeptatewku*)
2 73 129

Sermones (*Omeliji*)
18 4 4 1039
33 2 2 2067
43 7 9 158
52 6 16 230
56 6 9 2559
57 7 7 2837
58 11 13 1064
78 6 556
96 7 9 845
169 11 13 1847
186 1 510
213 8 983
214 11 981
241 2 32
268 2 797
272 1396
298 4-5 2009

Xmun ta' Tessalonika, San

De ordine sepulturae (*Dwar l-Ordni għad-Difna*)
367 1690

INDIĊI TEMATIKU

A

Abba: 742, 303, 2786.
Abel: 58, 401, 769.
Abort: 2270ss.
Abraham: 59ss, 63, 144ss, 165, 331, 422, 527, 590, 633, 705ss, 762, 841, 1080, 1221, 1222, 1541, 1716, 1819, 2569ss, 2635, 2676, 2810.
Adam: 359, 375, 388, 399, 504ss, 518, 532, 536, 635, 655, 766, 769, 1167, 1263, 1736, 2361.
Adorazzjoni: 333, 448, 528, 971, 1078, 1083, 1178, 1378ss, 2096ss, 2143ss, 2502, 2628ss, 2691, 2781, 2807,
Adozzjoni: 1, 257, 270, 422, 465, 505, 554, 654, 690, 693, 839, 1110, 1129, 1709, 2009, 2740, 2782, 2784, 2825.
Adulterju: 1447, 1650, 1736, 1756, 1853ss, 2196, 2330, 2336, 2380ss, 2513, 2517.
Agunija: 333, 475, 612, 1769, 2603, 2719, 2731.
Alla
— tal-Patt, rivelat: 36, 50, 73, 101, 128, 203ss, 1150, 1962, 2056;
— għarfien ta' Alla: 27ss, 31ss, 1159;
— Ħallieq: 27, 32, 279ss, 1008, 1258, 1703, 1718ss, 1730, 1934;
— Missier: 151, 198, 232ss, 270, 422ss, 609, 1265, 2759ss;
— għemil, opra, rieda ta' Alla: 74, 105, 122, 257ss, 648ss, 751ss, 1103, 1884, 1950, 1996ss, 2559;
— attributi: 40ss, 150ss, 200, 268, 385, 1777, 1869, 1878;
— qima: 1077ss, 1123, 1325, 1544s, 2084ss, 2568ss, 2639ss, 2759ss;
— jagħmel ħaqq: 1020ss.
Ambjent: 341, 2219, 2223ss.
Ammen: 1061ss, 2856, 2865.
Anafora: 1352ss, 2770.
Analoġija: 114, 1211, 1869.
Anamnesi: 1103ss, 1354, 1362.
Anġli: 57, 148, 311, 326, 328ss, 391ss, 430ss, 490, 497, 538, 559, 695, 719, 722, 760, 1034, 1161, 1846, 1994, 2566, 2676, 2851.
Anjostiċiżmu: 2127ss.
Apostasija: 675, 817, 2089, 2577.
Appostolat: 863ss, 900, 1324.
Appostli: 2ss, 75ss, 126, 171, 173, 194,
Appostoliku, **tal-Appostli**: 6, 75ss, 105, 125, 128, 186, 242ss, 442, 750, 811ss, 815ss, 833, 857ss, 930, 1087, 1270, 1399, 1442, 1550, 1560ss, 1576, 2105.
Arka: 845, 1094, 1219, 2058, 2130, 2578, 2876.
Armi tal-gwerra: 2243, 2266, 2309ss, 2438.
Armonija: 374, 379, 400, 1158, 1807, 1885, 1960, 2219, 2333, 2500;
— bejn it-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid: 1094.
Art (ara wkoll Dinja): 515, 763, 953, 999, 1000, 1013;
— ħolqien tal-art: 282ss, 325ss;
— ġdida: 1042ss;
— proprjetà tal-art: 372ss, 2402ss.
Artal: 1181ss, 1383, 2570, 2655.

Assoluzzjoni: 1020, 1415, 1424, 1442, 1449, 1453, 1457, 1549, 1463, 1480ss.
Ateiżmu: 2123ss, 2424.
Avvent: 524, 1095.
Awtorità, **Setgħa**
— ta' Alla: 156, 1063, 1381, 1441; tal-Knisja, fil-Knisja: 67, 85, 88, 851, 873ss, 1125ss, 1140, 1551, 1563, 1578, 1673, 1792, 2035ss, 2179;
— tal-bniedem: 1441, 1880, 1897ss, 1930, 1951, 2155, 2199, 2234ss, 2266, 2273, 2308, 2326, 2406, 2420, 2429, 2498.
Axxetiżmu, ċaħda: 1734, 2015, 2043, 2340, 2733.

B

Babel: 57.
Barka: 163, 492, 1009, 1077, 1078, 1079ss, 1245, 1328, 1334, 1347, 1353, 1360, 1375, 1396, 1402, 1538, 1624, 1630, 1642, 1669ss, 1717, 2090, 2373, 2589, 2626ss, 2767, 2781, 2803, 2834.
Barrani: 2241.
Beatitudnijiet: 459, 581, 932, 1658, 1697, 1716ss, 1820, 1967, 2015, 2444, 2517, 2546, 2603, 2660, 2821, 2833.
Bidu: 32, 163ss, 198, 215, 241, 279ss, 282, 290ss, 327, 390, 425, 450, 489, 512, 535, 541, 669, 683, 686, 702, 764ss, 820, 850, 864, 1624, 1804, 1848, 1853, 1934, 1939, 1982, 2001, 2015, 2212, 2293, 2379, 2636, 2639, 2676, 2784, 2845 (ara wkoll Għajn).
Bin Alla: 4, 65, 124ss, 151, 237, 279, 312, 394, 427, 441ss, 460ss, 496, 499, 521ss, 540, 549, 606, 614, 648, 653, 671, 697, 723, 749, 782, 923, 959, 1046, 1086, 1159, 1213, 1270, 1441, 1612, 1709, 1716, 1831, 2103, 2330, 2427, 2564, 2599.
Bin il-bniedem: 53, 211, 331, 440, 460, 635, 649, 653, 661, 1038, 1384, 1441, 2613.
Biża': 635, 1041, 1299, 1303, 1453, 1628, 1642, 1735, 1754, 1765, 1769, 1878, 1931, 1964, 1972, 2090, 2116, 2144, 2217, 2282.
Bniedem: 1, 101, 109, 208, 990;
— jista' jagħraf 'l Alla: 27ss, 50ss;
— ħolqien tal-bniedem: 282ss, 307, 311ss, 343, 355ss, 1002;
— waqgħat tal-bniedem: 390, 396ss, 410, 705, 1606ss;
— vokazzjoni tal-bniedem: 410, 425, 450, 519, 541ss, 759ss, 836, 1699ss, 1962, 2085;
— xbieha ta' Alla: 1701ss, 1962, 2501, 2566;
— midrub mid-dnub: 1849ss, 2483;
— drittijiet tal-bniedem: 1930, 2279, 2306;
— raġel u mara: 155, 369ss, 1604, 1652, 1929, 2331ss, 2433.
Bxara t-Tajba: 3, 164, 333, 389, 422ss, 528, 571, 632, 714, 748, 856, 9777, 1427, 1648, 2443, 2527, 2763.

Ċ

Ċelebrazzjoni: 6, 815, 1070, 1076, 1098, 1100ss, 1117, 1135ss, 1200, 1229ss, 1297ss, 1345, 1517ss, 1621ss, 1684ss, 2665.
Ċelibat: 915, 1579ss, 1658, 2349.
Ċirkonċiżjoni: 527, 1150.
Ċirkustanzi: 513, 1135, 1230, 1399, 1667ss, 1750, 1754ss, 1780, 1911, 1957, 2073, 2107, 2125, 2484.
Ċittadini: 1901, 1910, 1915, 2107, 2187, 2199, 2212, 2238ss, 2255, 2273, 2288, 2308, 2372, 2411, 2433, 2442.

D

Dagħa: 574, 589, 1034, 1756, 1856, 2148.
Dannazzjoni, dannati: 633, 998, 1017, 1039, 1453.
Dawl
— tal-fidi: 26, 89, 157, 298, 2730;
— tar-raġuni: 36ss, 156ss, 286;
— ta' dejjem: 163, 1027;
— / Alla: 214, 234, 242, 257, 1704, 2684;
— / Kristu: 129, 242, 528ss, 554, 748, 1166, 1202, 1216, 1371, 2665, 2715;
— simbolu tad-dawl: 697, 1147;
— ulied id-dawl: 736, 1216, 1695;
— tad-dinja: 789, 1243, 2105, 2466;
— / Kelma ta' Alla: 1785, 1962.
Dekalogu, l-Għaxar Kmandamenti: 1456, 1697, 1724, 1957ss, 2033, 2056ss.
Demm: 153, 442, 505, 826, 852, 1258, 1308, 1867, 2259ss, 2298, 2464, 2817;
— ta' Kristu: 433, 517, 597, 602, 613, 766, 781, 808, 827, 948, 981, 994, 1105ss, 1244, 1275, 1323, 1331ss, 1350, 1381, 1426, 1442, 1524, 1621, 1846, 2305, 2618.
Deni, ħażen: 29, 164, 272ss, 309ss, 385, 677, 979, 998, 1606, 1706ss, 1733, 1751, 1765, 1777, 1789ss, 1850, 1889, 1933, 1950, 1962, 2148, 2284, 2302, 2362, 2379, 2539, 2568, 2750, 2850ss.
Destin: 221, 257, 295, 302, 398, 412, 488ss, 600, 782, 1008, 1013, 1021, 1036ss, 1047, 1703, 2012, 2244, 2371, 2377.
Devozzjoni: 1178, 1676, 2101.
Dgħufija, nuqqas ta' ħila: 268, 272, 273, 306, 387, 540, 741, 853, 896, 990, 1264, 1426, 1508, 1550, 1589, 1784, 2285, 2448, 2630, 2777.
Dielja: 1108, 1988, 2014.
Dieqa: 1431, 1765, 1772, 2539, 2728.
Dilka: 91, 438, 690, 695, 698, 739, 1241ss, 1289ss, 1293ss, 1499ss, 1514, 2769.
Dinja (ara wkoll Art)
— mġedda, rikonċiljata, trasfigurata: 450, 674, 845, 932, 1047, 1186, 1394, 1449, 1504, 2748, 2844, 2853;
— ġdida: 546, 655, 670, 732, 756, 916, 1043ss, 1589, 1687, 2717, 2794;
— u d-dnub: 29, 309ss, 388, 395, 401ss, 606, 613, 687, 729, 1008, 1433, 1851, 2061, 2097, 2354, 2538, 2852ss;
— maħluqa, ħolqien tad-dinja: 31ss, 199, 212, 216, 238, 257, 283ss, 326ss, 337ss, 602, 760, 1077, 1218, 2174, 2779;
— progress tad-dinja, triq għal qalbha: 79, 164, 303ss, 355, 360, 364, 373, 377, 571, 728, 769, 773, 782ss, 854, 873, 901, 909, 928, 977, 1068, 1083, 1533, 1562ss, 1742, 1882ss, 1941, 2044, 2104, 2337, 2365, 2402, 2407, 2438, 2545;
— destin tad-dinja: 314, 676ss, 769, 1001, 1046, 1403, 1680, 2371;
— Tielet dinja: 2440.
Dinjità: 27, 154, 225, 308, 356ss, 369, 782, 872, 1004, 1468, 1645, 1676, 1691, 1700ss, 1911, 1913, 1929ss, 1956, 2038, 2106, 2126, 2156, 2203, 2213, 2235ss, 2261, 2267, 2275, 2284ss, 2304, 2334ss, 2354ss, 2402, 2414, 2418, 2424, 2467, 2479, 2494, 2736.
Disperazzjoni: 844, 1501, 2091.
Divorzju: 1650, 2382ss.
Dixxerniment, għarfien: 407, 801, 1676, 2690, 2846ss.
Dixxipli: 4, 243, 542, 767, 949, 1248, 1257, 1506, 1533, 1693, 1717, 1816ss, 2156, 2233, 2427,

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1082-1083 5/16/2014 12:03:44 PM

2470, 2475, 2544, 2611ss, 2791, 2844.
Diżubbidjenza: 397ss, 489, 532, 614ss, 1733, 1850, 1862, 2515.
Djaknu: 886, 896, 1142, 1256, 1345, 1354, 1369, 1538, 1543, 1544ss, 1569ss, 1630.
Djakonija: 1569, 1587.
Djalogu: 27, 39, 821, 856, 1126, 1153, 1636, 1879, 2063, 2575, 2653.
Djoċesi: 833, 877, 1290, 1354, 1568.
Dlamijiet: 285, 409, 530, 2466.
Dmir: 848, 900, 912, 931, 1141, 1205, 1269, 1535, 1886, 1908, 1916, 1956, 2070, 2083, 2472.
Dnub: 1, 165, 211, 270, 309, 311, 386ss, 392ss, 430, 457, 493, 523, 535ss, 587, 598, 608, 612, 654, 729, 817, 845, 976ss, 1008, 1073, 1213ss, 1393, 1422s, 1455, 1502ss, 1550, 1606, 1695, 1739, 1811, 1846ss, 1963, 1987, 1999, 2091, 2120ss, 2839, 2846;
— tan-nisel: 37, 55, 279, 379, 386ss, 407, 844, 856, 1701, 1707, 1846.
Domma: 88ss.
Don tal-Ispirtu s-Santu: 1830ss
Dossoloġija: 1103, 2641, 2760, 2855.
Dritt: 360, 1738, 1740, 1778ss, 1807, 1882, 1886, 1889, 1901, 1904ss, 1930ss, 1956, 2032, 2070, 2104ss.
Droga: 2211, 2291.
Dubju: 215, 506, 644.
Dulluvju: 56, 701, 845, 1094, 1219.
Duttrina nisranija, tagħlim nisrani: 5, 10, 12, 25, 78, 90, 127, 197, 217, 235, 427, 575, 891, 899, 1114, 1117, 1158, 2764.

E

Ebusija tal-qalb: 591, 1859, 1864.
Edukazzjoni, trawwim, taħriġ: 5, 407, 501, 902, 1601, 1634ss, 1652ss, 1783ss, 1810, 1908, 1914, 1917, 2125, 2221, 2223, 2229, 2344, 2370, 2526, 2581, 2685.
Egoiżmu: 1609, 1784, 1818, 1931, 2368.
Ekonomija (tas-salvazzjoni): 57, 66, 122, 258ss, 685, 1066, 2666
Ekonomija: 2425, 2431.
Ekumeniżmu: 816ss, 821, 855, 1271, 1636.
Elevazzjoni, irfigħ tar-ruħ: 662, 2098, 2500, 2559.
Elezzjoni: 60, 762, 1081, 1308.
Embrijun: 2271ss, 2378.
Epifanija: 528, 535, 1171, 2177.
Epiklesi: 699, 1105, 1108, 1127, 1238, 1297, 1300, 1353, 1519, 1624, 2583, 2770.
Ereżija: 465ss.
Eseġeżi: 116, 119.
Eskatoloġija: 2771.
Espjazzjoni: 433, 457, 604, 616.
Etern, eternità, ta' dejjem: 33, 488, 679, 2159;
— eternità ta' Alla: 32, 101, 108, 240, 257, 290, 426, 600, 769, 850.
Eulogia: 1078.
Eva: 375, 399, 404, 411, 489, 494, 726, 766, 2361, 2618, 2853.
Evanġelizzazzjoni: 849ss, 905, 937ss, 2044, 2472.
Evanġelju: 2, 6, 75ss, 125ss, 514, 515, 1968, 2419, 2761ss, 2816.
Ewkaristija: 611, 671, 737, 766, 790, 838, 864, 893, 950, 1000ss, 1074, 1094, 1097, 1106, 1113, 1118, 1162, 1210ss, 1322ss, 1392ss, 1436, 1517, 1524, 2120, 2177ss, 2643.
Ewtanasija: 2276ss.
Eżilju: 710, 769, 1081, 1093, 2011, 2581, 2795, 2811.
Eżorċiżmu: 517, 550, 1237, 1673.

F

Familja: 1, 525ss, 753ss, 764, 815, 854, 917ss, 959, 1037, 1049, 1439, 1632, 1652ss, 1686ss, 1882, 1908ss, 1938, 2183ss, 2201ss, 2226, 2231ss, 2265, 2363, 2373, 2390, 2685, 2691.
Faqar: 915, 2053, 2544ss, 2710, 2713, 2833.
Fariżej: 447, 535, 574ss, 595, 993, 1481, 2054, 2613.
Feddej: 14, 388, 401, 431, 434, 524, 603, 633, 834, 898, 926, 968, 973, 1069, 1372, 1545ss, 1701, 1951, 1961, 2244, 2804, 2812 (ara ukoll Salvatur).
Fedeltà
— ta' Alla: 81, 86, 207, 211, 346, 710, 1062, 1334, 1640, 1642, 2346, 2465, 2570;
— tal-bniedem: 821, 828, 1062, 1064, 1206, 1502, 1550, 1574, 1611, 1624, 1634, 1643ss, 1832, 2044, 2147, 2213, 2223, 2340, 2350, 2363ss, 2787.
Fejqan: 448, 517, 551, 695, 739, 798, 1151, 1210, 1293, 1420, 1458, 1466, 1484, 1502ss, 1520, 1608, 1999, 2274, 2292, 2577, 2616, 2805.
Ferħ: 30, 163, 425, 523, 545, 644, 787, 953, 1029ss, 1293, 1334, 1387, 1439, 1642, 1657, 1804, 1971, 2015, 2054, 2188, 2233, 2362, 2546, 2657.
Festa: 281, 578, 583, 728, 971, 1096, 1162ss, 1389, 1391, 1439, 1483, 1613, 2042, 2174ss, 2581, 2698.
Fidi
— tal-Appostli: 84, 105, 171, 191, 245, 424, 440, 515, 641ss, 889;
— tal-Knisja (stqarrija, tagħlim): 11, 14ss, 26, 67, 88, 90ss, 114, 168, 172, 185ss, 235, 487, 598, 771, 836, 863, 890ss, 988, 1200, 1519, 1692, 1942, 2570;
— atti tal-fidi: 150, 222, 1200ss, 2098, 2502, 2570;
— virtù teologali: 144, 153ss, 683, 819, 1814ss, 2087ss, 2204, 2617, 2709, 2716;
— ħajja ta' fidi, tweġiba tal-bniedem: 131, 142, 150, 160ss, 273, 357, 548, 651, 1083, 1102, 1248, 1785, 1804, 2038, 2226, 2609, 2611, 2690;
— u sagramenti: 784, 977, 1122, 1253, 1303, 1327, 1510, 1644, 1656, 1680.
Fiduċja: 39, 215, 227, 301, 304, 396ss, 448, 1520, 2086, 2547, 2579, 2728.
Fidwa: 55, 190, 235, 312, 401, 517ss, 613, 616, 669, 776, 1026, 1069, 1163, 1360ss, 1692, 2630, 2839 (ara wkoll Salvazzjoni).
Firdiet: 791, 818, 821, 855, 1336, 1398, 2486, 2791ss.
Flus: 2424.
Foqra: 64, 238, 489, 544, 559, 633, 709ss, 724, 832, 852, 886, 1033, 1373, 1397, 1658, 1825, 1941, 2172, 2208, 2443s, 2660.
Frott, l-ewwel frott: 528, 655, 735, 991, 1046, 1171, 1334, 1832.
Funerali: 1261, 1570, 1680ss.

Ġ

Ġabra: 1351
Ġemgħa, komunità: 167, 751ss, 771, 946, 1092, 1097ss, 1141, 1144, 1167, 1174, 1329ss, 1348, 1372, 1383, 1880, 2178, 2585ss.
Ġens, familja tal-bnedmin: 28, 55ss, 360, 404, 491, 775ss, 782, 831, 842, 1042, 1045, 1138, 1167, 1718, 2305, 2402, 2452.
Ġerarkija: 785, 871ss, 904, 1569, 2632;
— tal-valuri: 1886, 2236, 2244, 2425;
— tal-veritajiet: 90, 234.
Ġesti
— ta' Kristu: 447, 515;
— liturġiċi: 1146ss, 1233, 1341, 1387.

Ġid: 17, 293, 312, 360, 377, 412, 420, 662, 819, 933, 947, 952, 956, 1439, 1458, 1475ss, 1642, 1697, 1728, 1740, 1751ss, 1809ss, 1849, 1855, 1863ss, 1940ss, 2010, 2121, 2197, 2288, 2304, 2333ss, 2401ss, 2407ss, 2412ss, 2446, 2514, 2534ss, 2544, 2728, 2736, 2830, 2833.
Ġid komuni, ta' kulħadd: 951, 1880, 1883, 1897ss, 1905ss, 2109, 2188, 2203, 2237ss, 2265ss, 2412ss, 2489ss, 2791.
Ġimgħa: 560, 1163, 1166, 2174ss, 2186.
Ġisem: 298, 364ss, 400, 901, 922, 990ss, 1004, 1503ss, 1643, 1681, 2031, 2185, 2281, 2301, 2332, 2370, 2516, 2523, 2702;
— tempju tal-Ispirtu s-Santu: 2355, 2519.
Ġisem ta' Kristu
— Ewkaristija: 103, 948, 1003, 1244, 1331ss, 1426, 2120, 2618, 2643, 2824, 2837;
— il-Knisja: 4, 556, 669, 737, 753, 771, 787ss, 817, 872, 1108, 1140, 1174, 1267, 1362, 1396, 1988, 1997, 2003, 2617, 2637, 2782, 2850;
— imqajjem mill-imwiet: 445, 470, 476ss, 606ss, 624, 641ss, 659, 690.
Ġlieda, taqbida: 162, 256, 405ss, 672, 921, 978ss, 1264, 1426, 1523, 1820, 2015, 2313, 2516, 2520ss, 2538, 2573, 2612, 2725ss, 2805, 2819, 2846, 2849.
Ġmiel, sbuħija: 32, 33, 41, 341, 1157, 1162, 1697, 1701, 2129, 2500ss, 2546, 2727, 2784.
Ġudizzju, Ħaqq: 119, 215, 1646, 1861, 2032, 2037, 2223, 2244, 2246, 2309, 2420, 2423, 2477, 2486;
— ta' din id-dinja: 2853;
— tal-kuxjenza: 1749, 1777ss, 1783, 1786ss, 1866, 2039;
— ta' Alla: 1465, 1470;
— duttrinali: 553;
— eskatoloġiku: 676ss, 1038ss, 2831;
— żbaljat: 1790;
— partikulari: 1021ss.
Ġurament, ħalf: 706, 2150ss, 2476, 2810.
Ġust: 58, 545, 588, 633, 769, 989, 1038, 1042, 1047, 1807, 1814, 1993, 2261, 2569, 2811;
— Alla ġust: 62, 271, 2086ss, 2577;
— il-Ġust: 601.
Ġustifikazzjoni: 402, 519, 617, 651ss, 977, 1266, 1446, 1987ss, 1996, 2001, 2010.
Ġustizzja, ħaqq: 54, 602, 671ss, 716, 729, 909, 1128, 1405, 1435, 1459, 1695, 1733, 1888, 1912, 1916, 2054, 2147, 2154, 2213, 2239, 2297, 2302, 2356, 2419, 2437ss, 2446, 2472, 2487, 2494, 2820;
— tal-bidu, oriġinali: 375ss, 400ss;
— ta' Alla: 201, 271, 1040ss, 1861, 1953, 1987, 1991ss, 2009, 2091, 2543, 2830;
— ta' Kristu: 4022ss, 1224;
— virtù: 1805, 1807, 2006, 2407, 2479, 2484ss;
— kommutattiva: 2411ss;
— distributtiva: 2236, 2411;
— ġurisdizzjonali: 2237, 2476;
— soċjali: 1928ss, 2425ss, 2832.
Ġużepp (San): 437, 488, 497, 532, 534, 583, 1014, 1020, 1655, 1846, 2177.

G

Gideb: 215, 392, 844, 1753, 1954, 2151, 2475, 2482ss, 2848, 2852
Glorja, sebħ
— ta' Alla, ta' Kristu: 208, 210, 241, 257, 293, 337, 423, 525, 555, 572, 659ss, 690, 730, 1727, 1992, 2059, 2781;

— tas-sema: 280, 326, 331, 697, 705, 769, 865, 916, 966, 1003, 1042, 1323, 1402, 1821, 2550;
— tagħti glorja, tigglorifika: 259, 350, 434, 449, 675, 690, 729, 1077, 1162, 1204, 1589, 2143, 2157, 2215ss, 2416, 2502, 2639, 2640, 2828.
Grazzja: 1996ss;
— don: 16, 35, 54, 265, 277, 312, 357, 405, 774, 1722, 1810, 1861, 1949, 2185, 2541, 2713;
— oriġinali: 375, 399, 412;
— ta' Marija: 490ss, 721ss, 966;
— u libertà: 600, 678, 1021, 1081;
— u ġustifikazzjoni: 654, 987, 1266, 1987ss;
— u ministeri: 875, 893, 904, 910, 1084, 1121ss, 1167, 1262, 1303, 1558, 1641, 1670;
— u fidi: 53, 210, 308, 424, 644.
Gwerra: 2304ss, 2317.

GĦ

Għadu, għedewwa: 1825, 1933, 1968, 2259, 2262, 2303, 2609, 2814, 2844.
Għajn, nixxiegħa: 75, 80, 131, 190, 234, 245, 285, 291, 388, 556, 655, 694, 828, 864, 966, 970, 1045, 1074, 1179, 1254, 1324, 1449, 1615, 1642, 1723, 1764, 1851, 1955, 1974, 1999, 2052, 2214, 2465, 2500, 2561, 2652, 2658, 2671, 2789 (ara wkoll Bidu).
Għan: 260, 294, 360, 401, 772, 1829, 1878, 1955, 2363.
Għaqal: 1586, 1788, 1805ss, 1906, 2088, 2104, 2109.
Għaqda: 366, 772ss, 2014, 2718;
— tan-naturi: 470ss;
— tar-raġel u l-mara: 1608, 1614, 2360ss, 2390.
Għażż fil-ħwejjeġ ta' Alla: 1866, 2733.
Għerf: 30, 51, 120, 216, 251, 271ss, 283, 288, 292, 295, 301, 308, 310, 330, 348, 369, 472, 531, 712, 721, 759, 1299, 1303, 1542, 1640, 1783, 1831, 1884, 1950, 2010, 2215, 2236, 2419, 2500, 2690.
Għid: 1150, 1169, 1334, 1339, 1340, 1363ss.
Għid il-Ħamsin: 595, 599, 696, 731ss, 767, 830, 1075, 1153, 1226, 1287ss, 1302, 2617, 2623, 2812.
Għira: 1606, 1852;
— ta' Alla: 399, 584.
Għolliq jaqbad: 204, 208, 2575, 2777.

Ħ

Ħabib: 142, 1567, 1972, 2063, 2665.
Ħadd: 1166ss, 1175, 1343, 1389, 1572, 2043, 2174ss, 2698.
Ħajja: 1, 17, 37, 44, 68, 89, 93, 103, 122, 131, 141, 166, 197, 222, 256, 268, 282, 294ss, 336, 359ss, 372, 386, 488, 493, 507, 544, 582, 625, 631, 647, 652, 668, 674, 703, 728, 814, 821, 843, 899, 940ss, 966, 974, 989, 990, 1034, 1057, 1068, 1071, 1080, 1090, 1146, 1165, 1189, 1220, 1368, 1392, 1500ss, 1603, 1641, 1653, 1660, 1677, 2032ss, 2198, 2207, 2258ss, 2366;
— nisranija ta' fidi: 5, 6, 13, 169, 234, 259, 336, 405, 537, 628, 638, 654, 683, 740, 819, 899, 968, 977, 1064, 1071, 1210, 1225ss, 1374, 1391, 1420ss, 1617, 1679, 1691ss, 1699ss, 2013, 2326, 2558ss, 2697ss;
— ta' Alla: 1, 52, 202, 211, 236, 245, 257, 265, 291, 320, 356, 375, 426, 459, 473, 485, 505, 541, 646, 661, 689, 694, 705, 713, 735, 750, 770, 1050, 1127, 1997, 2782;

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1086-1087 5/16/2014 12:03:44 PM

— taʾ Kristu: 125ss, 149, 333, 411, 425, 438, 447, 478, 486, 512ss, 754, 755, 786ss, 809, 1085, 1091, 1115, 1341, 1409;
— tal-Knisja: 78, 94, 130, 193, 334, 855, 860, 893, 899, 910, 1087, 1343, 1407, 1572, 1669, 2177, 2472;
— taʾ dejjem: 55, 161, 184, 309, 324, 425, 458, 612, 679, 686, 893, 983, 988, 992ss, 1020ss, 1336, 1524, 1552, 1680, 1684, 1998, 2002, 2052, 2820;
— soċjali: 1148, 1152, 1882ss, 2069, 2207, 2410, 2419, 2442, 2459.
Ħalf fil-falz: 1756, 2152ss, 2476.
Ħallieq: 45, 199ss, 238, 279ss, 325, 338ss, 841, 992, 1008, 1078, 1148, 1333ss, 1350, 1604ss, 1701, 1730, 1951, 1954, 1959, 2007, 2036, 2069, 2096, 2258, 2261, 2273, 2335, 2362ss, 2382, 2415, 2501, 2566ss, 2628, 2809, 2820.
Ħamiema: 535, 701.
Ħaruf: 523, 536, 602, 608ss, 719, 757, 796, 865, 1045, 1137ss, 1244, 1329, 1602, 1612, 1618, 1642, 2572, 2618, 2642, 2665.
Ħati: 598, 678, 982, 1439, 1455, 1791, 2254, 2286, 2297, 247ss.
Ħażen, deni: 29, 164, 272ss, 309ss, 385, 677, 979, 998, 1427, 1431, 1502, 1606, 1706ss, 1732, 1751, 1765, 1777, 1789ss, 1850, 1889, 1933, 1950, 1962, 2148, 2284, 2302, 2362, 2379, 2539, 2750, 2850ss.
Ħażin, ix-Xitan: 1094, 1334, 2117ss.
Ħbiberija: 277, 355, 374, 396, 1023, 1030, 1395, 1468, 1829, 1939, 2010, 2347, 2359, 2480.
Ħelsien: 1221, 1237, 1290, 1363, 1741, 1964, 1993, 2124, 2170, 2750 (ara wkoll Libertà).
Ħidma, attività, għemil: 37, 302, 307, 395, 407, 771, 798, 900, 1014, 1146, 1148, 1285, 1303, 1345, 1431, 1471, 1694, 1717, 1731ss, 1750ss, 1853, 1883, 1974, 2006, 2010, 2099, 2118, 2157, 2277, 2306, 2313, 2352, 2370, 2423, 2442, 2447, 2478, 2668, 2834;
— taʾ Alla, taʾ Ġesù, tal-Ispirtu s-Santu għall-ħolqien: 53, 95, 128, 152, 175, 260, 291ss, 304, 648, 694ss, 805, 981, 988, 1088, 1115ss, 1148, 1813, 2008, 2084, 2171, 2258, 2516, 2577, 2600, 2640, 2670, 2738;
— tal-grazzja: 224, 722, 1083, 1103, 1324ss, 1356ss, 1453, 1480ss, 1657, 2062, 2098, 2233, 2240, 2588, 2603ss, 2619, 2636ss, 2807, 2855;
— liturġika: 15, 1070ss, 1083, 1088, 1097, 1101ss, 1120, 1136, 1140, 1153ss, 1480, 1519, 2120.
Ħieles:
— Alla: 50, 296, 300, 759, 2002;
— Ġesù: 609ss, 645;
— il-bniedem: 150, 166, 307ss, 377, 393, 396, 407, 488, 490, 600, 1009, 1033, 1625ss, 1632, 1642, 1733, 1738, 1742, 1860, 1901, 2002, 2006ss, 2102, 2238, 2304, 2339, 2500;
— rieda ħielsa: 1731.
Ħlejjaq, kreatura: 40ss, 213, 260, 295, 300ss, 311ss, 326ss, 356, 395ss, 671, 844, 970, 1148, 1214, 1265ss, 1394, 1703, 1884, 1930, 1951, 2095, 2113, 2416, 2500.
Ħlewwa: 153, 302, 395, 736, 2219.
Ħniena: 1781, 1829, 2100;
— għemejjel taʾ ħniena: 1460, 1473, 2185, 2300, 2447ss;
— tal-bniedem: 1781, 1829, 2100.
Ħobż: 103, 1000, 1094, 1106, 1329, 1333ss, 1375ss.
Ħolqien: 39, 190, 198, 216, 237, 257, 280ss, 326, 332, 337ss, 355, 374ss, 396ss, 535, 648, 703ss, 715, 792, 1040, 1045ss, 1066, 1082, 1138, 1145ss, 1224, 1328, 1333, 1350, 1359ss, 1602ss, 1692, 1700, 1955, 2085, 2105, 2169ss, 2293, 2336, 2402, 2415ss, 2500, 2566, 2569ss, 2586, 2589, 2630, 2637, 2666, 2705, 2746, 2809, 2814, 2852.
Ħtieġa, bżonn: 1937, 2218, 2409, 2588, 2854 (ara wkoll Faqar).
Ħtija, ħtijiet: 390, 402ss, 598, 817, 827, 847ss, 1031ss, 1380, 1435ss, 1452ss, 1471, 1483, 1502, 1782ss, 1784, 1847ss, 1864, 2073, 2125, 2183, 2269, 2272, 2284, 2291, 2352, 2354ss, 2383ss, 2477ss, 2485, 2509.

H

Hena: 33, 301, 736, 856, 1035, 1045, 1697, 1720, 1723, 1727, 1765, 1821, 1832, 2548, 2676, 2683.

I

Iben, ulied: 1, 131, 219, 239, 441, 526, 690, 736, 1097, 1153, 1204, 1243ss, 1314, 1468, 1474, 1680, 1689, 1692ss, 1813, 1828, 1996, 2157, 2565, 2639, 2736.
Ideoloġija: 2294, 2425, 2523.
Idolatrija: 57, 1447, 2097, 2112ss, 2132, 2289, 2380, 2534, 2567, 2779.
Ikla tal-Mulej: 832, 1166, 1329, 2816;
— l-Aħħar Ikla tal-Mulej: 610, 1323, 1329, 1337, 1340, 1347, 1350, 1366, 1403.
Ikona, xbieha: 476, 1159ss, 2130ss, 2691, 2705.
Immortalità: 999, 1405, 2347, 2837.
Impenn: 1072, 1321, 1913, 2381, 2410, 2522.
Imwiet (Limbu): 633;
— niżel bejn l-imwiet: 512, 624, 631ss.
Inċest: 2356, 2388ss.
Indiema, soġħba: 393, 535, 588, 720, 981, 1185, 1423ss, 1861, 2538, 2579.
Indifferenza: 1634, 2094, 2125.
Indulġenza: 1032, 1471ss.
Infallibiltà: 889ss, 2035.
Infedeltà, nuqqas taʾ fidi: 64, 218ss, 1606, 2380, 2464.
Infern: 834, 1033ss, 1861.
Ingratitudni: 2094.
Inġustizzja: 549, 1040, 1740, 1867, 1869, 2227, 2269, 2317, 2381, 2412, 2434, 2534, 2536.
Injoranza: 405, 597, 1735ss, 1790ss, 1859ss.
Inkarnazzjoni: 237, 258, 309, 333, 429, 432, 461ss, 464ss, 470, 512, 517, 519, 521, 528, 606ss, 653, 661, 686, 690, 727, 1159, 1171, 1174, 2602, 2666.
Innu: 461, 594, 1090, 1162, 1177, 2588, 2675, 2678.
Integrità
— tal-persuna: 2274ss, 2297ss, 2338ss, 2356, 2381;
— tal-ħolqien: 2415ss.
Intelliġenza, fehma: 30, 89, 94ss, 108, 143, 154, 283, 286, 299, 330, 341, 470, 1147, 1611, 1722, 1804, 1831, 1998, 2410, 2419, 2500, 2518;
— taʾ Alla: 271;
— u fidi: 156ss, 250;
— spiritwali: 1095, 1101.
Intenzjoni: 110, 154, 1750ss, 2073, 2125, 2277;
— fis-sagramenti: 1128, 1256, 1466, 2382, 2391.
Interċessjoni: 1096, 2099, 2634ss;
— taʾ Kristu: 739, 1341, 1361, 1368ss, 2606;
— tal-anġli u tal-qaddisin: 336, 956, 958, 1434, 2683;
— taʾ Marija Verġni: 969, 2827;
— fi żmien il-Patt il-Qadim: 210, 2574, 2577ss, 2584;
— fil-Liturġija: 1349, 1354, 2770.
Intimità: 35, 237, 239, 376, 441, 921, 1775, 2143, 2354ss, 2390,

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1088-1089 5/16/2014 12:03:44 PM

2492, 2521, 2807.
Invokazzjoni (issejjaħ): 258, 431, 694, 1105, 1240, 1333, 2665ss, 2807.
Ipostasi: 251ss, 468.
Irreliġjożità: 2110, 2118ss.
Isem
— ta' Alla — issemmih: 40ss, 239, 254ss, 446, 2784;
— ta' Alla — rivelat minnu stess: 63, 203ss, 431ss, 446, 589, 1066, 2097, 2142ss, 2566ss, 2666, 2759, 2779ss, 2804ss, 2827, 2839, 2849, 2855;
— nisrani, mogħti fil-Magħmudija: 2156ss, 2479.
Istituzzjoni: 76, 909, 1869, 1881, 1888, 1897, 1916, 2184, 2201ss, 2224, 2286, 2431, 2440;
— divina: 862, 880, 1205, 1560;
— Appostli u ministeri oħra: 858, 861, 874, 877, 880ss;
— Ordni: 1540, 1551, 1554;
— sagramenti: 1084, 1114, 1117, 1210, 1446, 1511;
— Ewkaristija: 611, 766, 1323, 1334, 1337ss;
— rakkont tal-istituzzjoni tal-Ewkaristija: 1353, 1362, 1365;
— Knisja: 759, 763ss, 837, 925, 927;
— Patt il-Ġdid: 762;
— taż-Żwieġ: 1602ss, 1639, 1652;
— tas-sagramentali: 1667ss.
Iżrael: 62ss, 201, 203, 209ss, 218ss, 237ss, 287, 333, 348, 401, 423, 431ss, 440ss, 488, 522, 527ss, 538, 543ss, 574ss, 587ss, 608, 672ss, 709, 711, 719, 751, 759, 762, 765, 781, 1093, 1221, 1334, 1502, 1539, 1611ss, 1961, 1965, 2083ss, 2129, 2170ss, 2196, 2542, 2573, 2811;
— Iżrael il-ġdid: 877.

J

Jahweh: 206, 210, 446, 2666.
Jasar: 407, 431, 1046, 1792, 1963, 1990, 2061, 2083, 2148, 2307, 2339;
— tal-Eġittu: 62, 205, 1221, 1270;
— tad-dnub: 549, 601, 635, 908, 1733, 1741, 2057, 2097, 2744;
— qagħda ta' jasar: 472, 602, 713, 876, 2414.
Jum: 337ss, 554, 627, 631ss, 994, 1166, 1343, 2168ss, 2174, 2184;
— erbgħin jum: 538, 540, 583, 659;
— jum il-Mulej: 1163, 1166ss, 2170, 2174ss, 2184ss;
— jum il-mewt: 1682;
— l-aħħar jum: 409, 672, 678, 841, 989, 994, 1001ss, 1524, 2730.

K

Kalċi: 1574.
Kalunnja, malafama: 2477, 2479, 2507, 2539.
Kant, għana: 333, 1156ss.
Kantiku: 1611, 2619.
Kap, ras: 792ss.
Kapitaliżmu: 2425.
Karattru: 698, 1121, 1273, 1304ss, 1558, 1563, 1570, 1581ss.
Kariżma: 94, 688, 798ss, 890, 910, 924, 951, 1175, 1508, 2003, 2035, 2684.
Kastig: 211, 1031, 1824, 1964, 2061, 2090.
Kastità, safa: 915, 1632, 2053, 2337ss, 2518ss.
Katekeżi: 4ss, 13, 282, 426ss, 983, 1074ss, 1094ss, 1697, 1724, 1971, 2226, 2688.
Katekumenu: 168, 256, 1214, 1230ss, 1247ss, 1259, 1537, 2768.
Kattoliku: 748ss, 811ss, 830ss, 946, 1202, 1271ss, 1401, 2105.
Kelma ta' Alla: 81, 85ss, 108, 1100, 1122, 1349, 2587, 2653ss, 2665, 2716, 2769, 2835.

Kmandament: 16, 26, 199, 397, 575, 782, 849, 1050, 1064, 1337, 1341, 1245, 1697, 1777, 1822ss, 1858, 1933, 1962, 1968, 1970ss, 2052ss, 2614, 2822, 2842.
Knisja
— bidu appostoliku: 4, 9, 77, 124, 128, 186, 424, 553, 642, 758, 763, 811ss, 857;
— kattolika: 1, 84, 750, 830ss, 1200ss;
— tas-sema: 117, 546ss, 1200ss;
— Ġisem ta' Kristu: 461, 669, 787ss, 1084, 1267, 2003;
— Għarusa: 773, 796, 1089, 1616;
— ġerarkika: 874, 914, 1548, 2004;
— fl-istorja: 671, 760, 772;
— liturġija/talb: 61, 333, 335, 722, 1067, 1082, 1091, 3177, 2558ss;
— lokali/partikulari/tal-post: 83, 174, 192, 832ss, 886, 893, 1202, 1369;
— ta' Ruma: 194, 247, 834, 1059, 1291, 1383;
— missjoni: 6, 758, 849, 863, 1303;
— Poplu ta' Alla: 751ss, 782ss;
— sagrament: 671, 738, 766, 774, 849, 875, 1945, 1076, 1113, 1118, 2305;
— qaddisa: 156, 670, 749, 756, 771, 823ss;
— u Marija: 149, 411, 495, 721, 773, 963ss, 1172;
— u l-Ispirtu s-Santu: 244, 691, 731ss, 749, 767, 797, 1091;
— Waħda: 60, 750, 813ss, 1271, 1647;
— maġisteru, tradizzjoni, tagħlim: 11, 36, 39, 67, 80, 83, 85ss, 105ss, 167, 249, 366, 891, 982, 1156, 1792, 2030;
— attributi: 811ss.
Kobor: 223, 272, 306, 531.
Konċilju: 9ss, 167, 192, 195, 884, 887, 891.
Konfermazzjoni jew **Griżma**: 695, 698, 900, 1115, 1119, 1210, 1212, 1233, 1242, 1285ss, 1288ss, 1525, 2769.
Konkupixxenza: 405, 978, 1264, 1426, 2514ss, 2534.
Konsagrazzjoni: 438, 901, 916, 931ss, 1150, 1294, 1297, 1352, 1376ss, 1535, 1538, 1548, 1556ss, 1672.
Kontemplazzjoni: 771, 1028, 1162, 1380, 2654, 2687, 2715.
Kontraċċezzjoni: 2370.
Konverżjoni: 160, 385, 442, 545, 591, 597, 639, 821, 981, 1036, 1041, 1072, 1098, 1206, 1229, 1248, 1422ss, 1427ss, 1470, 1472, 1502, 1637, 1792, 1848, 1856, 1886ss, 1963, 1989, 1993, 1999, 2092, 2581ss, 2608, 2708, 2731, 2784, 2795.
Kooperazzjoni: 408, 1091, 1108, 1993, 2062, 2206, 2272, 2282, 2291.
Korla, għadab: 208, 210, 1765, 1866, 2302.
Kotba
— tal-Iskrittura: 77, 104ss, 112, 120ss, 303, 446, 702, 712, 1061, 1807, 2056, 2585, 2587;
— tal-qari tal-Evanġelju: 1154, 1574.
Kristjaneżmu: 108.
Kristu Ġesù
— Alla magħmul bniedem: 423, 430, 432, 456ss, 486, 495, 1161, 1374;
— veru Alla: 151ss, 461;
— bniedem perfett: 464, 520, 632, 1701;
— Alla jidher fih: 101, 125, 129, 238ss, 425;
— it-Tieni Persuna tat-Trinità: 232, 290ss, 331, 356, 422ss, 430ss, 689ss;
— medjatur: 50, 65ss, 151, 1066, 1071, 1691ss, 2634, 2665, 2765ss;
— Redentur u Feddej, Salvatur: 50, 436ss, 668-679, 823ss, 1085, 1987, 1999, 2804, 2812;

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1090-1091 5/16/2014 12:03:44 PM

— saċerdot: 540, 662, 783ss, 1069, 1083, 1137, 1141ss, 1348, 1544ss, 1564, 1585ss, 2747, 2749;
— raġħaj: 553, 754, 764, 896, 1465, 1548, 2665, 2686;
— ħajja moħbija: 512ss;
— ħajja pubblika: 535ss, 1223, 1430, 1506, 1846, 2052ss, 2388, 2599ss, 2746, 2789ss;
— mejjet u rxoxt: 557ss, 992ss, 1166, 1337ss, 1362, 1681, 2014, 2174, 2748;
— Kap u pedament tal-Knisja: 75, 551ss, 771, 787, 796, 811, 871, 880ss, 981, 1076, 2032;
— għajn u bidu tas-sagramenti: 1076, 1114ss, 1213ss, 1323, 1446, 1503, 1536, 1612.
Kulleġġ: 552, 857, 877ss, 1444, 1559, 1577.
Kult, qima: 28, 78, 347, 815, 839, 901, 971ss, 1070, 1089, 1093, 1123, 1148, 1178ss, 1273, 1378, 1553, 1564, 2075ss, 2132, 2175ss, 2289, 2581.
Kultura: 24, 110, 172, 285, 361, 814, 835, 854, 887, 909, 1075, 1097, 1145, 1149, 1202ss, 1267, 1603, 1668, 1740, 1882, 1908, 1915, 1937, 1957, 2184, 2344, 2434, 2438, 2444, 2493, 2663, 2779, 2820.
Kundanna: 402, 1034, 1385, 1753, 1899.
Kunsilli evanġeliċi: 873, 914ss, 1073ss, 2053.
Kuntratt: 2213, 2381, 2384, 2410ss.
Kuxjenza: 33, 912, 1014, 1385, 1435, 1454, 1458, 1480, 1706, 1749, 1776ss, 1806, 1848ss, 1860, 1903, 1907, 1962, 1971, 2039, 2071, 2106, 2242ss.

L

Lajċi: 785, 864, 871, 897ss, 1174, 1175, 1669, 2442.
Lbies, libsa: 1216, 1243, 1297, 2522.
Lectio divina: 1177, 2708.
Leħen: ara Vuċi.
Lejl, vġili: 165, 281, 525, 610, 647, 1095, 1217, 1238, 1254, 1323, 1366, 2719;
— tal-fidi: 165, 2719.
Lex orandi: 1124, 1126.
Lhud: 423, 439, 488, 528, 531, 575, 578, 581ss, 597ss, 674, 702, 755, 781, 791, 839, 1096, 1226, 1328ss, 1334, 1340, 2175, 2575ss, 2767.
Libertà, ħelsien: 33, 154, 160ss, 301, 311, 387, 396ss, 450, 782, 908, 922, 1036, 1439, 1559, 1628, 1705, 1707, 1730ss, 1749, 1782, 1784, 1828, 1861, 1883ss, 1902, 1907, 1915, 1972, 1993, 2002, 2007, 2211, 2223, 2228, 2236, 2239, 2245, 2310, 2339, 2356, 2359, 2370, 2402, 2431, 2440, 2492, 2494, 2498, 2526, 2736;
— taʾ Kristu: 609, 2749;
— reliġjuża: 1180, 1907, 2104ss, 2188, 2211.
Liġi
— l-qadima: 62, 238, 348, 401, 556, 700ss, 751, 1081, 1502, 1609ss, 1952, 1961ss, 1968, 2196;
— l-ġdida: 459, 715, 782, 1114, 1210, 1824, 1933, 1952, 1965ss, 2030, 2055;
— divina (taʾ Alla): 1639, 1650, 1778, 1786ss, 1844, 1855, 1859, 1952, 2058ss, 2222;
— ekkleżjastika (tal-Knisja): 1626, 1952;
— morali: 1706, 1740, 1775ss, 1860ss, 1950ss, 2039, 2269ss, 2282, 2291ss, 2312;
— naturali: 1626, 1901, 1952ss, 2036, 2070ss, 2235;
— pożittiva, ċivili: 1902, 1904, 1916, 1952, 1959, 2273, 2286, 2384, 2386, 2409;
— tas-suq: 2425;
— tat-talb: 2742;

— tal-qdusija: 2811.
Litanija: 1154, 1177.
Liturġija: 3, 11, 15, 26, 127, 288, 259, 560, 683, 691, 721, 1012, 1066ss, 1076ss, 1084ss, 1091ss, 1119, 1124ss, 1136ss, 1200, 1273, 1330, 1554, 1674, 2031, 2655ss, 2665, 2686, 2746;
— ewkaristika: 559, 1037, 1332, 1346, 1362, 1378, 1572, 2631, 2711, 2770, 2837;
— tal-Kelma: 1103, 1154, 1184, 1346, 1362, 1378, 1572, 2631, 2711, 2770, 2837;
— tas-Sigħat: 1096, 1174ss, 1437, 2678, 2691, 2698, 2768, 2775, 2854;
— tal-Lhud: 1096, 2588;
— tal-Għid: 1217, 2047;
— taʾ Ruma: 469, 1203, 1242, 1298, 1686, 2777;
— tas-sagramenti: 1212ss, 1512, 1537ss, 1567, 1630, 2588;
— u ż-żmien: 524, 1168, 1389;
— u l-kultura: 1204ss, 2503.
Logos: 813.

M

Maġisteru: 11, 33ss, 598, 688, 884ss, 1008, 1554, 2032ss, 2352, 2365, 2663.
Magnificat: 2097, 2619.
Magħmudija: 14, 168, 172, 189, 197, 249, 265, 404ss, 507, 535ss, 628, 683, 691, 695ss, 701, 782, 784, 790, 798, 818, 838, 846, 871, 897, 903, 916, 950, 977ss, 1002ss, 1023, 1064, 1094, 1119ss, 1141, 1185, 1210ss, 1213ss, 1275ss, 1286, 1288, 1290ss, 1294, 1298ss, 1311ss, 1322, 1396, 1425ss, 1434, 1446, 1447, 1523, 1533, 1535, 1546, 1582, 1617, 1694, 2987, 1992, 1997, 2042, 2068, 2155ss, 2220, 2340, 2356, 2520, 2565, 2600, 2670, 2791, 2813;
— taʾ Kristu: 438, 444, 527ss, 535ss, 556, 1223ss;
— taʾ San Ġwann: 523, 720.
Maħfra: 578, 976ss, 1441, 2838ss.
Manifestazzjoni, rivelazzjoni, dehra: 639;
— **divina (taʾ Alla)**: 66, 294, 528ss, 648, 671, 702, 707, 865, 951, 1224, 2519, 2602.
Manna: 1094, 1334.
Mara, nisa: 64, 154, 239, 355, 369ss, 400, 411, 488ss, 640ss, 918, 924, 965, 1080, 1368, 1577, 1601ss, 1649ss, 1736, 1929, 1938, 2103, 2202, 2207, 2331ss, 2353ss, 2360ss, 2384ss, 2433, 2522.
Mard: 549, 1351, 1420, 1500ss, 1673, 2181.
Marid: 457, 1456, 1502ss, 1737, 2279, 2405.
Marija
— il-fidi tagħha: 144, 148ss, 165, 273, 490, 494, 2618;
— ħajjitha: 525ss, 721ss, 2097;
— it-talb tagħha: 2617ss, 2679, 2682;
— Omm Kristu: 437, 456, 466ss, 484ss, 717, 726, 963ss, 1014, 1020, 2502, 2599;
— u l-Knisja: 829, 963ss, 972ss, 1172, 1370, 1477, 1655, 1717, 2030, 2146, 2617, 2674, 2676ss;
— Eva ġdida: 411, 494, 726, 2618, 2853;
— verġinità tagħha: 488, 496ss, 503ss.
Martri: 297, 313, 523, 558, 2473.
Masturbazzjoni: 2352.
Materjaliżmu: 285, 2124.
Media: 2496, 2498, 2523.
Medjatur: 64, 618, 771, 846, 956, 970, 1023, 1369, 1544, 1546, 2574, 2674.
Mejda tal-Mulej/tal-Kelma taʾ Alla: 103, 545, 1182, 1339, 1346.
Mejtin: 298, 335, 958, 1032, 1354, 1371, 1479, 2300.

Membri
— tal-ġisem: 191, 917, 939, 1039, 1559, 1657, 1906, 2006, 2199;
— tal-Knisja, ta' Kristu: 521, 661, 738, 773, 789ss, 814, 823, 827, 863, 873, 912, 947, 958, 1140, 1142, 1213, 1267, 1368, 1446, 1988, 2040, 2637, 2782.
Mertu: 604, 927, 1173, 1732, 1900, 2006ss;
— tal-qaddisin: 491, 956, 570, 1163, 1476.
Messija: 410, 436ss, 524, 528, 535, 540, 555, 559, 664, 674, 702, 711ss, 840, 1286, 2579, 2585.
Mewt:
— nisranija: 411, 428, 628, 790, 958, 1005ss, 1258, 1473, 1681, 1685, 2113, 2299ss, 2473ss, 2658;
— fuq is-salib: 129, 399, 411, 423, 426, 468, 512, 536, 571ss, 580ss, 605ss, 649, 713, 1009, 1082ss, 1214, 1220ss, 1438, 1825, 2474, 2853;
— mogħdija għal ħajja oħra: 1221, 1392, 1524;
— u d-dnub: 298, 391ss, 601ss, 612, 654, 710, 734, 908, 977, 981ss, 1006ss, 1219, 2284, 2606, 2850;
— u ri-inkarnazzjoni: 1013;
— u qawmien mill-imwiet: 298, 445, 519, 537, 542, 554, 560, 575, 601, 625ss, 728ss, 737, 776, 992ss, 1085, 1167ss, 1227, 1239, 1260, 1323, 1337ss, 1449, 1505, 1522, 1670, 1680ss, 2816;
— lilek innifsek: 591, 852;
— bi vjolenza: 164, 1737, 63ss, 2283, 2296, 2306;
— piena tal-mewt: 2266ss;
— ma neħilsux minnha: 164, 705, 1006ss, 1080, 1264, 1500, 1512, 1520, 2279, 2677;
— rebħa fuqha: 298, 447ss, 494, 549ss, 654, 695, 908, 966, 1067, 1086, 2637ss, 2852ss.
Mfietaħ tas-Saltna: 551ss, 881, 979ss, 1444.
Mġiba: 407, 1958, 2045, 2105, 2286, 2525.
Mħabba: 16, 25, 162, 768, 791, 798, 800, 815, 826, 864, 926ss, 953ss, 1070, 1109, 1248, 1259, 1323, 1394ss, 1466, 1570, 1654, 1695, 1699, 1709, 1740, 1769, 1789, 1794, 1814, 1822ss, 1855ss, 1889, 1931, 1932, 1965ss, 1991, 1997, 2010ss, 2090, 2093ss, 2156, 2179, 2205, 2239, 2306, 2346, 2447, 2473, 2545, 2624, 2718;
— ta' Alla: 27, 210, 214ss, 257, 293, 604ss, 733, 1040, 1604, 1701, 2331, 2577;
— ta' Ġesù: 536, 539, 545, 1380, 1503, 1551;
— ta' Marija: 501;
— tal-miżżewġin: 1608ss, 1643ss;
— tal-bniedem: 166, 459, 1604, 2444.
Mibegħda: 395, 1933, 2094, 2262, 2297, 2303.
Midneb, midinbin: 29, 208, 298, 392, 545, 588, 598, 827, 1038, 1224, 1423ss, 1446, 1459, 1470, 1609, 1846, 2317, 2616, 2667, 2728.
Miġja: 122, 522ss, 524, 556, 571ss, 674, 763, 769, 840, 1021, 1040, 1403, 1720, 2612, 2772, 2916ss; ara wkoll Avvent.
Milied, twelid tal-Mulej: 469, 512, 525, 1171.
Milja: 5, 65, 213, 244, 423, 474, 674, 819, 824, 1026, 1042, 1287, 1313, 1555, 1824, 1953, 1974;
— taż-żmien: 128, 221, 422, 484, 702, 721, 2598ss.
Millenariżmu: 676.
Ministeru: 9, 132, 553, 574, 830, 858, 873ss, 1088, 1120, 1142, 1175, 1367, 1461, 1466, 1516, 1548ss, 1584, 1623, 1884, 2122, 2686.
Ministri: 168, 827, 859, 875ss, 1088, 1090, 1120, 1125, 1256, 1312, 1369, 1461, 1466, 1516, 1548ss, 1584, 1623, 1884, 2122, 2686.
Mirakli: 156, 434, 468, 547ss, 1335.
Missier: 1465, 1586, 1605, 1657, 1858, 2057, 2197ss, 2335;
— Alla: 17, 62, 79, 104, 198ss, 237, 1243, 1296, 1337, 1259, 1524.
Missirijiet il-Knisja: 8, 11, 78, 113, 608, 1431, 1434, 1446, 1557, 2066.
Missjoni
— tal-Appostli: 2, 551ss, 858ss, 1223;
— tal-Knisja: 6, 257, 730, 737, 782, 811, 886, 927, 931, 1270, 1438, 2246, 2818;
— "ad gentes": 1122, 1533, 1565, 2044, 2419;
— ta' Kristu, tal-Ispirtu s-Santu: 237, 244, 344, 430ss, 485, 502, 536, 606, 669, 689ss, 1108, 2600.
Missjunarju: 6, 688, 767, 828, 849ss, 886, 927, 931, 1270, 1438, 2044ss, 2205.
Mistagoġija: 1075, 1233.
Misteru: 50ss, 122, 158, 190, 599, 1066, 1099, 1103, 2603, 2655, 2771, 2823;
— tal-fidi: 24, 385, 463, 2558;
— ta' Alla: 234, 685, 963, 1027ss, 2143ss, 2331, 2500ss, 2807ss.
Misthija, modestja, satra: 1832, 2520ss, 2522ss, 2531.
Mistika: 2014.
Mistrieħ: 30, 1193, 1726, 2175, 2216;
— tal-Ħadd, tas-Sibt: 314, 582, 624, 1166, 1726, 2057, 2168ss, 2184.
Mixi wara Kristu: 520, 618, 923, 1618, 1642, 2053.
Mogħdrija: 1503, 1506, 2448, 2715, 2843ss.
Moħqrija: 1739, 2418, 2448.
Moralità: 1750ss, 1762ss, 1780, 1794, 2210, 2264, 2294, 2302, 2368, 2370, 2420, 2498, 2527.
Mortifikazzjoni: 2015.
Mulej: 446ss.
Mużika: 1156ss.
Myron: 1183, 1289ss.

N

Nar: 1147, 2058, 2059, 2129, 2717, 2785;
— tal-Ispirtu s-Santu: 696, 718, 1127, 1271;
— ta' dejjem: 1031ss.
Natura
— umana (tal-bniedem): 336, 405ss, 457ss, 503, 612, 654, 1008, 1050, 1210, 1250, 1366, 1426, 1603, 1607, 1707, 1849, 1882, 1898, 1911, 1934, 2104ss, 2273, 2516, 2702;
— divina (ta' Alla): 51, 200, 202, 245, 253ss, 460ss, 503, 650, 1212, 1265, 1691, 1692, 1721, 1812, 1988, 1996, 2009;
— maħluqa: 310, 338, 341, 447, 625, 978, 1006, 1375, 1676, 1884, 2440.
Nazzjon: 57, 172, 664, 781, 1267, 1901, 1911, 1915, 1941, 2237, 2241, 2309ss.
Nbid: 1027, 1106, 1333ss, 1345, 1375ss, 1403.
Nifs: 691, 843, 2318, 2835.
Nisrani, fidili: 88, 123, 129, 133, 187, 232, 234, 250, 259, 336, 435, 450, 537, 598, 628, 642, 655, 671, 752, 786, 795, 818ss, 852, 855, 897ss, 952, 966, 1011, 1102, 1121, 1141, 1166, 1210ss, 1229, 1241, 1271ss, 1289, 1294, 1314, 1348, 1356, 1369, 1392, 1401, 1428, 1434, 1466, 1473, 1523, 1617, 1671, 1681, 1691ss, 1769, 1830, 1973, 1997, 2050, 2101ss, 2156ss, 2186, 2653, 2707, 2820, 2831, 2835;

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1094-1095 5/16/2014 12:03:45 PM

— l-ewwel insara: 2636, 2641;
— fidi nisranija: 108, 202, 282, 285, 309, 425, 463, 465, 991, 996, 1329, 1343, 2089.

O

Obbligu, dmir: 900, 931, 2072ss, 2180ss.
Offerta: 459, 606, 610ss, 901, 1083, 1105, 1348, 1354, 1362, 1369ss, 1553, 2031, 2617, 2638, 2643.
Oġġett (ta' għemil il-bniedem): 1750ss, 1853ss.
Omelija: 132, 1100, 1154, 1346, 1349.
Omm: 1245, 1605, 1616, 1657, 1683, 1737, 1858, 2057, 2197ss, 2214ss, 2232, 2335, 2599;
— Ommna l-Knisja: 1141, 1163, 1249, 1667, 2016, 2040, 2212.
Omosesswali: 2357.
Ordinazzjoni: 1538, 1554ss.
Ordni (sagrament): 815, 1087, 1142, 1400, 1536ss, 1573ss.

P

Paċi: 2302ss.
Pagani: 498, 522, 528, 781, 1166, 1345.
Pajjiżna: 2199, 2212, 2281, 2239ss, 2310;
— is-sema: 117, 972, 1469, 1475, 1525, 2011, 2795.
Papa, Isqof ta' Ruma, suċċessur ta' San Pietru: 877, 880ss, 882, 891ss, 895, 1559, 1694, 2034.
Parabboli: 546, 2613.
Paraklitu: 243, 388, 692 (ara wkoll Spirtu s-Santu).
Parroċċa: 2179, 2226.
Parteċipazzjoni: 1913ss, 2035.
Parusija: 1001.
Passjoni ta' Kristu: 598, 1521, 1992.
Passjonijiet: 1762ss, 1792, 1804, 1809, 1860, 2339, 2341, 2536.
Pastorali (ħajja u ħidma): 6, 132, 857, 879, 886, 890, 927, 1175, 1560, 1571, 1669, 2352.
Pater noster: 1096, 1820, 2033, 2750.
Paternità (maternità) responsabbli: 2368.
Patrijarki: 81, 130, 205, 287, 707, 839, 1297, 1610.
Patt: 55, 238, 288, 346, 357, 580, 610, 992, 1080, 1102, 1846, 1863, 1961, 2260, 2562ss, 2571, 2713, 2795, 2841;
— il-Qadim: 200, 204, 489, 522, 527, 577, 695, 709ss, 759, 761ss, 781, 839ss, 1098, 1145, 1150ss, 1217ss, 1223, 1330, 1334, 1539ss, 1611ss, 1964, 2057ss, 2100, 2176, 2607, 2771, 2810ss;
— il-Ġdid: 64ss, 204, 292, 577, 611ss, 662, 762, 781, 816, 839, 859, 890, 1091, 1097, 1116, 1129ss, 1150, 1179, 1182, 1222, 1267, 1339, 1348, 1365, 1541, 1602, 1612, 1974ss, 2056, 2614, 2618, 2787.
Pedagoġija: 53, 99, 684, 708, 1609, 1850, 1964.
Pellegrinaġġ, mixi: 165, 583, 671, 675, 850, 954, 1018, 1344, 1392, 1469, 1483, 1674, 2101, 2581.
Penitenza: 827, 853, 920, 980ss, 1032, 1186, 1422ss, 2043.
Perfezzjoni: 41, 213, 302, 339, 815, 829, 915, 1305, 1641, 1704, 1731, 1770, 1804, 1827, 1953, 1965ss, 2015, 2289, 2377, 2850.
Perseveranza, jibqa' sħiħ: 159, 162, 1810, 2016, 2573.
Persuna: 408, 814, 878, 996, 1088, 1142, 1295, 1466, 1501, 1603, 1643, 1700, 1703ss, 1711, 1738, 1777ss, 1803, 1879, 1981, 1987, 1891ss, 1901, 1903, 1907, 1911, 1928ss, 1938, 1944, 1956, 1978, 2070, 2106, 2108, 2215, 2217, 2245, 2254, 2273, 2275, 2292ss, 2298, 2319ss, 2324, 2332, 2344, 2368, 2375, 2377ss, 2395, 2423, 2441;
— Persuni divini: 51, 189ss, 253ss, 466, 813.
Pietru (San): 85, 153, 194, 208, 424, 440ss, 552, 586, 599, 641, 715, 765, 816, 838, 862ss, 877, 880ss, 1226, 1287, 1369, 1444, 1481, 1851, 2221, 2262, 2600.
Pjetà: 186, 1303, 1831, 2688; ara wkoll Tjieba;
— Pjetà filjali: 2215.
Poligamija: 1610, 1645, 2387.
Politika: 407, 439, 596, 899, 1740, 1882, 1901ss, 2108, 2237, 2242ss, 2406, 2431.
Poplu ta' Alla: 12, 93, 192, 440, 674, 776, 781ss, 814, 831, 839, 865, 885ss, 1069, 1091, 1267, 1325, 1443, 1567, 1617, 2796;
— Iżrael: 64, 332, 388, 440, 710, 753, 761ss, 1164, 1222, 2578, 2586.
Popolari: 1158, 1674, 1686, 1678.
Pornografija: 2211, 2354.
Preċetti: 574ss, 768, 1950, 1955, 1960, 1973, 2036, 2053, 2071, 2180, 2185, 2268;
— tal-Knisja: 2041ss.
Predikazzjoni: 93, 132, 249, 921, 1427, 2033, 2145;
— **ta' Kristu, tal-Appostli**: 76, 523, 632, 678, 832, 1151, 1226, 1287, 1614, 1716.
Presbiteri: 1290, 1312, 1348, 1448, 1461, 1510, 1519, 1538, 1562ss, 1572ss, 1577ss, 1623, 1673; ara wkoll Saċerdot.
Presbiterju: 877, 1354, 1369, 1567ss, 1588.
Preżentazzjoni: 1346, 1350.
Preżenza ta' Kristu fl-Ewkaristija: 1378, 2691.
Presidenza: 903, 1142, 1184, 1348, 1369, 1561, 1570, 1669.
Primat: 304, 881ss.
Professjoni
— tal-Kunsilli evanġeliċi: 873, 914ss, 925ss;
— reliġjuża: 1672;
— ċivili: 230ss, 2433.
Profeta: 61ss, 71, 201, 218, 243, 288, 332, 436, 522ss, 555, 558, 583, 672, 678, 687, 702, 707, 762, 796, 1081, 1286, 1430, 1611, 1964, 1970, 2055, 2100, 2115, 2380, 2543, 2578ss, 2642, 2697, 2787, 2811;
— Kristu: 436, 783, 1241, 1546, 1581;
— Ġwanni l-Battista: 523, 717ss.
Profezija: 156, 585, 601, 711, 1964, 2004.
Propizjatorju: 433.
Propjetà privata: 2211, 2378, 2401ss, 2412, 2421, 2431.
Propjetajiet
— tal-Persuni divini: 258ss, 467;
— tal-Ġisem glorjuż ta' Kristu: 645, 659;
— tal-Knisja: 812;
— taż-żwieġ: 1635.
Prostituzzjoni: 2355.
Prova: 149, 164ss, 272, 643, 673, 769, 1742, 1808, 1820, 2847.
Providenza: 37, 57, 302ss, 373, 395, 1040, 1884, 1951, 2115, 2404, 2547, 2738, 2830.
Proxxmu, għajrna: 575, 582, 678, 1033, 1434, 1459ss, 1658, 1706, 1752, 1789, 1807, 1822, 1825, 1848, 1878, 1889, 1931ss, 1962, 1974, 2041, 2052, 2055, 2067, 2072, 2100, 2117, 2196ss, 2212, 2281, 2284, 2302ss, 2346ss, 2401, 2407, 2536ss.
Pubblikan: 535, 574, 588, 2839.
Purgatorju: 1030ss, 1472.

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1096-1097 5/16/2014 12:03:45 PM

Q

Qabar: 625ss, 640.
Qaddej: 1292, 1369, 1372, 1465, 1570, 1586, 1872, 2576, 2578, 2716, 2783, 2843;
— Kristu: 440, 539, 555, 565, 580, 600ss, 615, 713, 786, 1551, 2235.
Qalb: 27, 89, 94, 112, 125, 173, 269, 298, 368, 435, 534, 609, 655, 678, 689, 715, 782, 821, 826, 1082, 1098, 1430ss, 1610, 1614, 1697, 1716, 1718, 1723, 1742, 1776ss, 1818, 1853ss, 1955ss, 1965ss, 1990ss, 2070, 2176, 2308, 2336, 2517ss, 2541, 2562ss, 2581ss, 2608ss, 2697ss, 2710, 2729ss, 2848;
— ta' Ġesu: 578, 766, 932, 1439, 1658, 2669.
Qari: 115, 129, 133, 209, 1093, 1154, 1177, 1346, 1348, 1437, 1480ss, 2205, 2653.
Qawmien mill-imwiet: 349, 366, 428, 556, 625, 639ss, 659, 860, 966, 968ss, 1023, 1026, 1038, 1096, 1163ss, 1214, 1323, 1330, 1337ss, 1391, 1429, 1449, 1468, 1523, 1681, 1689, 1988, 2042, 2174, 2300, 2606, 2641, 2719, 2741, 2746, 2795, 2816.
Qawwa
— ta' Alla: 124, 131, 428, 434, 445, 496, 627, 646, 668, 671, 736, 1092, 1115, 1353, 1372, 1992, 2657, 2778, 2855;
— tal-bniedem: 1508, 1705, 1804, 1827, 2367, 2426;
— tat-talb: 2577, 2616, 2827.
Qdusija, qaddisin: 58, 67, 84, 93, 127, 156, 208, 235, 273, 398ss, 437, 438, 459, 492, 564, 576, 598, 616, 627, 670, 688, 709, 756, 773ss, 781ss, 785, 795, 800, 803, 811, 819, 821, 823ss, 828, 865, 908, 914, 929, 941, 946ss, 1023, 1030, 1054, 1090, 1128, 1141, 1161, 1173, 1179, 1330ss, 1352, 1370, 1426, 1428, 1434, 1475ss, 1522, 1540, 1586, 1695, 1708, 1768, 1995, 2011ss, 2045, 2074, 2142, 2155ss, 2173, 2227, 2427, 2475, 2518, 2683, 2807, 2809, 2811, 2814, 2818.
Qerq: 2409, 2534.
Qima: 245, 347 (ara wkoll Kult).
Qrar
— sagrament: 1424, 1452ss, 1480ss, 2840;
— qrar tad-dnubiet: 1424, 1435, 1448, 1455ss.
Qsim tal-ħobż: 84, 1329, 1342, 1355, 1377, 2624.
Qtil, qattiel: 394, 1033, 1447, 1756, 2263ss, 2268ss, 2852.

R

Raġuni: 38ss, 50, 156ss, 274, 286, 377, 812, 1319, 1704ss, 1731, 1767, 1776, 1781ss, 1804, 1849, 1951, 2037, 2071, 2312, 2408, 2535, 2727.
Rahan, pleġġ: 346, 994, 1303, 1405, 1781, 1813, 2360, 2449.
Randan: 540, 1095, 1438.
Rażan: 1809, 2341, 2517.
Razza, nisel, ġens: 359, 496, 775, 842, 1267, 1935, 2113.
Rebħa: 410, 539, 654, 1505, 2573, 2592, 2853.
Regola morali: 24, 75, 1751, 1789, 1907, 1950ss, 1955, 1959, 2033, 2407.
Relazzjonijiet
— ta' Alla mal-bniedem: 216, 229, 796, 1039, 1101, 1146, 1812;
— tal-bnedmin bejniethom: 1606, 1807, 2199, 2201, 2207, 2213, 2250;
— f'Alla: 240, 251ss, 711.
Reliġjon: 29, 108, 238, 839, 842ss, 1149, 2244, 2569;
— virtù: 1807, 1969, 2095ss, 2104ss, 2117, 2125, 2142.

Reliġjuż: 697, 916, 925ss, 1174, 1203, 1462.
Responsabiltà: 373, 597, 783, 1036, 1269, 1309, 1578, 1731, 1781, 1868, 1902, 2115, 2203, 2223, 2282, 2368, 2439, 2835.
Ragħajja tal-Knisja: 84, 816, 881, 890ss, 1516, 1558ss, 1585, 2179.
Rieda: 30, 51, 143, 154, 176, 271, 294, 307, 330, 341, 348, 406, 462, 470, 475, 482, 494, 506, 516, 532ss, 555, 606, 612, 760, 831, 847, 967, 986, 1009, 1026, 1029, 1066, 1077, 1098, 1256, 1260, 1277, 1281, 1288, 1332, 1520, 1620, 1628, 1643, 1662, 1704, 1731, 1734ss, 1804ss, 1834, 1850, 1863, 1930, 1991, 2013, 2038, 2059, 2063, 2071, 2103, 2116, 2222, 2233, 2278, 2294, 2358, 2375, 2408, 2422, 2453, 2518, 2559, 2564, 2575, 2589, 2600, 2620, 2677, 2708, 2750, 2759, 2784, 2800, 2804, 2822ss, 2855.
Riforma: 406, 1400.
Riġenerazzjoni, twelid ġdid, tiġdid: 784, 1141, 1215, 1262, 1270, 1587.
Rikapitulazzjoni, bidu ġdid: 518.
Rikonċiljazzjoni: 433, 755, 822, 981, 1383, 1442, 1649, 2608, 2844.
Rispett: 209, 299, 341, 448, 818, 1004, 1125, 1269, 1466, 1738, 1789, 1900, 1929ss, 2101, 2145, 2148, 2152, 2188, 2206, 2214ss, 2241, 2259ss, 2276ss, 2294, 2350, 2403, 2407ss, 2415ss, 2489.
Rit: 522, 835, 923, 1075, 1125, 1149, 1203, 1214, 1234, 1262, 1289, 1293, 1513, 1573, 2180.
Rivelazzjoni: 14, 26, 35ss, 50ss, 101, 114, 124, 129, 142, 150ss, 201ss, 235ss, 272, 287, 294, 337, 384, 387ss, 401, 438, 442, 474, 502, 515, 544, 561, 648, 684, 702, 707, 732, 753, 891, 992, 1046, 1066, 1103, 1701, 1814, 1846, 1952, 1980, 2059, 2085, 2115, 2143, 2204, 2387, 2419, 2568, 2642, 2738, 2779.
Ruħ: 33, 37, 360ss, 400ss, 471, 786, 908, 990ss, 1021ss, 1035, 1042, 1308, 1323, 1703ss, 1813, 1934, 2002, 2332, 2516, 2562;
— ta' Kristu: 466ss, 625ss, 650.
Rużarju: 971, 1674, 2678, 2708.
Rxoxt: ara Qawmien mill-imwiet.

S

Sabar: 227, 854, 1466, 1825, 1832, 2104, 2447, 2522, 2772;
— ta' Alla: 1932, 2811, 2822.
Saċerdot, qassis: 857, 876ss, 893, 1088, 1105, 1125, 1150, 1256, 1367ss, 1424, 1456, 1464ss, 1480, 1516, 1547ss, 1552ss, 1581ss, 1650; (ara wkoll Presbiteri);
— tal-Patt il-Qadim: 433, 436, 1150;
— tal-Patt il-Ġdid: 611, 1337, 1348; ara wkoll Kristu.
Saċerdozju, saċerdotali: 63, 662, 782ss, 803, 871, 873, 897, 941, 970, 1070, 1119ss, 1141, 1174, 1188, 1268, 1273, 1279, 1291, 1297, 1305, 1322, 1388, 1399, 1535, 1539ss, 1554ss, 1657, 1669, 2233, 2604, 2750, 2758, 2812.
Safa: 889, 2336, 2345, 2518, 2520ss, 2608.
Sagrament: 309, 515, 556, 671, 698, 774, 790, 798, 833, 837, 875, 893, 947, 950, 980, 1113ss, 1162, 1811, 1966, 1972, 2003, 2014, 2030ss, 2120, 2122, 2625, 2839 ara wkoll Knisja.
Sagramentali: 1075, 1667ss, 1683ss.
Sagrifiċċju:
— fit-Testment il-Qadim: 144,

433, 522, 696, 1032, 1150, 1330, 1334, 1539, 1540, 2100, 2581;
— ta' Kristu: 462, 545, 606, 611, 613ss, 964, 1330, 1350, 1364, 1387, 1436, 1540, 1544ss, 1851, 1934, 2205, 2358, 2804, 2812, 2838;
— ewkaristiku: 1032, 1068, 1087ss, 1113, 1181ss, 1322ss, 1350ss, 1382ss, 1545, 1552, 1565, 1621, 1651, 1654, 1683, 1689, 2031, 2643, 2747, 2749.
Sagrileġġ: 2118, 2120, 2139.
Saħħa: 1293, 1421, 1469, 1509ss, 1532, 1900ss, 2010, 2117, 2185, 2275, 2288ss, 2710.
Saħta: 2285, 2443.
Salarju, ħlas: 1006, 2434, 2445.
Salib: 149, 160, 440ss, 517, 542, 550, 555ss, 585, 662, 710.
Salmi: 120, 288, 304, 702, 708, 716, 1081, 1088, 1154, 1156, 1176ss, 2579, 2585ss, 2625, 2657, 2762.
Saltna: 160, 392, 395, 436, 526, 541ss, 577, 659, 664, 669, 671ss, 676, 709, 732, 736, 763ss, 782, 865, 981, 1023, 1042, 1050, 1060, 1086, 1107, 1120, 1151, 1164, 1168, 1187, 1215, 1225, 1263, 1335, 1339, 1386, 1403, 1427, 1443, 1470, 1503, 1505, 1579, 1587, 1599, 1615, 1618, 1680, 1689, 1716, 1720, 1817, 1861, 1942, 1967, 2046, 2159, 2546, 2603, 2632, 2660, 2683, 2750, 2759, 2770, 2816, 2818ss, 2830, 2837, 2855.
Salvatur: 1, 14, 62, 122ss, 389, 457, 594, 632, 926, 1023, 1090, 1129ss, 1161ss, 1181, 1323, 1330, 1521, 1587, 1642, 1652, 1701ss, 1817, 1963, 2074, 2096, 2103, 2157, 2448, 2502, 2584, 2628, 2665ss; ara wkoll Feddej.
Salvazzjoni: 15, 54, 64, 70ss, 95, 107, 122ss, 137, 161ss, 234, 257, 280, 289, 313, 331ss, 358, 389, 403, 430ss, 432, 461, 494, 511ss, 559, 566, 586ss, 600ss, 686ss, 705, 760ss, 816, 845ss, 920, 987, 1019, 1028, 1040, 1066ss, 1080ss, 1100, 1120, 1145, 1152, 1161ss, 1192ss, 1248, 1250, 1272, 1283, 1297, 1332, 1345, 1355, 1359, 1407, 1427, 1477, 1489, 1512, 1565, 1584, 1602, 1741, 1811, 1850, 1864, 1949, 1961, 1994, 2003, 2032, 2068, 2091, 2100, 2130, 2182, 2246, 2264, 2280ss, 2420, 2448, 2561, 2575, 2587, 2600, 2641, 2651, 2666, 2738, 2746, 2771, 2806, 2825, 2850ss.
Santwarju: 662, 1090, 1137, 1183, 1541, 1776, 1795.
Sawm: 575, 1387, 1430, 1434, 1438, 1755, 1969, 2043, 2742.
Seħer: 1852, 2115ss.
Sejħa: 27, 130, 332, 373, 490, 505, 518, 762, 784, 821, 959, 1121, 1260, 1533, 1583, 1603, 1656, 1699ss, 1928, 1974, 1998, 2021, 2085, 2226, 2238, 2253, 2419, 2461, 2464, 2502, 2820; ara wkoll Vokazzjoni.
Sema: 196, 212, 279ss, 290ss, 325ss, 374ss, 440, 456, 504, 525, 544, 553ss, 650ss, 669ss, 954ss, 1023ss, 1042ss, 1326, 2691, 2794ss;
— pajjiżna: 117, 972, 1469, 1475, 1525, 2011, 2795.
Sena liturġika: 524, 540, 1096, 1163, 1168ss, 2698.
Sens, sensi: 37, 647, 1320, 1381, 2702;
— sens tal-fidi: 91ss, 250, 785, 889;
— sensi tal-Iskrittura: 115ss.
Serq: 1858, 2408, 2412, 2453, 2534.
Servizz: ara Qadi.
Sesswalità: 2232, 2336, 2337, 2385, 2360ss, 2370, 2395.
Setgħa
— ta' Alla: 256, 268, 310, 449, 668, 765, 1441;

— tal-bniedem: 450, 882ss, 1628, 1731, 1861, 1884;
— tal-kapijiet: 553, 981ss, 1442;
— tal-Istat: 1904, 1907, 2108, 2209, 2229, 2239, 2244, 2310ss.
Sfruttament: 2441.
Sħaba: 554ss, 659, 697, 707, 1094, 2058.
Sibt: 314, 345ss, 582, 641, 1166, 2002, 2167ss, 2190, 2586.
Siġill: 698, 1121, 1183, 1218, 1273, 1274, 1295, 1296, 1297, 1300, 1304, 1320, 1467, 1524, 2769.
Silenzju, skiet: 498, 533, 534, 635, 920, 1519, 2143, 2186, 2522, 2570, 2616, 2628, 2717.
Simbolu: 188, 375, 694ss, 753ss, 1101, 1145ss.
Simonija: 2118, 2121.
Sinedrju, Sanhedrin: 443, 591, 596.
Sinjal: 188, 306, 378, 463, 506, 923, 1071, 1323, 1334, 1369, 1378, 1390, 1405, 1438, 1465, 1550, 1617, 1619, 1623, 1705, 2099, 2260, 2360, 2373, 2448, 2674, 2689;
— ta' Alla/tal-Patt: 346, 709, 1650, 2171, 2176;
— ta' Ġesù Kristu: 117, 496, 515, 527, 529, 575, 640, 647, 701, 994, 1286, 1335, 1443, 1503, 1613, 2442.
Sinodu: 887, 911.
Skandlu: 1938, 2282ss, 2336, 2353ss, 2489.
Skrittura/Kotba Mqaddsa: 58, 78, 80ss, 101ss, 326, 688, 993, 1061, 1088, 1100, 1117, 1160, 1176, 1347, 1437, 2625, 2653, 2762ss.
Soċjali
— Struttura, ħajja: 24, 57, 387, 407, 899, 1093, 1146ss, 1571, 1603, 1740, 1869, 1879ss, 1905ss, 1928ss, 2032, 2069, 2105, 2109, 2124, 2184ss, 2207, 2286, 2288, 2317, 2424, 2430, 2434, 2525, 2663, 2832;
— duttrina: 2198, 2419ss.
Soċjetà: 395, 771, 816, 837, 854, 899, 912, 1023, 1049, 1372, 1603, 1639, 1880ss, 1958, 2006, 2105ss, 2188, 2203, 2207ss, 2234ss, 2263ss, 2288, 2344, 2385, 2421, 2431ss, 2479, 2486, 2493, 2820.
Solidarjetà: 344, 361, 953, 1699, 1849, 1939ss, 2224, 2239, 2281, 2402, 2407, 2438, 2494, 2829, 2831, 2850.
Sopranaturali: 92, 179, 367, 659, 889, 1266, 1722, 1998ss.
Sottomissjoni (toqgħod għal, tobdi)
— tal-bniedem: 154, 341, 396, 517, 576, 1951, 1955, 2089, 2097, 2239, 2240, 2516;
— ta' Kristu: 527, 532, 1009.
Spiritwali (esseri, ħajja, ġisem): 11, 24, 355, 360ss, 821, 917, 999, 1146, 1179, 1268, 1308, 1324, 1331, 1370, 1460, 1532, 1582, 1886, 2014, 2031, 2100, 2121, 2241, 2434, 2500, 2690;
— don: 197, 1557, 1565, 1577, 1587;
— ġlieda, taqbida: 405, 921, 2015, 2516, 2725;
— sinjal: 1280, 1293, 1297, 1304.
Spiritwalità: 2684, 2705.
Spirtu: 108, 153, 159, 471, 712, 737, 1215, 1643, 1764, 2098, 2100, 2628, 2705;
— fl-ispirtu u l-verità: 160, 1179;
— spirtu (ruħ) u ġisem: 327, 365, 901, 2185, 2515, 2702, 2733;
— anġli: 331, 392, 434;
— għaqda tal-ispirtu: 84, 887, 894, 1386, 1550, 1606, 1658, 2039ss.
Spirtu s-Santu:
— it-Tielet Persuna tat-Trinità: 189, 221, 232ss, 245, 246, 251, 254, 495, 648, 691, 730, 737, 1066, 1137, 2789;
— ispirazzjoni/don tal-Ispirtu s-Santu: 15, 75, 95, 105, 153, 739, 749, 819, 951, 1107, 1585,

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1100-1101 5/16/2014 12:03:45 PM

1697, 1814ss, 1830ss, 1845, 1987, 2345, 2681;
— u s-sagramenti: 784, 1226, 1238, 1287ss, 1299, 1520, 1553.
Stat, qagħda
— ta' ħajja: 375, 398, 645, 825, 897, 914ss;
— stat politiku: 1883, 1904, 1910, 2113, 2273, 2372, 2431.
Storja, ġrajja: 212ss, 303ss, 338, 386, 390, 400ss, 450, 647, 648, 668, 676, 758ss, 770, 828, 852, 927, 1040, 1066, 1080, 1085, 1093, 1103, 1165, 1707, 1958, 2030, 2062, 2259, 2343, 2568, 2586, 2660, 2684, 2705, 2738, 2809.
Stqarrija tal-fidi: 185ss, 200, 440, 444, 449, 815, 837, 978, 988, 1064, 1229, 1298, 1634.
Strajk: 2435.
Struttura: 765, 773, 914, 1087, 1346, 1448;
— tad-dnub: 1869.
Suċċessjoni appostolika: 815, 831, 833, 1087, 1209, 1399, 1576.
Superstizzjoni: 2110ss.
Sussidjarjetà: 1883, 1885, 1894, 2209.
Suwiċidju: 2281ss.

T

Tabernaklu: 1183, 1330, 1379.
Talb: 28, 122, 249, 307, 435, 451, 520, 688, 726ss, 764, 811ss, 901, 920, 924, 949, 958, 1032, 1037, 1061, 1073, 1109, 1127, 1157, 1162, 1165, 1368, 1398, 1403, 1422, 1434, 1460, 1499ss, 1552ss, 1667ss, 1692, 1743, 1785, 1820, 1968, 1971, 2010, 2031, 2041, 2098, 2156, 2188, 2205, 2299ss, 2340, 2359, 2502, 2520.
Talenti: 1880, 1936.
Tama: 64, 162, 165, 274, 679, 771, 819, 828, 992, 995, 1041ss, 1107, 1274, 1405, 1431, 1681, 1717, 1813, 1817ss, 2016, 2090ss.
Tbatija: 164, 165, 272, 407, 376, 385, 405, 428, 468, 516, 554, 555, 572, 601, 609, 615, 649, 787ss, 1004, 1225, 1264, 1339, 1368, 1420, 1435, 1460, 1473, 1500ss, 2279, 2282.
Teknika: 2293, 2376.
Tempju: 364, 529, 534, 576, 583ss, 2580.
Tentazzjoni: 538ss, 1520, 1707, 2846ss.
Teofanija: 707.
Teoloġija: 94.
Terroriżmu: 2297.
Testment il-Ġdid: 124ss.
Testment il-Qadim: 121ss.
Tħabbira tal-Evanġelju, tal-Bxara t-Tajba, tas-Saltna ta' Alla, tal-Kelma ta' Alla: 2ss, 429ss, 543ss, 571, 634, 654, 714, 741, 768, 852ss, 875, 888, 905, 1068, 1104, 1236, 1257, 1427, 1540, 1574, 1586, 1648, 2044, 2419, 2636.
Tħabbira tal-Mulej: 148, 430, 484, 490, 494, 965, 2674.
Tibdil: 1315.
Tidwil: 1216.
Tifħir: 294, 333, 898, 920, 959, 1077, 1081, 1083, 1096, 1103, 1138, 1174, 1330, 1352, 1359ss, 1368, 1424, 1480, 1670, 1732, 2098, 2171, 2369ss, 2579, 2589, 2687, 2807.
Tifkira: 559, 610, 1099, 1166, 1323, 1330, 1356ss, 1382, 1517, 1621, 2170.
Tifsir (tar-Rivelazzjoni, tal-Iskrittura, tal-Liġi): 82, 84ss, 109ss, 375, 572ss, 581ss, 601, 643, 774, 1008, 1788, 2055, 2116, 2155, 2173, 2336, 2367, 2422.
Tisfija (purifikazzjoni): 42, 827, 856, 1023, 1262, 1393, 1428, 1474, 1676, 1723, 1847, 2527, 2711, 2779.
Tisħib (sehem): 375, 521, 618, 901ss, 1546, 1913ss.
Tjieba: 1, 101, 214, 295, 299ss, 311, 339, 385, 575, 901, 1333, 1359, 1437, 1456, 1478, 1674, 1731, 1754, 1809, 1832, 1900, 1937, 1954, 1966, 2084, 2091, 2094, 2186, 2209, 2284, 2307, 2346, 2370, 2416, 2421, 2500.
Tjubija: 1613.
Tlett ijiem tal-Għid: 1168.
Tlugħ fis-sema: 660, 662, 668ss.
Tmiem, għan aħħari: 32, 198, 260, 282, 294, 360, 401, 788, 865, 1001, 1021ss, 1077, 1752, 1829, 1878, 1955, 2363;
— taż-żmien: 77, 686, 820, 1079, 1096, 1164, 1274, 2749.
Tnissil
— bla tebgħa: 490ss, 2853;
— minn Verġni: 496ss, 505, 512, 964.
Tortura: 2297.
Tpattija, sodisfazzjoni: 433, 457, 604, 616, 1423, 1448, 1458, 1460, 1476, 1494, 2487.
Tqaddis: 190, 781, 824ss, 902, 1070, 1087, 1152, 1328, 1360, 1622, 1637, 1670, 1692, 1989, 1995, 1999ss, 2107, 2813, 2858.
Tqegħid tal-idejn: 699, 1150, 1288ss, 1504, 1538, 1556, 1558, 1573
Trade unions: 2430.
Tradizzjoni: 75ss.
Transustanzjazzjoni: 1373ss.
Trapjanti: 2296.
Traxxendenti ('il fuq min-natura tal-bniedem): 42, 239, 285, 300, 443, 547.
Trinità: 232ss, 292.
Triq: 54, 273, 314, 324, 827, 932, 1536, 1694, 1942, 1950, 1962, 1970, 2030, 2057, 2283, 2442, 2520.
Tron: 1137.
Twavel tal-Liġi: 2056ss.
Twelid ġdid: 169, 505, 526, 591, 683, 694, 720, 782, 963, 1215, 1219, 1225, 1250, 1262, 1355, 1426, 1682, 1995, 2709, 2769.
Twemmin: 26, 150ss, 154ss, 191, 313, 875, 891, 1062, 1814, 2087ss, 2112, 2781.

U

Ubbidjenza: 851ss, 915, 968, 1269, 1567, 1733, 1900, 2053, 2216ss, 2240ss, 2313;
— tal-fidi: 143ss, 391ss, 489, 494, 851, 891, 968, 1125, 1205, 1790, 1831, 1850, 1862, 2060, 2073, 2087, 2098, 2340, 2570, 2716;
— ta' Kristu: 461, 475, 532, 539, 612ss, 908, 1009ss, 1850; ara wkoll Sottomissjoni.
Ugwaljanza, indaqs: 369, 872, 1935, 2273.
Uman (tal-bniedem)
— esseri: 359, 1604, 1700, 1738, 1783, 1790, 1804, 1813, 2224, 2258, 2261, 2270, 2273ss, 2281, 2295ss, 2304, 2334;
— qalb: 1432, 2500.
Umanità, natura tal-bniedem: 56ss, 371, 400, 402ss, 616, 661;
— mwaqqgħa: 602.
Umiltà, ċokon: 159, 525, 559, 724, 732, 1540, 1559, 2628, 2631, 2706, 2713, 2779, 2854.
Univers, sema u art: 279, 325, 341, 1042ss, 1146, 2185, 2415, 2456, 2500.
Unzjoni: 91, 438, 690, 695, 698, 739, 1241ss, 1289ss, 1293ss, 1499ss, 1514, 2769.

V

Venjal: 1447, 1452, 1458.
Verb: 241, 291, 320, 359, 423, 456ss.

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1102-1103 5/16/2014 12:03:45 PM

Verġni, verġinità: 437, 496ss, 526, 723, 922, 964, 1618ss, 1672.
Verità: 88, 91, 105ss, 144, 213ss, 1742, 1773, 2104, 2465ss.
Vigarju: 882, 894, 1560.
Virtù kardinali: 1805ss.
Viżjoni, dehra: 65, 163, 294, 360, 664, 684, 707, 712, 1012, 1023, 1028, 1032, 1045, 1274, 1602, 1720, 2090, 2144, 2244, 2257, 2519, 2548.
Vizzju: 1768, 1865, 2110, 2302, 2480, 2516, 2825.
Vjatku: 1020, 1392, 1517.
Vjolenza: 559, 1628, 1735, 1746, 1851, 1858, 1869, 1889, 1902, 1930, 2187, 2297, 2306, 2316, 2402, 2414, 2435, 2486, 2534.
Vokazzjoni: 44, 289, 539, 549, 835, 863, 898, 1877, 1886, 1907, 1962, 2030, 2226, 2232, 2331, 2337, 2392, 2442, 2691.
Volontarju: 1731ss.
Vot: 2102, 2135.
Vuċi, leħen: 33, 46, 79, 173, 391, 444, 535, 554, 635, 697, 709, 719, 1001, 1038, 1158, 1776, 1778, 1795, 2058, 2071, 2259, 2659, 2701.

W

Waqgħa: 55, 215, 257, 279, 289, 385ss, 760, 1609, 1642, 2568.
Wegħda: 2101ss, 2147, 2152, 2410;
— ta' Alla: 60, 145, 148, 205, 212, 215, 289, 422, 484, 489, 497, 528, 591, 638, 651ss, 705ss, 729, 834, 839, 1063ss, 1121ss, 1287, 1296, 1334, 1403, 1698, 1716, 1719, 1817, 1819, 1950, 1967, 2091, 2541, 2548, 2561, 2570ss, 2619, 2787ss, 2810;
— tal-Magħmudija: 1185, 1254, 1298, 2340;
— ta' ubbidjenza: 1567;
— taż-Żwieġ 1644.
Wieħed, waħdani: 200ss, 242, 365, 441ss, 791, 2085ss.

X

Xbieha, ara Ikona.
Xebh, sura, xbieha: 518, 705, 734, 1161, 1210, 1602, 1682, 1700, 1878, 2085, 2334
Xeħħa: 1866.
Xeol: 633.
Xewqa: 1809, 1849.
Xhieda, xiehda: 54, 165, 303, 642, 905, 995, 1303, 1630, 2058, 2683.
Xitan, il-Ħażin: 391ss, 538ss, 638, 1086, 1673, 1708, 1737, 2113ss, 2482, 2851ss.
Xjenza: 31, 39, 284, 1673, 1723, 1842, 2727;
— don: 1831, 1845.
Xogħol: 378, 533, 1940, 2167, 2184, 2427ss.

Ż

Żball fid-duttrina: 38, 250, 286, 890, 1550.
Żejt: 695, 1183, 1241, 1289, 1293ss, 1510ss, 1672;
— tal-Griżma jew Konfermazzjoni: 1183, 1241ss, 1289ss, 1574; ara wkoll Myron.
Żgħażagħ, żgħożija: 5, 1638, 2208, 2282, 2389, 2526, 2688.
Żina: 1755, 1852, 2053ss, 2353, 2388, 2534, 2737.
Żmien: 484, 541, 600, 672, 702, 1041, 1048;
— l-aħħar taż-żmien: 1042ss;
— liturġiku: 1153ss.
Żvilupp, progress
— tal-Knisja: 1201, 2421;
— tal-ekonomija: 1908, 1936, 1942, 2293, 2426, 2438ss.
Żwieġ: 372, 1113, 1210, 1534, 1601ss, 2101, 2201ss, 2225, 2333, 2350, 2360ss, 2685.

kkk Werrej 1013-1104.OK (r).indd 1104 5/16/2014 12:03:45 PM